

Vol. 2

# Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi

Il-Kitbiet ta' San Franġisk

Fonti Medjevali tal-ħajja ta' San Franġisk

# FONTI GĦALL-ĦAJJA
# TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI

FONTI MEDJEVALI TAL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

Volum II

Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina

Noel Muscat OFM
Marjanu Vella OFM
Ġużepp Beneditt Xuereb OFM

Introduzzjonijiet u apparat kritiku

Noel Muscat OFM

Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri
Edizzjoni TAU, 2005

Ippubblikat mill-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri

© Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 2005

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ebda silta minn dan il-ktieb
ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor
fotostatiku, elettroniku, mekkaninku, jew irrekordjat
mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-Edizzjoni TAU.

ISBN: 99909-48-30-5

Stampat mill-P.E.G. Ltd., San Ġwann, Malta
Disinn tal-qoxra minn Tandem Ltd., Qormi, Malta

# SAN BONAVENTURA

## INTRODUZZJONI

Il-*Legenda Maior Sancti Francisci* (LM), flimkien mal-ħajja li hi ġabra tagħha fil-qosor, il-*Legenda minor Sancti Francisci* (Lm), huma kitba ta' San Bonaventura minn Bagnoregio (1217-1274), u inkitbu bejn il-Kapitlu ġenerali ta' Narbonne (1260) u dak ta' Pisa (1263). Il-*Legenda Maior* hi x'aktarx l-aktar bijografija medjevali magħrufa dwar San Franġisk. Għal bosta sekli kienet meqjusa bħala l-unika waħda uffiċjali fost il-*Fontes,* l-aktar għaliex l-awtur tagħha kien bniedem ta' qdusija u għerf ta' l-għaġeb, Ministru Ġeneral li kien ta lill-Ordni direzzjoni ġdida u struttura li damet sħiħa għal sekli sħaħ. Din il-fehma komuni ta' bosta aħwa u studjużi Franġiskani kellha tgħaddi mill-analiżi kritika ta' studji moderni, li reġgħu skoprew bosta mill-*Fontes* "mitlufin" tas-seklu XIII.

Nibdew b'nota bijografika qasira dwar San Bonaventura. Imwieled Giovanni Fidanza fl-1217 (skond studjużi oħrajn fl-1221), f'Civita di Bagnoregio, fil-Lazio, meta kien għadu *puerulus* (tfajjel imfarfar) ġie mfejjaq minn marda kiefra bl-interċessjoni ta' San Franġisk, kif jgħid hu stess fil-*Legenda minor* VII: *De transitu mortis. Lectio octava*. Kien *puer oblatus* fil-kunvent tal-Franġiskani f'Bagnoregio u fl-1235 intbagħat għall-istudji fil-Fakultà ta' l-Arti ta' l-Università ta' Pariġi, fejn hu sar jaf lill-Franġiskani, li kienu ilhom preżenti fil-*magna domus studiorum* (kunvent kbir ta' l-istudji) tagħhom sa mill-1231. Bonaventura studja taħt erba' mgħallmin Franġiskani ta' l-Università, Jean de la Rochelle (+1245), Eudes Rigaud (+1275), William of Middleton (+1260) u Alexander of Hales (+1245). Fl-1243 Bonaventura nnifsu daħal fl-Ordni tal-Minuri f'Pariġi. Hu kompla l-istudji tiegħu billi ikkummenta l-*Liber Sententiarum* ta' Pietro Lombardo u l-Evanġelju ta' San Luqa, biex sar *baccalaureus Sententiarum* u *Biblicum*. Wara li kiteb serje ta' *Quaestiones disputatae* dwar il-misteru tat-Trinità (*de mysterio Trinitatis*), dwar il-għarfien ta' Kristu (*de scientia Christi*), u dwar il-perfezzjoni evanġelika (*de perfectione evangelica*), Bonaventura ikkompona wkoll kompendju ta' tejoloġija, li jġib l-isem *Breviloquium*, kif ukoll trattat żgħir bl-isem *De Reductione Artium ad Theologiam* (Dwar kif l-Arti jiġu kollha miġburin fit-Tejoloġija).

L-esperjenza ta' San Franġisk tidher ċara fil-kitbiet ta' San Bonaventura, bħalma nsibu fl-opra imsejħa *Epistola de tribus quaestionibus ad magistrum innominatum*, li fiha fl-1254 Bonaventura jikteb: "Nistqarr quddiem Alla li dak li jġiegħelni nħobb l-aktar il-ħajja ta' l-imqaddes Franġisku hu l-fatt li hi tixbaħ il-bidu u l-perfezzjoni tal-Knisja, li fil-bidunett kienet magħmula minn sajjieda sempliċi u mbagħad imxiet 'il quddiem sa ma kellha dutturi mill-aktar magħrufin u esperti; l-istess ħaġa wieħed jista' jaraha sseħħ fl-Ordni ta' l-imqaddes Franġisku, u hekk Alla juri li din ma ġietx imwaqqfa mill-għaqal tal-bnedmin, imma minn Kristu" (*Opera Omnia* VIII,336).

Fl-1253 Bonaventura ingħata l-*licentia docendi* (liċenzja li jgħallem) minn Giovanni da Parma, Ministru Ġeneral, u fl-1254 ġie mgħolli għall-kattedra ta' *magister regens* fl-istudju ta' l-Ordni f'Pariġi. Dan kien perjodu ta' tensjoni kbira bejn il-*magistri* kjeriċi sekulari ta' l-Università, immexxjin minn William ta' Saint-Amour, u ż-żewġ Ordnijiet mendikanti l-kbar, dak tal-

Predikaturi, li l-esponent tiegħu kien Tumas t'Aquino, u dak tal-Minuri, li l-esponent tiegħu kien Bonaventura. Il-*magistri* sekulari kienu jisfidaw id-duttrina tal-faqar evanġeliku tal-mendikanti, u fuq kollox id-drittijiet li dawn ta' l-aħħar kienu kisbu fl-Università ta' Pariġi. Il-problema saret aktar serja meta l-Ordni Franġiskan beda jiġi mixli li, fi ħdanu, kellu simpatizzanti ta' l-idejali apokalittiċi ta' Gioacchino da Fiore (1132c.-1202), l-abbati Ċisterċensi li kien ħareġ b'tejoloġija trinitarja ta' l-istorja fl-opri tiegħu, l-aktar fl-*Espożizzjoni dwar l-Apokalissi*. Fl-1254 wieħed Franġiskan jismu Gerardo da Borgo San Donnino kien ippubblika studju jismu *Liber Introductorius in Evangelium aeternum*, li mall-ewwel ġie suspettat li kien eretiku mill-*magistri* sekulari. Kummissjoni ta' kardinali f'Anagni ikkundannat il-ktieb fl-1255. Il-Ministru Ġeneral Giovanni da Parma (1247-1257) ġie akkużat li kien qiegħed jiddefendi lil Gerardo u patrijiet oħrajn li kellhom simpatiji *Spiritwali* u *Gioachimiti*. Minħabba din ir-raġuni Giovanni da Parma ġie mitlub mill-Papa Alessandru IV biex jirreżenja minn Ministru ta' l-Ordni, waqt il-Kapitlu ġenerali ta' Aracoeli fit-2 ta' Frar 1257. Imma hu ingħata l-privileġġ li jinnomina s-suċċessur tiegħu, u hu ħatar lil fra Bonaventura, li dak iż-żmien kien qiegħed jgħallem f'Pariġi.

Bħala Ministru Ġeneral, Bonaventura kellu ħidma iebsa quddiemu. Kellu qabel xejn iġib l-għaqda fl-Ordni, li flimkien mal-maġġoranza ta' l-aħwa moderati, kellu gruppi ta' aħwa li kienu magħrufin bħala *zelanti*, għax riedu jħarsu r-Regola Franġiskana b'mod aktar strett, imma wkoll bl-għajnuna tat-tejoriji *Gioachimiti* li semmejna. Wara perjodu ta' irtir fuq il-muntanja La Verna, fl-1259 Bonaventura kiteb it-trattat mistiku l-aktar magħruf tiegħu, *Itinerarium Mentis in Deum* (*Il-Mixja tar-Ruħ f'Alla*), li jippreżenta sitt stadji ta' tlugħ mistiku lejn l-għaqda ma' Alla, simboleġġjati mis-sitt ġwienaħ tas-Serafin imsallab li kien deher lil San Franġisk fuq dik il-muntanja fl-1224, u stampalu f'ġismu l-istimmati tal-passjoni.

Fl-1260, waqt il-Kapitlu ġenerali ta' Narbonne, Bonaventura ippubblika grupp ta' liġijiet jew *Kostituzzjonijiet ġenerali* ta' l-Ordni. L-istess Kapitlu talab lil Bonaventura biex jikteb *Legenda* ġdida dwar San Franġisk: "Bl-istess mod nordnaw dwar il-leġġenda ta' l-imqaddes Franġisku, li għandha tiġi miktuba waħda ġdida minn dawk kollha li diġà jeżistu" (*Iterum ordinetur de legenda beati Francisci, ut de omnibus una bona compiletur*: "Ceremoniale ordinis minorum vetusissimum sub Ioanne de Parma ministro generali emanatae anno 1254", a cura di G. Golubovich, *Archivum Franciscanum Historicum* 3 (1910), 76). Din il-ħajja ġdida ta' San Franġisk kienet lesta almenu diġà wara l-mewt ta' fra Egidio (23 ta' April 1262), u ċertament qabel l-20 ta' Mejju 1263, meta ġiet ippreżentata lill-Kapitlu ġenerali ta' Pisa, fi 34 kopji suffiċjenti għall-provinċji kollha ta' l-Ordni, flimkien mal-forma mqassra tagħha, *Legenda minor*, għall-użu fil-kor waqt l-ottava tal-festa ta' San Franġisk. Fil-Kapitlu ġenerali ta' Pariġi fl-1266, il-*Legenda Maior Sancti Francisci* ġiet iddikjarata bħala l-bijografija uffiċjali ta' San Franġisk. Il-bijografiji kollha li kienu jeżistu qabilha kellhom "jitħassru" (*deleantur*) kull fejn kienu jinsabu, inklużi fil-monasteri u kunventi barra mill-Ordni Franġiskan: "Il-Kapitlu ġenerali ikkmanda wkoll taħt ubbidjenza, li l-Leġġendi kollha ta' l-imqaddes Franġisku li kienu sar qabel kellhom jitħassru, u li fejn barra mill-Ordni dawn setgħu jinstabu, dawk l-istess aħwa kellhom ineħħuhom, għaliex dik il-Leġġenda, li inkitbet mill-Ministru Ġeneral, ġiet miktuba skond dak li hu sema' minn fomm dawk, li kien kważi dejjem ma' l-imqaddes Franġisku u li kienu jafu dawn il-fatti b'mod żgur, u li setgħu jippruvaw bir-reqqa dak li inkiteb". (*Iterum praecepit generale capitulum per obedientiam, quod omnes Legendae de beato Francisco olim factae deleantur, et ubi extra Ordinem inveniri poterunt, ipsas fratres studeant amovere, cum illa Legenda, quae facta est per generalem ministrum, fuerit compilata prout ipse habuit ab ore eorum, qui cum beato Francisco quasi semper*

*fuerunt et cuncta certitudinaliter sciverint, et probata ibi sint posita diligenter*: "Definitiones capitulorum generalium ordinis fratrum minorum, 1260-1282", a cura di A.G. Little, *Archivum Franciscanum Historicum* 7 (1914) 678). Dan kien ifisser li l-manuskritti kollha li kellhom il-ħajjiet miktubin minn Tommaso da Celano u l-ħajja miktuba minn Julian minn Speyer, kellhom jgħibu mill-kunventi kollha, hekk li l-*Legenda Maior* waħedha tibqa l-bijografija uffiċjali ta' San Franġisk. Xi ħaġa simili kienet ġrat fi ħdan l-Ordni Dumnikan fl-1259, b'ordni tal-Majjistru Ġeneral Humbert da Romains, imma f'dan il-każ ma kienx hemm ordni li l-*fontes* antiki Dumnikani jinqerdu. X'aktarx li Bonaventura ittama li jippreżenta dehra bilanċjata u moderata ta' San Franġisk, li setgħet tiġi milqugħa mill-aħwa kollha ta' l-Ordni, bl-iskop li jippreżenta idejal li jgħaqqad flimkien l-Ordni. Il-leġġendi li intilfu damu moħbijin għal bosta sekli. Fl-1768 instabet 1C, fl-1806 instabet 2C, u fl-1899 instabet 3C.

Qabel ma niġu għall-kontenuti tal-LM inkomplu ngħidu xi ħaġa dwar il-ħajja ta' San Bonaventura. Fl-24 ta' Novembru 1265 il-Papa Klement IV offrielu s-sede arċiveskovili ta' York, imma Bonaventura talbu bl-umiltà biex iħallih fil-qagħda umli ta' patri Minuri. Bħala Ministru Ġeneral hu kompla jiddefendi d-drittijiet ta' l-Ordnijiet mendikanti kontra l-attakki tal-*magistri saeculares* ta' Pariġi. Fl-1270 kiteb it-trattat *Apologia Pauperum* biex jiddefendi l-għamla ta' ħajja tal-Franġiskani, l-aktar rigward dak li tgħid ir-*Regula bullata* dwar li huma ma għandu jkollhom xejn tagħhom, u dwar id-dritt tagħhom li jagħmlu *usus pauper* (użu fqir) mill-karità li tingħatalhom għall-għajxien, xogħol jew studju tagħhom, inklużi l-kotba. Din id-darba l-attakki kontra l-mendikanti saru minn Gerard ta' Abbeville. Fl-Università ta' Pariġi Bonaventura wkoll kiteb u għallem sensiela ta' *Collationes* jew konferenzi, li l-aktar magħrufin fosthom huma l-*Collationes in Hexaëmeron* (Konferenzi dwar is-sitt ijiem tal-ħolqien), li huma interpretazzjoni tejoloġika ta' l-istorja (9 ta' April – 28 ta' Mejju 1273). Qabilhom kien ippreżenta l-*Collationes de decem praeceptis* (Konferenzi dwar l-għaxar kmandamenti) fl-1267, u l-*Collationes de septem donis Spiritus sancti* (Konferenzi dwar is-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu) fl-1268. Bonaventura hu wkoll awtur ta' diversi *Sermones* jew priedki, li hu għamel f'Pariġi, li l-aktar magħrufin fosthom huma dawk miktubin fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk. Fl-20 ta' Mejju 1273 il-Papa Girgor X ħatar lil Bonventura kardinal u isqof ta' Albano, u inkarigah biex jaħdem fit-tħejjija tal-Konċilju ta' Lyon, li kellu jġib il-għaqda bejn il-Knisja Kattolika u dik Ortodossa. Bonaventura ħa sehem fis-sessjoni tal-ftuħ tal-Konċilju, imma miet ftit wara, f'Lyon, fl-14 ta' Lulju 1274.

Il-Papa Franġiskan Sistu IV, bil-Bulla *Superna caelestis patria, civitas Ierusalem* ta' l-14 ta' April 1482, iddikjara lil Bonaventura qaddis, filwaqt li Papa ieħor Franġiskan Konventwal, Sistu V, bil-Bulla *Triumphantis Ierusalem* ta' l-14 ta' Marzu 1588 iddikjara lil San Bonaventura Duttur tal-Knisja, bit-titlu ta' *Doctor Seraphicus* (Duttur Serafiku). L-opri ta' San Bonaventura ġew studjati mill-Franġiskani ta' Quaracchi, li ippubblikaw l-edizzjoni kritika tagħhom f'10 volumi fl-1882-1902. Rigward il-*Legenda Maior*, u l-*Legenda minor,* l-istess studjużi Franġiskani ippubblikaw l-edizzjoni kritika definittiva fil-volum 10 ta' l-*Analecta Franciscana,* Quaracchi-Firenze, 1941.

Rigward il-*Legenda Maior*, jidher li Bonaventura għamel użu mil-Leġġendi li diġà kienu jeżistu, jiġifieri dawk ta' Celano u dik ta' Julian minn Speyer. Hemm bosta siltiet paralleli bejn Celano u Bonaventura. Jidher, iżda, li Bonaventura ħa ħsieb li jitkellem ma' l-aħwa ta' San Franġisk li kienu għadhom ħajjin, u l-aktar fra Egidio u fra Illuminato. B'hekk il-*Legenda Maior*, rigward kontenut, tidher li hi ġabra ta' materjal dokumentarju meħud minn Celano, b'xi dettalji li

l-awtur ġabarhom direttament minn fomm sħab San Franġisk. Din il-bijografija "ġdida" hi unika fis-sens li tagħmel użu mill-materjal dokumentarju kollu peżenti biex tibni dehra ta' San Franġisk u tal-kariżma tiegħu li tkun milqugħa mill-Ordni kollu. Taħt dan l-aspett, il-LM hi ħafna aktar minn bijografija ta' valur storiku. Hi wkoll trattat mistiku fuq il-ħajja u l-kariżma ta' San Franġisk u l-Ordni tiegħu.

Il-mertu ta' Bonaventura jikkonsisti filli hu ħoloq qafas ġdid mill-materjal dokumentarju li issellef mill-*Fontes* li kienu ġew qablu. Il-LM tibda bi prologu li hu uniku fl-istil u fil-kontenut tiegħu fost il-*Fontes* Franġiskani. "Dehret il-grazzja ta' Alla Salvatur tagħna f'dawn l-aħħar jiem fil-qaddej tiegħu Franġisku" (*Apparuit gratia Dei Salvatoris nostri diebus istis novissimis in servo suo Francisco*). Dawn il-kelmiet li bihom tiftaħ il-LM jagħtuna preżentazzjoni ġdida tal-figura ta' San Franġisk. Meta narawhom fl-isfond tal-ġrajjiet ta' l-Ordni f'nofs is-seklu XIII, u l-aktar fl-isfond tat-twettieq tal-profeziji ta' Gioacchino da Fiore dwar l-età ta' l-Ispirtu s-Santu, li kellha tibda fl-1260, u dwar l-*ecclesia spiritualis* (il-Knisja spiritwali), dawn il-kelmiet mall-ewwel jippreżentaw lil San Franġisk f'dawl apokalittiku. Fi kliem ieħor, Bonaventura ma ħasibhiex darbtejn biex iqiegħed lil San Franġisk fi sfera eskatoloġika li kienet tappella lill-aħwa *zelanti* ta' l-Ordni, għax kienet turihom lil Franġisku bħala l-bniedem taż-żminijiet ġodda. Il-prologu jkompli jippreżenta lil San Franġisk bħala dak li kellu fih l-ispirtu profetiku ta' Elija u ta' Ġwanni l-Battista, u bħala *vir hierarchicus* ("raġel ġerarkiku") li intrefa' lejn is-sema u "ħejja t-triq fid-deżert tal-faqar l-aktar għoli" billi ippriedka l-penitenza. Franġisku, fuq kollox, hu muri bħala l-"Anġlu tiela' minn fejn titla' x-xemx" (*Angelum ascendentem ab ortu solis*) ta' l-Apokalissi 7,2, li jimmarka l-ġbin ta' dawk li jagħmlu penitenza bis-sinjal tat-*Tau* (Eżekjel 9,4) u jlibbishom it-tonka li għandha forma ta' salib. San Franġisk, mela, jintwera sa mill-bidunett, bħala sinjal ħaj ta' *conformitas*, ta' qbil perfett ma' Kristu, l-aktar għaliex hu ġarr fil-ġisem tiegħu s-sinjali tal-passjoni fl-istimmati.

Fil-LM Bonaventura jsemmi sitt viżjonijiet tas-salib fil-ħajja ta' San Franġisk, li jaslu fil-quċċata tagħhom fis-seba' viżjoni tas-Serafin imsallab fuq La Verna. Huma bħal sitt tarġiet li jwasslu għas-seba' jum tal-mistrieħ u ta' l-għaqda mistika ma' Kristu msallab, fuq l-istess mudell tat-trattat mistiku *Itinerarium mentis in Deum*. Bonaventura jibda billi jsemmi l-ħolma li kellu Franġisku dwar il-palazz li fih kien hemm ħafna armi kollha immarkati bis-salib ta' Kristu (LM I,3); imbagħad jagħtina r-rakkont oriġinali ta' dehra li kellu ż-żagħżugħ Franġisku, li fiha ra lil Kristu msallab (LM I,5); il-ġrajja tal-Kurċifiss ta' San Damiano (LM II,1); id-dehra li kellu fra Silvestro tas-salib jiddi ħiereġ minn fomm San Franġisk (LM III,5); id-dehra li kellu fra Pacifico ta' Franġisku immarkat b'żewġ xwabel forma ta' salib u bis-sinjal tat-*Tau* fuq ġbinu (LM IV,9); id-dehra ta' fra Monaldo, li waqt il-priedka li Sant'Antnin kien qiegħed jagħmel fil-Kapitlu ta' Arles, ra lil San Franġisk ibierek lill-aħwa bis-sinjal tas-salib (LM IV,10); u d-dehra tas-Serafin imsallab fuq La Verna, li jimmarka lil San Franġisk bl-istimmati tal-passjoni ta' Kristu (LM XIII,3). F'LM XIII,10 Bonaventura jagħti tifsira fil-qosor ta' dawn il-viżjonijiet u juri kif huma kienu jħabbru minn qabel id-dehra tas-Serafin bħala l-quċċata ta' l-esperjenza mistika li kellu Franġisku ta' dak li Bonaventura, f'opri oħrajn tiegħu, isejjaħlu l-*Verbum Crucifixum* (Il-Kelma Imsallba).

Fuq il-mudell ta' Tommaso da Celano, li fil-*Memoriale in Desiderio Animae*, jew 2C 64, jippreżenta lil San Franġisk bħala *speculum quoddam sanctissimum dominicae sanctitatis et immaginem perfectionis illius* ("bħal mera mill-aktar qaddisa tal-qdusija tal-Mulej u xbieha l-aktar perfetta tiegħu"), Bonaventura wkoll jippreżenta lil Franġisku bħala mudell ta' virtù. Franġisku

hu l-*fundatur* ta' Ordni li Bonaventura jagħżel fatti konkreti minn ħajtu biex jappellaw lill-maġġoranza ta' l-aħwa tal-komunità ta' l-Ordni, li Bonaventura kien ċertament jaqbel ma' l-idejali tagħhom. Hekk hu jaqsam il-*Legenda Maior* fi ħmistax-il kapitlu, li parti minnhom huma ta' natura storika, filwaqt li oħrajn jitkellmu dwar id-diversi virtujiet li kellu San Franġisk.

L-ewwel erba' kapitli jsegwu ordni storiku, u jitkellmu dwar il-mod kif Franġisku kien jgħix meta kien għadu sekular; dwar il-konverżjoni perfetta tiegħu lejn Alla u kif sewwa tliet knejjes; dwar it-twaqqif ta' l-Ordni u l-approvazzjoni tar-Regola; u dwar l-iżvilupp ta' l-Ordni u l-konfermazzjoni tar-Regola.

Il-kapitli 5 sa 13 huma l-parti ċentrali tal-*Legenda Maior*, u jitkellmu dwar id-diversi virtujiet ta' San Franġisk. Bonaventura jippreżenta sensiela ta' virtujiet li jikkorrispondu għal tliet stadji ta' mixja spiritwali, li kienu magħrufin fil-mistika medjevali, u li Bonaventura innifsu jiddedika opra għalihom, imsejħa *De Triplici Via*. Dawn huma l-istadji tal-purifikazzjoni, illuminazzjoni, u unjoni mistika li bihom ir-ruħ titla' lejn Alla. B'hekk Bonaventura jibni l-ħajja ta' San Franġisk fuq struttura ta' esperjenza mistika, billi jħalli fil-ġenb id-dettalji ta' natura storika, biex jikkonċentra fuq id-diversi virtujiet tal-qaddis. Hekk nistgħu naraw il-bini ta' din l-istruttura mistika:

*Virtujiet fit-triq tal-purifikazzjoni*:
Kapitlu 5: l-awsterità tal-ħajja tiegħu u dwar kif il-ħlejjaq kienu jfarrġuh.
Kapitlu 6: l-umiltà u l-ubbidjenza tiegħu u dwar kif Alla kien jagħti widen għax-xewqat tiegħu.
Kapitlu 7: l-imħabba lejn il-faqar u dwar kif Alla kien jipprovdi b'mod mirakoluż għall-ħtiġijiet tiegħu.

*Virtujiet fit-triq ta' l-illuminazzjoni*:
Kapitlu 8: it-tjieba mimlija mħabba tiegħu u dwar kif il-ħlejjaq bla raġuni kienu juruh affett.
Kapitlu 9: il-ħeġġa tal-karità u x-xewqa tal-martirju.
Kapitlu 10: il-ħeġġa għat-talb u l-qawwa tat-talb tiegħu.

*Virtujiet fit-triq ta' l-unjoni mistika*:
Kapitlu 11: l-għarfien ta' l-Iskrittura u l-ispirtu ta' profezija.
Kapitlu 12: il-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu u l-grazzja tal-fejqan.
Kapitlu 13: l-istimmati qaddisa.

Il-kapitli 14 u 15 huma mill-ġdid ta' natura storika, u jitkellmu dwar is-sabar ta' Franġisku fit-tbatijiet u fil-mewt tiegħu, u dwar il-kanonizzazzjoni u t-translazzjoni tal-fdalijiet imqaddsa ta' San Franġisk. Il-LM tagħlaq b'sensiela ta' mirakli li saru bl-interċessjoni ta' San Franġisk, li tidher li trid timita dak li Tommaso da Celano għamel fit-*Tractatus Miraculorum*. B'hekk il-LM tidher tassew bħala bijografija uffiċjali li trid tiġbor b'mod sistematiku u b'lingwaġġ mistiku, dak li kien diġà twettaq b'tant sforz minn Celano meta kiteb il-*Memoriale* u t-*Tractatus Miraculorum*.

Il-valur tal-LM hu dak li tippreżenta lil San Franġisk bħala ikona mistika ta' Kristu, jew bħala *typus Christi*. Fiha naraw l-iżvilupp tejoloġiku tal-kategorija ta' San Franġisk bħala *alter Christus*, jew bħala dak li l-ħajja tiegħu hi konformità jew qbil ma' dik tal-Mulej. Din id-dehra ta' Franġisku kellha tħalli influss kbir fuq iċ-ċelebrazzjonijiet ta' kult popolari tal-qaddis, kif ukoll

fuq is-sensibilità ta' *Fontes* oħrajn tardivi, li jiddependu mil-LM, bħalma huma l-*Fioretti*. Il-LM ħalliet influss qawwi fil-kompożizzjonijiet artistiċi marbutin ma' San Franġisk, u l-aktar fuq id-dehra tal-*poverello* fil-*Canto XI del Paradiso* tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri; fuq l-affreski ta' Giotto fil-*basilica superiore* ta' San Franġisk f'Assisi, li jirrakkontaw b'ċiklu pittoriku l-ħajja tal-qaddis mal-ħitan tal-bażilika, skond ir-rakkont ta' Bonaventura; fuq il-*laude* poetiċi li kiteb il-mistiku Franġiskan Iacopone da Todi.

F'dan il-proċess li kien kapaċi jrendi popolari din ix-xbieha li Bonaventura jiddeskriviha b'toni ta' natura tejoloġika u mistika, naraw il-valur tal-*Legenda minor,* li kif rajna, inkitbet fl-istess żmien tal-LM bħala għamla ta' *Legenda ad usum chori*, fuq il-mudell ta' dak li kien għamel Celano. L-eżemplari tagħha xterrdu ħafna fl-Ordni, li mall-ewwel beda jagħmel użu minnha fiċ-ċelebrazzjoni tal-Matutin ta' l-Ottava tal-festa ta' San Franġisk. Hi fil-fatt għandha struttura ta' seba' taqsimiet, li kull waħda minnhom fiha disa' lezzjonijiet għall-qari (b'kollox 63 silta ta' qari), biex tikkorrispondi għall-jiem ta' l-ottavarju tal-festa ta' San Franġisk. Fil-fatt il-*Legenda minor*, fil-kontenuti tagħha, hi ġabra fil-qosor ta' LM, għalkemm tagħti xi dettalji oriġinali, li l-aktar waħda magħrufa fosthom hi n-nota awtobijografika ta' Bonaventura dwar il-miraklu tal-fejqan tiegħu bl-interċessjoni ta' San Franġisk (Lm VII,8). Tagħti wkoll deskrizzjoni ta' l-istimmati (Lm VI,3) li wieħed jista' jikkonfrontaha mad-deskrizzjoni li nsibu fil-LM XIII,3.

San Bonaventura ġie li ġie ikkritikat li ma ipproduċa xejn ġdid fil-*Legenda Maior,* li ma kienx diġà jinsab fil-*Fontes* li ġew qablu. Dan jista' jkun veru rigward kontenuti, imma ma rridux ninsew l-iskop ta' Bonaventura, li jippreżenta lil San Franġisk bħala *fundatur* ta' Ordni organizzat u li jikkollabora b'mod sħiħ fi ħdan l-istruttura ekkleżjastika. Ma ninsewx li Bonaventura kien Ministru Ġeneral meta kiteb il-LM. Hu ried jippreżenta lil San Franġisk bħala għajn ta' għaqda u idejal ċar lill-aħwa kollha ta' l-Ordni tal-Minuri, li kienu ċertament għaddejjin minn perjodu diffiċli fl-istorja tagħhom. Kemm irnexxielu f'dan l-iskop jiddependi mill-ġudizzju li tagħti l-istorja. Imma hu żgur li Bonaventura, li fi ħdan il-*Communitas Ordinis* kien konvint li kien hemm l-unika triq għall-ġejjieni tal-*fraternitas* Franġiskana, imma li ried ikoll iżomm taħt djul l-Ordni lill-aħwa *zelanti*, ipproduċa kapolavur ta' tejoloġija mistika u qiegħed lil San Franġisk fid-dawl ta' Kristu, li jibqa' l-mudell u l-imgħallem uniku ta' l-aħwa: *Christus, unus omnium magister*. U dan b'rispett lejn il-proċess definittiv ta' *konventwalizzazzjoni* li Bonaventura kien jagħraf l-importanza tiegħu fl-Ordni, li kien issa sar istituzzjoni ta' predikazzjoni, missjoni u studju, imma li hu ma riedux jitlef l-idejali tal-bidu, biex jibqa' sinjal ta' *novitas*, ta' tiġdid, f'dawn l-aħħar żminijiet tal-Knisja, li huma l-*medium aevum,* il-mument attwali ta' impenn evanġeliku bejn l-ewwel u t-tieni miġja ta' Kristu.

# SAN BONAVENTURA «LEGENDA MAIOR SANCTI FRANCISCI»

## PROLOGU

Jibda l-prologu tal-ħajja ta' l-imqaddes Franġisku.

[1130] 1 *Dehret il-grazzja ta' Alla Salvatur tagħna f'dawn l-aħħar jiem* (cfr. Tit 2,11-13; Lhud 1,2) fil-qaddej tiegħu Franġisku[1] lil dawk kollha li huma tabilħaqq umli u jħobbu l-faqar imqaddes. Fih huma jqimu l-ħniena kotrana għall-aħħar ta' Alla, u mill-eżempju tiegħu jitgħallmu kif għandhom *iwarrbu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja* (cfr. Tit 2,12), jgħixu fi qbil ma' Kristu, u jkollhom għatx *għat-tama hienja* (cfr. Tit 2,3) b'xewqa ħerqana li ma tiġix nieqsa. Kien *raġel imsejken u niedem f'qalbu*, imma *l-Aktar Għoli xeħet ħarstu fuqu* (cfr. Is 66,2; Ġob 36,22) b'tant ħniena u tjubija li mhux biss *qajjem lill-imsejken mit-trab* (cfr. 1Sam 2,8) ta' ħajja skond id-dinja, iżda għamel ukoll li huwa jgħix u jistqarr bil-miftuħ il-perfezzjoni evanġelika, u jkun mexxej u xandâr tagħha. *Qiegħdu bħala dawl* (cfr. Is 49,6), għal dawk li jemmnu, biex waqt li *jagħti xhieda għad-dawl* (cfr. Ġw 1,7), hu jkun jista' *jħejji għall-Mulej it-triq* tad-dawl u *s-sliem* (cfr. Lq 1,76.79) fi qlub il-fidili tiegħu. Bid-dawl leqqien ta' ħajtu u ta' tagħlimu deher jiddi *bħall-kewkba ta' filgħodu qalb is-sħab* (cfr. Sir 50,6)[2]. Bir-raġġi tiegħu kollha dawl mexxa fid-dawl lil dawk li kienu bilqiegħda *fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt* (cfr. Lq 1,79), u bħall-*qawsalla tiddi fis-sħab tal-glorja* (cfr. Sir 50,8), wera fih innifsu *s-sinjal tal-Patt* tal-Mulej (cfr. Ġen 9,13). Xandar lill-bnedmin *l-evanġelju tal-paċi* (cfr. Rum 10,15) u tas-salvazzjoni, għax hu stess kien l-*Anġlu* tal-vera *paċi* (cfr. Is 33,7; Lq 21,47). Bħal Ġwanni l-Battista huwa kien maħtur minn Alla biex *iħejji fid-deżert it-triq* (cfr. Mk 1,3; Lq 3,4) ta' l-ogħla faqar, u *jxandar l-indiema* (cfr. Is 40,3; Lq 24,47) bil-kelma u bl-eżempju ta' ħajtu. Għall-ewwel huwa kien imżejjen bid-doni tal-grazzja divina, u mbagħad *mimli bl-ispirtu* (cfr. Lq 1,67) tal-profezija; imħeġġeġ kif kien bin-nar serafiku, ingħatalu l-ministeru ta' l-anġli. Bħal raġel ġerarkiku[3], huwa ġie merfugħ 'il fuq, *riekeb fuq karru tan-nar*

---

[1] Dawn il-kliem li jiftħu l-prologu tal-LM iqiegħdu lil S. Franġisk fl-isfond ta' l-istorja tas-salvazzjoni. Il-kliem meħud mill-Ittra lil Titu 2,11, u li Bonaventura ta' spiss jużah fis-*Sermones* tiegħu, jisħaq dwar l-aspett tal-grazzja u tar-rivelazzjoni tal-Kelma. Din it-tejoloġija Bonaventura ħadha mill-kitbiet ta' Santu Wistin, kif ukoll minn dawk ta' Rupert ta' Deutz (1070-c.1135) u ta' Gioacchino da Fiore (c.1130-1202). Franġisku jidher bħala r-rappreżentazzjoni simbolika tal-grazzja fl-era eskatoloġika, li tidher bħala rivelazzjoni għal dawk li huma foqra u umli. Cfr. J. Ratzinger, *The Theology of History in Saint Bonaventure*, translated by Z. Hayes, Chicago (Franciscan Herald Press) 1971.

[2] Dan il-versett ta' Sir 50,6 kien it-tema tad-diskors li għamel il-Papa Girgor IX f'jum il-kanonizzazzjoni ta' S. Franġisk (cfr. 1C 125). Hu wkoll l-isem tal-Leġġenda *Quasi stella matutina* ta' Giovanni da Celano (jew Ceprano), illum mitlufa. Din ix-xbieha Bonaventura jużaha biex ifaħħar lil Franġisku bħala dawl u sinjal tal-patt imġedded ta' Alla mal-bnedmin u mal-ħolqien wara d-dilluvju. Jippreżenta wkoll lil Franġisku bħala "anġlu tal-paċi vera" li jiġi fid-dinja, bħal S. Ġwann Battista, biex iħejji t-triq tal-Mulej.

[3] L-oriġinal Latin hu: *vir hierarchicus*. Din hi espressjoni teknika li biha Bonaventura jirreferi għall-proċess li bih ir-ruħ issib postha, skond il-pjan ta' Alla, biex taqbel max-xbieha vera tagħha fost il-ħlejjaq li jinsabu fuqha (anġli) u taħtha (bhejjem, ħxejjex, ħlejjaq bla ruħ). Din id-dehra ġerarkika kienet komuni fit-tejoloġija medjevali, u kienet saħansitra preżenti fid-diversi korijiet ta' anġli. Bonaventura ħadha mill-kitbiet tal-mistiku Psewdo-Dijonisju (*De*

(cfr. 2Slat 2,11), kif naraw aktar 'il quddiem meta niġu biex nirrakkuntaw ħajtu. Hu għalhekk li nistgħu ngħidu bil-ħaqq kollu li hu ġie *fl-ispirtu u bil-qawwa ta' Elija* (cfr. Lq 1,17). Mhux ta' b'xejn, mela, li jitqies bħala li kien muri simbolikament fix-xbieha ta' l-anġlu tiela' mnejn tfiġġ ix-xemx, iġorr fih is-sitt siġill ta' Alla l-ħaj[4], fil-profezija vera ta' dak il-ħabib ta' l-Għarus, Ġwanni l-Appostlu u Evanġelista (cfr. Ġw 3,29). *Għax meta nfetaħ is-sitt siġill*, jgħid Ġwanni fl-Apokalissi, *rajt anġlu ieħor tiela' bis-siġill ta' Alla l-ħaj min-naħa tal-lvant* (cfr. Apok 6,12; 7,2).

[1131] 2 Bla dubju ta' xejn, mela, naslu għall-konklużjoni li dan il-messġġier ta' Alla – li jixraqlu tabilħaqq li jkun maħbub minn Kristu, imitat minna u ammirat mid-dinja – kien il-qaddej ta' Alla, Franġisku, kemm il-darba nqisu sewwa l-għoli tal-qdusija straordinarja tiegħu. Għax ukoll meta kien għadu jgħix fost il-bnedmin, huwa għaraf jimita s-safa ta' l-anġli, hekk li hu kien imqiegħed bħala eżempju għal dawk li kellhom ikunu segwaċi perfetti ta' Kristu. Iġiegħelna nżommu dan b'qawwa u devozzjoni kbira mhux biss il-ministeru afdat lilu: li *jsejjaħ lill-bnedmin għall-biki u t-tinwih, għat-tqarwiż ir-ras u l-ilbies ta' l-ixkejjer* (cfr. Is 22,12), *u jimmarka bit-Tau*[5] *il-ġbin ta' dawk li jitniehdu u jitbekkew* (cfr. Eżek 9,4), bis-sinjal tal-penitenza, u jlibbishom b'ilbies imfassal fuq is-sura tas-salib; iżda wkoll it-twettieq bix-xhieda tal-verità li ħadd ma jista' jmeriha jew iwarrabha, jiġifieri, *ix-xbieha ta' Alla l-ħaj* (cfr. Eżek 28,12), irrid ngħid jien, ta' *Kristu msallab* (cfr. 1Kor 2,2), stampata fuq ġismu: mhux b'qawwet in-natura, u lanqas b'sengħet il-bniedem, imma bil-qawwa ta' l-għaġeb ta' *l-Ispirtu ta' Alla l-ħaj* (cfr. 2Kor 3,3).

[1132] 3 Inħossni li minix denn, u lanqas ma għandi l-ħila biżżejjed biex nikteb il-ħajja ta' raġel li tixraqlu tant qima u li ħajtu jistħoqqilha lit kun imitata[6]. Żgur li qatt ma kont nipprova nagħmel dan li kieku x-xewqa ħerqana ta' l-aħwa ma ħeġġitnix, il-Kapitlu ġenerali[7], b'mod

---

*Caelesti Hierarchia*), u minn dawk ta' John Scotus Eriugena (c. 810-c.877). Fil-*Breviloquium* VI,1 (*Opera Omnia* V,252) hu jiddiskrevi l-bniedem ġerarkiku bħala dak li għandu l-grazzja "li tippurifika r-ruħ, iddawwalha u tipperfezzjonaha; tagħtiha l-ħajja, tirriformaha u tagħmilha stabbli; tgħolliha, tassimilaha u tgħaqqadha ma' Alla". Cfr. *De Triplici Via*, Prol., in *Opera Omnia* VIII,1-6.

[4] Skond Bonaventura, S. Franġisk hu simboleġġjat fit-tieni anġlu – l-ewwel wieħed hu Kristu – li jidher iġorr is-siġill ta' Alla l-ħaj, kif jidher ikkonfermat mill-missjoni tiegħu li jsejjaħ lill-bnedmin għall-penitenza u li jimmarka bit-*Tau* lill-magħżulin. Din id-dehra kienet mill-aktar evidenti meta Franġisku stess, inbidel fix-xbieha ta' Kristu msallab, meta l-ġisem tiegħu ġie immarkat bl-istimmati. Cfr. S. Da Campagnola, *L'Angelo del Sesto Sigillo e l'Alter Christus*, Roma 1971.

[5] L-ittra *TAU* hi ittra ta' l-alfabet Lhudi u Grieg. Fl-Iskrittura l-ittra *TAU* tissemma fil-Ktieb tal-Profeta Eżekjel 9,4: "Għaddi minn nofs il-belt, minn nofs Ġerusalem, u agħmel il-marka *Tau* fuq ġbin dawk li ssibhom jitniehdu u jitbikkew minħabba l-qżiżijiet kollha li jsiru fiha". Meta l-Papa Innoċenz III fetaħ ir-IV Konċilju tal-Lateran fil-11 ta'Novembru 1215, hu għażel dan il-versett bħala tema tal-priedka tiegħu. Il-Papa ippreżenta t-*TAU* bħala s-sinjal tal-penitenza u tat-tiġdid fi Kristu. S. Franġisk kien iħaddan dan is-sinjal bħala simbolu tas-salib ta' Kristu, u kien jiffirma bih l-ittri tiegħu, kif ukoll jinsab bħala sinjal magħmul b'idejh stess fil-parċmina bil-barka mogħtija lil fra Leone fuq La Verna. X'aktarx li hu kien sar jaf b'dan is-sinjal mill-irħieb ta' Sant'Antonio Abati li kellhom lebbrożarju fuq iċ-Celio f'Ruma. Cfr. D. Vorreux, *A Franciscan Symbol: The Tau*, translated by M. Archer and P. Lachance, Chicago (Franciscan Herald Press) 1977; O. Schmucki, "The Passion of Christ in the Life of St. Francis of Assisi: A Comparative Study of the Sources in the Light of Devotion to the Passion Practiced in His Time", *Greyfriars Review* 4 (1990), Supplement 13-21.

[6] Din hi riferenza għall-Prologu tal-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano (1C), imma turi differenza bejn dawn iż-żewġ *fontes*. Filwaqt li Celano jisħaq dwar il-qima, l-ammirazzjoni u l-imħabba li kienu jixirqu lil S. Franġisk, li kien għadu kif ġie kanonizzat, Bonaventura jżid li S. Franġisk jistħoqqlu wkoll li jkun imitat għall-virtujiet ta' ħajtu.

[7] Il-Latin jgħid: *nisi me fratrum fervens incitasset affectus, generalis quoque Capituli concors induxisset instantia*. L-aħwa miġburin għall-Kapitlu Ġenerali ta' Narbonne fl-1260 kienu dawk li ħeġġew lil Bonaventura li jikteb din il-ħajja.

unanimu, ma saqnix, u d-devozzjoni li jien fid-dmir li jkolli lejn il-missier qaddis tagħna ma ġiegħelitnix. Għax meta kont għadni ta' età ta' tfajjel imfarfar, kif għadni niftakar tajjeb, ġejt maħtuf minn ħalq il-mewt għall-interċessjoni u l-merti tiegħu[8]. Għaldaqstant, li kieku jien żammejt is-skiet u bqajt ma għannejtx it-tifħir tiegħu, nibża' li, bir-raġun kollu, kont inkun mixli bil-ħtija ta' l-ingratitudni. Nagħraf sewwa li lili Alla salvali ħajti minħabba fih, u nistqarr ukoll li ħassejt fija nnifsi l-qawwa tiegħu. Din, mela, hija r-raġuni ewlenija għala dħalt għal din il-biċċa xogħol, li niġbor flimkien ir-rakkonti tal-virtujiet tiegħu, dak li għamel u dak li qal, qishom kienu xi fdalijiet, biċċa minnhom minsija u oħrajn imxerrda, minkejja li ma nistax *niġborhom* kollha; hekk ma *jintilfux* (cfr. Ġw 6,12) meta jiġu li jmutu dawk li għexu mal-qaddej ta' Alla[9].

[1133] 4 Biex nifhem b'mod aktar ċar u nkun aktar fiż-żgur dwar il-verità ta' ħajtu[10] li jien ħassejt li għandi ngħaddi lil dawk li jiġu warajna, mort inżur il-postijiet fejn twieled, għex u miet dan ir-raġel qaddis. Tkellimt bil-prudenza kollha ma' dawk minn sħabu li kienu għadhom ħajjin, l-aktar ma' dawk li kellhom tagħrif mill-qrib dwar qdusitu, u kienu segwaċi tiegħu sa mill-bidunett. Billi huma nies li kulħadd jaf li jgħidu l-verità u ta' virtù bil-provi, ix-xhieda tagħhom hi ta' min jemminha mingħajr xejn ma jiddubita minnha. Jien u nfisser dak li Alla għoġbu jagħmel permezz ta' dan il-qaddej tiegħu, rajt li ma għandix għalfejn noqgħod infittex li nikteb bi stil letterarju, ladarba d-devozzjoni tal-qarrej tikseb profit akbar mill-espressjoni sempliċi milli minn dik b'ħafna tlellix. U biex nevita kull taħwid, ma fittixtx li ninseġ l-istorja f'ordni kronoloġiku, iżda aktar li nżomm l-ordni skond is-suġġetti, u ngħaqqad flimkien ġrajjiet li seħħew fi żminijiet differenti, u ma' temi differenti ngħaqqad ġrajjiet li seħħew qrib l-istess żmien, kif deherli li hu l-aħjar u jaqbel l-aktar[11].

[1134] 5 Il-bidu tal-ħajja ta' Franġisku, il-medda tagħha matul is-snin, u tmiemha huma mfissra f'dawn il-ħmistax il-kapitlu li ġejjin: L-ewwel kapitlu juri jitkellem dwar kif kien jgħix meta kien għadu sekular. It-tieni kapitlu jitkellem dwar kif dar lejn Alla b'qalbu kollha, u dwar it-tliet knejjes li irrestawra. It-tielet kapitlu jitkellem dwar it-twaqqif ta' l-Ordni u l-approvazzjoni tar-Regola. Ir-raba' kapitlu jitkellem dwar il-progress ta' l-Ordni taħt it-tmexxija tiegħu, u t-twettieq tar-Regola li qabel kien qala' l-approvazzjoni tagħha. Il-ħames kapitlu jitkellem dwar il-ħajja ta' ċaħda li kien jgħix, u kif il-ħlejjaq kienu jfarrġuh. Is-sitt kapitlu jitkellem dwar l-umiltà u l-ubbidjenza tiegħu, u kif Alla kien jaqtagħlu sa l-inqas xewqa tiegħu. Is-seba' kapitlu jitkellem dwar l-imħabba li kellu għall-faqar, u kif il-bżonnijiet tiegħu kienu jiġu sodisfatti b'mod ta' l-

---

8 Dan l-episodju mirakoluż hu rakkontat b'aktar dettalji fil-*Legenda minor* VII,8.

9 Bonaventura jispjega l-iskop ta' l-opra tiegħu: li jiġbor f'volum wieħed u b'ordni tajjeb id-diversi fatti li kienu diġà ġew rakkontati minn bijografi oħrajn, taħt forom diversi u f'kotba diversi, kif ukoll li jiġbor it-trufijiet ta' diversi fatti oħrajn li kienu għadhom magħrufin, qabel ma jmutu l-aħwa li kienu għexuhom u li kienu xhieda tagħhom.

10 Wara li jafferma l-prinċipju tal-verità storika li hu jżomm sħiħ magħha, Bonaventura jgħidilna x'mezzi uża biex jirrakkontaha. Hu żar il-postijiet marbuta mal-preżenza fiżika ta' Franġisku, u kellem lill-aħwa ewlenin li kienu g ħadhom ħajjin (eż: fra Leone, fra Illuminato). Bonaventura, iżda, ma jitkellimx dwar it-teknika li hu uża, jiġifieri, li jagħmel osservazzjoni attenta u konfront attent ta' dak li kiteb mal-*Legendae* li kienu diġà jeżistu, fosthom 1C u l-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer. Hekk hu irnexxielu joħloq opra mill-aktar delikata ta' kompożizzjoni, qisha intarsju u mużajk, ta' episodji, diskorsi, riferimenti bibliċi. Diversi drabi jġib fatti *ad litteram*, filwaqt li ta' spiss iġedded u jagħti xejra oriġinali lir-riflessjonijiet tiegħu. Huma ftit ir-riferimenti diretti għal xhieda ta' oħrajn, inklużi sħab S. Franġisk, kif ukoll huma ftit dawk il-mirakli ġodda li hu jżid ma' dawk diġà magħrufin.

11 Rigward l-istil, irridu ngħidu li Bonaventura, minkejja l-umiltà tiegħu, jikteb b'mod mill-aktar mirqum, u hu dejjem moħħu li josserva b'mod eżatt ir-regoli tal-*cursus* ritmiku, kif kien diġà għamel qablu Celano. Il-ħajja mbagħad tinbena mhux skond l-ordni kronoloġiku, imma skond l-ordni loġiku, permezz ta' temi. Għal deskrizzjoni aktar dettaljata dwar il-metodoloġija u t-temi fil-LM, ara l-introduzzjoni.

għaġeb. It-tmien kapitlu jitkellem dwar il-qima kollha mħabba tiegħu, u kif il-ħlejjaq bla raġuni kienu juruh imħabba. Id-disa' kapitlu jitkellem dwar il-ħeġġa ta' mħabbtu, u x-xewqa ħerqana li kellu għall-martirju. Il-għaxar kapitlu jitkellem dwar il-ħeġġa li kellu għat-talb, u dwar il-qawwa tat-talb tiegħu. Il-ħdax il-kapitlu jitkellem dwar kemm kien jifhem l-Iskrittura, u dwar *l-ispirtu ta' profezija* (cfr. Apok 19,10). It-tnax il-kapitlu jitkellem dwar il-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu u l-grazzja tal-fejqan. It-tlittax il-kapitlu jitkellem dwar l-istimmati mqaddsa li rċieva. L-erbatax il-kapitlu jitkellem dwar is-sabar tiegħu u t-transitu tal-mewt tiegħu. Il-ħmistax il-kapitlu jitkellem dwar il-kanonizzazzjoni u t-translazzjoni tal-ġisem tiegħu. Fl-aħħarnett hemm miżjud ir-rakkont ta' xi mirakli li saru wara l-mewt hienja tiegħu.

Tmiem tal-prologu.

Tibda l-ħajja ta' l-imqaddes Franġisku.

Kapitlu I
Dwar kif kien jgħix meta kien għadu sekular.

[1135] 1 *Kien hemm raġel* fil-belt ta' Assisi, *jismu* (cfr. Ġob 1,1) Franġisku, *li t-tifkira tiegħu hija mbierka* (cfr. Sir 45,1), għax lilu Alla *bi ħlewwa kbira waqaf miegħu* (cfr. S 20,4), u fi tjubitu ħatfu mill-perikli tal-ħajja ta' issa u mlieh bid-doni tal-grazzja tas-sema. Tabilħaqq, ta' żagħżugħ kien jgħix qalb il-*frugħat ta' wlied il-bnedmin* (cfr. S 61,10), u trabba skond id-drawwiet tad-dinja; meta tgħallem jaqra u jikteb ftit, ġie mitfugħ fix-xogħol li jħalli l-qliegħ tan-neguzjanti. Iżda, megħjun sewwa minn Alla, ukoll meta kien jagħmilha ma' żgħażagħ ta' drawwiet xejn tajba, ma ġeriex wara l-ġibdiet tal-ġisem, għad li ma kienx jibqa' lura milli jieħu pjaċir. Għad li kien jagħmilha ma' negozjanti rgħiba, minkejja li kien deċiż li jagħmel il-qliegħ, b'danakollu *ma qiegħedx it-tama tiegħu fil-flus u l-għana* (cfr. Sir 31,8). Il-Mulej nissel f'qalb iż-żagħżugħ Franġisku ħniena tassew kbira għall-foqra, ħniena *li kibret miegħu sa minn ċkunitu* (cfr. Ġob 31,18). U mlietlu qalbu b'ġenerożità hekk kbira li, ta' semmiegħ mhux trux għall-Evanġelju li kien, qatagħha li *jagħti lil kull min jitolbu* (cfr. Lq 6,30), l-aktar jekk xi ħadd jitolbu għall-imħabba ta' Alla[12]. Mela darba minnhom, imħabbat kif kien bix-xogħol li kellu, Franġisku, kontra d-drawwa tiegħu, bagħat b'idejh vojta lil wieħed fqir li kien talbu karità għall-imħabba ta' Alla. Minnufih ġie f'sensieh, ħareġ jiġri wara dak ir-raġel u bil-ħlewwa kollha tah offerta ġeneruża. Minn dak in-nhar stess wiegħed lill-Mulej Alla li, dment li jkollu mnejn, qatt aktar ma kien se jiċħad li jgħin lil min jitolbu għall-imħabba ta' Alla. Din il-wegħda baqa' jżommha bit-tjieba[13] kollha sa tmiem ħajtu, u hekk immerita li jikseb kotra ta' grazzji u jikber fl-imħabba ta' Alla. Wara dan, imbagħad, meta kien *libes lil Kristu* (cfr. Gal 3,27) perfettament, kien iħobb jgħid li, ukoll meta kien għadu imleflef fl-ilbies ta' sekular, bilkemm kien jisma' lil xi ħadd isemmi l-imħabba ta' Alla li ma kienx iħoss qalbu titqanqal ġo fih. Il-ħlewwa li biha kien imżejjen, il-manjieri delikati u l-imġieba tajba tiegħu, is-sabar, id-dħulija mhux komuni fost il-bnedmin li kien imżejjen biha, il-ġenerożità li kienet tegħleb il-mezzi li kellu, immarkawh bħala żagħżugħ mogħni bl-aħjar kwalitajiet umani. Dan kien bħal tħabbira minn qabel tal-kotra wisq akbar ta' barkiet li Alla kien sejjer jagħnih bihom fil-ġejjieni. Tabilħaqq, ċertu raġel minn Assisi, bniedem ta' sempliċità kbira, iżda, li kif kulħadd kien jemmen, kien mgħallem minn Alla, kull meta kien jiltaqa' ma' Franġisku f'xi triq tal-belt, dlonk kien ineħħi l-mantell u *jixħet ilbiesu* (cfr. Lq 19,36) ma' l-art biex Franġisku jgħaddi minn fuqhom. Imbagħad kien itenni li Franġisku jistħoqqlu kull sinjal ta' qima għax fil-ġejjieni qarib huwa kien iddestinat li jagħmel ħwejjeġ kbar, u li minħabba fihom kellu jkun meqjum b'mod ta' l-għaġeb mill-insara kollha. [1C 1-2.17; AP 3-4; L3C 2-3; 2C 8-9]

[1136] 2 Iżda sadanittant Franġisku kien għadu ma jaf xejn dwar *il-pjanijiet ta' Alla* (cfr. Ġob 15,8) imhejjija għalih. Distratt kif kien bit-taħbit tan-negozju, imdaħħal fih bi kmand ta'

---

[12] It-titlu bil-Latin jgħid: *De conversatione sancti Francisci in habitu saeculi*. Dan hu riferiment għal-lingwaġġ monastiku biex juri l-bidla mill-ħajja tad-dinja (tas-seklu) għal dik tal-monasteru (ħajja reliġjuża). Ir-riferiment għall-ħniena li kellu Franġisku lejn il-foqra jinsab fil-kelma *miseratio*, li Bonaventura ħadha mit-traduzzjoni tal-Bibbja magħmula minn S. Ġilormu (Vulgata) fil-każ tal-Ktieb ta' Ġob. Bonaventura jidher preokkupat biex jikkoreġi id-dehra mhix tant sabiħa taż-żogħżija ta' S. Franġisk li jagħti 1C 1-7, u li tiġi korretta biss xi ftit minn 2C 3-7.

[13] Din hi l-ewwel darba li Bonaventura juża l-kelma *pietas*, li tidher 42 darba fil-LM. *Pietas* hi virtù li għandha x'taqsam mal-qima mimlija tjieba u mħabba lejn Alla u l-proxxmu. Mhux faċli li tittraduċi din il-kelma Latina bil-Malti, u għażilna li nittraduċuha bil-kelma "tjieba".

missieru, u miġbud ‘l isfel min-natura mħassra sa mill-bidu tagħha, kien għadu ma tgħallimx jikkontempla l-ħwejjeġ tas-sema, u lanqas iduq il-ħwejjeġ ta’ Alla. U billi *ħaġa tal-biża’ twassal biex il-messaġġ jiġi mismugħ* (cfr. Is 28,19), *id il-Mulej niżlet fuqu* (cfr. Eżek 1,3), u *id l-Aktar Għoli biddlitu* (cfr. S 76,11). Il-Mulej għakkes lil ġismu b’marda twila biex hekk iħejjilu ruħu għad-dilka ta’ l-Ispirtu s-Santu. Meta reġa’ ħa saħħtu, u mill-ġdid beda jilbes l-ilbies sabiħ tas-soltu, darba minnhom iltaqa’ ma’ kavallier li kien, iva, nobbli, imma fqir u liebes imċerċer. Imqanqal minn ħniena meta ra dan, Franġisku malajr neża’ ħwejġu u dlonk tahomlu biex jilbishom dak il-ħin stess. Laqat żewġ għasafar b’ġebla waħda: lill-kavallier nobbli ħbielu l-mistħija, u taffa l-miżerja ta’ raġel fqir. [1C 3; L3C 6; 2C 5]

[1137] 3 Il-lejl ta’ wara, meta kien rieqed, fit-tjieba tiegħu Alla wrieh palazz kbir u sabiħ, mgħammar sewwa b’armi tal-gwerra, kollha mmarkati bis-sinjal tas-salib ta’ Kristu[14]. B’dan Alla ried jurih il-ħniena li kien wera mal-kavallier fqir għall-imħabba tas-Sultan il-Kbir kienet se titpatthielu bi ħlas li xejn ma jista’ jitqabbel miegħu. Meta Franġisku staqsa ta’ min kienu dawk l-armi, it-tweġiba li ħa mis-sema qaltlu li kienu tiegħu u tal-kavallieri tiegħu. Filgħodu, meta qam, dik il-viżjoni mhux tas-soltu għoddha bħala sinjal għalih li kien hemm tistennieh prosperità kbira. Kien għadu mhux imħarreġ kif ifisser il-misteri divini, u lanqas ma kien jaf kif minn dak li jidher jgħaddi biex jifhem il-verità tal-ħwejjeġ li ma jidhrux[15]. Għaldaqstant, billi kien għadu ma jagħrafx il-pjan tal-Mulej, iddeċieda li jissieħeb ma’ konti nobbli fil-Puglie, mimli tama li b’dan is-servizz jirnexxilu jikseb il-ġieħ ta’ kavallier, kif mingħalih kienet tfisser il-viżjoni li kien ra. Bla telf ta’ żmien telaq għal għonq it-triq, iżda bilkemm laħaq wasal qrib l-eqreb belt li fil-ħemda tal-lejl ma semax il-Mulej ikellmu b’ton familjari, u jgħidlu: “Franġisku, min jista’ jkunlek l-aktar ta’ ġid: is-sid jew il-qaddej, il-għani jew il-fqir?” Meta Franġisku wieġeb li aktar setgħu jgħinuh is-sid u l-għani, mill-ġdid sema’ mistoqsija oħra: “Għaliex, mela, qiegħed titlaq lis-Sinjur biex tmur wara l-qaddej, u tabbanduna lil Alla l-għani, u tiġri wara raġel fqir?” Franġisku wieġeb: “*Mulej, xi tridni nagħmel*?” (cfr. Atti 9,6). Il-Mulej wieġbu: “*Mur lura lejn artek* (cfr. Ġen 32,9), għax id-dehra li rajt ħabbritlek minn qabel missjoni spiritwali li jeħtieġ isseħħ fik, mhux bil-ħila tal-bniedem, imma bis-saħħa tal-pjan ta’ Alla”. *Filgħodu mas-sebħ* (cfr. Ġw 21,4), għalhekk, mar lura jgħaġġel lejn Assisi, kollu ferħan u moħħu mistrieħ. Issa li kien diġà sar mudell ta’ l-ubbidjenza, kien lest li jagħmel ir-rieda ta’ Alla. [1C 4-5.7; AP 6-7; L3C 5-6; 2C 6]

[1138] 4 Minn dakinhar ‘il quddiem beda jinqata’ mill-għagħa tan-nies u tan-negozju, u b’qima kbira kien jitlob lil Alla biex fil-ħniena tiegħu jogħoġbu jurih x’iridu jagħmel. Issa, billi t-talb ta’ sikwit kien iħeġġeġ fih ix-xrara tax-xewqat tas-sema u, kollu ħerqan għas-sema pajjiżu, beda jgħodd bħala *li ma kienu jiswew xejn* (cfr. Għan 8,7) il-ħwejjeġ ta’ l-art, ħass li kien *sab it-teżor moħbi*; ta’ negozjant għaqli li kien ra kif għamel u *biegħ kull ma kellu biex jixtri l-ġawhra li kien sab* (cfr. Mt 13,44-46). B’danakollu kien għadu ma ntebaħx kif kellu jagħmel dan, iżda fil-

[14] S. Bonaventura hawnhekk jintroduċi l-ewwel waħda fis-sensiela ta’ seba’ viżjonijiet tas-salib li kellu S. Franġisk, u li jiġborhom flimkien f’deskrizzjoni mill-isbaħ fil-LM XIII,10. Dawn is-seba’ viżjonijiet, li jintemmu fil-viżjoni tas-Serafin imsallab fuq La Verna, jipprovdu l-qafas tat-tejoloġija tas-salib fil-LM. Cfr. N. Muscat, *The Life of Saint Francis in the Light of Saint Bonaventure’s Theology on the “Verbum Crucifixum”*, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 1989.

[15] Il-Latin jgħid: *per visibilium species transpire ad contuendam invisibilem veritatem*. F’din il-frażi Bonaventura jispjega l-vjaġġ spiritwali li r-ruħ tagħmel minn dak li jidher għal dak li ma jidhirx, permezz tal-*contuitus*, jew ħarsa minn ġewwa, tal-misteri ta’ Alla fil-ħajja tal-bniedem. Din l-esperjenza mistika tiġi spjegata mid-Duttur Serafiku fit-trattat mistiku tiegħu *Itinerarium mentis in Deum*.

qalba ta' qalbu beda jħoss li n-negozjant spiritwali jibda mit-tmaqdir tad-dinja, waqt li s-sbuħija fl-armata ta' Kristu għandha tibda mir-rebħa fuqu nnifsu. [1C 6; L3C 12]

[1139] 5 Jum fost l-oħrajn, huwa u għaddej riekeb fuq iż-żiemel fil-pjanura li hemm taħt il-belt ta' Assisi, sab ma' wiċċu raġel lebbruż, u din il-laqgħa xejn mistennija mtlietu b'biża' li jkexkex. Iżda huwa u jiftakar fil-fehma soda li kien beda jrawwem fih, jiġifieri li jkun perfett, u irrifletta bis-sħiħ li biex jirnexxilu tabilħaqq isir *kavallier ta' Kristu* (cfr. 2Tim 2,3), kellu l-ewwel jirbaħ lilu nnifsu, niżel malajr minn fuq iż-żiemel u ġera lejn dak ir-raġel biex ibusu. Meta l-lebbruż *ħareġ idu* bħallikieku *biex jilqa' karità* (cfr. Est 8,4; Atti 3,5), Franġisku *tah* mhux biss *il-flus* (cfr. Ġen 43,21), imma bewsa wkoll. Minnufih reġa' rikeb iż-żiemel u firex ħarstu 'l hawn u 'l hinn, ma' kullimkien, iżda għad li dik il-pjanura ma kienx fiha mkien fejn wieħed seta' jinħeba, lil dak il-lebbruż ma lemħux aktar. Mimli bil-għaġeb u l-ferħ, erħilu jgħanni bil-qima kollha tifħir il-Mulej; kompla jsaħħaħ fih il-fehma li għalli ġej jagħmel ħiltu kollha biex jogħla għal ħwejjeġ akbar. Beda għalhekk ifittex postijiet ta' solitudni, ħbieb il-biki, u hemm kien jitlob bla heda bi *tnehid li ma jitfissirx bil-kliem* (cfr. Rum 8,26), u wara ħafna talb imtenni qala' mingħand il-Mulej li jkun mismugħ. Darba minnhom, huwa u jitlob f'post hekk imwarrab, mehdi f'Alla bil-ħeġġa kollha li kellu għalih, deherlu Ġesù Kristu bħallikieku msallab ma' salib[16]. Għal din id-dehra Franġisku *ħass ruħu tinħall ġewwa fih* (cfr. Għan 5,6), u t-tifkira tal-passjoni ta' Kristu stampat ruħha b'tali mod fil-qalba ta' qalbu li, sa minn dak il-ħin stess, kull meta kien jiġih f'moħħu l-ħsieb dwar il-passjoni ta' Kristu, bilkemm kien jirnexxilu jżomm id-dmugħ jew irażżan it-tnehid, kif huwa stess irrivela ras imb'ras lil sħabu meta kien għoddu qorob lejn tmiem ħajtu. Il-bniedem ta' Alla b'din id-dehra fehem li l-kliem ta' l-Evanġelju kienu indirizzati lilu: *Jekk trid tiġi warajja, iċħad lilek innifsek, erfa' salibek u imxi warajja* (cfr. Mt 16,24). [1C 17; L3C 11-14; 2C 9.11; 3C 3; SP 91]

[1140] 6 Minn dakinhar 'il quddiem libes l-ispirtu tal-faqar, is-sens ta' umiltà u devozzjoni l-aktar profonda[17]. Qabel dan kien iħossu jitkexkex mhux biss meta kien ikollu jagħmilha mal-lebbrużi, imma saħansitra meta kien jilmaħhom imqar mill-bogħod. Iżda issa għall-imħabba ta' Kristu msallab li, kif jgħid kliem il-profeta, deher immaqdar *bħallikieku kien xi lebbruż* (cfr. Is 53,3), biex jasal li jmaqdar b'mod sħiħ lilu nnifsu, beda jaqdihom bl-umiltà u juri lejhom tjieba liema bħalha. Beda jmur aktar ta' spiss iżur id-djar fejn kienu jgħixu, jagħmel karità magħhom b'offerti ġenerużi, u b'kompassjoni[18] kbira kien ibusilhom idejhom u fommhom. Lit-tallaba foqra kien jixtieq jagħtihom mhux biss il-ġid li kellu, imma lilu nnifsu. Xi drabi kien jinża' ħwejjġu biex jagħtihomlhom, drabi oħrajn joftoqhom u jqattagħhom biċċiet biex ikun jita' jqassamhomlhom meta ma kienx ikollu aktar x'jagħtihom. B'qima u devozzjoni kbira kien jara kif jgħin lis-saċerdoti foqra, l-aktar biex iżejjnu l-altari. Hekk, waqt li kien jara kif jgħin lill-ministri ta' l-altar, kien jissieħeb fil-qima li tingħata lill-Mulej. Kien f'dan iż-żmien li għamel pellegrinaġġ għall-qabar ta' San Pietru, u hemm lemaħ kotra ta' foqra quddiem id-daħla tal-knisja. Misjuq kemm mill-ħlewwa tal-ħniena li kien iħoss, kif ukoll mill-imħabba lejn il-faqar, ta ħwejġu

[16] Din il-viżjoni ta' Kristu msallab ma tissemma fl-ebda waħda mill-*Fontes* l-oħrajn, u x'aktarx li tiddependi mill-viżjoni tal-Kurċifiss ta' San Damiano fil-LM II,1 u 2C 10-11. Bonaventura, iżda, jidher li żiedha fil-lista tas-sitt viżjonijiet tas-salib li jwasslu għall-viżjoni ta' La Verna, għax hi waħda mill-viżjonijiet tal-lista li jagħti fil-LM XIII,10.

[17] Il-Latin jgħid: *affectum intimae pietatis*. L-*affectus* hi virtù li għandha x'taqsam ma' l-imħabba bħala esperjenza ta' tenerezza u ħlewwa, u li bħala oġġett għandha l-umanità ta' Kristu. Bonaventura juża din l-espressjoni li hi tipika fit-tradizzjoni Franġiskana, imma li ġejja mill-kitbiet ta' San Bernard ta' Clairvaux.

[18] Il-Latin jgħid *compassio*, kelma li tfisser li wieħed ibati ma' xi ħadd l-istess tbatija (*com-patire*).

lil wieħed minnhom li l-aktar kien fil-bżonn. Imbagħad libes l-ilbies imċerċer tiegħu u għadda dak il-jum kollu mal-foqra, mimli bħal qatt qabel bil-ferħ ta' l-ispirtu. Għamel dan bi tmaqdir għall-glorja tad-dinja, u biex hekk, bil-mod il-mod, jirnexxilu jilħaq il-perfezzjoni evanġelika. Impenja ruħu bis-sħiħ fit-tgħakkis ta' ġismu biex is-salib ta' Kristu li kien iġorr f'qalbu, jġorru wkoll minn barra f'ġismu. Franġisku, il-bniedem ta' Alla, wasal jagħmel dan kollu meta, la f'ilbiesu u lanqas fl-imġieba tal-ħajja ta' kuljum ma kien għadu nfatam mid-dinja. [1C 17; L3C 8-11; 2C 8-9]

Kapitlu II
Dwar il-konverżjoni perfetta tiegħu lejn Alla, u dwar it-tliet knejjes li irrestawra.

[1141] 1 F'din l-esperjenza tiegħu, l-qaddej ta' l-Aktar Għoli Franġisku, ma kellu ebda mgħallem għajr lil Kristu li għal darb'oħra, fit-tjieba tiegħu, għoġbu jżuru bil-ħlewwa tal-grazzja tiegħu. Waqt li jum minnhom *ħareġ fl-għelieqi biex jimmedita* (cfr. Ġen 24,63), għadda qrib il-knisja ta' San Damiano[19] li, għax qadima ħafna, kienet għoddha sejra tiġġarraf. Misjuq minn ċaqliqa ta' l-Ispirtu daħal fiha biex jitlob, u waqt li kien mixħut jitlob f'riġlejn ix-xbieha ta' Ġesù Msallab, ħass ruħu tfur b'faraġ spiritwali. Meta b'għajnejh kollha dmugħ tafa' ħarstu fuq is-salib tal-Mulej, bil-widnejn ta' ġismu sema' *leħen nieżel* (cfr. 2Pt 1,17) mis-salib itenni għal tliet darbiet: "Franġisku, mur u sewwi d-dar tiegħi li, kif qed tara, qiegħda tiġġarraf kollha". Kollu mriegħed bil-biża', Franġisku, li dak il-ħin kien waħdu fil-knisja, stagħġeb mhux ftit meta sema' dak il-leħen u, waqt li f'qalbu ħass il-qawwa ta' kliem il-Mulej, intilef f'estasi. Meta fl-aħħar ġie f'tiegħu, ħejja ruħu biex jobdi, u ingħata b'ruħu u ġismu biex, kif kien ikkmandat, jirrestawra l-ħitan tal-ġebel ta' dik il-knisja, għad li prinċipalment il-ħsieb ta' dak il-kliem kien jirreferi għal dik il-Knisja li *Kristu rebaħ b'demmu* (cfr. Atti 20,28), kif imbagħad għallmu l-Ispirtu s-Santu, u huwa stess għaraf jispjega tajjeb lil ħutu. Qam għalhekk, saħħaħ lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, ħa xi drappijiet li seta' jbiegħ, telaq jgħaġġel lejn il-belt ta' Foligno, u biegħu kull ma kellu[20]. Ta' negozjant xortih tajba li kien, irnexxielu jeħles ukoll miż-żiemel li kien riekeb fuqu, ġab prezzu, u mar lura lejn Assisi. Bil-qima kollha daħal fil-knisja li kellu l-mandat li jirrestawra, sab hemm saċerdot fqajjar, sellimlu b'qima xierqa, u offrielu l-flus għat-tiswija tal-knisja u bħala għajnuna għall-foqra. Talbu wkoll bl-umiltà kollha biex iħallih joqgħod hemm miegħu għal xi żmien. Is-saċerdot aċċetta li jħallih joqgħod miegħu, imma l-flus ma ħadhomx għax beża' mill-ġenituri tiegħu. Franġisku, issa li kien wasal imaqdar il-flus tabilħaqq, qabad u xeħethom f'ħoġor waħda mit-twieqi li kien hemm; għalih il-flus ma sarux jiswew iżjed mit-trab ta' l-art. [1C 8-9; AP 7; L3C 13.16; 2C 10-11; 3C 2]

[1142] 2 Meta l-qaddej ta' Alla *kien qed jgħix* (cfr. Mt 25,5) ma' dan is-saċerdot, missieru sar jaf b'dan, u kollu mħawwad ġera lejn dan il-post. Iżda Franġisku, li kien għadu mhux imħarreġ bħala atleta ġdid ta' Kristu, meta sema' t-theddid ta' dawk li kienu qegħdin jiġru warajh u ħass li kienu għoddhom qorbu lejh, mar jinħeba f'għar sigriet, u *ħalla l-korla tagħmel hi* (cfr. Rum 12,19).

---

[19] L-episodju tal-Kurċifiss ta' San Damiano hu wieħed mill-punti orjentattivi tal-ħajja ta' S. Franġisk, rigward il-missjoni tiegħu ekkleżjali. Cfr. 2C 10-11. Għalkemm ma hemm l-ebda aċċenn għal din l-esperjenza f'1C, hawnhekk Bonaventura jinkludiha bħala t-tielet viżjoni tas-salib li kellu S. Franġisk, fil-kuntest tal-qbil perfett tiegħu (*conformitas*) ma' Kristu Msallab.

[20] Dan il-ġest jitfakkar ukoll f'1C 8, imma hemmhekk ma jinftiehemx rigward il-motivazzjoni tiegħu, filwaqt li ma jissemmiex f'2C 10-11. Bonaventura hawnhekk jinkludih fil-kuntest veru tiegħu: Franġisku jrid jobdi u jwettaq il-kmand tal-Kurċifiss, billi jbiegħ il-ġid ta' missieru ħalli jagħti l-flus lill-qassis fqajjar ta' San Damiano, biex dan ikun jista' jsewwi l-knisja.

Dam mistoħbi hemm għal xi jiem, u sadanittant ma kienx jehda jitlob lill-Mulej, bid-dmugħ nieżel wied minn għajnejh, *biex jeħilsu Hu minn dawk li kienu qegħdin jeħduha kontrih* (cfr. S 30,16; 108,31), u fit-tjieba tiegħu jwassal għal tmiem tajjeb ix-xewqat qaddisa li Hu stess kien nissel fih. Wara dan, imfawwar kif kien bil-ferħ, beda jeħodha miegħu nnifsu talli kien ġab ruħu ta' wieħed beżżiegħi, u waqt li ħalla l-għar u għeleb b'kuraġġ il-biża' li kien ħakmu, b'kuraġġ ta' sur erħielha lejn il-belt ta' Assisi. Meta n-nies ta' beltu rawh f'dik is-sura, wiċċu mixrub u mibdul ukoll f'fehmtu, ħasbu li kien beda jitlef. Bdew jitfgħulu *t-tajn tal-pjazez* (cfr. 2Sam 22,43) u jgarawh bil-ġebel, u b'ħanġra daqshiex jgħajjruh bħallikieku kien xi miġnun u barra minn sensieh. Iżda l-qaddej tal-Mulej, bla ma tħawwad xejn jew qata' qalbu, għamilha ta' wieħed trux, u baqa' għaddej. Meta missieru sema' dan l-istorbju kollu, minnufih ġera għal fuqu, mhux biex jeħilsu, imma biex jeqirdu. Warrab minnu kull sentiment ta' ħniena u mogħdrija, kaxkru lejn id-dar, u beda l-ewwel jaħqru bil-kliem u bid-daqqiet u mbagħad, meta ra li ma rnexxielux, għakksu bil-ktajjen. Iżda din l-esperjenza liż-żagħżugħ saħħitu aktar, u kompliet ħeġġitu iżjed biex il-ħidma li kien beda, iwassalha għat-tmiem. Kull ma għadda minn għalih fakkru fil-kliem ta' l-Evanġelju: *Henjin dawk li huma ippersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet* (Mt 5,10). [1C 10-12; L3C 16-17]

[1143] 3 Meta għadda ftit taż-żmien u missieru kien barra l-pajjiż, ommu, li xejn ma kienet qablet mal-mod kif kien ġab ruħu żewġha, u ma kellha ebda tama li binha kien ser jerġa' lura mid-deċiżjoni li ħa, ħallitlu mill-ktajjen biex imur fejn irid. Franġisku, imbagħad, radd ħajr lill-Mulej li jista' kollox, u telaq lura lejn il-post fejn kien jgħix qabel. Iżda meta missieru ġie lura u ma sabux id-dar ċanfar bl-aħrax lil martu, u kollu imberhen, erħielha lejn dak il-post bil-ħsieb li, jekk ma kienx jista' jġibu lura, jara kif jagħmel u jbiegħdu minn dawk l-inħawi. Imsaħħaħ minn Alla, Franġisku mar minn rajh jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' missieru mgħaddab għall-aħħar, u b'leħen ħieles għajjat li xejn aktar ma kien jimpurtah: la mill-ktajjen u lanqas mis-swat tiegħu, u għall-isem ta' Ġesù hu kien lest li jsofri bil-ferħ kull tbatija. Meta missieru ra li mhux se jirnexxilu jġibu lura, beda jhewden f'moħħu dwar x'seta' jagħmel biex almenu jaħtaf taħt idejh dik il-kemxa flus. Meta fl-aħħar sabhom f'ħoġor it-tieqa, is-saħna li kellu fuqu birdet xi ftit, u l-għatx tar-regħba ttaffa b'xi mod b'dik ix-xarba ta' flus. [1C 13-14; L3C 18]

[1144] 4 Imbagħad, dak il-missier li kien jaħsibha biss skond il-ġisem, ittenta jieħu lill-iben il-grazzja, imneżża' minn kull sold, quddiem l-isqof tal-belt. Għamel dan bil-ħsieb li jġiegħlu jiċħad quddiemu għal kull wirt li seta' jmissu mill-familja, u fl-istess ħin irodd lura l-ġid kollu li kellu. Franġisku, il-veru ħabib tal-faqar, laqa' bil-qalb il-proposta, u bla telf ta' żmien u mingħajr tnikkir, erħielha għal quddiem l-isqof. Kif wasal hemm ma qagħadx jistenna kliem, u lanqas hu ma lissen kelma, imma malajr, malajr neża' ħwejjġu u tahom lura lil missieru. Kien dak il-ħin li wieħed seta' jinduna li l-bniedem ta' Alla, taħt dak l-ilbies fin, kien imħażżem b'ċilizzju fuq il-laħam. U bħallikieku fis-sakra bil-ħeġġa ta' l-għaġeb ta' l-ispirtu, neħħa wkoll il-ħwejjeġ ta' taħt, neża' għeri għal kollox quddiem kulħadd, u qal lil missieru: "Sa issa, fuq din l-art, sejjaħt lilek b'missieri, imma minn issa 'l quddiem nista' ngħid b'sigurtà akbar: *Missierna li inti fis-smewwiet* (Mt 6,9), għax fih qegħidt it-teżor kollu tiegħi, u ħallejt f'idejh it-tama tiegħi kollha". L-isqof, meta ra dan, baqa' mistagħġeb għall-aħħar bil-ħeġġa bla tarf li kellu tikbes fih il-bniedem ta' Alla; qam malajr u, bid-dmugħ f'għajnejh, ħaddnu miegħu. Ta' raġel twajjeb u ħanin li kien, għattieh bl-istess mantell li kien liebes hu, u ordna lill-qaddejja tiegħu jagħtuh xi lbies biex jinsatar. Tawh mantel fqir u mqatta' li kien ta' wieħed bidwi, qaddej ta' l-isqof. Franġisku ħadu bil-ferħ u, b'idejh stess, għamel fuqu s-sinjal tas-salib bil-ġibs. Hekk għamlu lbies xieraq biex jostor raġel imsallab

u nofsu għeri. B'dan il-mod il-qaddej tas-Sultan l-Aktar Għoli safa mneżża' biex għeri jkun jista' jimxi wara l-Mulej imsallab li kien tant iħobb[21]. Hekk, armat tajjeb kif kien bis-salib, huwa seta' jafda ruħu fil-għuda tas-salvazzjoni, u biha jiġi salvat min-nawfraġju ta' din id-dinja. [1C 15; AP 8; L3C 19; 2C 12]

[1145] 5 Issa li għaraf imaqdar id-dinja, Franġisku kien meħlus mill-ktajjen tax-xewqat tagħha, ħalla l-belt u, ħieles u moħħu mistrieħ, beda jfittex il-moħba tas-solitudni[22] biex, waħdu u fis-skiet, jisma' s-sigrieti li Alla kien sejjer jafdalu. Waqt li l-bniedem ta' Alla Franġisku kien għaddej minn ġol-bosk, kollu ferħan jgħanni tifħir il-Mulej bl-ilsien tal-Franċiżi, malajr qabżu fuqu l-ħallelin li kienu moħbija hemm fil-qrib. Meta dawn, bi ħsibijiet ta' ħsara, staqsewh min kien, il-bniedem ta' Alla, mimli fiduċja, weġibhom bi kliem profetiku: "Jiena x-xandâr tas-*Sultan il-Kbir*" (cfr. S 47,3; Mt 27,4). Intefgħu fuqu jsawwtuh, u meta dehrilhom tefgħuh fil-foss li kien mimli borra, u qalulu: "Oqgħod hemm, xandâr rożż ta' Alla". Meta ra li kienu tbiegħdu, ħareġ b'ħeffa minn dak il-ħandaq, u mimli b'ferħ kbir, reġa' beda jgħanni tifħir lill-Ħallieq ta' kollox, b'leħen aktar għoli minn qabel, hekk li d-diwi tiegħu kien jinstema' mal-foresta kollha. [1C 16]

[1146] 6 Meta qorob lejn ċertu monasteru[23], mar jittallab il-karità bħal tallab u din ingħatatlu bħalma tingħata lil wieħed li ma jafu ħadd u ta' min imaqdru. Telaq minn hemm u erħielha għal għonq it-triq li tieħu lejn Gubbio. Ħabib antik tiegħu għarfu u laqgħu għandu, tah tonka fqira, u hu libisha ta' fqajjar ta' Kristu li kien. Minn hemm, imbagħad, il-ħabib ta' l-umiltà f'kull sura tagħha għadda għal għand il-lebbrużi, irnexxielu li jibda joqgħod magħhom, u għall-imħabba ta' Alla, iservihom ilkoll b'attenzjoni kbira. Erħilu jaħslilhom riġlejhom, ineħħilhom il-laħam mejjet mill-ġrieħi, u jnaddafhomlhom mill-marċa. Hu li dalwaqt kien ser ikun it-tabib ta' l-Evanġelju, misjuq minn devozzjoni li tgħaġġbek, kien saħansitra jbusilhom il-pjagi ikkankrati ta' ġisimhom. Kien għalhekk li l-Mulej għanieh b'qawwa spiritwali kbira u tassew ta' l-għaġeb, hekk li kien ifejjaq b'mod mirakoluż il-mard, kemm ta' l-ispirtu kif ukoll tal-ġisem. Mill-ħafna fatti ħa nsemmi biss wieħed li ġara aktar 'il quddiem, meta l-fama tal-bniedem ta' Alla saret magħrufa ma' kullimkien. Fil-*contado* ta' Spoleto kien hemm raġel li kellu fuqu marda kerha għall-aħħar li kienet tikollu ħalqu u ħaddejh ukoll; għal din il-marda ma kien hemm ebda kura medika li setgħet tfejjqu. Ġara wara li mar iżur l-oqbra tal-Qaddisin appostli f'Ruma, bit-tama li bl-interċessjoni tagħhom jaqla' l-grazzja li kien tant jixtieq. Huwa u ġej lura mill-pellegrinaġġ iltaqa' mal-qaddej ta' Alla u, misjuq minn qima lejh, xtaq li jbus il-marki ta' riġlejh. Iżda l-umli Franġisku ma ħalliehx, u lil dak li ried ibuslu riġlejh tah bewsa fuq fommu. Kif il-qaddej tal-lebbrużi, Franġisku, imqanqal minn ħniena ta' l-għaġeb, mess b'ħalqu l-qaddis dik il-pjaga li tqażżek, il-pjaga għabet għal kollox, u l-marid kiseb is-saħħa li kien tant ħerqan għaliha. Ma nafx x'naqbad nammira l-aktar: jekk hux l-umiltà profonda li wasslet għal dik il-bewsa mogħtija tant bil-qalb, jew il-qawwa mhux tas-soltu li wettqet miraklu hekk ta' l-għaġeb. [1C 16-17]

---

[21] Il-Latin jgħid: *Sic igitur servus Regi altissimi nudus relictus est, ut nudum sequeretur crucifixum Dominum, quem amabat*. Bonaventura jsegwi tejoloġija tas-salib li kienet ġejja mill-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, u l-aktar San Ġilormu. Għal storja dettaljata ta' nudità spiritwali u l-użu li jagħmel Bonaventura minn din ix-xbieha, cfr. J. Châtillon, "*Nudum Christum Nudus Sequere:* A Note on the Origins and Meaning of the Theme of Spiritual Nakedness in the Writings of St. Bonaventure", *Greyfriars Review* 10:3 (1996) 293-340.

[22] Għal studju dettaljat ta' l-importanza tas-solitudni u tat-tifsira tal-frażi *secretum solitudinis*, cfr. O. Schmucki, "Place of Solitude: An Essay on the External Circumstances of the Prayer Life of St. Francis of Assisi", *Greyfriars Review* 2:1 (1988) 77-132.

[23] Bonaventura juża l-kelma Latina *coenobium*, li jużaha wkoll Julian minn Speyer, biex jiddeskrivi dak li Celano jsejjaħlu *claustrum monachorum*.

[1147] 7 Issa li kien niżżel għeruqu sewwa fl-umiltà ta' Kristu, Franġisku ftakar fl-ubbidjenza li kienet ingħatatlu mis-salib: li jsewwi l-knisja ta' San Damiano. Ta' raġel ubbidjenti li kien, mar lura lejn Assisi biex jobdi leħen Alla, talinqas billi jittallab il-karità. Għall-imħabba tal-fqajjar Imsallab, biegħed minnu kull mistħija u mar jittallab il-karità mingħand dawk li qabel kien għex magħhom fl-abbundanza. Qiegħed lil ġismu, dgħajjef bis-sawm, taħt it-toqol tal-ġebel. Bl-għajnuna ta' Alla u l-koperazzjoni devota li sab min-nies ta' beltu, irnexxielu jirrestawra l-knisja msemmija. U biex ġismu żgur ma jirtabx minħabba l-għażż, wara li temm dik il-biċċa xogħol, minn rajh qabad jirrestawra knisja oħra, ftit 'il bogħod mill-belt, iddedikata lil San Pietru[24], li lejh, bħala l-Prinċep ta' l-appostli, kellu qima speċjali, frott ta' fidi pura u sinċiera tiegħu, li ġiegħlitu jingħata għal din il-ħidma. [1C 18.21; L3C 21; 2C 11.13]

[1148] 8 Meta temm ir-restawr ta' din il-knisja, ġie f'post imsejjaħ Porziuncola, fejn kien hemm knisja iddedikata lill-Imqaddsa Verġni Omm Alla, Din il-kappella kienet inbniet żmien ilu, imma issa kienet mitluqa u ħadd ma kien jieħu ħsiebha. Meta l-bniedem ta' Alla ra li kienet abbandunata għall-aħħar, imqanqal minn devozzjoni mħeġġa lejn is-Sultana tad-dinja, beda jgħix hemmhekk, bil-ħsieb li jirrestawraha wkoll. Billi sa mill-qedem din il-knisja kienet tissejjaħ Santa Marija ta' l-Anġli, hu ħass li f'dan il-post iż-żjajjar ta' l-Anġli kienu spissi, u iddeċieda li, kemm għall-qima li kellu lejhom kif ukoll għall-imħabba speċjali li kellu lejn Omm Kristu, jibda jgħix hemm. Il-Qaddis ħabb dan il-post aktar minn kull post ieħor tad-dinja: kien hawn li beda bl-umiltà kollha, hawn li għamel progress fil-virtujiet, u kien hawn ukoll li, kollu ferħan, wasal għat-tmiem[25]. Meta ġie biex imut irrikmanda dan il-post lil ħutu bħala l-aktar għażiż għall-Verġni Mqaddsa. Dwar dan il-post, wieħed mill-aħwa, devot ħafna lejn Alla, qabel il-konverżjoni tiegħu, ra viżjoni li jixraq li tissemma'. Deherlu li qed jara għadd kbir ta' nies, *għomja lkoll kemm huma* (cfr. Ġen 19,11), *mixħutin għarkubbtejhom* (cfr. 2Kron 6,13) madwar din il-knisja, u wiċċhom imdawwar lejn is-sema. Ilkoll kellhom *idejhom merfugħin 'il fuq* (cfr. 2Mak 14,34), u bid-dmugħ f'għajnejhom kienu *jitolbu 'l Alla* (cfr. S 54,17) jħenn għalihom u jagħtihom id-dawl. U ara, mis-sema ġie dawl kbir leqqieni u nfirex fuqhom ilkoll. Kull wieħed minnhom irċieva d-dawl u s-saħħa li kien imxennaq għaliha. Dan hu l-post li fih inbeda l-Ordni tal-Patrijiet Minuri li waqqaf San Franġisk, imnebbah għal dan minn rivelazzjoni divina. Tabilħaqq kien bir-rieda tal-Providenza divina, li lill-qaddej ta' Kristu dejjem mexxietu f'kollox, li qabel ma beda l-Ordni u nxteħet għall-predikazzjoni ta' l-Evanġelju, bena tliet knejjes tal-ġebel. Hekk huwa mhux biss

---

[24] Għalkemm Bonaventura jgħidilna li l-knisja ta' San Pietro li sewwa Franġisku kienet aktar 'il bogħod minn Assisi minn dik ta' San Damiano (li tinsab xi kilometru barra mill-belt), kienu bosta dawk il-bijografi li riedu jidentifikaw din il-knisja mal-knisja kbira Benedittina ta' San Pietro, li tinsab fil-parti ta' isfel ta' Assisi, u li fl-istorja kbira tagħha bħala prijorat kellha bosta renti minn artijiet u proprjetà. L-identifikazzjoni vera tal-knisja ta' San Pietro ma tistax tirrferi għal din il-knisja fil-belt, imma għall-knisja ta' San Pietro della Spina, li kienet tinsab xi tliet kilometri barra minn San Damiano, nofs triq lejn il-Porziuncola, fuq it-triq antika ta' Via Cupa di Petrignano. Din il-knisja tissemma' għall-ewwel darba f'dokument ta' l-1030 fl-Arkivju tal-Kattidral ta' Assisi. Skond Arnaldo Fortini, kienet baqgħet knisja għal bosta sekli, sakemm saret maħżen fil-kampanja. Hu jgħid li, fi żmienu, kienet proprjetà tal-familja Minciarelli, li kienet żammet il-kampnar ċkejken, il-qanpiena u pittura ta' S. Franġisk imdawwar mill-anġli. Fost l-abitanti ta' dawn l-inħawi kien hemm tradizzjoni qawwija li kien S. Franġisk li kien sewwa din il-knisja.

[25] Bonaventura juri li hawnhekk, madwar din il-knisja tal-Porziuncola, li kienet it-tielet waħda li sewwa S. Franġisk, kellha titwettaq għalih u għad-dixxipli tiegħu l-mixja spiritwali permezz tat-tliet tarġiet jew toroq li jwasslu għall-perfezzjoni skond it-tejoloġija patristika u medjevali, jiġifieri l-purifikazzjoni, illuminazzjoni, unjoni. Cfr. *De Triplici Via*. Bonaventura ċertament qiegħed jirreferi wkoll għall-*Ecclesia trinaque triumphatura militia salvandorum*, jiġifieri t-tliet Ordnijiet li waqqaf S. Franġisk fil-post qaddis ta' Santa Marija ta' l-Anġli: Ordni tal-Minuri, Ordni tal-*Povere Dame* ta' San Damiano, Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza.

mexa b'mod ordnat, mill-ħwejjeġ li jaqgħu taħt is-sensi għal dawk li l-bniedem jasal biex jifhimhom b'moħħu, miż-żgħar għall-kbar, imma wkoll biex minn qabel jissimboleġġja b'mod profetiku, permezz ta' opri li wieħed seta'jarahom b'għajnejh u jmisshom b'idejh, dak li kien ser jagħmel fil-ġejjieni. Għax bħalma tlieta kienu l-kappelli li ġew irrestawrati taħt it-tmexxija ta' dan il-qaddis, hekk ukoll il-Knisja ta' Kristu kellha tiġġedded bi tliet modi: bil-għamla ta' ħajja, bir-regola u bit-tagħlim mogħti minnu. Kellha wkoll tiċċelebra r-rebħiet tagħha bit-tliet armati ta' dawk li kellhom ikunu salvi. Naraw, issa, kif seħħ dan. [1C 21.37.106; L3C 56; 2C 19-20]

Kapitlu III
Dwar it-twaqqif ta' l-Ordni[26] u l-approvazzjoni tar-Regola

[1149] 1 Fil-knisja tal-Verġni Omm Alla, għalhekk, kien jgħix il-qaddej tagħha Franġisku, u bl-ilfiq u l-biki kien jitlob lil Dik li nisslet il-*Kelma mimlija bil-grazzja u l-verità* (cfr. Ġw 1,14) biex jogħġobha taċċetta li tkun l-avukata tiegħu. U l-Omm tal-ħniena, għall-merti tagħha, qalgħetlu li hu stess inissel u jwelled l-ispirtu tal-verità evanġelika. Jum fost l-oħrajn, waqt li b'devozzjoni kbira kien qiegħed jisma' l-quddiesa ta' l-Appostli, inqara l-Evanġelju fejn jingħad li Kristu bagħat lid-dixxipli jippriedkaw, u tahom ukoll il-forma ta' ħajja evanġelika li kellhom jgħixu, jiġifieri li ma jfittxux li jkollhom tagħhom *la deheb lanqas fidda, la flus fi ħżiemhom u lanqas ħorġa għal mat-triq, u lanqas ikollhom żewġ ilbiesi, jew jilbsu l-qrieq, u lanqas ma jġorru ħatar f'idejhom* (cfr. Mt 10,9-10). Meta l-ħabib tal-faqar ta' l-Appostli sema' dan il-kliem fehmu u stampah f'moħħu, ħassu jimtela b'ferħ li ma jitfissirx bil-kliem, u qal: "Dan hu li nixtieq; għal dan jien imxennaq b'qalbi kollha". Minnufih *tajjar il-għata ta' riġlejh* (cfr. Eż 3,5; Mk 1,7), warrab il-bastun, seħet il-ħorġa u l-flus u ikkuntenta ruħu b'tonka waħda; rema ċ-ċinturin u tħażżem b'ħabel. Minn dak il-ħin 'il quddiem il-ħerqa kollha ta' qalbu kienet iċċentrata fuq kif iqiegħed fil-prattika l-kliem li kien sema', u kif kellu jadatta ruħu b'mod sħiħ għar-regola tal-qdusija mogħtija lill-appostli[27]. [1C 22; L3C 25]

[1150] 2 Minn dak il-ħin stess, imqanqal minn ispirazzjoni divina, il-bniedem ta' Alla beda jimpenja ruħu bis-sħiħ biex jilħaq il-perfezzjoni evanġelika u jistieden lil kulħadd għall-penitenza. Kliemu ma kienx kliem fieragħ u lanqas ma kien kliem tad-daħq, iżda kliem *mimli* bil-qawwa ta' *l-Ispirtu* s-Santu (cfr. Lq 4,1). Kliemu kien jidħol fil-mudullun tal-qalb, u kien jimla bil-għaġeb lil kull min kien jisimgħu. F'kull priedka li kien jagħmel kien ixandar il-paċi, u lil dawk li kienu jisimgħuh kien isellmilhom bil-kliem: *Il-Mulej jagħtikom is-sliem* (cfr. 2Tes 3,16). Din it-tislima tgħallimha b'rivelazzjoni mingħand il-Mulej, kif xehed huwa stess aktar 'il quddiem[28]. Ġara,

---

[26] Il-kelma Latina hi *religio* (reliġjon). Għalkemm il-kelma *religio* (reliġjon) u *ordo* (ordni) huma sinonimi, fis-seklu XII-XIII kellhom distinzjoni importanti, għaliex filwaqt li *religio* kienet tindika kull forma ta' ħajja reliġjuża, *ordo* kienet tirreferi espliċitament għal familja reliġjuża uffiċjali u b'Regola approvata, bħalma kienu l-Ordnijiet monastiċi. Bonaventura juri, kif jagħmlu ħafna *fontes* oħrajn, l-iżvilupp bejn ir-*religio* tal-bidu li waqqaf Franġisku u l-*ordo* li ġie approvat mill-Papiet.

[27] Kien f'din l-okkażjoni li Franġisku skopra s-sejħa speċifika tiegħu li jgħix l-*apostolica vivendi forma*, il-forma ta' ħajja ta' Kristu u l-appostli. Il-post fejn seħħet il-ġrajja hu wkoll mimli tifsir: il-kappella tal-Porziuncola, li fiha Bonaventura jara x-xbieha ta' Marija, l-Omm tal-ħniena, li twelled il-Verb ta' Alla magħmul bniedem, li jgħaddi lil Franġisku l-forma ta' ħajja tal-verità evanġelika. Skond A. Fortini l-episodju ġara nhar l-24 ta' Frar 1209, festa ta' l-appostlu San Mattija, għaliex dakinhar kienet tinqara fil-Missal is-silta ta' l-Evanġelju li titkellem dwar il-missjoni ta' l-Appostli.

[28] Fit-*Testment* 23: *Salutationem mihi Dominus revelavit, ut diceremus: Dominus det tibi pacem*.

għalhekk, li skond kliem il-profeta huwa wkoll imtela bl-ispirtu tal-profeti, u *xandar is-sliem, ippriedka s-salvazzjoni* (cfr. Is 52,7), u bit-twissijiet għall-ġid li kien jagħmel irnexxielu jħabbeb mill-ġdid f'patt ta' ħbiberija vera lil ħafna nies li qabel, għax ma kienux fi qbil ma' Kristu, kienu 'l bogħod mis-salvazzjoni. [1C 23; L3C 25-26]

[1151] 3 B'dan il-mod kienu ħafna dawk li bdew jagħarfu l-verità tat-tagħlim sempliċi tal-bniedem ta' Alla u s-sinċerità ta' ħajtu. Xi rġiel, imqanqalin mill-eżempji tiegħu, bdew iħossuhom imħeġġin għall-ħajja ta' penitenza u jingħaqdu miegħu, u waslu li *jħallu kollox* (cfr. Lq 5,11.28) huma wkoll, libsu bħalu, u bdew jgħixu kif kien jgħix hu. L-ewwel fosthom kien il-meqjum Bernardo li, *bis-sehem* li ħa fis-*sejħa tas-sema* (cfr. Lhud 3,1), stħaqqlu jkun l-iben il-kbir[29] tal-missier qaddis, l-ewwel wieħed fiż-żmien u l-ewwel wieħed ukoll fil-privileġġ tal-qdusija. Wara li għaraf b'esperjenza tiegħu stess il-qdusija tal-qaddej ta' Kristu, fuq l-eżempju tiegħu wasal biex maqdar id-dinja għal kollox, u talbu jagħtih parir dwar kif għandu jqiegħed fil-prattika d-deċiżjoni li kien ħa. Meta sema' dan, il-qaddej ta' Alla ħass qalbu timela bil-faraġ ta' l-Ispirtu s-Santu, għax nissel l-ewwel iben, u qal: "Parir bħal dan għandna mmorru nfittxuh mingħand Alla". Il-għada filgħodu, *mas-sebħ* (cfr. Mt 27,1), daħlu fil-knisja ta' San Nicolò[30], u wara li talbu flimkien, Franġisku, id-devot tat-Trinità, fetaħ għal tliet darbiet il-ktieb ta' l-Evanġelji u talab lil Alla jikkonferma l-fehma sħiħa ta' Bernardo bix-xhieda ta' tliet testi evanġeliċi. X'ħin fetħu l-ktieb għall-ewwel darba għajnejhom waqgħu fuq dan il-kliem: *Jekk trid tkun perfett mur, biegħ kull ma għandek u agħtih lill-foqra* (Mt 19,21). Meta fetħu t-tieni darba, waqa' taħt għajnejhom dan il-kliem: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq* (Lq 9,3). U fl-aħħarnett: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja* (Mt 16,24). Wara dan, ir-raġel qaddis qal: "Din hi l-ħajja u r-regola tagħna, u ta' dawk kollha li jixtiequ jissieħbu magħna. *Mur*, mela, *jekk trid tkun perfett* (cfr. Mt 19,21), u agħmel dak li smajt". [1C 24; AP 10-11; L3C 27-29; 2C 15]

[1152] 4 Ma għaddiex wisq żmien wara din il-ġrajja li l-istess Spirtu ma sejjaħx ħames irġiel oħra, u wlied Franġisku saru sitta. It-tielet wieħed kien il-qaddis missier fra Egidio[31], raġel mimli b'Alla, u t-tifkira tiegħu jixirqilha tinżamm ħajja. Għad li kien raġel sempliċi u bla skola, aktar 'il quddiem sar magħruf ħafna għall-prattika tal-virtujiet erojċi tiegħu, sewwa sew kif kien ħabbar minn qabel il-qaddej tal-Mulej, u ġie merfugħ għall-quċċata l-aktar għolja tal-kontemplazzjoni.

---

[29] Bonaventura jsejjaħ lil Bernardo da Quintavalle: *Patris beati primogenitus*. Kif Franġisku welled l-ispirtu tal-verità evanġelika, hekk sħaqqlu li jkollu l-aħwa bħala uliedu, li l-ewwel wieħed fosthom kien Bernardo. Il-*Fontes* ġejjin mill-kurrent Spiritwali ta' l-Ordni kellhom jiżviluppaw ħafna din il-prerogrativa ta' Bernardo bħala *primogenitus*. It-titlu ta' *venerabilis vir* li Bonaventura jagħti lil Bernardo da Quintavalle, insibu eku tiegħu fil-*Canto XI del Paradiso* tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri: *La lor concordia e i lor lieti sembianti, / amore e maraviglia e dolce sguardo / facieno esser cagion di pensier santi; / tanto che 'l venerabile Bernardo / si scalzò prima, e dieto a tanta pace / corse e, correndo, li parve esser tardo*.

[30] Il-knisja ta' San Nicolò kienet tinsab fil-*platea nova* jew Piazza Maggiore ta' Assisi. Illum fadal biss il-kripta romantika tal-knisja medjevali. San Nikola kien il-patrun tal-merkanti, u din il-knisja kienet maġenb id-dar ta' Pietro di Bernardone.

[31] Fra Egidio miet f'Monteripido, qrib Perugia, fit-22 ta' April 1262, meta Bonaventura kien għadu qiegħed jikteb il-LM. Fil-*Commentarius in Evangelium Lucae* IX,48 (*Opera Omnia* VII,231-232), Bonaventura jsemmi lil fra Egidio bħala mudell ta' kontemplazzjoni: "Għalkemm kellu kliem li kienu sempliċi u mhux mirqumin bit-tagħlim, fra Egidio, li ta' spiss kien ikun mitluf f'estasi, kien jiddistingwi l-gradi tal-kontemplazzjoni b'dan il-mod. Għax hemm seba' gradi ta' kontemplazzjoni. L-ewwel wieħed hu n-nar; it-tieni d-dilka qaddisa (*unction*); it-tielet l-estasi; ir-raba' l-kontemplazzjoni; il-ħames il-gost; is-sitta il-mistrieħ; is-seba' il-glorja". Egidio kien *sursumactionibus incessanter intentus* (iddedika ruħu fil-mixi tiegħu li jgħollih 'il fuq). Għal Bonaventura s-*sursumactio* hi l-frott tat-talb li jerfa' lill-bniedem lejn Alla (*Itinerarium mentis in Deum*, I,1).

Għal ħafna żmien twil Egidio iddedika ruħu bla waqfien fil-mixi tiegħu li jgħollih 'il fuq, u ta' spiss kien jintilef f'estasi f'Alla. Dan rajtu jien ukoll b'għajnejja stess, u nista' nixhed fiż-żgur li hu kien jgħix, iva, fost il-bnedmin, imma aktar ħajja ta' anġlu milli ta' bniedem. [1C 25; AP 14.17; L3C 32.35]

[1153] 5 Kien ukoll f'dak iż-żmien li ċertu qassis mill-belt ta' Assisi, jismu Silvestro, raġel ta' ħajja tajba, kellu viżjoni mill-Mulej li mhux ta' min jaħbiha fis-skiet. Dment li kien iħares b'għajnejn ta' bniedem lejn il-mod kif Franġisku u l-aħwa tiegħu kienu qed jgħixu, huwa nissel fih sentimenti ta' stmerrija. Iżda ħarset lejh u żaritu l-grazzja tas-sema biex ma jsibx ruħu fil-periklu minħabba l-ġudizzju temerarju li kien qed jagħmel dwarhom. Darba minnhom, waqt li kien rieqed, ra fil-ħolm li l-belt ta' Assisi kienet imdawwra bi *dragun kbir* (cfr. Dan 14,22) li kien qed jhedded il-ħin kollu li se jeqred dawk l-inħawi kollha għax kien ta' kobor li jgħaġġbek. Ra, imbagħad, salib tad-deheb ħiereġ minn fomm Franġisku: il-ponta tiegħu kienet *tilħaq is-sema* (cfr. Ġen 28,12), u d-dirgħajn, miftuħa beraħ, bħal donnhom kienu jilħqu sat-trufijiet tad-dinja. Meta dak id-dragun, faħxi u jkexkxek tħares lejh, ra dak is-salib leqqien, ħarab u ma deherx aktar. Din il-viżjoni raha għal darba, tnejn, tlieta, u mbagħad fehem li din id-dehra kellha messaġġ ġej minn Alla, u irrakkonta kollox ħaġa, ħaġa, lill-bniedem ta' Alla u lil ħutu. Ma għaddiex wisq żmien wara dan li Silvestro ma ħalliex id-dinja, u mexa fuq il-passi ta' Ġesù b'perseveranza hekk kbira li l-ħajja tiegħu fi ħdan l-Ordni wettqet l-awtentiċità tal-viżjoni li kellu meta kien għadu fid-dinja[32]. [AP 13; L3C 30-31; 2C 109; 3C 3]

[1154] 6 Meta l-bniedem ta' Alla sema' b'din il-viżjoni ma ħalliex li jiġi mkaxkar mill-glorja fiergħa tal-bnedmin, iżda waqt li għaraf it-tjubija ta' Alla fil-benefiċċji li Hu jqassam, ħassu aktar imħeġġeġ biex jikkumbatti l-ħażen ta' l-għadu l-qadim, u jippriedka l-glorja tas-salib ta' Kristu. Jum fost l-oħrajn, waqt li kien f'post solitarju *jibki l-imgħoddi tiegħu fl-imrar ta' qalbu* (cfr. Is 38,15), ħass ruħu timtela bil-ferħ ta' l-Ispirtu s-Santu, u ġie żgurat li dnubietu l-imgħoddija kienu maħfura għal kollox[33]. Imbagħad intilef f'estasi u daħal kollu kemm hu f'dija ta' dawl ta' l-għaġeb. Waqt li kien f'dan l-istat ħass l-orizzonti ta' moħħu jitwessgħu, u seta' jara b'mod ċar dak kollu li kien se jgħaddi mingħalih u minn għala wliedu fil-ġejjieni. Meta għadda l-estasi mar lura ħdejn l-aħwa u qalilhom: "*Agħmlu l-qalb,* l-aktar għeżież tiegħi, u *ifirħu fil-Mulej* (cfr. Ef 6,10; Fil 3,1; 4,4). Issewdux qalbkom għax intom ftit fil-għadd, u lanqas ma għandkom għax titbeżżgħu minħabba s-sempliċità tiegħi jew tagħkom. Għax kif il-Mulej għoġbu jgħarrafni f'viżjoni kollha verità, Alla għad ikattarna bil-bosta, u l-grazzja tal-barka tiegħu tagħmel li aħna nikbru b'ħafna modi". [1C 26-27; AP 18; L3C 36]

[1155] 7 Kien ukoll għal din il-ħabta li raġel twajjeb ieħor daħal fl-Ordni, u hekk il-għadd ta' l-ulied imbierka tal-bniedem ta' Alla sar sebgħa. Il-missier twajjeb, imbagħad, ġabar madwaru lil uliedu u qagħad jitkellem fit-tul magħhom dwar *is-Saltna ta' Alla* (cfr. Atti 1,3), it-tmaqdir tad-dinja, iċ-ċaħda tar-rieda tagħhom infushom u t-tgħakkis tal-ġisem. Kellimhom ukoll dwar il-ħsieb li kellu li jibgħathom fl-erbat irjiħat tad-dinja. Għax is-sempliċità *sterili* u fqajra tal-missier qaddis kienet *welldet* diġà seba' ulied (cfr. 1Sam 2,5; Gal 4,19), u xtaq li jwelled għal Kristu l-Mulej lill-

---

[32] Fra Silvestro, li nsiru nafu bil-konverżjoni tiegħu għall-ewwel darba minn 2C 109, kien l-ewwel saċerdot li daħal fl-Ordni. Il-viżjoni ta' Silvestru hi r-raba' waħda fil-lista ta' dehriet tas-salib li jsemmi Bonaventura fil-LM, u li jwasslu għall-episodju ta' La Verna.

[33] It-tradizzjoni Franġiskana tqiegħed din l-esperjenza ta' maħfra li kiseb Franġisku fli *speco* ta' l-eremitaġġ ta' Poggio Bustone, fuq il-Valle Reatina.

fidili kollha msejħin biex jibku dnubiethom u jagħmlu penitenza. "Morru", qal il-missier ħelu lil uliedu, "morru xandru l-paċi lill-bnedmin, *ippriedkaw il-penitenza għall-maħfra tad-dnubiet* (Mk 1,4; Lq 3,3). Ħa jkollkom is-sabar fit-tiġrib, ishru fit-talb, kunu mħeġġin fix-xogħol, irżina fid-diskors tagħkom, meqjusa fl-imġieba u rikonoxxenti għall-ġid li jagħmlulkom, għax għal dan kollu hemm imħejjija għalikom is-Saltna ta' dejjem". Huma, min-naħa tagħhom, mixħutin għarkubbtejhom bl-umiltà kollha quddiem il-qaddej ta' Alla, laqgħu bil-ferħ ta'l-Ispirtu l-mandat ta' l-ubbidjenza qaddisa. Wara dan, lil kull wieħed individwalment kien jgħidlu: "*Ħalli xortik f'idejn il-Mulej, u Hu jieħu ħsiebek*" (S 54,23). Kliem bħal dan kien iħobb jgħid kull meta kien jibgħat lil xi ħadd mill-aħwa tiegħu b'ubbidjenza. Franġisku kien jaf li hu ġie mogħti bħala eżempju lill-oħrajn, u għalhekk ried li l-ewwel *jagħmel* u mbagħad *jgħallem* (cfr. Atti 1,1). Hu, imbagħad, flimkien ma' wieħed minn sħabu, erħielha għal naħa waħda, u s-sitta l-oħra qassamhom tnejn, tnejn f'għamla ta' salib. Iżda meta kien għadda ftit taż-żmien, il-missier twajjeb xtaq b'ħerqa kbira li jerġa' jara lill-ulied għeżież tiegħu. U billi hu stess ma setax isejħilhom lura, talab li dan iseħħ permezz ta' Dak li *jiġma' lill-imxerrdin ta' Israel* (cfr. S 146,2). U ġara li, bla ma ħadd sejħilhom u bla ma lanqas huma ma kienu jittamaw li dan se jiġri, wara ftit taż-żmien, b'għaġeb kbir tagħhom ilkoll, sabu ruħhom flimkien mill-ġdid. Hekk, bil-għajnuna tat-tjieba ta' Alla, seħħet ix-xewqa tiegħu. Kien ukoll għal din il-ħabta li erbat irġiel mill-aħjar ingħaqdu magħhom, u hekk in-numru ta' l-imseħbin sar tnax. [1C 29-31; AP 15-17; L3C 33-35]

[1156] 8 Meta ra li, bil-mod il-mod, il-għadd ta' l-aħwa kien qed jiżdied, il-qaddej ta' Kristu, bi kliem sempliċi, kiteb għalih u għal ħutu forma ta' ħajja. Ried li tkun mibnija tajjeb fuq pedament sod: il-ħarsien ta' l-Evanġelju mqaddes[34]. Żied ukoll xi direttivi oħra li dehrulu li huma meħtieġa biex l-aħwa jgħixu flimkien l-istess għamla ta' ħajja. Xtaq b'qalbu kollha li dak li jikteb hu jkun approvat mill-Papa, u għalhekk iddeċieda li, flimkien ma' l-aħwa sempliċi li ngħaqdu miegħu, imur għand is-Sede Apostolika, u jħalli lil Alla jmexxi Hu. U Alla, li kien qed iħares mill-għoli lejn ix-xewqa ta' dan il-qaddej tiegħu, biex iqawwi l-kuraġġ ta' sħabu li kienu mbeżżgħa għall-aħħar minħabba s-sempliċità tagħhom, bagħatlu din il-viżjoni. Dehirlu li kien miexi fi triq li mal-ġenb tagħha kien hemm siġra għolja ħafna. Hu mar ħdejha, u minn taħtha qagħad iħares lejn il-quċċata u jistagħġeb bil-għoli tagħha. Fid-daqqa u l-ħin ħass bħal qawwa ġejja minn Alla tgħollih 'il fuq, hekk li seta' jmiss il-quċċata ta' fuqnett, u b'faċilità kbira jilwiha lejn l-art. Il-bniedem ta' Alla fehem sewwa li din il-viżjoni kienet profezija dwar dak li kien se jiġri: li s-Sede Apostolika, bid-dinjità kollha tagħha, kienet se titbaxxa sa ħdejhom, u dan imlieh bil-ferħ ta' l-ispirtu[35]. Għamel il-qalb, għalhekk, u farraġ lil sħabu fil-Mulej, u telaq flimkien magħhom għal għonq it-triq. [1C 32-33; AP 31; L3C 46-53]

[1157] 9 Meta ppreżenta ruħu fil-Kurja Rumana daħħluh quddiem il-Papa, u Franġisku spjegalu x'kienet il-fehma li wasslitu hemm, u bl-umiltà kollha, imma wkoll b'insistenza qaddisa, talbu japprova r-Regola ta' ħajja li kien kiteb. Il-Vigarju ta' Kristu, is-Sinjur Innoċenz III, raġel li tabilħaqq kien mogħni bil-għerf u d-dehen, ammira għall-aħħar is-safa u s-sempliċità f'dan il-

[34] Bonaventura jitkellem dwar il-formazzjoni tar-Regola Franġiskana fl-1209, il-protoregola, jew *forma vitae*, magħmula minn xi siltiet ta' l-Evanġelju. Dak li jolqotna hu l-insistenza li Franġisku kiteb bi kliem sempliċi forma ta' ħajja, li kienet twassal għall-osservanza ta' l-Evanġelju. Dan kien l-uniku programm tal-qaddis, kif jgħid hu nnifsu fit-*Testment* 14-15: *Et postquam Dominus dedit mihi de fratribus, nemo ostendebat mihi, quid deberem facere, sed ipse Altissimus revelavit mihi, quod deberem vivere secundum formam sancti Evangelii. Et ego paucis verbis et simpliciter feci scribi et dominus Papa confirmavit mihi..*

[35] Filwaqt li Bonaventura jqiegħed din il-viżjoni qabel ma Franġisku jmur Ruma għand il-Papa Innoċenz III, 1C 32 jqiegħda wara li l-Papa jkun approva bil-fomm il-*forma vitae*.

bniedem ta' Alla, il-qawwa tal-fehma u l-ħeġġa tar-rieda qaddisa tiegħu, u ħassu miġbud li japprova t-talbiet tiegħu. B'danakollu, ma riedx li japprova kif ġieb u laħaq dak li kien qed jitolbu l-fqajjar ta' Kristu, għaliex xi Kardinali dehrilhom li din kienet xi ħaġa ġdida, u wkoll iebsa ħafna għall-forzi tal-bniedem. Fost il-Kardinali kien hemm is-Sinjur Giovanni di San Paolo, l-isqof ta' Sabina, raġel li tixraqlu kull qima, iħobb kull ħaġa qaddisa, u dejjem lest iwieżen il-foqra ta' Kristu. Mimli bil-ħeġġa ta' l-Ispirtu s-Santu, lill-Papa u lil ħutu l-Kardinali kellimhom hekk: "Tabilħaqq, dan il-fqajjar qed jitlob biss li tiġi ikkonfermata lilu l-forma ta' ħajja evanġelika li kiteb. Kemm il-darba aħna nirrifjutaw li nilqgħu t-talba tiegħu għax inqisuha bħala xi ħaġa stramba u iebsa żżejjed, noqogħdu attenti li b'dan l-għemil tagħna ma nkunux qed noffendu l-Evanġelju ta' Kristu. Għax jekk xi ħadd jgħid li fil-ħarsien tal-perfezzjoni evanġelika u fil-vot li wieħed jipprattikaha hemm xi ħaġa ġdida jew li mhix raġjonevoli, jew impossibbli li tiġi mħarsa, ikun ħati ta' dawgħa kontra Kristu, l-awtur ta' l-Evanġelju". Meta sema' jingħad dan, is-suċċessur ta' Pietru l-Appostlu dar lejn il-fqajjar ta' Kristu, u qallu: "Itlob lil Kristu, ibni, biex permezz tiegħek jurina r-rieda tiegħu. Meta nsiru nafuha b'ċertezza akbar, aħna nkunu nistgħu naqtgħulek ix-xewqa qaddisa tiegħek aktar fiż-żgur". [1C 33; AP 32-34; L3C 47-48; 2C 16]

[1158] 9a Żjieda magħmula wara[36]

Meta ippreżenta ruħu fil-Kurja Rumana daħħluh quddiem il-Papa, li dik il-ħabta kien fil-palazz tal-Lateran. Mehdi fi ħsibijiet għolja li fuqhom kien qed jimmedita, il-Vigarju ta' Kristu dak il-ħin inzerta kien qed jippassiġġa fil-post imsejjaħ "Il-Mirja". Billi ma kien jaf b'xejn dwar il-qaddej ta' Kristu, meta sabu ma' wiċċu ħabta u sabta, bagħatu 'l barra b'ġest ta' tmaqdir. Franġisku, bl-umiltà kollha, ħareġ 'il barra. Il-lejl ta' wara, iżda, Alla bagħat lill-Papa din il-viżjoni. Minn ħdejn riġlejh ra tikber palma li, bil-mod il-mod, saret siġra mill-isbaħ. U waqt li l-Vigarju ta' Kristu qagħad itella' u jniżżel x'setgħet tfisser dik il-viżjoni, dawl ġej minn Alla ġiegħlu jifhem li dik il-palma kienet tiffigura lil dak ir-raġel fqajjar li l-ġurnata ta' qabel kien keċċa minn quddiemu. Il-għada filgħodu l-Papa bagħat lill-qaddejja tiegħu jfittxu fil-belt lil dak il-fqajjar. Sabuh fl-isptar ta' Sant'Anton, qrib il-Lateran, u b'ordni tal-Papa, bil-għaġġla ħaduh quddiemu.

---

[36] Dan il-paragrafu, ħlief għall-ewwel sentenza, ġie miżjud mal-LM minn Girolamo di Ascoli Piceno, Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri immedejatament wara Bonaventura, (1274-1279), u li wara sar Papa bl-isem ta' Nicolò IV. Hu kien sar jaf b'dan il-fatt mill-Kardinal Riccardo degli Annibaldi, li kien jiġi minn Innoċenz III (cfr. Arnald de Sarrant, *Chronica XXIV Generalium*, in *Analecta Franciscana* III,365). Dan l-atteġġjament ostili ta' Innoċenz III malli ra quddiemu lil Franġisku jista' jispjega wkoll dak li jgħid Roger ta' Wendover, fix-xhieda tiegħu (*Fonti Francescane*, 2285-2287): "Il-Papa, wara li qagħad iqis bir-reqqa dak ir-raġel liebes hekk stramb, u li kellu wiċċ ta' min jistmerru, leħja twila, xagħaru mħarbat, ix-xagħar ta' fuq għajnejh iswed u mdendel, kif ukoll dik il-qagħda li biha hu ippreżenta ruħu quddiemu, hekk iebsa u impossibbli skond il-ġudizzju tal-bnedmin, stmerru f'qalbu u qallu: «Ħija, mur, fittex il-qżieqeż, li inti tixbaħhom aktar milli tixbaħ lill-bnedmin. Imbagħad, oqgħod tgerbeb magħhom fit-tajn, u meta tiġi ikkonsagrat bħala predikatur tagħhom, agħti lilhom ir-Regola li inti ħejjejt». Franġisku ma qagħadx jistenna, imma mall-ewwel, b'rasu baxxuta ħareġ 'il barra. Dam jitħabat mhux ftit biex isib il-qżieqeż; imma meta fl-aħħar iltaqa' ma' merħla minnhom, mar jitgerbeb magħhom fit-tajn hekk li spiċċa kollu imċappas f'ġismu u ħwejġu, minn rasu sa saqajh. U f'dik il-qagħda li kien, mar lura fil-konċistorju u dar lejn il-Papa u qallu: «Sinjur, jien għamilt dak li ikkmandajtni. Issa, nitolbok, ilqa' t-talba tiegħi». Il-Papa, quddiem dan il-fatt, baqa' miblugħ bl-istagħġib. Tnikket li kien iddisprezza lil dak ir-raġel. Reġa' ġie f'sensieh u ikkmandah biex imur jinħasel u mbagħad jerġa' lura għandu. Franġisku mar jiġri jinħasel mit-tajn u mall-ewwel reġa' lura quddiemu. Il-Papa mbagħad, imqanqal mill-ħniena lejh, approva t-talba tiegħu, u ta lilu u lid-dixxipli tiegħu l-uffiċċju tal-predikazzjoni, permezz ta' privileġġ tal-Knisja Rumana, u wara li bierku, bagħatu". L-isptar li fih il-Papa jsib lil Franġisku kien dak ta' Sant'Antonio, fuq il-Colle Celio, bejn il-Lateran u l-Colosseo, fejn kien hemm lebbrożarju mmexxi mill-irħieb ta' Sant'Anton Abbati. Xi studjużi huma tal-fehma li kien hemm li Franġisku sar jaf bis-sinjal *Tau* li dawn l-irħieb kienu jġorru fuq it-tonka tagħhom.

[1159] 10 Il-qaddej ta' Alla li jista' kollox, fada ruħu kollu kemm hu fil-qawwa tat-talb. Bit-talb tiegħu qala' l-grazzja għalih innifsu li jkun jaf x'għandu jgħid bil-fomm, u għall-Papa x'għandu jħoss f'qalbu. Infatti, lill-Papa irrakkontalu l-parabbola li ġie suġġerita lilu minn Alla nnifsu. Il-parabbola kienet din: sultan għani, kollu ferħan, iżżewweġ mara sabiħa, iżda fqira. It-tfal li kellu minnha ħarġu jixbħu lir-re, missierhom, u minħabba f'hekk ġew mantnuti b'ikel mill-mejda tiegħu. Franġisku mbagħad ta t-tifsira tal-parabbola, u qal lill-Papa: "L-ulied u l-werrieta tas-Sultan ta' dejjem m'għandhomx għax jibżgħu li se jmutu bil-ġuħ. Huma twieldu minn omm fqajra bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u jixbħu lil Kristu s-Sultan; bil-qawwa ta' l-ispirtu tal-faqar jiġu mnissla fir-reliġjon fqajra tagħna. Għax tabilħaqq, jekk is-Sultan tas-sema jwiegħed *is-saltna ta' dejjem* lil dawk li jimitawh (cfr. 2Pt 1,11; Mt 19,28), kemm aktar jipprovdi dawk il-ħwejjeġ li Hu jagħti bla ma jagħmel għażla *kemm lit-tajbin u kemm lill-ħżiena* (cfr. Mt 5,45)". Il-Vigarju ta' Kristu qagħad jisma' b'attenzjoni kbira l-parabbola u t-tifsira tagħha, mistagħġeb għall-aħħar, u minn dak il-ħin ma kellu ebda dubju li f'dak ir-raġel fqajjar kien tkellem Kristu nnifsu. Viżjoni oħra li kellu dik il-ħabta kompliet saħħitu fil-fehma tiegħu, għax fiha l-Ispirtu ta' Alla wrieh il-missjoni li Franġisku kien iddestinat għaliha. Hu stess irrakkonta kif fil-ħolm tiegħu kien ra l-bażilika tal-Lateran għoddha sejra tiġġarraf, u raġel fqajjar, *qsajjar u ta' min imaqdru* (cfr. Is 16,14; 5,3), kien qed jirfidha bi spallejh biex ma jħallihiex tiġġarraf. "Dan hu tabilħaqq dak, qal, li bil-għemil u t-tagħlim tiegħu għad jirfed il-Knisja ta' Kristu". Minn dakinhar 'il quddiem ħassu jimtela b'qima kbira lejn il-qaddej ta' Kristu, u kien lest li jilqa' bil-qalb it-talbiet tiegħu u sar iħobbu b'imħabba speċjali. Tah kull ma talbu, u wiegħedu li fil-ġejjieni jagħtih aktar ukoll. Approvalu r-Regola, u tah il-mandat li jippriedka l-penitenza. Lill-aħwa lajċi kollha li kienu jakkumpanjawh ried li tingħatalhom ukoll tonsura żgħira[37] biex huma wkoll ikunu jistgħu jippriedkaw bil-libertà kollha *l-kelma ta' Alla* (cfr. Lq 11,28). [1C 33; AP 35-36; L3C 50-52; 2C 16-17]

## Kapitlu IV
## Dwar il-progress ta' l-Ordni taħt it-tmexxija tiegħu, u l-konferma tar-Regola li kienet ġiet approvata.

[1160] 1 Moħħu mistrieħ fuq il-grazzja ta' Alla u l-awtorità tal-Papa, b'fiduċja kbira Franġisku erħielha lejn il-wied ta' Spoleto, biex hemm *jgħix u jgħallem* (cfr. Atti1,1) l-Evanġelju ta' Kristu. Huma u mexjin fit-triq qabad jitkellem ma' sħabu dwar kif l-aħjar iħarsu bis-sinċerità kollha r-Regola li kienu ħaddnu, x'għandhom jagħmlu biex jimxu 'l quddiem f'kull *qdusija u ġustizzja* (cfr. Lq 1,75) quddiem Alla, u dwar kif għandhom jitqaddsu huma u jkunu ta' eżempju għall-oħrajn. Il-konversazzjoni tagħhom ħadet fit-tul u l-jum kien wasal għat-tmiem. Għajjenin kif kienu wara mixja twila u mġewwħa għall-aħħar, waqfu jistrieħu f'post imwarrab. Issa, billi hemm b'ebda mod ma setgħu jsibu xi ħaġa ta' l-ikel biex jitrejjqu, minnufih ħasbet fihom il-providenza ta' Alla. Ħin bla waqt deher raġel b'ħobża f'idu, newwilha lill-foqra ta' Kristu, u

[37] Il-*coronos parvulas*, jew tonsure żghar, hi espressjoni differenti minn dik ta' AP 36 (*clericam*) u ta' L3C 51 (*tonsuram*). Il-*Fontes* jgħid li hu l-Papa, bl-insistenza tal-Kardinal Giovanni di San Paolo, li jagħti dan is-sinjal lil Franġisku u l-aħwa "biex ikunu jistgħu jippriedkaw bla xkiel il-Kelma ta' Alla". Il-kwestjoni dwar jekk din il-kjerika, jew tonsura, kienetx tqiegħed lill-ewwel aħwa fl-ordni tal-kjeriċi, ma għandhiex x'taqsam mal-kuntest tal-*Fontes*, u ma jidhirx li hi intenzjoni tal-bijografi li jagħmlu affermazzjoni bħal din. Minkejja dan, id-diskussjoni dwar dan l-aspett tal-fundazzjoni tal-kariżma Franġiskan, għadha miftuħa.

mbagħad ħadd aktar ma rah b'għajnejh. U bħalma ħadd ma jaf mnejn ġie, hekk ukoll ħadd ma seta' jgħid fejn mar. Meta l-aħwa foqra raw dan fehmu li, dment li jkunu fil-kumpanija ta' dan il-bniedem ta' Alla, żgur li ma kienet ser tonqoshom ebda għajnuna mis-sema. U ħassewhom aktar imxebbgħin b'dak id-don tal-ġenerożità ta' Alla milli bl-ikel materjali li bih kienu taffew il-ġuħ. Barra dan, qalbhom tfawwar b'faraġ ġej minn Alla, ħadu deċiżjoni qawwija u impenjaw ruħhom bis-sħiħ li qatt ma kienu ser jerġgħu lura mill-wegħda li għamlu li jgħixu l-faqar: la għax ikollhom ibatu l-ġuħ u lanqas għax ikollhom isofru xi tiġrib ieħor. [1C 34; 2C 17]

[1161] 2 Meta, sħaħ għall-aħħar fil-fehma qaddisa tagħhom, reġgħu lura lejn il-wied ta' Spoleto, bdew jiddiskutu bejniethom jekk kellhomx jgħixu qalb in-nies, jew inkella jmorru jgħixu f'postijiet solitarji[38]. Iżda l-qaddej ta' Kristu Franġisku la ried jafda fuq l-esperjenza tiegħu u lanqas fuq dik ta' sħabu. Għalhekk ingħata b'ħerqa għat-talb bit-tama li jirnexxilu jsir jaf ir-rieda ta' Alla dwar dan. Imdawwal minn rivelazzjoni ġejja mis-sema għaraf li l-Mulej kien bagħatu għal dan il-għan: biex jirbaħ għal Kristu l-erwieħ li x-xitan kien qed jipprova jaħtaf. Għażel, għalhekk, li jipprova jgħix aktar għall-oħrajn milli għalih innifsu biss, imqanqal mill-eżempju ta' Dak li indenja ruħu *jmut Hu waħdu għal kulħadd* (cfr. 1 Kor 5,15). [1C 35]

[1162] 3 Il-bniedem ta' Alla, flimkien ma' sħabu l-oħra, mar jgħammar f'daqsxejn ta' għarix abbandunat, qrib il-belt ta' Assisi[39]. Bdew jgħixu hemm skond ir-regola tal-faqar imqaddes, *f'ħafna xogħol* (cfr. 2Kor 11,27), nieqsin minn ħafna affarijiet, u jitrejjqu aktar bil-*ħobż tad-dmugħ* (cfr. S 79,6) milli bil-benna ta' l-ikel tal-ġisem. Il-ħin kienu jgħadduh mehdijin fit-talb lil Alla, imma aktar kienu mogħtija għat-talb devot mentali milli għal dak tal-fomm: għax kien għad ma kellhomx il-kotba liturġiċi li fuqhom ikantaw is-Sigħat kanoniċi. Minflok dawn il-kotba kellhom is-salib ta' Kristu: lejh kienu jħarsu lejl u nhar, mgħallmin kif kienu mill-eżempju u l-kliem tal-missier li ma kienx jehda jkellimhom fuq is-salib ta' Kristu. Meta mbagħad l-aħwa talbuh jgħallimhom jitolbu, qalilhom: "*Meta titolbu, għidu: Missierna li inti fis-smewwiet* (Lq 11,2; Mt 6,9), u: Nadurawk, o Kristu, fil-knejjes kollha tiegħek li jinsabu fid-dinja kollha, u nberkuk, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja"[40]. Barra dan, għallimhom ukoll ifaħħru lil Alla fil-ħlejjaq kollha u wkoll minħabba fihom, juru qima speċjali lejn is-saċerdoti, u jemmnu bis-sħiħ il-verità tal-fidi u jistqarruha bis-sempliċità kollha, hekk kif iżommha u tgħallimha l-Knisja mqaddsa ta' Ruma. Huma kienu jħarsu b'mod sħiħ it-tagħlim li kien jagħtihom il-missier qaddis u meta kienu jilmħu, imqar mill-bogħod, xi knisja jew xi salib, kollha kienu jinxteħtu fl-art bl-umiltà kollha u jitolbu skond il-forma tat-talb li għallimhom hu. [1C 42.45; AP 19; L3C 37.55; 3C 3]

[1163] 4 Fiż-żmien meta l-aħwa kienu għadhom joqogħdu f'dan il-post, darba minnhom is-Sibt, ir-raġel qaddis mar fil-belt ta' Assisi biex, kif kienet id-drawwa tiegħu, il-Ħadd filgħodu jippriedka fil-knisja kattidrali. Ta' raġel devot lejn Alla li kien, kif kien jagħmel dejjem, għadda

[38] Minkejja l-esperjenza ta' gruppi oħrajn ta' predikaturi tal-penitenza, Franġisku u d-dixxipli tiegħu riedu jiddefinixxu darba għal dejjem dak li ried minnhom il-Mulej. Bonaventura jiżviluppa l-mument ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li 1C 35 jagħtina biss il-konklużjoni tagħha. Imma flimkien ma' Celano hu wkoll jikkonkludi li Franġisku ma riedx jgħix għalih innifsu biss, imma għal kulħadd, fuq l-eżempju ta' Kristu.

[39] Bil-Latin *in quodam tugurio derelicto iuxta civitatem Assisii*, jiġifieri fil-gorboġ, jew għarix, ta' Rivotorto, ftit distanza 'l bogħod mill-Porziuncola, fejn Franġisku u l-aħwa għexu għal xi żmien meta ġew lura minn Ruma. F'dan l-ewwel żmien Franġisku ingħata għall-formazzjoni ta' l-aħwa tiegħu.

[40] Id-deskrizzjoni tal-ħajja tat-talb ta' l-ewwel fraternità u, b'mod partikulari, it-tagħlim dwarha li jagħti Franġisku, tiġi mirquma tajjeb minn Bonaventura, li jagħmel użu tajjeb mis-siltiet ta' Celano, Julian ta' Speyer u Franġisku nnifsu.

l-lejl f'għarix fil-ġnien tal-kanoniċi, jitlob lil Alla, bogħod fil-ġisem minn uliedu. Iżda, ara, qrib nofs il-lejl, waqt li xi wħud mill-aħwa kienu jistrieħu u oħrajn jishru fit-talb, *karru tan-nar* (cfr. 2Slat 2,11) jarmi dija ta' l-għaġeb daħal mill-bieb u dar għal tliet darbiet *mal-post fejn kienu* (cfr. 2Slat 2,14). Fuq dan il-karru kien hemm globu jarmi d-dawl, qisu kien xi xemx, hekk li ħarrab id-dalma tal-lejl. Dawk li *kienu għadhom jishru*, meta raw dan, baqgħu miblugħin, u dawk li kienu rieqda *qamu b'biża' kbir* (cfr. Lq 2,8; Mt 28,4) fuqhom. Ilkoll ħassew li d-dija ta' dak id-dawl dawwlitilhom qalbhom xejn inqas milli dawwlet 'il ġisimhom: għax bis-saħħa ta' dak id-dawl ta' l-għaġeb kull wieħed minnhom seta' jara sewwa x'kien hemm fil-kuxjenza ta' l-ieħor. Kull wieħed minnhom seta' jara u jaqra qalb l-ieħor u kollha kienu jaqblu fil-fehma li l-Mulej kien urihom il-missier qaddis, *il-bogħod bil-ġisem* imma *preżenti fosthom bl-ispirtu* (cfr. 1Kor 5,3), ittrasfigurat b'mod soprannaturali mid-dawl tad-dija tas-sema u mill-ħuġġieġa ta' nar is-sema fuq dak *il-karru* ta' dawl u *nar* (cfr. 2Slat 2,11) biex jurihom biċ-ċar li huma, bħala *veri Israeliti* (cfr. Ġw 1,47) kellhom jimxu warajh. Għax tabilħaqq hu, bħal Elija ieħor, kien magħżul minn Alla biex ikun *karru u rikkieb* (cfr. 2Slat 2,12) għal irġiel spiritwali[41]. Dan għandna nemmnuh tassew: Hu, għat-talb ta' Franġisku *fetaħ għajnejn* (cfr. Ġw 9,32) dawn in-nies sempliċi biex jaraw *l-għeġubijiet ta' Alla* (cfr. Atti 2,11; Sir 18,5), bħalma darba fetaħ għajnejn il-qaddej biex ikun jista' jara *l-għolja mimlija żwiemel u karrijiet tan-nar madwar il-profeta Eliżew* (cfr. 2Slat 6,17). Meta l-qaddis mar lura ħdejn l-aħwa tiegħu bed jgħarbel bir-reqqa s-sigrieti tal-kuxjenza tagħhom, jagħmlilhom il-qalb bis-saħħa ta' dik il-viżjoni ta' l-għaġeb, u jbassar ħafna ħwejjeġ dwar l-Ordni li kellhom iseħħu fil-ġejjieni. Meta hu għarrafhom b'ħafna ħwejjeġ li moħħ il-bniedem bil-ħila tiegħu biss ma kien qatt jirnexxilu jsir jaf, l-aħwa ikkonvinċew ruħhom tabilħaqq li *l-Ispirtu tal-Mulej*, fil-milja kollha tiegħu, kien *strieħ fuq il-qaddej tiegħu* Franġisku (cfr. Is 11,2), u għalhekk setgħu, bl-akbar sigurtà, jimxu fuq it-tagħlim u l-ħajja tiegħu. [1C 47-48]

[1164] 5 Wara dawn il-ġrajjiet, Franġisku, ir-ragħaj tal-*merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32), imnebbaħ mill-grazzja ta' Alla, ħa lit-tnax lejn Santa Marija tal-Porziuncola. Ix-xewqa tiegħu kienet li l-Ordni tal-Minuri jikber u jimxi 'l quddiem taħt il-ħarsien ta' Omm Alla, proprju hemm fejn, għall-merti tagħha, kellu l-bidu tiegħu[42]. Kien ukoll f'dan l-istess post li hu sar il-ħabib ta' l-Evanġelju, u *beda jdur il-bliet* u l-kastelli, *u jxandar is-Saltna ta' Alla, mhux bil-kliem imlibbes bil-qawwa ta' għerf il-bniedem, imma b'dak ta' l-Ispirtu* (cfr. Mt 9,35; 1Kor 2,4.13; Lq 9,60). Dawk li kienu jħarsu lejh kienu jarawh bħallikieku kien bniedem ġej minn dinja oħra: moħħu u ħarstu kienu merfugħa dejjem lejn is-sema[43], kien jagħmel ħiltu biex jiġbed lil kulħadd lejn il-ħwejjeġ ta' fuq. Minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-għalqa tad-dwieli ta' Kristu bdiet tarmi friegħi jfewwħu bi fwieħet il-Mulej, u jagħmlu *frott* kotran kollu ħlewwa, *ġieħ u tjubija* (cfr. Sir 24,23). [1C 36-37; AP 36; L3C 54]

---

[41] Din il-viżjoni, li hawnhekk hi aktar żviluppata milli f'1C 47, toffri lil Bonventura l-okkażjoni biex jisħaq għal darb'oħra dwar il-missjoni fdata minn Alla lil Franġisku: li jkun Elija ieħor, b'missjoni profetika biex imexxi lill-irġiel spiritwali. It-tema hi diġà preżenti fil-Prologu tal-LM, u hi interessanti l-espressjoni *virorum spiritualium*, fil-kuntest storiku ta' l-*Ecclesia spiritualis*, li kien jipprovdi l-bażi ta' l-idejiet apokalittiċi li kienu jserrpu fl-Ordni, bħala riżultat tat-tejoloġija ta' l-istorja ta' Gioacchino da Fiore.

[42] It-trasferiment tal-fraternità fil-Porziuncola, għal Bonaventura jimmarka l-bidu tal-ħidma apostolika tal-Patrijiet Minuri. Ċertament li d-Duttur Serafiku jrid jorbot is-sejħa għall-*apostolica vivendi forma* tal-Patrijiet Minuri mal-Porziuncola, il-post qaddis li fih hu jara titwieled din il-forma ta' ħajja evanġelika taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija ta' l-Anġli. Il-Porziuncola ssir iċ-ċentru li minnu tinfirex il-ħajja ta' l-Evanġelju mħaddna mill-Patrijiet Minuri, mill-*Povere Dame* u mill-Aħwa tal-Penitenza, ilkoll imwaqqfin minn S. Franġisk.

[43] Bonaventura wkoll jagħti lil Franġisku t-titlu ta' *homo alterius saeculi* (L3C 54). L-espressjoni latina *mente ac facie in caelum semper intentus*, hi frażi meħuda mir-raba' antifona tal-Lawdi ta' l-Uffiċċju ta' San Martin ta' Tours, kif ukoll mit-III Ittra, n. 14, ta' Sulpicius Severus dwar dan ir-raħeb-isqof qaddis tant popolari fl-aġjografija medjevali.

[1165] 6 Imħeġġa mill-predikazzjoni tiegħu, kienu ħafna dawk li ntrabtu bil-liġijiet il-ġodda tal-penitenza skond il-forma li wera l-bniedem ta' Alla. Il-qaddej ta' Kristu qatagħha li jsejjaħ din il-għamla ta' ħajja l-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza[44]. Dan l-Ordni jilqa' fih lil kulħadd: membri tal-kleru u lajċi, xebbiet u ġuvintur u miżżewġin ukoll, għax it-triq tal-penitenza hi l-istess għal dawk kollha li jridu jmorru l-ġenna. Il-mirakli li saru minn xi wħud mill-imseħbin fih huma prova tal-merti li għandu quddiem Alla. Kien hemm ukoll xi xebbiet li ikkonsagraw ruħhom biex iħarsu s-safa għal ħajjithom kollha, fosthom Klara, verġni għażiża ħafna għal Alla, l-ewwel xitla ċkejkna li rmiet il-fwieħa bħal warda safja tar-rebbiegħa, u xerrdet dawl leqqieni bħal kewkba ta' dija ta' l-għaġeb. Issa li qiegħda fil-glorja tal-ġenna, il-Knisja fuq l-art tagħtiha l-ġieħ li bil-ħaqq kollu jistħoqqilha. Fi Kristu, Klara kienet il-bint ta' l-imqaddes missier, il-fqajjar Franġisku, u l-omm tal-*Povere Dame*[45]. [1C 18]

[1166] 7 Kienu ħafna dawk li, mhux biss misjuqin minn devozzjoni, imma wkoll għax imħeġġin minn xewqa qaddisa li jiksbu l-perfezzjoni ta' Kristu, maqdru kull frugħa tad-dinja, u iddeċidew li jimxu fuq il-passi ta' Franġisku. Il-għadd tagħhom kien jikber kuljum, u f'qasir żmien xterrdu *sat-trufijiet ta' l-art* (cfr. S 18,5). Infatti, il-faqar imqaddes, li huma kienu jġorru magħhom bħala ħażna waħdanija tagħhom, kien jagħmilhom dejjem lesti għal kull ubbidjenza, f'saħħithom għax-xogħol, u mħejjija biex jerħulha ħfief għal għonq it-triq. Billi huma ma kellhom xejn minn din l-art, qalbhom ma kienet marbuta ma' xejn, u ma kellhom ebda ħjiel ta' biża' li sejrin jitilfu xi ħaġa. Kull fejn ikunu kienu jħossuhom fiż-żgur, ħielsa minn kull ma seta' jħawwdilhom moħħhom jew itellifhom. Moħħhom kien kwiet, u b'serenità kienu jistennew jisbaħ il-jum ta' l-għada, ċerti li, malli jidħol il-lejl, isibu wkoll fejn jistkennu. F'ħafna nħawi tad-dinja kellhom iġarrbu l-insulti, bħallikieku kienu nies ta' min imaqdarhom u mhux magħrufa. Iżda l-imħabba għall-Evanġelju ta' Kristu għamlithom nies ta' sabar hekk kbir li huma stess kienu jmorru jfittxu dawk il-postijiet fejn kienu jafu li se jkunu ippersegwitati f'ġisimhom, waqt li jaħarbu minn dawk fejn il-qdusija tagħhom kienet magħrufa, u minħabba f'hekk setgħu jgawdu l-ġieħ u s-simpatija tan-nies. Għad li kienu neqsin minn kollox, b'danakollu kienu jħossuhom li kellhom ġid bil-kotra, għax skond il-parir ta' l-Għaref, kienu jikkuntentaw *bil-ftit daqslikieku kien ħafna* (cfr. Sir 29,30). Meta darba xi aħwa marru f'artijiet fejn in-nies kienu għadhom ma għandhomx il-fidi, iltaqgħu ma' wieħed Saraċin li, imqanqal mill-ħniena, offrielhom xi flus biex ikunu jistgħu jixtru x'jieklu. Meta ra li, għad li kienu neqsin minn kollox, ma ħadux il-flus li ried jagħtihom, baqa' mistagħġeb għall-aħħar. Iżda meta fl-aħħar fehem li huma ma riedux li jkollhom flus tagħhom għax kienu għażlu li jkunu foqra għall-imħabba ta' Alla, hu inġibed lejhom b'imħabba kbira u wegħedhom ukoll li, sakemm ikun jista', jibda jieħu ħsieb hu *għal kull ma jkollhom bżonn* (cfr. 1Slat 4,7). O prezzjożità li ma hawnx bħalha tal-faqar li l-qawwa tiegħu ta'l-għaġeb waslet tbiddel il-qalb ħarxau feroċi ta'

---

[44] Hawnhekk mhux il-post li naffrontaw il-bidu ta' l-Ordni ta' l-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza, jew it-Terz Ordni Franġiskan. Bonaventura, iżda, jitkellem minn Ordni, li Franġisku jagħtih isem u wkoll xi direttivi jew forma ta' ħajja tixbaħ lil dik li hu u l-aħwa kienu jgħixu. Cfr. O. Schmucki, *L'Ordine della Penitenza di San Francesco d'Assisi nel secolo XIII*, Roma 1973; Mariano D'Alatri, *I Frati penitenti di san Francesco nella società del Due e Trecento,* Roma 1977; *Il movimento francescano della Penitenza nella società medioevale*, Roma 1980.

[45] Bonaventura ma jidħolx fid-dettalji tal-ġrajja tal-vokazzjoni ta' S. Klara, u lanqas ma jitkellem fit-tul dwar it-II Ordni Franġiskan. Imma dak li hu interessanti hu li, lil Klara, jagħtiha l-istess titlu li kien ta lil fra Bernardo da Quintavalle, meta jsejħilha *plantula prima* (l-ewwel xitla) tal-*Povere Dame*. Dak li hu fundamentali f'dan il-paragrafu hu li S. Franġisk hu l-fundatur tat-tliet Ordnijiet. Jiżbaljaw dawk li jsostnu li Klara hi l-fundatriċi tal-*Povere Dame* (Klarissi). Dan lanqas qatt ma għadda minn moħħha, hi li kellha qima kbira lejn Franġisku, l-ispiratur tal-ħajja evanġelika tagħħa u tal-*Povere Dame* ta' San Damiano.

wieħed barrani f'qalb kollha ħlewwa u ħniena. U kemm hu delitt ikrah u faħxi li nisrani jgħaffeġ taħt riġlejh *ġawhra li tqum daqshekk* (cfr. Mt 7,6), u li Saraċin żammha f'ġieħ hekk għoli. [1C 37.39-40; AP 23; L3C 40.54]

[1167] 8 Dik il-ħabta Morico, reliġjuż, membru ta' l-Ordni tal-Crociferi, kien fi sptar qrib Assisi, ibati minn marda kiefra għall-aħħar. Kienet ilha ħafna fuqu, u t-tobba kienu qatgħuha li wasal f'ħalq il-mewt. Iżda hu iddeċieda li jdur lejn il-bniedem ta' Alla, u permezz ta' messaġġier bagħat jgħidlu biex jogħġbu jidħol għalih mal-Mulej. Il-missier twajjeb laqa' bil-qalb it-talba tiegħu, u wara li talab għalih, ħa xi farkiet ħobż, billhom fiż-żejt tal-lampier li kien jixgħel quddiem il-Verġni Marija, u għamel minnhom speċi ta' duwa. Bagħathielu ma' xi aħwa, u qalilhom: "Ħudu din il-mediċina lil ħuna Morico. Biha l-qawwa ta' Kristu mhux biss terġa' tagħtih lura saħħtu għal kollox, iżda wkoll tagħmel minnu gwerrier qalbieni, u ssieħbu għal dejjem ma' l-eżerċtu tagħna". Kif il-marid daq dik il-mediċina mħejjija għalih bi tnebbih mill-Ispirtu s-Santu, fieq minnufih. U qala' mingħand Alla tant saħħa, fir-ruħ u fil-ġisem, li meta ftit wara daħal fl-Ordni ta' dan ir-raġel qaddis, kien jilbes biss tonka waħda. Taħtha, għal ħafna żmien, kien jilbes qmis magħmula mix-xagħar, tmiss mal-laħam, u kien jiekol biss ikel nej. Għex ħafna snin jiekol biss ħxejjex u frottijiet, mingħajr ma jduq la ħobż u lanqas inbid, u b'danakollu baqa' dejjem raġel f'saħħtu u ħieles minn kull marda.

[1168] 9 Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdew jikbru l-merti u l-virtujiet f'dawn iċ-ċkejknin ta' Kristu, u l-fwieħa tal-fama tajba tagħhom xterrdet ma' kullimkien. Għalhekk, ħafna nies minn kull parti tad-dinja bdew ġejjin biex jaraw b'għajnejhom stess lill-missier qaddis. Fost dawn kien hemm wieħed li kien jinqala' ħafna biex jikteb kanzunetti tad-dinja, u billi l-Imperatur kien inkurunah bħala poeta, sar magħruf bħala r-*Re dei Versi*. Għamel il-ħsieb li jmur għand il-bniedem ta' Alla li issa kien sar magħruf minn kulħadd bħala wieħed li xejn ma kien jistma l-ħwejjeġ tad-dinja. Iltaqa' miegħu fir-raħal ta' San Severino waqt li kien qed jippriedka f'monasteru. U, ara, *id il-Mulej ġiet fuqu* (cfr. Eżek 1,3), u f'viżjoni ra lill-istess Franġisku, il-predikatur tas-salib ta' Kristu, immarkat minn żewġt ixwabel ileqqu ħafna, imqiegħdin fuqu f'għamla ta'salib: waħda mir-ras sar-riġlejn u l-oħra tgħaddi minn fuq sidru u tmiss minn palma sa palma ta' idejh. Qabel hu qatt ma kien ra wiċċ il-qaddej ta' Kristu, imma dlonk għarfu meta ġie muri lilu b'miraklu hekk kbir. Dik il-viżjoni ħallietu bla kliem, u minnufih qatagħha li jgħix ħajja aħjar. Ħass il-qawwa ta' kelmet il-qaddis tinfidlu qalbu, bħallikieku kienet xabla ta' l-ispirtu. Maqdar għal kollox l-unuri li kien igawdi fid-dinja, u ssieħeb mal-missier qaddis permezz tal-professjoni. Meta l-qaddis ra li kien ikkonverta tassew, u min-nuqqas ta'serħan li toffri d-dinja kien għadda għall-paċi ta' Kristu, taħ l-isem ta' fra Pacifico[46]. Maż-żmien fra Pacifico mexa ħafna 'l quddiem f'kull għemil ta' qdusija u, qabel ma laħaq Ministru Provinċjal fi Franza – kien hu l-ewwel wieħed li qeda hemmhekk dan l-uffiċċju – immerita li jkollu viżjoni oħra. Din id-darba fuq ġbin Franġisku ra l-marka *Tau*, kbira, tilma b'ħafna lwien, u żejnitlu wiċċu bi sbuħija ta' l-għaġeb. Ta' min jgħid li r-raġel qaddis kellu mħabba u qima speċjali lejn dan is-simbolu. Spiss kien jirrikmandah meta kien ikun jitkellem, u jagħmel b'idejh l-istess marka fi tmiem l-ittri li kien jibgħat, bħallikieku l-ikbar xewqa tiegħu kienet li *jimmarka t-Tau fuq ġbin dawk li jitniehdu u jitbekkew*, kif jgħid il-Profeta (cfr. Eżek 9,4), u bis-sinċerità kollha jduru lejn Kristu Ġesù. [2C 106; 3C 3]

---

[46] Pacifico "Re dei Versi" kien ministru provinċjal fi Franza mill-1217 sa l-1224. Din il-viżjoni tas-salib forma ta' xabla hi l-ħames waħda fil-lista ta' viżjonijiet tas-salib li jwasslu għall-episodju ta' La Verna.

[1169] 10 Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jikber l-għadd ta' l-aħwa. Ir-ragħaj imbagħad, kollu ħerqa beda jsejħilhom għall-Kapitlu Ġenerali f'Santa Marija tal-Porziuncola[47]. Kien jagħmel dan biex lil kull wieħed mill-aħwa jkun jista' *jagħtih is-sehem* ta' l-ubbidjenza *fl-art tal-faqar* tagħhom, *skond il-qjies li ried Alla* (cfr. Ġen 41,52; S 77,54). Għad li f'dan il-post kien jinħass in-nuqqas ukoll tal-ħwejjeġ meħtieġa, u xi drabi l-għadd ta' l-aħwa kien jaqbeż il-ħamest elef, b'danakollu bl-għajnuna tat-tjieba ta' Alla, l-aħwa dejjem kellhom ikel biżżejjed, kienu jgawdu s-saħħa f'ġisimhom, u qlubhom kienu mfawwra b'ferħ spiritwali. Għall-Kapitli Provinċjali, iżda, Franġisku ma setax ikun preżenti bil-ġisem, imma kien jagħmel minn kollox biex ikun preżenti permezz ta' direttivi kollha ħeġġa, bit-talb bla jaqta' u bil-barka tiegħu. Xi drabi, iżda, ġie li kien preżenti wkoll b'mod li jidher, bis-saħħa tal-qawwa ta' Alla li tagħmel ħwejjeġ ta' l-għaġeb. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu fil-belt ta' Arles, fil-ħin li l-predikatur magħruf Antonju, illum meqjum bħala konfessur glorjuż ta' Kristu, kien qiegħed jippriedka dwar il-kitba mdendla mas-salib, *Ġesù Nażżarenu, Sultan tal-Lhud* (Ġw 19,19), wieħed mill-aħwa, Monaldo, reliġjuż ta' ħajja qaddisa, bħallikieku mnebbaħ minn ispirazzjoni divina, ħares lejn il-bieb ta' fejn kien qed isir il-Kapitlu, u ra b'għajnejh lil Franġisku, merfugħ 'il fuq fl-arja, b'idejh mifruxa f'għamla ta' salib, ibierek lill-aħwa[48]. U l-aħwa kollha li kienu hemm ħassewhom *mimlijin b'faraġ spiritwali* (cfr. Atti 9,31) kbir u mhux tas-soltu, u dan kien għalihom sinjal ċar li l-Ispirtu kien qed *jagħtihom xhieda* (cfr. Ġw 1,7) li l-missier qaddis kien tabilħaqq preżenti fosthom. Aktar 'il quddiem, dan il-fatt ġie mwettaq mhux biss minn sinjali li ħadd ma seta' jmerihom, iżda wkoll bix-xhieda minn barra li l-missier qaddis ta bi kliemu stess. Għandna nemmnu tabilħaqq li dik is-setgħa ta' Alla li jista' kollox, li ippermettiet li l-qaddis Ambroġ ikun preżenti waqt id-difna ta' l-isqof glorjuż Martin biex bil-preżenza tiegħu jagħti qima lil dak il-prelat twajjeb, riedet ukoll li l-qaddej tiegħu Franġisku jkun preżenti waqt li l-veru ħabbâr tiegħu Antonju kien qed jippriedka, biex hekk jagħti xhieda li kien qed jgħid il-verità, l-aktar dak li kien qed ixandar dwar is-salib ta' Kristu, li Franġisku mhux biss kien iġorr, imma wkoll jaqdi. [1C 48; 3C 3; SP 68; Fior 18]

[1170] 11 Issa li l-Ordni kien kiber u nfirex ħafna, Franġisku kien qed jaħseb biex il-forma ta' ħajja li kien kiteb u approvalu l-Papa Innoċenz tkun imwettqa għal dejjem mis-suċċessur tiegħu, il-Papa Onorju. Kien Alla nnifsu li b'rivelazzjoni wissih biex jagħmel dan. Deherlu li kien ġabar mill-art ħafna frak żgħir tal-ħobż, u hu kellu jqassamhom lil għadd kbir ta' aħwa imġewwħa li kienu madwaru. Iżda billi kien jibża' li dak il-frak hekk ċkejken jaqagħlu minn idejh, sema' leħen ġej mis-sema jgħidlu: "Franġisku, agħmel minn dak il-frak ostja waħda, u agħtiha lil dawk li jridu jiekluha". Hekk għamel, u dawk li ma laqgħux id-don bil-qima jew inkella maqdruh, minnufih

[47] Fi żmien S. Bonaventura, l-Kapitli Ġenerali u Provinċjali ta' l-Ordni kienu diġà akkwistaw dik il-funzjoni dixxiplinari li hi deskritta hawnhekk. Imma fil-bidunett ta' l-Ordni kienu, qabel xejn, laqgħat tal-fraternità kollha kemm hi biex l-aħwa "jifirħu flimkien fil-Mulej u jieklu flimkien" (Jacques de Vitry, *Ittra miktuba minn Genova fl-1216*), biex jitkellmu dwar il-ħajja tagħhom, jirrakkontaw il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li kienu qed iwettqu fid-diversi nħawi tad-dinja, u wkoll biex jifthu proġetti ġodda ta' evanġelizzazzjoni għall-Ordni, u jaħtru lill-aħwa responsabbli mid-diversi provinċji. Bħal Celano, Bonaventura jsemmi biss bil-ħatfa l-Kapitlu famuż "tal-ħsajjar", li fih ħadu sehem 5 elef aħwa, u li jkellmuna dwaru Giordano da Giano, *Kronaka* 16-18; Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 39; *Speculum Perfectionis* 68; *Fioretti* 18.

[48] Il-viżjoni ta' fra Monaldo waqt il-Kapitlu ta' Arles hi l-aħħar waħda fis-sensiela ta' sitt viżjonijiet tas-salib li jwasslu għall-viżjoni tas-Serafin imsallab fuq La Verna fil-kapitlu XIII tal-LM. Il-preżenza ta' S. Antnin ta' Padova fil-Kapitlu ta' Arles hi dokumentata, għaliex fl-1225 S. Antnin kien jinsab fi Franza, bħala Kustodju ta' Provençe. Ir-riferiment għall-ħajja ta' S. Martin ta' Tours ġej mill-ewwel ktieb dwar il-mirakli ta' dan il-qaddis (+397), miktub minn S. Girgor ta' Tours (+594), fejn jirrakkonta kif S. Ambroġ (+397), waqt li l-nies ħasbu li kien qed jogħnos waqt il-Quddiesa, kien fil-fatt preżenti fil-funeral ta' S. Martin, li kien qiegħed jiġi iċċelebrat fl-istess ħin. Cfr. Girgor ta' Tours, *De miraculis sancti Martini Episcopi*, I,5 (*Patrologia Latina* 71,918s).

saru magħrufa għax inksew bil-ġdiem. Filgħodu, imbagħad, ir-raġel qaddis irrakkonta din il-viżjoni lil sħabu, u wera d-dispjaċir tiegħu li ma għarafx x'kienet it-tifsira ta' dik *id-dehra misterjuża* (cfr. Dan 2,19). Il-għada, iżda, huwa u *jishar fit-talb* (cfr. Tob 3,11), sema' *leħen ġej mill-għoli* (cfr. 2Pt 1,17) jgħidlu: "Franġisku, il-frak li rajt il-lejl li għadda huwa l-kliem ta' l-Evanġelju, l-ostja hija r-Regola, il-ġdiem hu l-ħażen".

Billi s-siltiet meħudin mill-Evanġelju kienu kotrana ħafna u r-Regola twalet iżżejjed, Franġisku xtaq li jqassarha u ried jimxi fuq l-indikazzjonijiet li kien irċieva fil-viżjoni qabel jippreżenta r-Regola għall-konferma. Għalhekk, immexxi mill-Ispirtu s-Santu, flimkien ma' tnejn minn sħabu, tela' fuq il-muntanja, u hemmhekk sam ħobż u ilma, u għamel li r-Regola tinkiteb skond dak li l-Ispirtu s-Santu kien jissuġġerilu waqt it-talb. Meta niżel minn fuq il-muntanja ta r-Regola lill-Vigarju tiegħu biex jieħu ħsiebha hu. Iżda ġara li, wara ftit jiem, il-Vigarju qallu li kien tilifha bi traskuraġni tiegħu. Għalhekk il-bniedem ta' Alla warrab mill-ġdid f'post solitarju, u reġa' kiteb ir-Regola kif kien kitibha l-ewwel darba, bħallikieku l-kliem kien qed jieħdu minn fomm Alla nnifsu. Xewqtu ġiet maqtugħa, ghax is-Sinjur Papa Onorju wettaqlu r-Regola fit-tmien sena tal-pontifikat tiegħu[49]. Biex iqanqal lill-aħwa ħalli r-Regola josservawha bil-ħeġġa kollha, kien iħobb itennilhom li fiha ma kien hemm xejn li ġie mill-isforzi tiegħu, għax hu riedha li tinkiteb kif irrivelahielu Alla. U biex dan kollu jiġi ikkonfermat b'ċertezza akbar mix-xhieda ta' Alla stess, wara li kienu għaddew biss ftit jiem, *l-istimmati tal-Mulej Ġesù* (cfr. Gal 6,17) ġew stampati fuq ġismu *bis-saba' ta' Alla l-ħaj* (cfr. Apok 7,2). L-istimmati kienu bħal Bulla tar-Ragħaj il-kbir, Kristu, biex b'mod sħiħ iwettaq ir-Regola u juri l-approvazzjoni għall-awtur li kitibha. Dwar dan nitkellmu aktar 'il quddiem wara li nkunu tkellimna fuq il-virtujiet tiegħu. [2C 62. 209; CA 17; SP 1]

## Kapitlu V
## Dwar il-ħajja ta' ċaħda[50] li kien jgħix, u kif il-ħlejjaq kienu jfarrġuh.

[1171] 1 Meta l-bniedem ta' Alla, Franġisku, ra li ħafna oħrajn, fuq l-eżempju tiegħu, kienu qed iħossuhom imqanqlin biex b'ħeġġa ta' l-ispirtu jġorru s-salib ta' Kristu, hu stess ħassu jimtela

---

[49] Din ir-Regola twila, li jirreferi għaliha Bonaventura, hi r-*Regola non bullata* ta' l-1221, li fiha 24 kapitlu, u li ġiet ippreżentata lill-Kapitlu Ġenerali ta' l-1221, wara li fra Caeser minn Speyer għaniha b'ħafna siltiet mill-Iskrittura. Franġisku ħejja Regola iqsar, fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo, li Bonaventura jgħidilna li intilfet (jew aħjar, ġiet mitlufa apposta, skond l-Ispiritwali) mill-Vigarju tal-qaddis, li kien fra Elia. Il-qaddis reġa' kiteb ir-Regola mill-gdid u ippreżentaha lill-Papa Onorju III għall-approvazzjoni. Il-viżjoni li jirrakkonta Bonaventura hawnhekk tinsab diġà rakkontata f'2C 209. Ir-*Regola Bullata* ġiet approvata mill-Papa Onorju III bil-Bulla *Solet annuere* tad-29 ta' Novembru 1223. Interessanti s-simboliżmu li juża Bonaventura meta jirreferi għal Fonte Colombo bħala *montem* (biex iqabbilha mal-muntanja Sinaj) u għal Franġisku li jiktibha darbtejn (biex iqabblu ma' Mosè li jitla' darbtejn fuq is-Sinaj biex Alla jagħtih it-twavel tal-ġebel tal-Patt). L-istorja ta' l-isteżura tar-*Regola non Bullata* hi ikkumplikata, u ssib interpretazzjonijiet diversi, l-aktar fil-*Fontes* ġejjin mill-Ispiritwali (*Speculum Perfectionis*, 1; Fra Leone, *Verba S. P. Francisci*, in *Documenta Antiqua Franciscana* I,101-103; Angelo Clareno, *Historia Tribulationum Ordinis Minorum*, I, Trib. XII-XIIb).

[50] Il-kelma teknika Latina li juża Bonaventura hi *austeritas* (*de austeritate vitae*), li aħna nittraduċuha "ħajja ta' ċaħda". Fil-LM tidher biss hawnhekk u tliet darbiet oħrajn (LM VI,2; IX,4; XIII,2). Darbtejn S. Franġisk jiġi deskritt bħala *austerus* (bniedem ta' ċaħda) f'LM VI,7. Il-kelma ma tidher imkien f'Celano u narawha biss darba f'AP 39 u darbtejn fil-L3C 39, 61. Fil-*Commentarius in Evangelium Lucae*, Bonaventura jiddeskrivi l-*austeritas* bħala l-virtù li twassal għal riparazzjoni, il-mezz li jeħlisna mid-dnub, il-virtù li tiftħilna bieb is-sema, u li tidentifikana ma' Kristu. Meta jikkummenta fuq Gal 5,24, Bonaventura jikteb: "L-*austeritas* hi sinjal ta' qdusija interjuri".

bil-kuraġġ, bħala mexxej għaqli ta' l-armata ta' Kristu, biex jikseb il-palma tar-rebħa bil-prattika erojka tal-virtujiet. Biex jasal jgħix kliem l-appostlu: *Dawk li huma ta' Kristu sallbu ġisimhom bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu* (cfr. Gal 5,24), u jġorr f'ġismu stess l-armatura tas-salib, kien jgħakkes il-ġibdiet senswali ta' ġismu b'dixxiplina hekk ħarxa, li bil-kemm kien jieħu l-meħtieġ biex jgħix f'saħħtu. Kien jgħid li hu diffiċli li tissoddisfa l-bżonnijiet tal-ġisem bla ma ċċedi għall-ġibdiet baxxi tas-sensi. Meta kien iħossu tajjeb minn saħħtu, għalhekk, rari ħafna u fuq qalbu kien jiekol ikel imsajjar. U meta, f'xi okkażjonijiet rari, kien jaċċetta li jiekol dan, jew kien jitfa' l-irmied fih, jew inkella jħassarlu t-togħma billi jifqgħu bl-ilma. U x'naqbad ngħid għal dak li hu nbid jekk bil-kemm, kemm kien jixrob l-ilma meta kien iħossu mejjet bil-għatx? Kien dejjem jara kif isib xi għamla ġdida ta' ċaħda iebsa, u minn jum għall-ieħor kien jara kif, bil-prattika, jagħmilha aħjar. Bħal qisu kien għadu xi prinċipjant fit-triq tal-perfezzjoni, għad li fil-fatt kien għoddu laħaq il-quċċata, erħilu jesperimenta mezzi ġodda biex bihom irażżan sewwa x-xewqat diżordinati ta' ġismu. Iżda meta kien joħroġ ixandar il-kelma ta' l-Evanġelju kien jiekol mill-istess ikel li kien ikollhom dawk li jilqgħuh għandhom, kif jgħid l-istess Evanġelju (cfr. Lq 10,7). Meta kien jerġa' lura d-dar, imbagħad, kien isum b'mod aħrax u jibqa' lura minn ħafna affarijiet; ikel jieħu kemm, kemm jitrejjaq. Miegħu nnifsu, iva, kien aħrax għall-aħħar, iżda mbagħad, mal-proxxmu tiegħu kien uman tgħidx kemm. Ried li joqgħod f'kollox għal dak li jgħid l-Evanġelju ta' Kristu, u jkun ta' eżempju u edifikazzjoni mhux biss fl-astinenza, imma wkoll fl-ikel li jieħu. Aktar iva milli le, is-sodda li fuqha kien iserraħ ġismu għajjien kienet tkun il-qiegħa ta' l-art, u spiss kien jorqod bilqiegħda, b'xi biċċa ġebla jew għuda taħt rasu bħala mħadda. Kien jilbes biss tonka waħda fqira, u hekk kien jaqdi lill-Mulej *fil-ksieħ u fil-għera* (cfr. 2Kor 11,27). [1C 51-52; L3C 15]

[1172] 2 Darba xi ħadd staqsieh kif kien jirnexxilu jilqa' l-bard kiefer tax-xitwa b'dak l-ilbies hekk irqiq li kien jilbes, u kollu ħeġġa ta' l-ispirtu, wieġeb: "Kemm il-darba qalbna tkun imkebbsa b'xewqa ħerqana għas-sema pajjiżna, il-kesħa ta' barra nissaportuha faċilment". L-ilbies fin u artab ma kienx jista' għalih, iżda dak rożż kien iħobbu, għax kien jgħid li Ġwanni l-Battista kien imfaħħar minn Alla nnifsu proprju minħabba f'hekk (cfr. Mt 11,8; Lq 7,25). Meta xi ħadd kien jagħtih xi tonka li f'għajnejh kienet tidher ratba u fina, kien iħit magħha minn ġewwa biċċiet tal-ħbula, għax kien jgħid li, skond il-kelma tal-Verità, wieħed għandu jfittex lil dawk li jilbsu ilbies fin mhux fil-għarajjex tal-foqra, imma fil-palazzi tas-slaten (cfr. Mt 11,8). Hu tgħallem mill-esperjenza tiegħu stess li x-xjaten jitbeżżgħu mill-ilbies aħrax u rożż, imma jitħajjru ħafna biex jittantaw meta jsibu l-artab u li jogħġob. Lejla waħda, kontra d-drawwa tiegħu, mar jistrieħ fuq imħadda tar-rix, għax dik il-ħabta kellu rasu u għajnejh juġgħuh[51]. Id-demonju, iżda, daħal fiha u beda jitturmentah b'ħafna modi, biex hekk itellfu milli jkun jista' jgħaddi l-lejl fit-talb. Malli sebaħ sejjaħ lil sieħbu u talbu biex jieħu dik l-imħadda bid-demonju li kien hemm fiha u jarmiha 'l bogħod minn ċelltu. Iżda dan sieħbu bil-kemm laħaq rifes barra l-kamra li ma bediex iħoss il-forzi ta' ġismu jħalluh, u baqa' hemm bla saħħa, għax lanqas biss ma felaħ jitħarrek. Reġa' ħa saħħtu u ġie f'tiegħu meta sema' leħen il-missier qaddis isejjaħlu, għax Franġisku kien ra fl-ispirtu kull ma kien ġralu, u mill-ġdid ħa lura l-forzi ta' qalbu u ta' ġismu u reġa' beda b'mod sħiħ. [2C 64.69; CA 119; SP 98]

[1173] 3 *Bħal għassies fuq it-torri ta' l-għassa* (cfr. Is 21,8), Franġisku kien iebes f'dik li hi dixxiplina miegħu nnifsu, u b'attenzjoni kbira kien iħares is-safa ta' ġismu u ta' ruħu. Għalhekk, fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu, fil-jiem kesħin tax-xitwa, mhux l-ewwel darba li ntafa' f'xi ħofra mimlija bl-ilma ngazzat kemm biex jirnexxilu jrażżan il-għadu ta' ġo daru, kif ukoll biex iżomm

[51] Skond 2C 64, dan l-episodju ġara fl-eremitaġġ ta' Greccio.

nadifa l-libsa tas-safa, ħielsa min-nar tal-passjonijiet. Kien jgħid li l-bniedem spiritwali jsibha wisq aktar faċli jissaporti l-kesħa tal-ġisem, kbira kemm hi kbira, milli jħoss, imqar għal ftit, is-sħana tal-ġibdiet mhux xierqa fl-ispirtu tiegħu. [1C 42]

[1174] 4 Meta darba kien fl-eremitaġġ ta' Sarteano[52], waqt li kien qed jitlob f'ċelltu matul il-lejl, sema' l-għadu qadim isejjaħlu għal tliet darbiet: "Franġisku, Franġisku, Franġisku!" Meta wieġbu u staqsieh x'ried, ħa mingħandu din it-tweġiba qarrieqa: "Ma hawnx fid-dinja midneb li, *jekk jikkonverti* (cfr. Eżek 33,9), Alla ma juriħx ħniena. Iżda min joqtol lilu nnifsu bil-penitenza ħarxa li jagħmel ma jsibx ħniena għall-eternità kollha". Minnufih, il-bniedem ta' Alla, *imnebbaħ minn rivelazzjoni divina* (cfr. Gal 1,12; Sir 1,6), għaraf il-qerq ta' l-għadu li kien qed jara kif jagħmel biex mill-ġdid jerġa' jwaqqgħu fil-bruda, u l-fatt li ġara wara wera dan biċ-ċar. Ħass taqbad ġo fih tentazzjoni tal-ġisem qawwija għall-aħħar, tentazzjoni li kienet imrewwħa min-*nifs ta' dak Ii jqabbad il-ġamar* (cfr. Ġob 41,12). Meta l-ħabib tal-kastità ħassha ġejja neħħa l-ilbies minn fuqu u beda jissawwat b'ħabel oħxon, u jgħid: "Hemm int, *frate asino*! Hekk jixraqlek min jitrattak u jsawwtek. It-tonka qiegħda biex taqdi r-reliġjon, u hija s-siġill tal-qdusija; min hu żieni ma għandu l-ebda jedd li jisraqha. *Jekk int trid tieħu dik it-triq, aqbad u itlaq!* (cfr. Is 40,4; 1Sam 30,13)" Fid-daqqa u l-ħin, imqanqal minn ħeġġa ta' l-għaġeb ta' l-ispirtu, fetaħ il-bieb ta' ċelltu, *ħareġ barra* (cfr. Mk 14,6.8) fil-ġnien u, għeri kif kien, għaddas dak il-ġisem ċkejken fil-borra. Beda, imbagħad, jimla idejh bil-borra u ifforma seba' figuri. Qiegħedhom quddiemu u kellem hekk lil ġismu: "Ara, din il-kbira hija l-mara tiegħek, dawn l-erbgħa huma l-ulied: tnejn subien u tnejn bniet. It-tnejn l-oħra huma l-qaddejja, raġel u mara, li żgur ikollok bżonnhom biex jaqduk fid-dar. Ħaffef, mela, u qis li tlibbishom ilkoll għax qed imutu bil-bard. Iżda jekk tara li dax-xogħol kollu hu wisq għalik għax ikiddek, ħu ħsieb li *taqdi biss Sid wieħed* (cfr. Mt 4,10) bl-akbar ħerqa!" Wara dan, il-għadu telaq mirbuħ, u r-raġel qaddis mar lura lejn ċelltu rebbieħ: għax waqt li biex jagħmel penitenza ġismu nġazza minn barra, il-ħeġġa ta' l-ispirtu rnexxielha titfi għal kollox in-nar tal-passjonijiet, hekk li minn dakinhar 'il quddiem ftit li xejn ħass tentazzjonijiet ta' din ix-xorta. Wieħed mill-aħwa li dak il-ħin *kien mehdi fit-talb* (cfr. 1Kor 7,5), ra jiġri dan kollu *fid-dawl fiddien li l-qamar* (cfr. Ġob 31,16) kien qed jagħti fil-mixja tiegħu. Meta l-bniedem ta' Alla sar jaf b'dan, irrakkontalu kollox dwar kif ġrat it-tentazzjoni, imma ikkmandah li sakemm hu, Franġisku, ikun għadu ħaj, ma jgħix xejn lil ħadd dwar dak li ra. [2C 116-117]

[1175] 5 Franġisku kien jgħallem li mhux biss il-passjonijiet tal-ġisem kellhom ikunu mortifikati u t-tqanqil imrażżan, imma s-sensi l-oħra wkoll jeħtieġ li jkunu mgħassa sew, għax hu minnhom li l-mewt tidħol fir-ruħ. Kien jikkmanda, għalhekk, li l-familjarità man-nisa kif ukoll il-ħars u t-tpaċpiċ magħhom jiġu maħruba: għax għal ħafna dawn huma okkażjoni ta' telfien. Kien iħobb jgħid li permezz ta' dawn l-affarijiet spiss jiġri li l-ispirti dgħajfa jinkisru, u *l-ispirti* l-qawwija *jiddgħajjfu* (cfr. Eżek 21,7). Tneħħi l-każ ta' xi ħadd li jkun tabilħaqq sħiħ fil-virtù, għal min jagħmilha man-nisa hu diffiċli li ma jitniġġisx mill-kuntatt magħhom daqkemm hu faċli, kif tgħid l-Iskrittura, li *wieħed jgħaddi min-nar u ma jaħraqx il-qiegħan ta' riġlejh* (cfr. Prov 6,28). Miegħu nnifsu, imbagħad, hu hekk *warrab għajnejh biex ma jarax frugħat bħal dawn* (cfr. S 118,37) li, kif darba stqarr ma' wieħed minn sħabu, ma kien jaf kważi ebda mara minn wiċċha. Kien tal-fehma li ma kienetx ħaġa bla periklu li tħalli l-fantasija tixrob is-sura u l-forma tagħhom, għax dan jista' jkebbes malajr il-ġamar tal-ġisem, imqar jekk ikun għoddu intefa għal kollox, jew itabba' s-safa tal-qalb. Kien jgħid ukoll li l-konversazzjoni man-nisa kienet ħaġa fiergħa, ħlief

[52] L-eremitaġġ ta' Sarteano kien fil-provinċja ta' Siena. Cfr. 2C 116-117. Fl-istess eremitaġġ seħħ l-episodju taċ-ċella li Franġisku ma riedx aktar joqgħod fiha, għax xi ħadd mill-aħwa kien qallu li kienet iċ-ċella tiegħu (2C 59).

biss meta wieħed ikollu jqararhom jew, bi kliem qasir ħafna, jagħtihom pariri li jiswewlhom għas-salvazzjoni ta' ruħhom; dan, imbagħad, jagħmluh dejjem bil-prudenza, kif inhu xieraq. Kien jgħid: "Dwar xiex għandu reliġjuż joqgħod jitkellem man-nisa, ħlief fil-każ li xi mara titolbu b'devozzjoni l-penitenza, jew xi pariri biex tgħix ħajja aħjar? Meta wieħed iħoss ruħu ħafna fiż-żgur joqgħod anqas attent għall-għadu tiegħu, u x-xitan meta jirnexxilu jaqbad lil xi ħadd imqar b'xagħra malajr iħaxxinha u jagħmilha travu". [1C 43; 2C 112-113]

[1176] 6 Il-għażż hu fossa tal-ħsibijiet ħżiena kollha, kien jgħid, u għalhekk ta' min jaħarbu għal kollox[53]. Bl-eżempju tiegħu, imbagħad, kien juri kif il-ġisem li jirvella u li fl-istess ħin hu għażżien, għandu jiġi mrażżan b'dixxiplina li ma taqtax u b'xogħol li jkun ta' siwi. Għalhekk lil ġismu kien isejjaħlu *frate asino*, għax kien tal-fehma li għandu joqgħod għax-xogħol iebes, jieħu s-swat ta' spiss, u jitrejjaq b'ikel mill-agħar. Jekk kien jara lil xi ħadd jitgħażżen u mbagħad erħilu jdur 'l hawn u 'l hemm, u b'wiċċ tost jiekol minn fuq dahar ħaddieħor, lil dan kien ilaqqmu *frate mosca*, għax barra li hu ma jagħmel xejn ta' fejda, iħammeġ l-għemejjel tajba ta' l-oħrajn, u jirrendi ruħu bniedem li ma jiswa għal xejn u mistkerrah minn kulħadd. Kien għalhekk li darba qal: "Irrid li l-aħwa tiegħi jaħdmu u jkunu bieżla, biex ma jiġrix li jinħlew fil-għażż, u erħilhom imbagħad jiġġerrew, itaqtqu b'ilsienhom u jixxennqu għall-ħwejjeġ ħżiena". Lill-aħwa kien iridhom ukoll josservaw is-silenzju kif jirrikmanda l-Evanġelju, jiġifieri li f'kull ċirkustanza jaħarbu, bil-għaqal kollu, kull *kelma fiergħa*, għax *f'jum il-ħaqq ikunu jridu jagħtu kont tagħha* (cfr. Mt 12,36). Meta kien isib lil xi ħadd minn ħutu mogħti għat-tpaċpiċ fieragħ kien iċanfru bl-aħrax. Franġisku kien jgħid li s-skiet meqjus iħares is-safa tal-qalb u hu virtù mhux żgħira, għax kif jingħad: *il-mewt u l-ħajja huma fis-setgħa ta' l-ilsien* (Prov 18,21); l-ilsien mifhum hawn mhux tant bħala organu li jtiegħem, daqskemm bħala wieħed li jitkellem. [2C 75.129.160-161; AC 107; SP 24.82]

[1177] 7 Iżda ta' min jgħid li, għad li Franġisku kien isus wara l-aħwa biex jgħixu ħajja ta' ċaħda, b'danakollu ma kienet togħġbu xejn dik il-ħruxija mneżżgħa minn *sentimenti ta' ħniena* (cfr. Kol 3,2), u mhux *imħawwra bil-melħ* (cfr. Kol 4,6) ta' l-għaqal. Meta darba, bil-lejl, wieħed mill-aħwa, mifni minn ġuħ klubi minħabba s-sawm aħrax li kien isum, ma seta' bl-ebda mod isib mistrieħ, u r-ragħaj it-tajjeb sar jaf li waħda min-ngħaġ tiegħu kienet fil-periklu, sejjaħ lil dak ħuh, qiegħedlu l-ħobż quddiemu u, biex ma jħallihx jiġi megħlub mill-mistħija, hu stess beda jiekol l-ewwel, waqt li bil-ħlewwa kollha stiednu biex jiekol. Dak għeleb il-mistħija, u kollu ferħan beda jiekol. Bil-għemil umli u għaqli tiegħu, ir-ragħaj ħelsu mill-għawġ tal-ġisem u tah eżempju mhux żgħir ta' edifikazzjoni. Il-għada filgħodu, imbagħad, il-bniedem ta' Alla sejjaħ flimkien lill-aħwa u irrakkontalhom x'kien ġara matul il-lejl. Iżda tahom ukoll din it-twissija f'waqtha: "L-aħwa, minn dan li ġara ħudu bħala eżempju l-karità, mhux l-ikel". Għallimhom ukoll kif għandhom jimxu wara l-prudenza bħala l-gwida tal-virtujiet: mhux dik il-prudenza li jirrikmanda l-ġisem, imma dik li Kristu għallem bil-ħajja l-aktar qaddisa tiegħu, għax dik hi żgur mudell tal-perfezzjoni[54]. [2C 22; CA 50; SP 27-28]

---

[53] Bonaventura jintroduċi l-għażż (*otium*) fid-diskussjoni tiegħu dwar il-ħajja ta' ċaħda, u jiddeskrivih bl-istess kliem li juża fl-ewwel ittra li kiteb lill-Ordni bħala Ministru Ġeneral fl-1257: "Xi wħud mill-aħwa intelqu għall-għażż, li hu l-fossa tal-vizzji kollha, fejn huma jitpaxxew għaliex għażlu qagħda li tkexkex ta' ħajja li la hi attiva u lanqas kontemplattiva, filwaqt li jixorbu d-demm ta' l-erwieħ ħajjin" (*Epistolae Officiales*, I,2, in *Opera Omnia* VIII,469).

[54] L-episodju hu drammatizzat f'2C 21-22. Kemm il-*Compilatio Assisiensis*, 50, kif ukoll *Speculum Perfectionis*, 27-28, iqiegħdu dan l-episodju fiż-żmien li fih l-aħwa kienu jgħixu Rivotorto.

[1178] 8 Imdawwar kif inhu mid-dgħufija tal-ġisem, il-bniedem qajla jirnexxilu jimxi wara l-Ħaruf bla tebgħa msallab mingħajr ma jitħammeġ b'xi mod jew ieħor. Għalhekk Franġisku kien jisħaq u jgħid li dawk li jixtiequ jaslu għall-perfezzjoni jeħtieġilhom jitnaddfu kuljum fix-xmara tad-dmugħ. Għad li hu kien diġà irnexxielu jikseb safa ta' l-għaġeb kemm f'ġismu kif ukoll f'ruħu, b'danakollu ma kienx jibqa' lura milli jnaddaf il-għajnejn ta' ruħu bil-ħafna dmugħ li kien ixerred, bla ma jagħti kas tal-ħsara li kienu qed iġarrbu l-għajnejn ta' ġismu. Fil-fatt ġara li minħabba dan il-biki bla jaqta' għajnejh mardu serjament, u meta t-tabib ipprova jipperswadih biex irażżan il-biki tiegħu, għax inkella kien ser jitlef għal kollox id-dawl ta' għajnejh, ir-raġel qaddis wieġbu hekk: "Ħija tabib, minħabba l-vista li għandna kemm aħna u kemm id-dubbien, b'ebda mod ma għandna nbiegħdu minna, imqar għal ftit, id-dawl ta' dejjem li jiġi jżurna. Id-don tal-vista l-ispirtu ma rċevihx b'vantaġġ għall-ġisem, imma l-ġisem irċevih b'riżq l-ispirtu". Tabilħaqq aktar kien jippreferi li jitlef id-dawl ta' għajnejh milli joħnoq id-devozzjoni ta' l-ispirtu billi jwaqqaf il-biki: id-dmugħ inaddaf il-għajnejn tal-qalb, u jagħmilhom kapaċi li jaraw 'l Alla.

[1179] 9 Meta t-tobba tawh il-parir li jagħmel il-kura ta' għajnejh bil-kura tal-ħruq, u l-aħwa għamlu minn kollox biex jipperswaduh ħalli jaċċetta, bl-umiltà kollha l-bniedem ta' Alla qabel li jsirlu dan, għax ra li din l-operazzjoni kienet se tkunlu ta' ġid, u fl-istess ħin kienet se ġġiegħlu jsofri. Sejjħu lill-kirurgu, u meta ġie daħħal fin-nar l-istrument li bih kien se joperah f'għajnejh. Il-qaddej ta' Kristu beda jfarraġ lil ġismu li diġà kien beda jitkexkex bil-biża', u lin-nar kellmu bħallikieku kien xi ħabib, u qallu: "O ħija n-nar, aktar mill-ħlejjaq l-oħra li huma ta' min jixtieqhom minħabba s-sbuħija tagħhom, lilek dak li hu *l-Aktar Għoli ħalqek* (cfr. Sir 1,8.9) qawwi, sbejjaħ u meħtieġ għall-aħħar. F'din is-siegħa, nitolbok, *kun twajjeb miegħi* (cfr. Ġen 33,10), kun ħlejju! Nitlob lill-*Mulej il-kbir li ħalqek* (cfr. S 47,2; Dt 32,6) biex itaffi għalija l-ħruq tiegħek. Hekk taħraq bil-ħlewwa, u jien jirnexxili nissaporti". Meta temm din it-talba, għamel is-sinjal tas-salib fuq l-istrument li diġà kien sar jikwi sew, u bla biża' ta' xejn qagħad jistenna. Il-ħadid għodos b'tisfira fil-laħam artab, u l-ħruq bil-kawterju minn widnejh laħaq sa fuq għajnejh. Kemm tassew kien aħrax l-uġigħ li ikkawżatlu din l-operazzjoni, iddikjarah il-qaddis stess meta qal lil ħutu: "Faħħru lill-Aktar Għoli u emmnuni meta ngħidilkom li la ħassejt il-ħruq tan-nar u lanqas ebda uġiegħ ieħor f'ġismi". Dar fuq it-tabib, u qallu: "Jekk il-laħam għadu ma sarx sewwa, erġa' aħraq mill-ġdid!" It-tabib, raġel ta' esperjenza f'dan il-qasam, ammira għall-aħħar dik il-qawwa hekk kbira ta' l-ispirtu f'ġisem daqstant dgħajjef, u qal: "L-aħwa, ngħidilkom li *llum rajt ħwejjeġ ta' l-għaġeb*" (cfr. Lq 5,26). Fil-fehma tiegħu dan kien miraklu tas-sema. Tabilħaqq! Franġisku irnexxielu jikseb safa hekk kbira li ġismu u l-ispirtu tiegħu kienu f'armonija ta' l-għaġeb bejniethom, u l-ispirtu kien f'għaqda sħiħa ma' Alla. Bir-rieda ta' Alla ġara li *l-ħlejqa, hija u toqgħod għal Dak li għamilha* (cfr. Għerf 16,24), b'mod ta' l-għaġeb toqgħod ukoll għar-rieda u l-kmand ta' dan il-qaddis. [2C 166; AC 86; SP 115]

[1180] 10 Meta l-qaddej ta' Alla kien fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano[55], kien itturmentat minn marda serja ħafna; ħass il-forzi ta' ġismu jħalluh u talabhom ftit inbid. Meta qalulu li ma setgħux jaqtgħulu xewqtu, għax lanqas qatra waħda ma kellhom, ikkmanda li jġibulu l-ilma, bierku bis-sinjal tas-salib u, ara, dak li qabel kien biss ilma safi, issa sar inbid mill-ifjen. Hekk, is-safa tal-qaddis qala' dak li l-faqar tal-post maqtugħ minn kullimkien ma setax joffrilu. Meta daq dak l-inbid malajr ġie f'tiegħu, u ħa saħħtu f'kemm ili ngħidlek. Bidla mirakoluża u fejqan mirakoluż: żewġ għeġubijiet li biddlu kemm ix-xarba kif ukoll lil min xorobha. Dawn kienu żewġ modi li

[55] Dan hu l-eremitaġġ ta' Speco di Sant'Urbano, jew Speco di Narni, qrib din il-belt ta' l-Umbria.

bihom ingħatat xhieda ta' kemm Franġisku kien *neża' għal kollox mill-bniedem il-qadim, u libes il-ġdid* (cfr. Kol 3,9-10). [1C 61; 3C 17]

[1181] 11 Iżda mhux biss il-ħlejqa kienet taqdi lill-qaddej ta' Alla ma' l-iċken sinjal: il-providenza tal-Ħallieq ukoll kienet dejjem lesta li taqtaqgħlu xewqtu. Darba minnhom, mifni kif kien mill-ħafna xorta ta' mard li kellu fuqu, xtaq li jisma' xi ftit mużika ħelwa biex l-ispirtu tiegħu jithenna[56]. Billi dil-ħaġa ma dehritx li tkun xierqa li ssir b'għemil il-bnedmin, ġew l-anġli biex lil dan ir-raġel qaddis jaqtgħulu xewqtu. Lejla waħda, waqt li kien jishar u jimmedita fuq il-Mulej, fid-daqqa u l-ħin sema' ċetra iddoqq armonja mill-isbaħ u *melodija ta' ħlewwa li tgħaxxqek* (cfr. Sir 40,21). Ma deher ħadd, imma malajr wieħed seta' jinduna li d-daqqaq kien jippassiġġa 'l hawn u 'l hemm, għax *il-ħoss beda* jvarja hu u *għaddej min-naħa għall-oħra* (cfr. Eżek 10,3). *Merfugħ lejn Alla bl-ispirtu tiegħu* (cfr. Ġob 34,14), tant daq dik il-ħlewwa tad-daqq li sema' li ħassu qiegħed f'dinja oħra. Din il-ġrajja ma ħarbitilhomx lil dawk l-aħwa li kienu midħla tiegħu, għax kemm il-darba kienu raw b'għajnejhom sinjali li *l-Mulej* ta' spiss *kien jiġi jżuru* (cfr. Lq 1,68), u kien jagħtih faraġ hekk kotran li qajla kien jirnexxilu jżommu moħbi għal kollox. [2C 126; CA 66; Fior. II Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati]

[1182] 12 Darba oħra, meta l-bniedem ta' Alla kien qed jivvjaġġa flimkien ma' sieħbu bejn il-Lombardia u l-Marca Trevigiana, x'ħin waslu ħdejn ix-xmara Po laħqithom id-dalma tal-lejl. Issa billi t-triq kienet perikoluża għall-aħħar minħabba d-dlam u x-xmara u l-għadajjar kienu kollhom tajn, is-sieħeb li kien miegħu talab hekk lir-raġel qaddis: "Itlob, missier, li niġu meħlusin mill-perikli li ġejjin fuqna". B'fiduċja kbira, il-bniedem ta' Alla wieġbu: "*Alla għandu s-setgħa* (Lq 3,8), jekk fil-ħlewwa tiegħu jogħġobu hekk, li jkeċċi s-swied tad-dlamijiet u jagħtina l-ġid tad-dawl". Bil-kemm laħaq temm il-kelma li s-Setgħani ma bagħatilhomx dawl mis-sema li ferrex madwarhom dija ta' l-għaġeb. U waqt li fl-inħawi l-oħra kien dlam taqtgħu b'sikkina, huma mhux biss setgħu jaraw ċar it-triq mnejn kellhom jgħaddu, iżda wkoll ħafna affarijiet oħra madwarhom. Id-dawl mexxihom fid-direzzjoni li xtaqu, u l-ispirtu tagħhom imtela bil-faraġ. Komplew triqthom, u huma u sejrin ma hedewx ikantaw innijiet u jgħannu għana ta' tifħir lill-Mulej sakemm, wara vjaġġ twil, waslu qawwijin u sħaħ fil-post fejn kienu sejrin joqogħdu. Aħseb u għarbel sewwa għal liema safa' ta' l-għaġeb wasal dan ir-raġel, u x'virtù kien kiseb. Għal sinjal li għamel, in-nar taffa l-ħruxija tal-ħruq, l-ilma biddel it-togħma, l-anġli farrġuh bil-melodiji tagħhom, u d-dawl divin kien gwida li mexxieh. Dan kollu hu prova ċara li l-magna tad-dinja[57] kienet taqdi s-sensi mqaddsa ta' dan ir-raġel qaddis.

---

[56] Dan l-episodju, skond 2C 126, seħħ fi Rieti, meta Franġisku kien fil-palazz episkopali meta ħaduh għall-kura ta' għajnejh. CA 66 ukoll tqiegħed l-episodju fi Rieti, imma fid-dar tal-kanonku Teobaldo Saraceno, filwaqt li fil-*Fioretti*, l-episodju jitqiegħed fuq La Verna. Din ta' l-aħħar hi l-aktar verżjoni popolari.

[57] F'dan l-istadju tal-LM, Bonaventura jitkellem dwar l-ewwel livell ta' għarfien mistiku ta' Alla, dak permezz tal-ħlejjaq tiegħu. Fi qbil mat-tejoloġija tiegħu, Bonaventura jitkellem mill-*mundi machina* (magna tad-dinja) u jurina dehra tal-kosmoloġija tipika medjevali, bl-erba' elementi li jsawwru l-univers (nar, ilma, arja, art). Franġisku jerġa' jsib l-armonija mal-ħolqien mitlufa ħtija tad-dnub ta' l-ewwel bnedmin, billi s-sensi tiegħu jagħmlu esperjenzi mirakolużi (in-nar li jitħabbeb mas-sens tal-mess; l-ilma li jitħabbeb mas-sens tat-togħma; il-mużika li titħabbeb mas-sens tas-smiegħ; id-dawl li jitħabbeb mas-sens tal-ħars).

Kapitlu VI
Dwar l-umiltà u l-ubbidjenza tiegħu, u dwar kif Alla kien jaqtagħlu mqar l-iċken xewqa tiegħu.

[1183] 1 L-umiltà, il-ħarriesa u t-tiżjin tal-virtujiet kollha[58], lil dan il-bniedem ta' Alla fawwritu b'kull xorta ta' ġid. Fil-fehma tiegħu hu ma kienx għajr raġel midneb, għad li fil-fatt kien mera u dawl leqqien ta' kull qdusija fil-għamliet kollha tagħha. Ta' perit għaqli li kien, ried *jibni lilu nnifsu fuq il-pedament* (cfr. 1Kor 3,10) ta' l-umiltà, kif kien tgħallem minn Kristu. Kien jgħid li l-Iben ta' Alla, mill-għoli ta' ħdan il-Missier, niżel sa ħdejna fil-miżerja tagħna biex, bħala *Mulej u Mgħallem* (cfr. Ġw 13,14) jgħallimna l-umiltà kemm bl-eżempju kif ukoll bil-kelma tiegħu. Bħala dixxiplu ta' Kristu, għalhekk, kien jagħmel minn kollox biex jiċċekken f'għajnejh stess u f'għajnejn l-oħrajn. Kliem il-Mulej kien dejjem f'moħħu: *Dak li f'għajnejn il-bnedmin hu kbir, hu mistkerraħ quddiem Alla* (cfr. Lq 16,15). Spiss kien jgħid dan il-kliem: "Il-bniedem jiswa daqskemm jiswa quddiem Alla, u mhux aktar"[59]. Għaldaqstant, kien għalih bluha li jitgħolla fl-istima tan-nies tad-dinja, u waqt li kien iħossu ħieni bl-insulti, kien jitnikket meta jfaħħaruh. Aktar kien jieħu gost jisma' min imaqdru milli min ifaħħru: kien konvint li l-insult iwassal għall-bidla għall-aħjar, waqt li l-ftaħir jimbotta lejn il-waqgħa. Meta n-nies kienu jfaħħru l-merti u l-qdusija tiegħu, kien jikkmanda lil xi ħadd mill-aħwa biex jgħajjat kemm jiflaħ f'widnejh kliem li jumiljah u jimmortifikah. Meta dak, kontra qalbu, kien jgħidlu li kien bniedem rożż, merċenarju, raġel li ma jaf xejn u ma jiswa għal xejn, b'qalb ferħana u wiċċ daħqan kien iwieġbu: "*Il-Mulej ibierkek* (cfr. Num 6,24; S 127,5), ibni l-aktar għażiż, għax int tabilħaqq qed tgħid is-sewwa. Kliem bħal dan jixraqlu jisma' iben Pietro di Bernardone". [1C 53; 2C 140; Fioretti 3]

[1184] 2 Biex jagħmel lilu nnifsu oġġett ta' tmaqdir quddiem l-oħrajn, ma kienx jaħsibha darbtejn biex, waqt li jegħleb il-mistħija, meta kien ikun jippriedka lin-nies, kien jurihom id-difetti tiegħu. Ġara darba li meta kien marid b'marda tassew gravi, biex ikun jista' jerġa' jieħu saħħtu, naqqas xi ftit mill-ħruxija tas-sawm li kien qed jagħmel. Meta b'xi mod ħassu li kien ġie f'tiegħu, dan ir-raġel li kien tassew imaqdar lilu nnifsu, ċanfar lil ġismu b'dan il-kliem: "Mhix ħaġa sewwa li n-nies iżommuni bħala bniedem li jsum u jiċċaħħad u jien bil-moħbi niekol il-laħam". Imħeġġeġ minn spirtu ta' umiltà qaddisa qam, ġabar in-nies fil-pjazza tal-belt ta' Assisi u bis-solennità kollha daħal flimkien ma'l-aħwa li ġab miegħu fil-knisja kattidrali. B'ħabel marbut ma' għonqu u mneżża' minn ħwejjġu għajr biss il-qalziet ta' taħt, ġiegħelhom ikaxkruh, hemm quddiem kulħadd, sa ħdejn il-ġebla li fuqha soltu kienu jqiegħdu lill-ħatja li jkunu se jingħataw xi kastig. Għad li ġismu kollu kien jirtogħod bil-*febbre quartana* li kellu fuqu, kien iħossu bla saħħa u kien bard ixoqq l-għadam, tela' fuq dik il-ġebla u ippriedka lin-nies b'ħeġġa kbira. Lil dawk li kienu qed jisimgħuh qalilhom li m'għandhomx jgħodduh bħallikieku kien xi raġel spiritwali, imma aktar imisshom jiddisprezzawh bħala wieħed mogħti għall-pjaċiri, u żaqqieq għall-aħħar. Dawk kollha li kienu miġbura hemm, meta raw dik ix-xena hekk impressjonanti, stagħġbu mhux ftit, għax huma kienu jafu tajjeb li hu kien jgħix ħajja tassew iebsa. Ħassew qalbhom tingħafas bis-sogħba, iżda qalu ċar u tond li l-umiltà tiegħu kienet aktar ta' min jammiraha milli ta' min jimitaha. Għad li

---

[58] Bonaventura jsejjaħ lill-umiltà *custos et décor omnium virtutum*. It-tejoloġija ta' l-umiltà fil-kitbiet ta' S. Bonaventura tidher ċara fil-*Quaestiones disputatae de Perfectione Evangelica*, quaestio 1, li fiha d-Duttur Serafiku jippreżenta l-umiltà bħala "l-pedament tal-virtujiet kollha" (*Opera Omnia* V,117-124). Hawnhekk hu jsejħilha *custos*, espressjoni li tfisser "ħarriesa", "gwardjana", fl-istess sens tar-rwol tal-*custos* bħala "kustodju" u "gwardjan" ta' l-aħwa.

[59] Bonaventura hawnhekk iġib il-kliem tat-*Twissija* 19, li titkellem proprju dwar l-umiltà: *Beatus servus, qui non tenet se meliorem, quando magnificatur et exaltatur ab hominibus, sicuti quando tenetur vilis, simplex et despectus, quia quantum est homo coram Deo, tantum est et non plus*.

jidher li din il-ġrajja, aktar milli eżempju, kienet *sinjal* (cfr. Is 20,3) li jixbaħ lil dak tal-profeta, b'danakollu kienet lezzjoni dwar l-umiltà perfetta. Biha d-dixxiplu ta' Kristu jitgħalem kif għandu jmaqdar l-eloġju u t-tifħir li jgħaddu, jgħakkes il-ġibda li jintefaħ bih innifsu u l-arroganza li ġġiegħelu jidher, u jagħraf jeħodha bis-sħiħ kontra l-gideb qarrieq tal-wiċċ b'ieħor. [1C 52.54; CA 80; SP 61]

[1185] 3 Franġisku spiss kien jagħmel ġesti bħal dawn biex hekk, waqt li minn barra *jidher bħal ġarra mkissra* (S 30,13), minn ġewwa jkollu l-ispirtu tal-qdusija. *Id-doni li l-Mulej għanih bihom* (cfr. 26,13) kien jagħmel ħiltu kollha biex iżommhom moħbija fil-qalba ta' qalbu; ma riedx jesponihom għat-tifħir biex ma jkunulux okkażjoni ta' telfien. Meta ħafna kienu jfaħħruh, kien jgħid *kliem bħal dan* (cfr. Ġen 39,10): "Jien għad jista' jkolli t-tfal, subien u bniet. Tfaħħrunix bħallikieku jien kont fiż-żgur! Ħadd ma għandu jiġi mfaħħar dment li t-tmiem tiegħu jkun għadu inċert". Kliem bħal dan kien jgħid lil min ifaħħru, imma lilu nnifsu kien jgħid: "Li kieku l-Aktar Għoli ta lil xi ħalliel doni hekk kbar bħal ma ta lilek, o Franġisku, hu kien ikun aktar rikonoxxenti minnek". U lill-aħwa kien iħobb jgħidilhom: "Ħadd ma għandu għalfejn jilludi ruħu bi ftaħir fieragħ dwar ħwejjeġ li midneb ukoll kapaċi jagħmel. Tabilħaqq, midneb jista' wkoll isum, jitlob, jibki, u jgħakkes lil ġismu. Ħaġa waħda biss ma jistax jagħmel: li jkun fidil lejn il-Mulej tiegħu. B'dan biss, mela, għandna niftaħru: jekk jirnexxielna li lill-Mulej *nagħtuh il-glorja* (cfr. Sir 35,10; Ġw 9,24) li hi tiegħu, jekk naqduh bil-fedeltà, u jekk nistqarru li kull ma tana hu tiegħu". [2C 133-134; CA 10; SP 45]

[1186] 4 Bil-għan li, ta' negozjant evanġeliku li kien, jagħmel profitt b'kull mod li jista', u biex juża ż-żmien ta' issa bl-aħjar mod ħalli hekk jikseb il-mertu, ried li jkun mhux fuq l-oħrajn, imma taħthom, mhux tant jikkmanda daqskemm jobdi. Kien għal din ir-raġuni li ħalla l-uffiċċju ta'ministru ġeneral u talab li jingħatalu gwardjan u joqgħod għal kollox għar-rieda tiegħu. Il-frott ta' l-ubbidjenza qaddisa hu hekk kotran, kien jgħid, li dawk li *jmiddu għonqhom għall-madmad tagħha* (cfr. Sir 51,34), ma tgħaddix siegħa li fiha ma jkunux kisbu xi qligħ. Kienet drawwa tiegħu li lil ħuh li joħroġ miegħu jwiegħdu l-ubbidjenza, u mbagħad jagħmilha tabilħaqq. Lil sħabu darba qalilhom: "Fost il-ħafna ħwejjeġ li, fit-tjubija tiegħu, Alla għoġbu jagħtini, tani din il-grazzja: li kellu jingħatali novizz ta' siegħa bħala gwardjan, kont nobdih bl-istess reqqa li biha nobdi lill-aktar wieħed anzjan u prudenti fost l-aħwa". Kien jgħid: "Is-sudditu ma għandux iqis il-bniedem fil-prelat tiegħu, imma lil Dak li għall-imħabba tiegħu joqgħod għalih. U aktar ma jkun ta' min imaqdru dak li jikkmanda, wisq aktar tkun togħġob l-umiltà ta' dak li jobdi". Darba xi ħadd staqsieh min, fil-fehma tiegħu, għandu jitqies bħala tabilħaqq ubbidjenti, u hu wieġbu billi ta bħala eżempju t-tixbiha tal-ġisem mejjet: "Ħu ġisem mejjet: qiegħdu fejn jogħġbok, u tara li ma joffri ebda reżistenza jekk iċċaqilqu minn post għall-ieħor, xejn ma jilminta dwar il-post fejn tħallih, u lanqas jipprotesta jekk twarrbu fil-ġenb. Qiegħedu fuq il-kattedra u tara li mhux 'il fuq iħares, imma 'l isfel. Libbsu l-porpra, u s-sfura ta' wiċċu tirdoppja. Tabilħaqq ubbidjenti hu dak li ma jagħmilx ġudizzju dwar għaliex ġie imċaqlaq, u lanqas iħabbel rasu dwar fejn intbagħat. Ma joqgħodx iħaqqaqha meta jiġih ordni biex imur band'oħra. Jekk jiġi mgħolli għal xi uffiċċju jibqa' umli l-istess bħalma kien qabel. Aktar ma jkun muri ġieħ, aktar iqis li hu ma jistħoqqlux dan". [2C 151-152; CA 11; SP 46.48]

[1187] 5 Lil wieħed minn sħabu darba qallu dan il-kliem: "Ma nħossx li jien wieħed mill-patrijiet Minuri jekk ma nkunx fl-istat li sejjer niddiskrevilek. Ara, jien, il-prelat ta' l-aħwa, immur għall-Kapitlu, nippriedka u nwissi lill-aħwa, u fl-aħħar jibda jingħad kontrija: Int m'intix tajjeb

għalina, għax raġel *bla skola,* ma tafx titkellem, *injurant* (cfr. Atti 4,13) u sempliċjott! U wara dan, imbagħad, jitfgħuni 'l barra bit-tmaqdir, u erħilhom iżebilħuni. Issa ngħidlek dan: Jekk dan il-kliem ma nisimgħux bl-istess espressjoni fuq wiċċi, bl-istess ferħ ta' l-ispirtu u bl-istess fehma ta' qdusija, jien ma ngħoddx lili nnifsi li jien patri Minuri". Qal ukoll: "Fl-uffiċċju ta' prelat hemm il-periklu tal-waqgħa, fit-tifħir il-preċipizju, u fl-umiltà li wieħed ikun sudditu hemm qligħ għar-ruħ! Issa, meta hu hekk, għaliex aktar moħħna fil-perikli milli fil-qligħ, ladarba ż-żmien hu mogħti lilna biex nagħmlu l-qligħ?" Kien minħabba f'hekk li Franġisku, mudell ta' l-umiltà, ried li l-aħwa tiegħu jissejħu Minuri, u li s-superjuri ta' l-Ordni jissejħu ministri[60]. Hekk inqeda bil-kliem ta' l-Evanġelju stess, li wiegħed li jħares, waqt li lid-dixxipli tiegħu, minn isimhom stess riedhom jitgħallmu li huma ġew fl-iskola ta' Kristu l-umli biex jitgħallmu l-umiltà. Għax tabilħaqq, Ġesù Kristu, l-Għalliem ta' l-umiltà, biex jifforma d-dixxipli fl-umiltà perfetta, qal: *Min irid ikun il-kbir fostkom, għandu jkun il-qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom* (cfr. Mt 20,26-27). Meta l-Kardinal ta' Ostia – dak li kien il-protettur ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri u l-promutur ewlieni tiegħu, u li mbagħad, kif kien ħabbar minn qabel il-missier qaddis, ġie mgħolli għall-ġieħ tat-tron ta' Pietru u ħa l-isem ta' Girgor IX – staqsieh jekk kellux pjaċir li l-aħwa tiegħu jittellgħu għall-uffiċċji ta'dinjità ekkleżjastika, wieġbu: "Sinjur, hu proprju b'dan l-iskop li l-aħwa tiegħi jissejħu minuri, biex ma jissugrawx ikunu kbar". Qallu wkoll: "Kemm il-darba tridhom li jagħmlu l-frott fil-Knisja ta' Alla, ħallihom u żommhom fl-istat li għalih ġew imsejħin, u tħallihomx jitgħollew għall-prelaturi ekkleżjastiċi għoljin". [1C 38; 2C 145.148; CA 101.109; SP 26.64]

[1188] 6 Franġisku, fih innifsu u fis-sudditi kollha tiegħu, kien jippreferi l-umiltà għall-unuri kollha. Kien għalhekk li Alla, li jħobb lill-umli, deherlu li jistħoqqlu l-akbar glorja, kif wera f'viżjoni mis-sema lil wieħed mill-aħwa, raġel magħruf għall-virtù u d-devozzjoni tiegħu. Darba minnhom, waqt li dan it-tali kien qed jivvjaġġa flimkien mal-bniedem ta' Alla, daħal miegħu fi knisja abbandunata[61] u beda jitlob b'fervur kbir, minnufih intilef f'estasi, u fost il-ħafna siġġijiet li ra fis-sema, lemaħ wieħed li kien bil-wisq isbaħ mill-oħrajn, imżejjen kif kien b'ħaġar prezzjuż, u mdawwar b'dija ta' l-għaġeb. Stagħġeb għall-aħħar x'ħin ra dan it-tron, u b'ċerta ansjetà fuqu beda jistaqsi għal min kien merfugħ. Mitluf kif kien f'dawn il-ħsibijiet, *sema' leħen jgħidlu* (cfr. Atti 9,4): "Dan it-tron kien ta' wieħed mill-anġli ribelli, u issa hu merfugħ għall-umli Franġisku". X'ħin dan reġa' ġie f'tiegħu wara t-talba fl-estasi, kif kien jagħmel is-soltu, mar jakkumpanja lir-raġel qaddis li dak il-ħin kien ħiereġ 'il barra. Huma u mexjin għall-għonq it-triq, jitkellmu flimkien fuq Alla, dak li ma kien nesa xejn minn dik il-viżjoni, b'għaqal fin staqsa lil Franġisku dwar kif kien jaħsibha fuqu nnifsu. U l-qaddej umli ta' Kristu wieġbu: "Nara lili nnifsi bħala l-akbar midneb". Meta dak wieġbu li hu ma setax jgħid jew iħoss hekk b'kuxjenza tajba, hu żied jgħidlu: "Li kieku Kristu wera ma' l-akbar bniedem ħażin l-istess ħniena li wera miegħi, ngħidlek li kien ikun aktar rikonoxxenti lejn Alla minni". Meta sema' dan il-kliem li juri tabilħaqq umiltà kbira, dak ħadu bħala konferma li l-viżjoni li ra kienet vera, għax kien jaf tajjeb li, skond ix-xhieda ta' l-Evanġelju, min hu tabilħaqq umli jiġi mgħolli għall-aqwa glorja li minnha jitkeċċa l-kburi. [2C 122-123; CA 65; SP 60]

---

[60] S. Bonaventura jfittex il-għerq u l-motivazzjoni fundamentali ta' l-aġġettiv *minores* mogħti lill-aħwa, u ta' l-isem *ministri* mogħti lill-mexxejja tal-fraternità. Barra mir-raġunijiet li diġà jagħti 1C 38 u 2C 148, hu jibbaża l-argument tiegħu fuq l-istess kliem ta' l-Evanġelju: *Vos autem non sic: sed qui maior est in vobis, fiat sicut minor: et qui praecessor est, sicut ministrator* (Lk 22,26), u: *Quiumque voluerit inter vos maior fieri, sit vester minister* (Mt 20,26-27).

[61] Skond il-*Compilatio Assisiensis* 65 u *Speculum Perfectionis* 60, dan l-episodju ġara fil-knisja abbandunata ta' San Pietro ta' Bovara di Trevi, u kien fra Pacifico dak li ra din il-viżjoni.

[1189] 7 Darba oħra wkoll, huwa u jitlob fi knisja mitluqa, fil-provinċja ta' Massa qrib Monte Casale, ġie mnebbaħ li f'dik il-knisja kienu tħallew xi relikwi qaddisa. Meta b'dispjaċir kbir tiegħu sar jaf li dawk il-fdalijiet kienu ilhom hemm żmien twil imċaħħda mill-qima li tistħoqqilhom, ordna lill-aħwa li jeħduhom b'devozzjoni u jqiegħduhom fl-eremitaġġ[62]. Iżda billi kellu jwarrab malajr minħabba xi urġenza, l-ulied insew il-kmand tal-missier, u ittraskuraw il-mertu ta' l-ubbidjenza. Jum fost l-oħrajn, meta riedu jiċċelebraw il-misteri qaddisa, kif neħħew it-terħa li kienet tgħatti l-altar, b'għaġeb kbir tagħhom sabu hekk relikwi mill-isbaħ, u minnhom bdiet ħierġa fwieħa li tgħaxxqek. Dawk ir-relikwi kienu nġiebu hemm mhux b'idejn xi bniedem, imma bil-qawwa ta' Alla. Meta, wara ftit, il-bniedem li tant kellu qima lejn Alla reġa' lura, b'ċerta premura staqsa lill-aħwa kienux għamlu dak li kien ikkmandahom. Bl-umiltà kollha stqarrew li, bi ħtija tagħhom, kienu ittraskuraw li jagħmlu l-ubbidjenza, u b'hekk mal-penitenza immeritaw ukoll il-maħfra. Il-bniedem ta' Alla qalilhom: "*Ikun imbierek il-Mulej Alla tiegħi* (cfr. S 17,47) li għamel Hu stess dak li kontu fid-dmir li tagħmlu intom". Oqgħod aħseb bil-għaqal kollu dwar kemm il-Providenza divina tieħu ħsieb it-trab tagħna, u ifli sewwa kemm kienu eċċellenti l-virtujiet ta' l-umli Franġisku. Għax meta l-bniedem ma obdiex dak li ikkmanda hu, Alla nnifsu wettaqlu xewqtu. [2C 202]

[1190] 8 Meta darba daħal fil-belt ta' Imola mar għand l-isqof u bl-umiltà kollha talbu l-permess biex, jekk jogħġbu, isejjaħ lin-nies għall-priedka. L-isqof wieġbu bi kliem iebes, u qallu: "Ħija, hu biżżejjed li nippriedka jien għan-nies tiegħi". Ta' raġel umli li kien, baxxa rasu u ħareġ 'il barra. Imma bil-kemm kienet għaddiet siegħa li ma reġax mar quddiem l-isqof. Meta reġa' raħ quddiemu, l-isqof beda qisu jiddagħdagħ, u staqsieh x'ried aktar. Umli f'qalbu u xejn inqas f'leħnu, wieġbu: "Sinjur, jekk missier ikeċċi 'l barra lil ibnu minn bieb, dan jeħtieġlu jara kif jagħmel u jidħol minn ieħor". Mirbuħ mill-umiltà tiegħu, l-isqof ħaddnu miegħu u, b'wiċċ ferħan, qallu: "Għalli ġej, int u l-aħwa tiegħek kollha għandkom permess ġenerali li tippriedkaw fid-djoċesi tiegħi, għax l-umiltà qaddisa immeritat dan". [2C 147]

[1191] 9 Ġara wkoll li, darba oħra, wasal qrib Arezzo proprju fi żmien meta l-belt kollha kienet imqallba ta' taħt fuq minħabba gwerra ċivili, u kienet waslet biex teqred lilha nnifisha. Mill-post barra l-belt fejn kien mogħti ospitalità, ra li fuq Arezzo kien hemm qtajja ta' xjaten ferħana jħajjru liċ-ċittadini, li kienu f'diżordni sħiħ, biex jeqirdu lil xulxin. Biex iħarrab lil dawk id-demonji, qawwiet xewwiexa li kienu jiġġerrew fl-arja, bagħat bħala ħabbâr lil fra Silvestro, bniedem sempliċi bħal ħamiema, u qallu hekk: "Mur quddiem bieb il-belt u, f'isem Alla li jista' kollox, ikkmanda lid-demonji bil-qawwa ta' l-ubbidjenza biex jitilqu minnufih". Silvestro, veru raġel ubbidjenti, mar jgħaġġel biex jagħmel dak li kien ikkmandah il-missier, il-ħin kollu *jgħanni t-tifħir* (cfr. S 94,2) tal-Mulej huwa u sejjer. X'ħin wasal quddiem bieb il-belt beda jgħajjat b'kemm kellu ħila: "F'isem Alla li jista' kollox, u bi kmand tal-qaddej tiegħu Franġisku, intom xjaten, itilqu lkoll kemm intom, u tbiegħdu minn hawn!". Minnufih il-paċi reġgħet fil-belt, u ċ-ċittadini bil-kalma kollha waslu biex ftiehmu li jagħmlu liġijiet li jgħinuhom jgħixu flimkien fis-

[62] L-espressjoni Latina *ad locum*, "fil-post", mingħajr l-ebda speċifikazzjoni, tindika l-post li fih kien jgħixu l-aħwa, li ħafna drabi fil-bidu ta' l-Ordni kien eremitaġġ żgħir. Meta kien qiegħed jikteb Bonaventura kienet ċara d-distinzjoni bejn il-*locus*, jew kunventin ċkejken b'5 aħwa jew inqas (eremitaġġ) u l-*conventus*, jew kunvent, b'komunità aktar numeruża, li minnhom kienu inbnew bosta fil-bliet il-kbar u fiċ-ċentri ta' studji. Id-distinzjoni kienet hekk ċara li, fi żmien S. Bonaventura, l-istess aħwa kienu bdew jiddistingwu ruħhom fi *fratres conventuales* (l-aħwa li jgħixu fil-kunventi kbar) u *fratres non conventuales* (l-aħwa li jgħixu fl-eremitaġġi). Il-provinċja li dwarha jitkellem Bonaventura hi dik ta' Massa Trabaria, jew Massa San Pietro, fil-muntanji tat-tramuntana ta' Perugia.

sliem. Hekk, wara li s-suppervja mgħaddba tax-xjaten li kienu assedjaw il-belt ġiet imkeċċija, il-għerf tal-fqir, jiġifieri l-umiltà ta' Franġisku, ġabet mill-ġdid is-sliem fil-belt u salvaha. Bil-qawwa setgħana ta' l-ubbidjenza umli tiegħu rnexxielu jikseb tant kontroll fuq dawk l-ispirti ribelli u ta' ras iebsa, hekk li seta' jrażżan ħruxithom, u jħarrab il-vjolenza selvaġġa tagħhom. [2C 108; CA 108]

[1192] 10 Ix-xajten kburin jaħarbu meta jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-virtujiet kbar ta' l-umli, ħlief meta xi drabi, fil-ħniena tiegħu, Alla jippermetti li l-umli jsofru *daqqiet ta' ħarta* (cfr. 2Kor 12,7), proprju biex jinżammu fl-umiltà. San Pawl jikteb dan fuqu nnifsu, u Franġisku għamel esperjenza personali wkoll. Darba waħda s-Sinjur Kardinal Leone di Santa Croce talbu b'insistenza biex, meta jkun Ruma, jgħaddi u joqgħod miegħu mqar għal ftit. Billi kien jirrispettah u jħobbu, Franġisku aċċetta bl-umiltà kollha. Imma fl-ewwel lejl, meta wara t-talb mar biex jistrieħ, ix-xjaten ħabtu bl-ikreħ għas-suldat ta' Kristu u ħebbew għalih b'qilla. Damu jsawwtuh ħafna bi krudeltà kbira hekk li *ħallewh kważi mejjet* (cfr. Lq 10,30). Meta fl-aħħar telqu, il-qaddej ta' Alla sejjaħ lil sieħbu, qallu b'kull ma kien ġralu, u żied jgħidlu: "Ħija, jien nemmen li x-xjaten ma għandhomx setgħa akbar milli tippermettilhom il-Providenza. Fil-fehma tiegħi x-xjaten ħabtu għalija b'qawwa hekk feroċi għax li jien noqgħod fid-dar ta' nies kbar mhux ta' eżempju tajjeb. Meta l-aħwa li jgħammru f'postijiet fqajrin isiru jafu li jien qed noqgħod għand il-Kardinali, għandhom mnejn jaħsbu li jien qed inkun imdaħħal fl-affarijiet tad-dinja, nintefaħ bl-unuri, u *nitpaxxa bil-pjaċiri* (cfr. Lq 7,25). Fil-ġudizzju tiegħi nara li, *min hu mqiegħed biex ikun ta' eżempju* (cfr. Ġob 17,6) għall-oħrajn, ikun aktar jaqbillu li joqgħod bogħod mill-kurji, u jgħix umli ma' l-umli f'postijiet umli. Hekk, billi hu wkoll jgħix bħalhom, iqawwi l-qalb ta' dawk li qed jgħixu neqsin ukoll mill-ħwejjeġ l-aktar ta' bżonn". *Filgħodu, imbagħad* (cfr. Mk 16,2), marru jsellmu lill-Kardinal, u bl-umiltà kollha skużaw ruħhom li ma setgħux joqgħodu aktar. [2C 119; CA 117; SP 67]

[1193] 11 Dan ir-raġel qaddis kien jistmerr is-suppervja, li minnha jitnissel il-ħażen kollu, u magħha d-diżubbidjenza, l-agħar bint tagħha, iżda kien jilqa' bil-qalb l-umiltà ta' l-indiema. Ġara darba waħda li ġabulu quddiemu wieħed mill-aħwa li kien għamel xi ħaġa kontra l-liġi ta' l-ubbidjenza, biex jikkoreġih bid-dixxiplina tal-ġustizzja kif kien ħaqqu. Meta l-bniedem ta' Alla ra li kien hemm sinjali ċari li dan ħuh kien tabilħaqq niedem, ħassu misjuq mill-imħabba lejn l-umiltà biex ikun ħanin miegħu. Madankollu, biex il-faċilità tal-maħfra ma sservix għall-oħrajn okkażjoni li tħeġġiġhom biex jonqsu, ordna li lil dak ineħħulu l-kapoċċ u jitfgħuh fin-nar, ħalli hekk jintebħu wkoll xi kwalità ta' offiża hi d-diżubbidjenza, u x'kastig timmerita. Wara li l-kapoċċ kien ilu ftit sew fin-nar, ordna li jinħareġ min-nar, u jingħata lura lil dak li kien umilment nidem milli għamel. Ħaġa ta' l-għaġeb! Meta ħarġu l-kapoċċ min-nar ma deher fih ebda sinjal ta' ħruq. Hekk ġara li b'miraklu wieħed Alla wera li japprova l-virtù tar-raġel qaddis u faħħar l-umiltà ta' dak li kien nidem. Kemm hi ta' min jimitaha l-umiltà ta' Franġisku! Saħansitra meta kien għadu fuq din l-art lilu mmeritatlu dinjità hekk kbira li wasslet lil Alla li jaqtagħlu xewqtu u biddlet għal kollox qalb il-bniedem, bi kmand tiegħu tħarrbu x-xjaten ta' ras iebsa, u b'sinjal wieħed li għamel rażżan qillet in-nar. Tabilħaqq, din hi l-umiltà li tgħolli lil dawk li huma mżejnin biha, u waqt li turi qima lejn kulħadd jistħoqqilha tkun meqjuma minn kulħadd. [2C 154]

Kapitlu VII
Dwar l-imħabba li kellu għall-faqar, u kif il-bżonnijiet tiegħu kienu jiġu soddisfatti b'miraklu.

[1194] 1 Fost id-doni u l-karizmi[63] li Alla, fil-ġenerożità kbira tiegħu, ta lil Franġisku, insemmu dan il-privileġġ waħdieni li immerita li jirċievi: li jikber fil-għana tas-sempliċità bl-għajnuna ta' l-imħabba li kellu għall-ogħla faqar. Dan ir-raġel qaddis għaraf tajjeb li *Madonna Povertà* kienet il-ħabiba intima ta' l-Iben ta' Alla, imma li issa kienet imwarrba kważi mid-dinja kollha. Ried għalhekk jitgħarras magħha *b'imħabba ta' dejjem* (Ġer 31,3), u minħabba fiha mhux biss *ħalla lil missieru u lil ommu* (cfr. Ġen 2,24; Mk 10,7), iżda qassam ukoll b'idejh miftuħa kull ma seta' kellu. Ma ssib lil ħadd hekk rgħib għad-deheb daqskemm Franġisku kien xewqan għall-faqar. Ħadd qatt ma kien hekk ħerqan li jgħasses xi teżor daqskemm Franġisku kien jgħożż u jgħasses din il-ġawhra evanġelika. Xejn ma kien iweġġagħlu l-ħarsa ta' għajnejh daqskemm meta fl-aħwa tiegħu kien jilmaħ xi ħaġa li ma taqbilx għal kollox mal-faqar. Tabilħaqq, mill-bidunett tal-ħajja reliġjuża tiegħu sa jum mewtu, il-għana kollu tiegħu kien dan: tonka, kurdun u l-ilbies ta' taħt, u b'dan kien kuntent. Spiss kien iġib quddiem għajnejh il-faqar ta' Ġesù Kristu u ta' l-Omm tiegħu, u kien jinfaqa' jibki. Kien jgħid li *Madonna Povertà* kienet ir-reġina tal-virtujiet, għax aktar mill-oħrajn kollha dehret leqqiena fis-*Sultan tas-slaten* (cfr. 1Tim 6,15) u fis-Sultana Ommu. Meta darba minnhom kien f'laqgħa ta' l-aħwa, u xi ħadd staqsieh liema hi dik il-virtù li, aktar mill-oħrajn, tħabbeb lil min jipprattikaha ma' Kristu, Franġisku, bħallikieku qed jiftaħ is-sigriet ta' qalbu, wieġeb: "Għandkom tkunu tafu, ħuti, li l-faqar hu t-triq speċjali li twassal għas-salvazzjoni, għax tmantni l-umiltà, u hija l-għerq tal-perfezzjoni. Għad li moħbi, l-frott tiegħu hu kotran. Il-faqar hu t-*teżor moħbi f'għalqa* (cfr. Mt 13,44) li minnu jitkellem l-Evanġelju. Biex ikun jista' jinkiseb, jeħtieġ li jinbiegħ kollox, u dak li ma jistax jinbiegħ, imqabbel miegħu, għandu jkun stmat ftit li xejn". [2C 55.200; L3C 15]

[1195] 2 Spiss kien jgħid: "Min jixtieq jilħaq il-quċċata ta' dan il-faqar għandu jiċħad mhux biss għall-prudenza ta' din id-dinja, iżda, b'xi mod, ukoll għall-privileġġ tat-tagħlim, biex hekk, imċaħħad ukoll minn din il-proprjetà, ikun jista' *jidħol fil-qawwa tal-Mulej* (cfr. S 70,15) u għeri joffri lilu nnifsu f'dirgħajn l-Imsallab. Ma jkunx qed jiċħad perfettament għad-dinja min, fil-qalba ta' qalbu, jibqa' jżomm il-borża tal-fehma tiegħu". Meta d-diskors ma' l-aħwa kien jaqa' fuq il-faqar, kien iħobb itenni kliem l-Evanġelju: *Il-volpijiet għandhom il-għerien u t-tajr ta' l-ajru l-bejtiet tagħhom, imma Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu* (cfr. Mt 8,20; Lq 9,58). Lill-aħwa kien jgħallimhom li djarhom għandhom jibnuhom kif jibnuhom il-foqra, u joqogħdu fihom mhux qishom proprjetà tagħhom, imma bħallikieku kienu *pellegrini u barranin* (cfr. 1Pt 2,11) f'dar ħaddieħor. Kien jgħid: "Din hi *l-liġi tal-pellegrin* (cfr. Eż 12,49): kenn taħt saqaf ħaddieħor, għatx għal pajjiżu, u vjaġġ fis-sliem". Mhux l-ewwel darba li lill-aħwa ġiegħelhom iwaqqgħu xi djar li kienu bnew, jew jitilqu minnhom[64], meta kien jara li hemm xi ħaġa li toffendi l-faqar evanġeliku: dan, jew għax kienu għamluhom proprjetà tagħhom, jew minħabba xi lussu. Il-faqar, kien jgħid, hu l-pedament ta' l-Ordni tiegħu, is-sies ewlieni li fuqu jżomm il-bini kollu tar-Reliġjon

---

[63] Il-Latin jgħid: *inter cetera charismatum dona*. *Charismata* hi kelma li ma tidhirx ta' spiss fil-kitbiet ta' Bonaventura. Tintuża hawnhekk u fil-konklużjoni tal-mirakli ta' Franġisku (LM, Mirakli X,8), kif ukoll fil-*Commentarius in Evangelium Lucae* I,114 (*Opera Omnia* VII,370), u fil-*Commentarius in Evangelium Ioannis* XVII, Collatio LXII,2 (*Opera Omnia* VI,611).

[64] Għandna l-eżempju ta' meta Franġisku jordna li l-aħwa jħottu d-dar li inbniet għalihom ħdejn il-Porziuncola fl-okkażjoni tal-Kapitlu Ġenerali (2C 57), u l-kmand li jitilqu 'l barra, inklużi l-morda, mid-dar li kienu bnewlhom f'Bologna (2C 58).

tiegħu, hekk li dment li jkun sod, tkun soda r-Reliġjon, imma jekk iċedi, l-Ordni kollu jisfa fix-xejn. [2C 56-59.140.194; CA 56. SP 7]

[1196] 3 Imnebbaħ minn rivelazzjoni divina kien jgħallem li d-dħul fir-Reliġjon qaddisa għandu jibda mill-prattika ta' kliem l-Evanġelju: *Jekk trid tkun perfett, mur, biegħ kull ma għandek u agħtih lill-foqra* (cfr. Mt 19,21). Fl-Ordni, għalhekk, kien jilqa' biss lil dawk li kienu ċaħdu għall-proprjetà, u ma żammew xejn għalihom infushom. Kien jagħmel hekk, kemm minħabba kliem l-Evanġelju, kif ukoll biex ma jkunx hemm skandlu minħabba l-boroż ta' flus li wieħed iżomm privatament għalih. Meta darba waħda raġel mill-Marche di Ancona talbu biex jaċċettah fl-Ordni, il-veru patrijarka tal-fqar wieġbu b'dan il-kliem: "Jekk trid tingħaqad mal-fqar ta' Kristu, dak li għandek qassmu lill-foqra tad-dinja". Meta semgħu jgħid dan il-kliem dak mar u, immexxi minn imħabba skond il-ġisem, qassam ġidu lil qrabatu, imma ma ta xejn lill-foqra. Wara dan, il-qaddis qagħad jisimgħu jirrakkonta x'kien għamel, u tah ċanfira ħarxa li nifditlu qalbu: "Mur għal triqtek, *frate mosca*, għax għadek ma tlaqtx *minn artek u minn dar missierek* (cfr. Ġen 12,1). Ġidek tajtu lil nies demmek, u qarraqt bil-foqra: m'intix denn li tissieħeb mal-foqra qaddisa. Bdejt mill-ġisem, u hekk qegħidt pedamenti immermra biex fuqhom tibni bini spiritwali". Dak il-*bniedem naturali* (cfr. 1Kor 2,14) mar lura għand niesu, talabhom jagħtuh lura l-ġid li ma riedx iħalli lill-foqra, u neħħa l-ħsieb li kellu li jgħix ħajja ta' virtù. [2C 80-81; CA 62]

[1197] 4 Kien hemm żmien meta fil-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola kien jonqos kollox, hekk li bilkemm setgħu jipprovdu l-meħtieġ għall-aħwa li kienu jgħaddu minn hemm u jitolbu ospitalità. Il-vigarju tiegħu[65] mar għandu, kellmu ċar dwar il-bżonn li fih sabu ruħhom l-aħwa, u talbu biex mill-ġid tan-novizzi li jkunu deħlin fl-Ordni titwarrab xi ħaġa *għal meta jsibu ruħhom fil-bżonn* (cfr. S 144,15). Iżda Franġisku, immexxi żgur minn parir ġej minn fuq, wieġbu: "Ma jkun qatt, ħija l-aktar għażiż, li minħabba xi bniedem, kien min kien, inġibu ruħna b'mod li ma jixraqx kontra r-Regola. Meta jkun hemm il-bżonn, aktar nippreferi li tneżża' l-altar tal-Verġni glorjuża milli tmur kontra l-vot tal-faqar, jew, imqar jekk f'ħaġa żgħira, kontra l-ħarsien ta' l-Evanġelju. Il-Verġni mbierka tieħu aktar gost tara l-altar tagħha mneżża' u l-parir ta' l-Evanġelju mħares perfettament, milli tara l-altar tagħha mżejjen, u mbagħad nittraskuraw il-parir ta' Binha". [2C 67]

[1198] 5 Darba waħda l-bniedem ta' Alla kien fil-vjaġġ ma' wieħed minn sħabu, u huma u għaddejjin mill-Puglie, qrib Bari, fit-triq raw borża kbira. Kienet waħda minn dawk li jsejħulhom *funda*, u mid-dehra tagħha kienet mimlija sew bil-flus. Kif raha, dan sieħbu lill-fqajjar ta' Kristu ġibidlu l-attenzjoni, u ħadlu rasu biex dik il-borża jiġbruha, u l-flus li kien fiha jagħtuhom lill-foqra. Iżda l-bniedem ta' Alla ma tax widen għal dan, u lil sieħbu qallu li dik kienet nasba tax-xitan. Ix-xitan ma kienx qed jissuġġerilu jagħmel xi opra ta' mertu, imma opra li biha jidneb, għax riedu li jieħu bil-moħbi u jqassam dak li hu ta' ħaddieħor. Tbiegħedu mill-post u komplew triqthom, iżda dak, imqarraq kif kien minn sens falz ta' karità lejn il-proxxmu, ma qagħadx bi kwietu. Beda jdejjaq lill-bniedem ta' Alla, u jgħidlu li, wara kollox, hu ma kien jimpurtah xejn mill-foqra! Fl-aħħar, għalhekk, dan ir-raġel twajjeb qabel li jmorru lura lejn dak il-post, mhux biex jagħmel dak li ried sieħbu, iżda biex jikxef il-qerq tax-xitan. Flimkien ma' sieħbu u ma'

---

[65] Skond 2C 67, il-vigarju kien fra Pietro Cattanio, li kien ġie magħżul minn Franġisku biex imexxi l-Ordni wara li l-qaddis kien ċaħad għat-tmexxija ta' l-Ordni fil-Kapitlu Ġenerali tad-29 ta' Settembru 1220. Pietro Cattanio dam vigarju biss sa l-10 ta' Marzu 1221, meta miet u indifen fil-Porziuncola. Din il-ġrajja rridu nqiegħduha f'dawn ix-xhur li fihom kien vigarju tal-qaddis.

żagħżugħ li iltaqgħu miegħu fit-triq, mar lura lejn dak il-post fejn kienet il-*funda*, u wara li qal talba, ikkmanda lil sieħbu biex imur jiġborha. Dak mall-ewwel beda jirtogħod, u bil-kemm felaħ jitkellem, għax kien diġà beda jħoss il-mostru ta' l-infern. B'danakollu minħabba l-kmand ta' l-ubbidjenza qaddisa, tajjar kull dubju minn qalbu u medd idejh biex jiġbor il-borża. U, ara, minnha ħareġ serp daqshiex, u f'kemm ilni ngħidlek għab hu u l-borża miegħu. Hekk dak ikkonvinċa ruħu li dik il-biċċa kienet kollha kemm hi qerq tax-xitan. Meta n-nasba u l-ħażen ta' l-għadu ġew mikxufa u magħrufa, ir-raġel qaddis qal lil sieħbu: "Ħija, għall-qaddejja ta' Alla l-flus mhumiex għajr ix-xitan innifsu u serp velenuż". [2C 68]

[1199] 6 Wara dan xi ħaġa ta' l-għaġeb ġrat lil dan ir-raġel qaddis huwa u sejjer lejn Siena għal qadja urġenti. Kif wasal fil-witja kbira li hemm bejn Campiglia u San Quirico, ġew jiltaqgħu miegħu tliet nisa fqjarin, it-tliet li huma jixtieħbu għal kollox f'dik li hija statura, età u wiċċ, u bħala rigal ġdid u ħelu tawh din it-tislima: "Merħba bik *Madonna Povertà*"! Għal din it-tislima l-ħabib tal-qalb tal-faqar ħassu jimtela b'ferħ li l-kliem ma jistax ifissru. Tabilħaqq, fih ma kien hemm xejn x'jistgħu jfaħħru l-bnedmin għajr dak li dawn in-nisa semmew fit-tislima tagħhom. Wara li tawh dik it-tislima, dawk it-tliet nisa ma dehrux aktar. L-aħwa qagħdu jaħsbu fit-tul dwar kif dawk in-nisa kien jixtiebħu f'kollox, u fuq it-tislima li tawh, kif ukoll dwar li huma ġew jiltaqgħu miegħu u mbagħad għabu f'daqqa waħda. Dawn ma kienux ħwejjeġ tas-soltu, u bir-raġun kollu għalhekk waslu għall-konklużjoni li fihom hemm xi tifsira mistika dwar il-bniedem qaddis. Dehrilhom il-fatt li dawn it-tliet nisa fqajra, kollha wiċċ wieħed, li tawh tislima mhux tas-soltu u għabu f'tebqa ta' għajn, kienu prova ċara li s-sbuħija tal-perfezzjoni evanġelika, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kastità, ubbidjenza u faqar, f'dan il-bniedem ta'Alla kienet tidher bl-istess mod, għad li hu kien aktar jagħżel li jqiegħed il-glorja tiegħu fil-privileġġ tal-*Povertà* li daqqa kien isejħilha *ommu*, xi drabi l-*għarusa*, u ġie li wkoll is-*sinjura* (cfr. Mt 12,50; 2Kor 11,2) tiegħu. Kien fil-faqar li hu xtaq li jgħaddi lill-oħrajn, għax minnu tgħallem kif jistma lilu nnifsu inferjuri għal kulħadd. Meta kien jara lil xi ħadd ieħor li minn ilbiesu kien jidher li hu ifqar minnu, kien jeħodha miegħu nnifsu u jitħeġġeġ biex jimitah, bħallikieku kienu f'tellieqa dwar il-faqar, u beżgħan li l-ieħor ser jirbaħlu. Waqt li kien fit-triq, darba minnhom iltaqa' ma' raġel fqajjar għall-aħħar, u malli rah hekk imċerċer, ħass qalbu tingħafas u lil sieħbu qallu b'leħen ta' niket: "Il-miżerja ta' dan ir-raġel iġġiegħelna nistħu ħafna, għax aħna għażilna l-faqar bħala l-għana tagħna, u, ara, aktar jidher leqqien fih milli fina". [1C 76; CA 113; 2C 83-84.93; SP 17]

[1200] 7 Il-qaddej ta' Alla li jista' kollox kellu mħabba hekk kbira għall-faqar li aktar kien jieħu gost jinqeda bil-karità li kien jittallab bieb, bieb, milli bl-offerti li n-nies kienu jagħtuh minn rajhom. Meta ġie li kien ikun mistieden għand xi nies kbar u huma, biex jonorawh, kienu jlestulu mejda mill-aħjar, qabel xejn kien imur jittallab xi bukkun ħobż mingħand il-ġirien, u mbagħad, għani bil-faqar tiegħu, kien joqgħod jiekol ma' dawk li stiednuh. Hekk ukoll ġab ruħu meta darba stiednu għall-ikel is-Sinjur Kardinal ta' Ostia, li lejn dan il-fqajjar ta' Kristu kellu mħabba speċjali. L-isqof ilminta miegħu, u qallu li kien offendielu ġieħu meta, filwaqt li kien mistieden għandu għall-ikel, mar jittallab il-karità. Iżda isma' x'wieġeb il-qaddej ta' Alla: "Għall-kuntrarju, Sinjur tiegħi, jien għamiltlek ġieħ kbir għax tajt qima lil Sinjur akbar. Tabilħaqq, il-Mulej jieħu gost bil-faqar, u aktar u aktar bil-faqar li jġiegħelek tittallab minn rajk għal Kristu. U jien, din id-dinjità rjali li l-Mulej Ġesù ħa għalih innifsu meta *minħabba fina ftaqar biex lilna jagħnina bil-faqar tiegħu* (cfr. 2Kor 8,9), jagħmilna werrieta u slaten tas-*saltna tas-sema*, u tassew *foqra fl-ispirtu* (cfr. Mt 5,3); bl-ebda mod ma rrid nibdilha mal-fewdu tar-rikkezzi foloz li ġew mislufa lilek għal siegħa waħda". [2C 72-73; CA 96-97; SP 22-23]

[1201] 8 Xi drabi kien iħeġġeġ lill-aħwa biex imorru jittallbu l-karità billi jgħidilhom kliem bħal dan: "Morru, għax f'din *l-aħħar siegħa* (cfr. 1Ġw 2,18) l-patrijiet Minuri ġew mislufa lid-dinja biex permezz tagħhom il-magħżulin ikollhom iċ-ċans li jwettqu dawk l-għemejjel li minħabba fihom jiġu mfaħħra mill-Imħallef, u jisimgħu l-kelmiet ħelwin: *Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi* (cfr. Mt 25,40). Kemm hi ħaġa sabiħa, għalhekk, li tmorru tittallbu bit-titlu ta' patrijiet Minuri, titlu li l-Imgħallem tal-verità wera bi kliem preċiż fl-Evanġelju meta tkellem dwar il-ħlas li jieħdu l-ġusti". Fil-festi ewlenin ukoll, meta kienet tiġih l-okkażjoni, kien imur jittallab il-karità, għax kien jgħid li fil-foqra qaddisa jseħħ kliem il-Profeta: *Il-bniedem kiel il-ħobż ta' l-anġli* (cfr. S 77,25). Kien isejjaħ ħobż ta' l-anġli dak li kien mitlub għall-imħabba ta' Alla, u fuq suġġeriment ta' l-anġli, jingħata wkoll għall-imħabba tiegħu u l-faqar imqaddes imur jiġbru bieb, bieb. [2C 71]

[1202] 9 Darba nhar l-Għid imqaddes, sab ruħu f'eremitaġġ[66] bogħod ħafna mill-abitat, u għalhekk ma setax imur jittallab il-karità kif tant xtaq. Iżda ried xorta waħda jgħix it-tifkira ta' Dak li *f'dan l-istess jum* deher lid-dixxipli li kienu sejrin lejn Għemmaws taħt is-sura ta' *pellegrin* (cfr. Lq 24,13.18), u għalhekk mar jittallab il-karità, bħallikieku kien pellegrin u fqir, mingħand l-istess aħwa tiegħu. Wara li bl-umiltà kollha ħa mingħandhom il-karità, bi kliem qaddis beda jgħallimhom kif, huma u għaddejjin mid-deżert tad-dinja, bħallikieku *barranin u għorba* (cfr. 1Pt 2,11) u Lhud veri, jiċċelebraw dejjem *il-Għid* tal-Mulej, jiġifieri *l-mogħdija minn din id-dinja għal għand il-Missier* (cfr. Ġw 13,1), billi jgħixu l-faqar ta' l-ispirtu. U għaliex hu, meta kien jittallab il-karità, kien jixxennaq mhux tant għall-qligħ daqskemm għall-ħelsien ta' l-ispirtu, Alla, *Missier il-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16), wera biċ-ċar li kien jieħu kura speċjali tiegħu. [2C 61]

[1203] 10 Ġara darba minnhom li l-qaddej tal-Mulej, meta kien marid serjament fil-post ta' Nocera, in-nies ta' Assisi li kienu ħafna devoti lejh, bagħatu ambaxxata ta' rġiel magħżula biex iġibuh lura lejn belthom. Issa, dawk li kienu qed jakkumpanjaw lill-qaddej ta' Kristu waslu f'raħal fqajjar, imsejjaħ Satriano, u billi kien sar ħin l-ikel u l-ġuħ beda jagħfas fuqhom, daru dawra mar-raħal biex jaraw isibux jixtru xi ħaġa, imma ġew lura b'idejhom vojta. Ir-raġel qaddis qalilhom: "Ma sibtu xejn għax aktar *għandkom fiduċja* fid-dubbien tagħkom milli *f'Alla* (cfr. Mt 27,43)". Hekk kien isejjħilhom il-flus: dubbien. U qalilhom: "Erġgħu morru, duru mill-ġdid mad-djar fejn mortu, u bl-umiltà kollha ittallbu l-karità, u bħala ħlas offrulhom l-imħabba ta' Alla. U la taħsbux li dan hu xi għemil li jumiljakom, għax wara d-dnub l-Elemożinier il-kbir, fit-tjieba kbira tiegħu, iqassam ġidu bħala karità kemm lil dawk li ħaqqhom kif ukoll lil dawk li ma ħaqqhomx". Il-kavallieri neħħew il-mistħija u marru minn rajhom jittallbu l-karità, u aktar xtraw bl-imħabba ta' Alla milli bil-flus. Għaliex ġara li dawk in-nies foqra li kienu joqgħodu hemm, qalbhom inqanqla għall-ħniena minn Alla nnifsu, mhux biss offrew li kellhom, imma bil-qalb kollha offrew ukoll lilhom infushom. Hekk ġara li l-faqar ta' Franġisku għamel tajjeb għan-nuqqas li l-flus qajla setgħu jtaffu. [2C 77; CA 96; SP 22]

---

[66] L-eremitaġġ kien dak ta' Greccio (2C 61). Hawnhekk Bonaventura jiżviluppa tejoloġija tipika tiegħu, meta juri lil Franġisku li jħejji triq fid-deżert ta' l-ogħla faqar (LM, Prologu 1), fil-kuntest bibliku ta' *transitus*, jew mogħdija ta' l-Għid. L-istess tejoloġija tinsab preżenti fl-*Itinerarium Mentis in Deum* VII,2.

[1204] 11 Fiż-żmien meta kien marid fl-eremitaġġ qrib Rieti[67], kien spiss jiġi jżuru t-tabib biex jagħmillu l-kura meħtieġa. Issa, billi l-fqajjar ta' Kristu ma kellux mnejn seta' jħallsu kif kien jixraqlu għas-servizzi tiegħu, Alla, ġeneruż għall-aħħar, ħaseb biex ukoll f'din id-dinja ma jibqax mingħajr ħlas; ried iħallsu Hu stess minflok il-fqajjar ta' l-għemejjel ta' tjieba li kien qed jagħmel, b'dan il-benefiċċju li sejrin insemmu. Dik il-ħabta dan it-tabib kien bena dar ġdida u nefaq il-qligħ kollu li kellu biex seta' jibniha. Iżda l-bini kien mhedded li se jiġġarraf minħabba *qasma minn fuq s'isfel* (cfr. Mt 27,51) li dehret fiha, u ma kien hemm ebda possibilità li din id-dar setgħet tiġi mirfuda sewwa b'sengħet il-bniedem. It-tabib kellu fiduċja kbira fil-merti tar-raġel qaddis, u mqanqal minn devozzjoni ispirata mill-fidi kbira li kellu, talab lill-aħwa jagħtuh xi ħaġa li kien mess b'idejh il-bniedem ta'Alla. Wara li dam jitlobhom ħafna, tawh xi ftit xagħar minn tiegħu, u filgħaxija mar qiegħedhom fix-xquq tal-ħajt. X'ħin qam filgħodu sab li l-ħitan kienu għaqdu mill-ġdid hekk li ma setax joħroġ ir-relikwi minn fejn kien qegħedhom u *lanqas deher ebda ħjiel* (cfr. Għerf 5,10) tal-qasma li kien hemm qabel. Ġara għalhekk li dak li ħa tant kura tal-ġisem ċkejken u mifni tal-qaddej ta' Alla skansa mill-periklu li daru tiġġarraflu. [2C 44]

[1205] 12 Darba oħra l-bniedem ta' Alla ried li jeħduh f'ċertu eremitaġġ[68] biex hemm, kemm jista' jkun, jiddedika ruħu għat-talb tal-kontemplazzjoni, iżda billi kien dgħajjef ħafna nqeda bil-ħmar żgħir ta' bidwi fqir. Kien is-sajf u s-sħana kienet qed tagħmel tagħha, u dan ir-raġel li kien miexi wara l-qaddej ta' Kristu, *huwa u tiela' l-muntanja* (cfr. Ġoż 4,6) beda *jħossu għajjien u minfni minħabba l-vjaġġ* (cfr. Ġw 4,6) twil, u wkoll għax kien maħqur mill-għatx. Fid-daqqa u l-ħin beda jgħajjat wara l-qaddis: "Ara, se mmut bil-għatx jekk ma nsibx issa stess ftit ilma x'nixrob". Bla telf ta' żmien il-qaddej ta' Alla niżel minn fuq il-ħmar, inxteħet għarkubbtejh fl-art, *għolla idejh lejn is-sema u ma waqafx mit-talb* (cfr. 2Kron 6,13; Kol 1,9) qabel ma ħass li kien ġie mismugħ. Meta fl-aħħar temm it-talba tiegħu, qal lil dak ir-raġel: "Għaġġel, mur lejn dik il-blata u hemm għandek issib *ilma ġieri*, ilma li proprju issa Kristu, fil-ħniena tiegħu, ried li *jgelgel mill-blata* (cfr. Is 48,21) biex tixrob int". Kemm hi ta' l-għaġeb it-tjieba ta' Alla li daqshekk malajr jitbaxxa biex lill-qaddejja tiegħu jaqtagħlhom malajr xewqathom! Ir-raġel għatxan xorob *ilma li ħareġ mill-blata* (cfr. S 77,16) bis-saħħa ta' dak li talab, u *mela l-ilma mill-blat taż-żnied* (cfr. Dt 32,13). Qabel, f'dawk l-inħawi, qatt ma kien hemm ebda *nixxiegħa ta' ilma* (cfr. S 1,3), u, għad li sar tfittix bir-reqqa, lanqas qatt ma nstab ilma wara din il-ġrajja. [2C 46; 3C 15; Fioretti, III Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati]

[1206] 13 Aktar 'il quddiem, f'waqtu, nuru kif għall-merti tal-fqajjar tiegħu, Kristu kattar l-ikel fil-baħar. Għalissa ngħidu biss dan: bi ftit ħobż mogħti lilu b'karità salva għal ħafna jiem lill-baħrin kemm mill-ġuħ kif ukoll mill-periklu tal-mewt. Minn dan wieħed jista' jara li l-qaddej ta' Alla li jista' kollox kien jixbaħ lil Mosè filli *ħareġ l-ilma mill-blata* (cfr. Eż 17,7; S 77,16), u lil Eliżew filli kattar il-ħwejjeġ ta' l-ikel (cfr. 2Slat 4,1s). Ħa jitbiegħed, mela, kull dell ta' sfiduċja mill-foqra ta' Kristu. Għax jekk il-faqar ta' Franġisku kien fih ġid hekk kotran li, b'mod ta' l-għaġeb għen lil dawk li waqfu miegħu fil-bżonnijiet tiegħu, u la naqas l-ikel jew ix-xorb u lanqas id-dar ma ġġarfet meta la flus ma kien hemm, la l-ħila tas-sengħa ui lanqas mezzi naturali: kemm

[67] Dan il-fatt mirakoluż jgħidulna biss Bonaventura. Ġara fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo (cfr. *Speculum Perfectionis* 110), fejn Franġisku kien irtirat, meta mar fil-kurja pontifiċja fi Rieti għall-kura ta' għajnejh fix-xhur tas-sajf ta' l-1225.

[68] Għalkemm Bonaventura u Celano ma jsemmux l-isem ta' dan l-eremitaġġ, nafu mill-Kunsiderazzjonijiet ta' l-Istimmati fil-*Fioretti* li dan kien l-eremitaġġ ta' La Verna. Din l-istorja tal-bidwi li jaqta' l-għatx b'mod mirakoluż għat-talb ta' Franġisku ġiet immortalata f'wieħed mill-affreski ta' Giotto fil-Basilica superiore ta' Assisi.

aktar dan il-faqar jimmerita li l-Providenza divina tagħti dawk il-ħwejjeġ li s-soltu tagħti lil kulħadd. U jekk, inżid ngħid, il-blata niexfa, għall-għajta tal-fqir, gelglet ilma kotran biex jixrob raġel fqajjar għatxan, żgur li xejn m'hu se jiċħad biex jgħin lil dawk li ħallew kollox minħabba l-Awtur li ħalaq kollox. [1C 55; 3C 33; LM IX,5]

Kapitlu VIII
Dwar il-qima kollha mħabba tiegħu, u kif il-ħlejjaq bla raġuni kienu juruh imħabba.

[1207] 1 *It-tjieba* vera[69] li, kif jgħid l-appostlu, *tiswa għal kollox* (cfr. 1Tim 4,8) imliet qalb Franġisku u daħlet sa fil-qiegħnett ta' qalbu, hekk li nistgħu ngħidu li lill-bniedem ta' Alla ħakmitu b'mod sħiħ. It-tjieba refgħetu lejn Alla permezz tad-devozzjoni, biddlitu fi Kristu permezz tal-mogħdrija, qarrbitu ħafna lejn il-proxxmu tiegħu, u billi ħabbitu ma' kulħadd reġgħet qiegħeditu fl-istat ta' l-innoċenza tal-bidu tal-ħolqien. B'din il-virtù ħassu miġbud lejn kollox u lejn kulħadd b'imħabba spiritwali, imma b'mod speċjali lejn l-erwieħ mifdija bid-demm ta' Ġesù Kristu. Meta kien jara xi erwieħ imtebbgħin bil-ħmieġ tad-dnub kien jibkihom, imqanqal minn kompassjoni tenera u qawwija biex, bħal omm, iwellidhom kuljum fi Kristu. Ir-raġuni ewlenija għala kien juri qima lejn il-ministri tal-Kelma ta' Alla kienet din: *għax huma jqajjmu nisel għal ħuhom mejjet* (cfr. Dt 25,5; Mt 22,24), irrid ngħid, għal Kristu Msallab li miet għall-midinbin, meta huma jikkonvertuhom, b'ħerqa u tjubija jqajjmuhom, u b'tjieba kollha mħabba jmexxuhom. Kellu fehma sħiħa li dan l-għemil ta' ħniena kien jogħġob ħafna lil *Missier il-ħniena* (cfr. 2Kor 1,3). Iva, jogħoġbu wisq aktar minn kull sagrifiċċju ieħor, aktar u aktar jekk dan isir b'żelu ġej mill-imħabba perfetta, hekk li l-ħidma ssir aktar bl-eżempju milli bil-kelma, aktar bit-talb li joħroġ id-dmugħ milli bi priedki li ma jispiċċaw qatt. [2C 172]

[1208] 2 Franġisku kien itenni ta' spiss li hu ta' min jibkih bħala persuna bla tjieba vera, kemm il-predikatur li fil-predikazzjoni aktar ifittex il-ftaħir tiegħu milli s-salvazzjoni ta' l-erwieħ, kif ukoll dak li bil-ħajja ħażina li jgħix jeqred dak li jkun bena bil-verità ta' tagħlimu. Flok wieħed bħal dawn, kien jgħid, hu ta' min jippreferi dawk fost l-aħwa li huma sempliċi, li bil-kemm għandhom ħila jitkellmu, imma li bl-eżempju tajjeb tagħhom iqanqlu lill-oħrajn għat-tajjeb. Kien jagħti dan it-tifsir għall-kliem: *Il-mara bla tfal wildet sebgħa* (cfr. 1Sam 2,5). Kien jgħid: *Il-mara bla tfal* tirreferi għal dak fost l-aħwa li hu fqajjar u li fil-Knisja ma għandux l-uffiċċju li jnissel l-ulied. F'jum il-ħaqq dan *iwelled ħafna*, għax dawk li hu jdawwar għal wara Kristu bit-talb tiegħu, dakinhar l-Imħallef jgħoddhomlu bi glorja tiegħu. *U tbielet il-mara b'ħafna ulied* (cfr. 1Sam 2,5): dan il-kliem joqgħod għal dak il-predikatur li jħobb jiftaħar u jgħid ħafna: issa jifraħ li qisu bil-ħila tiegħu nissel ħafna ulied, u mbagħad isir jaf li fihom ma kien hemm xejn minn tiegħu". [2C 164; CA 103; SP 72]

[1209] 3 Ix-xewqa l-aktar ħerqana ta' qalbu kienet is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, u kien jaħdem għaliha b'żelu tassew imħeġġeġ. Kien jgħid li jħossu jimtela *bl-oħla fwejjaħ* (cfr. Eż 29,18), u

[69] Fit-Tielet Ktieb tal-*Liber Sententiarum*, distinctio 35, articulus unicus, quaestio 6, concl. (*Opera Omnia* III,785b), Bonaventura jikkwota l-opra ta' S. Wistin, *De Civitate Dei*: "Il-kelma *pietas* (bil-Grieg *eusebia*) nifhmuha li tirreferi partikolarment għall-qima ta' Alla. Imma din il-kelma tintuża wkoll biex tiddeskrivi atteġġjament ta' dmir lejn il-ġenituri; filwaqt li fil-lingwaġġ popolari hi tintuża l-ħin kollu f'rabta ma' azzjonijiet ta' kompassjoni. Minn din l-applikazzjoni l-kelma *pius* tiġi attribwita lil Alla nnifsu". F'dan il-kapitlu, iżda, Bonaventura jestedni t-tifsira tal-kelma *pietas* biex jirreferi għar-rikonċiljazzjoni mal-ħolqien kollu, u hekk jintroduċi d-dimensjoni Franġiskani ta' din il-kelma u t-tifsira tagħha.

bħal donnu *midluk b'nard li jiswa ħafna* (cfr. Ġw 12,3), meta kien isir jaf li l-aħwa qaddisa tiegħu mxerrdin mad-dinja, bil-fama tfewwaħ ta' ħajjithom ħafna nies kienu qed jiġu mħajjra jaqbdu t-triq tas-sewwa. Aħbarijiet bħal dawn kienu jimlewh bil-ferħ fl-ispirtu tiegħu, u fuq dawk l-aħwa li, bil-kelma u bl-għemil tagħhom kienu jħajjru l-midinbin għall-imħabba ta' Kristu, kien jixħet *bil-kotra l-akbar u l-aħjar* (cfr. Tit 1,15) barkiet tiegħu. Għall-istess raġuni, imbagħad, dawk li bl-għemejjel tagħhom kienu jwaqqgħu fil-għajb ir-reliġjon qaddisa, kienu jaqgħu taħt il-kundanna u s-saħta l-aktar qalila tiegħu: "Ikunu misħutin minnek, Mulej l-aktar qaddis, u mill-qorti kollu tas-sema u minni wkoll, iċ-ċkejjken tiegħek, dawk li bl-eżempju ħażin tagħhom iħarbtu u jeqirdu dak li Int, permezz ta' l-aħwa qaddisa ta' dan l-Ordni, bnejt u ma tehdiex tibni". Meta kien joqgħod jaħseb fuq l-iskandlu li jingħata liż-żgħar, kien iħossu jimtela b'niket tant kbir, li kien iħossu għoddu se jmut l-aħħar likieku ma kienx iġarrab il-faraġ tal-ħniena ta' Alla. Meta darba, imħawwad kif kien minħabba xi eżempji ħżiena, u b'qalbu ttaqtaq beda jitlob lill-Missier ħanin għal uliedu, il-Mulej tah din it-tweġiba: "U int, raġel ċkejjken u fqajjar, għaliex qed titħawwad? Forsi jien lilek qegħidtek bħala ragħaj fuq ir-reliġjon tiegħi, u ma tafx li jien hu l-ħarries ewlieni tagħha? Għażilt lilek, raġel sempliċi, proprju minħabba f'dan: biex l-għemejjel li nagħmel fik ma jitqiesux bħallikieku saru b'ħilet il-bniedem, imma b'saħħet il-grazzja tas-sema. *Jien sejjaħt, jien inżomm u jien nirgħa* (cfr. Is 48,15; Apk 3,10), u flok dawk li jintilfu insejjaħ oħrajn hekk li, *jekk ma jkunux twieldu* (cfr. Mt 26,24), nagħmel li jitwieldu. Kbar kemm ikunu kbar it-tempesti li jħabbtu lil din ir-reliġjon fqajra, tibqa' dejjem f'saħħitha, megħjuna dejjem mill-grazzja tiegħi". [2C 155-156.158; CA 41.112; SP 51.81]

[1210] 4 Il-vizzju ta' min jgħarraq isem ħaddieħor, għadu mill-agħar ta' l-għajn tat-tjieba u l-grazzja, kien jistkerrhu daqslikieku kien gidma ta' serp velenuż, u pesta qerrieda għall-aħħar. Alla li hu ta' tjieba bla tarf dan il-vizzju joboghdu, kien jgħid, għax dak li jgħarraq isem ħaddieħor jgħix minn fuq demm l-erwieħ li jkun qatel bix-*xabla ta' lsienu* (cfr. S 56,5). Meta darba sema' lil wieħed mill-aħwa jħammeġ bi kliemu l-fama ta' ħuh ieħor, dar fuq il-vigarju tiegħu u qallu: "Qum, qum! Agħrbel sewwa l-każ, u jekk issib li dak kien akkużat bla ħtija, agħmel mod li kulħadd isir jaf b'dan billi int tagħmel korrezzjoni iebsa lil dak li akkużah!" Mhux l-ewwel darba ġara li, meta xi ħadd mill-aħwa jkun neżża' lil ħuh mill-glorja tal-fama tiegħu, Franġisku kien jiddeċiedi li jiġi mneżża mit-tonka reliġjuża, u lanqas jitħalla *jerfa' għajnejh* (cfr. Lq 18,13) lejn Alla qabel ma jkun għamel ħiltu kollha biex, kemm ikun possibbli, irodd lura dak li seraq lil ħuh. Għax kien jgħid: "Il-ħażen ta' dawk li jgħarrqu isem ħaddieħor hu wisq akbar mill-ħażen tal-ħallelin, daqskemm il-liġi ta' Kristu, li ssib il-milja tagħha fil-ħarsien tat-tjieba, tobbligana li nixtiequ s-saħħa ta' l-erwieħ aktar minn dik ta' l-iġsma". [2C 182]

[1211] 5 Qalbu kienet tingħafas meta kien jiġi wiċċ imb'wiċċ ma' xi ħadd li qed isofri f'ġismu, u kienet liema kienet is-sofferenza, kien juri ħniena u mogħdrija kbira. Jekk kien isir jaf li xi ħadd kien f'xi bżonn jew nieqes minn xi ħaġa, fit-tjieba tal-qalb ħelwa tiegħu kien iqisha s-sofferenza ta' Kristu nnifsu. Il-kompassjoni li kien iħoss fih twieldet miegħu, imma nistgħu ngħidu wkoll li t-tjieba ta' Kristu kattrithielu bil-bosta. Kien għalhekk li meta kien jara l-foqra u l-morda kien iħoss qalbu tinħall ġo fih, u meta ma kienx ikun jista' jgħinhom b'idejh, arah jagħtihom l-imħabba ta' qalbu. Darba minnhom xi ħadd mill-aħwa wieġeb bi kliem goff lil raġel fqir li ittallab il-karità b'mod li jdejjqek. Meta l-ħabib twajjeb tal-foqra sema' dan ordna lil dak biex jinxteħet għarwien f'riġlejn dak il-fqir, jistqarr li hu ħati, u jitolbu l-għajnuna tat-talb tiegħu u l-maħfra. Bl-umiltà kollha dak għamel dak li qallu, u l-missier bil-ħlewwa kollha żied jgħidlu: "Ħija, meta tara xi fqir tkun qed tara quddiemek il-mera tal-Mulej u ta' l-Omm fqajra tiegħu. U l-

istess meta tara l-morda: aħseb fuq il-mard li tgħabba bih Hu". Fil-foqra kollha hu, li kien fqir u raġel tabilħaqq kristjan, kien jara x-xbieha ta' Kristu, u meta kien jiltaqa' magħhom, mhux biss kien jagħtihom b'idejh miftuħa dak li kien ikun irċieva hu, imqar jekk meħtieġ għall-ħajja, iżda wkoll kien jemmen bis-sħiħ li għandu jintradd lilhom bħallikieku kien proprjetà tagħhom stess. Darba minnhom kien ġej lura minn Siena u ltaqa' ma' wieħed fqir. Issa billi dil-il-ħabta kien marid, fuq it-tonka kien liebes ukoll il-mantell. Meta l-ħniena ta' għajnejh lemħet il-miżerja li kien fiha dak il-fqir, qal lil sieħbu: "Jeħtieġ li dan il-mantell inrodduh lura lil dan il-fqajjar, għax hu tiegħu. Għax tabilħaqq, aħna *ħadnieh b'self* (cfr. Lq 6,34) sakemm niltaqgħu ma' xi ħadd li hu ifqar minna". Iżda sieħbu, meta qagħad jaħseb fuq il-bżonn li kien jinsab fih il-missier twajjeb, webbes rasu u ma riedx, għax deherlu li ma għandux jaħseb hu biex jipprovdi għal ħaddieħor, filwaqt li jinsa lilu nnifsu. Iżda Franġisku wieġeb: "Fil-fehma tiegħi l-Elemożinier il-kbir lili jgħodduli b'serq kemm il-darba ma nagħtix dak li għandi fuqi lil min hu fi bżonn akbar minn tiegħi". Għalhekk, kull meta xi ħadd kien jagħtih xi ħaġa biex biha jtaffi l-bżonnijiet tiegħu, lil dawk li jagħtuhielu kien is-soltu jitlobhom il-permess biex bid-dritt kollu, jkun jista'jagħtiha lil min jara li jkollu aktar bżonnha minnu. F'din il-ħaġa ma kien jagħmel ebda eċċezzjoni: mantelli, tonok, kotba, u saħansitra t-trieħi ta' l-altar, dawn kollha, dment li kien jista', kien jagħtihom lill-foqra biex hekk jagħmel dak li t-tjieba u l-ħniena kienu jitolbu minnu. Mhux l-ewwel darba li ġara li meta kien jara lil xi foqra jġorru xi ħaġa tqila, hu stess kien jerfa' fuq spallejh dgħajfa t-tagħbija tagħhom. [1C 76; 2C 83.85.87; CA 32.89; SP 30.37]

[1212] 6 Meta kien joqgħod jaħseb li l-ħwejjeġ kollha li jeżistu kellhom bidu wieħed[70], kien iħossu mfawwar b'tjieba akbar, u lill-ħlejjaq kollha, imqar l-iżgħar, kien kollha jsejħilhom "ħija" u "oħti". Kien jaf tajjeb li miegħu huma wkoll kellhom bidu wieħed. B'danakollu huwa kien iħaddan miegħu b'imħabba kbira u ħlewwa liema bħalha lil dawk il-ħlejjaq li kellhom xebħ naturali mal-ħlewwa kollha tjieba ta' Kristu, u skond it-tifsira ta' l-Iskrittura huma simboli tiegħu. Spiss kien jifdi l-ħrief li jkunu ser jittieħdu għall-qatla, b'tifkira tal-Ħaruf l-aktar manswet li *ried jittieħed għall-qatla* (cfr. Is 53,7) biex jifdi l-midinbin. Dik il-ħabta, meta l-qaddej ta' Alla kien qed joqgħod fil-monasteru ta' San Verecondo[71], fid-djoċesi ta' Gubbio, mal-lejl nagħġa welldet ħaruf ċkejken. Kien hemm ħanżira feroċi għall-aħħar, li f'rabja gidmet lil din il-ħlejqa innoċenti u qatlitha. Meta sema' dan, il-missier twajjeb ħassu jitqanqal minn kompassjoni, ġab quddiem għajnejh il-Ħaruf bla tebgħa, u *tnikket quddiem kulħadd* (cfr. Gal 2,14) għall-mewt ta' dak il-ħaruf, u qal: "Jaħasra, ħija l-ħaruf: int annimal innoċenti, u għall-bnedmin tirrappreżenta lil Kristu. *Tkun misħuta* (cfr. Ġob 24,18) dik il-ħanżira li qatlitek, u laħamha *la jikluh* (cfr. Ġen 3,17) in-nies u lanqas il-bhejjem". Ħaġa ta' l-iskantament! Minn dak il-ħin stess il-ħanżira ħażina bdiet tħossha timrad, u wara li pattiet għalli għamlet bi tlitt ijiem ta'sofferenza f'ġisimha, sofriet ukoll is-sentenza tal-mewt. Tefgħuha fil-foss tal-monasteru, u damet hemm għal ħafna żmien, niexfa qisha biċċa għuda, u ebda mġewwaħ ma messha biss ma ħalqu! Il-kiefra jmisshom joqogħdu jaħsbu u jirriflettu: x'piena jkollhom isofru fl-aħħar huma, jekk il-ħruxija ta'annimal feroċi ġarrbet mewt hekk ta' min jistkerraħha? Il-fidili twajba wkoll, min-naħa tagħhom, għandhom jaraw u jiżnu

[70] Ispirat minn dak li hemm f'1C 80, Bonaventura f'dawn il-ftit vrus jissintetizza d-duttrina tiegħu ta' l-eżemplariżmu, li turi kif Alla hu *exemplar,* jew mudell li hu rifless fil-ħlejjaq tiegħu kollha, li huma simboli jew xbihat tiegħu, u b'mod partikulari ta' Kristu, il-Verb divin.
[71] Abbazija Benedittina ta' San Verecondo, illum Vallingegno, qrib Gubbio. Cfr. *Legenda de Passione Sancti Verecundi militis et martyris* (*Miscellanea Francescana* X [1906] 10-11): "L-imqaddes u fqajjar Franġisku ta' spiss kien jitlob li jilqgħuh fil-monasteru ta' San Verecondo. L-abati u l-irħieb kienu jilqgħuh bi ħlewwa kbira u qima. Hawn seħħ il-miraklu tal-ħanżira li kienet ħatja li qatlet ħaruf".

sewwa kemm kienet setgħana u ta' min jistagħġeb biha, ħelwa u kotrana, it-tjieba tal-qaddej ta' Alla hekk li l-annimali wkoll, kif jafu huma, stqarrewha quddiem kulħadd. [1C 80; 2C 111.165]

[1213] 7 Huwa u jterraq qrib il-belt ta' Siena ra merħla kbira ta' nagħaġ jirgħu. Sellmilhom bil-ħlewwa, kif kien soltu jagħmel, u huma ħallew il-mergħa, ġrew lejh flimkien, għollew rashom u iċċassaw iħarsu lejh. Tawh merħba tassew sabiħa, hekk li kemm ir-ragħajja kif ukoll l-aħwa baqgħu b'ħalqhom miftuħ x'ħin raw il-ħrief u l-imtaten ukoll, jifirħu u jduru miegħu b'dak il-mod. Darba oħra wkoll, meta kien qed joqgħod f'Santa Marija tal-Porziuncola, lill-qaddej ta' Alla tawh nagħġa bħala rigal. Laqagħha bil-qalb u bir-radd ta' ħajr, għax kien iħobb l-innoċenza u s-sempliċità li min-natura tagħha taf turi n-nagħġa. Ir-raġel twajjeb wissa lin-nagħġa ċkejkna biex tissieħeb fil-għana tat-tifħir lil Alla, imma toqgħod attenta wkoll li b'ebda mod ma tagħti fastidju lill-aħwa. Min-naħa tagħha n-nagħġa, bħallikieku ħasset it-tjieba tal-bniedem ta' Alla, obdiet bir-reqqa kull ma qalilha. Meta kienet tisma' lill-aħwa jkantaw fil-kor, araha dieħla l-knisja hija wkoll, u bla ma ħadd jgħidilha xejn, tinżel għarkubbtejha, u hemm, quddiem l-altar tal-Verġni Omm il-Ħaruf, kienet issemma' leħinha, bħallikieku biex issellmilha. Barra dan, meta waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa l-Ġisem l-aktar għażiż ta' Kristu kien jiġi mgħolli 'l fuq għall-qima, araha tinżel għarkubbtejha: din in-nagħġa devota kienet ixxandar lil dawk li ftit li xejn kienu juru qima, u lid-devoti kienet tistedinhom biex jaduraw lis-Sagrament. Fiż-żmien meta kien Ruma, imqanqal minn devozzjoni lejn il-Ħaruf l-aktar manswet, kien iżomm miegħu ħaruf. Qabel telaq minn Ruma ħallieh lis-Sinjura Jacopa dei Sette Soli[72], matrona nobbli Rumana, biex tieħu ħsiebu f'darha stess. Bħallikieku kien imħarreġ tajjeb fil-ħwejjeġ ta' l-ispirtu mill-qaddis innifsu, dan il-ħaruf ma kien jinqata' qatt mill-kumpanija tas-Sinjura: kien imur magħha l-knisja, jibqa' hemm sakemm iddum hemm hi, u jimxi magħha x'ħin tmur lura d-dar. Jekk filgħodu s-Sinjura kienet iddum ftit ma tqum, il-ħaruf arah imur imissha bi qrunu ċkejknin, u jgħajjat biex iqajjimha, u jagħmlilha sinjali b'rasu u ġesti oħra biex iħeġġiġha tħaffef lejn il-knisja. Kien għalhekk li dan il-ħaruf, dixxiplu ta' Franġisku, imma li issa sar diġà mgħallem tad-devozzjoni, is-Sinjura kienet tistagħġeb bih u tħobbu ħafna. [3C 31]

[1214] 8 Darba oħra, meta kien Greccio, xi ħadd ta lill-bniedem ta' Alla fenek tal-liebru ħaj. Kienu jħalluh ħieles fl-art biex forsi jitlaq, imma kif kien jisma' l-missier twajjeb isejjaħlu, dlonk kien jiġri lejh u jaqbeż fi ħdanu. Kien joqgħod imellsu u jżiegħel bih, u bħallikieku kien omm, erħilu jitħassru u jwissieh bil-ħlewwa biex ma jerġax jinqabad; fl-aħħar tah il-permess li jitlaq fil-libertà. Iżda għad li għamlu minn kollox biex forsi jitlaq, kull darba kien jerġa' lura fi ħdan il-missier, bħal donnu kien iħoss b'xi sens moħbi l-imħabba li kellu għalih. Fl-aħħar imbagħad, il-missier ta' ordni lill-aħwa biex jeħduh f'xi post solitarju fejn ikun fiż-żgur. Fatt ieħor jixbaħ ħafna lil dan ġara fil-gżira ta' l-għadira ta' Perugia: fenek li nqabad ġie mogħti lill-bniedem ta' Alla. Issa, waqt li mill-oħrajn kien jitnaffar u jaħrab, f'idejn u fi ħdan Franġisku kien joqgħod bi kwietu, qisu qiegħed f'daru. Meta darba kien qed jaqsam l-għadira ta' Rieti biex imur fl-eremitaġġ ta' Greccio, wieħed sajjied, imqanqal minn devozzjoni, tah tajra ta' l-ilma. Franġisku ħadha bil-qalb u ipprova jħarrabha, iżda ma riedet titlaq b'ebda mod minn fejn kienet. Il-qaddis, imbagħad, dam jitlob ħafna, b'għajnejh merfugħa lejn is-sema. Meta ġie f'tiegħu wara ħafna ħin, qisu wieħed li ġie lura minn dinja oħra, bil-ħlewwa kollha reġa' ordnalha mill-ġdid biex titlaq u tmur tfaħħar 'l Alla. Meta ħadet dan il-permess u miegħu l-barka tal-missier, bil-movimenti li bdiet tagħmel b'ġisimha esprimiet il-ferħ tagħha, u telqet. Kien ukoll fl-istess għadira li offrewlu ħuta kbira

---

[72] Jacopa dei Sette Soli, jew Sette Sogli, nobbli Rumana, armla ta' Graziano Frangipane, kellha qima kbira lejn S. Franġisk u riedet tkun preżenti għall-mewt u d-difna tiegħu (cfr. 3C 37-39).

ħajja. Bħalma kien jagħmel dejjem, sejħilha bl-isem ta' oħtu, u reġa' niżżilha fl-ilma, ħdejn id-dgħajsa. Iżda l-ħuta baqgħet hemm, quddiem il-bniedem ta' Alla, tilgħab fl-ilma. Bħallikieku miġbdua minn imħabbtu, b'ebda mod ma riedet titbiegħed mid-dgħajsa, sakemm hu ma tahiex il-permess li tmur, u berikha. [1C 60-61; 2C 167; 3C 23-24.29-30]

[1215] 9 F'ċirkustanza oħra, meta darba kien għaddej ma' wieħed mill-aħwa minn xi nħawi fil-*paludi* ta' Venezia[73], sab qtajjiet kbar ta' għasafar jgħannu fuq il-friegħi tas-siġar. Kif rahom, lil sieħbu qallu: "Ħutna l-għasafar qed ifaħħru lill-Ħallieq tagħhom. Ejja mmorru f'nofshom, għalhekk, u nfaħħru aħna wkoll lill-Mulej, u nkantaw is-Sigħat Liturġiċi". Meta daħlu f'nofshom, l-għasafar ma tħarrkux minn fejn kienu, iżda billi minħabba t-tpespis tagħha ma setgħux jisimgħu lil xulxin huma u jgħidu l-Uffiċċju, ir-raġel qaddis dar lejn l-għasafar u qalilhom: "Ħutna għasafar, ieqfu mill-għana sakemm aħna nkunu tajna lil Alla t-tifħir li jistħoqqlu". Minnufih waqfu, u baqgħu hemm bla ma tniffsu, sakemm temmew is-Sigħat Liturġiċi u t-tifħir bla għaġġla ta' xejn. Stennew li l-qaddis ta' Alla jagħtihom il-permess biex huma wkoll jaqbdu jkantaw mill-ġdid. Meta tahom dan il-permess, dlonk reġgħu qabdu jgħannu kif kienet id-drawwa tagħhom. F'Santa Marija tal-Porziuncola kien hemm werżieq fuq it-tina qrib iċ-ċella tal-bniedem ta' Alla. Dan il-werżieq ma kienx jgħejja jkanta, u bil-kant tiegħu lill-qaddej ta' Alla spiss kien iqanqlu biex ifaħħar lill-Mulej, għax kien tgħallem jammira l-kobor tal-Ħallieq ukoll fil-ħwejjeġ żgħar. Darba minnhom sejjaħlu u l-werżieq, bħal donnu mgħallem mis-sema, tar għal fuq idu. Qallu: "Għanni, ħija l-werżieq, u bil-ferħ tiegħek faħħar lill-Mulej ħallieq". Obda bla tnikkir, u beda jgħanni bla waqfien sakemm b'ordni tal-missier mar lura f'postu. Baqa' hemm tmint ijiem sħaħ, u, b'ubbidjenza għall-ordnijiet tiegħu, kuljum kien imur ikanta ħdejh, u mbagħad imur f'postu. Fl-aħħar il-bniedem ta' Alla qal lil sħabu: "Ejjew issa nagħtu lil ħuna l-werżieq il-permess li jmur fejn irid. Ferraħna biżżejjed bil-għana tiegħu, u għal tmint ijiem sħaħ ħeġġiġna biex infaħħru lil Alla". Malli bagħatu, telaq u ma deherx aktar dawk in-naħat, qisu ma ried b'ebda mod jikser il-kmand tiegħu. [CA 110; 2C 171; 3C 27]

[1216] 10 Meta kien marid fi Siena, wieħed nobbli ġablu faġġan ħaj li kien għadu kemm qabad. Malli l-faġġan sema' u ra lir-raġel qaddis, ħassu marbut miegħu b'rabta ta'mħabba hekk kbira li b'ebda mod ma seta' jgħix mifrud minnu. Kemm il-darba ħaduh barra l-post ċkejken li fih kienu jgħixu l-aħwa, u ippruvaw iħalluh fil-għalqa tad-dwieli biex jitlaq, jekk irid, iżda kull darba, f'salt wieħed, kien imur lura għand il-missier, qisu kien ilu żmien imrobbi minnu. Fl-aħħar tawh lil wieħed raġel li s-soltu kien jiġi jżur b'devozzjoni lill-qaddej ta' Alla. Iżda biex juri n-niket tiegħu minħabba li ma setax jara lill-missier twajjeb, ma riedx jaf b'ikel. Meta reġgħu ġabuh lura għand il-qaddej ta' Alla, kif rah, minnufih beda jagħmel ġesti li juru l-ferħ li kien qed iħoss, u kiel b'aptit daqsiex. Meta wasal fl-eremitaġġ ta' La Verna[74] biex hemm jiċċelebra randan f'ġieħ l-Arkanġlu Mikiel, qtajja ta' għasafar minn kull ġens bdew jittajjru qrib iċ-ċella ċkejkna tiegħu. Bl-għana ħlejju tagħhom, u bil-ġesti ta' ferħ li bdew jagħmlu, riedu juruh il-hena tagħhom għall-wasla

---

[73] Dan il-fatt ma jirrakkontahx Celano. Franġisku qasam il-*laguna* Veneta meta kien ġej lura mill-vjaġġ tiegħu fl-Orjent fl-1220. Hu f'dan il-perjodu li hi datata l-fundazzjoni ta' l-eremitaġġ ta' San Francesco al Deserto, f'Venezia, fejn jingħad li Franġisku ħawwel zokk li kien ġabu minn Lezhë, fl-Albanija, hu u jirritorna mill-Orjent, u li mbagħad kiber u sar siġra kbira. It-tradizzjoni tgħid li l-preżenza Franġiskana fil-kosta ta' l-Adrijatiku tal-Balkani, ibda mill-Albanija, hi marbuta ma' dan il-vjaġġ ta' ritorn ta' S. Franġisk fl-Italja fl-1220.

[74] Dan l-episodju, li Celano ma jafx bih, imma li jiġi innutat minn Bonaventura, seħħ fl-okkażjoni ta' l-aħħar mawra ta' S. Franġisk fuq La Verna fl-1224, skond kif insibu fl-I Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati fil-*Fjuretti*. L-episodju tal-bies, jew seqer, jinsab ukoll f'2C 168; 3C 25, imma mingħajr ma jgħid liema kien l-eremitaġġ li fih kien jinsab il-qaddis.

tiegħu, u hekk jistednuh u jħajjruh biex jibqa' hemm. Meta ra dan, qal lil sieħbu: "Milli qed nara, ħija, Alla jridna nqattgħu hawn xi ftit żmien. Ħutna l-għasafar jidhru li qed jitfarrġu ħafna bil-preżenza tagħna hawn". Matul iż-żmien li dam hemm, il-bies, li kellu l-bejta tiegħu f'dawk in-naħat, intrabat miegħu b'patt ta'ħbiberija. Matul il-lejl, bil-għana u l-ħsejjes tiegħu kien iħabbar minn ftit qabel is-siegħa li fiha r-raġel qaddis kien is-soltu jqum biex jgħid l-Uffiċċju Divin. Dil-ħaġa kienet tferrħu ħafna lill-qaddej ta' Alla, għax il-ħerqa li kien jurih b'dawk il-ġesti li kien jagħmel kienet iġġiegħelu jfarfar minnu kull telqa ta' għażż. Iżda meta l-qaddej ta' Kristu kien iħossu magħfus mill-mard aktar mis-soltu, il-bies kien jaħfirhielu, u ma kienx iqajjmu biex jishar kmieni ħafna. Għaldaqstant, bħallikieku *mgħallem minn Alla* (cfr. 2Tim 3,17), kien idoqqlu ħelu mas-sebħ il-qanpiena ta' leħnu ħlejju. Jidher ċar li, kemm fil-merħba ferreħija li tawh l-għasafar ta' kull xorta, kif ukoll fil-għana tal-bies, kien hemm profezija divina: għax kien proprju f'dak il-post u f'dak iż-żmien li l-għannej u l-adoratur ta' Alla mgħolli fuq il-ġwienaħ tal-kontemplazzjoni, kellu jkun merfugħ b'dehra serafika. [2C 168.170; 3C 25-26]

[1217] 11 Għall-ħabta meta Franġisku kien joqgħod fl-eremitaġġ ta' Greccio, in-nies ta' dawk l-inħawi kienu mdejjqin minn ħafna gwaj. Qtajja ta' ilpup ħattafa kienu jibilgħu mhux biss l-annimali, imma saħansitra n-nies, u t-tempesti tas-silġ li kienu jagħmlu ta' kull sena kienu jeqirdulhom l-għelieqi u s-siġar tad-dwieli tagħhom. Meta darba l-ħabbâr ta' l-Evanġelju kien jippriedka, lil dawn in-nies qalilhom: "Għall-ġieħ u t-tifħir ta' Alla li jista' kollox, niggarantilkom li dawn il-flaġelli kollha jgħibu, il-Mulej iħares lejkom bi ħniena u jkattrilkom ġidkom kemm il-darba temmnuni, ikollkom ħniena minnkom infuskom billi tagħmlu qrara tajba, u tagħmlu *frott xieraq ta' ndiema* (cfr. Mt 3,8). Imma nħabbrilkom ukoll li, jekk intom turu ruħkom ingrati għall-ġid li tkunu ħadtu, u *dduru mill-ġdid għall-ikel li tkunu qlajtu* (cfr. Prov 26,11), il-flaġelli jerġgħu mill-ġdid iżurukom, il-kastig jirdoppja, u *korla akbar* (cfr. Ġoż 22,18) taħbat għalikom". Imħeġġin minn dan il-kliem, in-nies tal-post għamlu penitenza, u minn dak il-ħin stess il-ħsara waqfet, għabu l-perikli, u la l-ilpup u lanqas is-silġ *qatt aktar ma għamlulhom ħsara* (cfr. Dan 3,50). Barra minn hekk – din hi ħaġa aktar ta' l-għaġeb – jekk xi drabi kien jinżel is-silġ fuq l-għelieqi tal-ġirien, x'ħin kien jasal qrib il-limiti tagħhom, kien jieqaf hemm, jew jieħu direzzjoni oħra. Kemm is-silġ u kemm l-ilpup żammew il-patt li kienu għamlu mal-qaddej ta' Alla, u qatt aktar ma azzardaw imorru kontra l-liġi tat-tjieba u jeħduha kontra l-bnedmin li ikkonvertew għal ħajja tajba. Dan baqa' jseħħ sakemm in-nies ta' Greccio baqgħu fidili u ma kisrux b'ħażen il-liġijiet ta' Alla. Imissna, għalhekk, inwieġbu b'imħabba għat-tjieba ta' dan ir-raġel ħieni, li kien ta' ħlewwa u setgħa ta' l-għaġeb: immansa l-ħruxija tal-bhejjem feroċi, ġab taħt il-kontroll tiegħu l-bhejjem selvaġġi, għallem lil dawk mansi, u wassal biex jobduħ lill-annimali li, wara l-waqgħa, bdew jeħduha kontra l-bniedem. It-tjieba hi tabilħaqq dik il-virtù li tgħaqqad f'patt wieħed il-ħlejjaq kollha, *tiswa għal kollox għax fiha għandha l-wegħda tal-ħajja ta' issa, u ta' dik li għad trid tiġi* (cfr. 1Tim 4,8). [2C 35-36]

Kapitlu IX
Dwar il-ħeġġa ta' mħabbtu, u x-xewqa ħerqana li kellu għall-martirju.

[1218] 1 *Min jista' jgħid biżżejjed* (cfr. Sir 18,2) dwar l-imħabba mħeġġa li Franġisku, *il-ħabib ta' l-Għarus* (cfr. Ġw 3,39) kellu taqbad ġo fih? Kien qisu ġamra tan-nar imqabbda, u deher bħal mitluf fil-ħuġġieġa ta' l-imħabba divina. Kull darba li kien jisma' lil xi ħadd jitkellem dwar l-imħabba tal-Mulej, arah iħossu jitqanqal, jeċċita ruħu, u jimtela b'ħeġġa ta' l-għaġeb, bħallikieku

l-kordi ta' qalbu ndaqqew bil-pinna tal-vuċi li nstemgħet minn barra. Toffri l-imħabba ta' Alla lil min jagħtik karità, kien jgħid, hu ħala nobbli, u boloh għall-aħħar huma dawk li jistmawha inqas milli jistmaw il-flus: għax il-prezz ta' l-imħabba divina waħedha – prezz li ħadd ma jista' jikkalkulah – hu biżżejjed biex tixtri s-saltna tas-sema. U kbira għandha tkun imħabbitna lejn l-imħabba ta' Dak li lilna ħabbna ħafna. Biex kollox iqanqlu għall-imħabba ta' Alla, kien jifraħ bl-*għemejjel kollha ta' idejn il-Mulej* (cfr. S 91,5), u minn dik id-dehra ta' ferħ kien jogħla lejn il-kawża u r-raġuni li lil kulħadd tagħti l-ħajja. Fil-ħwejjeġ sbieħ kien jikkontempla lill-Aktar Sabiħ u, huwa u *jimxi fuq il-marki tal-passi tiegħu* (cfr. Ġob 23,11), stampati f'kull ħlejqa, kien imur wara l-*Maħbub* tiegħu kullimkien. Mill-ħwejjeġ kollha għamel għalih innifsu *sellum* biex ikun jista' jitla' u jħaddan miegħu lil *Dak li fih kollox jgħaxxqek* (cfr. Għan 5,16; Ġen 28,12). B'ħeġġa ta' devozzjoni li qatt ma smajna biha qabel, f'kull waħda mill-ħlejjaq – bħallikieku kull waħda kienet xmara żgħira – kien jitgħaxxaq bil-benna li minnha ħadu l-bidu tagħhom u, bħal David il-profeta, bil-ħlewwa kollha kien iħeġġiġhom biex *ifaħħru lill-Mulej* (cfr. S 148,1)[75]: għax kien donnu jilmaħ armonija bħal dik tas-sema meta kien joqgħod josserva l-qbil li kien hemm fil-qawwiet u l-attivitajiet li Alla għanihom bihom. [1C 80-81; 2C 165.196]

[1219] 2 Kristu Ġesù msallab *kien jgħammar* fil-qalba ta' qalbu, *bħal borża mirra mqiegħda fi ħdanu* (cfr. Għan 1,12), u x-xewqa ħerqana tiegħu kienet li jinbidel għal kollox fih bin-nar imħeġġeġ għall-aħħar ta' mħabbtu[76]. Bħala sinjal ta' devozzjoni u mħabba speċjali li kellu lejh, ibda mill-festa ta' l-Epifanija u għal erbgħin jum wara xulxin, jiġifieri t-tul taż-żmien kollu li fih Kristu għex moħbi fid-deżert, Franġisku kien jitwarrab għalih waħdu f'postijiet solitarji, jingħalaq f'ċelltu, u jgħaddi bi ftit ikel u xorb, isum, jitlob u jfaħħar bla heda lil Alla. Hu veru li Franġisku kien miġbud lejn Kristu b'imħabba mħeġġa għall-aħħar, iżda min-naħa tiegħu l-*Maħbub* (cfr. Għan 1,12-13) ukoll kien ipattilu din l-imħabba b'imħabba ta' ħabib tal-qalb. Il-qaddej ta' Alla kien bħal donnu jħoss il-preżenza tas-Salvatur quddiem għajnejh kull fejn ikun, bħalma darba irrivela kunfidenzjalment lil sħabu. Sa fil-mudullun ta' ġismu kien iħossu jaqbad bl-imħabba għas-Sagrament tal-Ġisem tal-Mulej u, bħal miblugħ, kien jammira l-imħabba li waslet titbaxxa daqshekk, u t-tbaxxija tassew kbira, mimlija mħabba. Għat-tqarbin kien jersaq ta' spiss, u kien jitqarben b'tant devozzjoni li kien iħeġġeġ lill-oħrajn għad-devozzjoni: għax waqt li kien iduq il-ħlewwa tal-*Ħaruf bla tebgħa* (cfr. 1Pt 1,19) spiss kien jintilef f'estasi bħal wieħed xurban fl-ispirtu tiegħu. [2C 201; CA 108; SP 65]

[1220] 3 Kellu mħabba ma titfissirx bil-kliem lejn Omm il-Mulej Ġesù, għax kienet hi li lill-Mulej tal-glorja għamlitu ħuna, u permezz tagħha *ksibna l-ħniena* (cfr. 1Pt 2,10). Wara Kristu, fiha l-aktar kien iqiegħed il-fiduċja tiegħu, u ħatarha Avukata tiegħu u ta' uliedu, u b'ġieħ tagħha kien isum, b'devozzjoni kbira, mill-festa ta' l-appostli San Pietru u San Pawl sal-festa tat-tlugħ tagħha fis-sema. Franġisku kien marbut ukoll b'rabta ta' mħabba li ma tinħallx ma' l-anġli mħeġġin b'nar ta' l-għaġeb li bih huma jintilfu f'Alla, u jkebbsu l-erwieħ tal-magħżulin. Bħala sinjal tal-qima li kellu lejhom *kien isum* ukoll *erbgħin jum* (cfr. Mt 4,2), mill-festa tat-tlugħ is-sema tal-Verġni glorjuża sal-festa ta' San Mikiel; dan iż-żmien kien jiddedikah kollu kemm hu għat-talb bla heda. Lejn l-imqaddes Mikiel Arkanġlu, li lilu ġie afdat l-uffiċċju li jressaq l-erwieħ quddiem Alla, kellu devozzjoni u mħabba speċjali, u dan għax hu wkoll, Franġisku, kien imħeġġeġ b'żelu qaddis għas-

---

[75] Bonaventura hawnhekk jagħmel riferiment lejn il-*Cantico delle creature*.

[76] Ir-riferiment għall-mirra, meħud mill-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet, hu meħud mis-*Sermo 42 super Cant.* ta' S. Bernard ta' Clairvaux, li jgħid li l-mirra hi simbolu "tal-provi kollha mrar li l-maħbuba tgħaddi minnhom għall-imħabba tal-maħbub tagħha".

salvazzjoni ta' kulħadd. It-tifkira tal-qaddisin kollha, bħal qishom kienu *ħaġar tan-nar* (cfr. Eżek 28,14) kienet tkebbsu b'nar divin. L-Appostli kollha, u l-aktar lil Pietru u Pawlu, kien iqimhom b'devozzjoni speċjali, għax kienu jħobbu lil Kristu b'imħabba mħeġġa għall-aħħar. Għall-qima u l-imħabba li kellu lejhom kien joffri lill-Mulej is-sawm ta' randan speċjali. Il-fqajjar ta' Kristu ma kellu xejn tiegħu għajr *żewġ ħabbiet* (cfr. Mk 12,42), jiġifieri ġismu u ruħu, u dawn seta' jagħtihom b'imħabba ħalja. Iżda hu, għall-imħabba ta' Kristu, dawn iż-żewġ ħabbiet kien joffrihom bla waqfien: ġismu joffrih il-ħin kollu bil-ħruxija tas-sawm, u l-ispirtu tiegħu bil-ħerqa mħeġġa ta' xewqatu; minn barra joffri fil-bitħa *l-offerta tal-ħruq*, u fit-tempju minn ġewwa *jaħraq l-inċens* (cfr. Eż 30,27-28). [2C 197-198]

[1221] 4 L-imħabba ta' l-għaġeb u d-devozzjoni lilu hekk għollewh 'il fuq lejn il-ħwejjeġ ta' Alla li qalbu twessgħet biex minn imħabbitha jieħdu sehem dawk li miegħu jaqsmu n-natura u l-grazzja. Bħalma t-tjieba ta' qalbu għamlitu ħu l-ħlejjaq kollha, ma nistagħġbux li *l-imħabba ta' Kristu* għamlitu wisq aktar ħu dawk kollha li jġorru fihom ix-xbieha tal-Ħallieq u *ġew mifdija bid-Demm* (cfr. Apk 5,9) ta' dak li għamilhom. Ma kienx jgħodd lilu nnifsu ħabib ta' Kristu li kieku ma kienx jieħu ħsieb bil-ħerqa ta' l-erwieħ mifdija minnu. Xejn ma għandu jiġi qabel is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, kien jgħid, u dan hu ippruvat bil-qawwa kollha mill-fatt li l-*Iben waħdieni ta' Alla* (cfr. Ġw 3,18) indenja ruħu li jkun imdendel ma' salib. Kien għalhekk li, waqt it-talb kien jissara kemm jiflaħ, jivvjaġġa ma' kullimkien ixandar il-kelma ta' Alla, u xejn ma kien jara bi kbir, basta jagħti l-eżempju t-tajjeb. Meta, għalhekk, kienu jeħduha miegħu minħabba l-ħruxija kbira li kien juża miegħu nnifsu, kien iwieġeb li hu ġie mogħti bħala eżempju għall-oħrajn. Għad li ġismu innoċenti issa kien joqgħod minn rajh għall-ispirtu tiegħu, u għalhekk ma kellux għalfejn jiġi msawwat minħabba l-ħtijiet, b'danakollu biex ikun ta' eżempju, kien iġeddidlu t-tagħbija tal-piena u l-kastig, u jħares lilu nnifsu milli *jimxi fit-triqat il-ħżiena* (cfr. S 16,4) minħabba l-oħrajn. Kien jgħid: "*Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli bla ma jkolli fija nnifsi l-imħabba*, u ma nurix lill-proxxmu tiegħi eżempji ta' virtù, ftit li xejn inkun ta' siwi għall-oħrajn, u *lili ma jkun jiswieli xejn*" (cfr. 1Kor 13,1-3). [2C 172-173]

[1222] 5 In-nar iħaġġeġ ta' l-imħabba li kellu fih kien isuqu biex jipprova jilħaq it-trijonf glorjuż tal-qaddisin Martri, li fihom xejn ma seta' jitfi n-nar ta' l-imħabba, jew idgħajjef il-qlubija tagħhom[77]. Imkebbes kif kien minn dik l-imħabba perfetta *li tkeċċi ' barra l-biża'* (cfr. 1Ġw 4,18), ixxennaq bis-sħiħ biex joffri lilu nnifsu bħala *vittma ħajja* (cfr. Rum 12,1) lill-Mulej fin-nar tal-martirju, kemm biex lil Kristu jpattilu talli miet għalina, kif ukoll biex iqanqal oħrajn għall-imħabba ta' Alla. Fis-sitt sena tal-konverżjoni tiegħu, ħerqan għall-aħħar li jmut martri, iddeċieda li jaqsam bil-baħar għall-inħawi tas-Sirja biex jippriedka l-fidi nisranija, u jsejjaħ għall-penitenza lis-Saraċini u infidili oħrajn. Iżda kif tela' fuq il-ġifen li kellu jieħdu f'dak il-pajjiż, *qam riefnu kbir* (cfr. Mt 14,24; Mk 6,48), u kellu jmur bilfors in-naħa ta' Schiavonia[78]. Meta dam hemm għal xi żmien, u ra li ma setax isib ġifen li jieħdu fejn xtaq imur, ħassu li ġie mqarraq fix-xewqa tiegħu. Talab, għalhekk, lil xi baħrin li kienu sejrin Ancona biex, għall-imħabba ta' Alla, jeħduh magħhom. Issa, billi ma kellux flus biex iħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ, b'ebda mod ma riedu jħalluh jimbarka. Il-bniedem ta' Alla, mimli fiduċja fit-tjieba tal-Mulej, tela' bil-moħbi fuq il-ġifen flimkien ma' sieħbu. Fuq il-ġifen tela' wkoll wieħed raġel li, kif hu ta' min jemmen, kien mibgħut minn Alla għall-fqajjar tiegħu, u ġab miegħu l-ikel u x-xorb meħtieġ. Sejjaħ wieħed mill-baħrin

[77] Bonaventura jitkellem dwar it-tejoloġija tal-martirju fl-opra *De Triplici Via* II,8 (*Opera Omnia* VIII,9-10) u fl-*Apologia Pauperum* IV,1 (*Opera Omnia* VIII,252), fejn jgħid li x-xewqa tal-martirju hi l-perfezzjoni ta' l-imħabba.
[78] Schiavonia tirreferi għall-kosta tad-Dalmazja, fil-Kroazja, in-naħa l-oħra ta' l-Adrijatiku minn Ancona.

tal-ġifen, *raġel jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,1), u qallu dan il-kliem: "Ħu ħsieb dawn l-affarijiet li ġibt għall-aħwa foqra li hawn moħbija fuq dan il-ġifen, u *meta jkunu fil-bżonn* (cfr. Sir 8,12), agħtihomlhom bil-ħlewwa kollha". Issa ġara li, minħabba l-irjieħ qawwija, għal ħafna jiem il-baħrin ma setgħux jinżlu l-art imkien, u kielu kull ma kellhom maħżun, u kien fadal biss il-karità li kienet ġiet mogħtija minn fuq lil Franġisku. Għad li dan il-proviżjon kien ftit ħafna, il-qawwa divina kattritu bil-bosta hekk li kien biżżejjed biex, għal matul iż-żmien kollu tat-tempesta, kulħadd ħa kemm kellu bżonn sakemm fl-aħħar daħlu fil-port ta' Ancona. Meta l-baħrin raw li għall-interċessjoni tal-qaddej ta' Alla inħelsu mit-theddid tal-mewt, huma li kienu nies ta' esperjenza dwar x'setgħet tagħmel il-qilla li tbeżżgħek tal-baħar, u *raw l-għemejjel tal-Mulej fil-qiegħ* (cfr. S 106,24), raddew ħajr lil *Alla li jista' kollox* (cfr. Sir 50,19) li, fil-ħbieb u l-qaddejja tiegħu, dejjem juri ruħu ta' l-għaġeb u ta' min iħobbu. [1C 55; 3C 33; LM VII,13]

[1223] 6 Meta ħalla l-baħar u beda jterraq fuq dik l-art, xerred ma' kullimkien iż-żerriegħa tas-salvazzjoni, u ġabar ħsad ta' frott kotran. Iżda billi hu xtaq l-aktar b'qalbu kollha l-frott tal-martirju, tant li nistgħu ngħidu li kien aktar ħerqan li jmut għal Kristu milli jikseb il-merti tal-virtujiet l-oħra, qabad it-triq lejn il-Marokk. Ried jippriedka hemmhekk l-Evanġelju ta' Kristu lill-Miramolino[79] u n-nies tiegħu, għax kellu tama qawwija li b'dan il-mod jikseb il-palma li tant kien imxennaq għaliha. Kien misjuq għal dan minn ħeġġa tassew qawwija tant li, għalkemm kien dgħajjef f'ġismu, b'danakollu lil *sieħbu li kien fil-pellegrinaġġ* (cfr. 2Kor 8,19) miegħu, kien jiġri qablu u jaqtgħu biċċa sew. Bħal wieħed xurban fl-ispirtu, biex jara l-pjan tiegħu jitwettaq, kien itir aktar milli jimxi. Iżda Alla, li kellu merfugħa għalih ħidmiet oħra, iddispona mod ieħor. Kif Franġisku qorob lejn Spanja inħakem minn marda serja għall-aħħar, u għal darb'oħra ra x-xewqa tiegħu ittir mar-riħ. Il-bniedem ta' Alla fehem, imbagħad, li l-ħajja fiżika tiegħu kienet għadha meħtieġa għall-ulied li kien nissel. Għad li għalih innifsu l-mewt kien *jgħoddha bħala qligħ* (cfr. Fil 1,21), mar lura biex *jirgħa n-nagħaġ* (cfr. Ġw 21,17) afdati lilu u jieħu ħsiebhom bil-ħerqa. [1C 56]

[1224] 7 Iżda l-ħeġġa ta' l-imħabba li kellu fih xorta waħda baqgħet issuqu għall-martirju. Għat-tielet darba ipprova jmut fil-pajjiżi ta' l-infidili bit-tama li, bit-tixrid ta' demmu, jirnexxilu jxerred il-fidi fit-Trinità. Fit-tlettax il-sena tal-konverżjoni tiegħu, erħielha mill-ġdid lejn il-inħawi tas-Sirja, u b'kuraġġ ta' sur ħabbat wiċċu ma' bosta perikli bit-tama li jirnexxilu jidher quddiem is-Sultan ta' Babilonja[80]. Dik il-ħabta bejn l-Insara u s-Saraċini kien hemm gwerra qalila għall-aħħar. Iż-żewġ eżerċti kienu qegħdin għal-lest qrib ħafna ta' xulxin, wieħed quddiem l-ieħor, u ħadd ma kien jissogra jaqsam min-naħa għall-oħra mingħajr il-periklu tal-mewt. Is-Sultan kien ħareġ ordni kiefer: kull min iġib ir-ras ta' xi nisrani jieħu b'rigal biżant tad-deheb[81]. Iżda Franġisku, is-suldat qalbieni ta' Kristu, bit-tama li kien se jara xewqtu mitmuma f'qasir żmien, qatagħha li jagħmel dan il-pass. Il-biża' tal-mewt mhux biss ma werwrux, imma aktar ħeġġu għaliha. Qabel għamel dan il-pass talab, u mbagħad, *qalbu qawwija fil-Mulej* (cfr. 1Sam 30,6),

---

[79] L-isem Miramolino hu korruzzjoni taljana ta' l-isem għarbi tas-Sultan Emir el-Mumenin, jiġifieri, il-mexxej ta' dawk li jemmnu. Proprjament l-isem veru tas-Sultan tal-Marokk kien Mohamed-ben-Nasser, li fl-1212 kien tilef l-artjiet li kellu fi Spanja u kellu jirtira fl-Afrika ta' fuq.

[80] Is-Sirja kienet tirreferi b'mod ġeneriku għal-Lvant Nofsani. Is-Sultan ta' Babilonja kien, fil-fatt, is-Sultan ta' l-Eġittu, li l-ħakma tiegħu kienet testendi ruħha wkoll fil-Palestina, ħlief għal xi ftit bliet fortifikati fuq il-kosta tal-Mediterran li l-Kruċjati kienu għadhom iżommu wara l-telfa ta' Ġerusalem fl-1187. L-episodju tal-mawra ta' Franġisku fl-Eġittu hi dik tal-ħames Kruċjata. Il-Kruċjati kienu dik il-ħabta jassedjaw Damiata, belt kbira u fortifikata fid-delta tax-xmara Nil.

[81] *Byzantium aureum*. Il-*biżant* kien il-munita komuni fl-Orjent, kemm fost il-Musulmani kif ukoll fost l-Insara.

mimli fiduċja għanna kliem il-profeta: *Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax Inti miegħi* (cfr. S 22,4). [1C 57]

[1225] 8 Ħa miegħu bħala sieħbu wieħed mill-aħwa li kien jismu Illuminato[82], raġel tabilħaqq imdawwal u mogħni b'kull virtù. Kif bdew il-vjaġġ iltaqa' ma' żewġt iħrief, u feraħ ħafna malli rahom, u lil sieħbu qallu: "*Afda fil-Mulej* (cfr. S 22,4), ħija, għax se jseħħ fina kliem l-Evanġelju: *Ara, jien se nibgħatkom bħal nagħaġ qalb l-ilpup* (cfr. Sir 11,22; Mt 10,16). Komplew triqthom, u minnufih ġew jiltaqgħu magħhom il-għases Saraċini. Bħalma l-ilpup jaqbżu b'ħeffa fuq in-nagħaġ, hekk dawn il-għases intefgħu bi ħruxija fuq il-qaddejja ta' Alla, ġabu ruħhom magħhom bi ħruxija kbira u żebilħuhom kemm felħu, kaxkruhom, sawwtuhom u rabtuhom bil-ktajjen. Fl-aħħar, imbagħad, wara li ħaqruhom kemm felħu u każbruhom bis-sħiħ, fi pjan divin tal-providenza ta' Alla, ħaduhom quddiem is-Sultan, kif kienet ix-xewqa tal-bniedem ta' Alla. Meta dak il-prinċep beda jistħarreġ dwar min bagħathom hemm, u għaliex, u dwar kif kienu mibgħuta u kif waslu hemm, il-qaddej ta' Kristu, Franġisku, b'qalb li xejn ma jbeżżagħha, wieġeb li mhux minn xi bniedem, imma minn Alla l-Aktar Għoli kien mibgħut. Urieh biċ-ċar li l-missjoni tiegħu kienet li lilu u lill-poplu tiegħu jurihom it-triq tas-salvazzjoni, u jxandrilhom l-Evanġelju tal-verità. Lis-Sultan ippriedkalu dwar Alla, wieħed fi tliet Persuni, u dwar Ġesù Kristu, is-Salvatur ta' kulħadd. Ta' min jgħid li Franġisku ippriedka b'tant sedqa, b'tant qawwa u b'ħeġġa ta' l-ispirtu hekk kbira, li tabilħaqq dehru jitwettqu fih b'mod ċar il-kelmiet ta' l-Evanġelju: *Jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista' jieqaflu jew imerih* (cfr. Lq 21,15). Is-Sultan ukoll ammira fil-bniedem ta' Alla l-ħeġġa ta' l-ispirtu u l-kuraġġ li kellu, u *kien jisimgħu bil-qalb* (cfr. Mk 6,10), anzi talbu b'insistenza biex joqgħod miegħu. Iżda l-qaddej ta' Kristu, imnebbaħ mis-sema, qallu: "Jekk int u ġensek tabilħaqq tridu tikkonvertu lejn Kristu, jien, għall-imħabba tiegħu, noqgħod magħkom bil-qalb kollha. Imma jekk inti qiegħed bejn ħaltejn jekk titlaqx il-liġi ta' Mawmettu u tħaddan il-fidi ta' Kristu, ngħidlek x'nagħmlu. Agħmel li jitqabbad nar kbir kemm jista' jkun, u jien nidħol fih flimkien mas-saċerdoti tiegħek. Hekk waħdek tasal tagħraf liema fidi għandha titqies u tinżamm bħala l-aktar waħda ċerta u qaddisa". Wieġbu s-Sultan: "Ma nemminx li xi ħadd mis-saċerdoti tiegħi se jasal jesponi ruħu għall-prova tan-nar, jew li jsofri xi torment ieħor biex jiddefendi l-fidi tiegħu". Infatti, kien għadu kemm ra wieħed mis-saċerdoti tiegħu, raġel ġenwin u mimli bil-għomor, li kif sema' dan il-kliem, minnufih għab minn quddiem wiċċu. Il-qaddis wieġbu: "Kemm il-darba, f'ismek u f'isem ġensek, trid twiegħedni li, jekk noħroġ min-nar bla ma jiġrili xejn intom idduru biex tqimu lil Kristu, jien lest nidħol waħdi fin-nar. Jekk nisfa maħruq, għid li dan kien ħtija ta' dnubieti. Imma jekk il-qawwa ta' Alla tħarisni, lil Kristu, *il-qawwa u l-għerf ta' Alla*, agħrfuh bħala li hu *veru Alla u Mulej, is-Salvatur ta' kulħadd* (cfr. 1Kor 24; Ġw 17,3; 4,42). Iżda s-Sultan wieġeb li ma kienx jażżarda jilqa' din l-isfida, għax kien jibża' minn xi rewwixta mill-poplu. B'danakollu, offrielu ħafna rigali li jqumu ħafna, iżda l-bniedem ta' Alla, għatxan mhux għall-ħwejjeġ tad-dinja imma għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, maqdar kollox bħallikieku kien tajn ta' l-art. Is-Sultan, meta ra lil dan ir-raġel qaddis imaqdar b'dik il-manjiera perfetta l-ħwejjeġ tad-dinja, aktar inġibed lejh u ammirah, u ħabbu b'devozzjoni akbar. U għad li ma riedx, jew forsi ma kellux il-kuraġġ li jgħaddi għall-fidi nisranija, b'danakollu talab b'qima lill-qaddej ta' Kristu biex jaċċetta dawk ir-rigali għas-salvazzjoni tiegħu, u jqassamhom lill-insara foqra jew lill-knejjes. Franġisku, iżda, billi ried jaħrab

---

[82] Għalkemm jiddependi essenzjalment minn 1C 57, Bonaventura jżid xi dettalji mar-rakkont tiegħu li ħadhom direttament minn fomm fra Illuminato, li kien sieħeb San Franġisk, meta dan mar jippriedka quddiem is-Sultan ta' l-Eġittu al-Malik-al-Kamil. Eżempju tax-xhieda ta' fra Illuminato nsibuh fil-laqgħa li ż-żewġ aħwa jagħmlu mal-ħrief, li jfakkruhom fil-kliem ta' l-Evanġelju dwar il-martirju (Mt 10,16).

mit-toqol tal-flus, u wkoll għax f'qalb is-Sultan ma rax li t-tjieba kienet xenxlet għeruqha, ma aċċetta bl-ebda mod. [1C 57; Fior 24]

[1226] 9 Meta ra li ma kien qed jagħmel ebda progress filli jikkonverti lil dawk in-nies, u anqas ma kien ser *jara xewqtu tiġi maqtugħa* (cfr. 2Tim 3,10), imwissi minn rivelazzjoni divina, mar lura lejn il-pajjiżi insara. U hekk, skond kif ordnat li jsir it-tjubija ta' Alla, u għall-merti tal-virtujiet ta' dan il-qaddis, bi ħniena u b'għaġeb kbir ġara li l-ħabib ta' Kristu, għamel minn kollox biex imut għalih, iżda l-ħsieb ta' qalbu ma seħħlux. B'danakollu, iżda, ma tilifx il-mertu tal-martirju li xtaq, u fl-istess ħin ġie mħares biex aktar 'il quddiem ikun immarkat bi privileġġ tassew waħdieni. Ġara, għalhekk, li n-nar divin li kellu f'qalbu tkebbes b'qawwa aktar perfetta biex aktar 'il quddiem ifawwar ukoll f'ġismu. O raġel tassew ħieni li ġismu, għad li ma ġiex imsawwat bil-ħadid tat-tirann, b'danakollu ma ġiex imċaħħad milli jkun jixbaħ lill-*Ħaruf li kien maqtul* (cfr. Apk 5,12)! O raġel tassew ħieni, nerġa' ngħid, li għad li x-xabla tal-persekutur ma neħħietlux ħajtu, madankollu ma tilifx il-palma tal-martirju[83]. [1C 57]

Kapitlu X
Dwar iż-żelu li kellu għat-talb u l-qawwa tat-talb tiegħu.

[1227] 1 Il-qaddej ta' Kristu, Franġisku, imlibbes b'dan il-ġisem, kien iħossu *bogħod mill-Mulej* (cfr. 2Kor 5,6), u billi diġà *għall-imħabba ta' Kristu* (cfr. 2Kor 5,14) kien sar għal kollox insensibbli għax-xewqat ta' l-art, *bit-talb bla heda* sforza kemm felaħ biex jgħix fil-preżenza ta' Alla, ħalli ma jiġrilux li jkun imċaħħad mill-faraġ tal-*Maħbub* (cfr. Għan 2,3; 1Tes 5,17). Għal dan ir-raġel kontemplattiv it-talb kien faraġ, u bħallikieku kien sar diġà ċittadin flimkien ma' l-Anġli, kien idur lejn l-għamajjar tas-sema, *ifittex* b'xewqa ħerqana *lill-Maħbub tiegħu* (cfr. Għan 3,1-2), li l-ħajt ta' ġismu biss kien jifirdu minnu. Għal dan il-bniedem attiv it-talb kien ukoll ħarsien: għax bit-talb bla waqfien tiegħu tgħallem li f'kull ma jagħmel xejn ma jafda fil-ħila tiegħu, imma fil-Mulej, u *jħallih jagħmel Hu* (cfr. S 54,23). Kien itenni bil-qawwa kollha li, aktar minn kull ħaġa oħra, ir-reliġjuż għandu jixtieq il-grazzja tat-talb, u ħadd ma għandu jemmen li mingħajrha jista' jagħmel imqar pass wieħed 'il quddiem fis-servizz ta' Alla. Kien jagħmel minn kollox biex lill-aħwa tiegħu jħeġġiġhom ikunu żelanti fit-talb. Hu, min-naħa tiegħu, miexi jew bilqiegħda, ġewwa jew barra, jaħdem jew jistrieħ, kien dejjem jehda fit-talb, hekk li kien jidher li għat-talb iddedika mhux biss qalbu u ġismu, imma wkoll il-ħidma u l-ħin tiegħu kollu. [2C 94]

[1228] 2 Kien imdorri li, bit-traskuraġni, ma jħalli qatt li xi żjara ta' l-Ispirtu tisfa' fix-xejn. Għalhekk, meta kienet tiġih xi okkażjoni bħal din, ma kienx jitlifha, u sakemm il-Mulej kien iħallih, kien jitgħaxxaq bil-ħlewwa tagħha. Meta xi drabi, waqt li kien ikun fil-vjaġġ, kien iħoss il-fewġa ta' l-Ispirtu Divin, kien iħalli lil sħabu jgħadduh, u hu jieqaf u jagħmel minn kollox biex din l-ispirazzjoni tħalli l-frott u hekk *ma jirċevix il-grazzja ta' Alla fil-fieragħ* (cfr. 2Kor 6,1). Ħafna drabi kien jiġri li jiġi merfugħ f'estasi ta' kontemplazzjoni, u maħtuf barra minnu nnifsu, kien jagħmel esperjenza ta' affarijiet li huma 'l hemm mis-sensi umani, waqt li ma kien ikun jaf proprju xejn dwar dak li jkun qed jiġri madwaru. Darba minnhom, billi ħassu dgħajjef f'ġismu, rikeb fuq daqsxejn ta' ħmar, u għadda minn Borgo San Sepolcro, belt popolata ħafna, u malli l-folol lemħuh, misjuqin minn devozzjoni lejh, ġrew għal fuqu. In-nies bdew jiġbduh u jżommuh, jagħfsu fuqu u jmissuh minn rasu sa saqajh, u b'danakollu deher li hu ma kien qed jinduna jew

[83] Dawn il-kelmiet huma meħudin minn antifona tat-II Għasar tal-festa ta' San Martin ta' Tours.

iħoss xejn minn dan kollu: kien qisu ġisem bla ruħ, ma jaf assolutament xejn dwar dak li kien qed jiġri madwaru. Meta kienu tbiegħedu biċċa sewwa mill-belt u ħallew il-folol warajhom, waslu ħdejn lebbrożarju. Dan ir-raġel li ma kienx jgħejja jikkontempla l-ħwejjeġ tas-sema, qisu wieħed li ġie minn dinja oħra, staqsihom bil-ħerqa meta kienu se jaslu fil-Borgo. Moħħu kien hekk iffissat fil-ġmiel tas-sema li ma kienx jinduna bil-postijiet u l-ħinijiet differenti, jew jiftakar fil-persuni li jkun iltaqa' magħhom. Sħabu, li raw esperjenza bħal din tiġri bosta drabi, xehdu li spiss kien jiġrilu hekk. [2C 95.98]

[1229] 3 Mit-talb Franġisku tgħallem li l-preżenza mixtieqa ta' l-Ispirtu s-Santu tingħata b'mod aktar intimu lil dawk li jitolbuha, u ssibhom imbegħdin kemm jista' jkun mill-ħsejjes tan-nies tad-dinja. Għalhekk huwa kien ifittex imkejjen imwarrba, u bil-lejl imur jitlob f'imkejjen solitarji u fi knejjes mitluqa. F'dawn il-postijiet kemm il-darba kellu jsofri attakki ħorox mix-xjaten, kienu jiġġieldu miegħu u jġiegħeluh isofri f'ġismu, biex ma jkomplix jingħata għat-talb. Iżda hu, armat tajjeb bl-armi tas-sema, aktar ma kien ikun attakkat bl-aħrax mill-għadu, aktar kien jitqawwa fil-virtù, u juri ħeġġa fit-talb. U lil Kristu, b'fiduċja sħiħa, kien jgħidlu: *Għad-dell ta' ġwenħajk kenninni mill-ħżiena li jagħfsu fuqi* (cfr. S 16,8-9). Idur, imbagħad, fuq id-demonji u jgħidilhom: "Agħmlu li tridu, intom spirti ħżiena u qarrieqa! Intom ma tistgħu tagħmlu xejn għajr dak li tħallikom tagħmlu l-id ta' Alla, u jien qiegħed hawn lest li, bil-ferħ kollu, inġarrab kull ma din l-id tkun iddeċidiet li għandu jgħaddi mingħalija". Id-demonji suppervi ma kienux jifilħu jaraw quddiemhom qlubija tar-ruħ bħal din, u kienu jirtiraw kollhom imħawwda. [1C 71-72; CA 65; 2C 122; SP 59]

[1230] 4 Meta l-bniedem ta' Alla kien isib ruħu waħdu u fil-kwiet, erħilu jimla l-foresta bit-tnehid, l-art ixarrabha bid-dmugħ, iħabbat b'idejh fuq sidru u, qisu xi wieħed li sab hemmhekk moħba sigrieta, kien joqgħod jitkellem ma' Sidu. Hemm kien iwieġeb lill-imħallef, kien jitlob lill-Missier, u jiddjaloga ma' ħabibu. Hemm ukoll l-aħwa li kienu joqogħdu josservawh bil-qima semgħuh jitlob bit-tnehid lil Alla biex fit-tjieba tiegħu jħenn għall-midinbin, u b'leħen għoli kien jibki l-passjoni tal-Mulej, bħallikieku kien qed jaraha tiġri dak il-ħin quddiem għajnejh. Hemm rawh ukoll bil-lejl jitlob b'idejh miftuħa għamla ta' salib, ġismu maqtugħ mill-art u mdawwar minn sħaba kollha dija: id-dija ta' l-għaġeb li kellu madwar ġismu kienet xhieda meraviljuża tad-dawl li kien jimlielu l-ispirtu tiegħu. Hemm ukoll – u dan hu aċċertat minn ħafna provi – ġew mgħarrfa lilu l-*misteri moħbija ta' l-għerf divin* (cfr. S 50,8). Iżda hu ma kienx joqgħod ixerrdihom ħlief jekk *il-karità ta' Kristu kienet issuqu* jew hekk kien jitlob minnu l-ġid ta' għajru (cfr. 2Kor 5,14). Għax kien jgħid: "Jista' jiġri li minħabba qligħ żgħir wieħed jista' jitlef xi ħaġa li ma hawnx prezzha, u lil Dak li jkun tahielu, iġiegħelu ma jerġax jagħtih hekk malajr". Meta kien jiġi lura mit-talb privat, talb li *kien bħal donnu jbiddlu fi bniedem ieħor* (cfr. 1Sam 10,6), kien jagħmel ħiltu biex iġib ruħu bħall-oħrajn, biex ma jiġrilux li dak li juri minn barra jċaħħdu *mill-ħlas ta' ġewwa* (cfr. Sir 2,8), għax ifaħħruh il-bnedmin. Jekk xi darba kien jiġri li, waqt li jkun ma' l-oħrajn fil-pubbliku, il-Mulej iżuru ħabta u sabta, kien jara kif jagħmel u jinħeba, biex it-tgħanniq intimu li kien ikollu ma' l-Għarus ma kien isir jaf bih ħadd minn barra. Meta kien ikun jitlob ma' l-aħwa kien jevita li joqgħod inaddaf griżmejh, jokrob, jieħu n-nifs bil-qawwi jew jagħmel xi ġesti bħal dawn, kemm għax hu kien iħobb jinħeba, u kemm ukoll għax, meta kien jidħol fl-intimu tiegħu, kien jintrefa' f'Alla. Spiss lil dawk li kienu ta' ġewwa miegħu kien jgħidilhom: "Il-qaddej ta' Alla, kemm il-darba hu u jitlob iżuru l-Mulej, għandu jgħid: Mulej, *għad li midneb* (cfr. Lq 18,13) u ma jistħoqqlix, *mis-sema bgħattli* (cfr. 1Pt 1,12) dan il-faraġ, u jien nagħtihulek lura biex teħodli

ħsiebu Int, għax inħossni qisni ħalliel tat-teżor tiegħek. Meta jiġi lura mit-talb, għandu juri ruħu hekk fqajjar u midneb, bħallikieku ma rċieva ebda grazzja ġdida". [2C 94.95.99]

[1231] 5 Waqt li l-bniedem ta' Alla kien qed jitlob fil-post tal-Porziuncola, l-isqof ta' Assisi mar iżuru, kif kien imdorri jagħmel. Kif rifes il-għatba b'kunfidenza aktar milli messu, baqa' dieħel dritt lejn iċ-ċella fejn il-qaddis ta' Kristu kien qiegħed jitlob u, wara li ħabbat fuq il-bieb ċkejken, qabad se jidħol. Iżda kif daħħal rasu u lemaħ lill-qaddis jitlob, f'daqqa waħda *qabditu rogħda kbira* (cfr. Ġob 21,6), il-membri ta' ġismu ibbiesu, tilef il-kelma u, b'dispożizzjoni divina, ġie mkeċċi b'saħħa u maħruġ 'il barra b'lura. Imbikkem kif kien, l-isqof għaġġel kemm seta' u mar għand l-aħwa. Meta Alla tah lura l-kelma mill-ġdid, bl-ewwel kelma li qal stqarr il-ħtija tiegħu. Darba oħra ġara li l-abati tal-monasteru ta' San Giustino, fid-djoċesi ta' Perugia, iltaqa' mal-qaddej ta' Kristu. Malli lemħu, l-abati devot niżel malajr minn fuq iż-żiemel kemm biex juri qima lejn il-bniedem ta' Alla, kif ukoll biex jitkellem miegħu dwar affarijiet li jmissu s-salvazzjoni ta' ruħu. Imbagħad, meta ntemmet din il-konversazzjoni pjaċevoli, qabel telaq l-abati, talbu bl-umiltà kollha biex jitlob għalih. Il-bniedem għażiż ta' Alla wieġbu: "Nitlob għalik bil-qalb kollha". Kif l-abati tbiegħed xi ftit, Franġisku qal lil sieħbu: "Ħija, stenna ftit, għax irrid inħallas id-dejn li wegħidt". Waqt li kien qed jitlob, dak l-abati *ħass* tant ħlewwa u ħeġġa *fl-ispirtu tiegħu* (cfr. Rum 8,5) – ħaġa li qatt ma kellu esperjenza tagħha qabel – *inħataf f'estasi* (cfr. Atti 11,5) u intilef f'Alla għal kollox. Dam hekk għal xi ħin, u *meta ġie f'tiegħu* (cfr. Lq 15,17; Atti 12,11) għaraf il-qawwa tat-talb ta' San Franġisk. Minn dakinhar 'il quddiem beda jħossu mkebbes b'imħabba akbar għall-Ordni, u dan il-fatt kien jirrakkontah lil ħafna nies u jgħidilhom li kien miraklu. [CA 54.76; 2C 100-101]

[1232] 6 Il-qaddis kellu d-drawwa li lil Alla joffrilu t-talb tas-Sigħat Liturġiċi mhux biss bil-biża', imma wkoll b'devozzjoni. Għad li kien marid b'għajnejh, l-istonku, il-milza u l-fwied, b'danakollu, meta kien ikun qed jgħid is-Salmi, ma kien jistrieħ la mal-ħajt, u lanqas ma' xi ħaġa oħra. Kien jitlob is-Sigħat wieqaf dritt, b'rasu mikxufa, bla ma jħalli lil għajnejh jiġru 'l hawn u 'l hinn, u bla ma jaħtaf il-kliem. Meta kien ikun fil-vjaġġ, x'ħin jasal il-ħin li tgħid l-Uffiċċju Divin, kien jieqaf. Din id-drawwa devota u qaddisa ma kien iħalliha qatt, imqar jekk kienet tkun nieżla xita bil-qliel. Spiss kien itenni: "Jekk il-ġisem għandu bżonn il-kwiet huwa u jieħu l-ikel tiegħu, li miegħu għad ikun ukoll ikel għad-dud, b'liema paċi u serenità r-ruħ għandha tiekol l-ikel tal-ħajja?". Kien iħossu li qed jonqos serjament kemm il-darba, huwa u jitlob, moħħu kien jiġġerra wara fantasiji fiergħa. Meta xi darba kien jiġrilu hekk, kien ifittex li jqerr malajr, basta jagħmel tpattija minnufih. Dan iż-żelu kien hekk qawwi fih li rari ħafna kien iħossu mdejjaq minn dubbien ta' din ix-xorta. Waqt li darba kien qed isum randan, biex jimla l-ftit ħin liberu li kellu u ma jitlef lanqas minuta, taha li jagħmel daqsxejn ta' važun. Issa ġara li, waqt li kien qed jgħid it-Terza, ftakar fih, u moħħu mar xi ftit band'oħra. Imqanqal minn ħeġġa ta' l-ispirtu, ħaraq il-važun fin-nar, u qal: "*Nissagrifikah lill-Mulej* (cfr. S 53,8) għax tellifni milli noffrilu sagrifiċċju". Kien jgħid is-salmi bl-akbar attenzjoni tal-moħħ u ta' l-ispirtu, bħallikieku kellu lil Alla ħdejh dak il-ħin, u kull darba li hu u jitlob kien jissemma isem il-Mulej, arah jilgħaq xofftejh biex ma jitlef xejn mill-ħlewwa u l-benna tiegħu. Ried li isem il-Mulej ikun meqjum b'imħabba speċjali, mhux biss meta wieħed jaħseb fih, imma wkoll meta jlissnu jew jiktbu. Xi drabi lill-aħwa kien jipperswadihom biex jiġbru kull biċċa karta miktuba, isibuha fejn isibuha, u jerfgħuha f'post nadif, biex ma jiġrix li fuqha jinzerta li jkun hemm miktub dan l-isem qaddis, u jiġi mgħaffeġ taħt is-saqajn. Meta, imbagħad, l-isem ta' Ġesù kien isemmih huwa stess, jew jisma' lil min isemmih, qalbu kienet tfur

bil-ferħ, u minn barra wkoll kien bħal donnu jinbidel kollu kemm hu, qisu li t-togħma ta' l-għasel biddlitlu l-palat, u li s-smigħ tiegħu kien xi melodija ħelwa. [CA 119; 2C 82.96-97; SP 94]

[1233] 7 Ġara li tliet snin qabel mewtu iddeċieda li, biex iqajjem id-devozzjoni, jiċċelebra fir-raħal ta' Greccio bl-ikbar solennità li seta' t-tifkira tat-twelid tal-Bambin Ġesù. Biex ħaġa bħal din ma titqiesx bħallikieku kienet xi ħaġa ġdida, talab u qala' mingħand il-Papa l-permess meħtieġ. Għamel li jitħejja presepju, jinġab it-tiben, u jiddaħħlu fil-post baqra u ħmara. Ġew imsejħin l-aħwa, in-nies ġew, u l-bosk beda jidwi bil-ħsejjes u l-ilħna tagħhom. Dik il-lejla qaddisa iddiet b'dija ta' dawl ta' l-għaġeb, u kienet tassew lejla solenni, bil-ħafna dwal u bil-għana ċar u armonjuż ta' tifħir il-Mulej. Il-bniedem ta' Alla kien hemm, wieqaf quddiem il-presepju, kollu qima, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh, imma fl-istess ħin imfawwar bil-ferħ. Il-Quddiesa solenni ġiet iċċelebrata b'solennità fuq il-maxtura, u l-levita ta' Kristu kanta l-Evanġelju mqaddes. Imbagħad kellem lill-poplu li kien miġbur hemm dwar it-twelid tas-Sultan fqir, u kull darba li ried isemmi ismu, imqanqal mill-imħabba tenera li kellu lejh, kien isejjaħlu t-Tarbija ta' Betleħem. Is-Sinjur Giovanni di Greccio[84], kavallier, raġel tajjeb u sinċier, li għall-imħabba ta' Kristu kien ħalla l-armata u sar il-ħabib tal-qalb tal-bniedem ta' Alla, qal li ra tfajjel ċkejken, sabiħ ħafna, rieqed fil-maxtura, u Franġisku għannqu b'idejh it-tnejn, u deher qisu qed iqajjmu min-ngħas. Din il-viżjoni li kellu dan il-kavallier hi ta' min jemminha, mhux biss minħabba l-qdusija tax-xhud, iżda wkoll minħabba l-verità li turi, u l-mirakli li saru wara jkomplu jwettquha. Infatti, l-eżempju ta' Franġisku, meta jiġi muri lid-dinja, għandu l-qawwa li jqajjem il-fidi ta' Kristu fil-qlub ta' dawk li huma bla ħeġġa. It-tiben ta' ġol-maxtura, li n-nies żammewh b'għożża, fejjaq mirakolożament il-bhejjem morda, u ħarrab ħafna mard jittieħed. Hekk Alla igglorifika lill-qaddej tiegħu b'ħafna modi u wera l-qawwa tat-talb qaddis tiegħu bis-sinjali ċari tal-mirakli kbar li saru. [1C 84-87; 3C 19]

## Kapitlu XI
Dwar kemm kien jifhem l-Iskrittura, u dwar l-ispirtu tal-profezija.

[1234] 1 Id-dedikazzjoni bla heda għat-talb u l-prattika tal-virtujiet wasslu lill-bniedem ta' Alla biex, għad li fl-Iskrittura mqaddsa ma kellux is-sengħa miksuba mill-istudju, b'danakollu, imdawwal mid-dija tad-dawl etern, moħħu kellu l-ħila joħroġ għad-dawl, b'finezza ta' l-għaġeb, ħafna *ħwejjeġ moħbija* (cfr. Ġob 28,11) li kien hemm fl-Iskrittura. Id-dehen li kellu, safi minn kull tebgħa, kien jidħol sa fil-qalba tal-misteri, u fejn l-għerf ta' l-għalliema kien jibqa' barra, l-imħabba tal-ħabib kienet tidħol sa ġewwanett. Xi kultant huwa kien jaqra l-Kotba mqaddsa, u dak li kien jidħol f'moħħu mqar darba, kien jistampah b'mod li jibqa' maħżun fil-memorja tiegħu, għax kien joqgħod jixtarru b'imħabba u devozzjoni l-ħin kollu. Meta darba l-aħwa staqsewh jekk kellux pjaċir li dawk l-irġiel ta' skola li ġew aċċettati fl-Ordni jkomplu jistudjaw l-Iskrittura mqaddsa, wieġeb: "Iva, dan lili jogħġobni u jagħtini pjaċir, sakemm huma jimxu fuq l-eżempju ta' Kristu li, kif naqraw, kien aktar jitlob milli jaqra. Hekk huma ma jittraskurawx l-istudju tat-talb, u lanqas ma jistudjaw biex ikunu jafu kif għandhom jitkellmu biss. Le, jistudjaw biex dak li jisimgħu, jagħmluh, u meta jkunu għamluh, imbagħad jipproponuh lill-oħrajn biex jagħmluh huma wkoll". U kien jgħid ukoll: "Irrid li l-aħwa tiegħi jkunu dixxipli ta' l-Evanġelju, u hekk jikbru fl-għarfien tal-verità b'tali mod li, fl-istess ħin, jikbru wkoll fis-safa tas-sempliċità. Hekk ma jifirdux

[84] S. Bonaventura jidentifika lill-istess Giovanni di Greccio, il-ħabib li lejh kien dar S. Franġisk biex iħejji dik iċ-ċerimonja (1C 84), bħala dak ir-raġel ixxurtjat (*viro virtutis*) li kellu dik il-viżjoni (1C 86).

*is-sempliċità tal-ħamiem mill-għaqal tas-sriep* (cfr. Mt 10,16), li l-aqwa Mgħallem, bi kliem fommu l-imbierek stess, għaqqad flimkien"[85]. [2C 102.163.189.194-195]

[1235] 2 Meta kien Siena, wieħed reliġjuż, duttur tat-tejoloġija mqaddsa, staqsa lil Franġisku dwar xi kwestjonijiet li kienu diffiċli biex wieħed jifhimhom. Il-qaddej ta' Alla għaraf joħroġ għad-dawl is-sigrieti ta' l-għerf divin b'tagħlim hekk ċar, li dak ir-raġel għaref baqa' mistagħġeb għall-aħħar u, mimli ammirazzjoni lejh, wieġeb: "Tabilħaqq, it-tejoloġija ta' dan il-missier qaddis, merfugħa 'l fuq bil-ġwienaħ tas-safa u tal-kontemplazzjoni, hija ajkla li ttir, iżda l-għerf tagħna *jitkaxkar ma' l-art fuq żaqqu* (cfr. Ġen 1,20.22; 3,14)". Għad li ma kienx jinqala' *fis-sengħa tal-kelma* (cfr. 2Kor 11,6), madankollu, mimli kif kien bil-għerf, kellu ħila jħoll il-għoqod tal-kwestjonijiet dubbjużi, u *joħroġ għad-dawl il-ħwejjeġ mistura* (cfr. Ġob 28,11). U mhix xi ħaġa stramba li dan il-bniedem qaddis irċieva mingħand Alla id-don li jifhem l-Iskrittura: għax hu, bl-imitazzjoni perfetta ta' Kristu, kien jgħix il-verità li hemm fiha, u bid-dilka perfetta li rċieva mill-Ispirtu s-Santu, kellu f'qalbu l-għalliem tagħha. [2C 102-103]

[1236] 3 Fih deher jiddi wkoll l-ispirtu tal-profezija, hekk li kien jaf jara minn qabel dak li kien ser jiġri fil-ġejjieni, u jaqra wkoll is-sigrieti tal-qalb. Ħwejjeġ li ma kienux quddiemu kien jarahom qishom qegħdin taħt ħarstu dak il-ħin, u b'mod ta' l-għaġeb għamel lilu nnifsu preżenti quddiem nies li kienu fil-bogħod. Meta l-armata ta' l-Insara kienet qiegħda tassedja l-belt ta' Damiata, il-bniedem ta' Alla kien hemm ukoll, iżda hu kien armat bil-fidi, u mhux bil-għodda tal-gwerra. Meta waslet il-ġurnata li fiha l-Insara kellhom iħejju ruħhom biex jibdew jiġġieldu u l-qaddej ta' Kristu sar jaf b'dan, tniegħed tnehida kbira, u lil sieħbu qallu: "*Il-Mulej għarrafni li*, jekk l-Insara jiddeċiedu li jattakkaw illum, *mhumiex se jmorru tajjeb* (cfr. 2Slat 8,10; Num 14,41). Issa, jekk ngħidilhom dan, huma se jgħodduni b'iblah, u jekk inżomm is-skiet, ma naħrabx iċ-ċanfir tal-kuxjenza. Int x'jidhirlek?" U sieħbu wieġeb: "Ħija, *toqgħodx tħabbel rasek dwar kif sejrin jiġġudikawk il-bnedmin* (cfr. 1Kor 4,3); din mhix l-ewwel darba li se jgħadduk b'iblaħ! Ħaffef il-piż minn fuq il-kuxjenza tiegħek, u *ibża' aktar minn Alla milli mill-bnedmin* (cfr. Atti 5,29)". Meta sema' dan il-kliem, il-ħabbâr ta' Kristu, b'ħeġġa ta' l-għaġeb mar jaffronta lill-Insara bi twissijiet li setgħu jsalvawhom, ma riedhomx jattakkaw, u ħabbrilhom it-telfa. Iżda l-verità *tqieset ħrafa, webbsu qalbhom* (cfr. Tob 3,4; Ġw 12,40), u ma riedux iduru lura. Marru, attakkaw, u bdew il-gwerra, u l-armata ta' l-Insara, kollha kemm hi, kellha taħrab: flok kisbu r-rebħa, waqgħu fil-għajb! B'qerda kbira bħal din, in-numru ta' l-Insara naqas sew: madwar sitt elef sfaw maqtula jew ittieħdu priġunieri. B'hekk deher ċar li l-għerf tal-fqajjar ma kienx ta' min imaqdru, għax xi drabi *qalb il-bniedem tajjeb teħbru aħjar minn seba' għassiesa fuq torri fil-għoli* (cfr. Sir 37,18). [2C 27.30; LM IX,7-9]

[1237] 4 Darba oħra, wara li ġie lura mill-pajjiżi ta' Oltremare, kien sejjer lejn Celano biex jippriedka, u wieħed kavallier, b'devozzjoni umli, imma wkoll b'insistenza kbira, stiednu għandu għall-ikel. Mar id-dar tal-kavallier, u kif rifsu l-għatba, il-familja kollha tat merħba ferreħija lill-

---

[85] Kummentarju approprjat għal din is-silta jinstab fl-*Epistula de Tribus Quaestionibus ad Magistrum innominatum*, 10 (*Opera Omnia* VII,334), fejn Bonaventura jikteb: "Sabiex inti tista' tapprezza kemm l-istudju ta' l-Iskrittura Mqaddsa kien jogħoġbu, ħallini ngħidlek dak li jiena stess smajt minn wieħed mill-aħwa li għadu ħaj. Darba minnhom ġie f'idejn Franġisku volum tat-Testment il-Ġdid, u billi tant aħwa ma setgħux jużawh kollha flimkien fl-istess ħin, hu fired il-paġni minn xulxin u qassam il-paġni bejniethom. Hekk kull wieħed minnhom seta' jistudja mingħajr ma jkun ta' tfixkil għall-oħrajn. Fuq kollox, kien iżomm bl-akbar rispett il-kjeriċi li kien laqa' fi ħdan l-Ordni, u fil-mewt tiegħu hi ordna lill-aħwa biex iqimu l-imgħallmin ta' l-Iskrittura Mqaddsa bħala dawk li minnhom nirċievu l-kelma tal-ħajja".

mistednin foqra. Qabel ma bdew jieklu, kif kienet id-drawwa tiegħu, dan ir-raġel devot offra lil Alla talb u tifħir, *wieqaf u b'għajnejh iħarsu lejn is-sema* (cfr. Ġw 17,1). Qabel ma bdew jieklu, kif kienet id-drawwa tiegħu, dan ir-raġel devot offra lil Alla talb u tifħir, wieqaf u b'għajnejh iħarsu lejn is-sema. Meta temm it-talba, sejjaħ fil-ġenb lil dak ir-raġel twajjeb li stiednu, u kunfidenzjalment qallu: "Ara, ħija, int għoġbok tistedinni, u jien, mirbuħ minn talbek, dħalt f'darek. Issa, dak li se ngħidlek bi twissija, għaġġel mur għamlu, għax int l-ikla tiegħek mhux hawn se tagħmilha, imma band'oħra. Niedem u b'sogħba vera ta' penitenza stqarr dnubietek issa stess, u tħalli xejn fik li ma tikxfux fi qrara sinċiera. Illum il-Mulej se jpattilek bi ħlas tajjeb il-laqgħa li b'tant devozzjoni għamilt lill-fqajrin tiegħu". Dak ir-raġel qagħad mall-ewwel għal dak li qallu l-qaddis, mar iqerr għand sieħbu, u stqarrlu dnubietu kollha. *Ħaseb għal daru* (cfr. Is 38,1), u mill-aħjar li seta' ħejja ruħu biex jilqa' l-mewt. Wara dan, intasbu lkoll madwar il-mejda għall-ikel, iżda waqt li l-oħrajn bdew jieklu, minnufih dak li stiednu radd ruħu; ittieħed b'mewta ta'malajr, sewwa sew kif kien ħabbarlu l-bniedem ta' Alla. Hekk kliem il-Verità seħħ: *Min jilqa' profeta jieħu l-ħlas ta' profeta* (cfr. Mt 10,41); ħa ħlas tajjeb tal-ħniena li wera. Għat-tħabbira profetika ta' dan il-qaddis, il-kavallier devot ħejja ruħu tajjeb għall-mewt ta' malajr billi libes l-armatura tal-penitenza, kif kien imwissi jagħmel; ħeles mid-dannazzjoni ta' bla tmiem, u *daħal fl-għarejjex ta' dejjem* (cfr. Lq 16,9). [3C 41]

[1238] 5 Meta l-qaddis kien marid f'Rieti ħadulu għandu, fuq katalett, ċertu kanonku jismu Gedeone, raġel mogħti għall-vizzju u għall-ħwejjeġ tad-dinja. Kien marid serjament, u kemm hu kif ukoll dawk li kienu hemm preżenti talbuh bid-dmugħ f'għajnejhom biex ibierku bis-sinjal tas-salib. Franġisku qallu: "Kif nista' nimmarka bis-sinjal tas-salib lilek, li *bla ma bżajt mill-ġudizzji ta' Alla*, fl-imgħoddi *għext skond ix-xewqat tal-ġisem*? (cfr. Sir 17,24). B'danakollu, għat-talb devot ta' dawn li qed jidħlu għalik, f'isem il-Mulej nimmarkak bis-sinjal tas-salib. Iżda kun af li jkollok iġġarrab pieni aktar ħorox jekk, wara li tkun fiqt, *terġa' ddur għal dak li tkun qlajt* (cfr. Prov 26,11). Minħabba d-dnub ta' l-ingratitudni dejjem jingħataw *kastigi agħar minn ta' qabel* (cfr. Mt 12,45)". Kif raddlu s-salib, dak li qabel kien iebes u bil-kemm jiflaħ jiċċaqlaq, qam minnufih qawwi u sħiħ, u nfexx ifaħħar lil Alla: "Ara", qal, "jien meħlus". Kienu ħafna dawk li semgħu l-għadam ta' dahru jfaqqa' bħal meta wieħed ikisser biċċa injama niexfa b'idejh. Iżda wara li għadda ftit taż-żmien, dak *nesa lil Alla* (cfr. Imħ 3,7), u mill-ġdid reġa' taha għaż-żina. Darba minnhom, filgħaxija, kien għall-ikel għand wieħed kanonku, u x'ħin spiċċa, baqa' hemm biex jgħaddi l-lejl. Fid-daqqa u l-ħin, is-saqaf tad-dar waqa' fuqhom ilkoll. Iżda waqt li l-oħrajn kollha irnexxielhom jeħilsu minn ħalq il-mewt, dak il-miżerabbli biss inqabad, u safa maqtul. B'ħaqq ġust ta' Alla ġara li sab ruħu *f'qagħda agħar minn ta' qabel* (cfr. Mt 12,45), ħtija tal-vizzju ta' l-ingratitudni u d-disprezz lil Alla. Dejjem għandna nkunu grati għall-maħfra li nkunu qlajna, u għemil faħxi mtenni joffendi doppjament. [CA 95; 2C 41]

[1239] 6 Ġara wkoll, f'okkażjoni oħra, li waħda mara nobbli, mara devota lejn Alla, ġiet għand il-qaddis biex tkellmu dwar dak li kien qed iġiegħelha ssofri ħafna, u titolbu rimedju. Żewġha kien raġel krudil għall-aħħar, u kien ifixkilha mis-servizz ta' Kristu. Talbet għalhekk lill-qaddis jitlob għalih biex Alla, fil-ħniena tiegħu, irattablu qalbu. Meta semagħha tgħid hekk, qalilha: "Mur bis-sliem, u bla ma tiddubita xejn stenna minn żewġek il-faraġ, li dalwaqt ser jagħtik". U żied jgħidilha: "Għidlu min-naħa ta' Alla u tiegħi li issa hu żmien il-ħniena, wara imbagħad żmien il-ħaqq". Wara li berikha, dik il-mara marret lura lejn darha, sabet lir-raġel u qaltlu dak li kellha tgħidlu. *Niżel fuqu l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 10,44), u minn bniedem qadim li kien bidlu fi bniedem ġdid, u ġiegħelu jweġibha *bil-ħlewwa kollha* (cfr. Ef 4,2) u jgħidilha:

"Sinjura, *ejja naqdu lill-Mulej, u nsalvaw ruħna* (cfr. Ġoż 22,27; Ġen 19,19)". Fuq il-parir ta' martu l-qaddisa, għexu t-tnejn ħajja fis-safa għal ħafna snin, u t-tnejn marru lura għand il-Mulej fl-istess jum. Il-qawwa ta' l-ispirtu profetiku ta' dan il-bniedem ta' Alla hi tassew ta' min jistagħġeb biha, ta lura s-saħħa lill-membri ta' ġisem li kienu niexfa, u fil-qlub iebsa stampa t-tjieba. Iżda xejn anqas ta' l-għaġeb hu l-fatt li fl-ispirtu tiegħu huwa ra ċar sewwa dak li kien ser jiġri fil-ġejjieni, hekk li jkun jaf saħansitra dak li hemm moħbi fil-kuxjenzi, qisu irċieva, bħal Eliżew ieħor, *żewġ isħma mingħand il-profeta Elija* (cfr. 2Slat 2,9). [CA 69; 2C 38]

[1240] 7 Meta darba kien Siena, lil wieħed li kien midħla tiegħu sewwa qallu minn qabel dak li kellu jgħaddi mingħalih fl-aħħar ta' ħajtu. Issa ġara li, meta dak ir-reliġjuż għaref li diġà semmejna – dak li kien ikkonsultah dwar l-Iskrittura – sema' dan, iddubita jekk hux veru li l-missier qaddis kien qal il-kliem li irrakkontalu dak ir-raġel; għalhekk mar jistaqsih hu stess. Franġisku mhux biss ikkonferma li kien veru li qal dak il-kliem, iżda lilu, li kien qed jistaqsi dwar dak li kien ser jiġri lil ħaddieħor, ħabbarlu minn qabel it-tmiem tiegħu. U biex b'ċertezza akbar din il-profezija jistampahielu f'qalbu, b'mod ta' l-għaġeb irrivelalu skruplu moħbi tal-kuxjenza tiegħu li hu qatt ma kien qal bih lil ebda ħaj. Mhux hekk biss, imma fissirlu kollox, u serrħu ħafna bil-parir għaqli li tah. Biex jitwettaq dan kollu ġara li dak ir-reliġjuż fil-fatt miet kif kien bassarlu l-qaddej ta' Kristu.

[1241] 8 Meta ġie lura mill-pajjiżi ta' Oltremare, darba minnhom kien qed jivvjaġġa flimkien ma' sieħbu fra Leonardo minn Assisi, u billi Franġisku kien ma jiflaħx u għajjien, rikeb fuq daqsxejn ta' ħmar. Sieħbu li kien miexi warajh, għajjien sewwa hu wkoll, inħakem xi ftit ukoll mid-debulizza ta' bniedem li kien, u *beda jgħid bejnu u bejn ruħu* (cfr. Lq 11,38): "Il-ġenituri tiegħu u tiegħi qatt ma lagħbu flimkien bħallikieku kienu indaqs. U issa, ara, hu riekeb u jien miexi ħdejh insuqlu l-ħmar tiegħu". *Waqt li kien italla' u jniżżel ħsibijiet bħal dawn* (cfr. Mt 1,20), dak il-ħin stess il-bniedem qaddis niżel minn fuq il-ħmar, u qal: "Ħija, mhux sewwa li jien riekeb u inti timxi, għax fid-dinja int kont raġel aktar nobbli u setgħan milli kont jien". Miblugħ u kollu mistħija, Leonardo ra li kien inqabad. *Inxteħet f'riġlejh* (cfr. Est 8,3; Mk 5,22), u bid-dmugħ nieżel minn għajnejh stqarr bil-miftuħ ħsibijietu, u talab maħfra. [CA 72; 2C 31]

[1242] 9 Wieħed mill-aħwa, devot kemm lejn Alla kif ukoll lejn il-qaddej ta' Kristu[86], kien spiss joqgħod jaħseb bejnu u bejn ruħu li, jkun denn tal-grazzja tas-sema dak li lejh il-bniedem qaddis juri familjarità u mħabba; mill-banda l-oħra, lil dak li jgħoddu qisu barrani, għandu jitqies bħallikieku kien wieħed li Alla warrbu min-numru tal-magħżulin. Billi dan il-ħsieb kien spiss idur f'rasu u jkiddu bis-sħiħ, hu kien jixtieq ħafna li jgawdi l-familjarità tal-bniedem ta' Alla, iżda dan is-sigriet ta' qalbu qatt ma qal bih lil ħadd. Il-missier twajjeb sejjaħlu, u bil-ħlewwa kollha qallu: "Tħalli ebda ħsieb jinkwetak, ibni, għax fost dawk li huma għeżież għalija, lilek ngħoddok l-aktar għażiż, u bil-qalb kollha ngħoddok ħabib tal-qalb, u nagħtik imħabbti". Dak stagħġeb mhux ftit b'dan, u ssaħħaħ fid-devozzjoni li kellu lejh. U mhux biss kiber f'imħabbtu lejn il-qaddis, iżda bil-ħidma tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu kiseb doni akbar. [1C 49-50]

[86] Skond 1C 49-50, dan kien fra Rizzerio della Marca.

Meta Franġisku kien fuq il-muntanja La Verna magħluq f'ċelltu, wieħed minn sħabu kellu xewqa kbira li jkollu xi kliem tal-Mulej miktubin fil-qosor minn idejh stess[87]. Kien iħossu konvint li b'hekk it-tentazzjoni li kienet qed tkiddu dik il-ħabta – tentazzjoni mhux tal-ġisem, imma ta' l-ispirtu – kien jirnexxilu jaħrabha, jew talinqas teħfieflu, hekk li jkun jiflaħ għaliha. Din ix-xewqa mewtitu, u kien iħossu inkwetat għall-aħħar ġo fih għax, megħlub mill-mistħija, ma kellux il-ħila jiftaħ qalbu mal-missier qaddis. Iżda dak li ma qalulux il-bniedem, irrivelahulu l-Ispirtu s-Santu. Ordna lil dan ħuh li jġiblu karta u linka, u fuqha, b'idejh stess, kiteb it-Tifħir tal-Mulej, u fl-aħħar il-barka tiegħu. Imbagħad qallu: "Ħu din il-biċċa karta, u sa jum mewtek ħu ħsiebha sew". Dak ħa dak id-don li tant kien ħerqan għalih, u minnufih it-tentazzjoni li kellu għabet għal kollox. L-ittra ġiet merfugħa tajjeb, u meta wara għamlet ħafna ħwejjeġ ta' l-għaġeb, kienet xhud tal-virtujiet ta' Franġisku. [2C 44.49; 3C 3]

[1243] 10 Kien hemm wieħed mill-aħwa li, għal dak li jidher minn barra, kien raġel ta' qdusija kbira u ta' ħajja tassew eżemplari, iżda mbagħad kien iħobb ikun singulari. Ħinu kollu *kien jiddedikah għat-talb* (cfr. 1Kor 7,5) u josserva silenzju rigoruż, hekk li kien iqerr mhux bil-kliem, imma bis-sinjali. Issa ġara li l-missier qaddis ġie fil-post fejn kien jgħix dan ħuh, rah u tkellem fuqu ma' l-aħwa l-oħra. *Kollha bdew* jitkellmu tajjeb fuqu u *jfaħħruh* (cfr. Lq 4,15), iżda l-bniedem ta' Alla qalilhom: "Ħuti, ieqfu, tkomplux tfaħħruli l-pretensjoni djabolika li hemm fih. *Kunu afu sew* (cfr. Mt 22,16) li din hi kollha kemm hi tentazzjoni tax-xitan u ingann qarrieq". L-aħwa *dehrilhom li dan il-kliem kien iebes* (cfr. Ġen 21,11) ħafna, għax fil-fehma tagħhom kien impossibbli li l-falsità u l-qerq jistgħu jiżżejnu b'sinjali hekk kotrana ta' perfezzjoni. Iżda *ma laħqux għaddew bosta jiem* (cfr. Lq 15,13) li dak it-tali ma ħariġx mill-Ordni, u mbagħad deher ċar ħafna li l-bniedem ta' Alla, bil-ħarsa mdawwla tiegħu, kien għaraf jaqra s-sigrieti ta' qalbu[88]. B'dan il-mod u b'verità li ma titbiddilx, Franġisku *ra minn qabel u ħabbar* (cfr. 1Kor 10,12) kemm il-waqgħa ta' ħafna li kienu jidhru li huma bilwieqfa u sodi, kif ukoll il-konverżjoni lejn Kristu ta' ħafna nies ħżiena. Bħal donnu deher li hu kien qorob ħafna biex jikkontempla *l-mera tad-dawl etern* (cfr. Għerf 7,26) li, fid-dawl tagħha ta' l-għaġeb, il-għajnejn ta' l-ispirtu tiegħu setgħu jaraw il-ħwejjeġ li fiżikament kienu 'l bogħod, imma għalih kienu qishom qegħdin quddiemu dak il-ħin. [1C 48; CA 116; 2C 28; SP 102]

[1244] 11 Waqt li darba minnhom il-Vigarju tiegħu kien qiegħed jagħmel laqgħa tal-kapitlu, Franġisku kien jitlob f'kamartu, bħallikieku kien *l-intermedjarju bejn ħutu u Alla* (cfr. Dt 5,5). Wieħed mill-aħwa, moħbi taħt il-mantell ta' xi skuża li tiddefendih, ma riedx joqgħod għad-dixxiplina. Ir-raġel qaddis ra dan kollu fl-ispirtu tiegħu, sejjaħ lil wieħed mill-aħwa, u qallu: "Ħija, ngħidlek li rajt ix-xitan riekeb fuq dahar dak ħuna li ma jridx jobdi, u kien qed jaħkmu sewwa minn għonqu. Misjuq minn rikkieb bħal dan, huwa warrab minnu l-ilġiem ta' l-ubbidjenza, u mexa skond il-ġibdiet tiegħu. Jien tlabt 'l Alla għalih, u x-xitan dlonk ħarab imħawwad. Mur, nitolbok, u għid lil dan ħuna biex imidd għonqu għall-madmad ta' l-ubbidjenza qaddisa bla telf ta' żmien!" Imwissi minn dak li ġablu bxara bħal din, dak minnufih dar lejn Alla, u bl-umiltà kollha inxteħet f'riġlejn il-Vigarju. [2C 34; Fior 23]

---

[87] Għalkemm 2C 49 wkoll ma jsemmihx b'ismu, imma nafu li dan kien frate Leone. Hi l-okkażjoni li fiha, wara li S. Franġisk irċieva d-don ta' l-istimmati fuq La Verna, ħalla lil fra Leone l-parċmina bit-Tifħir lil Alla l-Għoli u bil-Barka tiegħu, il-*Chartula fratri Leoni data*, illum imħarsa bħala relikwa fil-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi.

[88] F'2C 28, l-episodju jseħħ fil-preżenza tal-vigarju tal-qaddis, li fuq il-parir ta' Franġisku, jikkmanda lil dak ħuh li jmur iqerr almenu darba fil-ġimgħa. Il-CA 116 iżżid mar-rakkont li dan l-apostata jiltaqa' ma żewġ aħwa fit-triq meta hu kien ħareġ mill-Ordni.

[1245] 12 Darba oħra ġara li żewġ aħwa ġew mill-bogħod fl-eremitaġġ ta' Greccio bit-tama li jaraw il-bniedem ta' Alla, u jieħdu mingħandu l-barka tiegħu, kif kien ilhom jixtiequ għal żmien twil. Iżda meta waslu lilu ma sabuħx, għax kien diġà irtira minn ma' l-oħrajn, u mar lura f'ċelltu. Għalhekk huma qabdu triqthom lura, iżda ara, huma u sejrin, għad li bl-ebda mod ma seta'jħosshom ġejjin jew sejrin bis-sensi tiegħu bħala bniedem, minkejja li ma kienetx drawwa tiegħu, ħareġ minn ċelltu, għajjtilhom u, kif dejjem xtaqu, għamlilhom is-sinjal tas-salib u berikhom f'isem Kristu. [CA 73; 2C 45]

[1246] 13 Ġew għandu wkoll, darba minnhom, żewġ aħwa mit-Terra del Lavoro, u l-aktar anzjan kien ta xi skandli liż-żagħżugħ[89]. Meta waslu, il-missier qaddis staqsa liż-żagħżugħ dwar kif kien ġab ruħu miegħu l-anzjan waqt il-vjaġġ. X'ħin dak wieġbu: "Iva, tajjeb ħafna", Franġisku qallu: "Ħija, oqgħod attent biex ma jiġrilekx li, bi pretest ta' umiltà, tgħid ħaġa b'oħra. Għax jien naf x'ġara, iva naf; stenna ftit, u tara". Dak baqa' mnixxef u mistagħġeb kif l-ispirtu tiegħu seta' jara ħwejjeġ li ġraw hekk fil-bogħod. Wara ftit taż-żmien dak li kien skandalizza lil ħuh ħalla l-Ordni b'disprezz, u mar lura fid-dinja, bla ma talab maħfra mingħand il-missier, u bla ma ħa l-korrezzjoni kif kien messu. F'waqgħa waħda dehru ċari żewġ affarijiet fl-istess ħin: kemm hu tabilħaqq ġust il-ħaqq ta' Alla, u kemm kien jidħol fil-fond l-ispirtu profetiku ta' Franġisku. [2C 39]

[1247] 14 Dwar kif hu, bil-qawwa ta' Alla, deher preżenti lil dawk li kienu assenti jirriżulta ċar minn dak li diġà għidna qabel. Biżżejjed niftakru kif, meta ma kienx magħhom, deher lill-aħwa trasfigurat *fuq karru tan-nar* (cfr. 2Slat 2,11), u kif deher f'għamla ta' salib lill-aħwa li kienu miġbura f'Arles għall-kapitlu. Għandna għax nemmnu li dan kollu seħħ għax Alla ried hekk, biex mid-dehra tal-preżenza fiżika tiegħu joħroġ ċar b'mod ta' l-għaġeb kemm l-ispirtu tiegħu kien preżenti u miftuħ għad-dawl ta' l-għerf etern li jħarrek aktar minn kull ħaġa oħra li titħarrek, u minħabba s-safa tiegħu jidħol f'kollox u jinfirex ma' kullimkien, u minn żmien għal żmien *jidħol fl-erwieħ qaddisa u jagħmilhom ħbieb ta' Alla u profeti* (cfr. Għerf 7,24.27). L-Għalliem Għoli hu soltu juri l-misteri tiegħu *lis-sempliċi u liċ-ċkejknin* (cfr. Mt 11,25), kif l-ewwel deher li ġara fil-każ ta' David, l-iktar magħruf fost il-profeti, u mbagħad lil Pietru, il-prinċep ta' l-appostli, u fl-aħħar lill-fqajjar ċkejken ta' Kristu, Franġisku. Dawn kienu, iva, nies sempliċi u bla skola, imma għax imgħallma mill-Ispirtu s-Santu, saru magħrufa: ir-ragħaj ġie msejjaħ *biex jirgħa l-merħla* (cfr. Ġw 21,15) tas-Sinagoga, maħruġa mill-Eġittu; is-sajjied, biex *jimla x-xibka* (cfr. Mt 13,47-48) tal-Knisja bil-kotra tal-fidili, u *n-negozjant, wara li biegħ u qassam kollox* minħabba Kristu, *biex jixtri l-ġawhra* (cfr. Mt 13,44-45) tal-ħajja evanġelika[90]. [Fior 31]

---

[89] Bonaventura jħalli barra l-kumment iebes ta' 2C 39: *Erat inquam, non socius, sed tyrannus*; "Hekk ma kienx sieħbu, imma tirann", li bih jidher ċar x'tip ta' "skandlu" kien ingħata liż-żagħżugħ minn ħuh li kien akbar minnu. Il-Provinċja ta' Terra di Lavoro tikkorrispondi għall-Provinċja ta' Napli.

[90] Din is-silta hi wkoll kummentarju awtobijografiku ta' dak li Bonaventura jikteb fl-*Epistula de Tribus Quaestionibus ad Magistrum innominatum*, 13 (*Opera Omnia* VII, 33?): "Jiena nistqarr quddiem Alla li dak li ġiegħelni nħobb lill-forma ta' ħajja ta' San Franġisk hu l-fatt li hi tixbaħ eżattament il-bidu u l-perfezzjoni tal-Knisja nnifisha, li bdiet l-ewwel b'sajjieda sempliċi u mbagħad żviluppat biex tiġbor fiha l-aktar dutturi magħrufin u għorrief. Għandek issib l-istess ħaġa fl-Ordni ta' San Franġisk; b'dan il-mod Alla jirrivela li dan ma ġiex permezz ta' qisien tal-bnedmin, imma permezz ta' Kristu".

Kapitlu XII
Dwar il-frott li kienet tħalli l-predikazzjoni tiegħu, u l-grazzja tal-fejqan.

[1248] 1 Franġisku, qaddej fidil u ministru ta' Kristu, bil-għan li jagħmel kollox b'fedeltà u perfezzjoni, kien jagħmel ħiltu kollha biex jipprattika dawk il-virtujiet li, kif kien inebbħu l-Ispirtu s-Santu, kien jagħraf li l-aktar jogħġbu lil Alla tiegħu. Darba minnhom sab ruħu inkwetat għall-aħħar minħabba dubju li daħallu f'moħħu. Wara li għadda jiem jitlob, tkellem dwar dan id-dubju ma' l-aħwa li kienu midħla tiegħu bil-ħsieb li jsib soluzzjoni[91], u staqsihom: "L-aħwa, x'parir tagħtuni? X'għandkom tfaħħru? Għandi ningħata għat-talb, jew immur nippriedka 'l hawn u 'l hinn? Billi jien raġel ċkejken, sempliċi u *ma ninqalax fis-sengħa tal-kelma* (cfr. 2Kor 11,6), irċevejt grazzja akbar biex nitlob milli biex nitkellem. Barra dan jidher ukoll li, fit-talb hemm aktar profitt u kotra ta' grazzji, waqt li fil-predikazzjoni jitqassmu d-doni li wieħed ikun irċieva mis-sema. Fit-talb, terġa', nippurifikaw is-sentimenti ta' qalbna, u hemm il-għaqda ma' l-uniku, veru u l-ogħla ġid, u nissaħħu fil-virtù; fil-predikazzjoni, mill-banda l-oħra, ir-riġlejn spiritwali tagħna jitħammġu bit-trab, il-moħħ jixxerred fuq ħafna ħwejjeġ, u d-dixxiplina tillaxka. Fl-aħħarnett, waqt it-talb inkellmu lil Alla, nisimgħuh, u ngħixu qalb l-anġli, qisna qed ngħixu ħajja anġelika; waqt il-predikazzjoni, iżda, jeħtieġ li ninżlu ħafna għal-livell tan-nies, u ngħixu magħhom ta' bnedmin: naħsbu, naraw, nitkellmu u nisimgħu bħalhom. Iżda favur il-predikazzjoni hemm raġuni waħda, u jidher li waħedha quddiem Alla tiżen aktar mill-oħrajn kollha, u hija din: l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, li hu l-ogħla Għerf, biex isalva l-erwieħ *niżel minn ħdan il-Missier* (cfr. Ġw 1,18) ħalli bl-eżempju tiegħu jġedded id-dinja. Niżel biex lill-bnedmin jgħidilhom *il-kelma* li ssalvahom, u lil dawk li kellu jifdi bil-prezz ta' demmu l-għażiż *jippurifikahom* bih (cfr. Ef 5,26), u jagħtihulhom bħala xorb li jmantnihom. Proprju xejn ma żamm għalih, imma b'idejh miftuħa qassam kollox għas-salvazzjoni tagħna. Issa, billi aħna għandna nagħmlu kollox fuq *il-mudell* muri lilna fih bħallikieku *fuq muntanja għolja* (cfr. Eż 25,40), jidher li aktar jogħġob lil Alla li jien inwaqqaf il-mistrieħ tiegħi, u noħroġ 'il barra biex naħdem". Wara li dam jixtarr ma' sħabu kliem bħal dan għal ħafna jiem, ma rnexxilux jasal li jkun jaf b'ċertezza liema triq għandu jagħżel, triq li tabilħaqq tkun togħġob l-aktar lil Kristu. Għad li hu kien irnexxielu jifhem ħwejjeġ ta' l-għaġeb permezz ta' *l-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apok 19,10), ma kellux il-ħila jħoll waħdu din il-kwestjoni. Alla kellu pjan aħjar, biex il-mertu tal-predikazzjoni jkun muri b'rivelazzjoni ġejja mis-sema, u l-umiltà tal-qaddej ta' Kristu tibqa' sħiħa.

[1249] 2 Xejn ma kien jistħi jfittex ħwejjeġ żgħar mingħand l-iżgħar, hu li kien tabilħaqq il-Minuri u tgħallem ħwejjeġ kbar mingħand l-ogħla Mgħallem. Kien imdorri jfittex b'ħerqa speċjali l-mod u t-triq li bihom seta' jaqdi lil Alla aktar perfettament, u bil-mod li l-aktar jogħġbu. Sakemm dam ħaj din kienet l-ogħla filosofija tiegħu, din l-akbar xewqa li kellu: li jistaqsi kemm lill-għorrief kif ukoll lis-sempliċi, lill-perfetti u lill-imperfetti, liż-żgħażagħ u lix-xjuħ, dwar liema hu l-aħjar mod li bih seta' jasal għall-quċċata tal-perfezzjoni. Sejjaħ għalhekk żewġ aħwa u bagħathom

[91] Dan il-paragrafu kollu hu maħdum minn Bonaventura u jitkellem dwar problema li kienet dejjem tirritorna fil-ħajja ta' l-Ordni, jiġifieri dwar l-għażla tal-ħajja apostolika u tal-ħajja kontemplattiva (cfr. 1C 91). Diġà naraw l-ewwel fraternità taffaċċja din il-problema f'Orte, meta l-aħwa kienu għadhom ġejjin lura minn Ruma fl-1210 wara l-approvazzjoni orali tal-*forma vitae* (1C 35). Bonaventura jiżen bir-reqqa l-vantaġġi kemm tal-ħajja apostolika kif ukoll tal-ħajja kontemplattiva, imma jasal għall-konklużjoni tal-mudell evanġeliku ta' l-*apostolica vivendi forma* ta' Kristu u l-Appostli, li mingħajr ma jittraskuraw l-aspett ta' kontemplazzjoni, imma jingħataw b'ruħhom u ġisimhom għax-xandir tal-Bxara t-tajba. Dan, wara kollox, kien is-sigriet li jiddistingwi l-Ordnijiet mendikanti tas-seklu XIII mill-Ordnijiet monastiċi tas-sekli ta' qabel.

għand fra Silvestro, dak li ra ħiereġ salib minn fomm Franġisku u li dik il-ħabta kien mogħti għall-ħajja ta' talb fuq muntanja 'l fuq mill-belt ta' Assisi, biex ifittex li jikseb tweġiba mingħand Alla dwar id-dubju li ġieh, u jagħtihielu bħala li ġejja mill-Mulej. Bagħat jgħid l-istess ħaġa lill-verġni qaddisa Klara biex, permezz ta' xi verġni aktar pura u sempliċi li kellha taħt id-dixxiplina tagħha, u bit-talb tagħha stess flimkien ma' l-oħrajn, *tfittex li ssir taf ir-rieda tal-Mulej* (cfr. Lq 12,47) dwar din il-ħaġa[92]. Issa, billi kien l-Ispirtu s-Santu li irrivela kemm lill-venerabbli saċerdot kif ukoll lill-verġni ikkonsagrata, li Alla nebbaħhom it-tnejn li huma, biex jaqblu b'mod ta' l-għaġeb dwar dan: ikun aktar jogħġob lil Alla li l-ħabbâr ta' Kristu joħroġ jippriedka. Meta ġew lura l-aħwa u urewh x'kienet ir-rieda ta' Alla kif saru jafuha huma, qam malajr, *xeħet fuqu l-libsa* (cfr. Ġw 21,7) u bla ma qagħad jitnikker xejn, telaq għal għonq it-triq. Telaq b'tant ħeġġa biex iqiegħed fil-prattika l-kmand li kien ħa mingħand Alla, u ġera b'tant ħeffa li deher biċ-ċar li *id Alla kienet qiegħda fuqu* (cfr. Eżek 1,3; 2Slat 3,15), u imlietu b'enerġiji ġodda mis-sema. [1C 91; Fior 16]

[1250] 3 Meta qorob lejn Bevagna[93] wasal f'post fejn kien hemm miġbura flimkien qtajja kbar ta' għasafar minn kull ġens. X'ħin il-qaddej ta' Alla lemaħhom, ferħan se jtir ġera lejn il-post u sellmilhom bħallikieku kellhom ir-raġuni. Kollha kienu qed jistennewh u mdawwrin lejh, hekk li dawk li kien imperċin fuq il-friegħi, x'ħin kien jersaq lejhom, kienu jbaxxu rashom, u b'mod mhux tas-soltu kienu moħħhom fih. Hu resaq lejhom u ħeġġiġhom biex ilkoll kemm huma jisimgħu l-Kelma ta' Alla, wissihom b'ħerqa u qalilhom: "Ħuti l-għasafar, għandkom ħafna għaliex tfaħħru lill-Ħallieq tagħkom: libbiskom bir-rix u takom il-ġwienaħ biex ittiru; ipprovdielkom l-arja safja, u Hu stess jieħu ħsiebkom bla ma intom toqogħdu tħabblu raskom". Meta l-għasafar semgħu dan il-kliem u ieħor bħalu, bdew jagħmlu ġesti li jġiegħeluk tabilħaqq tistagħġeb: itawwlu għonqhom, jifirxu ġwenħajhom, jiftħu munqarhom, u jħarsu lejh b'attenzjoni kbira. Hu, mimli ħeġġa ta' l-ispirtu, għadda minn ġo nofshom, imisshom b'tarf it-tonka, u b'danakollu ebda wieħed minnhom ma ċċaqlaq minn postu. Fl-aħħar, imbagħad il-bniedem ta' Alla raddilhom is-salib u tahom il-permess li jitilqu: taru kollha flimkien. Sħabu li kien jistennew fit-triq raw kull ma ġara. Meta mbagħad dan il-bniedem safi u sempliċi mar lura ħdejhom beda jakkuża lilu nnifsu bi traskuraġni talli sa dakinhar qatt ma kien ippriedka lill-għasafar. [1C 58; 3C 20; Fior 16]

[1251] 4 Minn hemm għadda jippriedka fil-postijiet tal-qrib, u ġie f'kastell[94] jismu Alviano. Ġabar in-nies u talabhom iżommu s-skiet, iżda bilkemm seta' jinstema' minħabba l-garr tal-ħuttaf li kienu qegħdin jagħmlu l-bejta f'dawk l-inħawi. Meta ra hekk, il-bniedem ta' Alla, b'leħen li kulħadd seta' jisimgħu, dar fuq il-ħuttaf u qalilhom: "Ħuttaf, aħwa tiegħi lkoll: intom diġà għidtu biżżejjed, u issa jmiss lili li nitkellem. *Isimgħu l-kelma ta' Alla* (cfr. Eżek 6,3), u żommu s-skiet

[92] L-episodju ta' Franġisku li jitlob lil fra Silvestro u lil sorella Chiara biex jitolbu għalih ħalli l-Mulej jgħarrfu r-rieda tiegħu dwar jekk kellux jingħata għall-ħajja apostolika jew għal dik kontemplattiva, jkollu żvilupp kbir fil-*Fioretti*, kap. 16. Fra Silvestro kien jinsab fl-eremitaġġ ta' Le Carceri, fuq il-Monte Subasio.
[93] L-episodju tal-priedka ta' l-għasafar (cfr. 1C 58; 3C 20), li hu mill-aktar magħruf permezz tal-verżjoni tal-*Fioretti*, kap. 16, u permezz ta' l-affresk ċelebri ta' Giotto mal-ħajt ta'maġenb il-bieb ewlieni tal-*basilica superiore* ta' San Franġisk f'Assisi, ma għandux motivazzjoni apoloġetika (bħalma għandha l-priedka li Sant'Antnin jagħmel lill-ħut), imma hu biss il-prova ta' l-ispirtu ta' fraternità li kien jorbot lil Franġisku mal-ħlejjaq kollha, hekk li hu kien wasal biex jitkellem dwar l-imħabba ta' Alla mhux biss mal-bnedmin, imma saħansitra ma' l-għasafar. Il-fatt ġara bejn Bevagna u Cannara, fil-Valle di Spoleto, f'post imsejjaħ *Pian dell'Arca*, skond tradizzjoni li għadha ħajja sallum. Hemm żewġ fatti oħrajn ta' priedka lill-għasafar, wieħed li ġara fil-laguna ta' Venezia (LM VIII,9), u l-ieħor li jġib Roger ta' Wendover (*Fonti Francescane* 2288-2290).
[94] Il-kelma Latina *castrum* tindika raħal żgħir, imma li jkun fortifikat, appuntu, kastell.

sakemm *il-kelma tal-Mulej tkun waslet fit-tmiem* (cfr. 2Kron 36,21)". U l-ħuttaf, qishom setgħu jifhmuh, waqfu minnufih, u sa ma spiċċat il-priedka ħadd minnhom ma tar minn postu. Dawk kollha li raw dan jiġri *stagħġbu għall-aħħar, u taw glorja lil Alla* (cfr. Atti 3,10; Mt 9,8). L-aħbar ta' dan il-miraklu xterrdet ma' kullimkien, u f'ħafna nies qanqlet qima lejn il-Qaddis u devozzjoni ġejja mill-fidi. [1C 59; 3C 21]

[1252] 5 Fil-belt ta' Parma kien hemm student universitarju, żagħżugħ mill-aħjar, mehdi fl-istudju flimkien ma' sħabu, iżda ħassu mdejjaq għall-aħħar minħabba l-garr bla jaqta' ta' ħuttafa, u *beda jgħidilhom* (cfr. Lq 4,21): "Ikolli ngħid li din il-ħuttafa hija waħda minn dawk li dejjqu lill-bniedem ta' Alla, Franġisku, huwa u jippriedka, *sakemm fl-aħħar ġiegħelhom jisktu* (cfr. Mt 22,34)". Dar fuq il-ħuttafa u b'fiduċja kbira qalilha: "*F'isem* il-qaddej ta' Alla, Franġisku, *nordnalek* (cfr. Atti 16,18) tiġi hawn, u tiskot minnufih". Il-ħuttafa, kif semgħet l-isem ta' Franġisku, qisha waħda mgħallma mill-qaddej ta' Alla, siktet dak il-ħin stess, u niżlet f'idejn dak l-istudent, moħħha mistrieħ li għandu kienet se ssib il-kenn żgur. Stagħġeb mhux ftit, u minnufih ħalliha ttir fil-libertà, u qatt aktar ma sema' l-garr tagħha. [3C 22]

[1253] 6 Darba oħra, meta l-qaddej ta' Alla kien qed jippriedka f'Gaeta[95], qrib xatt il-baħar, imqanqla mid-devozzjoni li kellhom lejh, *in-nies* tal-post *ġrew għal fuqu* (cfr. Lq 5,1) biex imissuh. Il-qaddej ta' Kristu ħassu jitkexkex meta ra dak l-applaws tan-nies, u qabeż waħdu f'daqsxejn ta' dgħajsa li kien hemm fuq ix-xatt. Id-dgħajsa bdiet miexja, qisu kellha r-raġuni u minn ġewwa xi qawwa li tmexxiha. Mingħajr l-għajnuna ta' mqadef niżlet il-baħar u tbiegħdet biċċa sew mill-art, fost l-istagħġib ta' dawk kollha li raw dan jiġri. Meta ħarġet 'il barra ftit mhux ħażin u daħlet fl-ilma fond, minkejja l-mewġ li kien hemm baqgħet wieqfa fis-sod għal matul il-ħin kollu li r-raġel qaddis dam jippriedka lill-folol li kien jistennew fuq ix-xatt. Wara li semgħu il-priedka u raw jiġri dak il-miraklu, dawk il-qtajja ta' nies ħadu l-barka tiegħu, qabdu triqthom lura lejn djarhom u ma keddewhx aktar; id-dgħajsa, imbagħad, ġiet lura x-xatt waħedha. Min hu daqshekk rasu iebsa u qalbu ħażina li jmaqdar il-predikazzjoni ta' Franġisku? Bil-qawwa mirakoluża tiegħu, mhux biss il-ħlejjaq bla raġuni qagħdu għal dak li ried minnhom, imma saħansitra l-oġġetti bla ruħ, meta kien jippriedka, qdewh qishom kellhom il-ħajja.

[1254] 7 *L-Ispirtu tal-Mulej li dilku u bagħatu* (cfr. Is 61,1; Lq 4,18), u Kristu nnifsu wkoll, *il-qawwa u l-għerf ta' Alla* (cfr. 1Kor 1,24), kienu mal-qaddej Franġisku *kull fejn kien imur* (cfr. Rut 1,16), biex hekk ikun mogħni bi kliem ta' tagħlim sod u tajjeb, u jidher f'dawl jiddi bis-saħħa kbira tal-mirakli li kien jagħmel. Il-kelma tiegħu kienet bħal nar iħaġġeġ, tidħol fil-qalb, u timla moħħ kulħadd bil-għaġeb, għax kelmtu ma kienetx imżejna bl-eleganza tas-sengħa tal-bnedmin, bħal dik ta' nies imħarrġa għalhekk, iżda minnha kienet toħroġ ir-riħa ħelwa tar-rivelazzjoni divina. Fuq suġġeriment tas-Sinjur Kardinal ta' Ostia, darba minnhom Franġisku kellu jippriedka quddiem il-Papa u l-Kardinali; ħejja priedka mibnija sewwa, u tgħallimha bl-amment. Iżda kif sab ruħu f'nofshom bil-għan li jgħidilhom kliem ta' edifikazzjoni, fid-daqqa u l-ħin nesa kollox u lanqas kelma waħda minn dak kollu li ipprepara ma ftakar. Stqarr dan bl-umiltà kollha quddiemhom ilkoll, u beda jitlob il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu. Dak il-ħin stess il-kliem beda ħiereġ minn fommu b'tant elokwenza, u l-qawwa ta' kliemu kienet hekk effikaċi illi lil dawk il-persunaġġi għoljin qanqalhom għas-sogħba, li deher ċar li *mhux hu kien jitkellem, imma l-Ispirtu tal-Mulej* (cfr. Atti 6,10). [1C 23.73; 2C 25]

---

[95] Dan l-episodju ma jinstabx f'Celano. Bonaventura jibnih fuq il-mudell evanġeliku tal-predikazzjoni ta' Ġesù fuq id-dgħajsa fl-Għadira tal-Galilija (cfr. Mt 13).

[1255] 8 Billi hu l-ewwel kien jipperswadi lilu nnifsu bil-għemil dwar dak li kien jagħmel ħiltu biex jipperswadi lill-oħrajn bil-kliem, ma kienx jibża' minn min iċanfru, u kien jippriedka l-verità bl-akbar kuraġġ. Ma kienx jaf imelles il-ħtijiet ta' xi wħud, imma jniggiżhom, u lanqas ma kien jipprova l-ħajja tal-midinbin, imma jċanfarhom bl-aħrax. Mal-kbar u maż-żgħar kien jitkellem bl-istess qawwa ta' l-ispirtu, u kien iħoss fih l-istess hena meta kien jitkellem ma' ħafna nies jew ma' ftit. Nies ta' kull età u ta' kull sess kienu jgħaġġlu biex jaraw u jisimgħu lil dan il-bniedem ġdid li kien mogħti mis-sema lid-dinja. Hu kien jiġġerra minn post għall-ieħor, jevanġelizza b'ħeġġa kbira, u *l-Mulej kien jaħdem miegħu u jwettaq kelmtu bil-mirakli li kienu jsiru magħha* (cfr. Mk 16,20). Għax *bil-qawwa ta' isem* il-Mulej, Franġisku, ix-xandâr tal-verità, kien *ikeċċi x-xjaten u jfejjaq il-morda* (cfr. Atti 4,7; Mk 16,17; Lq 9,2). Bis-saħħa ta' kelmtu, u din hi ħaġa wisq akbar, irattab qlub in-nies ta' rashom iebsa biex jindmu, u fl-istess ħin irodd is-saħħa lill-iġsma u lill-qlub, bħalma juru l-mirakli li għamel u li hawn se nsemmu biss xi ftit minnhom bħala eżempji. [1C 36; AP 36; L3C 54]

[1256] 9 Fil-belt ta' Toscanella ġie milqugħ b'qima minn kavallier li kellu biss tifel wieħed, u dan kien twieled zopp. Billi l-missier talbu fuq li talbu, Franġisku quddiem kulħadd qabdu minn idu u fejjqu minnufih: il-membri kollha ta' ġismu *ħadu saħħithom* (cfr. Atti 3,7), u t-tifel, qawwi u sħiħ, *qam malajr u beda jimxi u jaqbeż bil-ferħ u jfaħħar lil Alla* (cfr. Atti 3,8). Fil-belt ta' Narni[96] kien hemm raġel mifluġ li ma kellu saħħa f'ebda wieħed mill-membri ta' ġismu. Għat-talba ta' l-isqof, Franġisku immarkah bis-sinjal tas-salib minn rasu sa saqajh, u raddlu lura saħħtu b'mod sħiħ. Fid-djoċesi ta' Rieti kien hemm tfajjel li, għal erba' snin sħaħ, f'ġismu kellu nefħa hekk kbira li lanqas seta' jara riġlejh. Ommu, bid-dmugħ f'għajnejha, ġabitu quddiemu, u malli r-raġel qaddis messu bl-idejn qaddisa tiegħu, dak il-ħin stess safa' mfejjaq għal kollox. Fil-belt ta' Orte kien hemm tfajjel hekk sfigurat li rasu kienet tmiss ma' saqajh, u kellu wkoll xi għadam miksur. Bid-dmugħ nieżel minn għajnejhom, il-ġenituri tiegħu talbu lil Franġisku biex ifejjqu, u hu bierku bis-sinjal tas-salib. Iddritta minnufih, u safa' meħlus dak il-ħin stess. [1C 65-66; 3C 174-178]

[1257] 10 Kien hemm fil-belt ta' Gubbio waħda mara li kellha idejha t-tnejn miġbuda u niexfa, hekk li xejn ma setgħet tagħmel bihom. Kif radd fuqhom is-salib f'isem il-Mulej, fieqet għal kollox, marret lura d-dar, u qisha kienet omm il-mara ta' Xmun oħra (cfr. Mk 8,14), b'idejha stess ħejjiet l-ikel għalih u għall-foqra. Fil-kastell ta' Bevagna ta lura d-dawl lil waħda tfajla f'isem it-Trinità, dilkilha għajnejha għal tliet darbiet bir-riq tiegħu, u bdiet tara mill-ġdid kif tant kienet tixtieq. Fil-belt ta' Narni waħda mara li sfat għamja, meta ħadet mingħandu l-barka bis-sinjal tas-salib, kisbet lura mill-ġdid id-dawl li xtaqet. F'Bologna wieħed tifel kellu għajnu mgħottija bi żlieġa, hekk li minnha ma seta' jara xejn; terġa', ebda rimedju ma seta' jfejjqu. Wara li l-qaddej ta' Alla raddlu s-salib minn rasu sa saqajh, beda jara mill-ġdid. Meta 'l quddiem daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri kien jgħid li jara ferm aktar ċar mill-għajn li qabel kienet marida, milli minn dik li dejjem kienet f'saħħitha. Fir-raħal ta' San Gemini raġel devot, li kellu martu *imħabbta ħafna mix-xitan* (cfr. Mt 15,22), laqa' għandu lill-qaddej ta' Alla. Meta temm it-talba, ikkmanda b'ubbidjenza lix-xitan biex ifittex joħroġ mill-mara, u bil-qawwa ta' Alla dak il-ħin stess irnexxielu jħarrbu. Hekk deher ċar li r-ras iebsa tax-xitan ma tistax teħodha kontra l-qawwa ta' l-ubbidjenza qaddisa. F'Città di Castello kien hemm mara li kienetipposseduta minn spirtu ħażin

[96] F'dan il-paragrafu u f'dak li jiġi wara, Bonaventura jagħżel minn 3C xi mirakli li Franġisku wettaq matul il-ħajja tiegħu, filwaqt li oħrajn jislithom minn 1C.

li kien ukoll feroċi. Meta l-qaddis tah il-kmand ta' l-ubbidjenza, imgħaddab għall-aħħar, telaq, u lil dik il-mara li qabel kienet taħt il-ħakma tiegħu, ħalliha ħielsa fir-ruħ u fil-ġisem. [1C 67.69-70; 3C 155-156.121.124.177]

[1258] 11 Wieħed fost l-aħwa kien qed isofri minn marda hekk kerha u tkexkxek li ħafna kienu tal-fehma li aktar kien fastidju ġej mix-xitan milli marda naturali. Spiss kien jixteħet ma' l-art, jitkebbeb u *jdur 'l hawn u 'l hinn, bir-ragħwa ħierġa minn ħalqu* (cfr. Mk 9,19); il-membri ta' ġismu, issa kienu jkunu mġebbda u magħad miftuħa, daqqa milwija u oħra mgħawwġa, imbagħad riġidi u iebsin għall-aħħar. Xi drabi, meta kien ikun miġbud u iebes, saqajh imissu ma' rasu, arah jogħla 'l fuq b'mod li jbeżżgħek u jinstabat ma' l-art. Il-qaddej ta' Kristu, kollu mogħdrija, ġietu ħniena minn dan l-imsejken li ma kien jidher li hemm ebda rimedju għall-marda li kellu. Bagħatlu biċċa ħobż milli kien qed jiekol hu, u kif dak daqha, ħass ġo fih li kien reġa' ħa lura saħħa hekk kbira li qatt iżjed ma sofra ebda dwejjaq mill-marda li kellu. Fl-inħawi ta' Arezzo, waħda mara kienet ilha bost jiem issofri mill-uġiegħ tal-ħlas u kienet f'ħalq il-mewt. Fid-disperazzjoni li sabet ruħha fiha ma kien fadlilha ebda tama ħlief biss f'Alla. Il-qaddej ta' Kristu, li dik il-ħabta kien marid u kellu jirkeb iż-żiemel, kien għadu kif għadda minn dawk l-inħawi. Issa dawk li kienu qed jieħdu l-bhima lura għand sidha għaddew mir-raħal fejn kienet tgħix din il-mara li kienet qed tbati minn dan l-uġiegħ. Meta l-irġiel tal-post raw iż-żiemel li fuqu kien riekeb ir-raġel qaddis, neħħewlu r-riedni u marru jmissuhom ma' din il-mara. Kif messewhom magħha, kull periklu għab mirakolożament, u welldet bħal mara f'saħħitha. Raġel minn Città della Pieve, *twajjeb u jibża' minn Alla* (cfr. Atti 10,2), kien iżomm għandu kurdun li bih kien tħażżem il-missier qaddis. Issa, billi f'dik il-belt kien hemm għadd kbir ta' rġiel u nisa morda b'ħafna xorta ta' mard, kien imur iżur il-morda f'darhom, ibill il-kurdun fl-ilma, u jagħtihom dak l-ilma biex jixorbuh. B'hekk ħafna nies ġew imfejjqa. Ħadu l-fejqan ukoll ħafna morda li kielu mill-ħobż li kien mess mal-bniedem ta' Alla. Bil-qawwa divina li ħadmet fihom kisbu malajr il-fejqan li xtaqu. [1C 63-64.68; 3C 19.108.195]

[1259] 12 Minħabba dawn il-mirakli li semmejna u oħrajn li għamel waqt il-vjaġġi ta' predikazzjoni, il-ħabbâr ta' Kristu[97] sar magħruf ħafna, u n-nies kienu jagħtu kas ta' dak li jgħid, qisu kien qed *ikellimhom Anġlu tal-Mulej* (cfr. Imħ 2,4). Is-setgħat speċjali tal-virtujiet kbar li kellu, *l-ispirtu ta' profezija* (cfr. Apk 19,10), il-qawwa tal-mirakli, il-missjoni li jippriedka imnebbħa lilu mis-sema, l-ubbidjenza li l-ħlejjaq bla raġuni urewh, il-bidla ta' l-għaġeb tal-qlub li seħħet għas-smiegħ tal-kelma tiegħu, il-għerf li jgħaddi kull tagħlim tal-bnedmin imsawwab fih mill-Ispirtu s-Santu, il-jedd li jippriedka mogħti lilu mill-Papa għax imnebbaħ minn rivelazzjoni divina, u fuq kollox ir-Regola li fiha hemm imfissra l-għamla ta' predikazzjoni, imwettqa mill-istess Vigarju ta' Kristu, u fl-aħħar il-marki tas-Sultan il-Kbir stampati fuq ġismu bħala siġill: dawn huma bħal għaxar xhieda li bla dubju ta' xejn jixhdu quddiem id-dinja kollha li Franġisku, ix-xandâr ta' Kristu, jistħoqqlu u jixraqlu li jkun miqjum minħabba l-missjoni li rċieva, it-tagħlim awtentiku li għallem, il-qdusija tassew ta' l-għaġeb tiegħu, u għalhekk hu xandar l-Evanġelju ta' Kristu bħala veru messaġġier ta' Alla. [1C 70]

---

[97] Permezz ta' din il-kapaċità ta' sintesi, li tiddistingwi l-kitbiet tiegħu, S. Bonaventura jiġbor flimkien għaxar raġunijiet li juru lid-dinja kollha li Franġisku hu tassew il-mibgħut ta' Alla, il-ħabbâr ta' Kristu, u l-Anġlu tal-Mulej. B'dan il-mod dan il-paragrafu jorbot ma' dak li Bonaventura kien qal fil-Prologu tal-LM. Għalkemm issa Bonaventura jkompli l-ħajja ta' S. Franġisk mhux fl-ordni kronoloġiku, imma f'dak loġiku, din il-konklużjoni hi l-bidu tar-rakkont ta' l-aħħar sentejn tal-ħajja ta' S. Franġisk. Tommaso da Celano, f'dan il-punt ukoll, jibda t-tieni taqsima tal-*Vita Sancti Francisci*, li titkellem dwar is-sentejn li jgħaddu bejn il-ġrajja ta' l-istimmati u l-mewt ta' S. Franġisk.

Kapitlu XIII
Dwar l-istimmati mqaddsa li rċieva.

[1260] 1 Il-bniedem anġeliku, Franġisku, kellu d-drawwa li qatt ma jieqaf milli jagħmel il-ġid, imma bħal wieħed mill-ispirti anġeliċi fuq *is-sellum ta' Ġakobb*[98], jew kien *jitla'* lejn Alla, jew *jinżel* (cfr. Ġen 28,12) lejn il-proxxmu tiegħu. Iż-żmien mogħti lilu biex jimmerita kien qisu tgħallem iqassmu b'għaqal kbir hekk li, biċċa minnu kien jgħaddih filli jaħdem għall-ġid ta' għajru, waqt li l-bqija kien jiddedikah għall-ħemda u l-estasi tal-kontemplazzjoni. Meta, għalhekk, kif kienu jitolbu minnu ċ-ċirkustanzi taż-żmien u l-postijiet, kien ikun ħadem bis-sħiħ biex iwassal lill-oħrajn għas-salvazzjoni, arah jitwarrab mill-folol u l-inkwiet tagħhom, u jfittex is-sigriet tas-solitudni u mkejjen ta' ħemda. Hemm, waqt li bil-libertà kollha kien jgħaddi ħinu mal-Mulej, kien *jitnaddaf mit-trab li* seta' *weħel* (cfr. Lq 10,11) miegħu minħabba l-kuntatt mal-bnedmin. Sentejn qabel ma radd ruħu lura lejn is-sema, immexxi mill-providenza divina, wara ħafna ħidmiet ta' ħafna xorta, *kien meħud f'post fil-għoli* (cfr. Mt 17,1) imsejjaħ il-muntanja La Verna[99]. Meta, kif kienet id-drawwa tiegħu, beda jsum randan f'ġieħ San Mikiel Arkanġlu, ħass tfawwar ġo fih ħlewwa mhux tas-soltu waqt il-kontemplazzjoni, jikbes aktar fih in-nar ta' xewqat[100] is-sema, u jfur sax-xifer bid-doni li ġew mogħtija lilu minn fuq. Ġie merfugħ 'il fuq mhux bħallikieku kurjuż *ifittex li jkun jaf il-maestà u mbagħad jiġi mgħaffeġ taħt il-glorja tagħha* (cfr. Prov 25,27), imma bħal *qaddej fidil u għaqli* (cfr. Mt 25,45) li jfittex bir-reqqa dak li jogħġob lil Alla li miegħu xtaq bil-ħeġġa kollha ta' qalbu jintrabat għal kollox u b'kull mod. [1C 91.94]

[1261] 2 Ġie mnebbaħ mis-sema li jekk jiftaħ il-ktieb ta' l-Evanġelju, Kristu kien sejjer jirrivelalu dak li fih innifsu u minnu nnifsu Alla jara li l-aktar jogħġbu. Għalhekk, wara li talab b'devozzjoni kbira, ħa l-ktieb ta' l-Evanġelju minn fuq l-altar, u qal lil sieħbu, raġel tassew devot u qaddis, biex f'isem it-Trinità jiftħu għal tliet darbiet. Issa, billi kull darba l-ktieb infetaħ fejn tissemma' l-Passjoni tal-Mulej, dan il-bniedem mimli b'Alla fehem li, kif f'dak li għamel f'ħajtu kien dejjem imita lil Kristu, hekk ukoll kellu jaqbel miegħu fin-niket u t-tbatija tal-Passjoni tiegħu *qabel ma jgħaddi minn din id-dinja* (cfr. Ġw 13,1). U għad li ġismu, minħabba l-ħajja iebsa ħafna li fiha kien għex u l-irfigħ bla heda ta' salib il-Mulej, kien dgħajjef għall-aħħar, b'ebda mod ma ħassu mbeżżgħa, anzi ħassu aktar jitħeġġeġ biex isofri l-martirju. In-nar li xejn ma seta' jitfih ta'

---

98 Ix-xbieha tas-sellum ta' Ġakobb (Ġen 28,12) tidher ta' spiss fil-kitbiet ta' Bonaventura. Tirreferi għall-istadji tat-talb (*Regula Novitiorum* II,8), għall-għarfien ta' l-Iskrittura (*Breviloquium*, Prol. 3), għall-mixja 'l quddiem fil-virtù (*Breviloquium* V,6), għat-telgħa lejn Alla mill-għarfien sensibbli għal dak mistiku (*Itinerarium Mentis in Deum* 19), għall-ħajja ta' kontemplazzjoni (*Collationes in Hexaëmeron* XXII,24). Fuq kollox tirreferi għal Kristu (*Christus Unus Omnium Magister* 14), u għall-istess S. Franġisk fuq La Verna fl-*Itinerarium Mentis in Deum* VII,3: "Hemm, f'estasi ta' kontemplazzjoni, għadda għal għand Alla, u sar mudell ta' kontemplazzjoni perfetta, kif qabel kien ta' l-azzjoni, qisu Ġakobb ieħor u Israel il-ġdid".

99 Bonaventura jippreżenta l-Monte della Verna bħala *locum excelsum seorsum*, billi jikkwota l-fatt tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej f'Mt 17,1. Fil-*Commentarius in Evangelium Lucae* IX,46-60 (*Opera Omnia* VII, 235) Bonaventura jitkellem dwar il-muntanja bħala l-quċċata tal-ħajja ta' perfezzjoni, post idejali għat-talb u l-kontemplazzjoni, għar-rivelazzjonijiet divini, u għall-mistrieħ f'Alla permezz ta' l-estasi.

100 Din l-espressjoni tfakkarna f'dak li Bonaventura jikteb fil-Prologu ta' l-*Itinerarium Mentis in Deum*: "Min imbagħad mhuwiex *bniedem tax-xewqat* bħal Danjel (cfr. Dan 9,23), ma jistax ikun imħejji għall-kontemplazzjonijiet divini li jwasslu għall-irfigħ tal-moħħ fl-estasi. Xewqat bħal dawn jitħeġġu fina b'żewġ modi: *bl-għajjat qawwi tat-talb li joħroġ mit-tferfir tal-qalb* (cfr. S 37,9) u l-meditazzjoni li biha r-ruħ iddur b'mod l-aktar dirett u qawwi lejn id-dawl".

l-imħabba li kellu f'qalbu għat-twajjeb Ġesù sar *ħuġġieġa ta' mħabba* hekk qawwija li *l-ilmijiet kotrana qatt ma setgħu jaslu li jitfuha* (cfr. Għan 8,6-7). [1C 92-93]

[1262] 3 Il-ħeġġa serafika ta' xewqatu, għalhekk, għollietu 'l fuq lejn Alla, u l-ħlewwa tal-kompassjoni biddlitu f'Dak li *bis-saħħa ta' l-imħabba kbira* (cfr. Ef 2,4) ried li jkun imsallab. Għodwa waħda, qrib il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes, waqt li kien qed jitlob mal-ġenb tal-muntanja, Franġisku ra *Serafin b'sitt ġwienaħ* (cfr. Is 6,2), bħal donnhom itajjru xrar tan-nar u jleqqu sbieħ, nieżel mill-għoli tas-smewwiet. U meta b'titjira mgħaġġla għall-aħħar wasal fl-arja qrib dak il-post fejn kien il-bniedem ta' Alla, fil-ġwienaħ dehret ix-xbieha ta' raġel imsallab, *b'idejh u riġlejh mifruxa* f'għamla ta' salib, u mwaħħlin mas-salib. *Żewġ ġwienaħ kienu merfugħa fuq rasu, tnejn mifruxa bħallikieku biex itir, u t-tnejn l-oħra jgħattulu ġismu kollu* (cfr. Is 6,2). Stagħġeb mhux ftit meta ra taħt ix-xbieha ta' Serafin lil Kristu jħares lejh b'ħarsa kollha ħlewwa, iżda d-dehra tiegħu mwaħħal ma' salib *nifditlu qalbu bis-sejf tan-niket* (cfr. Lq 2,35), daqskemm ħass għalih. Kollu mistagħġeb iffissa ħarstu fuq dik id-dehra hekk misterjuża, waqt li għaraf li d-dgħufija tal-passjoni b'ebda mod ma tista' toqgħod man-natura immortali ta' l-ispirtu tas-Serafin. Imbagħad, b'rivelazzjoni mill-Mulej fehem fl-aħħar il-għan li għalih il-providenza divina riedet li jkollu preżenti quddiem għajnejh din il-viżjoni: biex hu, il-ħabib ta' Kristu, jagħraf minn qabel li mhux bil-martirju tal-ġisem kellu jkun mibdul kollu kemm hu fis-sura ta' Kristu msallab, imma bin-nar li kien ikebbislu qalbu[101]. Meta l-viżjoni għabet ħallietlu f'qalbu ħeġġa li l-kliem ma jasalx ifisser, u fuq ġismu stampatlu xbieha ta' marki li ma hi xejn inqas ta' l-għaġeb. Fil-fatt ġara li minnufih, *f'idejh* u f'riġlejh, bdew jidhru *s-sinjali ta' l-imsiemer* (cfr. Ġw 20,25), l-istess bħal dawk li qabel kien ra fix-xbieha tar-raġel imsallab. Idejh u riġlejh dehru mtaqqbin fin-nofs bl-imsiemer. Ir-ras ta' l-imsiemer dehret fuq in-naħa ta' ġewwa ta' l-idejn u l-parti ta' fuq tar-riġlejn, waqt li l-ponot tagħhom dehru fuq *in-naħa l-oħra* (cfr. Mk 15,39). Ir-ras ta' l-imsiemer fl-idejn u r-riġlejn kienet tonda u sewda, waqt li l-ponta imtawwla, milwija lura u bħallikieku rbuttata, ħierġa mil-laħam u mqabbża 'l barra. In-naħa tal-lemin ta' ġenbu wkoll kienet bħal qisha minfuda b'lanza, u dehret ġerħa ħamra li spiss kienet tnixxi demm qaddis li jxarrab it-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt. [1C 94; 3C 4; AP 46; L3C 69]

[1263] 4 Il-qaddej ta' Kristu ra li l-istimmati li kienu immarkati f'ġismu b'mod hekk ċar ma setgħux jinżammu moħbija minn sħabu li kienu l-aktar midħla tiegħu, u fl-istess ħin beda jibża' li jagħmel magħruf minn kulħadd *is-sigriet tal-Mulej*[102] (cfr. Tob 12,7). Sab ruħu, għalhekk, fl-agunija ta' dubju kbir: jekk kellux jitkellem u jgħid dak li ra, jew inkella jiskot għal kollox. Sejjaħ lil xi wħud mill-aħwa u, waqt li esponielhom id-dubju b'mod ġenerali, talabhom il-parir tagħhom. Wieħed minnhom, jismu Illuminato, raġel li kien tabilħaqq imdawwal mill-grazzja[103], dlonk fehem li Franġisku kellu xi dehra mhux tas-soltu, għax rah li kien qisu barra minnu nnifsu, u qal lill-bniedem ta' Alla: "Ħija, għandek tkun taf li xi drabi, is-sigrieti divini ma jiġux irrivelati lilek għalik biss, iżda għall-oħrajn ukoll. Jidher li hemm raġunijiet li għandhom iġiegħeluk tibża' li, jekk taħbi dak li jista' jkun ta' ġid għal ħafna, tkun iġġudikat ħati li *ħbejt it-talenti*" (cfr. Mt 25,25). Meta sema' dan il-kliem, ir-raġel qaddis ħassu jitqanqal u, għad li drabi oħra kien is-soltu jgħid: "*Is-*

---

[101] Bonaventura juża l-espressjoni *incendium mentis*, li letteralment jirreferi għar-ruħ li taqbad minn ġewwa. Il-kelma *incendium* tidher ukoll bħala sostitut tat-titlu tat-trattat *De Triplici Via seu Incendium amoris* ta' Bonaventura.
[102] Bonaventura juża l-espressjoni Latina *sacramentum Domini*, "sagrament tal-Mulej", b'riferiment għall-aspett misteriku ta' l-istimmati li kienu sinjali tal-grazzja tal-Mulej Ġesù preżenti fil-ġisem ta' Franġisku.
[103] Bonaventura jilgħab bit-tifsira ta' l-isem ta' fra Illuminato. Fil-LM IX,8 hu jsejjaħlu *viro utique luminis et virtutis*, filwaqt li hawnhekk jgħid li hu *gratia Illuminatus et nomine*. Illuminato kien wieħed mill-aħwa li forna lil Bonaventura b'ħafna informazzjoni dwar il-ħajja ta' S. Franġisk.

*sigriet tiegħi hu għalija*" (cfr. Is 24,16), din id-darba, iżda, għad li kollu biża', irrakkontalhom ħaġa, ħaġa kif ġrat il-viżjoni u żied jgħid ukoll li Dak li dehirlu kien qallu ħwejjeġ li, sakemm idum ħaj, ma hu se jgħidhom lil ebda bniedem. Għandna nemmnu, għalhekk, li l-kliem li qallu s-Serafin li dehirlu b'mod ta' l-għaġeb fis-salib, hu *kliem misterjuż li ebda bniedem ma jista' jgħidhom* (cfr. 2Kor 12,4). [1C 96]

[1264] 5 Wara li l-vera imħabba ta' Kristu *biddlet* lill-maħbub *fl-istess xbieha* (cfr. 2Kor 3,18)[104], meta għaddew l-erbgħin jum li kien iddeċieda li jgħaddi fis-solitudni, issa li l-festa ta' San Mikiel Arkanġlu kienet fil-qrib, ir-raġel anġeliku Franġisku *niżel mill-muntanja* (cfr. Mt 17,9), iġorr fih ix-xbieha ta' l-Imsallab: mhux xbieha impinġija fuq *twavel tal-ġebel* (cfr. Eż 31,18) jew ta' l-injam minn id bniedem tas-sengħa, iżda mnaqqxa fil-membri ta' ġismu *bis-saba' ta' Alla l-ħaj* (cfr. Ġw 11,27). U għax hi ħaġa tajba li *żżomm moħbi s-sigriet tas-Sultan* (cfr. Tob 12,7), Franġisku li kien jaf tajjeb li ġie afdat lilu dan is-sigriet, għamel ħiltu biex kemm jista' dawk is-sinjali qaddisa jżommhom moħbija. Issa, billi jmiss lil Alla li, għall-glorja tiegħu, jgħarraf il-ħwejjeġ kbar li jkun għamel, il-Mulej innifsu, li b'mod moħbi naqqax dawk il-marki fuq ġisem Franġisku, quddiem kulħadd għamel bihom ħafna mirakli: hekk, il-qawwa moħbija u ta' l-għaġeb tagħhom saret magħrufa b'mod ċar permezz tas-sinjali. [2C 135]

[1265] 6 Fil-provinċja ta' Rieti qabdet epidemija serja għall-aħħar, u qerdet b'kefrija barrin u ngħaġ, u ma seta' jinstab ebda rimedju għaliha. *Wieħed raġel jibża' minn Alla* (cfr. Ġob 1,1) mal-lejl kien imwissi f'dehra biex imur bil-għaġġla fl-eremitaġġ ta' l-aħwa fejn dik il-ħabta kien qed joqgħod il-qaddej ta' Alla Franġisku, jieħu l-ilma li fih ikun ħasel idejh u riġlejh, u jroxxu fuq l-annimali kollha. *Filgħodu kmieni qam* (cfr. Mk 16,9), ġie fil-post, u wara li bil-moħbi ħa mingħand sħab ir-raġel qaddis l-ilma li bih kien inħasel, mar iroxxu fuq in-ngħaġ u l-barrin morda. Ħaġa ta' l-għaġeb! Kif dak l-ilma, imqarr jekk biss ftit qatriet minnu, mess ma' l-annimali li kienu dgħajfa għall-aħħar u mitfugħin ma' l-art, mill-ġdid ħadu lura saħħithom, qamu fuq saqajhom u, qisu qatt ma ġralhom xejn, ħarġu jiġru jfittxu l-mergħa. Hekk ġara li, bis-saħħa ta' l-għaġeb ta' dak l-ilma li kien mess ma' l-istimmati mqaddsa, waqfet kull pjaga, u l-mard tal-pesta għab mill-merħliet. [CA 94; 3C 18]

[1266] 7 Fl-inħawi tal-muntanja La Verna li diġà semmejna, qabel ma r-raġel qaddis kien joqgħod hemm, kienet titla' minnha sħaba li mbagħad tinfexx f'tempesta bis-silġ u teqred il-frott ta' l-art sena wara l-oħra. Iżda b'għaġeb kbir tan-nies tal-post, wara dik id-dehra qaddisa, is-silġ waqaf għal kollox biex il-kalma ta' wiċċ is-sema, kalma li ma kienet xejn tas-soltu, li turi b'mod l-aktar ċar, kemm il-kobor tal-viżjoni li ġiet mis-sema kif ukoll il-qawwa ta' l-istimmati li proprju hemm ġew imnaqqxa fuq ġisem Franġisku. Darba minnhom, fix-xitwa[105], billi kien iħossu dgħajjef f'ġismu u t-toroq kienu mħarbta, Franġisku rikeb fuq daqsxejn ta' ħmar ta' wieħed fqir. Issa billi ma setgħux jaslu fil-post fejn xtaqu jmorru qabel taqa' d-dalma tal-lejl, daħlu taħt blata

[104] Dan il-paragrafu hu proprju ta' Bonaventura. Mill-ewwel daqqa ta' għajn jidher li hu biss bħal pont li jgħaqqad flimkien ir-rakkont ta' Franġisku li jirċievi l-istimmati ma' dak tal-mirakli li jseħħu bl-interċessjoni ta' S. Franġisk stimmatizzat. Imma fil-verità hu jisħaq b'mod ġdid u bil-qawwa fuq l-ideja ċentrali ta' Bonaventura li jrid juri lil S. Franġisk bħala l-mibgħut il-ġdid ta' Alla, li jidher immarkat bħal Mosè bis-sinjali tal-glorja (mirakli) hu u nieżel mill-muntanja mqaddsa, u li bħal Kristu li jinżel mill-muntanja tat-Trasfigurazzjoni biex imbagħad jitla' fuq il-Kalvarju għas-salvazzjoni tad-dinja.

[105] Dan l-episodju, kif ukoll dak li hemm qablu, ma nsibux rakkont tagħhom f'Celano, imma jidher bi kliem kważi identiku fir-IV Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati fil-*Fioretti*, fejn insibu li l-qaddis kien qiegħed jivvjaġġa lura minn La Verna lejn il-Porziuncola.

maħruġa ‘l barra biex hekk jevitaw l-iskomdu tal-borra u jistkennu matul il-lejl li kien qrib. Il-qaddis sema’ lir-raġel li kien qed jakkumpanjah jilminta u jgemgem, idur ‘l hawn u ‘l hinn, u jgħid li billi kellu fuqu lbies ħafif, f’dik il-kesħa xxoqq il-għadam li kienet, b’ebda mod ma seta’ jorqod u jistrieħ. Franġisku, kollu mħeġġeġ b’imħabba divina, ħareġ idu, u messu. X’għaġeb kbir! Kif dik l-id qaddisa messet miegħu, id li kellha fiha l-*ġamar tas-Serafin* (cfr. Is 6,6-7), il-ksieħ ħarab, qisu mgerrex mis-sħana qawwija ta’ xi forn. Imfarraġ kemm f’ruħu u kemm f’ġismu, hemm qalb il-ġebel u l-borra, raqad raqda ħelwa sa filgħodu. Wara din l-esperjenza kien iħobb jgħid li lanqas f’soddtu stess ma kien jorqod għal qalbu daqshekk. Dawn kollha huma sinjali li juru biċ-ċar li dawk is-siġilli qaddisa kienu stampati bis-saħħa ta’ Dak li, bil-ministeru tas-Serafini jsaffi, idawwal u jħeġġeġ: il-qawwa ta’ l-għaġeb ta’ l-istimmati minn barra saffiet il-pesta, ġabet serenità fuq wiċċ is-sema u s-sħana lill-iġsma, kif wara l-mewt tal-qaddis sar magħruf b’għeġubijiet li jippruvaw bla l-iċken dubju, kif f’waqtu nsemmu aktar ‘il quddiem.

[1267] 8 Minkejja li kien jagħmel ħiltu kollha biex iżomm moħbi *t-teżor misjub fil-għalqa* (cfr. Mt 13,44), b’xejn ma seta’ jirnexxilu jaħbi l-istimmati ta’ idejh u ta’ riġlejh hekk li ma jarawhomx għallinqas xi wħud, għad li idejh kien iżommhom kważi dejjem mgħottija, u beda jilbes l-għata f’riġlejh. Meta hu kien għadu ħaj, l-istimmati rawhom ħafna aħwa u, għad li kienu rġiel ta’ qdusija kbira u ta’ min jemminhom, b’danakollu, biex jitwarrab kull dubju, huma wettqu b’ġurament fuq il-Kotba Mqaddsa l-fatti kif kienu u kif rawhom huma. Xi Kardinali li kienu midħla tar-raġel qaddis rawhom ukoll, u faħħru l-istimmati bil-kitba ta’ innijiet, antifoni u sekwenzi li ikkomponew għad unur tiegħu. Hekk, bil-kelma u l-kitba tagħhom *taw xhieda għall-verità* (cfr. Ġw 1,7; 5,33)[106]. Il-Qdusija tiegħu, is-Sinjur Papa Alessandru, meta darba kien qed jippriedka lin-nies, u kien hemm preżenti ħafna aħwa, u magħhom kont hemm jiena wkoll, qal ċar u tond li, meta l-Qaddis kien għadu ħaj, hu ra b’għajnejh l-istimmati mqaddsa[107]. Meta miet, imbagħad, rawhom aktar minn ħamsin mill-aħwa, u rathom ukoll il-verġni Klara, mara devota għall-aħħar lejn Alla, u magħha s-Sorijiet l-oħra tagħha, u għadd bla tarf ta’ lajċi. Ħafna minnhom, kif ngħidu aktar ‘il quddiem, bisuhom b’devozzjoni u *messewhom b’idejhom* (cfr. 1Ġw 1,1) aktar minn darba, biex hekk isaħħu x-xhieda tagħhom. Iżda l-ġerħa li kellu f’ġenbu kien joqgħod attent ħafna biex iżommha moħbija, u sakemm dam ħaj ħadd ma seta’ jaraha jekk mhux bis-serqa. Wieħed mill-aħwa li kien jieħu ħsiebu b’ħerqa kbira, darba minnhom, b’ingann qaddis, irnexxielu jġiegħel lil Franġisku jinża’ t-tonka ħalli jkun jista’ jfarfarhielu. Ħares sewwa lejn dik il-ġerħa, u messha malajr bi tliet swaba; għamel hekk biex, bil-ħars u bil-mess, ikun jaf kemm kienet kbira l-ġerħa. Bl-istess mod makakk bħal dan raha wkoll wieħed ieħor mill-aħwa li dak iż-żmien kien il-Vigarju tiegħu. Wieħed mill-aħwa sħabu, raġel ta’ sempliċità ta’ l-għaġeb, waqt li kien qed jogħroklu spallejh billi kien ma jiflaħx, qiegħed idu taħt il-kapoċċ, u mingħajr ma ried, laqatlu din il-ġerħa, u tah weġġħa kbira. Minn dakinhar ‘il quddiem, għalhekk, beda jilbes ħwejjeġ ta’ taħt li

---

[106] Il-Papa Girgor IX ikkompona l-Innu *Proles de coelo,* ir-responsorju *De paupertatis horreo,* l-antifoni *Sancte Francisce propera,* u *Plange, turba paupercula*; il-Kardinal Tommaso da Capua l-innijiet *Decus morum* u *In coelesti collegio,* ir-responsorju *Carnis spicam* u l-antifona *Salve, sancte Pater*; il-Kardinal Rainerio Capocci di Viterbo l-innu *Plaude, turba paupercula*; il-Kardinal Stefano di Casa Nova l-antifona *Coelorum candor splenduit*. Dawn il-kompożizzjonijiet kollha ġew miġburin minn Julian minn Speyer u mdaħħlin fl-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci*, li hu ikkompona (cfr. *Analecta Franciscana* X, 375-388). Ma’ dawn il-kompożizzjonijiet inżidu wkoll is-sekwenzi tal-Quddiesa tas-solennità ta’ S. Franġisk: *Laetabundus* ta’ Tommaso da Celano, *Caput draconis* ta’ Girgor IX, *Sanctitatis nova signa,* attribwita lil Tommaso da Celano, u *Fregit victor*, li wkoll kienet tiġi attribwita lil Celano (cfr. *Analecta Franciscana,* X, 400-404).

[107] Il-Papa Alessandru IV (1254-1261) għamel din id-dikjarazzjoni f’żewġ Bulli Pontifiċji: *Benigna operatio* (19 ta’ Ottubru 1255) u *Quia longum esset* (28 ta’ Ġunju 1259).

kienu jaslu sa taħt dirgħajh biex hekk jgħattulu l-ġerħa ta' ġenbu. L-aħwa li kienu jaħslulu dawn il-ħwejjeġ jew li xi kultant kienu jnaddfulu t-tonka u rawhom imċappsin bid-demm, minn dawn is-sinjali ikkonvinċew ruħhom bla l-iċken dubju li tabilħaqq kellu ferita qaddisa f'ġenbu. Wara l-mewt, imbagħad, flimkien ma' ħafna oħrajn, *b'wiċċhom mikxuf* (cfr. 2Kor 3,18) ikkontemplawha u qimuha. [1C 95; 2C 137-138; 3C 4]

[1268] 9 Ejja, mela, kavallier tassew kuraġġuż ta' Kristu, ġorr l-armi tal-qatt mirbuħ Mexxej tiegħek: armat bihom b'mod hekk ta' l-għaġeb, tegħleb żgur lil dawk li huma kontrik! Ġorr l-istendard tas-Sultan l-Aktar Għoli: għall-ħarsa tiegħu l-ġellieda kollha ta' l-eżerċtu ta' Alla jagħmlu l-qalb. Ġorr ukoll is-siġill tal-Qassis il-Kbir, Kristu: b'din il-garanzija, kliemek u għemilek ikunu milqugħa hekk li ħadd ma jsib xejn xi jgħid fihom, għax *tassew awtentiċi* (cfr. Tit 2,8). Għax issa li *f'ġismek qed iġġorr l-istimmati tal-Mulej Ġesù, ħadd ma għandu jdejjqek* (cfr. Gal 6,17), anzi kull qaddej ta' Kristu għandu juri lejk imħabba devota. Issa, bis-saħħa ta' sinjali ċerti għall-aħħar, imwettqin mhux biss *mix-xhieda ta' tnejn jew tlieta*, li jkunu biżżejjed, imma minn kotra ta' nies, *ix-xhieda* ta' Alla fik u permezz tiegħek hi *ta' min jemminha għal kollox* (cfr. Dt 19,15; 92,5). Lil dawk li ma jemmnux tneħħilhom kull velu ta' skuża, waqt li lil dawk li jemmnu ssaħħaħhom fi twemminhom, tgħollihom 'il fuq bil-fiduċja tat-tama, u tkebbishom bin-nar ta' l-imħabba. [1C 90]

[1269] 10 Iva, issa seħħet tabilħaqq *l-ewwel dehra li kont rajt* (cfr. Dan 9,24; 4,6), jiġifieri li, bħala mexxej futur fl-armata ta' Kristu, kellek tkun imżejjen bl-armi tas-sema, armi immarkati bis-sinjal tas-salib. Id-dehra li kellek fil-bidu tal-konverżjoni tiegħek, meta l-ispirtu tiegħek ħassejtu *minfud bis-sejf tal-kompassjoni doloruża* (cfr. Lq 2,35), u l-leħen li smajt ġej mit-tron għoli u ħiereġ mill-*għatu ta' l-arka* (cfr. Num 7,89) moħbi ta' Kristu, kif bi kliemek wettaqt inti stess, issa jitwemmnu bla l-iċken dubju bħala li kienu veri. Nemmnu bis-sħiħ li ma kienux frott tal-fantasija l-viżjonijiet li kellhom xi wħud fil-mixja tal-konverżjoni tiegħek, imma rivelazzjoni mis-sema. Ngħid għas-salib li fra Silvestro ra ħiereġ minn fommok b'mod meraviljuż; ix-xwabel f'għamla ta' salib li l-qaddis fra Pacifico ra jinfdulek ġismek; id-dehra li kellu l-anġeliku Monaldo li, meta Sant'Antnin kien qed jippriedka dwar il-kliem imwaħħal mas-salib, rak merfugħ 'il fuq, f'għamla ta' salib. U fl-aħħar, qrib tmiem ħajtek, fl-istess waqt ġew murija lilek is-sura għolja tas-Serafin u x-xbieha umli ta' l-Imsallab, tħeġġek minn ġewwa u timmarkak minn barra, bħala *Anġlu ieħor, bis-siġill ta' Alla l-ħaj, tiela' min-naħa tal-Lvant* (cfr. Apok 7,2). Din id-dehra tikkonferma lill-oħrajn ta' qabilha, u tieħu minn għandhom *ix-xhieda tal-verità* (cfr. Ġw 5,33). Ara, dawn is-seba' viżjonijiet tas-salib ta' Kristu[108] li, b'mod ta' l-għaġeb ġew murija fik u dwarek matul il-mixja 'l quddiem taż-żmien, kienu bħal sitt tarġiet li wassluk għal din is-seba' waħda li fiha ssib fl-aħħar il-mistrieħ tiegħek. Is-salib ta' Kristu, offrut lilek fil-bidu tal-konverżjoni tiegħek, int għaraft tħaddnu miegħek, u minn dakinhar 'il quddiem bla heda ġarrejtu fik innifsek b'ħajja imseddqa u bl-eżempju urejtu lill-oħrajn, juri bl-akbar ċertezza li fl-aħħar inti lħaqt il-quċċata tal-perfezzjoni evanġelika. Għaldaqstant, ebda bniedem tassew devot ma jista' jwarrab din il-prova ta' l-għerf nisrani mħażża fit-trab ta' ġismek, ħadd li tabilħaqq jemmen ma jista' jmur kontriha, kif ħadd li hu tabilħaqq umli ma jista' jqisha bħallikieku kienet ħaġa ta' xejn: għax hi tabilħaqq opra ta' Alla, u *jixirqilha li tkun milqugħa għal kollox* (cfr. 1Tim 1,15; 4,9). [3C 2-3]

---

[108] Bonaventura jagħti sintesi tal-viżjonijiet tas-Salib li torbot ma' dak li qal fil-Prologu tal-LM, fejn Franġisku hu ippreżentat bħala l-Anġlu tas-sitt siġill, tielgħa mil-Lvant bis-sinjal tat-*Tau*, jiġifieri tas-salib, biex bih jimmarka l-magħżulin. Din hi t-tifsira tas-sitt viżjonijiet tas-salib u tal-bidla ta' Franġisku nnifsu fix-xbieha tal-Kurċifiss (is-seba' viżjoni) fuq La Verna.

Kapitlu XIV
Dwar is-sabar tiegħu u t-transitu[109] f'jum mewtu.

[1270] 1 Issa li *ma' Kristu kien imsallab fuq is-salib* (cfr. Gal 2,19), kemm f'ġismu kif ukoll fl-ispirtu tiegħu, Franġisku mhux biss kien imħeġġeġ b'imħabba serafika lejn Alla, iżda wkoll ma' Kristu msallab ħass *għatx* (cfr. Ġw 19,28) għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Billi ma setax jimxi minħabba l-imsiemer imqabbża 'l barra minn riġlejh, ried li ġismu, nofsu mejjet, jinġarr ma' *l-ibliet u l-kastelli* (cfr. Lq 8,1) biex iħeġġeġ lil kulħadd *iġorr is-salib* (cfr. Lq 9,23) ta' Kristu. Lill-aħwa ukoll kien jgħidilhom: "Ħuti, ejjew nibdew naqdu lill-Mulej Alla tagħna, għax sallum ftit wisq għadna mxejna 'l quddiem". Kellu tħeġġeġ fih xewqa kbira li jmur lura għall-umiltà li għex fil-bidu, biex jaqdi lil-lebbrużi kif beda jagħmel għall-ewwel, u lil ġismu, għoddu mfarrak bix-xogħol, isejjaħlu lura għall-jasar ta' qabel. Bi Kristu bħala Mexxej tiegħu, kellu rieda sħiħa li jagħmel ħwejjeġ kbar, u għad li ftit, ftit il-membri ta' ġismu kienu qed iħalluh, fl-ispirtu tiegħu kien iħossu qawwi u mħeġġeġ, u kien konvint li se joħroġ rebbieħ fil-ġlieda kontra l-għadu. Tabilħaqq, la l-mard u lanqas il-għażż ma jistgħu jsibu posthom fejn hemm in-niggieża ta' l-imħabba issuqu b'saħħa lejn ħwejjeġ akbar. Bejn ġismu u l-ispirtu tiegħu kien hemm tant armonija u ħeffa hekk kbira għall-ubbidjenza li, meta hu kien jagħmel ħiltu kollha biex jilħaq qdusija sħiħa, ġismu mhux biss ma kienx jirreżisti, imma kien jipprova jgħaġġel biex jasal qabel. [1C 97-98.103; 2C 209]

[1271] 2 U biex aktar joktru l-merti, li jilħqu l-milja tagħhom *fis-sabar* (cfr. Ġak 1,4), il-bniedem ta' Alla beda jkun imġarrab b'mod gravi minn ħafna xorta ta' mard; bilkemm kellu parti waħda minn ġismu li fiha ma kienx iħoss uġigħ kbir. Il-ħafna mard li kellu, mard fit-tul u li ma jaqta' xejn, ġabuh fi stat li *laħmu niżel bit-taħsir* (cfr. Ġob 19,20), u *ġildu kważi ħaġa waħda ma' għadmu* (cfr. Lam 4,8). Iżda ħorox kemm kienu ħorox is-sofferenzi li kien iġarrab, id-dwejjaq li kellu ma kienx isejħilhom pieni, imma ħutu. Darba minnhom, meta l-uġiegħ li kellu kien aktar kiefer mis-soltu, wieħed mill-aħwa, raġel sempliċi ħafna, qallu: "Ħija, *itlob lill-Mulej* (cfr. Sir 38,9) biex jittrattak b'inqas ħruxija, għax jidher li *idu qed tagħfas fuqek* (cfr. S 31,4) aktar milli jmissha". Meta sema' dan il-kliem, il-qaddis għajjat u qal: "Li ma kontx naf is-sempliċità u s-safa tiegħek, kont nistmerr il-kumpanija tiegħek, għax ażżardajt tiġġudika bħala li huma ta' min imaqdarhom *il-ġudizzji ta' Alla fuqi*" (cfr. S 18,10; 118,75). Għad li kien mifni għall-aħħar mill-mard serju u kroniku, inxteħet ma' l-art, u b'dik il-waqgħa weġġa' sewwa għadmu dgħajjef. Bies l-art u qal: "*Niżżik ħajr, Mulej Alla* (cfr. Ġw 11,41), għal dawn is-sofferenzi kollha tiegħi, u nitolbok, Mulej tiegħi, biex jekk din hija r-rieda tiegħek, tagħtini mitt darba iżjed. Inkun kuntent

[109] Il-kelma Latina *transitus* tfisser "mogħdija", u tirreferi għall-passaġġ minn din il-ħajja għall-ħajja ta' dejjem permezz tal-mewt. Bonaventura jippreżenta l-mument tal-mewt ta' Franġisku f'rabta mal-misteru ta' l-Għid ta' Ġesù li "jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier" (Ġw 13,1) fil-passjoni u l-mewt tiegħu. L-istess simboloġija tirreferi għall-mogħdija tal-poplu Lhudi mill-jasar ta' l-Eġittu għall-ħelsien ta' l-art imwiegħda fil-Ktieb ta' l-Eżodu, u li Bonaventura wkoll jirreferi għaliha fl-*Itinerarium Mentis in Deum* VII,2: "Min idawwar ħarstu b'ħerqa lejn dan il-propizjatorju, u jiċċassa jħares lejh, imdendel mas-salib, bil-fidi, it-tama u l-imħabba, bid-devozzjoni, l-istagħġib, il-hena, il-qima, it-tifħir u l-għana ferrieħi: dan jiċċelebra miegħu tabilħaqq il-Għid, jiġifieri l-*mogħdija* (cfr. Eż 12,11): bil-bastun tas-salib *jaqsam il-baħar l-aħmar* (cfr. Eż 14,6), mill-Eġittu jgħaddi għad-deżert fejn iduq *il-manna l-moħbija* (cfr. Eż 16,15; Apok 2,17), u ma' Kristu jistrieħ fil-qabar bħallikieku mejjet għad-dinja ta' barra, waqt li fl-intimu tiegħu jagħmel l-esperjenza, sakemm hu possibbli fil-qagħda tagħna li għadna fit-triq, ta' xi jfisser il-kliem li ntqal mis-salib lill-ħalliel li ingħaqad ma' Kristu: *Illum tkun miegħi l-ġenna* (cfr. Lq 23,43)".

ħafna jekk, waqt li *tweġġagħni bis-sofferenza, ma teħlisnix mid-dulur* (cfr. Ġob 6,10), għax għalija, li nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek ifawwarni bil-faraġ". Għall-aħwa kien qisu Ġob ieħor: aktar ma kienet tikber id-dgħufija ta' ġismu, aktar kienet tissaħħaħ il-forza ta' l-ispirtu tiegħu. Jum mewtu kien jaf bih minn ħafna qabel, u meta qorob jum il-mogħdija tiegħu minn din id-dinja, qal lill-aħwa li hu kien dalwaqt ser *iwarrab fil-ġenb it-tinda* (cfr. 2Pt 1,14) ta' ġismu, kif kien irrivelalu Kristu. [1C 97.108]

[1272] 3 Matul is-sentejn wara li f'ġismu ġew imnaqqxa l-istimmati mqaddsa, f'għeluq il-wieħed u għoxrin sena mill-konverżjoni tiegħu, bħal ġebla iddestinata għall-bini ta' Ġerusalem tas-sema, kien minġur bid-daqqiet tal-ħafna mard u dwejjaq li kienu jifnuh. U bħallikieku kien ta' materjal li taħdmu kif trid, taħt id-daqqiet tal-martell tas-sofferenzi kotrana twassal għall-perfezzjoni. Talab lill-aħwa iġorruh lejn Santa Marija tal-Porziuncola biex hemm, fejn kien irċieva *l-ispirtu tal-grazzja*, irodd lura hemm ukoll *in-nifs tal-ħajja* (cfr. Lhud 10,29; Ġen 6,17). Meta ġabuh hemm, mifni kif kien mill-marda serja li kellu u li temmet is-sofferenzi kollha tiegħu, biex bl-eżempju tal-Verità innifisha juri li ma kellu xejn x'jaqsam mad-dinja, f'dik l-aħħar siegħa, mimli ħeġġa ta' l-ispirtu, inxteħet għeri fuq l-art għerja: f'dik l-aħħar siegħa, meta l-għadu kien għadu jista' jiżvoga fuqu l-għadab tiegħu, għeri ried jikkumbatti ma' l-għeri[110]. Mixħut hemm, fuq il-qiegħa ta' l-art, neħħa l-ilbies ta' l-ixkora li kellu fuqu, u *refa' għajnejh lejn is-sema kif kien imdorri jagħmel* (cfr. Ġob 11,15), *mehdi kollu kemm hu fil-glorja* (cfr. Atti 7,55) li kienet qiegħda tistennieh. Waqt li dan, b'idu x-xellugija għatta l-ġerħa tan-naħa tal-lemin biex ma tidhirx. Dar fuq l-aħwa u qalilhom: "*Jien għamilt il-parti tiegħi: Kristu jgħallimkom* tagħmlu l-parti tagħkom" (cfr. 1Slat 19,20; Ef 4,21). [1C 106.110; 2C 114]

[1273] 4 Waqt li sħab il-qaddis kienu qegħdin jibku, qalbhom maqsuma mill-vleġġa tad-dulur li kien qed ikiddhom, wieħed minnhom, li r-raġel ta' Alla kien isejjaħlu l-gwardjan tiegħu, billi b'rivelazzjoni mis-sema kien jaf x'kienet ix-xewqa ta' Franġisku, qam malajr, ħa kurdun, tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt, u offrihom lill-fqajjar ta' Kristu filwaqt li qallu: "Qed nisilfek dawn bħala wieħed fqir, u int ħudhom bil-kmand ta' l-ubbidjenza". Feraħ ħafna r-raġel qaddis meta sema' dan, u ħass *qalbu tfur bil-hena* (cfr. Għan 3,11) għax ra li baqa' fidil sa l-aħħar għall-kelma li ta lil *Madonna Povertà*. Imbagħad *għolla idejh lejn is-sema* (cfr. 2Kron 6,13), faħħar lil Kristu tiegħu għax kien sejjer għandu ħieles, bla ebda tfixkil jew toqol li jżommu. Għamel dan kollu misjuq miż-żelu għall-faqar, hekk li lanqas it-tonka ma ried li tkun tiegħu, imma mislufa lilu minn ħaddieħor. Ried li f'kollox ikun jixbaħ lil Kristu msallab, li temm ħajtu mdendel ma' salib: fqir u sofferenzi u għeri[111]. Kien għalhekk li, fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu, għeri baqa' quddiem l-Isqof, u għeri wkoll xtaq item ħajtu u joħroġ minn din id-dinja. Lill-aħwa li kienu jassistuh ikkmandahom fl-ubbidjenza ta' l-imħabba li, meta jaraw li miet, iħalluh għeri fuq il-qiegħa ta' l-art għal tul ta' ħin li wieħed jieħu biex bla għaġġla ta' xejn jimxi mil. O raġel tabilħaqq nisrani li għamel ħiltu kollha biex f'kollox ikun jixbaħ perfettament lil Kristu ħaj: fil-mewt lil Kristu qed imut, u ta' mejjet lil Kristu mejjet, u immerita wkoll li jkun imżejjen bix-xbieha tiegħu stampata f'ġismu. [2C 215]

---

[110] Bil-Latin *nudus luctaretur cum nudo*, espressjoni li Bonaventura jeħodha minn 1C 15, fix-xena ta' meta Franġisku jinża' ħwejjġu quddiem l-Isqof Guido ta' Assisi: *Ecce iam nudus cum nudo luctatur*.

[111] Bonaventura jinsisti fuq it-tema ta' l-għera (*nuditas*) ta' Franġisku, biex jgħaqqad flimkien il-mument tal-konverżjoni tiegħu ma' dak tal-mewt tiegħu. F'ħajtu kollha Franġisku sar xebħ perfett ma' Kristu li miet għeri u fqir fuq is-salib. Sabiħa r-riflessjoni li biha Bonaventura jilgħab bil-kliem Latin ta' retori medjevali fl-espressjoni: *Voluit certe per omnia Christo crucifixo esse conformis, qui pauper et dolens et nudus in cruce pependit*.

[1274] 5 Meta s-siegħa tat-transitu tiegħu qorbot[112], ried li jissejħu madwaru l-aħwa kollha li kienu jgħixu f'dak il-post. Waqt li beda jfarraġhom dwar mewtu bi kliem kollu ħlewwa, b'imħabba ta' missier ħeġġiġhom biex iħobbu lil Alla. Ħa fit-tul ikellimhom dwar li għandhom iżommu s-sabar u l-faqar u l-fidi ta' l-imqaddsa Knisja ta' Ruma, u li l-Evanġelju dejjem jagħtuh l-ewwel post, qabel kull regolamenti oħra. Waqt li l-aħwa kollha kienu hemm bilqiegħda, imdawwrin miegħu, *medd idejh lejhom* (cfr. Ġen 48,14) f'għamla ta' salib, għax dan il-ġest kien iħobbu ħafna, u kemm lil dawk preżenti kif ukoll l-oħrajn li ma kienux hemm, berikhom bis-saħħa u l-isem ta' l-Imsallab. Żied jgħidilhom ukoll: "Uliedi lkoll kemm intom: *kunu sħaħ fil-biża' tal-Mulej* (cfr. Tob 2,14), u ibqgħu żommu sħiħ fih għal dejjem. U billi *dalwaqt se jkunu magħna s-sofferenza u t-tiġrib* (cfr. Sir 27,6), ħienja dawk li *jkomplu sa l-aħħar* (cfr. Mt 10,22) fil-mixja li bdew. Jien, iżda, sejjer b'pass ħafif lejn Alla, u nirrikmandakom ilkoll għall-grazzja tiegħu". X'ħin temm jgħid dan il-kliem ta' twissija hekk ħelwa, dan il-bniedem li kien ħafna għażiż għal Alla, ordna li jġibulu l-ktieb ta' l-Evanġelji, u jaqrawlu mill-Evanġelju skond San Ġwann, jibdew minn fejn hemm il-kliem: *Sitt ijiem qabel il-festa ta' l-Għid* (cfr. Ġw 13,1). Wara dan, imbagħad, mill-aħjar li seta', infexx fil-kliem tas-Salm: *B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob*. Kompla sa kliem it-tmiem tas-Salm: *Madwari jduru l-ġusti, għax int timxi tajjeb miegħi* (cfr. S 141,2-8). [1C 108-110; CA 22; 2C 216-217; SP 88]

[1275] 6 Fl-aħħar, imbagħad, meta l-misteri kollha laħqu fih il-milja tagħhom, dik ir-ruħ l-aktar qaddisa, maħlula mill-ġisem u mitlufa għal kollox fid-dawl leqqien u divin, il-bniedem ħieni *raqad fil-Mulej* (cfr. Atti 7,60). Wieħed mill-aħwa u dixxipli tiegħu ra dik ir-ruħ imbierka, f'għamla ta' kewkba l-aktar leqqiena, tiġi merfugħa fuq *sħaba żgħira fuq ħafna ilmijiet* (cfr. Apok 14,14; S 28,31), u dieħla dritt fis-sema. Kellha madwarha dija ta' l-għaġeb, id-dija ta' l-ogħla qdusija, u kienet imfawwra sax-xifer bil-għerf kotran tas-sema u bil-grazzja. Bihom ir-raġel qaddis immerita li jidħol fil-post tad-dawl u s-sliem fejn ma' Kristu jistrieħ għal dejjem. Il-Ministru ta' Terra di Lavoro dik il-ħabta kien fra Agostino, raġel tajjeb u ġust. Kien hu wkoll f'xifer il-mewt, u kien ilu għal ħafna żmien ma jistax jitkellem. F'daqqa waħda, *dawk li kienu qrib tiegħu, semgħuh jgħajjat* (cfr. Atti 23,4; Lq 9,39): "Stennieni, missier, stennieni: ara, jien ġej miegħek". L-aħwa, mistagħġba għall-aħħar meta semgħuh jgħid hekk, staqsewh lil min kien qed ikellem hekk b'tant ħeġġa, u hu weġibhom: "M'intomx tarawh lill-missier tagħna Franġisku sejjer lejn is-sema?" U minnufih, ir-ruħ qaddisa tiegħu ħalliet il-ġisem, u marret wara l-missier l-aktar qaddis. Dik il-ħabta l-Isqof ta' Assisi kien mar pellegrinaġġ fis-santwarju ta' San Mikiel Arkanġlu fuq il-Monte Gargano. Fil-lejl tat-tluq tiegħu mid-dinja, l-imqaddes Franġisku dehirlu, u qallu hekk: "Ara, *se nħalli din id-dinja, u mmur* (cfr. Ġw 16,28) is-sema". *Meta qam filgħodu* (cfr. Ġen 24,54), l-Isqof irrakkonta lil sħabu kull ma kien ra, u meta mar lura Assisi fittex bir-reqqa u sar jaf b'ċertezza li l-imqaddes Missier ħalla din id-dinja f'dik l-istess siegħa li fiha kellu l-viżjoni. L-alwett huma għasafar li jħobbu ħafna d-dawl u jibżgħu ħafna mid-dalma tal-lejl. Iżda fis-siegħa tat-transitu tar-raġel qaddis, għad li wara l-għabex dalwaqt kienet ser taqa' d-dalma tal-lejl, ġew fi qtajjiet kbar, u qagħdu fuq il-bejt tad-dar. Damu hemm ħin twil, iduru min-naħa għall-oħra, bħallikieku

[112] F'dan ir-rakkont tal-mewt ta' S. Franġisk, Bonaventura jsegwi lil Celano, imma jħalli barra xi dettalji li donnu kien jaf bihom. Iħalli barra l-famuża barka li Franġisku ta lill-vigarju tiegħu, fra Elia (cfr. 1C 108; 2C 216) jew, skond *Fontes* oħrajn, lil fra Bernardo da Quintavalle. Iħalli barra wkoll ir-riferiment għall-ġest li jfaħħar fl-aħħar ikla tal-Mulej (cfr. 2C 216), u l-ħeġġa tiegħu biex jistieden lill-aħwa biex ifaħħru miegħu lill-Ħallieq bil-kantiku li hu kien ikkompona dwar il-ħlejjaq, waqt li żied l-istrofa ta' *sorella morte corporale*. Jidher li Bonaventura, barra milli ried jevita riferimenti għal sitwazzjonijiet li setgħu iqajjmu tensjoni fost l-aħwa, kien aktar interessat mill-element mistiku u tejoloġiku tal-mewt ta' S. Franġisk.

misjuqin minn ferħ mhux tas-soltu. Hekk huma *taw xhieda* (cfr. Ġw 4,7) ħelwa u ċara għall-glorja tal-Qaddis, li kemm il-darba kien stedinhom biex ifaħħru lil Alla. [1C 110; L3C 68; CA 22.100; 2C 217-218.220; 3C 32]

Kapitlu XV
Dwar il-kanonizzazzjoni, u t-translazzjoni solenni tal-fdalijiet tiegħu.

[1276] 1 Franġisku, il-qaddej u l-ħabib ta' l-Aktar Għoli, il-fundatur u l-mexxej ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, il-kampjun tal-faqar, il-forma tal-penitenza, ix-xandâr tal-verità, il-mera tal-qdusija u l-mudell ta' kollha kemm hi l-perfezzjoni evanġelika, maħtur minn qabel mill-grazzja divina, b'mixja 'l quddiem ordnata tajjeb, minn isfelnett wasal għall-quċċata l-aktar għolja. Dan ir-raġel tassew ta' l-għaġeb, għani bil-bosta permezz tal-faqar, mgħolli 'l fuq bl-umiltà, imsaħħaħ bil-mortifikazzjoni, prudenti bis-sempliċità tiegħu u jgħaġġbek bl-onestà u l-imġieba kollha tiegħu, il-Mulej żejnu b'dija ta' l-għaġeb matul ħajtu, u għamlu wisq aktar leqqien f'mewtu. Meta dan ir-raġel ħieni telaq minn din id-dinja, l-ispirtu qaddis tiegħu daħal *fid-dar ta' l-eternità* (cfr. Qoħ 12,5), kien igglorifikat b'xarba sħiħa mill-*għajn tal-ħajja* (cfr. S 35,10), u ħalla ċerti sinjali tal-*glorja li għad trid tidher* (cfr. Rum 8,18) stampati f'ġismu. Hekk, il-ġisem l-aktar qaddis tiegħu li, *imsallab mal-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu* (cfr. Gal 5,24) kien diġà inbidel *f'ħolqien ġdid* (cfr. 2Kor 5,17), bi privileġġ singulari jġorr fih is-sura tal-passjoni ta' Kristu, u b'miraklu li qabel qatt ma deher ieħor bħalu, juri minn qabel ix-xbieha tal-qawmien mill-imwiet.

[1277] 2 F'dawk il-membri ħienja wieħed seta' jara l-imsiemer iffurmati f'ġismu minn Alla nnifsu b'mod ta' l-għaġeb. Kienu hekk ħaġa waħda mal-laħam ta' ġismu, li meta tagħfashom min-naħa, minnufih kienu jaqbżu 'l barra min-naħa l-oħra, qishom kienu għeruq magħqudin flimkien u iebsa. Wieħed seta' josserva u jara sew il-ġerħa li kellu fuq in-naħa tal-lemin ta' ġenbu ma kienetx ġerħa magħmula mill-bnedmin. Kienet ġerħa tixbaħ lil dik li kellu fil-kustat tiegħu s-Salvatur: il-ġerħa li fil-persuna tal-Feddej irrivelatilna s-sagrament tal-fidwa u tat-tnissil mill-ġdid tal-bnedmin. L-imsiemer kienu suwed, qishom tal-ħadid, filwaqt li l-ġerħa tal-ġenb kienet ħamra, u bil-ġbid tal-laħam ħadet forma tonda: kienet qisha warda l-aktar sabiħa. Il-membri l-oħra ta' ġismu li qabel, kemm minħabba l-mard kif ukoll mill-kulur naturali tagħhom kienu jagħtu fl-iswed, issa dehru jleqqu bi bjuda li tgħammex: hekk ħabbru minn qabel is-sbuħija tat-tieni stola[113]. [1C 112; L3C 70; 3C 5]

[1278] 3 Il-membri ta' ġismu saru rotob u li tista' tgħawwiġhom kif trid malli tmisshom, qishom ħadu mill-ġdid it-tenerezza tat-tfulija, u dehru mżejna b'sinjali ċari ta' l-innoċenza. Billi fil-ġisem bajdani u ta' sbuħija li tgħaxxqek spikkat is-swidija ta' l-imsiemer, u l-pjaga ta' ġenbu kienet tħammar *bħal warda fil-jiem tar-rebbiegħa* (cfr. Sir 50,8), xejn ma tiskanta li varjetà hekk sabiħa u mirakoluża nisslet f'dawk li ħarsu lejha ferħ u stagħġib. L-ulied bkew għat-telfa ta' missier li kien hekk ta' min iħobbu, iżda fl-istess ħin ħassew qalbhom tfur bil-hena meta biesu fih is-sinjali tas-Sultan il-Kbir. In-novità tal-miraklu ġdid bidlet il-biki f'ferħ, u l-intellett bidel it-tfittxija fi stagħġib. Għal dawk kollha li qagħdu josservawha, din id-dehra kienet hekk mhux tas-

[113] L-espressjoni Latina *illius secundae stolae pulchritudinem praetendebat* tirreferi għall-glorja tal-ġisem spiritwalizzat fis-sema. It-tieni stola tirreferi għaż-żewġ premjijiet tal-ġenna: il-viżjoni beatifika u l-glorifikazzjoni tal-ġisem (cfr. *Breviloquium* VII,7; *Lignum Vitae*, 44).

soltu u tassew straordinarja li saħħet fihom il-fidi u qanqlithom għall-imħabba; dawk li semgħu biha, stagħġbu mhux ftit u nisslet fihom ix-xewqa li jarawha. [1C 113; L3C 70; 3C 5]

[1279] 4 Tabilħaqq, meta semgħu bl-aħbar tat-transitu tal-Missier qaddis u l-fama tal-miraklu xterdet f'dawk l-inħawi, in-nies ġrew minn kullimkien lejn il-post biex jaraw b'għajnejhom stess; hekk iwarrbu kull dubju minn moħħhom, u jżidu l-ferħ ma' imħabbithom. Kotra kbira ta' ċittadini minn Assisi iddaħħlu biex jikkontemplaw l-istimmati mqaddsa b'għajnejhom, u jbusuhom b'xufftejhom. Wieħed minnhom, kavallier ta' skola u prudenti, jismu Gerolamo, raġel magħruf ħafna u ta' fama, kellu dubju dwar dawn is-sinjali qaddisa, u qisu *Tumas* ieħor, kien *bla fidi* (cfr. Ġw 20,27). B'ħeġġa u kuraġġ kbir, hemm quddiem l-aħwa u ċ-ċittadini, beda jċaqlaq l-imsiemer, l-idejn, ir-riġlejn u saħansitra l-kustat tal-qaddis b'idejh stess, biex hekk, waqt li *jmiss b'idejh stess* (cfr. 1Ġw 1,1) dawn is-sinjali awtentiċi ta' l-istimmati ta' Kristu, jneħħi minn qalbu u minn qalb kulħadd il-ġerħa tad-dubju. Kien għalhekk, imbagħad, li hu, fost oħrajn, sar xhud qawwi ta' din il-verità li wasal jagħraf b'ċertezza hekk kbira, u saħħaħ ix-xhieda tiegħu b'ġurament fuq l-Evanġelju[114]. [1C 112]

[1280] 5 L-aħwa u l-ulied li issejjħu għat-transitu tal-Missier u magħhom kotra kbira ta' nies, għaddew dak il-lejl, li fih miet ix-xhud il-kbir li dejjem stqarr lil Kristu, jfaħħru lil Alla: aktar kienet sahra ta' l-Anġli milli funzjoni ta' qabel id-difna. *Filgħodu mas-sebħ* (cfr. Ġw 20,4; Atti 2,6)*, il-folol li nġabru hemm ħadu f'idejhom il-friegħi tas-siġar* (cfr. Ġw 12,13; Mt 21,8) u kwantità kbira ta' xemgħa tixgħel, u bil-kant ta' l-innijiet u l-kantiċi wasslu l-ġisem imqaddes fil-belt ta' Assisi. Għaddew ukoll minn ħdejn il-knisja ta' San Damiano fejn il-verġni nobbli Klara, illum glorjuża fis-smewwiet, dak iż-żmien kienet tgħix magħluqa ġewwa flimkien mal-verġni tagħha. Waqfu hemm għal ftit bil-ġisem imqaddes, ġisem imżejjen b'ġawhriet is-sema, ħalli dawk il-verġni qaddisa jkunu jistgħu jarawh u jbusuh. Meta fl-aħħar waslu l-belt fost tant ferħ, b'qima kbira qiegħdu t-teżor għażiż li kienu qegħdin iġorru fil-knisja ta' San Giorgio. Kien f'dan il-post li ta' tifel tgħallem l-iskola, hemm ukoll għamel l-ewwel priedka, u hemm fl-aħħar sab l-ewwel post tal-mistrieħ tiegħu. [1C 116-118]

[1281] 6 Il-wisq miqjum Missier għadda min-nawfraġju ta' din id-dinja fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1226. Kien il-jum tas-Sibt filgħaxija, 4 ta' Ottubru[115], u indifen il-Ħadd. Kif dan ir-raġel ħieni daħal igawdi d-dehra ta' wiċċ Alla, beda jleħħ bid-dawl qawwi tal-kotra ta' mirakli kbar li beda jagħmel. Hekk, dik il-qdusija kbira tiegħu li, meta kien għadu ħaj fil-ġisem, tat direzzjoni għall-imġieba bl-eżempji ta' ġustizzja perfetta li kienet tagħti u d-dinja saret taf biha, issa li qed *isaltan ma' Kristu* (cfr. Apok 20,4) tiġi mwettqa mis-sema biex, permezz tal-mirakli li saru bil-qawwa ta' Alla, aktar tissaħħaħ il-fidi. Il-mirakli glorjużi li għamel f'ħafna inħawi tad-dinja, u magħhom il-benefiċċji kbar li nkisbu għall-interċessjoni tiegħu, ħeġġu l-qlub ta' ħafna bid-devozzjoni lejn Kristu u bil-qima lejn il-Qaddis. *Il-ħwejjeġ kbar* (cfr. S 70,19) li Alla kien qed jagħmel permezz tal-qaddej tiegħu Franġisku, magħrufa bix-xhieda tal-kliem kif ukoll bil-fatti, waslu f'widnejn il-Qdusija Tiegħu, is- Sinjur Papa Girgor IX. [1C 119-121]

---

[114] Bonaventura jikkwota frażi mill-kitbiet tal-Papa S. Girgor il-Kbir fl-interpretazzjoni tiegħu dwar id-dubju li kellu l-kavallier Gerolamo: *de sui et omnium cordibus omne dubietatis vulnus amputaret*. Fid-29 Omelija fuq l-Evanġelji S. Girgor jikkummenta dwar id-dewmien tad-dixxipli li jemmnu, u jagħmel kumment, b'mod partikulari, dwar S. Tumas, li dam ħafna jiddubita: "Waqt li kien jiddubita, hu mess il-ġerħat tal-feriti, u hekk qaċċat mill-qlub tagħna l-ġerħat tad-dubju".

[115] Jiġifieri miet is-Sibt 3 ta' Ottubru filgħaxija, u ndifen il-Ħadd 4 ta' Ottubru, skond il-metodu liturġiku li bih il-Ħadd jibda mill-I Għasar tas-Sibt filgħaxija.

[1282] 7 Ir-ragħaj tal-Knisja kien tabilħaqq konvint mill-qdusija ta' l-għaġeb ta' Franġisku, mhux biss minħabba l-mirakli li sema' bihom wara mewtu, iżda wkoll minħabba l-provi li *ra b'għajnejh u mess b'idejh* (cfr. 1Ġw 1,1) meta hu kien għadu ħaj, u ma kellu ebda dubju li l-Mulej igglorifikah fis-smewwiet. Biex għalhekk ikun fi qbil sħiħ ma' Kristu, li tiegħu kien il-Vigarju, imqanqal minn ħsibijiet qaddisa, qatagħha li jigglorifikah fuq l-art ukoll billi jiddikjara uffiċjalment li Franġisku jixraqlu li jkun mogħti kull qima. Barra dan, biex id-dinja kollha tkun imgħarrfa b'ċertezza dwar il-glorifikazzjoni ta' dan ir-raġel l-aktar qaddis, ried li l-mirakli magħrufa jinkitbu u jissaħħu bix-xhieda kif għandu jkun. L-eżami ta' dawn il-mirakli ħallieh f'idejn dawk il-Kardinali li l-inqas kienu favorevoli għal din il-kawża. Meta l-mirakli kollha ġew eżaminati bl-akbar reqqa u approvati unanimament minn ħutu l-Kardinali, u mill-Prelati kollha li dik il-ħabta kienu fil-Kurja, bil-parir u l-qbil tagħhom ilkoll, iddeċieda li għandu jkun ikkanonizzat. Hu personalment ġie fil-belt ta' Assisi fis-sena ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej 1228, fil-jum tal-Ħadd, 16 ta' Lulju. Konna nieħdu wisq fit-tul li kellna noqogħdu nirrakkontaw iċ-ċerimonja kbira u solenni li matulha kiteb lill-Missier qaddis fil-lista tal-qaddisin. [1C123-126; AP 46-47; L3C 71]

[1283] 8 Fis-sena tal-Mulej 1230, meta l-aħwa kienu miġbura fil-belt ta' Assisi għaċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu ġenerali, dak il-ġisem ikkonsagrat lil Alla ġie trasferit solennement għall-bażilika mibnija għall-ġieħ tiegħu nhar il-25 ta' Mejju. Waqt li dak it-teżor qaddis, immarkat bis-siġill tas-Sultan l-Aktar Għoli, kien qed jinġarr, Dak li tiegħu Franġisku kien iġorr ix-xbieha għoġbu jagħmel ħafna mirakli biex jiġbed qlub l-insara *bil-fwieħa* tiegħu li tagħti s-saħħa, u iġġiegħelhom *jiġru wara* (cfr. Għan 1,3) Kristu. Kien tassew xieraq li dak li Alla fil-ħajja għamlu hekk għażiż għalih u maħbub minnu, bħal Enok ittella' fis-sema bil-grazzja tal-kontemplazzjoni, u bħal Elija ġie meħud fis-sema *fuq karru tan-nar* (cfr. 2Slat 2,11) bil-ħeġġa ta' l-imħabba: iva, *l-għadam* tiegħu, issa li hu qiegħed qalb *il-fjuri* tas-sema fil-ġnien tar-rebbiegħa ta' dejjem, jarmi fwejjaħ ta' l-għaġeb *mill-post tal-mistrieħ tiegħu* (cfr. Sir 50,8; 46,14).

[1284] 9 Barra dan, bħalma dan ir-raġel qaddis matul ħajtu deher leqqien bis-sinjali ta' l-għaġeb tal-virtujiet tiegħu, hekk issa, minn jum it-transitu tiegħu sallum, f'ħafna partijiet tad-dinja, jiddi bis-saħħa tal-ħafna mirakli kbar u ta' l-għaġeb li jsiru bil-qawwa ta' Alla li tigglorifikah. Għax il-għomja u t-torox, il-muti u z-zopop, dawk li jbatu bl-idropsija u l-mifluġa, l-indemonjati u l-lebbrużi, in-nawfragi u l-ħabsin: kollha, għall-merti tiegħu, sabu rimedju għall-għawġ tagħhom. Għal kull marda, kull ħtieġa u kull periklu tinsab għajnuna. Iżda wkoll il-qawmien għall-ħajja ta' ħafna mejtin bl-interċessjoni tiegħu juri lill-insara l-*qawwa ta' l-għaġeb ta' l-Aktar Għoli lil dan il-qaddis tiegħu igglorifikatu* (cfr. S 4,4; Lq 1,35). *Lilu kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen* (cfr. Rum 16,27).

Hawn tintemm il-ħajja ta' l-imqaddes Franġisku.

Jibdew xi mirakli li hu wettaq wara l-mewt tiegħu.

I – Nibdew dwar il-qawwa ta' l-istimmati qaddisa tiegħu.

[1285] 1 Għall-ġieħ ta' Alla li jista' kollox, u għall-glorja ta' l-Imqaddes Missier Franġisku, sejjer nirrakkonta dwar xi mirakli approvati, li seħħew wara l-glorifikazzjoni tiegħu fis-sema, u deherli li nibda minn dak li, aktar minn kull miraklu ieħor, jirrivela l-qawwa tas-salib ta' Ġesù u jġedded il-glorja tiegħu[116]. Il-bniedem il-ġdid Franġisku kien jiddi b'dan il-miraklu ġdid u ta' l-għaġeb, meta permezz ta' privileġġ mill-aktar singulari, li qatt ma kien ġie mogħti fis-sekli ta' qabel, deher immarkat bl-istimmati mqaddsa u *l-ġisem tiegħu li jmut ħa l-forma* (cfr. Fil 3,10; Rum 7,24) tal-ġisem ta' l-Imsallab. Dak kollu li jista' jlissen l-ilsien tal-bnedmin dwar dan il-miraklu, qatt ma jista' jfaħħru biżżejjed. L-isforz mimli mpenn kollu tal-bniedem ta' Alla, kemm fil-ħajja tiegħu pubblika kif ukoll f'dik privata, kien kollu mehdi bis-salib tal-Mulej; kien minħabba f'hekk li libes it-tonka tal-penitenza, magħmula f'għamla ta' salib, u insatar fiha, biex ukoll minn barra jissiġilla l-ġisem tiegħu bis-siġill tas-salib, li kien ġie stampat f'qalbu sa mill-bidu tal-konverżjoni tiegħu. Għaldaqstant ried li, kif l-ispirtu tiegħu kien minn ġewwa tlibbes bil-Mulej imsallab, hekk ukoll il-ġisem tiegħu jilbes l-armi tas-salib u l-eżerċtu tiegħu jissielet kontra l-istess stendard li bih Alla kien xejjen il-qawwiet djaboliċi ta' l-arja. Hekk sa mill-bidunett taż-żmien, li fih hu kien beda jiġġieled għall-Imsallab, madwaru bdew jiddu l-misteri tas-salib. Dan jidher b'mod ċar jekk inqisu n-nisġa ta' ħajtu: jiġifieri jekk wieħed iqis is-seba' viżjonijiet tas-salib tal-Mulej li bihom hu ġie mibdul għal kollox kemm fil-ħsieb, kif ukoll fl-affetti u l-għemejjel tiegħu, biex bl-imħabba ta' estasi jiġi mibdul fih kollu kemm hu, jiġifieri fix-xbieha ta' l-Imsallab. Kien jixraq, għaldaqstant, li s-Sultan l-aktar għoli fil-ħniena tiegħu, li hu twajjeb aktar milli l-bniedem li jħobbu jista' qatt jaħseb, ried li Franġisku jġorr immarkat fil-ġisem tiegħu l-istendard tas-salib tiegħu. Hu li kellu d-don ta' mħabba mill-aktar straordinarja għas-salib, seta' ċertament jilqa' mis-salib dan il-ġieħ mill-aktar ta' l-għaġeb. [1C 90; 3C 2-3]

[1286] 2 Biex jitħarrab kull dubju dwar il-verità soda ta' dan il-miraklu ta' l-għaġeb, mhux biss hemm *ix-xhieda ta' min jemminha* għal kollox, *ta' dawk li raw u messew* (cfr. Lq 24,39; S 92,5), imma wkoll id-dehriet ta' l-għaġeb u l-mirakli li bdew jiddu wara l-mewt tal-qaddis. Is-Sinjur Papa Girgor IX[117], ta' tifkira hienja, li l-qaddis kien ħabbarlu minn qabel li kellu jitla' għad-dinjità tas-sede apostolika, qabel ma niżżel fil-katalogu tal-Qaddisin lil dak li ġarr l-istendard tas-salib, kien iżomm f'qalbu xi dubji dwar il-ġerħa tal-kustat. Ġara li, lejl minnhom, kif irrakkonta dan il-qassis il-kbir innifsu bid-dmugħ f'għajnejh, *deherlu fil-ħolm* (cfr. Mt 1,20; 2,13.19) l-imqaddes Franġisku, li kien iħares lejh b'ħarsa kemmxejn iebsa, u filwaqt li ċanfru għal dak id-dubju tiegħu, għolla 'l fuq dirgħajh tal-lemin, kixef il-ġerħa u talbu biex iġib ampolla, biex jiġbor fiha d-demm li kien inixxi mill-kustat. Il-Papa, fil-viżjoni, ħa f'idejh ampolla kif ġie mitlub, u raha timtela sax-xfar bid-demm ħiereġ mill-ġenb ta' Franġisku. Minn dak il-ħin hu tħeġġeġ

[116] Filwaqt li Celano, fit-*Tractatus de Miraculis*, iqiegħed bħala l-ewwel miraklu ta' S. Franġisk, it-twelid u t-tixrid ta' l-Ordni tiegħu, Bonaventura, li b'attenzjoni kbira saħaq fuq ix-xebħ perfett li l-qaddis kellu ma' Kristu msallab, jibda billi jitkellem dwar il-qawwa mirakoluża ta' l-istimmati.

[117] F'din il-ġabra ta' mirakli, Bonaventura jagħtina lista ta' dawk biss li seħħew wara l-mewt ta' S. Franġisk, li ħafna minnhom iġibhom mit-*Tractatus de miraculis* ta' Tommaso da Celano, flimkien ma' oħrajn minn 1C u 2C, u jżid xi fatti ġodda. Bħala eżempju ta' fatt ġdid għandna proprju dan l-ewwel miraklu, li għandu x'jaqsam mal-ħolma li għamel il-Papa Girgor IX, li għal xi żmien kellu xi dubji dwar l-istimmati. Fl-1237 Girgor IX ippubblika tliet Bulli Pontifiċji li fihom jiddefendi dan il-privileġġ ta' S. Franġisk (*Bullarium Franciscanum* I, 211-214).

b'devozzjoni mill-aktar kbira u b'ħeġġa mill-aktar taħraq għal dak il-miraklu qaddis, hekk li ma kienx jirnexxilu li jissaporti li xi ħadd jażżarda, fil-kburija u l-presunzjoni, li jiċħad il-verità ta' dawk is-sinjali mill-aktar ileqqu, mingħajr ma kien iċanfru b'mod iebes.

[1287] 3 Wieħed mill-aħwa ta' l-Ordni tal-Minuri, li l-uffiċċju tiegħu kien dak ta' predikatur, u li kien mill-aktar magħruf għall-fama tal-virtujiet tiegħu, u kien persważ bil-qawwa dwar l-istimmati tal-Qaddis, meta kien jipprova jfittex bir-raġuni tiegħu li jifhem dak il-miraklu, beda jħossu jinħakem minn bosta dubji. Għal bosta ġranet kien inħakem minn din il-ġlieda interjuri, li kienet titqawwa bir-raġunamenti tiegħu mibnija fuq l-esperjenza tas-sensi umani. Imma lejl minnhom, waqt li kien rieqed, dehrlu San Franġisk li kellu riġlejh imċappsin bit-tajn, u li kellu ħarsa umli, imma iebsa u donnu kien inkurlat fis-sabar tiegħu. Qallu: "X'inhuma dawn il-ġlidiet u t-taqlibiet li qed tħoss? X'inhuma dawn il-gzuz ta' dubji? *Ara idejja u riġlejja*" (cfr. Ġw 20,27). Dak beda tassew jara l-istimmati fl-idejn, imma l-istimmati moħbijin fir-riġlejn miksijin bit-tajn ma setax jarahom. Għalhekk qallu: "Neħħi t-tajn minn riġlejja u agħraf *il-post ta' l-imsiemer*" (cfr. Ġw 20,25). Dak għannaqlu riġlejh bil-qima, u waqt li beda jnaddafhom mit-tajn, seta' *jmiss b'idejh* (cfr. 1Ġw 1,1) il-post ta' l-imsiemer. Dak il-ħin stess qam, u filwaqt li infexx jibki, beda jnaddaf lilu nnifsu mid-dubji li kellu, li kienu mdardrin bit-tajn, bil-ħasil tad-dmugħ u bi stqarrija quddiem kulħadd. [3C 10]

[1288] 4 Fil-belt ta' Ruma, waħda matrona nobbli, kemm fid-drawwiet safja tagħha kif ukoll fil-familja li minnha kienet ġejja, kienet ħatret lil San Franġisk bħala patrun tagħha, u kellha xbieha tiegħu *fil-kamra ta' ġewwa fejn kienet titlob bil-moħbi lill-Missier* (cfr. Mt 6,6). Jum minnhom waqt li kienet mehdija fit-talb, bdiet tqis li x-xbieha tal-Qaddis ma kellhiex is-sinjali ta' l-istimmati, u bdiet titnikket u tistagħġeb mhux ftit. Imma ma kienx hemm għalfejn tistagħġeb la f'dik ix-xbieha l-pittur ma kienx pinġa dawk is-sinjali. Għal bosta ġranet dik il-mara nobbli kienet tipprova tifhem x'setgħet kienet il-kawża li dawk is-sinjali tħallew barra. U ara li, jum minnhom, f'daqqa waħda, fuq dik ix-xbieha bdew jidhru dawk is-sinjali ta' l-għaġeb, kif soltu wieħed jarahom fix-xbihat tal-Qaddis. Kollha mriegħda sejħet mall-ewwel lil bintha, li kienet tqim lil Alla, u bdiet tistaqisha jekk sa dakinhar dik ix-xbieha kienetx mingħajr l-istimmati. Bintha stqarret u ħalfet li qabel dejjem kienet hekk, mingħajr l-istimmati, filwaqt li issa ċertament kienet tidher li kellha l-istimmati. Imma ta' spiss jiġri li l-moħħ tal-bniedem jasal biex jaqa' għal isfel, għax jibda jiddubita l-verità. U hekk fil-moħħ ta' dik il-mara reġa' daħal dubju ikrah, jiġifieri li jista' jkun li dik ix-xbieha kienet ġiet impittra bis-sinjali ta' l-istimmati mill-bidunett. Imma l-qawwa ta' Alla, biex ma jiġix iddisprezzat l-ewwel miraklu, wettqet miraklu ieħor. Fil-fatt, dawk is-sinjali mirakolużi sparixxew f'daqqa waħda, u ħallew dik ix-xbieha mneżżża' minnhom. B'dan il-mod it-tieni miraklu sar il-prova ta' l-ewwel wieħed. [3C 8-9]

[1289] 5 Fil-Catalonia, qrib Lerida[118], wieħed raġel, jismu Giovanni, li kien devot ħafna ta' l-imqaddes Franġisku, lejla minnhom kien miexi minn triq, fejn kienu għamlu nasba biex joqtlu mhux lilu, li ma kellux għedewwa, imma wieħed ieħor, li kien jixbħu, u li dik il-lejla kien issieħeb miegħu. Il-qattiel qabeż mill-moħba tiegħu, u billi hu bidel lil Giovanni ma' l-għadu tiegħu, laqtu bosta drabi u ferih għall-mewt bix-xabla tiegħu. Ma kien hemm l-ebda tama li hu seta' jsalva. Għax l-ewwel daqqa kienet għoddha qaċtitlu għal kollox l-ispalla u dirgħajh, u t-tieni daqqa kienet fetħitlu ġerħa hekk kbira fuq sidru li n-nifs li ħareġ minnha seta' jitfi sitt xemgħat kollha f'daqqa. It-tobba kienu tal-fehma li ma setax ikun li jiġi mfejjaq, għax il-feriti kienu diġà rabbew il-

[118] 3C 11-13 iqiegħed dan il-miraklu "fi Spanja, fis-saltna ta' Castiglia".

kankrena u kienet ħierġa minnhom intiena li ma kontx tissapportiha, hekk li saħansitra martu kienet bdiet titqażżeż bil-qawwa. Issa li kien tilef kull tama fir-rimedji tal-bnedmin, dan ir-raġel ferut dawwar id-devozzjoni kollha tiegħu biex jitlob l-għajnuna tal-missier imqaddes Franġisku, li hu kien diġà beda jsejjaħlu b'fiduċja kbira taħt ix-xita ta' daqqiet, flimkien mal-Verġni mqaddsa. U ara, filwaqt li kien inin waħdu fis-sodda u fix-xorti ħażina li messitu, u filwaqt li kien jishar u jibki u jsemmi l-ħin kollu l-isem ta' Franġisku, resaq lejh wieħed li kien liebes it-tonka tal-patrijiet Minuri. Dehrlu li rah dieħel mit-tieqa. *Filwaqt li sejjaħlu b'ismu* (cfr. Is 40,26), qallu: "Billi inti kellek fiduċja fija, ara l-Mulej sejjer ifejjqek". Il-marid staqsieh min kien. Dak wieġbu li kien San Franġisk u dak il-ħin stess resaq lejh, ħallu l-irbit tal-faxex tiegħu u, skond kif deherlu, beda jsawwab duwa fuq il-feriti kollha tiegħu. Malli dawk l-idejn mqaddsin bl-istimmati messewh bil-ħlewwa, għax huma kienu irċevew mingħand il-Feddej il-qawwa li jfejjqu, il-ġisem tiegħu, li minnu bdiet tgħib il-kankrena, reġa' beda jitqawwa, il-ġerħat bdew jingħalqu, u hu ħassu li kien tfejjaq għal kollox, bħal qabel. Malli għamel dan, il-Missier imqaddes għab minn quddiemu. Dak, meta ħassu mfejjaq, beda jinfexx f'għajjat ta' ferħ u ta' tifħir lil Alla u lill-imqaddes Franġisku, u beda jsejjaħ lil martu, li ġriet lejh malajr. Malli ratu fuq saqajh, hi li kienet qed taħseb li l-għada kellha tieħdu għad-difna, baqgħet miblugħa u barra minn sensieha, u bdiet hi wkoll tgħajjat, hekk li l-ġirien kollha ġew hemmhekk. Dawk kollha li ġew baqgħu milqutin b'għaġeb kbir u barra minn sensiehom, għax bdew jaħsbu li kienu qegħdin jaraw fantażma, meta sabu quddiemhom lil dak ir-raġel qawwi u sħiħ, imfejjaq u ferħan, hu li ftit qabel kienu rawh fis-sodda meqrud minn feriti tal-biża' u f'xifer it-tmiem bil-kankrena. Dak li ġie mfejjaq qalilhom: "Tibżgħux, intom m'intomx taraw fantażma. San Franġisk, li għadu kemm telaq minn hawn, messni bl-idejn qaddisa tiegħu u reġa' fejjaqni għal kollox minn kull ferita li kelli". Il-fama ta' dan il-miraklu xterrdet u kibret. Il-poplu kollu ġie biex jagħraf f'miraklu hekk kbir il-qawwa mirakoluża ta' l-istimmati ta' San Franġisk, u mimli b'tifħir u bil-ferħ, beda jfaħħar u jgħolli bit-tifħir lill-Qaddis li jġorr is-sinjali ta' Kristu. Kien jixraq li l-missier imqaddes, li kien mejjet fil-ġisem imma li kien jgħix flimkien ma' Kristu, meta bil-preżenza mirakoluża tiegħu kien imiss bil-ħlewwa ta' dawk l-idejn qaddisa, beda jagħti s-saħħa lil dan ir-raġel ferut għall-mewt. Għax hu kien iġorr f'ġismu l-istimmati ta' Dak li hu mimli ħniena fil-mewt u mimli ħniena fil-qawmien mill-imwiet, fejjaq bil-ġerħat tiegħu lill-bnedmin li kienu feruti *u mħollijin nofshom mejtin* (cfr. Lq 10,30) fit-triq. [3C 11-13]

[1290] 6 F'Potenza, belt tal-Puglie, kien hemm kjeriku jismu Ruggero, li kien persunaġġ rispettat minn kulħadd u kanonku tal-knisja ewlenija. Ruggero kien imħabbat minn marda, u jum minnhom daħal biex jitlob fil-knisja, li fiha kienet tinsab xbieha ta' l-imqaddes Franġisku imżejjen bl-istimmati mill-aktar glorjużi. Hemmhekk beda jkollu dubji dwar dan il-miraklu hekk ta' l-għaġeb, għax deherlu li kien xi ħaġa wisq straordinarja, jekk mhux ukoll impossibbli. Filwaqt li intelaq għal dawn il-ħsibijiet fiergħa, li kienu jifnulu moħħu, ħassu milqut fil-palma ta' idu x-xellugija, taħt l-ingwanta, u sema' bħal ħoss ta' daqqa li kienet donnha dik ta' vleġġa li sparawha mill-qaws. Mimli uġigħ b'dik il-ġerħa u mistagħġeb minħabba l-ħoss, mall-ewwel neħħa l-ingwanta biex jara b'għajnejh dak li kien ħass u sema'. U ara, filwaqt li qabel f'idu ma kien hemm l-ebda dell ta' xi ġerħa, issa fin-nofs ta' idu kienet tidher ferita, li donnha kienet magħmula minn xi daqqa ta' vleġġa, u li kienet taħarqu tant li kien għoddu se jħossu ħażin. Imma ħaġa ta' l-għaġeb! Fuq l-ingwanta ma kien jidher l-ebda sinjal. Kien kien jidher li dik il-ġerħa li dehret fil-moħbi kienet tindika l-ġerħa moħbija li kellu f'qalbu. Għal jumejn sħaħ kien jgħajjat u jixher minħabba l-uġigħ tal-biża' u beda juri lil kulħadd in-nuqqas ta' fidi li hu kellu moħbi fih. Beda jaħlef li jemmen li San Franġisk tassew kellu l-istimmati u iddikjara li d-dubji kollha li kellu kienu għabu bħal fantażmi. Beda jitlob bil-ħniena lill-Qaddis ta' Alla biex, f'isem l-istimmati mqaddsa, jgħinu,

u t-talb li ħareġ minn qalbu sar aktar prezzjuż bix-xmajjar ta' dmugħ li xerred. Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! Malli ruħu bdiet tfiq, billi ċaħdet in-nuqqas ta' fidi, beda jfiq ukoll ġismu. Kull uġigħ beda jmajna, il-ħruq beda jonqos, u beda jgħib kull ħjiel tal-ġerħa tiegħu. Hekk it-tjieba mimlija providenza tas-sema kienet fejjqet dik il-marda li ma tidhirx ta' l-ispirtu bil-ħruq li kien jidher fil-ġisem, u hekk tfejjqu flimkien ir-ruħ u l-ġisem. Dak ir-raġel sar umli, devot, u baqa' marbut għal dejjem bi ħbiberija kbira lejn il-Qaddis u lejn l-Ordni ta' l-aħwa. Dan il-miraklu xehed għalih taħt ġurament, u aħna sirna nafu bih meta rajna l-ittri ta' l-isqof, li huma immarkati bis-siġill tiegħu.

Għal dak li għandu x'jaqsam mad-don ta' l-istimmati, għaldaqstant, ħadd ma għandu jiddubita minn dan, jew *ikollu għajnejh bil-qerq* għaliex *Alla hu tajjeb* (cfr. Mt 20,15). Don hekk straordinarju ma għandux ikun miċħud lit-tjieba ta' dejjem. Ħadd li għandu *moħħu f'postu* (cfr. Mk 5,15), ma jista' jiċħad li jkun għal kollox għall-glorja ta' Kristu l-fatt li bosta insara jingħaqdu ma' *Kristu ir-ras tal-ġisem tiegħu* (cfr. 1Kor 12,12; Ef 1,22), bl-istess imħabba serafika ta' Franġisku u hekk jixirqilhom li jġorru fil-ġlieda tagħhom l-istess armi tiegħu, u jaslu biex jiksbu l-glorja tiegħu fis-saltna tiegħu. [3C 6]

II – Dwar dawk li tqajjmu mill-mewt.

[1291] 1 Fil-kastell ta' Monte Marano, qrib Benevento, waħda mara li kellha devozzjoni partikulari lejn San Franġisk, *daħlet fit-triq li jgħaddi minnha kulħadd* (cfr.Ġoż 23,14) fil-mewt. Bil-lejl waslu l-kjeriċi għall-funeral, u kienu diġà qed ihejju ruħhom biex jiċċelebraw il-vġili bil-kant tas-Salmi, meta f'daqqa waħda, quddiem kulħadd, dik il-mara qamet fuq is-sodda, u sejħet lil wieħed mis-saċerdoti li kienu hemm, li kien il-parrinu tagħha, u qaltlu: "Irrid inqerr, missier, isma' d-dnubiet tiegħi! Għax meta mitt jiena kont sejra niġi mixħuta f'ħabs tal-biża', għaliex ma kontx qerrejt id-dnub li issa sejra ngħidlek. Imma talab għalija San Franġisk, li matul ħajti jiena dejjem qdejtu bid-devozzjoni tar-ruħ, u hekk ingħatali l-permess li nerġa' lura f'dan il-ġisem tiegħi, biex inqerr dak id-dnub u hekk jisthoqqli l-ħajja ta' dejjem. U ara li wara li jiena nkun qerrejt, jiena sejra nħaffef lejn il-mistrieħ imwiegħed". Kollha mriegħda qerret għand dak is-saċerdot imriegħed bil-biża', u wara li rċeviet l-assoluzzjoni, reġgħet imtedded fis-sliem fuq soddtha, u bil-ferħ *raqdet fil-Mulej* (cfr. Atti 7,60). [3C 40]

[1292] 2 Fil-kastell ta' Pomarico, li jinsab fil-muntanji tal-Puglia, missier u omm kellhom tifla waħdanija, li kienet għadha żgħira, u li kienu jħobbuha b'għożża kbira. Imma hi mardet gravement u baqgħet sejra fil-qabar. Il-ġenituri tagħha, li fid-disperazzjoni kienu jafu li ma kellhomx eredi oħrajn, bdew iqisu ruħhom mejtin flimkien magħha. Waslu l-qraba u l-ħbieb għal dak il-funeral li tant kien jixraqlu biki, imma l-omm imnikkta, filwaqt li kienet mixħuta bi tbatija li ma tistax tiddiskreviha, u maħkuma minn dwejjaq bla tarf, ma kienet qed tintebaħ b'xejn minn dak kollu li kien qiegħed jiġri. Imma sadanittant, San Franġisk, fil-kumpanija ta' wieħed mill-aħwa, għoġbu jżur lil dik il-mara imnikkta permezz ta' dehra[119], għax hu kien jaf li hi kienet devota tiegħu. Hu kellimha bil-ħniena u qalilha: "*La tibkix* (cfr. Lq 7,13), għaliex id-dawl tal-musbieħ tiegħek, li inti qiegħda tibkih bħallikieku intefa, se jerġa' jintraddlek bl-interċessjoni tiegħi". Dak il-ħin stess dik il-mara qamet, u bdiet tirrakkonta lil kulħadd dak li l-Qaddis kien qalilha, u ma ħallithomx li jeħdu lil bintha għad-difna, imma b'fidi kbira bdiet issejjaħ l-isem ta' San Franġisk,

---

[119] Id-dettall tad-dehra ma jinsabx f'3C 46, imma hu interpretazzjoni aktar milli leġittima min-naħa ta' S. Bonaventura, billi hu wieħed mill-mirakli li seħħu wara l-mewt ta' S. Franġisk.

u filwaqt li ħadet l-id ta' bintha mejta, fost l-istagħġib ta' kulħadd, qajjmitha mill-ġdid ħajja u f'saħħitha. [3C 46]

[1293] 3 Meta l-aħwa ta' Nocera kienu talbu lil wieħed raġel jismu Pietro biex jislifhom karru għal ftit taż-żmien, għax kellhom bżonnu, dak beda jweġibhom bħal wieħed iblah bit-tagħjir, u flok tahom il-karità u l-għajnuna li kienu talbuh f'ġieħ San Franġisk, ġibed dagħwa bl-isem tiegħu. Imma dak ir-raġel mall-ewwel nidem minn dik il-ġennata tiegħu, għaliex Alla kien ġiegħelu jħoss f'qalbu l-biża' tal-vendetta tiegħu, li fil-fatt seħħet wara ftit tal-ħin. Għaliex ibnu l-kbir marad f'daqqa waħda u wara ftit żmien miet. Dak il-missier imnikket beda jitmiegħek ma' l-art u ma hediex jitlob lil San Franġisk, bħala qaddis ta' Alla, u fost ħafna dmugħ qallu: "*Jiena kont dak li dnibt* (cfr. 2Sam 24,17), jiena li tkellimt ta' iblah; inti għandek tikkastigi lili fil-persuna tiegħi. O Qaddis, issa li jiena indimt, erġa' agħtini lura dak li ħadtli, meta jiena dgħajt bik bħal wieħed barra minn sensieh! Jiena se nikkonsagra ruħi lilek, ningħata dejjem għall-qadi tiegħek u dejjem se noffri lil Kristu *sagrifiċċju ta' tifħir* (cfr. S 49,14) devot għall-ġieħ ta' l-isem tiegħek". Ħaġa ta' l-għaġeb! Malli tenna dawn il-kelmiet iż-żagħżugħ qam, u wara li waqqfu mill-biki, qallu kif malli kien miet u kien ħareġ mill-ġisem, kien ittieħed minn San Franġisk, li mbagħad kien reġa' ġabu lura għall-ħajja. [3C 43]

[1294] 4 Wieħed tifel ta' nutar minn Ruma, li bil-ħniena kellu seba' snin, kien daħħalha f'rasu, kif jagħmlu t-tfal, li jmur wara ommu li kienet sejra fil-knisja ta' San Marco. Billi ommu ġiegħelitu jibqa' d-dar, hu inxteħet għal isfel mit-tieqa tad-dar, u malli stabat ma' l-art, miet tal-kolp. Ommu, li ma kienetx għadha tbiegħdet ħafna, meta semgħet dak il-ħoss, bdiet tissuspetta li binha waqa' għal isfel. Marret lura bil-għaġġla, u malli rat li kienet tilfet lil binha minħabba dik it-traġedja misħuta, bdiet tigref wiċċha b'idejha stess, donnha riedet tikkastiga lilha nnifisha, filwaqt li bl-għajjat ta' niket tagħha qanqlet lill-ġirien kollha biex jiġu ħa jaraw x'ġara. Imma wieħed mill-aħwa ta' l-Ordni tal-Minuri, jismu Rao, li kien sejjer biex jippriedka f'dak il-post, resaq lejn it-tifel, u mbagħad, mimli bil-fidi, qal lil missieru: "Inti temmen li Franġisku, il-qaddis ta' Alla, jista' *jqajjem mill-mewt* (cfr. Atti 17,31) lil ibnek, bil-qawwa ta' dik l-imħabba li dejjem kellu lejn Ġesù Kristu, li miet fuq is-salib biex jerġa' jagħti l-ħajja lill-bnedmin?" Il-missier wieġeb li hu kien jemmen bil-qawwa u li minn dak il-ħin kellu jkun dejjem qaddej fidil tal-Qaddis, jekk bil-merti tiegħu, Alla kien se jagħtih don hekk kbir. Dak il-patri imbagħad inxteħet għal tulu jitlob, flimkien ma' ħuh li kien miegħu, u bdew iħeġġu lil kulħadd biex jitlob. Meta temmew it-talb, it-tifel beda jittewweb xi ftit, fetaħ għajnejh, u refa' dirgħajh 'il fuq, u fl-aħħarnett qam waħdu u dak il-ħin stess, quddiem għajnejn kulħadd, beda jimxi, qawwi u sħiħ, u reġa' lura għall-ħajja, u fl-istess ħin għas-salvazzjoni bil-qawwa ta' l-għaġeb tal-Qaddis. [3C 42]

[1295] 5 Fil-belt ta' Capua, wieħed tifel, hu u jilgħab flimkien ma' ħafna tfal oħrajn ħdejn ix-xatt tax-xmara Volturno, minħabba nuqqas ta' attenzjoni waqa' fl-ilma fond, u fil-*kurrent qawwi tax-xmara* (cfr. S 45,5), li malajr belgħu fih u difnu taħt ir-ramel. It-tfal l-oħrajn li kienu qegħdin jilgħabu miegħu qrib ix-xmara, bdew jgħajjtu b'kemm kellhom saħħa, u hemmhekk ġiet tiġri folla kbira ta' nies. In-nies kollha bdew jitolbu bid-devozzjoni lill-imqaddes Franġisku, u bdew jitolbuh bil-ħniena biex iħares lejn il-fidi tal-ġenituri tat-tifel li tant kienu devoti lejh, u jogħġbu jeħles lit-tifel mill-mewt. Kien hemm wieħed għawwiem, li kien jinsab hemmhekk fil-qrib, li meta sema' dak l-għajjat resaq u staqsa x'kien ġara. Wara li talab l-għajnuna ta' l-imqaddes Franġisku, hu rnexxielu jsib il-ġisem mejjet tat-tifel, midfun fit-tajn, donnu kien indifen fih. Hu qalgħu mit-tajn u tellgħu f'xatt ix-xmara, imma intebaħ li dak it-tifel kien miet. Imma dawk in-

nies kollha li kienu miġburin madwar, għalkemm kienu raw li t-tifel kien mejjet, bdew jgħajjtu b'kemm kellhom saħħa, u baqgħu jibku u jitniehdu: "San Franġisk, erġa' rodd it-tifel lil missieru!" Kien hemm ukoll xi Lhud, li kienu ġew hemmhekk, li imqanqalin minn ħniena naturali, bdew jgħidu: "San Franġisk, San Franġisk, erġa' rodd it-tifel lil missieru!"[120]. F'daqqa waħda t-tifel, fost il-ferħ u l-istagħġib ta' kulħadd, qam fuq riġlejh qawwi u sħiħ u beda jitlob li jeħduh fil-knisja ta' San Franġisk, għaliex ried iroddlu ħajr bil-qima kollha, billi kien jaf li kien hu li, bil-qawwa tiegħu, kien qajjmu mill-mewt. [3C 44]

[1296] 6 Fil-belt ta' Sessa, fil-kwartier imsejjaħ "Alle Colonne", ħabta u sabta waqgħet dar u difnet taħtha żagħżugħ u qatlitu tal-kolp. Irġiel u nisa bdew jiġru minn kullimkien għall-ħoss ta' dak it-tiġrif, qalgħu it-travi u ħadu l-ġisem mejjet taż-żagħżugħ għand l-omm imsejkna tiegħu. Imma dik, fost ilfiq ta' mrar u qsim il-qalb, hekk kif setgħet, bdiet tgħajjat b'leħen ta' niket: "San Franġisk, San Franġisk, erġa' agħtini lil ibni!" Mhux biss hi, imma wkoll dawk kollha li kienu preżenti bdew isejjħu b'insistenza l-għajnuna ta' San Franġisk. Fl-aħħar, meta raw li dak iż-żagħżugħ ma kienx jagħti aktar sinjali ta' ħajja, meddew il-ġisem mejjet tiegħu fuq sodda, u stennew li l-għada jeħduh għad-difna. Ommu, iżda, li kellha fiduċja fil-Mulej u fil-merti tal-Qaddis tiegħu, għamlet wegħda li toffri tvalja ġdida għall-altar ta' l-imqaddes Franġisku, jekk hu jerġa' jroddilha lura lil binha ħaj. U ara, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, iż-żagħżugħ beda jittewweb, u beda jħoss is-sħana terġa' tagħti l-ħajja lill-membri ta' ġismu u qam, qawwi u sħiħ, u beda jinfexx f'għajjat ta' tifħir u beda jqanqal ukoll lill-kleru li inġabar hemm u lill-poplu kollu biex iroddu ħajr bil-ferħ lil Alla u lill-imqaddes Franġisku. [3C 45]

[1297] 7 Wieħed żagħżugħ minn Ragusa, li kien jismu Geraldino, mar fl-għalqa tad-dwieli, fl-okkażjoni ta' ġbir il-għeneb. Waqt li kien fil-post ta' l-għasir, quddiem il-magħsar, u kien mehdi jimla l-btieti, xi twavel ta' l-injam ċedew u beda nieżel ġebel kbir ħafna, li farraklu rasu. Il-missier ġera mall-ewwel biex jgħin lil ibnu, imma iddispra li seta' jsalvah, u hekk lanqas biss fittex li jgħinu, imma ħallih kif kien taħt il-ġebel. Il-ħassada ta' l-għeneb, meta semgħu l-biki qawwi tiegħu, ġrew hemmhekk mall-ewwel, u filwaqt li bdew jaqsmu mal-missier dak in-niket kbir tiegħu, ħarġu liż-żagħżugħ, li kien mejjet, minn dak it-tifrik. Imma missieru, mixħut f'riġlejn Ġesù, beda jitolbu bl-umiltà biex jogħġbu jerġa' jagħtih lura lill-iben waħdieni tiegħu, għall-merti ta' San Franġisk, li kienet qorbot il-festa tiegħu. Hu kompla jkattar it-talb, u wiegħed li jagħmel għemejjel ta' karità, u wiegħed ukoll li jmur pellegrinaġġ fuq il-qabar tal-Qaddis, flimkien ma' ibnu, jekk dan jitqajjem mill-mewt. Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! Dak iż-żagħżugħ, li kellu ġismu kollu mkisser bċejjeċ, f'daqqa waħda qabeż fuq saqajh, qawwi u sħiħ, u mimli bil-ferħ, beda jċanfar lil dawk li kienu qegħdin jibku, filwaqt li iddikjara li kien reġa' lura għall-ħajja bl-interċessjoni ta' San Franġisk. [3C 47]

[1298] 8 Franġisku wkoll qajjem wieħed mejjet fil-Ġermanja. Dan il-fatt il-Papa Girgor kien żgurah personalment permezz ta' ittra apostolika, u ħabbru fil-jum tat-translazzjoni tal-Qaddis lill-aħwa kollha li kienu inġabru f'Assisi għall-Kapitlu, u hekk imliehom bil-ferħ. Il-mod kif seħħ dan

---

[120] Dan id-dettall ma jinsabx fir-rakkont ta' 3C 44. L-opinjoni ta' l-edituri ta' Quaracchi (*Analecta Franciscana* X, 632) hi li din il-frażi tħalliet barra fil-kodiċi ta' 3C minħabba li l-kopista kellu distrazzjoni għall-fatt li hemm żewġ frażijiet bl-istess espressjoni. Imma d-dettall hu ta' importanza kbira fl-istorja tal-fama u tad-devozzjoni li kien igawdi S. Franġisk, saħansitra barra mid-dinja Krisjana. Il-fatt jinsab ukoll fil-*Legenda Choralis Umbra* (*Analecta Franciscana* X, 551).

il-miraklu jiena ma stajtx inkun nafu[121], u għalhekk minix qiegħed niddiskrevih. Imma jiena żgur li d-dokument papali hu aktar qawwi minn kull xhieda oħra. [3C 48]

III – Dwar dawk li ġew meħlusin mill-periklu tal-mewt.

[1299] 1 Fl-inħawi tal-Belt ta' Ruma, kien hemm raġel nobbli jismu Rodolfo, li flimkien mal-mara devota tiegħu, kien laqa' f'daru lill-patrijiet Minuri, kemm għall-imħabba ta' l-ospitalità kif ukoll għad-devozzjoni u l-imħabba li kellhom lejn l-imqaddes Franġisku. Imma dak il-lejl il-ħarries tal-kastell, li kien rieqed fuq il-quċċata tat-torri, fuq impalkatura ta' l-injam li kienet tinsab proprju fil-post fejn il-ħajt kien jaqbeż 'il barra, malli din l-impalkatura ċediet, hu waqa' fuq il-bejt tal-palazz u minn hemm baqa' nieżel għal isfel. Il-familja kollha, malli semgħet il-ħoss ta' dik il-waqgħa, qamet. Is-sid tal-kastell u martu intebħu, flimkien ma' l-aħwa, li dak il-ħarries kien waqa' għal isfel minn fuq it-torri. Imma dak kien rieqed hekk fil-fond li ma qamx la mal-waqgħa doppja u lanqas mill-ħsejjes u l-għajjat ta' dawk li kienu qegħdin jiġru hemm. Fl-aħħarnett, bdew iġebbduh u jċaqilquh, u rnexxielhom iqajjmuh. Hu, għalhekk, beda jitniehed, għaliex kienu qajmuh hekk malajr minn nagħsa ħelwa, proprju fil-ħin li fih, skond kif beda jsostni, kien reqed bil-ħlewwa fi ħdan l-imqaddes Franġisku. Imma meta ġie infurmat mill-oħrajn dwar il-mod li bih kien waqa' u intebaħ li kien jinsab ma' l-art, filwaqt li qabel kien rieqed fuq il-quċċata tat-torri, baqa' miblugħ bil-għaġeb, għaliex hu lanqas biss kien induna b'dak li kien ġralu. U għalhekk wiegħed quddiem kulħadd li jagħmel penitenza għall-imħabba ta' Alla u ta' l-imqaddes Franġisku. [3C 49]

[1300] 2 Fil-kastell ta' Pofi, li jinsab fil-Campania[122], wieħed qassis jismu Tommaso kien qiegħed isewwi l-mitħna tal-knisja. Imma hu u miexi bla ma qagħad attent fuq ix-xifer tal-kanal li fih kien għaddej l-ilma b'qawwa kbira, u kien jifforma hemmhekk imbut li fih jibla' kollox, f'daqqa waħda waqa' fih u weħel mal-pali tar-rota li kienet iddawwar il-mitħna. Hekk baqa' mwaħħal, barra minn sensieh u ma jistax jiċċaqlaq bejn l-injam, filwaqt li beda jħoss l-ilma jħabbat bil-qawwa ma' wiċċu. Billi ma setax jitkellem, b'qalbu biss beda jitlob lil San Franġisk bil-ftit saħħa li kien fadallu. Għal ħin twil baqa' f'dik il-qagħda. Sħabu, li ma kienux jafu kif se jsalvawh b'mod ieħor, bdew idawwru r-rota tal-mitħna bil-qawwa fid-direzzjoni kuntrarja: hekk il-qassis inbeżaq 'il barra mill-pali; imma issa beda jinġarr mill-qawwa tal-kurrent. U ara li deherlu patri Minuri, liebes tonka bajda u mħażżem b'ħabel, ħatfu minn dirgħajh u b'delikatezza kbira ħarġu 'l barra mill-ilma, filwaqt li qallu: "Jiena San Franġisk, li inti sejjaħtli". Malli ħassu meħlus b'dak il-mod u mimli bl-istagħġib, il-qassis ried ibus il-marki ta' riġlejh u beda jiġri mimli ħeġġa 'l hawn u 'l hinn, u jistaqsi lil sħabu: "Fejn hu? Fejn mar il-Qaddis? Lejn liema naħa telaq?" Dawk l-irġiel kollha, jitriegħdu bil-biża', *inxteħtu wiċċhom lejn l-art* (cfr. Num 14,5), u bdew ifaħħru l-għemejjel kbar u glorjużi ta' Alla l-aktar għoli u l-interċessjoni mirakoluża tal-qaddej umli tiegħu. [3C 50]

[1301] 3 Xi tfal mill-belt ta' Celano kienu marru biex jaħsdu l-ħaxix f'għalqa, li fiha kien hemm bir antik, li kellu l-bokka moħbija, u kollha miksija bil-ħaxix li kien kiber għoli ma'

---

[121] S. Bonaventura jirrepeti b'mod identiku n-nota ta' 3C 48. Girgor IX kien iddikjara dan il-miraklu fil-Bulla *Mirificans* tas-16 ta' Mejju 1230 (*Bullarium Franciscanum*, I,64-65).

[122] Mhux ir-reġjun tal-Campania Marittima, li tinsab fil-Lazio ta' nofsinhar, fuq Napli, imma pjuttost il-Campagna Romana, li llum tissejjaħ Ciociaria, fil-Lazio ta' fuq.

kullimkien. L-ilma tal-bir kien fond kważi erba' passi. Meta t-tfal tferrxu fil-għalqa, wieħed minnhom waqa' f'daqqa waħda fil-bir. Imma filwaqt li, bil-ġisem tiegħu, kien nieżel għal isfel fit-toqba tal-bir, bl-ispirtu hu kien tiela' fil-għoli u jitlob l-għajnuna ta' San Franġisk u, proprju waqt li kien nieżel għal isfel, beda jgħajjat: "San Franġisk, għinni!" L-oħrajn kollha *bdew iduru 'l hawn u 'l hinn* (cfr. 1Slat 18,45), biex *jaraw it-tifel kienx hemm* (cfr. Ġen 37,30), jgħajjtu u jibku, u jfittxuh kullimkien. Meta fl-aħħar intebħu li kien waqa' fil-bir, marru jiġru lura lejn il-belt, biex jgħarrfu b'dak li ġara u jsejħu l-għajnuna. Marru lura flimkien ma' folla kbira ta' nies. Niżżlu lil wieħed fil-bir b'ħabel u dak intebaħ li t-tifel kien bilqiegħda fuq l-ilma, u li ma kien ġralu xejn. Meta tellgħu mill-bir it-tifel qal lil dawk li kienu hemm: "Meta jiena waqajt f'daqqa, jiena tlabt il-ħarsien ta' l-imqaddes Franġisku u hu, jiena u nieżel, ġie mall-ewwel qrib tiegħi, qabadni bil-ħlewwa minn idejja u ma ħallinix aktar, sakemm flimkien magħkom, għinni biex nitla' lura mill-bir". [3C 51]

[1302] 4 Fil-knisja ta' San Franġisk f'Assisi, waqt li l-Isqof ta' Ostia, li mbagħad kellu jsir il-Papa Alessandru[123], kien qiegħed jippriedka fil-preżenza tal-Kurja Rumana, kien hemm xork tal-ġebel, li kienu ħallewh bi traskuraġni fuq il-pulptu, li kien għoli u tal-ġebel, li minħabba li ġiet imbuttata bil-qawwa, waqgħet fuq ir-ras ta' waħda mara. In-nies li kienu hemm, meta raw li l-mara kellha rasha mfarrka, ħasbu li kienet mietet u għattewha bil-mantell li kienet liebsa, bl-intenzjoni li malli tintemm il-priedka, joħorġu lil dak il-ġisem mejjet u tan-niket mill-knisja. Imma l-mara kienet irrikmandat ruħha bil-fiduċja lill-imqaddes Franġisku, f'riġlejn l-altar li kienet mixħuta quddiemu. U ara, malli intemmet il-priedka, il-mara qamet quddiem kulħadd, qawwija u sħiħa, qisu ma ġralha xejn. Imma hemm xi ħaġa oħra aktar ta' l-għaġeb: filwaqt li, sa dak in-nhar, kienet tbati minn uġiegħ ta' ras kontinwu, minn dak il-ħin ġiet meħlusa minnu għal kollox, kif hi nnifisha tat xhieda wara.

[1303] 5 F'Corneto, filwaqt li xi persuni devoti kienu qiegħdin jaħdmu fil-post fejn kien jgħixu l-aħwa biex ifondu qanpiena, kien hemm tifel ta' tmien snin, jismu Bartolomeo, li mar għand l-aħwa biex jieħu ftit ikel lill-ħaddiema. U ara li f'daqqa waħda *riħ qawwi ħabat fuq dik id-dar* (cfr. Ġob 1,19), qala' l-bieb il-kbir u tqil u waqqgħu fuq it-tifel. Id-daqqa kienet tant qawwija li kulħadd beda jaħseb li t-tifel miet, mgħaffeġ minn dak il-piż kbir li kien difnu u mgħotti għal kollox, hekk li lanqas biss setgħu jarawh. Dawk li kienu hemm marru kollha jiġru, u bdew jitolbu lill-imqaddes Franġisku jsalvah bl-id il-leminija qawwija tiegħu. Missier it-tifel, li kien ibbies bin-niket, ma setax aktar jiċċaqlaq; imma kien jitlob bil-qalb u bil-fomm, filwaqt li offra lil ibnu lil San Franġisk. Fl-aħħar irnexxielhom iċaqilqu dak il-piż misħut, u ara, t-tifel li kulħadd kien ħaseb li kien miet, deher ferħan u kuntent, qisu kien qam minn xi nagħsa, u ma kien jidher li ġralu xejn. U hekk, skond il-wegħda, meta kellu erbtax il-sena sar patri Minuri, u mbagħad sar predikatur għaref u magħruf. [3C 54]

[1304] 6 Xi ħaddiema minn Lentini kien qatgħu mill-muntanja ġebla kbira ħafna, li kellhom iqiegħduha fuq l-altar ta' knisja iddedikata lil San Franġisk, ftit ġranet ma kellha tiġi ikkonsagrata. Waqt li dawk l-irġiel, li kienu madwar erbgħin, kienu qegħdin jintensifikaw l-isforzi biex din il-

[123] Dan l-episodju ma jġibux Celano. L-Isqof kien Rainaldo dei Conti di Segni, maħtur Isqof ta' Ostia fl-1234, li kien Kardinal Protettur tal-Patrijiet Minuri u tal-*Povere Dame* ta' San Damiano, u li mbagħad sar Papa Alessandru IV fl-1254. Kien hu li iddikjara lil Santa Klara qaddisa fil-kattidral ta' Anagni nhar il-15 ta' Awissu 1255. Meta kien għadu kjeriku kien ra l-istimmati ta' S. Franġisk meta l-qaddis kien għadu ħaj, kif hu stqarr waqt priedka li għamel quddiem S. Bonaventura, u fil-Bulli *Benigna operatio* (Ottubru 1255) u *Quia longum esset* (Ġunju 1259).

ġebla titgerbeb għal fuq il-karru, dik il-ġebla waqgħet fuq wieħed minnhom u għattietu qisha għatu ta' qabar. Dawk l-irġiel baqgħu imħawwdin u barra minn sensiehom, u ma kienux jafu x'jaqbdu jagħmlu, hekk li bosta minnhom, billi tilfu kull tama, telqu 'l hemm. Imma l-għaxart irġiel li baqgħu hemm bdew jitolbu b'ħafna biki lil San Franġisk, biex ma jippermettix li dak ir-raġel imut b'mewt hekk tal-biża, proprju fil-waqt li kien qiegħed jaħdem fis-servizz tiegħu. Imbagħad, qawwew qalbhom, u rnexxielhom iċaqilqu l-ġebla b'tant ħeffa li kienu kollha konvinti li fosthom kien hemm l-intervent mirakoluż ta' San Franġisk. Dak ir-raġel qam mill-ġdid, qawwi u sħiħ fil-membri kollha ta' ġismu: mhux biss, imma instab li fejn qabel ma kienx jara tajjeb, issa kien beda jara kollox b'mod ċar u perfett. B'dan il-mod ilkoll setgħu jifhmu kemm kienet qawwija l-interċessjoni ta' San Franġisk fis-sitwazzjonijiet ta' disperazzjoni. [3C 57]

[1305] 7 Fatt ieħor jixbħu ġara qrib San Severino, fil-Marca di Ancona. Kien hemm ġebla mill-aktar kbira, li kienu ġabuha minn Kostantinopli, u ħafna irġiel kienu qiegħdin iġorruha lejn il-bażilika ta' San Franġisk. F'daqqa waħda dik il-ġebla żelqet u baqgħet nieżla fuq wieħed minnhom. Kulħadd beda jaħseb li dak mhux biss kien mejjet, imma li kien tfarrak għal kollox. Imma ġara li l-imqaddes Franġisku indaħal bl-għajnuna tiegħu, hekk li żamm il-ġebla mgħollija, sakemm dak ir-raġel irnexxielu jwarrab minn fuqu dak il-piż kbir, u qabeż 'il barra qawwi u sħiħ,u ma ġralu xejn. [3C 58]

[1306] 8 Bartolomeo, li kien joqgħod Gaeta, waqt li kien qiegħed jaħdem b'ħeġġa kbira u b'ħafna għaraq fil-bini ta' knisja lill-imqaddes Franġisku, ġie milqut b'mod gravi minn travu li ma kienx imqiegħed tajjeb, li waqa' fuqu u għaffiġlu rasu. Billi beda jħoss li l-mewt kienet fil-qrib, hu li kien bniedem mimli fidi u devot, talab lill-wieħed mill-aħwa biex iġiblu l-Vjatku. Dak, billi kien żgur li ma kienx se jilħaq jasal fil-ħin bil-Vjatku, billi dak ir-raġel kien jidher li hu f'tarf ħajtu, inqeda bil-kliem ta' Santu Wistin: "Emmen, u inti tkun diġà tqarbint"[124]. Imma l-lejl ta' wara, l-imqaddes Franġisku deher lil dak ir-raġel li kien qiegħed imut, flimkien ma' ħdax mill-aħwa, u kien iġorr ma' sidru ħaruf ċkejken u resaq lejn is-sodda tiegħu, *sejjaħlu b'ismu* u qallu: "Bartolomeo, *la tibżax* (cfr. Ġen 4,15; 15,1), għaliex l-għadu *ma jkunx jista' jeħodha kontra tiegħek* (cfr. Ġer 1,19), billi ried jisirqek mill-qadi tiegħi. Dan hu l-Ħaruf li inti tlabt li tirċevih u li, skond ix-xewqa qaddisa tiegħek, inti diġà rċevejtu. Bil-qawwa tiegħu inti se taqla' mhux biss is-salvazzjoni ta' ruħek, imma wkoll dik ta'ġismek". U hekk, filwaqt li għaddielu jdejh fuq il-ġerħat tiegħu, ikkmandah biex imur lura għal xogħolu. Bartolomeo qam kmieni ħafna l-għada filgħodu u ippreżenta ruħu qawwi u sħiħ, u mimli ferħ quddiem dawk li kienu ħallewh nofsu mejjet. L-eżempju ta' dan ir-raġel u l-miraklu tal-Qaddis ħallew lil kulħadd miblugħ, qanqlu l-qlub għad-devozzjoni u għall-imħabba lejn il-missier imqaddes. [3C 59]

[1307] 9 Wieħed raġel jismu Nicola, mill-kastell ta' Ceprano, jum minnhom *waqa' fl-idejn* (cfr. Imħ 15,18) ta' għedewwa krudili. Dawn imlewh bil-ġrieħi, u kienu deċiżi li jtemmulu ħajtu, u inxteħtu fuq l-imsejken u ksewh bil-feriti, u ħallewh biss meta ħasbu li kien miet jew kien wasal f'xifer il-mewt. Imma Nicola, taħt il-qilla ta' l-ewwel daqqiet, kien beda jgħajjat b'leħen għoli: "San Franġisk, idħol għalija! San Franġisk, għinni!" Kienu ħafna li semgħu mill-bogħod dan l-għajjat, ukoll jekk ma setgħux jiġu biex jgħinuh. Fl-aħħarnett ġarrew id-dar, miksi kollu kemm hu bid-demm, imma hu bil-fiduċja kien isostni li *ma kellux jara l-mewt* (cfr. Lq 2,26) minħabba dawk il-ġrieħi, u li wkoll dak il-ħin ma kienx qiegħed iħoss l-uġiegħ, għaliex San Franġisk kien ġie jgħinu u kien qalgħalu mingħand il-Mulej il-grazzja *li jagħmel penitenza* (cfr. Mk 6,12). Dak

[124] Cfr. S. Wistin, *In Joh. Evang*. 25,12 (*Patrologia Latina* 35,1602).

li ġara wara ikkonferma dak li qal; għaliex malli hu inħasel mid-demm tiegħu, kontra kull tama tal-bnedmin, qam imfejjaq għal kollox. [3C 56]

[1308] 10 L-iben ta' wieħed raġel nobbli minn Castel San Giminiano, minħabba li kellu marda gravi, kien wasal fit-tmiem, u ma kellux iżjed tama ta' fejqan. Minn għajnejh kienu joħroġ id-demm igelgel, bħal dak li joħroġ minn vina tad-driegħ. Fil-kumplament ta' ġismu kien hemm ukoll is-sinjali li t-tmiem kien fil-qrib, hekk li kulħadd beda jqisu li kien mejjet. Meta, imbagħad, in-nifs sar dgħajjef, bdiet tnin il-qawwa tal-ħajja, il-kapaċità li jħoss u li jiċċaqlaq, u kien jidher li donnu telaq għal kollox. Il-qraba u l-ħbieb kienu waslu biex jibku fuqu, skond id-drawwa, u kulħadd beda jitkellem biss mid-difna tiegħu. Imma missieru, li kellu fiduċja fil-Mulej, mar jiġri b'passi mgħaġġlin lejn il-knisja ta' l-imqaddes Franġisku, li kienet inbniet f'dak il-kastell, u b'ħabel imdawwar ma' għonqu, *inxteħet għal tulu fl-art* (cfr. Ġdt 10,20) bl-umiltà kollha. Hekk filwaqt li *beda jagħmel wegħdi u jkattar it-talb* (cfr. 1Sam 1,11; Ġob 40,22), fost it-tnehid u l-biki, kien jistħoqqlu li jaqla' li San Franġisk ikun il-patrun tiegħu quddiem Kristu. Għaliex ġara li malli l-missier mar lura lejn ibnu sabu mfejjaq għal kollox, u biddel *in-niket fil-ferħ* (cfr. Lam 5,15). [3C 61]

[1309] 11 Miraklu ieħor jixbaħ lil dan *il-Mulej għamlu* (cfr. Prov 16,4) għall-merti tal-Qaddis, biex ifejjaq lil tifla mir-raħal ta' Thamarit, fil-Catalogna, u lil tifla oħra, minn Ancona. It-tnejn li huma kienu waslu fl-aħħar nifs minħabba l-qawwa tal-marda tagħhom, imma malli l-ġenituri talbu bil-fidi lill-imqaddes Franġisku, hu mall-ewwel raddilhom is-saħħa perfetta. [3C 52]

[1310] 12 Wieħed kjeriku minn Vicalvi, li kien jismu Matteo, jum minnhom xorob *velenu tal-mewt* (cfr. Mk 16,19), li ċaħħdu għal kollox mill-kelma u wasslu fi tmiem ħajtu. Wieħed qassis mar għandu biex iqarru, imma ma rnexxielux joħroġlu kelma waħda minn fommu. Il-kjeriku, iżda, fil-qalb tiegħu kien jitlob bl-umiltà lil Kristu, biex jogħġbu jaħtfu minn ħalq il-mewt, għall-merti ta' San Franġisk. U fl-aħħarnett, bl-għajnuna ta' Alla, irnexxielu jlissen l-isem ta' Franġisku. Malli lissen dak l-isem, qala' barra dak il-velenu u, quddiem kulħadd, beda jrodd ħajr lil dak li kien ħelsu. [3C 187]

IV – Dwar dawk li ġej meħlusin minn nawfraġju.

[1311] 1 Xi baħrin inħakmu minn maltempata qalila meta kienu xi għaxar mili barra mill-port ta' Barletta. Billi raw li kienu f'periklu kbir u ma kienux jafu jekk kienux jistgħu jsalvaw ħajjithom, xeħtu l-ankri. Imma billi l-baħar tqawwa ħafna aktar minħabba *r-riħ u t-tempesta* (cfr. S 10,7), iċ-ċimi ta' l-ankri inqasmu u huma bdew jittieħdu 'l hawn u 'l hinn mill-mewġ, mingħajr ma setgħu jkunu jafu fejn kienu. Fl-aħħarnett, bir-rieda ta' Alla, l-baħar ikkalma u huma bdew jaħsbu biex jagħmlu ħilithom biex itellgħu l-ankri, għax bdew jaraw iċ-ċimi tagħhom jgħumu f'wiċċ l-ilma. Billi raw li waħedhom ma rnexxielhomx f'din il-ħidma, bdew jitolbu l-għajnuna ta' ħafna Qaddisin. Imma minkejja dan u minkejja l-isforzi kollha li ħallewhom mgħarrqin fil-għaraq, matul dak il-jum kollu ma rnexxielhomx itellgħu lanqas ankra waħda. Fosthom kien hemm baħri, li kien jismu Perfetto, imma li ma kienx perfett fl-imġieba tiegħu. Dak, b'sentiment ta' żufjett, beda jgħid lil sħabu: "Ara: intom tlabtu l-għajnuna tal-Qaddisin kollha u, kif qegħdin taraw, ma kienx hemm wieħed minnhom li ġie jgħinnkom. Ejjew nippruvaw nitolbu lil dan il-famuż San Franġisk, li għadu kemm sar qaddis dan l-aħħar, ħa naraw jekk jistax b'xi mod jinżel fil-baħar u

jtellgħalna l-ankri li tlifna". L-oħrajn qablu ma' din il-proposta ta' Perfetto, mhux biex jidħqu, imma bis-serjetà; mhux biss, imma talli bdew iċanfruh għall-kliem ta' żufjett tiegħu, u flimkien ftiehmu li jagħmlu wegħda mal-Qaddis. U ara, dak il-ħin stess, mingħajr ma kien jeħtieġ l-ebda indħil minn naħa tagħhom, l-ankri telgħu jgħumu fil-wiċċ, qisu l-ħadid biddel in-natura tiegħu, u donnu kien sar ħafif daqs l-injam. [3C 81]

[1312] 2 Wieħed pellegrin, li kien iddgħajjef ħafna minħabba deni mill-aktar qawwi, li kien ħakmu xi ftit qabel, kien ġej lura mill-inħawi ta' *oltremare* fuq ġifen. Dak ukoll kien jgħożż sentiment partikulari ta' devozzjoni għall-imqaddes Franġisku u kien ħatru bħala patrun tiegħu quddiem is-Sultan tas-sema. Imma hu kien għadu ma ħelisx għal kollox mid-deni tiegħu, u kien iħossu jbati minħabba għatx kbir. Imma billi ma kienx fadal iżjed ilma, hu beda jgħajjat b'leħen għoli: "Morru bil-fiduċja u ġibuli x'nixrob, għaliex l-imqaddes Franġisku mela' bl-ilma r-reċipjent ta' l-injam tiegħi". Ħaġa tassew ta' l-għaġeb, marru u sabu dak ir-reċipjent, li qabel kien vojt, mimli bl-ilma. Jum ieħor ħakmithom maltempata u *l-ġifen kien għoddu qed jimtela' bl-ilma tal-mewġ* (cfr. Mt 8,24) u kien se jitkisser bil-qawwa tat-tempesta, hekk li kulħadd kien beda jibża' li kienu se jegħerqu. Imma dak l-istess marid f'daqqa waħda beda jgħajjat, hekk li beda jinstema mal-ġifen kollu: "Qumu lkoll u morru iltaqgħu ma' San Franġisk. Ara hu ġej u qiegħed hawn biex isalvana!" U malli qal hekk, b'ħafna għajjat u bid-dmugħ *miel wiċċ fl-art biex jagħti qima* (cfr. Lq 5,12; Ġw 9,38). Malli deher il-Qaddis, dak il-marid reġa' kiseb saħħtu kollha lura u *l-baħar reġa' ikkalma* (cfr. Mt 8,26). [3C 82]

[1313] 3 Fra Giacomo minn Rieti, wara li kien qasam xmara fuq dgħajsa ċkejkna flimkien ma' aħwa oħrajn, l-ewwel talab lill-aħwa biex jinżlu fuq ix-xatt, u mbagħad hejja ruħu biex jinżel hu wkoll. Imma ġara li dik id-dgħajsa ċkejkna inqalbet. Il-qaddief u l-patri waqgħu fl-ilma; imma l-qaddief kien jaf jgħum, filwaqt li l-patri baqa' nieżel fil-qiegħ. L-aħwa li kienu fuq ix-xatt bdew jitolbu b'ħerqa kbira lill-imqaddes Franġisku, u bdew jitolbuh bil-biki u t-tnehid biex jiġi jiġri ħalli jgħin lil dak ibnu. Dak li għereq ukoll, mill-ġuf ta' l-ilmijiet qawwija, billi ma setax bil-fomm, beda jgħajjat bil-qalb, kif seta', u jitlob l-għajnuna tal-missier mimli ħniena. U ara: il-missier imqaddes semma' l-preżenza tiegħu u għen lil dak il-patri biex jimxi fil-fond ta' l-ilma, bħallikieku kien fuq l-art xotta, sakemm hu qabad mad-dgħajsa li nqalbet, u magħha seta' jitla' qrib ix-xatt. Ħaġa ta' l-għaġeb! Il-ħwejjeġ ta' dak il-patri ma kienux ixxarrbu u lanqas qatra waħda ilma ma kienet tidher fuq it-tonka tiegħu. [3C 83]

[1314] 4 Wieħed fost l-aħwa jismu Bonaventura kien qiegħed jaqsam għadira flimkien ma' żewġ persuni oħrajn, meta d-dgħajsa ixxaqqet. L-ilma beda dieħel bil-qawwa fid-dgħajsa, li baqgħet nieżla fil-qiegħ, u ġarret 'l isfel magħha lilu u lil dawk li kienu miegħu. Imma billi *mill-qiegħ tal-ħama fond* (cfr. S 39,3) huma bdew jitolbu b'fiduċja kbira lill-missier kollu ħniena Franġisku, f'daqqa waħda d-dgħajsa reġgħet telgħet fil-wiċċ, u bil-Qaddis fuq it-tmun, waslet bil-ferħ fil-port. L-istess ġralu wieħed mill-aħwa minn Ascoli, li waqa' fix-xmara u li ġie meħlus għall-merti ta' San Franġisk. Imma wkoll fl-għadira ta' Rieti, kien hemm xi irġiel u nisa li sabu ruħhom fl-istess periklu, u li wara li sejħu l-isem ta' San Franġisk, ħelsu mill-periklu ta' *bosta ilmijiet* (cfr. S 31,6) u ġew salvati minn nawfraġju. [3C 84.86]

[1315] 5 Xi baħrin minn Ancona, li kienu meħudin 'l hawn u 'l hemm minn tempesta qalila, kienu qed jaraw li kienu waslu fil-periklu li jegħerqu. Hekk, fid-disperazzjoni tal-ħajja tagħhom, bdew jitolbu bl-umiltà lil San Franġisk. Deher imbagħad fuq il-ġifen bħal dawl kbir u, flimkien

ma' dak id-dawl, bit-tjieba divina ġie wkoll it-temp tajjeb, donnu biex juri li r-raġel qaddis kellu l-qawwa ta' l-għaġeb li *jikkmanda lill-irjieħ u lill-baħar* (cfr. Mt 8,26). Ma jidhirlix bl-ebda mod li hu possibbli li nirrakkontaw wieħed, wieħed, il-mirakli kollha li bihom dan il-missier imqaddes wera u jkompli juri l-glorja tiddi tiegħu fuq il-baħar u fuq il-każijiet iddisprati li fihom, fil-baħar, hu indaħal bl-għajnuna tiegħu. Wara kollox ma għandniex nistagħġbu jekk, issa li hu qiegħed isaltan fis-sema, ġiet mogħtija lilu l-qawwa fuq l-ilmijiet. Għaliex, meta hu kien diġà jgħix fil-qagħda tagħna l-bnedmin, il-ħlejjaq kollha ta' l-art kienu dejjem jaqduh b'mod ta' l-għaġeb, bħalma kienu jagħmlu meta kienu għadhom fiż-żmien ta' l-innoċenza tal-bidu. [3C 85]

V – Dwar dawk li ġew meħlusin mill-ktajjen u mill-ħabs.

[1316] 1 Darba minnhom, fir-Romania tal-Griegi[125], wieħed raġel mill-post, li kien jinsab fil-qadi tas-sinjur tiegħu, ġie mixli b'akkuża falza li kien seraq. Il-gvernatur ordna li jagħlquh f'ħabs dejjaq, bi ktajjen tqal. Imma s-sinjura ta' dik id-dar, li *ġietha ħniena mill-qaddej* (cfr. Mt 18,27), li kienet tqisu għal kollox innoċenti mill-ħtija li kienu xlewh biha, kompliet titlob u tinsisti ma' żewġha, biex hu jeħilsu. Meta rat li żewġha kien qiegħed iwebbes rasu u jiċħad li jismagħha, is-sinjura daret umilment lejn San Franġisk, u irrikmandat lil dak l-innoċenti għall-ħniena tiegħu, billi għamlet wegħda. Minnufih dak li jgħin lill-imsejknin daħal għalih, u fit-tjieba tiegħu, *żar* lir-raġel *fil-ħabs* (cfr. Mt 25,36.43). Ħallu l-ktajjen, kisser il-bibien tal-ħabs, u qabad lil dak l-innoċenti minn idu, ħarġu barra u qallu: "Jiena dak li lilu fdatek bid-devozzjoni s-sinjura tiegħek". Il-ħabsi kien maħkum minn biża' kbir, ukoll għaliex hu kellu jinżel minn dik il-blata fil-għoli, li kienet imdawwra minn kullimkien b'irdum. Imma waqt li kien qiegħed jipprova jdur magħha biex jinżel, f'daqqa waħda, permezz tal-ħellies tiegħu, sab ruħu isfel fuq il-pjan. Mar lura għand is-sinjura tiegħu, u irrakkontalha bil-fedeltà l-istorja tal-miraklu, u hekk ħeġġiġha aktar fl-imħabba ta' Kristu u fid-devozzjoni lejn il-qaddej tiegħu Franġisku. [3C 88]

[1317] 2 Wieħed raġel fqajjar minn Massa San Pietro kellu jagħti somma flus lil wieħed kavallier. Billi fil-faqar tiegħu ma kienx possibbli għalih li jħallas id-dejn, ġie mitfugħ fil-ħabs skond kif kien talab u ried dak il-kavallier. Dak li kellu d-dejn beda jitlob bl-umiltà kollha li jkollhom ħniena minnu, u beda jitlob li jagħtuh aktar żmien biex iħallas għall-imħabba ta' l-imqaddes Franġisku. Dak il-kavallier kburi beda jistmerr dak it-talb, u beda jqis l-imħabba tal-qaddis bl-istmerrija bħallikieku kienet ħaġa li ma tiswa għal xejn. Imbagħad wieġeb bil-kburija u qal: "Jiena ngħalqek f'*ħabs hekk mudlam* (cfr. Ġen 41,10), li la San Franġisk u lanqas ħadd ieħor ma jkun jista' jgħinek". U għamel dak li kien qal. Sab ħabs mudlam u xeħet hemm ġew lil dawk li kellu d-dejn u qaflu fil-ktajjen. Imma ftit wara indaħal għalih San Franġisk, li kisser il-bibien tal-ħabs, qasam il-ktajjeb u reġa' wassal lil dak ir-raġel lura f'daru. B'dan il-mod, il-qawwa ta' San Franġisk ħalliet bla tama lil dak il-kavallier kburi, u lill-ħabsi li kien intelaq f'idejh, *ħelsu mid-deni* (cfr. Mt 6,13; 2Tim 4,18), u b'miraklu ieħor ta' l-għaġeb, biddel il-qalb tal-kavallier imkabbar bih innifsu, li sar bniedem mill-aktar ġwejjed. [3C 89]

[1318] 3 Alberto minn Arezzo, li kien miżmum f'ħabs mill-aktar dejjaq minħabba d-djun li kienu għabbew bihom inġustament, beda jafda bl-umiltà kollha l-innoċenza tiegħu lil San

---

[125] *Romania Graecum*. Hekk kienet imsejħa ż-żona tal-Greċja li kienet ġiet iddikjarata bħala Imperu tar-Romania (1204-1261) mill-ħakkiema Latini (Kruċjati), u li kienet tiġbor fiha l-Macedonia, it-Tracia, il-Baħar ta' Marmara u xi żoni oħrajn tal-kosta tal-Baħar Eġew. Dan ir-raġel kien allura grieg li kien qiegħed jaqdi lis-sid tiegħu li kien latin.

Franġisk. Għaliex hu kien iħobb ħafna l-Ordni tal-patrijiet Minuri u, fost il-qaddisin, kellu mħabba speċjali lejn San Franġisk. Imma dak li kellu jagħtih beda jwieġbu bid-dagħa u jgħidlu li la San Franġisk u lanqas *Alla ma seta' jeħilsu minn taħt idejh* (cfr. Dan 3,17). Waslet il-vġili tal-festa ta' San Franġisk u l-ħabsi, għall-imħabba tal-Qaddis, osserva sawma perfetta, u offra l-ikel tiegħu lil wieħed li kien fil-ħtieġa. Il-lejl ta' wara, waqt li hu kien jishar, deherlu San Franġisk. Malli daħal il-ktajjen ta' saqajh u *l-ktajjen ta' idejh inħallu, il-bibien infetħu* (cfr. Atti 12,7.10) waħedhom, ix-xorok taru minn mas-saqaf, u l-ħabsi reġa' lura ħieles lejn daru. Minn dak in-nhar hu żamm il-wegħda li jsum nhar il-vġili ta' San Franġisk u li jżid max-xemgħa, li kull sena kien joffri, onċa ta' kull sena, bħala sinjal tad-devozzjoni dejjem tikber li kellu. [3C 91]

[1319] 4 Fiż-żmien li fih kien qiegħed fuq il-kattedra ta' Pietru l-Papa Girgor IX, wieħed raġel jismu Pietro, mill-belt ta' Alife ġie akkużat b'ereżija, u ittieħed priġunier Ruma u, bil-kmand ta' l-istess Papa, ġie mħolli f'idejn l-isqof ta' Tivoli. Dan kien marbut li ma jħallihx jaħrab, bil-piena li nkella jitlef l-episkopat tiegħu. Għalhekk qaflu fil-ktajjen u għamar li jingħalaq f'ħabs mudlam, fejn kienu jagħtuh *ħobż bl-użin* u ilma *bil-qjies* (cfr. Eż 4,16). Imma dak ir-raġel, li sar jaf li kienet waslet fil-qrib il-vġili tal-festa ta' San Franġisk, beda jitolbu b'ħafna talb u dmugħ, sabiex ikollu ħniena minnu. U billi kien reġa' lura għall-fidi sinċiera, billi ċaħad kull żball u kull ereżija, u kien intelaq bid-devozzjoni kollha tal-qalb f'idejn Franġisku, qaddej mill-aktar fidil ta' Kristu, hu stħaqqlu li jkun mismugħ mill-Mulej, bl-interċessjoni tal-Qaddis. Fil-lejl tal-festa tiegħu, wara nżul ix-xemx, l-imqaddes Franġisku niżel kollu ħniena fil-ħabs, u wara li sejjaħ lil Pietru b'ismu, ikkmandah biex iqum malajr[126]. Billi *kien inħakem mill-biża'* (cfr. 1Kron 10,4), il-priġunier beda jistaqsih min kien, u semgħu jwieġbu li hu kien l-imqaddes Franġisku. Sadanittant beda jara li, bil-preżenza mirakoluża tal-Qaddis, il-ktajjen kienu waqgħu u inkisru taħt riġlejh, il-bibien tal-ħabs kienu infetħu, filwaqt li l-imsiemer kienu qabżu 'l barra waħedhom, u li quddiemu kienet miftuħa t-triq biex imur minn hemm. Pietro beda jara dan kollu, u intebaħ li kien ħieles: imma, billi kien baqa' msammar fil-post minħabba l-istagħġib, ma rnexxilux jaħrab: hu biss mar qrib il-bieb u beda jgħajjat, tant li beda jbeżża' lill-għassiesa kollha. Meta intebaħ li l-priġunier kien inħeles mix-xkiel tiegħu u l-mod kif seħħet dik il-ġrajja, l-isqof twajjeb mar fil-ħabs u hemmhekk *għaraf* b'mod ċar *il-qawwa ta' Alla*, u *beda jqim lill-Mulej* (cfr. Mk 5,30; Ġen 24,26) f'dak il-post. Dawk il-ktajjen ġew murija lill-Papa u lill-kardinali li, *meta raw dak li kien ġara* (cfr.Lq 23,47), *bierku lil Alla* (cfr. Dan 13,60) b'sentiment ta' stagħġib mill-aktar kbir. [3C 93]

[1320] 5 Guidolotto minn San Giminiano ġie mixli b'akkuża falza li kien qatel raġel bil-velenu u li kellu l-intenzjoni li joqtol bl-istess mod lil ibnu u lill-familja kollha tiegħu. Għalhekk il-*podestà* ta' dak il-post qaflu f'torri, u rabtu ma' ktajjen mill-aktar tqal. Imma hu, qawwi u żgur mill-innoċenza tiegħu, u mimli fiduċja fil-Mulej, reħa l-kawża tiegħu fil-patroċinju ta' l-imqaddes Franġisku. Sadanittant il-*podestà* kien beda jaħseb dwar kif seta' joħroġlu l-istqarrija tad-delitt li kien mixli bih billi juża t-tortura, u dwar b'liema tip ta' mewt kellu jikkundannah, malli hu kien jistqarr il-ħtija tiegħu. Imma fil-lejl ta' qabel il-jum li fih kellhom jeħduh għat-tortura, il-priġunier żaru San Franġisk li, bil-preżenza tiegħu, beda jdawwlu minn kullimkien b'dawl mill-aktar kbir sa l-għada filgħodu, u *imlih bil-ferħ* (cfr. S 125,2) u b'ħafna fiduċja, filwaqt li żgurah mill-ħelsien tiegħu. L-għada filgħodu waslu dawk li kellhom jagħtuh it-tortura, li ħarġuh mill-ħabs u dendluh mal-kavallett, filwaqt li bdew jgħabbu fuq ġismu ħafna ħadid tqil. Għal diversi drabi kienu jħalluh jaqa' ma' l-art u jerġgħu jerfgħuh, biex iġiegħeluh jistqarr id-delitt tiegħu aktar malajr, billi jżidulu t-torturi. Imma hu, bil-kuraġġ ġej mill-fatt li kien bla ħtija, kien iżomm wiċċ ferħan u ma kienx

[126] Ir-rakkont hu mibni fuq il-mudell tal-ħelsien ta' S. Pietru mill-ħabs f'Atti 12,6ss.

juri l-ebda dwejjaq fost il-pieni tiegħu. Imbagħad dendluh rasu ‘l isfel u taħtu xegħelu nar kbir; imma lanqas xahra waħda ma nħarqitlu. Fl-aħħarnett bdew isawwbu fuqu żejt jagħli. Imma hu bl-għajnuna mirakoluża tal-patrun li f’idejh kien intelaq biex jiddefendih, rebaħ dawn il-provi kollha u hekk, imħolli fil-ħelsien, telaq ‘l hemm qawwi u sħiħ. [3C 94]

VI – Dwar dawk in-nisa li nħelsu mill-periklu tal-ħlas.

[1321] 1 Fi Schiavonia kien hemm waħda kontessa famuża għan-nobbiltà tagħha u li kienet tħobb il-virtù, u li kellha devozzjoni mill-aktar tħeġġeġ lejn San Franġisk u kienet tieħu ħsieb bil-ħniena kollha ta’ l-aħwa tiegħu. Fil-waqt tal-ħlas ġiet maħkuma minn tbatijiet tal-biża’ u minn dwejjaq kbar. Kien donnu jidher li t-twelid tat-tarbija tagħha, li kien wasal qrib, kellu jimmarka t-tmiem tal-ħajja ta’ l-omm, u li hi ma setgħetx tagħti l-ħajja lit-tarbija tagħha, jekk mhux billi hi stess toħroġ minn din il-ħajja. Għaliha dak ma kienx twelid, imma telfien. Imma f’dak il-ħin hi ftakret fil-qalb tagħha fil-fama ta’ San Franġisk, fil-*qawwa* mirakoluża tiegħu u fil-*glorja* (cfr. Apok 19,1) tiegħu, u ħasset ruħha imħeġġa bil-fidi u mqabbda bid-devozzjoni. Daret lejh, bħala dak li seta’ jgħinha bil-qawwa, bħala ħabib li tafda fih, bħala kenn ta’ l-imnikktin, u qaltlu: “San Franġisk, *l-għadam kollu tiegħi* (cfr. S 34,10) jitolbuk biex tħenn għalija, u jiena fil-qalb tiegħi inwiegħdek dak li ma nistax nesprimi bil-kliem”. Kemm hu ta’ l-għaġeb l-għoli tal-ħniena! Malli temmet titlob għaliha kien it-tmiem tat-tbatijiet; it-tmiem ta’ l-uġigħ tal-ħlas, il-bidu tat-twelid. Għaliex dak il-ħin stess, mingħajr l-ebda tbatija, hi tat id-dawl lil tifel bil-ferħ kollu. U baqgħet ma nesitx il-wegħda li kienet għamlet, u ma abbandunatx dak li kienet ipproponiet li tagħmel: għaliex hi bniet knisja sabiħa f’ġieħ San Franġisk u fdatha f’idejn l-aħwa. [3C 95]

[1322] 2 Fl-inħawi ta’ Ruma[127], waħda mara jisimha Beatrice, li kienet ilha diġà erbat ijiem iġġorr fil-ġuf tarbija mejta, ma setgħetx twelled bl-ebda mod. Din il-mara msejkna kienet maħkuma minn dwejjaq kbar, u kienet għaddejja minn tbatija li setgħet twassalha għall-mewt. Dik it-tarbija mejta kienet qegħda twassal lill-omm għall-mewt; dak li ma kienx għadu ħareġ għad-dawl kien inissel periklu li kien jidher b’mod ċar għall-omm. It-tobba ippruvaw jgħinuha b’kull mezz, imma *kienu jitħabtu għal xejn* (cfr. S 126,1). Fuq dik l-imsejkna kienet tagħfas b’piż kbir is-saħta ta’ l-ewwel ħtija, hekk li, *saret qabar għal dawk li nisslet, u kienet tistenna* li dalwaqt hi stess kellha tintemm *fil-qabar* (cfr. Ġer 20,17; Ġob 3,21.22). Fl-aħħar hi qiegħdet it-tama kollha tagħha fil-patrijiet Minuri, u bagħtet titlobhom, b’fidi sħiħa u bl-umiltà, biex jagħtuha relikwa ta’ San Franġisk. Bl-għajnuna tar-rieda divina huma rnexxielhom isibu biċċa mill-kurdun li l-Qaddis darba kien juża bħala ċinglu. Malli qiegħdu dan il-kurdun fuq il-ġisem ta’ dik il-mara, dik li kienet fl-uġiegħ tal-ħlas ħasset li kull tbatija għabet, u mingħajr tbatija rnexxielha twelled lil dik it-tarbija li ħarġet mejta minħabba li kienet mietet fil-ġuf, u l-mara reġgħet kisbet saħħitha. [3C 96]

[1323] 3 Il-mara ta’ wieħed raġel nobbli minn Calvi[128], li kien jisimha Giuliana, kienet tilfet lil uliedha kollha, u kienet titkaxkar fin-niket minn sena għal oħra. Kienet il-ħin kollu titbekka fuq il-ġrajjiet tan-niket li għaddiet minnhom, għaliex l-ulied kollha li kienet ġarret fil-ġuf b’tant tbatija, kellha bi tbatija akbar u fi ftit żmien tafdahom fil-qabar. Issa kienet ilha erba’ xhur li *nisslet fil-ġuf* (cfr. Mt 1,23) u, minħabba dak li diġà kien ġralha fl-imgħoddi, kienet titriegħed bil-biża’, għax

[127] *In partibus Romanis*, espressjoni li tista’ tirreferi għaż-żona ta’ madwar il-belt ta’ Ruma, imma tista’ wkoll tindika l-espressjoni li diġà rajna fin-nota 125, jiġifieri r-Romania, jew l-Imperu Latin ta’ Romania, fl-inħawi tal-Greċja.
[128] X’aktarx Calvi dell’Umbria (Terni).

kienet qed taħseb li t-tarbija tagħha kienet aktar sejra tmut milli tgħix. Imma ara li, lejl minnhom, waqt li kienet rieqda, *dehritilha fil-ħolm* (cfr. Mt 1,20) waħda mara, li kienet iżżomm f'dirgħajha tfajjel sabiħ, u li kienet toffrihulha b'atteġġjament ta' ferħ kbir. Hi, iżda, ma kienet trid tieħdu, għax bdiet tibża' li titilfu dak il-ħin stess. Dik il-mara, mela, qaltilha: "Ħudu u kun żgura, għaliex dan it-tifel, li San Franġisk se jibgħatlek għax ħenn għalik fid-dwejjaq tiegħek, se jgħix u jkun igawdi minn saħħa tajba". Dik il-mara qamet mall-ewwel, u filwaqt li bdiet taħseb fuq dik id-dehra li ġietha mis-sema, fehmet li hi kellha tkun megħjuna minn San Franġisk, u minn dak il-ħin, mimlija faraġ, hi kienet tkattar it-talb u l-wegħdiet tagħha, biex hekk titwettaq dik il-wegħda li saritilha. *Għalqilha* mela *ż-żmien li fih kellha teħles, u welldet tifel* (cfr. Lq 1,57), li mbagħad kiber, mimli bil-qawwa u bis-saħħa żagħżugħa, hekk li kien jidher li San Franġisk kien tah saħħa bl-abbundanza. Għall-ġenituri tiegħu kien motiv ta' devozzjoni aktar imħeġġa lejn Kristu u lejn il-Qaddis tiegħu. Miraklu ieħor jixbaħ lil dan il-missier imqaddes wettqu fil-belt ta' Tivoli. Waħda mara, omm ta' bosta ulied bniet, kienet maħkuma mix-xewqa li jkollha tifel. Daret lejn San Franġisk bit-talb u l-wegħdi u qalgħet il-grazzja, li kienet tmur 'il fuq minn kull tama li seta' kellha, li tagħti d-dawl lil twemin. [3C 97]

[1324] 4 Waħda mara minn Viterbo, li kienet waslet għall-ħlas, kienet tidher li waslet f'xifer il-mewt, għax ġiet maħkuma minn uġigħ kbir f'żaqqha, li kompla kabbar l-uġigħ tal-ħlas. Billi bdiet tħossha sejra tmut u kull kura kienet tidher għal xejn, dik il-mara tablet lil San Franġisk, u hekk imfejjqa, wasslet għal tmiem ħieni l-ħlas tagħha. Iżda, wara li qalgħet dak li riedet, insiet l-għemil ta' tjieba li kienet irċeviet, u ma għarfitx fih l-interċessjoni glorjuża tal-Qaddis. Hekk, nhar il-jum tal-festa tiegħu, hi *meddet idha* (cfr. Prov 31,20) *għax-xogħol* (cfr. Lev 23,7). U ara, id-driegħ li kienet meddet biex taħdem bih, f'daqqa waħda baqa' iebes u niexef. Filwaqt li hi ippruvat tiġbdu lejha bid-driegħ l-ieħor, dan ukoll baqa' paralizzat, bl-istess kastig. Dik il-mara inħakmet mill-biża' ta' Alla, u bdiet iġġedded il-wegħda tagħha u għat-tieni darba ikkonsagrat ruħha lill-Qaddis mimli umiltà u ħniena, u għall-merti tiegħu, qalgħet li terġa' tikseb lura l-użu tal-membri kollha tagħha, li minħabba l-ingratitudni u n-nuqqas ta' qima, kienet tilfitu. [3C 98-99]

[1325] 5 Waħda mara mill-inħawi ta' Arezzo, li kienet ilha sebat ijiem għaddejja mill-perikli tal-ħlas, kienet meqjusa minn kulħadd li kienet għoddha mejta, għaliex ġisimha kien swied kollu kemm hu. Imma hi għamlet wegħda ma' l-imqaddes Franġisku, u issa li kienet f'xifer il-mewt, bdiet titlob l-għajnuna tiegħu. Wara li għamlet il-wegħda tagħha, raqdet u *fil-ħolm rat* (cfr. Ġen 28,12) lill-imqaddes Franġisku, li kien ikellimha bil-ħlewwa u kien jistaqsiha jekk kienetx qed tagħraf wiċċu u jekk kienetx taf titlob l-antifona "Sliem għalik, Sultana, Omm ħanina" f'ġieħ il-Verġni glorjuża. Il-mara wieġbet li kienet għarfitu u li kienet taf dik it-talba. U l-Qaddis qalilha: "Ibda dik l-antifona qaddisa u, qabel ma ttemmha, inti teħles bil-ferħ". Filwaqt li dik kienet titlob lil dawk "l-għajnejn tal-ħniena" u kienet issemmi l-"frott" tal-ġuf verġinali, il-mara, meħlusa minn kull dwejjaq, welldet tifel ħelu. Hekk raddet ħajr lis-"Sultana tal-ħniena" li, għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, kien għoġobha jkollha ħniena minnha. [3C 106]

VII – Dwar l-għomja li kisbu d-dawl.

[1326] 1 Fil-kunvent tal-patrijiet Minuri ta' Napli kien hemm wieħed mill-aħwa, jismu Roberto, li kien ilu bla dawl għal bosta snin. Għaliex kien ġralu li fuq għajnejh kien kibirlu l-laħam, hekk li hu ma setax iċaqlaq jew jgħolli xfar għajnejh. Jum minnhom inġabru f'dak il-

kunvent ħafna aħwa barranin, li kienu sejrin f'diversi nħawi tad-dinja. L-imqaddes missier Franġisku, mera ta' l-ubbidjenza qaddisa, donnu biex jagħmlilhom il-qalb biex jitilqu permezz ta' miraklu ġdid, ried ifejjaq lil dak ħuhom, quddiemhom stess, bil-mod li sejrin ngħidu. Dan fra Roberto kien marid għall-mewt, hekk li issa kienu irrikmandaw ruħu lil Alla; meta ara, deherlu l-Missier imqaddes flimkien ma' tliet aħwa, mudelli ta' qdusija: Sant'Antnin, fra Agostino u fra Giacomo t'Assisi[129], li issa, wara mewthom, kienu jakkumpanjawh b'kull ħerqa, bl-istess mod li kienu mxew warajh b'mod perfett matul ħajjithom. San Franġisk ħa f'idejh sikkina, u beda jaqtagħlu barra dak il-laħam żejjed, u hekk reġa' raddlu lura d-dawl u ħelsu minn ħalq il-mewt. Imbagħad qallu: "Ibni Roberto, il-grazzja għamlet minnek sinjal għall-aħwa li sejrin lejn il-ġnus fil-bogħod; hu s-sinjal li jiena dejjem nimxi quddiemhom u *mmexxi l-passi tagħhom* (cfr. S 39,3). Jalla jitilqu bil-ferħ u jwettqu mall-ewwel u bil-qalb l-ubbidjenza li rċevew!" [3C 116]

[1327] 2 F'Tebe, fir-Romania, waħda mara għamja, li fil-vġili ta' San Franġisk kienet samet ħobż u ilma, fil-jum tal-festa tiegħu, filgħodu kmieni, talbet lil żewġha jeħodha fil-knisja tal-patrijiet Minuri. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, fil-ħin ta' l-elevazzjoni tal-Ġisem ta' Kristu, il-mara fetħet għajnejha, u bdiet tara b'mod ċar, u nxteħtet f'adorazzjoni mill-aktar devota. Hekk, waqt li bdiet tadura, bdiet tgħajjat bil-qawwa: "Niżżi ħajr lil Alla u lill-Qaddis tiegħu, għaliex jiena qiegħda nara l-Ġisem ta' Kristu". In-nies kollha li kienu hemm daru meta semgħu dak *il-leħen ta' hena* (cfr. S 46,2). Wara li ntemmet iċ-ċelebrazzjoni qaddisa, dik il-mara, mimlija ferħ fl-ispirtu u bid-dawl f'għajnejha, *reġgħet lura lejn darha* (cfr. Lq 1,56). Il-mara kienet mimlija bil-ferħ mhux biss għaliex kienet kisbet id-dawl ta' għajnejha, imma wkoll għaliex kien ingħatalha li tara, qabel kull ħaġa oħra, dak is-Sagrament ta' l-għaġeb, li hu d-dawl veru u ħaj ta' l-erwieħ. U dan kollu għall-merti ta' San Franġisk u bil-qawwa tal-fidi. [3C 118]

[1328] 3 Wieħed tifel li kellu erbatax il-sena, u li kien mill-kastell ta' Pofi, fil-Campania, minħabba inċident li ġralu f'daqqa, baqa' għami għal kollox f'għajnu ix-xellugija. Minħabba l-qawwa ta' l-uġiegħ, għajnu kienet ħarġet minn postha u għal tmint ijiem baqgħet donnha mnixxfa, imdendla fuq barra fuq ħaddejh, għal tul ta' saba', minħabba li n-nervituri twalu. Billi issa ma kienx fadal xejn ħlief li jaqlgħulu għajnu barra, t-tobba kienu ikkonkludew li ma kienx hemm iżjed x'tagħmel, imma missier it-tifel dar b'ruħu kollha lejn l-imqaddes Franġisku. U dak li jgħin lill-imnikktin bla qatt ma jegħja ma baqgħax insensibbli għat-talbiet tiegħu. Għaliex bil-qawwa tiegħu ta' fejqan reġa; daħħal l-għajn imnixxfa fil-qagħda tagħha tas-soltu, bħal qabel, u bħal qabel saret sensibbli għar-raġġi tad-dawl mixtieq. [3C 119]

[1329] 4 F'dawk l-istess inħawi, f'Castro dei Volsci, waqgħet mill-għoli injama tqila ħafna, u laqtet lil wieħed qassis b'mod gravi fuq rasu, u spiċċat biex għamietu minn għajnu x-xellugija. Malli stabat ma' l-art, beda jitniehed, u jsejjaħ b'leħen għoli lil San Franġisk: "Għinni, missier mill-aktar qaddis. Agħmel li nkun nista' mmur għall-festa tiegħek, kif wegħidt li nagħmel lill-aħwa tiegħek". Dak in-nhar, fil-fatt, kienet il-vġili tal-Qaddis. Fieq b'mod mill-aktar perfett u, filwaqt li qam dak il-ħin stess, infexx f'għajjat ta' tifħir u ta' ferħ, u mela bl-istagħġib u bil-ferħ lil dawk kollha li kienu preżenti, u li kienu qiesu n-niket tiegħu. Mar għall-festa u irrakkonta lil kulħadd it-tjieba u l-qawwa mirakoluża li kien ġarrab fih innifsu. [3C 120]

---

[129] Skond 2C 127a u 218, u Bernard ta' Besse, *Liber de Laudibus*, 1, fra Giacomo t'Assisi kien dak li ra r-ruħ ta' San Franġisk tiela' lejn is-sema eżatt wara mewtu, għalkemm Celano ma jsemmihx b'ismu, imma biss il-*Liber de Laudibus*. Fra Agostino kien Ministru tal-Provinċja ta' Terra di Lavoro (Napli), li miet fl-istess ħin ta' S. Franġisk u tela' miegħu s-sema, dejjem skond 2C 218.

[1330] 5 Wieħed raġel mill-Monte Gargano, waqt li kien fid-dielja tiegħu jaqta' l-injam bil-mannara, laqat għajnu, u qasamha fi tnejn, hekk li kważi nofsha kienet imdendla 'l barra. F'qagħda hekk iddisprata ma kellux l-ebda tama fl-għajnuna tal-bnedmin; għaldaqstant wiegħed lil San Franġisk li, jekk jiġi biex jgħinu, kien isum fil-jum tal-festa tiegħu. Il-Qaddis ta' Alla mall-ewwel reġa' qiegħedlu għajnu fil-qagħda ġusta tagħha, billi għaqqad flimkien iż-żewġ nofsijiet li kienu maqsumin u reġa' raddlu b'mod ċar id-dawl ta' għajnejh. Mill-qasma li kellu ma baqa' jidher xejn. [3C 122]

[1331] 6 It-tifel ta' wieħed nobbli, li kien twieled għama, għall-merti ta' San Franġisk irċieva d-dawl ta' għajnejh li tant xtaqu, u bħala tifkira ta' dik il-ġrajja, taw l-isem ta' Illuminato. Hu baqa' rikonoxxenti għall-benefiċċju li kien irċieva, hekk li meta kiber daħal fl-Ordni ta' San Franġisk u għamel progress kbir fid-dawl tal-grazzja u tal-virtù, u hekk wera li hu kien *bin id-dawl veru* (cfr. Ġw 1,9; Ef 5,8). Fl-aħħarnett, għall-merti ta' San Franġisk, kif beda ħajtu bil-qdusija hekk temmha b'mewta qaddisa. [3C 123]

[1332] 7 F'Zancato, li hu kastell qrib Anagni, wieħed kavallier jismu Gerardo kien tilef id-dawl għal kollox. Ġara li żewġ patrijiet Minuri, li kienu ġejjin minn pajjiżi barranin, marru fid-dar tiegħu biex jitolbuh jilqagħhom għandu. Hu laqagħhom bid-devozzjoni u għall-imħabba ta' San Franġisk ġew trattati b'kull tjieba mill-familja kollha. Imbagħad, wara li raddew ħajr lil Alla u lil dak li laqagħhom għandu, setgħu jaslu fil-post ta' l-aħwa li kien fil-qrib. Imma lejl minnhom, l-imqaddes Franġisku *deher fil-ħolm* lil wieħed minn dawk l-aħwa u qallu: "*Qum malajr* (cfr. Mt 2,16) u mur ħaffef int u sieħbek fid-dar ta' dak li laqagħkom għandu. Għaliex hu, meta laqa' lilkom, laqa' lil Kristu u lili, u jiena rrid inroddlu lura t-tjieba li wera lejkom. Kun afu li hu kien sar għama b'kastig tad-dnubiet tiegħu, li lanqas biss kien ħabbel rasu li jissaffa minnhom bil-qrar u bil-penitenza". Malli l-Missier għab, dak qam u mar iħaffef ma' sieħbu biex iwettaq l-inkarigu li kien irċieva. Meta waslu fid-dar ta' dak li laqagħhom għandu, irrakkontawlu flimkien ħaġa wara l-oħra dak li wieħed minnhom kien ra. Dak ir-raġel baqa' mistagħġeb ħafna, u filwaqt li iddikjara li dak kollu li qalulu kien veru, bil-qalb kollha għamel il-qrara tiegħu u wiegħed li jbiddel ħajtu. U hekk minn ġewwa sar bniedem ġdid, u minn barra kiseb ukoll id-dawl ta' għajnejh. Il-fama ta' dan il-miraklu tferrxet ma' dawk l-inħawi kollha u qanqlet bosta mhux biss biex iqimu l-Qaddis, imma wkoll biex jistqarru bl-umiltà dnubiethom u jħaddmu l-ospitalità. [3C 117]

[1333] 7a *Żjieda li saret wara*[130]. – F'Assisi kien hemm raġel li qalgħu kalunnja fuqu u akkużawh b'serq, u għaldaqstant għamewh bl-ordni kiefer tal-ġustizzja ċivili. Kien l-imħallef Ottaviano li ħareġ is-sentenza li kellhom jaqalgħu għajnejn l-akkużat u kien il-kavallier Ottone li ra li s-sentenza titwettaq mill-uffiċjali pubbliċi. Miġjub f'din il-qagħda tal-biki, bil-ħofor ta' għajnejh vojta, għaliex kienu qatgħulu barra bis-sikkina wkoll in-nervituri ottiċi, l-akkużat talabhom jeħduh fl-altar ta' l-imqaddes Franġisku u hemmhekk, filwaqt li beda jistqarr li hu kien innoċenti mid-delitt li akkużawh bih, talab lill-Qaddis iħenn għalih. U hekk, għall-merti ta' San Franġisk, wara tlitt ijiem reġgħu ingħatawlu għajnejn ġodda: kienu iżgħar minn dawk li kienu neħħewlu, imma kienu tajbin daqshom biex hu jara tajjeb. Dan il-miraklu ta' l-għaġeb ta xhieda tiegħu, taħt ġurament, il-kavallier Ottone, li semmejna aktar 'il fuq, fil-preżenza tas-sinjur

---

[130] Din iż-żjieda wkoll, bħal dik ta' LM III,9a, inkitbet bl-ordni tal-Ministru Ġeneral fra Girolamo da Ascoli Piceno, li mbagħad sar il-Papa Nicolò IV. Dwar dan il-miraklu kiteb ukoll ittra lill-aħwa ta' Assisi. Cfr. *Analecta Franciscana* III, 358, nota 1, fil-*Chronica XXIV Generalium*.

Giacomo, abati ta' San Clemente, bl-ordni tas-sinjur Giacomo, isqof ta' Tivoli, li kien ġiet maħtur biex jitkixxef fuq dan l-istess miraklu. Il-miraklu ta xhieda għalih ukoll fra Guglielmo Romano, li lilu fra Gerolamo, ministru ġeneral ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, ordnalu b'ubbidjenza u taħt piena ta' skomunika, li jgħid bil-verità dak kollu li hu kien jaf dwar il-fatt. Hekk marbut minn ħalfa hekk solenni, quddiem il-preżenza ta' ħafna ministri provinċjali u ta' aħwa oħrajn magħrufin ħafna, hu afferma dan li ġej. Xi żmien qabel, meta kien għadu sekular, kien jaf ir-raġel l-imsemmi u kien intebaħ li kellu għajnejh. Imbagħad kien ħa sehem fl-operazzjoni ta' meta għamewh, li fiha dak ir-raġel kienu qalgħulu għajnejh; mhux biss, imma talli hu nnifsu, bil-kurżità, kien qaleb bil-bastun tiegħu l-għajnejn, li kienu waddbuhom ma' l-art. Wara dan kien ra lil dak l-istess raġelli kellu għajnejn ġodda, li kien akkwistahom bħala don mill-providenza divina, u li bihom kien jara ċar ħafna.

VIII – Dwar dawk li ġew meħlusin minn ħafna xorta ta' mard.

[1334] 1 F'Città della Pieve kien hemm żagħżugħ tallâb, li kien trux u mutu *minn twelidu* (cfr. Ġw 9,1). Kellu ilsienu hekk qasir u irqiq, li kien donnu mqaċċat mill-għeruq, kif ħafna persuni setgħu jaraw bosta drabi. Wieħed raġel jismu Marco kien jilqgħu f'daru għall-imħabba ta' Alla, u dak iż-żagħżugħ, billi kien jaf li jixtieqlu l-ġid, ħa d-drawwa li jmur joqgħod għandu. Lejla minnhom, Marco, waqt l-ikel, qal lil martu fil-preżenza ta' dak iż-żagħżugħ: "Jekk l-imqaddes Franġisku jerġa' jagħti lil dan iż-żagħżugħ is-smiegħ u l-kelma, dan tassew ikun miraklu kbir". Imbagħad żied jgħid: "*Nagħmel wegħda* (cfr. S 131,2) lil Alla li, jekk San Franġisk jogħġbu jwettaq dan il-miraklu, jiena nżomm lil dan iż-żagħżugħ għandi bi spejjeż tiegħi għall-kumplament ta' ħajtu". Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! F'dak il-ħin stess ilsien dak iż-żagħżugħ kiber u hu *beda jitkellem, u jgħid* (cfr. Ġen 8,15): "Glorja lil Alla u lil San Franġisk, li għoġbu jagħtini l-kelma u s-smiegħ!" [1C 147-148; 3C 125]

[1335] 2 Fra Giacomo da Iseo[131], minn mindu kien tifel u kien jgħix fil-familja tiegħu, kien ibati minn għamla gravi ħafna ta' ftuq. Bl-ispirazzjoni divina, għalkemm kien żagħżugħ u marid, ikkonsagra lilu nnifsu lil Alla billi daħal fl-Ordni ta' San Franġisk, imma ma wera lil ħadd il-marda li kien maħkum biha. Meta l-ġisem ta' San Franġisk kien qiegħed jinġarr fil-post fejn illum jistrieħ dak it-teżor qaddis, flimkien mal-fdalijiet tal-ġisem tiegħu, fra Giacomo wkoll kien preżenti u seta' jieħu sehem fil-ferħ komuni u jagħti l-ġieħ mistħoqq lill-ġisem l-aktar qaddis tal-Missier, li issa kien tela' fil-glorja tas-sema. Meta l-għadam qaddis kien imqiegħed fl-arka, hu resaq lejn dak il-qabar qaddis u, filwaqt li ħaddnu b'ħerqa kbira ta' l-ispirtu, f'daqqa waħda intebaħ li l-ftuq li kellu kien fieqlu b'miraklu, u li hu kien ġie mfejjaq għal kollox. Hekk neħħa ċ-ċintorin u minn dak il-ħin baqa' ħieles minn kull tbatija li kellu fl-imgħoddi. Minn din l-istess marda, għat-tjieba ta' Alla u l-merti ta' San Franġisk, ġew meħlusin b'mod mirakoluż fra Bartolomeo da Gubbio; fra Angelo da Todi; Nicola, qassis minn Ceccano; Giovanni da Sora, wieħed raġel li kien joqgħod Pisa u ieħor

[131] Fra Giacomo da Iseo (provinċja ta' Brescia, fuq l-għadira ta' Sebino, jew ta' Iseo), jiġi mfakkar minn Salimbene da Parma fil-*Cronaca* tiegħu bħala viżitatur tas-sorijiet, ministru f'diversi provinċji, sieħeb fra Giovanni da Parma fil-missjoni għand l-imperatur Grieg Vattazio. L-istess Salimbene jirrakkonta fil-qosor dan il-miraklu, u jagħtina d-data preċiża li fiha seħħ: il-25 ta' Mejju 1230, il-jum li fih saret it-translazzjoni tal-ġisem ta' S. Franġisk mill-knisja ta' S. Giorgio għall-bażilika l-ġdida mibnija ad unur tiegħu. F'dawk l-istess ġranet kien qiegħed jiġi iċċelebrat il-Kapitlu Generali ta' l-Ordni.

li kien joqgħod fil-kastell ta' Cisterna; kif ukoll Pietro minn Sqallija, wieħed raġel joqgħod Spello, qrib Assisi, u bosta oħrajn. [3C 109]

[1336] 3 F'Maremma, fil-Lazio, waħda mara, li kienet tilfet ir-raġuni ħames snin qabel, kienet saret ukoll għamja u truxa. Kienet tqatta' ħwejjiġha bi snienha, kienet tinxteħet fin-nar u fl-ilma. Biex timla l-qagħda msejkna tagħha, bdiet ukoll taqa' għal kull ħaġa ta' xejn. Imma Alla fil-ħniena tiegħu iddeċieda li jiġi sabiex jgħinnha. Lejl minnhom, imdawwla minn Alla bid-dija ta' dak id-dawl li jsalva, hi *rat* lill-imqaddes Franġisku, li *kien bilqiegħda fuq tron mill-aktar għoli* (cfr. Is 6,1). Inxteħtet quddiemu, u bdiet titolbu bl-umiltà biex ifejjaqha; imma hu ma riedx jilqa' mall-ewwel it-talbiet tagħha. Dik il-mara, mela, għamlet wegħda li qatt ma tiċħad, sakemm iddum ħajja, li tagħti karità lil dawk li jitolbuhielha għall-imħabba ta' Alla u tal-Qaddis. Il-Qaddis mall-ewwel laqa' dak il-patt. Hu li, żmien qabel, kien għamel l-istess patt mal-Mulej, berikha bis-sinjal tas-salib, u reġa' taha saħħitha lura b'mod perfett. Franġisku, il-qaddis ta' Alla, ħeles mill-istess marda, għat-tjieba tiegħu, waħda tifla minn Norcia, lil iben ta' wieħed nobbli u xi oħrajn, kif jidher minn għejjun ta' min joqgħod fuqhom. [3C 152]

[1337] 4 Pietro minn Foligno darba minnhom mar pellegrinaġġ fis-santwarju ta' San Mikiel, imma ma ġabx ruħu b'devozzjoni xierqa. Għaldaqstant, waqt li kien qiegħed jixrob minn għajn, daħal fih ix-xitan. Dam possedut għal tliet snin u, matul dak iż-żmien, kien jagħmel ħafna vjolenza fuqu nnifsu, kif ukoll kien jgħix kliem mill-agħar u jwettaq għemejjel mill-aktar faħxija. F'wieħed mill-mumenti rari li fihom kien ikollu moħħu ċar, ried imur fil-qabar tal-missier tal-ħniena Franġisku, biex bl-umiltà kollha jitlob il-qawwa tiegħu, għaliex kien sema' li hu għandu ħila kbira biex ikeċċi l-qawwiet tax-xjaten. Malli medd idu biex imiss il-qabar, ġie meħlus b'mod mirakoluż mix-xjaten, li kienu jħabbtuh b'mod hekk kiefer. Bl-istess mod, Franġisku, fit-tjieba tiegħu, ġie biex jgħin ukoll lil wieħed joqgħod Narni, li kien maħkum minn xitan, kif ukoll lil bosta oħrajn. Imma nieħdu wisq fit-tul kieku kellna nirrakkontaw fid-dettall kif dawn kienu maħkumin b'modi diversi mix-xitan, u kif huma ġew meħlusin. [1C 137; 3C 150]

[1338] 5 Wieħed raġel minn Fano, li kien jismu Buonuomo, kien paralitiku u lebbruż. Il-ġenituri tiegħu ħaduh fil-knisja ta' l-imqaddes Franġisku, u hemmhekk qala' l-fejqan miż-żewġ mardiet li kellu. Imma wkoll wieħed żagħżugħ minn San Severino, li kien jismu Atto, u li kellu ġismu kollu miksi bil-lebbra, ġie meħlus għall-merti tal-Qaddis, wara li kien għamel wegħda u kien żar il-qabar tiegħu. Hi ħaġa ċerta li l-Qaddis kellu qawwa ta' l-għaġeb li jfejjaq mil-lebbra, għaliex, matul il-ħajja tiegħu kien ingħata, bl-umiltà u t-tjieba, għall-qadi tal-lebbrużi. [1C 146; 3C 147]

[1339] 6 Fid-djoċesi ta' Sora, kien hemm mara nobbli li kien jisimha Rogata, li għal tlieta u għoxrin sena kienet tbati bit-tnixxija tad-demm. Inżidu ngħidu li kienet marret għand diversi tobba, imma dan kollu swielha biss tbatija bla tarf. Ta' spiss, billi l-marda kienet tiħrax, kienet tidher li waslet fi tmiem ħajjitha. Jekk, imbagħad, kien jirnexxielha twaqqaf l-emorraġija, kien jintefħilha ġisimha kollu. Ġara li hi semgħet wieħed tifel li kien qiegħed jgħanni bl-ilsien tal-poplu Ruman[132] l-istorja tal-mirakli li Alla kien wettaq permezz ta' San Franġisk, u allura, filwaqt li nfaqgħet tibki bit-tqanqil u n-niket tagħha, bdiet tgħid hekk: "O mqaddes missier Franġisku, li

---

[132] *Romano sermone canentem miracula*. Forsi xi kantant popolari (*giullare*) li kien ikanta bil-Latin, fuq melodija magħrufa, l-għemejjel sbieħ ta' San Franġisk, u li forsi kien silet il-kliem u l-melodija mill-*Officium Rhythmicum* ta' Julian minn Speyer jew mil-*Legenda Versificata* ta' Henri D'Avranches.

tiddi għal tant mirakli, jekk inti jogħġbok teħlisni minn din il-marda, ikollok glorja kbira ħafna, għaliex sa issa inti qatt ma wettaqt miraklu hekk kbir". Imma għaliex tant kliem? Kienet lanqas għadha spiċċat li titkellem, meta ħassitha mfejjqa, għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku. San Franġisk, imbagħad, fejjqilha wkoll lil binha Mario, li kellu driegħ imnixxef, wara li hi kienet għamlet wegħda għall-ġieħ tal-qaddis. Waħda mara minn Sqallija wkoll, li kienet ilha seba' snin tbati bit-tnixxija tad-demm, ġiet imfejjqa mill-qaddis li jżomm l-istendard ta' Kristu. [3C 148-149]

[1340] 8 Fil-belt ta' Ruma, waħda mara jisimha Prassede, li kienet magħrufa għar-reliġjożità tagħha, kienet ilha kważi erbgħin sena magħluqa ġewwa f'ċella ċkejkna, li fiha ingħalqet sa minn mindu kienet għadha żgħira, għall-imħabba ta' l-Għarus etern. Għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, Prassede stħaqqilha grazzja unika. Jum minnhom kienet telgħet fuq il-bejt tal-kmajra tagħha biex tieħu xi ħaġa li kienet teħtieġ. Imma inħakmet minn ħass ħażin, waqgħet, u kisret riġlejha u saqajha u qalgħet spalla minn postha. Dehrilha għalhekk il-Missier l-aktar twajjeb, li kien imlibbes b'*ilbies* abjad *tal-glorja* (cfr. Is 52,1), u beda jkellimha bi ħlewwa kbira u jgħidilha: "Qum, *binti imbierka, qum, u la tibżax*!" (cfr. Rut 3,10; Lq 6,8; 1,30). Hu qabadha minn idha u qajjimha, u mbagħad għab minn quddiemha. Hi *bdiet taħseb li kienet qed tara fantażma* (cfr. Atti 12,9), u bdiet iddur 'l hawn u 'l hinn mal-kmajra tagħha; sakemm semgħu l-għajjat tagħha, u ġabulha d-dawl, u fehmet li hi kienet ġiet imfejjqa b'mod perfett bl-interċessjoni tal-qaddej ta' Alla Franġisku, u irrakkontat dak li ġralha, *kollox ħaġa, ħaġa* (cfr. Est 15,9). [3C 181]

IX – Dwar dawk li ma riedux iħarsu l-festa u lanqas ma jagħtu ġieħ lill-Qaddis.

[1341] 1 Fl-inħawi ta' Poitiers, f'raħal jismu Le Simon, wieħed qassis li kien jismu Reginaldo kien ordna lin-nies tal-parroċċa tiegħu biex jiċċelebraw bis-solennità l-festa ta' San Franġisk, li lejh kellu ħafna devozzjoni. Wieħed raġel mill-poplu, li ma kienx jagħraf il-qawwa tal-Qaddis, ma tax kas tal-kmand tal-kappillan tiegħu. *Ħareġ barra* (cfr. Lq 22,62) fil-għalqa biex jaqta' l-injam, imma waqt li kien qiegħed iħejji ruħu biex jibda l-ħidma tiegħu, għal tliet darbiet *sema' leħen jgħidlu* (cfr. Atti 9,4): "Illum festa: ma jiswiex li taħdem". Dak il-qaddej li ma kienx jibża', u li ma kienx ta widen għall-kmand tal-qassis, lanqas ma ħalla lilu nnifsu jiġi impressjonat mil-leħen ġej mis-sema. Imma l-qawwa ta' Alla, għall-glorja tal-Qaddis tiegħu, indaħlet dak il-ħin stess permezz ta' miraklu, li kien ukoll kastig. Dak il-bidwi kien diġà qiegħed iżomm f'id waħda l-bastun forma ta' furketta, filwaqt li bl-id l-oħra kien qed jgħolli x-xafra tal-ħadid biex jibda l-ħidma, meta b'intervent divin, ara li kull waħda minn idejh baqgħet imwaħħla ma' l-għodda li kien qed iżomm u s-swaba ibbiesu b'tali mod li ma setax jaqlagħhom minn ma' l-għodod. Miblugħ, u ma jafx x'jaqbad jagħmel, mar jiġri fil-knisja, filwaqt li bosta kienu jiġru minn kullimkien biex jaraw dan il-miraklu. B'qalbu sogħbiena niżel għarkubbtejh quddiem l-altar: imbagħad, fuq suġġeriment ta' wieħed mill-ħafna saċerdoti li kienu ġew mistiedna hemmhekk għall-festa, bl-umiltà kollha *għamel wegħda* (cfr. 1Sam 1,11) ma' San Franġisk permezz ta' tliet wegħdiet, għax kien sema' għal tliet darbiet il-leħen ġej mis-sema, jiġifieri li jiċċelebra bil-ġieħ kollu l-festa tiegħu; li jiġi, fil-jum tal-festa, f'dik il-knisja li fiha kien jinsab u li jmur pellegrinaġġ lejn il-qabar tal-Qaddis. Miraklu tassew ta' l-għaġeb biex nirrakkontawh! Malli lissen l-ewwel wegħda inħallu l-ewwel wieħed fost is-swaba; malli lissen it-tieni wegħda inħall it-tieni wieħed, imma, malli tenna t-tielet wegħda, mhux biss it-tielet wieħed fost is-swaba nħall, imma idu kollha. L-istess ħaġa mbagħad ġrat wara, għal idu l-oħra. Sadanittant in-nies, li issa kienu ġrew f'għadd kbir, bdew jitolbu b'ħafna devozzjoni l-ħniena tal-Qaddis. Dak ir-raġel, li kien reġa' kiseb l-użu

ta' idejh, ħalla hemmhekk l-għodod tiegħu, filwaqt li l-folla tal-preżenti *bdiet tfaħħar lil Alla* (cfr. Lq 2,13) għall-qawwa ta' l-għaġeb tal-Qaddis, li kien jista' jolqot u jfejjaq b'mod hekk ta' l-għaġeb. Bħala tifkira tal-ġrajja, fuq dak il-post ġie mibni altar f'ġieħ San Franġisk u quddiem l-altar dendlu dawk il-għodod famużi, li wieħed għadu jista' jarahom sallum. Bosta mirakli oħrajn seħħu hemmhekk u fl-inħawi ta' madwar, donnhom biex juru li l-Qaddis isaltan glorjuż fis-sema u li hawnhekk fl-art wieħed għandu jiċċelebra bil-ġieħ li jixirqilha l-festa tiegħu[133].

[1342] 2 Fil-belt ta' Le Mans, waħda mara, li fil-jum tas-solennità ta' San Franġisk, kienet bdiet taħdem billi *meddet idejha għall-magħżel u subgħajha għad-dussies* (cfr. Prov 31,19), ħasset idejha jibbiesu u ħruq kbir fis-swaba. Dak il-kastig kien għaliha bħal tagħlima. Hi għarfet il-qawwa tal-Qaddis u, kollha niedma, marret tiġri għand l-aħwa. Sadanittant l-ulied devoti tagħha bdew jitolbu bil-ħniena t-tjieba tal-missier imqaddes, u dik il-mara ġiet imfejjqa. Fuq idejha ma baqgħet tidher l-ebda marka, ħlief xi sinjal żgħir ta' ħruq, biex bħallikieku tiftakar f'dak li kien ġralha. Bl-istess mod tliet nisa oħrajn, waħda fil-Campania Felice, waħda f'Valladolid u oħra fil-kastell ta' Piglio, li, minħabba r-ras iebsa tagħhom ma riedux jiċċelebraw il-festa tal-Qaddis, ġew ikkastigati; imma mbagħad, meta nidmu, b'mod aktar ta' l-għaġeb ġew meħlusin bl-interċessjoni tal-Qaddis. [3C 100-101]

[1343] 3 Wieħed kavallier minn Borgo, fil-provinċja ta' Massa, kien iwaqqa' għaż-żufjett b'wiċċ mill-aktar tost il-ħidmiet u l-mirakli ta' l-imqaddes Franġisku. Kien jinsulenta u jgħajjar lill-pellegrini li kienu jmorru biex iqimu l-qabar tiegħu u, fil-korla u l-bluha tiegħu, kien iħebb għall-patrijiet quddiem kulħadd. Darba minnhom dak il-midneb ta' ras iebsa, biex jikkuntesta l-glorja tal-Qaddis ta' Alla, lissen din id-dagħwa mill-aktar kerha: "Jekk dan Franġisku hu tassew qaddis, mela ħalli mmut illum stess b'daqqa ta' xabla; imma jekk mhux qaddis, mela ħalli ma jiġrili xejn". Imma *l-għadab ta' Alla ma damx* (cfr. S 77,21.31) ma laqat b'kastig ġust lil dak li issa *kien biddel it-talba tiegħu fi ħtija* (cfr. S 108,7). Ġara li, ftit tal-ħin wara, in-neputi tiegħu, li ħassu li ġie offiż minn dak li beda jidgħi, ħareġ ix-xabla u niffidhielu f'żaqqu. F'dak l-istess jum dak il-bniedem misħut miet u inħakem mill-infern, u sar *iben id-dlamijiet* (cfr. 1Tes 5,5), sabiex kulħadd jitgħallem li ma għandux joffendi bid-dagħa l-mirakli ta' l-għaġeb ta' Franġisku, imma li għandu jiċċelebrahom bit-tifħir xieraq. [3C 129]

[1344] 4 Wieħed imħallef jismu Alessandro, waqt li kien mehdi juża l-ilsien tiegħu mimli velenu, biex ifixkel bil-ħila kollha tiegħu lil dawk li kellhom qima lejn l-imqaddes Franġisku, bil-ħaqq divin tilef l-użu tal-kelma għal sitt snin. Billi ra li l-ħaqq divin kien laqtu f'ilsienu, *li bih kien dineb* (cfr. Għerf 11,17), hu beda jħoss indiema kbira u niket talli kien ħadha hekk bil-qawwa kontra l-mirakli tal-Qaddis. Għaldaqstant il-Qaddis mimli ħniena, ikkalma mill-korla tiegħu u reġa' wera t-tjieba tiegħu ma' dak l-imsejken li nidem, u li kien jitolbu bl-umiltà, u reġa' raddlu l-użu tal-kelma. Minn dak in-nhar dak l-imħallef, li kien ġie mgħallem u sar devot minħabba l-kastig li sofra, ikkonsagra lsienu, mhux aktar biex iwaqqa' għaż-żufjett lill-Qaddis, imma biex jiċċelebra l-glorja tiegħu. [3C 128]

---

133 Dan il-miraklu ma jidhirx fil-kitbiet ta' Celano. X'aktarx li Bonventura sar jaf bih meta kien Pariġi, jew waqt xi viżta li kien jagħmel fil-kunventi ta' Franza meta kien Ministru Ġeneral ta' l-Ordni.

X – Mirakli oħrajn ta’ diversi xorta.

[1345] 1 Fil-kastell ta’ Gagliano Aterno, fid-djoċesi ta’ Sulmona, kienet tgħix waħda mara jisimha Maria, li kienet qaddejja fidila u devota ta’ Ġesù Kristu u ta’ San Franġisk. Jum minnhom fis-sajf ħarġet biex b’idejha stess tiġbor dak li kien meħtieġ għall-għajxien tagħha. Imma dik il-mara ħassha ħażin minħabba s-sħana qawwija u l-għatx kbir li qabadha. Waħedha, fuq muntanja niexfa u mingħajr l-ebda qatra ta’ ilma, inxteħtet għal tulha fl-art bla saħħa, u bdiet titlob bil-qima kollha u bil-ħniena, fil-qalb tagħha, lill-protettur tagħha San Franġisk. Kompliet it-talba tagħha umli u mqanqla, sakemm mifluġa kważi għall-aħħar bit-taħbit, bil-għatx u bis-sħana, tħeddlet xi ftit. U ara ġie San Franġisk isejħilha b’isimha u jgħidilha: “Qum u mur ixrob l-ilma li l-ġenerożità ta’ Alla għoġobha tagħti lilek u lil bosta oħrajn”. Meta semgħet dak il-leħen, il-mara qamet mill-ħedla tagħha, mimlija faraġ; u ħakmet f’idejha felċi li kienet tikber hemm fil-qrib, u qalgħetha mill-għeruq; imbagħad, bdiet tħaffer madwarha b’bastun, u sabet l-ilma ħaj: fil-bidu dan kien biss nixxiegħa *żgħira*, imma mbagħad, bil-qawwa divina, *kiber u sar għajn* (cfr. Est 10,6). Dik il-mara, mela, xorbot sa ma xebgħet; imbagħad ħaslet għajnejha u ħasset li kienet kisbet qawwa ġdida biex tara aħjar, filwaqt li qabel għajnejha kellhom donnhom żlieġa minħabba marda twila li kienet tbati biha. Dik il-mara ħaffet lejn id-dar, u irrakkontat lil kulħadd il-miraklu ta’ l-għaġeb li seħħ, għall-glorja ta’ San Franġisk. Meta semgħu b’dan il-miraklu, ħafna nies bdew jiġru minn kull naħa u saru jafu b’esperjenza diretta il-qawwa mirakoluża ta’ l-ilma, għaliex bosta minnhom bdew jinħaslu fih, wara li stqarrew dnubiethom, u hekk ġew imfejjqin minn kull xorta ta’ mard. Dik il-għajn safja għadha teżisti sallum u maġenbha inbena oratorju f’ġieħ San Franġisk. [3C 16]

[1346] 2 Fi Spagna, f’Sahagún, San Franġisk, b’mod mirakoluż u kontra kull tama, reġa’ ta l-ħajja lil siġra taċ-ċirasa li kienet nixfet, u raddilha l-weraq u l-frott. Ħeles ukoll, bl-intervent mirakoluż tiegħu, il-kampanja ta’ Villasilos mill-flaġell tad-dud, li kienu jieklu d-dwieli ta’ madwar. Wieħed qassis minn Palencia, li ta’ kull sena kellu l-maħżen tal-qamħ li kien jimtela bid-dud li jiekol il-qamħ, talab bil-fidi lill-Qaddis, u l-Qaddis naddaflu l-maħżen tiegħu minnhom. Wieħed sinjur ta’ Petramala, fis-saltna tal-Puglie, irrikmanda ruħu bl-umiltà lill-Qaddis, u qala’ li l-għalqa tiegħu teħles mill-flaġell tal-biża’ tal-ġrad, li kien *jiekol kull ma jsib f’dawk l-inħawi* (cfr. Ġer 21,14). [3C 189.190-192]

[1347] 3 Wieħed raġel jismu Martino kien ħa l-barrin tiegħu biex jirgħu ‘il bogħod mill-kastell li fih kien jgħix. Wieħed mill-barrin waqa’ u kiser siequ b’mod hekk mill-agħar, li ma kien hemm xejn x’wieħed jista’ jagħmel. Martino iddeċieda li joqtlu; imma billi ma kellux l-għodod meħtieġa u billi kellu jmur lura d-dar biex iġibhom, ħalla f’idejn San Franġisk il-ħarsien tal-barri, mimli fiduċja li l-Qaddis kien se jħarsu milli jattakkawh l-ilpup sa ma hu jerġa’ lura. Reġa’ lura l-għada filgħodu, kmieni ħafna, fil-bosk fejn kien ħalla l-barri, bl-għodda biex joqtol il-barri, imma sabu li kien qiegħed jirgħa, u li kien hekk f’saħħtu li lanqas seta’ jagħraf liema kienet is-sieq li kien kiser. Martino radd ħajr *lir-ragħaj it-tajjeb* (cfr. Ġw 10,11), li *ħa ħsieb* (cfr. Lq 10,35) b’tant reqqa tal-barri tiegħu, u li kien fejjqu. Il-Qaddis umli jħobb jgħin lil *dawk kollha li jsejħulu* (cfr. S 85,5; 144,18) u ma jistmerrx li joħroġ jiltaqa’ mal-bnedmin fil-ħtiġijiet tagħhom, żgħar kemm ikunu żgħar. Għaliex lil wieħed raġel minn Amiterno għenu biex isib il-ħmar tat-tagħbija li kienu serquhulu. Lil waħda mara minn Antodoco sewwielha b’mod perfett il-friskatur ġdid li waqalha u tfarrak f’elf biċċa. Lil wieħed bidwi minn Montolmo, fil-Marche, sewwielu l-moħriet, li kien inkisirlu u ma setax aktar jużah. [3C 183.184-186]

[1348] 4 Fid-djoċesi ta' Sabina kien hemm mara anzjana li kellha 'l fuq minn tmenin sena, li bintha mietet, u ħallitilha tarbija li kienet għadha terda' l-ħalib. Dik ix-xwejħa kienet mimlija bil-miżerja, imma vojta mill-ħalib, u ma kien hemm l-ebda mara oħra li setgħet tagħti lil dik it-tarbija mġewwħa l-ħalib li kienet teħtieġ, hekk li dik l-anzjana ma kienetx taf għand min tmur għall-għajnuna. Sadanittant it-tarbija kienet tiddgħajjef. Ix-xwejħa, għalhekk, nieqsa minn kull għajnuna tal-bnedmin, fost xita ta' dmugħ, daret b'qalbha kollha lejn il-missier imqaddes Franġisku, u talbitu l-għajnuna tiegħu. Il-Qaddis, li jħobb l-età ta' l-innoċenti, mall-ewwel ġie għandha u qalilha: "Jiena San Franġisk li inti, ja mara, sejjaħtli b'tant dmugħ. Ressaq sidrek lejn xofftejn it-tfajjel, għaliex il-Mulej se jagħtik ħalib bl-abbundanza". Dik ix-xwejħa wettqet l-ordni tal-Qaddis u mall-ewwel is-sider ta' dik il-mara ta' tmenin sena beda jrodd il-ħalib bil-kotra. Il-fama ta' dan id-don ta' l-għaġeb tal-Qaddis xterrdet ma' kullimkien, għaliex bosta, irġiel u nisa, kienu ġew jiġru biex jaraw. U billi l-ilsien ma jistax jiċħad dak li jaraw l-għajnejn, kulħadd kien iħossu mħeġġeġ biex ifaħħar lil Alla għall-qawwa ta' l-għaġeb u għall-ħniena mimlija mħabba tal-Qaddis tiegħu. [3C 182]

[1349] 5 Fi Scoppito, wieħed raġel u martu kellhom tifel uniku, li kien twieled b'dirgħajh imwaħħlin ma' għonqu, irkubbtejh magħqudin ma' sidru u riġlejh magħqudin mal-warrani, hekk li ma kienx donnu iben ta' bnedmin, imma mostru. Minn hawn kien jiġi n-niket ta' kuljum tagħhom għal dak il-wild hekk umiljanti. Il-mara kienet dik li kienet l-aktar issofri. Ta' spiss hi kienet iddur lejn Kristu b'għajjat u tnewwieħ, filwaqt li kienet titolbu li jogħġbu jiġi jilqagħha f'dak in-niket u l-mistħija tagħha, għall-interċessjoni ta' San Franġisk. Lejl minnhom, waqt li kienet maħkuma minn dan in-niket, u intelqet f'raqda ta' dwejjaq, deherilha San Franġisk, li farraġha b'ħafna kliem ta' ħlewwa u fuq kollox ħeġġiġha biex tieħu lil binha f'post fil-qrib iddedikat lilu, biex troxxu *f'isem il-Mulej* (cfr. S 19,8) bl-ilma tal-bir li kellha ssib hemmhekk: hekk binha kellu jsir f'saħħtu għal kollox. Dik il-mara, iżda, ma riedetx twettaq l-ordni tal-Qaddis, li reġa' tennihielha meta dehrilha għat-tieni darba. Fl-aħħarnett, dehrilha għat-tielet darba, u wassalha flimkien ma' binha sal-bieb tal-post li kien indikalha, billi mexa quddiemha u urieha minn fejn tgħaddi. Billi rat li hemmhekk kienu waslu xi nisa nobbli, li kienu ġew għad-devozzjoni tagħhom biex iżuru dak il-post, il-mara irrakkontatilhom dik id-dehra bir-reqqa. Dawk, mela, marru magħha biex jippreżentaw lit-tifel lill-patrijiet. Imbagħad l-aktar waħda nobbli fosthom tellgħet l-ilma mill-bir u bdiet taħsel it-tifel b'idejha stess. U dak il-ħin stess il-membri kollha ta' ġisem it-tifel reġgħu kisbu qagħda normali u t-tifel sar b'saħħtu. Il-kobor ta' dan il-miraklu qanqal l-istagħġib ta' kulħadd. [3C158]

[1350] 5a *Żjieda li saret wara*[134]. F'Susa, wieħed żagħżugħ minn Rivarolo Canavese, jismu Ubertino, kien daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Meta kien fin-novizzjat, minħabba qatgħa kbira li kien ħa, iġġennen, u ġie milqut minn paralisi mill-aktar kiefra fin-naħa tal-lemin ta' ġismu, hekk li tilef il-kapaċità li jiċċaqlaq u jħoss, kif ukoll li jisma' u jitkellem. L-aħwa kienu imnikktin u mimlijin mistħija, meta kienu jarawh mixħut fis-sodda f'dik il-qagħda li ġġiblek ħniena għal bosta ġranet. Sadanittant kienet riesqa s-solennità ta' San Franġisk. Fil-vġili, hu kellu mument li fih moħħu iċċara, u hekk kif seta', beda jitlob, bi kliem li ma jiftiehemx, imma b'fidi ħajja, lill-missier tal-ħniena. Fis-siegħa tal-matutin, waqt li l-aħwa l-oħrajn kollha kienu fil-kor, mehdijin fit-tifħir divin, ara l-missier imqaddes deher lin-novizz fl-infermerija, liebes it-tonka ta' l-aħwa, u *dawwal b'dija ta' dawl qawwi dik il-kamra kollha* (cfr. Atti 12,7). U, filwaqt li *firex idejh* fuq in-naħa tal-

[134] Din iż-żjieda, bħal dawk f'III,9a u VII,7a, saret fuq ordni ta' fra Girolamo da Ascoli Piceno, Ministru Ġeneral wara S. Bonaventura.

lemin tan-novizz, beda jmexxieha bil-ħlewwa minn rasu sa riġlejh, *u qiegħdlu subgħajh f'widnejh* (cfr. Mk 7,33), filwaqt li stampalu marka partikulari fuq l-ispalla tal-lemin, u qallu: "Dan se jkun għalik is-sinjal li Alla, billi inqeda bija, li inti ridt timitani meta dħalt fir-Reliġjon, issa tak is-saħħa tiegħek b'mod perfett għal kollox". Imbagħad, libbsu l-kurdun, għax billi kien fis-sodda n-novizz ma kienx libsu, u qallu: "Qum u mur fil-knisja biex tiċċelebra bil-qima, flimkien ma' l-oħrajn, it-tifħir ta' Alla kif jixraq". Malli temm jgħid dawn il-kelmiet, dak iż-żagħżugħ fittex li jmissu b'idejh u li jbuslu riġlejh, b'sinjal ta' radd il-ħajr, imma l-missier imqaddes għab minn quddiem għajnejh. Iż-żagħżugħ reġa' kiseb saħħtu, moħħu iċċara, beda jħoss u jitkellem, u hekk daħal fil-knisja, fost l-istagħġib ta' l-aħwa u tas-sekulari, li kienu preżenti għal dik iċ-ċelebrazzjoni, u li kienu raw liż-żagħżugħ meta kien paralitiku u bla raġuni. Hu ħa sehem fit-tifħir u mbagħad beda jirrakkonta ħaġa wara l-oħra l-miraklu, u hekk ħeġġeġ lil kulħadd bid-devozzjoni lejn Kristu u lejn l-imqaddes Franġisku.

[1351] 6 Wieħed raġel li kien joqgħod fil-kastell ta' Cori, fid-djoċesi ta' Ostia, kien tilef għal kollox l-użu ta' riġlejh u ma setax jimxi jew jiċċaqlaq bl-ebda mod. Billi sab ruħu f'dawk id-dwejjaq kbar u qata' qalbu għal kollox mill-għajnuna tal-bnedmin, lejl minnhom beda juri n-niket tiegħu lil San Franġisk, bħallikieku kien qiegħed jarah hemm quddiemu, bi kliem bħal dan: "O San Franġisk, għinni. Ma tiftakarx kemm kont naqdik u x'devozzjoni dejjem kont nuri lejk? Jiena kont ġarrejtek fuq il-ħmar tiegħi; jiena biestlek ir-riġlejn u l-idejn qaddisa tiegħek; jiena dejjem kont devot lejk, dejjem kont ġeneruż miegħek: u issa ara jiena qiegħed immut fost dawn it-tbatijiet mill-aktar kefrin". Imqanqal minn dan it-tnehid, mall-ewwel deherlu l-Qaddis li qatt ma jinsa l-benefiċċji li kien irċieva u hu dejjem rikonoxxenti lejn id-devoti tiegħu. Deherlu flimkien ma' wieħed ieħor mill-aħwa, lil dak ir-raġel li kien jishar fit-talb. Qallu li hu kien ġie jiġri għax sejjaħlu u li kien wassallu l-mediċina biex ifejjqu. Messlu l-parti ta' ġismu li kienet marida b'bastun żgħir li kellu forma ta' *Tau*[135], u hekk faqagħlu t-tumur li kellu u reġa' raddlu saħħtu b'mod perfett. Imma għamel ħaġa aktar ta' l-għaġeb, għaliex stampalu s-sinjal imqaddes tat-*Tau* fuq il-post fejn kien fejjaqlu dik il-pjaga, b'tifkira tal-miraklu. Dan kien is-sinjal li bih San Franġisk kien jiffirma l-ittri tiegħu, kull darba li l-imħabba kienet timbuttah biex jibgħat xi messaġġ lil xi ħadd. [3C 159]

[1352] 7 U ara li, filwaqt li l-moħħ tagħna, li hu mxerred fuq il-bosta fatti li irrakkontajna, issa jieqaf jaħseb fuq wieħed u issa fuq l-ieħor mill-mirakli li wettaq il-missier imqaddes, jiltaqa' mill-ġdid, taħt it-tmexxija ta' Alla, mat-*Tau*, jiġifieri mas-sinjal tas-salvazzjoni. Dan kollu seħħ għall-merti ta' Franġisku nnifsu, li jġorr b'mod glorjuż l-istendard tas-salib, u jippermettielna li nuru li s-salib sar l-aktar xhieda b'saħħitha tal-glorja li issa qiegħed igawdi, fejn isaltan rebbieħ ma' Kristu fis-sema, hekk kif l-istess salib kien il-kawża tal-merti għoljin tiegħu u tas-salvazzjoni tiegħu hawn fid-dinja, meta kien għadu jimxi wara l-armata ta' Kristu.

[1353] 8 Għax tassew, dan il-misteru kbir u ta' l-għaġeb tas-salib, li fih il-kariżmi tal-grazzja, il-merti tal-virtù, *it-teżori ta' l-għerf u tax-xjenza* (cfr. Kol 2,3) huma moħbija b'mod hekk profond li ma jistgħux jifhmuhom *l-għorrief u l-għaqlin* tad-dinja, imma b'mod mikxuf *jintwera* lil dan *iċ-ċkejken* (cfr. Mt 11,25) ta' Kristu, fil-milja tiegħu kollha, hekk li matul il-ħajja tiegħu kollha hu *dejjem mexa fuq il-marki* (cfr. 1Pt 2,21) tas-salib, hu dejjem għaraf biss il-ħlewwa tas-salib, hu dejjem ippriedka biss il-glorja tas-salib. Għaldaqstant hu, fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu seta'

---

[135] Dan id-dettall rigward is-simbolu *Tau* fil-ħajja ta' S. Franġisk juri kif Bonaventura, li qiegħed dan il-miraklu apposta bħala l-aħħar wieħed fis-sensiela tal-mirakli tal-Qaddis, irid itemm din il-bijografija billi jiċċelebra l-glorja li l-Qaddis wasal għaliha permezz tal-misteru tas-Salib.

jgħid bil-verità kollha, bħall-Appostlu: *Ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-Salib ta' Kristu* (cfr. Gal 6,14). B'verità mhux inqas żgħira seta' jtenni, fit-twettieq tal-ħajja tiegħu: *Dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena fuqhom* (cfr. Gal 6,16). U bil-milja tal-verità, fil-milja tal-ħajja tiegħu, seta' jikkonkludi: *Jiena nġorr f'ġismi l-istimmati tal-Mulej Ġesù* (cfr. Gal 6,17). Imma aħna nixtiequ nisimgħu ta' kuljum minn fommu wkoll dan l-awgurju: *Il-grazzja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu tkun ma' l-ispirtu tagħkom, ħuti. Amen* (cfr. Gal 6,18).

[1354] 9 *Ftaħar* mela b'mod żgur bil-glorja *fis-salib* (cfr. Gal 6,14), inti li ġarrejt b'mod glorjuż l-istendard ta' Kristu, għaliex inti bdejt mis-salib, imxejt 'il quddiem skond ir-regola tas-salib, u fl-aħħar wasalt ukoll fil-perfezzjoni bis-salib. Bix-xhieda tas-salib, ftaħar issa, u uri lill-insara kollha kemm int glorjuż fis-sema. Issa jimxu warajk fiż-żgur dawk *li ħarġu mill-Eġittu* (cfr. Eż 13,17; S 113,1), għaliex, bil-ħatar tas-salib ta' Kristu *l-baħar jinfired* (cfr. S 135,13)*, jaqsmu d-deżert* (cfr. S 67,8), *u jaslu fl-art imwiegħda lill-ħajjin* (cfr. Atti 7,5; S 141,6) billi *jaqsmu l-Ġordan* (cfr. Dt 27,3) tal-ħajja li tgħaddi, u jidħlu fl-art imwiegħda imwieżna mill-qawwa ta' l-għaġeb ta' l-istess salib. Hemmhekk idaħħalna dak li hu l-mexxej u l-Feddej veru tal-poplu, *Ġesù Kristu msallab* (cfr. Gal 3,1), għall-merti tal-qaddej tiegħu Franġisku, għat-tifħir u l-glorja ta' Alla wieħed u tlieta, *li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen* (cfr. Apok 10,6; 11,15).

Hawnhekk jintemm ir-rakkont tal-mirakli li seħħu mill-imqaddes Franġisku wara l-mewt tiegħu.

# SAN BONAVENTURA
# «LEGENDA MINOR SANCTI FRANCISCI»

Tibda l-*Legenda minor* ta' l-imqaddes Franġisku.

## I – DWAR IL-KONVERŻJONI TIEGĦU

*Lectio prima*

[1355] 1 *Dehret il-grazzja ta' Alla Salvatur tagħna* (cfr. Tit 2,11) f'dawn l-aħħar jiem fil-qaddej tiegħu San Franġisk, li *l-Missier tal-ħniena u tad-dawl* (cfr. 2Kor 1,3; Ġak 1,17) laqgħu b'tant ħlewwa ta' barka, li kif jidher b'mod mill-aktar ċar min-nisġa ta' ħajtu, mhux biss ħarġu għad-dawl mid-dlamijiet tad-dinja, imma għamel li jkun magħruf bil-qawwa tal-virtujiet perfetti u tal-merti tiegħu, u wera fih eżempju jiddi meta immarkah u ħaddnu minn kullimkien bil-misteri kollhom dawl tas-salib. Dan il-bniedem twieled fil-belt ta' Assisi, fl-inħawi tal-wied ta' Spoleto, u għall-ewwel *ommu semmietu Giovanni* (cfr. Lq 1,60), imma mbagħad missieru semmieh Francesco, hekk li hu baqa' jżomm l-isem li tah missieru, għalkemm ma ħalliex it-tifsira ta' l-isem li tatu ommu. Meta kien għadu żagħżugħ ġie mrobbi fil-frugħa, fost il-frugħat ta' ulied il-bnedmin, u wara li kiseb xi tagħlim ġie mħarreġ fil-ħidma tal-qliegħ tal-kummerċ. Imma bl-għajnuna tas-sema, hu ma ħalliex lilu nnifsu jitkaxkar fil-ħajja laxka tax-xewqa tal-ġisem li kienu jiġru warajha ż-żgħażagħ ta' mparu, u għalkemm kien jgħix fost negozjanti kollhom kilba għall-flus, *hu kien jistmerr il-flus u l-għana* (cfr. Sir 31,8).

*Lectio secunda*

[1356] 2 Il-ħniena divina kienet sawwbet fil-qalb taż-żagħżugħ Franġisku t-tjieba mill-aktar ħelwa, u flimkien magħha ġenerożità u *qalb li tħoss* għall-foqra, li *kibret* miegħu *minn tfulitu* (cfr. Sir 31,8), u li kienet hekk timlieh bit-tjieba, li hu ma kienx semmiegħ trux ta' l-Evanġelju, u ippropona li jagħti bil-qalb lil kull min jitolbu karità, l-aktar jekk jitlobhielu għall-imħabba ta' Alla. Sa minn meta kien għadu fil-fjur taż-żogħżija, hu intrabat mal-Mulej b'rieda qawwija, u wiegħed li qatt ma jiċħad it-talba, kull meta jkun possibbli, ta' dawk li jittallbu mingħandu għall-imħabba tal-Mulej. Hu kompla jħares din il-wegħda nobbli sal-mewt, u hekk stħaqqlu jasal biex ikabbar dejjem aktar fih innifsu l-grazzja u l-imħabba lejn Alla. Għax tassew, din il-fjamma ta' mħabba divina kienet taqbad fil-qalb tiegħu, imma billi hu kien għadu adolexxenti u mehdi fil-ħsibijiet tad-dinja, ma kienx jagħraf il-misteri ta' l-ilħna li jiġu mis-sema, sakemm *id il-Mulej niżlet fuqu* (cfr. Ġob 31,18), u ġie imnaddaf minn barra b'marda twila u serja li dawwlitu minn ġewwa fir-ruħ biex jilqa' d-dilka ta' l-Ispirtu s-Santu.

*Lectio tertia*

[1357] 3 Meta mbagħad reġa' kiseb is-saħħa fil-ġisem u biddel għall-aħjar l-ispirtu tiegħu, darba minnhom, mingħajr ma kien jistenna, iltaqa' ma' kavallier ġej minn nisel nobbli, imma li kien fqir fil-ġid tad-dinja. Billi hu ftakar fi Kristu, is-Sultan ġeneruż u fqir, tant ħassu jitqanqal bit-tjieba minn ġewwa lejn dak ir-raġel, li neża ħwejġu nobbli li kien għadu kemm akkwisthom, u mar ilibbes lil dak li kien għeri. Il-lejl ta' wara, meta kien rieqed, kellu ħolma li fiha ra palazz mill-isbaħ u kbir mimli armi li kienu immarkati bis-sinjal tas-salib, u Dak li għall-imħabba tiegħu hu kien għen lil dak il-kavallier fqir, għoġbu jurih f'din ir-rivelazzjoni u wiegħdu fiż-żgur, li dawk l-armi kienu kollha tiegħu u tal-kavallieri tiegħu, jekk hu jaqbad darba għal dejjem u jħaddan is-sinjal tas-salib ta' Kristu. Minn dak il-ħin beda jitwarrab mill-istorbju tal-kumpanija tal-bnedmin, beda jfittex postijiet imwarrbin, ħbieb ta' l-ilfiq u l-biki; fihom hu kien il-ħin kollu *jikbi bi tnehid li ma jitfissirx* (cfr. Rum 8,26), u wara bosta talb fit-tul u bla jaqta', li fih kien jitlob lill-Mulej biex jurih it-triq tal-perfezzjoni, stħaqqlu li jiġi mismugħ skond ix-xewqat tiegħu.

*Lectio quarta*

[1358] 4 Darba fost l-oħrajn, meta kien hekk imwarrab u mehdi fit-talb, dehrlu Kristu Ġesù donnu msammar mas-salib, u hu beda jħoss jidwu minn ġewwa dawk il-kelmiet ta' l-Evanġelju: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja* (cfr. Mt 16,24). Dawn il-kelmiet tant kienu qawwija li, fil-ġewwieni ta' l-ispirtu tiegħu, bdew iqabbduh bin-nar ta' l-imħabba u jimluh bin-niket tal-kompassjoni. U filwaqt li kien iffissat iħares lejn dik id-dehra, beda jħoss lil ruħu tinħall ġewwa fih, u t-tifkira tal-passjoni ta' Kristu baqgħet immarkata fil-qiegħnett tal-qalb tiegħu, sal-mudullun, hekk li fih innifsu beda jara bl-għajnejn tar-ruħ il-marki tas-salib tal-Mulej, filwaqt li minn barra bil-ħniena kien jirnexxilu jżomm lura d-dmugħ u t-tnehid. U billi issa, għall-imħabba ta' Kristu beda jqis *bħal xejn u jistmerr il-ġid ta' daru* (cfr. Għan 8,7), hu ħass li issa kien reġa' sab *it-teżor moħbi u l-ġawhra* (cfr. Mt 13,44.45) prezzjuża li tiddi. Hekk miġbud mix-xewqa li jiksibhom, iddeċieda li jinqata' minn kollox u li jbiddel fin-negozju skond Alla l-ġid tad-dinja ma' dak ta' l-Evanġelju.

*Lectio quinta*

[1359] 5 Darba minnhom *ħareġ fl-għelieqi biex jitlob* (cfr. Ġen 24,63), u kien miexi qrib il-knisja ta' San Damiano, li kienet għoddha se tiġġarraf minħabba l-qedem tagħha, u imqanqal mill-Ispirtu, daħal fiha biex jitlob. Hemmhekk inxteħet quddiem ix-xbieha tal-Kurċifiss, u beda jimtela mhux ftit bil-ħlewwa tal-faraġ li jġib miegħu t-talb. Filwaqt li għajnejh jilmgħu bid-dmugħ kienu jħarsu ċassi lejn is-salib tal-Mulej, beda jisma' bil-widnejn ta' ġismu leħen li kien ħiereġ b'mod ta' l-għaġeb minn dak is-salib, u li għal tliet darbiet qallu: "Franġisku, mur, sewwi d-dar tiegħi, li, kif qed tara, għoddha sejra tiġġarraf!" Malli sema' dak il-leħen ta' l-għaġeb għall-ewwel il-bniedem ta' Alla ħassu mbeżżgħa, imma mbagħad imtela bil-ferħ u bl-istagħġib, u qam mall-ewwel, filwaqt li iddeċieda fih innifsu li jingħata kollu kemm hu biex jobdi dak il-kmand li jsewwi lil dik il-knisja materjali, għalkemm l-intenzjoni ewlenija ta' dawk il-kelmiet kienet tirreferi għal

dik il-Knisja li Kristu *kiseb* bil-prezz tad-*demm* għażiż *tiegħu* (cfr. Atti 20,28), kif wara kellu jitgħallem mill-Ispirtu s-Santu, u kif ukoll kellu juri lil dawk li kienu imxew warajh mill-qrib.

*Lectio sexta*

[1360] 6 Wara ftit, kif hu seta' jagħmel, qassam dak kollu li kellu għall-imħabba ta' Kristu li ġibdu għal warajh, u ta l-flus lill-qassis fqajjar biex ikun jista' jsewwi dik il-knisja u għall-ħtiġijiet tal-foqra, kif ukoll talbu bl-umiltà biex iħallih jgħix miegħu. Dak ħallieh jgħix hemmhekk, imma minħabba l-biża' mill-ġenituri tiegħu ma riedx jilqa' l-flus, hekk li dak li issa kien tassew sar jistmerr il-flus, xeħet dawk il-muniti fuq il-ħoġor ta' tieqa, u hekk wera li jistmahom bla siwi daqs li kieku kienu trab. Meta sema', imbagħad, li minħabba dak li għamel missieru kien xegħel bil-qilla kontrih, biex *iħalli ż-żmien ħa tibred il-qilla* (cfr. Rum 12,19), għal xi ġranet żamm ruħu moħbi f'toqba fl-art li ma kien jaf biha ħadd, fejn kien isum, jitlob u jxerred id-dmugħ. Fl-aħħarnett, meta imtela' b'mod sħiħ bil-ferħ ta' l-ispirtu, u *imlibbes bil-qawwa mill-għoli* (cfr. Lq 24,49), ħareġ minn hemm bil-fiduċja u beda miexi bla waqfien lejn beltu. Meta ż-żgħażagħ lemħuh b'wiċċu hekk bajdani u mibdul minn ġewwa, bdew iqisu li kien tilef moħħu, u bdew iwaddbulu t-tajn tal-pjazza bħallikieku kien bniedem miġnun, filwaqt li bdew jinsultawh b'ħafna għajjat. Imma l-qaddej tal-Mulej ma kienx jidher imħawwad jew dgħajjef għal dak it-tagħjir li kien jaqla', imma baqa' miexi donnu wieħed trux qalb dik iċ-ċorma.

*Lectio septima*

[1361] 7 Missieru, li kien mimli qilla u jitriegħed bil-korla, hekk li donnu kien nesa' t-tjieba naturali, kaxkar lil ibnu d-dar u beda jaħqru bis-swat u fl-aħħar rabtu bil-ktajjen, bl-iskop li, filwaqt li jdgħajjiflu lil ġismu bil-kastigi, jkun jista' jġiegħel lil ruħu tmur lura lejn il-pjaċiri tad-dinja. Fl-aħħar kellu jintebaħ, bl-esperjenza żgura li għamel, li l-qaddej tal-Mulej kien lest li jilqa' kull xorta ta' tiġrib minħabba fi Kristu. Meta, għaldaqstant, ra li ma seta' jagħmillu xejn biex ireġġgħu lura minn triqtu, beda jinsisti miegħu bil-qawwa, sabiex imur miegħu quddiem l-isqof tal-belt u f'idejh jiċħad għal kull dritt li kellu li jiret il-ġid ta' missieru. Il-qaddej tal-Mulej laqa' bil-qalb li joffri ruħu ħalli jwettaq dak li qallu missieru, u malli wasal quddiem l-isqof, ma qagħadx itawwal u lanqas jipprova jħaqqaqha bil-kliem biex ma jroddx lura ġidu. Għax hu saħansitra neħħa ħwejġu minn fuqu, u filwaqt li żamm fuqu biss il-ħwejjeġ ta' taħt, donnu fis-sakra ta' l-ispirtu, ma beżax jinża' minn kollox quddiem kulħadd, għall-imħabba ta' Dak li għalina kien imdendel għeri minn fuq is-salib.

*Lectio octava*

[1362] 8 Minn dak il-ħin hu ċaħad għal kollox id-dinja, u filwaqt li inħall mill-kilba tar-rabtiet ma' din l-art, telaq minn beltu, żgur u ħieles, u erħielha jkanta t-tifħir tal-Mulej bl-ilsien franċiż f'nofs il-boskijiet, meta f'daqqa waħda iltaqa' ma' xi ħallelin, li quddiemhom ma beżax jistqarr li hu kien il-ħabbâr tas-Sultan il-kbir, u ma għediex ikanta miexi nofsu għeri u mneżża' minn kollox, filwaqt li *feraħ fit-tiġrib tiegħu* (cfr. 2Kor 7,4) bħall-appostli. Minn dak il-ħin, hu li kien iħobb l-umiltà b'qalbu kollha, għadda biex jibda jaqdi lill-lebbrużi, biex jitgħallem hu, qabel

ma jgħallem lill-oħrajn, il-valur taċ-ċaħda perfetta tiegħu nnifsu u tad-dinja, filwaqt li ingħata għall-madmad tal-qadi ta' pesuni ta' min jitħassarhom u mwarrbin minn kulħadd. Għax tassew, qabel hu kien jgħix f'biża' kbir mil-lebbrużi aktar milli minn kull xorta oħra ta' bnedmin. Imma meta l-grazzja ġiet imsawwba fuqu bil-kotra, hu ingħata biex bl-umiltà kollha jaqdihom u jurihom qima, hekk li kien jaħslilhom riġlejhom, u kien jinfaxxalhom il-feriti u jnaddfilhom il-ġrieħi mill-materja li kienet toħroġ minnhom. Mhux biss, imma mimli b'ħeġġa li qatt ma nstemgħet oħra bħalha qabel, kien iħaffef biex ibusilhom il-ġrieħi tagħhom imdemmin. Hekk kien *iqiegħed fommu fuq it-trab,* u *kien jixba' b'dak li hu mistmerr* (cfr. Lam 3,29.30), biex hekk jaħkem fuq il-kburija tal-ġisem u jqiegħdu taħt il-liġi ta' l-ispirtu, u hekk wara li jkun ħakem fuq l-għadu li kellu f'daru stess, kien jista'jikseb fis-sliem il-kontroll sħiħ fuqu nnifsu.

*Lectio nona*

[1363] 9 Issa li kien inbena fuq l-umiltà ta' Kristu u kien sar għani bil-faqar, għalkemm hu ma kellu xejn aktar tiegħu, ingħata biex isewwi dik il-knisja, skond kif kien ġie ikkmandat mis-salib, u hekk beda jaħdem bil-ħerqa, u jgħakkes lil ġismu bis-sawm u billi jġorr fuqu t-toqol tal-ġebel, u ma kienx jistmerr li jmur jittallab il-karità mingħand dawk li magħhom qabel kien imdorri jgħix fl-abbundanza. Mhux biss, imma megħjun mit-tjieba tal-fidili, li bdew jagħarfu li l-bniedem ta' Alla kellu virtù mhux komuni, mhux biss sewwa lil San Damiano, imma wkoll knisja oħra iddedikata lill-prinċep ta' l-Appostli u oħra iddedikata lill-Verġni glorjuża, li kienu għoddhom imġarrfin u mitluqin. B'dan il-mod hu kien iħabbar minn qabel, b'mod misterjuż, bis-sinjali tal-ħidma tiegħu minn barra u li tidher, dak li l-Mulej kien jogħoġbu li jwettaq fl-oħrajn permezz tiegħu. Għax kif, bħala sinjal, taħt it-tmexxija ta' dan ir-raġel qaddis ġew imsewwijin tliet knejjes, hekk ukoll kellha tiġi imsewwija bi tliet modi l-Knisja ta' Kristu, skond il-forma, ir-regola u t-tagħlim tiegħu. Il-leħen li hu sema' ħiereġ mis-salib kien ikkmandah għal tliet darbiet biex imur isewwi d-dar ta' Alla, kien sinjal li ħabbar minn qabel dak li issa aħna narawh jitwettaq fit-tliet Ordnijiet li hu waqqaf.

## II – DWAR IT-TWAQQIF TA' L-ORDNI U L-QAWWA TAL-PREDIKAZZJONI

*Lectio prima*

[1364] 1 Wara li temm isewwi dawn it-tliet knejjes, mar joqgħod f'dik li kienet iddedikata lill-Verġni Marija, fejn bil-merti tagħha li daħlet għalih, u li tatna l-prezz tas-salvazzjoni tagħna, hu seta' jsib it-triq tal-perfezzjoni permezz ta' l-ispirtu tal-verità evanġelika li ssawwab fih. Għax meta jum fost l-oħrajn waqt il-Quddiesa kien jinqara dak l-Evanġelju, li fih id-dixxipli jintbagħatu biex jippriedkaw, u jiġu murija r-regola evanġelika li kellhom jgħixu, jiġifieri li *ma għandhomx ikollhom la deheb, la fidda, la flus fil-bwiet, la ħorġa għat-triq, la żewġ ilbiesi, la qrieq u lanqas ħatar* (cfr. Mt 10,9-10), malli hu sema' dawn il-kelmiet tant imtela' bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Kristu li mhux biss ried jgħix b'qalbu kollha f'dik il-forma ta' ħajja perfetta, imma wkoll inbidel fl-istess ħajja u mġieba evanġelika. Hu mall-ewwel neża' mill-għata tar-riġlejn, ħalla warajh il-ħatar, il-ħorġa u l-flus, u kien kuntent b'tonka waħda fqajra, filwaqt li neża' ċ-ċinturin u bħala kurdun tħażżem b'ħabel. Hu mbagħad qiegħed il-ħeġġa kollha ta' qalbu biex jara b'liema mod

iwettaq dak li kien sema' ħalli hekk hu jkun jaqbel b'mod sħiħ mar-regola qaddisa tal-ħajja evanġelika.

*Lectio secunda*

[1365] 2 Hekk kollu mixgħul bil-qawwa tan-nar ta' l-Ispirtu ta' Kristu, beda jippriedka l-verità daqslikieku kien Elija ieħor; beda jgħin lill-oħrajn biex jaslu għall-ġustizzja perfetta u jistieden lil kulħadd għall-penitenza. Il-kliem tiegħu ma kienx kliem fieragħ jew ta' min jidħaq bih, imma kien mimli bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, kien jidħol sa fil-ġewwieni tal-mudullun tal-qalb, hekk li dawk kollha li kienu jisimgħuh kienu jibqgħu mistagħġbin, u bil-qawwa tiegħu kienet titrattab l-ebusija ta' dawk ta' qalbhom iebsa. Billi kienu bosta dawk li intebħu bil-proponimenti qaddisa tiegħu kemm mill-verità tat-tagħlim tiegħu kif ukoll mis-sempliċità tal-ħajja tiegħu, xi irġiel bdew jitħeġġu mill-eżempju tiegħu biex jingħataw għall-penitenza, u hekk ħallew kollox biex jingħaqdu miegħu, u laqgħu t-tonka u l-ħajja tiegħu, hekk li dan ir-raġel umli ried isemmihom Patrijiet Minuri.

*Lectio tertia*

[1366] 3 Wara din is-sejħa tal-Mulej il-għadd ta' l-aħwa laħaq sitta. Il-missier twajjeb u r-ragħaj tagħhom, wara li sab post maqtugħ għalih waħdu, b'qalb kollha mrar mar jitbekka l-ħajja żagħżugħa tiegħu li kien għaddiha mhux mingħajr ħtija, u filwaqt li talab maħfra u grazja għalih innifsu u għal uliedu li *kien nissel fi Kristu* (cfr. 1Kor 4,15), hu ħassu jimtela b'ferħ mill-akbar li niżel fuqu, għax kien jaf fi żgur li inħafrulu dnubietu kollha, sa *l-aħħar ħabba* (cfr. Mt 5,26) li kellu jħallas. Maħtuf 'il fuq minnu nnifsu u donnu maħkum kollu kemm hu minn dawl mimli ħajja, hu seta' jara b'mod ċar dak li kellu jiġri lilu nnifsu u lill-aħwa; kif hu nnifsu, aktar tard, ħabbar lill-aħwa sabiex ifarraġ *il-merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) tiegħu, dwar it-tjieba li Alla kellu juri billi jkabbar l-Ordni u jxerrfu ma' kullimkien. Wara li għaddew ftit jiem, ingħaqdu miegħu xi oħrajn u l-għadd tagħhom kiber u saru tnax. Għalhekk il-qaddej tal-Mulej iddeċieda li flimkien ma' dik il-ġemgħa sempliċi jmur quddiem is-Sede apostolika, sabiex jippreżenta quddiemha l-għamla ta' ħajja li l-Mulej kien urieh qabel, u li hu kiteb fi ftit kliem, filwaqt li jitlob u bl-umiltà u b'insistenza lill-istess awtorità tas-Sede apostolika l-aktar qaddisa li tikkonfermahielu b'mod sħiħ.

*Lectio quarta*

[1367] 4 Hu mela mar iħaffef flimkien ma' sħabu biex, kif kien ippropona, jidher quddiem il-Papa, jiġifieri s-Sinjur Innoċenz III. It-tjieba kbira ta' Alla, iżda, waslet qablu, għaliex *Kristu l-għerf u l-qawwa ta' Alla* (cfr. 1Kor 1,24) permezz ta' dehra fil-ħolm, wissa lill-Vigarju tiegħu biex jagħti widen bil-ħlewwa għat-talbiet ta' dak il-fqajjar u jilqa' bit-tjieba li jikkonferma dak li jitolbu. Għax il-Papa *ra fil-ħolm* (cfr. Ġen 28,12) il-bażilika rumana tal-Lateran li kienet għoddha sejra tiġġarraf, meta wieħed raġel fqajjar, qsajjar u bla ebda ġmiel li jiġbdek, kien qiegħed iweżinha fuq spallejh, sabiex ma tiġġarrafx. Il-Papa bil-għerf għaraf f'dak il-qaddej ta' Alla is-sempliċità tal-qalb safja tiegħu, iċ-ċaħda tad-dinja, l-imħabba lejn il-faqar, ir-rieda sħiħa li jimxi wara l-perfezzjoni, il-ħeġġa li biha kienet imqabbda ruħu u l-ħerqa tar-rieda qaddisa tiegħu. U qal:

“Tassew li dan hu l-bniedem li bl-għemil u t-tagħlim tiegħu se jwieżen il-Knisja ta’ Kristu”. Għaldaqstant, filwaqt li intebah bil-qima speċjali li kien wera lejh, u filwaqt li miel biex jilqa’ dak kollu li talbu, hu approva r-Regola, tah il-mandat li jippriedka l-penitenza, urieh li laqa’ dak kollu li kien talbu u wiegħdu li kellu jagħtih ħafna bil-qalb kollha aktar tard.

*Lectio quinta*

[1368] 5 Filwaqt li, minn dak il-ħin, beda jintelaq biss fil-grazzja divina, li tiġi mill-għoli, kif ukoll fl-awtorità tal-Papa, Franġisku b’ħafna fiduċja telaq lura lejn il-wied ta’ Spoleto, sabiex il-perfezzjoni tal-verità ta’ l-Evanġelju, li kien nissel fir-ruħ tiegħu u li kien ingħata għaliha fil-professjoni, issa jkun jista’ jgħallimha b’mod perfett permezz tal-kelma tiegħu. Għaldaqstant, flimkien ma’ l-aħwa, iddiskuta jekk huma kellhomx jgħixu qalb il-bnedmin inkella jirtiraw f’postijiet imwarrbin. Wara li hu ingħata għat-talb bla heda biex ifittex ir-rieda divina dwar dan kollu, ġie imdawwal bir-rivelazzjoni mis-sema u fehem li l-Mulej kien bagħatu sabiex jikseb għal Kristu dawk l-erwieħ li x-xitan kien qiegħed jaħtaf għalih. Hekk hu qal lill-aħwa li kien aktar meħtieġ li huma jgħixu għal kulħadd milli li jinqatgħu biex jgħixu għal rashom. Flimkien ma’ l-aħwa hu inġabar f’gorboġ abbandunat qrib Assisi, fejn beda jgħix ma’ l-aħwa skond il-għamla ta’ ħajja tal-faqar imqaddes biċ-ċaħdiet kollha tal-ħajja reliġjuża, filwaqt li jippriedkaw il-kelma ta’ Alla lill-poplu skond il-post u ż-żmien. Hekk sar ħabbâr ta’ l-Evanġelju, filwaqt li beda jdur fil-bliet u l-kastelli, misjuq *mhux bil-kliem ta’ l-għerf tal-bnedmin, imma bil-qawwa ta’ l-Ispirtu* (cfr. 1Kor 2,13), *ixandar is-saltna ta’ Alla* (cfr. Lq 9,60), filwaqt li l-*Mulej* kien imexxi dak li hu kien jgħid u *jikkonferma l-kelma tiegħu bis-sinjali li kienu jsiru magħha* (cfr. Mk 16,20).

*Lectio sexta*

[1369] 6 Waqt li darba minnhom, skond kif kien soltu jagħmel, kien qiegħed jishar fit-talb bil-lejl, u kien jinsab ‘il bogħod minn uliedu, għall-ħabta ta’ nofs il-lejl, filwaqt li xi wħud mill-aħwa kienu jistrieħu, u oħrajn kienu jitolbu, deher *karru tan-nar* (cfr. 2Slat 2,11.14) ta’ dija ta’ l-għaġeb, li fuqu kien hemm globu tan-nar li kellu dija mill-aktar qawwija bħax-xemx, li daħal mill-bieb ta’ dik id-dwejra ta’ l-aħwa, u beda jdur ‘l hawn u ‘l hinn għal tliet darbiet f’dak il-post ċkejken. Meta raw dik id-dehra mill-aktar ta’ l-għaġeb u kollha dija l-aħwa li kienu mqajjmin baqgħu miblugħin, filwaqt li dawk li kienu reqdin qamu, u bdew iħossu b’mod ċar fil-qalb u fil-ġisem tagħhom il-qawwa ta’ dak id-dawl, hekk li l-kuxjenza ta’ kull wieħed minnhom inkixfet beraħ quddiem il-kuxjenza ta’ l-oħrajn. Hekk huma lkoll fehemu u qablu flimkien, meta setgħu kollha jaqraw fil-qalb ta’ xulxin, li dak kien il-Missier imqaddes Franġisku li kien inbidel f’dik ix-xbieha, sabiex il-Mulej juri li hu *kien ġie bl-ispirtu u l-qawwa ta’ Elija* (cfr. Lq 1,17), sabiex ikun il-prinċep ta’ l-armata spiritwali, bħall-*karru ta’ Israel u r-rikkieb tiegħu* (cfr. 2Slat 2,12). Meta r-ragel qaddis reġa’ lura għand l-aħwa, hu beda jfarraġhom dwar dak li huma kienu raw f’dik id-dehra mis-sema, u beda jifli bir-reqqa dak li kien moħbi fil-kuxjenza tagħhom filwaqt li beda jħabbrilhom il-ġejjieni u jiddi b’tant mirakli li hekk setgħu jaraw b’mod ċar li fuqu *kien jistrieħ l-ispirtu* (cfr. 2Slat 2,9.15) ta’ Elija b’mod sħiħ, hekk li huma kienu żguri li setgħu jimxu fuq it-tagħlim u l-ħajja tiegħu.

*Lectio septima*

[1370] 7 Wieħed reliġjuż jismu Morico, li dak iż-żmien kien fl-Ordni tal-Crociferi, kien jinsab fil-lebbrożarju li hemm ħdejn Assisi, u ġie milqut minn marda daqshekk gravi u twila li kulħadd kien jaħseb li hu kien qrib il-mewt. Hekk hu bagħat jgħid u jitlob lill-bniedem ta' Alla ħalli dan jidħol għalih mall-ewwel quddiem Alla. Dak ir-raġel mill-aktar twajjeb mall-ewwel laqa' t-talba tiegħu, u wara li talab, ħa ftit frak tal-ħobż, u ħalltu flimkien maż-żejt li kien hemm fil-musbieħ li kien jixgħel quddiem l-altar tal-Verġni, filwaqt li bagħatu bħala mediċina permezz ta' xi wħud mill-aħwa għand dak il-marid u qalilhom: "Ħudu din il-mediċina għand ħuna Morico, għaliex permezz tagħha l-qawwa ta' Kristu mhux biss terġa' tagħtih lura saħħtu, imma wkoll tagħmel minnu bniedem li jiġġieled bil-qawwa fostna, u jibqa'magħna għal dejjem". Malli dak il-marid daq dik il-mediċina, li kienet ġiet magħmula bit-tnebbieh ta' l-Ispirtu s-Santu, hu mall-ewwel qam, u tant kiseb lura s-saħħa tar-ruħ u tal-ġisem mingħand Alla, li wara li għadda ftit taż-żmien mar wara r-raġel qaddis u daħal fl-Ordni, fejn għal żmien twil kien jilbes ċilizzju aħrax fuq ġismu, u kien kuntent li jiekol ikel nej, u la kien jixrob inbid u lanqas ma kien iduq l-ebda ikel imsajjar.

*Lectio octava*

[1371] 8 Dejjem f'dak l-istess żmien kien hemm qassis mill-belt ta' Assisi, jismu Silvestro, li kien raġel ta' ħajja onesta u ta' sempliċità ta' ħamiema, *li fil-ħolm ra* (cfr. Ġen 28,12) dak ir-reġjun kollu li kien imdawwar minn dragun immens, li minħabba l-figura kerha tiegħu li tbeżża', id-dinja kollha kienet tidher li għoddha sejra tinqered dalwaqt. Wara din id-dehra hu ra ħiereġ minn fomm Franġisku salib tad-deheb kollu dija, li l-quċċata tiegħu *kienet tmiss is-sema* (cfr. Ġen 28,12), u li dirgħajh kienu mifruxin sat-trufijiet tad-dinja, u li għad-dehra tiegħu dak id-dragun ikrah u li jbeżża' mall-ewwel ħarab. Meta din id-dehra intwerietlu għal tliet darbiet, il-bniedem twajjeb u li kien iqim lil Alla fehem li Franġisku kien ġie msejjaħ mill-Mulej għal din il-missjoni, sabiex jqbad f'idejh is-sinjal glorjuż tas-salib, ħalli jkisser il-qawwa tad-dragun tal-ħażen u jdawwal il-qlub lill-fidili bid-dija tiddi tal-verità tal-ħajja u tat-tagħlim tiegħu. Hu irrakkonta dik id-dehra tiegħu ħaġa b'ħaġa lill-bniedem ta' Alla u lill-aħwa, u wara ftit taż-żmien ħalla d-dinja, u ingħata b'ruħu u ġismu biex jimxi fuq il-passi ta' Kristu fuq l-eżempju tal-Missier imqaddes, u permezz ta' l-imġieba qaddisa tiegħu fl-Ordni, wera kemm kienet tassew sejra sseħħ dik il-viżjoni li hu kellu meta kien għadu fid-dinja.

*Lectio nona*

[1372] 9 Wieħed mill-aħwa, li kien jismu fra Pacifico, meta kien għadu jgħix ta' secular, iltaqa' mal-qaddej tal-Mulej li kien qiegħed jippriedka f'monasteru qrib Borgo di San Severino. *Niżlet fuqu id il-Mulej* (cfr. Eżek 1,3), u ra lil Franġisku immarkat minn żewġ xwabel jiddu f'għamla ta' salib, li waħda minnhom kienet tinżel mir-ras sar-riġlejn, filwaqt li l-oħra kienet taqsam minn id għal oħra fuq sidru. Hu ma kienx għadu jagħraf il-bixra ta' wiċċ ir-raġel qaddis, imma l-kelmiet tiegħu laqtuh u ġabuh f'tiegħu, bħallikieku kien minfud mix-xabla ta' l-ispirtu li

kienet ħierġa minn fomm Franġisku. Hekk hu mall-ewwel ċaħad il-frugħat tad-dinja, u ingħaqad bis-sħiħ fil-professjoni tal-Missier imqaddes. Aktar tard hu mexa 'l quddiem b'kull qdusija fl-Ordni, sakemm sar ministru fi Franza, għaliex kien hu l-ewwel wieħed li kellu dan l-uffiċċju f'dak il-pajjiż. Kien hu wkoll li stħaqqlu jara *Tau* kbir *fuq il-ġbin* (cfr. Eżek 9,4) ta' Franġisku, li kien jingħaraf mill-bosta lwien tiegħu, u li kien iżejjinlu lil wiċċu b'mod ta' l-għaġeb. Għaliex tajjeb li nkunu nafu li l-bniedem ta' Alla kien iqim b'devozzjoni kbira dan is-sinjal, u ta' spiss kien jirrikmandah meta kien jitkellem, bih kien dejjem jagħti bidu għal kull ma kien jagħmel, u bih ukoll kien jiffirma b'idejh stess l-ittri li hu kien jibgħat bl-imħabba, hekk li donnu kien jidher li l-ħerqa kollha tiegħu kienet mehdija biex iwettaq dak li jgħid il-profeta, jiġifieri li jimmarka *Tau fuq il-ġbin ta' dawk li jitbekkew u jitnikktu* (cfr. Eżek 9,4), filwaqt li tassew jikkonvertu lejn Kristu Ġesù.

## III – DWAR IL-VIRTUJIET SPEĊJALI LI KELLU

*Lectio prima*

[1373] 1 Il-bniedem ta' Alla Franġisku, li kien jimxi b'mod perfett wara Ġesù msallab, sa mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu *kien isallab lil ġismu bil-vizzji tiegħu* (cfr. Gal 5,24) permezz ta' dixxiplina iebsa, u kien irażżan iċ-ċaqliq tas-sensi tiegħu bil-liġi tal-qjies, hekk li bil-ħniena kien jieħu l-ikel li kien jeħtieġ biex isostni lilu nnifsu. Għax meta kien ikun f'saħħtu kien rari ħafna li jiekol ikel imsajjar, u jekk xi drabi kien jagħmel hekk kien iħallat l-irmied ma' l-ikel biex dan isir morr, jew inkella, kien irendih bla togħma billi jsawwab l-ilma fuqu. Kien jixrob bil-qjies, u *kien iżomm lil ġismu 'l bogħod mill-inbid, sabiex ruħu tingħata kollha kemm hi* għad-dawl *ta' l-għerf* (cfr. Qoħ 2,3). Dan aħna nistgħu naraw b'mod ċar mill-fatt li meta kien ikun mejjet bil-għatx, bil-ħniena kien jippermetti lilu nnifsu li jixrob biżżejjed ilma frisk biex jaqta' l-għatx tiegħu. Ta' spiss is-sodda tiegħu kienet tkun il-qiegħa ta' l-art għall-ġisem mifni tiegħu, b'imħadda kien ikollu ġebla jew injama, il-friex kien sempliċi, aħrax u jxewwek, għaliex b'esperjenza żgura kien tgħallem li l-għedewwa qarrieqa jaħarbu quddiem dak kollu li hu iebes u aħrax, filwaqt li dejjem jippruvaw jittantaw kull meta jsibu dak li hu artab u delikat.

*Lectio secunda*

[1374] 2 Hu kien iebes miegħu nnifsu fid-dixxiplina, hu kien jishar bir-reqqa *biex iħares lilu nnifsu* (cfr. Is 21,8), filwaqt li jieħu kura speċjali biex iħares *it-teżor f'ġarar tal-fuħħar* (cfr. 2Kor 4,7), jiġifieri l-kastità, u kien jitħabat bil-ħerqa biex *jiksbu fil-ġieħ* (cfr. 1Tes 4,4) tal-qdusija permezz tas-safa bla mittiefsa tiegħu nnifsu kollu kemm hu, fil-ġisem u fir-ruħ. Hekk fil-bidu tal-konverżjoni tiegħu, fiż-żmien tal-ksieħ tax-xitwa, mimli qawwa u ħeġġa fl-ispirtu, kien jixteħet f'ħofra mimlija silġ jew borra, kemm biex juri li ried irażżan lill-għadu li kellu f'daru stess, kif ukoll biex iħares min-nirien tal-konkupixxenza l-libsa bajda tas-safa tiegħu. B'għemejjel bħal dawn hu beda mimli safa, ukoll fl-użu tas-sensi tiegħu, li tant kienet tiddi u sabiħa li kien jidher li issa hu kellu ħakma sħiħa fuq ġismu, u *kien għamel patt ma' għajnejh* (cfr. Ġob 31,1) biex mhux biss ma jħarisx lejn kull dehra li tqanqal is-sensi, imma wkoll li jiċħad għal kollox kull ħarsa li tkun kurjuża jew fiergħa.

*Lectio tertia*

[1375] 3 Ukoll meta hu ħakem lilu nnifsu biex ikollu s-safa tal-qalb u tal-ġisem u kien qiegħed joqrob lejn il-quċċata tal-perfezzjoni, ma kienx jieqaf li jnaddaf il-ħin kollu bix-xita tad-dmugħ tiegħu l-għajnejn ta' l-ispirtu. Hekk kien mimli bix-xewqa li jikseb is-safa ta' dak kollu li jiddi bid-dehra tas-sema u ma kienx iħabbel rasu li b'hekk kien qiegħed iħassar id-dawl ta' l-għajnejn tal-ġisem. Għaliex minħabba l-biki tiegħu bla heda hu spiċċa marid ħafna f'għajnejh, u meta t-tabib ipprova jikkonvinċih biex jiċċaħħad mid-dmugħ jekk ma riedx jispiċċa jitlef id-dawl ta' għajnejh, hu ma riedx jisma' minnu bl-ebda mod; hu beda jgħid li kien jippreferi jitlef id-dawl ta' l-għajnejn tal-ġisem milli jwaqqaf id-dmugħ u hekk irażżan id-devozzjoni ta' l-ispirtu, għaliex permezz tad-dmugħ l-għajnejn spiritwali jissaffew u jkunu jistgħu jaraw lil Alla. Il-bniedem devot ta' Alla, għalkemm kien dejjem ixerred id-dmugħ, kien ukoll dejjem ikun mimli sliem u jħoss fih il-ferħ tas-sema, kemm fil-qalb kif ukoll fil-bixra ta' wiċċu. Is-safa tal-kuxjenza qaddisa tiegħu tant kienet timlieh bid-dilka ta' l-hena, li *l-ispirtu tiegħu kien* il-ħin kollu *jinħataf f'Alla u kien jifraħ* dejjem *għall-għemejjel kollha ta' idejh* (cfr. 2Kor 5,13; Dt 14,29; S 91,5).

*Lectio quarta*

[1376] 4 Il-bniedem ta' Alla kien mimli bl-umiltà, li hi l-ħarriesa u t-tiżjin ta' kull virtù. Għaliex, għalkemm hu kien jiddi minħabba l-privileġġi ta' bosta virtujiet, imma kien jidher li l-virtù ta' l-umiltà kellha ħakma partikulari fuqu, hu li kien l-iċken wieħed fost il-Minuri. Għax tassew, hu kien iqis lilu nnifsu bħala l-ikbar wieħed fost il-midinbin, u kien iqis lilu nnifsu bħala *ġarra dgħajfa* u maħmuġa, filwaqt li hu tassew kien *ġarra għall-qdusija* (cfr. Ġer 22,28; 1Pt 3,7) tal-magħżulin, għaliex kien imżejjen b'ħafna virtujiet u grazzji, u ikkonsagrat bil-qdusija. Kien jara bir-reqqa kollha li f'għajnejn l-oħrajn ikun mistmerr, u li jnaddaf, filwaqt li jistqarr fil-pubbliku, dawk it-tbajja' moħbijin li kellu u li jaħbi f'qalbu d-doni divini ta' Dak li kien jagħtihomlu, biex hekk ma jikxifx minn barra biex jikseb glorja dak li seta' jkun għalih okkażjoni ta' tiġrif. U biex *iwettaq kull ġustizzja* (cfr. Mt 3,15) fl-umiltà perfetta, kien jimpenja ruħu biex joqgħod dejjem taħt l-awtorità mhux biss tas-superjuri imma wkoll ta' dawk li kienu inqas minnu, tant li kellu d-drawwa li lil sieħbu li jkun miexi miegħu fil-vjaġġ, ukoll jekk ikun l-aktar sempliċi fost l-aħwa, iwiegħdu l-ubbidjenza. B'dan il-mod hu ma kienx jikkmanda b'awtorità bħal wieħed prelat, imma bħal wieħed li hu ministru u qaddej, kien jobdi bl-umiltà kollha ukoll lil min kien inqas minnu.

*Lectio quinta*

[1377] 5 Dan il-bniedem li mexa b'mod perfett wara Kristu ried li bħala għarusa tiegħu jieħu lil *Madonna Povertà*, li hi s-sieħba ta' l-umiltà qaddisa, hekk li, *tgħarras magħha fl-imħabba* (cfr. Ġer 31,3) meta, mhux biss *telaq lil missieru u lil ommu* (cfr. Ġen 2,24; Mk 10,7), imma wkoll dak kollu li seta' kellu f'din id-dinja. Ħadd ma kellu kilba għad-deheb daqskemm hu kellu għall-faqar, ħadd ma kien aktar moħħu li jaħżen teżor, daqskemm hu li jħares dik il-ġawhra prezzjuża ta' l-Evanġelju. Mill-bidunett ta' l-ordni sal-jum ta' mewtu hu kien kuntent li jkun għani billi jkollu

biss it-tonka, il-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, u hekk kien jiftaħar fiċ-ċaħdiet u jieħu gost li jonqsu l-meħtieġ. Jekk kien jiġrilu li jiltaqa' ma' xi ħadd li, mid-dehra tiegħu fuq barra, kien jidher aktar fqir minnu, hu mall-ewwel kien iċanfar lilu nnifsu u kien jitħabat biex ikun bħalu, biex bħallikieku f'tellieqa għal min ikun l-ifqar, hu kien jibża' li jkun mirbuħ f'din il-ħaġa għax ikun inqas nobbli fl-ispirtu tiegħu. Kien jippreferi l-faqar bħala r-rahan tal-wirt ta' dejjem fuq dak kollu li għad irid jintemm, u kien iqis li ma huma xejn ir-rikkezzi fiergħa, imma biss li kienu qishom fewdu li jingħata biss għal waqt wieħed. Hu kien iħobb il-faqar u jippreferih fuq il-għana kollu, filwaqt li ried li jgħaddi lil kulħadd fil-ħarsien tiegħu, għaliex mill-faqar hu kien tgħallem li kellu jqis lilu nnifsu inqas minn kulħadd.

*Lectio sexta*

[1378] 6 Permezz ta' l-imħabba li kellu lejn l-ogħla faqar, il-bniedem ta' Alla sar hekk mimli għana ta' sempliċità qaddisa li, għalkemm ma kellu xejn tiegħu mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja, kien jidher li kollox kien sar tiegħu, għaliex hu kellu f'idejh lill-istess Ħallieq tal-ġid kollu tad-dinja. Għaliex bil-ħarsa safja bħal dik ta' ħamiema, jiġifieri bil-kapaċità fina li jidħol fil-fond, li hi proprja ta' min għandu intenzjoni sempliċi u safja, u bil-ħarsa ta' riflessjoni mhix imniġġsa, hu kien jikkontempla kollox u jroddu lura lill-Imgħallem, biex f'kollox hu jagħraf, iħobb u jfaħħar lill-istess Ħallieq. U hekk ġara li, bid-don tat-tjieba li ġejja mis-sema, hu kiseb kollox f'Alla u kiseb lil Alla f'kollox. Mhux biss, imma billi kien joqgħod iqis il-bidu ewlieni ta' kollox, kien isejjaħ il-ħlejjaq kollha, ukoll dawk li huma l-aktar umli, bl-isem ta' aħwa, għaliex kien jagħraf li huma, flimkien miegħu, kienu kollha ġejjin mill-istess Prinċipju. Kien iħaddan miegħu b'ħerqa ġewwenija u bi ħlewwa akbar dawk il-ħlejjaq li kienu jidhru jixbħu lil Kristu fl-umiltà tiegħu u li kienu juru x-xbihat li huma għandhom fit-tifsir li tagħtihom l-Iskrittura. Minħabba dan kollu, kien jiġri li, taħt il-qawwa li ġejja mis-sema, l-annimali kienu jħossuhom imqanqlin b'mod naturali biex imorru għandu bil-ħlewwa. Saħansitra l-ħlejjaq li ma għandhomx sensi kienu jobdu għal dak li kien jikkmandahom, bħallikieku dak *ir-raġel* qaddis, *sempliċi u ta' ħajja safja*, kien reġa' ġie iffurmat fl-istat ta' *l-innoċenza* (cfr. Ġob 2,3) tal-bidu.

*Lectio septima*

[1379] 7 Il-ħlewwa tal-pjetà tant kienet sawwbet fil-qaddej tal-Mulej il-għajn ta' kull ħniena b'mod sħiħ u bil-kotra, li hu kien jidher li kellu l-ħniena mqanqla li toħroġ mill-qalb ta' omm, meta kien juri tjieba lejn it-tbatijiet ta' min hu nieqes mill-ħtieġa, u kellu fih il-pjetà li Kristu kien sawwab fih bil-kotra mill-għoli. Hekk qalbu kienet tinħall meta kien jara l-morda u l-foqra, u dak li ma setax jagħtihom b'idejh, kien jurihulhom b'imħabbtu. Għax kull meta kien jilmaħ f'xi ħadd kull għamla ta' ħtieġa jew ta' nuqqas, bil-ħlewwa tal-qalb mimlija tjubija tiegħu kien jilmħu wkoll fi Kristu. Għax fil-foqra kollha kien jara x-xbiha tal-wiċċ ta' Kristu, u hekk, jekk xi ħadd kien jagħtih xi ħaġa li hi meħtieġa għall-ħajja, malli kien jiltaqa' mal-foqra mhux biss kien joffrihielhom bil-qalb, imma kien iqis li hu kellu jerġa' jroddilhom lura dak li hu tagħhom, daqslikieku dak il-ġid kien tagħhom u mhux tiegħu. Hekk xejn ma kien iżommu milli jqassam dak li kellu, mantelli, tonok, kotba u saħansitra t-tiżjin ta' l-altari. Għax malli kien ikun jista', kien jara kif iqassam kollox lil dawk li jkunu fil-ħtieġa, u biex iwettaq l-uffiċċju tal-pjetà perfetta fih innifsu, kien jitħabat biex *jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu* (cfr. 2Kor 12,15).

*Lectio octava*

[1380] 8 Il-ħeġġa għas-salvazzjoni ta' l-aħwa, li kienet ħierġa mill-ħeġġa taqbad ta' mħabbtu, kienet *tinfed* il-ġewwieni ta' Franġisku bħal *xabla tan-nar imsinna* (cfr. Apk 1,16; Ġen 3,24), hekk li dan il-bniedem kien jidher kollu *mħeġġeġ b'għira qaddisa* (cfr. Lq 2,35; Eż 34,14) li kienet tferih bl-imrar tal-kompassjoni. Meta kien jara l-erwieħ li huma mifdijin mid-demm l-aktar għażiż ta' Kristu jiġu mniġġsin mill-ħmieġ tad-dnub, hu kien iħossu minfud minn tbatija kbira, u tant kien jitbekka u jitħassar dik il-miżerja tagħhom, li ta' kull jum kien ibati l-uġiegħ tal-ħlas biex iwellidhom bħal omm fi Kristu. Minn dan kollu naraw il-ħeġġa tiegħu għat-talb, il-ġiri tiegħu biex jippriedka kullimkien, l-entużjażmu biex jagħti l-eżempju, hekk li ma kienx iqis lilu nnifsu ħabib ta' Kristu jekk ma kienx jieħu ħsieb ta' l-erwieħ li Hu feda. Minħabba f'hekk, għalkemm il-ġisem tiegħu kien bla ħtija, u kien minn jeddu joqgħod taħt il-qawwa ta' l-ispirtu, u ma kellux bżonn ta' l-ebda kastig, imma hu kien ikattar it-tbatijiet u l-kastigi fuqu nnifsu, biex hekk jagħti l-eżempju, u minħabba l-oħrajn kien jobbliga lilu nnifsu biex *iħares il-mixja iebsa* (cfr. S 16,4), ħalli b'hekk ikun jista' jimxi b'mod perfett fuq il-passi ta' Dak li, minħabba s-salvazzjoni ta' kulħadd, *offra ruħu għall-mewt* (cfr. Is 53,12).

*Lectio nona*

[1381] 9 Il-ħeġġa tal-karità perfetta, li kienet twasslu f'Alla bħal ħabib ta' l-Għarus, kulħadd kien jista' jaraha b'mod partikulari minn dan li se ngħidu, jiġifieri li hu kien jixtieq bil-ħerqa kollha li joffri lil nnifsu lill-Mulej bħal *ostja ħajja* (cfr. Rum 12,1). Għal din ir-raġuni, għal tliet darbiet hu erħielha lejn l-artijiet ta' l-infidili, imma l-ewwel darbtejn ir-rieda divina ma ħallietux jasal, filwaqt li fit-tielet darba, wara li kien sofra bosta tbatijiet, ktajjen, swat u xogħol iebes, wasal bl-għajnuna tal-Mulej li mexxieh, għand is-Sultan ta' Babilonja. Lilu b'ħafna kliem qawwi *u bit-turija ta' l-ispirtu ħabbarlu l-Evanġelju ta' Ġesù* (cfr. 1Kor 2,4; Atti 5,12), hekk li l-istess Sultan baqa' mistagħġeb u sar mimli tjieba għall-ħniena divina, hekk li qagħad jisimgħu bil-qalb kollha. Għaliex hu kien qiegħed jilmaħ fih il-ħeġġa ta' l-ispirtu, il-qawwa tar-ruħ, iċ-ċaħda tal-ħajja ta' issa, u l-qawwa li biha kien ixandarlu l-kelma divina, hekk li tant nissel fih sens ta' qima lejh, li ried jagħtih ġieħ kbir, offrielu ħafna rigali prezzjużi u stiednu biex joqgħod għandu aktar fit-tul. Imma dak li kien tassew jistmerr id-dinja, ċaħad bħallikieku kienu tajn dawk ir-rigali, u billi intebaħ li ma setax jasal biex iwettaq dak li kien ippropona, wara li kien tħabat biex jagħmel dak kollu li seta' biex iwettqu, mar lura lejn il-kamp ta' l-insara, skond kif ġie mnebbaħ mir-rivelazzjoni divina. U hekk ġara li għalkemm dan il-ħabib ta' Kristu kien fittex bil-qawwa tiegħu kollha biex imut għalih, hu ma setax iwettaq dan il-pjan. Imma jekk ma naqasx fih il-mertu tal-martirju li hu xtaq li jsofri, hu ġie meħlus minnu biex, aktar tard, ikun immarkat minn privileġġ singulari.

IV – DWAR IL-ĦEĠĠA GĦAT-TALB U L-ISPIRTU TAL-PROFEZIJA

*Lectio prima*

[1382] 1 Il-qaddej ta' Kristu kien iħossu *li f'ġismu kien jinsab 'il bogħod mill-Mulej* (cfr. 2Kor 5,6), u filwaqt li għall-imħabba ta' Kristu, minn barra hu ma baqa' jħoss l-ebda ġibda lejn ix-xewqat tad-dinja, biex ma jitlifx il-faraġ tal-Maħbub tiegħu, hu kien jitħabat biex juri bla waqfien li jrid iħares l-ispirtu tat-talb quddiem Alla. Hekk meta kien ikun miexi jew bilqiegħda, meta kien ikun ġewwa jew barra, meta kien ikun jaħdem jew jistrieħ, tant kien ikollu moħħu u qalbu mehdijin fit-talb, li kien jidher li kien iddedika kull parti tiegħu nnifsu lit-talb, mhux biss il-qalb u l-ġisem, imma wkoll il-ħidma u l-ħin tiegħu. Tant kien jidher donnu mdendel f'estasi ta' devozzjoni, li kien jinħataf 'il fuq minnu nnifsu, u kien iħossu li jgħaddi kull ma jista' jħoss il-bniedem, hekk li kien jinsa dak kollu li jkun qiegħed jiġri madwaru.

*Lectio secunda*

[1383] 2 Biex ikun jista' jilqa' b'aktar ġabra d-doni tal-faraġ spiritwali, kien iħobb jinġabar f'postijiet imwarrbin u fi knejjes mitluqin, biex hemmhekk jitlob bil-lejl; għalkemm ukoll hemmhekk kien jiġi mġarrab bil-qawwa terribbli tax-xjaten, li kienu jiġu biex jissieltu miegħu driegħ ma' driegħ, bl-iskop li jitħabtu ħalli ifixkluh fl-impenn tiegħu ta' talb. Imma l-bniedem ta' Alla kien iħarrabhom bil-qawwa tat-talb imħeġġeġ tiegħu bla jaqta', u hekk hu kien jibqa' waħdu u fis-sliem. Kien mela jimla l-boskijiet bl-ilfiq tiegħu, kien ixerred id-dmugħ tiegħu ma' l-art, kien iħabbat b'idu fuq sidru u, bħallikieku mill-ġewwieni ta' santwarju mill-aktar moħbi kien iwieġeb lill-imħallef, kien jittallab mingħand il-missier, kien jiċċajta bl-imħabba ma' l-għarus, kien jitkellem mal-ħabib. Hemmhekk kienu rawh jitlob bil-lejl, idejh u dirgħajh miftuħin f'għamla ta' salib, b'ġismu merfugħ kollu kemm hu 'l fuq mill-art, u mdawwar bi sħaba kollha dawl, hekk li dik id-dija u l-ġisem merfugħ 'il fuq b'mod ta' l-għaġeb setgħu jsiru xhieda ta' l-ispirtu tiegħu imdawwal u merfugħ 'il fuq.

*Lectio tertia*

[1384] 3 Dawn il-virtujiet soprannaturali ta' ruħu merfugħa 'l fuq fl-estasi huma prova żgura u ċara li, bil-qawwa tagħhom, kienu jiġu rivelati lilu *l-misteri moħbijin ta' l-Għerf* (cfr. S 50,8) divin, ukoll jekk hu ma kienx jurihom minn barra, jekk mhux meta l-ħeġġa għas-salvazzjoni ta' l-aħwa kienet titlob dan, u kien jiġi mitlub minnu permezz taċ-ċaqliq tar-rivelazzjoni mill-għoli. Hu kien jingħata mingħajr ma jehda għat-talb, fis-sliem tar-ruħ tiegħu, u dan kien iwassal lill-bniedem ta' Alla għall-eżerċizzju bla jaqta' tal-virtujiet hekk li, għalkemm hu ma kellux taħriġ fl-Iskrittura mqaddsa permezz ta' studju u għerf tal-bnedmin, imma minn ġewwa kien jiġi mdawwal b'dawl jiddi u etern, hekk li kien jifli l-misteri profondi ta' l-Iskrittura b'moħħ ċar u b'finezza kbira. *L-ispirtu* tal-profeti li jidher taħt ħafna għamliet kien *jistrieħ* (cfr. Is 11,2) fuqu u jimlieh bil-milja tal-grazzja, hekk li bil-qawwa ta' l-għaġeb ta' dan l-istess spirtu l-bniedem ta' Alla kien jidher lill-aħwa tiegħu li ma jkunux miegħu u kien ukoll jagħraf dak li jkun qed jiġri lill-aħwa li jinsab 'l bogħod minnu. Hu kien jidħol fil-fond tas-sigrieti tal-qlub, u kien iħabbar dak li kellu jiġri fil-

ġejjieni, kif jiġi ippruvat b'mod evidenti minn ħafna eżempji, li minnhom aħna sejrin insemmu xi wħud.

*Lectio quarta*

[1385] 4 Meta darba minnhom ir-raġel qaddis Antonju, li kien predikatur mill-aktar magħruf, u konfessur imdawwal ta' Kristu, kien qiegħed jippriedka lill-aħwa, bi kliem ħelu daqs il-għasel, fuq it-titlu li kien twaħħal mas-salib: *Ġesù Nażżarenu, Sultan tal-Lhud* (cfr. Ġw 19,19), waqt il-kapitlu provinċjali ta' Arles, ir-raġel ta' Alla Franġisku, li kien jinsab 'il bogħod ħafna, deher merfugħ 'il fuq fl-arja, fuq il-bieb tas-sala tal-kapitlu, u kellu idejh miftuħin taħt forma ta' salib, u kien ibierek lill-aħwa, hekk li dawn imtlew bi spirtu ta' faraġ hekk kbir, li huma setgħu jkunu żguri fl-ispirtu tagħhom li kien jixhed li dik id-dehra ta' l-għaġeb kienet imżejna bil-qawwa mis-sema. Wara kollox, dan il-fatt ma setax baqa' moħbi għall-Missier imqaddes, u dan juri biċ-ċar kemm l-ispirtu tiegħu kien miftuħ li jilqa' fih id-dawl *ta' l-Għerf* ta' dejjem, għax *dak li jiċċaqlaq aktar minn kull ħaġa li titħarrek, u li bis-safa tiegħu jinfed u jimla' kollox, jidħol fl-erwieħ qaddisa u jagħmel minnhom ħbieb ta' Alla u profeti* (cfr. Għerf 7,24.27).

*Lectio quinta*

[1386] 5 Meta darba minnhom l-aħwa kienu miġburin, kif soltu kien jagħmlu, għall-kapitlu f'Santa Marija tal-Porziuncola, wieħed minnhom, li kien qiegħed imħares minn xi ħadd mill-aħwa li ried jiddefendih, ma riedx joqgħod għad-dixxiplina. Meta l-bniedem qaddis ra dan, waqt li kien mistur fiċ-ċella jitlob u jidħol bejn Alla u l-aħwa, hu sejjaħ għandu lil wieħed minnhom, u qallu: "Ara, ħija, jiena rajt lix-xitan imqabbad ma' dahar dak ħuna li ma jridx jobdi, u qiegħed iżommu magħfus minn għonqu, hekk li issa li hu maħkum minn rikkieb bħal dak, hu qiegħed jimxi bir-riedni tiegħu u qiegħed jiċħad ir-rażan ta' l-ubbidjenza. Mur mela u għid lil dan ħuna biex mingħajr dewmien imejjel għonqu taħt l-ubbidjenza qaddisa, kif qiegħed jitolbu jagħmel dak li, bit-talb tiegħu bla head, dak ix-xitan jista' jaħrab mirbuħ". Meta dak mar iwissi lil ħuh, dak mall-ewwel ħass fih l-ispirtu ta' l-indiema u kiseb id-dawl tal-verità, u għalhekk mar quddiem il-Vigarju tal-qaddis, u *miel lilu nnifsu sa l-art quddiemu* (cfr. Mt 26,39) filwaqt li għaraf li hu kien ħati, talab maħfra, laqa' d-dixxiplina u minn dak il-ħin beda jobdi bl-umiltà kollha f'kollox.

*Lectio sexta*

[1387] 6 Fiż-żmien li kien jinsab fuq il-Monte della Verna, u kien joqgħod magħluq fiċ-ċella, wieħed mill-aħwa kellu xewqa kbira li jikseb xi kliem tal-Mulej miktubin fil-qosor u iffirmati minn id Franġisku. Għaliex hu kien maħkum minn tentazzjoni gravi, għalkemm mhux waħda tal-ġisem, u kien jemmen li b'dan il-ġest hu seta' jxejjen, jew ta' l-inqas, jiflaħ iġorr b'inqas toqol dik it-tentazzjoni. Hekk baqa' inin b'din ix-xewqa ġewwenija, imma billi hu kien umli, mistħi u sempliċi, kien mirbuħ mill-mistħija u ma kellux il-kuraġġ li juri minn barra lill-Missier meqjum dak li kien iħoss. Imma dak li l-bniedem ma setax jgħidu, urieh l-Ispirtu. Għax Franġisku talab lil dan ħuh li semmejna biex iġiblu l-linka u l-meħtieġ għall-kitba flimkien mal-parċmina, biex hekk ikun jista'jikteb b'idejh stess it-tifħir tal-Mulej u l-barka tiegħu lil dak ħuh, kif dak kien xtaq.

Hekk hu bil-qalb kollha tah dak li kien kiteb, u minn dak il-ħin it-tentazzjoni li kellu twarrbet minnu. Dik l-istess parċmina miktuba imbagħad, ġiet imħarsa bir-reqqa, u wara kienet tat lil bosta nies il-fejqan li kellhom bżonn. Minn dan kollu jidher b'mod ċar quddiem kulħadd liema mertu kellu quddiem Alla dak li kien kiteb u ħalla f'din il-parċmina iffirmata qawwa daqshekk kbira u li tħaddem il-ġid fl-oħrajn.

*Lectio septima*

[1388] 7 Darba oħra waħda mara nobbli, li kienet tqim lil Alla, marret bil-fiduċja għand il-qaddis, u talbitu bil-qawwa tagħha kollha, sabiex jogħoġbu jidħol quddiem il-Mulej għal żewġha, li kien kiefer ħafna, u li kien iġiegħelha ssofri għax kien ifixkilha milli taqdi lil Kristu. Talbitu sabiex bit-tiswib tal-grazzja ta' Alla, żewġha jrattab l-ebusija ta' qalbu. Malli semagħha, r-raġel qaddis u twajjeb kellimha bi kliem ta' faraġ u qaddis, u żguraha li dalwaqt kienet se tikseb il-faraġ li kienet tixtieq, u fl-aħħarnett bagħatha, filwaqt li ikkmandaha tgħid lil żewġha, minn naħa ta' Alla, li issa kien iż-żmien tal-ħniena, imma mbagħad kellu jiġi ż-żmien tal-ħaqq. Dik il-mara emmnet fil-kliem li kien tennielha l-qaddej tal-Mulej, u wara li laqgħet il-barka tiegħu, ħaffet lura lejn id-dar. Malli iltaqgħet ma' żewġha, irrakkontatlu l-laqgħa li hi kellha, filwaqt li stenniet mingħajr l-ebda dubju li titwettaq dik il-wegħda, skond ix-xewqa tagħha. U ġara li malli dawk il-kelmiet bdew jidwu fil-widnejn ta' dak ir-raġel, niżel fih mall-ewwel l-ispirtu tal-grazzja, qalbu saret ratba, u minn dak il-ħin ħalla lil martu biex bil-libertà kollha taqdi lil Alla bid-devozzjoni u offra ruħu biex flimkien magħha hu wkoll jaqdi lill-Mulej. Wara li martu ikkonvinċietu, flimkien magħha għadda ħajja ta' safa, u mbagħad, fl-istess jum, il-mara filgħodu u żewġha filgħaxija, it-tnejn li huma għaddew għand il-Mulej, waħda bħala *sagrifiċċju ta' filgħodu* u hu bħala *sagrifiċċju ta' filgħaxija* (cfr. S 140,2).

*Lectio octava*

[1389] 8 Fiż-żmien li fih il-qaddej tal-Mulej kien jinsab Rieti u kien mixħut marid, wieħed kanonku, jismu Gedeone, li kien raġel ta' vizzju u moħħu fil-ħwejjeġ tad-dinja, marad b'marda gravi. Ġabuh, mela, mixħut kif kien f'soddtu, għand Franġisku, u malli wasal għandu beda jitolbu b'ħafna dmugħ, flimkien ma' dawk li kienu ġew miegħu, biex jimmarkah bis-sinjal tas-salib. U dak qallu: "Billi inti darba kont tgħix *skond ix-xewqat tal-ġisem* (cfr. Sir 17,24) u ma kontx tibża' *mill-ħaqq ta' Alla* (cfr. Gal 5,16), mhux minħabba fik, imma minħabba t-talb devot ta' dawk li hemm miegħek, jiena nimmarkak bis-sinjal tas-salib. Imma minn issa ngħidlek dan, li għandek tkun taf li inti se ssofri ħafna agħar minn hekk, jekk wara li tinħeles mill-marda tiegħek terġa' lura *lejn il-vomtu*" (cfr. Prov 26,11). Hekk hu immarkah bis-sinjal tas-salib minn rasu sa saqajh, u dak il-ħin l-għadam tiegħu faqqa', u dawk kollha li kienu hemmhekk semgħuh, bħallikieku kien injam niexef qed jinqasam. F'daqqa waħda dak li kien mimdud u ma jistax jiċċaqlaq, qam f'saħħtu, u beda jfaħħar lil Alla u jgħid: "Ara ħlist mill-marda tiegħi". Wara li għadda ftit taż-żmien, reġa' nesa lil Alla u mar lura għall-għemejjel mhux safja tal-ġisem. Darba minnhom filgħaxija kien mistieden biex imur jiekol għand wieħed kanonku, u kien baqa' għandu bil-lejl biex jorqod, meta f'daqqa waħda s-saqaf ta' dik id-dar iġġarraf fuq dawk kollha li kienu hemm, filwaqt li miet hu biss, u l-oħrajn kollha ħelsuha ħafif. U hekk ġara li, f'din il-ġrajja, wieħed seta' jara flimkien

kemm hi qalila l-ġustizzja divina kontra dawk li huma ingrati, kif ukoll kemm Franġisku kien mimli *bl-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apk 19,10) meta ħabbar b'mod veru u ċar dak li kellu jiġri.

*Lectio nona*

[1390] 9 Fiż-żmien li fih kien ġie lura mill-pajjiżi ta' *oltremare,* darba minnhom mar Celano biex jippriedka. Wieħed kavallier stiednu, bl-umiltà u bid-devozzjoni, u talbu b'insistenza kbira biex imur għandu għall-ikel, hekk li kważi kellu jmur kontra r-rieda tiegħu. Imma qabel ma bdew jieklu, dak ir-raġel ta' ruħ devota kien bħas-soltu joffri lil Alla t-talb u t-tifħir tiegħu, meta fl-ispirtu tiegħu ra lil dawk ir-raġel li stiednu li kien wasal qrib il-mewt u l-ġudizzju, u hekk maħtuf barra minnu nnifsu baqa *b'għajnejh iċċassati jħarsu lejn is-sema* (cfr. Ġw 17,1). Meta temm it-talb talab lil dak ir-raġel twajjeb li stiednu biex imur miegħu f'post imwarrab, u ħabbarlu li l-mewt kienet qrib ħafna għalih, u wissieħ u ħeġġu, bil-qawwa kollha, biex iqerr u jtemm ħajtu fit-tjieba. Dak ir-raġel mall-ewwel *ta widen għall-kliem* (cfr. 1Tim 6,3) tal-bniedem qaddis, u mar quddiem wieħed mill-aħwa u stqarr bla ħabi dnubietu kollha, hekk *ħejja daru* (cfr. Is 38,1), u intelaq f'idejn il-ħniena divina u ħejja ruħu kif seta' biex jilqa' l-mewt. U ġara għalhekk li, waqt li l-oħrajn kienu qegħdin jistennew biex jieklu, dak il-kavallier, li kien jidher raġel b'saħħtu u bejjien, f'daqqa waħda radd ruħu lura skond il-kliem tal-bniedem ta' Alla, u ġarritu magħha l-mewt zoptu, imma bil-qawwa ta' l-ispirtu profetiku li kien ħabbarlu minn qabel dak li kellu jiġri, hu kien armat bil-penitenza, u hekk ħeles mill-kastig ta' dejjem, u daħal *fl-għamajjar ta' dejjem* (cfr. Lq 16,9) skond dak li jwiegħed l-Evanġelju.

## V - DWAR L-UBBIDJENZA TAL-ĦLEJJAQ U KIF ALLA KIEN JISMA' T-TALB TIEGĦU

*Lectio prima*

[1391] 1 Tassew li fil-qaddej tiegħu Franġisku, li *ġie midluk bl-Ispirtu tal-Mulej* (cfr. Lq 4,18), kien jgħammar *Kristu, il-qawwa u l-għerf ta' Alla* (cfr. 1Kor 1,24). Bil-qawwa u l-grazzja ta' dan l-ispirtu mhux biss kienu jinkixfu quddiemu *ħwejjeġ moħbija* (cfr. S 50,9), imma sħansitra kienu joqogħdu għalih il-ħlejjaq kollha ta' din id-dinja. Kien hemm żmien li fih it-tobba tawh il-parir u l-aħwa ippruvaw jikkonvinċuh, biex jipprova jsib rimedju għall-marda li kellu f'għajnejh billi joqgħod għall-kura. Il-bniedem ta' Alla qagħad għalihom bl-umiltà, għaliex kien konvint li dik il-kura mhux biss kienet sejra tgħinu kontra l-marda tal-ġisem, imma kellha tkun okkażjoni biex fiha jħaddem il-virtù. Minħabba li l-ġisem dgħajjef tiegħu, meta ra quddiemu dak l-istrument tal-ħadid li kien jikwi, inħakem minn twerwir naturali, il-bniedem qaddis beda jkellem lin-nar bħallikieku kien ħuh, u fl-isem u l-qawwa tal-Ħallieq ikkmandah biex itaffi l-qawwa tal-ħruq tiegħu, biex hekk ma jaħqrux u hu jkun jiflaħ jissapportih. Il-ħadida tikwi daħlet tfexfex fil-laħam artab u l-feria ta' operazzjoni tal-ħruq saritlu minn widnejh sa fuq għajnejh, imma l-bniedem ta' Alla kien mimli ferħ fl-ispirtu, u qal lill-aħwa: "Faħħru lill-Aktar Għoli, għaliex ngħidilkom is-sewwa, li l-ħruq tan-nar ma kienx ta' tfixkil għalija u ma ikkawżali l-ebda uġiegħ!"

*Lectio secunda*

[1392] 2 Meta l-qaddej ta' Alla kien jinsab marid ħafna fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano, billi beda jħossu ħażin, talab lill-aħwa jagħtuh tazza inbid. Imma dawn weġbuh li hemmhekk ma kellhomx inbid u għalhekk ma setgħux jagħtuh. Għalhekk hu ikkmandahom biex iġibulu l-ilma, u malli ġabuhulu hu bierku bis-sinjal tas-salib. Dak li qabel kien ilma safi mall-ewwel sar inbid mill-aktar tajjeb, hekk li dak li l-faqar ta' dak il-post ma setax jagħti, seħħ bit-talb safi tar-raġel qaddis. Malli hu daq dak l-inbid, mall-ewwel ħassu aħjar. Hekk kien jidher b'mod ċar li Dak li jqassam b'idu miftuħa kien tah dik ix-xarba li xtaq, mhux għaliex hu kien jixtieq jiggustaha, imma għaliex kienet meħtieġa għas-saħħa tiegħu.

*Lectio tertia*

[1393] 3 Darba oħra, l-bniedem ta' Alla ried imur f'eremitaġġ, biex hemmhekk jingħata bil-qalb għall-kontemplazzjoni. Billi kien dgħajjef ħafna, kien qiegħed jivvjaġġa riekeb fuq ħmar, flimkien ma' wieħed raġel fqajjar li kien imexxieh. Billi kien is-sajf, dak ir-raġel kien qiegħed jimxi wara l-qaddej ta' Alla *telgħin il-muntanja* (cfr. Ġoż 2,16), u dak minħabba t-triq iebsa u twila *beda jgħejja mill-vjaġġ* (cfr. Ġw 4,6), u beda jħossu mejjet bil-għatx u donnu kellu ħass ħażin, hekk li beda mall-ewwel jgħajjat u jgħid li, jekk ma kienx se jixrob, kien sejjer imut dalwaqt. Mingħajr l-ebda dewmien il-bniedem ta' Alla niżel minn fuq il-ħmar, u filwaqt li qagħad għarkobbtejh ma' l-art, refa' *idejh lejn is-sema* (cfr. 2Kron 6,13), u *ma hediex mit-talb* (cfr. Kol 1,9) sakemm fehem li kien ġie mismugħ. Malli temm it-talb qal lil dak ir-raġel: "Mur iġri lejn dik il-blata, u hemmhekk issib *ilma* ħaj, li f'din is-siegħa Kristu fil-ħniena tiegħu *se jagħtik* (cfr. Is 48,21) toxrob mill-blata". Dak ir-raġel bil-għatx mar jiġri lejn dak il-post u beda jixrob *l-ilma mill-blata* (cfr. S 77,16; Is 48,21), li kien inixxi bil-qawwa tat-talb ta' Franġisku u qata' l-għatx tiegħu mill-ilma li Alla nnifsu kien ħariġlu *mill-blata żonqrija* (cfr. Dt 32,13).

*Lectio quarta*

[1394] 4 Darba minnhom il-qaddej tal-Mulej kien qiegħed jippriedka ħdejn il-baħar f'Gaeta. Billi ried iwarrab mill-folla li kienet tagħfas fuqu minħabba d-devozzjoni, tela' waħdu fuq dgħajsa li sab marbuta max-xatt. Dik, bħallikieku kienet misjuqa minn xi qawwa moħbija, mingħajr l-ebda moqdief, bdiet ħierġa 'l barra mill-art, filwaqt li dawk kollha li kienu jħarsu baqgħu mistagħġbin. Meta mbagħad kienet ħarġet kemm kemm 'il barra fil-baħar, baqgħet wieqfa f'nofs il-mewġ, għat-tul kollu tal-ħin li fih il-bniedem ta' Alla għogbu joqgħod jippriedka lill-folla li kienet miġbura fuq ix-xatt. Meta semgħu l-kliem tiegħu u raw il-miraklu, u wara li laqgħu l-barka tiegħu, il-folol telqu minn dak il-post, skond kif kien talabhom il-qaddis. Hekk id-dgħajsa, immexxija mill-ġdid bil-qawwa ta' kmand li ġie mis-sema, reġgħet lura lejn l-art. Hekk *il-ħlejqa biex jaqdi lill-Ħallieq* (cfr. Għerf 16,24), qagħdet mingħajr l-ebda tnikkir u obdiet lil dak li kien tassew iqim b'mod perfett lil Dak li ħalaq kollox.

*Lectio quinta*

[1395] 5 Meta kien qiegħed jgħix fl-eremitaġġ ta' Greccio, in-nies ta' dak ir-raħal kienu imħabbtin minn ħafna xorta ta' saram, għaliex ta' kull sena t-tempesti tas-silġ kienu jħarbtulhom l-għelieqi u d-dwieli, u kotra ta' lpup ħattafa kienu jieklu mhux biss il-bhejjem, imma saħansitra lill-bnedmin. Il-qaddej tal-Mulej li jista' kollox kien imnikket ħafna u ħass ħniena mill-qiegħ tal-qalb lejn dawk in-nies, u meta kien qiegħed jippriedkalhom wegħedhom u żgurahom personalment li dawk il-kastigi kienu sejrin jitbiegħdu minnhom, jekk huma kienu jqerru dnubiethom, u jkunu jridu *jagħmlu frott xieraq ta' ndiema* (cfr. Mt 3,8). Minn dik is-siegħa, billi huma qagħdu għall-kliem ta' tħeġġiġ tiegħu u għamlu penitenza, waqqfu l-kastigi, it-tiġrib għab, u l-ilpup u s-silġ *ma għamlulhomx aktar ħsara* (cfr. Dan 3,50); mhux biss, imma dak li hu aktar ta' l-għaġeb kien li, meta s-silġ kien jinżel fuq l-għelieqi tan-nies ta' l-irħula ta' maġenbhom, malli kien jasal biex imiss l-għelieqi tagħhom kien jieqaf fuq l-istess post, jew kien imur post ieħor.

*Lectio sexta*

[1396] 6 Darba oħra, l-bniedem ta' Alla kien għaddej mill-wied ta' Spoleto bl-iskop li jippriedka, u wasal qrib Bevagna, f'post li fih kienu inġabru qtajjiet kbar ta' għasafar ta' kull ġens. Filwaqt li hu kien iħares lejhom b'għajnejn qaddisa, *niżel fuqu l-Ispirtu tal-Mulej* (cfr. Imħ 14,6), u mar jiġri bil-ħeffa lejn dak il-post, filwaqt li sellmilhom bil-ħeġġa u ikkmandhom jisktu biex hekk joqogħdu jisimgħu l-kelma ta' Alla. Filwaqt li hu beda jkellimhom u jfakkarhom fil-ħafna benefiċċji li Alla għamel mal-ħlejjaq tiegħu, u dwar it-tifħir li huma bħala għasafar kellhom iroddulu, dawk l-għasafar kienu jiċċaqilqu b'mod ta' l-għaġeb, u bdew itawwlu għonqhom, jifirxu ġwenħajhom, jiftħu l-munqar, u jħarsu lejh bir-reqqa, hekk li donnhom kienu qiegħdin jisimgħu dawk il-kliem hekk mimlijin qawwa ta' l-għaġeb. Għax kien tassew ġust li dak *il-bniedem mimli b'Alla* (cfr. Ġen 41,38) iħossu mqanqal b'affett ħiereġ minn qalb ta' bniedem lejn il-ħlejjaq li huma neqsin mir-raġuni, u li huma, minn naħa tagħhom, b'mod hekk ta' għaġeb iħossuhom miġbudin lejh, u kienu attenti filwaqt li hu kien jgħallimhom, u kienu jobdu dak li kien jikkmandahom. Huma kienu jiġu għall-kenn tiegħu bil-fiduċja, u hu kien jilqagħhom, kienu jmorru biex joqgħodu miegħu mingħajr ma jibżgħu, u hu kien iżommhom għandu.

*Lectio septima*

[1397] 7 Fiż-żmien li fih hu ried jikseb il-palma tal-martirju, u ipprova jaqsam il-baħar biex imur fl-inħawi ta' *oltremare*, imma mingħajr ma seħħlu jagħmel dan, minħabba li iltaqa' ma' tempesta fuq il-baħar, Dak li għandu f'idejh it-tmun ta' kollox għoġbu li fil-providenza tiegħu jeħles lilu u lill-oħrajn kollha mill-periklu tal-mewt, u hekk wera l-*għemejjel* ta' l-għeġubijiet tiegħu għalih f'qiegħ il-baħar. Għax meta ried jiġi lura lejn l-Italja minn Schiavonia, hu tela' fuq il-ġifen mingħajr ma kellu biex iħallas il-vjaġġ. Imma filwaqt li hu kien tiela' fuq il-ġifen, *ġiet mibgħuta minn Alla* (cfr. Ġw 1,6) l-għajnuna lil dan il-fqajjar ta' Kristu. Hekk ġie raġel li mhux biss ġab miegħu dak li kien meħtieġ, imma talab lil wieħed mill-baħrin li kien kien raġel jibża' minn Alla u tah dak l-ikel f'idejh, sabiex meta jasal iż-żmien hu jkun jista' jinqeda bih billi jqassmu lil dawk li ma kellhom xejn. U hekk, minħabba l-qawwa ta' l-irwiefen, il-baħrin ma setgħu jidħlu fl-ebda port, u għalhekk il-ħażna ta' l-ikel li kellhom spiċċat. Kien fadal biss dak il-ftit ikel li kien

ġie mogħti b'karità mis-sema lir-raġel qaddis. Dak l-ikel, għat-talb u l-merti tiegħu, u bil-qawwa tal-providenza mis-sema, tant tkattar li kien biżżejjed biex ixabba' lil kulħadd matul dawk il-ħafna jiem ta' tempesta fuq il-baħar, sakemm fl-aħħar waslu fil-port li kienu xtaqu jidħlu fih, jiġifieri Ancona.

*Lectio octava*

[1398] 8 Darba oħra, meta l-bniedem ta' Alla mar jippriedka fil-Lombardia u fil-Marca Trevigiana flimkien ma' wieħed mill-aħwa, ġralu li hu hu miexi qrib Padova f'daqqa waħda daħal il-lejl u dalam. Billi dik it-triq kienet miftuħa għal bosta perikli, minħabba li kienet qrib ix-xmara, u l-art kienet kollha tajn li tista' tegħreq fih jekk ma tarax fejn int miexi fid-dlam, dak sieħbu beda jitlob u jinsisti mal-bniedem ta' Alla li, fi ħtieġa hekk kbira, hu jitlob l-għajnuna ta' Alla. U hu wieġbu b'fiduċja kbira: "*Alla għandu l-qawwa* (cfr. Lq 3,5), jekk jogħoġbu fil-ħlewwa tiegħu, li jħarrab id-dlam u ċ-ċpar, u lilna jdawwalna bid-dawl tat-tjieba tiegħu". Tassew ħaġa ta' l-għaġeb! Malli hu temm dawn il-kelmiet, ara, tant beda jiddi dawl madwarhom li kien nieżel mill-qawwa ta' Dak li jista' kollox, li filwaqt li madwarhom ma' kullimkien kien hemm id-dlam tal-lejl, imma huma b'dak id-dawl mhux biss raw it-triq, imma wkoll bosta ħwejjeġ li kien hemm madwarhom, sa ma twassal il-ħarsa fuq in-naħa l-oħra tax-xmara.

*Lectio nona*

[1399] 9 Kien tassew jixraq li, fost id-dlam oħxon tal-lejl, jgħaddi quddiemu d-dawl tad-dija tas-sema. Minn dan naraw li ma jistgħux ikunu maħkumin *mid-dlam tal-mewt* (cfr. Ġob 10,21) dawk li jimxu dritt fuq il-mogħdija tad-dawl tal-ħajja. Hekk immexxijin fil-ġisem minn din id-dija ta' l-għaġeb ta' dan id-dawl u mfarrġin fl-ispirtu, huma baqgħu mexjin għal għonq it-triq twila ikantaw u jfaħħru lil Alla, sakemm waslu fil-post ta' l-ospizju. O bniedem tassew jiddi u ta' l-għaġeb! Quddiemu n-nar inaqqas is-sħana tiegħu, l-ilma jbiddel it-togħma tiegħu, il-blata żonqrija tnixxi l-ilma bil-kotra, il-ħlejjaq bla ruħ jaqduh, il-ħlejjaq bla raġuni juru li jridu jifhmuh bir-reqqa; saħansitra l-Mulej ta' kollox imil biex jobdih, għax jilqa' bit-tjieba t-talb tiegħu, hekk li jħejjilu bil-qalb l-ikel, u joffrilu d-dawl tiegħu b'mod ċar biex imexxih. Tassew li b'dan il-mod, bħal bniedem ta' qdusija mill-aktar unika, il-ħlejjaq kollha jmilu biex jaqduh u l-istess Ħallieq ta' kollox imil bil-ħlewwa lejh.

## VI – L-ISTIMMATI QADDISA

*Lectio prima*

[1400] 1 Franġisku, il-qaddej u l-ministru fidil ta' Kristu, sentejn qabel ma radd ruħu lura lejn is-sema, waqt li kien jinsab maqtugħ 'il fuq f'post għoli, li jissejjaħ Monte della Verna, biex hemmhekk jibda erbgħin jum ta' sawm f'ġieħ l-Arkanġlu San Mikiel, ħassu maħkum aktar mis-soltu bil-ħlewwa tal-kontemplazzjoni tas-sema, u mqabbad bin-nar ta' ħerqa akbar biex jixtieq il-ħwejjeġ tas-sema, hekk li beda jħoss jissawwbu fuqu bil-kotra d-doni li jiġu mill-għoli. Filwaqt li l-ħerqa serafika tax-xewqat tiegħu kienet terfagħlu l-ispirtu tiegħu 'l fuq lejn Alla, u l-ħlewwa

mimlija kompassjoni ta' l-affett tiegħu kienet tbiddlu għal kollox f'dak li, għall-imħabba kbira tiegħu, għoġbu jkun imsallab: għodwa waħda qrib il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib imqaddes kien qiegħed jitlob fil-ġenb tal-muntanja meta ra donnu xbieha ta' Serafin li kellu sitt ġwienaħ ileqqu u jaqbdu bin-nar, li kien niżel mill-għoli tas-smewwiet, u li kien itir bil-ħeffa sakemm waqaf fl-arja qrib il-post li fih kien jinsab il-bniedem ta' Alla. F'dak il-ħin hu deher mhux biss li kellu l-ġwienaħ, imma wkoll li kien imsallab, għaliex idejh u riġlejh kienu mifruxin u mwaħħlin ma' salib, filwaqt li l-ġwienaħ kienu mifruxin b'mod ta' l-għaġeb, hekk li tnejn minnhom kienu jogħlew 'il fuq minn rasu, tnejn kienu mifruxin biex jittajjar, u t-tnejn l-oħrajn kienu jgħattulu l-kumplament ta' ġismu.

*Lectio secunda*

[1401] 2 Malli ra dan, hu baqa' miblugħ u beda jħoss f'ruħu bħal taħlita ta' niket u ferħ. Għaliex filwaqt li kien ifur bil-hena meta jilmaħ il-bixra hekk ħelwa u mimlija grazzja ta' Kristu, li kien deherlu f'għamla hekk ta' l-għaġeb imma hekk familjari, imma d-dehra tiegħu li kien imwaħħal mas-salib *nifditlu ruħu bħal xabla* (cfr. Lq 2,35) bin-niket tal-kompassjoni. Hu fehem, permezz ta' Dak li kien jgħallmu minn ġewwa u li kien deherlu minn barra, li d-dgħufija tal-passjoni ma setgħetx toqgħod bl-ebda mod ma' l-ispirtu tas-serafin li ma jmutx. Imma fehem ukoll li dik il-viżjoni kienet dehret quddiem għajnejh għal dan il-għan, biex hu, li kien il-ħabib ta' Kristu, jagħraf li mhux permezz tal-martirju tal-ġisem, imma permezz tal-ħeġġa taqbad tar-ruħ kellu jinbidel kollu kemm hu fl-istess xbieha li tidher ta' Ġesù Kristu msallab. Wara djalogu misterjuż u mill-aktar familjari, dik il-viżjoni għabet minn quddiemu, filwaqt li ġewwa fih, ruħu imtliet bin-nar jaqbad tal-ħeġġa serafika, u minn barra l-ġisem tiegħu ġie immarkat bix-xbieha vera u perfetta tal-Kurċifiss, hekk li ġara bħallikieku l-ewwel inħall minn ġewwa bil-qawwa tan-nar divin, u mbagħad din immarkatlu ġismu bis-siġill tagħha.

*Lectio tertia*

[1402] 3 Dak il-ħin stess, f'idejh u f'riġlejh bdew jidhru s-sinjali ta' l-imsiemer, li l-irjus tagħhom kienu jidhru fuq il-palma ta' idejh u fuq il-wiċċ ta' riġlejh, filwaqt li l-ponot tagħhom kienu joħorġu minn naħa l-oħra. L-irjus ta' l-imsiemer fl-idejn u fir-riġlejn kienu tondi u suwed, filwaqt li l-ponot tagħhom kienu tawwalin u milwijin 'il ġewwa, u kienu joħorġu mill-istess laħam, u jidhru 'il barra mill-kumplament tal-ġisem tiegħu. L-imsiemer milwijin taħt riġlejh tant kienu jidhru u kienu joħorġu 'l barra, li hu ma setax aktar imidd il-qiegħ ta' riġlejh fuq l-art. Mhux biss, imma wieħed seta' mingħajr tbatija jdaħħal subgħajh fil-parti milwija tal-ponot infushom, kif jiena nnifsi smajt jingħad mill-fomm ta' dawk li kienu raw dawn is-sinjali b'għajnejhom stess. Il-ġenb tal-lemin tiegħu kien donnu minfud b'lanza u kellu ferita fonda tħammar, li minnha ta' spiss kien inixxi d-demm qaddis, hekk li kien ixarrablu t-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt, b'tali mod li l-aħwa sħabu li, aktar tard, kienu jaħsluhom, kienu setgħu jintebħu bla ebda dubju, li mhux biss f'idejh u f'riġlejh, imma wkoll fil-kustat, il-qaddej tal-Mulej kien tassew immarkat bis-siġill tax-xbieha tal-Kurċifiss.

*Lectio quarta*

[1403] 4 *Il-bniedem mimli b'Alla* (cfr. Ġen 41,38) intebaħ li dawk l-istimmati li kienu immarkati b'mod hekk ċar fuq ġismu, ma setax jaħbihom minn dawk li kienu dejjem miegħu. Imma hu kien jibża' li joħroġ fil-beraħ is-sagrament tal-Mulej, u għalhekk daħal fit-tbatija ta' dubji kbar, dwar jekk kellux jitkellem jew jiskot dwar dak il-misteru. Fl-aħħar, imbuttat mill-qawwa tal-kuxjenza, quddiem xi wħud mill-aħwa li kienu l-aktar qrib tiegħu, kixef b'biża' kbir dik il-viżjoni li semmejna aktar 'il fuq. U żied jgħid li Dak li kien deherlu kien qallu xi affarijiet li hu qatt ma kellu jurihom lill-ebda bniedem sakemm idum ħaj. Għalhekk, wara li l-imħabba vera ta' Kristu *biddlet* lill-maħbub *fix-xbieha tagħha nnifisha* (cfr. 2Kor 3,18), wara li għaddew dawk l-erbgħin jum, skond kif hu kien iddeċieda li jdum fil-ħemda ta' dik il-muntanja, meta waslet is-solennità ta' l-Arkanġlu San Mikiel, ir-raġel anġeliku Franġisku *niżel mill-muntanja* (cfr. Mt 17,9), u fih innifsu kien iġorr ix-xbieha tal-Kurċifiss, li kienet imnaqqxa mhux *fit-twavel tal-ġebel* jew ta' l-injam bl-id ta' artista, imma fil-membri ta' ġismu permezz *tas-saba' ta' Alla l-ħaj* (cfr. Eż 31,18).

*Lectio quinta*

[1404] 5 Għalkemm ir-raġel qaddis u umli kien jara bir-reqqa kollha li jaħbi dawk is-sinjali qaddisa, imma l-Mulej għoġbu li għall-glorja tiegħu, juri permezz tagħhom l-għeġubijiet tiegħu, sabiex hekk il-qawwa moħbija tagħhom tidher b'mod ċar minn barra b'sinjali u tiddi bħal kewkba mill-aktar leqqiena fost is-sħab oħxon tas-seklu mdallam. Għaliex fl-inħawi ta' madwar il-Monte della Verna li semmejna, qabel ma r-raġel qaddis mar joqgħod hemmhekk, kienet titla' sħaba sewda minn dik il-muntanja, u kienet tqajjem tempesta qawwija ta' silġ li kienet soltu tħarbat il-frott ta' l-art. Imma wara dik id-dehra qaddisa, mhux mingħajr l-istagħġib u l-ferħ kbir tan-nies li kienu jgħixu hemmhekk, dak is-silġ waqad, u l-istess bixra tas-sema saret ċara b'mod mhux tas-soltu, u kienet turi b'mod żgur il-kobor eċċellenti ta' dik il-viżjoni tas-sema u tal-qawwa ta' l-istimmati, li proprju hemmhekk kienu ġew stampati.

*Lectio sexta*

[1405] 6 Dejjem fl-istess żmien, fil-provinċja ta' Rieti kien hemm epidemija daqshekk gravi, u li bdiet tolqot b'mod hekk iebes lin-nagħaġ u lill-baqar, li kollha kemm huma deheru li kienu se jmutu b'dik il-marda li ma kienx hemm kura għaliha. Wieħed raġel jibża' minn Alla lejl minnhom ħassu jiġi mwissi minn viżjoni, biex imur iħaffef fl-eremitaġġ ta' l-aħwa, fejn dak iż-żmien kien qiegħed jgħix il-Missier imqaddes, u biex jitlob lill-aħwa sħabu li jagħtuh l-ilma li bih hu kien inqeda biex jaħsel idejh u riġlejh, ħalli b'hekk iroxx dak l-ilma fuq l-bhejjem morda u tieqaf dik l-epidemija. Dak ir-raġel qeda bir-reqqa dan kollu, u bil-qawwa ta' Alla, dak l-ilma li kien mess mal-ġrieħi qaddisa, malli beda jintraxx ukoll ftit minnu fuq il-merħliet morda, il-bhejjem reġgħu kisbu s-saħħa li kellhom qabel, u bdew joħorġu jiġru biex jirgħu, daqslikieku huma qatt ma kienu ħassew l-ebda deni.

*Lectio septima*

[1406] 7 Hekk mela, minn dak il-ħin dawk l-idejn kienu kisbu tant qawwa li, malli kienu jmissu b'mod serafiku, kienu jagħtu saħħa lill-morda, jerġgħu jroddu l-użu tas-sensi u tal-ħajja lill-membri paralizzati u iebsin u, l-aktar ħaġa importanti, kienu jagħtu l-ħajja u s-saħħa sħiħa lill-bnedmin li jkunu feruti għall-mewt. Infakkar żewġ mirakli li bihom irrid nirrakkonta minn qabel kif ukoll niġbor fil-qosor xi ċirkustanzi. F'Ilerda, wieħed raġel jismu Giovanni, li kien devot ta' San Franġisk, lejla minnhom ġie mqatta' bċejjeċ u sofra feriti hekk tal-biża' li bil-ħniena bdew jemmnu li kien se jwassal sa l-għada filgħodu. Imma deherlu, b'mod ta' l-għaġeb, il-Missier l-aktar qaddis u beda jmisslu l-feriti tiegħu b'idejh, u minn dak l-istess ħin dawn ingħalqu u hu reġa' ħa saħħtu, hekk li f'dawk l-inħawi kulħadd beda jxandar li dak li kien iġorr b'mod hekk ta' l-għaġeb is-sinjal tas-salib kien jistħoqqlu kull qima. Għax min jista' ma jistagħġibx, meta jara persuna, li hu jaf tajjeb, u li tidher imqatta' bċejjeċ b'feriti mill-aktar kiefra, li kważi fl-istess ħin, jaraha qawwija u sħiħa? Min jista' jaħseb f'dan mingħajr ma jrodd ħajr? Min, fl-aħħarnett, jista' jifli bi spirtu ta' fidi miraklu hekk ta' tjieba, qawwi u mimli dija, mingħajr ma jħoss fih devozzjoni?

*Lectio octava*

[1407] 8 F'Potenza, belt tal-Puglie, kien hemm wieħed kjeriku, jismu Ruggero, li kien iżomm ħsibijiet ta' dubji dwar l-istimmati qaddisa tal-Missier imqaddes. Dan f'daqqa waħda ħassu milqut f'idejh ix-xellugija, mill-polz 'l isfel, bħallikieku kien ġie milqut minn vleġġa. Minkejja dan ma kien jidher l-ebda sinjal ta' feriti f'idu. Għal tlitt ijiem sħaħ kien maħkum minn uġiegħ kbir u li kien iħossu jinfdu. Malli hu nidem fil-qalb tiegħu, beda jsejjaħ u jitlob lil Franġisku biex jgħinu bl-istimmati glorjużi tiegħu, u qala' fejqan daqshekk perfett li kull uġiegħ għab u ma kellu l-ebda sinjal ta' dik id-daqqa ta' vleġġa li kien ħass. Minn dan jidher b'mod mill-aktar ċar kif dawn is-siġilli qaddisa kienu immarkati bil-qawwa u kienu mogħtijin bil-virtù ta' Dak li jista' joħloq il-feriti, jibgħat il-fejqan, jolqot lil dawk ta' rashom iebsa u *jfejjaq lil dawk li jindmu* (cfr. Lq 4,18).

*Lectio nona*

[1408] 9 Għax kien tassew jixraq li dan ir-raġel qaddis jidher immarkat b'dan il-privileġġ singulari, għaliex il-ħerqa kollha tiegħu, kemm pubblika kif ukoll privata, kienet kollha tissawwab fuq is-salib tal-Mulej. Dik il-ħlewwa ta' l-għaġeb, l-umiltà u l-awsterità ta' ħajja, dik l-umiltà profonda, l-ubbidjenza pronta, il-faqar l-aktar perfett, il-kastità bla tebgħa, l-indiema morra tal-qalb, id-dmugħ igelgel, il-pjetà li toħroġ mill-ġewwieni tal-qalb, il-ħeġġa taħraq, ix-xewqa tal-martirju, il-karità li togħla 'l fuq, u l-virtujiet kollha li bil-qawwa tagħhom kienu jagħtuh l-istess forma ta' Kristu, ma kienux jewwilla t-tħejjija tiegħu biex jirċievi l-istimmati qaddisa? Minħabba f'hekk sa mill-konverżjoni tiegħu u għal tul ħajtu kollha hu kien imżejjen b'mod ta' l-għaġeb bil-misteri tas-salib ta' Kristu, hekk li quddiem id-dehra tas-Serafin mill-aktar għoli u tal-Kurċifiss umli, hu ġie mibdul fix-xbieha ta' Dak li kien deherlu, permezz tal-qawwa tan-nar li bidillu l-forma tiegħu f'dik ta' Alla. Hekk xehdu dawk li *raw b'għajnejhom, messew b'idejhom* (cfr. 1Ġw 1,1) u biesu dawk is-sinjali l-aktar qaddisa, u hekk tassew ġara kif huma ħalfu li raw b'għajnejhom, u li ikkonfermaw b'ċertezza aktar abbundanti.

## VII – IT-TRANSITU TAL-MEWT TIEGĦU

*Lectio prima*

[1409] 1 Il-bniedem ta' Alla kien issa *imsammar ma' Kristu fuq is-salib* (cfr. Gal 2,19) kemm fil-ġisem kif ukoll fl-ispirtu. Mhux biss kien jogħla 'l fuq lejn Alla bin-nar jaqbad ta' l-imħabba serafika, imma wkoll kien iħossu minfud bil-ħerqa u l-ħeġġa lejn l-erwieħ, u flimkien mal-Mulej imsallab tiegħu kellu għatx kbir biex jaħdem għas-salvazzjoni ta' kulħadd. U minħabba l-feriti ta' l-imsiemer li kienu joħorġu fil-laħam ta' riġlejh hu ma setax aktar jimxi, il-ġisem tiegħu għoddu mejjet kienu jġorruh *fil-bliet u l-kastelli* (cfr. Lq 8,1), biex hekk bħal *Anġlu ieħor tiela' mil-lvant, minn fejn titla' x-xemx* (cfr. Apk 7,2) hu jkun jista' *jqabbad* il-qlub tal-qaddejja ta' Alla *bil-fjamma* (cfr. Lam 2,3) divina, u wkoll *imexxi l-passi* tagħhom *fit-triq tas-sliem* (cfr. Lq 1,79), u *jimmarka l-ġbin* tagħhom bis-sinjal ta' *Alla* (cfr. Apk 7,3) l-ħaj. Kien mimli ħerqa bix-xewqa kbira li jerġa' lura għall-umiltà ta' l-ewwel żminijiet, sabiex jaqdi lill-lebbrużi kif kien jagħmel fil-bidu, u hekk jerġa' jsejjaħ lil ġismu, li issa kien misjur bix-xogħol, għall-qadi li kien jagħmel fil-bidunett.

*Lectio secunda*

[1410] 2 Hu kien jipproponi li jagħmel ħwejjeġ kbar, bi Kristu bħala mexxej tiegħu, u filwaqt li l-membri ta' ġismu kienu dejjem jiddgħajfu, hu baqa' qawwi u mħeġġeġ fl-ispirtu, u kien joħlom li jġedded il-ġlieda u jirbaħ fuq il-għadu. Imma tassew biex jikbru l-ħafna merti tiegħu ħalli jakkwista dak is-sabar perfett li wassal lill-merti kollha fil-milja tagħhom, dan il-qaddej ċkejken ta' Kristu beda jintlaqat minn bosta mard. Kien tant gravi dan il-mard f'kull wieħed mill-membri ta' ġismu li kien magħdur bit-tbatija u l-uġigħ, li issa *ġismu* kien mifni u kien donnu sar *għadma u ġilda* (cfr. Ġob 19,2). Kien maħkum mill-uġigħ iebes tal-ġisem, imma dik it-tbatija kien isejħilha mhux piena imma oħtu, u meta kien jiflaħ bil-ferħ għall-istess tbatijiet, kien jerfa' lejn il-Mulej ħafna tifħir u radd il-ħajr, hekk li għall-aħwa li kienu jassistuh hu kien jidher qisu Pawlu ieħor, għaliex kien jiftaħar bil-ferħ u l-umiltà fid-dgħufija tiegħu, kif ukoll kienu jaraw fih Ġob ieħor, minħabba l-qawwa li kellu f'ruħu biex jiflaħ għat-tbatija.

*Lectio tertia*

[1411] 3 Hu kien għaraf minn ħafna żmien qabel il-ħin tat-transitu tiegħu. Meta qorob il-jum tal-mewt tiegħu, hu qal lill-aħwa li kellu dalwaqt iħalli warajh l-għarix ta' ġismu, skond kif kien urieh Kristu. Sentejn wara li ġew stampati l-istimmati f'ġismu, jiġifieri għoxrin sena wara l-konverżjoni tiegħu, hu talabhom iġorruh f'Santa Marija tal-Porziuncola, sabiex hemmhekk fejn bl-interċessjoni tal-Verġni Omm Alla kien nissel l-ispirtu tal-perfezzjoni u tal-grazzja, hemm ukoll jħallas id-dejn tiegħu lill-mewt, u hekk jistħoqqlu jitwassal *għall-ħlas tal-premju* (cfr. Fil 3,14; Kol 3,24) ta' dejjem. Meta ittieħed f'dan il-post li semmejna, biex juri bil-verità ta' l-eżempju, li hu ma kien fadallu xejn x'jaqsam mad-dinja, f'dik il-marda hekk gravi li temmietlu t-tbatijiet kollha tiegħu, hu imtedd għeri għall-qiegħa ta' l-art, sabiex f'dik is-siegħa ta' l-aħħar, li fiha l-

għadu jkun għadu jista' jiħrax, hu jkun jista' jiġġieled għeri kontra dak li hu għeri. Hekk mimdud fuq it-trab ta' l-art, dak l-atleta għeri b'idu x-xellugija ħeba l-ġerħa tal-ġenb tal-lemin, sabiex din ma tkunx tidher. Imbagħad, kif kien soltu jagħmel, *refa' ħarstu lejn is-sema* (cfr. Ġob 11,15), u hemmhekk iffissa bil-ħeġġa dik il-glorja u beda jfaħħar lill-Aktar Għoli, għaliex issa hu kien inħall minn kollox u kien lest biex jgħaddi għal għandu.

*Lectio quarta*

[1412] 4 Meta qorob il-ħin tat-transitu tiegħu, hu sejjaħ lill-aħwa kollha li kienu f'dak il-post biex jiġu qribu u farraġhom dwar il-mewt tiegħu bi kliem ta' żegħil, filwaqt li ħeġġiġhom b'affett ta' missier għall-imħabba divina. Bħala l-aħħar rieda tiegħu u bħala dritt ta' wirt tiegħu ħallielhom il-ġid tal-faqar u tas-sliem u wissiehom bil-ħeġġa biex jishru ħalli jibqgħu magħqudin sħaħ mal-ġid ta' dejjem u li jarmaw ruħhom kontra l-perikli ta' din id-dinja. Bl-aktar kliem qawwi li seta' jgħid, hu ġiegħelhom jimxu b'mod perfett fuq il-passi ta' Ġesù msallab. U filwaqt li uliedu kienu kollha miġburin madwar il-patrijarka tal-fqajrin, li *kellu għajnejh imdallmin*, mhux minħabba *x-xjuħija* (cfr. Ġen 48,10), imma minħabba d-dmugħ li kien xerred, dan ir-raġel qaddis, kważi ma jarax u issa qrib il-mewt *firex fuqhom idejh* (cfr. Ġen 48,14) b'sinjal tas-salib, filwaqt li sallab dirgħajh, għaliex hu dejjem kien ħabb dan il-ġest, u bierek lill-aħwa kollha, dawk preżenti u dawk li ma kienux hemmhekk, fil-qawwa u fl-isem tal-Kurċifiss.

*Lectio quinta*

[1413] 5 Wara dan hu talabhom jaqrawlu l-Evanġelju skond San Ġwann mill-post fejn jgħid: *Qabel il-festa ta' l-Għid* (cfr. Ġw 13,1). Għax hu ried jisma' *l-leħen tal-maħbub li jħabbat* (cfr. Għan 5,2), li minnu kien mifrud biss mill-ħajt tal-ġisem. Fl-aħħarnett, billi fih kienu intemmu l-misteri kollha, hu u jkanta s-salmi u jitlob ir-raġel qaddis *raqad fil-Mulej* (cfr. Apk 7,60), u r-ruħ l-aktar qaddisa tiegħu ġiet maħlula minn mal-ġisem u intilfet fl-abbiss tad-dawl ta' dejjem. F'dik l-istess siegħa, wieħed mill-aħwa u dixxipli tiegħu, li kien bniedem magħruf għal qdusitu, ra r-ruħ tiegħu li kienet *tielgħa dritt lejn is-sema*, u hi kellha l-forma ta' kewkba mill-aktar tleqq, u *sħaba bajda* kienet terfagħha *fuq il-ħafna ilmijiet* (cfr. S 28,3; Ġoż 8,20). Dik ir-ruħ, tleqq minħabba l-bjuda tal-kuxjenza u tiddi bil-merti, kienet meħuda fil-għoli mill-kotra kbira ta' grazzji u ta' virtujiet li kienu jrendu lil Franġisku jixbah lil Alla. Għaldaqstant hi ma kienetx tista' tiddawwar, imqar għal waqt wieħed biss, milli tara d-dehra tad-dawl u tal-glorja ta' dejjem.

*Lectio sexta*

[1414] 6 Dak iż-żmien il-ministru ta' l-aħwa ta' Terra del Lavoro, li kien jismu Agostino, u li kien raġel għażiż għal Alla, kien jinsab fl-aħħar ta' ħajtu, u għalkemm kien tilef l-użu tal-kliem, f'daqqa waħda *quddiem dawk kollha li kienu preżenti, beda' jgħajjat u jgħid* (cfr. Atti 23,4; Lq 9,39) b'mod li kulħadd seta'jisimgħu: "Stennieni, Missier! Ara, jiena ġej miegħek!" L-aħwa, kollhom mistagħġbin, bdew jistaqsuh ma' min kien qiegħed jitkellem b'dak il-mod, u hu qalilhom li kien ra lill-imqaddes Franġisku li kien sejjer lejn is-sema. Malli qal dawn il-kelmiet, miet kollu

ferħ. Fl-istess żmien, l-isqof ta' Assisi li kien jinsab fis-santwarju ta' San Mikiel fuq il-Monte Gargano, kellu d-dehra ta' l-imqaddes Franġisku, li deherlu kollu ferħan fil-ħin tat-transitu tiegħu u qallu li kien se jħalli d-dinja biex jitla' lejn is-sema. Filgħodu, malli qam l-isqof irrakkonta dak li kien ra, u reġa' lura lejn Assisi, u meta staqsa bir-reqqa u fehem fiż-żgur li proprju f'dik is-siegħa, li fiha hu kellu dik il-viżjoni, il-Missier imqaddes kien għadda minn din il-ħajja lejn is-sema.

*Lectio septima*

[1415] 7 It-tjieba bla tarf tas-sema għoġobha turi, imbagħad, b'liema għeġubijiet u mirakli, ukoll wara l-mewt tiegħu, kienet tidher il-qdusija mill-aktar għolja ta' dan il-bniedem mill-aktar għażiż. Għax għat-talb li sarlu, u għall-merti ta' Alla li l-qawwa tiegħu tista' kollox, l-għomja reġgħu kisbu d-dawl, it-torox bdew jisimgħu, l-imbikkmin bdew jitkellmu, il-mifluġin bdew jimxu u l-paralitiċi reġgħu ingħataw lura l-użu u ċ-ċaqliq tas-sensi tagħhom. Mhux biss, imma reġa' radd lura l-qawwa fiżika lill-membri paralizzati, iddritta dawk li kienu milwijin, ħareġ bil-qawwa mill-ħabs lil dawk li kienu maqfulin, wassal fil-port tas-salvazzjoni lil dawk li kienu se jaraw l-għarqa, ta l-ħlas ħieni lil dawk in-nisa li kienu se jwelldu fil-periklu, u ħarrab lix-xjaten mill-iġsma ta' dawk li kienu maħkumin minnhom. Fl-aħħarnett, reġa' radd lura l-indafa u s-saħħa lil min kien imġarrab mit-tnixxija tad-demm u lill-lebbrużi, reġġa' lura għall-fejqan mill-ġrieħi lil min kien ferut għall-mewt u, fuq kollox, reġa' sejjaħ lill-mejtin lura għall-ħajja.

*Lectio octava*

[1416] 8 Hekk, bil-ħila tiegħu, komplew iseħħu f'diversi nħawi tad-dinja, il-benefiċċji ta' Alla, kif jiena wkoll kelli x-xorti li nipprova fija nnifsi, jiena li għadni kif iddeskrivejt il-fatti li ġraw qabel. Għaliex ommi, meta jiena kont għadni tfajjel qed nitfarfar, għamlet wegħda għalija lil San Franġisk, għaliex jiena kont marid ħafna, u jiena hekk ġejt meħlus mill-ħalq tal-mewt u rġajt ġejt mogħti lura, qawwi u sħiħ, fil-milja tal-ħajja b'saħħitha. Billi jiena għadni nżomm tifkira ħajja ta' din il-ġrajja, jiena issa nista' nħabbarha u nagħti xhieda żgurha dwarha. Jiena ma rridx li niġi mċanfar li jien ingrat, jekk niskot fuq benefiċċju hekk kbir. Ilqa', mela, Missier qaddis, dan ir-radd ta' ħajr tiegħi, għalkemm jiena ma jistħoqqlix u minix imhejji li nilqa' l-merti u l-benefiċċji tiegħek, u, filwaqt li inti tilqa' dawn ix-xewqat tagħna, agħlaq għajnejk għal ħtijietna, u eħles lill-fidili devoti tiegħek mill-ħażen ta' issa u agħmel li jaslu biex jiksbu l-ġid li ma jintemmx.

*Lectio nona*

[1417] 9 Hekk intemmu issa l-kliem tagħna billi niġbru fil-qosor dak li għidna. Kull min qara mill-bidu sa l-aħħar dawn il-paġni, nitolbu biex issa jirrifletti fuq din il-kunsiderazzjoni ta' l-aħħar: il-konverżjoni li seħħet b'mod ta' l-għaġeb, il-qawwa fix-xandir tal-kelma divina, il-privileġġ tal-virtujiet mill-aktar għolja, *l-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apk 19,10) bl-intelliġenza ta' l-Iskrittura, l-ubbidjenza tal-ħlejjaq li ma għandhomx raġuni, l-għoti tal-marki ta' l-istimmati mqaddsa u t-transitu mill-aktar solenni minn din id-dinja lejn is-sema. Dawn huma seba' xhieda mill-aktar jiddu li juru u jiggarantixxu lid-dinja kollha li dan il-ħabbâr mill-aktar għażiż għal

Kristu, *kien iġorr* fih innifsu *s-siġill ta' Alla l-ħaj* (cfr. Apk 7,2), u għalhekk jixraqlu l-ġieħ għall-uffiċċju u t-tagħlim awtentiku u għall-qdusija ta' l-għaġeb tiegħu. B'mod żgur, għaldaqstant, jimxu warajh dawk li *ħarġu mill-Eġittu* (cfr. Eż 13,17; S 113,1), u li bil-ħatar tas-salib ta' Kristu *għaddew mill-baħar, u qasmu d-deżert* (cfr. S 135,13; 67,8), *lejn l-art imwiegħda* (cfr. Atti 7,5; S 141,6), u *qasmu l-Ġordan* (cfr. Dt 27,3) ta' din il-ħajja li tintemm, fejn se jidħlu fil-wirt ta' dejjem bil-qawwa nnifisha ta' l-għaġeb ta' l-istess salib, li bih idaħħalna t-talb tal-Missier qaddis u tal-Feddej waħdieni u mexxej tagħna Ġesù, li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu fi Trinità perfetta jingħata lilu kull tifħir, *ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen* (cfr. Rum 16,27).

# BERNARD DE BESSE «LIBER DE LAUDIBUS SANCTI FRANCISCI»

## INTRODUZZJONI

Fra Bernardo da Besse, sieħeb tal-vjaġġi u segretarju ta' San Bonaventura, kien membru tal-provinċja ta' Aquitaine, fi Franza. Il-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Minorum* tgħidilna li, waqt il-ġeneralat ta' fra Bonagrazia di San Giovanni in Persiceto (1277-1283), Bernardo da Besse *chronicam Generalium Ministrorum protraxit* (*wassal il-kitba tal-Kronaka tal-Ministri Ġenerali*). Mela jidher li Bernardo hu l-awtur tal-Kronaka imsejħa *Chronicon XIV vel XV Generalium Ministrorum Ordinis fratrum Minorum seu Catalogus Gonsalvinus dictus Generalium Ministrorum Ordinis fratrum Minorum* (*Analecta Franciscana*, Ad Claras Aquas, Quaracchi 1897, Vol. V, 693-707). Din l-opra ssemmi l-kanonizzazzjoni ta' San Ludoviku IX, Sultan ta' Franza, li saret fl-1297, u għalhekk x'aktarx li l-Kronaka tasal sa din is-sena. Bernardo hu wkoll meqjus li kien l-awtur ta' *De proposito regulae*, kitba li hi mitlufa, u li hu kitibha fi żmien San Bonaventura biex iħeġġeġ lill-aħwa biex jgħixu skond ir-regola. Kiteb ukoll għan-novizzi, opra jisimha *Speculum disciplinae*.

Bernardo da Besse hu wkoll meqjus bħala l-awtur tal-*Vita fratris Christophori*, li mbagħad ġiet inkluża fil-*Chronica XXIV Generalium*. Mil-*Liber de Laudibus* nafu li dan fra Cristoforo *kellu sempliċità ta' ħamiema u umiltà profonda*. Dan il-beatu hu wkoll magħruf bħala Cristoforo minn Romagna, li meta kien diġà saċerdot, ingħaqad ma' l-Ordni tal-Minuri fl-1216-1217, mirbuħ mill-predikazzjoni ta' San Franġisk, li skond it-tradizzjoni, libbsu t-tonka. Imbagħad intbagħat *fl-inħawi ta' Aquitaine*, u miet f'Cahors fil-31 ta'Ottubru 1272, meta kellu kważi mitt sena u kien ilu 55 sena Franġiskan. Fit-12 ta' April 1905 il-Kongregazzjoni tar-Riti kienet approvat il-kult tiegħu bħala beatu.

Il-*Liber de Laudibus beati Francisci* jew il-*Legenda vel Vita Sancti Francisci a fr. Bernardo da Bessa conscripta*, kellha tagħmel parti minn grupp ta' opri ta' Bernardo. Fosthom, skond il-*Chronica XXIV Generalium*, insibu "ħajja ta' l-imqaddes Franġisku b'ħafna mirakli; kronaka li titkellem dwar il-Ministri Ġenerali, u xi mirakli u xhieda divina għall-approvazzjoni tat-tliet għamliet ta' ħajja ta' San Franġisk, jiġifieri l-Minuri, il-Penitenti u l-*Povere Dame*".

Jidher li l-*Chronicon XIV vel XV Generalium Ministrorum Ordinis Minorum* hu kontinwazzjoni tal-*Liber de Laudibus*. Bħala fonti tal-*Liber de Laudibus* l-istudjużi jindikaw l-aktar l-*Anonimo Perugino*. Skond Stanislao da Campagnola il-*Liber de Laudibus,* li Bernardo temmu fl-1279, ma jżid xejn mal-verżjoni uffiċjali tal-ħajja ta' San Franġisk, skond kif kitibha San Bonaventura fil-*Legenda Maior*, u li kienet l-unika verżjoni li l-Komunità ta' l-Ordni kienet tippermetti li tiġi mxerrda.

Minn din il-bijografija aħna għażilna li nġibu tliet siltiet. Wara l-prologu ittraduċejna l-I Kapitlu, li jitkellem dwar l-ewwel dixxipli li kellu San Franġisk, u li għandu l-mertu li jagħtina lista interessanti ta' l-ewwel aħwa tal-qaddis. Imbagħad ittraduċejna l-Kapitlu VII, li jitkellem dwar it-tliet Ordnijiet, u li hu prova ta' dak li nsibu miktub fil-*Chronica XXIV Generalium*. Fl-aħħarnett, ittraduċejna l-Kapitlu VIII, li jitkellem dwar it-transitu u t-translazzjoni ta' San Franġisk, u li jiġi deskritt fuq il-mudell tat-transitu ta' San Martin, fl-ittra ta' Sulpicius Severus lil Bassula.

# BERNARD DE BESSE «LIBER DE LAUDIBUS SANCTI FRANCISCI»

Jibda l-Ktieb tat-Tifħir ta' l-imqaddes Franġisku.

[1418] Dwar il-ħajja mimlija virtujiet ta' l-imqaddes Franġisku, fl-Italja kiteb bi kliem mirqum u mżejjen fra Tommaso, bil-kmand tas-Sinjur Papa Girgor IX; jingħad li s-sinjur miqjum Giovanni, nutar tas-Sede apostolika ukoll kiteb dik il-ħajja li tibda bil-kliem *Bħall-kewkba ta' filgħodu* (cfr. Sir 50,6)[136]. Fi Franza, imbagħad, fra Julian, magħruf għax-xjenza u l-qdusija, kiteb ukoll ħajja ta' San Franġisk, kif ukoll in-notturni ta' l-Uffiċċju Divin bil-kliem u bin-noti mużikali, flimkien ma' innijiet u xi antifoni u responsorji, li l-istess Papa u xi wħud mill-Kardinali nisġu b'tifħir lill-Qaddis[137]. Wara li għadda ħajja mimlija bħal ġarra kollha grazzja ta' tifħir, u kien maħżen ta' virtujiet u ta' għerf, fra Bonaventura, Ministru Ġeneral, li kien mgħallem eċċellenti tat-tejoloġija f'Pariġi, u li mbagħad sar Kardinal tal-Knisja mqaddsa Rumana u isqof ta' Albano, bniedem ta' awtorità, prudenza u drawwiet tajba, sabiex id-dinja kollha tfaħħar lil dak li hu kien prelat tant xieraq fost id-dixxipli tiegħu, bi kliem mill-aktar mirqum, awtentiku u prudenti iddeskriva ħajtu, u bil-providenza ta' Alla sar il-ħabbâr mill-aktar jixraqlu tal-merti tal-Qaddis[138]. F'din il-kitba u fi ftit oħrajn li, minn darba għal oħra, jitkellmu dwar l-istess argumenti, skond kif titkob l-okkażjoni, dwar l-għemejjel tal-qaddis u tad-dixxipli tiegħu, insibu wkoll sinjali li dehru wara t-tluq tiegħu. Ħafna minn dawn kellna nħalluhom barra biex ma ntawwlux, u billi kulħadd iħobb kitba fil-qosor. Dawn huma ħwejjeġ li tirrikmanda l-awtorità apostolika kemm għall-awtorità kif ukoll għat-tifħir tagħhom. Qabel xejn għalhekk hemm l-eżempju li aħna rridu nimitaw; irridu nqimu, għalkemm ma nistgħux nimitawh perfettament. Għaliex min jista' jimxi b'mod sħiħ fuq il-passi ta' l-imqaddes Franġisku u ta' l-aħwa li kienu jgħinuh? Għaliex hu, li kien jaqdi l-faqar u l-perfezzjoni b'mod iebes, ma riedx jimponi dan; imma r-regola l-aktar perfetta, li quddiem kulħadd u quddiem kull wieħed ried li dejjem tiġi mħarsa f'kull żmien, hu sawwarha taħt ispirazzjoni divina. Min jaqdiha, ma jmurx lura mid-dixxiplina li ried il-Missier imqaddes, għalkemm xi affarijiet jinbidlu skond id-drawwiet taż-żminijiet diversi. Jalla mela tkun tiswielna l-perfezzjoni tal-Qaddisin biex tqajjem fina l-virtujiet u tmexxi d-drawwiet tagħna lejn id-dawl li huma juruna.

---

136 Bernard de Besse jagħtina l-isem ta' din il-Leġġenda mitlufa, *Quasi stella matutina*, li l-awtur tagħha hu Giovanni da Ceperano. Għandna riferimenti għal din il-Leġġenda fid-*De Cognatione Sancti Francisci* I,9 ta' Arnald de Sarrant, fl-*Expositio super Regulam* II,124 ta' Angelo Clareno, fil-*Chronaca* ta' Fra Mariano da Firenze u fl-*Annales Minorum*, an. 1230, n. 7, t. II ta' Luke Wadding. Mariano da Firenze jikteb: "Fra Giovanni da Ceperano, Nutar tas-Sede Apostolika, minħabba d-devozzjoni kbira li kellu lejn San Franġisk, kiteb dwar ħajtu leġġenda li tibda bil-kliem *Qasi stella matutina*".

137 Il-*Vita Sancti Francisci* u l-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci* ta' Fra Julian minn Speyer.

138 Il-*Legenda Maior Sancti Francisci* ta' San Bonaventura minn Bagnoregio.

Kapitlu I
Dwar il-ħajja ta' San Franġisk u ta' l-ewwel dixxipli tiegħu.

[1419] 1 Bħal xemx li titla' fuq id-dinja hekk jiddu l-ħajja, it-tagħlim u l-mirakli ta' l-imqaddes Franġisku. Dan kellu missieru moħħu fil-ħwejjeġ tad-dinja, imma ommu li kienet mara ta' ħajja qaddisa, li bħal Eliżabetta oħra semmietu Giovanni fil-fonti mqaddes tal-magħmudija u li ħabbret fl-ispirtu li hu kellu jkun mimli bil-grazzja tal-merti u kellu jsir iben ta' Alla. It-tifel kiber u sa ma kellu ħamsa u għoxrin sena għadda l-ħajja tiegħu minn barra fid-drawwiet tad-dinja. Imbagħad wara li ħalla kollox warajh, hu beda jimxi bid-devozzjoni fuq il-passi ta' Kristu u reġa' ta l-ħajja lill-għemejjel tal-ħajja ta' l-Appostli, u bena r-Reliġjon tiegħu mhux fuq ir-ramel tal-ħwejjeġ tad-dinja, imma fuq il-blata, li hu Kristu, u waqqafha fuq il-faqar tal-perfezzjoni evanġelika.

[1420] L-ewwel ġebla f'dan il-bini ġdid tidher tiddi b'mod sħiħ fis-Sinjur fra Bernardo da Quintavalle, li l-bosta ġid li kellu ħallieh mhux lil qrabatu, imma qassmu lill-foqra u kemm fil-ħajja kif ukoll fil-mewt deher jiddi b'ħafna mirakli[139]. It-tieni wieħed kien fra Pietro, li ħalla warajh id-dinja b'mod perfett u bl-istess mod *ħalla kollox warajh u qassmu lill-foqra* (cfr. S 111,9)[140]. It-tielet wieħed kien fra Egidio, raġel ta' qdusija ta' min jammiraha, li jingħad li l-Mulej kien tah il-grazzja li f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġid ta' l-erwieħ, hu jgħin b'mod qawwi lil dawk li jitolbuh[141]. Dan li qed niktbu għallimulna u kixifhulna l-Ġeneral devot u l-Kardinal li semmejna, li kien fela bir-reqqa dan kollu. Wara dawn it-tlieta ġie fra Filippo, li l-Mulej *messlu xofftejh bil-ġamar* (cfr. Is 6,6.7), u, għalkemm kien lajk, kellu għarfien ta' l-Iskrittura u kien jinterpreta l-kliem ta' Ġesù b'mod ħelu daqs il-għasel[142]. Dawn mela kienu fost l-ewwel tnax-il dixxiplu ta' Franġisku, li għalihom hu kiteb regola u tahom l-istess għamla ta' ħajja li Kristu kien ta lill-Appostli. Dawn kollha kienu irġiel qaddisin, ħlief wieħed, li ħareġ mill-Ordni, u sar lebbruż, u li waqa' fin-nasba bħal Ġuda ieħor, biex hekk Franġisku jkun jixbaħ f'kollox lil Kristu fid-dixxipli tiegħu[143].

[1421] Imma din ma kienetx grazzja żgħira, għaliex malli hu kellu sitt aħwa kien tant żgur li l-Ordni tiegħu kellu jinfirex mad-dinja kollha, li bħallikieku kien jilmaħ quddiemu l-ġejjieni fil-

[139] Fra Bernardo da Quintavalle kien żagħżugħ nobbli u ħabib ta' San Franġisk. Kien l-ewwel wieħed li ingħaqad ma' Franġisku fil-Porziuncola (1C 24). Il-Fonti dejjem juruh bħala dixxiplu mill-aktar fidil ta' Franġisku, li jagħżlu għal missjonijiet delikati, bħal dawk ta' Bologna u Firenze. Qabel miet Franġisku ta barka speċjali lil Bernardo, li miet fl-1241 u jinsab midfun fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi.
[140] Fra Pietro Cattanio ingħaqad ma' San Franġisk u Bernardo da Quintavalle fis-16 ta' April 1208. Hu akkumpanja lil Franġisku fl-Eġittu u s-Sirja fl-1219. Waqt il-Kapitlu ta' San Mikiel f'Settembru 1219 Franġisku għażlu bħala Vigarju tiegħu. Miet fil-Porziuncola fl-10 ta' Marzu 1221, fejn jinsab midfun.
[141] Fra Egidio daħal fl-Ordni fit-23 ta' April 1208. Kellu karattru sempliċi imma qaddis. San Franġisk ħadu miegħu fil-Marche ta' Ancona meta ħarġu għall-ewwel darba jippriedkaw. Fl-1219 intbagħat missjunarju f'Tuneż. Lura fl-Italja għex għal bosta snin fil-kunvent ta' Monteripido, Perugia, fejn miet fis-27 ta' April 1262. Kien mistiku kbir u hu awtur ta' grupp żgħir ta' sentenzi qosra mimlija għerf, magħrufin bħala *Detti di Frate Egidio*.
[142] Fra Filippo Longo kien wieħed mill-ewwel aħwa, li akkumpanja lil San Franġisk fil-Valle Reatina u fl-1209 mar miegħu Ruma. Hu sar il-Viżitatur tal-*Povere Dame di San Damiano* fl-1219, u mill-ġdid bejn l-1228 u l-1246. Miet fl-1259.
[143] L-*Anonimo Perugino* 17 jidentifika xi wħud mill-ewwel dixxipli ta' San Franġisk, fosthom Sabbatino, Morico u Giovanni de Cappella. Ma nafu xejn dwarhom għajr li kienu minn Assisi. Rigward dan li spiċċa barra mill-Ordni lanqas ma nafu min kien, għalkemm fid-*De Cognatione Sancti Francisci*, I,6, mikub fl-1356, Arnald de Sarrant jgħid li hu Giovanni di Cappella.

preżent, kien jgħid lill-aħwa: "Jiena rajt kotra kbira ta' rġiel ġejjin għandna minn ħafna toroq; resqin il-Franċiżi, qegħdin iħaffu l-Ispanjoli, ġejjin jiġru l-Ġermaniżi u l-Ingliżi u magħhom bosta oħrajn resqin f'folla kbira, jitkellmu diversi ilsna". Għaliex l-ewwel aħwa u dawk ta' dawn l-aħħar żminijiet jiddistingwu ruħhom minn xulxin b'mod li nistgħu nqabbluhom mal-frott. Fost l-ewwel aħwa u missirijiet li kienu kbar u jiddu bil-virtujiet insibu lil fra Soldanerio[144], lil fra Ruggero[145], lil fra Rufino[146] u lil fra Giovanni delle Lodi[147], li meta kien għadu ħaj San Franġisk kellu x-xorti li jmiss il-ferita li kellu fil-kustat; hekk ukoll fra Angelo[148], li kien sieħeb il-Qaddis, fra Leone, li kien il-konfessur ta' l-istess Qaddis[149], u fra Leo l-ieħor, li mbagħad kellu jmexxi l-knisja ta' Milan bħala arċisqof[150], u fra Giacomo, li bl-għajnejn tar-ruħ tiegħu lemaħ ir-ruħ tal-Missier imqaddes taħt għamla ta' kewkba tiddi daqs ix-xemx tielgħa lejn is-sema[151]; hekk ukoll dawn il-missirijiet qaddisa: fra Antonju[152], fra Niccolò[153], fra Simone[154], fra Ambrogio, fra Giovanni u bosta oħrajn[155], li nieħdu wisq fit-tul li nitkellmu dwarhom, u li bil-virtujiet tagħhom kienu jdawwlu ż-żminijiet ta' qabel. *L-iġsma tagħhom indifnu fis-sliem* (cfr. Sir 44,14), u huma stħaqqilhom il-qima fil-postijiet qaddisa li fihom jistrieħu. Hekk ukoll fra Bernardo, fra Rufino, fra Leone u fra Egidio huma midfunin fil-knisja ta' San Franġisk f'Assisi, imma fra Egidio jinsab midfun f'Perugia; fra Soldanerio hu midfun fil-knisja ta' l-aħwa f'Viterbo, imma fra Ginepro[156]

---

[144] Fra Soldanerio miet fl-1241 u ġie midfun f'Viterbo.

[145] Skond Luke Wadding, *Annales Minorum*, t. II (1221-1237), 469, Fra Ruggerio kien nobbli mill-Marche ta' Ancona u mbagħad sar Ministru Provinċjal ta' dik il-Provinċja.

[146] Fra Rufino kien il-kuġin ta' Santa Klara. Ma nafux meta daħal fl-Ordni, imma jintwera bħala wieħed mill-aħwa li kienu ħafna qrib San Franġisk, l-aktar fl-aħħar snin ta' ħajtu. Thomas of Eccleston jgħid li Rufino kien ma' San Franġisk fuq La Verna fl-1224. Wara l-mewt ta' San Franġisk, Fra Rufino għex fl-eremitaġġ ta' Le Carceri, fejn miet fl-1270. Jinsab midfun fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi.

[147] Arnald de Sarrant, meqjus bħala l-awtur tal-*Chronica XXIV Generalium Ordinis Minorum* (1327-1377), jgħid li Giovanni delle Lodi miet fl-1266 u kien midfun f'Aquasparta. Fil-*Liber Conformitatum* Bartolomeo da Pisa jgħid li Fra Giovanni hu midfun f'Bittoni.

[148] Skond Arnaldo Fortini Fra Angelo kien minn Rieti. Studjużi oħrajn jgħidu li hu kien Angelo Tancredi, kavallier minn Assisi, u wieħed mill-ewwel aħwa li marru jgħixu ma' San Franġisk.

[149] Fra Leone hu magħruf bħala l-konfessur, segretarju u sieħeb ta' San Franġisk. Skond l-istoriku Arnaldo Fortini, Fra Leone twieled Assisi u x'aktarx li kien qassis. Hu kien dejjem qrib ħafna ta' San Franġisk, fil-mumenti importanti tal-ħajja tiegħu u fl-aħħar snin. Fuq La Verna fl-1224, San Franġisk ta lil Leone parċmina, bit-tifħir lil Alla l-għoli u bil-kliem ta' barka. Din hi illum imħarsa bħala relikwa fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Kitiblu wkoll ittra qasira, li tinsab fil-kattidral ta' Spoleto. Leone għex ħafna wara San Franġisk. Hu baqa' punt ta' riferiment l-aktar għal Klara u l-*Povere Dame* ta' San Damiano. Hu awtur ta' tifkiriet importanti dwar San Franġisk, l-aktar il-*Verba Sancti Francisci* u l-*Intentio Regulae*. Miet f'Assisi fil-15 ta' Novembru 1278 u jinsab midfun fil-Bażilika ta' San Franġisk.

[150] Bartolomeo da Pisa jikteb li Fra Leo kien arċisqof ta' Milan mill-1244 sa ma miet fl-1263, li kien bniedem ta' qdusija kbira u indifen f'Legnano (*Liber de Conformitate* VIII 302, 363; XI 526).

[151] Dan Fra Giacomo kien dak li ra r-ruħ ta' San Franġisk tielgħa s-sema skond 1C 110 u LM XIV,6. Imma dawn il-Fonti ma jagħtuniex ismu, li nafuh minn dan id-dettall ta' Bernard de Besse.

[152] Sant'Antnin ta' Padova.

[153] Arnald de Sarrant jikteb fil-*Chronica XXIV Generalium* 225 li Niccolò kien raġel qaddis, magħruf għall-mirakli tiegħu, u li indifen f'Bologna. X'aktarx li kien ġej mill-wied tax-xmara Rhine fil-Ġermanja, u li kien qassis u avukat. Miet fl-1225.

[154] Fra Simone kien wieħed mill-aħwa li nsibuh fil-Marche fl-1244-47, u li ingħaqad ma' l-aħwa tal-familja Spiritwali ta' l-Ordni. Riferimenti importanti għalih jinsabu fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius* 55, u fil-*Fioretti* 41. Skond l-istess Bernard de Besse, Fra Simone indifen fi Spoleto.

[155] Ma nafu xejn dwar Fra Ambrogio jew Fra Giovanni.

[156] Skond il-*Legenda Sanctae Clarae Virginis*, 45, Fra Ginepro kien maġenb Klara hi u tmut. Fra Ginepro jissemma fil-*Fioretti* 48, miet fl-4 ta' Jannar 1258 u l-qabar tiegħu jinsab fil-Bażilika ta' Santa Maria in Aracoeli f'Ruma.

jinsab midfun f'Ruma fil-knisja ta' Santa Maria al Campidoglio, fejn huma mħarsin l-għadam qaddisa tiegħu.

[1422] Fra Soldanerio dawwal lid-dinja qisu xemx bid-dija ta' l-għemejjel u t-tagħlim tiegħu; fra Ginepro tant kien jiddi bil-grazzja tas-sabar, li wkoll meta kulħadd kien jitħawwad, imma hu kien jibqa' kalm; fra Ruggero tant kien jiddi bi qdusija li tidher minn barra, li s-Sinjur Papa Girgor IX approva u ġab 'il quddiem it-tifkira tiegħu bħala bniedem qaddis f'Todi, fejn ir-relikwi qaddisin tiegħu jistrieħu, u ta l-permess li hemm jiġi iċċelebrat il-kult tiegħu, imma mhux il-festa tiegħu li soltu tiġi iċċelebrata f'solennitajiet bħal dawn; minħabba f'hekk illum smajna li ma għadux jingħatalu l-kult fost il-Qaddisin.

[1423] Fra Antonju ma jieqafx iħaddem għeġubijiet dejjem ġodda minn Padova. Fra Niccolò, bniedem mill-aktar qaddis, li fost l-oħrajn jingħad li qajjem lil wieħed mejjet mis-sodda tiegħu u reġa' tah id-dawl ta' għajnejh li kien tilef, jistrieħ fil-knisja ta' l-aħwa f'Bologna. Fra Ambrogio hu magħruf għal bosta mirakli u hu meqjum fil-Belt ta' Ruma. Fra Simone, mimli bil-grazzja tal-virtujiet, u li kien minn Spoleto, fejn issa jistrieħ, ta l-benefiċċju tal-fejqan lil ħafna: għaliex aħna rajna lil wieħed mill-wied ta' Spoleto li hu qajjmu mill-mewt wara li talbu għalih għax kien miet; il-mirakli tiegħu flimkien ma' bosta għeġubijiet oħrajn jagħti xhieda għalihom bosta, u l-verità dwarhom tiġi ikkonfermata bl-awtorità apostolika ta' l-isqof ta' Spoleto li għamel studju bir-reqqa dwarhom. Fra Giovanni u fra Niccolò kienu irġiel ta' qdusija partikulari; wieħed minnhom, jiġifieri fra Giovanni, miet fil-Mulej meta kien fl-uffiċċju ta' Gwardjan, u dawwal bil-mirakli tiegħu l-inħawi tal-Ġermanja[157].

[1424] Aħna rajna wkoll kif fra Agostino u lil fra Guglielmo, aħwa mill-aktar qaddisin, urewna bil-ħajja tagħhom l-eżempju tal-perfezzjoni; għaliex meta kienu għadhom jgħixu fil-ġisem huma stħaqqilhom juru l-virtujiet qaddisa tagħhom b'sinjali ċari. Il-miqjum fra Hugh[158], li kien mimli *bl-ispirtu ta' l-għerf u ta' l-intelliġenza* (cfr. Sir 15,5), li kien ta' ħajja mill-aktar għolja fil-qdusija u magħruf għat-tagħlim qawwi tiegħu, jistrieħ f'Massa fejn jidhru s-sinjali tal-qdusija tiegħu. Fra Cristoforo kellu sempliċità ta' ħamiema, u jingħatalu ġieħ fil-knisja ta' l-aħwa f'Cahors, fejn għadu jiddi għal bosta sinjali ċari ta' qdusija[159]. Bniedem qaddis u mimli grazzja kien fra Stefano, li qabel kien Abbati fl-Ordni kbir ta' San Benedittu, imma mbagħad minħabba Kristu ried jiċċekken, u sar Inkwiżitur kontra l-eretiċi, u li stħaqqlu jirċievi l-kuruna tal-martirju u jitgħolla b'sinjali oħrajn ta' glorja; hu jistrieħ fil-knisja ta' l-aħwa f'Toulouse[160]. Hemmhekk ukoll flimkien miegħu

---

157 Fra Giovanni di Penna, skond il-*Cronaca* ta' Giordano da Giano 5, kien wieħed mill-ewwel aħwa li intbagħtu fil-Ġermanja, fejn sofra persekuzzjoni billi hu ma kienx jaf jitkellem bil-Ġermaniż. Meta reġa' lura fil-Provinċja tal-Marche fl-1247, hu sar Gwardjan u dam f'dan l-uffiċċju sa ma miet fl-1274. Jissemma fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius* 58.

158 Hugh de Digne, li kien minn Provence, u li Salimbene de Adam isejjaħlu "wieħed mill-kjeriċi kbar tad-dinja, predikatur eminenti, maħbub mill-kleru u l-poplu, eċċellenti fil-kontroversja u kompetenti f'kollox", li kien ħabib kbir ta' Fra Giovanni da Parma, Ministru Ġeneral, kif ukoll *maximus Joachita* (dixxiplu tad-duttrina ta' Gioacchino da Fiore).

159 Il-*Chronica XXIV Generalium*, 161, tgħid li Fra Cristoforo twieled fir-Romagna, sar qassis u mbagħad daħal fl-Ordni meta kien għadu ħaj San Franġisk. Hu għex l-aktar fi Franza, partikolarment f'Aquitaine. Miet f'Cahors fl-1272.

160 Fra Stefano ta' Narbonne irċieva l-martirju mill-Albiġiżi fl-1242 u ġie beatifikat fl-1862 mill-Papa Piju IX (L. Wadding, *Annales Minorum*, t. III [1239-1255] 1242, n. 3]).

ġie inkurunat bil-martirju fra Raimondo, li jinsab midfun u meqjum[161]. Fra Benvenuto[162] u fra Pietro, li kien Ministru tal-Calabria, tant jiddu bil-mirakli, li prova tagħhom tagħtihielna l-grazzja divina[163].

Nieħdu wisq fit-tul li nkomplu nitkellmu dwar il-Konfessuri wieħed, wieħed u l-Martri glorjużi, li mietu taħt il-qilla tas-Saraċini jew ta' l-eretiċi, waqt li kienu intbagħatu għandhom bil-mandat tas-Sede apostolika biex jindagaw fuq l-ereżiji tagħhom, u li sofrew il-martirju għall-fidi fi Kristu u għad-difiża tal-Knisja.

Kapitlu VII
Dwar it-tliet Ordnijiet.

[1425] 7 It-tagħlim ta' Franġisku jidher l-aktar fil-frott tat-tliet Ordnijiet li hu waqqaf. L-ewwel wieħed hu l-Ordni tal-patrijiet Minuri, li l-għamla ta' ħajja tiegħu hi dik ta' l-Evanġelju fil-qadi tal-Mulej, fil-faqar u fl-umiltà u fil-predikazzjoni tal-penitenza. Dan tassew jogħġob lil Alla u jagħtu sinjal tax-xhieda tiegħu l-għadd kbir ta' dawk li jipprofessaw din il-ħajja. Għax min jista' jiddeskrivi biżżejjed, kemm il-Mulej wera fihom u permezz tagħhom l-għeġubijiet u l-mirakli ta' dan l-istat ta' ħajja! Niġu mela għall-viżjonijiet u s-sejħat speċifiċi, għar-rivelazzjonijiet li sallum tant nies mill-insara għadhom jiltaqgħu magħhom, u li bil-professjoni ta' din il-perfezzjoni l-Mulej stħaqqlu jagħti prova daqshekk ċara. Jirrakkonta l-missier ta' tifkira hienja, fra Haymo[164], li kien Ministru Ġeneral, li wieħed prelat fl-Ingilterra ittieħed fid-dehra ta' l-għamajjar tas-sema, imma meta hemmhekk ma lemaħx lill-patrijiet Minuri fost ir-Reliġjużi l-oħrajn, baqa' mistagħġeb b'dan. Dehritlu mela s-sinjura mill-isbaħ l-imqaddsa Omm Alla li ġiet tiltaqa' miegħu, u staqsietu x'kien qiegħed jixtieq f'qalbu. Meta dak l-Isqof qal li kien baqa' mistagħġeb b'dan, jiġifieri li ma rax lill-patrijiet Minuri f'dak il-hena tas-sema, għax hu qies li huma kienu tant ħadmu għall-Knisja ta' Alla, dik is-sinjura weġbitu: "Ejja miegħi u jiena nurik fejn huma jinsabu". U urietu lill-aħwa li kienu kollha miġburin fil-ħbiberija kbira madwar Kristu, u qaltlu: "Ara, li huma jinsabu taħt il-ġwienaħ ta' l-Imħallef, u għalhekk inti salva ruħek magħhom". Meta l-Isqof ra dik id-dehra u sema' l-parir ta' salvazzjoni ta' Omm Alla, hu daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri, bil-permess tas-sinjur Papa Girgor IX[165].

---

[161] Fra Raimondo ta' Corbonne, sieħeb Fra Stefano, li miegħu irċieva l-martirju.

[162] Kienu erbgħa l-aħwa li kellhom l-isem ta' Benvenuto: wieħed miet f'Mantova fl-1230 (Bartolomeo da Pisa, *Liber de Conformitate* XI, 525); Benevenuto da Recanati, li miet fl-1289; Benvenuto da Gubbio, li miet fl-1232 (Luke Wadding, *Annales Minorum* 1232, 18); u Benvenuto, Isqof ta' Auxerre (1282). X'aktarx li, skond il-*Liber de Conformitate*, dan li jissemma hawnhekk hu Benvenuto da Gubbio.

[163] Ftit nafu dwar Pietro di Calabria, barra minn dak li jgħidilna Bartolomeo da Pisa fil-*Liber de Conformitate* VIII, 296; XI, 532.

[164] Skond Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 33, Haymo of Faversham kien l-ewwel Ministru Ġeneral Ingliż fl-Ordni. Ġie magħżul fl-1240 u miet fl-1244. Fi żmienu l-Ordni tal-Minuri ħa direzzjoni deċiżament "saċerdotali" u "klerikali".

[165] Dan x'aktarx li kien Ralph, Isqof ta' Hereford. Qabel ma daħal fl-Ordni fl-1239, Ralph of Maidstone kien Isqof ta' Hereford mill-1234. Hu irreżenja mid-djoċesi tiegħu fl-1239 u miet liebes it-tonka Franġiskana fit-8 ta' Jannar 1246. Thomas of Eccleston jgħidilna li kien Haymo of Faversham li kien libbes it-tonka Franġiskana lil Ralph of Maidstone.

Xi Reliġjużi deheru jistkennu taħt il-mant tal-Verġni mqaddsa; dawk l-aħwa mbagħad l-istess Omm Alla uriethom jistkennu taħt il-ġwienaħ ta' l-Iben ta' Alla u kienu donnhom Kerubini li kienu tnejn, tnejn, u jixxiebħu.

[1426] Dan il-prelat li semmejna jaħsbu li kien is-sinjur Ralph, li kien daħal fl-Ordni, u sar mgħallem fit-tejoloġija u isqof ta' Hereford. Qablu kien hemm tnejn oħra jisimhom Ralph[166], it-tnejn li huma dutturi tat-tejoloġija, li wieħed minnhom daħal fl-Ordni f'Pariġi b'dan il-mod. Meta darba minnhom kien qiegħed jistudja, raqad fuq ktieb, u deherlu x-xitan u filwaqt li heddu, b'wiċċu mbiegħren qallu: "Jiena għad nagħmik għax nixħetlek il-ħmieġ f'għajnejk". Dak l-imgħallem qam mir-raqda tiegħu, u ħares lejn ix-xitan f'wiċċu u bil-kliem wieġbu filwaqt li b'subgħajh naddaf għajnejh u qallu: "Mhux inti tagħma lili, imma jiena nagħmik". U ara li l-għada, waqt li kien jgħallem fuq il-kattedra, irċieva ittra mill-Ingilterra, li kienet tgħidlu li kienu offrewlu djoċesi ta' Isqof trendi ħafna offerti. U billi hu kien iqis l-għana bħall-ħmieġ, li bih ix-xitan ried jagħmih, ħalla kollox warajh u daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri.

[1427] Sadanittant jiena kont nivvjaġġa fil-Ġermanja u l-Flandrja, flimkien mal-Ministru Ġeneral magħruf[167], u wara bosta snin jiena stħaqqli li jiġi milqugħ għall-ikel flimkien ma' l-aħwa, li wieħed minnhom qabel kien kanonku, raġel tassew ta' ġieħ, li daħal fl-Ordni biex isib il-fejqan ta' l-għaġeb tiegħu. Jiena ma nistax niftakar iċ-ċirkustanzi kollha, l-aktar għaliex għadda ħafna żmien, imma ma għandix dubju dwar id-dħul u l-kura ta' din il-persuna, u għalhekk nirrakkonta l-fatti kollha li x'akatrx niftakar. Dan ir-raġel nobbli u persuna ta' min iqimha kien kanonku, kien jibża' mill-Mulej u kellu devozzjoni speċjali lejn Santa Ewfemja, verġni[168]. Billi kien bniedem delikat u kien diġà 'l quddiem fis-snin, dwar is-saħħa ta' ruħu, li soltu tintilef fil-għana, kien ħerqan li *jmidd idejh għall-magħżel* (cfr. Prov 31,19), u ried li l-Mulej jurih it-triq tas-salvazzjoni, skond il-kliem tal-Profeta li jgħid: *Triqatek, Mulej, urini, u l-mogħdijiet tiegħek għarrafni* (cfr. S 24,4). *Għarrafni t-triq li minnha għandi ngħaddi, għax lejk jien nerfa' ruħi* (cfr. S 142,8). Permezz tal-qaddisa verġni li semmejna, li hu kien ħatarha bħala avukata tiegħu, hu kien jitlob li jerfa' l-madmad li hu meħtieġ għall-istat tas-salvazzjoni tiegħu. Sadanittant il-Mulej nifidlu qalbu, sabiex hu jiċħad id-dinja b'mod perfett u jidħol fl-Ordni ta' l-imqaddes Franġisku. Għax hu kien marid u kien bla sura minħabba n-nefħa ta' griżmejh. Minħabba f'hekk il-Ministru ta' l-aħwa ma riedx jilqgħu mall-ewwel u mexa bil-għaqal qabel jilqa' t-talba tiegħu, u sakemm seta', kien ireġġgħu lura ħalli jirrikmandalu l-istat tiegħu li kien tajjeb għas-salvazzjoni tiegħu u onest, kif ukoll il-ħafna għemejjel ta' frott tajjeb li kien jagħmel. Imma meta dan kien jara li dak kien dejjem ittawwlu ż-żmien, tnikket mhux ftit minħabba f'hekk. Meta darba minnhom kien qiegħed jingħata għat-talb, tħeddel b'nagħsa ħafifa. U ara li dehritlu l-imqaddsa Ewfemja, li tant kien devot tagħha, flimkien ma' bosta verġni oħrajn, u ikkonvinċietu biex jidħol fl-Ordni tal-patrijiet Minuri. Hi neħħiet kull ostaklu biex jiġi milqugħ, u biex turi li seta' jgħix fl-Ordni mingħajr diffikultà, tat sinjal bla dubju tal-fejqan tiegħu. U qaltltu: "Dan se jkun sinjal għalik, għaliex jiena se nfejjqek minn kull marda". U mall-ewwel griżmejh infetħulu, u dak it-tumur li kellu fihom ħareġ 'il barra l-materja, għaliex sadanittant hi kienet qiegħdet idha fuq il-post marid li semmejna, u hekk dak ir-

---

166 Wieħed minn hawn kien Ralph de Corbrigge, Mastru tat-Tejoloġija f'Pariġi u mbagħad Lettur f'Oxford. L-ieħor kien Ralph of Rheims, li fl-1232 il-Papa Girgor IX bagħatu flimkien ma' Haymo of Faversham għand l-Arċisqof ta' Kostantinopli.

167 Dan hu riferiment awtobijografiku għal Fra Bernard de Besse li kien is-segretarju ta' San Bonaventura meta dan kien Ministru Ġeneral ta' l-Ordni.

168 Sant'Ewfemja kienet verġni li mietet martri fi żmien Djoklezjanu fis-sena 303.

raġel reġa' kiseb saħħtu lura għal kollox. Meta hu qam intebaħ li kien fieq għal kollox. U bħala wegħda hu daħal u ġie milqugħ fl-Ordni u għex ħajja qaddisa fih. Jingħad li kien qawwi fil-virtù quddiem il-Mulej, li ma hediex la fix-xjuħija u lanqas fiċ-ċaħda tal-kumditajiet, li jaħdem bil-ħeġġa għall-Ordni u jsofri vjaġġi twal li kien jagħmilhom b'riġlejh, filwaqt li qabel kien imdorri jirkeb iż-żiemel.

[1428] Ir-raġel l-aktar magħruf Jean, imperatur ta' Kostantinopli, laqa' t-tonka ta' l-imqaddes Franġisku wara li ġie mwissi minn rivelazzjoni[169]. Hu kien mar wara ħutu li kollha, wieħed wara l-ieħor, kienu saru konti, u baqa' waħdu mingħajr wirt, u hekk kien destinat li jidħol mat-Templari, jew fl-armata ta' l-Ospedalieri. Imma meta kien għadu żagħżugħ kien jispikka b'mod ċar fil-qawwa, u bit-tmexxija ta' Alla, l-ewwel sar sultan ta' Ġerusalem, imbagħad inħatar fid-dinjità ta' imperatur, u wera lilu nnifsu mżejjen b'ħafna ġieħ għaliex in-nepputi tiegħu kien imperatur tar-Rumani. Kien ukoll difensur mill-aqwa tal-fidi ortodossa u ħabat bosta drabi għall-infidili. Meta qorob lejn tmiem ħajtu u qagħad iġib quddiem għajnejh bid-devozzjoni dak kollu li Alla kien għamel miegħu meta kien għadu ħaj, ħassu jimtela b'xewqa kbira ta' għarfien li kien ġej mis-sema, dwar kif kellu jmut. Dam għal xi żmien b'din ix-xewqa u baqa' jinsisti dwarha ma' Alla fit-talb. Lejl minnhom, hu u kien rieqed, deherlu raġel ta' min iqimu li kien liebes tonka bajda tal-patrijiet Minuri, u li kien iżomm f'idejh il-kurdun u s-sandli, u li sejjaħ lill-imperatur b'ismu u qallu: "Jean, billi inti tixtieq tkun taf bil-ħerqa dwar it-tmiem ta' ħajtek, kun af li r-rieda divina hi li inti tmut liebes din it-tonka". Malli l-imperatur qam hu tant beda jbeżża' lil dawk li kienu soltu jorqdu madwar ir-re biex iħarsuh, għax beda jitqanqal b'ħafna biki skond meta ntebaħ bil-qagħda umli tiegħu fil-ġejjieni. Dawk li kien miegħu kollha marru jiġru lejh, imma hu ma riedx jurihom għaliex dak il-biki u l-ilfiq tiegħu. Il-lejl ta' wara deherulu żewġ irġiel li kienu lebsin l-abjad, bħal xulxin, bl-istess tonka u joffrulu wkoll il-kurdun u s-sandli, u li qalulu mill-ġdid li r-rieda divina kienet li hu jmut liebes dik it-tonka. Mill-ġdid l-ispirtu tiegħu beda jibża' bħal qabel, u beda jgħajjat b'ħafna biki u lfiq, imma meta dawk li kienu reqdin maġenbu ħaffu biex jiġu ħdejh, hu ma riedx jurihom x'kienet ir-raġuni ta' dak il-biki. It-tielet lejl kellu l-istess dehra ta' tliet irġiel, li kienu lebsin l-istess ilbies abjad bħal qabel, l-istess tonka, u joffrulu l-kurdun u s-sandli u li kienu jkellmuh bl-istess mod dwar il-mewt tiegħu, u żiedu jgħidulu: "La taħsibx li din il-ħolma u d-dehra li rajt huma fiergħa, imma kif għidnielek, għad jitwettqu fis-sewwa".

[1429] Malli qam l-imperatur mall-ewwel ikkmanda li jsejjħulu lil fra Angelo, il-konfessur tiegħu. Meta dan wasal sab lill-imperatur jibki. U qallu: "Naf għalfejn sejjaħtli, għaliex lili ġiet irrivelata l-istess dehra li kellek int". Wara ftit ġranet l-imperatur inħakem mill-*febbre terziana*, u wara li qagħad iqis dak il-parir, daħal fl-Ordni skond dik id-dehra u temm hemmhekk bil-ferħ il-ħajja tiegħu. Imma meta kien għadu ħaj u l-mard u t-toqol tad-dgħufija ma kienux iħalluh jaqdi bħas-

[169] Jean de Brienne (c. 1148-1237), Re ta' Ġerusalem (1210-1225) u imperatur ta' Kostantinopli (1228-1237), li kien ħabib personali ta' San Franġisk u miet bħala penitenti Franġiskan. Skond Luke Wadding, *Annales Minorum*, 1210, n. 5: "Jean de Brienne, konti ta' Vienne, kien iben Erardus II, konti ta' Brienne le Chateau fil-Gallja". Salimbene da Parma, fil-*Cronaca* 8, 18, ifaħħar lil Jean de Brienne: "Jean, re ta' Ġerusalem, kien raġel straordinarju, nobbli u għaref, u kellu fidi u diskrezzjoni kbira ... Hu sar Patri Minuri, u kien se jagħti servizz mill-aktar prezzjuż lill-Ordni, li kieku Alla ma sejjaħlux għal għandu meta kien għadu ta' età żagħżugħa. Kien Fra Benedetto da Arezzo, raġel qaddis u Ministru Provinċjal tal-Greċja, li laqa' lir-Re Jean fl-Ordni". Ma nafux jekk dan id-dettall ta' Salimbene hux eżatt, għax mhux ċert jekk Jean de Brienne daħalx fl-Ordni tal-Minuri bħala patri. Hu aktar probabbli li hu daħal fl-Ordni tal-Penitenza (III Ordni Franġiskan). Kien preżenti fil-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, u ġab ħafna rigali fil-qabar ta' San Franġisk. Meta miet fl-1237 hu ried li jindifen bit-tonka Franġiskana u l-qabar tiegħu monumentali għadu sallum jinsab fil-Bażilika inferjuri ta' San Franġisk f'Assisi.

soltu l-uffiċċji umli li kellu jwettaq fl-Ordni, bl-imħabba kollha tar-ruħ jingħad li kien jesprimi ruħu b'dan il-kliem devot u ta' min jiftakru: "O Mulej l-aktar ħelu, Ġesù Kristu, agħmel li jiena, li kont ngħix fil-kumdità u l-glorja tad-dinja, li kont nilbes ilbies prezzjuż, inkun issa nista' nimxi warajk f'din it-tonka nittallab bl-ixkora fuq spallejja, u nitolbok li nkun fqir u umli tassew kif kont int fqir u umli!" F'dan kollu dan ir-raġel ħalla eżempju mill-akbar, hekk li f'dak kollu li kellu x'jaqsam mal-faqar u l-umiltà, hu ma kienx inqas kbir mill-oħrajn u kien jistħi ħafna inqas mill-oħrajn. Hekk hu wettaq f'din il-wegħda dak li n-nobbli wkoll soltu juru li jistgħu jwettqu f'dan l-Ordni, li jiġifieri huma jkunu aktar umli u ġwejdin u sempliċi; għax tassew li l-ħajja mrażżna fil-manswetudni u l-umiltà hi sinjal mill-aktar kbir ta' nobiltà. Għax ta' spiss il-grazzja tagħmel nobbli lil dawk li mhumiex nobbli, u min-nobbli bla fejda l-ftaħir jew l-għażż jagħmlu ħsara. U x'hemm aktar baxx li minn bniedem nobbli wieħed isir bniedem rozz? U lanqas ma għandu wieħed jistmerr lil dawk ta' kundizzjoni baxxa, għaliex hu l-Mulej li jagħti l-grazzja li wieħed jitqabad għalih; ma hemmx nobiltà akbar milli li wieħed ikun kavallier ta' Kristu.

[1430] Issa iżda nkomplu fuq dak li bdejna. Fra Guglielmo, ta' tifkira hienja, li darba kien Ministru f'Aquitaine, jingħad li fil-belt ta' Cahors kien sar mgħallem li intrabat bil-voti ma' l-Ordni tal-patrijiet Minuri[170]. Meta għadda ż-żmien li l-aħwa kienu tawh biex jidħol fl-Ordni, waqt li kien jilgħab l-iskakki quddiem il-bibien tal-knisja ta' l-imqaddsa Verġni Marija, minnufih tilef id-dawl ta' għajnejh. Meta hu ħass x'kien ġralu, imma dawk li kienu madwaru ma ntebħux, hu qaleb dik il-logħba b'idejh stess, u sejjaħ tifel, qiegħed idu fuq spalltu, u daħal fil-knisja, fejn ixteħet quddiem l-altar tal-Verġni Omm Alla u bil-biki u d-devozzjoni beda jwiegħdha li, jekk jerġa' jikseb lura d-dawl, hu kien lest li jidħol mingħajr dewmien fl-Ordni tal-patrijiet Minuri. Malli reġa' kiseb lura d-dawl, mar fl-istess jum għand l-aħwa, u talabhom biex jidħol fl-Ordni, skond ma kien fassal li jagħmel qabel. Imma hu mill-ġdid kiser il-kelma li kien ta, u reġa' mar fl-istess post jilgħab, u reġa' sar għama u daħal fil-knisja bħal qabel, u wara li xerred ħafna dmugħ, reġa' għamel wegħda mal-Verġni mqaddsa, li jekk hi terġa' troddlu d-dawl, hu ma kienx se jtawwal iżjed iż-żmien biex fih jidħol fl-Ordni. Sadanittant reġa' kiseb lura d-dawl bħal qabel, imma din id-darba aktar tard. Minkejja dan kollu mill-ġdid reġa' nesa' u ittraskura l-wegħda li kien għamel li jidħol fl-Ordni u baqa' jtawwal iż-żmien. Għat-tielet darba, bħal qabel reġa' għama u daħal fil-knisja u bħal dari reġa' qagħad jibki bl-akbar devozzjoni quddiem l-altar ta' Omm Alla u reġa' kiseb lura d-dawl, għalkemm wara ħafna żmien, u mill-ġdid reġa' mar beix iwettaq il-wegħda tiegħu li jidħol fl-Ordni. Meta ra, għaldaqstant, li kien meħtieġ li hu jwettaq il-wegħda tiegħu, li kien ippruvaha tant drabi, hu sar mimli rikonoxxenza lejn Alla u lejn il-Verġni mqaddsa, u beda jirrakkonta dak li ġralu lill-aħwa kollha u daħal fl-Ordni skond ma kien wiegħed. Wara li daħal fl-Ordni hu ma ħalliex warajh għal kollox il-bniedem il-qadim, u lanqas ma ried jgħix il-ħajja fil-komunità ta' l-Ordni. Kien dejjem jippretendi li minħabba l-ħtieġa kellu jġib l-għata tar-riġlejn, ried jiekol fl-infermerija, ried dejjem jimtedd imgebbeb fi gverta, u fix-xitwa wara l-Quddiesa kien imur iħaffef lejn il-kċina, biex jissaħħan. Sadanittant l-aħwa għal sentejn sħaħ kienu jissapportu mhux mingħajr niket kbir dik il-ħajja tiegħu ta' dgħufija, l-aktar minħabba li hu meta kien fis-seklu kien bniedem ta' ġieħ. Lejl minnhom deherlu l-imqaddes Franġisku waqt viżjoni u qallu: "Ibni, nitolbok biex iġġorrni għal ftit tal-ħin". U dak wieġbu: "Ma nistax inġorrok, għaliex jiena dgħajjef u marid u inti persuna tqila u tiżen ħafna". Imma meta l-Qaddis baqa' xorta waħda jitolbu biex iġorru, dak qabdu minn saqajh filwaqt li ħallielu rasu titkaxkar 'l isfel ma' l-art. L-imqaddes Franġisku beda jgħajjat u jgħidlu: "Qed tweġġagħni, qed tweġġagħni, mintix qed

[170] Riferiment għal Guglielmo di Bayonne, Ministru Provinċjal ta' Aquitaine meta kien Ministru Ġeneral San Bonaventura (1257-1274).

iġġorni sew". Imma l-ieħor wieġbu: "Jiena ma nistax inġorrok mod ieħor", u kompla jkaxkar lill-Qaddis, hekk li dak kien igorr li qed ibati ħafna minn kif kien iġorru. Meta sebaħ filgħodu daħal wara l-Quddiesa, bħas-soltu, fil-kċina u hemmhekk beda jirrakkonta dik il-ħolma li kellu. Wieħed mill-aħwa li semgħu wieġbu bil-prudenza kollha u qallu: "Tassew vera hi dik d-dehra, li inti rajt. Għax inti tweġġa' u ġġorr mhux sew lill-imqaddes Franġisku, jiġifieri l-Ordni tiegħu, li dejjem tkaxkru ma' l-art minħabba l-ħajja tiegħek moħħha fil-ħwejjeġ tad-dinja u ta' l-art, għaliex inti tgħix moħħok fil-ġisem u mingħajr dixxiplina". Dak meta sema' dik l-interpretazzjoni ta' dak ħuh u fehemha li kienet tassew hekk, reġa' beda jitħasseb fil-qalb tiegħu, u neħħa l-ġild li bih kien jitgħatta u l-għata tar-riġlejn, ma baqax aktar jieħu ħsieb li joqgħod fl-infermerija u jkollu r-rix artab biex jimtedd fuqu, imma l-ħajja tal-komunità ta' l-Ordni li kien ittraskura reġa' laqagħha u inbidel fi bniedem ieħor, kollu kemm hu spiritwali u reliġjuż ħafna, u sar predikatur mill-aħjar. Hu, għalkemm tawwal minħabba t-traskuraġni, imma wera ruħu li ma kienx għal kollox kontra dak li kien wiegħed.

[1431] Imma dwar l-eżempju terribbli kontra dawk li huma ingrati għall-vokazzjoni fl-Ordni u jħarsu lura b'qalbhom iebes, kien jirrakkonta, kif jingħad, il-miqjum patri fra John l-Ingliż, li wara li kien sar *magister* tat-tejloġija f'Pariġi laħaq arċisqof ta' Canterbury[171]. Kien jgħid li wieħed kjeriku f'Pariġi, li kien wiegħed li se jidħol fl-Ordni tal-patrijiet Minuri, malli wasal biex jilbes it-tonka, irċieva ittra minn artu, li fiha sar jaf li kienu għamluh kanonku tal-knisja kattidrali. Dan ħalla warajh il-fehma li jidħol fl-Ordni, imma meta kien ilu fil-knisja tiegħu kważi sena, marad b'mod gravi. Il-kanoniċi wissewh sabiex jistqarr dnubietu, għaliex hu ma riedx iqerr fid-disperazzjoni tiegħu. Għaldaqstant il-kanoniċi sejħlu lill-patrijiet Minuri, sabiex jiġu hu jikkonvinċu lill-marid biex iqerr. Ġew għandu għalhekk l-aħwa, u billi sabuh li kien dgħajjef ħafna, bdew iwissih kif setgħu, bl-akbar kura, biex iqerr dnubietu skond id-drawwa ta' l-insara tajbin u tal-kattoliċi veri. Imma hu weġibhom: "L-aħwa, ma għandkomx twissuni dwar dan. Għaliex jiena indannat; ma nistax inqerr. Għaliex qabel ma ġejtu intom għandi, jiena ġejt meħud quddiem il-ħarsa ta' Alla, li urieni wiċċ mill-aktar tal-biża' u qalli: '*Sejjaħtlek u inti ċħadtni* (cfr. Prov 1,24), u għalhekk mur fil-piena ta' dejjem'". U malli qal hekk, minnufih quddiem kulħadd għalaq jiemu fuq din l-art. Tassew li *l-ħaqq ta' Alla bħal ħafna abbissi* (cfr. S 35,7), għaliex ħadd ma jista' jaf, għaliex Hu jeħles lil wieħed bil-ħniena, filwaqt li lill-ieħor jikkundannah bil-ġustizzja. Għaliex *il-Mulej hu dak li jiżen l-ispirti* (cfr. Prov 16,2), mhux biss dak li jidher minn barra, sabiex jagħmel ħaqq mill-bnedmin, imma hu jagħraf bla ma qatt jiżbalja dak li hu moħbi bil-qalb.

[1432] Ma ngħidx hekk biss biex napprova dan l-istat daqskemm biex niskot dwar ir-rakkomandazzjoni ta' perseveranza li dan laqa' li jingħaqad magħha f'Pariġi. Hemmhekk kien daħal wieħed mill-imgħallmin ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, li ommu kienet mantnietu bil-karità li kienet taqla' u kienet twieżnu bil-kura mill-faqar tiegħu. L-omm kienet titnikket fuq binha, għax kienet tqis li tilfet lil binha, li kienet tqisu bħala ġid materjali. Hi ġiet għandu, u reġgħet sejħitlu biex imur lura għall-istat ta' qabel tiegħu. Urietu sidirha, u bdiet tfakkru u tgħidlu kemm kienet temgħetu meta kien fil-miżerja, u bdiet tipproponilu ħafna affarijiet oħrajn, li bihom setgħet tqanqlu biex joħroġ mill-ħajja reliġjuża. L-iben tqanqal ħafna f'ruħu minħabba ommu u tant ġie

[171] John Peckham (c. 1220-1292) studja f'Pariġi fil-Fakultà ta' l-Arti (1245-1250), daħal fl-Ordni tal-Minuri fl-1250, reġa' mar lura Pariġi u sar *magister* fl-1269. Hu għallem f'Oxford bejn l-1271-1272, ġie magħżul Ministru Provinċjal ta' l-Ingilterra fl-1276 u, fl-1279, sar Arċisqof ta' Canterbury. Hu miet fit-8 ta' Diċembru 1292, u jinsab midfun fil-Kattidral ta' Canterbury.

mġarrab li iddeċieda li l-għada filgħodu joħroġ mill-Ordni. Hu ma riedx jagħmel dan minħabba l-ħażen, imma għax ix-xitan qarraq bih bil-moħbi taħt il-pretest tat-tjieba. Hu, kif kien imdorri jagħmel, ingħata għat-talb, u mar quddiem ix-xbieha tal-Kurċifiss u beda jgħid lil Alla: "Mulej, jiena ma rridx inħallik, imma ommi, li tant mantnietni bl-imħabba fil-miżerja tagħha, issa jeħtieġ li nipprovdilha għall-ħtiġijiet tagħha". Imma hu u jitlob b'dan il-mod quddiem ix-xbieha tal-Kurċifiss, ra li min-naħa tal-ġenb tal-Kurċifiss, fejn kien hemm il-pjaga tal-kustat, kien ħiereġ id-demm u sema' l-leħen tal-Mulej jgħidlu: "Jiena inmantnik b'imħabba akbar minn dik ta' ommok, u dan id-demm lilek fdiek, u lili ma għandekx tħallini minħabba ommok". Hu baqa' mistagħġeb kemm minħabba d-demm kif ukoll għax kien sema' dak il-leħen, u wara li għabet minnu kull tentazzjoni, baqa' fl-Ordni, u b'mod xieraq qiegħed lil Kristu qabel ommu, skond kif Hu jgħid fl-Evanġelju: *Min iħobb lil missieru jew lil ommu aktar minni, ma jistħoqqlux li jkun miegħi* (cfr. Mt 10,37).

[1433] Gunther minn Brabant, raħeb fl-Ordni ta' San Benedittu, ma setax aktar jgħix fil-monasteru tiegħu, u għalhekk għażel li jgħaddi minn dan il-monasteru għal ieħor, imma lanqas hemmhekk ma sab il-paċi tar-ruħ tiegħu. Għalhekk ingħata kollu kemm hu għat-talb, ta' kuljum kien jaqra s-salterju u jsum, sabiex il-Mulej jogħoġbu jurih it-triq tas-salvazzjoni, li permezz tagħha jkun jista' jaqdih b'mod xieraq. Wara li hu għadda bosta jiem fit-talb u fis-sawm hu ra waqt il-ħolm lill-imqaddes Franġisku u quddiemu l-ktieb ta' l-Evanġelju u taħt l-Evanġelju r-Regola. Dak ir-raħeb beda jistaqsi bl-istagħġib dwar it-tifsira ta' dak li kien qiegħed jara, jiġifieri li r-Regola kienet qiegħdha taħt l-Evanġelju. U l-Qaddis wieġbu: "Minħabba f'hekk li taħt l-Evanġelju hemm ir-Regola, għaliex din tinbena fuq l-Evanġelju". Għal diversi ġranet dak ir-raħeb kien ilu jitlob u jsum, u kien mimli ħeġġa biex ikun jaf, jekk jogħoġob lil Alla, dak l-istat li dik id-dehra riedet turih. Għaldaqstant kien jitlob bil-ħniena, sabiex, jekk dan kien minnu, il-Mulej jerġa' jurih dik id-dehra. U meta kien qiegħed hekk jitlob, deherlu mill-ġdid l-imqaddes Franġisku bl-Evanġelju u bir-Regola, bħal qabel. Għat-tielet darba reġa' beda jitlob u jsum, u dak ir-raħeb beda jixtieq isir jaf b'mod aktar ċar it-tifsira tad-dehra, jekk jogħoġob lil Alla li jurih dan. U deherlu l-imqaddes Franġisku bl-istess mod u hu intebaħ mall-ewwel li ried jilqgħu fl-Ordni. Imma dak ir-raħeb kien ibati b'marda kiefra f'riġlejh u qal lill-imqaddes Franġisku: "L-aħwa la huma se jemmnuni u lanqas jilqgħuni". U qallu l-Qaddis: "Inti se tkun imfejjaq f'riġlejk u dan ikun għalik bħala xhieda". U kif hu kien ra fil-ħolm li se jseħħ, meta qam sab lilu nnifsu mfejjaq. U meta mar fl-Ordni u l-Ministru beda jtawwal biex jilqgħu, imma hu irrakkonta dik il-viżjoni li kellu bħala dehra tal-benefiċċji li ingħatawlu. Imbagħad ġie milqugħ fl-Ordni u għex ħajja reliġjuża u qaddisa fil-Provinċja ta' Cologne. Dan qaluhulna l-aħwa li jgħixu f'dawk l-inħawi.

[1434] Jiena smajt din il-ġrajja mingħand wieħed patri ta' ħajja tajba, li nafuh bħala raġel li għadda minn prova fl-Ordni. Kien hemm wieħed raħeb Ċisterċensi minn monasteru tad-djoċesi ta' Toulouse, li ġie għandu u talbu biex jilqgħu fl-Ordni ta' l-imqaddes Franġisku. Hu qallu li kien hemm ċertu raħeb mill-monasteru tiegħu li kien miet, u li meta kien jgħix hu kien iqisu bħala l-għeżeż wieħed fost l-irħieb sħabu. Qabel ma miet, waqt li kien agunija fl-aħħar marda tiegħu, wegħedu li jarah fil-qagħda divina tiegħu, u lejl minnhom ġie hu nnifsu u sejjaħlu għall-kapitlu tal-konversi. Waqt it-tbatijiet ta' l-aħħar marda tiegħu dan kien wiegħed li jagħmel hekk bil-permess ta' Alla. Dak xtaq iħaddnu miegħu bil-ħlewwa, imma l-mejjet qallu: "Inti la tista' tmissni u lanqas tarani". Meta dak beda jistaqsieh biex jgħidlu fejn kien jinsab, dak wieġbu: "Hi ħaġa perikoluża li wieħed jgħix; jiena għalija kollox se jkun ta' ġid". U dak staqsieh: "Għaliex għalissa mhux kollox ġiek tajjeb?" U dak qallu: "Mhux għalissa!" Imbagħad urieh li kien għad baqagħlu

żmien fil-purgatorju biex jissaffa bis-suffraġji. Meta sadanittant dak li beda jitolbu jurih l-istat ta' l-Ordni tiegħu ta' l-Ordnijiet l-oħrajn, u dwar persuni magħrufin kemm reliġjużi kif ukoll sekulari, hu wieġbu li l-aktar fost l-Ordnijiet reliġjużi bosta kienu jintilfu, u dawk il-persuni, li hu kien staqsa dwarhom, ħlief ftit minnhom, kollha kienu mitlufin. U dwar il-kawżi ta' dan it-telfien hu qallu li kienu ħafna. U jiena dwar il-qagħda ta' dawk il-ħafna mitlufin li hu semma', ma jiena se ngħid xejn, għaliex dwar in-nuqqasijiet tagħhom, jekk ma jkunx meħtieġ b'urġenza, aħjar nibqgħu siekta. L-Ordnijiet kollha huma tajbin, jekk jaqdu s-sejħa tagħhom. U dwar il-patrijiet Minuri qal li sa issa ma kien ra lil ħadd minnhom mitluf, għax dawk fosthom li jinsabu fil-purgatorju, minnufih, jerġgħu itiru lejn is-sema. Hu wissa lil sieħbu biex iżomm sħiħ u li joqgħod attent li ma jintmissx mill-vizzju.

Dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-Ordni ta' l-imqaddes Franġisku hu faħħru mhux ftit, imma bi ftit kliem. Għax jekk it-tmiem li wieħed irid jimxi warajh b'mod ħieles jiddependi mill-qagħda ta' sinċerità, il-mertu li jiġi qabel ikun ippruvat mit-tmiem. Ma għandniex għax nistagħġbu, għax jekk dawk li jgħixu fil-faqar l-aktar iebes, fil-ksieħ u fil-għera u fix-xogħol minħabba fil-Mulej, jiġu msoffijin hekk malajr, dan ifisser li huma qed jgħaddu mill-purgatorju fil-ħajja preżenti.

Għandna issa xhieda mhix mistennija dwar ir-rieda ħażina ta' bniedem u l-approvazzjoni li ma stħaqqlux. Din ix-xhieda ingħatat lill-Ordni mill-art tal-mejtin, kif ix-xhieda mis-sema ingħatat waqt viżjonijiet oħrajn.

[1435] F'Navarre kien hemm wieħed mill-aħwa ta' virtujiet kbar, li qabel kien jismu Gonsalvo, u wara Antonio, li kien minn Spanja, u li meta kien raħeb fl-Ordni taċ-Ċisterċensi, waqt li kien qiegħed jitlob bil-qalb, deheritlu tfajla mill-isbaħ u mżejna li kienet tistiednu biex jiżżewwiġha. Dak beda jiċħad bil-qawwa, l-aktar għaliex kien raħeb u kien ipprofessa l-kastità, hekk li ma kienx jiswa li hu jiżżewweġ. Iżda hi qaltlu: "Jaqbel li inti teħodni bħala għarusa tiegħek. Għaliex jiena nġib il-bixra u jiena xbieha ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, u għalhekk qiegħda nitkellem; jekk inti tidħol u titgħarras ma' din ir-Reliġjon, inti ssalva fiha". U malli qaltlu dawn il-kelmiet għabet.

[1436] Darba oħra dan fra Antonio ra lill-imqaddes Franġisku u miegħu lill-qaddis fra William, li l-għadam mirakoluż tiegħu jistrieħ fil-knisja ta' l-imqaddes Franġisku[172]. Ra bħal sodda mill-isbaħ, li dak il-qaddis William, meta staqsieh dwarha, qallu li kienet l-imqaddes Franġisku. U Antonio qallu: "U jiena rrid norqod fiha, sabiex inkun nista' ngħid li rqadt f'sodda hekk sabiħa". Wara l-viżjoni, meta l-irħieb riedu jilqgħuh bħala Abbati, hu daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri bħalma ried jidħol fis-sodda ta' l-imqaddes Franġisku. Meta l-irħieb marru jitolbuh bl-insistenza permezz tal-Kurja Rumana, ghaliex kienu jippretendu, fost affarijiet oħrajn, li l-ħajja ta' ċaħda ta' l-Ordni tagħhom kienet ikbar minn dik tal-patrijiet, hu wieġeb: "Dawn ma ġewx il-Kurja jittallbu u mexjin b'riġlejhom, kif għamilt jien". Il-Papa talab lill-irħieb biex imorru, u dak il-patri baqa' fl-Ordni b'tant devozzjoni, li d-dmugħ ta' l-offerta tiegħu – li jingħad li kien ta' l-għaġeb – kien ixerrdu wkoll fost il-ġmiegħi li kienu jinġabru madwaru.

Ma kien ilissen l-ebda kelma fiergħa, imma kienu jarawh ta' spiss u bil-ħerqa jitkellem ma' Alla donnu fis-sakra, għalkemm l-inbid ma kienx imissu ħlief waqt is-sagrifiċċju tal-Mulej, u ma

---

[172] Dan hu Fra William ta' l-Ingilterra, li ftit li xejn nafu dwaru ħlief li kien magħruf għall-mirakli tiegħu, u li meta miet, c. 1232, indifen fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi.

kienx jixrob sa ma jixba'. Tant kien imħeġġeġ bil-ħerqa għall-erwieħ, li kien jippriedka bla heda u kien joqgħod għal żmien twil jisma' l-qrar. Kien ukoll jgħallem lill-aħwa biex iqerru, biex jitolbu ta' spiss, biex jevitaw kliem fieragħ, għax jekk jagħmlu hekk, huma kellhom jimxu ħafna 'l quddiem fil-virtù. Dwar l-għemejjel u l-grazzji u l-mirakli li għamel jeħtieġ żmien biex noqgħodu nirrakkontawhom.

[1437] Issa niġu biex nitkellmu dwar vokazzjoni. Għax dan l-Ordni ġie ippruvat u milqugħ minn Alla, u fih jidħlu dawk li huma msejħin b'sejħa speċjali, u hu ġie mwaqqaf fuq irġiel perfetti *fuq il-għoljiet imqaddsa* (cfr. S 86,1), u ġie mżejjen minn irġiel mill-aktar magħrufin, hekk li donnhom ġawhar raffinati. Għax fih daħlu isqfijiet, abbati, arċidjakni, u mgħallmin magħrufin fit-tejoloġija; kif ukoll prinċpijiet u bosta nies kbar ta' dinjità, nobbli li kienu magħrufin għall-għerf tagħhom; u li huma bħal ward ta' nobiltà u ta' xjenza. Jekk infittxu eżempju wieħed, u nħallu l-oħrajn kollha barra, insibu lill-imgħallem fra Alexander, li kien kjeriku kbir fid-dinja u li kien magħruf bħala l-aqwa mgħallem tat-tejoloġija[173], kif ukoll insibu lill-kavallier u s-sinjur mill-aktar famuż Jean, re u imperatur li semmejna qabel, li minn imperatur sar patri Minuri, sabiex il-Mulej iwettaq fi Franġisku dak li kien ħabbar: *Jiena nimxi quddiemek u nċekken lil dawk li huma glorjużi fuq l-art* (cfr. Is 45,2).

[1438] U mbagħad min jista' jgħodd dawk l-aħwa li kienu mill-aktar ċelebri u magħrufin fl-Ordni bħala dutturi fit-tejoloġija? U lanqas ma nistgħu nisktu milli nfaħħru lil Kristu li jgħolli liċ-ċkejknin, fil-providenza tiegħu ta' l-għaġeb, hekk li fl-Ordni tal-Minuri insibu wieħed li hu kbir fid-dinjità u magħruf bħala kavallier, kif ukoll mgħallem fit-tejoloġija u fil-filosofija, u wkoll predikatur mill-aħjar, jiġifieri l-imgħallem fra Jean de La Rochelle[174], li hu magħruf għar-reliġjożità, għax-xjenza u l-prudenza mill-aktar ċari u intelliġenti, u li aħna kellna bħala mgħallem tagħna mill-aktar fin fil-predikazzjoni u bħala lettur tat-tejoloġija fil-Fakultà ta' l-arti u li ħallielna tagħlim mill-aktar bnin. Kemm hu kif ukoll Alexander ħallewlna kitbiet mill-aktar solenni u meħtieġa.

[1439] Warajh insibu wkoll lill-miqjum fra Eudes Rigaud[175], li kien nobbli fi twelidu, imma aktar magħruf għall-ħajja tiegħu, mgħallem fit-tejoloġija, u fl-istess ħin arċisqof tal-knisja ta' Rouen, u predikatur mill-aktar famuż. Dan kien ġie mitlub biex jaħdem fil-Kurja, u l-ħajja u t-tagħlim tiegħu ta' qabel fl-Ordni tant kien eċċellenti u kien jiddi bl-eżempju, li hu meqjus bħala l-forma ta' kif għandhom jgħixu l-Prelati.

---

[173] Alexander of Hales (1185-1245), twieled f'Hales Owen, Shropshire, Ingilterra, studja f'Pariġi u sar *magister* tat-tejoloġija fl-1210 u aktar tard *magister regens*. Hu daħal fl-Ordni fl-1231 u, meta kien Pariġi, għallem lil Jean de La Rochelle, Eudes Rigaud, u Bonaventura minn Bagnoregio. Kien magħruf bħala *Doctor Irrefragabilis* [Duttur li ma jistax jiġi miċħud]. Miet fil-25 ta' Awissu 1245.

[174] Jean de La Rochelle (c. 1190) hu l-ewwel Franġiskan fil-lista ta' l-aħwa u *magistri* tat-tejoloġija f'Pariġi. Hu kellu rabtiet speċjali ma' Alexander of Hales u ta s-sehem tiegħu fil-formazzjoni tas-*Summa Theologica* ta' dan id-duttur Franġiskan, ippubblikata fl-1948 mill-Franġiskani tal-Kulleġġ ta' San Bonaventura fi Quaracchi, Firenze. Miet f'Pariġi fl-1245.

[175] Eudes Rigaud, jew Odo Rigaldus, daħal fl-Ordni tal-Minuri fl-1236, studja fl-Università ta' Pariġi fis-snin 1240-1241, u ikkollabora fil-kitba ta' l-*Expositio Regulae Quattuor Magistrorum* [Espożizzjoni tar-Regola ta' l-Erba' *Magistri*]. Ġie ikkonsagrat Arċisqof ta' Rouen fl-1248, u dam f'dan il-ministeru sal-jum tal-mewt tiegħu fit-2 ta' Lulju 1275.

[1440] It-tieni Ordni li waqqaf l-imqaddes Franġisku hu dak tal-verġni u tas-sinjuri nisa li jgħixu fil-kastità, li jwiegħdu lil Alla li jgħixu għal dejjem fis-skiet tal-klawsura u jaqduh fit-tgħakkis tal-ġisem. L-ewwel waħda fosthom kienet l-imqaddsa Klara, dixxiplu mill-aktar devota ta' l-imqaddes Franġisku. Dan meta ra li skond it-tagħlim tiegħu dawn il-verġni kienu qegħdin jgħixu ħajja mill-aktar qaddisa fil-professjoni tal-faqar l-aktar għoli, u li b'dan il-mod u b'ħafna modi oħrajn rahom li jagħmlu ġid biex iġibu 'l quddiem il-ħajja ta' faqar tiegħu u ta' l-aħwa, hu wiegħedhom li jgħinhom bil-pariri tiegħu. L-istess wegħda ta' faqar, imbagħad, l-imqaddsa Klara u l-monasteru tagħha dejjem żammweha bla mittiefsa sallum[176].

[1441] It-tielet Ordni hu dak ta' l-aħwa irġiel u nisa tal-Penitenza, li huma kjeriċi, lajċi, verġni, romol u miżżewġin, li jwiegħdu li jgħixu ħajja tajba fi djarhom, li jingħataw għal għemejjel ta' tjieba, u li jaħarbu mill-glorja tad-dinja[177]. Hekk wieħed jara fosthom nies nobbli u kavallieri jew nies oħrajn kbar li jgħixu fid-dinja, imma li huma mkebbin bil-mantell sewdieni tal-ġilda[178] ta' din il-ħajja tajba, u jilbsu lbies umli u jirkbu flimkien ma' nies foqra u li jgħixu ħajja bla lussu, sabiex hekk juru bla ebda dubju li tassew jibżgħu minn Alla. Lil dawn mill-bidunett ingħatalhom bħala Ministru wieħed mill-aħwa, imma issa huma jintelqu f'idejn il-ħarsien tal-Ministri tagħhom fid-dinja kollha, sabiex hekk dawn iġibu 'l quddiem bil-pariri u bl-għajnuniet tagħhom lill-aħwa sħabhom li huma mnisslin mill-istess missier[179].

[1442] Is-sinjur Papa Girgor, ta' tifkira hienja, meta kien għadu kostitwit f'uffiċċju minuri, kien ta regoli jew għamliet ta' ħajja lill-Ordnijiet tagħhom, għax hu kien marbut ħaġa waħda bi ħbiberija intima ma' l-imqaddes Franġisku, u hu kien ħa ħsieb li jimla dak li r-raġel qaddis ma setax jagħtihom minħabba li ma kellux tagħlim meħtieġ. U dan il-Qaddis ma kienx kuntent biss b'dawn l-Ordnijiet, għax hu kien iħabbel rasu biex jagħti lill-bnedmin kollha t-triq tal-penitenza u tas-salvazzjoni. Hekk lil wieħed qassis ta' parroċċa li talbu biex iżomm il-knisja tiegħu, u fl-istess ħin isir wieħed mill-aħwa f'dan l-Ordni, kemm fil-għamla ta' ħajja kif ukoll fl-ilbies tiegħu, jingħad li

---

176 Bernard de Besse jipprovdi dehra tal-*propositum* jew *forma vitae* tat-Tieni Ordni Franġiskan, imwaqqaf minn San Franġisk, dak ta' Klara u l-*Povere Dame di San Damiano*. Hu jara l-ħajja tagħhom bħala qadi lil Alla *sub clausura perpetuo in silentio et carnis maceratione* [għal dejjem fis-skiet tal-klawsura u fit-tgħakkis tal-ġisem]. Din l-espressjoni turi li l-awtur kien midħla tal-*forma vitae* ġdida li l-Papa Urbano IV kien ta lill-Ordni fl-1263, għaxar snin wara l-mewt ta' Santa Klara, meta l-Ordni beda jissejjaħ "Ordni ta' Santa Klara", kif għadu sallum, imma r-Regola ta' Santa Klara ta' l-1253 baqgħet titħares biss fil-monasteru ta' San Damiano f'Assisi.

177 Din hi riferenza għat-Tielet Ordni Franġiskan, li wkoll kellu *propositum* jew *forma vitae*, u li llum hu magħruf bħala Ordni Franġiskan Sekular. Bernard jara lil dawn il-Penitenti bħala nies li *in domibus propriis honeste vivere, operibus pietatis intendere, pompam saeculi fugere* [jgħixu ħajja tajba fi djarhom, jingħataw għal għemejjel ta' tjieba, jaħarbu mill-glorja tad-dinja].

178 Din hi riferenza għar-Regola li l-Papa Franġiskan Nicolò IV ta lill-Penitenti Franġiskani bil-Bulla *Supra Montem* (18 ta' Awissu 1289), fejn fil-kapitlu 3 jikteb: "L-aħwa irġiel għandu jkollom imnatar tal-ġilda, maqsumin jew sħaħ, li jgħattu l-għonq, imma li jkunu meħjutin u mhux miftuħin, kif jixraq lill-onestà, u għandhom ikollhom ukoll il-kmiem. L-aħwa nisa wkoll għandhom jilbsu l-mantell jew tonka meħjuta mill-istess xoqqa umli, jew ta' l-inqas għandhom jilbsu mantell b'dublett iswed jew abjad, jew mantell wiesgħa tal-kanapa jew ta' l-għażel, meħjut mingħajr l-ebda ftuħ".

179 L-istess Regola *Supra Montem*, fil-kapitlu 15, tgħid: "Kull wieħed għandu jilqa' bid-devozzjoni u jħejji ruħu biex iwettaq bil-fedeltà, il-ministeri u l-uffiċċji l-oħrajn li huma indikati f'din il-forma ta' ħajja preżenti, kull meta dawn jiġu mitlubin li jagħmlu hekk. Imma l-uffiċċju ta' kull wieħed mill-ministri għandu jkun limitat għal żmien determinat. Ħadd ma għandu jkun maħtur ministru għal ħajtu kollha, imma għandu jkun hemm żmien fiss li fih itul l-uffiċċju tal-ministru". Cfr. Raffaele Pazzelli, *Saint Francis and the Third Order*, Franciscan Herald Press, Chicago 1989; Octavian Schmucki, "The Third Order in the Biographies of Saint Francis", *Greyfriars Review* 6 (1992) 94-96.

qallu li, ta' kull sena, meta kien jiġbor id-dħul tal-knisja tiegħu, kellu jagħti lil Alla ż-żejjed kollu li kien jifdallu mis-sena ta' qabel.

Hekk il-Mulej lill-qaddej tiegħu Franġisku kabbru *f'ġens kbir* (cfr. Ġen 12,2), hekk *li tah il-barka tal-ġnus kollha* (cfr. Sir 44,25).

Kapitlu VIII
Dwar it-transitu u t-translazzjoni ta' l-imqaddes Franġisku.

[1443] 8 Wara li għadda dan iż-żmien ta' taqbid, mela, il-Missier hieni Franġisku għadda għal għand Kristu fis-sena ta' l-Inkaranazzjoni tal-Mulej 1226, meta kellu ħamsa u erbgħin sena. Minnhom ħamsa u għoxrin sena kien għaddiehom fis-seklu, sakemm ikkonverta għall-ħajja ta' perfezzjoni. L-aħħar sentejn ta' ħajtu għaddiehom jgħix skond l-istil ta' l-eremiti. Fit-tielet sena mill-konverżjoni tiegħu, fil-bażilika ta' l-imqaddsa Omm Alla u dejjem Verġni Marija, li mill-qedem tissejjaħ Santa Marija ta' l-Anġli, hu waqqaf l-Ordni ġdid tal-Minuri billi hemm beda jgħix il-ħajja li għaliha ġie mnebbaħ mis-sema. Dik li kien iqimha b'devozzjoni speċjali u jqim il-patroċinju tagħha, laqgħetu għandha, u għall-kumplament ta' ħajtu hu baqa' miexi 'l quddiem f'kull perfezzjoni u qdusija sa l-għoxrin sena mill-konverżjoni tiegħu, hekk li dak li kien beda b'tant ferħ f'dak il-post, temmu hemmhekk ukoll b'mod mill-aktar qaddis. Hu mhux biss kien għaraf it-tmiem ta' ħajtu minn ħafna żmien qabel, imma talli dwaru, skond kif kien imqanqal, sa ħabbar il-jum li fih kellu jiġri.

F'dik is-siegħa tat-transitu tiegħu, fost oħrajn, rah tiela' lejn is-sema wieħed fost l-aħwa, li kien bniedem qaddis u kien qiegħed maqtugħ fit-talb, u rah liebes dalmatika tal-porpra[180] u warajh kien miexi għadd bla tarf ta' prinċpijiet li deheru flimkien miegħu f'dik il-glorja ta' l-għaġeb; dawn meta waslu f'post mill-aktar għammiel, daħlu f'palazz ta' kobor ta' l-għaġeb u mimli ħlewwiet fejn hemm sabu bosta mill-aħwa f'dik il-kumpanija glorjuża.

[1444] Ġiet ukoll mara nobbli mill-aktar magħrufa minn Ruma, is-sinjura Jacopa dei Settesoli, li kellha qima kbira lejn ir-raġel ta' Alla, sabiex iżżuru flimkien ma' kumpanija ta' nies li, kif jixraq, kienu jiġu ma' sinjura bħal dik, u hi kienet ħejjietlu dak kollu li kien meħtieġ biex taqdih fil-funeral tiegħu. U hu, li minħabba l-kuraġġ ta' raġel li kellha u minħabba dak li għallmu Kristu kien isejħilha fra Jacopa, qabel ma miet xtaq li jaraha, u bagħatilha messaġġ biex tiġi sa ħdejh. Imma meta kollox kien imħejji biex il-ħabbâr jitlaq bil-messaġġ, hekk hu li waslu fil-bieb tad-dar ta' l-aħwa bosta żwiemel u qaddejja flimkien ma' dik id-dixxiplu devota li kienet ġiet biex tara lill-imgħallem u lill-missier tagħha. Il-Qaddis, meta raha, intebaħ li kien il-Mulej li bagħatha, u malli raha imtela' bil-ferħ. Wara li ħadet nifs 'il ġewwa minħabba l-ferħ li ħasset malli ratu, bagħatet lura lil dawk li kienu akkumpanjawha, biex hekk tkun tista' tassisti għat-tmiem tiegħu flimkien ma' ftit persuni. Imma hu ipprojbielha u qalilha: "Jiena nitlaq nhar is-Sibt filgħaxija; u inti l-għada tkun tista' tmur lura ma' dawk kollha li akkumpanjawk".

Meta mela wasal il-jum u s-siegħa li hu kien ħabbar, qabel ma l-Qaddis inġabar mal-Mulej, biex hekk jibda jgħix fl-għamajjar ta' dejjem, l-aħwa li kienu sejrin jiġu mċaħħdin mill-faraġ tal-

---

[180] Dan l-episodju jagħtihulna 2C 219. Din il-viżjoni kienet l-ispirazzjoni għall-affresk imsejjaħ *Gloriosus Franciscus* tal-*Maestro delle Velle* fuq l-altar papali tal-Bażilika Inferiore ta' San Franġisk f'Assisi, impitter fil-bidu tas-seklu 14.

Missier twajjeb bdew jibku, bdew jibku wkoll il-verġni ta' Kristu, li kienu mxew fuq il-passi tiegħu, u bdew jgħidulu b'leħen kiebi: "Għaliex, Missier, se tħallina lilna msejknin, u għaliex se tħalli lil uliedek verġni bla ebda faraġ?"

[1445] Il-ġisem l-aktar qaddis tiegħu ġie midfun f'Assisi fil-knisja ta' San Ġorġ, fejn illum hemm il-monasteru ta' Santa Klara. Imma wara ftit tas-snin, il-fdalijiet tiegħu ġew meħudin b'solennità kbira u qima, lejn il-knisja li ġiet mibnija barra mill-ħitan tal-belt bl-istess awtorità tas-sinjur Papa Girgor IX, li kien qiegħed b'idejh stess l-ewwel ġebla tagħha, u li inbniet fuq il-għolja msejħa *colle del paradiso*. Għal din iċ-ċelebrazzjoni inġabru ħlejjaq hekk kbar ta' nies mill-ibliet tal-qrib, li dik il-belt ma setgħetx tesagħhom, u kellhom joqgħodu barra fl-għelieqi qishom imrieħel. L-istess sinjur Papa Girgor, li kien jittama ħafna li jkun preżenti għal din it-translazzjoni solenni, minħabba raġunijiet ta' natura urġenti fil-Knisja ma setax jiġi, u għalhekk bagħat il-legati tiegħu għal din iċ-ċelebrazzjoni solenni bl-ittri tiegħu, li fihom mhux biss stqarr ir-raġuni għaliex hu ma setax ikun preżenti, imma lil ulied farraġhom b'affett ta' missier, għaliex hu kien iddikjara li wieħed mejjet kien reġa' ħa l-ħajja għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku. Permezz ta' dawn il-legati bagħat salib tad-deheb, ingastat b'ġawhar mill-aktar prezzjużi, u magħluqa fih relikwa ta' l-għuda tas-salib tal-Mulej. Bagħat ukoll bosta tiżjin u reċipjenti sagri li għandhom x'jaqsmu mal-ministeru ta' l-altar, kif ukoll bosta paramenti sagri mill-aktar prezzjużi għas-solennitajiet. Imma wkoll hu bagħat bosta affarijiet oħrajn li kienu meħtieġa għal dik iċ-ċelebrazzjoni solenni fl-istess knisja. It-translazzjoni seħħet b'mod solenni nhar it-tmien jum tal-*kalendae* ta' Ġunju tas-sena tal-Mulej 1230[181].

[181] Jiġifieri l-25 ta' Mejju 1230.

# SPECULUM PERFECTIONIS

## INTRODUZZJONI

Paul Sabatier ippubblika l-ewwel edizzjoni ta' *Speculum Perfectionis* [SP] f'Pariġi fl-1898: *Speculum Perfectionis seu Sancti Francisci Assisiensis legenda antiquissima auctore fratre Leone*, fl-I volum tal-*Collection de documents pour l'histoire religieuse et lettéraire du Moyen Âge*. Hu kien studja l-Mazzarino Codex 1743 ta' Pariġi. Kif juri t-titlu li jagħti lil din l-opra, Sabatier kien konvint li din kienet l-eqdem bijografija medjevali dwar San Franġisk u li, fuq kollox, kienet il-frott tal-pinna ta' fra Leone. Fil-fatt, il-manuskritt li hu għamel l-edizzjoni kritika tiegħu kien iġib id-data tal-11 ta' Mejju 1228 (MCCXXVIII). Imma meta instabu manuskritti oħrajn ta' SP, fosthom dak tal-librerija tal-kunvent ta' Ognissanti ta' Firenze, li sabu wkoll Sabatier, dawn kellhom id-data tal-11 ta' Mejju 1318 (MCCCXVIII). Il-Mazzarino Codex jidher li għandu żball fid-datazzjoni minħabba li l-kopista bidel it-tielet C (100) fl-ittra X (10). Dan l-iżball wassal lil Sabatier li jkollu jirridimensjona t-teżi oriġinali tiegħu rigward SP bħala dokument li jiġi saħansitra qabel 1C (1229). Kien dan id-dettall dwar SP li wassal, fost raġunijiet oħrajn, biex tinfetaħ il-"Questione Francescana". Fl-1904 Boehmer innota li l-manuskritti ta' SP kellhom diverġenzi kbar, u hu ipprova jiġborhom f'żewġ familji ta'manuskritti, li sejħilhom "il-grupp tal-Porziuncola", ġejjin mill-Italja ċentrali, u "l-Compilatio ta' Avignon", ġejjin mill-Ewropa ta' fuq. Sabatier innota wkoll grupp ieħor ta' manuskritti mill-Ewropa ta' fuq, din id-darba ġejjin mill-provinċja Franġiskana Ġermaniża ta' Köln, li huma distinti minn dawk tal-grupp ta' Avignon.

Fis-sekli ta' qabel Sabatier SP kien diġà magħruf, imma taħt forma oħra. Luke Wadding, Enrico Sedulio e Philippe Bosquier kienu jafu b'kompilazzjoni pjuttost tardiva, li huma sejħula *Speculum Vitae Beati Francisci et Sociorium Eius*, li fiha kien hemm taħlita ta' elementi ġejjin minn SP flimkien ma' oħrajn mill-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. X'aktarx li din l-opra kienet ġiet miktuba fl-ewwel nofs tas-seklu XV, jiġifieri almenu mitt sena wara l-manuskritti ta' SP li sab Sabatier.

Biex nifhmu l-formazzjoni ta' SP hu importanti li niċċaraw il-problema ta' kif l-għejun medjevali għall-ħajja ta' San Franġisk jiddependu wieħed mill-ieħor. Fil-każ ta' SP insibu relazzjoni kbira ma' 2C. L-istudjuż Salvatore Minocchi ikkonkluda li 2C tiddependi fuq SP, billi fl-edizzjoni ta' l-1246-1247 hi tippreżenta 80 kapitli li hu identifikahom ma' testi oriġinali ta' SP. L-44 kapitli oħrajn żdiedu, skond hu, minn dak li ikkompona l-manuskritt ta' l-1318, u ġejjin jew minn 2C jew mill-kitbiet ta' fra Leone.

Kien l-istudjuż Leonard Lemmens li ipprova jiżola l-għejjun li ġejjin mill-pinna ta' Tommaso da Celano minn dawk ġejjin mill-pinna ta' fra Leone. Fl-1901 Lemmens skopra edizzjoni iqsar ta' SP fil-manuskritt 1/73 tal-librerija tal-kunvent ta' Saint Isidore's Irish College f'Ruma. L-istudjuż iddistingwa almenu 30 kapitlu ta' SP li jiddependu minn 2C. Il-problema kellha x'taqsam mal-mod kif dan il-materjal dokumentarju għadda minn 2C għal SP. Fost il-ħafna opinjonijiet li saru nsibu dik tat-tejorija ta' tradizzjoni bil-fomm tat-testi ta' Celano, jew dik ta' parċmini ta' noti li fra Leone nnifsu kien kiteb qabel l-1227, u li jiffurmaw il-bażi kemm ta' 2C kif ukoll ta' SP. Illum l-istudjużi jiddistingwu l-verżjoni qasira ta' SP, imsejħa *Speculum*

*Perfectionis (Lemmens)* mill-verżjoni twila ta' SP, imsejħa *Speculum Perfectionis (Sabatier)*. Fl-edizzjoni tagħna aħna sejrin nittraduċu biss l-edizzjoni itwal ta' Paul Sabatier.

Fl-istess manuskritt, Lemmens ukoll sab dawk li huma msejħin *rotuli* ta' fra Leone, li huma magħmulin mill-*Verba Sancti Francisci* (Kliem ta' San Franġisk) u mill-*Intentio Regulae* (Intenzjoni tar-Regola). Dawn it-testi jinsabu wkoll fi SP kif ukoll fil-CA, u x'aktarx li huma kienu jeżistu minn dejjem bħala parti minn dawn il-bijografiji aktar milli bħala dokumenti separati. Dak li hu importanti, iżda, hu li dawn jipprovdu sezzjonijet fil-CA u SP li ġejjin definittivament mill-pinna ta' fra Leone nnifsu. It-teżi ta' Sabatier, li ried jara lil fra Leone bħala awtur ta' SP, għalkemm mhijiex ta' min jilqagħha b'mod sħiħ, imma għandha biċċa verità. Ma ninsewx li fra Leone kien l-eqreb għal San Franġisk fost l-ewwel aħwa, u hu miet tard ħafna, fl-1271. Fl-*Expositio super Regulam* ta' Pierre Jean Olieu (Olivi), li ġġib id-data 1288, insibu din ix-xhieda: "Naqraw fil-parċmini ta' fra Leone, li kien is-sieħeb partikulari tiegħu, u li kiteb dak kollu li ra jew sema' fil-ħajja tal-missier tagħna Franġisku". Ubertino da Casale u Angelo Clareno, fil-kitbiet tagħhom, ukoll jitkellmu minn *cedulae, dicta et scripta, verba, liber, rotuli* (parċmini, kliem mitkellem u miktub, kliem, ktieb, rombli) attribwiti lil fra Leone.

Meta Ferdinand Delorme ippubblika l-*Leggenda Perugina* (*Compilatio Assisiensis*) fl-1922, il-problema ġiet aktar ikkumplikata għaliex il-CA fiha diversi sezzjonijiet li huma paralleli ma' SP. Xi wħud bdew jgħidu li l-CA kienet il-għajn diretta li minnha kiteb l-awtur ta' SP. L-istudjuż anglikan Moorman ħaseb li SP hi rijorganizzazzjoni tal-materjal li hemm fil-CA. Hu jgħid li 23 kapitli huma identiċi kemm għall-CA kif ukoll għal 2C, u hekk jasal jgħid li SP ħadet dawn it-testi minn 2C permezz tal-medjazzjoni tal-CA. Cambell u Brooke ukoll jgħidu li l-CA għandha tingħata importanza fuq SP. Il-problema rigward l-interdipendenza ta' dawn il-*Fontes* (2C, CA u SP), għalkemm interessanti, x'aktarx li qatt mhi se tiġi riżolta għal kollox.

L-edizzjoni ta' SP (Lemmens) fiha 45 paragrafi. It-titlu tagħha hu: *Speculum perfectionis, regule et professionis, vitae et vocationis veri fratris minoris secundum voluntatem Christi et intentionem beati Francisci* (Mera tal-perfezzjoni, regola u professjoni, ħajja u vokazzjoni tal-veru patri minuri skond ir-rieda ta' Kristu u l-intenzjoni ta' l-imqaddes Franġisku). Ħlief għall-paragrafu 45, li jagħtina t-*Twissijiet* 11 u 21 ta' San Franġisk, it-test kollu jinsab ukoll fl-edizzjoni ta' SP (Sabatier), għalkemm il-paragrafi huma ordinati b'mod differenti.

L-edizzjoni ta' SP (Sabatier), li qiegħdin nittraduċu hawnhekk, fiha 124 paragrafi. It-titlu tagħha hu: *Speculum Perfectionis status fratris Minoris* (Mera tal-perfezzjoni dwar l-istat tal-patri Minuri). Paul Sabatier kien studja mhux inqas minn 45 manuskritti qabel l-edizzjoni kritika finali li ġiet ippubblikata wara li miet fl-4 ta' Marzu 1928. Sabatier kien tal-fehma li l-paragrafi kollha kienu frott tal-pinna ta' fra Leone nnifsu. Studji li saru wara, l-aktar wara li Delorme ippubblika l-manuskritt 1046 tal-*Leggenda Perugina*, wasslu lill-istudjużi biex jammettu diversi għejjun għal SP, li jinkludu l-CA, 2C, *Verba Sancti Francisci, Intentio Regulae, Verba fratris Conradi,* u xi kitbiet ta' San Franġisk. Il-paragrafu 84 hu oriġinali, għaliex fih insibu poeżija ta' tifħir lill-Porziuncola.

Għalkemm Sabatier ikkonkluda li kien fra Leone li kiteb SP, jekk biss nagħtu ħarsa mill-qrib lejn l-ewwel sentenza fl-edizzjoni ta' Lemmens, insibu li din l-opra ma tistax tkun xogħol ta' Leone waħdu: *compositum ex quibusdam repertis in scriptis sancti fratris Leonis, socii beati*

*Francisci, et aliorum sociorum eius, que non sunt in Legenda communi* (imsawwar minn xi materjal li nstab fil-kitbiet ta' l-imqaddes fra Leone, sieħeb ta' l-imqaddes Franġisku, u ta' sħabu l-oħrajn, li ma jinstabx fil-Leġġenda komuni).

SP (Sabatier) tibda bl-episodju kontrovers dwar it-telfien u l-kitba mill-ġdid tar-*Regola Bullata* fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo, u dwar ir-reżistenza tal-ministri kontra l-ebusija tar-Regola. Dan l-episodju ittieħed mill-*Verba Sancti Francisci*, li l-awtur tagħhom hu fra Leone. Imbagħad jiġu tnax-il kapitlu, li jitkellmu dwar il-virtujiet li jibnu l-ħajja Franġiskana, biex hekk l-aħwa jsibu f'San Franġisk il-mera tal-perfezzjoni (*speculum perfectionis*) għal ħajjithom. Fi SP 120 insibu l-edizzjoni sħiħa ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*, li San Franġisk ikkompona f'San Damiano fl-1225.

# SPECULUM PERFECTIONIS
# [Edizzjoni ta' Paul Sabatier]

[1446] Bidu tal-Mera tal-Perfezzjoni ta' l-istat tal-patri Minuri[182].

Kapitlu 1

[L-imqaddes Franġisku kiteb tliet regoli: dik ikkonfermata, imma mingħajr il-Bulla pontifiċja, mill-Papa Innoċenz III[183]; oħra li hi iqsar, imma li intilfet; u fl-aħħarnett dik li l-Papa Onorju III approva bil-Bulla[184], li minnha ħafna affarijiet ġew imneħħijin mill-ministri, kontra r-rieda ta' Franġisku].

Meta t-tieni regola li kienet l-imqaddes Franġisku sfat mitlufa, hu *tela' fuq muntanja*[185] (cfr. Eżod 24,18; Mt 5,1) flimkien ma' fra Leone minn Assisi u fra Bonizo minn Bologna, biex hemmhekk jikteb regola oħra li hu iddettaha taħt l-ispirazzjoni ta' Kristu.

Inġabru f'dak il-post bosta ministri flimkien ma' fra Elia, li kien il-vigarju ta' l-imqaddes Franġisku, u qalulu: "Aħna smajna li dan fra Franġisk qiegħed jikteb regola ġdida, u nibżgħu li jagħmilha hekk iebsa li ma nkunux nistgħu nosservawha. Għalhekk irridu li inti tmur għandu u tgħidlu li aħna ma rridux inkunu obbligati għall-ħarsien ta' din ir-regola. Jekk irid jiktibha għalih u mhux għalina".

Fra Elia weġibhom li hu ma kienx irid imur, għaliex kien jibża' miċ-ċanfir ta' l-imqaddes Franġisku. Imma billi dawk baqgħu jinsistu li jmur, qalilhom li ma kienx se jmur jekk ma jmorrux miegħu. U għalhekk kollha kemm huma marru flimkien. Meta fra Elia kien qrib il-post fejn kien hemm l-imqaddes Franġisku, fra Elia sejjaħlu. Dan wieġbu u meta ra dawk il-ministri quddiemu, l-imqaddes Franġisku staqsieh: "X'iridu dawn l-aħwa?"

---

[182] Xi kodiċi jżidu mat-titlu dawn il-kelmiet: "Din l-opra ġiet mibnija taħt forma ta' *legenda* minn tifkiriet antiki li sħab San Franġisk kitbu huma stess jew talbu li jinkitbu f'diversi *opuscula*".
[183] Il-*protoregola*, approvata minn Innoċenz III fl-1210 (Cfr. 1C 32-33).
[184] Onorju III approvaha bil-Bulla *Solet annuere* tad-29 ta' Novembru 1223. Dan l-ewwel paragrafu jinsab fl-edizzjoni kritika definittiva ta' Paul Sabatier ta' l-1928. Rigward it-tieni Regola, li kienet iqsar u li intilfet, ma nafu xejn. Ir-Regola li ġie mitlufa kienet il-*protoregola*, għalhekk x'aktarx li tinsab preżenti fir-*Regola non Bullata*. Interessanti li din ir-Regola ta' l-1221 ma tissemmiex, għax ċertament hi l-itwal waħda.
[185] Il-muntanja li hawnhekk tissemma' tirreferi għall-eremitaġġ ta' Fonte Colombo fil-Valle di Rieti. Iż-żewġ aħwa li jmorru hemm ma' San Franġisk kienu fra Leone u fra Bonizo. Dwar dan ta' l-aħħar kull ma nafu hu li miet f'Bologna fl-1236. L-episodju, li fih jissemmew il-ministri u fra Elia bħala vigarju tal-qaddis, irridu nqiegħduh bejn il-Kapitlu ġenerali tat-30 ta' Mejju 1221, li approva r-*Regola non Bullata,* u l-Kapitlu ġenerali tal-11 ta' Ġunju 1223, li approva r-*Regola Bullata* li mbagħad ġiet ikkonfermata bil-Bulla *Solet annuere* mill-Papa Onorju III fid-29 ta' Novembru 1223. Fra Elia sar vigarju ta' Franġisku wara l-mewt ta' fra Pietro Cattanio fl-10 ta' Marzu 1221, u għalhekk dan l-episodju bilfors irid jirreferi għar-redazzjoni aktar qasira tar-Regola, dik tar-*Regola Bullata* li Franġisku kiteb Fonte Colombo bl-iskop li jakkwista l-konferma definittiva tal-Papa (Cfr. LM IV,11).

U fra Elia wieġbu: "Dawn huma l-ministri li semgħu li inti qiegħed tikteb regola ġdida. Huma jibżgħu li inti tagħmilha iebsa ħafna, u qed jgħidu u jipprotestaw li huma ma jridux ikunu obbligati għaliha; jekk trid iktibha għalik innifsek u mhux għalihom".

Imbagħad l-imqaddes Franġisku dawwar ħarstu lejn is-sema u tkellem ma' Kristu hekk: "Mulej, m'għidtlekx sewwa jien li dawk mhumiex se jemmnuni?"

Dak il-ħin kollha semgħu l-leħen ta' Kristu jwieġeb fl-arja: "Franġisku, ma hemm xejn fir-regola li hu tiegħek imma dak kollu li hu miktub ġej minni; u jiena rrid li din ir-regola tiġi osservata kelma b'kelma, kelma b'kelma, kelma b'kelma, mingħajr kummenti, mingħajr kummenti, mingħajr kummenti" U żied jgħidlu: "Jiena naf kemm tiflaħ id-dgħufija tal-bnedmin u kemm nixtieq li ngħinhom. Għaldaqstant min ma jridx josservaha, għandu joħroġ mill-Ordni".

L-imqaddes Franġisku dar fuq dawk l-aħwa u qalilhom: "Smajtu! Smajtu! Tridu li nerġa' nsemmgħalkom dan il-kliem?" Huma għarfu l-ħtija tagħhom, u twarrbu minn hemmhekk imħawwdin u mbeżżgħin[186].

## DWAR IL-FAQAR PERFETT

[1447] Kapitlu 2
Dwar kif l-imqaddes Franġisku iddikjara r-rieda u l-intenzjoni li hu kellu mill-bidunett sa tmiem ħajtu rigward l-osservanza tal-faqar.

Fra Riccerio mill-Marca ta' Ancona[187], li kien nobbli mill-familja tiegħu u aktar nobbli fi qdusitu, u li l-imqaddes Franġisku kien iħobb b'imħabba kbira, jum minnhom ġie fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi biex iżur lill-imqaddes Franġisku. Fost kliem oħrajn hu tkellem ma' l-imqaddes Franġisku dwar l-Ordni u l-osservanza tar-Regola, u dwar dawn hu staqsieh u qallu: "Għidli, missier, x'inhi l-intenzjoni tiegħek li inti kellek sa mill-bidu meta beda jkollok l-aħwa, u l-intenzjoni tiegħek illum u dik li temmen li jkollok sa jum il-mewt tiegħek, għaliex jiena rrid inkun żgur dwar l-intenzjoni tiegħek u dwar ir-rieda tiegħek fil-bidu u fit-tmiem, l-aktar dwar jekk aħna l-aħwa kjeriċi, li għandna ħafna kotba, nistgħux inżommuhom, għalkemm ngħidu li dawn huma ta' l-Ordni".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Ngħidlek, ħija, li din kienet u hi l-ewwel u l-aħħar intenzjoni u rieda tiegħi, jekk l-aħwa tiegħi jridu jemmnuni, li l-ebda wieħed mill-aħwa ma għandu jkollu ħlief il-ħwejjeġ, skond kif tħallih ir-Regola tagħna, bil-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt".

Xi ħadd ieħor mill-aħwa jkun irid jgħid: għaliex l-imqaddes Franġisku fi żmienu ma kienx jinsisti li l-aħwa josservaw b'mod strett il-faqar, kif qal lil fra Riccerio? *Aħna li għexna miegħu*

---

[186] Dan l-episodju mhux magħruf minn Celano, imma jidher fil-*Liber conformitatum* ta' Bartolomeo da Pisa u fl-*Actus Sancti Francisci in Valle Reatina*. San Bonaventura jidher li jirreferi b'xi mod għalih fil-LM IV,11, meta jgħid li Franġisku kellu jerġa' jikteb mill-ġdid ir-Regola wara li fra Elia, il-vigarju tiegħu, qallu li kien tilifha minħabba traskuraġni.
[187] Rizzerio (jew Riccerio) da Muccia fil-Marche jiġi mfakkar f'1C 49-50, f'2C 44a u fil-*Fioretti*, kap. 27, għat-tentazzjoni li minnha ġie meħlus minn Franġisku u għall-konverżjoni tiegħu f'Bologna.

(cfr. 2Pt 1,18) inwieġbu dwar dan skond kif smajna minn fommu stess, għaliex hu lill-aħwa qalilhom dawn il-ħwejjeġ u bosta oħrajn; u wkoll ried li jinkitbu bosta ħwejjeġ fir-regola, wara li kien irċevihom mingħand il-Mulej meta kien talabhom bla heda u immeditahom, għall-ġid ta' l-Ordni. U kien isostni li kienu ħwejjeġ li kollha jaqblu mar-rieda tal-Mulej; imma wara li hu uriehom lill-aħwa, lil dawn deherluhom li kienu *tqal u ma jifilħux iġorruhom* (cfr. Mt 23,4), għaliex huma ma kienux jafu dwar dak li kellu jiġri wara l-mewt tal-qaddis.

U billi hu kien jibża' ħafna li l-aħwa jiskandalizzaw ruħhom, ma riedx joqgħod iħaqqaqha magħhom, imma kontra qalbu kien iċedi għar-rieda tagħhom, u kien jiskużahom quddiem il-Mulej. Imma biex *ma terġax lura vojta l-kelma tal-Mulej* (cfr. Is 55,11), li hu *kien iqiegħdlu fuq fommu* (cfr. Eżod 4,15) għall-ġid ta' l-aħwa, il-qaddis kien ikun irid qabel xejn iwettaqha fih innifsu, biex hekk jakkwista l-ħlas mingħand il-Mulej. U hekk fl-aħħarnett sab is-sliem u l-faraġ fl-ispirtu tiegħu.

[1448] Kapitlu 3
Dwar kif wieġeb lil wieħed ministru li ried iżomm il-kotba bil-permess tiegħu; u dwar kif il-ministri, bil-moħbi tiegħu, neħħew mir-regola il-kapitlu li jitkellem dwar il-projbizzjonijiet ta' l-Evanġelju.

Darba minnhom, meta l-imqaddes Franġisku kien ġie lura mill-inħawi ta' *oltremare*[188], wieħed mill-ministri tkellem miegħu dwar il-kapitlu li fir-Regola jitkellem dwar il-faqar, għaliex ried jagħraf ir-rieda tiegħu u l-mod kif kien jaħsibha, l-aktar għaliex fir-Regola kien hemm miktub kapitlu dwar din il-projbizzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, jiġifieri: *La tieħdu xejn magħkom għat-triq* (cfr. Lq 9,3)[189].

L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Jiena hekk irrid nifhem, li l-aħwa ma għandhom ikollhom xejn ħlief it-tonka, bil-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, skond kif jingħad fir-Regola, u li dawk li jkunu mġiegħlin mill-ħtieġa, jistgħu jkollhom l-għata tar-riġlejn".

U dak il-ministru qallu: "Mela allura jiena x'sejjer nagħmel, għaliex jiena għandi ħafna kotba, li jiswew aktar minn ħames mitt libbri?" Dan hu qalu biex iqiegħed fil-paċi l-kuxjenza tiegħu, l-aktar għaliex kien iħossha ċċanfru, hu li kellu dawk il-kotba kollha, meta kien jaf kemm l-imqaddes Franġisku kien jifhem b'mod strett il-kapitlu dwar il-faqar. L-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jiena ma nistax u lanqas għandi mmur kontra l-kuxjenza tiegħi u l-professjoni ta' l-Evanġelju mqaddes li aħna ipprofessajna". Meta sema' dan dak il-ministru tnikket.

Meta l-imqaddes Franġisku rah kemm kien daqshekk imħawwad, bil-ħeġġa ta' l-ispirtu qallu quddiem l-aħwa l-oħrajn kollha: "Intom Patrijiet Minuri tridu *li l-bnedmin jarawkom* (cfr. Mt 23,5.7) u jsejħulkom bħala dawk li tosservaw l-Evanġelju mqaddes, imma fl-għemejjel tagħkom tridu *żżommu l-ħorġa*" (cfr. Ġw 12,6).

---

[188] *Ultramarinis partibus*, "l-inħawi 'l hemm mill-baħar", tirreferi għall-provinċja li l-Ordni kellu fis-Sirja, jew it-Terra Santa, sa mill-1217. Franġisku mar fl-Orjent fl-1219-1220.
[189] Dan hu riferiment għar-*Regola non Bullata* (1221), kapitlu 16.

Il-ministri kienu jafu tajjeb li, skond ir-Regola l-aħwa huma miżmumin li josservaw l-Evanġelju mqaddes; minkejja dan, huma riedu jneħħu dak il-kapitlu fir-Regola li jgħid: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq* (cfr. Lq 9,3); u hekk kienu jemmnu li ma jibqgħux marbutin għall-osservanza tal-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes. U billi l-imqaddes Franġisku għaraf dan bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, quddiem l-aħwa kollha hu qal: "L-aħwa jaħsbu li sejrin iqarrqu b'Alla jew bija. Imma biex ikunu jafu l-aħwa kollha li huma obbligati għall-osservanza tal-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, fil-bidu u fit-tmiem tar-Regola irrid li jiġi miktub li l-aħwa huma marbutin li josservaw bil-qawwa l-Evanġelju mqaddes tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. U sabiex l-aħwa *ma jkollhomx skuża* (cfr. Rum 1,20) quddiem Alla, dak li l-Mulej għas-salvazzjoni u l-ġid ta' ruħi u ta' l-aħwa *qegħidli f'fommi* (cfr. Eżek 4,15; Is 51,16), u li jiena dawn l-istess kelmiet inħabbarhomlkom u nxandarhomlkom, jiena irrid li bl-għemil ukoll nurihom, u *bl-għajnuna tal-Mulej* (cfr. Mk 16,20), nosservawhom sa l-aħħar".

Hekk hu kien josserva l-Evanġelju mqaddes kelma b'kelma mill-bidunett, sa minn meta beda jkollu l-aħwa, u sal-jum tal-mewt tiegħu. [2C 62; CA 102]

[1449] Kapitlu 4
Dwar in-novizz li ried ikollu salterju bil-permess tal-qaddis.

Darba oħra kien hemm wieħed mill-aħwa, li kien novizz[190], u li kien jaf jaqra s-salterju, imma mhux tant tajjeb, talab il-permess li jkollu salterju mingħand il-ministru ġeneral biex ikollu wieħed u l-ministru ħallieh. Imma billi hu kien sema' li l-imqaddes Franġisku ma kienx irid li l-aħwa jkollhom ħerqa żejda li jakkwistaw l-għerf u li jkollhom kotba, ma kienx kuntent li jżomm dak is-salterju mingħajr il-permess ta' l-imqaddes Franġisku.

Jum minnhom ġie l-imqaddes Franġisku fl-eremitaġġ fejn kien dak in-novizz, u dan mar ikellmu u qallu: "Missier, ikun ta' faraġ kbir għalija li jiena jkolli salterju; imma għalkemm il-ministru ġeneral tani permess li jkolli wieħed, jiena xorta nixtieq li jkolli l-permess mill-kuxjenza tiegħek".

U l-imqaddes Franġisku tah din it-tweġiba u qallu: "L-imperatur Charlemagne, Rolando u Oliverius u l-paladini kollha u l-irġiel b'saħħithom, li kienu qawwijin ħafna fil-ġlied, kienu jippersegwitaw lill-infidili b'ħafna taħbit u għaraq sal-mewt u minn għandhom akkwistaw rebħa glorjuża u li tibqa' mfakkra u fl-aħħar mietu huma wkoll bħall-martri minħabba li kienu żgur fil-fidi tagħhom fi Kristu; u huma bosta dawk li biss għax joqogħdu jsemmu l-għemejjel glorjużi li huma għamlu, iridu jieħdu għalihom il-ġieħ u t-tifħir tal-bnedmin. U wkoll fostna hemm bosta li, meta jaqraw u jippriedkaw l-għemejjel li għamlu l-qaddisin, iridu jakkwistaw ġieħ u tifħir"[191]. U kien jgħid ukoll: "Wieħed ma għandux iħabbel rasu dwar il-kotba u x-xjenza, imma aktar dwar l-għemejjel ta' virtù, għax *il-għarfien jonfoħ,* imma *l-karità tedifika* (cfr. 1Kor 8,1).

[190] Is-sena tal-prova, jew novizzjat, ġiet introdotta fl-Ordni bil-Bulla *Cum secundum consilium* tal-Papa Onorju III (22 ta' Settembru 1220). Għaldaqstant l-episodju rridu nqiegħduh wara din id-data, u forsi waqt iż-żmien li fih kien vigarju ta' l-Ordni fra Elia (mill-10 ta' Marzu 1221 sal-mewt ta' San Franġisk), li għalkemma ma kienx ministru ġeneral (għax skond il-*Chronica XXIV Generalium*, ħadd ma kien jissejjaħ ministru ġeneral dment li kien għadu ħaj San Franġisk), fil-prattika kellu l-istess dmirjiet ta' ministru ġeneral ta' l-Ordni. Ir-*Regola Bullata*, kap. 3, kienet tipprojbixxi li l-lajċi la ma jafux jaqraw ikollhom is-salterju, imma tgħidilhom jitolbu l-uffiċċju tal-*Missierna*.
[191] *Admonitiones* VI,3.

Ftit jiem wara, meta l-imqaddes Franġisku kien bilqiegħda maġenb in-nar, dak in-novizz reġa' kellmu dwar is-salterju. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Wara li jkollok is-salterju, tibda' tixtieq li jkollok il-brevjar. U wara li jkollok il-brevjar, tibda' toqgħod bilqiegħda fuq il-kattedra, bħal xi prelat kbir u tgħid lil ħuk: Mur ġibli l-brevjar".

U malli qal hekk, bil-ħeġġa kbira ta' l-ispirtu qabad f'idu l-irmied u xeħtu fuq rasu, u beda jogħorku ma' rasu billi jdawwar idu qisu qiegħed jaħsel rasu, filwaqt li beda jgħid: "Jiena l-brevajr! Jiena l-brevjar!" U hu u jgħid hekk beda jkompli jogħrok idu ġo rasu. U dak in-novizz baqa' għal kollox miblugħ u beda jistħi ħafna.

Imbagħad l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jiena wkoll kelli t-tentazzjoni li jkolli l-kotba; imma biex nagħraf x'inhi r-rieda tal-Mulej, ħadt f'idejja l-ktieb, li fih hemm miktubin l-Evanġelji tal-Mulej u tlabt lill-Mulej biex ma' l-ewwel darba li niftaħ il-ktieb jogħoġbu jurini r-rieda tiegħu dwar dan. Wara li temmejt it-talb, ma' l-ewwel darba li ftaħt il-ktieb ġew quddiem għajnejja dawn il-kelmiet ta' l-Evanġelju mqaddes: *Lilkom ingħata li tagħarfu l-misteru tas-saltna ta' Alla, filwaqt li l-oħrajn ikollhom kollox bil-parabboli*" (cfr. Lq 8,10). U qal: "Huma bosta dawk li, bil-qalb kollha jogħlew 'il fuq lejn l-għarfien, imma hieni hu min jagħmel lilu nnifsu sterili għall-imħabba tal-Mulej Alla".

Meta laħqu għaddew diversi xhur, u meta l-imqaddes Franġisku kien jgħix fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola fiċ-ċella li kellu wara d-dar, maġenb it-triq[192], dak in-novizz reġa' ġie għandu biex ikellmu dwar is-salterju. L-imqaddes Franġisku qallu: "Mur u agħmel skond dak li qallek il-ministru tiegħek". Dak, meta sema' dawk il-kelmiet, reġa' beda sejjer lura minn fejn kien ġie.

Imma l-imqaddes Franġisku baqa' fit-triq u beda jqis dak li kien qal lil dak ħuh, u mall-ewwel beda jsejjaħlu u jgħidlu: "Stennieni, ħija, stennieni!" U hekk mar jiġri sa ħdejh u qallu: "Ejja lura miegħi, ħija, u urini l-post, li fih jiena għidtlek, biex tagħmel bis-salterju dak li kien qallek il-ministru tiegħek".

U waslu fil-post li fih hu kien qallu dawk il-kelmiet. L-imqaddes Franġisku inxteħet għarkubbtejh quddiem dak ħuh u qallu: "Ħtija tiegħi, ħija, ħtija tiegħi, għaliex kull min irid ikun patri minuri, ma għandux ikollu ħlief it-tonka kif jingħad fir-Regola flimkien mal-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, u jekk imġiegħel mill-ħtieġa jew mard, jista' jkollu l-għata tar-riġlejn".

Kull darba li l-aħwa kienu jiġu għandu biex ikollhom il-parir tiegħu dwar ħwejjeġ bħal dawn, hu dejjem kien jagħtihom din it-tweġiba. Għaldaqstant kien jgħid: "Il-bniedem għandu għarfien daqs kemm iwettaq għemejjel tajba; u r-reliġjuż ikun predikatur tajjeb, daqskemm hu nnifsu jwettaq dak li jgħid". U kien jgħid ukoll: "*Siġra tajba tingħaraf* biss mill-*frott* (cfr. Mt 12,33; Lq 6,44) tagħha". [CA 103-104; 2C 164. 195]

[192] Fiċ-ċella maġenb it-triq li tieħu lejn Foligno, fejn aktar tard inbniet il-*Cappella delle Rose*.

[1450] Kapitlu 5
Dwar il-ħarsien tal-faqar fl-użu tal-kotba, tas-sodod, tal-bini u tar-reċipjenti.

Il-missier l-aktar hieni kien jgħallem lill-aħwa biex ifittxu fil-kotba mhux il-prezz kemm jiswew imma *x-xhieda tal-Mulej* (cfr. S 18,8), mhux is-sbuħija imma l-edifikazzjoni ta' l-ispirtu. Kien irid li jkollhom ftit kotba u li dawn jinżammu *minn kulħadd flimkien* (cfr. Atti 2,44; 4,32), u li jkunu dejjem jistgħu jużawhom dawk l-aħwa li jkollhom bżonnhom.

Fil-friex u fis-sodod tant kien kbir il-faqar, li jekk xi ħadd mill-aħwa kien jixref xi biċċa drapp mherrija fuq it-tiben, kien iqis li għandu sodda tat-tieġ.

Kien fuq kollox jgħallem lill-aħwa tiegħu biex jibnu djar fqajrin u ta' l-injam, mhux tal-ġebel, u ried li dawn ikollhom dehra ta' umiltà. Mhux biss kien jistmerr id-djar tal-kburin, imma wkoll ma kienx irid li l-aħwa jkollhom reċipjenti f'għadd kbir u raffinati.

Ma kienx iħobb dak li fl-imwejjed, jew fir-reċipjenti kien jagħti dehra ta' mħabba lejn id-dinja, sabiex hekk kull ħaġa jkollha fiha l-fwieħa tal-faqar u turi li l-aħwa huma pellegrini u barranin. [CA 23-26; 2C 56.59.60.62-63]

[1451] Kapitlu 6
Dwar kif ġiegħel lill-aħwa joħorġu minn dar li kienet tissejjaħ id-dar tal-patrijiet.

Meta darba minnhom ried jgħaddi minn Bologna, sema' li hemmhekk l-aħwa kienu għadhom kemm bnew dar ġdida. Billi min qallu dan semmielu "d-dar ta' l-aħwa", malli sema' dawn il-kelmiet, hu bidel triqtu, u ma riedx jgħaddi minn Bologna, imma għadda minn post ieħor. Imbagħad bagħat jgħid lill-aħwa biex joħorġu mall-ewwel minn dik id-dar bla dewmien.

Minħabba f'hekk, l-aħwa kellhom jitilqu minn hemm, u saħansitra l-morda ma setgħux joqgħodu, imma kellhom joħorġu magħhom. U lanqas ma tahom il-permess li jerġgħu lura, sakemm is-sinjur Ugolino, li dak iż-żmien kien isqof ta' Ostia u legat fil-Lombardia, waqt li kien jippriedka fil-pubbliku, iddikjara li dik id-dar kienet tiegħu[193]. *Min qiegħed jagħti xhieda u jikteb dan* (cfr. Ġw 21,24) kien wieħed mill-aħwa morda li kellhom joħorġu minn dik id-dar. [2C 58; LM VII,2]

[1452] Kapitlu 7
Dwar kif ried jeqred id-dar li n-nies ta' Assisi bnew maġenb Santa Marija tal-Porziuncola.

Meta qorob iż-żmien tal-kapitlu ġenerali, li kien isir ta' kull sena f'Santa Marija tal-Porziuncola, meta l-poplu ta' Assisi qagħad iqis li l-aħwa kienu ta' kuljum jiżdiedu fil-għadd u li

---

[193] L-episodju seta' seħħ fl-aħħar xhur tas-sena 1220, waqt il-vjaġġ tar-ritorn ta' Franġisku mill-Orjent. L-intervent tal-Kardinal Ugolino seta' sar fl-1221, meta hu kien Legat Pontifiċju fil-Lombardia. Ix-xhieda li tingħata mhijiex direttament dik ta' Tommaso da Celano, li dak iż-żmien kien jinsab il-Ġermanja, imma x'aktarx hi meħuda kelma b'kelma mill-materjal dokumentarju li Celano inqeda bih biex jikteb 2C, u li kien ġej direttament mill-pinna ta' sħab San Franġisk.

kollha kienu jinġabru hemmhekk darba fis-sena, - u billi ma kellhom xejn ħlief dwejra ċkejkna, miksija bit-tiben, li l-ħitan tagħha kienu tal-qasab u t-tajn, - wara li laqqgħu l-kunsill tagħhom, fi ftit jiem, b'ħafna għaġġla u devozzjoni, bnew hemmhekk dar kbira bil-ġebel u t-tikħil, mingħajr il-permess ta' l-imqaddes Franġisku għax ha ma kienx jinsab hemmhekk f'dak iż-żmien[194].

L-imqaddes Franġisku, meta reġa' lura minn provinċja oħra biex jiġi għall-kapitlu f'dak il-post, baqa' mistagħġeb mhux ftit meta ra dik id-dar kbira li kienu bnew hemmhekk; u beda jibża' li ma tmurx li din tkun okkażjoni għall-aħwa l-oħrajn, li fil-postijiet fejn kienu jgħixu jew li fihom kellhom imorru jgħixu, jibnu djar kbar bħal dik, għax hu kien irid li dak il-post ikun dejjem il-forma u l-eżempju ta' kull post ieħor ta' l-Ordni. Għalhekk qabel il-kapitlu intemm, *tela' fuq il-bejt* (cfr. Lq 5,19) ta' dik id-dar, u ikkmanda lill-aħwa biex jitilgħu miegħu. U flimkien ma' l-istess aħwa beda jixħet għal isfel ix-xorok li bihom kienet imsaqqfa dik id-dar, u ried jeqridha sal-pedamenti.

Kien hemm xi kavallieri minn Assisi, li kienu jinsabu hemmhekk għall-ħarsien tal-post, minħabba l-għadd kbir ta' nies barranin li kienu jinġabru hemmhekk biex jaraw il-kapitlu ta' l-aħwa. Dawn meta raw li l-imqaddes Franġisku flimkien ma' l-aħwa l-oħrajn tiegħu ried jeqred dik id-dar, marru jiġru għandu u qalulu: "Ħuna, din id-dar hi tal-*Comune* ta' Assisi; u aħna qegħdin hawnhekk f'isem il-*Comune* nnifsu. Għaldaqstant aħna ma rridukx li inti teqred id-dar tagħna". Malli sema' dan, l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Mela, jekk dik id-dar hi tagħkom, jiena minix se mmissha". U hu u l-aħwa l-oħrajn niżlu mall-ewwel minn fuq dik id-dar.

Minn dak il-ħin il-poplu kollu tal-belt ta' Assisi iddeċieda li kull min ikun *podestà* tal-belt kien miżmum li dejjem jagħmdel it-tiswijiet meħtieġa. U għal żmien twil, ta' kull sena, kienet tiġi mħarsa din id-deċiżjoni. [CA 56; 2C 57; LM VII,2]

[1453] Kapitlu 8
Dwar kif ċanfar lill-vigarju tiegħu talli bena dar ċkejkna fil-Porziuncola, biex fiha l-aħwa jitolbu l-uffiċċju.

Darba oħra, l-vigarju ta' l-imqaddes Franġisku[195] beda jibni hemmhekk dar ċkejkna, li fiha l-aħwa setgħu jistrieħu u jitolbu s-sigħat liturġiċi tagħhom; għaliex minħabba l-għadd kbir ta' aħwa li kienu dejjem ġejjin u sejrin f'dak il-post, l-aħwa ma kellhomx fejn ikunu jistgħu jitolbu l-uffiċċju. Għax dak iż-żmien l-aħwa kollha ta' l-Ordni kienu jinġabru hemmhekk, għaliex ma kienux jiġu milqugħin fl-Ordni jekk mhux f'dak il-post[196].

Dik id-dar kienet għoddha inbniet għal kollox, meta l-imqaddes Franġisku reġa' lura f'dak il-post, u meta kien fiċ-ċella sema' l-ħsejjes tal-ħaddiema; għalhekk sejjaħ għandu lil sieħbu u

[194] Hemm min jara f'dan il-bini ta' kunvent fil-Porziuncola t-thejjija għall-Kapitlu ġenerali ta' l-1221, imsejjaħ "Kapitlu tal-ħsajjar", li fih ħadu sehem mal-5 elef patri. Imma nafu li, diġà mill-1217, kienu jsiru l-Kapitli ġenerali fil-Porziuncola li fihom kienu jieħdu sehem għadd kbir ta' aħwa.
[195] Il-vigarju mhux fra Pietro Cattanio, li miet fl-10 ta' Marzu 1221, imma fra Elia.
[196] Fil-bidu ta' l-Ordni l-fakultà li l-aħwa jiġu milqgħin fl-Ordni Franġisku kien iżommha għalih innifsu. Kien mill-1219 li ħallieha f'idejn il-vigarju tiegħu, li kien joqgħod fil-Porziuncola, u wara tħalliet ukoll f'idejn il-ministri provinċjali.

staqsieh x'kienu qiegħdin jagħmlu dawk l-aħwa. Sieħbu irrakkontalu dak kollu li kien qiegħed jiġri.

Hu mall-ewwel sejjaħ għandu l-vigarju tiegħu, u qallu: "Ħija, dan il-post hu l-forma u l-eżempju ta' l-Ordni kollu, u għalhekk jiena rrid li l-aħwa hawnhekk jissapportu t-tiġrib u n-nuqqas ta' kumdità għall-imħabba tal-Mulej Alla, u li l-aħwa l-oħrajn li jiġu hawnhekk, jieħdu minn hawn eżempju tajjeb ta' faqar għal meta jmorru lura fil-postijiet tagħhom. Għaliex jekk aħna hawnhekk inkunu komdi, l-oħrajn ukoll jitqanqlu biex jibnu fil-postijiet li fihom jgħixu, u jibdew jgħidu: fil-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola, li hu l-ewwel post ta' l-Ordni, qegħdin jibnu djar b'dan il-mod, u mela aħna wkoll nistgħu nibnu djar bħalhom fil-postijiet fejn ngħixu". [CA 56]

[1454] Kapitlu 9
Dwar kif ma riedx joqgħod f'ċella li tkun komda jew li jgħidulu li hi tiegħu.

Wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali, li kien midħla ħafna ta' l-imqaddes Franġisku, kien jgħix f'eremitaġġ[197]. U ħa ħsieb iħejji daqsxejn ta' ċella, f'post maqtugħ għalih waħdu, mhux bogħod mill-eremitaġġ, sabiex l-imqaddes Franġisku jkun jista' jitlob fiha.

U ġara li, ftit jiem wara, wasal l-imqaddes Franġisku. Meta dak ħa lill-imqaddes Franġisku biex jara dik iċ-ċella, dan qallu: "Jidhirli li din iċ-ċella hi sabiħa wisq. Jekk inti trid li jiena noqgħod fiha għal ftit jiem, trid tgħattiha minn ġewwa u minn barra bil-ġebel mhux minġur u miz-zkuk tas-siġar". Għax aktar ma d-djar u ċ-ċelel kienu fqajrin, l-imqaddes Franġisku aktar kien joqgħod fihom bil-qalb. Dak għamel skond ma qallu, u l-imqaddes Franġisku baqa' hemmhekk għal ftit jiem.

Jum minnhom hu kien jinsab barra miċ-ċella, meta ġie wieħed mill-aħwa u mar fiċ-ċella fejn kien l-imqaddes Franġisku. Malli rah l-imqaddes Franġisku staqsieh: "Minn fejn ġej ħija?" U dak wieġbu: "Ġej miċ-ċella tiegħek". Allura l-imqaddes Franġisku qallu: "Talli għidtli li dik hi ċ-ċella tiegħi, minn issa 'l quddiem irid joqgħod fiha xi ħadd ieħor u mhux jien".

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), aktar minn darba konna nisimgħuh jgħid dawk il-kliem ta' l-Evanġelju qaddes: *Il-volpijiet għandhom l-għerien u l-għasafar tas-sema l-bejtiet, imma Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu* (cfr. Mt 8,20; Lq 9,58).

U kien jgħid: "Meta l-Mulej kien jinġabar magħluq waħdu f'postijiet imwarrba[198], fejn kien jitlob u *jsum għal erbgħin jum u erbgħin lejl* (cfr. Mt 4,2), hu ma beniex għaliex l-ebda ċella jew dar, imma kien jistkenn fil-blat tal-muntanji".

---

[197] Skond 2C 59, dan l-eremitaġġ kien dak ta' Sarteano, fit-territorju ta' Siena, fejn imbagħad inbena l-kunvent ta' San Bartolomeo.

[198] L-espressjoni Latina hi *stetit in carcere*, li ma tfissirx li l-Mulej kien magħluq fil-ħabs, imma li kien jinsab maqtugħ waħdu fi spazju limitat biex jitlob. Ir-riferiment għall-kelma latina *carcere* jfakkarna f'wieħed mill-eremitaġġi Franġiskani l-aktar famużi, jiġifieri l-eremitaġġ ta' Le Carceri, li jinsab fuq il-Monte Subasio, ftit 'il bogħod minn Assisi, u li minn dejjem kien jismu *Sancta Maria ad Carcerces*, fis-sens li hu post maqtugħ u xieraq għall-kontemplazzjoni.

U għalhekk fuq l-eżempju tiegħu, Franġisku ma riedx ikollu la dar u lanqas ċella f'din id-dinja, u lanqas kien irid li jibnuhom għalih. Jekk kien jiġri li xi mindaqqiet jgħid lill-aħwa: "Irranġawli din iċ-ċella", imbagħad wara ma kienx ikun irid joqgħod fiha, minħabba l-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes: *La tħabblux raskom* (cfr. Mt 6,24; Lq 12,22). Meta kien qorob lejn il-mewt tiegħu, fit-Testment tiegħu ried li jinkiteb li ċ-ċelel u d-djar kollha ta' l-aħwa kellhom jinbnew biss mit-tajn u z-zkuk, sabiex fihom l-aħwa jħarsu aħjar il-faqar u l-umiltà. [CA 57; 2C 59]

[1455] Kapitlu 10
Dwar kif l-aħwa kellhom jagħżlu l-postijiet fil-bliet u kif jibnu fihom, skond l-intenzjoni ta' l-imqaddes Franġisku.

Darba oħra, meta kien qrib Siena minħabba l-marda ta' għajnejh u kien jibqa' fiċ-ċella, li wara mewtu ġiet mibdula f'kappella minħabba l-qima lejh[199], *messer* Bonaventura, li kien offra dik l-art lill-aħwa, sabiex fiha jibnu l-kunvent, qallu: "X'jidhirlek minn dan il-post?" L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Inti tridni ngħidlek kif għandhom jinbnew il-postijiet li fihom jgħixu l-aħwa?" U dak wieġbu: "Missier, iva, irrid".

Franġisku qallu hekk: "Meta l-aħwa jmorru f'xi belt, li fiha ma għandhomx post fejn joqogħdu, u jsibu lil xi ħadd li jkun lest li jagħtihom biċċa art kemm tkun meħtieġa biex jibnu l-post u jkollhom naqra ta' ġnien tal-ħxejjex u dak li hu meħtieġ għalihom, qabel xejn huma jridu jqisu kemm għandhom bżonn art għall-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-faqar imqaddes, li aħna wegħedna, u l-eżempju tajjeb li huma obbligati li juru lill-oħrajn".

Il-missier imqaddes kien jgħid hekk, għax hu ma ried li għal ebda raġuni l-aħwa, fil-bini tal-kunventi, tal-knejjes, tal-ġonna u ta' ħtiġijiet oħrajn li kellhom jużaw, imorru 'il bogħod minn dak li jitlob minnhom il-faqar, u li għal ebda raġuni ma setgħu ikollhom il-proprjetà ta' dak il-post, imma li fih kellhom jgħixu dejjem *bħal pellegrini u barranin* (cfr. 1Pt 2,11). U għaldaqstant kien irid li l-aħwa ma jkunux numerużi f'kull post li fih jgħixu, għaliex meta l-għadd ta' l-aħwa jkun kbir ikun diffiċli ħafna li wieħed iħares il-faqar. U din kienet ir-rieda tiegħu mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu sa l-aħħar jum qabel miet, sabiex hekk l-aħwa josservaw bil-fedeltà l-faqar imqaddes.

"Imbagħad huma għandhom imorru għand l-isqof ta' dik il-belt u jitolbuh: Sinjur, wieħed raġel għall-imħabba tal-Mulej Alla u għas-salvazzjoni ta' ruħu irid jagħtina biċċa art biex fiha nibnu post fejn ngħixu; imma aħna qed nirrikorru għandek qabel kulħadd, l-aktar għaliex inti l-missier u s-sid ta' l-erwieħ tal-merħla kollha li hi fdata f'idejk, kif ukoll tagħna u ta' l-aħwa l-oħrajn li jixtiequ joqgħodu f'dan il-post. Aħna għalhekk irridu li bil-barka tal-Mulej Alla u tiegħek, inkunu nistgħu nibnu post fejn ngħixu".

Hekk kien jgħid il-qaddis, għaliex il-ġid ta' l-erwieħ li l-aħwa jridu, jista' jseħħ aħjar jekk huma jżommu l-paċi ma' l-isqfijiet, u hekk jiġbdu t-tjieba tagħhom u tal-poplu, aktar milli jiskandalizzaw lill-prelati u lill-kjeriċi, u hekk ma jagħmlux ġid lill-poplu.

---

[199] Dan kien l-aħħar vjaġġ ta' Franġisku fi Siena, f'April 1226. L-eremitaġġ hu dak ta' Rovacciano jew Alberino, ftit 'il barra minn Siena. L-aħwa telqu minn dan il-post fl-1236 biex marru joqogħdu f'San Pietro presso Porta ovile, illum il-kunvent ta' San Francesco fi Siena.

U kien jgħid: "Il-Mulej sejħilna biex ngħinu l-fidi tal-prelati u tal-kjeriċi ta' ommna l-Knisja mqaddsa; għaldaqstant aħna obbligati li, kemm nistgħu, dejjem inħobbuhom, nagħtuhom ġieħ u nqimuhom. Għalhekk nissejħu Patrijiet Minuri, sabiex kif jgħid isimna, hekk ukoll bl-eżempju u b'għemilna aħna nidhru umli aktar mill-bnedmin l-oħrajn kollha ta' din id-dinja. Sa mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħi, meta infridt mid-dinja u minn missieri skond il-ġisem, il-Mulej *qiegħed il-kliem tiegħu fuq il-fomm* (cfr. Eż 4,15; Is 51,16) ta' l-isqof ta' Assisi sabiex jagħtini pariri tajbin fil-qadi ta' Kristu, u jkun ta' faraġ għalija. U minħabba f'hekk jiena nqis bosta ħwejjeġ oħrajn aktar tajbin fil-prelati,u mhux biss fl-isqfijiet, imma wkoll fis-saċerdoti fqajrin li lilhom irrid inħobb u nqim u nżommhom bħallikieku huma s-sidien tiegħi".

"Meta mbagħad jaqilgħu l-barka ta' l-isqof, għandhom imorru u jħaffru gandott wiesgħa[200] madwar l-art li huma jkunu laqgħuha biex jibnu fuqha, u fih għandhom iħawwlu ħajt taz-zkuk u tal-ħaxix, bħala sinjal tal-faqar imqaddes u ta' l-umiltà. Imbagħad għandhom jibnu djar ċkejknin u fqajrin bit-tajn u z-zkuk, u xi ċelel żgħar, li fihom l-aħwa jkunu jistgħu jinġabru biex jitolbu u jaħdmu b'mod onest, filwaqt li jħarsu rwieħom mill-*kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36). Għandhom ukoll jibnu knisja; imma l-aħwa ma għandhomx jibnu knejjes kbar minħabba l-ħtieġa li jippriedkaw lill-poplu jew għal xi ħtieġa oħra, għaliex l-aħwa jkunu aktar umli u jagħtu eżempju aħjar jekk imorru jippriedkaw fil-knejjes l-oħrajn, sabiex iħarsu l-faqar imqaddes u l-umiltà u l-onestà ta' l-istat tagħhom"[201].

"U jekk xi prelati jew kjeriċi, reliġjużi jew sekulari, kellhom jaslu fil-postijiet ta' l-aħwa biex jippriedkawlhom, u jaraw id-djar foqra u ċ-ċelel u l-knejjes li jkollhom f'dak il-post, huma jibqgħu edifikati ħafna".

U qal: "Għax ta' spiss l-aħwa jibnu kunventi kbar, u hekk jiksru l-wegħeda tal-faqar imqaddes tagħna, u jqajjmu ħafna eżempji ħżiena u skandli fost l-oħrajn. U wara dan, bl-iskuża li jsibu postijiet aħjar u aktar qaddisin, huma jħallu dawk il-postijiet li jkunu bnew, hekk li dawk li jkunu tawhom il-karità, meta jaraw u jisimgħu dan kollu, jibqgħu skandalizzati ħafna u jitħawwdu bil-kbir. U għaldaqstant ikun aħjar li l-aħwa jibnu postijiet żgħar u fqajrin, li fihom josservaw il-professjoni tal-ħajja tagħhom, u jagħtu eżempju tajjeb lill-proxxmu, milli li, kontra dak li ipprofessaw, juru eżempju ħażin quddiem l-oħrajn. Għax kif jiġri xi kultant, l-aħwa jagħtu eżempju ħażin u skandlu meta jħallu l-postijiet ċkejknin u foqra tagħhom, biex imorru jgħixu f'kunventi aktar komdi u kbar". [CA 58; 2C 146]

---

[200] M. Bigaroni, fl-edizzjoni kritika tal-CA, p. 149, jgħid li s-sens tal-kelma Latina *carbonaria* fil-medjevu kien dak ta' foss li jdur madwar il-ħitan ta' fortizza jew belt. Fl-istorja ta' Foligno ta' l-1280 jingħad: *fuerunt facte nove carbonarie circa civitatem Fulginie* (A. Muratori, *Antiquitates Italicae*). Naturalment, l-użu tal-kelma *carbonaria* fil-kuntest tal-*Fontes* ma jirreferix għal foss madwar xi kunvent, għax l-eremitaġġi ta' l-aħwa ma kienux monasteri tal-Benedittini! Jindika pjuttost gandott wiesgħa biex fih l-aħwa jħawlu "ħajt naturali" madwar l-eremitaġġ, permezz ta' zkuk ta' siġar żgħar.

[201] Analiżi bir-reqqa ta' dawn il-*Verba Sancti Francisci* (Kliem ta' San Franġisk), li huma attribwiti lill-pinna ta' fra Leone, turi sitwazzjoni li żviluppat fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri wara l-mewt ta' San Franġisk. Jidher li, min qiegħed jikteb, iqiegħed fuq il-fomm ta' Franġisku kliem li jirreferi għal sitwazzjoni ta' żvilupp kbir li seħħ fl-Ordni, l-aktar permezz tal-proċess ta' klerikalizzazzjoni, li bih l-aħwa ma baqgħux jgħix biss fl-eremitaġġi, imma bl-għajnuna ta' benefatturi bdew jibnu knejjes u kunventi fl-ibliet. Hekk il-ħidma pastorali ta' l-aħwa bdiet issir fil-knejjes tagħhom, li akkwistaw privileġġi ta' knejjes konventwali. Jidher ċar li, min qiegħed jirreferi dan il-kliem ta' San Franġisk, ma kienx japprova dan l-iżvilupp li kien qiegħed iseħħ fl-Ordni, li mhux l-ewwel darba ġab lill-Patrijiet Minuri f'konflitti mal-kleru sekular.

[1456] Kapitlu 11
Dwar kif l-aħwa, u l-aktar il-prelati u l-għorrief, kienu kuntrarji li jkollhom postijiet u djar fqajrin.

L-imqaddes Franġisku kien iddeċieda li l-knejjes ta' l-aħwa kellhom ikunu żgħar u d-djar tagħhom ikunu mibnijin mit-tajn u mill-injam, b'sinjal tal-faqar u l-umiltà qaddisa. Ried li bħala eżempju jibda mill-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola, l-aktar rigward id-djar li kellhom jinbnew mill-injam u t-tajn, sabiex dak li kien l-ewwel post u l-ewlieni għall-Ordni kollu, għal dejjem jibqa' tifkira għall-aħwa l-oħrajn kollha, li huma u li għad jidħlu fl-Ordni. Imma kien hemm xi wħud li qalu li ma kienux jarawha ħaġa tajba, li d-djar ta' l-aħwa kellhom jinbnew mit-tajn u mill-injam, għaliex f'diversi postijiet u provinċji l-injam jiswa aktar mill-ġebel.

Imma l-imqaddes Franġisku ma riedx joqgħod iħaqqaqha magħhom, għaliex kien marid ħafna u kien jinsab qrib il-mewt, għax wara għex biss għal ftit żmien. Għalhekk kiteb imbagħad fit-Testment: "Iħarsu ruħhom l-aħwa, li ma jaċċettawx knejjes jew djar u dak kollu li jinbena għalihom jekk dawn ma jkunux jixirqu l-faqar imqaddes li wegħedna fir-Regola, u li dejjem għandhom jgħixu hemmhekk bħala mistiedna, bħala *barranin u pellegrini*" (cfr. 1Pt 2,11).

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 2,18), meta hu *kiteb* ir-Regola, u l-kitbiet l-oħrajn kollha tiegħu[202], *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12), li hu kiteb bosta ħwejjeġ fir-Regola u fil-kitbiet l-oħrajn tiegħu, li dwarhom l-aħwa kienu kuntrarji, u l-aktar il-prelati u l-aħwa għorrief tagħna, hu qal bosta ħwejjeġ li llum ikunu meħtieġa ħafna għall-Ordni. Imma billi hu kien jibża' li jagħti skandlu, kien kontra qalbu jċedi għar-rieda a' dawn l-aħwa. Imma ta' spiss kien jgħid dawn il-kelmiet: "Ħażin għal dawk l-aħwa li huma kuntrarji għal dak li rrid jien, għaliex jiena nagħraf, li r-rieda ta' Alla hi aktar meħtieġa għall-Ordni, għalkemm jiena jkolli nċedi għar-rieda tagħhom kontra qalbi".

Hekk ta' spiss kien jgħid lilna l-aħwa tiegħu: "F'dan jinsab in-niket tiegħi u t-tiġrib tiegħi, li dak kollu li jiena b'ħafna ħidma u talb u meditazzjoni qlajt mingħand Alla għall-ħniena tiegħu, għall-ħajja preżenti u għal dik futura ta' l-Ordni kollu, u dan nagħraf li jogħġob lilu, għaliex dawn il-ħwejjeġ huma kollha skond ir-rieda tiegħu, imma hemm l-aħwa l-oħrajn li bl-awtorità u b'dak li tipprovdilhom ix-xjenza tagħhom iridu jinqatgħu 'il barra u huma kontrija u jgħiduli: "Dawn il-ħwejjeġ wieħed jista' josservahom, imma dawn l-oħrajn le!". [CA 106]

[1457] Kapitlu 12
Dwar kif kien iqisu bħala serq li wieħed jitlob il-karità u jagħmel użu minnha aktar milli jkun jeħtieġ.

L-imqaddes Franġisku kien ta' spiss jgħid dawn il-kelmiet lill-aħwa tiegħu: "Jiena qatt ma kont ħalliel tal-karità li ittallabt, billi qgħadt naqla' u nagħmel użu minnha aktar milli kont neħtieġ. Dejjem tlabt inqas milli kont neħtieġ, sabiex il-foqra l-oħrajn ma jkunux imċaħħdin mis-sehem tagħhom, għax li wieħed jagħmel il-maqlub ifisser li jkun jisraq". [CA 15]

---

[202] Din l-espressjoni tindika bi preċiżjoni kbira li l-awtur ta' dawn ix-xhieda hu frate Leone, li kien is-segretarju personali ta' San Franġisk. Bosta siltiet minn SP nistgħu nattribwuhom lilu.

[1458] Kapitlu 13
Dwar kif Kristu qallu li ma riedx li l-aħwa jżommu għalihom infushom xejn la fil-komun u lanqas individwalment.

Meta l-aħwa ministri ippruvaw jikkonvinċuh sabiex lill-aħwa jħallihom iżommu xi ħaġa almenu fil-komun, sabiex dak il-għadd hekk kbir ta' aħwa jkollhom xi ħaġa għal meta jkunu fil-ħtieġa, l-imqaddes Franġisku waqt it-talb sejjaħ lil Kristu u staqsieh il-parir tiegħu dwar dan. Dak mall-ewwel wieġbu u qallu: "Jiena inneħħi *kollox* kemm lill-aħwa wieħed wieħed kif ukoll lilhom *flimkien* (cfr. Atti 2,44; 4,32). Lil din il-familja jiena dejjem inkun lest li nipprovdilha tikber kemm tikber, u dejjem inweżinha sakemm *hi tittama biss fija*" (cfr. S 21,5). [CA 16]

[1459] Kapitlu 14
Dwar kif kien jistmerr il-flus u dwar kif ikkastiga lil wieħed mill-aħwa li mess il-flus.

Il-ħabib veru ta' Kristu Franġisku, li kien dejjem jimitah, kien jistmerr b'mod perfett dak kollu *li hu tad-dinja* (cfr. 1Kor 7,33), u fuq kollox kien jistmerr il-flus, u kien iġiegħel lill-aħwa bil-kelma u bl-eżempju biex dejjem jaħarbu mill-flus daqslikieku mix-xitan. Hekk hu kien jgħallem bil-ħerqa lill-aħwa biex jagħtu l-istess valur lill-flus daqs li kieku kienu demel.

*Ġara jum minnhom* (cfr. Ġen 39,11) li wieħed raġel sekular daħal biex jitlob fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, u bħala offerta ħalla xi flus ħdejn is-salib. Malli dak ħareġ, wieħed minn fost l-aħwa, qabad bis-sempliċità kollha dawk il-flus f'idejh, u xeħethom fit-tieqa. Imma meta l-imqaddes Franġisku sar jaf x'għamel, dak sab li kien inkixef l-għemil tiegħu, u mar jiġri mall-ewwel biex jistqarr il-ħtija tiegħu u, filwaqt li intasab għal tulu fl-art, stenna li jirċievi s-swat. Il-qaddis ħatfu mhux ftit u ċanfru talli kien mess dawk il-flus, u mbagħad ikkmandah biex ineħħi dawk il-flus mit-tieqa u jġorrhom f'ħalqu 'l barra mir-reċint tal-post ta' l-aħwa, u jqiegħdhom b'ħalqu stess fuq il-ħmieġ ta' ħmar.

Filwaqt li dak mar iwettaq bil-ferħ il-kmand, dawk kollha li raw u semgħu kienu mimlijin b'biża' kbir, u minn dak in-nhar aktar bdew jismterru l-flus u jqabbluhom mal-ħmieġ ta' ħmar, u b'eżempji ġodda ta' kuljum kienu jitħeġġu biex jistmerruhom dejjem aktar bil-ħeġġa. [CA 27; 2C 65]

[1460] Kapitlu 15
Dwar kif l-aħwa kellhom jevitaw il-ħafna ilbies artab, u dwar kif kellhom iżommu s-sabar fil-ħtieġa.

Dan il-bniedem *tlibbes bil-qawwa mill-għoli* (cfr. Lq 24,49), u kien jaqbad minn ġewwa bin-nar divin aktar milli kien jissaħħan bil-ħwejjeġ tal-ġisem. Hu kien jistmerr lil min kien jilbes tliet ilbiesi, u lil min, mingħajr ħtieġa vera, kien juża ilbies artab fl-Ordni. Kien jgħid li l-ħtieġa, li tkun imqanqla mhux mir-raġuni imma mill-kilba, kienet turi sinjal ta' *spirtu li jitmewwet* (cfr.

1Tes 5,19). Kien jgħid: "L-ispirtu li jibred, bil-mod il-mod jibda' jiksaħ mill-grazzja, u bilfors li jkun meħtieġ li *l-ġisem u d-demm ifittxu dak li hu tagħhom*" (cfr. Gal 1,16; Mt 16,17; Fil 2,21).

U kien jgħid: "Meta r-ruħ ma ssibx aktar dak li jagħtiha gost, allura x'jifdal li l-ġisem jibda jkun irid il-pjaċiri tiegħu? U hekk il-kilba tas-sensi tibda' tgħatti kull ma tara bil-maskra tal-ħtieġa, u mbagħad *il-ħsibijiet tal-ġisem* (cfr. Kol 2,18) jiffurmaw il-kuxjenza. Nammettu li xi ħadd mill-aħwa tiegħi jkollu ħtieġa vera, u jkun imqanqal minn nuqqas kbir li jħoss: jekk iħaffef biex jissodisfa dak il-bżonn ħalli jbiegħdu minnu, *xi ħlas jista' jkollu*? (cfr. Ġen 29,15). Hu kien iltaqa' ma' l-okkażjoni biex jikseb mertu, imma mbagħad juri bil-provi li ma tkunx għoġbitu. Għax meta wieħed ma jsofrix bis-sabar il-ħtieġa, kien ifisser li wieħed jerġa' jibda jibki dak li kellu fl-Eġittu".

Għall-ebda raġuni ma kien ikun irid li l-aħwa jkollhom aktar minn żewġ ilbiesi, li iżda kien iħallihom iraqqgħuhom minn taħt, b'biċċiet meħjutin magħhom. Kien irid li l-aħwa jibżgħu mid-drapp fin u kien iċanfar quddiem kulħadd lil min kien jagħmel kontra. Biex iħawwad lil dawn l-aħwa bl-eżempju tiegħu, dejjem kien jagħmel it-tonka tiegħu mid-*drapp goff ta' l-ixkejjer* (cfr. Ġob 16,16). Ukoll meta miet ried li t-tonka li jindifen biha tkun imraqqa' bil-biċċiet ta' l-ixkejjer. Imma lil dawk l-aħwa li kienu jkunu morda jew ikollhom xi ħtieġa oħra, kien iħallihom li, minn taħt, fuq il-laħam, jilbsu tonka ratba, basta li minn barra kienu jħarsu l-preċett tat-tonka goffa u ħarxa. Kien jgħid mimli bin-niket: "Tant għad tiġi fix-xejn iċ-ċaħda u taħkem l-irtubija li l-ulied ta' missier fqir mhux se jħabblu rashom li jilbsu lbies tal-ħarir, basta jbiddlulhom il-lewn tagħhom". [CA 28-30; 2C 69]

[1461] Kapitlu 16
Dwar kif hu ma riedx jissoddisfa lill-ġisem tiegħu f'dawk l-affarijiet li kien jaħseb li l-oħrajn ma jkollhomx.

Darba waħda, l-imqaddes Franġisku kien joqgħod fl-eremitaġġ ta' San Eleuterio[203], fl-inħawi ta' Rieti. U billi hu ma kellux fuqu ħlief tonka waħda, jum minnhom minħabba l-bard kbir u l-ħtieġa kbira li kien jinsab fiha, raqqa' t-tonka tiegħu u ta' sieħbu minn ġewwa u minn barra b'biċċiet ta' drapp, hekk li ġismu beda jsib ftit tal-faraġ.

Wara ftit taż-żmien, meta jum minnhom kien ġej lura mit-talb, b'ferħ kbir qal lil sieħbu: "Jiena jeħtieġ li nkun forma u eżempju għall-aħwa kollha, għaliex jekk il-ġisem tiegħi għandu l-ħtieġa li jkollu tonka mraqqa', hekk naħseb li jaqbel li jkollhom l-aħwa tiegħi, għaliex dan ukoll hu meħtieġ, u huma x'aktarx ma għandhomx u lanqas jista' jkollhom. Għalhekk jeħtieġ li jiena nħoss għalihom u għall-ħtiġijiet tagħhom, u dak li huma jsofru jeħtieġ li jiena nsofri bħalhom, sabiex huma, meta jaraw dan, ikunu jistgħu jilqgħu kollox b'sabar ikbar".

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) nistgħu nuru bil-kliem u bil-kitba kemm hu kien ċaħad ħtiġijiet lil ġismu, sabiex jagħti eżempju tajjeb lill-aħwa ħalli huma jkunu jistgħu jissapportu b'sabar ikbar il-ħtiġijiet tagħhom. Dan l-imqaddes Franġisku kien jitħabat biex iwettqu qabel

[203] Skond Terzi dan l-eremitaġġ ta' San Eleuterio kien jinsab fil-lokalità msejħa Fonte di Cerro jew Forca di Cerro, li titfakkar f'dokument ta' l-1182, xi 17-il kilometru mit-triq ta' Rieti-Cottanello, f'post li llum jismu San Oliviero, li jista' jkun korruzzjoni ta' l-isem San Eleuterio.

kollox u dejjem, l-aktar wara li l-aħwa bdew jitkattru, sabiex hekk jgħallem lill-aħwa aktar bl-għemil milli bil-kliem, u jurihom kif għandhom iġibu ruħhom, u x'għandhom jevitaw. [CA 111]

[1462] Kapitlu 17
Dwar kif kien jistħi jekk kien jara lil xi ħadd li jkun ifqar minnu.

Meta darba minnhom iltaqa' ma' raġel fqajjar u tallab, meta qagħad iqis il-faqar tiegħu, qal lil sieħbu: "Il-faqar ta' dan ir-raġel iġagħalna nistħu u hu ta' ċanfira għall-faqar tagħna. Għaliex jiena qatt ma nistħi aktar minn meta niltaqa' ma' xi ħadd li hu ifqar minni, billi jiena għażilt lill-*povertà* qaddisa bħala s-sinjura tiegħi li tagħtini kull ferħ u għana spiritwali u materjali, u billi mad-dinja kollha issa ġriet l-aħbar, jiġifieri, li jiena għamilt il-professjoni tal-faqar quddiem Alla u quddiem il-bnedmin". [CA 113; 2C 84]

[1463] Kapitlu 18
Dwar kif ġiegħel u għallem lill-ewwel aħwa biex joħorġu jittallbu l-karità.

Meta l-imqaddes Franġisku beda jkollu l-aħwa, kien jifraħ bil-kbir għall-konverżjoni tagħhom, għaliex bihom il-Mulej kien tah kumpanija tajba. Għall-imħabba u l-qima kbira li kien juri lejhom ma kienx jgħidilhom biex imorru għall-karità, għaliex kien jaħseb li huma jistħu. Imma għalkemm hu kien iħenn għalihom għax jistħu, hu nnifsu kien joħroġ waħdu ta' kuljum għaċ-ċirka[204].

B'dan il-mod hu kien jgħejja ħafna f'ġismu, l-aktar għax meta kien għadu fid-dinja kien bniedem delikat u dgħajjef fin-natura tiegħu, kif ukoll minħabba li sar aktar dgħajjef biċ-ċaħdiet kbar u l-ħidma iebsa li kien isofri sa mill-jum li fih kien ħareġ mid-dinja. Għalhekk hu intebaħ li ma setax ikompli jiflaħ għal dik il-ħidma iebsa, u billi l-aħwa kienu ġew imsejħin għal dan id-dmir, anke jekk kienu jistħu, u anke jekk huma ma kienux jagħarfu b'mod sħiħ dak li hu kien qiegħed jagħmel għalihom, imma min-naħa tagħhom huma lanqas kienu prudenti biżżejjed biex jgħidulu: "Aħna wkoll irridu noħorġu nittallbu l-karità". Għalhekk hu qalilhom: "Ħuti u uliedi l-aktar għeżież, ma għandkomx tistħu li toħorġu għall-karità, għaliex minħabba fina *l-Mulej sar fqir* (cfr. 2Kor 8,9) f'din id-dinja. Aħna, fuq l-eżempju tiegħu, għażilna li ngħixu fil-faqar mill-aktar veru. Dan hu l-wirt tagħna li akkwistalna u ħallielna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, lilna u lil dawk kollha li jridu jgħixu fuq l-eżempju tal-faqar qaddis tiegħu. Tassew ngħidilkom li għad jiġu għandna ħafna nobbli u għorrief ta' din id-dinja u jidħlu fl-Ordni tagħna, u jibdew iqisuh ta' ġieħ kbir għalihom li joħorġu jittallbu l-karità. Għalhekk, morru bil-fiduċja u b'qalbkom ferħana biex tittallbu karità bil-barka tal-Mulej Alla. Għandkom tmorru b'qalb aktar ħielsa u ferħana minn dik ta' min imur joffri l-interess tal-mija fil-wieħed, għaliex intom qegħdin toffru l-imħabba ta' Alla lil dawk li tittallbu l-karità mingħandhom. Għidulhom: Agħtuna karità għall-imħabba tal-Mulej Alla, li miegħu xejn, la fis-sema u lanqas fl-art, ma nistgħu inqabbluh".

---

[204] Franġisku kien iħares lejn iċ-ċirka bħala eżerċizzju ta' umiltà, u mhux biss bħala mod kif l-aħwa jipprovdu għall-għajxien tagħhom. Fir-*Regola Bullata* VI, hu jgħid lill-aħwa li għandhom joħorġu "jittallbu bit-tama". Iċ-ċirka hi "l-quċċata ta' l-ogħla faqar" li tagħmel lill-aħwa "werrieta tas-saltna tas-smewwiet". Fil-leġislazzjoni ta' l-Ordnijiet monastiċi kien hemm projbizzjoni li l-irħieb joħorġu jittallbu. Din il-projbizzjoni reġgħet saret waqt il-Konċilju ta' Pariġi fl-1213-1214.

Dak iż-żmien kienu għadhom ftit, u ma setax *jibgħathom tnejn, tnejn* (cfr. Lq 10,1), imma kien jibgħathom wieħed, wieħed fil-kastelli u l-irħula. U ġara li meta kienu jerġgħu lura, kull wieħed kien juri lill-imqaddes Franġisku l-karità li jkun irċieva, u kienu jgħidu wieħed lill-ieħor: "Ara, jiena qlajt karità aħjar minn tiegħek". U hekk l-imqaddes Franġisku kien jifraħ meta kien jarahom daqshekk mimlijin hena u kuntenti. U minn dakinhar kull wieħed minnhom beda jitlob bil-qalb il-permess li jmur jittallab il-karità. [CA 51; 2C 74]

[1464] Kapitlu 19
Dwar kif ma riedx li l-aħwa jkollhom ħerqa u tħassib biex jipprovdu għall-għada.

F'dak l-istess żmien, meta Franġisku kien flimkien ma' l-aħwa li kellu, tant kien mimli safa tal-qalb li, minn dak il-ħin li fih il-Mulej urieh kif kellu jgħix, hu u l-aħwa tiegħu, skond il-għamla ta' l-Evanġelju mqaddes, hu ried u kien jimpenja ruħu biex josserva l-Evanġelju kelma b'kelma matul ħajtu kollha. Lil dak fost l-aħwa li kien jieħu ħsieb tal-kċina ma kienx iħallih li, meta jgħaddi l-fażola lill-aħwa biex jiekluha, din iħalliha fl-ilma fietel mil-lejl ta' qabel, kif suppost li jagħmel, sabiex hekk l-aħwa josservaw dawk il-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes: *La toqogħodux titħassbu għall-għada* (cfr. Mt 6,34). Hekk, wara li l-aħwa kienu jispiċċaw il-matutin, dak kien imur jixħethom fl-ilma biex jirtabu meta jkun se jibda jbexbex il-jum li fih l-aħwa kellhom jiekluhom. Għal ħafna żmien, bosta mill-aħwa li kienu jinsabu f'postijiet diversi, fejn kienu jgħixu, u l-aktar fl-ibliet, kienu jħarsu din id-drawwa, u ma kienux iridu li jiksbu karità jew jilqgħu aktar minn dak li jkunu jeħtieġu għal dak il-jum. [CA 52]

[1465] Kapitlu 20
Dwar kif ċanfar lill-aħwa bil-kliem u bl-eżempju meta kienu ħejjew mejda għanja fil-jum tal-Milied tal-Mulej minħabba l-ministru li kien ġie jżurhom.

Darba fost l-oħrajn wieħed mill-ministri ta' l-aħwa ġie għand l-imqaddes Franġisku biex jiċċelebra miegħu il-festa tat-twelid tal-Mulej fil-post ta' l-aħwa fi Rieti[205]. L-aħwa, minħabba ż-żjara tal-ministru u dik il-festa, ħejjew mejda b'ħafna kura u tiżjin f'dak il-jum tal-Milied, billi firxu fuqha tvalji sbieħ u bojod u reċipjenti tal-ħġieġ.

L-imqaddes Franġisku mela niżel miċ-ċella biex jiekol, u ra li l-aħwa kienu ħejjew mejda merfugħa mill-art u mżejna. Hu mall-ewwel warrab minn hemm bil-moħbi, u ħa l-kappell u l-bastun ta' wieħed raġel fqir li kien ġie hemmhekk dakinhar, u filwaqt li sejjaħ lil wieħed minn sħabu minn taħt l-ilsien, ħareġ barra mill-bieb ta' l-eremitaġġ, mingħajr ma kienu jafu l-aħwa li kienu ġewwa. Sieħbu sadanittant baqa' ġewwa ħdejn il-bieb, filwaqt li l-aħwa daħlu għall-mejda, għaliex l-imqaddes Franġisku kien ordna lill-aħwa biex ma jistennewhx meta ma jiġix mall-ewwel għall-ikel.

Wara li baqa' xi ftit tal-ħin barra, beda jħabbat il-bieb, u sieħbu mall-ewwel fetaħlu; u hu daħal ġewwa, bil-kappell wara dahru u bil-bastun f'idejh, u baqa' sejjer lejn il-bieb tad-dar li fiha

[205] Dan l-episodju seħħ fl-eremitaġġ ta' Greccio fil-jum tal-Milied skond CA 74 u SP 20, u fil-jum ta' l-Għid il-Kbir skond 2C 61.

kienu qiegħdin jieklu l-aħwa, u bħal wieħed fqir u pellegrin beda jgħajjat u jgħid: "Għall-imħabba tal-Mulej Alla agħtu karità lil dan il-pellegrin fqir u marid!" Il-ministru u l-aħwa l-oħrajn kollha mall-ewwel għarfuh. U l-ministru wieġbu u qallu: "Ħija, aħna wkoll foqra, u għalkemm aħna ħafna, l-karità li qlajna hi biżżejjed għalina; imma għall-imħabba ta' dak il-Mulej li inti semmejtu, idħol f'din id-dar u nagħtuk mill-karità li l-Mulej għoġbu jagħti lilna".

U malli daħal biex joqgħod fuq il-mejda ta' l-aħwa, il-ministru tah l-iskudella li fiha kien jiekol flimkien mal-ħobż. U wara li laqagħhom, qagħad bilqiegħda bl-umiltà kollha ma' l-art, maġenb in-nar, quddiem l-aħwa li kienu bilqiegħda għall-ikel.

U filwaqt li tniehed, qal lill-aħwa: "Meta jiena rajt il-mejda imżejna bil-ġieħ u b'kull xorta ta' ġid, jiena ħsibt li ma kienetx il-mejda ta' reliġjużi foqra li ta' kuljum imorru jittallbu l-karità bieb bieb. Għeżież, lilna jaqblilna li aktar nimxu wara l-eżempju ta' l-umiltà u tal-faqar ta' Kristu milli jagħmlu reliġjużi oħrajn, għaliex għal dan aħna ġejna msejħin u dan hu li ipprofessajna quddiem Alla u l-bnedmin. Għalhekk issa nħossni li qiegħed bilqiegħda tassew kif għandu joqgħod il-patri Minuri: għaliex il-festi tal-Mulej u tal-qaddisin aktar jiġu miqjumin bil-ġieħ fin-nuqqas ta' ġid u fil-faqar, li minħabba fihom il-qaddisin kisbu l-ġenna, milli bit-tiżjin u l-ġid żejjed, li bihom ir-ruħ titbiegħed mill-ġenna".

Għal dan il-kliem dawk l-aħwa ħmaru bil-mistħija, għaliex qiesu li hu kien qiegħed jgħid il-verità l-aktar safja. U xi wħud minnhom bdew jibku bil-kbir, meta raw lil Franġisku bilqiegħda ma' l-art, u kif hu ried jikkoreġihom u jwissihom b'mod daqshekk qaddis u safi. Għaliex hu kien iwissi lill-aħwa biex ikollhom imwejjed baxxi ma' l-art u sempliċi, biex hekk is-sekulari jiġu edifikati, u jekk xi bniedem fqir jiġi għandhom mistieden mill-aħwa, hu kien ukoll jista' joqgħod bħalhom u qrib tagħhom, u mhux il-fqir bilqiegħda ma' l-art u l-aħwa bilqiegħda fil-għoli. [CA 74; 2C 61]

[1466] Kapitlu 21
Dwar kif is-Sinjur ta' Ostia beka u baqa' edifikat bil-faqar ta' l-aħwa meta mar iżurhom waqt il-kapitlu.

Is-Sinjur ta' Ostia, li mbagħad sar il-Papa Girgor, meta ġie għall-kapitlu ta' l-aħwa f'Santa Marija tal-Porziuncola, daħal fid-dar flimkien ma' bosta kavallieri u kjeriċi u ra l-post fejn kienu jorqdu l-aħwa. U meta ra li l-aħwa kienu jimteddu għall-qiegħa ta' l-art, u li ma kellhom xejn taħthom, ħlief ftit tiben u xi ftit kutri fqajrin kollhom imqattgħin, u l-ebda mħadda, beda jibki bil-qawwa quddiem kulħadd, u qal: "Ara fejn jorqdu l-aħwa! U aħna ta' min jitħassarna għandna tant ħwejjeġ żejda! *X'sejjer isir* mela *minna*? (cfr. Mt 19,27)".

Hekk kemm hu kif ukoll l-oħrajn kollha ġew edifikati ħafna. Hemmhekk ma ra l-ebda mejda, għaliex l-aħwa kienu jieklu ma' l-art; għax sakemm dam jgħix l-imqaddes Franġisku l-aħwa kollha f'dak il-post dejjem kienu jieklu ma' l-art. [CA 74; 2C 63]

[1467] Kapitlu 22
Dwar kif xi kavallieri ħarġu jittallbu bieb bieb għal dak li kienu jeħtieġu, fuq il-parir ta' l-imqaddes Franġisku.

Meta l-imqaddes Franġisku kien joqgħod f'post jismu Bagnara, 'il fuq mill-belt ta' Nocera[206], riġlejh bdew jintefħulu, minħabba l-idropsija, u hu beda jimrad ħafna. Għalhekk meta n-nies ta' Assisi ġew mgħarrfin b'dan, bagħatu malajr malajr xi kavallieri minn Assisi f'dak il-post biex iġibuh lura lejn Assisi, għax kienu qegħdin jibżgħu li ma jmurx imut hemmhekk u għalhekk huma ma jkunux jistgħu jgħożżu għandhom il-ġisem l-aktar qaddis tiegħu.

U ġara li dawn il-kavallieri, waqt li kienu qegħdin iġorruh marid kif kien, waqfu f'ċertu kastell fil-*contado* ta' Assisi[207], għaliex riedu jieklu. L-imqaddes Franġisku flimkien ma' l-aħwa tiegħu kien qiegħed jistrieħ fid-dar ta' wieħed raġel, li kien laqgħu għandu b'ferħ u karità kbira. Il-kavallieri sadanittant kienu marru jduru mal-kastell biex jixtru dak li kien meħtieġ għall-ġisem, imma ma sabu xejn. U reġgħu lura għand l-imqaddes Franġisku u qalulu kważi biex jiċċajtaw: "Ħuna, jaqbel li tagħtuna xi ftit mill-karità tagħkom, għaliex hawnhekk ma nistgħu nsibu xejn x'nixtru biex nieklu".

U l-imqaddes Franġisku weġibhom b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu: "Ma sibtux x'tieklu, għaliex *intom tafdaw* fid-dubbien tagħkom, jiġifieri fil-flus, u mhux *f'Alla* (cfr. Mt 27,43). Imma morru lura fid-djar li mortu fihom biex tixtru, u la tistħux, u ittallbu mingħandhom il-karità għall-imħabba ta' Alla, u l-Ispirtu s-Santu jispirakhom u ssibu bil-kotra". Dawk mela marru u bdew jittallbu l-karità, kif kien qalilhom l-imqaddes Franġisku, u dawk in-nies b'ferħ kbir u b'ħafna kortesija bdew joffrulhom dak li kellhom. U *reġgħu lura mimlijin ferħ kbir u jfaħħaru 'l Alla* (cfr. Lq 24,52-53; Atti 1,12) għand l-imqaddes Franġisku u irrakkontawlu dak li kien ġralhom. Hekk qiesu li kien sar magħhom miraklu kbir.

Għax l-imqaddes Franġisku, minħabba n-nobbiltà kbira, id-dinjità u l-kortesija tiegħu, li kellu skond Alla u skond id-dinja, kien jittallab il-karità għall-imħabba tal-Mulej Alla: għaliex dak kollu, li l-Missier tas-sema kien ħalaq għall-ħtieġa tal-bnedmin, wara d-dnub, għall-imħabba ta' l-Iben tant denn tiegħu, jagħtih b'xejn u b'karità lil dawk li ma jistħoqqilhomx din il-grazzja.

Hekk mela kien jgħid li l-qaddej ta' Alla għandu jittallab il-karità għall-imħabba tal-Mulej Alla b'aktar libertà u ferħ minn dak il-bniedem li, minħabba l-għana u l-qalb ġeneruża tiegħu, għax jaf li jista' jixtri xi ħaġa, jmur jgħid: "Min jagħtini munita waħda li tiswa biss sold, jiena nagħtih elf marki tad-deheb! Għax tassew, il-qaddej ta' Alla, meta jittallab il-karità joffri l-imħabba ta' Alla lil dawk li jittallab minn għandhom, u jekk tqabbel dak li jingħata b'karità ma' l-imħabba ta' Alla, xejn ma jiswew il-ħwejjeġ li huma fis-sema u fl-art".

---

[206] Il-fatti li tirrakkonta l-CA seħħew minn April sa Awissu 1226. F'April Franġisku kien Siena, għall-kura ta' għajnejh (1C 105), fejn kien joqgħod fl-eremitaġġ ta' Alberino, illum Rovacciano. Wara taqliba tal-mewt, hu ittieħed l-ewwel lejn l-eremitaġġ ta' Celle di Cortona, u mbagħad kompla fi triqtu lejn Santa Marija tal-Porziuncola. Minħabba s-sħana kbira tax-xhur tas-sajf l-aħwa iddeċiedew li jeħduh f'Bagnara, fuq il-għoljiet qrib Nocera Umbra. Ninsabu f'Lulju-Awissu 1226. F'Nocera kien hemm kunvent Franġiskan, li ġie meqrud minn Francesco di Muzio fl-1318. F'Awissu marru għalih xi kavallieri mibgħutin mill-*Comune* ta' Assisi, biex iġibuh lura riekeb fuq żiemel.
[207] Minn 2C 77 nafu li dan kien il-kastell ta' Satriano, li għadu jeżisti sallum, u li jissemma' wkoll f'bulla pontifiċja tal-11 ta' Marzu 1244.

Hekk qabel ma l-aħwa kienu tkattru, kif imbagħad tkattru aktar tard, meta kien imur fid-dinja jippriedka l-imqaddes Franġisku, meta xi ħadd nobbli jew għani b'devozzjoni kbira kien jitolbu biex jieqaf jiekol f'daru jew biex isib kenn għandu, hu biex jagħti eżempju tajjeb lill-aħwa u minħabba n-nobiltà u d-dinjità ta' *Madonna Povertà,* waqt il-ħin ta' l-ikel kien joħroġ jittallab.

Ħafna drabi kien jgħid lil dak li kien ikun stiednu: "Jiena ma rridx niċħad għad-dinjità regali u għall-wirt tiegħi, u għall-vokazzjoni u l-professjoni tiegħi u tal-Patrijiet Minuri, jiġifieri, li mmur nittallab il-karità". U mhux l-ewwel darba li dak stess li kien stiednu kien jingħaqad miegħu u jilqa' l-karità li l-imqaddes Franġisku kien imur jittallab, imbagħad b'sens ta' qima lejh kien iżomm dak li qala' bħala relikwa. Min *qed jikteb* ra bosta ġrajjiet bħal dawn, *u jagħti xhieda* (cfr. Ġw 21,24). [CA 96; 2C 72. 77; LM VII,10]

[1468] Kapitlu 23
Dwar kif ħareġ jittallab il-karità qabel ma daħal għall-ikel għand il-kardinal.

Darba minnhom, meta mar iżur lis-Sinjur ta' Ostia li mbagħad sar Papa Girgor[208], fil-ħin ta' l-ikel, bil-moħbi ħareġ biex jittallab il-karità bieb bieb. Meta ġie lura, is-Sinjur ta' Ostia kien diġà beda jiekol flimkien ma' bosta kavallieri u nies nobbli. L-imqaddes Franġisku qiegħed il-karità tiegħu quddiem il-kardinal u mar bilqiegħda fuq il-mejda maġenbu, għaliex dan dejjem kien ikun irid li, meta l-imqaddes Franġisku jkun għandu għall-ikel, kellu joqgħod maġenbu. U l-kardinal beda jistħi mhux ftit meta ntebaħ li l-imqaddes Franġisku kien ħareġ jittallab il-karità u ġab dak li ġabar fuq il-mejda, imma dak il-ħin ma qallu xejn, l-aktar minħabba n-nies l-oħrajn li kienu għandu għall-ikel.

Wara li kiel ftit l-imqaddes Franġisku mar ħa mill-karità li kien ġabar u f'isem il-Mulej Alla mar iqassam biċċiet tal-ħobż li qala' lil kull wieħed mill-kavallieri u l-kappillani tal-kardinal. Dawn kollha irċevewhom minn għandu b'devozzjoni u qima kbira, billi neħħew il-kapoċċ jew il-kappell minn rashom; xi wħud minnhom kieluhom, u oħrajn refgħuhom għad-devozzjoni tagħhom. U s-Sinjur ta' Ostia feraħ bil-kbir minħabba d-devozzjoni li huma kienu juru, l-aktar għaliex dawk il-biċċiet ħobż ma kienux ħobż magħmul mill-qamħ.

Wara li intemmet l-iklaqam u daħal fil-kamra tiegħu, u talab lill-imqaddes Franġisku biex imur miegħu. U filwaqt li refa' idejh 'il fuq ħaddan miegħu lill-imqaddes Franġisku b'ferħ kbir u mimli hena qallu: "Imma għaliex, ja ħija sempliċi, illum ġagħaltni nistħi f'dari stess, li taf li hi d-dar tiegħek u ta' l-aħwa, meta ħriġt barra biex tittallab il-karità?"

L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Sinjur, anzi jiena lilek għamiltlek ġieħ kbir, għaliex meta s-sudditu jwettaq l-uffiċċju u l-ubbidjenza tiegħu lejn sidu, ikun qiegħed jagħti ġieħ lis-sinjur tiegħu. Jiena jeħtieġ li *nkun forma* (cfr. 1Tes 1,7) u eżempju tal-foqra tiegħek, l-aktar għaliex naf li fil-ħajja u fl-Ordni l-aħwa huma u għandhom ikunu fl-isem u fl-għemil Patrijiet Minuri, li għall-imħabba tal-Mulej Alla u *għad-dilka ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. 1Ġw 2,20.27), li jgħallimhom kollox, huma għandhom jiċċekknu għal kull umiltà, u billi joqogħdu għall-aħwa u jaqduhom. Imma fosthom hemm u għad ikun hemm dawk li jew minħabba l-mistħija li żżommhom lura jew minħabba l-eżempju ħażin ma jkunux iridu jumiljaw ruħhom u jitbaxxew biex joħorġu jittallbu l-

[208] L-episodju seħħ fiż-żmien li fih Franġisku mar Ruma għall-approvazzjoni tar-*Regola Bullata* fl-1223.

karità u jagħmlu ħidma oħra mistmerra. Għaldaqstant jaqbel li jiena lil dawn li huma u li għad iridu jiġu fl-Ordni ngħallimhom bl-għemil sabiex *ma jkollhomx skuża* (cfr. Rum 1,20) f'din id-dinja u lanqas fl-oħra quddiem Alla. Għalhekk meta jiena nkun għandek, li int is-sid apostoliku tagħna, u quddiem in-nobbli u dawk li huma għonja f'din id-dinja, li għall-imħabba tal-Mulej Alla mhux talli jilqgħuni b'ħafna devozzjoni fi djarhom, imma sa kważi jimbuttawni biex nidħol, jiena ma rridx nistħi li noħroġ biex nittallab il-karità. Jiena irrid li jkolli u nżomm sħiħ mar-rieda skond Alla minħabba n-nobblilità kbira irjali, u minħabba d-dinjità u l-ġieħ ta' dan is-sultan hekk għoli, li billi *hu l-Mulej ta' kulħadd* (cfr. Gal 4,1) għalina ried li jsir qaddej ta' kulħadd, u *għalkemm kien għani* (cfr. 2Kor 8,9) u glorjuż fil-majjestà tiegħu, hu ġie bħala bniedem fqir u mistmerr. Irrid għalhekk li l-aħwa jkunu jafu, dawk li hawn illum u dawk li għad iridu jiġu, li jkolli l-akbar faraġ tar-ruħ u tal-ġisem, meta noqgħod bilqiegħda għall-mejda fqajra ta' l-aħwa, u nara quddiemi l-karità fqajra li huma jkunu akkwistaw billi qagħdu jħabbtu bieb, bieb għall-imħabba tal-Mulej Alla, u dan inħossu aktar minn meta noqgħod fuq il-mejda tiegħek u tas-setgħanin l-oħrajn imhejjija bl-abbundanza ta' kull ikel. Il-ħobż tal-karità hu ħobż qaddis, għaliex jitqaddes bit-tifħir u l-imħabba ta' Alla, għaliex meta l-aħwa jmorru jittallbu l-ewwel għandhom jgħidu: *Ikun imfaħħar u mbierek il-Mulej Alla* (cfr. S 112,1.2; Lq 24,53), u mbagħad għandhom jgħidu: Agħtuna karità għall-imħabba tal-Mulej Alla".

Is-sinjur isqof baqa' ħafna edifikat mill-kelmiet li kien qallu l-missier imqaddes. U hu qallu: "Ibni, *agħmel dak li f'għajnejk jidhirlek li hu tajjeb,* (cfr. 1Sam 14,36)*, għaliex il-Mulej hu miegħek* (cfr. 2Sam 7,3; Lq 1,28) u inti miegħu".

Għax ir-rieda ta' l-imqaddes Franġisku kienet, kif kien jgħid bosta drabi, li l-aħwa ma għandhomx joqgħodu għal żmien twil mingħajr ma joħorġu jittallbu, biex ma jmurx jiġri li mbagħad wara jibdew jistħu joħorġu. Aktar ma xi ħadd mill-aħwa seta' kien nobbli u kbir meta kien fid-dinja, hu aktar kien iħossu edifikat u jimtela' bil-ferħ, meta kien joħroġ jittallab u jwettaq xi ħidma ta' qadi minħabba l-eżempju tajjeb. Hekk kien isir fil-bidunett ta' l-aħwa. [CA 97; 2C 73; VII,7]

[1469] Kapitlu 24
Dwar wieħed mill-aħwa li ma kienx jitlob u lanqas jaħdem, imma li kien jiekol ħafna.

Fil-bidu ta' l-Ordni, meta l-aħwa kienu jinsabu Rivotorto, qrib Assisi, kien hemm fosthom wieħed li ftit kien jitlob u ma kienx jaħdem u lanqas ma kien ikun irid joħroġ għall-karità, għaliex kien jistħi, imma mbagħad kien il-ħin kollu moħħu biex jiekol. Meta l-imqaddes Franġisku qagħad iqis dan kollu, hu għaraf bl-Ispirtu s-Santu li dak kien bniedem mehdi bil-ġisem; u għaldaqstant qallu: "Mur lura minn mnejn ġejt, ħija dubbiena, għaliex inti trid tiekol mill-ħidma ta' ħutek, u trid tibqa' għażżien *fl-għemejjel* (cfr. 1Kor 15,58) ta' Alla, bħal ħuna żunżanu, li ma jridx jaħdem imma jrid igawdi mill-ġid tal-ħidma tan-naħal". U hekk dak mar lura lejn triqtu; u billi kien bniedem mehdi bil-ġisem ma stħaqqlux isib ħniena. [CA 97; 2C 75; LM V,6]

[1470] Kapitlu 25
Dwar kif ħareġ mimli ħeġġa biex jiltaqa' ma' wieħed fqajjar li kien għaddej ifaħħar 'l Alla wara li ttallab il-karità[209].

Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab f'Santa Marija tal-Porziuncola, wieħed raġel fqajjar u spiritwali ħafna kien ġej fit-triq, nieżel lura minn Assisi bil-karità li kien mar jittallab, u kien miexi jfaħħar 'l Alla b'leħen għoli u b'ferħ kbir.

Meta qorob lejn il-knisja ta' Santa Marija, l-imqaddes Franġisku semgħu; u hu mall-ewwel b'ħeġġa u ferħ kbir ħareġ jiltaqa' miegħu, billi mar jiġri fit-triq, u b'ferħ kbir bieslu spallejh, li fuqhom kien qiegħed iġorr il-ħorġa taċ-ċirka, u ħadlu l-ħorġa minn fuq spallejh u refagħha hu fuq spallejh, u hekk daħħlu miegħu fid-dar ta' l-aħwa, u quddiem l-aħwa l-oħrajn qal: "Hekk irrid li kull wieħed mill-aħwa tiegħi imur jittallab il-karità u jiġi lura ferħan u mimli hena u jfaħħar lill-Mulej". [CA 98; 2C 76]

[1471] Kapitlu 26
Dwar kif il-Mulej għarrfu li l-aħwa kellhom jissejħu Minuri, u li kellhom iħabbru l-paċi u s-salvazzjoni.

Darba minnhom l-imqaddes Franġisku qal: "L-Ordni u l-ħajja tal-Patrijiet Minuri hi bħal *merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32), li l-Iben ta' Alla *f'dawn l-aħħar żminijiet* (cfr. 1Ġw 2,18) talab mingħand il-Missier tiegħu tas-sema u qal: 'Missier, irrid li inti tagħtini poplu ġdid u umli f'*dan l-aħħar ż-żmien* (cfr. 1Ġw 2,18), li ma jkunx bħall-oħrajn kollha li ġew qablu fl-umiltà u fil-faqar, u li jkun kuntent li jkollu lili biss'. U l-Missier qal lill-Iben maħbub tiegħu: 'Ibni, dak li tlabtni nagħtihulek'".

Hekk l-imqaddes Franġisku kien jgħid li l-Mulej kien irid u irrivelalu li l-aħwa jissejħu Patrijiet Minuri, għaliex dan hu l-poplu umli u fqajjar li talab għalih l-Iben tal-Missier. Dwar dan il-poplu l-istess Iben ta' Alla fl-Evanġelju jgħid: *Xejn la tibża', merħla ċkejkna, għax il-Missier għoġbu jagħtik is-saltna* (cfr. Lq 12,32). U wkoll: *Dak li tkunu għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu għamiltuh miegħi* (cfr. Mt 25,40). U għalkemm xieraq li wieħed jifhem li l-Mulej qal dawn il-kelmiet għall-foqra kollha, qalu b'mod speċjali għar-Reliġjon tal-Patrijiet Minuri li kellha titnissel fil-Knisja tiegħu.

Kien għalhekk li ġie rivelat lill-imqaddes Franġisku li din kellha tissejjaħ l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u hekk ridt li jinkiteb fl-ewwel Regola, li hu ħadha quddiem is-sinjur Papa Innoċenz III, li approvahielu, u li tahielu wara li ħabbarha quddiem il-konċilju[210].

---

[209] 2C 76, li ġġib l-istess episodju, titkellem mhux minn raġel fqir imma minn wieħed mill-aħwa li kien ħareġ jittallab.
[210] Jekk il-kelma Latina *consilio* nifhmuha fis-sens ta' "konċilju", kif fehemha Angelo Clareno, *Expositio Regulae*, allura jista' jkun li Innoċenz III, li kien approva bil-fomm il-*forma vitae* tal-Patrijiet Minuri fl-1210, ħabbar uffiċjalment fil-Konċilju Lateran IV ta' l-1215 li hu kien ta Regola ġdida lil San Franġisk. Il-*Chronica XXIV Generalium* (AF III,9) tgħid li San Franġisk kien preżenti f'Ruma għall-Konċilju Lateran IV. L-awtur ta' SP u t-3C jippreferu jittraduċu l-kelma *consilio* fis-sens ta' "konċistorju", tal-kardinali.

Bl-istess mod il-Mulej urieh it-tislima li kellhom jgħidu l-aħwa, kif hu kiteb fit-Testment tiegħu, meta qal: "Il-Mulej nebbaħni din it-tislima, biex ngħiduha: *Il-Mulej jagħtik is-sliem*" (cfr. Num 6,26; 2Tes 3,16).

Hekk fil-bidunett ta' l-Ordni, meta l-imqaddes Franġisku kien imur ma xi wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa tiegħu, dak kien isellem lill-irġiel u lin-nisa fit-triq u lil dawk li kienu fl-għelieqi, billi kien jgħidilhom: "*Il-Mulej jagħtikom is-sliem*". U billi l-bnedmin kienu għadhom qatt ma semgħu lil xi reliġjuż isellmilhom bi kliem bħal dak, kienu jibqgħu mistagħġbin ħafna. Mhux biss, imma talli xi wħud min-nies kważi b'bixra ta' korla fuq wiċċhom, kienu jgħidulhom: "Xi tridu tgħidu biha din *it-tislima tagħkom*?" (cfr. Lq 1,29). Hekk dak ħuh beda jħossu jistħi ħafna u qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, ħallini, nitolbok, nuża tislima oħra".

Imma l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħalliehom jgħidu li jridu, għaliex *huma ma jifhmux dak li hu ta' Alla* (cfr. 1Kor 2,14). Imma inti la tistħix, għaliex ngħidlek, ħija, li saħansitra n-nobbli u l-prinċpijiet ta' din id-dinja għad juru qima lejn din it-tislima tiegħek u ta' l-aħwa l-oħrajn". U reġa' qallu l-imqaddes Franġisku: "Mhix ħaġa kbira, li l-Mulej irid ikollu poplu daqshekk ċkejken fost dawk kollha li ġew qablu, poplu li hu kuntent biss li jkollu lilu bħala l-aktar għoli u glorjuż." [CA 101]

## DWAR L-IMĦABBA TIEGĦU U DWAR KIF KIEN IMIL BIL-ĦNIENA LEJN IL-PROXXMU.

[1472] Kapitlu 27
Dwar il-ħlewwa ta' mġieba tiegħu lejn wieħed mill-aħwa li kien qiegħed imut bil-ġuħ, u dwar kif kiel miegħu, u dwar kif wissa lill-aħwa biex jużaw il-prudenza fil-penitenza.

Darba minnhom, fiż-żmien li fih l-imqaddes Franġisku beda jkollu l-aħwa, kien joqgħod magħhom f'Rivotorto, qrib Assisi[211]. Lejl minnhom, qrib nofs il-lejl, meta l-aħwa kienu kollha jistrieħu fuq friexhom, wieħed mill-aħwa beda jgħajjat: "Qed immut, qed immur!" L-aħwa kollha qamu b'ħasda fuqhom u bil-biża'. Qam ukoll l-imqaddes Franġisku u qal: "L-aħwa, qumu, u ixegħlu d-dawl". U wara li xegħelu d-dawl l-imqaddes Franġisku qal: "Min għajjat li qiegħed imut?" Dak li kien għajjat wieġeb: "Jiena". U l-imqaddes Franġisku qallu: "X'għandek, ħija? Qiegħed tassew tmut?" U dak: "Iva, qiegħed immut bil-ġuħ".

L-imqaddes Franġisku, ta' bniedem mimli mħabba u ħniena delikata li kien, biex dak li kien bil-ġuħ ma jistħix li jkollu jiekol waħdu, mall-ewwel talab lill-aħwa biex iħejju ħalli jieklu lkoll flimkien miegħu.

Dawk l-aħwa ftit kienu ilhom li bdew jgħixu dik il-ħajja ta' konverżjoni lejn il-Mulej, u kienu jgħakksu żżejjed lil ġisimhom. U wara li kielu l-imqaddes Franġisku qal lill-aħwa l-oħrajn kollha: "L-aħwa tiegħi, irrid ngħidilkom li kull wieħed minnkom għandu jqis il-ħtiġijiet tan-natura

---

[211] Rivotorto jinsab fil-pjanura ta' Assisi taħt il-Monte Subasio, ftit kilometri bogħod mill-Porzincola, u qrib ħafna tal-lebbrożarju ta' San Lazzaro d'Arce. X'aktarx li Franġisku u l-ewwel aħwa qagħdu f'Rivotorto fl-1209-1210, wara li ġew lura mill-ewwel laqgħa tagħhom mal-Papa Innoċenz III li approva l-*forma vitae* ta' l-Ordni ġdid. Damu hemm ftit xhur, u mbagħad marru joqogħdu definittivament fil-Porziuncola, li San Franġisk talabha lill-abbati tal-monasteru ta' San Benedetto tal-Monte Subasio (cfr. CA 56).

tiegħu; hekk li, jekk xi wħud minnkom jistgħu jmantnu lilhom infushom b'inqas ikel minn ħaddieħor, ma rridx li jimitawhom dawk li għandhom bżonn ta' aktar ikel biex jitrejjqu. Kull wieħed għandu jqis in-natura tiegħu, u jagħti lil ġisem dak li l-ġisem jeħtieġ. Kif aħna għandna nħarsu rwieħna mill-ikel żejjed, li jagħmel ħsara lill-ġisem u lir-ruħ, hekk ukoll irridu nħarsu rwieħna mis-sawm esaġerat, l-aktar għaliex, kif jgħid il-Mulej, *jiena ħniena nistenna u mhux sagrifiċċju* (cfr. Ħos 6,6; Mt 9,13; 12,7). U żied jgħid: "L-aħwa għeżież tiegħi, dak li llum għamilt, jiġifieri li għall-imħabba ta' dan ħuna aħna kilna flimkien biex hu ma jistħix li jkollu jiekol waħdu, ġejt imqanqal biex nagħmlu biss mill-ħtieġa kbira u mill-karità. Imma ngħidilkom li jiena ma rridx li dan il-fatt jerġa' jseħħ, għaliex ma jkunx jixraq lil dawk li jgħixu l-ħajja reliġjuża. Imma jiena rrid u nikkmandakom li, kull wieħed minnkom għandu jieħu ħsieb jipprovdi lill-ġismu fi spirtu ta' faqar, skond il-ħtieġa li jkun fiha".

Għax l-ewwel aħwa u dawk li ġew warajhom, għal żmien twil ħafna, kienu jgħakksu lil ġisimhom b'astinenza ħarxa mhux biss rigward l-ikel u x-xorb, imma wkoll fis-*sahriet bla rqad, fil-ksieħ u fit-taħbit* (cfr. 2Kor 11,27) u l-ħidma ta' l-id. Fuq il-laħam, taħt ħwejjiġhom, kienu jilbsu ċilizzji ħorox u ħadid iniggeż. Għaldaqstant il-missier qaddis, meta qjies li b'dawn il-penitenzi ħorox l-aħwa setgħu jimirdu, u li fil-fatt kienu se jimirdu fi żmien qasir, waqt li kienu miġburin għall-kapitlu, hu ikkmanda li l-aħwa ma għandhom jilbsu xejn taħt it-tonka[212].

*Aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 19,35; 21,24; 3 Ġw 12) li hu, minn meta beda jilqa' lill-aħwa, u għal kemm dam jgħix, kien juri ħniena u diskrezzjoni kbira ma' l-aħwa, sakemm huma, fl-ikel u fil-ħwejjeġ l-oħrajn kollha, ma kienux jitbiegħdu mill-għamla ta' faqar u modestja. Il-missier l-aktar qaddis, iżda, sa minn qabel ma kellu l-aħwa, mill-bidu tal-konverżjoni tiegħu u għal ħajtu kollha, kien aħrax ħafna ma' ġismu, għalkemm meta kien żagħżugħ kien bniedem dgħajjef u delikat fin-natura tiegħu, u meta kien għadu jgħix fid-dinja ma setax jgħaddi mingħajr ħafna bżonnijiet u kumditajiet.

Darba minnhom, meta qagħad iqis kif l-aħwa kienu tbiegħdu mill-għamla tal-faqar u tal-modestja fl-ikel u f'bosta ħwejjeġ oħrajn, waqt priedka li għamel quddiem l-aħwa kollha miġburin, qalilhom: "Jaqaw l-aħwa jaħsbu li ġismi ma għandux bżonn tal-pjetanza?[213] Imma billi jiena jixraq li nkun ta' eżempju għall-aħwa rigward il-forma ta' ħajja tagħna, jiena rrid nagħmel użu u nkun kuntent mill-ikel fqir u mill-ħwejjeġ l-oħrajn kollha skond il-faqar, hekk li nistmerr dak kollu li jiswa u li jkun raffinat". [CA 50; 2C 21. 22]

## [1473] Kapitlu 28
Dwar kif ħenn għal wieħed mill-aħwa li kien marid u mar jiekol l-għeneb miegħu.

Darba fost l-oħrajn, meta l-imqaddes Franġisku kien jinsab fl-istess post[214], kien hemm miegħu wieħed mill-aħwa li kien raġel spiritwali u li kien anzjan fl-Ordni, u li kien dgħajjef u marid ħafna.

---

[212] Skond il-*Fioretti* XVIII din il-projbizzjoni San Franġisk għamilha fil-Kapitlu "tal-ħsajjar".

[213] Il-"pjetanza", fl-użu monastiku, kienet tikkonsisti fi platt sostanzjuż, li kien ikun magħmul mill-bajd, jew ħut, jew laħam, u li l-irħieb kienu jżiduh ma' l-ikel ordinarju, magħmul minn ħxejjex.

[214] Il-kelma Latina *locus* tindika eremitaġġ, u tiddistingwi l-postijet imwarrbin fejn kienu jgħixu l-aħwa mill-*conventus*, li kien ikun il-post li fih l-aħwa jgħixu fil-belt. Il-*locus* li normalment jissemma' b'mod ġeneriku rridu

Meta l-imqaddes Franġisku kien iħares lejh, kien *jitqanqal bil-ħniena lejh* (cfr. Lq 7,13). Għax billi l-aħwa, kemm dawk morda kif ukoll dawk b'saħħithom, kienu jilqgħu kollox bil-ferħ u s-sabar, u kienu jħaddnu l-faqar bħallikieku abbundanza, u ma kienux joqgħodu jitkarrbu għall-mediċini fil-mard tagħhom, imma x'aktarx kienu jagħmlu bil-qalb dak li ma jaqbilx lill-ġisem, allura l-imqaddes Franġisku qal bejnu u bejn ruħu: "Jekk għada filgħodu kmieni dan ħija jkun jiekol ftit għeneb misjur, naħseb li jagħmillu tajjeb".

Hekk qagħad jaħseb, u hekk għamel. Jum minnhom, qam bil-moħbi filgħodu kmieni u sejjaħ lil dak ħuh bil-moħbi, u ħadu miegħu f'għalqa tad-dwieli li kien hemm qrib dak il-post. Għażel fergħa li kien fiha għenieqed ta' għeneb misjur u tajjeb għall-ikel. *Qagħad bilqiegħda ħdejn id-dielja* (cfr. Mik 4,4) ma' dak ħuh u beda jiekol l-għeneb, biex hekk dak ma jistħix li jkollu jiekol waħdu. U bdew jieklu bil-qalb, hu u dak ħuh u bdew ifaħħru lill-Mulej.

U dak il-ġest ta' ħniena li għamel miegħu l-missier imqaddes, hu baqa' jiftakru għall-kumplament ta' ħajtu, sakemm dam jgħix, u b'ħafna tqanqil tal-qalb u dmugħ kien ta' spiss jirrakkontah lill-aħwa. [CA 53; 2C 176]

[1474] Kapitlu 29
Dwar kif neżża' lilu nnifsu u lil sieħbu biex ilibbes waħda mara anzjana u fqira.

Ġara li meta kien Celano, fix-xitwa, San Franġisk kien issellef biċċa pannu li kien jużah bħal mantell, u li kien selifulu wieħed raġel ħabib ta' l-aħwa. U, ġiet għandu waħda mara anzjana biex *titolbu jagħtiha karità* (cfr. Atti 3,2). Hu mall-ewwel qala' dak il-mantell minn fuqu, u għalkemm ma kienx tiegħu, qal lil dik il-mara fqira: "Mur u ħit libsa għalik minn dan il-pannu, għax tassew teħtieġ waħda".

Il-mara anzjana baqgħet mistagħġba, u filwaqt li wiċċha xegħel bi tbissima la taf jekk hux ta' ferħ jew ta' biża', ħadet il-pannu minn idejn il-qaddis u telqet tiġri kemm tiflaħ u qatgħetha mall-ewwel bl-imqass.

Imma, billi rat li dik il-biċċa drapp ma kienetx biżżejjed biex biha tagħmel libsa, u billi diġà kienet daqet it-tjubija ta' qalb tiegħu, hi reġgħet lura għand il-qaddis biex tgħidlu li dak il-pannu ma kienx biżżejjed. Allura l-qaddis xeħet għajnejh fuq sieħbu, li wkoll kellu biċċa pannu fuqu, u qallu: "Ħija, qiegħed tisma' x'inhi tgħidilna din il-mara fqajra? Ejjew insofru l-bard għall-imħabba ta' Alla, u agħtiha l-pannu tiegħek, biex hi tkun tista' tagħmel libsa għaliha".

Sieħbu mall-ewwel għamel dak li kien għamel hu, u hekk it-tnejn baqgħu neqsin mill-ilbies, biex ilibbsu lil dik il-mara fqira. [CA 31; 2C 86]

---

nifhmu neċessarjament għall-Porziuncola, fejn Franġisku ta' spiss kien joqgħod. Eremitaġġi oħrajn soltu jissemmew b'mod espliċitu.

[1475] Kapitlu 30
Dwar kif kien iqisu serq li wieħed ma jagħtix il-mantell tiegħu lil min għandu l-aktar bżonnu.

Darba oħra, meta kien ġej lura minn Siena, iltaqa' ma' raġel fqir, u qal lil sieħbu: "Ħija, jixraq li nerġgħu nagħtu lura l-mantell lil dan ir-raġel fqir, għaliex dan issa hu tiegħu. *Aħna rċevejnieh b'self* (cfr. Lq 6,34) sakemm ma niltaqgħux ma' xi ħadd li hu ifqar minna".

Sieħbu, billi kien jaf il-ħtieġa tal-missier imqaddes li kien marid, beda jinsisti li din ma kienetx ħaġa xierqa li jagħmilha, għaliex filwaqt li kien se joffri l-mantell lil dak il-fqir kien se jittraskura lilu nnifsu. Allura l-qaddis wieġbu: "Jiena ma rridx *inkun ħalliel* (cfr. Ġw 12,6). Aħna nkunu ħatja ta' serq, jekk ma nagħtux dan il-mantell lil min hu ifqar minna". U hekk dak sieket, filwaqt li Franġisku ta l-mantell tiegħu[215]. [CA 32; 2C 87]

[1476] Kapitlu 31
Dwar kif ta mantell ġdid lil wieħed fqir bil-patt li dan ma jagħtih lil ħadd.

Meta kien jinsab f'Celle di Cortona, l-imqaddes Franġisku kien liebes mantell ġdid, li l-aħwa kienu ittallbu għalih b'ħafna kura. Wasal f'dak il-post raġel fqir, li beda jibki li martu kienet mietet u li l-familja tiegħu kienet *mitluqa f'faqar kbir* (cfr. S 10,14).

Il-qaddis tħassru u qallu: "Ara, ħa nagħtik dan il-mantell, bil-patt li inti ma tagħtih lil ħadd, jekk qabel ma jkunx ħallsek tajjeb tiegħu". Malli semgħu dan il-kliem l-aħwa marru jiġru biex jerġgħu jieħdu l-mantell, u riedu jwaqqfuh milli jagħtihulu. Imma dak il-fqir, *mimli bil-kuraġġ* (cfr. 2Kron 17,6) u jħares f'wiċċ il-qaddis, beda jipprova li b'idejh u b'difrejh jżommu għandu. Fl-aħħar l-aħwa kellhom jixtru lura l-mantell, u jagħtu lil dak il-fqir il-prezz tiegħu. [CA 33; 2C 88]

[1477] Kapitlu 32
Dwar kif l-imqaddes Franġisku ta l-karità lil wieħed fqir, bil-patt li hu jieqaf milli jobgħod u jisħet lil sidu.

Darba minnhom San Franġisk, ħdejn Colle fl-inħawi ta' Perugia[216], iltaqa' ma' wieħed fqir li kien jafu qabel il-konverżjoni tiegħu. Meta rah staqsih: "Kif int, ħija?" U dak, b'qalbu mimlija mrar, *beda jisħet* (cfr. Num 5,19.23) lil sidu li kien ħadlu ħwejġu kollha: "Għall-grazzja ta' sidi, li jalla *Alla li jista' kollox jisħtu* (cfr. Apk 1,8; Ġen 5,29), *ninsab f'dil-qagħda ħażina* (cfr. Mt 4,24), għax ħadli kull ma kelli".

---

[215] Din il-ġrajja, u dik li ġejja warajha, x'aktarx li seħħet waqt l-aħħar vjaġġ li għamel Franġisku minn Siena, ftit xhur qabel ma miet. Cfr. 1C 105.

[216] Il-fatt seħħ f'Collestrada, bejn Assisi u Perugia, fejn fl-1202 Franġisku kien ħa sehem fil-famuża battalja li fiha inqabad priġunier. Il-qagħda ta' dan ir-raġel fqir li s-sinjur tiegħu jeħodlu ħwejġu turi l-inġustizzja soċjali tas-sistema fewdali, u b'mod partikulari hi ritratt ta' dik l-istituzzjoni soċjali, hekk imsejħa *hominitium*, li fiha s-sid kellu dritt jesiġi dmirijiet u ħwejjeġ mingħand dawk li jaqgħu taħt il-protezzjoni tiegħu, anke jekk dawn mhux neċessarjament kienu skjavi tiegħu. Kemm aktar kienet tkun iebsa l-qagħda ta' min kien fqir u bla ebda drittijiet, bħal dan ir-raġel!

Franġisku ħass ħafna għar-ruħ miżera tiegħu aktar milli għall-ġisem imsejken tiegħu, għaliex hu ra li dan ir-raġel kien ibejjet fih mibegħda li twassal għall-mewt, u qallu: "Ħija, aħfer lil sidek għall-imħabba ta' Alla, sabiex inti tkun tista' *teħles lil ruħek* (cfr. Est 4,13), u jista' jkun li dak jerġa' *jroddlok lura dak li ħadlek* (cfr. Eż 22,12). Inkella tista' *titlef ruħek* (cfr. Lq 9,24) flimkien ma' ġidek.". U dak qallu: "Ma nistax naħfirlu bil-qalb, jekk qabel ma jroddlix dak li ħadli". L-imqaddes Franġisku kien liebes mantell, u qallu: "Hawn, ara, ħa nagħtik dan il-mantell; imma nitolbok bil-ħniena li taħfer lil sidek għall-imħabba ta' Alla".

Dak rattab il-korla tiegħu meta rċieva dak id-don, u ħafer il-ħtija ta' sidu. [CA 34; 2C 89]

[1478] Kapitlu 33
Dwar kif bagħat il-mantell tiegħu lil waħda mara fqira li kienet marida f'għajnejha bħalu.

Waħda mara fqira minn Machilone[217] ġiet Rieti minħabba li kienet marida f'għajnejha. Jum minnhom ġie t-tabib għand l-imqaddes Franġisku u qallu: "Ħija, ġiet għandi waħda mara marida f'għajnejha; imma tant hi fqira li kelli ngħinha jien biex tħallas għall-kura".

Malli sema' dawn il-kelmiet, l-imqaddes Franġisku *tqanqal bil-ħniena lejha* (cfr. Lq 7,13), sejjaħ lejh lil wieħed mill-aħwa li kien il-gwardjan tiegħu[218], u qallu: "Ħija gwardjan, jixraq li nroddu lil ħaddieħor dak li mhux tagħna". U dak staqsieh: "Xi jfisser dan il-kliem, ħija?" U hu wieġbu: "Ara, dan il-mantell, li aħna *ilqajnieh b'self* (cfr. Lq 6,34) minn dik il-mara fqira u marida f'għajnejha, jaqbel li nrodduhulha lura". U l-gwardjan tiegħu qallu: "Ħija, agħmel dak li inti jidhirlek l-aħjar".

L-imqaddes Franġisku kollu ferħan sejjaħ lil wieħed raġel spiritwali li kien midħla ħafna tiegħu u qallu: "Ħu dan il-mantell u tnax-il ħbejżiet miegħu u mur, u għid lil dik il-mara fqira u marida li jurik it-tabib li qiegħed jikkuraha: 'Wieħed raġel fqir li inti kont sliftu dan il-mantell, jirringrazzjak talli għoġbok tislifulhu; *ħu dak li hu tiegħek*'" (cfr. Mt 20,14).

Dak mar u qal lil dik il-mara kollox skond ma kien qallu l-imqaddes Franġisku. Dik il-mara fqira, billi ħasbet li kienu qegħdin jgħadduha biż-żmien, bil-biża' u l-mistħija qaltlu: "*Ħallini kwieta, għax ma nafx x'inti tgħid*" (cfr. 1Sam 20,13; Mt 26,70). Imma hu ħalla l-mantell u t-tnax-il ħbejżiet f'idejha. Dik il-mara, meta intebħet li hu kien qiegħed jitkellem bil-verità, laqgħet kollox mingħandu bil-biża' u bil-ferħ tal-qalb, filwaqt li bdiet tifraħ u tfaħħar lil Alla. U billi bdiet tibża' li jerġgħu jieħdulha kollox minn idejha, qamet bil-moħbi bil-lejl u marret lura lejn darha mimlija ferħ. L-imqaddes Franġisku kien ukoll talab lill-gwardjan tiegħu sabiex ta' kuljum, sakemm dik il-mara kienet tgħix hemm, kellu jipprovdilha dak li jkollha bżonn.

*Aħna, li għexna* (cfr. 2Pt 1,18) ma' l-imqaddes Franġisku, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) dwaru, li tant kellu mħabba u ħniena meta kien b'saħħtu u meta kien marid mhux biss lejn l-aħwa tiegħu, imma wkoll lejn il-foqra li kienu b'saħħithom jew morda; li l-meħtieġ għall-

---

[217] Machilone, illum Posta, raħal li jinsab 30 kilometru minn Rieti, fil-Valle del Velino.
[218] X'aktarx li l-gwardjan li jissemma' kien fra Angelo da Rieti, gwardjan personali ta' San Franġisk u ministru provinċjal ta' l-Umbria. Dan fra Angelo ma għandniex inħalltuh ma' fra Angelo Tancredi, li kien kavallier minn Assisi.

ġisem tiegħu, li l-aħwa xi mindaqqiet kienu jiddubbawlu b'tant kura u devozzjoni, b'ħafna ferħ minn ġewwa u minn barra kien ineħħihom minn fuq ġismu u jgħaddihom lill-oħrajn, ukoll jekk ikunu ħwejjeġ meħtieġa ħafna għalih, li ma jmurx juri li tant kienu jogħġbuh li ma riedx jinfired minnhom. Minħabba f'hekk il-ministru ġeneral u l-gwardjan tiegħu kienu jikkmandawh li ma kellux jagħti t-tonka tiegħu lill-ebda wieħed mill-aħwa mingħajr il-permess tagħhom. Għaliex l-aħwa, minħabba l-qima li kellhom lejh, xi drabi kienu jitolbuh li jagħtihom it-tonka, u hu kien jagħtihielhom bil-qalb, u xi drabi kien jaqsamha, billi biċċa jagħtiha lil ħuh u l-biċċa l-oħra jżommha għalih, għaliex hu ma riedx ikollu jekk mhux tonka waħda. [CA 89; 2C 92]

[1479] Kapitlu 34
Dwar kif ta tonka tiegħu lill-aħwa li talbuhielu għall-imħabba ta' Alla.

Darba oħra, meta kien għaddej minn ċerta provinċja jippriedka, ġara li żewġ aħwa franċiżi iltaqgħu miegħu, u mingħandu irċevew faraġ kbir. Fl-aħħarnett talbuh jagħtihom it-tonka tiegħu għall-imħabba ta' Alla. Hu mall-ewwel tahom widen għall-imħabba ta' Alla, neża' t-tonka, u baqa' għeri għal ċertu tul ta' ħin[219].

Għax meta xi ħadd kien ifakkru fl-imħabba ta' Alla, kemm jekk kien jitolbu l-kurdun jew it-tonka jew xi ħaġa oħra li kellu, hu kien jagħtihielu mall-ewwel, mingħajr ma jgħid le lil ħadd. Imma kien jiddispjaċih ħafna u kien iċanfar lill-aħwa meta, għal kwalunkwe ħaġa, kien jismagħhom isemmu l-imħabba ta' Alla. Kien jgħid: "Tant hi għolja u tant hi prezzjuża l-imħabba ta' Alla, li aħna għandna nsemmuha b'qima kbira biss darba kull tant, meta nkunu ninsabu fi ħtieġa kbira".

Hekk wieħed mill-aħwa tiegħu neża' t-tonka li kellu fuqu u tahielu. Ta' spiss, meta kien jagħti t-tonka tiegħu jew xi biċċa minnha, kien isofri minn ħtieġa kbira u tbatija; għaliex ma kienx ikun faċli li jsib min jagħmillu oħra kif ġieb u laħaq, u l-aktar għaliex hu dejjem ried li jkollu tonka fqira u kollha rqajja'. Xi drabi kien ikun iridha tkun imraqqa' minn ġewwa u minn barra: u kien biss rari ħafna, jekk mhux qatt, li kien jaċċetta tonka magħmula minn drapp ġdid, imma kien jippreferi jakkwista tonka mingħand xi ħadd mill-aħwa li kien ikun ilu jilbisha għal bosta ġranet. U ġie li wkoll kien jieħu biċċa tonka mingħand wieħed u biċċa oħra mingħand xi ħadd ieħor mill-aħwa. Minħabba l-ħafna mard li kellu u l-bard kbir li kien iħoss, xi kultant kien iraqqagħha b'biċċa drapp ġdida. Hu ried josserva dan il-fqar fl-ilbies sa l-aħħar sena qabel telaq għand il-Mulej. Għaliex ftit jiem qabel ma miet, billi kien idopriku u kien għoddu sar għadma u ġilda minħabba l-ħafna mard li kellu, l-aħwa kienu għamlulu diversi tonok, sabiex bil-lejl u bin-nhar, skond il-ħtieġa, kien ikun jista' jbiddilhom. [CA 90; 2C 181]

---

[219] Fra Thomas of Eccleston, *Tractatus de Adventu Fratrum Minorum in Angliam* (*Analecta Franciscana* I,219) jgħidilna li Franġisku irregala t-tonka tiegħu lil fra Laurence de Bauvais, li mbagħad intbagħat l-Ingilterra. Forsi seta' kien wieħed minn dawn iż-żewġ aħwa?

[1480] Kapitlu 35
Dwar kif ried jagħti pezza tal-pannu bil-moħbi lil wieħed fqir.

Darba ġie wieħed raġel fqir fl-eremitaġġi fejn kien jinsab l-imqaddes Franġisku, u għall-imħabba ta' Alla talab lill-aħwa biċċa drapp fqajra. L-imqaddes Franġisku qal lil wieħed mill-aħwa: "Mur fittex fid-dar u ara jekk tistax issib xi pezza jew pannu, u agħtiha lil dan il-fqir". Imma dak, wara li fittex mad-dar kollha, mar jgħidlu li ma sab xejn.

Biex ma jibgħatx lil dak il-*fqir* lura *b'idu f'idu* (cfr. Sir 29,12), l-imqaddes Franġisku, bil-moħbi, għaliex beża' li l-gwardjan tiegħu ma jħallihx, qabad sikkina, u qagħad bilqiegħda fejn ma jarawhx u beda jaqta' biċċa meħjuta mal-ġewwieni tat-tonka, biex jagħtiha bil-moħbi lil dak ir-raġel fqir. Imma l-gwardjan tiegħu mall-ewwel intebaħ b'dak li ried jagħmel, u mar għandu u ma ħalliehx jagħti dik il-biċċa tat-tonka tiegħu, l-aktar għaliex kien qiegħed jagħmel bard kbir u hu kien marid u kien dejjem jitriegħed bil-ksieħ. Allura l-imqaddes Franġisku qallu: "Jekk inti ma tridnix li nagħtih mit-tonka tiegħi, mela ara li xi ħadd ieħor jagħti biċċa drapp lil dan ħuna l-fqir". U hekk l-aħwa taw lil dak ir-raġel il-pannu tal-ħwejjeġ li kellhom huma, minħabba l-imqaddes Franġisku.

Meta kien imur fid-dinja jippriedka, bil-mixi jew riekeb fuq ħmar – għaliex meta beda jimrad ma felaħx aktar jimxi u xi mindaqqiet kien ikollu jirkeb fuq ħmar, għalkemm fuq żiemel bl-ebda mod ma ried jirkeb jekk mhux fi ħtieġa tassew kbira, u dan biss ftit qabel ma miet, meta l-qagħda tiegħu kienet saret gravi ħafna[220] – jew meta kien ikun f'xi post, qatt ma kien ikun irid jaċċetta bl-ebda mod li l-aħwa jagħtuh mantell, ħlief jekk kienu jagħtuh il-permess li, jekk jiltaqa' ma' xi raġel fqir li jiġi għandu, u li l-ispirtu tiegħu kien *jagħtih xhieda* (cfr. Ġw 1,7) li dak tassew kien ikun fil-ħtieġa, hu seta' jagħhithulu. [CA 91; 2C 196]

[1481] Kapitlu 36
Dwar kif qal lil fra Egidio, qabel ma daħal fl-Ordni, biex jagħti l-mantell tiegħu lil wieħed raġel fqir.

Fil-bidunett ta' l-Ordni, meta kien jgħix f'Rivotorto flimkien ma' l-uniċi żewġ aħwa li kellu, hekk hu li wasal it-tielet wieħed fost l-aħwa, jismu Egidio, li ġie mid-dinja biex jingħaqad mal-ħajja tagħhom[221].

U ġara li, għal diversi granet, hu baqa' liebes l-istess ilbies li kellu meta kien għadu fis-seklu, sakemm ġara li wieħed raġel fqir ġie fil-post ta' l-aħwa biex jitlob il-karità lill-imqaddes Franġisku. L-imqaddes Franġisku qal lil fra Egidio: "Agħti l-mantell tiegħek lil ħuna l-fqajjar".

---

[220] Nafu li meta Franġisku, nofsu mejjet, irritorna minn Bagnara lejn Assisi, skortat mill-kavallieri li kienu marru għalih, hu kellu jirkeb iż-żiemel, għaliex dawn naturalment ma kienux jużaw il-ħmir, imma ż-żwiemel.

[221] L-ewwel żewġ sħab ta' San Franġisk, kif nafu, kienu fra Bernardo da Quintavalle u fra Pietro Cattanio, li ingħaqdu miegħu fis-16 ta' April 1209. It-tielet wieħed kien fra Egidio, li ikkonverta fl-24 ta' April ta' l-istess sena. Imma filwaqt li hawnhekk jingħad, bl-istil spontanju ta' xi ħadd li hu xhud li ra b'għajnejh il-ġrajja, li fra Egidio ingħaqad ma' Franġisku f'Rivotorto, il-ħajja ta' fra Egidio tgħid li hu ġie milqugħ fil-Porziuncola. Skond Paul Sabatier din hi kuntradizzjoni li hi biss apparenti, għax hu tal-fehma li fil-bidunett il-Patrijiet Minuri kienu jgħixu Rivotorto biex jaqdu lil-lebbrużi, u fil-Porziuncola biex jitolbu.

U dak b'ferħ kbir mall-ewwel qalgħu minn fuq spallejh u tahulu. U malli għamel hekk deherlu mall-ewwel li l-Mulej kien xeħet grazzja ġdida fil-qalb tiegħu f'dik l-okkażjoni, talli *ta bil-ferħ* (cfr. 2Kor 9,7) il-mantell tiegħu lill-fqir. Hekk ġie milqugħ mill-imqaddes Franġisku u dejjem baqa' miexi 'l quddiem fil-virtù sa ma laħaq l-ogħla perfezzjoni. [CA 92]

[1482] Kapitlu 37
Dwar il-penitenza li ta lil wieħed mill-aħwa li kien għamel ġudizzju ħażin dwar wieħed fqir.

Meta l-imqaddes Franġisku mar jippriedka f'eremitaġġ ta' l-aħwa qrib Rocca di Brizio[222], ġara jum minnhom, li fih hu kellu jippriedka, li ġie għandu wieħed raġel fqir u marid. U meta hu rah quddiemu beda jqis il-faqar u l-mard tiegħu, hekk li tqanqal bil-ħniena, u beda jitkellem ma' wieħed mill-aħwa dwar l-għera u l-mard tiegħu, filwaqt li kien jitħassru. Sieħbu qallu: "Ħija, hu tassew li dak hu fqir ħafna, imma x'aktarx li fil-provinċja kollha ma hemm ħadd aktar għani minnu fix-xewqat".

U l-imqaddes Franġisku ċanfru bl-aħrax, u dak imbagħad stqarr il-ħtija tiegħu. U qallu l-imqaddes Franġisku: "Trid issa tagħmilha l-penitenza li se nagħtik?" U dak wieġbu: "Bil-qalb kollha". U hu qallu: "Mur u inża' t-tonka tiegħek u mur quddiem dak ir-raġel għeri, u *inxteħet għal tulek fl-art f'riġlejh* (cfr. Mt 15,30), u għidlu li inti dnibt kontrih, għaliex iġġudikajtu ħażin; u għidlu biex hu jitlob għalik".

Dak mela telaq u għamel kollox skond ma qallu l-imqaddes Franġisku. Meta għamel hekk, qam u reġa' libes it-tonka, u mar lura għand l-imqaddes Franġisku. U l-imqaddes Franġisku mar u qallu: "Tridni ngħidlek kif inti dnibt kontrieh, anzi kontra Kristu? Meta inti tara bniedem fqir inti trid tara lil dak li hu ġie f'ismu, jiġifieri Kristu, li ġie biex jieħu fuqu l-faqar u l-mard tagħna. Għax il-faqar u l-mard ta' dak ir-raġel huma bħal mera għalina, li fiha nistgħu naraw bil-qima kollha r-rifless tal-faqar u tal-mard tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu li ġarr fil-ġisem tiegħu għas-salvazzjoni tagħna". [CA 114; 2C 85]

[1483] Kapitlu 38
Dwar kif ta l-ktieb tat-Testment il-Ġdid lil waħda mara fqira, omm ta' tnejn mill-aħwa.

Darba oħra, meta kien qiegħed jgħix fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, waħda mara armla u fqajra, li kellha żewġ uliedha fl-Ordni ta' l-aħwa, ġiet fil-post ta' l-aħwa biex titallab il-karità mingħand l-imqaddes Franġisku.

L-imqaddes Franġisku qal lil fra Pietro Cattanio li dak iż-żmien kien ministru ġeneral[223]: "Għandna xi ħaġa x'nagħtuha lil din ommna?" Għaliex hu kien jgħid li l-omm ta' kull wieħed mill-aħwa kienet ommu u omm l-aħwa kollha. Fra Pietro wieġbu: "Fid-dar ma għandna xejn

---

[222] Paul Sabatier identifika Rocca San Brizio bir-Rocchicciola jew Rocca Sant'Angelo, li tinsab lejn il-majjistral ta' Assisi, bejn il-kastelli ta' Sterpeto u San Gregorio, fejn kien hemm wieħed mill-ewwel kunventi Franġiskani, bi knisja antika imżejna b'affreski ta' l-iskola ta' Giotto jew ta' l-iskola tal-Perugino.
[223] Ninsabu mela bejn id-29 ta' Settembru 1220 u l-10 ta' Marzu 1221, iż-żmien li fih fra Pietro Cattanio kien vigarju ta' San Franġisk.

x'nistgħu nagħtuha, ukoll għaliex hi trid karità li biha tkun tista' takkwista dak li hu meħtieġ għall-ġisem. Fil-knisja għandna biss kopja waħda tat-Testment il-Ġdid, li minnu naqraw il-lezzjonijiet tal-matutin". Għax dak iż-żmien l-aħwa ma kellhomx brevarji, u lanqas ma kellhom ħafna salterji[224].

Allura l-imqaddes Franġisku qallu: "Agħti lil ommna t-Testment il-Ġdid, sabiex tkun tista' tbiegħu għall-ħtiġijiet tagħha. Jiena nemmen bil-qawwa li dan aktar jogħġob lill-Mulej u lill-Verġni mbierka ommu milli li noqogħdu naqraw minnu". U hekk dak tahulha. Għax dwar l-imqaddes Franġisku wieħed jista' jgħid u jikteb l-istess kliem li jingħadu u jinqraw dwar l-imqaddes Ġob: *Mill-ġuf ta' ommi ħarġet u kibret miegħi il-ħniena* (cfr. Ġob 31,18).

*Aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), mhux biss fhimna dak li sirna nafu minn oħrajn dwar il-karità u t-tjieba tiegħu lejn il-foqra, imma *aħna nfusna rajna b'għajnejna stess* (cfr. 1Ġw 1,1) hekk li nieħdu fit-tul li niktbuh u nirrakkontawh. [CA 93; 2C 91]

## DWAR L-UMILTÀ U L-UBBIDJENZA PERFETTA FIH INNIFSU U FL-AĦWA.

### [1484] Kapitlu 39
Dwar kif irreżenja mill-uffiċċju ta' prelat u ħatar bħala ministru ġeneral lil fra Pietro Cattanio.

Biex jaqdi aħjar il-virtù ta' l-umiltà qaddisa, ftit snin wara l-konverżjoni tiegħu, waqt kapitlu, quddiem l-aħwa kollha, irriżenja mill-uffiċċju tiegħu ta' prelat[225] filwaqt li qalilhom: "Minn issa 'l quddiem qisuni bħal wieħed mejjet għalikom. Imma ara, hawn fra Pietro Cattanio, li lilu aħna lkoll irridu nobdu". U dak il-ħin stess inxteħet għal tulu fl-art quddiemu, u wegħedu ubbidjenza u qima.

L-aħwa kollha nfaqgħu jibku, u bdew jitniehdu u juru t-tbatija li kellhom fl-ispirtu tagħhom, għaliex bdew jaraw li issa kienu se jisfaw orfni minn missier bħal dak.

L-imqaddes Franġisku qam, filwaqt li b'idu magħqudin flimkien u *b'għajnejh merfugħin lejn is-sema* (cfr. Is 51,6), qal: "Mulej, nirrikmandalek din il-familja, li sa issa inti fdajtli f'idejja. Għax issa, minħabba l-mard li għandi, inti taf, Mulej l-aktar ħelu, li ma niflaħx nieħu ħsieb tagħha aktar, u għalhekk issa nħalliha f'idejn il-ministri. Huma jkunu miżmuma quddiemek, Mulej, biex *f'jum il-ħaqq jagħtuk kont* (cfr. Mt 12,36), jekk xi ħadd mill-aħwa jintilef, bi traskuraġni jew b'eżempju ħażin, jew inkella b'korrezzjoni iebsa żżejjed tagħhom".

Minn dak il-ħin sal-mewt hu baqa' dejjem sudditu, u kien iġib ruħu b'umiltà akbar minn dik ta' kull wieħed ieħor mill-aħwa. [CA 39; 2C 143]

---

[224] Fir-*Regula non bullata* (1223), San Franġisk jgħid lill-aħwa biex, għar-reċita ta' l-Uffiċċju Divin, jużaw il-brevjarju ruman, jiġifieri ktieb liturġiku li kellu l-ġabra fil-qosor ta' l-Uffiċċju li kien jintuża fil-knejjes tal-monasteri. Dan il-brevjar kien diġà qed jintuża fil-Kappella pontifiċja għall-kurjali, professuri, universitarji u l-kleru li kien jingħata għall-apostolat fil-kampanja. Il-Franġiskani kellhom ikunu l-mezz l-aktar qawwi li jxerrdu l-liturġija rumana mal-Knisja kollha għaliex huma, b'differenza mill-Ordnijiet l-oħrajn reliġjużi, inklużi d-Dumnikani, ma kellhomx *ordo* liturġiku tagħhom proprju, imma kienu jinqdew, appuntu, bl-*ordo* tal-Knisja ta' Ruma.

[225] Il-Kapitlu li fih San Franġisk irreżenja mit-tmexxija ta' l-Ordni kien dak tad-29 ta' Settembru 1220, ftit xhur wara li kien ġie lura mill-Orjent.

[1485] Kapitlu 40
Dwar kif ċaħad ukoll għal sħabu, billi ma riedx li jkollu xi sieħeb partikulari tiegħu.

Darba oħra, ħalla lil sħabu li kienu jkunu miegħu f'idejn il-vigarju tiegħu, u qallu: "Jiena ma rridx nidher li għandi l-libertà ta' xi privileġġ, hekk li nkun nista' nagħżel għalija xi sieħeb partikulari, imma l-aħwa jingħaqdu miegħi minn post għall-ieħor, skond kif il-Mulej inebbaħhom". U żied jgħid: "Jiena darba rajt wieħed agħma li ma kellux ħlief kelb żgħir biex imexxih fi triqtu, u jiena ma rridx li nidher aħjar minnu".

Din kienet dejjem il-glorja tiegħu, *sabiex* filwaqt li jiċħad għal kull dehra ta' xi privileġġ speċjali, *tgħammar fih il-qawwa ta' Kristu* (cfr. 2Kor 12,9). [CA 40; 2C 144]

[1486] Kapitlu 41
Dwar kif ċaħad għat-tmexxija ta' l-Ordni minħabba l-prelati li ma kienux tajbin.

Meta darba minnhom wieħed mill-aħwa staqsieh għaliex kien ħalla t-tmexxija ta' l-aħwa f'idejn ħaddieħor, hekk li donnhom ma kienux aktar tiegħu, hu wieġbu: "Ibni, jiena nħobb lill-aħwa kif nista'; imma kieku huma *jimxu fuq il-passi tiegħi* (cfr. 1Pt 2,21), jiena nħobbhom aktar, u ma nkunx barrani għalihom. Naf li hemm xi prelati li jridu jiġbduhom lejn direzzjoni oħra, billi jindikawlhom mudelli u eżempji antiki tal-ħajja monastika, u ftit jagħtu kas tat-twissijiet tiegħi. Imma fl-aħħar għad jaraw b'mod ċar ir-riżultat tal-ħidma tagħhom".

U ftit wara, għalkemm kien maħkum minn marda kerha, *bil-qawwa ta' l-ispirtu* (cfr. S 47,8) qam dritt fi friexu, għajjat u qal: "Min huma dawk li *jridu jaħtfu minn idejja* (cfr. Ġw 10,28) l-Ordni tiegħi u ta' l-aħwa? Jekk immur fil-kapitlu ġenerali, nurihom x'inhi r-rieda tiegħi"[226]. [CA 44; SP 41]

[1487] Kapitlu 42
Dwar kif kien imur jittallab bl-umiltà l-laħam għall-aħwa morda, u dwar kif kien iwissihom biex ikunu umli u kollhom sabar.

L-imqaddes Franġisku ma kienx jistħi li jmur fost in-nies tal-belt u jittallab il-laħam għal xi ħadd mill-aħwa li jkun marid. Kien iħeġġeġ iżda lill-aħwa morda biex jilqgħu bis-sabar il-mard tagħhom, u biex ma jitilfux il-kalma jekk xi drabi ma jiġux moqdija f'dak kollu li jkunu jeħtieġu.

Hekk fl-ewwel Regola hu kiteb dawn il-kelmiet: "Nitlob għaldaqstant lill-aħwa tiegħi morda kollha, li fil-mard tagħhom ma jitlagħlhomx u lanqas jitħawwdu kontra l-Mulej, jew kontra

[226] F'dawn il-kelmiet ta' San Franġisk diġà tinħass it-tensjoni tal-kurrent doppju fi ħdan l-Ordni: kontra l-idejal ta' faqar rigoruż u kontra l-ħajja fl-eremitaġġi tidher ir-rieda li xi aħwa jorganizzaw l-Ordni fuq linji monastiċi. Din it-tensjoni kibret ħafna fis-seklu XIV, meta l-Ispiritwali fl-eremitaġġi kienu ħarġu b'idejal rigoruż ħafna tal-faqar, li mhux dejjem kien ortodoss, u li wara l-inkwiet ta' l-ewwel kwart tas-seklu XIV ġiet mogħtija struttura aktar ortodossa mill-moviment ta' l-Osservanza.

l-aħwa. U lanqas ma għandhom jitolbu b'insistenza li jingħataw il-mediċini; u lanqas ma għandhom iħabblu rashom iż-żejjed biex ifejjqu l-ġisem, li dalwaqt imut, u li hu għadu tar-ruħ. *Għandhom iroddu ħajr f'kollox* (cfr. 1Tes 5,18), u għandhom jixtiequ li jkunu kif il-Mulej iridhom. Lil dawk li l-Mulej *sejħilhom minn qabel għall-ħajja ta' dejjem* (cfr. Atti 13,48), Hu jhejjijhom permezz tal-flaġell tal-mard, kif hu stess jgħid: *lil dawk li nħobb jiena nwiddibhom u nsaffihom*"[227] (cfr. Lhud 12,6; Apk 3,19). [CA 45; 2C 175]

[1488] Kapitlu 43
Dwar it-tweġiba umli li taw il-qaddisin Franġisku u Duminku, meta ġw mistoqsijin it-tnejn li huma dwar jekk riedux li l-aħwa tagħhom isirux prelati fil-Knisja.

Fil-belt ta' Ruma, fid-dar tas-Sinjur ta' Ostia, li wara sar Papa, kienu darba jinsabu ż-żewġ kwiekeb ileqqu tad-dinja, jiġifieri San Franġisk u San Duminku[228]. Dak l-isqof, li kien jismagħhom jitkellmu flimkien dwar Alla bi kliem ħelu daqs il-għasel, qalilhom: "Fil-Knisja tal-bidunett ir-ragħajja kienu foqra, kienu bnedmin imħeġġin mill-imħabba u mhux mill-kilba għall-ġid. Għaliex, mela, ma naħtrux bħala isqfijiet u prelati lil dawk fost l-aħwa tagħkom li, minħabba *t-tagħlim u l-eżempju* (cfr. Tit 2,7) jgħaddu lill-oħrajn?"

*Qamet diskussjoni* (cfr. Lq 22,24) bejn iż-żewġ qaddisin dwar min iwieġbu l-ewwel, mhux għax wieħed ried jasal qabel l-ieħor, imma biex jistiednu wieħed lill-ieħor biex jibda jwieġeb. Fl-aħħar rebħet l-umiltà ta' Franġisku li ma jweġibx l-ewwel wieħed, u Duminku, billi wieġeb l-ewwel wieħed, obda bl-umiltà.

Għaldaqstant wieġeb l-imqaddes Duminku u qal: "Sinjur, l-aħwa tiegħi, jekk jifhmu dan, diġà ġew mgħollijin għal ġieħ kbir, u jiena min-naħa tiegħi ma nħallihomx li jilħqu dinjità aktar għolja".

Wara din it-tweġiba qasira, l-imqaddes Franġisku miel quddiem il-kardinal u qallu: "Sinjur, l-aħwa tiegħi jissejħu minuri biex ma jmur ifettlilhom li *jkunu kbar* (cfr. Mt 20,26). Is-sejħa tagħhom tgħallimhom jibqgħu dejjem fl-umiltà u *jimxu fuq il-passi ta' Kristu* (cfr. 1Pt 2,21) li ċekken lilu nnifsu, sabiex fl-aħħar imbagħad jiġu mgħollijin aktar minn kulħadd *quddiem il-qaddisin* (cfr. Għerf 3,13).

Jekk inti mela trid li jagħmlu frott fil-*Knisja ta' Alla* (cfr. Fil 3,6), ħallihom fis-sejħa tagħhom, mhux biss, imma niżżilhom dejjem aktar 'l isfel ukoll kontra r-rieda tagħhom. U la tħalli qatt li huma jogħlew għall-uffiċċji ta' prelati".

Din kienet it-tweġiba taż-żewġ qaddisin. Meta temmew it-tweġibiet tagħhom, is-Sinjur ta' Ostia ħassu edifikat ħafna mill-kliem li t-tnejn li huma qalulu, u *radd ħajr kbir lil Alla* (cfr. Atti 27,35).

Qabel ma telaq l-imqaddes Duminku talab lill-imqaddes Franġisku sabiex jogħġbu jagħtih il-kurdun li kien imħażżem bih. Franġisku, minħabba l-umiltà, qajla kien lest li jagħmel dan, imma

[227] L-aċċenn hu għall-kapitlu 10 tar-*Regula non Bullata* ta' l-1221.
[228] Cfr. Nota 43 fil-*Compilatio Assisiensis,* rigward il-ħajja ta' San Duminku u l-laqgħa tiegħu ma' San Franġisk.

dak kompla jitolbu bil-karità kollha. Fl-aħħar rebaħ bl-insistenza tat-talb devot tiegħu, u wara li irċieva l-kurdun libsu b'qima kbira taħt it-tonka u minn dak il-ħin kien iġorru fuqu b'devozzjoni.

Imbagħad ħadu b'idejn xulxin, u irrikmandaw lil xulxin b'mod mill-aktar ħelu wieħed lill-ieħor. San Duminku qal lil San Franġisk: "Ħija Franġisku, jiena nixtieq li nagħmlu Ordni wieħed mill-aħwa tiegħi u tiegħek, u li fil-Knisja aħna ngħixu taħt l-istess regola ta' ħajja".

Meta infirdu minn xulxin, l-imqaddes Duminku qal lil ħafna li kienu hemm preżenti: "*Ngħidilkom is-sewwa* (cfr. Lq 4,25), ir-reliġjużi l-oħrajn għandhom jimxu wara dan ir-raġel qaddis Franġisku, tant hu perfett fil-qdusija tiegħu" [CA 49; 2C 148-150]

[1489] Kapitlu 44
Dwar kif ried li l-aħwa kollha jinbnew fuq l-umiltà billi jaqdu l-lebbrużi.

L-imqaddes Franġisku, mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu, *bl-għajnuna tal-Mulej* (cfr. Mk 16,20), bħal raġel għaref, waqqaf *id-dar tiegħu*, jiġifieri r-Reliġjon, *fuq il-pedament ta' blata* (cfr. Mt 7,24) soda, jiġifieri fuq l-umiltà u l-faqar ta' l-Iben ta' Alla, u sejjaħ lil din ir-Reliġjon bħala dik tal-Patrijiet Minuri[229]. Waqqafha fuq l-ogħla umiltà.

Hekk fil-bidunett tar-Reliġjon, meta l-aħwa bdew jiżdiedu, ried li huma jgħixu fl-ospizi tal-lebbrużi biex jaqduhom, sabiex hemmhekk iqiegħdu l-pedament ta' l-umiltà. Dak iż-żmien kienu jidħlu fl-Ordni kemm nobbli kif ukoll nies sempliċi, u fost ħwejjeġ oħrajn li kien jitlobhom jagħmlu, kien hemm ukoll din il-ħtieġa li jaqdu lill-lebbrużi u li jgħixu fl-ospizi tagħhom, skond kif jingħad fl-ewwel regola[230]: "Ma għandkom tkunu tridu xejn taħt is-sema ħlief il-faqar imqaddes li bih il-Mulej imantnina f'din id-dinja bl-ikel tal-ġisem u tar-ruħ u fil-ġejjieni jagħtina l-wirt tas-sema". Hu bena lilu nnifsu fuq l-ogħla faqar u umiltà: għaliex, għalkemm kien meqjus bħal prelat kbir fil-Knisja ta' Alla, hu ried u għażel li jkun mistmerr mhux biss fil-Knisja ta' Alla, imma wkoll fost l-aħwa. Fl-idejal u fix-xewqa tiegħu, din l-umiljazzjoni kienet tagħmlu kbir quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. [CA 9]

[1490] Kapitlu 45
Dwar kif kien irid li l-kliem u l-għemejjel tajba tiegħu jiġu attribwiti biss għall-glorja u l-ġieħ ta' Alla.

---

[229] Il-kelma latina *Religio* tirreferi għal Ordni reliġjuż, mela l-espressjoni *Religionem Fratrum Minorum* tindika l-isem uffiċjali Ordni tal-Patrijiet Minuri (cfr. 1C 37).

[230] Nistgħu ngħidu li, qabel ma l-Papa Onorju III, bil-Bulla *Cum secundum consilium* (22 ta' Settembru 1220) obbliga lill-Ordni li jagħmel is-sena tan-novizzjat lill-aħwa ġodda li kienu jidħlu, San Franġisk kien diġà jitlob taħriġ għal kull wieħed mill-aħwa, indistintament mill-kundizzjoni soċjali tiegħu, billi jitolbu jagħmel żmien jaqdi lill-lebbrużi. Ir-riferiment għall-ewwel Regola ma jinstabx fir-*Regola non Bullata* ta' l-1221, għalkemm fiha nsibu aċċenn li l-aħwa għandhom jgħixu mal-lebbrużi, fil-kap. IX,2. Jista' jkun li dawn il-kelmiet kienu jagħmlu parti mit-test tar-Regola primittiva li Franġisku ippreżenta lil Innoċenz III fl-1210.

Jum minnhom, meta kien qiegħed jippriedka lill-poplu ta' Terni fil-pjazza quddiem il-palazz ta' l-isqof, l-isqof ta' dik il-belt[231], li kien raġel prudenti u spiritwali, meta intemmet il-priedka, qam u qal lill-poplu: "Il-Mulej mill-bidunett, waqqaf u *bena l-Knisja tiegħu* (cfr. Mt 16,18) u dejjem idawwalha b'irġiel qaddisa, li jreġuha bil-kelma u l-eżempju. Issa għalhekk, *f'din l-aħħar siegħa* (cfr. 1Ġw 2,18) dawwalha b'dan ir-raġel fqajjar, bla ebda bixra li tolqtok, u bla skola, Franġisku, sabiex, minn issa 'l quddiem, intom miżmuma li tħobbu u tqimu lill-Mulej u tħarsu rwieħkom mid-dnub, għaliex Hu *ma għamel hekk ma' ebda poplu*" (cfr. S 149,20).

Meta temm il-priedka tiegħu, l-imqaddes Franġisku niżel mill-post fejn kien ippriedka, u flimkien ma' l-isqof daħal fil-knisja episkopali. Hemmhekk l-imqaddes Franġisku miel ruħu quddiem is-sinjur isqof u *niżel ibuslu riġlejh* (cfr. Mk 5,22) filwaqt li qallu: "Sinjur isqof, tassew ngħidlek li ħadd għadu qatt ma tani l-ġieħ li tajtni inti illum. Għaliex l-oħrajn jgħidu: dan hu bniedem qaddis! U hekk jagħtu l-glorja u l-qdusija lill-ħlejqa u mhux lill-Ħallieq. Imma inti *fridt dak li jiswa minn dak li hu bla siwi* (cfr. Ġer 15,19), għaliex inti raġel prudenti".

Għax meta l-imqaddes Franġisku kien jiġi imfaħħar u kienu jgħidulu li hu qaddis, hu ta' spiss kien iwieġeb b'dawn il-kelmiet: "Jiena għadni minix żgur jekk jistax ikolli ulied subien u bniet; għax ara, meta l-Mulej ikun irid jeħodli t-teżor tiegħu, li ħalla f'idejja, x'jibqagħli, ħlief biss il-ġisem u r-ruħ, li wkoll l-infidili għandhom? Imma jiena rrid nemmen bil-qawwa li, jekk il-Mulej jagħti lil ħalliel u lil bniedem bla fidi l-istess tjieba u grazzji li ta lili, dan ikun aktar fidil lejh milli jiena jien. Kif fix-xbieha tal-Mulej u tal-Verġni mqaddsa li hi mpittra fuq l-injam, aħna nweġġħu lil Alla u l-Verġni mbierka u nagħmlu t-tifkira tagħhom, għalkemm dak l-istess injam u pittura ma huma xejn aktar għajr xbieha mpittra fuq l-injam, hekk ukoll il-qaddej ta' Alla hu bħal pittura, li fiha Alla jiġi mweġġaħ minħabba t-tjieba tiegħu. Imma l-qaddej ma jista' jattribwixxi xejn għalih innifsu, bħal injama jew pittura, imma biss jagħti *ġieħ u glorja lil Alla waħdu* (cfr. 1Tim 1,17), u lilu nnifsu l-mistħija u t-tiġrib, sakemm idum ħaj fil-qagħda msejkna ta' din id-dinja". [CA 10; 2C 133. 141]

[1491] Kapitlu 46
Dwar kif ried li, sal-jum tal-mewt tiegħu, ikollu wieħed minn sħabu bħala gwardjan tiegħu, u dwar kif ried jobdih dejjem.

Billi ried jikber dejjem aktar fil-perfezzjoni u fl-umiltà, minn żmien twil qabel ma miet, darba minnhom qal lill-ministru ġeneral: "Jiena rrid li inti tħaddem l-awtorità tiegħek fuqi permezz ta' wieħed mill-aħwa, li jiena nobdih f'ismek; għaliex minħabba l-eżempju tajjeb u l-virtù ta' l-ubbidjenza jiena rrid li, fil-ħajja u fil-mewt, hu dejjem ikun qrib tiegħi".

Minn dak il-ħin sal-mewt hu dejjem kellu wieħed mill-aħwa bħala gwardjan tiegħu, u kien jobdih daqs li kieku kien il-ministru ġeneral. Mhux biss, imma talli darba qal lill-aħwa: "Il-Mulej tani din il-grazzja, fost ħafna oħrajn, li jiena bil-qalb kollha nobdi lil novizz, li jidħol illum fir-Reliġjon, kieku hu jitqiegħed bħala gwardjan tiegħi, daqs li kieku nobdi lil wieħed li hu l-ixjeħ u

[231] L-isqof ta' Terni kien Rainerio (1218-1253), li kien ġie maħtur għal dik is-sede mill-Papa Onorju III fl-1218. Terni kienet ilha bla isqof għal 5 sekli sħaħ. Mix-xeħta Rainerio ried li San Franġisk iwaqqaf kunvent tal-patrijiet f'dik il-belt. L-aħwa marru joqogħdu fil-kampanja barra l-belt, ħdejn l-oratorju ta' San Cassiano, fejn aktar tard inbniet il-knisja ta' San Franġisk.

l-ewwel fost l-aħwa fl-Ordni. Għaliex is-sudditu jrid jara fil-prelat[232] tiegħu mhux il-bniedem, imma lil Alla, li għall-imħabba tiegħu hu jkun lest li jobdih". U wara qal: "Ma hemmx prelat fid-dinja kollha, li tant jibżgħu minnu s-sudditi u l-aħwa tiegħu, daqskemm il-Mulej jista' jagħmel li l-aħwa jibżgħu minni, kieku nkun irrid. Imma l-istess l-Aktar Għoli tani din il-grazzja, li jiena irrid inkun kuntent li nkun meqjus minn kulħadd bħala l-iżgħar wieħed[233] fl-Ordni".

Dan kollu aħna *rajnieh b'għanejna* (cfr. 1Ġw 1,1), *aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), u nagħtu xhieda li jekk xi mindaqqiet l-aħwa ma kienux jaqduh fil-ħtiġijiet tiegħu, jew inkella kienu jgħidulu kliem li bihom soltu wieħed jitħawwad, arah li malajr kien imur jinġabar fit-talb, u meta kien jiġi lura, ma kienx irid jerġa' jiftakar f'dak li għamlulu, u qatt ma kien jgħid: "Dak it-tali ma qdinix, u l-ieħor qalli dik il-kelma".

Hekk baqa' sħiħ f'dan l-ispirtu, u aktar ma kienet toqrob il-mewt aktar kien imħeġġeġ biex jaħseb b'liema mod seta' jgħix u jmut f'kull umiltà u faqar u fil-perfezzjoni tal-virtujiet kollha. [CA 11; 2C 143. 151. 144]

[1492] Kapitlu 47
Dwar il-mod perfett kif għallem l-ubbidjenza.

Il-missier l-aktar qaddis kien jgħid lill-aħwa tiegħu: "Ħuti l-aktar għeżież, jeħtieġ li twettqu l-ubbidjenza ma' l-ewwel kelma li tisimgħu, u la toqgħodux tistennew li jiġi mtenni lilkom dak li jintalab minnkom. Toqogħdux iġġibu l-iskuża li mhux possibbli li twettqu xi ħaġa, għaliex ukoll jekk jiena nikkmandakom xi ħaġa li tmur 'il hemm mill-ħila tagħkom, l-ubbidjenza qaddisa ma tonqosx li tagħtikom il-qawwa".

[1493] Kapitlu 48
Dwar kif qabbel lil min jobdi b'mod perfett ma' ġisem mejjet.

Darba oħra, waqt li kien bilqiegħda fost l-aħwa, tniehed u qal: "Bil-ħniena ssib fid-dinja kollha xi reliġjuż li jobdi tassew lill-prelat tiegħu!"

L-aħwa mall-ewwel staqsewh: "Għidilna, missier, x'inhi l-ubbidjenza perfetta u l-aktar għolja?" Biex iweġibhom il-qaddis beda jiddeskrivi lil dak li jobdi tassew u b'mod perfett billi qabblu ma' ġisem mejjet: "Ħu ġisem bla ħajja u tista' tqiegħdu fejn trid. Tara li hu jiċċaqlaq kif tridu int, jekk tħallih wieqaf f'post wieħed ma jgorrx, jekk tixħtu 'l hemm ma jagħmilx rejazzjoni. Jekk tqiegħdu bilqiegħda fuq kattedra, flok iħares 'il fuq iwaqqa' ħarstu lejn l-art; jekk tgħattih bil-porpra, aktar jibda jidher bajdani. Hekk dak li tassew jobdi, jew jiġi mċaqlaq ma joqgħodx jistaqsi għalfejn, u ma jimpurtahx fejn iqiegħduh, u lanqas jinsisti li jibgħatuh xi mkien ieħor. Jekk jitgħolla fl-uffiċċju tiegħu jibqa' jżomm l-umiltà tas-soltu; aktar ma jkun imweġġah, aktar iqis lilu nnifsu li ma jistħoqqlux".

---

[232] Il-latin juża l-kelmiet *prelatus* u *subditus*. Għalkemm hemm min joġġezzjona li dawn il-kelmiet ma jikkorispondux għas-sensibilità ta' San Franġisk, li ma riedx li l-aħwa jissejħu *prior* (pirjol), imma *ministri* (ministri, qaddejja) ta' ħuthom, nippreferu nżommu l-kliem oriġinali "prelat" u "sudditu", għaliex, fil-fatt, San Franġisk innifsu jużahom fit-*Twissija* 4, biex jispjega eżattament x'ifissru għalih: jiġifieri li l-aħwa prelati jaħsu riġlejn ħuthom. Il-kelma *guardianus* (gwardjan), jew ukoll *custos* (kustodju), tirreferi għas-superjur lokali, fis-sens evanġeliku ta' dak li jaqdi u jħares lill-aħwa.
[233] *Sicut qui minor est in Religione.*

Franġisku kien jgħid li l-ubbidjenza qaddisa għandha x'taqsam ma' dak li wieħed jagħmel bil-qalb għax irid, u mhux ma' dak li wieħed jagħmel għax obbligat. Kien iqis li l-ubbidjenza vera, li fiha ma għandhom l-ebda sehem *il-ġisem u d-demm* (cfr. Mt 16,17), hi dik li wieħed bl-ispirazzjoni divina jmur fost l-infidili, jew biex isalva lill-proxxmu, jew inkella bix-xewqa tal-martirju. Li wieħed jitlob din l-ubbidjenza kien iqisha ħaġa li togħġob ħafna lil Alla. [2C 152]

[1494] Kapitlu 49
Dwar kif hu perikoluż ħafna li wieħed jagħti ordnijiet mingħajr ma jaħsibha, kif ukoll li wieħed ma jobdix.

Il-missier imqaddes kien tal-fehma li wieħed għandu jikkmanda bl-ubbidjenza rarament, u li wieħed ma għandux iwaddab mall-ewwel il-vleġġa li tolqot, u li għandha tkun l-aħħar arma li wieħed juża. Kien jgħid: "Wieħed ma għandux jaqbad malajr ix-xabla f'idejh". Imma min ma jħaffifx biex iwettaq il-preċett ta' l-ubbidjenza, *la jibża' minn Alla u lanqas iqim lill-bnedmin* (cfr. Lq 18,4), ħlief meta jkun hemm raġuni vera biex wieħed jistenna qabel jobdi.

Għaliex x'inhi l-awtorità f'idejn dak li jħaddimha bla prudenza, jekk mhux xabla f'idejn bniedem miġnun? U mill-banda l-oħra, hemm każ aktar ta' disperazzjoni minn dak ta' reliġjuż li jiddisprezza l-ubbidjenza? [CA 1; 2C 153]

[1495] Kapitlu 50
Dwar kif wieġeb lill-aħwa li riedu jipperswaduh biex jitlob il-privileġġ biex ikunu jistgħu jippriedkaw bla xkiel.

Xi wħud mill-aħwa qalu lill-imqaddes Franġisku: "Missier, mintix qiegħed tara kif xi isqfijiet ma jagħtuniex il-permess nippriedkaw, u għal bosta ġranet ikollna nibqgħu nistennew f'dak il-post u ma nistgħu nagħmlu xejn, qabel ma jħalluna nippriedkaw il-Kelma ta' Alla? Ikun aħjar kieku inti titlob li l-aħwa jkollhom xi privileġġ mis-Sinjur Papa, għax dan ikun ta' ġid għall-erwieħ".

Hu weġibhom b'ċanfira kbira u qalilhom: "Intom, Patrijiet Minuri, ma tagħrfux ir-rieda ta' Alla, u lanqas ma triduni li nikkonverti d-dinja kollha, skond kif irid Alla. Għax jiena rrid li, permezz ta' l-umiltà u r-rispett tiegħi, l-ewwel nikkonverti lill-prelati: meta huma mbagħad jaraw il-ħajja qaddisa tagħna u l-qima umli li nuru lejhom, imbagħad huma jibdew jitolbuna, biex aħna nippriedkaw u nikkonvertu lill-poplu. U jibdew jistednuh jiġi għall-priedki tagħkom ħafna aktar mill-privileġġi li tridu titolbu, li jwasslukom biss biex titkabbru. U kieku intom iżżommu ruħkom 'il bogħod *minn kull xeħħa* (cfr. Lq 12,15) u twissu lin-nies biex jagħtu lill-membri tal-kleru dak li hu tagħhom bi dritt, huma stess jibdew jitolbukom biex tisimgħu l-qrar tan-nies tagħhom; għalkemm lanqas dwar dan ma hemm għalfejn tħabblu raskom, għax jekk il-qassisin ikkunu ikkonvertew, dawk isibu konfessuri kemm iridu. Jiena, ngħid għalija, privileġġ wieħed biss nitlob mingħand il-Mulej, jiġifieri li ma jkolli l-ebda privileġġ mill-bnedmin, ħlief li nagħmel kollox bil-qima għall-ubbidjenza tar-regola qaddisa u li nikkonverti lil kulħadd mhux bil-kliem, iżda bl-eżempju". [CA 20]

[1496] Kapitlu 51
Dwar kif kienu jerġgħu jitħabbu bejniethom l-aħwa f'dak iż-żmien, meta wieħed ikun nikket lill-ieħor.

Kien iħobb itenni li l-Mulej bagħat lill-Patrijiet Minuri *fl-aħħar żminijiet* (cfr. Ġuda 18; Ġw 1,6), sabiex lill-midinbin li huma mitlufin fid-dlam juruhom id-dawl bl-eżempju tagħhom. Kien jgħid li *jimtela' bl-iktar fwieħa ħelwa* (cfr. Eż 29,18; Ġw 12,3), u *bid-dilka tal-fwejjaħ jiswew ħafna* (cfr. Mt 26,7), kull darba li kienu jgħidulu bil-virtujiet ta' l-aħwa qaddisin li f'bosta postijiet *kien jisma' li jagħmlu għeġubijiet* (cfr. Atti 2,11).

Darba minnhom ġara li wieħed mill-aħwa[234] kien qal *kelma iebsa li biha weġġa'* (cfr. Ġob 18,2) lil wieħed mill-aħwa quddiem raġel nobbli mill-gżira ta' Ċipru. Dan meta ntebaħ li dak ħuh kien weġġa' bil-kelma li qallu, ħa ftit ħmieġ ta' ħmar, u biex jagħmel vjolenza fuqu nnifsu, beda jogħmodu bi snienu u jgħid: "Ħa jomgħod il-ħmieġ dak l-ilsien li *minnu ħareġ il-velenu* (cfr. Prov 23,32) tal-korla kontra ħija". Meta dak ir-raġel ra dan kollu baqa' edifikat ħafna, u minn dak iż-żmien sar ħafna midħla ta' l-aħwa.

L-aħwa kollha kienu jimxu fuq din id-drawwa, hekk li jekk xi ħadd minnhom kien jgħid lill-ieħor xi kelma li biha jweġġgħu, kien mall-ewwel *jinxteħet għal tulu fl-art* (cfr. 2Mak 10,4), u kien jiksi bil-bews ir-riġlejn ta' dak li jkun weġġa'. Il-missier qaddis, meta kien jisma' jingħadu dawn l-affarijiet, kien jimtela' bil-ferh, għaliex kien jintebaħ li uliedu, waħedhom, kien jixirqilhom ħafna jagħtu dawn l-eżempji ta' qdusija, u kien jimla' *b'kull barka mill-aktar xierqa* (cfr. 1Tim 1,15) lil dawk l-aħwa, li *bil-kelma jew bl-eżempju* (cfr. Kol 3,17) kienu jwasslu lill-midinbin lura għall-imħabba ta' Kristu. Billi hu kien *mimli bil-ħeġġa* (cfr. Atti 5,17) b'mod perfett, kien ikun irid li uliedu jkunu jixbħuh b'mod sħiħ. [CA 41; 2C 155]

[1497] Kapitlu 52
Dwar kif Kristu wera n-niket tiegħu ma' fra Leone, sieħeb l-imqaddes Franġisku, rigward l-ingratitudni u l-kburija ta' l-aħwa.

Darba minnhom il-Mulej Ġesù Kristu qal lil fra Leone, sieħeb l-imqaddes Franġisku: "Fra Leone, jiena minix kuntent bl-aħwa". U fra Leone staqsih: "Għaliex, Mulej?" U l-Mulej wieġbu: "Minħabba tliet affarijiet: jiġifieri għax ma jagħrfux id-doni li jiena nqassmilhom b'idejja miftuħa kuljum, kif taf, għalkemm huma *la jiżirgħu u lanqas jaħsdu* (cfr. Lq 12,24). Imbagħad, għax *il-jum kollu* jgorru u *ma jagħmlu xejn* (cfr. Mt 20,6); u fl-aħħarnett għax ta' spiss jitlewwmu, ma jafux jgħixu fis-sliem u lanqas jaħfru t-tagħjir li jirċievu". [CA 21]

[234] F'2C 155 jingħad li dan kien fra Barbaro. Kien wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa tal-qaddis, u kien mill-inħawi ta' Assisi, għalkemm ma nafu xejn aktar dwaru. Il-*Franceschina* I,187-188 issemmih u tgħid li miet f'Santa Marija tal-Porziuncola (1233?).

[1498] Kapitlu 53
Dwar kif wieġeb bl-umiltà u bis-sinċerità lil wieħed duttur mill-Ordni tal-Predikaturi li staqsieh dwar silta mill-Iskrittura.

Meta kien jgħix ħdejn Siena, wasal hemmhekk patri mill-Ordni tal-Predikaturi[235], raġel umli u spiritwali ħafna u duttur tat-tejoloġija mqaddsa. Dan mar iżur lill-imqaddes Franġisku, filwaqt li hu u l-qaddis bdew jiddiskutu l-kelma ta' Alla. Dan l-imgħallem allura għamillu mistoqsija dwar silta minn Eżekjel, li fiha dawn il-kelmiet: *Jekk inti ma ċċanfarx lill-ħażin għall-ħażen tiegħu, jiena nitlob kont ta' ruħu minn idejk* (cfr. Eżek 3,18). U staqsieh: "Missier twajjeb, jiena naf bosta li għalkemm naf li jinsabu fid-dnub il-mejjet, imma mhux dejjem inċanfarhom għall-ħażen tagħhom. Dan ifisser li jiena jkolli nagħti kont ta' ruħhom?"

Għal din il-mistoqsija l-imqaddes Franġisku wieġeb bl-umiltà li ma kellux tagħlim, u li aktar kien jeħtieġ li jitgħallem minnu milli li jgħallmu, billi hu kien jaf iwieġeb għall-kliem ta' l-Iskrittura. Dan it-tejologu bl-umiltà reġa' tennielu: "Ħija, għalkemm jiena smajt l-ispjega ta' dawn il-kelmiet minn fomm xi tejoloġi għorrief, imma nixtieq ħafna li nkun naf inti x'taħseb dwarhom". L-imqaddes Franġisku qallu: "Jekk dawn il-kelmiet trid tifhimhom b'mod ġenerali, jiena hekk nispjegahom, jiġifieri li *l-qaddej ta' Alla* (cfr. Dan 6,20) jrid ikun tant *imħeġġeġ* fil-ħajja u fil-qdusija, li *bid-dawl ta' l-eżempju ta' ħajtu* (cfr. Ġw 5,35; 1Tim 4,12) u bi kliemu jkun jista' jċanfar lill-ħżiena kollha. Naħseb li, b'dan il-mod, id-dija tal-ħajja tiegħu u l-fwieħa tal-fama tiegħu, ikunu ta' ċanfira għal kulħadd u *jħabbrulhom il-ħażen* (cfr. Eżek 3,19) tagħhom".

Dak id-duttur baqa' ħafna edifikat u qabel telaq minn hemm qal lil sħab l-imqaddes Franġisku: "L-aħwa, it-tejoloġija ta' dan il-bniedem, li għandha qawwa kbira fis-sempliċità ta' ħajtu u fil-kontemplazzjoni tiegħu, *ittir qisha ajkla* (cfr. Ġob 9,26); filwaqt li l-għarfien u r-raġunamenti tagħna *jitkaxkru għal żaqqhom ma' l-art*" (cfr. Ġen 1,20.22; 3,14). [CA 35-36; 2C 103]

[1499] Kapitlu 54
Dwar l-umiltà u l-paċi li ried li l-aħwa juru lill-kjeriċi.

Għalkemm l-imqaddes Franġisku kien irid li uliedu *jgħixu fil-paċi mal-bnedmin kollha* (cfr. Rum 12,18), u li kellhom iġibu ruħhom ta' nies umli ma' kulħadd; imma b'mod partikulari għallimhom, bil-kelma u bl-eżempju, li kellhom juru qima umli lejn il-kjeriċi.

Kien għalhekk jgħid: "Aħna ġejna mibgħutin *biex ngħinu* (cfr. S 69,2; Dan 10,13) lill-kjeriċi ħalli *jsalvaw l-erwieħ* (cfr. 1Pt 1,9), hekk li aħna nkunu nistgħu nimlew il-vojt li jista' jkun hemm fil-ħidma tagħhom. *Kull wieħed se jitħallas* mhux skond l-awtorità li għandu, imma *skond ħidmietu* (cfr. 1Kor 3,8). Għandkom tkunu tafu, l-aħwa, li lil Alla jogħoġbu aktar il-ġid li jġib 'il quddiem l-erwieħ, u dan jista' jseħħ aktar fil-qbil milli fin-nuqqas ta' qbil mal-kleru. Jekk huma jfixklu s-salvazzjoni tal-poplu, hu *Alla li jikkastiga, u dan hu jagħmlu fi żmienu* (Dt 32,35). Għalhekk *oqogħdu dejjem* (cfr. 1Pt 2,13) għall-awtorità tal-prelati, u sakemm *ikollkom x'taqsmu*

[235] San Franġisk kien jinsab fi Siena f'April 1226, ftit xhur qabel ma miet. Dan it-tejologu kien patri Dumnikan, ġej appuntu mill-*Ordo Praedicatorum,* Ordni tal-Predikaturi, imwaqqaf minn San Dumniku Guzman, kontemporanju ta' San Franġisk.

*intom* (cfr. Rum 12,18), ma għandkomx tqajjmu l-ebda għira. *Jekk intom tkunu ulied is-sliem* (cfr. Lq 10,6), intom tirbħu l-kleru u l-poplu; u din tkun ħaġa aktar għażiża għal Alla milli li intom issalvaw il-poplu u tqajjmu skandlu bin-nuqqas ta' qbil mal-kleru. Għattulhom in-nuqqasijiet tagħhom, idħlu intom biex issewwu d-difetti tagħhom, u *waqt li tagħmlu dan* (cfr. Lq 17,10), kunu attenti li tibqgħu umli ħafna"[236]. [CA 19; 2C 146]

[1500] Kapitlu 55
Dwar kif laqa' bl-umiltà l-knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli mill-abbati ta' San Benedetto f'Assisi, u dwar kif ried li l-aħwa dejjem jgħixu f'dak il-post bl-umiltà.

Meta l-imqaddes Franġisku beda jara li l-Mulej *ried ikabbar il-għadd* (cfr. Atti 6,7) ta' l-aħwa, qalilhom: "Ħuti u uliedi l-aktar għeżież, qiegħed nara li l-Mulej irid ikattarna; għaldaqstant jidhirli lit kun ħaġa tajba u qaddisa li nitolbu lill-isqof, jew lill-kanoniċi ta' San Rufino, jew lill-abbati tal-monasteru ta' San Benedetto biex jagħtuna xi knisja fejn l-aħwa jistgħu jitolbu s-sigħat ta' l-Uffiċċju Divin. Maġenb il-knisja huma jistgħu jkollhom xi dwejriet żgħar u foqra mibnijin mit-tajn u mill-qasab, li fihom l-aħwa jistgħu jistrieħu u jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom: għaliex dan il-post mhuwiex xieraq[237], u hu dejjaq wisq biex fih joqgħodu l-aħwa, l-aktar jekk il-Mulej jogħoġbu jżidna fil-għadd, u l-aktar għaliex hawnhekk ma għandniex knisja fejn l-aħwa jistgħu jitolbu l-Uffiċċju Divin. U jekk xi ħadd mill-aħwa jiġri li jmut, ma tkunx ħaġa xierqa li nidfnuh hawnhekk u lanqas f'xi knisja tal-kleru secular". L-aħwa l-oħrajn *għoġobhom il-kliem li qal* (cfr. Atti 6,5).

Għalhekk l-imqaddes Franġisku qam u mar għand l-isqof ta' Assisi u qallu dawn il-kelmiet. L-isqof wieġbu u qallu: "Ħija, jiena ma għandix l-ebda knisja li nista' nagħtik". Hu mar għand il-kanoniċi u huma weġbuh kif kien wieġbu l-isqof.

Tela' mela lejn il-monasteru ta' San Benedetto tal-Monte Subasio[238], u quddiem l-abbati qal l-istess kliem. L-abbati, imqanqal mill-ħniena, ħa l-parir wara li laqqa' l-irħieb għall-kapitlu,

---

[236] Dan il-paragrafu hu meħud kelma b'kelma minn 2C 146. Forsi l-kuntest tiegħu hu tassew dak ta' żmien San Franġisk, meta l-movimenti lajkali *pauperistici* u evanġeliċi, bħalma kienu l-Valdesi, il-Katari, l-Albiġiżi, eċċ, kienu jħammġu lill-kleru sekulari fil-predikazzjoni tagħhom. Franġisku ried iħares lill-aħwa minn dan il-periklu, billi l-Patrijiet Minuri kienu meqjusin ukoll bħala moviment *pauperistico* (jgħix il-faqar) u evanġeliku, u kien magħmul prevalentement minn aħwa lajċi. Jekk dan il-paragrafu, iżda, narawh fil-kuntest ta' meta kiteb Tommaso da Celano fl-1247, jista' jkun li jindika wkoll tensjoni li, fil-fatt, kienet kibret ħafna f'ċertu ambjenti, bejn il-kleru sekulari u l-Ordnijiet mendikanti (Dumnikani u Franġiskani), l-aktar minħabba li dawn ta' l-aħħar kienu daħlu fil-bliet fi knejjes kbar konventwali, u kienu ġibdu bosta nies għal warajhom. L-istess ġara fl-ambjent universitarju ta' Pariġi, fejn il-*magistri* kjeriċi sekulari ħaduha kontra l-mendikanti, li kienu wkoll daħlu sewwa fl-ambjent akkademiku. Fi ħdan l-Ordni tal-Minuri dan beda jseħħ flimkien mal-proċess ta' klerikalizzazzjoni ta' l-Ordni, mill-1240 'il quddiem, u laħaq il-quċċata tiegħu fit-tensjoni li kien hemm f'Pariġi fi żmien San Bonaventura (1257-1274).

[237] Franġisku qiegħed jirreferi għad-dwejra ta' Rivotorto, li kienet żgħira wisq biex l-aħwa jkollhom spazju fejn jistrieħu u jitolbu.

[238] L-abbazija ta' San Benedetto al Monte Subasio tinsab xi 6 kilometri 'l barra minn Assisi, ftit 'l isfel mill-Eremo delle Carceri. Il-fondazzjoni ta' din l-abbazija hi antika u mitlufa fiż-żmien. L-ewwel dokument li jitkellem fuqha jġib id-data 1051, u jsemmi li kien monasteru jiddependi mill-abbazija ta' Farfa. Fis-seklu 13, meta kien jgħix San Franġisk, dan il-monasteru kien laħaq il-quċċata ta' l-iżvilupp tiegħu. L-abbazija ta' San Benedetto kienet proprjetarja ta' artijiet kbar, ta' sptar, ta' 10 knejjes u 23 kappelli fit-territorju ta' Assisi, fosthom il-Porziuncola. Fi tmiem is-seklu 14 il-monasteru ġie abbandonat mill-irħieb u sar ċentru ta' difiża taċ-ċittadini maħrubin minn Assisi u mmexxijin mill-familja Fiumi. Fl-1391 l-abbazija ġiet attakkata mit-truppi ta' Perugia u fl-1399 il-*Comune* ta' Assisi abbandunaha u qeridha. Damet għal sekli sħaħ mitluqa u abbandunata. Fl-1405 ingħatat bħala kommenda, u damet

u hekk, kif kienet *ir-rieda ta' Alla* (cfr. Atti 21,14; S 50,20), ħallew f'idejn l-imqaddes Franġisku l-aħwa tiegħu l-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, għax din kienet l-iżgħar u l-ifqar knisja li huma kellhom. L-abbati qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, aħna tajna widen għal dak li inti tlabt minna; imma rridu li jekk il-Mulej jogħoġbu li l-kongregazzjoni tagħkom tikber, dan il-post għandkom tqisuh bħala r-ras u l-bidu tal-kunventi kollha tagħkom".

*Dan il-kliem għoġob* (cfr. Atti 6,5) lill-imqaddes Franġisku u lill-aħwa kollha tiegħu. L-imqaddes Franġisku feraħ bil-kbir li ingħata dak il-post u l-aktar minħabba l-isem tal-knisja ta' Omm Kristu, għax dik il-knisja kienet fqira ħafna u minħabba l-laqam li kienu jafuha bih in-nies: fil-fatt kienu jsejħulha Porziuncola, isem li kellu jħabbar minn qabel li dik il-knisja kellha ssir l-omm u r-ras tal-Patrijiet Minuri fqajrin. L-isem Porziuncola kellu x'jaqsam ma' l-inħawi li fihom kienet mibnija fih il-knisja, li mill-qedem kienet tissejjaħ Porziuncola[239].

Għalhekk l-imqaddes Franġisku kien soltu jgħid: "Il-Mulej ried li l-aħwa ma tingħatalhom l-ebda knisja oħra, u li l-aħwa ma jibnux knisja ġdida u li ma jkollhom l-ebda waħda oħra, għaliex din il-knisja kienet il-profezija li twettqet fil-miġja tal-Patrijiet Minuri".

U għalkemm din kienet knisja mill-aktar fqira u kienet għoddha mġarrfa għal żmien twil, in-nies tal-belt ta' Assisi u ta' l-inħawi ta' madwar dejjem kellhom devozzjoni kbira lejn dik il-knisja, u din iktar kibret sallum. Għaliex malli l-aħwa marru joqgħodu hemmhekk, il-Mulej *kattarhom fil-għadd* (cfr. Atti 6,7) u l-aħbar tal-fama tagħhom infirxet mal-Valle Spoletana u b'mod ta' l-għaġeb ma' bosta partijiet mid-dinja kollha kemm hi. Fil-qedem dik il-knisja kienet tissejjaħ Santa Marija ta' l-Anġli, għaliex skond kif jingħad, hemmhekk ta' spiss kien jinstema' l-kant ta' l-anġli.

Għalkemm l-abbati u l-irħieb kienu taw lill-imqaddes Franġisku u lill-aħwa tiegħu dik il-knisja mingħajr l-ebda ħlas jew ċens annwali, imma l-imqaddes Franġisku, bħala għalliem tajjeb u mħarreġ li *ried jibni daru fuq blata soda* (cfr. Mt 7,24), jiġifieri l-fraternità tiegħu fuq il-faqar l-aktar għoli, darba fis-sena kien jibgħat lill-irħieb kannestru ta' ħut li jissejħu *lasche*, bħala sinjal ta' umiltà u faqar, u sabiex l-aħwa qatt ma jkollhom xejn tagħhom li ma jkunx proprjetà ta xi ħaddieħor, u sabiex l-aħwa ma jkollhomx dritt li jbiegħu jew iparrtu xi post bl-ebda mod. U meta

---

hekk sa l-1834, meta għaddiet f'idejn il-Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*. Wara l-1860 saret proprjetà privata, imma fl-1945 il-Benedittini, li sadanittant kienu, u għadhom jinsabu, fil-monasteru ta' San Pietro, f'Assisi, akkwistawha u irrestawraw il-fdalijiet tagħha. Għad hemm il-fdalijiet ta' l-abside tal-knisja abbazjali tas-seklu 11 u kripta romanika, forsi antika aktar, tas-sekli 7-8.

[239] Tradizzjoni lokali, li ma ssib l-ebda prova f'dokumenti storiċi, tgħid li l-kappella iddedikata lill-Verġni Marija ta' l-Anġli tal-Porziuncola ġiet mibnija fis-seklu 4 minn xi eremiti li kienu ġejjin mill-Palestina, u li kienu ġabu magħhom xi ġebel mill-qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat. Fis-sena 576 San Benedettu ħa l-kappella għall-irħieb tiegħu. Imma din hi biss leġġenda u tradizzjoni. Arnaldo Fortini, fin-*Nova Vita di San Francesco*, jgħid li l-isem *Porzuncle* jidher fl-arkivji tal-kattidral ta' Assisi għall-ewwel darba fl-1045, u li l-kappella kienet mibnija ċertament fl-1145. Fi żmien San Franġisk kienet kappella tiddependi direttament mill-abbazija ta' San Benedetto tal-Monte Subasio. Franġisku wasal fil-Porziuncola fl-1205-1206, u sewwieha, wara li kien sewwa lil San Damiano o San Pietro della Spina. Il-CA issejjaħ il-Porziuncola *mater et caput pauperum Minorum fratrum*. Dan it-titlu mhux uffiċjali jidher li, b'xi mod, irid ikun komplementari, jekk mhux ukoll, jirrejaġixxi għat-titlu uffiċjali ta' *caput et mater Ordinis Minorum*, li l-Papa Girgor IX kien ta lill-bażilika ta' San Franġisk fl-1230. L-aħwa li kienu qrib San Franġisk kienu jiddefendu l-Porziuncola bħala l-post li fih tassew twieled l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, u li għalhekk kien jixraqlu l-ewwel dinjità fit-tifkira ta' l-aħwa, kif il-post fejn indifen San Franġisk kien jixraqlu l-ewwel dinjità fil-kult uffiċjali mogħti lilu mill-Knisja.

l-aħwa kienu jmorru darba fis-sena biex jieħdu l-ħut lill-irħieb, dawk, minħabba l-umiltà ta' l-imqaddes Franġisku, li kien jagħmel dan il-ġest bir-rieda ħielsa tiegħu, kienu jagħtu lilu u lill-aħwa ġarra żejt[240].

[1501] *Aħna, li għexna ma'* (cfr. 2Pt 1,18) l-imqaddes Franġisku, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) li hu kien jgħid, filwaqt li jinsisti fuq il-kelma tiegħu dwar dik il-knisja, li minħabba l-ħafna grazzji li l-Mulej kien urieh f'dak il-post, kien ġie rivelat lilu li l-imqaddsa Verġni kienet tħobb dik il-knisja fost il-knejjes l-oħrajn kollha ta' din id-dinja. Għaldaqstant matul ħajtu kollha hu kien juri lejn dak il-post l-akbar qima u devozzjoni. Sabiex l-aħwa dejjem jibqgħu jgħożżu fit-tifkira ta' qalbhom dik il-knisja, ftit qabel ma miet, fit-Testment tiegħu kiteb li l-aħwa kellhom jagħmlu hekk huma wkoll. Għax ftit qabel ma miet, quddiem il-ministru ġeneral u l-aħwa l-oħrajn qal:

"Il-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola irrid nordna u nħallih lill-aħwa tiegħi bħala testment[241], sabiex l-aħwa juru dejjem lejh l-ogħla qima u devozzjoni.

"Għaliex hekk kienu jagħmlu l-aħwa mill-bidunett: billi dan il-post hu post qaddis, u hu għażiż għal Kristu u għall-Verġni glorjuża, huma kienu jħarsu l-qdusija tiegħu bit-talb bla heda bin-nhar u bil-lejl u billi kienu jħarsu dejjem is-skiet, bl-akbar qima u onestà. Jekk kien jiġri li, xi mindaqqiet, kien ikollhom jitkellmu, dan kienu jagħmluh biex jitkellmu dwar it-tifħir ta' Alla u dwar dak li għandu x'jaqsam *mas-salvazzjoni ta' ruħhom* (cfr. 1Pt 1,9). U jekk kien jiġrilhom, u dan biss darba kultant, li hemmhekk jibdew *jitkellmu bi kliem* bla siwi jew *fieragħ* (cfr. Mt 12,36), huma mall-ewwel kienu jikkoreġu wieħed lill-ieħor.

"Kienu jgħakksu lil ġisimhom mhix biss *bis-sawm*, imma wkoll *b'ħafna sahriet bla rqad, fil-ksieħ u fil-għera* (cfr. 2Kor 11,27), u *bil-ħidma ta' idejhom* (cfr. S 127,2; Tob 2,19). Bosta minnhom, sabiex ma jkunux għażżenin, kienu jmorru jgħinu lill-bdiewa foqra fl-għelieqi tagħhom, sabiex dan bħala ħlas jagħtuhom il-ħobż għall-imħabba ta' Alla. B'dawn il-virtujiet u oħrajn bħalhom kienu jqaddsu lilhom infushom u dak il-post. Wara, imbagħad, minħabba l-għadd kbir ta' aħwa u nies oħrajn li bdew soltu jiġu f'dan il-post, li fih kienu jirrikorru l-aħwa kollha ta' l-Ordni, u l-aktar dawk li kienu jkunu jridu jidħlu fl-Ordni, ġara li l-aħwa birdu fit-talb u fl-għemejjel tajbin u naqsu fid-dixxiplina u ingħataw għall-*kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36) u li ma jiswa għal xejn u bdew jiġru wara kull ħaġa ġdida tad-dinja, hekk li dan il-post kemm l-aħwa li jgħixu fih kif ukoll

---

[240] Il-ħut li kienu jieħdu l-aħwa, imsejjħin *lasche*, kienu jistaduhom fix-xmara Tescio. Id-drawwa baqgħet sallum, meta l-Patrjiet Minuri tal-Porziuncola jitilgħu Assisi darba fis-sena, fl-abbazija ta' San Pietro, għand il-Benedittini, biex issir din iċ-ċerimonja, bħala tifkira tal-fedeltà ta' San Franġisk u l-aħwa lejn il-preċett tar-Regola, li l-aħwa ma jkollhom l-ebda proprjetà u bħala turija tal-qima ta' l-irħieb Benedittini lejn l-umiltà ta' San Franġisk.

[241] Raoul Manselli, "Dal Testamento ai testamenti di San Francesco", *Collectanea Franciscana* 46 (1976) 121-129, hu tal-fehma li dawn il-kliem fil-CA huma fdalijiet ta' l-aħħar rieda li San Franġisk kien ħalla rigward il-Porziuncola. Imma nafu li fl-ebda post fit-*Testment* tiegħu San Franġisk ma jsemmi l-Porziuncola u jħalliha bħala wirt lill-aħwa. Għalhekk dan l-istudjuż hu tal-fehma li, x'aktarx, San Franġisk kien iddetta aktar minn żewġ dokumenti (*Testment ta' Siena,* u *Testment ta' San Franġisk*) li jistgħu jitqiesu bħala l-aħħar rieda tiegħu. Imma barra minn dawn iż-żewġ dokumenti ma għandniex ħjiel ta' xi testment ieħor tal-qaddis. Jista' jkun li dawn il-kliem li jġibu l-aħwa sħab ta' San Franġisk jirriflettu prassi li kienet komuni fil-fraternità Franġiskana tal-bidu, rigward il-postijiet fejn l-aħwa kienu jgħixu fl-eremitaġġi. San Franġisk, fil-fatt, ħalla regola ċkejkna msejħa *Regola pro eremitoriis data* (*Regola għall-eremitaġġi*), li n-normi ta' mġieba li tagħti rigward talb u silenzju setgħu kienu meħudin mill-osservanza idejali ta' din l-għamla ta' ħajja fil-Porizuncola.

ir-reliġjużi l-oħrajn ma għadhomx iżommuh fl-istess qima u devozzjoni li jixraqlu u li jiena nixtieq nara".

Meta l-imqaddes Franġisku qal dawn il-kelmiet, hu mall-ewwel ikkonkluda b'ħeġġa kbira u qal: "Irrid għaldaqstant li dan il-post dejjem jibqa' jiddependi mill-awtorità tal-*ministru* ġeneral *u qaddej* (cfr. Mt 20,26.27), u li hu jimpenja ruħu b'aktar kura u jgħasses biex jipprovdi għal dan il-post fraternità mill-aktar tajba u qaddisa.

"Il-kjeriċi għandhom jintagħżlu fost dawk l-aħwa li huma l-aktar qaddisin u ta' ħajja li ma ssib xejn xi tgħid fiha, u li jkunu jafu jitolbu l-Uffiċċju bl-aħjar mod fost ħuthom kollha li jinsabu fl-Ordni, u li mhux biss il-bnedmin l-oħrajn, imma wkoll l-aħwa għandhom jisimgħuhom b'qima kbira.

"L-aħwa lajċi għandhom ikunu qaddisin, u għandhom jintagħżlu bħala irġiel prudenti u onesti, sabiex joffru l-qadi tagħhom f'dak il-post. Irrid ukoll li l-ebda wieħed mill-aħwa jew l-ebda persuna oħra ma tidħol f'dak il-post ħlief il-ministru ġeneral u l-aħwa li jgħixu hemmhekk. U huma ma għandhom jitħaddtu ma' eba persuna oħra ħlief ma' l-aħwa li jgħixu magħhom u mal-ministru, meta hu jżurhom. Irrid ukoll li l-aħwa lajċi li jgħixu hemmhekk ikunu obbligati li ma jgħaddux lill-aħwa l-oħrajn l-ebda *kelma fiergħa* (cfr. Mt 12,36) jew ħwejjeġ li jqanqlu l-kurżità tal-ġdid li huma jkunu semgħu meta joħorġu fid-dinja, u li ma jkunux ta' ġid għal ruħhom. U għalhekk b'mod speċjali rrid li ħadd ma jidħol f'dan il-post, sabiex l-aħwa jħarsu s-safa u l-qdusija aħjar, u li f'dan il-post ma għandhomx jingħadu kliem fieragħ u li mhux meħtieġ għar-ruħ, imma li kulħadd għandu jaqdi u jżomm ruħu safi u qaddis fl-innijiet u t-tifħir lil Alla.

"U jekk xi ħadd mill-aħwa li jgħix hawn imut, il-ministru ġeneral għandu jġib f'dan il-post wieħed ieħor mill-aħwa, ikun minn fejn ikun, sabiex jieħu post dak li jkun miet. Għaliex jekk jiġi żmien li fih l-aħwa u l-postijiet fejn huma jgħixu jonqsu mis-safa u l-qdusija u l-onestà li jixirqu lill-postijiet li fihom joqgħodu, jiena irrid li dan il-post ikun imbierek, u jkun mera u eżempju tajjeb għall-Ordni kollu u jkun bħal kandelabru *dejjem jaqbad u jdawwal* (cfr. Ġw 5,35) *quddiem it-tron ta' Alla* (cfr. Apk 4,5) u quddiem il-Verġni mqaddsa, li bih il-Mulej jaħfer id-difetti u l-ħtijiet ta' l-aħwa u jħares dejjem u jiddefendi l-Ordni u x-xitla ċkejkna tiegħu". [CA 56; 2C 18-19]

[1502] Kapitlu 56
Dwar il-qima umli li kien juri lejn il-knejjes, meta kien jiknishom u jnaddafhom.

Fiż-żmien li fih l-imqaddes Franġisku kien jgħix f'Santa Marija tal-Porziuncola, u kienu għadhom ftit l-aħwa, xi mindaqqiet kien imur fl-irħula u l-knejjes ta' madwar Assisi, ixandar u jippriedka lill-bnedmin biex jagħmlu penitenza. Miegħu kien dejjem iġorr xkupa biex jiknes il-knejjes. L-imqaddes Franġisku kien jitnikket ħafna, meta kien jidħol f'xi knisja u kien isibha maħmuġa.

Għaldaqstant dejjem, wara li kien jippriedka lill-poplu, xħin itemm il-priedka li jkun għamel, kien jiġbor lis-saċerdoti flimkien, li kienu jgħixu hemmhekk, f'post għalihom waħedhom, sabiex is-sekulari ma jisimgħuhx, u kien jippriedkalhom dwar is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, u l-aktar

dwar il-kura u l-qima kbira li kellhom juru biex iżommu l-knejjes indaf, u l-altari u dak kollu li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. [CA 60]

[1503] Kapitlu 57
Dwar il-bidwi li sabu jiknes knisja bl-umiltà kollha, u dwar kif ikkonverta u daħal fl-Ordni u sar qaddis fost l-aħwa.

Jum minnhom, l-imqaddes Franġisku mar fi knisja f'ċertu raħal qrib Assisi[242], u beda jiknisha u jnaddafha bl-umiltà kollha. Dak il-ħin stess in-nies ta' dak ir-raħal intebħu li kien wasal u bdew ixerrdu l-aħbar, għaliex dawk in-nies kienu jmorru bil-qalb biex jarawh u jisimgħuh. U kien hemm wieħed li sema' li wasal Franġisku, li kien jismu Giovanni[243], raġel ta' sempliċità mill-akbar, li kien qiegħed jaħrat f'għalqa li kellu qrib dik il-knisja, u dan ġie mall-ewwel għandu u sabu jiknes il-knisja bl-umiltà u d-devozzjoni, u qallu: "Ħija, agħtini l-ixkupa, għax jiena rrid ngħinek". U wara li ħa l-ixkupa minn għandu beda jiknes il-bqija tal-knisja.

Imbagħad qagħad bilqiegħda u qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, jiena ili żmien twil nixtieq naqdi lil Alla, u l-aktar wara li smajt bil-fama tiegħek u ta' l-aħwa tiegħek; imma ma nafx kif niġi nfittxek. Imma issa li l-Mulej għoġbu li narak, jiena irrid nagħmel dak li inti tgħidli".

L-imqaddes Franġisku, meta qies il-ħeġġa tiegħu, feraħ fil-Mulej, l-aktar għaliex dak iż-żmien ftit kellu aħwa, u wkoll għax ra li, minħabba s-sempliċità u s-safa tiegħu, seta' jkun reliġjuż tajjeb. Għalhekk qallu: "Ħija, jekk inti trid tgħix magħna fil-fraternità tagħna, jeħtieġ li inti tħalli warajk *dak kollu li jista' jkollok* (cfr. Tob 1,3) mingħajr ma tagħti skandlu, u *agħtih lill-foqra* (cfr. Mt 19,21), skond il-parir ta' l-Evanġelju mqaddes, għaliex hekk jagħmlu l-aħwa li jiġu miegħi, meta jkunu jistgħu".

Dak, malli sema' dan il-kliem, telaq mall-ewwel fil-għalqa, fejn kien ħalla l-barrin, ħallhom u ġab wieħed minnhom għand l-imqaddes Franġisku filwaqt li qallu: "Ħija, jiena ili naqdi lil missieri u lin-nies ta' dari għal ħafna snin; għalkemm is-sehem tal-wirt li jmissni hu żgħir, irrid nieħu dan il-barri bħala sehemi u *nagħti* lilu *lill-foqra* (cfr. Mt 19,21), kif lilek jidhirlek l-aħjar skond Alla".

Iżda meta l-ġenituri tiegħu u ħutu, li kienu għadhom żgħar, raw li hu ried jitlaqhom, bdew ilkoll kemm huma jibku u jolfqu b'leħen tant għoli f'darhom li l-imqaddes Franġisku tqanqal mill-ġewwieni tiegħu bil-ħniena, l-aktar għax ra li dik kienet familja numeruża u fqira. Għalhekk l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Lestu xi ħaġa ta' l-ikel biex nieklu lkoll flimkien, u tkomplux tibku, għaliex jiena nagħmilkom henjin". Huma għaldaqstant hejjew l-ikel mall-ewwel, u kielu flimkien bil-ferħ.

---

[242] Fra Agostino da Stroncone, fl-*Umbria Serafica*, hu l-uniku wieħed li jgħid li dan l-episodju seħħ f'Villa Altiana (forsi Nottiano).

[243] Dan hu magħruf bħala fra Giovanni il Semplice. Fil-*Vitae SS. Fratrum Provinciae Saxoniae* (seklu XIV), *Archivum Franciscanum Historicum* 18(1925) 213-214, jingħad li miet u indifen fil-Porziuncola. Skond il-*Franceschina* I,106-107, il-konverżjoni tiegħu seħħet fl-1215-1216.

Wara li spiċċaw jieklu l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Dan binkom irid jaqdi lil Alla, u għalhekk ma għandkomx titnikktu, imma tifirħu; u dan mhux biss quddiem Alla, imma wkoll quddiem id-dinja, għaliex dan se jkun jiswielkom għall-ġieħ u l-ġid tar-ruħ u tal-ġisem tagħkom, għaliex intom se toffru parti minn ġisimkom stess biex tagħtu ġieħ lil Alla, u l-aħwa tagħna jsiru kollha uliedkom u ħutkom. Din il-ħlejqa ta' Alla trid taqdi lill-Ħallieq tagħha, u li taqdi lilu jfisser li ssaltan, u għalhekk jiena ma nistax u lanqas ma għandi nerġa' nroddulkom lura lil dan binkom u ħukom. Imma, biex intom ikollkom il-faraġ, irrid li dak li hu ħa minngħandkom, jiġifieri dan il-barri, billi intom foqra, għandu jerġa' jroddu lilkom, għax jixraq li *hu jagħtih lill-foqra* (cfr. Mt 19,21), skond il-parir ta' l-Evanġelju". Hekk huma tfarrġu ħafna għall-kliem ta' l-imqaddes Franġisku, u l-aktar li ferħu għaliex dak il-barri reġa' ingħatalhom lura, għax tassew kienu foqra.

U billi l-imqaddes Franġisku kien iħobbu ħafna [lil fra Giovanni] u kienet togħġobu s-sempliċità u s-safa li kien jara fih u fl-oħrajn, hekk kif hu xidd il-libsa tar-Reliġjon, dejjem kien jieħdu miegħu bħala sieħbu. Hu tant kien sempliċi, li kull ħaġa li kien jagħmel l-imqaddes Franġisku, kien jemmen li jrid jagħmel bħalu. Hekk, meta l-imqaddes Franġisku kien joqgħod f'xi knisja jew xi post imwarrab biex jingħata għat-talb, hu kien ikun irid josservah u jħares lejh, hekk li kien jipprova jimita l-ġesti kollha li kien jagħmel. U jekk l-imqaddes Franġisku kien jinżel għarkubbtejh, jew jerfa' *idejh lejn is-sema* (cfr. Dt 32,40), jew inkella jitniehed jew jisgħol, hu kien jagħmel bħalu. U għalhekk l-imqaddes Franġisku b'ferħ kbir kien iċanfru għal din is-sempliċità tiegħu; imma hu kien iwieġbu: "Ħija, jiena wegħidt li nagħmel dak kollu li tagħmel int; u għalhekk irrid nagħmel dak kollu li narak tagħmel". L-imqaddes Franġisku kien jistagħġeb u jifraħ meta jara fih dik is-sempliċità u s-safa tal-qalb.

Beda jimxi 'l quddiem fil-virtujiet kollha u kien perfett fl-għemil it-tajjeb, hekk li l-imqaddes Franġisku u l-aħwa l-oħrajn kienu jistagħġbu ħafna bil-perfezzjoni tiegħu. Wara ftit taż-żmien hu miet f'dik il-perfezzjoni qaddisa. U l-imqaddes Franġisku, b'ħafna ferħ minn ġewwa u minn barra, kien jirrakkonta lill-aħwa l-oħrajn il-konverżjoni tiegħu, u kien isejjaħlu mhux aktar fra Giovanni, imma san Giovanni. [CA 61; 2C 190]

[1504] Kapitlu 58
Dwar kif ikkastiga lilu nnifsu billi ried jiekol mill-istess skudella flimkien ma' lebbruż, talli kien ġagħalu jistħi.

Darba, meta l-imqaddes Franġisku ġie lura lejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, sab hemmhekk lil fra Giacomo il Semplice[244] flimkien ma' wieħed lebbruż mimli grieħi, li kien ġie hemmhekk dakinhar. Il-missier imqaddes kien ħalla lil dak il-lebbruż u lebbrużi oħrajn li kellhom bosta ġrieħi f'idejn dan il-fra: għaliex dak iż-żmien l-aħwa kienu jaqdu lill-imġiddmin fil-lebbrożarji tagħhom. Dak fra Giacomo kien sar qisu t-tabib ta' dawk fosthom li kienu l-aktar gravi, u bil-qalb kollha kien imissilhom il-ġrieħi tagħhom, inaddafhomlhom u jdewwihomlhom.

L-imqaddes Franġisku qal lil fra Giacomo donnu irid iċanfru: "Inti ma għandekx iġġib lil ħutna kristjani hawnhekk, għaliex taf li dan ma jaqbilx la għalik u lanqas għalihom". Hekk qal mela l-missier imqaddes, għaliex għalkemm kien kuntent li l-aħwa jieħdu ħsieb tal-lebbrużi u

[244] Rigward dan fra Giacomo ma nafu kważi xejn. La Bartolomeo da Pisa u lanqas il-*Franceschina* ma jgħidulna xejn dwaru.

jaqduhom, imma ma kienx irid li dawk fosthom li jkollhom ħafna ġrieħi joħorġuhom barra mil-lebbrożarju, l-aktar għaliex dan fra Giacomo kien sempliċi ħafna u ta' spiss kien imur fil-knisja ta' Santa Marija flimkien ma' xi lebbruż, u għaliex ukoll il-bnedmin soltu jistmerru u jibżgħu minn dawk il-lebbrużi li jkollhom ħafna ġrieħi. L-imqaddes Franġisku kien isejjaħ il-lebbrużi "ħutna kristjani".

Imma malli qal hekk, l-imqaddes Franġisku mall-ewwel ċanfar lilu nnifsu u mar jistqarr il-ħtija tiegħu lil fra Pietro Cattanio, li dak iż-żmien kien ministru ġeneral, l-aktar għaliex l-imqaddes Franġisku fehem li b'dak il-kliem ta' ċanfir li qal lil fra Giacomo seta' offenda lil dak il-lebbruż. U għalhekk ma jistqarr il-ħtija tiegħu, biex jissoddisfa lil Alla u lil-lebbruż. Imbagħad l-imqaddes Franġisku qal lil fra Pietro: "Jiena irrid nagħmel din il-penitenza li se ngħidlek, u rrid li inti tikkonfermahieli u li *ma tnaqqasli xejn* (cfr. Sir 4,30), minnha". Qallu fra Pietro: "Ħija, agħmel dak li tixtieq". Issa fra Pietro tant kellu qima u tant kien jibża' mill-imqaddes Franġisku, u tant kien jobdih, li bl-ebda mod ma kien se jażżarda jbiddel l-ubbidjenza li ried jagħmel Franġisku, ukoll jekk kien jitnikket ħafna.

L-imqaddes Franġisku mela qallu: "Din se tkun il-penitenza tiegħi, jiġifieri li niekol mill-istess skudella flimkien ma' ħuna kristjan". U hekk ġara, li l-imqaddes Franġisku qagħad fuq il-mejda flimkien mal-lebbruż u ma' l-aħwa l-oħrajn, u ġabhulhom skudella waħda bejniethom it-tnejn. Issa l-lebbruż kien mimli ġrieħi ma' ġismu kollu, u l-aktar is-swaba, li bihom beda jiekol, kienu mimlijin ġrieħi u jqattru d-demm, hekk li, kull meta kien iqiegħdhom fl-iskudella, kien iqattar id-demm minnhom ġewwa fiha. Meta raw dan kollu fra Pietro u l-aħwa l-oħrajn tnikktu mhux ftit, imma ma ażżardaw jgħidulu xejn, minħabba l-biża' mill-missier imqaddes.

*Min qiegħed jikteb dan, ra b'għajnejh u jagħti xhieda* (cfr. Ġw 19,35; 21,24). [CA 64]

[1505] Kapitlu 59
Dwar kif kien iħarrab lix-xjaten bil-kliem ta' l-umiltà.

Darba fost l-oħrajn l-imqaddes Franġisku mar fil-knisja ta' San Pietro di Bovara[245], li tinsab qrib il-kastell ta' Trevi, fil-Valle Spoletana; u flimkien miegħu kien hemm fra Pacifico li fis-seklu kien jissejjaħ *re dei versi* u li kien għalliem nobbli u raffinat tal-kant.

Dik il-knisja kienet mitluqa. L-imqaddes Franġisku qal lil fra Pacifico: "Erġa' lura fil-lebbrożarju, għaliex jiena rrid noqgħod hawn waħdi dal-lejl, imbagħad għada filgħodu ejja sibni hawnhekk".

L-imqaddes Franġisku baqa' waħdu hemmhekk u beda jitlob il-kumpieta u t-talb l-ieħor tiegħu. Imbagħad ipprova jorqod, imma ma setax, għaliex l-ispirtu tiegħu beda jibża' u jħoss ħafna tentazzjonijiet tax-xitan. Hu qam mall-ewwel, ħareġ barra mill-knisja u immarka lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, filwaqt li qal: "Min-naħa ta' Alla li jista' kollox ngħidilkom, ja demonji, li dak kollu li jippermettielkom tagħmlu l-Mulej tagħna Ġesù Kristu biex tagħmlu ħsara lil ġismi,

---

[245] Il-knisja ta' San Pietro di Bovara di Trevi, qrib il-Fonti del Clitunno, għadha teżisti sallum u tidher sewwa mit-triq li tgħaddi taħt Trevi u tibqa' sejra Spello u Assisi. Is-salib li talab quddiemu fra Pacifico x'aktarx hu l-istess wieħed li għad hemm illum fil-knisja, li għandha kurċifiss ta' l-injam tas-seklu XII.

agħmluh, għaliex jiena mhejji biex nilqa' u nsofri kollox, ġaladarba l-agħar għadu li għandi hu l-ġisem tiegħi: hekk intom *tkunu qegħdin tgħinuni nagħmel ħaqq kontra l-għadu tiegħi*" (cfr. Lq 18,3).

U mall-ewwel waqfu dawk it-tentazzjonijiet. Hekk reġa' lura fil-*post* li fih kien *imtedd*, u straħ u *raqad* (cfr. 1Slat 3,2.9) fis-sliem. [CA 65; 2C 122]

[1506] Kapitlu 60
Dwar il-viżjoni li kellu fra Pacifico u dwar kif ra u sema' li t-tron ta' Luċifru kien issa merfugħ għall-umli Franġisku.

*Meta sebaħ l-għada* (cfr. Ġw 21,4) fra Pacifico reġa' lura f'dak il-post. L-imqaddes Franġisku kien jinsab jitlob quddiem l-altar. U fra Pacifico qagħad jistennieh barra mill-kor, billi hu wkoll qagħad jitlob quddiem il-Mulej imsallab. U malli beda jitlob fra Pacifico, ġie merfugħ'il fuq f'estasi, *jekk hux fil-ġisem jew barra mill-ġisem ma kienx jaf* (cfr. 2Kor 12,2.3), u *ra* bosta *tronijiet fis-sema* (cfr. Apk 4,1.4), li fosthom ra wieħed isbaħ mill-oħrajn kollha, glorjuż u mimli dija, *u mżejjen b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż* (cfr. Apk 21,19). Filwaqt li beda jammira s-sbuħija tiegħu, *beda jaħseb bejnu u bejn ruħu* (cfr. Dan 4,16) x'seta' kien dak it-tron u ta' min kien. U mall-ewwel *sema' leħen jgħidlu* (cfr. Atti 9,4): "Dak kien it-tron ta' Luċifru, u issa floku se joqgħod fuqu l-umli Franġisku".

U wara li ġie lura f'tiegħu, mall-ewwel l-imqaddes Franġisku ħareġ ħdejh. Hu kien pront *inxteħet għal tulu fl-art* f'għamla ta' salib *f'riġlejn* (cfr. Atti 10,25) l-imqaddes Franġisku, għax beda jqisu li qiegħed fil-ġenna, minħabba l-viżjoni li kien għadu kif ra dwaru, u qallu: "Missier, aħfirli dnubieti u itlob lill-Mulej biex jaħfirli u jkollu ħniena minni". U filwaqt *li tah idejh* (cfr. Mt 14,31) l-imqaddes Franġisku qajjmu, u *intebaħ li kellu xi dehra* (cfr. Lq 1,22) waqt li kien jitlob. Hu kien donnu mibdul u beda jitkellem ma' l-imqaddes Franġisku mhux bħallikieku kien ħaj fil-ġisem, imma bħallikieku kien qiegħed isaltan fis-sema.

Imbagħad, mill-bogħod, għaliex ma riedx jirrakkonta l-viżjoni tiegħu lill-imqaddes Franġisku, fra Pacifico, fost ħwejjeġ oħrajn, staqsa lill-imqaddes Franġisku u qallu: "Inti x'jidhirlek minnek innifsek, ħija?" L-imqaddes Franġisku wieġbu u qallu: "Jiena jidhirli li jiena l-aktar midneb kbir li jeżisti fid-dinja". U dak il-ħin stess fra Pacifico ħass min jgħidlu fl-ispirtu tiegħu: "B'dawn il-kelmiet tista' tagħraf kemm *kienet tassew il-viżjoni* (cfr. Dan 8,26) li inti rajt; għaliex, kif Luċifru fil-kburija tiegħu ġie mwaqqa' minn dak it-tron, hekk l-imqaddes Franġisku fl-umiltà tiegħu għad jistħoqqlu jitgħolla u joqgħod fuqu". [CA 65; 2C 123; LM X,3]

[1507] Kapitlu 61
Dwar kif ġiegħel lill-aħwa jkaxkruh għeri b'ħabel imdawwar ma'għonqu, quddiem il-poplu.

Darba minnhom, meta kien qiegħed ifiq minn marda kiefra, beda jaħseb li, waqt dik il-marda kien kiel ftit ikel aktar mis-soltu, għalkemm hu kien kiel ftit, għax ma kienx jista' jiekol

minħabba l-ħafna mardiet li kien mgħakkes bihom il-ħin kollu. Hekk jum minnhom qam, malli fieq mill-*febbre quartana*[246], u ġabar lill-poplu ta' Assisi għal priedka fil-pjazza[247].

Meta temm il-priedka, talab lil kulħadd biex ma jiċċaqlaqx minn hemm sa ma hu jerġa' lura. U daħal fil-knisja episkopali ta' San Rufino, flimkien ma' bosta aħwa u ma' fra Pietro Cattanio, li qabel kien kanonku fl-istess knisja, u li hu kien għażlu bħala ministru ġeneral[248], u ikkmanda lil fra Pietro biex jagħmel dak kollu li kien ser jitlob minnu, u li jobdih bla tlaqliq. U fra Pietro qallu: "Ħija, jiena la nista', u lanqas irrid xejn f'dak li għandu x'jaqsam miegħek, ħlief dak li jogħġob lilek".

L-imqaddes Franġisku neża' t-tonka u talab lil fra Pietro biex ikaxkru b'ħabel imdawwar ma' għonqu u joħorġu għeri quddiem in-nies, sal-post li fih kien ippriedka. Lil wieħed ieħor mill-aħwa ordnalu li jieħu f'idejh skudella mimlija irmied, jitla' fuq il-post li minnu kien jippriedka, u jixħetlu dak l-irmied kollu fuq rasu. Imma dak, imqanqal mill-ħniena u għax kien iħoss għalih, ma riedx jobdih. U hekk qam fra Pietro u, wara li rabatlu ħabel ma' għonqu, kaxkru 'l barra, kif kien ordnalu, filwaqt li hu u l-aħwa l-oħrajn infexxew jibku bl-imrar minħabba l-ħniena li bdew iħossu għalih.

U ġara li meta ħaduh għeri quddiem in-nies fil-post fejn kien jippriedka, hu qal: "Intom taħsbu li jiena raġel qaddis, kif ukoll dawk li fuq l-eżempju tiegħi ħallew id-dinja, u daħlu fl-Ordni u fil-ħajja ta' l-aħwa. Imma quddiem Alla u quddiemkom nistqarr li, meta jiena kont marid, kilt il-laħam u l-brodu tat-tiġieġa". U dawk kollha li kienu hemm bdew jibku bil-qima u d-devozzjoni lejh, l-aktar għaliex kien qiegħed jagħmel bard kbir u kienet ix-xitwa, u hu kien għadu bil-ħniena kemm ġie mfejjaq mill-*febbre quartana*.

U bdew iħabbtu fuq sidirhom u jakkużaw lilhom infushom u jgħidu: "Jekk dan il-bniedem qaddis qiegħed jakkuża lilu nnifsu u jistħi għax hu ħa ħsieb ġismu meta kien fi ħtieġa kbira, u dan ħajtu nafuha, għaliex minħabba ċ-ċaħdiet kbar u l-penitenzi li ilu jagħmel fuq ġismu mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħu lejn Kristu, aħna qegħdin naraw li jgħix f'ġisem li donnu qiegħed imut; mela aħna imsejknin x'sejrin nagħmlu, aħna li għal ħajjitna kollha dejjem għexna u rridu ngħixu skond ir-rieda u *x-xewqat tal-ġisem*?" (cfr. Ef 2,3; Gal 5,16) [CA 80]

[1508] Kapitlu 62
Dwar kif ried li kulħadd ikun jaf meta ġismu jirċievi xi trattament speċjali.

L-istess ġara darba oħra, meta kien jinsab f'eremitaġġ għar-randan ta' San Martin[249], u l-aħwa minħabba li hu kien marid, sajjrulu l-ikel bix-xaħam u tawhulu biex jieklu, l-aktar għaliex

---

[246] Il-*febbre quartana* hi tip ta' marda tal-malarja, li ttella' d-deni kull ftit jiem.
[247] Franġisku ġabar lin-nies fil-pjazza ta' San Rufino, li fil-fatt tissemma bħala knisja aktar tard fl-istess ġrajja. Din x'aktarx kienet l-ikbar pjazza fil-belt fi żmien San Franġisk, minħabba li l-bażilika ta' San Rufino mibnija mill-isqof Ugone kienet twaqqgħet biex flokha jinbena l-kattidral li naraw illum.
[248] L-aċċenn għal fra Pietro Cattanio, li ġie magħżul vigarju ta' San Franġisk fl-1220 u li miet fl-10 ta' Marzu 1221, jindika li din il-ġrajja seħħet fix-xitwa ta' l-1221.
[249] Ir-randan ta' San Martin kien wieħed mill-perjodi penitenzjali li kien josserva San Franġisk u li jsemmi fir-regoli tiegħu. Kien ir-randan li jibda mill-festa tal-Qaddisin kollha u jibqa' sejjer sal-Milied, u kien jinbena fuq il-mudell tar-

iż-żejt kien jagħmillu ħażin ħafna fil-marda tiegħu. Meta intemm ir-randan, waqt li kien qiegħed jippriedka lil ħafna *nies miġburin* (cfr. Dt 31,12; Neħ 8,1), malli beda jippriedka qalilhom: "Intom ġejtu tisimgħuni b'devozzjoni kbira u taħsbu li jiena bniedem qaddis, imma quddiem Alla u quddiemkom irrid nistqarr li f'dan ir-randan, meta kont fl-eremitaġġ, jiena kilt ikel imsajjar bix-xaħam".

Mhux l-ewwel darba kien jiġri li l-aħwa, jew nies li jkunu ħbieb ta' l-aħwa, meta hu kien jiekol għandhom, billi kienu jkunu jafu kemm kien marid f'ġismu, kien jħejjulu ikel sustanzjuż, imma hu jew fid-dar stess inkella malli kien joħroġ mid-dar, quddiem l-aħwa u wkoll quddiem is-sekulari li ma kienux ikunu jafu, kien jgħid bil-miftuħ: "Jiena kilt minn dak l-ikel". Ma kienx irid iżomm moħbi mill-bnedmin dak li kien magħruf quddiem Alla. Għax kull fejn kien ikun, jew quddiem reliġjużi jew quddiem sekulari, jekk l-ispirtu tiegħu mqar għal ftit kien jitqanqal għall-vanaglorja, jew ftaħir, jew xi vizzju ieħor, mall-ewwel kien jistqarr il-ħtija tiegħu quddiemhom bil-miftuħ u mingħajr ma jaħbi xejn. Hekk jum minnhom qal lil sħabu: "Jiena rrid ngħix quddiem Alla fl-eremitaġġi u fil-postijiet l-oħrajn, daqs li kieku n-nies ikunu qiegħdin jarawni; li ma jmorrux jaħsbuni li jiena raġel qaddis u mbagħad, meta jaraw li jiena ma ngħix ħajja li tixraq lil bniedem qaddis, nidher ipokrita quddiemhom".

Darba minnhom fix-xitwa minħabba l-mard li kellu fil-milza u fl-istonku, wieħed mill-aħwa li kien il-gwardjan tiegħu, iddubbalu biċċa ġild tal-volpi, u talbu sabiex iħallihom iħituhielu fuq ġewwa tat-tonka fejn din tmiss mal-milza u l-istonku, l-aktar għaliex kien qiegħed jagħmel bard kbir. Imma l-imqaddes Franġisku wieġbu: "Jekk inti trid li jiena nżomm dak il-ġild imwaħħal mat-tonka fuq ġewwa, ħitli ieħor bħalu fuq barra tat-tonka, biex tkun xhieda quddiem il-bnedmin li minn taħt jiena nilbes il-ġild tal-volpi". U hekk seħħ; imma hu ma damx wisq jilbisha, għalkemm kienet meħtieġa minħabba l-mard tiegħu. [CA 81; 2C 130. 131]

[1509] Kapitlu 63
Dwar kif akkuża lilu nnifsu mall-ewwel bi ftaħir fieragħ għaliex rawh jagħti l-karità.

Darba oħra kien għaddej mill-belt ta' Assisi, kien hemm mara anzjana u fqira li bdiet titolbu jagħtiha karità għall-imħabba ta' Alla, u hu mall-ewwel taha l-mantell li kellu fuqu. Imma mbagħad mall-ewwel stqarr quddiem in-nies li kienu mexjin warajh li kien ħass vanaglorja meta għamel dak il-ġest.

*Aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) *rajna u smajna* (cfr. 1Ġw 1,1) bosta eżempji bħal dawn, imma ma nistgħux noqgħodu nirrakkontawhom, għax nieħdu wisq fit-tul.

Franġisku kien joqgħod ħafna attent biex fuq kollox ma jurix ruħu ipokrita quddiem Alla. U għalkemm ġismu, minħabba l-mard, kellu bżonn ta' ikel sustanzjuż, hu kien jieħu ħsieb li jagħti dejjem eżempju tajjeb lill-aħwa u lill-oħrajn, li ma jmurx ikun għalihom okkażjoni ta' tgemgim jew ta' skandlu. Kien jippreferi li bis-sabar u bil-qalb it-tajba jbati l-ħtieġa fil-ġisem. [CA 82; 2C 132]

---

Randan li jwassal sa l-Għid il-Kbir. Paul Sabater iqiegħed dan l-episodju fix-xitwa ta' l-1220-1221. F'2C 131 jingħad: *apud eremitorium de Podio*, jiġifieri l-emermitaġġ ta' Poggio Bustone, fil-Valle Reatina.

[1510] Kapitlu 64
Dwar kif iddeskriva l-istat ta' l-umiltà perfetta fih innifsu.

Meta darba minnhom kien riesaq il-kapitlu, l-imqaddes Franġisku qal lil wieħed mill-aħwa: "Jiena ma narax lili nnifsi bħala patri Minuri, jekk mhux fl-istat li issa sejjer ngħidlek. Ara l-aħwa b'devozzjoni u qima kbira jiġu għandi u jistiednuni għall-kapitlu, u imqanqal mid-devozzjoni lejhom, jiena mmur magħhom fil-kapitlu. U, meta huma jkunu miġburin flimkien, jitolbu lili sabiex inxandrilhom il-kelma ta' Alla; u jiena inqum u nibda nippriedka skond ma *jgħallimni l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Lq 12,12).

Meta ntemm il-priedka tiegħi, nimmaġinaw li joqgħodu bilqiegħda u jibdew jitkellmu kontrija u jgħiduli: *Aħna ma rridukx tmexxina* (cfr. Lq 19,14); għaliex inti ma tafx titkellem u inti sempliċi u bla skola. U aħna nistħu li jkollna prelat daqshekk sempliċi u ta' min jistmerru fuqna; minn issa 'l quddiem ara ma jfettillekx tippretendi li tissejjaħ il-prelat tagħna! U hekk ikeċċuni 'l barra biż-żeblieħ. Jiena ma jidhirlix li nkun tassew patri Minuri, jekk ma nifraħx b'dak il-mod kif iġibu ruħhom miegħi, meta huma jgħajjruni u jkeċċuni 'l barra bil-mistħija, u ma jkunux iriduni nkun il-prelat tagħhom, daqslikieku huma jagħtuni ġieħ u qima, u jiena għandi nara l-qligħ fiż-żewġ modi kif iġibu ruħhom miegħi. Għaliex, jekk jiena nifraħ meta narahom mexjin 'il quddiem u meta nara l-qima tagħhom, meta huma jfaħħruni u jagħtuni ġieħ, u meta jista' jkun hemm għalija periklu għal ruħi, ħafna aktar jaqbel li għandi nifraħ u naqbeż bil-ferħ u nħoss li jkun ta' ġid u ta' salvazzjoni għal ruħi, meta huma jgħajjruni, meta jkeċċuni 'l barra bil-mistħija, u meta tassew ikun hemm għalija qligħ għal ruħi". [CA 109; 2C 145]

[1511] Kapitlu 65
Dwar kif hu ried imur bl-umiltà fl-artijiet fil-bogħod, kif kien bagħat lill-aħwa l-oħrajn; u dwar kif għallem lill-aħwa biex imorru fid-dinja bl-umiltà u d-devozzjoni.

Fiż-żmien li intemm il-kapitlu, li fih għall-ewwel darba l-aħwa intbagħtu fil-provinċja ta' *oltremare*[250], l-imqaddes Franġisku baqa' f'dak il-post flimkien ma' xi aħwa, u qalilhom: "L-aħwa l-aktar għeżież, jiena jaqbel li nkun forma u eżempju għall-aħwa kollha. Issa jekk jiena bgħatt lill-aħwa tiegħi f'reġjuni 'l bogħod għall-ħidma u għall-umiljazzjonijiet, għall-ġuħ u għal kull ħtieġa oħra li jridu jsofru, jidhirli li tkun ħaġa xierqa u tajba, li jiena wkoll bl-istess mod immur f'xi provinċja imbiegħda, l-aktar għaliex irrid inwieżen lill-aħwa fil-ħtiġijiet u t-tiġrib tagħhom, meta huma jsiru jafu li anke jiena qiegħed insofri t-tiġrib tiegħi. Għaldaqstant, morru u itolbu lill-Mulej, sabiex jgħinni nagħżel dik il-provinċja, li tkun l-aħjar għat-tifħir tal-Mulej u biex naħdem għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u nagħti eżempju tajjeb lill-Ordni tagħna".

---

[250] Paul Sabatier jgħid li din is-silta għandha importanza mill-akbar, għaliex tindika ż-żmien li fih l-Ordni beda jorganizza l-missjonijiet kbar tiegħu barra mill-Italja. Il-kapitlu ġenerali kien dak ta' Pentekoste ta' l-14 ta' Mejju 1217, meta l-aħwa intbagħatu 'l fuq mill-Alpi (fil-Ġermanja) u fir-reġjun ta' *Oltremare*, jew is-Sirja. Franġisku jagħżel li jmur Franza. Imma nafu li dik is-sena, bil-bulla tat-23 ta' Jannar 1217, il-kardinal Ugolino kien intbagħat minn Onorju III bħala Legat fit-Toscana. Kien proprju ġewwa Firenze fejn hu jiltaqa' ma' San Franġisk fi triqtu lejn Franza, u jwaqqfu u jikkonvinċih biex jirritorna lejn Assisi.

Għax kienet drawwa tal-missier l-aktar qaddis, mhux biss meta jmur biex jippriedka f'xi provinċja mbiegħda, imma wkoll meta jmur jippriedka fil-provinċji fil-qrib, li *jitlob lill-Mulej* u kien jibgħat lill-aħwa wkoll biex jitolbu, *sabiex* kull fejn ikun l-aħjar skond Alla, l-Mulej *imexxi* (cfr. Ġud 12,8) lil qalbu biex imur hemmhekk. Marru mela l-aħwa biex jitolbu, u meta temmew it-talb, reġgħu lura għandu. U hu qalilhom: "*F'isem* il-Mulej tagħna *Ġesù Kristu* (cfr. Atti 3,6) u l-omm Verġni glorjuża tiegħu u l-qaddisin kollha, jiena nagħżel il-provinċja ta' Franza, li fiha hemm nies kattoliċi ħafna, u l-aktar għaliex fost il-pajjiżi kattoliċi tal-Knisja mqaddsa turi qima mill-aktar kbira lejn il-Ġisem ta' Kristu[251]: u dan lili jogħġobni ħafna. Hekk jiena bil-qalb kollha nixtieq immur ngħix magħhom".

Għax l-imqaddes Franġisku tant kellu qima u devozzjoni lejn il-Ġisem ta' Kristu, li hu ried jikteb fir-Regola, li l-aħwa, fil-provinċji li fihom jgħixu, għandu jkollhom kura u ħerqa, u jwissu u jippriedkaw fost il-kjeriċi u s-saċerdoti, sabiex il-Ġisem ta' Kristu jqiegħduh dejjem f'postijiet tajbin u xierqa; u jekk dan ma kienux jagħmluh, hu kien irid li l-aħwa infushom jagħmluh.

Hu bl-istess mod ried li jinkiteb fir-Regola, li l-kliem u l-ismijiet tal-Mulej miktubin, li bihom jiġi ikkonsagrat il-Ġisem tal-Mulej, kull fejn kienu jinstabu mill-aħwa f'postijiet mhux xierqa jew mhux ta' ġieħ, jew mitluqin u mitlufin, dawn kellhom jiġbruhom u jqiegħduhom f'post xieraq, filwaqt li jagħtu ġieħ lill-Mulej fil-kliem li hu qal. U għalkemm dawn il-kelmiet hu ma kitibhomx fir-Regola, l-aktar għaliex għall-aħwa ministri kien jidher mhux ħaġa tajba li l-aħwa jkollhom dawn il-kelmiet bi kmand, imma l-missier imqaddes l-istess kiteb fit-Testment u fil-kitbiet l-oħrajn tiegħu biex iħalli r-rieda tiegħu dwar dan lill-aħwa.

Kien hemm żmien li fih hu ried jibgħat lill-aħwa b'ħafna pissidijiet nodfa fil-provinċji kollha tad-dinja, u kull fejn kienu jsibu l-Ġisem ta' Kristu mqiegħed mhux f'post xieraq, kellhom jerfgħuh bil-ġieħ f' dawk il-pissidijiet. Bl-istess mod hu kien irid jibgħat lill-aħwa l-oħrajn fid-diversi provinċji b'ħafna strumenti tal-ħadid tajbin u sbieħ biex huma jkunu jistgħu jagħmlu l-ostji bihom.

Meta mbagħad l-imqaddes Franġisku kien għażel lil dawk l-aħwa li hu ried jeħodhom miegħu, qalilhom: "F'isem il-Mulej morru *tnejn, tnejn* (cfr. Mk 6,7) b'mod onest fit-triq u l-aktar fis-skiet, u kull filgħodu sal-ħin tat-terza ibqgħu itolbu lill-Mulej *fil-qlub tagħkom* (cfr. Kol 3,16). U *l-ebda kelma fiergħa* (cfr. Mt 12,36) jew bla siwi *ma għandha tinstema minn fommkom* (cfr. Ef 5,3). Meta tkunu mexjin, il-kliem tagħkom għandu jkun umli u onest, kemm jekk tkunu fl-eremitaġġ kif ukoll fiċ-ċella; għaliex kull fejn aħna nkunu u nimxu nġorru magħna ċ-ċella tagħna: ħuna l-ġisem hu ċ-ċella tagħna u r-ruħ hi l-eremita, li jgħix fiċ-ċella biex jitlob lil Alla u jimmedita dwaru. Għalhekk, jekk ir-ruħ ma tibqax fis-skiet u fil-ġabra maqtugħa għaliha fiċ-ċella tagħha, ikun kollu ta' xejn li reliġjuż joqgħod ġewwa ċella maħduma bl-idejn".

---

[251] X'aktarx li San Franġisk kien jaf bil-kult ewkaristiku fi Franza minn Jacques de Vitry, li hu seta' iltaqa' miegħu f'Perugia waqt il-funerali ta' Innoċenz III (Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 15). Damien Vorreux jagħti xi provi li jiddokumentaw din id-devozzjoni fi Franza: l-użu tal-musbieħ quddiem it-tabernaklu, li kien diġà drawwa ġenerali fi tmiem is-seklu XII (3C 7); l-użu ta' l-ostensorju (Digriet ta' Eudes de Silly, isqof ta' Pariġi, fl-1197); fjoritura ta' trattati dwar l-Ewkaristija; u bosta mirakli marbutin ma' l-Ewkaristija (cfr. "France", in *Dictionnaire de Spiritualité*, col. 873). L-istess San Franġisk hu awtur ta' diversi kitbiet b'tema ewkaristika: *Admonitio* I; *EpCler* I u II; *EpCust* I u II; *EpFid* I u II; *EpOrd*.

Meta l-imqaddes Franġisku wasal Firenze, hemmhekk sab lis-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia, li wara sar Papa Girgor. Meta sema' li l-imqaddes Franġisku ried imur Franza, ma ħalliehx ikompli fi triqtu, u qallu: "Ħija, jiena ma rridx li inti taqsam il-muntanji, għaliex hemm bosta prelati u oħrajn li bil-qalb kollha jfixklu l-ġid ta' l-Ordni tiegħek fil-kurja Rumana. Jiena għalhekk u l-kardinali l-oħrajn, li nħobbu r-Reliġjon tiegħek, irridu niddefenduha bil-qalb u ngħinuha, imma inti trid tibqa' fil-limiti ta' din il-provinċja".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Sinjur, għalija hi ta' mistħija kbira, li l-imsejknin aħwa tiegħi jinsabu fi provinċji mbiegħda u maqtugħin, filwaqt li jiena nibqa' f'din il-provinċja u *ma nisseħibx fit-tiġrib tagħhom* (cfr. Apk 1,9) li huma jsofru għall-Mulej". Imma s-sinjur isqof qallu, kważi biex iċanfru: "U għaliex bgħatt lill-aħwa tiegħek daqshekk 'il bogħod biex imutu bil-ġuħ u jsofru tant tiġrib ieħor?"

L-imqaddes Franġisku wieġbu b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu u *bl-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apk 19,10): "Sinjur, inti taħseb jew temmen li l-Mulej irid jibgħat lill-aħwa biss għal din il-provinċja? Imma jiena ngħidlek fis-sewwa, li l-Mulej għażel u bagħat lill-aħwa għas-salvazzjoni u l-ġid ta' l-erwieħ tal-bnedmin kollha tad-dinja kollha, u mhux biss se jilqugħuhom fl-artijiet ta' dawk li jemmnu, imma wkoll fl-artijiet ta' l-infidili, sabiex hemm ukoll jilqgħuhom u jagħmlu bosta ġid lill-erwieħ".

Is-sinjur isqof ta' Ostia baqa' mistagħġeb għal dawn il-kelmiet tiegħu, għaliex għaraf li tassew kien hekk. Imma s-sinjur isqof ma ħalliehx ikompli sejjer fi Franza, u għalhekk l-imqaddes Franġisku bagħat lil fra Pacifico flimkien ma' aħwa oħrajn u hu reġa' lura fil-valle Spoletana[252]. [CA 108; 2C 108. 201; LM IX,2]

[1512] Kapitlu 66
Dwar kif għallem lil uħud mill-aħwa biex jirbħu l-erwieħ tal-ħallelin bl-umiltà u bil-karità tagħhom.

Darba minnhom f'eremitaġġ ta' l-aħwa fuq Borgo San Sepolcro[253] ġew xi ħallelin biex jittallbu l-ħobż mingħand l-aħwa, għax huma kienu jgħixu moħbijin fil-boskijiet kbar ta' dik il-provinċja u xi kultant kienu joħorġu minnhom fit-toroq u fil-mogħdijiet biex jisirqu lill-bnedmin li jkunu għaddejjin. Uħud mill-aħwa qalu li ma kienetx ħaġa tajba li wieħed jagħtihom il-karità; imma oħrajn, imqanqlin mill-ħniena, kienu jagħtuhom xi ħaġa, imma dejjem iwissuhom, biex jikkonvertu għall-ħajja ta' penitenza.

Sadanittant wasal f'dak il-post l-imqaddes Franġisku. L-aħwa staqsewh dwar dan, jiġifieri jekk kienetx ħaġa tajba li jagħtuhom il-karità. U l-imqaddes Franġisku qalilhom: "Jekk tagħmlu dak li se ngħidilkom jien, *u tafdaw fil-Mulej* (cfr. S 10,2), intom tirbħu l-erwieħ tagħhom. Morru,

---

[252] Fra Pacifico, l-ewwel ministru provinċjal ta' Franza, ġie mibgħut ma' l-ewwel aħwa fi Franza wara l-14 ta' Mejju 1217, wara l-kapitlu ġenerali li fih l-Ordni ġie maqsum fi ħdax-il provinċja: Umbria, Rumana, Terra del Lavoro (Napli), Sqallija, Marche, Toscana, Romagna, Spanja, Franza, Ġermanja-Ungerija, Oltremare (Sirja). (G. Golubovich, *Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa*, Quaracchi 1906-1927, II, 214-221).
[253] Dan hu l-eremitaġġ ta' Montecasale, li għadu jeżisti sallum. Il-post, skond Agostino da Stroncone (*Umbria Serafica*, a. 1213) ġie mogħti lil San Franġisk mill-isqof Giovanni ta' Città di Castello.

akkwistaw ħobż tajjeb u inbid tajjeb, u morru fittxuhom fil-bosk, fejn tafu li huma jgħixu flimkien, filwaqt li tgħajjtulhom u tgħidulhom: L-aħwa ħallelin, ejjew għandna, għaliex aħna ħutkom u ġibnielkom ħobż tajjeb u inbid bnin! U huma mall-ewwel jiġu għandkom. Intom ifirxu t-tvalja ma' l-art, u qiegħdu fuqha l-ħobż u l-inbid, u aqduhom bl-umiltà u bil-ferħ, sakemm huma jieklu. U wara li jieklu għidulhom xi kliem tal-Mulej u fl-aħħarnett itolbuhom għall-imħabba tal-Mulej din l-ewwel talba tagħkom, jiġifieri li jwiegħedukom li ma jsawwtu lil ħadd, u li ma jagħmlu l-ebda deni lil ebda bniedem. Għaliex, jekk intom titlolbuhom kollox f'daqqa f'darba biss, huma ma jisimgħux minnkom; u huma, minħabba l-umiltà u l-karità li intom tkunu urejtu magħhom, mall-ewwel iwiegħdukom. U jum ieħor qumu u minħabba l-wegħda tajba li huma jkunu għamlulkom, morru, u flimkien mal-ħobż u l-inbid, ħudulhom il-bajd u l-ġobon, u bl-istess mod qiegħdu kollox quddiemhom u servuhom, sakemm huma jieklu. U wara li jieklu għidulhom: *Għaliex toqogħdu hawnhekk il-jum kollu* (cfr. Mt 20,6) u tmutu bil-ġuħ, u ssofru minn ħafna tbatija, u bir-rieda tagħkom imbagħad tagħmlu bosta ħwejjeġ ħżiena, li bihom se titilfu ruħkom, jekk ma tikkonvertux lejn il-Mulej? Ikun aħjar li taqdu lill-Mulej, u hu f'din il-ħajja jagħtikom dak li teħtieġu għall-ġisem tagħkom, u fl-aħħarnett *isalvalkom ruħkom* (cfr. Ġak 1,21). U l-Mulej jispirahom għall-ħniena tiegħu, u huma jikkonvertu minħabba l-umiltà u l-karità li intom tkunu urejtu magħhom".

L-aħwa mela qamu u għamlu kollox skond kif kien qalilhom l-imqaddes Franġisku, u huma *għall-ħniena ta' Alla* (cfr. Rum 12,1) u għall-grazzja tiegħu, kelma b'kelma u tikka b'tikka semgħu u osservaw it-talbiet kollha li l-aħwa talbu minnhom bl-umiltà. Mhux biss, imma minħabba l-familjarità u l-umiltà li urew magħhom l-aħwa, bdew iġorrulhom l-injam fuq spallejhom lejn l-eremitaġġ, u xi wħud minnhom daħlu fl-Ordni. L-oħrajn *stqarru dnubiethom* (cfr. Mt 3,6) u laqgħu li jgħixu ħajja ta' penitenza[254], filwaqt li bdew iwiegħdu f'idejn l-aħwa li huma ma riedux aktar jagħmlu għemejjel ħżiena fid-dinja, imma riedu jgħixu *bil-ħidma ta' idejhom* (cfr. 1Kor 4,12; Ef 4,28). [CA 115; Fior 26]

[1513] Kapitlu 67
Dwar kif meta qala' xeba' mix-xjaten għaraf li Alla aktar jogħoġbu li wieħed joqgħod f'postijiet fqajrin u umli milli għand il-kardinali.

Darba minnhom l-imqaddes Franġisku mar Ruma biex iżur lis-Sinjur ta' Ostia. Wara li qagħad miegħu għal ftit ġranet, mar iżur ukoll lis-Sinjur Leone, kardinal li kien jara bil-qalb lill-imqaddes Franġisku u kien iqimu bil-kbir. U hu talbu b'kull xorta ta' devozzjoni biex jibqa' għandu għal ftit ġranet, l-aktar għaliex kienet ix-xitwa u kien qed jagħmel bard kbir, u kważi kuljum kien hemm riħ qawwi u xita. Għalhekk talbu biex jibqa' għandu għal xi ġranet, u jilqa' minn għandu l-ikel bħal tallab flimkien mal-foqra l-oħra kollha li ta' kuljum kienu jieklu mill-mejda tiegħu. Hu qallu hekk, għaliex kien jaf li l-imqaddes Franġisku minħabba l-umiltà dejjem kien ikun irid jiġi milqugħ u mogħti l-kenn bħal bniedem fqir, għalkemm tant kien magħruf għall-qdusija tiegħu, li kemm is-sinjur Papa kif ukoll il-kardinali li kienu jafuh, kienu jqisuh tassew u jqimuh bħal bniedem qaddis. U żied jgħidlu: "Jiena noffrilek post maqtugħ, li fih inti tkun tista' toqgħod titlob u tiekol, kif jogħġbok".

[254] Damien Vorreux hu tal-fehma li l-espressjoni Latina *alii acceperunt penitentiam*, tirreferi għall-fatt li uħud mill-ħallelin daħlu fl-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza (III Ordni Franġiskan).

Flimkien mal-kardinal kien joqgħod fra Angelo Tancredi, wieħed mill-ewwel tnax l-aħwa. U dan qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, qrib il-ħajt tal-belt hemm torri sabiħ li hu kbir u spazjuż, u li fih disa' turretti, li fihom inti tista' toqgħod qisek qiegħed f'eremitaġġ". L-imqaddes Franġisku mar jarah u għoġbu; u filwaqt li reġa lura għand is-sinjur kardinal, qallu: "Sinjur, jiena bi ħsiebni noqgħod għandek għal ftit ġranet".

U s-sinjur kardinal feraħ bil-kbir għal dawn il-kelmiet. Fra Angelo mar għalhekk u f'dak it-torri *ħejja post* (cfr. Ġw 14,2), sabiex l-imqaddes Franġisku flimkien ma' wieħed mill-aħwa jkun jista' joqgħod hemm. Għax l-imqaddes Franġisku ma riedx jinżel minn hemm, sakemm kellu jdum għand is-sinjur kardinal. Hu ftiehem ma' fra Angelo biex kuljum iġib minn barra l-ikel lill-imqaddes Franġisku u lil sieħbu, għaliex la hu u lanqas ħadd aktar ma kellu jidħol ħdejh.

L-imqaddes Franġisku mar mela hemmhekk biex joqgħod flimkien ma' sieħbu. Imma meta fl-ewwel lejl mar biex jorqod, ġew ix-xjaten u bdew iħabbtuh bil-qawwa. Hu mall-ewwel sejjaħ lil sieħbu, li kien jinsab ftit 'il bogħod minnu, u qallu: "Ħija, ix-xjaten qegħdin iħabbtuni bil-kbir: għalhekk irridek toqgħod ħdejja, għaliex qiegħed nibża' noqgħod hawnhekk waħdi". U sieħbu baqa' ħdejh għal dak il-lejl kollu. Imma l-imqaddes Franġisku kien jitriegħed kollu kemm hu, qisu bniedem li kien maħkum minn deni qawwi; u t-tnejn li huma baqgħu jishru fit-talb għal dak il-lejl kollu.

Sadanittant l-imqaddes Franġisku tkellem ma' sieħbu u qallu: "Għaliex taħseb li x-xjaten ħabbtuni u għaliex *ingħatat lilhom is-setgħa* (cfr. Apk 9,3; 13,5.7) mill-Mulej biex jagħmluli ħsara?" U beda jgħid: "Ix-xjaten huma l-*castaldi*[255] tal-Mulej tagħna. Kif il-*podestà*, meta jiġi offiż minn xi ħadd, jibgħat il-*castaldo* tiegħu biex jikkastigah, hekk il-Mulej *lil dawk li jħobb* permezz tal-*castaldi* tiegħu, jiġifieri permezz tax-xjaten, li huma l-qaddejja tiegħu f'dan il-ministeru, *jikkoreġihom u jikkastigahom* (cfr. Prov 3,12; Lhud 12,6). Saħansitra r-reliġjuż perfett jidneb f'ħafna affarijiet mingħajr ma jkun jaf. Għalhekk, billi ma jkunx għaraf id-dnub tiegħu, jiġi ikkastigat mix-xitan, sabiex jara u jqis permezz ta' dak il-kastig bir-reqqa minn ġewwa u minn barra dak li bih ikun offenda lil Alla, għaliex lil dawk li jħobbhom il-Mulej f'din il-ħajja preżenti, ma jħalli xejn mhux ikkastigat mill-ħtijiet tagħhom. Jiena tassew *għall-ħniena* u għall-grazzja *ta' Alla* (cfr. Rum 12,1) ma naf li għamilt l-ebda nuqqas li jiena ma pattejtx għalih bil-qrar u bil-penitenza. Imma wkoll għall-ħniena tiegħu tani dan ir-rigal, li f'dak kollu li jiena rrid nogħoġbu u fil-fatt ma nogħoġbux, hu jagħtini l-għarfien waqt it-talb. Imma jiena jidhirli li l-Mulej, permezz tal-*castaldi* tiegħu qiegħed jikkastigani għaliex, għalkemm is-sinjur kardinal għamel miegħi din il-ħniena u l-ġisem tiegħi għandu bżonn jilqa' din it-tjubija bil-fiduċja mingħandu, imma l-aħwa tiegħi, li jmorru fid-dinja u jsofru l-ġuħ u bosta tiġrib u l-aħwa l-oħrajn li jgħixu fil-postijiet fqajrin u fl-eremitaġġi, meta jisimgħu li jiena qagħadt għand is-sinjur kardinal, jibda jkollhom l-okkażjoni li jgemgmu kontra tiegħi u jgħidu: 'Aħna nsofru dawk il-ħtiġijiet kollha u hu sab il-faraġ tiegħu'. Għaldaqstant jiena dejjem miżmum li nagħti l-eżempju tajjeb, l-aktar għaliex għalhekk jiena ġejt mogħti lilhom. Għax l-aħwa jiġu aktar edifikati, jekk jiena nibqa' f'postijiet fqajrin fosthom, milli

[255] N. Zingarelli, *Vocabolario della Lingua Italiana*, 12° ed. Zanichelli Editore, Bologna 1994, 313: "*Castaldo (Gastaldo)*. In epoca longobarda, dignitario con funzioni di amministratore per conto del re. Maggiordomo, ministro, famiglio. Giustiziere. Fattore, lavoratore agricolo". San Franġisk x'aktarx li qiegħed juża l-isem *castaldi* fis-sens ta' dawk li jagħmlu ġustizzja. Għal San Franġisk, il-*castaldo* ta' Alla hu x-xitan. Cfr. 2C 120; CA 117; SP 68.

f'postijiet oħrajn; u huma aktar ikunu jistgħu jilqgħu bis-sabar it-tiġrib, meta jisimgħu u jkunu jafu li jiena wkoll qiegħed nilqgħu".

U għalkemm l-imqaddes Franġisku kien dejjem ikun marid, għaliex fid-dinja kien raġel fraġli u dgħajjef skond in-natura, ta' kuljum sal-jum tal-mewt tiegħu, hu *li dejjem* kien jimrad iżjed, kien iqis li *juri eżempju tajjeb* (cfr. Ġw 13,15; Tit 2,7) lill-aħwa sabiex ineħħilhom dejjem l-okkażjoni li jgemgmu. Hekk kemm fis-saħħa kif ukoll fil-mard, sal-jum tal-mewt tiegħu, hu dejjem ried isofri l-ħtieġa, kif kienu jafu l-aħwa u kif konna nafu sal-jum tal-mewt tiegħu *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), u kieku aħna rridu nfakkru dawn il-ġrajjiet kollha, tassew ma jirnexxilniex inżommu lura d-dmugħ minn għajnejna, għaliex hu meta kien ikollu jsofri l-ħtieġa jew it-tiġrib, kien dejjem lest li jġarrabhom b'sabar dejjem ikbar.

U hekk filgħodu kmieni Franġisku niżel mit-torri u mar għand is-sinjur kardinal, u irrakkontalu dak kollu li kien ġralu u l-kliem kollu li kien qal lil sieħbu. Imbagħad qallu: "Il-bnedmin għandhom fiduċja kbira fija u jemmnu li jiena bniedem qaddis, u ara x-xjaten ħarġuni 'l barra mill-ħabs". U l-kardinal feraħ ħafna b'dak li qallu. Għax tassew hu kien jaf u kien iqimu bħala qaddis, u għalhekk kien kuntent li jara sseħħ ir-rieda tiegħu, wara li hu ma riedx jibqa' hemmhekk aktar.

U hekk l-imqaddes Franġisku sellem lill-kardinal, u reġa' lura lejn l-eremitaġġ ta' Fonte Colombo, qrib Rieti. [CA 117; 2C 119-120; LM VI,10]

[1514] Kapitlu 68
Dwar kif ċanfar lill-aħwa li riedu jimxu wara t-triq ta' l-għerf u x-xjenza tagħhom u mhux wara t-triq ta' l-umiltà, u dwar kif ħabbar ir-riforma ta' l-Ordni u dwar kif kellu jerġa' lura għal kif kien beda.

Meta l-imqaddes Franġisku kien fil-kapitlu ġenerali f'Santa Marija tal-Porziuncola, li jissejjaħ il-kapitlu "tal-ħsajjar"[256], għaliex l-aħwa ma kellhomx fejn joqgħodu ħlief f'għerejjex magħmulin mill-qasab, u kienu nġabru għalih madwar ħamest elef mill-aħwa, li bosta minnhom kienu magħrufin għall-għerf u t-tagħlim tagħhom, dawn talbu lis-Sinjur ta' Ostia, u qalulu: "Sinjur, aħna rriduk tikkonvinċi lil ħuna Franġisku, biex jimxi fuq il-pariri ta' l-aħwa għorrief, u jħalli lilhom imexxuh". Huma rieduh li jagħżel li jintrabat mar-regola ta' San Benedittu, jew ma' dik ta' Santu Wistin, jew ma' dik ta' San Bernard, li jgħallmu kif għandha tiġi ordnata l-ħajja regolari.

---

[256] Il-kapitlu ġenerali kien istituzzjoni fi ħdan l-Ordnijiet monastiċi u kavallereski, u kien kungress tar-reliġjużi kollha. Fost il-Franġiskani, fil-bidu ta' l-Ordni, dan kien isir darbtejn fis-sena: f'Pentekoste u fil-festa ta' San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru). Imma mbagħad beda jsir biss għal Pentekoste, tant li jissejjaħ, ħafna drabi, il-Kapitu ta' Għid il-Ħamsin. Ir-*Regula Bullata* ta' l-1223, fil-kapitlu 10, tgħid li l-Kapitlu Ġenerali jsir darba kull tliet snin nhar Pentekoste. Il-kapitlu li jisemma' hawnhekk issejjaħ "tal-ħsajjar" (*delle stuoie*), għaliex, minħabba n-numru kbir ta' aħwa li kienu marru għalih, dawn kellhom jistkennu f'għarajjex magħmula mill-qasab. Ma hemmx qbil fost l-istudjużi dwar id-data ta' dan il-Kapitlu. Bosta huma tal-fehma li dan kien il-Kapitlu tat-30 ta' Mejju 1221, meta ġie approvata r-*Regola non Bullata*. L-CA tgħid li kien preżenti għalih il-Kardinal Protettur ta' l-Ordni Ugolino. Imma dan fl-1221 kien jinsab Legat fil-Lombardija u l-Veneto, u dik is-sena kien ħa sehem fil-Kapitlu l-Kardinal mill-Ordni taċ-Ċisterċensi Rainerio Capocci da Viterbo. Għal din ir-raġuni hemm xi studjużi li jsostnu li l-kapitlu "tal-ħsajjar" seta' kien dak ta' l-1219.

Wara li l-imqaddes Franġisku sema' t-twissija tal-kardinal dwar dan kollu, ma qal xejn imma qabdu minn idejh u ħadu miegħu quddiem l-aħwa miġburin għall-kapitlu, u mimli bil-ħeġġa u bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, kellem lill-aħwa u qalilhom: "L-aħwa tiegħi, l-aħwa tiegħi, Alla sejjaħli fit-triq tas-sempliċità u l-umiltà, u urieni tassew it-triq għal dawk li jridu jemmnuni u jimxu warajja. Għaldaqstant ma rridx li intom issemmuli l-ebda regola u la ta' San Benedittu, u la ta' Santu Wistin, u lanqas ta' San Bernard, u l-ebda triq oħra jew għamla oħra ta' ħajja, ħlief dik li l-Mulej urieni u tani fil-ħniena tiegħu. Il-Mulej qalli li hu jrid li jiena nkun bħal iblah ġdid fid-dinja[257]. Il-Mulej ma jridx jeħodna fi triq oħra, ħlief f'dik ta' dan il-għerf; għax hu proprju minħabba fit-tagħlim u l-għerf tagħkom li Alla iħawwadkom. Jiena nafda fil-*castaldi* ta' Alla, li b'idejhom hu jikkastigakom, u hekk, tridu jew ma tridux, ikollkom terġgħu lura għall-mistħija tagħkom".

Il-kardinal baqa' mbikkem u ma wieġbu xejn, u l-aħwa l-oħrajn kollha imtlew b'biża' kbir. [CA 18]

[1515] Kapitlu 69
Dwar kif ra u ħabbar minn qabel li l-xjenza kellha tkun okkażjoni tar-rovina ta' l-Ordni, u dwar kif ma ħalliex lil wieħed mill-aħwa li jingħata għall-istudju tal-predikazzjoni.

L-imqaddes Franġisku kien jitnikket ħafna jekk l-aħwa kienu jittraskuraw il-virtù biex jingħataw għat-tfittxija ta' *l-għerf li jonfoħ* (cfr. 1Kor 8,1; 13,4), l-aktar fil-każ ta' dawk li *ma kienux jibqgħu sħaħ fis-sejħa li kienu irċevew* (cfr. 1Kor 7,20.24) fil-bidunett. Kien jgħid: "L-aħwa tiegħi li jħallu lilhom infushom jitkaxkru għall-kurżità ta' l-għarfien, għad isibu ruħhom b'idejhom vojta *fil-jum tat-tiġrib* (cfr. Ħos 9,7). Jiena nixtieq bil-ħerqa narahom jissaħħu fil-virtujiet, sabiex meta jiġi fuqhom *iż-żmien tat-tigrib* (cfr. S 36,39), *fid-djieqa* tagħhom ikollhom magħhom *lill-Mulej* (cfr. 2Kron 15,4). Għax *għad jiġu jiem ta' tiġrib* (cfr. S 21,12; Prov 1,27) li fihom il-kotba li ma jiswew għal xejn, jintelqu fl-armadji u l-irkejjen moħbijin".

Ma kienx jgħid hekk għax kien kuntrarju għall-istudju ta' l-Iskrittura, imma biex iżomm lil kulħadd 'il bogħod mill-kilba tat-tagħrif fieragħ, u għaliex kien jippreferi li l-aħwa jkunu tajbin fil-karità aktar milli li jkunu ħbieb tal-kurżità.

Kien ħabbar minn qabel ukoll li kellu jiġi żmien, mhux wisq fil-bogħod, li fih l-għarfien tax-xjenzi *li jonfħu* (cfr. 1Kor 8,1; 13,4) kellu jkun okkażjoni ta' tiġrif. Wara l-mewt deher waqt viżjoni lil wieħed mill-aħwa li xi mindaqqiet kien jingħata għall-predikazzjoni, u ma ħalliehx ikompli, filwaqt li ikkmandah jissokta fit-triq ta' l-umiltà u tas-sempliċità. [CA 47; 2C 195]

[1516] Kapitlu 70
Dwar li dawk li kellhom jidħlu fl-Ordni fit-tiġrib li għad irid jiġi jkunu imberkin, u dawk li jkunu qagħadu għall-prova jkunu aħjar minn dak li ġew qabilhom.

---

[257] L-espressjoni Latina, li baqgħet famuża, hi: *quod ego essem unus novellus pazzus in mundo*. Franġisku jirrifletti t-tagħlim ta' San Pawl f'1Kor 1,27: "Alla għażel il-boloh tad-dinja biex iħawwad il-għorrief". Hu l-iskandlu tas-salib is-sigriet tal-"bluha" ta' Franġisku, li ssir dehra ta' għerf veru li jħawwad il-għerf tar-raġunamenti umani.

San Franġisk kien iħobb itenni: "*Għad jiġi żmien* (cfr. Eżek 7,12) li fih din ir-Reliġjon maħbuba ta' Alla tant taqa' f'ilsien in-nies, minħabba l-abbużi li jkunu nibtu fiha, li tibda tistħi saħansitra li tidher fil-pubbliku!

"F'dak iż-żmien il-ftit li jibdew deħlin biex ixiddu t-tonka fl-Ordni jkunu misjuqin biss mill-ħidma qaddisa ta' l-Ispirtu ta' Alla, u jkunu ħielsa mit-*tbajja' fir-ruħ u fil-ġisem* (cfr. Sir 11,33; Mt 16,17), u jkunu tassew *imberkin mill-Mulej* (cfr. S 113,15). Huma, għalkemm ma jkollhomx il-mertu ta' għemejjel ta' l-għaġeb, minħabba li tkun *birdet l-imħabba* (cfr. Mt 24,12), li twassal lill-qaddisin biex jaħdmu bil-ħeġġa, imma jiġi fuqhom tiġrib kbir. F'dak iż-żmien min minnhom joħroġ rebbieħ ikun meqjus aħjar minn dawk li jkun ġew qablu.

"Imma ħażin għal min jiftaħar biss li minn barra jidher li hu reliġjuż, filwaqt li jafda biss fl-għerf u x-xjenza tiegħu, u jogħnos fil-għażż, - jiġifieri ma jitħarriġx fl-għemejjel tal-virtù, fit-triq tas-salib u tal-penitenza, fl-osservanza safja ta' l-Evanġelju li bil-professjoni tiegħu hu miżmum biex iħares fis-safa u s-sempliċità. – Għaliex dawn ma jħabblux rashom biex jieqfu lit-tiġrib li l-Mulej jippermetti biex isaffi lill-magħżulin tiegħu. Għaliex huma biss *dawk li jgħaddu mill-prova li jirċievu l-kuruna tal-ħajja* (cfr. Ġak 1,12), jiġifieri dawk li jkunu sofrew il-qerq tal-ħżiena". [CA 2; 2C 157]

[1517] Kapitlu 71
Dwar kif wieġeb lil wieħed minn sħabu li staqsieh għaliex hu ma kienx irażżan l-abbużi li kienu jiġru fl-Ordni fi żmienu.

Jum minnhom wieħed mill-aħwa staqsa lill-imqaddes Franġisku: "Missier, nitolbok tiskużani, għaliex dak li se ngħidlek naf li diġà qaluhulek oħrajn qabli". U kompla: "Inti taf kif, fil-bidunett bil-grazzja ta' Alla l-Ordni kollu kien jgħix fis-safa u fil-perfezzjoni, kif l-aħwa kollha b'ħeġġa u impenn kienu f'kollox josservaw il-faqar imqaddes, jiġifieri fil-bini ċkejken u fqajjar, fir-reċipjenti żgħar u fqajrin, fil-ftit kotba foqra u fil-ħwejjeġ foqra li kienu jilbsu, u kif f'dawn il-ħwejjeġ, hekk ukoll fil-ħwejjeġ l-oħrajn li jidhru waħda kienet ir-rieda tagħhom, jiġifieri li josservaw bil-ħerqa dak kollu li għandu x'jaqsam mal-professjoni, u l-vokazzjoni u l-eżempju tajjeb tagħna; u kif huma kienu qalb waħda fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu bħala bnedmin tassew apostoliċi u evanġeliċi.

"Imma issa minn ftit taż-żmien 'l hawn din is-safa bdiet titlef mill-perfezzjoni tagħha, u bosta huma dawk li jgħidu li jeħtieġ li jiġu skużati l-aħwa, minħabba l-għadd kbir tagħhom, li issa huma ma jistgħux josservaw dan kollu. Ukoll bosta mill-aħwa jaħsbu li b'dan kollu, aktar milli bl-osservanza tal-bidu, il-poplu jiġi edifikat, u huma jaraw li dan jaqbel ħafna aktar għall-onestà tal-ħajja tagħhom; hekk waslu biex iqisu bħallikieku ma hi xejn t-triq tas-sempliċità u tal-faqar li kienu l-bidu u l-pedament ta' l-Ordni tagħna. Għaldaqstant, meta aħna naraw u nqisu dan kollu, nemmnu bil-qawwa li dan lilek inikktek; imma nibqgħu mistagħġbin li, għalkemm inti titnikket, inti tissaporti kollox u ma tikkoreġix dawn l-iżbalji".

L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Il-Mulej jaħfirlek, ħija, għaliex inti trid tkun kontrija u tieqafli u ddaħħalni fi kwestjonijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma' l-uffiċċju tiegħi. Sa minn meta kelli l-uffiċċju tal-ħarsien ta' l-aħwa, huma kien jibqgħu fil-vokazzjoni u l-professjoni

tagħhom, għalkemm mill-bidunett tal-konverżjoni tiegħi jiena kont marid, imma bil-kura tiegħi jiena kont ngħinhom bl-eżempju u bil-kliem tiegħi. Imma meta wara bdejt inqis li l-Mulej ta' kuljum *kattar il-għadd* (cfr. Atti 6,7) ta' l-aħwa u li huma, minħabba li bdew jibidru u jitnikkru fl-ispirtu, bdew jonqsu milli jimxu fit-triq iż-żgura li fiha soltu kienu jimxu, u kif għidtlek, bdew jippreferu jgħaddu mit-triq aktar *wiesgħa* (cfr. Mt 7,13), ma bdewx jagħtu aktar każ tal-professjoni u tal-vokazzjoni u ta' l-eżempju tajjeb, u lanqas ma riedu jkomplu jimxu fit-triq li jiena kont bdejt miexi fiha bil-predikazzjoni u bl-eżempju tiegħi, u għalhekk jiena iddeċidejt li nirrikmanda l-Ordni f'idejn il-Mulej u f'idejn il-ministri. Hekk ftit taż-żmien wara jiena ħallejt minn idejja l-uffiċċju tat-tmexxija ta' l-aħwa, u quddiem l-aħwa kollha fil-kapitlu ġenerali tlabt li dan jitneħħieli minn idejja, għax minħabba l-mard tiegħi jiena ma stajtx inkompli nieħu ħsiebhom aktar. Minkejja dan, kieku l-aħwa komplew jimxu u għadhom jimxu skond ir-rieda tiegħi, minħabba l-faraġ tagħhom, jiena ma rridx li jkollhom ministru ieħor ħlief lili nnifsi, sa jum il-mewt tiegħi. Għax meta sudditu li jkun fidil u tajjeb ikun jaf ir-rieda tas-superjur tiegħu u josservaha, il-prelat ftit ikollu jħabbel rasu biex jieħu ħsiebu. Għalhekk jiena rrid nifraħ ħafna bit-tjubija ta' l-aħwa u nkun imfarraġ minħabba l-qliegħ spiritwali tiegħi u tagħhom, hekk li anke meta nkun mixħut marid fis-sodda, ma jkunx tqil għalija li nieħu ħsiebhom. L-uffiċċju tiegħi hu spiritwali, jiġifieri dak ta' prelat fuq l-aħwa,u għalhekk jiena rrid naħkem il-vizzji u nġedded il-ħajja tagħhom. Hekk, li jekk jiena ma nistax naħkem il-vizzji u nġedded il-ħajja tagħhom bil-predikazzjoni u bl-eżempju, jiena ma rridx insir biċċier li nuża l-bastun tad-daqqiet u tas-swat, kif jagħmlu n-nies qawwija ta' din id-dinja.

"Għaliex *jiena nafda fil-Mulej* (cfr. S 10,2), li l-għedewwa li ma jidhrux, li huma l-*castaldi* tal-Mulej biex jikkastigaw f'din il-ħajja u fil-ħajja l-oħra lil dawk li jiksru l-kmandamenti ta' Alla u l-voti tal-professjoni tagħhom, għad jitolbu vendetta minnhom, billi jikkoreġuhom permezz tal-bnedmin ta' din id-dinja li jgħajjruhom u jġiegħluhom jistħu, u hekk imorru lura għall-professjoni u l-vokazzjoni tagħhom.

"Għax tassew, li sal-jum tal-mewt tiegħi, bl-eżempju u bl-għemil, jiena qatt ma jien se nieqaf ngħallem lill-aħwa *jimxu fit-triq* li *urieni* (cfr. 1Slat 8,36) il-Mulej, u li jiena urejthom u li fiha iffurmajthom biex *ma jkollhomx skuża* (cfr. Rum 1,20) quddiem il-Mulej, u jiena quddiem Alla ma nkunx marbut *li nagħti rendikont* (cfr. Mt 12,36; Lq 16,2) ieħor dwarhom u dwari". [CA 106]

[*Żjieda li saret wara*]

[1518] Fost il-kitbet ta' fra Leone li kien sieħeb u konfessur ta' San Franġisk, li hu kitibhom lil fra Corrado da Offida, u qallu li kien semagħhom mill-fomm ta' l-imqaddes Franġisku; kliem li l-istess fra Corrado imbagħad tenniehom f'San Damiano, qrib Assisi[258].

San Franġisk kien jinsab jitlob quddiem l-altar tal-knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli u kien jerfa' idejh 'il fuq fit-talb, u kien jgħajjat lil Kristu u jitolbu biex ikollu ħniena mill-poplu minħabba

---

[258] Din is-silta tidher li hi żjieda li saret wara. Corrado da Offida daħal fl-Ordni fl-1225, meta kien għadu żagħżugħ ħafna, u deher jiddi għall-ħajja ta' virtù u kontemplazzjoni. Kien wieħed mill-aħwa tal-familja ta' "Spiritwali", li kellhom influss qawwi fuq il-*Fontes* miktubin fis-seklu XIV. Mill-ewwel aħwa ta' Franġisku, l-aktar minn frate Leone, li miet fl-1271, hu ġabar bosta fatti u eżempji li mbagħad għaddiehom lil sħabu biex iħeġġiġhom jgħixu skond l-idejal tal-bidu ta' l-Ordni. Miet fl-1306.

t-tiġrib kbir li kellu jiġi fuqu. U l-Mulej qallu: "Franġisku, jekk inti trid li jiena jkolli ħniena mill-poplu nisrani, agħmel li l-Ordni tiegħek jibqa' fl-istat li fih ġie mwaqqaf, għaliex fid-dinja kollha ma fadalli xejn ħliefu. U jiena nwiegħdek li għall-imħabba tiegħek u ta' l-Ordni tiegħek ma nippermettix li jiġi tiġrib fuq id-dinja. Imma jiena ngħidlek li huma se jmorru lura it-triq li fiha jiena sejjaħtilhom. U jwassluni biex nixgħel b'tant korla li għad inqum kontrihom u nsejjaħ lix-xjaten u lil dawn nagħtihom is-setgħa li jkunu jridu. U x-xjaten tant iqajjmu skandli fost l-aħwa u fid-dinja, li ħadd ma jinstab aktar li jġorr fuqu t-tonka tiegħek, jekk mhux dawk li jgħixu fil-boskijiet. U meta d-dinja titlef il-fiduċja fl-Ordni tiegħek, ma jibqa' l-ebda dawl ieħor, għaliex jiena qegħidt lill-aħwa bħala *dawl tad-dinja*" (cfr. Mt 5,14).

U San Franġisk qal: "U biex se jgħixu l-aħwa tiegħi li jkunu jinsabu fil-boskijiet?" U Kristu qallu: "Jiena niragħhom kif kont nitma' lil ulied Israel *bil-manna fid-deżert* (cfr. Dt 8,16; Ġw 6,31), għaliex huma jkunu aħwa tajbin, u hekk l-Ordni jerġa' lura għall-istat tal-bidu li fih ġie mwaqqaf u beda"[259].

[1519] Kapitlu 72
Dwar kif mit-talb u d-dmugħ ta' l-aħwa sempliċi u umli kellhom jikkonvertu dawk l-erwieħ li kienu donnhom qiegħdin jikkonvertu mill-għerf u l-predikazzjoni ta' l-oħrajn.

Il-missier l-aktar qaddis ma kienx irid li l-aħwa tiegħu jkollhom kilba li jkunu għorrief u li jkollhom il-kotba, imma kien irid u kien jippriedkalhom sabiex jimpenjaw ruħhom biex jibnu ħajjithom fuq l-umiltà l-aktar qaddisa, u jimitaw is-sempliċità safja, it-talb qaddis u lill-*Madonna Povertà* li fuqhom kien jibnu ħajjithom l-ewwel aħwa qaddisin. Kien jgħid li din biss kienet it-triq żgura li twassal għas-salvazzjoni ta' l-aħwa u li tkun ta' edifikazzjoni għall-oħrajn; għaliex Kristu, li aħna ġejna msejħin biex nimitawh, din biss ried jurina u ried jgħallimna bil-kelma u bl-eżempju.

L-istess missier imqaddes, meta kien iħares lejn il-ġejjieni, kien jagħraf bl-Ispirtu s-Santu u kien itenni lill-aħwa li ħafna aħwa, minħabba li jkunu jridu jedifikaw lill-oħrajn, għad jinsew il-vokazzjoni tagħhom, jiġifieri l-umiltà qaddisa, is-sempliċità safja, it-talb u d-devozzjoni, kif ukoll lill-*Madonna* tagħna l-*Povertà*. Huma jibda jidhrilhom u jqisu lilhom infushom mimlijin bid-devozzjoni, mixgħulin bl-imħabba u mdawwlin bl-għarfien ta' Alla, minħabba l-għarfien ta' l-Iskrittura, filwaqt li minn ġewwa jibqgħu berdin u vojta. Hekk ma jkunux jistgħu jerġgħu lura għall-vokazzjoni tagħhom tal-bidu, billi jkunu ħlew il-ħin tagħhom f'ħafna studju fieragħ li ma jwassal imkien; u kien jibża' li *dak li huma jaħsbu li kellhom jitteħdilhom* (cfr. Mt 25,29), għaliex huma jkunu ittraskuraw għal kollox dak li kien ingħatalhom, jiġifieri li jħarsu u jimxu fuq il-vokazzjoni tagħhom.

Hu kien jgħid: "Huma ħafna l-aħwa li l-istudju u l-ħerqa kollha tagħhom iqiegħduha filli jakkwistax l-għarfien, filwaqt li jinsew il-vokazzjoni qaddisa tagħhom, u jibdew jiġġerrew 'il barra

[259] F'din is-silta naraw il-qawwa kollha tal-polemika li l-Ordni kien għaddej minnha fil-bidu tas-seklu XIV, l-aktar dwar l-interpretazzjoni tal-faqar, bejn il-*Communitas Ordinis* u l-Ispiritwali. Dawn ta' l-aħħar, li kienu jgħixu fl-eremitaġġi fil-boskijiet u l-muntanji tal-Marche, Umbria, Toscana u Provençe, kienu jqisu lilhom infushom bħala l-fdal awtentiku ta' l-Ordni, dawk li bihom Alla ried isalva d-dinja, l-Ordni u l-Knisja, fl-istennija ta' l-età ta' l-Ispirtu s-Santu.

mit-triq ta' l-umiltà u tat-talb qaddis bil-moħħ u bil-ġisem. Huma jippriedkaw lill-poplu, u meta jsiru jafu li xi wħud jibqgħu edifikati jew jikkonvertu għal ħajja tal-penitenza, jibdew jintefħu bihom infushom u jiftaħru bil-ħidma tagħhom u jqisu l-qliegħ ta' ħaddieħor bħallikieku kien tagħhom stess. Imma huma jkunu ippriedkaw għall-kundanna u t-telfien tagħhom infushom, u ma jkunu wettqu xejn jekk mhux bħala strumenti ta' dawk it-tajbin li bihom il-Mulej ikun tassew kiseb dak il-frott. Għax dawk li huma jemmnu li jkunu edifikaw bil-għerf u l-predikazzjoni tagħhom, u ikkonvertewhom għall-penitenza, il-Mulej jedifikahom u jikkonvertihom bit-talb u bid-dmugħ ta' l-aħwa qaddisin, fqajrin, umli u sempliċi; għalkemm dawk l-istess aħwa, ħafna drabi, ma jkunux jafu b'dan kollu: għax din hi r-rieda ta' Alla li huma ma jkunux jafu sabiex hekk ma jiġrix li huma wkoll jibdew jitkabbru.

"Dawn huma l-aħwa tiegħi kavallieri tal-mejda t-tonda, li huma moħbijin fid-deżert u fl-imkejjen imwarrbin, sabiex jingħataw bil-qima għat-talb u għall-meditazzjoni, filwaqt li jitolbu għad-dnubiet tagħhom u ta' l-oħrajn, u l-qdusija tagħhom hi magħrufa minn Alla, filwaqt li l-aħwa l-oħrajn u l-bnedmin ma jintebħux biha. U meta l-erwieħ tagħhom jidhru quddiem l-anġli tal-Mulej, allura l-Mulej juri l-frott tagħhom u *l-ħlas tal-ħidmiet tagħhom* (cfr. Għerf 10,17), jiġifieri l-bosta erwieħ li jkunu ġew salvati bit-talb tagħhom, u jgħidilhom: Uliedi, dawn huma l-erwieħ li ġew salvati bit-talb tagħkom, u *billi intom kontu fidili fil-ftit, jiena se nqiegħdkom fuq ħafna*" (cfr. Mt 25,21). Oħrajn ippriedkaw u ħadmu permezz tal-kliem ta' l-għerf u tax-xjenza tagħhom, imma kont jiena li sajjart il-frott tas-salvazzjoni għall-merti tagħkom. Ilqgħu mela l-ħlas tal-ħidma ta' dawk l-aħwa u l-frott tal-merti tagħkom, li hi s-saltna ta' dejjem, għaliex bl-umiltà u s-sempliċità tagħkom kif ukoll bit-talb u bid-dmugħ tagħkom ħtaftuha bil-qawwa.

"Hekk issa l-aħwa *jġorru l-qatgħet f'idejhom* (cfr. S 126,6), jiġifieri l-frott u l-merti ta' l-umiltà u s-sempliċità qaddisa tagħhom, *u jidħlu fil-hena ta' Sidhom* (cfr. Mt 25,21), jifirħu u jithennew.

"Imma dawk li jitħabtu biex ikunu jafu biss ħalli juru lill-oħrajn it-triq tas-salvazzjoni, filwaqt li xejn ma jaħdmu biex isalvaw lilhom infushom, għad jaslu għerja u b'idejhom vojta *quddiem it-tribunal ta' Kristu* (cfr. 2Kor 5,10), u jkollhom biss il-qatgħet tat-taħwid, tal-mistħija u tat-tbatija.

"Hekk il-verità ta' l-umiltà u s-sempliċità qaddisa, tat-talb u l-faqar qaddisin, li huma l-vokazzjoni tagħna, jiġu mgħollijin u igglorifikati u mfaħħrin; għal din il-verità huma, *minfuħin* mir-riħ *tax-xjenza* (cfr. 1Kor 8,1), ma tawx xhieda bil-ħajja tagħhom, bid-diskorsi fiergħa ta' l-għerf tagħhom, meta qalu li dik il-verità kienet gidba, u bħal nies għomja, kienu jippersegwitaw bil-kefrija lil dawk li kienu jimxu fil-verità. Hekk l-iżball u l-qerq tal-fehmiet tagħhom li warajhom kienu jimxu, u li huma kienu jippriedkawhom bħala veritajiet, u li bihom irnexxielhom iwaqqgħu *fil-ħofra ta' l-għama* (cfr. Mt 15,14) lil bosta, għad jintemmu fit-tbatija, fit-taħwid u fil-mistħija, u huma stess flimkien mal-fehmiet imdallmin tagħhom għad jgħoddsu *fid-dlamijiet ta' barra* (cfr. Mt 25,30) flimkien ma' l-ispirti tad-dlamijiet".

Hekk kien ta' spiss jikkummenta l-imqaddes Franġisku dawn il-kelmiet: *Il-mara bla tfal wildet sebgħa, u l-omm ta' bosta wlied tilfet saħħitha* (cfr. 1Sam 2,5): "Il-mara bla tfal hu r-reliġjuż twajjeb, li hu sempliċi, umli, fqir u mistmerr, li hu mwarrab u mormi mill-oħrajn, li bit-talb qaddis

u bil-virtujiet il-ħin kollu jibni lill-oħrajn u *jwellidhom bit-tnehid* (cfr. Rum 8,22.26) u t-tbatija tiegħu".

Dawn il-kelmiet kien jgħidhom ta' spiss, quddiem il-ministri u l-aħwa l-oħrajn, l-aktar fil-kapitli ġenerali. [CA 103; 2C 164]

[1520] Kapitlu 73
Dwar kif kien irid u kien jgħallem li l-prelati u l-predikaturi jridu jitħarrġu fit-talb u fl-għemejjel ta' umiltà.

Franġisku, il-qaddej fidil li sar jixbaħ lil Kristu b'mod perfett, kien iħossu mibdul għal kollox fi Kristu bil-qawwa ta' l-umiltà qaddisa, filwaqt li kien jixtieq jara din l-istess umiltà fuq il-virtujiet l-oħrajn kollha fil-ħajja ta' l-aħwa, u kien il-ħin kollu iħeġġiġhom bil-kliem u bl-eżempju mimli mħabba tiegħu biex iħobbuha, jixtiequha, jiksbuha u jħarsuha bla waqfien; kien l-aktar iwissi lill-ministri u lill-predikaturi u jikkonvinċihom biex jitħarrġu f'għemejjel ta' umiltà.

Kien jgħid li wieħed, minħabba l-uffiċċju ta' prelat u minħabba l-kura tal-predikazzjoni, ma għandux iħalli barra t-talb qaddis u devot, għandu joħroġ jittallab il-karità, xi kultant għandu *jaħdem b'idejh* (cfr. 1Tes 4,11; Ef 4,28), u għandu jwettaq għemejjel oħrajn ta' umiltà, bħall-aħwa l-oħrajn, biex hekk jagħti eżempju tajjeb u jikseb qliegħ għal ruħu u għall-erwieħ ta' l-oħrajn. U kien jgħid: "L-aħwa sudditi jiġu edifikati ħafna meta l-ministri u l-predikaturi tagħhom jingħataw għat-talb bil-qalb, u jmilu ruħhom għall-għemejjel ta' umiltà u għall-qadi l-aktar umli. Inkella ma jkunux jistgħu iwissu lill-aħwa l-oħrajn dwar dawn il-ħwejjeġ, mingħajr ma jitħawwdu, u mingħajr ma jagħmlu ħaqq u jikkundannaw lilhom infushom. Jaqbel għalhekk, fuq l-eżempju ta' Kristu, li l-ewwel *jagħmlu* u mbagħad *jgħallmu*, jew aħjar, li fl-istess ħin, *jagħmlu* u *jgħallmu* (cfr. Atti 1,1). [CA 103; 2C 164]

[1521] Kapitlu 74
Dwar kif kien juri lill-aħwa, bl-umiltà tiegħu, il-mod kif jagħraf meta kien qaddej ta' Alla u meta ma kienx.

L-imqaddes Franġisku darba minnhom kien ġabar bosta aħwa madwaru[260], u qalilhom: "Jiena tlabt lill-Mulej biex jogħoġbu jurini meta jiena nkun qaddej tiegħu u meta ma nkunx. Għax jiena ma rrid xejn aktar, għajr li nkun qaddej tiegħu". U l-istess Mulej l-aktar twajjeb hekk għoġbu jweġibni: "Tista' tagħraf fis-sewwa jekk tkunx qaddej tiegħi meta dak kollu li taħseb, tgħid u tħaddem ikun qaddis. Għalhekk sejjaħtilkom, l-aħwa, u qiegħed nurikom dan, sabiex jiena nkun nista' nistħi quddiemkom, meta intom tarawni nonqos minn dak kollu jew minn ħaġa waħda minn dak li għidtilkom". [CA 3; 2C 159]

[260] 2C 159, li tirreferi l-episodju, tgħid li dan il-fatt seħħ meta l-qaddis kien jinsab Siena, u sejjaħ madwaru xi aħwa bil-lejl u qalilhom dawn il-kelmiet.

[1522] Kapitlu 75
Dwar kif kien irid li l-aħwa kollha jingħataw xi kultant għall-ħidma ta' l-id.

Kien jgħid li dawk li huma *bierda* biex jingħataw bil-qalb u bl-umiltà għall-ħidma, il-Mulej malajr *jirriġettahom minn ħalqu* (cfr. Apk 3,16). L-ebda wieħed mill-aħwa ma kien jazzarda juri ruħu għażżien quddiemu, għaliex hu mall-ewwel kien iċanfru bi kliem li jigdem. Għax hu wkoll, bħala mudell ta' kull perfezzjoni, kien jaħdem bl-umiltà *fil-ħidma ta' l-id* (cfr. 1Tes 4,11), u ma kienx jippermetti li jaħli mqar waqt wieħed mid-don prezzjuż tal-ħin.

Kien għaldaqstant jgħid: "Irrid li l-aħwa tiegħi kollha jaħdmu u jingħataw għall-għemejjel tajba bl-umiltà, sabiex aħna nkunu ta' piż inqas iebes għan-nies, u sabiex il-qalb u l-ilsien ma jintilfux fil-għażż; dawk li ma jafux jaħdmu, għandhom jitgħallmu"[261].

Għax hu kien jgħid li l-qliegħ u l-ħlas veru tax-xogħol ma kellux ikun xi ħaġa li jżomm għalih min jaħdem, imma l-ħlas kellu jitħalla f'idejn il-gwardjan u l-fraternità. [2C 161]

## DWAR IL-ĦEĠĠA TIEGĦU GĦALL-PROFESSJONI TAR-REGOLA U GĦALL-ORDNI KOLLU.

[1523] Kapitlu 76
Dwar kif kien ifaħħar il-professjoni tar-Regola, u dwar kif kien irid li l-aħwa jkunu jafuha u jitkellmu dwarha u jmutu mħaddnin magħha.

L-imqaddes Franġisku kien imħeġġeġ biex josserva b'mod perfett l-Evanġelju mqaddes, u l-professjoni komuni tar-Regola tagħna, li ma hi xejn aktar għajr l-osservanza perfetta ta' l-Evanġelju, u kien ibierek b'barka speċjali lil dawk li kienu mħeġġin biex josservawha b'mod singulari.

Kien jgħid lill-aħwa tiegħu li r-Regola hi *l-ktieb tal-ħajja* (cfr. Sir 24,32; Apk 3,5), *it-tama tas-salvazzjoni* (cfr. 1Tes 5,8), ir-rahan tal-glorja, il-mudullun ta' l-Evanġelju, it-triq tas-salib, il-muftieħ tal-ġenna, *il-patt ta' dejjem* (cfr. Ġen 17,13). Ried li kulħadd ikollu kopja tagħha, li kulħadd ikun jafha, u li kullimkien, biex l-aħwa jneħħu l-għażż ta' l-apatija u b'tifkira tal-wegħda li ħalfu, kellhom jimmeditawha *fil-bniedem ta' ġewwa* (cfr. Rum 7,22; Ef 3,16) b'tifkira tal-wegħda li ħalfu, u li kellhom ta' spiss jitkellmu dwarha.

Kien jgħallem lil kulħadd biex dejjem iżommha quddiem għajnejh bħala turija ta' kif kellu jgħix fil-komunità u, fuq kollox, biex imutu mħaddnin magħha. [CA 46; 2C 208]

---

[261] Cfr. *Testment* 24-25; *Regola non Bullata*, kap. 7; *Regola Bullata*, kap. 5.

[1524] Kapitlu 77
Dwar wieħed mill-aħwa lajċi, bniedem qaddis, li irċieva l-martirju waqt li kien iħaddan ir-Regola.

Meta żamm dak kollu li kien jgħid u jgħallem il-missier qaddis quddiem għajnejh, wieħed mill-aħwa lajċi[262], li aħna nemmnu li għandu jiġi meqjum fost il-martri, laqa' l-palma tar-rebħa glorjuża. Waqt li kien qiegħed jinħaqar għall-mewt mis-Saraċini, hu żamm ir-Regola f'idejh, u filwaqt li niżel għarkubbtejh bl-umiltà kollha, qal lil sieħbu: "Ħija l-aktar għażiż, quddiem *l-għajnejn ta' Alla* (cfr. Is 3,8) u quddiemek, jiena nistqarr il-ħtija tiegħi dwar dak kollu li għamilt kontra din ir-Regola".

Wara din l-istqarrija qasira laqa' x-xabla li ħasditlu ħajtu u hekk kiseb il-kuruna tal-martirju. Kien daħal fl-Ordni meta kien għadu tant żagħżugħ li bil-ħniena kien jiflaħ għas-sawm li hemm preskritt fir-Regola; imma, għalkemm kien daqshekk żagħżugħ, kien iġib iċ-ċilizzju fuq il-laħam. Żagħżugħ hieni, li *ta bidu* għal din il-ħajja b'tant ferħ, u *temmha* (cfr. Sir 18,6) aktar hieni. [CA 46; 2C 208]

[1525] Kapitlu 78
Kif ried li l-Ordni jkun dejjem taħt il-ħarsien u l-korrezzjoni tal-Knisja.

L-imqaddes Franġisku qal: Ħa mmur u nafda r-reliġjon tal-Patrijiet Minuri f'idejn il-Knisja mqaddsa Rumana, li bil-ħatar tal-qawwa tagħha tolqot lil dawk li għandhom fehma ħażina, u *l-ulied ta' Alla* (cfr. Mt 5,9), dejjem u kullimkien *jikbru* u jgawdu *l-ħelsien* (cfr. Kol 2,19; Gal 4,31; 2,4) tas-salvazzjoni. Hekk l-ulied jagħarfu l-ħlewwa tat-tjieba ta' l-omm, u jimxu b'devozzjoni partikulari l-passi miqjumin tagħha.

"Il-ħarsien tagħha jiddefendi lill-Ordni *mill-attakki tal-qarrieqi* (cfr. 1Slat 5,4), u *iben Beljal* (cfr. Dt 13,13) ma jkunx jista' aktar jgħaddi bla kastig *mid-dielja tal-Mulej* (cfr. Is 5,1-7). Għax hi, li hi qaddisa, togħġobha l-glorja tal-faqar tagħna, u ma tippermettix li t-tħabbira ta' l-umiltà tagħna tiġi mgħottija bis-sħaba tal-kburija. Hi *tħares* fina bla mittiefsa *r-rabta ta' l-imħabba u tal-paċi* (cfr. Kol 3,14; Ef 4,3), u tolqot bil-qawwa u bl-ebusija lil min ikun kawża ta' nuqqas ta' qbil. Quddiem il-ħarsa tagħha dejjem *twarrad* l-osservanza safja u qaddisa ta' l-Evanġelju, u hi ma tħallix li *l-fwieħa tal-ħajja* (cfr. S 91,13; 2Kor 2,15) tgħib imqar għal waqt wieħed". [L3C 63; 2C 24]

[1526] Kapitlu 79
Dwar l-erba' privileġġi li l-Mulej ta lill-Ordni u li ħabbar lill-imqaddes Franġisku.

L-imqaddes Franġisku kien jgħid li qala' minn għand il-Mulej erba' privileġġi, li kienu intwerew lilu permess ta' anġlu, jiġifieri: li r-reliġjon u l-professjoni tal-Patrijiet Minuri ma tispiċċa qatt sa jum il-ħaqq. Ukoll li ħadd minn dawk li riedu jippersegitaw l-Ordni minn jeddhom

[262] Fil-*Chronica XXIV Generalium*, (*Analecta Franciscana* III,224), insibu wkoll riferiment għal din is-silta, fejn jingħad li dan il-patri kien jismu fra Eletto; għalkemm 2C 208, minn fejn tittieħed l-informazzjoni, ma jsemmi l-ebda isem. L-istess isem insibuh ukoll fil-*Liber de Conformitatum* ta' Bartolomeo da Pisa u fil-*Franceschina* II,256. Il-martirju ta' fra Eletto seħħ fl-1225.

ma kellu ħajja twila; u li l-ebda bniedem ħażin, li ried jgħix ħażin fi ħdan l-Ordni, ma kien idum fit-tul f'dak l-istat. U fl-aħħarnett li kull min kien iħobb l-Ordni mill-qalb, ikun kemm ikun midneb kbir, fl-aħħarnett kellu jikseb il-ħniena.

[1527] Kapitlu 80
Dwar il-kwalitajiet li hu kien jgħid li kienu meħtieġa għall-ministru ġeneral u għal sħabu.

Kellu ħeġġa hekk qawwija biex iħares il-perfezzjoni ta' l-Ordni, u tant kien joqgħod attent li tinżamm il-perfezzjoni tal-professjoni tar-Regola, li ta' spiss kien joqgħod jaħseb dwar min kien jista' jkun kapaċi li, wara l-mewt tiegħu, imexxi l-Ordni u jżommu kollu, bl-għajnuna ta' Alla, fil-perfezzjoni. Imma ma kienx jirnexxilu jsib lil ħadd li jkun jixraqlu jagħmel dan.

Hekk ftit qabel ma sejjaħlu l-Mulej għal għandu, wieħed mill-aħwa qallu: "Missier, inti issa tħallina u l-familja li mxiet warajk *f'dan il-wied tad-dmugħ* (cfr. S 83,7) tisfa' waħedha. Urina jekk għandekx lil xi ħadd fl-Ordni, li inti tafu u li għandek fiduċja fih, u li f'idejh tista' tħalli fiż-żgur l-uffiċċju ta' ministru ġeneral".

San Franġisk, filwaqt li tniehed ma' kull kelma li lissen, hekk wieġbu: "Ibni, jiena ma nilmaħx mexxej daqshekk kapaċi għal dan l-eżerċtu kbir, jew ragħaj għal din il-merħla hekk kotrana. Imma nixtieq nurik mudell, li fih ikun jidher dak li għandu jkun il-missier ta' din il-familja".

U kompla jgħidlu: "Jeħtieġ li jkun raġel ta' ħajja mill-aktar serja, li jkollu sens kbir ta' dixxerniment, u ħajja li dwarha ma ssib xejn xi tgħid. Irid ikun bniedem li ma jagħmilx preferenzi, li ma jmurx jiġri li, filwaqt li jħobb aktar lil xi wħud, iqajjem skandlu f'kulħadd. Irid ikun bniedem li jkun midħla ta' l-impenn tat-talb, u li jkun jaf iħalli ħin biex jieħu ħsieb ta' ruħu, u l-kumplament tal-ħin biex jieħu ħsieb tal-merħla li tkun fdata f'idejh. Filgħodu kmieni jieħu ħsieb li, qabel xejn, jiċċelebra l-quddiesa, u li jitlob fit-tul u bil-qalb għalih innifsu u għall-merħla li tkun imħollija f'idejh. Meta jispiċċa mit-talb, għandu jidher fost l-aħwa u jkun lest li jilqagħhom u jismagħhom, u li jwieġeb lil kulħadd bil-ħlewwa u bl-umiltà kollha.

"Irid ikun bniedem li, *billi jħares lejn l-uċuħ* (cfr. Rum 2,11; Atti 10,34), jieħu ħsieb taċ-ċkejknin u tas-sempliċi, mhux inqas milli kif jieħu ħsieb ta' l-għorrief u tal-kbar. Jekk ikun bniedem li lilu jingħata li jiddi fuq l-oħrajn għad-don ta' l-istudju, bl-imġieba tiegħu għandu aktar joħroġ ix-xbieha tas-sempliċità, tas-sabar u ta' l-umiltà. Għandu jġib 'il quddiem il-virtujiet fih innifsu u fl-oħrajn, u jitħarreġ dejjem fil-prattika tagħhom, u jħeġġeġ lill-oħrajn biex jiksbuhom bl-eżempju u bil-kelma tiegħu. Għandu jkun bniedem li jismterr il-flus, li huma l-ewwel ħtija tad-dekadenza fil-professjoni reliġjuża tagħna. Bħala mexxej ta' l-Ordni tagħna, għandu joffri eżempju għal kulħadd fil-mod kif jistmerr il-flus. Għandhom ikunu biżżejjed għall-użu personali tiegħu t-tonka u reġistru, u biex imexxi lill-aħwa, klamar u siġill. Ma għandux jaħżen kotba, u lanqas ma jiddedika ħin żejjed għall-qari, u lanqas ma jittraskura l-uffiċċju tiegħu minħabba l-ħin li fih jingħata għall-istudju. Għandu jkun dak li jfarraġ lill-imħabbtin, li jkun *l-aħħar kenn* (cfr. S 31,7; 45,2) għall-imġarrbin, hekk li, jekk il-morda ma jibqagħlomx mediċini, ma jiġux maħkumin mill-marda tad-disperazzjoni. Biex ireġġa' lura lil dawk li huma arroganti, ma għandux jaħsibha darbtejn li jumilja ruħu u jiċħad għal xi dritt tiegħu, basta *jirbaħ l-erwieħ* (cfr. Fil 3,8).

"Lil dawk li jħallu l-Ordni, bħal *nagħaġ li jintilfu* (cfr. Lq 15,4.6) ma *għandux jagħlaq il-qalb ħanina tiegħu* (cfr. 1Ġw 3,17), għaliex hu jaf liema tiġrib iltaqgħu miegħu biex waslu fejn waslu. Jiena rrid li l-ministru ġeneral ikun miqjum flok Kristu u li jipprovdulu għall-ħtiġijiet kollha tiegħu bit-tjubija u l-qima, skond il-ħtiġijiet tiegħu u l-qagħda ta' l-istil ta' ħajja tagħna.

"Hu ma għandux jitbissem lill-unuri, u lanqas lill-favuri aktar milli jitbissem lill-offiżi li jirċievi. Jekk xi mindaqqiet ikollu bżonn ta' xi ikel aktar xieraq għal saħħtu, dan għandu jieklu mhux waħdu, imma quddiem l-oħrajn, sabiex dawn ma jħossux mistħija li, meta jkunu fil-ħtieġa, huma wkoll jieħdu ħsieb tas-saħħa ta' ġisimhom meta jkun dgħajjef.

"Għandu fuq kollox jagħmel dixxerniment tal-kuxjenzi moħbija, u joħroġ il-verità minn kull kuxjenza mgħawwġa li trid taħbiha. Għandu qabel xejn jara li jissuspetta f'kull akkuża li ssir, sakemm wara eżami bir-reqqa tibda tidher il-verità. Ma għandux jagħti kas tat-tpaċpiċ, għandu jħares b'suspett lejn min ixerred qlajja' biex jakkuża, u ma għandux jemminhom kif ġieb u laħaq. Ma għandux iħammeġ jew inaqqas il-ġustizzja u l-qjies bil-kilba li jħares xi unur. Għandu joqgħod attent biex minħabba ebusija żejda ma joqtol lill-ebda ruħ, u li ma jqanqalx it-telqa fl-oħrajn minħabba li jħalli kollox jgħaddi mingħajr ma jħaddem id-dixxiplina. Filwaqt li hu għandu jkun maħbub minn kulħadd, imma fl-istess ħin dawk li jħobbuh għandhom jibżgħu minnu. Għandu jqis l-uffiċċju tiegħu ta' prelat aktar bħala toqol milli bħala unur.

"Irrid ukoll li jkollu miegħu aħwa onesti, li bħalu, li jkunu qawwijin kontra t-tiġrib u kontra d-diffikultajiet, mimlijin ħlewwa u sens ta' mogħdrija lejn il-ħatja, u li jħobbu lil kulħadd l-istess. Ma għandhomx jieħdu ħlas tal-ħidma tagħhom, jekk mhux dak li hu meħtieġ għall-għajxien tal-ġisem. Ma għandhom jixtiequ xejn, għajr it-tifħir ta' Alla, li jġibu 'l quddiem l-Ordni, li jiksbu merti għal ruħhom u s-salvazzjoni għall-aħwa kollha. Għandhom ikunu ta' min iħobbhom, u li kull min jirrikorri għandhom, huma għandhom jilqgħuh bil-ferħ qaddis, sabiex ikunu forma u eżempju ta' l-osservanza ta' l-Evanġelju skond il-professjoni tar-Regola li juru fis-sempliċità u fis-safa fihom infushom u fl-oħrajn. Hekk għandu jkun il-ministru ġeneral ta' l-Ordni u dawk l-aħwa li jkollu bħala sħabu."[263]. [CA 42-43; 2C 185. 186]

[1528] Kapitlu 81
Dwar kif il-Mulej kellmu meta kien imħabbat ħafna minħabba l-aħwa li kienu jitbiegħdu mill-perfezzjoni.

Billi hu kellu ħeġġa li qatt ma ġiet nieqsa biex jara l-perfezzjoni ta' l-Ordni, kien jiġrilu li jitnikket ħafna meta kien isir jaf jew jintebaħ bin-nuqqas ta' perfezzjoni. Meta beda jkun jaf li xi wħud mill-aħwa kienu jagħtu eżempju ħażin fl-Ordni, u li huma bdew jaqgħu mill-quċċata għolja tal-professjoni tagħhom, *tqanqal* ħafna *bin-niket fil-qiegħ ta' qalbu* (cfr. Ġen 6,6) u darba minnhom waqt it-talb qal lill-Mulej: "Mulej, nirrikmandalek il-familja li int għoġbok tagħtini!"

---

[263] Din id-deskrizzjoni idejali tal-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni turi xi elementi li ħarġu fi żmien meta l-Ordni kien żviluppa fuq linji ta' klerikalizzazzjoni, l-aktar wara l-1240. Dawn l-elementi jinkludu ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, li tindika li l-Ministru kien saċerdot, u l-kotba li jindikaw li kien midħla ta' l-istudju tat-tejoloġija. Din ma kienetx il-qagħda ta' l-Ordni fi żmien San Franġisk, u lanqas fi żmien fra Elia (1232-1239), li ma kienx saċerdot, imma saret deċiżament vera mill-ġeneralat ta' Haymo of Faversham.

Il-Mulej qallu mall-ewwel: "Għidli, ja raġel ċkejken sempliċi u bla skola, għaliex tinkwieta daqshekk, meta xi ħadd mill-aħwa joħroġ mill-Ordni, u meta l-aħwa *ma jimxux fit-triq li jiena urejtek*? (cfr. 1Slat 8,36). Issa għidli, min waqqaf din ir-reliġjon ta' aħwa? Min jikkonverti lill-bniedem biex dan jagħmel penitenza? Min jagħti l-qawwa li wieħed jibqa' sħiħ fiha? Mhux jiena? Jiena ma għażiltekx fuq il-familja tiegħi għax inti bniedem ta' skola u taf titkellem, għaliex la int, u lanqas dawk li kienu tassew aħwa u li jħarsu tassew ir-Regola u li jiena tajtek, ma huma bnedmin ta' xjenza jew jafu jitkellmu. Imma jiena għażilt lilek sempliċi u bla skola, sabiex inti tkun taf, kemm int kif ukoll l-oħrajn, li jiena ngħasses fuq il-merħla tiegħi. Jiena qegħitlek *bħala sinjal* (cfr. Ġer 1,12) għalihom, sabiex l-għemejjel li jiena nwettaq permezz tiegħek, huma wkoll jitgħallmu jagħmlu għemejjel oħrajn bħalhom. Dawk għalhekk *li jimxi mit-triq li jiena urejtek* (cfr. 1Slat 8,36), *ikollhom* lili *u dan bil-kotra* (cfr. Ġw 10,10); filwaqt li dawk li jkunu jridu jimxu minn triq oħra, *jitteħdilhom saħansitra dak li jaħsbu li għandhom* (cfr. Mt 25,29). Għaldaqstant ngħidlek, minn issa 'l quddiem ma għandekx titnikket; imma għandek tkompli l-ħidma tiegħek, u tagħmel il-ġid li għamilt sa issa: għaliex jiena ħawwilt ir-reliġjon ta' l-aħwa *fil-karità li ma tintemmx* (cfr. Ġer 31,3). Għalhekk kun af li jiena tant inħobbhom, li jekk xi ħadd mill-aħwa *jerġa' jdur għall-vomtu* (cfr. 2Pt 2,22; Prov 26,11) u jmut barra mill-Ordni, jiena ndaħħal ieħor floku fl-Ordni, li jieħu l-kuruna tiegħu; u *jekk dan ma jkunx twieled* (cfr. Mt 26,24) jien nagħmel li jitwieled. U sabiex inti tkun taf li jiena minn jeddi nħobb il-ħajja u l-Ordni ta' l-aħwa, ukoll jekk fl-Ordni kollu ma jifdalx ħlief tliet aħwa, imma dan jibqa' dejjem l-Ordni tiegħi, u jiena ma nitlaqhomx għal dejjem".

U meta sema' dawn il-kelmiet hu baqa' mfarraġ b'mod ta' l-għaġeb f'ruħu.

U għalkemm, minħabba l-ħeġġa kbira li dejjem kellu lejn il-perfezzjoni ta' l-Ordni, hu ma kienx jista' jżomm lilu nnifsu milli jitnikket bil-qawwa, meta kien jisma' li l-aħwa kienu wettqu xi ħaġa mhix perfetta, jew kien jisma' li l-eżempju ħażin ta' xi ħadd mill-aħwa kien ikun qajjem skandlu, imma wara li l-Mulej kif farrġu b'dan il-mod, kien dejjem jiftakar fil-kliem ta' dak is-salm: "*Jiena ħlift li nħares il-kmandamenti* (cfr. S 118,106) tal-Mulej u li naqdi r-Regola li l-istess Mulej għoġbu jagħti lili u lil dawk li jridu jimxu fuq l-eżempju tiegħi. L-aħwa kollha huma obbligati bħali biex iħarsu dan kollu bl-istess mod. U ara, wara li jiena ċħadt għall-uffiċċju tat-tmexxija ta' l-aħwa minħabba l-mard tiegħi, u minħabba raġunijiet oħrajn, jiena minix miżmum ħlief li nitlob għall-Ordni u nuri lill-aħwa *l-eżempju tajjeb* (cfr. Tit 2,7). Għax jiena naf fis-sewwa li, minħabba l-mard tiegħi, l-akbar għajnuna li nista' nagħti lill-Ordni hi dik li nitlob għalih ta' kuljum lill-Mulej, sabiex Hu jmexxih, iħarsu u jżommu sħiħ. Jiena għal dan intrabatt quddiem il-Mulej u quddiem l-aħwa, hekk li jekk xi ħadd mill-aħwa jintilef minħabba l-eżempju ħażin tiegħi, jiena rrid li quddiem il-Mulej *inwieġeb* (cfr. Mt 12,36) għalih".

Dawn il-kelmiet kien jgħid lilu nnifsu biex jagħti sliem lil ruħu, kif ukoll kien ta' spiss jgħidhom lill-aħwa meta kien jiġborhom flimkien biex iwissihom jew waqt il-kapitli.

Jekk xi wieħed mill-aħwa kien iħeġġu biex jindaħal fit-tmexxija ta' l-Ordni, hu kien iwieġbu u jgħidlu: "L-aħwa għandhom ir-Regola tagħhom, u huma wegħedu li josservawha; u sabiex huma ma jkollhomx skuża mill-imġieba tiegħi, wara li l-Mulej għoġbu jqiegħdni biex immexxihom, jiena quddiemhom wegħidt li nosserva r-Regola bil-fedeltà kollha. U mill-ħin li fih l-aħwa saru jafu dak li huma għandhom jevitaw, jiena ma fadallix ħlief li ngħallimhom bl-

għemejjel tiegħi, għaliex jiena ġejt mogħti lilhom għal dan il-għan, kemm matul ħajti kif ukoll wara mewti". [CA 112; 2C 158]

[1529] Kapitlu 82
Dwar il-ħeġġa singulari li kellu għall-post ta' Santa Marija tal-Porziuncola u dwar il-liġijiet li għamel kontra l-kliem fieragħ.

Fost il-postijiet l-oħrajn kollha hu dejjem kellu ħeġġa singulari u ħerqa speċjali sakemm dam jgħix sabiex jara li tiġi mħarsa l-perfezzjoni tal-ħajja u ta' l-imġieba fil-post qaddis ta' Santa Marija ta' l-Anġli, bħala r-ras u l-omm ta' l-Ordni kollu[264]. Hu kien irid li dan il-post ikun il-forma u l-eżempju ta' l-umiltà, tal-faqar u ta' kull perfezzjoni evanġelika għall-postijiet l-oħrajn kollha, u li l-aħwa li jgħixu hemmhekk kellhom ikunu dejjem fost l-aħwa kollha dawk li l-aktar jimpenjaw ruħhom u jkollhom ħerqa li f'kollox iġibu ruħhom u jgħożżu dak li għandu x'jaqsam mal-perfezzjoni ta' l-osservanza regolari.

Hekk, darba minnhom, sabiex l-aħwa jevitaw il-għażż, li hu *l-għerq ta' kull ħażen* (cfr. 1Tim 6,10), l-aktar fir-reliġjuż, hu ordna li kuljum, wara li jieklu, l-aħwa kellhom jingħataw flimkien miegħu għal xi ħidma tajba, sabiex huma ma jitilfux għal kollox jew imqar għal ftit, dak il-ġid li huma jkunu kisbu fil-ħin tat-talb, minħabba *l-kliem* żejjed u *fieragħ* (cfr. Mt 12,36), li lejh il-bniedem jinġibed, l-aktar wara li jiekol.

Hekk ukoll ordna u ikkmanda biex l-aħwa josservaw bil-qawwa din id-drawwa: li jekk xi ħadd mill-aħwa, filwaqt li jkun miexi jew jaħdem fost l-aħwa, jgħid xi *kelma fiergħa* (cfr. Mt 12,36), hu kien miżmum li jgħid għal darba waħda il-*Missierna*, filwaqt li jfaħħar lil Alla fil-bidu u fit-tmiem tat-talba. Imbagħad, jekk hu jintebaħ waħdu mill-iżball tiegħu, u jistqarru minn jeddu, kellu jgħid għall-ġid ta' ruħu il-*Missierna* flimkien mat-Tifħir tal-Mulej, kif diġà għidna. Imma jekk xi ħadd ieħor mill-aħwa jkun ċanfru, mela hu kellu jgħid il-*Missierna,* bil-mod li semmejna, u joffrih għar-ruħ ta' ħuh li ikkoreġih.

Jekk imbagħad, wara li jikkoreġuh, hu jkun irid jiskuża ruħu u ma jkunx irid jgħid il-*Missierna*, ikun obbligat li jgħid din it-talba għal darbtejn għar-ruħ ta' dak ħuh li jkun ikkoreġih. Hekk ukoll, jekk minħabba x-xhieda ta' dan jew ta' xi ħadd ieħor mill-aħwa, jidher ċar li hu jkun lissen *kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36), għandu jgħid ukoll it-Tifħir ta' Alla fil-bidu u fit-tmiem tat-talba tiegħu b'leħen għoli hekk li l-aħwa kollha li jkunu madwaru jkunu jistgħu jisimgħuh u jifhmuh. U l-aħwa, sakemm hu jkun qiegħed jitlob, għandhom jisktu u jisimgħuh. Jekk imbagħad xi ħadd mill-aħwa, li jkun sema' lil ħuh jgħid *kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36) jiskot u ma jikkoreġihx, hu wkoll bl-istess mod hu miżmum li jgħid il-*Missierna* għal darba flimkien mat-Tifħir ta' Alla għar-ruħ ta' dak ħuh.

U kull meta xi ħadd mill-aħwa jidħol fiċ-ċella jew fid-dar jew f'xi post ieħor u jsib hemmhekk lil ħuh, jew lil ħutu, hu għandu mall-ewwel ifaħħar lill-Mulej u jbierku u jfaħħru bil-qima.

---

[264] Dwar il-Porziuncola bħala *mater et caput Ordinis*, cfr. CA 56.

Dan it-Tifħir tal-Mulej il-missier qaddis kien dejjem lest li jitolbu bil-ħerqa, u lill-aħwa l-oħrajn bir-rieda u bix-xewqa l-aktar imħeġġa kien jgħallimhom u jħeġġiġhom biex jgħidu dan l-istess tifħir bil-ħerqa u bil-qima. [CA 107; 2C 160]

[1530] Kapitlu 83
Dwar kif kien iwissi lill-aħwa biex qatt ma jħallu dak il-post tal-Porziuncola.

Għalkemm l-imqaddes Franġisku kien tassew jaf li *s-saltna tas-smewwiet tinsab kullimkien* (cfr. Eżek 34,13; Mt 5,3), u li *l-magħżulin ta' Alla* (cfr. Rum 8,33) tingħatalhom il-grazzja divina f'kull post, imma kien jaf b'esperjenza proprja li dak il-post tal-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola kien mimli bi grazzji tas-sema aktar kotrana u li ta' spiss kienu jżuruh l-ispirti anġeliċi.

Għaldaqstant kien ta' spiss jgħid lill-aħwa: "Uliedi, ħudu ħsieb li qatt ma tħallu dan il-post. Jekk ikeċċukom minn banda erġgħu idħlulhom mill-oħra; għaliex tassew li dan *il-post hu post qaddis* (cfr. Eżek 42,13) u hu l-post fejn jgħammar Kristu u l-Verġni Omm tiegħu. Hawnhekk, *meta konna għadna ftit* (cfr. 1Kron 16,19) l-Aktar Għoli kattarna; hawnhekk hu *dawwal* bid-dawl ta' l-għerf tiegħu *l-qlub* (cfr. Ef 1,18) tal-Fqajrin tiegħu; hawnhekk hu qabbad ir-rieda tagħna bin-nar ta' l-imħabba tiegħu. Hawnhekk min jiġi jitlob bil-qima jaqla' dak li jitlob, u min jidneb hawnhekk jiġi ikkastigat aktar bl-aħrax. Għaldaqstant, uliedi, għandu jkollkom dejjem qima xierqa lejn *dan il-post ta' l-għamara ta' Alla* (cfr. 1Slat 8,30.33) li hu għażiż b'mod speċjali għalih u għall-Omm tiegħu, u *b'qalbkom kollha, bil-leħen tal-ferħ u ta' stqarrija ta hena, faħħru lil Alla* (cfr. Ġer 29,13; S 41,5; 135,2), il-Missier, lill-Iben tiegħu il-Mulej Ġesù Kristu, fil-għaqda ma' l-Ispirtu s-Santu". [1C 106; LM XIV,3]

[1531] Kapitlu 84
Dwar il-privileġġi li l-Mulej għamel fil-post ta' Santa Marija ta' l-Anġli[265].

Dan il-post tassew qaddis
L-eqdes fost il-qaddisin
Stħaqqlu jkun tassew post kbir
Lilu żgur jixraq kull ġieħ.

Kien magħruf b'isem qaddis
B'hena ikbar kien meqjus
Għaliex ismu kien iħabbar
Dak li kellu jiġri fih.

B'dawl u dija jħaddnuh kienu
L-anġli li kienu jżuruh
Hemm fil-ljieli nstemgħu jidwu
L-innijiet u l-ilħna sbieħ.

[265] Dan l-innu ta' tifħir lill-Porziuncola hu kompożizzjoni oriġinali li tinsab biss fi SP. Fl-oriġinal Latin ġie miktub f'forma ta' innu bir-ritmu u b'rima doppja.

Wara li sabha mġarrfa
Din il-knisja Franġisk sewwa
Kienet waħda mit-tliet knejjes
Li l-missier b'idejh mar tella'.

Din il-knisja l-missier għażel
Meta hawn insatar b'xkora
Hawn lil ġismu hu mar jgħakkes
Sa ma trażżan taħt ir-ruħ.

U kien ġewwa dan it-tempju
Li ra d-dawl l-Ordni Minuri
Meta fuq il-passi tiegħu
Jiġru ġew qtajjiet ta' rġiel.

Klara tgħarrset hawn ma' Alla
F'dan il-post qatgħulha xagħarha
Meta minn frugħat id-dinja
Ħarġet tiġri wara Kristu.

Hekk hawn twieldu b'mod ta' l-għaġeb
L-aħwa u x-xbejbiet fqajrin
Għand Omm waħda u qaddisa
Kristu ġabarhom mid-dinja.

Hawnhekk djieqet it-triq wiesgħa
Li mill-qedem kellha d-dinja
Reġgħet twessgħet sabiex tilqa'
Il-virtù ta' dawk li ssejħu.

Hawn ir-Regola inkitbet
Ġeddet ħajjet il-fqajrin
Sabiex tmil quddiem il-glorja
Tas-salib li f'nofsha twaqqaf.

Hawn kull meta kien jiġġarrab
Jew jitħawwad San Franġisk
Kien isib is-sliem tal-bidu
Li fih ruħu ġiet imġedda.

Hawn bdiet tidher darb'għal dejjem
U bla dubju l-verità
Għaliex hawn Franġisk ġie mogħti
Kull ma qalbu kienet titlob.

## DWAR IL-ĦEĠĠA TIEGĦU GĦALL-PERFEZZJONI TA' L-AĦWA

[1532] Kapitlu 85
Dwar kif iddeskriva min hu perfett fost l-aħwa.

Il-missier l-aktar qaddis, li kien inbidel f'ċertu mod fl-istess aħwa tiegħu minħabba l-imħabba taħraq u l-ħeġġa kbira li kellu għall-perfezzjoni tagħhom, kien jaħseb bejnu u bejn ruħu dwar il-kwalitajiet u l-virtujiet li kienu jżejjnu lil min hu l-aktar tajjeb fost il-patrijiet Minuri. U kien jgħid li l-veru patri Minuri tajjeb hu dak li għandu l-ħajja u l-virtujiet ta' dawn l-aħwa qaddisin[266]: jiġifieri l-fidi ta' fra Bernardo, li kienet mill-aktar perfetta, flimkien ma' l-imħabba lejn il-faqar; is-sempliċità u s-safa ta' fra Leone, li kien tassew bniedem ta' safa mill-aktar qaddisa; il-kortesija ta' fra Angelo, li kien l-ewwel kavallier li daħal fl-Ordni, u li kien imżejjen bil-manjieri tajba u bit-tjieba; il-bixra li tiġbdek u s-sens naturali flimkien mal-kliem sabiħ u miqjum ta' fra Masseo; ir-ruħ merfugħa fil-kontemplazzjoni li fra Egidio kellu sa ma wasal fil-quċċata tal-perfezzjoni; it-talb mimli virtù u bla jaqta' ta' fra Rufino, li kien dejjem jitlob mingħajr qatt ma jehda: għax kemm jekk kien ikun rieqed jew jagħmel xi ħaġa oħra dejjem kellu moħħu u qalbu magħqudin ħaġa waħda ma' Alla; is-sabar ta' fra Ginepro, li wasal sal-quċċata perfetta tas-sabar, minħabba ċ-ċaħda tar-rieda tiegħu li dejjem żamm quddiem għajnejh, u minħabba x-xewqa kbira tiegħu li jimita lil Kristu fit-triq tas-salib; il-qawwa tal-ġisem u ta' l-ispirtu ta' fra Giovanni delle Lodi, li fi żmienu kien l-aktar wieħed b'saħħtu fost l-irġiel kollha; il-karità ta' fra Ruggero, li l-ħajja u l-imġieba kollha tiegħu kienet tikkonsisti fil-ħeġġa ta' l-imħabba; u l-ħerqa ta' fra Lucido, li kien dejjem mill-aktar ħerqan li ma jmurx joqgħod aktar minn xahar f'post wieħed, imma meta kien jibda' jogħoġbu li joqgħod f'xi post, mall-ewwel kien jitlaq minn hemm u jgħid: *Hawn isfel ma għandniex dar fejn noqgħodu* (cfr. Lhud 13,14), imma biss fis-sema".

[1533] Kapitlu 86
Dwar kif iddeskriva l-ħars mhux safi biex iwassal lill-aħwa ħalli jgħixu fil-kastità.

Fost il-virtujiet li kien iħobb u li kien jixtieq li l-aħwa jkollhom, wara li jkunu qegħidu l-pedament ta' l-umiltà qaddisa, hu kien iħobb b'mod speċjali s-sbuħija u s-safa tal-ħajja kasta. Hekk ried jgħallem lill-aħwa biex ikollhom għajnejhom safja, u kien soltu *jolqot u jħawwad* (cfr. 1Kor 13,12; S 118,120) lil min ma kienx safi fil-mod kif iħares. "Kien hemm sultan twajjeb imma qawwi li bagħat żewġ messaġġiera għand is-sultana, wieħed wara l-ieħor. L-ewwel wieħed reġa'

[266] Din is-silta ta' SP hi famuża, għaliex fiha Franġisku, flok jagħti lista ta' virtujiet li jixirqu lill-ħajja tal-Patrijiet Minuri, ipinġi x-xbieha ta' aħwa veri li għexu miegħu, u li kienu fost l-ewwel aħwa li kellu, u jisħaq dwar xi virtù karatteristika li kellu kull wieħed minnhom. Hekk il-veru patri minuri jiġbor fih il-milja ta' dawn l-aspetti ta' l-istess vokazzjoni. Il-persunaġġi li jissemmew huma magħrufin: Bernardo da Quintavalle, li kien l-ewwel sieħeb ta' San Franġisk, u li l-*Fontes* "spiritwali" dejjem ifaħħruh bħala dak li Franġisku l-aktar ħabb u li irrikmandah lill-aħwa bħala l-ewwel wieħed li mexa warajh; Leone d'Assisi, li kien sieħeb, konfessur u segretarju ta' Franġisku, u li hu l-aktar wieħed li ħalla tifkiriet ħajjin tal-qaddis, l-aktar fi *Speculum Perfectionis;* Angelo Tancredi da Rieti, li kien kavallier qabel ma daħal fl-Ordni; Masseo da Marignano, li Franġisku kien iħobbu għall-prudenza kbira tiegħu u għall-grazzja li kellu li jitkellem dwar Alla; Egidio, li kien it-tielet sieħeb ta' Franġisku, magħruf għas-sempliċità qaddisa tiegħu; Rufino, kuġin ta' Santa Klara, li daħal fl-Ordni fl-1210 u li kien kontemplattiv kbir; Ginepro, fra ta' sempliċità u ferħ li jittieħed, imma wkoll ta' sabar kbir; Giovanni delle Lodi, li Franġisku jħobbu għas-saħħa fiżika tiegħu li kienet turi l-qawwa ta' l-ispirtu, għalkemm Salimbene jgħid li fra Elia kien ħatru biex jikkastiga bil-kefrija lill-aħwa li ma jobduhx; Ruggero, li tant kien magħruf għal qdusitu li fl-1236 il-Papa Girgor IX awtorizza ċ-ċelebrazzjoni tal-festa tiegħu fil-belt ta' Todi; Lucido, li dwaru ma nafu xejn u li jissemma' biss hawnhekk.

lura u qallu x'kienet it-tweġiba tagħha biss, u ma kellmux dwar is-sultana, billi hu *kellu għajnejn ta' għaref* (cfr. Qoħ 2,14) u ma kienx ixerridhom 'l hawn u 'l hemm. Reġa' lura l-ieħor u, wara li ta t-tweġiba qasira tas-sultana, beda jintilef f'ħafna tifħir dwar is-sbuħija tagħha: 'Sinjur, tassew li jiena rajt mara mill-isbaħ. Hieni hu dak li jgawdiha'.

U s-sultan wieġbu: 'Ja *qaddej ħażin* (cfr. Mt 18,32) kif ażżardajt tixħet għajnejk mhux safja fuq il-mara tiegħi? Jidher ċar li ridt tagħmel tiegħek lil dik li int ħarist lejha daqshekk fit-tul'.

Imbagħad sejjaħ lill-ewwel wieħed u staqsih: 'X'jidhirlek mis-sultana?' U dak wieġbu: 'Mara mill-aħjar, għax qagħdet tismagħni bil-qalb, u weġbitni bil-għerf'. U s-sultan tennielu: 'U x'jidhirlek minn sbuħitha?' Hu wieġbu: 'Sinjur tiegħi, dik affari tiegħek; jiena kelli biss id-dmir li ngħidilha kliemek'.

Hekk is-sultan ta l-ħaqq tiegħu u qal: 'Int, li għandek ħarstek safja, u inti aktar safi f'ġismek, ibqa' fil-palazz tiegħi. Imma l-ieħor jitlaq 'il barra minn dari, li ma jmurx iniġġisli s-sodda tat-tieġ tiegħi'.

U l-qaddis kien jgħid: 'Min ma għandux jibża' li jħares lejn għarusa ta' Kristu?'" [CA 37; 2C 113-114]

[1534] Kapitlu 87
Dwar it-tliet kelmiet li ħalla lill-aħwa biex iżommu sħiħ fil-ħajja tal-perfezzjoni.

Darba minnhom, meta kien marid ħafna bl-istonku, tant kellu jisforza biex jirremetti li beda jirremetti d-demm tul il-lejl kollu sa l-għada filgħodu[267]. Meta l-aħwa rawh hekk magħdur, għax minħabba d-dgħufija u t-tbatija kbira tiegħu kien jidher li għoddu se jmut, b'niket kbir u ħafna dmugħ li bdew ixerrdu, qalulu: "Missier, aħna x'sejrin nagħmlu mingħajrek? Għaliex *se tħallina orfni*?" (cfr. Ġw 14,18).

"Inti dejjem kont għalina missier u omm, u nissiltna *u wellidtna fi Kristu* (cfr. Gal 4,19). Inti kont għalina mexxej u ragħaj, mgħallem u dak li tikkoreġina, u kont tgħallimna u twissina bl-eżempju u bil-kliem tiegħek. Issa fejn se mmorru, *nagħaġ* li ma għandniex *ragħaj* (cfr. Mt 9,36), ulied orfni mingħajr missier, irġiel bla tagħlim u sempliċi mingħajr mexxej? Fejn se mmorru biex infittxuk, inti li int il-glorja tal-faqar, it-tifħir tas-sempliċità u l-ġieħ taċ-ċokon tagħna?"

"Issa min se juri lilna għomja t-triq tal-verità? Fejn se jkun il-fomm li kien ikellimna u l-ilsien li kien ifarraġna? Fejn se jkun l-ispirtu mħeġġeġ, li jmexxina fit-triq tas-salib u jikkonformana mal-perfezzjoni ta' l-Evanġelju? Fejn se tkun, sabiex aħna nirrikorru għandek, inti li int *id-dawl ta' għajnejna* (cfr. Tob 10,4); sabiex aħna nfittxuk, inti li int il-faraġ ta' l-erwieħ tagħna? Ara, missier, inti se tmut u lilna se tħallina mitluqin, se tħallina imnikktin u kollna mrar!"

"Ara, riesaq dak il-jum tal-biki u ta' l-imrar, il-jum tad-deżolazzjoni u tad-dwejjaq! Ara ġej il-jum morr li minn kemm ilna miegħek dejjem konna nibżgħu minnu, imma li lanqas kellna l-kuraġġ li nagħarfuh! Għax ħaġa ta' l-għaġeb, ħajtek għalina hi dawl li ma jintemmx, u kliemek

[267] Dan il-fatt seħħ fi Siena f'April 1226, meta Franġisku iddetta t-*Testment* magħruf bħala "ta' Siena". Cfr. 1C 105.

bħal fjakkoli li jaqbdu fina u jixgħeluna l-ħin kollu biex nimxu fit-triq tas-salib, lejn il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju u l-imħabba u l-imitazzjoni tal-Kurċifiss l-aktar ħelu".

"Għalhekk, missier, bierek lilna u lill-aħwa l-oħrajn, uliedek, li inti nissilthom fi Kristu, u ħallielna xi tifkira tar-rieda tiegħek, li tibqa' dejjem imfakkra minn ħutek, hekk li jistgħu jgħidu: 'Dawn il-kelmiet ħallihomlna l-missier tagħna lilna ħutu u uliedu qabel ma miet'".

Imbagħad il-missier l-aktar twajjeb, filwaqt li dawwar ħarstu ta' missier lejn uliedu, qalilhom: "Sejħuli lil fra Benedetto de Pirato"[268]. Dan kien wieħed mill-aħwa saċerdoti, raġel prudenti u qaddis, li kien fost l-ewwel aħwa li daħlu fl-Ordni, u li kien jiċċelebra l-quddiesa fiċ-ċella ta' l-imqaddes Franġisku; għaliex, għalkemm hu kien marid ħafna, dejjem u sakemm seta', kien ikun irid jisma' l-quddiesa bil-qalb.

Malli dak wasal ħdejh, l-imqaddes Franġisku qallu: "Ikteb li jiena nbierek l-aħwa kollha tiegħi, li jinsabu fl-Ordni u li għad iridu jidħlu fih sa l-aħħar taż-żminijiet. Billi minħabba d-dgħufija u l-uġigħ tal-mard ma nistax nitkellem, bi kliem qasir sejjer inħalli lill-aħwa li hawn preżenti u lil dawk li għad iridu jiġu din l-aħħar rieda tiegħi fi tliet kelmiet, u jiġifieri: li bħala sinjal tat-tifkira tal-barka u tat-testment tiegħi dejjem iħobbu lil xulxin, kif ħabbejthom u dejjem nibqa' nħobbhom jien; dejjem juru mħabba u jħarsu bil-fedeltà lil *Madonna Povertà*, u dejjem ikunu ubbidjenti u fidili lejn il-prelati u l-kjeriċi l-oħrajn kollha ta' ommna l-Knisja mqaddsa".

Għaliex meta l-aħwa kienu jinġabru għall-kapitlu, il-missier imqaddes dejjem kien ibierek u jassolvi l-aħwa kollha preżenti fi tmiem il-kapitlu, kif ukoll l-aħwa l-oħrajn kollha li kienu fl-Ordni, u kien ukoll ibierek lil dawk kollha li kellhom jidħlu f'dan l-Ordni; u dan kien jagħmlu mhux biss fil-kapitli imma wkoll ħafna drabi oħrajn kien ibierek lill-aħwa kollha li kien fl-Ordni u lil dawk li kellhom jiġu fil-ġejjieni. Kien ukoll iwissi lill-aħwa biex jibżgħu u jħarsu ruħhom mill-eżempji ħżiena; u kien jisħet lil dawk kollha li, minħabba l-eżempju ħażin tagħhom iwasslu lill-bnedmin biex jidgħu kontra r-Reliġjon u l-ħajja ta' l-aħwa, u l-aktar ta' l-aħwa qaddisa u twajbin, li hekk kienu jiġu avviliti quddiem kulħadd minħabba l-kliem li jingħad. [CA 59]

[1535] Kapitlu 88
Dwar l-imħabba li wera lill-aħwa qabel ma miet meta ta lil kull wieħed minnhom biċċa ħobż kif kien għamel Kristu.

Lejl minnhom l-imqaddes Franġisku tant kien imħabbat mill-marda tiegħu, li ma setax la jistrieħ u lanqas jorqod bl-ebda mod. Meta sebaħ, u t-tbatijiet tiegħu taffew ftit, sejjaħ lejh lill-aħwa kollha li kienu f'dak il-post, u dawn inġabru madwaru, u meta ħares lejhom ra fihom il-persuni ta' l-aħwa l-oħrajn kollha.

U hu beda mill-ewwel wieħed iberikom, *billi qiegħed idu l-leminija fuq ir-ras* (cfr. Ġen 48,17) ta' kull wieħed minnhom; bierek lil dawk kollha, li kienu fl-Ordni u *lil dawk li kellhom jiġu*

[268] Fra Benedetto da Pirato (jew "de Prato", jew "de Piratio") ma nafu xejn dwaru, għax qatt ma jissemma fil-*Fontes*. Il-fatt ġara fi Siena f'April 1226, sitt xhur qabel ma miet San Franġisk. Nafu li fi Siena kien hemm miegħu fra Pacifico (2C 137), u li malli sema' bil-qagħda gravi tal-qaddis, il-vigarju tiegħu fra Elia ħaffef lejn Siena. F'dak il-lejl San Franġisk iddetta dak li hu magħruf bħala t-*Testment ta' Siena*.

*sa l-aħħar taż-żmien* (cfr. Ġw 1,15; Dan 7,18); u kien jidher kemmxejn imnikket għaliex ma setax jara lil uliedu u lil ħutu aktar qabel imut.

Imbagħad billi ried li wkoll f'mewtu jimita lill-Mulej u l-imgħallem tiegħu, hu li kien imitah b'mod perfett matul ħajtu, talab li jġibhulu ftit *ħobż* li *berikhom* (cfr. Mt 26,26), u billi minħabba l-mard ma setax jaqsamhom, qabbad lil wieħed mill-aħwa biex *jaqsamhom* f'ħafna biċċiet. Wara li ħadhom mingħandu maqsumin beda jnewwel biċċa lil kull wieħed mill-aħwa, sabiex ilkoll *jieklu* (cfr. Mk 14,22; 1Kor 11,24) minnhom.

Għax kif il-Mulej ried jiekol ma' l-appostli nhar Ħamis ix-Xirka qabel ma miet, hekk ukoll dawk l-aħwa miġburin hemmhekk deher li fehemu li l-imqaddes Franġisku qabel ma jmut ried iberikhom, u fihom ibierek lill-aħwa l-oħrajn kollha, u li talabhom biex jieklu minn dak il-ħobż imbierek, bħallikieku hu xtaq jieklu ma' l-aħwa l-oħrajn kollha.

U kemm dan hu minnu jidher mill-fatt li, għalkemm dak il-jum ma kienx il-Ħamis, hu qal lill-aħwa li kien ħaseb li kien il-Ħamis.

Wieħed mill-aħwa żamm b'għożża biċċa minn dak il-ħobż. U wara l-mewt ta' l-imqaddes Franġisku, xi morda li kielu minnu ġew mill-ewwel meħlusin mill-marda tagħhom. [CA 22; 2C 217]

[1536] Kapitlu 89
Dwar kif kien jibża' li l-aħwa jkollhom ibatu minħabba l-mard tiegħu.

Meta minħabba l-uġiegħ li kellu bil-marda ta' għajnejh ma setax jistrieħ, u billi ra li din it-tbatija kienet kawża li l-aħwa kienu jitħabtu u jgħejjew ħafna biex jaqduh, għaliex hu kien iħobb lill-aħwa aktar minn ġismu stess, beda jibża' li l-aħwa minħabba dak ix-xogħol iebes, li kienu jagħmlu minħabba fih, setgħu forsi joffendu lil Alla għaliex kienu jistgħu jonqsu mis-sabar.

Għaldaqstant darba minnhom, imqanqal mill-ħniena u l-kompassjoni, qal lill-aħwa: "Ħuti u uliedi l-aktar għeżież, ma għandkomx titnikktu li qegħdin titħabtu minħabba l-mard tiegħi, għaliex il-Mulej minħabba fija, qaddej tiegħu, għad iroddilkom lura l-frott kollu tal-ħidma tagħkom f'din id-dinja u fid-dinja l-oħra, għaliex minħabba l-kura tagħkom lejn il-mard tiegħi, mintomx qegħdin taħdmu għalikom infuskom, imma kull min jgħin lili jkun qiegħed jgħin lill-Ordni kollu u l-ħajja ta' l-aħwa. U għalhekk tkunu tistgħu tgħiduli: 'Aħna nfaqna l-ħila kollha tagħna għalik, u l-Mulej se jkun dak li jħallasna flokok'".

Hekk qal il-missier qaddis għaliex ried li jkun ta' ġid u jgħinhom biex jagħtu ħeġġa lill-ispirtu dgħajjef tagħhom, minħabba l-ħeġġa li hu kellu għall-perfezzjoni ta' ruħhom. Għax hu kien jibża' li ma jmorrux jiġu mġarrbin minħabba l-ħidma tagħhom u jgħidu: "Aħna ma nifilħux la nitolbu u lanqas insofru din it-tbatija", u hekk isiru nies imdejjqin u bla sabar, u jitilfu l-frott kbir ta' dik il-ħidma żgħira tagħhom. [CA 86]

1537] Kapitlu 90
Dwar kif kiteb kliem ta' ħeġġa lis-sorijiet ta' Santa Klara.

Wara li l-imqaddes Franġisku sawwar it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, kiteb ukoll xi kelmiet qaddisa bil-kant għall-faraġ tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano, l-aktar għal dawk fosthom li kienu imġarrbin ħafna fil-mard tagħhom[269]. U billi hu ma setax ifarraġhom jew iżurhom minħabba l-mard tiegħu, ried li jmorru l-aħwa sabiex ikantawlhom din il-għanja. Fiha hu ried li jurihom fi ftit kliem ir-rieda tiegħu, jiġifieri li kellhom ikunu magħqudin fehma waħda fil-ħajja ta' bejniethom fl-imħabba lejn xulxin. Għax hu kien jara li l-konverżjoni u l-ħajja tagħhom mhix biss kienet il-glorja ta' l-Ordni ta' l-aħwa, imma wkoll tal-Knisja kollha ta' Alla.

Billi Franġisku kien jaf, mill-bidunett tal-konverżjoni tagħhom, li huma kien jgħixu, kif għadhom jgħixu sallum, bl-akbar ferħ u fehma qawwija fil-ħajja ta' faqar, għalhekk bir-rieda kollha u mqanqal mill-ħtieġa, l-ispirtu tiegħu dejjem kien idur lejhom b'ħafna tjieba. F'dawk il-kelmiet hu talabhom biex, kif il-Mulej ġabarhom minn ħafna postijiet ilkoll flimkien sabiex jgħixu flimkien fl-imħabba, fil-faqar imqaddes u fl-ubbidjenza qaddisa; hekk huma kellhom jibqgħu jgħixu dejjem f'din il-ħajja sal-mewt. Ħeġġiġhom ukoll biex jieħdu ħsieb biex bil-ferħ u bir-radd ta' ħajr dejjem jirringrazzjaw lill-Mulej tal-karità li hu jogħġbu jibgħatilhom biex jipprovdilhom għal ġisimhom, u wkoll li s-sorijiet li kienu f'saħħithom kellhom juru sabar biex jgħinu lill-morda jġorru l-piż tal-mard, filwaqt li s-sorijiet morda kellhom juru sabar filli jkunu jafu jġarrbu l-ħtiġijiet u t-tbatijiet tagħhom. [CA 85]

DWAR IL-ĦEĠĠA TA' MĦABBA KONTINWA U L-KOMPASSJONI LI KELLU LEJN IL-PASSJONI TA' KRISTU.

[1538] Kapitlu 91
Dwar ma kienx jagħti kas tal-mard tiegħu minħabba l-imħabba li kellu lejn il-passjoni ta' Kristu.

Kienet hekk qawwija l-ħeġġa ta' l-imħabba u tal-kompassjoni li l-imqaddes Franġisku kellu lejn it-tbatijiet u l-passjoni ta' Kristu, u tant kien jitnikket ta' kuljum minn ġewwa u minn barra minħabba dik l-istess passjoni, li ma kienx jagħti kas tal-mard tiegħu. Għalhekk, meta kellu, għal żmien twil matul ħajtu, u sal-jum tal-mewt tiegħu, il-marda fil-fwied, fil-marrara u fl-istonku, u fl-istess żmien li fih mar fl-inħawi ta' *oltremare* biex jippriedka lis-Sultan ta' Babilonja u ta' l-Eġittu[270], li fih kien ukoll marad f'għajnejh, hu ma riedx li jieħu ħsieb li jikkura l-ebda waħda mill-mard li kellu.

---

[269] Dan hu riferiment ċar għall-kompożizzjoni tal-kantiku *Audite poverelle*, li Franġisku kiteb lil Klara u lis-sorijiet meta kien San Damiano.

[270] Franġisku mar fl-Orjent wara l-Kapitlu ġenerali tas-26 ta' Mejju 1219 (Kapitlu "tal-ħsajjar"?). Fil-fatt, Franġisku salpa minn Bari jew Brindisi fl-24 ta' Ġunju 1219. Fl-1217 kienet twaqqfet il-Provinċja ta' *Oltremare*, jew tas-Sirja, fl-inħawi tal-lvant nofsani (illum Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa). Franġisku mar fl-Orjent akkumpanjat minn fra Pietro Cattanio, fra Illuminato, u oħrajn. F'San Giovanni d'Acri ġie milqugħ minn fra Elia, li kien il-Ministru tal-provinċja ta' *Oltremare*. Imbagħad kompla triqtu lejn Damietta, fl-Eġittu, fejn kien hemm l-akkampament tal-ħames Kruċjata. Hemmhekk hu ra b'għajnejh it-telfa li l-Kruċjati sofrew fid-29 ta' Awissu 1219. Wara dik id-data kien hemm xahar ta' waqfien mill-ġlied, sas-26 ta' Settembru. Kien f'dan il-perjodu, li x'aktarx San Franġisk iltaqa' mas-Sultan Malik-al-Kamil, Sultan ta' l-Eġittu (1218-1238). Wara li l-ġlied reġa' beda mill-ġdid, u wassal sa ma l-Kruċjati ħatfu Damietta wara massakru sħiħ, fil-5 ta' Novembru 1219, Franġisku reġa' lura fis-Sirja (tradizzjoni li

Hekk meta s-Sinjur ta' Ostia ra dan kollu u intebaħ kemm hu kien aħrax ma' ġismu, u l-aktar li beda jitlef id-dawl ta' għajnejh, għaliex hu ma riedx jikkura ruħu, wissieh bi ħniena kbira u kompassjoni, filwaqt li qallu: "Ħija, mintix tagħmel ħaġa tajba li ma tridx tikkura ruħek, għaliex il-ħajja u s-saħħa tiegħek huma meħtieġa bil-bosta għall-aħwa tiegħek, għas-sekulari u għall-Knisja kollha kemm hi. Għax jekk inti dejjem ħennejt għall-aħwa tiegħek, u dejjem kont twajjeb u mimli ħniena magħhom, f'din il-ħtieġa kbira li fiha tinsab, ma għandekx tkun kiefer miegħek innifsek. Għaldaqstant jiena nordnalek biex tagħmel il-kura li għandek bżonn għall-fejqan tiegħek".

Għax l-istess missier l-aktar qaddis dejjem kien jilqa' dak li hu morr għall-ġismu bħala xi ħaġa mill-aktar ħelwa, għax kien miġbud lejn l-umiltà ta' l-Iben ta' Alla, li ried jimxi fuq il-passi tiegħu. [CA 77]

[1539] Kapitlu 92
Dwar kif instab miexi filwaqt li kien jibki b'leħen għoli l-passjoni ta' Kristu.

Jum fost l-oħrajn, ftit snin wara l-konverżjoni tiegħu, waqt li kien miexi waħdu fit-triq mhux tant 'il bogħod mill-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, kien għaddej jibki u *jitniehed b'leħen għoli* (cfr. Eżek 27,30). Kif kien miexi hekk, iltaqa' miegħu wieħed raġel spiritwali. Dan, imqanqal mill-ħniena, staqsieh u qallu: "X'għandek, ħija?" Għax kien qed jaħseb li hu kien qiegħed isofri mill-uġiegħ ta' xi marda. U Franġisku wieġbu: "Jiena jeħtieġli nibki u nitniehed, mingħajr ma nistħi, u nxerred id-dmugħ mad-dinja kollha għall-Passjoni tal-Mulej tiegħi". U dak beda jibki u jolfoq bil-kbir flimkien miegħu.

Aħna konna nafu lil dan ir-raġel u sirna nafu b'din il-ġrajja minn fommu stess. Hu kien ta' faraġ kbir u kien juri ħniena ma' l-imqaddes Franġisku u ma' bosta minn sħabu. [CA 78; 2C 11]

[1540] Kapitlu 93
Dwar il-hena li xi kultant kien juri minn barra u li kienet tinbidel fid-dmugħ ta' kompassjoni lejn Kristu.

L-imqaddes Franġisku, li kien ikun fis-sakra ta' l-imħabba u l-kompassjoni ta' Kristu, xi mindaqqiet kien iġib ruħu b'dan il-mod. Meta kien iħoss ġo sidru tbaqbaq il-melodija l-aktar ħelwa ta' l-ispirtu, kien jinfexx jesprimi ruħu bl-ilsien franċiż, u *jekk widnejh kienu jaqbdu bil-ħatfa l-ħoss ta' l-ispirazzjoni* (cfr. Ġob 4,12) divina, hu kien jinfexx ikanta bil-franċiż.

Xi kultant kien jaqbad biċċa zokk mill-art, u filwaqt li kien iżommu bi driegħu tax-xellug, b'idejh il-leminija kien iżomm arkett mgħawweġ b'biċċa ħabel u kien jgħaddih fuq iz-zokk, bil-

---

għadda fil-Postijiet Imqaddsa) u mbagħad irritorna fl-Italja fl-ewwel nofs ta' l-1220 (A. Ghinato, "Sanctus Franciscus in Oriente Missionarius ac peregrinus", *Acta Ordinis Minorum* 83 (1964) 164ss.). Bl-isem Babilonja l-kittieba medjevali kienu jindikaw ukoll l-Eġittu. Hawnhekk x'aktarx il-kompilatur irid jirreferi kemm għal Malik-al-Kamil, Sultan ta' l-Eġittu, kif ukoll għal ħuh, Malik-Moaddam, Sultan ta' Damasku, Ġerusalem u Sirja, magħruf bħala Corradino.

ġesti li soltu jidhru meta wieħed idoqq il-*viella*[271], u kien ikanta bil-franċiż it-tifħir tal-Mulej. Mhux l-ewwel darba li dan il-kant kien itemmu fid-dmugħ, u l-ferħ tiegħu kien jinbidel fil-bikja tal-passjoni ta' Kristu.

Imbagħad il-qaddis, filwaqt li kien jitniehed il-ħin kollu, u jolfoq bil-biki, kien jinsa għal kollox dak li kellu f'idu, u kien donnu jibqa' mdendel fl-ispirtu bejn sema u art. [2C 127]

DWAR IL-ĦEĠĠA LI KELLU GĦAT-TALB U L-UFFIĊĊJU DIVIN U BIEX IĦARES IL-FERĦ SPIRITWALI FIH INNIFSU U FL-OĦRAJN.

[1541] Kapitlu 94
Dwar it-talb u l-uffiċċju divin.

Għalkemm għal bosta snin kien imġarrab mill-mard li semmejna, hu kien hekk devot u mimli qima lejn it-talb u l-uffiċċju divin, li meta kien jitlob is-sigħat kanoniċi qatt ma kien jistrieħ ma' xi ħajt; kien joqgħod wieqaf dejjem u b'rasu mikxufa, jekk mhux ukoll xi mindaqqiet għarkobbtejh. Kien jiddedika ħin twil tal-jum u tal-lejl biex jingħata għat-talb. Meta kien ikun miexi fit-toroq waqt xi vjaġġ, kien dejjem jieqaf mill-mixi meta jiġi l-ħin biex jitlob l-uffiċċju; jekk imbagħad kien ikun riekeb iż-żiemel minħabba l-mard kien dejjem jinżel minn fuqu biex jgħid l-uffiċċju.

Darba minnhom kienet nieżla xita bil-qliel u hu kien riekeb iż-żiemel minħabba l-ħtieġa u l-marda li kellu. Imma minkejja li kien imxarrab għasra, nieżel miż-żiemel, meta wasallu l-ħin biex jitlob is-sigħat kanoniċi ta' l-uffiċċju; u hekk qagħad jitlob b'ħeġġa kbira u qima l-uffiċċju, wieqaf fit-triq bix-xita l-ħin kollu nieżla fuqu, bħallikieku kien qiegħed fi knisja jew fiċ-ċella. U hekk qal lil sieħbu: "Jekk il-ġisem jitlob li jieħu l-ikel fis-sliem u l-kalma, biex imbagħad flimkien miegħu se jsir ikel għad-dud, b'kemm aktar sliem u kalma, b'kemm qima u devozzjoni għandha r-ruħ tirċievi l-ikel tagħha li hu Alla nnifsu". [CA 119-120; 2C 96]

[1542] Kapitlu 95
Dwar kif dejjem kien iħobb li fih innifsu u fl-oħrajn iżomm il-ferħ spiritwali minn ġewwa u minn barra.

L-imqaddes Franġisku kien dejjem jingħata bl-akbar kura u ħerqa sabiex, barra mill-ħin tat-talb u ta' l-uffiċċju divin, iżomm fih il-ferħ spiritwali minn ġewwa u minn barra. Hu kien jistma l-istess ħaġa wkoll fl-aħwa, u kien ukoll lest li jċanfarhom meta kien ta' spiss jarahom maħkumin mid-dwejjaq u mit-telqa.

Kien jgħid li "jekk il-qaddej ta' Alla jingħata bil-ħerqa biex iħares minn ġewwa u minn barra l-ferħ ta' l-ispirtu, li jiġi minn qalb nadifa u li wieħed jakkwistah fit-talb devot, ix-xjaten ma jkunu jistgħu jagħmlulu l-ebda ħsara, u jgħidu: 'Billi dan il-qaddej ta' Alla jżomm il-ferħ kemm

[271] Il-*viella* kienet strument b'ħames kordi tixbaħ lill-vjola, u kienu jużawha t-*troubadours*, jew *giullari*, li kienu jkantaw kanzunetti kavallereski bl-ilsien franċiż, jew aħjar, bid-djalett ta' Provençe. F'żogħżitu Franġisku kien jaf dan il-kant bl-amment.

fir-riżq il-ħażin kif ukoll fir-riżq it-tajjeb, aħna ma nistgħux insibu l-ebda xaqq biex nidħlu fih u nagħmlulu ħsara'. Imma x-xjaten jifirħu kull meta jkunu jistgħu jitfu d-devozzjoni u l-ferħ li jiġu minn qalb nadifa kif ukoll l-għemejjel l-oħrajn ta' virtù, jew ikunu jistgħu b'xi mod iwaqqfuhom.

"Għax jekk ix-xitan jista' jsib xi ħaġa li hi tiegħu fil-qaddej ta' Alla, meta dan ma jkunx għaref u pront biex jeqridha u jaħsadha mill-aktar fis, bil-qawwa tat-talb qaddis, ta' l-indiema, tal-qrar u tal-penitenza, fi żmien qasir dak minn xahra waħda kapaċi jibni travu billi l-ħin kollu jnassu. Għaldaqstant, ħuti, il-ferħ ta' l-ispirtu jiġi minn qalb nadifa u mis-safa tat-talb bla heda, u għalhekk jaqbel li niksbu dawn iż-żewġ ħwejjeġ u nħarsuhom dejjem u nitħarrġu fihom, sabiex l-istess ferħ, li jiena nixtieq u nħobb nilmaħ u nħoss kemm fija kif ukoll fikom, ikun jista' jkun tagħna lkoll minn ġewwa u minn barra, biex nedifikaw lill-proxxmu u nirbħu fuq l-għadu tagħna. Għaliex id-dwejjaq huma tiegħu u ta' dawk li jimxu warajh, filwaqt li aħna rridu nithennew u *nifirħu dejjem fil-Mulej*" (cfr. Fil 4,4). [CA 120; 2C 128]

[1543] Kapitlu 96
Dwar kif ċanfar lil wieħed mill-aħwa li kien jidher imnikket.

L-imqaddes Franġisku kien jgħid: "Billi jiena naf li x-xjaten jgħiru għalija minħabba l-benefiċċji li l-Mulej għoġbu jagħtini, jiena naf u nara li billi huma ma jistgħux jagħmluli ħsara, huma jnassu u jaraw kif jistgħu jagħmluli d-deni fl-aħwa tiegħi. Jekk imbagħad ma jirnexxilhomx jagħmlu ħsara la lili u lanqas lill-aħwa, allura huma jirtiraw imħawwdin ħafna. Għax jekk jiġrili xi mindaqqiet li nkun imġarrab u nintelaq, meta jiena nilmaħ il-ferħ ta' ħija, jiena mall-ewwel ikolli l-okkażjoni li, bil-ferħ tiegħu, jiena nħarrab minni t-tentazzjoni u t-telaq u nerġa' nikseb il-ferħ minn ġewwa u minn barra".

Kien għalhekk li l-istess missier kien iċanfar bil-qawwa lil dawk l-aħwa li minn barra kienu jidhru mnikktin. Darba minnhom ċanfar lil wieħed mill-aħwa tiegħu, għaliex kien jarah li kien imdejjaq u kellu wiċċu mnikket. U qallu: "Għaliex inti mnikket u mdejjaq minħabba dnubietek? Bejnek u bejn Alla żomm dan id-dwejjaq, u mur itolbu biex iħenn għalik u jaħfirlek u biex *iroddlok l-hena tas-salvazzjoni* (cfr. S 50,14) tiegħu, li inti ġejt imċaħħad minnha minħabba dnubietek. Imma quddiemi u quddiem l-aħwa l-oħrajn ara li dejjem tkun ferħan, għaliex ma jixraqx li l-*qaddej* ta' Alla quddiem ħuh jew xi ħadd ieħor juri ruħu li wiċċu mqarras u bil-bixra ta' wieħed *imġarrab* (cfr. Is 42,4).

Ma għandniex iżda nifhmu jew nemmnu li l-missier tagħna, li kien iħobb il-ħajja matura u onesta, kien jifhem li b'dan il-ferħ l-aħwa riedu juru d-daħq minn barra jew inkella jgħidu ħafna kliem fieragħ, għaliex din mhijiex il-hena ta' l-ispirtu imma l-frugħa u turi kemm il-bniedem ikun vojt fih innifsu. Għax fil-qaddej ta' Alla hu kien jistmerr b'mod singulari d-daħq u *l-kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36), u mhux biss ma kienx ikun irid li hu jidħaq, imma wkoll li lanqas ma joffri lill-oħrajn l-iċken okkażjoni biex huma jinfexxu fid-daħq vojt. Hekk f'waħda mit-Twissijiet tiegħu, hu fiehem b'mod ċar x'inhu l-ferħ veru li għandu jkollu l-qaddej ta' Alla. Hekk qal: "Hieni dak ir-reliġjuż li ma jsibx il-hena u l-ferħ tiegħu jekk mhux fit-taħdit qaddis u fl-għemejjel tal-Mulej li bihom hu jqanqal lill-bnedmin biex iħobbu lil Alla bil-ferħ u l-hena. U ħażin għalih dak ir-reliġjuż

li jehda fi *kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36) u fi ħwejjeġ bla kont u bihom iqanqal lill-bnedmin għad-daħq"[272].

Bil-bixra tal-ferħ fuq il-wiċċ hu kien jifhem il-ħeġġa u l-kura kif ukoll ir-rieda tajba tar-ruħ u tal-ġisem li jwettqu bil-libertà *dak kollu li hu tajjeb* (cfr. Tit 3,1), għaliex b'ħeġġa bħal din u rieda tajba, l-oħrajn jitħeġġu xi mindaqqiet biex iwettqu l-ġid aktar milli kienu jitħeġġu b'xi għemil tajjeb. U jekk l-għemil, tajjeb kemm hu tajjeb, ma jidhirx li jkun sar bil-qalb u bil-ħeġġa, x'aktarx li jġib miegħu it-toqol tal-qalb aktar milli jqanqal biex wieħed jagħmel it-tajjeb.

Għaldaqstant ma kienx irid li fuq l-uċuħ ta' l-aħwa jara dak in-niket li ta' spiss ikun juri t-telqa u n-nuqqas ta' ħeġġa ta' l-ispirtu kif ukoll l-għażż tal-ġisem li ma jkunx irid iwettaq l-ebda għemil tajjeb. Imma fih innifsu u fl-oħrajn kien fuq kollox iħobb jara s-serjetà u l-maturità fil-bixra tal-wiċċ u fil-membri l-oħrajn kollha u s-sensi tal-ġisem, u kien iħeġġeġ lill-oħrajn biex jiksbu dan bil-kelma u bl-eżempju, kull meta kien jista'. Kien għamel ukoll esperjenza ta' kif dan il-qjies u l-maturità fl-imġieba huma bħal ħajt u tarka mill-aktar qawwija kontra l-vleġeġ tax-xitan; u dwar kif ir-ruħ, meta ma tkunx imħarsa minn dan il-ħajt u minn din it-tarka, tkun qisha kavallier għeri u bla ebda arma qalb għedewwa mill-aktar qawwija u armati sa snienhom, u li jkunu l-ħin kollu mehdijin biex jaraw kif joqtluh. [CA 120; 2C 128]

[1544] Kapitlu 97
Dwar kif kien jgħallem lill-aħwa biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-ġisem ħalli jkunu jistgħu jitolbu aħjar.

Meta l-missier l-aktar qaddis kien iqis u jifhem li l-ġisem ġie maħluq minħabba r-ruħ, u li l-għemejjel tal-ġisem għandhom jitqiesu bħala għajnuna minħabba l-ispirtu, kien jgħid: "Il-qaddej ta' Alla, bl-ikel, fl-irqad jew fil-ħtiġijiet l-oħrajn ta' ġismu, għandu jieħu ħsieb li jwettaqhom bil-għaqal, sabiex ħuna l-ġisem ma joqgħodx igemgem u jgħid: Jiena ma nistax noqgħod wieqaf għat-talb bla heda, u lanqas ma nista' nifraħ fit-tiġrib tiegħi jew inwettaq xi ħidma oħra tajba, għaliex inti ma tieħux ħsiebi".

"Għax jekk il-qaddej ta' Alla jkun ipprovda bil-għaqal għall-ħtiġijiet ta' ġismu bl-aħjar mod tajjeb u onest li seta', u ħuh il-ġisem ikun irid jitgħażżen fit-talb u fis-sahriet u fl-għemejjel tajbin tar-ruħ, u jkun irid jittraskura u jongħos, allura hu għandu jikkastigah bħala ħmar għażżien, li jrid jiekol imma ma jridx jaqla' ħobżu bix-xogħol u lanqas ma jkun irid iġorr toqol. U jekk minħabba n-nuqqas u l-faqar ħuna l-ġisem ma jkollux il-ħtiġijiet tiegħu fil-mard jew fis-saħħa, sakemm hu jkun qiegħed jitlob bl-onestà u bl-umiltà lil ħuh jew lill-prelat tiegħu dak li jeħtieġ għall-imħabba ta' Alla, u dan ma jingħatalux, għandu jġarrab kollox bis-sabar għall-imħabba tal-Mulej, li Hu wkoll *kellu jġarrab* u *fittex min ifarrġu u ma sab lil ħadd* (cfr. S 68,21). U hu għandu jqis li dak in-nuqqas li jġarrbu bis-sabar hu l-martirju li l-Mulej qiegħed jitlob minnu. U meta jkun għamel dak li hu tiegħu, jiġifieri dak li talab minħabba l-ħtieġa, hu jkun skużat mid-dnub, ukoll jekk il-ġisem jimrad aktar". [CA 120; 2C 129]

[272] *Twissija* 21.

DWAR XI TENTAZZJONIJIET LI L-MULEJ IPPERMETTA LI JGĦADDI MINNHOM.

[1545] Kapitlu 98
Dwar kif ix-xitan daħal fl-imħadda li l-qaddis kellu taħt rasu.

Darba minnhom l-imqaddes Franġisku kien jinsab fl-eremitaġġ ta' Greccio. Bin-nhar u bil-lejl kien joqgħod jitlob fl-aħħar ċella wara ċ-ċella l-kbira. Lejl minnhom, waqt l-ewwel nagħsa, sejjaħ lil sieħbu, li kien jorqod maġenbu. Dak qam mall-ewwel u mar ħdejh, u qagħad fid-daħla taċ-ċella ċkejkna tiegħu maġenb il-bieb, fejn kien jinsab jistrieħ l-imqaddes Franġisku. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Ħija, jiena ma stajtx norqod dan il-lejl u lanqas ma nista' noqgħod nitlob; għax ara, rasi u rkubbtejja qegħdin jitriegħdu, qisni kilt il-ħobż tas-sikrana".

U sieħbu qagħad jitkellem miegħu biex jipprova jfarrġu. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Jiena naħseb li hemm ix-xitan f'din l-imħadda li għandi taħt rasi".

Għax wara li ħareġ mid-dinja l-imqaddes Franġisku ma kienx aktar irid jistrieħ fuq saqqu u lanqas kien ikun irid ikollu imħadda tar-rix. Imma dik id-darba l-aħwa kienu ġagħaluh biex ikollu mħadda tar-rix kontra r-rieda tiegħu, minħabba l-mard li kellu f'għajnejh.

Hu qabad l-imħadda u xeħetha lejn sieħbu. Dak qam u qabad l-imħadda b'idu l-leminija u xeħetha fuq spalltu x-xellugija, u hekk baqa' jżommha b'idu l-leminija sakemm ħareġ 'il barra mill-bieb. U mall-ewwel ma setax jitkellem, u lanqas ma seta' jiċċaqlaq iżjed minn dak il-post u lanqas seta' jċaqlaq driegħu jew idu, u lanqas seta' jarmi l-imħadda minnu, imma baqa' hekk wieqaf; kien qisu bniedem li ħareġ minnu nnifsu, u ma beda jħoss xejn iżjed. U dam hekk għal tul ta' żmien mhux ħażin, sakemm għall-ħniena divina, sejjaħlu għandu l-imqaddes Franġisku. Allura *reġa' lura f'tiegħu* (cfr. Lq 15,17; Atti 12,11) u rema' minnu l-imħadda.

U wara mar lura għand l-imqaddes Franġisku u qallu b'dak kollu li kien ġralu. U l-imqaddes Franġisku qallu: "Filgħaxija, waqt li kont qiegħed nitlob il-kumpieta, kelli s-sensazzjoni li x-xitan daħalli fiċ-ċella. Ara kemm hu fin u qarrieq ix-xitan: billi ma jistax jagħmilli ħsara fir-ruħ, irid ifixkilni fil-ħtiġijiet tal-ġisem, hekk li ma nkunx nista' norqod u lanqas noqgħod wieqaf għat-talb, biex hekk ifixkilli d-devozzjoni u l-ferħ tal-qalb u jwassalni biex ingemgem fil-mard tiegħi". [CA 119; 2C 64. 96; LM V,2; X,6]

[1546] Kapitlu 99
Dwar it-tentazzjoni l-aktar kiefra li hu sofra minnha għal aktar minn sentejn.

F'dak l-istess żmien, meta l-imqaddes Franġisku kien joqgħod f'Santa Marija tal-Porziuncola, ġara li, għall-ġid ta' ruħu, ġie maħkum minn tentazzjoni mill-aktar qawwija ta' l-ispirtu, hekk li fil-ġisem u fir-ruħ kien tant imħabbat, li kien saħansitra jaħrab mill-aħwa biex ma jitkellimx magħhom, l-aktar għaliex minħabba din it-tentazzjoni ma kienx jirnexxilu juri ruħu ferħan quddiemhom, kif kien soltu jagħmel. Hu kien jgħakkes lilu nnifsu, mhux biss billi jiċċaħħad mill-ikel, imma wkoll mill-kliem; kien imur ta' spiss biex jitlob fil-bosk li kien hemm qrib il-knisja, sabiex hemmhekk ikun jista' aħjar jisvoga t-tbatija tiegħu u jibki b'ħafna dmugħ

quddiem il-Mulej, sabiex il-Mulej, li jista' kollox, jibgħatlu mis-sema xi duwa ta' fejqan minn dak it-tiġrib kollu.

Billi kien ilu mġarrab lejl u nhar minn dik it-tentazzjoni għal aktar minn sentejn, ġara jum minnhom, li meta kien qiegħed jitlob fil-knisja ta' Santa Marija, fl-ispirtu tiegħu beda jtenni dawk il-kelmiet ta' l-Evanġelju mqaddes: *Kieku jkollkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kieku tgħidu lil din il-muntanja biex tinqala' minn postha u tiċċaqlaq, u hi tisma' minnkom* (cfr. Mt 17,19).

U l-imqaddes Franġisku beda jtenni: "Mulej, min hi din il-muntanja?" U sema' min jgħidlu: "Il-muntanja hi t-tentazzjoni tiegħek". U l-imqaddes Franġisku wieġeb: "Mela, *Mulej, ħa jsir minni* (cfr. Lq 1,38) skond il-kelma tiegħek". U mall-ewwel ġie meħlus, u beda jidhirlu illi hu qatt ma kellu dik it-tentazzjoni qabel. [CA 63; 2C 115]

Bl-istess mod fuq il-muntanja mqaddsa ta' La Verna fiż-żmien li irċieva l-istimmati tal-Mulej f'ġismu, hu tant kellu jbati minn tentazzjonijiet u tiġrib mix-xjaten, li ma setax juri lilu nnifsu ferħan, kif jixraq. Għalhekk qal lil wieħed minn sħabu: "Kieku l-aħwa kellhom ikunu jafu liema tentazzjonijiet u tiġrib iġibu fuqi x-xjaten, kieku ma jkun hemm l-ebda wieħed minnhom li ma jitqanqalx biex iħoss għalija u jkun irid ibati miegħi". [CA 118]

[1547] Kapitlu 100
Dwar it-tentazzjoni li kellu minħabba l-ġrieden u dwar kif il-Mulej farrġu u qallu li żgur kellu jikseb is-saltna tiegħu.

Sentejn qabel ma miet, meta kien mard ħafna u l-aktar bil-marda ta' għajnejh, hu kien qiegħed jgħix f'daqsxejn ta' ċella magħmula mill-qasab f'San Damiano[273]. L-imqaddes Franġisku dam hemmhekk għal aktar minn ħamsin jum, u ma setax jara d-dawl ta' bin-nhar, u lanqas id-dawl tan-nar bil-lejl, imma dejjem kellu joqgħod ġewwa fid-dlam ta' dik iċ-ċella. U biex jikber it-tiġrib u l-merti tiegħu, Alla ippermetta li tant kien hemm ġrieden fil-kmajra li fiha kien hemm iċ-ċella tiegħu, li dawn kienu jiġġerrew fuqu u madwaru, u ma kienux iħalluh jitlob jew jorqod. Meta kien jipprova jiekol, kienu jitilgħu mal-mejda, u kienu jdejjquh b'elf mod. Kemm hu kif ukoll sħabu kienu jqisu li din kienet tentazzjoni tax-xitan, kif fil-fatt kienet.

Meta l-imqaddes Franġisku beda jqis b'liema tiġrib kien imħabbat, lejl minnhom, tqanqal bil-ħniena lejh innifsu u qal bejnu u bejn ruħu: "Mulej, *ħares lejja u għinni* (cfr. S 70,12) fil-marda tiegħi, biex jiena nkun niflaħ inġarrabha bis-sabar".

U mall-ewwel ħass min jgħidlu fl-ispirtu tiegħu: "Għidli, ħija: jekk xi ħadd ikun irid jagħtik teżor kbir u prezzjuż għal dan il-mard u t-tiġrib kollu tiegħek, hekk li l-art kollha għalik issir *deheb* safi, *il-ħaġar* kollu jsiru *ħaġar prezzjużi,* u l-ilma kollu jsir balzmu, inti ma tibdiex tqis bħallikieku xejn it-tiġrib tiegħek, li hu art, ħaġar u ilma materjali, *meta tqabblu* (cfr. Għerf 7,9; S 18,11) ma'

---

[273] San Franġisk kien jinsab f'San Damiano, skond il-CA, "għal aktar minn ħamsin jum", fl-ewwel xhur ta' l-1225. Kien f'dan iż-żmien li l-vigarju tiegħu ("ministru ġeneral") fra Elia, jipprova jipperswadih biex jieħu ħsieb il-kura ta' għajnejh. Dan ir-rakkont jipprovdi l-isfond storiku tal-kompożizzjoni ta' l-ewwel taqsima tal-*Cantico di frate sole,* jew Għanja tal-ħlejjaq.

dan it-teżor kbir u prezzjuż li jingħatalek? Ma tifraħx b'ferħ kbir?" U l-imqaddes Franġisku wieġeb: "Mulej, tassew li dan hu teżor kbir u ta' siwi bla tarf, *prezzjuż* ħafna u ta' min iħobbu *u jixtieqdu* (cfr. S 18,11)".

U *reġa' sema' l-leħen iwieġbu* (cfr. Apk 10,8): "Mela, ħija, ifraħ u thenna bil-bosta fit-tiġrib u t-tbatijiet tiegħek, għaliex minn issa 'l quddiem trid tqis lilek innifsek fiż-żgur, daqs li kieku diġà qiegħed fis-saltna tiegħi".

U malli qam l-għada filgħodu qal lill-aħwa: "Jiena rrid nifraħ ħafna *fit-tbatijiet tiegħi* (cfr. 2Kor 12,10) u fit-tiġrib, u rrid *nitfarraġ fil-Mulej* (cfr. Ef 6,10) u *nrodd dejjem ħajr lil Alla Missier* u lill-Ibnu *l-Mulej tagħna Ġesù Kristu* (cfr. Ef 5,20) u lill-Ispirtu s-Santu, talli għamlu miegħi tant grazzja u barka, jiġifieri li sakemm għadni ngħix fil-ġisem, għall-ħniena tiegħu għoġbu jiżgura lili qaddej tiegħu li ma jistħoqqlix, li jagħtini s-saltna tiegħu. Għalhekk irrid li għat-tifħir tiegħu u għall-faraġ tagħna u l-edifikazzjoni tal-proxxmu, nikkomponi *Lauda* ġdida lill-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, li ta kuljum jaqduna u li mingħajrhom ma nistgħux ngħixu, u li bihom ta' spiss il-bnedmin joffendu ħafna lill-Ħallieq u lil dak li jagħti kull ġid u ma nfaħħruhx kif jistħoqqlu. U aħna l-ħin kollu ingrati għal tant grazzja u tant benefiċċji, u ma nfaħħrux kif jixraq lill-Mulej li hu ħallieq u li jagħtina kull ġid". U qagħad bilqiegħda, u inġabar fil-meditazzjoni.

Imbagħad qal: "Twajjeb Mulej, int l-ogħla, tista' kollox". U ikkompona wkoll melodija fuq dawn il-kelmiet u għallimha lill-aħwa biex ikantawha.

Għax l-ispirtu tiegħu kien jinsab f'tant ħlewwa u faraġ, li hu ried jibgħathom iġibulhu lil fra Pacifico, li fis-seklu kien jissejjaħ *re dei versi*, u li kien għalliem espert tal-kant, sabiex hu jindikalu xi aħwa twajbin u spiritwali, ħalli jkun jista' jibgħathom fid-dinja ħalli jippriedkaw u jfaħħru lil Alla bil-kant. Kien irid u kien jgħid li, qabel ma l-aħwa li kienu jafu jippriedkaw kienu jibdew jippriedkaw lill-poplu, kif ukoll wara li jtemmu l-priedka, kellhom ikantaw it-Tifħir tal-Mulej bħala *giullari* tal-Mulej[274].

Meta jtemmu t-Tifħir, hu riedhom jippriedkaw lill-poplu u jgħidulu: "Aħna *giullari* tal-Mulej u rridu biss dan il-ħlas minngħandkom, jiġifieri li intom tgħixu fil-penitenza vera". U kien jgħid: "X'inhuma iżjed il-qaddejja tal-Mulej, jekk mhux il-*giullari* tiegħu, li għandhom iqanqlu l-qlub tal-bnedmin u jiftħuhom għall-ferħ spiritwali?"

U dan b'mod speċjali kien jgħidu għall-Patrijiet Minuri, li ġew mogħtijin għall-poplu biex isalvawh. [CA 83; 2C 213]

---

[274] *Ioculatores Domini*, "giullari", jew "troubadours" tal-Mulej. San Franġisk juża l-istess metodoloġija tal-kantanti popolari medjevali, li kienu jduru minn belt għal oħra, jkantaw il-kanti kavallereski (*chanson de geste*), bħalma kienet dik ta' Roland u tar-Re Artur u l-kavallieri tal-mejda t-tonda. L-istil ta' kompożizzjoni ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq* hu dak ta' *Lauda*, jew kant popolari, ta' natura reliġjuża, komuni ħafna fil-medjuevu, li kien jiċċelebra xi fatti mill-ħajja ta' Kristu, tal-Verġni Marija u tal-qaddisin.

DWAR L-ISPIRTU TAL-PROFEZIJA

[1548] Kapitlu 101
Dwar kif ħabbar li kellha sseħħ il-paċi bejn l-isqof u l-*podestà* ta' Assisi, bis-saħħa ta' l-Għanja tal-ħlejjaq li bagħat tnejn mill-aħwa jkantawha quddiemhom.

Wara li l-imqaddes Franġisku kien sawwar l-Għanja tal-ħlejjaq[275], ġara li qam il-ġlied bejn l-isqof tal-belt ta' Assisi u l-*podestà* ta' Assisi; hekk li l-isqof skomunika lill-*podestà*, u dan bagħat lill-bandu mal-belt dan l-ordni, li l-ebda bniedem ma seta' jbiegħ jew jixtri jew jagħmel kuntratti legali ma' l-isqof.

L-imqaddes Franġisku, li kien hekk marid, *tqanqal* bil-ħniena *għalihom it-tnejn* (cfr. Lq 7,13), l-aktar għaliex l-ebda reliġjuż jew secular ma indaħal bejniethom biex iħabbibhom flimkien mill-ġdid. U qal lill-aħwa: "Hi ta' mistħija kbira għalina qaddejja ta' Alla, li l-isqof u l-*podestà* jobgħodu lil xulxin b'dan il-mod u ħadd ma jindaħal bejniethom biex iħabbibhom flimkien". U hekk f'dik l-okkażjoni żied dawn il-vrus fil-għanja li semmejna, jiġifieri:

"Mulejja, tkun imfaħħar f'dawk li jaħfru,
u f'dawk li jġorru l-mard u kull tbatija
bla jgemgmu xejn; imma dejjem għal imħabbtek:
tagħtihom int kuruna ta' tgawdija".

Imbagħad sejjaħ wieħed mill-aħwa tiegħu u qallu: "Mur, u għid lill-*podestà* li bgħattek jien, sabiex hu flimkien mall-kbarart tal-belt u oħrajn li jrid iġib miegħu, jiġu fil-palazz ta' l-isqof".

U malli dak ħareġ qal lil tnejn oħra mill-aħwa: "Morru u quddiem l-isqof u l-*podestà* u oħrajn li jkunu hemm kantaw il-Għanja ta' ħuna x-Xemx, u *jiena nafda fil-Mulej* (cfr. S 10,2) li Hu iċekknilhom qlubhom u jagħmlu s-sliem bejniethom u jerġgħu lura għall-ħbiberija u l-imħabba ta' qabel".

Kulħadd inġabar fil-pjazza tal-kjostru tal-palazz ta' l-isqof, u dawk iż-żewġ aħwa qamu u wieħed minnhom qal: "L-imqaddes Franġisku fil-marda tiegħu kiteb xi Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu biex ifaħħar lill-Mulej u għall-edifikazzjoni tal-proxxmu. Għaldaqstant hu qiegħed jitlobkom, sabiex tisimgħuh b'devozzjoni kbira". U hekk bdew ikantaw.

U mall-ewwel il-*podestà* qam u għaqqad idejh flimkien b'devozzjoni kbira qisu qiegħed jisma' l-Evanġelju tal-Mulej, u b'ħafna dmugħ qagħad jisma' dan it-tifħir. Għax hu kellu fidi u devozzjoni kbira lejn l-imqaddes Franġisku.

Meta l-aħwa temmew ikantaw it-Tifħir tal-Mulej, il-*podestà* qal quddiem kulħadd: "Fis-sewwa ngħidilkom, li mhux biss naħfer lis-sinjur isqof, li jiena għandi nqis bħala s-sid tiegħi; imma wkoll naħfer lil min ikun qatilli lil ħija jew lil ibni". U hekk *inxteħet f'riġlejn* (cfr. Mt 15,30)

[275] Iċ-ċirkustanzi tal-kompożizzjoni ta' l-istrofa tal-maħfra fil-*Għanja tal-ħlejjaq*, mhumiex dawk ta' meta Franġisku kien San Damiano, imma meta kien x'aktarx fil-palazz ta' l-isqof Guido II ta' Assisi, f'Ġunju 1225, immedjatament qabel telaq Rieti għall-kura ta' għajnejh. Il-*podestà* jew ħâkem, ta' Assisi, f'dak iż-żmien kien Bernardino de Oportulo, li dam fil-kariga minn Mejju 1225 sa Mejju 1226.

is-sinjur isqof u qallu: "Jiena lest li noffri soddisfazzjon ta' kollox lilek, skond kif jogħġbok għall-imħabba tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u tal-qaddej tiegħu l-imqaddes Franġisku". L-isqof laqgħu f'dirgħajh, qajjmu u qallu: "Fl-uffiċċju tiegħi jiena għandi nkun umli, imma billi jiena min-natura tiegħi miġbud lejn il-korla, jaqbel li inti wkoll taħfirli". U hekk b'ħafna tjieba u mħabba ħaddnu u biesu lil xulxin.

Baqgħu mistagħġbin ħafna l-aħwa meta qjiesu l-qdusija ta' l-imqaddes Franġisku, għaliex seħħ għal kollox kelma b'kelma dak li kien ħabbrilhom dwar is-sliem u l-fethim tal-qlub l-imqaddes Franġisku. U dawk kollha li kienu hemmhekk jew li semgħu b'dawn il-ġrajja, bdew iqisuhom bħala miraklu kbir li seħħ għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, għaliex raw kif il-Mulej kien żarhom hekk malajr, u kif mingħajr ma qagħadu jfakkru xejn minn dak li kienu qalu, minn tant skandlu reġgħu lura għal tant qbil.

Hekk *aħna li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), ma' l-imqaddes Franġisku, *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12), li kull meta hu kien jgħid: "Hekk hu, jew hekk għad ikun", kien tassew iseħħ kelma b'kelma dak li jgħid; u aħna *b'għajnejna stess rajna* (cfr. 1Ġw 1,1) affarijiet li nieħdu wisq fit-tul biex noqgħodu niktbuhom jew nirrakkontawhom. [CA 84]

[1549] Kapitlu 102
Dwar kif ra minn qabel kif kellu jispiċċa wieħed mill-aħwa, li ma riedx iqerr, bl-iskuża li ried josserva s-silenzju.

Kien hemm wieħed mill-aħwa li minn barra kien jgħix ħajja onesta u qaddisa, u li lejl u nhar kien ikun mehdi fit-talb. Kien dejjem josserva s-skiet hekk li meta kien imur iqerr għand xi saċerdot, ma kienx iqerr bil-kliem imma bis-sinjali. F'kollox kien juri ruħu li kien devot u mħeġġeġ fl-imħabba lejn Alla, hekk li meta kien ikun fil-kumpanija ta' l-aħwa, għalkemm ma kienx jitkellem, kien jifraħ minn ġewwa u minn barra, meta kien jisma' xi kelma tajba, hekk li ta' spiss kien jiġbed lill-aħwa l-oħrajn għad-devozzjoni.

Wara li għal bosta snin hu dam jippersevera f'dan l-istil ta' ħajja, darba minnhom l-imqaddes Franġisku ġie fil-post li fih kien jgħix. U ġara li, waqt li kien qiegħed jisma' lill-aħwa jitkellmu dwaru, hu qal lill-aħwa: "*Kunu afu fis-sewwa* (cfr. Mt 22,16), li dan kollu hu qerq tax-xitan, għaliex hu ma jridx iqerr".

Sadanittant wasal hemmhekk il-ministru ġeneral biex iżur lill-imqaddes Franġisku, u beda jirrikmanda lil dak il-patri ma' l-imqaddes Franġisku. L-imqaddes Franġisku qallu: "Emminni, ħija, li dak ħuna hu mmexxi minn spirtu ħażin li jqarraq bih".

Għal dan il-ministru ġeneral wieġeb u qallu: "Għalija tidher ħaġa ta' l-għaġeb u li ma titwemminx, kif fi bniedem, li fih jidhru tant sinjali ta' għemejjel qaddisa, jista' jkun hemm dak li qiegħed tgħid int". U l-imqaddes Franġisku qallu: "Qiegħdu fil-prova, u għidlu biex darbtejn jew almenu darba fil-ġimgħa jmur iqerr; u jekk ma jisimgħekx, inti tkun taf kemm hu veru dak li qiegħed ngħidlek".

Għalhekk, jum minnhom il-ministru ġeneral mar jgħidlu: "Ħija, jiena irrid li inti darbtejn fil-ġimgħa jew għallinqas darba tmur tqerr". Dak qiegħed subgħajh quddiem fommu, u biċ-ċaqliq ta' rasu u b'sinjali oħrajn beda juri li ma riedx jagħmel hekk bl-ebda mod. Il-ministru, għalhekk, għax beża' li se jiskandalizzah, bagħatu.

*U wara mhux ħafna jiem* (cfr. Lq 15,13) hu ħareġ minn jeddu mill-Ordni u mar lura fid-dinja, u reġa' libes l-ilbies ta' sekular.

Ġara darba li tnejn mill-aħwa ta' l-imqaddes Franġisku kienu mexjin minn triq, u iltaqgħu miegħu, li kien miexi waħdu qisu pellegrin fqir. Huma ħennew għalih u qalulu: "O raġel imsejken, fejn hi issa l-ħajja qaddisa u l-onestà tiegħek? Inti ma ridtx turi ruħek lill-aħwa u titkellem magħhom, għaliex kont tgħid li tħobb il-ħajja maqtugħ għalik waħdek; u hekk issa qed ikollok timxi fid-dinja, bħal bniedem *li ma jagħrafx lil Alla* (cfr. 1Tes 4,5)".

Hu għalhekk beda jkellimhom, u ta' spiss beda jaħlef fuq il-fidi tiegħu kif jagħmlu n-nies sekulari. U l-aħwa qalulu: "O raġel imsejken, għaliex fi kliemek taħlef fuq il-fidi tiegħek kif jagħmlu n-nies sekulari, inti li darba waħda meta kont fl-Ordni mhux biss kont tiskot *mill-kliem fieragħ* (cfr. Mt 12,36), imma saħansitra mill-kliem tajjeb?"

U dawk ħallewh imur għal triqtu. U wara mhux ħafna ġranet hu miet. U l-aħwa u l-oħrajn kollha baqgħu mistagħġbin ħafna, meta bdew iqisu l-qdusija ta' l-imqaddes Franġisku li kien ħabbar dak li kellu jiġrilu, fl-istess żmien li mill-aħwa dan il-bniedem ta' min jitħassru kien meqjus bħala qaddis. [CA 116; 2C 28]

## [1550] Kapitlu 103
## Dwar wieħed li beda jitbekka quddiem l-imqaddes Franġisku biex dan jilqgħu fl-Ordni.

Fiż-żmien li fih ħadd ma kien jiġi milqugħ fl-Ordni mingħajr il-permess ta' l-imqaddes Franġisku[276], fost dawk li ġew biex jidħlu fl-Ordni ġie wkoll l-iben ta' wieħed nobbli minn Lucca[277]. L-imqaddes Franġisku dak iż-żmien kien marid u kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi[278].

---

[276] Din il-preċiżazzjoni, jiġifieri li fil-bidu ta' l-Ordni ma kien jidħol ħadd fil-fraternità mingħajr il-permess ta' San Franġisk, tiġi ripetuta diversi drabi mill-CA, mhux biss, imma talli jingħad li l-kandidati ġodda fl-Ordni kienu jiġu milqugħin fil-Porziuncola. B'mod indirett din il-ħaġa ssib konferma fir-*Regola mhux Bullata* ta' l-1221, kap. 7, imma hawnhekk il-permess jiġi mogħti wkoll lill-Ministri Provinċjali. Meta l-*Anonimo Perugino* jgħid li, fil-bidu, *unusquisque habebat a parte beati Francisci potestatem recipere quos volebat* ("kull wieħed mill-aħwa kellu minn San Franġisk is-setgħa li jilqa' fl-Ordni lil min irid), dawn il-kelmiet jidhru li kienu biss konċessjoni li kienet isseħħ fil-mumenti meta l-Ordni kien għadu nieqes minn kull struttura ġuridika.

[277] Il-Latin jgħid *de Lucca*, u għalhekk hemm min irid jgħid li dan hu l-isem tal-familja: "de Luca". Imma f'dokumenti li instabu Assisi jissemma post li kien qrib il-belt: *tribium Ugolini de Luccha*.

[278] Din il-waqfa ta' Franġisku fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi tirreferi għal qabel l-1221. Mela mhijiex dik tas-sajf ta' l-1226, ftit ġimgħat qabel ma miet. Jifher li San Franġisk kien qagħad għand l-isqof ta' Assisi aktar minn darba, meta kien marid. X'aktarx li l-isqof kien jitolbu jiġi għandu meta kien marid, għaliex fil-Porziuncola San Franġisk ma kellu l-ebda kenn u għajnuna tajba kontra l-mard. L-istess ġara meta mar San Damiano fi tmiem ix-xitwa ta' l-1225, forsi biex jeħles mill-umdità kiesħa tal-pjanura li fiha tinsab il-Porziuncola.

Meta l-aħwa ippreżentaw ruħhom quddiem l-imqaddes Franġisku dan iż-żagħżugħ miel quddiemu, u beda jibki u jolfoq, u jitolbu biex jilqgħu. L-imqaddes Franġisku *intebaħ fih innifsu* x'kien, *u qallu* (cfr. Atti 13,9.10): "O żagħżugħ miżerabbli u moħħok fil-ħwejjeġ tal-ġisem, inti taħseb li *tista' tqarraq bl-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 5,3) u bija? Il-biki tiegħek hu biki skond il-ġisem, u mhux skond l-ispirtu".

Malli qallu hekk, ġew il-qraba ta' dak iż-żagħżugħ biż-żwiemel barra l-palazz, u riedu jaħftuh ħalli jerġgħu jeħduh lura lejn id-dar. Malli hu sema' l-ħsejjes taż-żwiemel u ra lil qrabatu ġejjin minn waħda mit-twieqi tal-palazz, hu qam mall-ewwel u *ħareġ barra għandhom* (cfr. Ġw 18,29), u reġa' mar lura magħhom fis-seklu, kif l-imqaddes Franġisku kien ra minn qabel. [CA 70; 2C 40]

[1551] Kapitlu 104
Dwar id-dielja tal-qassis li kienet sfat bla għeneb meta mar joqgħod għandu l-imqaddes Franġisku.

L-imqaddes Franġisku, li kien marid f'għajnejh, kien jinsab fil-knisja ta' San Fabiano[279], li tinsab qrib il-belt ta' Rieti, u li fiha kien jgħix qassis fqajjar. F'dak iż-żmien is-Sinjur Papa Onorju flimkien mal-kardinali kien jinsab f'dik il-belt. Għalhekk ħafna mill-kardinali u kjeriċi oħrajn li kienu mlaħħqin fil-kurja papali, minħabba l-qima u d-devozzjoni li kellhom lejn il-missier imqaddes, kienu ta' kuljum jiġu jżuruh.

Dik il-knisja kellha dielja ċkejkna, li kienet tinsab maġenb id-dar li fiha kien hemm l-imqaddes Franġisku. Dik id-dar kellha bieb għal ġod-dielja, li minnu kienu jgħaddu dawk kollha li kienu jmorru jżuruh, l-aktar għaliex dak iż-żmien l-għeneb kien beda jsir, u l-post kien sabiħ ħafna biex wieħed jieqaf fih. U ġara li, minħabba dawk in-nies kollha, dik id-dielja ġiet meqruda minħabba li kulħadd kien jieħu dak l-għeneb biex jieklu.

Minħabba f'hekk dak il-qassis tnikket u tħawwad ħafna u qal: "Din is-sena tlift il-frott tad-dielja tiegħi. Għax għalkemm hi żgħira, imma kont niġbor minnha tant għeneb biex nagħmel l-inbid li hu meħtieġ għalija".

Meta l-imqaddes Franġisku semgħu jgħid hekk, sejjaħlu għal ħdejh u qallu: "Sinjur, titħawwadx u titlifx is-sabar, għaliex ma nistgħu nagħmlu xejn dwar dak li ġara. Imma *afda fil-Mulej* (cfr. S 10,2), għaliex Hu, minħabba fija l-qaddej tiegħu, jerġa' jroddlok lura bil-ġid id-danni li sofrejt. Issa għidli: kemm *some*[280] kont tiġbor mid-dielja tiegħek fl-aħjar annati?" U dak il-qassis wieġbu u qallu: "Missier, tlittax-il *soma*". L-imqaddes Franġisku qallu: "Issa toqgħodx tinkwieta iżjed, u lanqas ma għandek tgħid kliem li bih turi nuqqas ta' sabar, u lanqas ma għandek toqgħod tgorr ma' ħadd, imma afda fil-Mulej u fil-kliem li qiegħed ngħidlek, u jekk id-dielja tagħtik inqas minn għoxrin *some* inbid, jiena nieħu ħsieb li nroddlok dak li jifdallek".

---

[279] Il-knisja ta' San Fabiano li kien fiha San Franġisk, għadha tidher fil-knisja li hemm fl-eremitaġġ Franġiskan ta' La Foresta. San Franġisk kien jinsab fl-inħawi ta' Rieti, fejn hemm erbgħa santwarji li jfakkru ħafna ġrajjiet ta' ħajtu fil-Valle Reatina: Fonte Colombo, fejn kiteb ir-Regola; Greccio, fejn iċċelebra l-Milied; Poggiobustone, fejn qala' l-maħfra ta' dnubietu; u San Fabiano della Foresta, fejn qagħad għal ftit żmien x'aktarx fis-sajf ta' l-1225. Il-Papa Onorju III u l-kurja papali kienu jinsabu Rieti mit-23 ta' Ġunju 1225 sal-31 ta' Jannar 1226 (cfr. A. Terzi, *Memorie Francescane della Valle di Rieti*, Roma 1955).
[280] *Some* tirreferi għal miżura li bih kien jitkejjel l-għeneb u prodotti oħrajn agrikoli.

Il-qassis ikkalma u żamm is-skiet. U meta wasal żmien il-ħsad bl-għajnuna divina hu ġabar għoxrin *some* għeneb minn dik id-dielja, mhux inqas minn kemm kien wiegħdu l-imqaddes Franġisku. U dak il-qassis stagħġeb mhux ftit, u n-nies l-oħrajn li semgħu b'din il-ġrajja, qisuha li kienet miraklu kbir, għaliex qalu li wkoll kieku dik id-dielja kienet f'qagħda tajba u mimlija għeneb, qatt ma setgħet trodd għoxrin *some* inbid.

Għalhekk *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), *nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) li kull ma hu kien iħabbar dejjem twettaq kelma b'kelma skond dak li kien jgħid. [CA 67]

[1552] Kapitlu 105
Dwar il-kavallieri ta' Perugia li bdew ifixkluh meta kien jippriedka.

Darba minnhom l-imqaddes Franġisku kien qiegħed jippriedka fil-*pjazza* ta' Perugia quddiem *folla* kbira *li inġabret* (cfr. Neħ 8,1; Dt 31,12) hemmhekk. U ara xi kavallieri minn Perugia bdew jiġru biż-żwiemel mal-pjazza, bl-armi f'idejhom, biex jagħmlu spettaklu, u hekk bdew ifixklu lill-qaddis fil-predikazzjoni tiegħu. U għalkemm l-irġiel u n-nisa, li kienu qegħdin jisimgħu l-priedka bl-attenzjoni, bdew iċanfruhom, huma ma riedux jieqfu[281].

Għalhekk l-imqaddes Franġisku dar lejhom u, mimli ħeġġa ta' l-ispirtu, qalilhom: "*Isimgħu u ifhmu* (cfr. Mt 13,14) sewwa dak li l-Mulej qiegħed iħabbrilkom permezz tiegħi, qaddej tiegħu, u la toqogħdux tqisu u tgħidu li dan il-bniedem hu minn Assisi". (Hu qal hekk, għaliex fil-qedem kien hemm, u llum ukoll għad hemm, il-mibegħda bejn il-poplu ta' Assisi u dak ta' Perugia).

Għaldaqstant qalilhom hekk: *Il-Mulej refagħkom* (S 36,34) u takom ġieħ fuq dawk kollha li jinsabu madwarkom; hu għalhekk li intom għandkom tagħarfu aktar bil-qawwa l-Ħallieq tagħkom, u għandkom tumiljaw ruħkom mhux biss quddiem l-istess Alla li jista' kollox, imma wkoll quddiem dawk li huma qrib tagħkom. Imma *qalbkom tgħolliet* fil-ftaħir u *fis-suppervja* (cfr. Eżek 28,2.5; Dt 17,20) dwar il-qawwa tagħkom, u intom tħarbtu lil dawk li huma qribkom u toqtlu lil bosta. Għaldaqstant ngħidilkom li, jekk intom ma tikkonvertux malajr, u toffru soddisfazzjoni għall-offiżi tagħkom, il-Mulej, *li ma jħallix bla ħlas* (cfr. Mt 23,38; Ġob 24,12) lil dawk li jagħmlu l-ħażen, biex jagħmel vendetta akbar minnkom u jikkastigakom minħabba l-kefrija tagħkom, għad iqajjimkom wieħed kontra l-ieħor, u hekk iqum il-ġlied u l-gwerra bejnietkom stess, u jkollkom issofru tbatijiet li lanqas ma tistgħu iġġiegħelu lil dawk li huma qrib tagħkom isofruhom".

Għax l-imqaddes Franġisku, meta kien jippriedka, ma kienx jiskot dwar il-vizzji tal-poplu, imma kien iċanfar bil-qawwa u quddiem kulħadd. Imma l-Mulej tah grazzja hekk kbira li, dawk kollha li kienu jarawh u jisimgħuh, żgħar jew kbar, tant kienu jibżgħu minnu u jqimuh minħabba

[281] Ir-raġuni ta' dawn il-ġesti tal-kavallieri tista' tkun dik tal-ġlied li kien qam fl-1214, jew fl-1218, jew imbagħad b'mod aktar serju fl-1222-1223. Mhux tant faċli li naċċettaw l-aħħar data, għaliex imbagħad Franġisku kien sar magħruf u l-Perugini ma kienux jippermettu li xi ħadd itellfu milli jippriedka. Fl-istess ħin nistgħu naraw f'din il-ġrajja l-effett tal-mibegħda li kien hemm bejn in-nies ta' Perugia u dawk ta' Assisi. Dawk il-kavallieri kienu ċertament jiftakru lil Franġisku meta kien żagħżugħ u ġie jitqabad kontrihom flimkien mal-kavallieri ta' Assisi waqt il-battalja ta' Collestrada (1202). SP, aktar 'l isfel, tirreferi għal din il-possibilità, meta tgħid: *Hoc autem dixit quia antiquum odium erat, et est, inter Perusinos et Assisinatos*. Kienu qegħdin jgħaddu biż-żmien lil Franġisku "minn Assisi" dawn il-kavallieri "minn Perugia"?

fil-grazzja kotrana li kien irċieva minn Alla, li kull min kien jiġi mċanfar minnu, kien jimtela' bil-mistħija, u kien jiġi edifikat. Mhux biss, imma talli ġie li kien jiġri li meta l-qaddis kien jitlob bil-ħerqa lill-Mulej għal xi ħadd, dak kien jerġa' lura lejn il-Mulej.

U ġara li, wara ftit jiem, bil-permess divin, qam il-ġlied bejn il-kavallieri u n-nies, hekk li l-poplu keċċa lill-kavallieri 'l barra mill-belt[282]. Dawn il-kavallieri, flimkien mal-Knisja, li kienet tappoġġjahom, ħarbtu bosta għelieqi u dwieli u siġar, u għamlu wkoll ħafna deni kemm felħu. Il-poplu wkoll bl-istess mod qered il-ġid tan-nobbli kavallieri. B'dan il-mod, skond il-kliem ta' l-imqaddes Franġisku, ġew ikkastigati l-poplu u l-kavallieri. [CA 75; 2C 37]

[1553] Kapitlu 106
Dwar kif għaraf minn qabel it-tentazzjoni moħbija u t-tiġrib ta' wieħed mill-aħwa.

Wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali kien familjari ħafna ma' l-imqaddes Franġisku[283]. Ġara li darba minnhom hu kien imħabbat minn tentazzjonijiet mill-aktar kbar, hekk li kien donnu se jintelaq għal disperazzjoni profonda. Tant kien imħabbat ta' kuljum li kien jistħi iqerr. U kien jgħakkes lilu nnifsu biċ-ċaħdiet, bis-sahriet bla rqad, bid-dmugħ u bid-dixxiplina.

Ġara li, skond il-pjan divin ta' Alla, wasal f'dak il-post l-imqaddes Franġisku. Jum minnhom Franġisku kien miexi mhux tant 'il bogħod minn dak il-post, fil-kumpanija ta' wieħed ieħor mill-aħwa u ta' dan li kien imġarrab. Allura Franġisku għaraf bl-Ispirtu s-Santu li dak kien għaddej minn tentazzjonijiet u tiġrib, twarrab minn ħuh l-ieħor u mar jilħaq lil dan li kellu t-tentazzjoni, u qallu: "Ħija l-aktar għażiż, jiena rrid u nobbligak li ma għandekx tħossok marbut li toqgħod tqerr għand ħadd dawk it-tentazzjonijiet u l-ħsibijiet tax-xitan. *La tibżax* (cfr. Mt 1,20), għaliex huma ma jistgħux jagħmlulek ħsara f'ruħek. Bil-permess tiegħi għid seba' *Missierna* kull meta inti *tiġi mġarrab*" (cfr. S 106,6).

Dak feraħ mhux ftit għall-kliem li qallu, u l-aktar li ma kienx obbligat joqgħod iqerr kull darba, l-aktar għax hu kien iħossu jistħi ħafna kull meta kien ikollu jqerr, u dan kien għalih il-kawża ta' niket spiritwali akbar. U baqa' mistagħġeb bil-qdusija tal-missier imqaddes, għaliex bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu hu sar jaf bit-tentazzjonijiet tiegħu, għalkemm hu ma kien tkellem ma' ħadd dwarhom ħlief mas-saċerdoti.

---

[282] Dawn il-kavallieri kienu membri ta' l-aristokrazija ta' Perugia, u kienu kollha membri ta' familji nobbli fewdatarji, li kienu qiegħdin jitħassbu serjament dwar l-organizzazzjoni tal-klassi popolari tal-merkanti u l-artiġġjani, li riedu jinħallu mis-sistema repressive fewdali. Hekk huma ingħaqdu flimkien fis-*societas militum*, biex jippruvaw iżommu l-ħakma tagħhom fuq iċ-ċittadini. Jidher li l-predikazzjoni ta' Franġisku ma kienetx togħġobhom, għas-sempliċi raġuni li Franġisku kien jiġbor nies mill-klassi popolari u nies foqra, u hu nnifsu kien membru tal-klassi tal-*minores*. Proprju l-battalja ta' Collestrada kienet motivata mill-mibegħda bejn il-*minores* u l-*maiores* ta' Assisi, għax dawn ta' aħħar, li kienu ġew eżiljati Perugia, sabu kenn qawwi f'din il-belt biex jiġġieldu liċ-ċittadini ta' Assisi ħalli jerġgħu jieħdu lura d-drittijiet fewdali li kienu tilfu. Ninnutaw li l-kompilatur tal-CA jgħid: *Ecclesia, que iuvabat eos* (*milites*). Hekk il-Knisja kienet tidher bħala sostenitur tal-kawża tal-klassi nobbli fewdatarja, għaliex fil-fatt, anke l-Knisja, flimkien mal-monasteri, kienet qawwa fewdatarja. Hawn nifhmu wkoll in-*novitas* (il-ġdid) tal-proposta kristjana ta' Franġisku ta' Assisi.
[283] Mid-dettalji jidher li hu fra Bernardo da Quintavalle. Imma ma nafux fiż-żgur.

U minn dak il-ħin stess, li fih kien kellmu l-imqaddes Franġisku, hu safa' meħlus minn kull tiġrib minn ġewwa u minn barra, li kien ilu jsofri għal tant żmien. U għall-grazzja ta' Alla u għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku, reġa' ħass kalma u paċi kbira fir-ruħ u fil-ġisem. Il-qaddis dan kien jittama, u kien għalhekk li ħallu fiż-żgur mill-obbligu li jqerr. [CA 55; 2C 124]

[1554] Kapitlu 107
Dwar dak li hu ħabbar dwar fra Bernardo, u kif seħħ dak kollu li kien qal.

Ftit jiem qabel ma miet, ħejjew lil Franġisku ftit ħelu tajjeb[284]. Hu mall-ewwel ftakar fi fra Bernardo[285], li kien l-ewwel wieħed fost l-aħwa li kellu, u qal lill-aħwa: "Dan il-ħelu naħseb li jogħoġbu lil fra Bernardo". U sejjaħ lejh wieħed mill-aħwa tiegħu u qallu biex imur jgħidlu jiġi ħdejh. Dak ġie u qagħad bilqiegħda maġenb il-friex li fuqu kien mixħut il-qaddis, u qallu: "Missier, nitolbok, sabiex inti tberikni u turini l-imħabba tiegħek, għaliex jekk inti tħobbni b'imħabba ta' missier, jiena nemmen li l-istess Alla u l-aħwa l-oħrajn kollha jħobbuni aktar".

L-imqaddes Franġisku ma setax jarah, għaliex għal bosta ġranet kien tilef id-dawl ta' għajnejh; imma hu *firex idu l-leminija u qiegħda fuq ras* (cfr. Ġen 48,14) fra Egidio[286], li kien it-tielet wieħed fost l-ewwel aħwa u li kien jinsab maġenb fra Bernardo. Hu ħaseb li dik kienet ir-ras ta' fra Bernardo, imma meta ħass ras fra Egidio, bħal bniedem li ma jarax, intebaħ mall-ewwel bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u qal: "Imma din mhijiex ir-ras ta' fra Bernardo tiegħi"[287].

Fra Bernardo, mela, resaq aktar qrib tiegħu. L-imqaddes Franġisku *qiegħed idejh fuq rasu* (cfr. Ġen 48,14.17) u bierku. Imbagħad qal lil wieħed mill-aħwa: "Ikteb dak li se ngħidlek. L-ewwel wieħed fost l-aħwa li tani l-Mulej kien fra Bernardo, u kien hu l-ewwel wieħed li ħaddan

---

[284] Dan kien il-ħelu li hejjietlu Donna Jacopa dei Setteosli, skond CA 12, imsejjaħ *mostaccioli*.

[285] Bernardo da Quintavalle kien ġej minn familja sinjura ta' Assisi, u hu meqjus bħala l-ewwel wieħed li mexa wara San Franġisk, anke jekk Celano jgħid li kien hemm raġel ieħor qablu, li ma nafux min kien (1C 24). Dante jsemmi lil Bernardo fid-*Divina Commedia, Paradiso* XI,79-81: *il venerabile Bernardo / si scalzò prima e dietro a tanta pace / corse, e correndo gli parve esser tardo*. Skond il-*Chronica XXIV Generalium* (*Analecta Franciscana* III,36) Bernardo ingħaqad ma' Franġisku fis-16 ta' April 1208 (1209?), wara li kien qara' l-kelmiet ta' l-Evanġelju flimkien ma' Franġisku u Pietro Cattanio fil-knisja ta' San Nicolò. Il-*Fontes* li ġejjin minn sħab San Franġisk, inkluża l-CA, juru lil Bernardo bħala dak li kien maħbub b'mod partikulari minn San Franġisk, u li lilu l-missier serafiku ta barka speċjali qabel miet. Interessanti li 1C 108 jgħid li Franġisku bierek lil fra Elia qabel miet. Għandna l-każ ta' żewġ barkiet, waħda lill-Vigarju tiegħu, fra Elia, u l-oħra lill-ewwel dixxiplu, fra Bernardo? Jew inkella hu l-każ li l-CA turi li, quddiem l-aħwa, fra Bernardo kien ġibed aktar simpatija minħabba l-fedeltà assoluta tiegħu lejn San Franġisk? Niftakru li, fl-1246, meta t-*Tre Compagni* bagħatu l-materjal dokumentarju tagħhom minn Greccio, fra Elia kien għadu taħt skomunika u barra mill-Ordni, li ġie maħlul minnha biss fl-1253, ftit qabel ma miet, liebes it-tonka Franġiskana.

[286] Egidio kien żagħżugħ minn Assisi, li meta sema' bil-ġest kuraġġuż ta' Bernardo da Quintavalle, Pietro Cattanio u Silvestro, nhar it-23 ta' April 1208 (1209?) wara li sema' l-quddiesa fil-knisja ta' San Giorgio, niżel fil-bosk tal-Porziuncola u ingħaqad ma' l-ewwel aħwa. Salimbene jgħid li l-bijografija ta' fra Egidio inkitbet minn fra Leone; imma minnha fadal biss frammenti fil-*Chronica XXIV Generalium* (*Analecta Franciscana* III,74s), *Documenta Antiqua Franciscana*, ed. L. Lemmens, Ad Claras Aquas, 1900-1902, I,37; u fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. Baqgħu magħrufin id-*Dicta Fratris Aegidii*, kelmiet li kien jgħid dan il-fra sempliċi, miġburin minn sħabu. Miet fl-1262, wara li kien ilu żmien twil fil-kunvent ta' Monteripido f'Perugia, u indifen fil-knisja ta' San Francesco al Prato (V. Gamboso, *Il Beato Egidio d'Assisi, compagno di san Francesco*, Padova 1962; R. Brooke, *The Life of Brother Giles*, Oxford 1970).

[287] F'1C 108 insibu li din il-barka Franġisku ta lil fra Elia, il-Vigarju tiegħu. Din is-silta wieħed jista' jqabbilha mal-kapitlu 6 tal-*Fioretti*, fejn l-isem ta' fra Egidio jinbidel f'dak ta' fra Elia. Il-bdil ta' l-isem hu sinjal ċar ta' l-ambjent li fih twieldu l-*Fioretti*, li hu deċiżament ostili għal fra Elia.

sa l-aħħar il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes, billi *qassam ġidu kollu lill-foqra* (cfr. Mt 19,21; 25,14). Minħabba f'hekk u minħabba ħafna grazzji oħrajn li rċieva jiena rrid inħobbu aktar mill-aħwa l-oħrajn kollha ta' dan l-Ordni. Għaldaqstant irrid u nikkmanda, kif nista', li ikun min ikun ministru ġeneral, għandu jħobbu u jqimu daqslikieku qiegħed iħobb u jqim lili, u wkoll il-ministri provinċjali l-oħrajn u l-aħwa kollha ta' din ir-Reliġjon għandhom iqimuh f'ismi". Fra Bernardo imtela b'faraġ kbir, kif ukoll l-aħwa l-oħrajn li kienu qegħdin jaraw dak li kien qed jiġri.

Darba oħra, meta l-imqaddes Franġisku qies il-perfezzjoni għolja ta' fra Bernardo, tenna dwaru din il-profezija quddiem l-aħwa kollha u qal: "Ngħidilkom li madwar fra Bernardo daru eżerċti kbar u mill-aktar qarrieqa ta' xjaten, li iħabbtuh b'ħafna tentazzjonijiet u tiġrib, imma l-ħniena tal-Mulej, qabel ma tasal il-mewt tiegħu, għad teħilsu minn kull prova u tiġrib fir-ruħ u fil-ġisem u tqiegħed fl-ispirtu u fil-ġisem tiegħu paċi kbira, ferħ u faraġ, li l-aħwa kollha li jarawh u jisimgħuh, jibqgħu mistagħġbin u jqisu dan kollu bħala miraklu kbir. U f'dak is-sliem, ferħ u faraġ tal-bniedem ta' ġewwa u ta' barra, hu għad jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Mulej".

L-aħwa li kienu preżenti baqgħu mistagħġbin, meta aktar tard seħħ quddiemhom tassew ħaġa b'ħaġa dak li kien semgħu minn fomm l-imqaddes Franġisku. Għax fra Bernardo, meta marad u wasal biex imut, tant inġabar fi sliem u ħemda ta' l-ispirtu, li lanqas ried joqgħod mimdud. Jekk kienu jgħidulu jimtedd, kien joqgħod donnu jrid joqgħod bilqiegħda, sabiex lanqas l-iċken duħħan ta' l-immaġinazzjoni ma jitlagħlu għal rasu u jqajjem fih xbihat u ħolm li setgħu ifixkluh milli jiffissa ħsibijietu fuq Alla. U jekk kien jiġri hekk, mall-ewwel kien iqum dritt bilqiegħda, u jipprova jiġi f'tiegħu billi jgħid: "X'qiegħed jiġrili? Xi ħsieb hu dan?" U lanqas ried jieħu l-mediċini li kienu joffrulu, u kien jgħidilhom: "Ħallini kwiet".

Biex ikun jista' jmut aktar ħieles fis-sliem u fil-ħemda tar-ruħ, hu ħalla l-kura ta' ġismu f'idejn wieħed mill-aħwa li kien tabib u li seta' jgħinu, filwaqt li qallu: "Jiena ma rridx nieħu ħsieb biex niekol u nixrob, imma nħalli dan kollu f'idejk; jekk tagħtini jiena nieħu, imma jekk le, ma jimpurtax".

U meta marad sew, dejjem ried li jkollu ħdejh wieħed mill-aħwa saċerdoti sal-ħin li fih miet. U meta kien jgħaddilu xi ħsieb minn moħħu li dwaru l-kuxjenza setgħet iċċanfru, mall-ewwel kien jistqarru u jtenni l-ħtija tiegħu.

Wara li miet, ġismu sar bajdani u laħmu sar artab, u kien jidher donnu qiegħed jitbissem, hekk li ta' mejjet deher isbaħ milli kien meta kien għadu ħaj. Min kien iħares lejh kien jitgħaxxaq bih aktar minn meta kien għadu ħaj, għax kien jidher donnu qaddis li jitbissem. [CA 12; 2C 48]

[1555] Kapitlu 108
Dwar kif meta qorbot il-mewt tiegħu, bagħat jgħid lill-imqaddsa Klara li hi kellha terġa' tarah u dan il-kliem seħħ tassew wara li miet.

F'dik l-istess ġimgħa li fiha miet l-imqaddes Franġisku, is-sinjura Klara, l-ewwel xitla[288] ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, li

[288] Klara tħobb issejjaħ lilha nnifisha *plantula*, "xitla ċkejkna", ta' San Franġisk (*Regola S. Klara*, I; *Testment S. Klara*, 37). L-espressjoni *domina Clara* u mhux *sancta Clara*, skond Sabatier, tista' tfisser li din is-silta inkitbet qabel ma

kienet tixbaħ f'kollox lil San Franġisk fil-ħarsien dejjiemi tal-faqar ta' l-Iben ta' Alla, billi kienet marida ħafna u kienet tibża' li se tmut qabel l-imqaddes Franġisku, bdiet tibki ħafna b'ruħha kollha mrar u ma setgħetx titfarraġ, għax qabel tmut ma setgħetx aktar tara lil dak li wara Alla kien il-missier waħdieni tagħha, jiġifieri l-imqaddes Franġisku, li għaliha kien ta' faraġ fil-ġisem u fir-ruħ, kif ukoll kien dak li kien waqqafha fis-sod fil-grazzja ta' Alla.

Għalhekk, permezz ta' wieħed mill-aħwa, għarrfet b'dan lill-imqaddes Franġisku. San Franġisk, meta sema' dan, billi hu kien iħobb lilha u lil ħutha s-sorijiet b'imħabba ta' missier minħabba l-ħajja qaddisa tagħhom, tqanqal bil-ħniena lejha. Imma l-imqaddes Franġisku fehem li dak li hi xtaqet, jiġifieri li tarah, ma kienx jista' jseħħ, għaliex it-tnejn li huma kienu morda ħafna, u għalhekk biex ifarraġha kitbilha ittra bil-barka tiegħu u ħafrilha kull nuqqas li setgħet għamlet rigward dak li hu kien ikkmanda jew ried, kif ukoll rigward il-kmand u r-rieda ta' l-Iben ta' Alla. Fuq kollox, biex hi tkun tista' tneħħi kull niket u titfarraġ fil-Mulej, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu tkellem fih permezz ta' dawn il-kelmiet li hu qal lil dak il-patri li kienet bgħatitlu: "Mur u ħu din l-ittra lil oħtna Klara u għidilha biex twarrab minnha kull niket u tbatija, billi għalissa ma tistax tarani. Imma għidilha li għandha tkun taf fis-sewwa li, qabel ma tmut, kemm hi kif ukoll ħutha s-sorijiet, għad jarawni u jirċievu faraġ kbir minħabba fija".

U hekk seħħ ftit taż-żmien wara, meta Franġisku miet bil-lejl[289]. L-għada filgħodu malli sebaħ[290], il-poplu kollu irġiel u nisa tal-belt ta' Assisi, flimkien mal-kleru kollu, ġarrew il-ġisem qaddis tiegħu mill-post fejn kien miet, bl-innijiet u t-tifħir, u billi xejjru f'idejhom *il-friegħi tas-siġar* (cfr. Mt 21,8), u skond ir-rieda ta' Alla ħaduh f'San Damiano. Hekk tassew seħħ dak li l-Mulej kien qal bil-fomm tal-qaddis, biex ifarraġ lil dawn uliedu u qaddejja verġni tiegħu.

Meta neħħew il-grata tal-ħadid tat-tieqa li minnha soltu[291] s-sorijiet jitqarbnu u jisimgħu l-kelma ta' Alla, l-aħwa refgħu l-ġisem qaddis mill-katalett, u hekk merfugħ f'idejhom żammewh f'dik it-tieqa għal ħafna ħin, sabiex Klara u ħutha s-sorijiet ikunu jistgħu jitfarrġu għad-dehra tiegħu, kollhom maħsulin bid-dmugħ u bin-niket kif kienu, għaliex raw li issa kienu mċaħħdin mill-faraġ u t-twissijiet ta' missier bħal dak. [CA 13; 1C 116-117]

---

Klara ġie iddikjarata qaddisa fl-1255. Klara kienet ilha marida, skond suor Pacifica di Guelfuccio (*Process tal-Kanonizzazzjoni ta' S. Klara* I) għal 29 sena qabel ma mietet fl-1253. Dan ifisser li hi mardet fl-1224, jiġifieri sentejn qabel ma miet San Franġisk.

289 L-espressjoni *de nocte* tal-Latin ma rridux nifhmuha li San Franġisk miet "bil-lejl". Fit-*Tractatus de Miraculis* ta' Tommaso da Celano, 32, jingħad: *eo sero quo sanctus Franciscus de mundo transivit ad Christum, cum iam esset noctis secuturae crepusculum* ("dik l-istess lejla li fiha San Franġisk għadda minn din id-dinja għal għand Kristu, meta l-lejl kien għadu dieħel"), jiġifieri wara nżul ix-xemx.

290 Minn hawn ir-rakkont ta' SP hu sintesi ta' 1C 116-118.

291 Il-Latin jgħid *communicare solent*, jiġifieri "soltu jitqarbnu". Dan ifisser li meta kienet qed tinkiteb din is-silta l-*Povere Dame* kienu għadhom jgħixu f'San Damiano. Issa huma damu hemm sa l-1260, meta mbagħad ġarrew fil-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi. Fi SP 108 insibu l-passat, *solebant*, "kienu soltu", għaliex SP inkiteb fl-1318.

[1556] Kapitlu 109
Dwar kif ħabbar li l-ġisem tiegħu kellu jiġi miqjum wara mewtu.

Jum minnhom, waqt li l-imqaddes Franġisku kien mixħut marid fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, wieħed mill-aħwa, raġel spiritwali u qaddis, qallu, donnu ried jiċċajta u bi tbissima: "Naħseb li din l-ixkora li liebes tbiegħha bi prezz għoli lill-Mulej! Għad jasal jum li fuq dan il-ġisem tiegħek, li issa liebes l-ixkejjer, għad jiddendlu baldakkini u drappijiet tal-ħarir". Dak iż-żmien San Franġisk, minħabba l-marda tiegħu, kellu fuq rasu kapoċċ tal-ġild li kien miksi bl-istess xkora tat-tonka.

L-imqaddes Franġisku, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu li tkellem permezz tiegħu, mimli ħeġġa u ferħ fl-ispirtu wieġbu: "Tassew dak li qiegħed tgħid, għax se jiġri proprju kif qed tgħid int għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tiegħi". [CA 4]

DWAR KIF IL-PROVIDENZA DIVINA KIENET TGĦINU FIL-ĦTIĠIJIET TAL-ĠISEM

[1557] Kapitlu 110
Dwar kif il-Mulej ipprovda lill-aħwa li ħejjew mejda fqira biex it-tabib jiekol magħhom.

Dak iż-żmien l-imqaddes Franġisku, minħabba l-marda li kellu f'għajnejh, kien jinsab fl-eremitaġġ ta' l-aħwa ta' Fonte Colombo[292], qrib Rieti. Jum minnhom ġie jżuru t-tabib li kienu jikkura l-għajnejn. Hu baqa' miegħu għal ftit sigħat, kif kien soltu jagħmel. Meta kien wasal biex jitlaq, l-imqaddes Franġisku qal lil wieħed mill-aħwa: "Mur u offru lit-tabib ikla tajba". Dak wieġbu u qallu: "Missier, bil-mistħija jkolli ngħidlek li llum tant aħna foqra li nistħu li nistednuh biex nagħtuh jiekol".

U l-imqaddes Franġisku qal lill-aħwa: "*Ja nies ta' fidi ċkejkna* (cfr. Mt 8,26), terġgħux iġġiegħeluni ngħidilkom x'għandkom tagħmlu". Dak it-tabib qal lill-imqaddes Franġisku: "Ħija, proprju għaliex l-aħwa huma tant foqra, jiena rrid niekol magħhom bil-qalb kollha". Dak it-tabib kien għani ħafna, u għalkemm ta' spiss kienu jistednuh l-imqaddes Franġisku u l-aħwa tiegħu, hu qatt ma kien qagħad jiekol magħhom.

L-aħwa mela telqu u bdew iħejji l-mejda, u bil-mistħija kollha qiegħdu fuqha ftit ħobż u nbid li kellhom, u xi ftit ħxejjex li kienu hejjew għalihom. U malli qagħdu madwar il-mejda, kif kienu lanqas għadhom bdew jieklu, semgħu lil xi ħadd iħabbat fuq il-bieb ta' l-eremitaġġ. Ħareġ wieħed mill-aħwa biex jiftaħ il-bieb. U ara kien hemm mara li ġiebet qoffa kbira mimlija ħobż frisk u ħut: bil-gambli, għasel u żbib, li kienet bagħatithom lil Franġisku waħda mara mill-kastell li kien bogħod kważi seba' mili mill-eremitaġġ.

[292] CA 78 tgħid li San Franġisk dam f'San Damiano *usque ad quinquaginta dies et plus*, imbagħad fin-numru 81 tgħid: *Dum appropinquaret tempus congruum*, jiġifieri wara li għaddiet il-kesħa tax-xitwa; mela fi Frar-Marzu ta' l-1225, Franġisku mar Fonte Colombo, mhux f'San Fabiano, biex hemmhekk jagħmel il-kura għand tabib minn Rieti, mhux għand it-tobba tal-kurja pontifiċja, għax il-Papa kien għadu ma wasalx Rieti. L-operazzjoni f'għajnejh x'aktarx għamilha malli wasal Fonte Colombo, fi tmiem ir-rebbiegħa jew il-bidu tas-sajf.

Malli raw dak li ġara, kemm l-aħwa kif ukoll it-tabib stagħġbu mhux ftit meta qiesu s-sempliċità ta' l-imqaddes Franġisku, u kif kollox kien iseħħ għall-merti tiegħu. U t-tabib qal lill-aħwa: "Ħuti, la intom u lanqas jien ma nafu tassew il-qdusija ta' dan ir-raġel". [CA 68; 2C 44]

[1558] Kapitlu 111
Dwar il-ħut li hu xtaq jiekol meta kien marid.

Darba oħra, meta kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi[293], u kien marid ħafna l-aħwa bdew jitolbuh biex jitfarraġ billi jiekol. Hu għalhekk weġibhom: "L-aħwa, jiena ma għandix aptit niekol, imma jekk iġibuli minn dik il-ħuta li tissejjaħ *squalo*, forsi niekol".

Malli qal dan il-kliem, ara ġie wieħed b'kannestru, li fih kien hemm tliet *squali* kbar lesti u magħhom platti bil-gambli, li l-missier imqaddes kien jiekolhom bil-qalb, u li kien bagħathomlu fra Gerardo, il-ministru ta' Rieti[294].

L-aħwa baqgħu mistagħġbin mhux ftit meta qjiesu l-qdusija tiegħu, u kienu jfaħħru lill-Mulej li xabba' lill-qaddej tiegħu, l-aktar għaliex ma kienx possibbli għalihom li jaqtgħulu xewqtu, għaliex kienet ix-xitwa u f'Assisi ma setgħux isibu ħuta bħal dik. [CA 71]

[1559] Kapitlu 112
Dwar l-ikel u d-drapp li kien xtaq qabel ma miet.

Jum minnhom, meta l-imqaddes Franġisku kien fil-post ta' Santa Marija ta' l-Anġli, marid b'dik l-aħħar *marda* li biha *kellu jmut* (cfr. 2Slat 13,14), ġabar madwaru lil ħutu u qalilhom: "Intom tafu kemm Donna Jacopa dei Settesoli[295] għandha qima u mħabba lejja u lejn ir-Reliġjon tagħna. Jiena nemmen, għaldaqstant, li jekk intom tgħarrfuha bil-qagħda tiegħi, hi jkollha grazzja u faraġ kbir. Għidulha fuq kollox biex tibgħatilkom id-drapp għat-tonka tad-difna tiegħi, li jkun ta' lewn l-irmied[296]. Għidulha wkoll tibgħatli ftit minn dak il-ħelu li kienet tagħmilli meta kont inkun

---

[293] Imma din id-darba ma tirreferix għall-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, imma għal dak ta' l-isqof ta' Rieti. Ir-raġuni hi sempliċi: kien ikun diffiċli li fra Gerardo minn Rieti jibgħat il-ħut frisk lil Franġisku, li kien Assisi.
[294] Dwar min kien dan fra Gerardo ma nafux aktar. Ma hemmx dettalji oħrajn dwaru la fi *Speculum Perfectionis* u lanqas fil-*Franceschina*, għalkemm Salimbene da Parma jsemmi lil ċertu fra Gerardo da Modena.
[295] Jacopa dei Settesoli, sinjura nobbli ta' Ruma, kienet ġejja minn familja Normanna, miżżewġa lill-patrizju ruman Graziano Ancio Frangipani, konti ta' Marino o proprjetarju tas-*Septizonium*. Minnu kellha żewġ itfal: Giovanni u Graziano (Giacomo?). Kienet sfat armla fl-1217. Ma nafu kważi xejn la dwar it-twelid u lanqas dwar il-mewt tagħha. Il-CA tgħid li hi marret tiġri għall-mewt tal-qaddis, akkumpanjata minn binha Giovanni li, skond Celano, ta xhieda fil-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. Wara l-1230 hi irtirat f'Assisi, fejn mietet f'età avvanzata. Indifnet fil-basilica inferiore ta' San Franġisk. Illum il-fdalijiet tagħha jinsabu int u nieżel fil-kripta, faċċata tal-qabar ta' San Franġisk.
[296] Id-drapp aħrax li ried il-qaddis kien ta' lewn l-irmied, fis-sens li kien bla lewn (*sine colore*). Kien jintlibes mill-irħieb u wkoll mill-bdiewa ta' l-Umbria, u kien jintiseġ minn taħlita ta' suf ta' nagħaġ suwed ma' nagħaġ bojod. Ir-riferiment għall-irħieb Ċisterċensi *in ultramontanis partibus* jindika l-Ewropa 'il fuq mill-Alpi, u l-inħawi l-oħrajn ta' *oltremare*, jiġifieri r-reġjun ta' l-orjent.

għandha Ruma". Dak il-ħelu r-Rumani jsejjħulu "mostaccioli", u kien ikun maħdum mill-lewż, zokkor, u ingredjenti oħrajn[297].

Dik il-mara qaddisa kienet armla u mimlija qima lejn Alla, u kienet ġejja minn waħda mill-familji l-aktar nobbli u għonja ta' Ruma. Tant kienet irċeviet grazzji minn Alla għall-merti u l-predikazzjoni ta' l-imqaddes Franġisku, li kienet tidher qisha Maddalena oħra, dejjem ixxerred id-dmugħ u tgħix b'qima kbira għall-imħabba ta' Alla.

Wara li kitbu l-ittra, skond dak li qalilhom il-missier imqaddes, wieħed mill-aħwa kien qiegħed jipprova jsib lil xi ħadd ieħor mill-aħwa biex ikun jista' jwassalhielha, meta f'daqqa waħda, semgħu min qiegħed iħabbat fuq il-bieb. Wieħed mill-aħwa mar jiftaħ il-bieb, u quddiemu ra lil Donna Jacopa li kienet ġiet *tħaffef* (cfr. Lq 1,39) minn Ruma biex tara lil Franġisku.

Malli għarafha, b'ferħ kbir fuqu dak mar mall-ewwel għand Franġisku biex iħabbarlu li Donna Jacopa kienet ġiet minn Ruma biex iżżuru flimkien ma' binha u bosta nies oħrajn, u staqsieh: "Missier, x'se nagħmlu? Inħalluha tidħol ħdejk?".

Għax bir-rieda ta' l-imqaddes Franġisku, sa mill-bidunett kien ġie deċiż li, għar-rispett u l-qima ta' dak il-post, ma setgħet tidħol l-ebda mara fil-klawsura. U l-imqaddes Franġisku wieġbu: "Ma għandniex inħarsu din ir-regola fil-każ ta' din il-mara, li b'fidi u qima tant kbira ġiet mill-bogħod u waslet sa hawn".

U hekk ħallewha tidħol lil dik il-mara, li malli rat quddiemha lil Franġisku, infexxet f'bikja kbira quddiemu. U ħaġa tassew ta' l-għaġeb, hi kienet ġabet magħha id-drapp għat-tkeffin, jiġifieri d-drapp ta' lewn l-irmied, u dak kollu li kienu kitbulha fl-ittra.

Imbagħad Donna Jacopa qalet lill-aħwa: "Ħuti, waqt li kont qiegħda nitlob ħassejt leħen fl-ispirtu tiegħi, li qalli: Mur u żur lil missierek, l-imqaddes Franġisku, u ħaffef u la tiddawwarx, għax ara, jekk iddum ma tmur, ma ssibux ħaj. Ħu miegħek ukoll id-drapp għat-tonka tiegħu, kif ukoll l-ingredjenti li bihom inti tagħmel dak il-ħelu; ħu miegħek ukoll kotra ta' xemgħa u inċens". Dan kollu Franġisku kien talbu fl-ittra li bgħatilha, ħlief l-inċens.

U hekk seħħ li Dak li nebbaħ lis-slaten, sabiex imorru jiġru bir-rigali f'idejhom ħalli jagħtu qima lill-maħbub Ibnu tarbija meta twieled f'tant faqar, ried ukoll inebbaħ lil din il-mara nobbli li ġiet mill-bogħod, sabiex tmur tħaffef bir-rigali tagħha ħalli tqim u tagħti ġieħ lill-ġisem glorjuż u qaddis tal-qaddej tiegħu, li tant kienet ħabbitu bil-ħeġġa fil-ħajja u fil-mewt, jew aħjar fil-jum tat-twelid ġdid tiegħu.

Imbagħad jum minnhom dik il-mara hejjiet dak il-ħelu li l-missier qaddis kien xtaq li jiekol; imma hu kemm kemm daq ftit minnu, għaliex ġismu, minħabba l-marda gravi li kellu, kien dejjem sejjer għall-agħar u riesaq lejn il-mewt.

Għamlet ukoll bosta xemgħa biex, wara l-mewt, jinxtegħlu madwar il-ġisem mejjet tiegħu. Bid-drapp li ġabet l-aħwa għamlulu tonka biex biha jkunu jistgħu jidfnuh. Franġisku kien

[297] L-isem "mostaccioli" hu dak li uża Paul Sabatier biex ittraduċa l-kelma latina *mortariolum*. Hu ħelu li għadu jsir b'tifkira ta' San Franġisk.

jikkmanda lill-aħwa biex iħitu fuq barra biċċiet ta' l-ixkejjer, bħala sinjal u xhieda ta' l-umiltà u l-faqar qaddis. U ġara kif għoġob lil Alla, li f'dik il-ġimgħa stess, li fiha ġiet Donna Jacopa, Franġisku għadda minn din il-ħajja għand il-Mulej. [CA 8; 3C 37-39; LM VIII,7; Fior: IV Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati]

DWAR L-IMĦABBA LI KELLU LEJN IL-ĦLEJJAQ U DWAR KIF DAWN KIENU JĦOBBUH

[1560] Kapitlu 113
Dwar l-imħabba li kellu lejn l-għasafar li jissejħu *allodole cappellacce*, għaliex jixbħu lir-reliġjuż tajjeb.

L-imqaddes Franġisku kien ikun kollu mitfugħ fl-imħabba ta' Alla, u kien jilmaħ it-tjubija perfetta ta' Alla mhux biss fir-ruħ tiegħu, li kienet imżejna b'kull perfezzjoni ta' virtù, imma wkoll f'kull ħlejqa. Minħabba f'hekk kien juri mħabba waħdanija u ħierġa mill-qiegħ ta' qalbu lejn il-ħlejjaq, l-aktar lejn dawk li fihom kien jara xi ħjiel ta' Alla jew ta' xi ħaġa li tkun marbuta mal-ħajja reliġjuża.

Għal din ir-raġuni fost l-għasafar kollha kien iħobb lil dawk li jissejħu *allodole*, u li soltu jissejħu *allodole cappellacce*. Dwarhom kien jgħid: "Oħtna *allodola* għandha l-kapoċċ bħar-reliġjużi, u hi għasfur umli, għaliex tmur bil-qalb fuq it-triq biex tfittex xi żerriegħa jew qamħa, u wkoll jekk issibha fil-ħmieġ tal-bhejjem, hi tnaqqiha u tiekolha. Meta ttir tfaħħar lill-Mulej, kif jagħmlu r-reliġjużi tajbin li jiċħdu l-ħwejjeġ tad-dinja, biex jitkellmu dejjem fuq *il-ħwejjeġ tas-sema* (cfr. Fil 3,20) u huma mehdijin il-ħin kollu fit-tifħir ta' Alla. L-ilbies tagħha, jiġifieri r-rix, għandu l-lewn tal-ħamrija, u hekk hi ta' eżempju għar-reliġjużi li ma għandhomx jitħabtu biex jiksbu ħwejjeġ delikati u ta' lwien jgħajjtu, imma ta' lewn mitfi, bħal dak tal-ħamrija".

U għalhekk ġara li, meta l-imqaddes Franġisku kien jinnota dan kollu li semmejna fl-*allodole*, hu kien iħobbhom ħafna, u kien jieqaf bil-qalb biex iħares lejhom. Għaldaqstant għoġob lill-Mulej li dawn l-istess għasafar juru sinjal ta' l-imħabba li kellhom lejh fil-ħin tal-mewt tiegħu. Għax filgħaxija tas-Sibt, wara l-għasar u qabel ma daħal il-lejl, fil-ħin li hu għadda għal għand il-Mulej, qtajjiet kbar ta' dawn l-għasafar li jissejħu *allodole* ġew fuq il-bejt tad-dwejra fejn kien mixħut, u bdew jittajru madwar f'għamla ta' dawra tond madwar dak il-bejt, u bil-kant ħelu tagħhom kienu donnhom qegħdin ifaħħru lill-Mulej. [CA 14; 3C 32]

[1561] Kapitlu 114
Dwar kif ried jikkonvinċi lill-Imperatur biex jagħmel liġi speċjali li fil-Milied tal-Mulej il-bnedmin jagħti ħafna ikel lill-għasafar, lill-barri u lill-ħmar, u lill-foqra.

Aħna, li *konna ninsabu* (cfr. 2Pt 1,18) ma' l-imqaddes Franġisku, u li *qegħdin niktbu dawn it-tifkiriet, nagħtu xhieda* (cfr. Ġw 21,24; 3Ġw 12) li diversi drabi smajnieh jgħid: "Kieku kelli xi darba nkellem lill-imperatur, nitolbu biex, għall-imħabba ta' Alla u għax-xewqat tiegħi, joħroġ editt bil-miktub, li l-ebda bniedem ma għandu jaqbad lil ħutna l-*allodole* jew jagħmlilhom ħsara.

Nixtieq ukoll li l-ħâkem ta' kull belt u s-sinjuri tal-kastelli u ta' l-irħula[298], ta' kull sena għall-Milied tal-Mulej, jikkmandaw lill-bnedmin biex ixerrdu qamħ u żerriegħat oħrajn fit-toroq barra mill-ibliet u l-kastelli, biex l-għasafar u l-aktar ħutna *allodole* jkollhom x'jieklu f'jum daqshekk solenni. U wkoll li, b'sinjal ta' qima lejn l-Iben ta' Alla, li *tqiegħed fil-maxtura* (cfr. Lq 2,7) mill-Verġni mqaddsa ommu, bejn il-barri u l-ħmar, jiena rrid li f'dak il-lejl kulħadd għandu jagħti lil ħuna l-barri u lil ħuna l-ħmar ħafna aktar ikel mis-soltu. L-istess, imbagħad, irrid li fil-Milied il-foqra kollha jiġu mitmugħin sax-xaba' mill-għonja".

Għax Franġisku kien jiċċelebra l-Milied b'qima akbar milli kellu għal kull solennità oħra tal-Mulej, għaliex kien jgħid: "Fil-jum li fih il-Mulej *twieled għalina* (cfr. Is 9,6), kien jixraq li Hu jsalvana". Għaldaqstant kien irid li f'dak il-jum l-insara kollha jifirħu fil-Mulej u li għall-imħabba tiegħu li *offra ħajtu għalina* (cfr. Tit 2,14), kull bniedem kellu juri ġenerożità bil-ferħ mhux biss mal-foqra, imma wkoll mal-bhejjem u ma' l-għasafar. [CA 14; 2C 200]

[1562] Kapitlu 115
Dwar l-imħabba li kellu lejn in-nar, u dwar kif dan obdieh meta għamel l-operazzjoni ta' għajnejh.

Meta wasal fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo, qrib Rieti, biex jagħmel il-kura tal-marda ta' għajnejh, li għaliha ġie obbligat bl-ubbidjenza mis-Sinjur ta' Ostia u minn fra Elia, ministru ġeneral, jum minnhom ġie t-tabib għandu[299].

Dan, meta qagħad jifli l-marda li kellu, qal lill-imqaddes Franġisku li kellu bżonn jaħraqlu minn fuq ħaddejh sa fuq dik għajnejh li kienet aktar marida mill-oħra. Imma l-imqaddes Franġisku ma riedx jibda l-kura qabel ma jiġi fra Elia, li kien qal li ried ikun preżenti meta t-tabib jibda dik il-kura. Il-qaddis kien jibża' li jkollu dik il-kura kollha lejn is-saħħa tiegħu nnifsu, u għalhekk ried li l-ministru ġeneral jieħu l-inizjattiva u r-responsabiltà.

Imma billi dak baqa' ma wasalx, għax minħabba l-bosta taħbit li kellu ma setax jiġi, Franġisku ħalla lit-tabib biex jagħmel dak li ried. Malli dan qiegħed l-istrument fin-nar biex isir jikwi, l-imqaddes Franġisku, biex ifarraġ l-ispirtu tiegħu, u biex ma jħossux ħażin bil-biża', beda jkellem lin-nar u jgħidlu: "Ħija nar, inti nobbli u meħtieġ fost il-ħlejjaq l-oħrajn, nitolbok tkun ġentili miegħi f'din is-siegħa, għaliex jiena minn dejjem ħabbejtek u għadni nħobbok b'dik l-imħabba ta' l-istess Mulej li ħalqek. Għalhekk minħabba l-Ħallieq tagħna li ħalaq lilek, nitolbok biex ittaffi l-qawwa tas-sħana tiegħek sabiex inkunu nista' niflaħ għaliha". U malli temm din it-talba, immarka lin-nar bis-sinjal tas-salib.

*Aħna, li konna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), ilkoll ħrabna minħabba l-ħniena u għax ma flaħniex narawh ibati, u baqa' biss miegħu t-tabib waħdu. U meta dan temm l-operazzjoni tal-ħruq, aħna

---

298 *Potestates civitatum* kienu l-ħakkiema, bit-Taljan *podestà* tal-bliet, filwaqt li l-espressjoni *domini castrorum et villarum* tirreferi għas-sinjuri nobbli fewdali li kienu proprjetarji tal-kastelli (irħula fortifikati) u ta' l-irħula l-oħrajn.

299 Dan it-tabib, skond Bughetti u Terzi, kien il-maestro Nicola, li jissemma' ħafna drabi fid-dokumenti tal-belt ta' Rieti bejn l-1203 u l-1233, imma ma hemm l-ebda prova għal dan. Il-marda ta' l-għajnejn ta' San Franġisk setgħet kienet *glaucoma* li ikkumplikat ruħha fi *tracoma*. Dan il-kirurgu jipprova jaħraq il-parti kollha mill-widna sa fuq in-ngħas, bit-tama li jipprova jikkontrolla l-likwidi li ta' spiss kienu jnixxu minn għajnejh. Ma hemmx għalfejn intennu li, bil-metodi użati dak iż-żmien, din l-operazzjoni tal-biża' ma serviet assolutament għal xejn, ħlief biex tkabbar it-tbatija ta' San Franġisk.

rġajna lura ħdejh. U hu qalilna: "Ja beżżiegħin u *nies ta' fidi ċkejkna* (cfr. Mt 8,26), għaliex ħrabtu? Fis-sewwa ngħidilkom li jiena ma ħassejt l-ebda uġiegħ tal-ħruq tan-nar. Mhux biss, imma jekk il-ħruq ma kienx biżżejjed, għidu lit-tabib jerġa' jipprova biex jaħraq aħjar".

U tassew it-tabib baqa' mistagħġeb ħafna, u qalilhom: "L-aħwa, ngħidilkom li mhux biss minn min hu dgħajjef u marid bħalu, imma wkoll minn min hu b'saħħtu u ġismu f'sikktu nibża', li ma jkunx jista' jiflaħ għal ħruq bħal dak. Imma hu ma għamel l-ebda ċaqliq u lanqas wera l-iċken sinjal ta' uġiegħ".

Il-parir ta' dak it-tabib kien li kellu jaħraqlu l-vini kollha minn widnejh sa fuq għajnejh, għalkemm dan kollu ma servih għal ebda ġid. Bl-istess mod tabib ieħor taqqablu widnejh it-tnejn b'ħadida tikwi, imma anke dan kien għal xejn.

U ma għandniex għalfejn nistagħġbu, jekk in-nar u l-ħlejjaq l-oħrajn kienu jqimuh, għaliex kif rajna *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18), hu kien juri mħabba u ħlewwa kbira lejhom u kien iqimhom, u fihom kien isib tant hena u tant tjubija u ħniena, hekk li kien jitqanqal l-ispirtu tiegħu lejhom, u kien jitħawwad ħafna meta xi ħadd kien jitrattahom ħażin. Hu kien jitkellem magħhom b'ferħ minn ġewwa u minn barra, bħallikieku huma kienu kapaċi jħossu, jifhmu u jitkellmu ma' Alla, hekk li għal bosta drabi kien jintilef fil-kontemplazzjoni ta' Alla. [CA 86; 2C 166]

[1563] Kapitlu 116
Dwar kif ma kienx irid jitfi u lanqas iħalli lil min jitfi n-nar li kien se jqabbadlu ħwejġu.

Fost il-ħlejjaq kollha inferjuri għall-bniedem u li ma jħossux, hu kien juri mħabba speċjali lejn in-nar minħabba s-sbuħija u l-ħtieġa tiegħu. Għal din ir-raġuni ma kienx ikun irid li l-aħwa jwaqqfuh mill-ħidma naturali tiegħu.

Meta darba minnhom kien qiegħed imgeddes qrib in-nar, mingħajr ma ntebaħ, in-nar beda jqabbad biċċa mid-drapp ta' l-għażel tal-ħwejjeġ ta' taħt li kienu jaslu sa fuq l-irkobbtejn. Hu kien diġà beda jħoss il-ħruq, imma ma riedx jitfih. Sieħbu li ra kif in-nar kien se jqabbadlu ħwejġu, kien pront mar jiġri lejh biex jitfi n-nar. Imma hu ma ħalliehx u qallu: "Ħija l-aktar għażiż, la tagħmilx ħsara lil ħuna n-nar". U ma ħalliehx jitfih bl-ebda mod.

Hekk dak mall-ewwel mar għand dak li kien il-gwardjan tiegħu, u ġabu ħdejn l-imqaddes Franġisku, u hekk, kontra r-rieda tiegħu, kellu jħallihom jitfu n-nar. Hu ma kienx ikun irid jitfi x-xemgħa, jew il-musbieħ jew in-nar, kif wieħed soltu jagħmel skond il-ħtieġa; tant kien mimli ħlewwa ta' mħabba lejn in-nar.

Ma kienx jiflaħ jara lil xi ħadd mill-aħwa jqalleb il-ġamar jew il-ħatab jaqbad, kif ħafna soltu jagħmlu, imma kien irid li wieħed iqiegħedhom bil-galbu ma' l-art, minħabba l-qima lejn Dak li tiegħu n-nar hu ħlejqa. [CA 86; 2C 166]

[1564] Kapitlu 117
Dwar kif ma riedx jilbes aktar biċċa ġild li l-aħwa ma ħallewhiex taqbad.

Darba oħra, meta kien qiegħed jagħmel randan fuq il-Monte La Verna[300], jum minnhom, sieħbu qabbad in-nar għall-ħin ta' l-ikel fiċ-ċella li fiha l-aħwa kienu jieklu, u mbagħad ġie għand l-imqaddes Franġisku fiċ-ċella li fiha kien jitlob jew jistrieħ skond id-drawwa tiegħu, u ġab miegħu l-missal sabiex jaqralu l-Evanġelju mqaddes tal-quddiesa ta' dak il-jum; għaliex l-imqaddes Franġisku dejjem, meta ma setax jieħu sehem fil-quddiesa, kien ikun irid jisma' l-Evanġelju ta' dak il-jum qabel ma jiekol[301].

Meta l-imqaddes Franġisku ġie biex jiekol f'dik iċ-ċella li fiha kien hemm imqabbad in-nar, il-fjamma kienet diġà laħqet is-saqaf taċ-ċella, u kienet bdiet tqabbdu. Sieħbu ipprova jara kif jagħmel biex jitfih, imma waħdu ma setax. L-imqaddes Franġisku lanqas ried jgħinu, imma ħa f'idejh ġild li kien jitgħatta bih bil-lejl u telaq fil-bosk.

L-aħwa l-oħrajn li kienu joqogħdu f'dak il-post, xi ftit 'il bogħod minn dik iċ-ċella, għaliex dik iċ-ċella kienet tinsab kemmxejn 'il bogħod mill-post ta' l-aħwa, malli fehemu li ċ-ċella kienet qiegħda taqbad, ġew flimkien u tfew il-fjamma. Aktar tard l-imqaddes Franġisku ġie lura biex jiekol. Wara li kielu qal lil sieħbu: "Jiena din il-ġild ma rridux iżjed biex nitgħatta bih, għaliex minħabba x-xeħħa tiegħi ma tajtux lil ħuna n-nar biex jieklu". [CA 87]

[1565] Kapitlu 118
Dwar l-imħabba singulari li kellu lejn l-ilma, lejn il-ġebel, is-siġar u l-fjuri.

Wara n-nar kien juri mħabba singulari lejn l-ilma, li hi simbolu tal-penitenza qaddisa u tat-tiġrib, li jnaddfu lir-ruħ mill-ħmieġ; u għaliex l-ewwel tindif tar-ruħ iseħħ permezz ta' l-ilma tal-magħmudija. Hekk meta kien jaħsel idejh, kien irid jagħżel post li fih imbagħad ħadd ma jkun jista' jgħaffeġ l-ilma taħt riġlejh. Meta kien ikollu bżonn jimxi fuq il-ġebel, kien jimxi bil-biża' u bil-qima, għall-imħabba ta' Dak li jissejjaħ ġebla. Meta kien ilissen il-versett tas-salm: *Qegħidtli riġlejja fuq il-blat* (cfr. S 60,3), b'qima u devozzjoni kbira kien ibiddel il-kliem u jgħid: "Minn taħt riġlejn il-ġebel erfajtni".

Lil ħuh li kien ihejji l-ħatab għan-nar kien jgħidlu biex ma jaqtax is-siġra kollha kemm hi, imma jaqta' biss biċċa minnha, hekk li jħalli wieqfa l-parti l-oħra, u dan għall-imħabba ta' dak li ried iwettaq is-salvazzjoni tagħna fuq l-għuda tas-salib.

Lil ħuh li kienu jieħu ħsieb il-ġnejna kien jgħidlu biex ma jaħdimx l-art kollha biex ikabbar fiha ħxejjex għall-ikel, imma jħalli parti mill-art biex fiha jipproduċi pjanti li fi żmienhom

---

[300] Fuq La Verna San Franġisk kien iqatta' dak li hu kien isejjaħlu r-"randan ta' San Mikiel", li kien jibda fil-festa tal-Verġni Marija mtellgħa fis-sema (15 ta' Awissu) sal-festa ta' San Mikiel Arkanġlu (29 ta' Settembru).

[301] Li San Franġisk kellu din id-drawwa qaddisa nafuh ukoll minn rubrika miktuba fuq il-ġenb tal-brevjar li kien juża l-qaddis, minn idejn l-istess fra Leone, li kien għożż dan il-brevjar u ħallieh fil-ħarsien tal-Klarissi ta' Assisi: *die quo non posset audire missam occasione infirmitatis vel alio aliquo manifesto impedimento, faciebat sibi legi evangelium quod eo die dicebatur in ecclesia in missa* ("fil-jiem li fihom ma kienx ikun jista' jieħu sehem fil-quddiesa minħabba l-mard jew minħabba xi impediment ieħor li jidher, kien ikun irid li jaqrawlu l-Evanġelju li kien jinqara f'dak il-jum fil-knisja"). Cfr. W. Van Dijk, *The Origins of the modern Roman Liturgy*, London 1960, 129ss.

jipproduċu lil ħutna l-fjuri, u dan għall-imħabba ta' Dak li jissejjaħ *ward ta' l-għelieqi u ġilju tal-widien* (cfr. Għan 2,1).

Kien ukoll jgħid lil ħuh li jieħu ħsieb il-ġnejna biex jagħmel roqgħda żgħira biex fiha jħawwel ħxejjex ifuħu u minn kull tip ta' ħxejjex li jipproduċu fjuri sbieħ, ħalli fl-istaġun tagħhom jistiednu lil kull min iħares lejhom biex ifaħħar lil Alla, l-aktar għaliex kull ħlejqa tgħid u xxandar: "O bniedem, Alla ħalaqni għalik".

Għax *aħna, li għexna miegħu* (cfr. 2Pt 1,18) dejjem konna narawh ifur bil-ferħ minn ġewwa u minn barra għad-dehra tal-ħlejjaq kollha, hekk li kien ikun irid imisshom u jarahom bil-qalb, hekk li l-ispirtu tiegħu kien jidher li qiegħed jgħix mhux fuq l-art imma fis-sema. U dan deher bħala veru, għaliex minħabba l-bosta faraġ li kellu fil-ħlejjaq ta' Alla, ftit snin qabel ma miet ikkompona u kiteb it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, sabiex iqanqal il-qlub ta' dawk li jisimgħuh biex ifaħħru lil Alla u hekk il-Mulej ikun igglorifikat fil-ħlejjaq kollha tiegħu. [CA 88; 2C 165]

[1566] Kapitlu 119
Dwar kif kien ifaħħar ix-xemx u n-nar fuq il-ħlejjaq l-oħrajn kollha.

Fost il-ħlejjaq kollha li mhumiex imżejnin bir-raġuni, kien iħobb b'imħabba kbira lix-xemx u lin-nar. Għalhekk kien jgħid: "Filgħodu, meta titla' x-xemx, kull bniedem għandu jfaħħar lil Alla talli ħalaqha għall-ħtiġijiet tagħna, għaliex permezz tagħha jiddawwlu l-għajnejn matul il-jum; filgħaxija meta jidħol il-lejl, kull bniedem għandu jfaħħar lil Alla minħabba l-ħlejqa l-oħra, ħuna n-nar, għaliex bih jiddawwlu l-għajnejn matul il-lejl. Aħna lkoll qisna għomja, u l-Mulej permezz ta' dawn iż-żewġ ħlejjaq idawwal l-għajnejn tagħna; għaldaqstant minħabba dawn iż-żewġ ħlejjaq, u oħrajn magħhom, li nagħmlu użu minnhom il-ħin kollu, aħna għandna nroddu ħajr ta' kuljum lil Ħallieq hekk glorjuż".

Dan hu dejjem ried jagħmel sal-jum tal-mewt. Għax meta kien ikun maħkum mid-deni, kien jibda jkanta t-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, u mbagħad kien jitlob lill-aħwa biex ikomplu jkantawh huma, sabiex meta jibda jqis it-tifħir tal-Mulej kien ikun jista' jinsa t-tbatijiet u l-mard kiefer li kellu.

Hu kien iqis u jgħid li x-xemx hi l-isbaħ waħda fost il-ħlejjaq, u l-aktar waħda li tixbaħ lil Alla, hekk li fl-Iskrittura l-istess Mulej jissejjaħ *xemx tal-ġustizzja* (cfr. Mal 4,2). Għaldaqstant, meta ried jagħti isem lit-Tifħir li kiteb dwar il-ħlejjaq tal-Mulej, jiġifieri meta l-Mulej kien żgurah li hu kien se jikseb is-saltna tiegħu, hu sejjaħlu l-Għanja ta' oħtna x-xemx[302]. [CA 83; 2C 213]

[302] L-isem *Canticum Fratris Solis*, "Għanja ta' oħtna x-xemx", hu l-isem uffiċjali ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*. Bil-Malti x-xemx hi femminili, filwaqt li bil-Latin u bit-Taljan hi maskili *frater Sol*, *fratello Sole*.

[1567] Kapitlu 120
Dan hu t-tifħir tal-ħlejjaq li hu kiteb meta l-Mulej żgurah li se jikseb is-saltna tiegħu[303].

Twajjeb, Mulej, int l-ogħla, tista' kollox.
Għalik il-barka, is-sebħ, tifħir u ġieħ,
Jixirqu lilek biss, u l-ebda bniedem
ma jlissen b'ħila l-ġmiel t'ismek sabiħ.

Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha,
u l-aktar id-dawl sfiq ta' oħtna x-xemx
li twelled il-jum ġdid, u bl-isfa dija,
turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx.

Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna l-qamar,
fil-kwiekeb sbieħ, ġo sema kbir leqqien;
U f'ħuna r-riħ, fis-sħab, f'taqlib, fi bnazzi,
li bihom tgħajjex, b'seħer, il-ħolqien.

Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna l-ilma,
irżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ;
U f'ħuna n-nar li jdawwal lill-iljieli,
sbejjaħ, kollu ħajja, qawwi, sħiħ.

U f'oħtna l-art, Mulej, ħa tkun imfaħħar;
aħna nqisuha lkoll b'ommna ħanina,
la hi, minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu,
ħxejjex, ilwien ta' ward u l-frotta bnina.

Mulej, ħa tkun imfaħħar f'dawk li jaħfru
U f'dawk li jġarrbu l-mard u kull tbatija
bla jgemgmu xejn, u dejjem għal imħabbtek,
tagħtihom int kuruna ta' tgawdija.

Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem,
li jaħrab minnha qatt ma jista' l-bniedem.
Ħażin għal dak li jmut fid-dnub il-mejjet,
imbierek min imut fis-sliem u niedem.

Imbierek min il-mewt issibu jagħmel
ir-rieda mqaddsa tiegħek bl-akbar ħrara,
għax jiġi ġo saltnatek, *il-mewt l-oħra* (cfr. Apk 2,11; 20,6)
titwarrab minnu, bla tagħmillu ħsara.

---

[303] SP jagħtuna l-verżjoni oriġinali ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*. It-traduzzjoni tagħna hawnhekk hi l-istess waħda magħmula fil-*Kitbiet ta' San Franġisk*, u li hi l-verżjoni poetika tal-*Canticum Fratris Solis* li ħarġet mill-pinna tal-poeta Franġiskan Marjanu Vella OFM.

Ejjew infaħħru lill-Mulej u Sidna
u niżżuh ħajr, għal dejjem inberkuh;
Bla xejn kburija f'qalbna, b'qima kbira,
ninxteħtu lkoll f'riġlejh sabiex naqduh.

DWAR IL-MEWT TIEGĦU U L-FERĦ LI WERA META SAR JAF FIŻ-ŻGUR LI L-MEWT KIENET FIL-QRIB

[1568] Kapitlu 121
Dwar kif wieġeb lil fra Elia li ċanfru minħabba l-ferħ kbir li kien juri.

Meta l-imqaddes Franġisku kien mixħut marid ħafna fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, u aktar mis-soltu beda jidher li *id il-Mulej kienet tqalet* (cfr. 1Sam 5,6) fuqu, billi l-poplu ta' Assisi beda jibża' li, jekk il-qaddis imut bil-lejl mingħajr ma huma jkunu jafu, l-aħwa setgħu jieħdu l-ġisem tiegħu bil-moħbi u jqiegħduh f'xi belt oħra, iddeċidew li kull lejl ikun hemm l-irġiel barra l-ħitan tal-palazz dawramejt, biex hekk iħarsuh bir-reqqa.

L-imqaddes Franġisku, għalkemm kien ħafna marid, biex ifarraġ l-ispirtu tiegħu, ħalli hekk ma jintelaqx quddiem dik it-tbatija kbira li kienet taħkmu, kien ta' spiss matul il-jum flimkien ma' sħabu jkanta t-Tifħir tal-Mulej, li hu nnifsu kien sawwar żmien qabel meta kien marid; l-istess kien jagħmel ukoll bil-lejl, l-aktar għall-edifikazzjoni ta' l-għassiesa li kienu jħarsu fuqu barra mill-palazz.

Meta fra Elia qagħad iqis li l-imqaddes Franġisku kien jitfarraġ u jifraħ fil-Mulej b'dan il-mod, għalkemm kien jinsab hekk marid, jum minnhom qallu: "Ħija l-aktar għażiż, jiena nħossni tassew imfarraġ u edifikat meta nqis il-ferħ li inti u sħabek turu fost tant mard; imma jixraq li fil-ħajja u fil-mewt in-nies ta' din il-belt iqimuk bħala bniedem qaddis, għaliex billi huma jemmnu bil-qawwa li minħabba l-marda kbira u inkurabbli tiegħek inti dalwaqt se tmut, meta jisimgħuk tkanta dan it-Tifħir, jistgħu jibdew jaħsbu bejnhom u bejn ruħhom: Kemm qiegħed juri lilu nnifsu ferħan dan li hu hekk qrib il-mewt? Hu għandu joqgħod aktar jirrifletti fuq il-mewt".

L-imqaddes Franġisku qallu: "Tiftakar meta kellek dik il-viżjoni Foligno[304], u kont għidtli li kont smajt xi jgħidlek li jiena ma kienx fadalli aktar minn sentejn ħajja? Qabel dik il-viżjoni li inti rajt, bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, li *jfakkar dak kollu* (cfr. Ġw 14,26) li hu tajjeb, u *jqiegħdu* fil-qalb u *fil-fomm* (cfr. Is 59,21) tal-fidili tiegħu, jiena ta' spiss, lejl u nhar, dejjem *ħsibt dwar il-mewt tiegħi* (cfr. S 38,5); imma minn dak il-ħin, li fih inti kellek dik il-viżjoni, ta' kuljum kont aktar mehdi biex inqis il-jum tal-mewt tiegħi".

U b'qawwa mħeġġa ta' l-ispirtu għajjat: "Ħija, ħallini *nifraħ fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4) u fit-tifħir tiegħu, *fil-mard li għandi* (cfr. 2Kor 12,9) bħalissa, għaliex għall-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu li tgħinni, jiena tant jien magħqud ħaġa waħda mal-Mulej tiegħi, li għall-ħniena tiegħu nista' tassew nifraħ fl-istess l-Aktar Għoli". [CA 99; 2C 217]

---

[304] 2C 109 tirrakkonta fid-dettall din il-viżjoni li fra Elia kellu dwar il-mewt ta' San Franġisk, meta kien fil-belt ta' Foligno.

[1569] Kapitlu 122
Dwar kif ġiegħel lit-tabib biex jgħidlu kemm kien fadallu żmien biex jgħix.

Dejjem fl-istess ġranet wieħed tabib, jismu Bon Giovanni, mill-belt ta' Arezzo[305], li kien midħla u ħabib ta' l-imqaddes Franġisku, ġie jżuru fl-istess palazz. L-imqaddes Franġisku staqsieh dwar il-marda tiegħu, u qallu: "Ħija Benvegnate, inti x'jidhirlek mill-marda ta' l-idropsija tiegħi?" Għax l-imqaddes Franġisku ma kienx ikun irid isejjaħ lil xi ħadd "Bono", minħabba l-qima tiegħu lejn il-Mulej, li qal: *Ħadd ma hu tajjeb, ħlief Alla biss* (cfr. Lq 18,19). L-istess ma ried isejjaħ lil ħadd missier jew mgħallem meta kien jikteb l-ittri, minħabba l-qima tiegħu lejn il-Mulej, li qal: *U ssejħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, u lanqas ma għandkom issejħu lil xi ħadd mgħallem tagħkom* (cfr. Mt 23,9.10).

It-tabib mela qallu: "Ħija, għall-grazzja tal-Mulej, *se tkun aħjar*" (cfr. Sir 1,13). U mill-ġdid l-imqaddes Franġisku qallu: "Għidli l-verità: inti kif tarani? La tibżax, għaliex għall-grazzja ta' Alla jiena ma nibżax mill-mewt, għaliex *bl-għajnuna ta' Alla* (cfr. Mk 16,20), għall-ħniena u l-grazzja tiegħu jiena tant jien magħqud ħaġa waħda mal-Mulej tiegħi, li l-istess inkunu kuntent li mmut daqs li kieku nkunu kuntent li ngħix".

Dak it-tabib mela qallu bla ħabi: "Missier, skond l-għarfien tagħna t-tobba l-marda tiegħek ma hemmx fejqan għaliha u jew fi tmiem Settembru jew lejn l-erbgħa ta' Ottubru inti se tmut".

L-imqaddes Franġisku, kif kien mixħut marid f'soddtu, b'qima kbira u devozzjoni, *refa' 'l fuq* dirgħajh *u idejh lejn il-Mulej* (cfr. Esd 9,5) u b'ferħ kbir minn ġewwa u minn barra qal: "Merħba, oħti l-mewt"[306]. [CA 100]

[1570] Kapitlu 123
Dwar kif, malli sema' li l-mewt kienet fil-qrib, talab lill-aħwa jkantawlu t-Tifħir li hu kien ikkompona.

Wara dan, wieħed mill-aħwa qal lill-imqaddes Franġisku: "Missier, il-ħajja u l-imġieba tiegħek huma dawl u mera[307] mhux biss għall-aħwa tiegħek, imma għall-Knisja ta' Alla fid-dinja kollha, u hekk ukoll se tkun il-mewt tiegħek. Għax, għalkemm għall-aħwa u għal bosta oħrajn il-mewt tiegħek se tkun ta' niket u mrar, imma għalik se tkun ta' faraġ u ferħ bla tmiem, għaliex inti se toħroġ mit-tbatija ta' ħidma kbira għal mistrieħ mill-akbar, minn bosta tbatijiet u tentazzjonijiet għall-hena bla tmiem, mill-faqar kbir li fih għext, u li dejjem ħabbejtu u li ġarrejtu minn jeddek mill-bidu tal-konverżjoni tiegħek sa jum mewtek, għall-għana tassew kbira u bla tarf, mill-mewt tal-ġisem għall-ħajja li ma tintemmx, fejn *se tara dejjem* lill-Mulej *Alla* tiegħek *wiċċ imb'wiċċ* (cfr. Ġen 32,30; 1Kor 13,12), int li b'tant ħeġġa, qima u mħabba ikkontemplajtu f'din id-dinja".

---

[305] Bongiovanni d'Arezzo. Arnaldo Fortini ried jidentifikah mat-tabib ta' Assisi (*Nova Vita di San Francesco,* II, 536). Ma tantx jista' jinstab is-sens ta' l-isem "Finiatu", jew skond li SP "Bevignate".
[306] Dan hu l-mument li fih Franġisku ikkompona l-aħħar taqsima ta' l-*Għanja tal-ħlejjaq*, appuntu l-istrofa dwar *sora nostra morte corporale*.
[307] It-tema ta' San Franġisk, mera ta' perfezzjoni, jidher l-aktar fl-isem ta' *Speculum Perfectionis*..

U wara li kellu b'dan il-mod, qallu bil-miftuħ: "Missier, kun af fis-sewwa li, jekk il-Mulej ma jidħolx għalik mis-sema u jfejjaqlek bil-mediċina tiegħu lil ġismek, il-marda li għandek ma hemmx fejqan għaliha, u ftit fadallek żmien biex tgħix, kif għadhom kemm qalu t-tobba. Jiena għidtlek dan biex infarraġlek l-ispirtu tiegħek, sabiex *inti tifraħ dejjem fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4) minn ġewwa u minn barra, sabiex l-aħwa kollha tiegħek u l-oħrajn, li jiġu biex iżuruk, isibuk dejjem *ferħan fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4), għalkemm jafu u jemmnu li inti dalwaqt se tmut, u sabiex meta jarawk hekk u dawk l-oħrajn li jisimgħu b'dan il-ferħ, wara l-mewt tiegħek, jibqgħu jiftakru x'mewta għamilt, u kemm kienet ta' eżempju għal kulħadd il-ħajja u l-imġieba tiegħek".

L-imqaddes Franġisku, minkejja li issa kien mirbuħ u magħdur sewwa mill-mard, b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu u bil-ferħ tal-ġisem, beda jfaħħar lill-Mulej b'ħeġġa kbira u wieġbu: "Ara mela, jekk jiena se mmut dalwaqt, sejjaħli lil frate Angelo u lil frate Leone[308], sabiex ikantawli dwar oħti l-mewt".

Dawk iż-żewġ aħwa marru ħdejh u b'ħafna dmugħ bdew ikantawlu l-Għanja ta' *frate Sole* u tal-ħlejjaq l-oħrajn tal-Mulej[309], li l-qaddis innifsu kien kiteb meta kien marid għat-tifħir tal-Mulej u għall-faraġ tar-ruħ tiegħu u ta' l-oħrajn. Ma' din il-għanja, qabel l-aħħar strofa, żied il-versett dwar oħtu l-mewt, b'dawn il-kelmiet:

Mulejja, tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem,
li jaħrab minnha qatt ma jista' l-bniedem.
Ħażin għal dak li jmut fid-dnub il-mejjet,
imbierek min imut fis-sliem u niedem.

Imbierek min il-mewt issibu jagħmel
ir-rieda mqaddsa tiegħek bl-akbar ħrara,
għax jiġi ġo saltnatek, *il-mewt l-oħra* (cfr. Apk 2,11; 20,6)
titwarrab minnu, bla tagħmillu ħsara. [CA 7]

[1571] Kapitlu 124
Dwar kif bierek lill-belt ta' Assisi meta kien jġorruh lejn Santa Marija biex imut hemmhekk.

Meta l-imqaddes Franġisku għaraf bl-Ispirtu s-Santu u bl-għajnuna tat-tobba, li l-mewt tiegħu kienet fil-qrib, waqt li kien f'dak il-palazz u ra li l-marda tiegħu kienet dejjem aktar issir

---

[308] Fil-*Fontes* insibu almenu tliet patrijiet li kellhom l-isem ta' Angelo: Angelo Tancredi, kavallier minn Assisi; Angelo da Rieti, u Angelo da Borgo San Sepolcro. L-ewwel tnejn mhux l-ewwel darba li ġew imħawwdin wieħed ma' l-ieħor, hekk li hu diffiċli nkunu nafu għal min minnhom eżattament ikunu jitkellmu l-*Fontes*. X'aktarx li frate Angelo li hu wieħed mit-*tre compagni* u li kien qrib San Franġisk fl-aħħar ta' ħajtu, hu Angelo da Rieti. Nafu li kien ma' San Franġisk fuq La Verna, kif ukoll fil-Porziuncola meta miet il-qaddis. Fra Leone t'Assisi hu wieħed mill-aktar aħwa importanti, għax kellu familjarità kbira ma' San Franġisk, hekk li kien il-konfessur u s-segretarju tiegħu. Franġisku kien iħobb isejjaħlu "pecorella di Dio", u kien faħħar is-safa tal-qalb u s-sempliċità tiegħu. X'aktarx li kien saċerdot qabel ma daħal fl-Ordni, jew ġie ordnat ftit wara li daħal. Fra Leone hu l-awtur tal-famużi *rotuli* u dokumenti oħrajn ta' storja Franġiskana. Wara l-mewt ta' San Franġisk sar punt ta' riferiment biex l-aħwa jkunu jafu l-intenzjonijiet ġenwini tal-qaddis. Miet f'Assisi fil-15 ta' Novembru ta' l-1271(?) jew l-1278 (cfr. *Chronica XXIV Generalium*, in *Analecta Franciscana* III, 65-74).

[309] Id-dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-*Cantico di Frate Sole*, jew *delle creature*, jinsabu fil-CA 78.

gravi, talab lill-aħwa biex jeħduh fuq il-friex lejn Santa Marija tal-Porziuncola, biex hemmhekk itemm il-ħajja tal-ġisem fil-post li fih kien beda jħoss id-dawl u l-ħajja tar-ruħ.

Meta dawk li kienu jġorruh għaddew mit-triq qrib il-lażżarett[310], li jinsab nofs triq bejn Assisi u Santa Marija, talabhom jieqfu u jmidduh fuq friexu ma' l-art. U billi minħabba l-marda twila u gravi li kellu f'għajnejh ma kien għoddu jista' jara xejn aktar, talabhom biex idawwru l-friex li fuqu kien mimdud, biex hu jkun jista' jdawwar ħarstu lejn il-belt t'Assisi. Hu intrefa' kemm kemm 'il fuq minn friexu u bierek il-belt ta' Assisi b'dawn il-kelmiet: "Mulej, naħseb li fil-qedem din il-belt kienet kenn u bejta għal nies qarrieqa u ħżiena, li kienu magħrufin minn kulħadd f'dawn l-inħawi. Imma issa qiegħed nara li, *għall-ħniena kbira tiegħek*, meta għoġob lilek, int ujrejt fiha *l-kobor ta' tjubitek* (cfr. S 50,3), hekk li issa saret il-post li fih jgħammru nies li jridu jagħrfuk u *jagħtu glorja lill-isem tiegħek* (cfr. S 28,2; 113,9), biex isiru fwieħa tajba ta' ħajja qaddisa, u tat-tagħlim mill-aktar veru u tal-perfezzjoni ta' l-Evanġelju lill-poplu nisrani kollu. Għalhekk nitolbok, Mulej Ġesù Kristu, *Missier il-ħniena* (cfr. 2Kor 1,3), biex ma tħarisx lejn l-ingratitudni tagħna, imma ftakar dejjem fil-milja tal-ħniena tiegħek, li inti urejt fiha, sabiex hi tkun dejjem il-post fejn jgħammru dawk li jridu jagħrfuk u jigglorifikaw *lill-isem imbierek u mqaddes tiegħek għal dejjem ta' dejjem* (cfr. Dan 3,26). Amen".

U wara li tenna dawn il-kelmiet, ġie meħud lejn Santa Marija tal-Porziuncola. Hemmhekk, meta kien għalaq erbgħin sena[311] u kienu għaddew għoxrin sena mill-penitenza perfetta tiegħu, fis-sena tal-Mulej 1226, nhar l-4 ta' Ottubru, hu għadda għal għand il-Mulej Ġesù Kristu, li kien ħabbu *b'qalbu kollha, b'moħħu kollu, b'ruħu kollha* (cfr. Mt 22,37), bil-qawwa tiegħu kollha, u bl-akbar ħerqa u xewqa ta' affett, filwaqt li mexa warajh b'mod mill-aktar perfett, hekk li ġera bil-ħeffa warajh u wasal sa għandu li Hu l-aktar glorjuż, u li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen. [CA 5]

Hawn tintemm il-Mera tal-Perfezzjoni ta' l-istat tal-patri Minuri, li fiha wieħed jirrifletti b'mod perfeett dwar il-vokazzjoni u l-professjoni tiegħu. Kull tifħir, u glorja, jingħata lil Alla l-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu. Alleluja! Alleluja! Alleluja! Ġieħ u radd il-ħajr lill-aktar glorjuża Verġni Marija. Alleluja! Alleluja! Alleluja! Għall-ogħla tifħir u ġieħ tal-wisq imqaddes qaddej tiegħu Frangisku. Alleluja! Amen[312].

---

[310] Dan kien il-lażżarett ta' San Salvatore delle Pareti tal-Crocigeri, li kien l-eqdem wieħed tal-belt, u li diġà jissemma' f'dokument ta' l-1193 fl-Arkivju ta' San Rufino. Kien qiegħed fejn illum tinsab il-Casa Gualdi, fit-triq li minn Assisi tinżel Santa Maria degli Angeli. Wieħed mill-aħwa ta' San Franġisk, frate Morico, kien qabel wieħed mill-Crocigeri ta' dan il-lażżarett. Hu tfejjaq minn San Franġisk li tah jiekol biċċa ħobż imbilla fiż-żejt tal-lampa ta' Santa Marija tal-Porziuncola (LM IV,8).

[311] Din id-data trid tiġi korretta, għaliex Franġisku miet meta kellu 45 sena. Il-mewt seħħet nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru 1226, wara nżul ix-xemx, meta liturġikament kien beda l-Ħadd 4 ta' Ottubru.

[312] L-edizzjoni ta' Paul Sabatier (1898) kellha din iż-żjieda: "Intemmet il-kitba fil-post l-aktar qaddis ta' Santa Marija tal-Porziuncola fil-11 ta' Mejju tas-sena tal-Mulej 1228 (MCCXXVIII). Il-kodiċi ta' Ognissanti ta' Firenze, misjub ukoll minn Sabatier, iġib id-data korretta ta' l-1318 (MCCCXVIII).

# ACTUS BEATI FRANCISCI FIORETTI TA' SAN FRANĠISK

## INTRODUZZJONI

### Actus Beati Francisci et Sociorum Eius

Il-*Chronica XXIV Ministrorum Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (*Kronaka ta' l-24 Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri*) tgħid li fra Corrado d'Offida, flimkien ma' fra Giovanni, marru fil-Porziuncola ftit taż-żmien qabel il-mewt ta' fra Leone (1271), biex jistaqsuh informazzjoni dwar it-tifkiriet tiegħu tal-kliem u l-għemejjel ta' San Franġisk: "Huma semgħu bosta ħwejjeġ interessanti u importanti rigward San Franġisk mill-fomm ta' fra Leone" (*Analaecta Franciscana* III,428). Corrado d'Offida (1250-1306) kien wieħed mill-aħwa esponenti tal-familja *Spiritwali* fi ħdan l-Ordni, li kienu jaraw fi sħab San Franġisk ir-rabta diretta ma' l-intenzjonijiet ġenwini tal-qaddis li, skond huma, l-Ordni kien beda jinsihom meta mexa 'l quddiem bħala istituzzjoni kbira ta' studju u moviment klerikali fi ħdan il-Knisja. Kronisti oħrajn tas-seklu XIV, bħal Salimbene de Adam da Parma, Angelo Clareno, Pierre Jean Olieu (Olivi) u Ubertino da Casale, ilkoll jibbażaw l-awtenticità ta' dawn l-affermazzjonijiet storiċi fuq it-tradizzjoni orali ta' sħab San Franġisk, li huma kellhom l-okkażjoni li jikkonsultaw direttament, jew inkella permezz tax-xhieda ta' aħwa li kienu dixxipli ta' sħab San Franġisk.

Kif jista' jiġri f'kull trasmissjoni orali ta' fatti storiċi, bosta kliem jew azzjonijiet jistgħu joħolqu konfużjoni, traspożizzjoni ta' verità storika, u mhux l-ewwel darba li joħolqu wkoll fatti ta' natura leġġendarja. Minkejja dan ma nistgħux inwarrbuhom bħala fatti li mhumiex veri jew li huma storikament żbaljati. Jeħtieġ li wieħed jasal għall-bażi tal-verità ta' dawn l-affermazzjonijiet, biex isib hemmhekk il-qofol tal-verità storika li minnha jitilqu. Dan jeħtieġ li jsir f'żewġ *Fontes* importanti li ġejjin mit-tradizzjoni orali, jiġifieri l-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius* (*L-Atti ta' l-Imqaddes Franġisku u ta' Sħabu = Actus*), miktubin minn Ugolino Boniscambi da Montegiorgio bejn l-1328 u l-1337, u t-traduzzjoni ta' sezzjonijiet kbar minnhom fid-djalett tat-Toscana minn xi ħadd mhux magħruf, fl-opra famuża magħrufa bħala l-*Fioretti ta' San Franġisk* (*Fioretti*), li inkitbet wara l-1337, u x'aktarx lejn it-tieni nofs tas-seklu XIV.

L-*Actus* huma ġabra ta' *excerpta* jew *flores*, stejjer qosra, li jirrigwardaw il-ħajja ta' virtù ta' San Franġisk u ta' l-ewwel aħwa tiegħu. Fihom erba' sezzjonijiet: fl-ewwel taqsima jitkellmu dwar San Franġisk u xi wħud mill-aħwa tiegħu (kapitli 1-31); it-tieni taqsima hi iddedikata lil xi wħud minn sħab San Franġisk, l-aktar Bernardo, Rufino, Leo, Masseo, Klara, Egidio, Antonju, Corrado (kapitli 32-47); it-tielet taqsima titkellem dwar l-aħwa *Spiritwali* mir-reġjun tal-Marche, fosthom Corrado d'Offida, Giovanni della Verna u Giovanni da Penna (kapitli 48-59); u l-aħħar sezzjoni hi taħlita ta' diversi fatti mill-ħajja ta' San Franġisk u ta' l-aħwa tiegħu (kapitli 60-68).

Skond *Actus* l-awtur ta' din l-opra hu fra Ugolino *de Monte Sanctae Mariae*: "Fra Giacomo da Massa ħa dan ir-rakkont minn fomm fra Leone; u fra Ugolino di Monte Santa Maria kien ħadu

minn fomm l-imsemmi fra Giacomo; u jiena li qiegħed nikteb hawnhekk, irċevejtu minn fomm fra Ugolino, raġel ta' min joqgħod fuqu u tajjeb" (*Hanc ystoriam habuit fr. Iacobus de Massa ab ore fr. Leonis; et fr. Hugolinus de Monte S. Marie ab ore dicti fr. Iacobi; et ego qui scribo ab ore fr. Hugolini, viri fide digni et boni*; *Actus* IX,71). Il-kittieb ta' l-*Actus* mela hu fra Ugolino Boniscambi di Monte Santa Maria (illum Montegiorgio), belt ċkejkna fil-Marche, fil-provinċja ta' Ascoli Piceno, li x'aktarx li miet fl-1350. Huwa hu l-kompilatur ta' l-*Actus*. Jidher, iżda, li dan fra Ugolino kien megħjun minn kollaboraturi, li komplew il-ħidma tiegħu, fosthom fra Ugolino de Brunforte, li kien sar Ministru Provinċjal tal-Marche, u li miet fl-1348. Forsi kien ukoll grupp ta' aħwa minn din il-provinċja tal-Marche li kellhom sehem fir-redazzjoni sħiħa ta' l-*Actus*. Dawn kienu kollha dixxipli ta' Angelo Clareno (1255-1337), li billi kien ġie ikkundannat mill-Papa Ġwanni XXII fl-1317, flimkien mal-*Fraticelli*, kif kienu jissejħu l-patrijiet *Spiritwali* dixxipli tiegħu, ismu ma jissemmiex fl-*Actus*. Ma nistagħġbux, iżda, li min kiteb l-*Actus* kien simpatizzanti ma' Clareno u l-*Fraticelli*. Skond Jacques Cambell id-data ta' meta inkiteb l-*Actus* tvarja bejn l-1331 u l-1337. Jidher li hemm rabta bejn l-*Actus* u l-*Chronica Septem Tribulationum Ordinis Minorum* ta' Angelo Clareno, miktuba fl-1325-1330. L-istess aħwa *Spiritwali* li jitkellem dwarhom l-*Actus-Fioretti*, u li huma ippreżentati bħala patrijiet qaddisin (Giacomo da Massa, Corrado d'Offida, Pietro di Monticello) juru l-influss li l-*Fraticelli* kellhom fuq min kiteb l-*Actus*, partikolarment fl-ambjent tal-kunventi ta' Sarnano u ta' Soffiano, fejn kien jgħixu bosta dixxipli ta' Clareno.

Sas-seklu XIX l-istudjużi kienu jħalltu l-*Actus* ma' opra magħrufa bl-isem ta' *Floretum*, li kienet tfakkar b'xi mod dik l-opra volgarizzata ta' l-*Actus* li hi magħrufa bl-isem ta' *Fioretti*. Imma l-*Floretum* bħala dokument qatt ma eżista, imma jidher li kien invenzjoni ġenwina ta' Luke Wadding li fl-opra tiegħu *Scriptores Ordinis Minorum*, jikteb: "Ugolino ta' Santa Maria in Monte, minn Ascoli Piceno, kien kontemporanju ta' San Franġisk, raġel twajjeb u kittieb mill-aktar ċar, li kiteb l-*Historiam* li hu fil-bidu semmieha *Floretum*, li fiha jirrakkonta l-ħajja u l-għemejjel ta' San Franġisk u ta' sħabu sal-pontifikat ta' Alessandru IV" (*Ugolinus de Sancta Maria in Monte, Picenus, sancti Francisci synchronos, vir pius et candidus author, scripsit Historiam quam Floretus praenotavit, in quas narrat vitam et gesta sancti Francisci ac sociorum eius usque ad pontificatum Alexandri IV*). Imma nota awtobijografika ta' l-istess Wadding fl-ewwel folja tal-kodiċi 1/16 tal-Bibljoteka tal-Kulleġġ Irlandiż ta' St. Isidore f'Ruma, imwaqqaf mill-istess Wadding, li fih l-edizzjoni tal-*Fioretti*, titkellem ukoll minn Ugolino da Monte Santa Maria. F'kelma oħra, Wadding jattribwixxi lill-istess awtur kemm l-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius* kif ukoll il-*Fioretti*, u lil ta' l-ewwel jasal isejjaħlu *Floretum*, kelma Latina li b'xi mod tesprimi l-istess kunċett tal-*Fioretti*. Għalkemm ta' spiss nitkellmu minn *Actus-Fioretti* (kif qegħdin nagħmlu f'din l-introduzzjoni), imma llum hi ċara d-distinzjoni bejn l-edizzjoni Latina ta' Ugolino da Monte Santa Maria (*Actus*) u l-volgarizzament tagħha fid-djalett Toscan (*Fioretti*). Jixxiebħu ħafna fil-kontenut, imma mhumiex l-istess opra u lanqas huma ta' l-istess awtur.

L-*Actus* jagħtu importanza lil dawk it-temi li jindikaw id-differenza ta' interpretazzjoni tal-ħajja Franġiskana bejn il-Komunità ta' l-Ordni u l-Ispiritwali, l-aktar rigward il-ħajja axxetika, il-perfezzjoni evanġelika, ir-relazzjoni bejn il-ħajja attiva u kontemplattiva, id-diskussjonijiet bejn il-Franġiskani u d-Dumnikani rigward il-faqar, l-apostasija ta' fra Elia u l-waqa' tiegħu, li San Franġisk jingħad li kien ipprofetizzaha (*Actus*, kap. 62; *Fioretti*, kap. 38).

L-*Actus* juruna t-tendenza, għalkemm mhux qawwija, tad-dibattitu li kienu qanqlu l-Ispiritwali fi ħdan l-Ordni dwar it-temi fundamentali tal-Franġiskaneżimu tal-bidu, qabel xejn dak dwar il-ħelsien li huma kienu jippretendu li jkollhom għall-osservanza *pure et litteraliter, sine glossa* (safja u letterali, mingħajr kummenti) tal-*forma vitae* u r-Regola ta' Franġisku, skond kif

hu kien iddeskriviha fit-Testment tiegħu. Fl-istess *Actus* nistgħu wkoll nilmħu aċċenn għal dik il-libertà evanġelika li għaliha l-Ispiritwali kienu jappellaw biex ma jaqgħux taħt il-kontroll tan-normi li kienu magħmulin mill-Komunità ta' l-Ordni (*Communitas Ordinis*), għax huma kienu jqisu li kienu jistgħu jinterpretaw l-*intentio* oriġinali ta' San Franġisk.

L-*Actus* jagħtu importanza kbira lit-tema tal-*conformitas* (konformità) ta' Franġisku mal-ħajja ta' Ġesù Kristu. Fil-kapitlu VI l-awtur jikteb: "Il-qaddej l-aktar veru ta' Alla Franġisku, li f'kollox kien donnu Kristu ieħor mogħti lid-dinja, Alla l-Missier għamel li dan il-bniedem ħieni jkun jixbaħ f'ħafna affarijiet lil Kristu Ibnu, kif jidher ukoll fil-għaqda ta' l-ewwel aħwa qaddisa tiegħu, fil-misteru ta' l-għaġeb ta' l-istimmati tas-salib, u fis-sawm qaddis u kontinwu ta' erbgħin jum" (*Verissimus servus Dei Franciscus, quia in quibusdam fuit quasi alter Christus datus in mundo, ideo Deus Pater tam felicem hominem in multis Christo, suo Filio, fecit esse conformem, sicut apparuit in sanctorum sociorum sacro collegio, in stigmatum crucis mirando misterio et sacrae quadragesimae continuo ieiunio*). L-istess espressjoni tinsab fil-*Fioretti,* kapitlu 7. Din it-tema ta' konformità kienet diġà preżenti f'2C 26; 135; 217; 219 u fil-LM, Prologu; XIII,4; XIV 4. Fil-każ ta' l-*Actus-Fioretti* t-tema tal-konformità ma' Kristu (*Franciscus fuit quasi alter Christus*) tiġi minn ta' quddiemnett, u tiżviluppa aktar tard fl-opri ta' Arnald ta' Sarrant, *De Cognatione Sancti Francisci* (1365) ta' Bartolomeo da Pisa, *Liber de Conformitate* (1399).

## Fioretti ta' San Franġisk

L-akbar importanza ta' l-*Actus* hi ċertament dik li offrewlna d-dokument li minnu saret it-traduzzjoni ċelebri tal-*Fioretti ta' San Franġisk.* It-traduttur anonimu hu mit-Toscana, kemm fil-karattru kif ukoll fl-espressjonijiet li juża. Minkejja li hemm xi partikulari ta' stil minfuħ, is-sostanza tal-*Fioretti* hi storika jew ta' tradizzjoni orali ġejja minn għejjun storiċi, u biss f'xi mumenti tesprimi ruħha bi ġrajjiet ta' natura leġġendarja.

Il-*Fioretti* għandhom valur spiritwali u letterarju kbir, għaliex huma nisġa ta' dawk il-motivi l-aktar safja u idejalizzati tal-Franġiskaneżimu, b'sens ta' nostalġija lejn dak iż-żmien tal-bidu ta' l-ewwel fraternità, li issa kien tbiegħed ġmielu, li fih Franġisku kien għex fis-sempliċità evanġelika flimkien ma' l-ewwel sħabu, u lilhom kien għaddielhom bil-kliem l-intenzjonijiet l-aktar ġenwini tiegħu. Il-*Fioretti* ma għandhomx l-iskop li jinsġu ġrajja fuq linji kronoloġiċi, u lanqas fuq ebda ordni ta' natura tematika. Huma għandhom biss l-iskop li joffru dehra panoramika tar-relazzjoni li Franġisku bena ma' wħud mill-ewwel aħwa dixxipli tiegħu, fosthom Bernardo, Elia, Egidio, Leone, Masseo, Klara, Rufino, Silvestro, Antonju. Minn dawn il-ġrajjiet l-awtur jislet tagħlim mill-aktar sabiħ dwar l-elementi ewlenin tal-ħajja Franġiskana: il-ferħ perfett, il-faqar, l-imħabba lejn il-ħlejjaq, il-priedka lill-għasafar, il-lupu ta' Gubbio.

Dan kollu l-awtur jagħmlu f'53 kapitli, li minnhom l-ewwel 40 huma iddedikati lil Franġisku l-ewwel aħwa tiegħu, filwaqt li mill-kapitlu 41 l-awtur jitkellem dwar l-aħwa li kienu ġejjin mill-familja ta' l-Ispiritwali, u li kienu, fil-maġġoranza tagħhom, mill-Marche: Simone, Bentivoglia, Pietro da Monticello, Corrado d'Offida, Giovanni della Penna, Jacopo da Massa, Giovanni della Verna, Jacopo da Fallerone.

Fit-tradizzjoni manuskritta l-*Fioretti* huma normalment segwiti minn ħames *Kunsiderazzjonijiet dwar l-Istimmati ta' San Franġisk*, li huma trattat żgħir miktub ukoll bid-djalett tat-Toscana, u li permezz ta' trasmissjoni orali, wieħed jista' jara li jieħu ħafna mil-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura. Dawn il-*Kunsiderazzjonijiet* huma ta' importanza kbira, għaliex huma l-aktar dokument dettaljat fost il-*Fontes* li jitkellem dwar il-ġrajjiet li seħħu fuq La Verna

f'Settembru 1224, meta San Franġisk irċieva d-don ta' l-istimmati tal-passjoni ta' Kristu. Il-*Kunsiderazzjonijiet* jibdew mill-għoti ta' La Verna lil Franġisku mill-konti Orlando di Chiusi della Verna, nhar it-8 ta' Mejju 1213, fil-kastell ta' San Leo fil-Montefeltro, u mbagħad jirrakkontaw il-ġrajjiet li seħħew fuq il-muntanja qaddisa fl-1224 meta Franġisku kellu d-dehra tas-serafin imsallab li immarkah bl-istimmati tal-passjoni, u jżidu wkoll xi rakkonti ta' mirakli li seħħew bil-qawwa ta' l-istess marki tal-passjoni li San Franġisk kien iġorr f'ġismu.

L-istil tal-*Fioretti* hu tipiku ta' xi *Fontes* oħrajn tas-seklu XIV, li fihom hemm doża qawwija ta' elementi leġġendarji, bħalma huma l-*Vita dif rate Ginepro* u l-*Vita del beato Egidio*, u d-*Detti* ta' dan il-fra qaddis. L-istudjuż Salvatore Minocchi għamel edizzjoni kritika tal-kodiċi *capponiano* 207 tal-Biblioteca Vaticana, li hu semmieha *Leggenda antica di San Francesco*, li fiha hemm miġburin diversi kapitli minn *Speculum Perfectionis* u mill-*Historia septem tribulationum* ta' Angelo Clareno.

Dawn l-isforzi biex isiru traduzzjonijiet bl-ilsien *volgare* tal-*Fontes* antiki latini jikkorrispondu għal ħtieġa ġdida, imma vera, li bdiet tidher fis-seklu XIV, meta fost il-lajkat kien tferrex monolingwiżmu, jiġifieri, lingwa waħda *volgare* (Umbro, Toscan, jew xi djalett ieħor lokali), u l-latin bħala lingwa kien beda jintesa, hekk li l-*Fontes* antiki ma kienux għadhom aktar aċċessibbli għall-maġġoranza tal-qarrejja. Opri oħrajn simili bil-*volgare* li baqgħu magħrufin jinkludu li *Speculum vitae sancti Francisci et sociorum eius*, magħrufa bħala *Specchio dell'Ordine dei Minori*, jew aħjar, il-*Franceschina*, opra tas-seklu XV, miktuba bil-*volgare* Umbro minn Giacomo Oddi. Qabilha kien ġie ippubblikat li *Specchio della vita di san Francesco e dei suoi compagni*, kitba tal-konventwal Fabiano d'Igal, pubblikat f'Venezia fl-1504. Fl-1503 l-osservanti Antonio Bruni kien ittraduċa bit-taljan il-*Leggenda dei tre compagni* u *Speculum Perfectionis*, filwaqt li Franġiskan ieħor minn Firenze, Dionisio Pulinari, kien ittraduċa bit-taljan l-*Historia septem tribulationum* ta' Angelo Clareno u l-*Liber de conformitate* ta' Bartolomeo da Pisa.

Fl-edizzjoni tagħna tat-traduzzjoni tal-*Fontes* iddeċidejna li nippubblikaw dik tal-*Fioretti*, li ċertament hi l-aktar popolari fost il-qarrejja tal-Fonti Franġiskani. Minkejja dan, nagħarfu l-valur kbir ta' l-*Actus beati Francisci et sociorum eius*, li hu d-dokument bażi li fuqu jinbnew il-*Fioretti*. Ma għażilniex li nittraduċu l-*Actus* minħabba raġunijiet ta' spazju, ħlief għal xi fatti li ma jinstabux fil-*Fioretti*, imma għażilna li nagħmlu r-riferimenti meħtieġa ta' kull ġrajja li jġibu l-*Fioretti*, kull meta din tittieħed mill-*Actus*.

# KONKORDANZI
# ACTUS BEATI FRANCISCI U FIORETTI

| ACTUS | FIORETTI | ACTUS | FIORETTI |
|---|---|---|---|
| 1,1-9 | 1 | 35 | |
| 1,10-46 | 2 | 36 | |
| 2 | 3 | 37 | 31 |
| 3 | 4 | 38 | |
| 4 | 5 | 39 | |
| 5 | 6 | 40 | 32 |
| 6 | 7 | 41 | 35 |
| 7 | 8 | 42 | 33 |
| 8 | 9 | 43 | 34 |
| 9 | 1-3 Kuns. Stimm. | 44 | 39 |
| 10 | 10 | 45 | 40 |
| 11 | 11 | 46 | 43 |
| 12 | 12 | 47 | |
| 13 | 13 | 48 | 42 |
| 14 | 14 | 49 | 49 |
| 15 | 15 | 50 | |
| 16 | 16 | 51 | 50 |
| 17 | | 52 | 51 |
| 18 | | 53 | |
| 19 | 17 | 54 | |
| 20 | 18 | 55 | 41 |
| 21 | 19 | 56 | 52 |
| 22 | 20 | 57 | 53 |
| 23 | 21 | 58 | 45 |
| 24 | 22 | 59 | 47 |
| 25 | | 60 | 36 |
| 26 | 23 | 61 | 37 |
| 27 | 24 | 62 | 38 |
| 28 | 25 | 63 | 44 |
| 29 | 26 | 64 | 48 |
| 30 | 27 | 65 | |
| 31 | 27 | 66 | |
| 32 | 28 | 67 | |
| 33 | 29 | 68 | |
| 34 | 30 | | |
| | | | 46 |
| | | | 49 |

# UGOLINO DA MONTE S. MARIA «ACTUS BEATI FRANCISCI ET SOCIORUM EIUS»

[1572] Kapitlu XVII
Dwar kif San Franġisk kien jistmerr l-isem ta' mgħallem.

Franġisku, li kien jimita lil Kristu fl-umiltà, kien jagħraf biss lill-isem ta' Kristu bħala l-uniku mgħallem, *għaliex bih sar kollox* (cfr. Ġw 1,3; 1Kor 8,6). Kien jgħid li bil-qalb kollha ried ikun jaf kif jagħmel kollox, imma ma riedx ikun mgħallem jew jiżżejjen bl-isem ta' mgħallem; għaliex dan l-isem kien imur kontra l-kliem ta' Kristu fl-Evanġelju li fihom ma jħalli lil ħadd *li jissejjaħ mgħallem* (cfr. Mt 23,10); għaliex hu aħjar li wieħed ikun umli mill-faqar ta' l-għarfien tiegħu, milli li wieħed ikun jista' jagħmel għeġubijiet u jippretendi li jkun umli quddiem mgħallem hekk glorjuż. Għaldaqstant l-isem ta' mgħallem jixraq biss lil Kristu l-imbierek, għaliex l-għemejjel tiegħu huma perfetti. U għalhekk hu ikkmanda li fuq din l-art ħadd ma jfittillu jissejjaħ mgħallem fuq din l-art, għaliex l-imgħallem tagħna veru u bla ebda difett fis-sema hu wieħed u waħdu: Kristu l-imbierek, li hu Alla u bniedem, dawl u ħajja, ħallieq tad-dinja, u ta' min ifaħħru u jagħtih glorja għal dejjem. Amen.

[1573] Kapitlu XVIII
Dwar kif il-mewt ta' San Franġisk ġiet irrivelata lis-sinjura Jacopa dei Settesoli, u dwar kif San Franġisk innifsu għarrafha bis-salvazzjoni eterna tagħha.

Meta San Franġisk ftit ġranet qabel ma miet kien jinsab mixħut marid fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, hu flimkien ma' xi wħud mill-aħwa tiegħu kien ta' spiss ikanta t-tifħir ta' Alla bil-qima kollha; u billi hu nnifsu ma setax ikanta minħabba l-marda tiegħu, imma kien jitlob lill-aħwa biex ikantaw huma. In-nies ta' Assisi, għalhekk, billi kienu jibżgħu li dak it-teżor tant għażiż ma jmorrux jeħduh barra minn Assisi, kienu jgħassu bl-armi lejl u nhar il-palazz bil-ħerqa kollha. Ir-raġel qaddis li kien qiegħed iqatta' dawk il-jiem fil-marda tiegħu, darba minnhom wieħed mill-aħwa qallu: "Missier, inti taf kif in-nies ta' din il-belt għandhom fiduċja fik u jqisuk bħala raġel qaddis; u għalhekk jistgħu jaħsbu li jekk inti tassew għandek dik il-qdusija, li kulħadd jitkellem dwarha, għandek toqgħod taħseb dwar il-mewt, dment li inti daqshekk marid, u għandek aktar tibki milli tkanta. Għaliex dan il-kant li bosta nies qegħdin jisimgħuh, għaliex dan il-palazz hu mħares minn bosta kavallieri armati, jista' jkun għalihom ta' eżempju ħażin. Għaldaqstant naħseb li jkun aħjar kieku aħna nitilqu minn hawnhekk u mmorru lura lkoll kemm aħna f'Santa Marija ta' l-Anġli, għaliex ma aħniex qegħdin tajjeb fost dawn in-nies sekulari". San Franġisk wieġbu u qallu: "Ħija l-aktar għażiż, inti taf li sentejn ilu, meta konna Foligno, il-Mulej uriek li l-ħajja tiegħi kienet toqrob lejn it-tmiem. Urieni wkoll lili li fadalli ftit jiem oħrajn f'din il-marda, u mbagħad nasal għat-tmiem tiegħi; u f'din id-dehra l-Mulej tani ċ-ċertezza tal-maħfra tad-dnubiet kollha tiegħi u li se nikseb il-ferħ tal-ġenna. Sakemm hu urieni dik ir-rivelazzjoni jiena kont nibki dwar il-mewt u d-dnubiet tiegħi; imma wara li intwerietli dik ir-rivelazzjoni, jiena tant inħossni mimli bil-ferħ, li ma nistax nibki iżjed, imma dejjem nibqa' fil-hena. U għalhekk jiena nkanta u *sejjer*

*ngħanni* lil Alla, *għaliex wera miegħi tjieba kbira* (cfr. S 12,6) u għamilni ċert li jiena se nikseb il-glorja tal-ġenna. Dwar li mmorru lura lejn dak il-post jiena naqbel miegħek fis-sewwa; imma tridu tkunu intom li ġġorruni, għaliex jiena minħabba l-marda tiegħi ma nistax nimxi".

L-aħwa imbagħad ġarrewh f'dirgħajhom u b'ħafna nies magħhom niżlu sa Santa Marija ta' l-Anġli. Meta mbagħad waslu ħdejn l-ospizju li hemm fit-triq, San Franġisk staqsa jekk kienux waslu hemmhekk, għaliex hu ma setax jara iżjed ċar minħabba li kien tilef id-dawl ta' għajnejh, minħabba l-penitenzi u d-dmugħ li kien xerred.

Meta sar jaf li kienu qrib dak l-ospizju, hu talabhom imidduh ma' l-art, u qalilhom: "Dawwruni lejn Assisi". U mall-ewwel fit-triq, b'wiċċu mdawwar lejn il-belt, hu berikha b'ħafna barkiet, u qalilha: "Imbierka inti mill-Mulej, għaliex permezz tiegħek bosta erwieħ għad isalvaw, u fik bosta qaddejja ta' l-Aktar Għoli għad jgħixu, u minnek bosta għad jintagħżlu għas-saltna ta' dejjem". U wara li tenna dawn il-kelmiet, talabhom ikomplu jġorruh, bħal qabel.

Meta mbagħad waslu f'Santa Marija u qiegħduh fl-infermerija, sejjaħ wieħed mill-aħwa u qallu: "Ħija l-aktar għażiż, il-Mulej urieni li jiena se nibqa' f'din il-marda sat-tali jum u mbagħad immut. Kun af li s-sinjura Jacopa dei Settesoli, li tant hi għażiża u devota lejn l-Ordni tagħna, jekk tkun taf li jiena sejjer imut u ħadd ma jieħu ħsieb jgħidilha, titnikket bil-kbir u ħadd ma jkun jista' jfarraġha. Imma jiena lanqas ma rridha titħawwad, u għalhekk morru għidulha li, jekk trid tarani għadni ħaj, trid tiġi tħaffef mall-ewwel lejn Assisi". U dak wieġbu: "Sewwa qiegħed tgħid, missier; għaliex minħabba d-devozzjoni kbira li għandha lejk, tkun ħaġa mhix xierqa li hi ma tieħu sehem fil-mewt tiegħek". U għalhekk l-imqaddes Franġisku qallu: "Ġibli l-karta u l-pinna, u ikteb dak li se ngħidlek jien". U dak beda jikteb: "Lis-sinjura Jacopa, qaddejja ta' l-Aktar Għoli, fra Franġisku, il-fqajjar ċkejken ta' Kristu, jixtieqlek saħħa u għaqda flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu fil-Mulej Ġesù Kristu. Kun af, l-aktar għażiża, li Kristu l-imbierek bil-grazzja tiegħu lili urieni li t-tmiem tal-ħajja tiegħi jinsab fil-qrib. Għaldaqstant jekk inti trid issibni ħaj, malli taqra din l-ittra, ejja ħaffef lejn Santa Marija ta' l-Anġli. Għax jekk inti ma tasalx sa dak il-jum, ma tkunx tista' ssibni għadni ħaj. U ġib miegħek drapp minn lewn l-irmied biex tkeffinli ġismi fih, u x-xemgħa għad-difna tiegħi. Nitolbok ukoll li ġġibli minn dak il-ħelu li inti kont dejjem tagħtini meta kont inkun marid f'Ruma".

Filwaqt li kien qiegħed jikteb hekk, l-Ispirtu s-Santu urieh li s-sinjura Jacopa kienet ġejja lejh u li kienet qed iġġorr magħha dak kollu li kien talabha. U għalhekk mall-ewwel qal lil dak li kien jikteb: "Tiktibx iżjed, għaliex ma hemmx għalfejn, u dik l-ittra tista' terfagħha". U kulħadd baqa' mistagħġeb kif hu ma riedx ikompli sat-tmiem dik l-ittra. U ara, li wara ftit tal-ħin, is-sinjura Jacopa ħabbtet mal-bieb; u meta l-purtinar mar hu sab quddiemu lis-sinjura l-aktar nobbli Jacopa, mara mill-aktar nobbli minn Ruma, u magħha żewġ uliedha senaturi u bosta kavallieri li kienu jakkumpanjawha, li kienet ġiet biex tara lil San Franġisk. U hi kienet ġabet magħha dak kollu li San Franġisk kien kiteb fl-ittra. Alla kien wera lil din is-sinjura Jacopa, meta kienet qegħda titlob f'Ruma, li l-mewt ta' San Franġisk kienet fil-qrib, kif ukoll dawk l-affarijiet li hu kien talabha ġġiblu fl-ittra. Magħha kienet ġabet tant xemgħat li, mhux biss għad-difna, imma wkoll għall-quddies u għal fuq dak il-ġisem qaddis baqgħu jixgħelu għal ħafna jiem f'għadd kbir.

Meta mbagħad dik is-sinjura daħlet għand San Franġisk li kien għadu ħaj, it-tnejn li huma ħassew faraġ kbir talli raw lil xulxin. Imbagħad hi resqet lejn dawk ir-riġlejn li kienu immarkati

bl-istimmati divini, u tant bdiet tħoss faraġ u grazzja u xxerred dmugħ bil-kotra, li kienet qisha Maddalena li kienet taħsel *bi dmugħha riġlejn* il-Mulej, u kienet bl-ikbar devozzjoni tħaddanhom u *tbushom* b'xofftejha (cfr. Lq 7,44-45) filwaqt li titniehed bħallikieku kienu r-riġlejn ta' Kristu ieħor, hekk l-aħwa ma setgħux iqajjmuha minn ħdejn riġlejn il-qaddis. Meta mbagħad qamet huma staqsewha kif kienet ġiet hekk malajr, u hi weġbithom li meta kienet Ruma titlob bil-lejl, semgħet leħen ġej mis-sema li qalilha: "Jekk trid issib lil San Franġisk għadu ħaj, issa stess bla ebda dewmien mur lejn Assisi u ħu miegħek dak il-ħelu li kont tagħtih meta kien marid u dak kollu li hu meħtieġ għad-difna tiegħu".

Imbagħad is-sinjura Jacopa baqgħet hemm sakemm San Franġisk ħalla din id-dinja u uriet l-akbar qima lejn il-ġisem ta' l-għaġeb tiegħu. U mbagħad wara ftit taż-żmien ieħor ġiet f'Assisi minħabba d-devozzjoni li kellha lejn il-qaddis, u hemmhekk temmet jiemha tgħix fil-penitenza u f'ħajja ta' virtù, u riedet li jidfnuha fil-knisja ta' San Franġisk. Amen.

[1574] Kapitlu XXV
Dwar l-istatwa li tixbaħ lil dik li ra Nabukadnessar, liebsa bl-ixkejjer, li kellmet lill-imqaddes Franġisku dwar l-erba' stati ta' l-Ordni tiegħu.

Meta darba San Franġisk kien jitlob bid-devozzjoni lill-Aktar Għoli fil-post ta' Santa Marija ta' l-Anġli, deheritlu quddiem l-għajnejn tal-ġisem tiegħu viżjoni mill-aktar ta' l-għaġeb. Għax quddiemu dehret statwa, li kienet kbira ħafna, u li kienet tixbaħ l-istatwa li s-sultan Nabukadnessar kien ra fil-ħolm. Din kellha *rasha tad-deheb* u wiċċ mill-isbaħ; *sidirha u dirgħajha kienu tal-fidda*; *żaqqha u ġenbejha kienu tar-ram*; *saqajha kienu tal-ħadid*; *riġlejha kienu biċċa tal-ħadid u biċċa tat-tafal* (cfr. Dan 2,32). Hi kienet liebsa l-ixkejjer: u kienet tidher tistħi ħafna minħabba l-ixkejjer li kienet liebsa. L-imqaddes Franġisku, hu u jħares lejn din l-istatwa, baqa' mistagħġeb ħafna mis-sbuħija tagħha li ma titfissirx u mill-kobor tagħha, imma fuq kollox għax kien jaraha tistħi minħabba l-ixkejjer foqra li bihom kienet liebsa. U waqt li kien jistagħġeb u jħares lejn rasha u lejn il-wiċċ mill-isbaħ tagħha, l-istatwa nnifisha bdiet tkellem lil San Franġisk, u qaltlu: "Għaliex qiegħed tistagħġeb? Alla bagħatlek din ix-xbieha, sabiex fija inti tilmaħ dak li se jiġri mill-Ordni tiegħek fil-ġejjieni.

Ir-ras tad-deheb li inti qiegħed tara li għandi u li hi hekk sabiħa hi l-bidu ta' l-Ordni tiegħek, li tqiegħed fil-għoli tal-perfezzjoni evanġelika. U kif id-deheb fis-sustanza tiegħu hu l-aktar prezzjuż fost il-metalli kollha, u dak il-wiċċ hu isbaħ minn kull wiċċ ieħor, u l-post tar-ras hu ħafna aktar għoli minn dak tal-membri l-oħrajn kollha, hekk ukoll il-bidu ta' l-Ordni tiegħek kien hekk prezzjuż minħabba l-qawwa ta' l-imħabba li kienet bħad-deheb, u kien hekk sabiħ minħabba l-ħajja anġelika ta' l-aħwa, u kien hekk għoli minħabba l-faqar evanġeliku, hekk li d-dinja kollha kienet tistagħġeb. U s-sultana ta' Saba, jiġifieri ommna l-Knisja, kienet tistagħġeb u kienet tifraħ f'qalbha, meta kienet tara fl-ewwel magħżulin ta' l-Ordni tiegħek tant sbuħija ta' qdusija fi Kristu, u d-dija spiritwali ta' l-għerf li kienet tiddi bħalma tidher tirrifletti fl-anġli. U hienja huma dawk li, bħal ġebel prezzjuż tal-bidunett, u bħal din ir-ras tad-deheb tiddi bil-virtujiet ta' ħajja qaddisa, kienu jixbħu f'kollox lil Kristu, u kienu jimitawh, l-aktar dawk li kienu magħqudin aktar mas-sbuħija tal-ġenna milli mad-dinja li tqarraq bik.

Is-sider u d-dirgħajn tal-fidda huma t-tieni stat ta' l-Ordni tiegħek, li hu inqas sabiħ kif il-fidda hi inqas mid-deheb. U kif il-fidda hi prezzjuża u tleqq u tidwi fil-ħoss, hekk ukoll f'dan it-tieni stat l-aħwa jkunu prezzjużi fl-għarfien ta' l-Iskrittura mqaddsa u jkunu dwal jiddu ta' qdusija u jidwu bil-Kelma ta' Alla, u jsiru famużi minħabba li wħud minnhom sa jsiru papiet, oħrajn kardinali u bosta oħrajn isqfijiet. U kif is-sider u d-dirgħajn huma sinjal tal-qawwa tal-bniedem, hekk f'dak iż-żmien il-Mulej iqajjem fl-Ordni tiegħek irġiel li jkunu bħall-fidda fil-għarfien u jiddu bil-virtujiet, li kemm bix-xjenza kif ukoll bil-virtujiet jiddefendu lil din ir-Reliġjon u lill-Knisja fid-dinja kollha mill-attakki tax-xitan u mill-ħafna taħbit tal-bnedmin ħżiena. Imma kif hi, għalkemm imnissla b'mod ta' l-għaġeb, imma ma tasalx għall-istat mill-aktar perfett tal-bidu, l-istess kif l-istat tal-fidi ma hux l-istess bħal dak tad-deheb.

Wara dawn jiġi t-tielet stat fl-Ordni, li xbieha tiegħu huma ż-żaqq u l-ġenb tar-ram. Issa kif ir-ram hu stmat inqas mill-fidda, hekk ukoll dak it-tielet stat se jkun inqas mit-tnejn ta' qablu. U kif ir-ram jinsab fi kwantità u mxerred mad-dinja kollha, hekk ukoll dawk *li l-Alla tagħhom hi żaqqhom, u jiftaħru b'dak li jmisshom jistħu minnu*, għax *moħħhom* biss *fil-ħwejjeġ tad-dinja* (cfr. Fil 3,19). U kif minħabba l-għarfien tagħhom jużaw ilsienhom, dan ikun bħar-ram, li jagħmel ħoss kbir, imma billi huma jkunu dawk li jagħtu qima lill-żaqqhom u lil ġenbhom, minn naħa ta' Alla jitqiesu, kif jgħid l-Appostlu, *bħal ram iżarżar jew platti jċekċku* (cfr. 1Kor 13,1), għaliex quddiem l-oħrajn jidwu l-kliem dwar is-sema u donnhom li minn ġenbhom inisslu ulied spiritwali; imma filwaqt li juru lill-oħrajn *l-għajn tal-ħajja* (cfr. S 35,10), mill-ġenb niexef tagħhom huma jibqgħu biss marbutin mad-dinja.

Wara dawn rajt ir-raba' stat, li hu terribbli u ta' min jibża' minnu, li inti tista' tarah fix-xbieha tas-saqajn tal-ħadid. Għax kif *il-ħadid ikisser* (cfr. Dan 2,40) u jisħaq ir-ram, il-fidda u d-deheb, hekk dak l-istat ikun iebes daqs il-ħadid minħabba l-ħażen tiegħu, għaliex minħabba l-bruda u s-sadid tal-biża u l-għemejjel iebsin ta' dak iż-żmien perikoluż, kulħadd jibda jinsa għal kollox is-sbuħija tad-deheb tal-karità tal-bidu u l-verità tal-fidda tat-tieni stat, kif ukoll il-ħoss jidwi tar-ram tat-tielet stat li bil-ħafna kliem kien jibni l-Knisja ta' Kristu. U kif is-saqajn iwieżnu l-ġisem, hekk ukoll bil-qawwa tagħhom imsadda l-ipokriti jwieżnu l-Ordni, u kif iż-żaqq u s-saqajn tal-ħadid jitgħattew bl-ilbies, hekk jiġri minn dawk li jilbsu l-libsa tar-Reliġjon: ikollhom fuqhom l-ilbies tat-tjieba, *imma minn ġewwa jkunu lpup ħattafa* (cfr. Mt 7,15; Atti 20,29). U dawn huma dawk li jaqdu biss lil żaqqhom, u jkunu wkoll tal-ħadid imsaddad, jinħbew mid-dinja imma mikxufin quddiem il-Mulej, li l-ġid mill-aktar prezzjuż ma jiswielhom għal xejn imma jreġġagħhom lura għall-martell ta' ħajja ħażina. Huma jkunu qishom ħadid mill-aktar iebes u jkunu maħqurin minn nar tat-tiġrib u mid-daqqiet tal-martell, hekk li mhux biss ix-xjaten imma wkoll il-mexxejja tad-dinja u l-ħsara li jagħmlu jkunu mixwijin fin-nar u fil-faħam, biex hekk isofru bil-qawwa t-tbatijiet tal-qawwija. U billi jkunu dinbu minħabba l-ebusija ta' rashom, huma jinħaqru bi tbatijiet mill-aktar ħorox. Hekk huma jgħaddu minn tant djieq minħabba n-nuqqas ta' sabar tagħhom, li kif il-ħadid jirreżisti għal kull metal ieħor, u jieqaf lil kollox, hek ukoll huma mhux biss jieqfu b'ras iebsa lil kull awtorità tad-dinja imma wkoll spiritwali, għax iqisu lilhom infushom bħall-ħadid li jista' jisħaq kollox, u minħabba f'hekk ma jkunux jistgħu jogħoġbu lil Alla.

Il-ħames stat hu magħmul biċċa mill-ħadid, minħabba l-ipokrisija ta' dawn li għadna kif semmejna, u biċċa mit-tafal, minħabba li huma jindaħlu għal kollox f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dinja. U kif inti rajt fir-riġlejn li t-tafal moħmi u l-ħadid jidhru ħaġa waħda, hekk

ukoll dawn jistgħu jingħaqdu flimkien, u hekk l-istat ta' l-Ordni jasal fl-estrem tiegħu: għaliex iqumu tant ħwejjeġ ta' min jistmerrhom li jġibu firdiet bejn dawk li huma ipokriti u dawk li huma moħħhom fil-ħwejjeġ tad-dinja, u li jkunu inħmew fil-kilba għall-ġid u fil-ġibdiet tal-ġisem, li jiġrilhom bħat-tafal u l-ħadid li jaslu għall-agħar nuqqas ta' qbil. U huma għad jistmerru, mhux biss l-Evanġelju u r-Regola, imma wkoll ir-riġlejn tat-tafal u l-ħadid, jiġifieri l-ħażen tan-nuqqas ta' safa tagħhom, hekk li jibdew jirfsu fuq kull dixxiplina ta' l-Ordni mqaddes. U kif it-tafal u l-ħadid huma mifrudin bejniethom, hekk huma wkoll għad jinfirdu minn ġewwa u minn barra: minn ġewwa minħabba l-ġlied ta' bejniethom; u minn barra minħabba li huma jitwaħħdu mal-ħwejjeġ tad-dinja. Minħabba f'hekk tant jaslu biex ma jogħoġbu lil ħadd, li mhux biss ma jkunux jistgħu jgħixu jew jidħlu fid-dinja, imma bil-ħniena jkunu jistgħu jġorru fuqhom bid-dieher it-tonka. U bosta minnhom għad jiġu ikkastigati u jiġu meqrudin minn tbatijiet kbar minn naħa ta' bnedmin sekulari, hekk li ħadd ma jkun irid dawk ir-riġlejn f'daru jew fil-għatba ta' biebu. Hekk dawk għad jintemmu għal kollox, għaliex ikunu tbiegħdu għal kollox mir-ras tad-deheb. Imma henjin ikunu dawk, li f'dawk il-jiem tal-periklu jerġgħu lura għat-twissijiet ta' dik ir-ras prezzjuża, għaliex il-Mulej *għaddiehom mill-prova u saffihom fil-forġa bħad-deheb u bħal offerta tal-ħruq* tahom il-kuruna tal-qawwa u *laqagħhom* (cfr. Għerf 3,6) għandu għal dejjem.

Dik l-ixkora, li inti rajtni nistħi biha, hi l-faqar imqaddes li, billi hu l-mera u t-tiżjin ta' l-Ordni kollu, u l-ħarsien u l-kuruna waħdanija tiegħu, u l-pedament ta' kull qdusija, u li minnu jkunu neqsin dawk li ma jgħixux fil-ħarsien tal-virtujiet, kif għidna aktar 'il fuq, minn dan l-istess faqar jibdew jistħu l-ulied ħżiena, u wara li jkunu tajjru minn fuqhom l-ilbies mistmerr, jibdew jagħżlu kappi prezzjużi u jaraw kif jaħkmu l-frugħat bil-kilba tagħhom għall-flus. Henjin tassew u mberkin ikunu dawk *li jibqgħu sħaħ sa l-aħħar* (cfr. Mt 24,13) f'dak li huma wiegħedu lill-Mulej".

U wara li qalet dan kollu, dik l-istatwa għabet. U San Franġisk, filwaqt li baqa' mistagħġeb b'dan kollu, beda jirrikmanda b'ħafna dmugħ quddiem Alla, bħal ragħaj tajjeb, lill-merħla ta' wliedu kemm preżenti kif ukoll dawk tal-ġejjieni.

Inroddu ħajr lil Alla. Amen.

[1575] Kapitlu XXXV
Dwar kif fra Rufino ħeles lil wieħed raġel mix-xitan.

L-imsemmi fra Rufino, minħabba l-qalb dejjem mehdija f'Alla u l-ħemda tar-ruħ tixbaħ lil dik ta' l-anġli, kull meta xi ħaddieħor kien isejjaħlu hu kien iwieġeb lil min isejjaħlu b'nofs qalb, u kien jidher li donnu ġej minn dinja oħra. Hekk meta darba minnhom sejħulu l-aħwa biex imur jiekol il-ħobż, u beda jweġibhom qisu mitluf fi ħwejjeġ divini, u jgħidilhom itemtem: "Ħija bil-qalb kollha".

Meta darba minnhom kien qiegħed jittallab il-ħobż f'Assisi, ħadulu quddiemu wieħed imxajtan, li kien marbut b'mod qawwi u mrażżan minn ħafna nies li kienu miegħu, li riedu jeħduh għand San Franġisk biex dan jeħilsu mix-xitan. Meta dan ħares fit-tul lejn fra Rufino, beda mall-ewwel jgħajjat u jixher b'tant qawwa li, kisser il-ktajjen kollha li kellu, u ħarab minn idejh kulħadd. Dawk għalhekk, meta raw din il-ħaġa ġdida, baqgħu mistagħġbin, u bdew iġiegħeluh jgħidilhom

għaliex kien hekk jitriegħed bil-qawwa. U dak wieġeb: "Għax dak il-patri fqajjar, ubbidjenti, umli u qaddis, li hu fra Rufino, malli resaq lejja bil-ħorġa, beda jaħraqni bil-virtujiet qaddisin u bit-talb umli tiegħu; u minħabba f'hekk jiena ma nistax ngħix f'dan il-bniedem". U malli qal hekk, mall-ewwel ħareġ. Malli sema' dan, fra Rufino, li lejh il-bnedmin kif ukoll dak il-marid li tfejjaq bdew juru qima kbira, beda jfaħħar lill-Mulej Ġesù Kristu, u beda jitlobhom, sabiex f'dan kollu huma jigglorifikaw lil Alla u lis-Salvatur tagħna l-Mulej Ġesù Kristu. Amen.

[1576] Kapitlu XXXVI
Dwar kif fra Rufino ra u mess b'idejh il-ferita tal-ġenb ta' San Franġisk.

L-imqaddes missier tagħna Franġisku kien jaħbi bil-kura kollha mill-ħarsa ta' kulħadd dawk l-istimmati mqaddsa li Kristu, l-Iben ta' Alla, kien stampa b'mod mirakoluż f'idejh, u f'riġlejh u f'ġenbu. Għax sakemm il-qaddis dam jgħix, ftit kienu dawk li kienu jistgħu bil-ħniena jħarsu lejhom. Hu kien jimxi b'riġlejh mgħottija, u minn idejh ma kien juri xejn ħlief il-ponot ta' subgħajh li l-aħwa kienu jistgħu jarawhom, filwaqt li kien jaħbi idejh fil-kmiem, għax kien jiftakar f'dak li l-anġlu kien qal lil San Tobija: *Hi ħaġa tajba li wieħed jaħbi s-sigriet tas-sultan* (cfr. Tob 12,7).

Fuq kollox, sakemm dam ħaj, kien jaħbi l-ferita tal-kustat, hekk li ħadd ma rnexxielu jaraha dment li kien għadu ħaj, ħlief fra Rufino, u dan irnexxielu jagħmlu b'impenn ta' ħażen qaddis. Għax fra Rufino għal tliet darbiet kien xhud ta' dik il-ferita l-aktar qaddisa kemm għalih innifsu kif ukoll għall-oħrajn. Għax l-ewwel darba, meta ried jaħsel il-ħwejjeġ ta' taħt tal-missier imqaddes, sab li dawn fuq in-naħa tal-lemin kienu mċappsin b'ħafna demm; hekk li b'mod ċert kien jintebaħ li dak kien id-demm li kien inixxi mill-ferita tal-kustat. San Franġisk kien iċanfar lil fra Rufino meta kien jarah jiftaħ il-ħwejjeġ ta' taħt tiegħu, biex hekk jilmaħ dak is-sinjal li semmejna.

Darba oħra fra Rufino, biex jagħti xhieda aktar ċerta ta' dan, waqt li kien qiegħed jagħmel messaġġi b'idejh lill-missier imqaddes, b'subgħajh irnexxielu jmiss dik il-ferita; hekk li San Franġisk ħass weġgħa kbira, u ta għajta kbira, filwaqt li qallu: "Alla jaħfirlek fra Rufino! Għaliex għamiltli hekk?"

It-tielet darba, billi dak il-patri meqjum kien jixtieq ħafna li jara dik il-ferita bl-għajnejn tal-ġisem tiegħu, b'attenzjoni kbira għall-imħabba qal lil San Franġisk: "Nitolbok, missier, biex inti tagħmel miegħi att ta' ħniena kbira: jiġifieri li tagħtini t-tonka tiegħek; u inti ilqa' b'imħabba ta' missier it-tonka tiegħi". Hekk mela għamel fra Rufino, u waqt li San Franġisk kien qiegħed jinża', hu seta' jara b'għajnejh stess dik il-ferita tal-kustat, li qabel kien messha b'idejh; u hekk tassew għamel. Hekk San Franġisk, li kien imqanqal bl-imħabba ta' fra Rufino, neża' t-tonka tiegħu u laqa' li jilbes it-tonka ta' fra Rufino; u billi hu kellu biss dik it-tonka fuqu, u billi ma setax jinżagħha waħdu, fra Rufino seta' jħares lejn dik il-ferita bl-attenzjoni kollha. U hekk dik il-ferita qaddisa ġiet ikkonfermata b'mod sħiħ bi tliet xhieda.

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.

[1577] Kapitlu XXXVIII
Dwar fra Leone, meta deherlu San Franġisk.

Franġisku kien iħobb l-innoċenza glorjuża, li iżżejjen il-ġisem u r-ruħ, u li ddaħħal lill-bniedem mill-grazzja għall-glorja. Hu kien jilmaħ fi fra Leone safa kbir tal-qalb u innoċenza tal-ħamiem, u hekk ta' spiss kien jieħdu miegħu bħala sieħbu u ta' spiss kien ikellmu dwar ħwejjeġ moħbijin tar-ruħ tiegħu kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl. Għaldaqstant il-missier imqaddes, fost l-aħwa kollha, l-aktar li kien jgħarraf il-misteri u l-għeġubijiet kien lil fra Leone.

Għaliex hu ta' spiss kien ra lil Franġisku merfugħ fl-arja, kif diġà rajna; kien jisimgħu wkoll ta' spiss jitkellem ma' Kristu u mal-Verġni mqaddsa u ma' l-anġli. Hu wkoll kien darba ra dawl qisu ħuġġieġa tan-nar jinżel mis-sema fuq San Franġisk, u kien sema' leħen ikellmu minn dak l-istess nar.

Hu wkoll, meta jum minnhom ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu, ra quddiem il-missier imqaddes bħal salib mill-isbaħ li kien miexi quddiemu u Kristu kien imdendel miegħu. U hu u jħares lejn dak is-salib ta' l-għaġeb, intebaħ li meta San Franġisk kien jieqaf dak is-salib kien jieqaf ukoll; u meta kien jimxi, hu wkoll kien jimxi; u kull fejn kien imur San Franġisk, hekk ukoll dejjem kien jimxi quddiemu. U dak is-salib kellu dija hekk ta' l-għaġeb li mhux biss kien idawwal il-wiċċ qaddis, imma kien donnu jżejjen b'dija dehbiena kullimkien. U dan kollu fra Leone lemħu f'dawl ċar.

Dan l-istess fra Leone, mhux biss kellu faraġ ta' l-għaġeb f'din il-ħajja, imma wkoll wara l-mewt ta' San Franġisk dan kien ta' spiss jidhrilu. Hekk darba minnhom, meta fra Leone kien qiegħed jishar fit-talb, deherlu u qallu: "O fra Leone, tiftakar kif, meta jiena kont fid-dinja, jiena kont ħabbart li kellu jiġi ġuħ kbir fid-dinja, u kont ngħidlek li kont naf lil wieħed raġel fqajjar li Alla kien ħafirlu għall-imħabba tiegħu, u li sakemm kellu jibqa' jgħix dak ir-raġel fqajjar, il-għaks tal-ġuħ ma kellux jintbagħat?" U fra Leone wieġbu: "Niftakar tajjeb, missier l-aktar qaddis". U San Franġisk qallu: "Jiena kont dik il-ħlejqa u dak ir-raġel fqajjar li għall-imħabba tiegħu Alla ma bagħatx il-ġuħ lill-bnedmin, imma minħabba l-umiltà dan jiena ma ridtx nikxfu qabel. Imma issa kun af fiż-żgur, fra Leone, li wara li jiena ħriġt mid-dinja, għandu jiġi ġuħ kbir u terribbli fuq l-art, hekk li minħabba dan il-ġuħ bosta bnedmin għad imutu".

U hekk seħħ; għaliex bilkemm kienu laħqu għaddew sitt xhur minn dawn il-kliem li ġie ġuħ kbir ma' kullimkien, hekk li l-bnedmin bdew jieklu mhux biss l-għeruq tal-ħaxix, imma wkoll il-qxur tas-siġar: u minħabba dak il-ġuħ miet għadd kbir ta' bnedmin. Tidher ċara mela, minn dan li għidna, l-innoċenza ta' fra Leone u l-ħbiberija divina li kellu ma' San Franġisk u l-profezija infallibbli li dan għamillu.

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.

[1578] Kapitlu XXXIX
Dwar kif fra Leone ra lil San Franġisk maqtugħ mill-art.

Meta l-missier imqaddes Franġisku beda jħoss doni ġodda u divini fir-ruħ tiegħu imbierka, ta' spiss kien jinqata' mill-art mhux biss fir-ruħ imma wkoll fil-ġisem. Alla kien isawwab l-għeġubijiet tiegħu fuqu f'dawn l-estasi li semmejna, hekk li meta kien iħoss li jinġabru fih id-doni kollha tal-grazzja divina, tant kien jintrefa' fil-għoli 'l fuq mill-art, kif bosta minn sħabu raw fil-moħbi; u fosthom l-aktar fra Leone, li minħabba s-safa ta' ħamiema u l-innoċenza ta' l-anġli tiegħu San Franġisk ta' spiss kien iħallih jidħol ħdejh waqt li jkun mehdi u moħbi fit-talb. Hekk li dan l-istess fra Leone ta' spiss kien jistħoqqlu li jara lill-missier imqaddes maqtugħ fl-arja, ftit jew wisq skond is-sensi superjuri, li skond il-qawwa li kien jirċievi biex jimxi 'l quddiem fil-virtù, kien jintrefa' 'l fuq lejn Alla.

Xi mindaqqiet għaldaqstant l-imsemmi fra Leone kien jara lil San Franġisk merfugħ mill-art hekk li kien kważi jista' jmisslu riġlejh; xi mindaqqiet kien ukoll jara l-missier l-aktar qaddis merfugħ 'il fuq sal-qċaċet tas-siġar; u xi drabi oħrajn tant kien jarah mgħolli 'l fuq, li bil-ħniena kien ikun jista' jarah. Meta kien ikun jista' jmiss riġlejn San Franġisk, kien jgħannaqhom, u kien ibushom b'ħafna dmugħ mill-aktar devot, filwaqt li kien jitlob u jgħid: "*O Alla, jkollok ħniena minni, l-midneb* (cfr. Lq 18,13), u għall-merti l-aktar qaddisa ta' dan ir-raġel l-aktar qaddis, agħmel li jiena nsib il-ħniena l-aktar qaddisa tiegħek". Meta mbagħad kien jarah maqtugħ 'il fuq hekk li ma kienx ikun jista' jmissu, hu kien jixteħet bil-qima taħt San Franġisk, u kien jagħmel talba bħal din li semmejna. Hekk il-missier imqaddes kien ta' spiss jintrefa' mill-art waqt estasi kemm fil-post ta' La Verna kif ukoll f'ħafna postijiet oħrajn.

Dan fra Leone waħdu seta' jmiss b'idejh l-istimmati ta' San Franġisk, u kien ibiddillu l-faxex li kellu bejn l-imsiemer ta' dawk l-istimmati u l-kumplament tal-laħam, biex iżommulu d-demm u jnaqqsulu l-uġiegħ, u li hu kien ibiddilhomlu ta' kuljum matul il-ġimgħa, ħlief minn nhar il-Ħamis filgħaxija u għal tul il-jum kollu tal-Ġimgħa, li fihom ma kienx ikun irid rimedju għall-uġiegħ, sabiex għall-imħabba ta' Kristu, li f'dak il-jum ġie msallab, u wkoll seta' jiddendel miegħu fuq is-salib fit-tbatijiet kbar li ġarrab. Darba minnhom dawk l-idejn, tant miqjumin u immarkati bl-istimmati, San Franġisk poġġiehom quddiem il-qalb ta' fra Leone bil-kura kollha: u malli qiegħedhom fra Leone taħt ħass ħlewwa ta' devozzjoni fil-qalb, li kien qiegħed iħossu għoddu se jmut, u ta' spiss kien jinfexx fl-ilfiq u jinbidel f'dik il-ħlewwa ta' l-għaġeb li ħass.

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.

[1579] Kapitlu XLVII
Dwar kif wieħed nobbli u kiefer, meta ra lil wieħed minn sħab San Franġisk merfugħ fl-arja sal-quċċata tal-palazz tiegħu, ikkonverta u sar patri Minuri wara li sema' lil dak l-istess patri jippriedka.

Dan kien is-sinjal l-aktar ċar li l-Ordni ta' l-imqaddes Franġisku ġie mwaqqaf minn Alla, għaliex mall-ewwel beda joktor, sakemm infirex sat-trufijiet ta' l-art. Hekk San Franġisk, li kien jara kif bir-reqqa jkun jixbaħ f'kollox lil Kristu, kien jibgħat lill-aħwa tnejn, tnejn biex jippriedkaw

fil-provinċji kollha, u bihom il-Mulej tant għamel għeġubijiet li *ma' l-art kollha wasal leħinhom u mad-dinja kollha nxtered kliemhom* (cfr. S 18,5).

Hekk darba minnhom ġara li żewġ aħwa ġodda tal-missier imqaddes, li kienu mexjin lejn inħawi mhux magħrufin, waslu f'ċertu kastell li kien mimli nies mill-agħar. Hemmhekk kien jgħix ukoll nobbli kiefer, li kien bniedem krudil u ħażin, u li kien il-mexxej ta' dawk kollha li kienu ħallelin u ta' qattagħni. Hu kien nobbli mit-twelid, imma kien tassew baxx fl-imġieba tiegħu. Dawk iż-żewġ aħwa waslu f'dak il-kastell, maħkuma mill-ġuħ u mill-bard u l-għejja, u kienu qishom *ħrief qalb l-ilpup* (cfr. Lq 10,3). Malli waslu filgħaxija, talbu permezz ta' raġel ieħor lil dak in-nobbli li kien sid il-kastell, biex jilqagħhom għandu għal dak il-lejl għall-imħabba tal-Mulej Ġesù Kristu. Dak, imnebbaħ minn Alla, laqagħhom bil-qalb u wera lejhom ħniena u kortesija kbira. Għax hu ġabarhom ħdejn nar kbir, u ħejjielhom il-mejda kif jagħmlu n-nobbli.

Waqt li dawk l-aħwa kienu jieklu flimkien ma' oħrajn li kienu hemm, wieħed minnhom, li kien saċerdot, u li kellu l-grazzja speċjali mingħand Alla biex jitkellem, billi ra li dawk li kienu jieklu ħadd minnhom ma kien jitkellem dwar Alla jew dwar is-salvazzjoni ta' ruħu, imma kienu jitkellmu biss dwar is-serq u l-qtil, u dwar ħafna ħażen ieħor li huma kienu jwettqu, u kienu jifirħu bil-ħwejjeġ li serqu u bil-ħażen li kull wieħed minnhom kien iwettaq. Għaldaqstant, meta intemmet dik l-ikla tal-ġisem, billi dak il-patri xtaq li jitma' lil dak li laqgħu għandu u lill-oħrajn bl-ikel tas-sema, qal lil dak is-sinjur: "Sinjur, inti urejt magħna kortesija, u karità kbira; u għaldaqstant aħna nkunu ingrati, jekk ma ngħidulekx xi ftit kliem ta' ġid skond kif nitgħallmu minn Alla. Għaldaqstant nitolbuk li tiġbor flimkien il-familja kollha tiegħek, sabiex tal-ġid tal-ġisem li għamilt magħna aħna nħallsuk bil-ġid tar-ruħ". Malli sema' dak li talbuh, dak is-sinjur ġabar lil kulħadd quddiem l-aħwa.

U dak il-patri beda jitkellem dwar il-glorja tas-sema: dwar li hemm jinsab il-ferħ ta' dejjem, il-għaqda ma' l-anġli, is-sigurtà tal-ħenjin, il-glorja bla tmiem, hemmhekk il-kotra tat-teżori, hemmhekk il-ħajja ta' dejjem, id-dawl li ma jitfissirx, is-sliem li ma jintemmx, is-saħħa li qatt ma tiġi nieqsa, hemmhekk il-preżenza ta' Alla, fejn kollox hu ta' ġid u xejn ma hu ta' deni. U l-bniedem minħabba d-dnubiet u l-miżerja tiegħu jitlef ġid bħal dak, u jikseb l-infern, fejn hemm it-tbatija u n-niket għal dejjem, fejn jissieħeb max-xjaten, mas-sriep u mad-draguni, fejn isib miżerja bla tarf u ħajja li fiha biss mewt, fejn hemm dlam li tista' tħossu, u l-preżenza ta' Luċifru, fejn hemm it-taħwid u l-korla, fejn hemm in-nar ta' dejjem u s-silġ, id-dud u l-ġenn ta' l-għadab, il-ġuħ u l-għatx, fejn hemm il-mewt li ma tmut qatt, il-biki u d-dmugħ, it-*tgħażżiż tas-snien* (cfr. Mt 8,12), u l-kastig ta' dejjem; hemmhekk jinsab kull ħażen u jonqos kull ġid! "U biex tifhmuni, intom ilkoll għad tħaffu lejn dik il-ħsara; għax fikom ma jidhrux għemejjel jew kliem tajbin. Għaldaqstant inwissikom u nagħtikom parir, l-aktar għeżież, biex titbiegħdu mill-ħwejjeġ baxxi tad-dinja u mix-xewqat tal-ġisem li *kollha jgħaddu bħal sħaba* (cfr. Għerf 5,9) u li ma titilfux dak il-ġid għoli u li jibqa' għal dejjem, u hekk ma tiġrux bil-ħeffa lejn dawk it-tbatijiet hekk kbar u qarsa".

U wara li dak il-patri tenna dawn il-kelmiet bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, is-sinjur ta' dak il-kastell tqanqal mill-ġewwieni tiegħu u bl-indiema tal-qalb, u inxteħet f'riġlejn l-aħwa; u flimkien ma' l-oħrajn kollha hemmhekk preżenti beda jibki bl-imrar, jitlob bil-ħniena lil dak il-patri biex imexxih fit-triq tas-salvazzjoni. U wara li għamel qrara b'ħafna dmugħ u indiema sinċiera għand dak il-patri, qallu li kien jixraq li biex jifdi lilu nnifsu minn dnubietu jagħmel ħafna

pellegrinaġġi fis-santwarji, jgħakkes lilu nnifsu bis-sawm, jishar fit-talb u jagħti ħafna karità u jagħmel għemejjel oħrajn ta' ħniena. Imbagħad dak is-sinjur qallu: "Missier l-aktar għażiż, jiena ma nixtieqx li nitlaq minn din il-provinċja; jiena ma nafx ngħid la l-Missierna u lanqas talb ieħor; u għalhekk nitolbok tagħtini penitenza oħra". U dak il-patri qallu: "L-aktar għażiż, jiena naħliflek bil-fidi li bl-imħabba kollha nidħol għalik quddiem Alla għal dnubietek u nitlob lill-Mulej Ġesù Kristu, sabiex ruħek ma tintilifx. U għalhekk minn issa ma għandek tagħmel l-ebda penitenza oħra ħlief li l-lejla ġġib lili u lil sieħbi ftit tiben, biex fih inkunu nistgħu nistrieħu".

Dak b'ferħ kbir mar iġib it-tiben u ħejja l-friex bil-kura kollha f'kamra li fiha kien hemm dawl jixgħel. U billi dak is-sinjur ra li dak il-patri kien qallu kliem daqshekk qaddis u mimli virtù, beda jaħseb li hu kien raġel qaddis, u iddeċieda fil-qalb tiegħu biex joqgħod jara x'kien sejjer jagħmel f'dak il-lejl. U ra li dak il-patri daħal fi friexu; imma, malli ħaseb li kulħadd kien rieqed fil-fond, qam f'nofs il-ħemda tal-lejl, u beda jerfa' idejh bl-akbar fiduċja lejn il-Mulej u jitlob għalih, sabiex jittallab il-maħfra ta' dnubietu.

U ara li waqt dak it-talb dak il-patri beda jintrefa' fl-arja sa ma wasal fil-quċċata tal-palazz, u hekk fl-arja beda jagħmel it-talba tiegħu mimlija tnehid u biki, u jittallab il-maħfra għad-dnubiet ta' dak is-sinjur, b'mod li bil-ħniena wieħed jista' jara lil xi ħadd jibki bil-qalb fuq l-għeżież u l-familjari jew il-ħbieb tiegħu li jkunu mietu kif beda jibki dak il-patri għad-dnubiet ta' dak is-sinjur. U f'dak il-lejl għal tliet darbiet hu intrefa' fl-arja dejjem b'ħafna tnehid u biki ta' min jitħassru. U dak is-sinjur, waqt li kien qiegħed iħares bil-moħbi lejn dan kollu, beda jara u jisma' dik it-talba mimlija mħabba u tnehid u dak l-ilfiq tal-biki. Hekk li l-għada filgħodu minnufih inxteħet f'riġlejn dak il-patri u bid-dmugħ ta' l-indiema beda jitolbu biex imexxih fit-triq tas-salvazzjoni, u qallu li kien lest biex bil-qawwa jwettaq dak kollu li jikkmandah.

Fuq il-parir ta' dak il-patri qaddis, mela, mar ibiegħ kull ma kellu, u jrodd lura *dak li kellu* u jqassmu *lill-foqra* (cfr. Lq 19,8) skond kif jingħad fl-Evanġelju mqaddes, u mbagħad joffri lilu nnifsu lil Alla, u mbagħad daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri u għex fil-perseveranza qaddisa, biex jaqdi l-wegħda li għamel, u temm ħajtu fil-qdusija. Il-kumplament tal-ħbieb li kellu fl-antik u li kienu ħaġa waħda miegħu fil-qerq u l-ħażen, għamlu indiema tal-qalb, u biddlu ħajjithom għall-aħjar. Hekk kienet tagħmel il-frott is-sempliċità ta' dawk l-aħwa sempliċi, li ma kienux jippriedkaw dwar l-awturi tal-qedem jew dwar Aristotli, imma dwar il-kastigi ta' l-infern u l-glorja tal-ġenna, u dan bi kliem qasir, skond kif tgħid ir-Regola.

Inroddu ħajr lil Alla! Amen.

[1580] Kapitlu L
Dwar kif fra Giovanni (della Verna), waqt li kien qiegħed jitlob għal wieħed mill-aħwa, kellu tweġiba mis-sema, u deherlu wkoll San Lawrenz.

Meta fra Giovanni (della Verna) ġie mitlub minn fra Giacomo da Fallerone, biex jitlob għalih lil Alla għax hu kien imħabbat wisq bl-iskrupli ta' kuxjenza, jiġifieri minn dak li kellu x'jaqsam ma' l-uffiċċju saċerdotali tiegħu, hu irċieva tweġiba mingħand il-Mulej qabel il-festa ta' San Lawrenz, sabiex hu jurih dak li l-Mulej irid minnu. Għax il-Mulej qallu: "Dan hu *qassis skond*

*l-ordni* (cfr. S 109,4) ta' Alla". U billi l-kuxjenza baqgħet tinkwetah, hu talbu mill-ġdid biex jitlob għalih lill-Mulej.

Hekk hu, bil-fedeltà kollha, fil-vġili ta' San Lawrenz, bil-lejl, waqt li kien jishar u jitlob lill-Mulej sabiex għall-merti ta' San Lawrenz jagħtih ċertezza dwar dan l-iskruplu, deherlu jitlob u jishar l-imqaddes Lawrenz, li kien liebes l-abjad kif jilbsu d-djakni, u qallu: "Jiena l-levita Lawrenz, u dak li inti qiegħed titlob għalih hu saċerdot skond l-ordni ta' Alla". U hekk irċieva ċertezza u kien imfarraġ ħafna mid-dubju li kellu.

L-istess fra Giovanni, waqt li l-aħwa kienu jkantaw is-*Salve Regina* filgħaxija, deherlu l-imqaddes Lawrenz, u kien donnu żagħżugħ, u kien liebes dalmatika ħamra, u kien iżomm gradilja tal-ħadid, u qallu: "Din il-gradilja tatni l-glorja tal-ġenna u l-ħruq tal-faħam tani l-milja tal-ħlewwa ta' Alla". U kompla jtennilu: "Jekk inti trid il-glorja u l-ħlewwa mingħand Alla, ilqa' bis-sabar il-passjoni u l-imrar ta' din id-dinja".

L-imqaddes Lawrenz kien wieqaf quddiemu hekk li seta' jarah, sakemm l-aħwa kantaw l-antifona li semmejna. L-aħwa mbagħad sabuh wieqaf ċass u hu baqa' fil-kor flimkien ma' San Lawrenz. Meta dan tah dik iċ-ċertezza u l-faraġ, għab minn quddiemu u ħallieh mimli b'tant imħabba u ħlewwa divina li għal matul il-lejl kollu ta'dik il-festa baqa' ma raqadx, imma għaddieh kollu f'faraġ kbir.

L-istess fra Giovanni, waqt li kien qiegħed jiċċelebra l-quddiesa bl-akbar devozzjoni, wara li ikkonsagra l-ostja, quddiem il-ħarsa tiegħu għabet għal kollox il-forma tal-ħobż, u f'għajnejh deherlu Kristu li kellu leħja mill-isbaħ u li kien liebes l-aħmar; u dan tant tah faraġ u ħlewwa li, kieku ma kienx baqagħlu l-moħħ tiegħu, kien jiġi maħtuf f'estasi. U f'din il-viżjoni hu ġie mogħti ċ-ċertezza li minħabba dik il-quddiesa Alla kien sikket il-korla tiegħu għad-dinja kollha u l-aktar għal dawk li kienu irrikmandaw ruħhom lilu.

Għat-tifħir ta' Kristu. Amen.

[1581] Kapitlu LIII
Dwar kif l-istess fra Giovanni kellu rivelazzjoni spiritwali.

Meta xi persuni kellhom xi dnubiet terribbli u moħbija, li ħadd ma seta' jkun jaf, ħlief b'rivelazzjoni divina, dwar min minnhom kien mejjet, u min ma kienx se jgħix, fra Giovanni, b'rivelazzjoni divina, irnexxielu jaħfer id-dnubiet moħbija ta' dawk li kienu ħajjin.

Minħabba f'hekk huma reġgħu ikkonvertew għall-penitenza. Wieħed minnhom qal li d-dnub li fra Giovanni kien ħafirlu, kien għamlu qabel ma l-istess fra Giovanni kien twieled fid-dinja. U dak lil qalli dak li ġara. U dawk in-nies stqarrew li kienu veri dawk id-dnubiet li fra Giovanni kellimhom dwarhom.

Ġie wkoll irrivelat li xi wħud minnhom li kienu mietu kienu intilfu bil-mewt tal-ġisem u b'dik ta' dejjem, filwaqt li oħrajn bil-mewt tal-ġisem biss; u dan kollu ġie muri lilu b'ċertezza. U jiena rajt lil dan il-patri li ta' min jemmnu, u li kien jaf lil dawn il-persuni.

Għat-tifħir tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.

[1582] Kapitlu LIV
Dwar dak il-patri li ra r-ruħ ta' ħuh tittieħed mill-anġli.

Wara l-mewt tal-missier imqaddes tagħna Franġisku kien hemm twemin fl-Ordni, jiġifieri fra Umile u fra Pacifico, li kienu ta' qdusija u perfezzjoni mill-akbar: wieħed minnhom miet fil-kunvent ta' Soffiano, filwaqt li l-ieħor kien joqgħod f'post imwarrab, fejn kien jingħata għat-talb f'postijiet maqtugħin minn kulħadd u deżerti, fejn niżlet fuqu id il-Mulej u, waqt estasi, ra r-ruħ ta' ħuh it-tewmi tiela' dritt lejn is-sema mingħajr dewmien.

Wara li għaddew ħafna snin, dak li baqa' ħaj kien jagħmel parti mill-fraternità ta' Soffiano, fejn kien midfun ħuh it-tewmi. Imbagħad dawk l-aħwa, wara li talbuhom is-sinjuri ta' Brunforte bidlu dan il-post ta' Soffiano ma' post ieħor, hekk li l-aħwa ħadu magħhom ukoll il-fdalijiet ta' l-aħwa qaddisa; fosthom, billi dak il-patri kien ġie fuq il-qabar ta' ħuh it-tewmi, laqa' dawk l-għadam ta' ħuh u ħasilhom b'inbid mill-ifjen u refagħhom fi tvalja bajda; u hu kien il-ħin kollu jbushom b'ħafna devozzjoni u dmugħ mingħajr ma jieqaf.

L-aħwa baqgħu mistagħġbin b'dan u kważi ma ħadux gost, għax billi kien patri ta' qdusija kbira, kienu jaraw li hu kellu affett sensibbli u li kien jitlob bħas-sekulari; u fuq kollox bdew iqisu li l-għadam ta' l-aħwa l-oħrajn ma kienx jixirqilhom inqas ġieħ minn dawk l-għadam li kien iqim hu. Imma hu, mimli bl-umiltà, qalilhom: "L-aħwa tiegħi l-aktar għeżież, la tistagħġbux li jiena qiegħed nuri ġieħ lill-għadam ta' ħija t-tewmi aktar milli nuri lill-għadam l-ieħor kollu; u jkun imbierek Alla! għaliex minix miġbud mill-ġisem, kif qed taħsbu intom; imma jiena għamilt hekk, għaliex meta ħija kien mar minn din id-dinja għand il-Mulej, waqt li kont qiegħed nitlob f'post imwarrab u maqtugħ li kien ħafna 'l bogħod minn fejn kien jinsab hu, jiena rajt lil ruħu tiela' dritt lejn is-sema, hekk li l-għadam tiegħu hu qaddis u għandu jkun fil-ġenna ta' Alla; u għalhekk qiegħed nagħmel dawk il-ġesti li qegħdin taraw".

L-aħwa, imbagħad, meta raw l-intenzjoni devota tiegħu, ġew edifikati ħafna u bdew ifaħħru lil Alla, li jagħmel ħwejjeġ hekk kbar u ta' l-għaġeb fil-qaddisin tiegħu.

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.

[1583] Kapitlu LXV
Dwar miraklu li għandu x'jaqsam ma' l-istimmati ta' San Franġisk li seħħ f'kunvent tal-patrijiet Predikaturi.

Kemm kienu jistħoqqilhom kull ġieħ l-istimmati ta' l-għaġeb tal-missier tagħna San Franġisk, jidher minn miraklu magħruf li seħħ fil-kunvent tal-patrijiet Predikaturi, u li deher b'evidenza. F'dak il-kunvent kien hemm wieħed patri Predikatur, li kien jobgħod f'qalbu lill-imqaddes Franġisku u li la kien ikun irid jara fil-pitturi u lanqas jisma' bil-kliem jew jemmen bil-qalb li hu kien ġie immarkat bl-istimmati mqaddsa ta' Kristu. Hekk, meta dan il-patri, li kien ġej

mill-ħajja konventwali ‘il hemm mill-muntanji, ġie joqgħod f’dan il-kunvent li semmejna, u li fir-refettorju tiegħu kien impinġi San Franġisk bl-istimmati, tqanqal bin-nuqqas ta’ fidi u bil-mibegħda, u mar bil-moħbi u b’sikkina ħassar dawk l-istimmati qaddisa mill-pittura tal-missier imqaddes, hekk li ma baqgħux jidhru iżjed.

L-għada, waqt li dak il-patri kien bilqiegħda għall-ikel, ħares lejn ix-xbieha ta’ San Franġisk u lemaħ fiha l-istimmati, fil-post li hu kien ħassarhom, u kienu jidhru aktar ġodda minn dawk ta’ qabel. U mimli bil-korla, intebaħ li ma kienx ħassarhom sewwa l-ewwel darba; u wara li qagħad attent għall-ħin, li fih ma kien hemm ħadd fir-refettorju, billi *min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl* (cfr. Ġw 3,20), resaq għat-tieni darba lejn ix-xbieha u ħassar l-istimmati tal-qaddis, imma b’tali mod li ma għamilx ħsara lill-bażi ta’ dik il-pittura. Fit-tielet jum, meta dak l-istess patri kien bilqiegħda fuq il-mejda, reġa’ ħares lejn ix-xbieha ta’ San Franġisk; u ara reġa’ ra l-istimmati mqaddsa li kienu isbaħ u aktar ġodda milli qatt deheru qabel fl-istess pittura. Hekk dak il-patri, imdallam bil-mibegħda u mqanqal mill-qerq, mat-tieni dnub żied it-tielet wieħed; u qal f’qalbu: “Naħlef fuq Alla li jiena dawk l-istimmati inħassarhom b’mod li qatt ma jidhru iżjed!” U, kif kien soltu jagħmel, wara li qagħad attent għaż-żmien li fih il-bnedmin ma jarawhx b’għajnejhom, nesa’ li *l-għajnejn* ta’ Alla *huma dejjem mikxufin u miftuħin* (cfr. Lhud 4,13), u b’korla tal-biża’ qabad is-sikkina u daħħalha fil-pittura biex ħassar l-istimmati, hekk li qered il-kulur u wkoll il-bażi li fuqha kienet impittra dik ix-xbieha.

Minnufih malli hu wettaq dak il-ġest, beda jnixxi d-demm ħaj mill-istess tiċrit li għamel fil-pittura, u l-wiċċ u l-idejn u t-tonka ta’ dak il-patri iċċappsu b’dak id-demm li kien ħiereġ bil-qawwa. Dak ħassu ħażin u kien għoddu se jmut. Id-demm beda ħiereġ u nieżel mal-ħajt minn dawk l-istimmati qaddisa u beda jnixxi madwar dak l-imsejken qisu xmara. Sadanittant l-aħwa ta’ dak il-kunvent marru u sabuh mixħut donnu wieħed mejjet, u billi intebħu bil-ħażen tiegħu, tnikktu bil-bosta. Meta mbagħad raw li dak id-demm kien inixxi l-ħin kollu, bdew jippruvaw jgħattu dawk it-toqob bid-drapp u jsodduhom, imma ma setgħux iżommu dak id-demm milli joħroġ. Għaldaqstant, billi bdew jibżgħu li ma jmorrux jintebħu s-sekulari u hekk jinqala’ skandlu u huma jaqgħu għaż-żufjett, bdew jaħsbu li jirrikorru bil-qima għand San Franġisk. U l-pirjol, flimkien mal-patrijiet kollha tal-kunvent, neżgħu t-tonka quddiem dik ix-xbieha u bdew jagħmlu d-dixxiplina u jitolbu b’ħafna dmugħ lill-imqaddes Franġisku li jogħoġbu jaħfer id-dnub ta’ dak il-patri kif ukoll iwaqqaf dak il-ħafna demm li kien inixxi.

U mall-ewwel, minħabba l-umiltà tagħhom it-talb tagħhom ġie mismugħ; id-demm ma baqax inixxi aktar u l-istimmati tal-Qaddis li kulħadd iqim baqgħu jidhru fis-sbuħija tagħhom. Dak il-patri mbagħad, minn dak il-ħin stess, sar mill-aktar devot lejn il-missier imqaddes; u, skond kif taw xhieda l-aħwa li jgħixu fuq il-post ta’ La Verna, dak il-patri tela’ fuq il-muntanja ta’ La Verna minħabba d-devozzjoni u ħa miegħu id-drapp imxarrab bid-demm u offrieh lill-aħwa ta’ hemmhekk. Minħabba d-devozzjoni mar ukoll f’Santa Marija ta’ l-Anġli, u żar il-postijiet kollha li huma marbutin ma’ San Franġisk b’qima kbira u b’ħafna dmugħ. U kull fejn kien isib xi fatti jew ħwejjeġ marbutin ma’ San Franġisk, tant kien jinfexx fid-dmugħ bid-devozzjoni li kien iġiegħel lill-oħrajn ukoll biex jibku bħalu. Hu wkoll irrakkonta dan il-miraklu quddiem bosta patrijiet Minuri li kienu jgħixu La Verna u Assisi, kif ukoll lil sħabhom li ma kienux preżenti, li ma jmorrux iqisu lill-Ordni tiegħu bħala ħaġa ta’ stmerrija. U ġara li dak l-istess patri għall-merti ta’ San Franġisk tant sar mimli tjieba lejn l-aħwa, li kull meta ma kienx ikun jista’ jarahom, mibni kif kien fl-imħabba ta’ Alla, kien iqimhom bl-affett ta’ l-imħabba fraterna tiegħu.

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Amen.

[1584] Kapitlu LXVI
Dwar kliem ta' l-għaġeb li qal fra Egidio meta kien Perugia.

Meta l-imqaddes fra Egidio kien jinsab Perugia, is-sinjura Jacopa dei Settesoli, nobbli minn Ruma u mill-aktar devota lejn l-aħwa, marret sabiex tarah.

Warajha ġie l-patri Gwardjan, ta' l-Ordni tal-Minuri, li kien raġel spiritwali ħafna, sabiex jisma' xi kelma tajba minnhom it-tnejn. Quddiem l-aħwa li kien hemmhekk, fra Egidio qal dawn il-kelmiet bil-*volgare*: "Minħabba dak li jista' l-bniedem, jasal biex jagħmel dak li ma jridx".

Dak il-patri Gwardjan, biex iwieġeb għall-kelmiet ta' fra Egidio, qallu: "Nistagħġeb, fra Egidio, kif inti tgħid li l-bniedem jista' jasal biex jagħmel dak li ma jridx, meta l-bniedem ma jista' jagħmel xejn waħdu. U dan nista' nippruvah b'ħafna raġunijiet. L-ewwel, għaliex hu jista' jissoponi minn qabel; minn dan jiġi l-għemil, li hu l-essenza tal-ħaġa, bħan-nar li jsaħħan dak li hu sħun; imma l-bniedem minnu nnifsu ma hu xejn. Għalhekk l-appostlu jgħid: *Min jaħseb li hu xi ħaġa, meta ma hu xejn, iqarraq bih innifsu* (cfr. Gal 6,3). Min għalhekk ma hu xejn, ma jista' jagħmel xejn; għalhekk il-bniedem ma jista' xejn. It-tieni nipprova li l-bniedem ma jista' jagħmel xejn għaliex, il-bniedem jista' jagħmel xi ħaġa, jew minħabba r-raġuni waħedha, jew minħabba r-raġuni tal-ġisem waħdu, jew minħabba r-raġuni tat-tnejn magħqudin flimkien. Ir-raġuni tar-ruħ weħidha, ċertament biha ma jista' jagħmel xejn; għaliex ir-ruħ, meta toħroġ mill-ġisem, ma tistax timmerita jew tnaqqas mill-merti. Ir-raġuni tal-ġisem waħdu, biha wkoll ma jista' jagħmel xejn; għaliex il-ġisem mingħajr ir-ruħ hu nieqes mill-ħajja u mill-forma tiegħu, u għalhekk ma jista' jwettaq xejn, għaliex kull att tiegħu hu indirizzat lejn forma. Ir-raġuni tagħhom it-tnejn magħqudin flimkien, biha wkoll il-bniedem ma jista' jagħmel xejn; għaliex jekk xi ħadd jista, dan jista' jagħmel xi ħaġa minħabba r-ruħ, li hi l-forma tiegħu; imma, kif diġà għidt, jekk ir-ruħ toħroġ mill-ġisem ma tista' tagħmel xejn, u lanqas ma tista' tingħaqad mal-ġisem, għaliex *il-ġisem li jitħassar itaqqal ir-ruħ* (cfr. Għerf 9,15). U dwar dan nagħtik eżempju, fra Egidio: jekk il-ħmar ma jistax jimxi mingħajr it-tagħbija, ħafna inqas jista' jimxi mingħajr il-ġieħ. U għalhekk minn dan l-eżempju jidher li r-ruħ ftit tista' twettaq meta tkun imtaqqla bil-ġisem li minnu tkun ħarġet; imma meta toħroġ ma tista' tagħmel xejn l-istess; u għaldaqstant lanqas ma tista' tagħmel xejn jekk tibqa' magħquda miegħu".

U b'ħafna minn dawn ir-raġunamenti, u b'ħafna oħrajn minn dawn li semmejna, li waslu li kienu tnax, hu kompla jargumenta kontra dak li qal fra Egidio, sabiex jieqaflu bil-kliem; u minn dawn ir-raġunamenti kull li kien jinsab hemmhekk baqa' mistagħġeb.

Imbagħad fra Egidio wieġbu: "Patri Gwardjan, mintix qiegħed titkellem skond is-sewwa; imma stqarr il-ħtija tiegħek quddiem kulħadd!" Il-patri Gwardjan beda jitbissem u stqarr il-ħtija tiegħu; imma billi fra Egidio intebah li hu ma kienx qiegħed jistqarrha minn qalbu, qallu: "Xejn ma tiswa din il-ħtija, patri Gwardjan; u meta l-ħtija ma tiswa xejn, il-bniedem ma jifdallu xejn x'jikseb lura mill-ġdid".

U wara li qallu hekk reġa' tennielu: "Inti taf tkanta, patri Gwardjan? Issa kanta miegħi!" U fra Egidio ġibed mill-komma tiegħu ċetra tal-ġild ta' l-annimali, li soltu jilgħabu biha t-tfal; u beda jdoqq l-ewwel korda flimkien mal-kliem bir-ritmu, u baqa' għaddej idoqq il-kordi l-oħrajn taċ-ċetra, u hekk irnexxielu jġib fix-xejn u juru l-falsità tar-raġunamenti kollha ta' dak il-patri Gwardjan.

U beda mill-ewwel waħda, u qal: "Jiena ma nitkellimx bħala bniedem li kien jgħix qabel il-ħolqien, patri Gwardjan, għaliex hu tassew li dak li ma hu xejn minnu wieħed ma jista' jagħmel xejn; imma jiena nitkellem bħala bniedem li jgħix wara l-ħolqien, li lilu Alla tah ir-rieda ħielsa hekk li jkun jista' jimmerita l-ġid billi jaqbel miegħu jew id-deni jekk ma jkunx irid jaqbel. Għalhekk inti ma għidx sewwa u urejt il-kliem tiegħi bħala gideb, patri Gwardjan; għax Pawlu l-appostlu ma jitkellimx mill-ebda sustanza u mill-ebda potenza imma jitkellem minn meta wieħed ma jkollux merti, kif jgħid x'imkien: *Jekk ma jkollix l-imħabba, jiena ma jien xejn* (cfr. 1Kor 13,2). Għaldaqstant jiena ma kontx qiegħed nitkellem mir-ruħ maħlula jew mill-ġisem mejjet jew mill-bniedem ħaj, li jista' jwettaq il-ġid jekk jaqbel mal-grazzja, u jwettaq id-deni meta jeħodha kontra l-grazzja: għaliex ma hemm xejn li jista' jonqos mit-tjubija. Imma jiena wkoll inżid, li *l-ġisem li jitħassar itaqqal ir-ruħ* (cfr. Għerf 9,15), imma l-Iskrittura mhijiex tgħid li minħabba f'hekk titbiegħed ir-rieda ħielsa, li biha l-bniedem jista' jwettaq it-tajjeb jew il-ħażin; imma rrid ngħid li jiġi mfixkel fl-imħabba, u fl-intellett u fil-memorja tar-ruħ rigward il-ġisem li hi tgħix fih. Għalhekk wara jiġu dawn il-kelmiet: *L-għamara tat-tafal ittaqqal il-ħafna ħsibijiet* (cfr. Għerf 9,5), għaliex dawn ma jippermettux lir-ruħ li tkun ħielsa biex *tfittex dak li hu tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla* (cfr. Kol 3,1), u għalhekk in-niggieża tal-qawwiet tar-ruħ, minħabba l-ħafna ħsibijiet u l-inkwiet tad-dinja li jkollu l-ġisem, jibdew jaħdmu bil-mod u jdumu ħafna. U għalhekk ma tkellimtx sewwa, patri Gwardjan!"

U bl-istess mod ġab fix-xejn ir-raġunijiet l-oħrajn kollha, hekk li l-patri Gwardjan stqarr minn qalbu l-ħtija tiegħu u beda jistqarr li l-ħlejqa tista' tagħmel xi ħaġa. U fra Egidio qallu: "Issa tassew li tiswa ħafna l-ħtija!" U tenna jgħidlu: "Trid li jiena nurik b'mod aktar ċar kif il-ħlejqa tista' tagħmel xi ħaġa?"

U filwaqt li tela' fuq arkata, beda jsejjaħ b'leħen mill-aktar qawwi: "O indannati, li tinsabu fl-infern!" U hu nnifsu beda jwieġeb b'leħen ta' tkexkix fil-persuna ta' dawk l-indannati b'mod tal-biża' u li jkexkex, hekk li beda jwerwer lil kulħadd, bl-għajjat u t-twerżieq tiegħu. U fra Egidio qal: "Għidli għaliex aħna rridu mmorru l-infern?" U dak wieġbu: "Għaliex il-ħażen li inti stajt tagħmel ma warrabtux minnek, u l-ġid li stajt tagħmel bqajt ma għamiltux". U hu staqsieh, u qallu: "Inti xi trid tagħmel, jekk ikollok iż-żmien għall-penitenza, ja indannat fil-ħabs?" U dak wieġeb fil-persuna tiegħu: "Id-dinja kollha, bil-mod, il-mod, il-mod, inkaxkarha warajja, sabiex teħles mill-piena ta' dejjem, għaliex hi hekk għad tispiċċa; imma d-dannazzjoni tiegħi tibqa' għal dejjem".

U filwaqt li dar lejn il-patri Gwardjan qallu: "Qiegħed tisma', patri Gwardjan, kif il-ħlejqa tista' tagħmel xi ħaġa?" Wara dan hekk qal il-patri Gwardjan: "Għidli jekk qatra ilma, li taqa' fil-baħar, timponix isimha lill-baħar, jew inkella l-baħar lil dik il-qatra?" U dak wieġbu li kemm is-sustanza kif ukoll l-isem tal-qatra jintilfu u din tieħu fuqha l-isem tal-baħar. U wara li qal hekk, fra Egidio quddiem dawk li kienu preżenti, inħataf f'estasi. Hekk fehem li n-natura tal-bnedmin, li quddiem Alla hi bħal qatra, għandha tintilef għal kollox f'dak il-baħar kbir, fl-abbiss tal-ħniena

divina ta' l-inkaranazzjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, *li hu imbierek għal dejjem. Amen* (cfr. Rum 1,25).

[1585] Kapitlu LXVII
Dwar kif fra Egidio qal: Verġni qabel it-twelid, Verġni fit-twelid, Verġni wara t-twelid, u dak il-ħin stess kibru tliet ġilji.

Fiż-żmien li fih kien jgħix fra Egidio, kien hemm mgħallem mill-Ordni tal-Predikaturi, li għal bosta snin kien imħabbat minn dubji kbar l-aktar dwar il-verġinità ta' l-Omm ta' Kristu l-imbierek; għax hu kien iqis li ma kienx possibbli li setgħet tkun omm u verġni fl-istess ħin. Għax tassew, minkejja li hu kellu fidi vera, imma kien jitnikket minħabba dawk id-dubji tiegħu u kien jixtieq li jsib xi bniedem imdawwal li jkun jista' jeħilsu minn dak id-dubju. U għalhekk, meta sema li fra Egidio kien bniedem imdawwal ħafna minn Alla, għaliex ta' spiss kien jinħataf fl-estasi ta' l-ispirtu, iddeċieda f'qalbu li jmur għandu, u jistqarrlu d-dubju tiegħu ħalli b'hekk jinħeles b'mod żgur minn dak ir-raġel divin.

U meta wasal għandu, fra Egidio ħass fl-ispirtu il-wasla tiegħu, kif ukoll il-pjan u l-ġlieda li kellu fl-ispirtu, u qabel ma dak seta' jlissen kelma waħda, u ħareġ jiltaqa' miegħu, filwaqt li kien qiegħed iżomm bastun f'idejh, u beda jħabbat bih fuq l-art, u jgħid: "O patri Predikatur, Verġni qabel it-twelid!" U minnufih, fil-post li fih ħabbat bil-bastun, kiber ġilju mill-isbaħ. Imbagħad ħabbat ma' l-art għat-tieni darba, u qal: "O patri Predikatur, Verġni fit-twelid!" U kiber ġilju ieħor. U mbagħad ħabbat bl-istess mod għat-tielet darba, u qal: "O patri Predikatur, Verġni wara t-twelid!" U minnufih kiber hemmhekk it-tielet ġilju. U, malli għamel hekk, ħarab minn quddiemu.

Dak il-patri Predikatur f'dak il-post inħeles minn kull tentazzjoni li kellu, u ra quddiemu dak il-miraklu ta' l-għaġeb u ġdid; u meta qalulu li dak kien fra Egidio, hu tant nissel fih devozzjoni lejh li kien ifaħħar ħafna kemm lilu kif ukoll lill-Ordni.

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, *li hu mbierek għal dejjem. Amen* (cfr. Rum 1,25).

[1586] Kapitlu LXVIII
Dwar parir ieħor jixbaħ lil dan li fra Egidio ta lil fra Giacomo da Massa.

Fra Giacomo da Massa, li kien raġel qaddis u fra lajk mill-aktar devot, li kien jaf lil Santa Klara u lil bosta mill-ewwel sħab ta' San Franġisk, billi kellu l-grazzja ta' l-estasi, ried parir minn fra Egidio, u talbu jgħinu dwar kif kellu jġib ruħu meta jkollu dik il-grazzja. U dak wieġbu: "Ma għandekx iżżid, u lanqas tnaqqas; u aħrab mill-kotra kemm tista'". U fra Giacomo qallu: "X'inti tgħid? Urini, missier miqjum". U dak wieġbu: "Meta r-ruħ tkun imhejjija biex tidħol f'dak id-dawl mimli grazzja tat-tjieba divina, ma għandha żżid xejn bi preżunzjoni u lanqas tnaqqas xejn bi traskuraġni, u għandha tħobb li tinqata' għaliha weħidha sakemm tista', jekk trid li dik il-grazzja tibqa' mħarsa fiha u tikber".

Għat-tifħir u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, *li hu mbierek għal dejjem. Amen* (cfr. Rum 1,25).

# FIORETTI TA’ SAN FRANĠISK

[1587] Kapitlu I

*Fl-Isem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu msallab u ta’ l-Omm tiegħu l-Verġni Marija. F’dan il-ktieb insibu xi fjuretti*[313]*, mirakli u eżempji qaddisa tal-glorjuż fqajjar ta’ Kristu San Franġisk u ta’ wi wħud mis-sħab qaddisa tiegħu. B’tifħir lil Ġesù Kristu. Amen.*

L-ewwel ħaġa li għandna nżommu l-ħin kollu quddiem għajnejna hi li, l-glorjuż u qaddis Franġisku fl-għemejjel kollha ta’ ħajtu kien jixbaħ lil Kristu mbierek[314]. Bħalma Kristu fil-bidu tal-predikazzjoni tiegħu għażel tnax l-Appostlu biex ikażbru kull ħaġa tad-dinja, u biex jimxu warajh fil-faqar u fil-virtujiet l-oħra; hekk ukoll għamel San Franġisk. Sa mill-bidunett tat-twaqqif ta’ l-Ordni għażel tnax il-raġel bħala sħabu u magħhom għex fl-ogħla faqar[315]. U kif wieħed mit-tnax l-Appostli, li kien jismu Ġuda l-Iskarjota, telaq mill-apostolat, billi ittradixxa lil Kristu, u mar jitgħallaq minn għonqu; hekk ukoll, wieħed mit-tnax is-sħab ta’ San Franġisk, li kien jismu Giovanni della Cappella, telaq mill-Ordni u spiċċa biex tgħallaq minn għonqu[316]. Dan hu ta’ eżempju għall-magħżulin u tagħlima ta’ umiltà u ta’ biża’, għax ħadd ma jita’ jkun żgur li se jibqa’ sa l-aħħar fil-grazzja ta’ Alla. U kif dawk l-Appostli qaddisa kienu għad-dinja kollha għaġeb ta’ qdusija u umiltà, u mimlijin bl-Ispirtu s-Santu; hekk ukoll nistgħu ngħidu għal dawk l-imseħbin qaddisa ta’ San Franġisk. Kienu rġiel ta’ qdusija tant kbira li, miż-żmien ta’ l-Appostli ‘l hawn, id-dinja ma kellhiex nies aktar ta’ l-għaġeb u qaddisa minnhom. Wieħed minnhom kien meħud sat-tielet sema bħal San Pawl[317], u dan kien fra Egidio. Wieħed ieħor, jiġifieri fra Filippo Longo, kellu xofftejh mimsusa bil-faħam mill-Anġlu, bħalma kien ġralu Isaija l-profeta[318]. Terġa’ ieħor,

---

[313] Il-kelma *Fioretti*, jew *florilegio*, tindika ġabra ta’ l-isbaħ grajjiet li għandhom tifsira fil-ħajja ta’ S. Franġisk u ta’ xi wħud mill-aħwa tiegħu. L-isem *fioretti*, *fiori*, hu komuni fil-letteratura medjevali, u jaqbel sewwa mar-rakkonti tal-mirakli u eżempji.

[314] It-tema tal-*conformitas*, jew qbil, tal-ħajja ta’ Franġisku ma’ dik ta’ Kristu, tidher hawnhekk applikata rigward in-numru ta’ l-Appostli u ta’ l-ewwel aħwa. Fl-ewwel taqsima tal-*Fjuretti* (kapitli 1-38) ma tantx hemm insistenza dwarha. Narawha, iżda, bħala tema kostanti fil-*Kunsiderazzjonijiet ta’ l-Istimmati*. Dan it-tema ta’ *conformitas*, li diġà nsibuh preżenti fil-bijografiji uffiċjali, bħalma hi l-*Legenda Maior* ta’ S. Bonaventura (cfr. 1C 46, 76, 83, 99; 2C 99, 128, 190; 3C 13, 14; Julian minn Speyer 7, 23, 66; LM Prol., IV,1; X,4; XIII,1), lejn tmiem is-seklu XIV kellu żvilupp qawwi fil-letteratura Franġiskana, hekk li beda jilqa’ fih ukoll elementi ta’ natura leġġendarja. Għall-*Fjuretti* il-konformità ta’ Franġisku ma’ Kristu hi rejaltà vera, għaliex ma teżistix qdusija vera jekk mhijiex impenn mimli mħabba lejn imitazzjoni dejjem aktar perfetta ta’ Kristu. Lejn tmiem is-seklu XIV naraw xi opri li jitkellmu espliċitament dwar din it-tema tal-konformità bejn Franġisku u Kristu. Fost l-aktar magħrufin hemm dawk ta’ Arnald de Sarrant, *De Cognatione Sancti Francisci* (ed. F. Delorme, *Miscellanea Francescana*, 42 (1942), 103-131), u Bartolomeo da Pisa, *Liber de Conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Jesu* (*Analecta Franciscana*, Vol. IV-V). Eżempju tipiku u magħruf tat-tema tal-konformità bejn Franġisku u Kristu, li jidħol fil-ġeneru letterarju tal-leġġenda bi skop ta’ edifikazzjoni, insibuh fl-istorja tat-twelid ta’ S. Franġisk fi stalla, u f’dik rigward l-anġli li jkantaw fuq il-Porziuncola meta jitwieled S. Franġisk (cfr. Bartolomeo da Pisa, *De Conformitate*, in *Analecta Franciscana* IV,56,58,98,109; V,326-327, imma li ma jinkludix l-istorja tat-twelid fl-istalla, illum l-oratorju ta’ S. Francesco Piccolino). L-istorja tal-pellegrin tinsab ukoll fil-*Liber exemplorum Fratrum Minorum Saeculi XII*, ed. L. Oliger, *Antonianum* 2 (1927) 203-276. Dwar l-istalla, cfr. Arnaldo Fortini, *Nova Vita di San Francesco*, II, 21-36.

[315] Ma hemmx qbil bejn il-*Fontes* rigward l-ismijiet ta’ l-ewwel tnax sħab ta’ S. Franġisk. Hawnhekk ma nsibux l-ismijiet tagħhom kollha, u fra Ruffino ma kienx wieħed mill-ewwel aħwa.

[316] L-appostlu traditur, Ġuda Iskarjota, jsib persunaġġ jaqbel miegħu fi fra Giovanni della Cappella, jew sempliċement Cappella, li dwaru jitkellem il-kapitlu 31. Hemm inċertezza kemm rigward l-isem, kif ukoll dwar kif miet.

[317] Dwar fra Egidio l-awtur jisħaq fuq id-don tal-kontemplazzjoni. Cfr. 2Kor 12,2-4.

[318] Cfr. Is 6,6-7. Filippo Longo kien Viżitatur tas-Sorijiet Foqra.

u dan kien fra Silvestro, kien jitkellem ma' Alla bħalma ħabib jitkellem ma' ieħor, kif kien jagħmel Mosè[319]. L-ieħor, bil-moħħ fin li kellu, kien jittajjar bħall-ajkla sad-dawl ta' l-għerf divin, kif kien jagħmel San Ġwann l-Evanġelista[320], u dan kien fra Bernardo, raġel ta' umiltà tassew kbira, li kien jaf ifisser il-Kotba mqaddsa b'mod profond ħafna. Wieħed ieħor minn dawn is-sħab kien imqaddes minn Alla, u ikkanonizzat fis-Sema waqt li kien għadu jgħix fid-dinja, u dan kien fra Ruffino minn Assisi, raġel ġentili ħafna. Kif naraw aktar 'il quddiem kollha kienu privileġġjati għax mogħnijin b'xi sinjal waħdieni ta' qdusija. [ABF 1,1-9]

[1588] Kapitlu II
*Dwar fra Bernardo da Quintavalle, l-ewwel wieħed minn sħab San Franġisk.*

L-ewwel wieħed minn sħab San Franġisk kien fra Bernardo minn Assisi; dan ikkonverta kif sejrin ngħidu. Franġisku kien għadu jġib l-ilbies ta' sekular, għad li kien diġà ċaħad id-dinja, u kien ilu żmien twil jiġġerra ma' Assisi. Kellu dehra ta' wieħed immaqdar u magħkus bis-sħiħ bil-penitenzi li kien jagħmel. Ħafna kienu jżommuh b'iblah, u kien imżeblaħ bħallikieku kien xi miġnun, u kienu jkeċċuh u jifgħulu l-ġebel kemm dawk li jiġu minnu, kif ukoll nies barranin. Issa *messer* Bernardo minn Assisi kien fost l-aqwa rġiel nobbli, wieħed mill-aktar għonja u għaqlin tal-belt. Hu qagħad jaħseb fit-tul, bis-serjetà kollha, dwar dan id-disprezz sħiħ tad-dinja li ra f'San Franġisk, is-sabar kbir tiegħu hu u jirċievi tant offiżi; għad li kien ilu ġa sentejn f'din il-ħajja, imwarrab u mżeblaħ minn kulħadd, kien jidher dejjem aktar sod fil-fehma tiegħu, u mimli sabar. Beda jaħseb bejnu u bejn ruħu u jgħid f'qalbu: dan Franġisku żgur li rċieva grazzji kbar mingħand Alla. Għalhekk, lejla fost l-oħrajn stiednu għal ikla u biex joqgħod miegħu, u San Franġisk laqa' l-istedina u kiel miegħu filgħaxija u raqad għandu.

*Messer* Bernardo daħħalha f'rasu li dik il-lejla jistħarreġ sewwa l-qdusija ta' Franġisku. Ħejjielu sodda fil-kamra tiegħu stess, fejn mal-lejl dejjem kien iżomm lampa tixgħel. U San Franġisk, biex jaħbi l-qdusija tiegħu, kif daħal fil-kamra nxteħet mall-ewwel fuq is-sodda, u għamel ta' birruħu li raqad. L-istess għamel *messer* Bernardo: wara ftit tal-ħin, mar jimtedd, u beda jonħor bil-qawwi bħallikieku kien rieqed fil-fond ħafna. San Franġisk ħaseb li *messer* Bernardo kien tassew rieqed, u wara l-ewwel raqda qam mis-sodda, inxteħet għarkubbtejh jitlob, waqt li refa' għajnejh u idejh lejn is-sema, u b'qima u ħeġġa tassew kbira beda jgħid: "Alla tiegħi, Alla tiegħi". Hu u jgħid dan il-kliem, beda jibki u jolfoq, u baqa' sejjer hekk sa filgħodu, il-ħin kollu jtenni: "Alla tiegħi, Alla tiegħi". Dan kien kull ma qal. San Franġisk tenna dan il-kliem hu u jikkontempla u jistagħġeb bil-kobor ta' Alla, li ġietu ħniena mid-dinja li kienet fil-periklu, u permezz tal-fqajjar Franġisku tiegħu qatagħha li jsib rimedju ta' salvazzjoni għal ruħu, u għall-erwieħ ta' l-oħrajn. Imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, jew minn spirtu profetiku, hu ra minn qabel il-ħwejjeġ kbar li Alla kien beħsiebu jagħmel permezz tiegħu u ta' l-Ordni tiegħu. Issa, billi kien jagħraf tajjeb kemm kien dgħajjef, u kien għadu lura fil-virtù, kien il-ħin kollu jsejjaħ u jitlob 'l Alla, biex bit-tjubija u s-setgħu tiegħu bla tarf, jgħinu u jagħmel Hu stess dak li hu ma kienx jasal għalih. Sadanittant *messer* Bernardo, megħjun mid-dawl tal-lampa, kien qed jara l-ġesti l-aktar devoti li kien qed jagħmel San Franġisk, u hu u jaħseb b'qima kbira fuq il-kliem li semgħu jgħid: ħass l-Ispirtu s-Santu jmisslu qalbu u jnebbħu biex ibiddel ħajtu.

---

[319] Cfr. Eż 3. Silvestro jiġi mqabbel ma' Mosè, li jitkellem ma' Alla wiċċ imb'wiċċ.
[320] Cfr. Eżek 1,10. It-tradizzjoni kristjana tirreferi għall-evanġelista S. Ġwann bis-simbolu ta' l-ajkla.

Kif sebaħ, għalhekk, sejjaħ lil San Franġisk u qallu hekk: "Fra Franġisk, jien iddeċidejt f'qalbi li nħalli d-dinja, u nimxi warajk f'dak kollu li tikkmandani nagħmel". Meta sema' dan, San Franġisk feraħ ħafna f'qalbu u qal hekk: "*Messer* Bernardo, dak li qed tgħid hu tant ħaġa kbira u tqila biex tagħmilha, li jeħtieġ li nitolbu parir mingħand il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u nitolbuh biex jogħġbu jurina r-rieda tiegħu dwar din il-ħaġa, u jgħallimna Hu stess kif inwettquha. Ejja mmorru sal-palazz ta' l-isqof, fejn hemm saċerdot tajjeb, u nitolbuh iqaddes, u mbagħad nibqgħu nitolbu sal-ħin tat-Terza; nitolbu 'l Alla biex, wara li nkunu ftaħna għal tliet darbiet il-missal, jurina t-triq li hu jogħġbu li għandna nagħżlu". *Messer* Bernardo wieġeb li dan il-parir għoġbu ħafna; dak il-ħin stess telqu, u erħewlha lejn il-palazz ta' l-isqof. Wara li semgħu l-quddiesa, u qagħdu jitolbu sal-ħin tat-Terza, il-qassis, mitlub minn San Franġisk, qabad il-missal, għamel fuqu s-sinjal tas-salib l-aktar imqaddes, u fetħu għal tliet darbiet f'isem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Meta fetħu l-ewwel darba waqgħu taħt għajnejh il-kliem li Kristu fl-Evanġelju qal liż-żagħżugħ li staqsieh dwar il-perfezzjoni: *Jekk trid tkun perfett, mur biegħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u ejja u imxi warajja* (Mt 19,21). Fit-tieni darba li fetħu sab il-kliem li Kristu qal lill-Appostli, meta bagħathom jippriedkaw: *Tieħdu xejn magħkom għat-triq, la ħatar, la ħorġa, la ħobż u lanqas flus* (Lq 9,3); b'dan ried jgħallimhom biex iqiegħdu t-tama tagħhom kollha f'Alla li jaħseb fihom żgur, u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ biex ixandru l-Evanġelju mqaddes. Meta fetaħ il-missal għat-tielet darba sab il-kliem li Kristu qal: *Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja* (Mt 16,24). San Franġisk, imbagħad, qal lil *messer* Bernardo: "Ara, dan hu l-parir li jagħtina Kristu; mur, mela, u agħmel kull ma smajt. Ħa jkun imbierek il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li għoġbu jurina t-triq evanġelika tiegħu". Meta sema' dan, *messer* Bernardo telaq, biegħ dak kollu li kellu (kien għandi ħafna), u b'ferħ kbir qassam kollox lill-fqar, lir-romol, lill-orfni, lill-ħabsijiet, monasteri u sptarijiet. San Franġisk kien jgħinu bil-ħsieb u l-għaqal kollu, u b'fedeltà kbira.

Issa kien hemm ċertu wieħed, *messer* Silvestro, li meta ra lil San Franġisk jagħti tant flus lill-foqra, u jġiegħel 'il min jagħti, magħfus minn xeħħa qal lil San Franġisk: "Int ma ħallastnix kollox tal-ġebel li xtrajt mingħandi biex issewwi l-knisja, u għalhekk, issa li għandek il-flus, irridek tħallasni". Issa, meta San Franġisk sema' dan, stagħġeb ħafna bix-xeħħa tiegħu, u billi ma riedx joqgħod jitlewwem miegħu, bħala wieħed li ried iħares l-Evanġelju mqaddes, daħħal idejh fi ħdan *messer* Bernardo, u mela idejh it-tnejn bil-flus, li mbagħad xeħethom f'ħoġor *messer* Silvestro, waqt li qallu li, jekk irid, jagħtih iżjed ukoll. Imma *messer* Silvestro kien kuntent b'li ħa, telaq u mar lura lejn daru. Filgħaxija, huwa u jistrieħ qagħad jaħseb fuq dak li għamel matul il-jum, u ċanfar lilu nnifsu minħabba x-xeħħa tiegħu, waqt li ħaseb fit-tul fuq il-ħeġġa ta' *messer* Bernardo u l-qdusija ta' San Franġisk. Il-lejl ta' wara, u għal żewġ iljieli oħra, kellu minn Alla din il-viżjoni: mill-fomm ta' San Franġisk ra ħiereġ salib tad-deheb, li n-naħa ta' fuq tiegħu kienet tmiss is-sema, u l-idejn tiegħu kienu jwasslu mil-lvant sal-punent. Minħabba din id-dehra hu ta dak li kellu għall-imħabba ta' Alla, u sar wieħed mill-patrijiet Minuri u fl-Ordni kien raġel tant qaddis u mimli bil-grazzja li kien jitkellem ma' Alla bħalma ħabib jitkellem ma' ieħor. Dan San Franġisk stess kellu prova tiegħu kemm il-darba, kif nirrakkontaw aktar 'il quddiem.

*Messer* Bernardo wkoll kien mogħni minn Alla b'ħafna grazzji, hekk li spiss kien ikun merfugħ jikkontempla 'l Alla. San Franġisk kien iħobb jgħid li Bernardo jixraqlu kull ġieħ, u li hu waqqaf l-Ordni, għax kien l-ewwel wieħed li ħalla d-dinja u, waqt li ma żamm xejn għalih, qassam kull ma kellu lill-fqar ta' Kristu. Hu beda jgħix il-faqar evanġeliku, u offra lilu nnifsu għeri fi ħdan il-Kurċifiss.

Ħa jkun imbierek minna għal dejjem ta' dejjem. Amen. [1C 24; AP 10-11.13; L3C 27-29.31; 2C 15.109; LM III,3.5; ABF 1,10-44]

[1589] Kapitlu III

*Dwar kif minħabba ħsieb ħażin li għaddielu minn moħħu kontra fra Bernardo, San Franġisk ġiegħlu jgħaddi b'riġlejh minn fuq griżmejh u ħalqu.*

*Messer* San Franġisk kien raġel devot ħafna ta' Ġesù msallab, u minħabba l-penitenzi li kien jagħmel u l-biki li kien jibki l-ħin kollu, sar qisu għama għal kollox, u ftit kien għadu jara[321]. Darba minnhom telaq mill-post fejn kien u mar fejn kien fra Bernardo biex joqgħod jitkellem miegħu dwar il-ħwejjeġ ta' Alla. Meta wasal fil-post ta' l-aħwa[322] sab li hu kien fil-bosk jitlob, kollu merfugħ u magħqud ma' Alla. Għalhekk San Franġisk mar fil-bosk u sejjaħlu: "Ejja, u oqgħod tkellem ma' dan l-għama". U fra Bernardo ma tah l-ebda tweġiba, għax billi kien raġel ta' kontemplazzjoni kbira, kellu moħħu mitluf u merfugħ f'Alla. Hu, iżda, kellu l-grazzja waħdanija li jitkellem ma' Alla, kif San Franġisk stess kemm il-darba ipprova, u kien għalhekk li xtaq joqgħod jitkellem miegħu. Wara ftit tal-ħin sejjaħlu għat-tieni, u terġa' għat-tielet darba bl-istess mod, imma fra Bernardo ebda darba minnhom ma semgħu, u għalhekk la wieġbu u lanqas mar lejh. San Franġisk għalhekk telaq minn hemm xi ftit imdejjaq, u stagħġeb ħafna, u tnikket għall-aħħar fih innifsu li fra Bernardo, wara li sejjaħlu tliet darbiet, mank biss resaq lejh.

San Franġisk telaq b'dan il-ħsieb f'rasu, u meta kien tbiegħed ftit, qal lil sieħbu: "Stennieni ftit hawn". Mar f'post imwarrab, għalih waħdu, u inxteħet jitlob lil Alla biex jogħġbu jgħarrfu għaliex fa Bernardo ma kienx tah tweġiba. Waqt li kien hekk, instema' leħen ġej minn Alla, li qallu: "O raġel ċkejken u fqajjar, għaliex tħawwadt daqshekk? Huwa l-bniedem għandu jħalli fil-ġenb 'l Alla minħabba xi krejatura? Meta inti sejjaħt lil fra Bernardo hu kien magħqud miegħi; kien għalhekk li la seta' jwiegħbek u lanqas jiġi għandek. Tistagħġibx, għalhekk, li ma setax jirrispondik, għax hu kien tant barra minnu nnifsu li lanqas kelma waħda milli għidtlu ma semgħek". Kif San Franġisk ħa din it-tweġiba min-naħa ta' Alla, dak il-ħin stess telaq jgħaġġel isib lil fra Bernardo biex jakkuża ruħu tal-ħsieb li daħallu f'moħħu kontrieh.

Kif lemħu riesaq lejh, fra Bernardo mar dlonk jiltaqa' miegħu, u nxteħet għarkubbtejh quddiemu. San Franġisk ġiegħlu jqum, u b'umiltà kbira qagħad jgħidlu bil-ħsieb li kellu u kif ħassu mħawwad minħabba fih, u kif Alla stess kien wieġbu. U temm kliemu hekk: "Nikkmandak b'ubbidjenza li tagħmel kull ma se ngħidlek". Fra Bernardo beda jibża' li San Franġisk kien se jqabbdu jagħmel xi ħaġa kbira ħafna, kif kien soltu jagħmel, u beda jaħseb kif seta' jaħrab minn dik l-ubbidjenza; għalhekk wieġbu: "Jien lest li nagħmel dak li tgħidli nagħmel b'ubbidjenza, kemm il-darba twiegħedni li tagħmel dak li nikkmanda lilek jien". San Franġisk wieġbu li jagħmlu, u fra Bernardo qal: "Missier, issa għidli xi tridni nagħmel". San Franġisk qallu: "Nikkmandak b'ubbidjenza li, biex tikkastiga l-preżunzjoni u l-ardir żejjed ta' qalbi, jien se

---

[321] Il-*Fjuretti* ftit li xejn għandhom preokkupazzjoni kronoloġika. Dan il-fatt irridu nqiegħduh wara li Franġisku ġie lura mill-Orjent fl-1220.

[322] *Luogo*: post jew dwejra li fil-letteratura Franġiskana tal-bidu jindika xi mkien fejn kienu jgħixu l-aħwa. Din il-kelma ħadet it-tifsira sħiħa tagħha b'distinzjoni mill-*conventus*, li l-leġislazzjoni Franġiskana tqisu bħala dar formata fejn jgħixu diversi aħwa, b'differenza mir-*romitori* jew eremitaġġi ta' l-ewwel żminijiet.

ninxteħet għal tuli fl-art, wiċċi ‘l fuq, u int qiegħed riġlek waħda fuq gerżumti u l-oħra fuq ħalqi, u għadi għal tliet darbiet minn fuqi, min-naħa għall-oħra. Waqt li tkun qed tagħmel dan għajjarni u ġiegħelni nistħi. B’mod speċjali rridek tgħidli hekk: «Oqgħod hemm, iben ta’ Pietro di Bernardone; mnejn ġibtha din is-suppervja kollha, int li inti krejatura li ma tiswa għal xejn?»”. Meta sema’ dan fra Bernardo ħass li kienet ħaġa iebsa għalih li jasal jagħmel dak li ikkmandah. B’danakollu, minħabba l-ubbidjenza qaddisa, bl-aħjar mod li seta’, beda jwettaq dak li kien ikkmandah jagħmel San Franġisk. Meta spiċċa, San Franġisk qallu: “Issa ikkmandani int dak li tridni nagħmel, għax jien wegħidtek li nobdik”. Fra Bernardo qallu: “Nikkmandak bl-ubbidjenza li, kull meta nkunu flimkien, int tieħu ħsieb li iċċanfarni u tikkoreġini bl-aħrax għad-difetti kollha tiegħi”. Meta sema’ dan San Franġisk stagħġeb ħafna, għax fra Bernardo kien ta’ qdusija hekk kbira li hu kien iqimu ħafna, u ma kienx iqisu li kien ħati ta’ xi ħaġa, kienet x’kienet. Għalhekk, minn dakinhar ‘il quddiem, San Franġisk kien joqgħod attent biex ma joqgħodx ħafna miegħu, minħabba dik l-ubbidjenza, biex ma jkollux jgħidlu xi kelma ta’ korrezzjoni, għax hu kien iżommu b’qaddis kbir. Meta kien ikun xewqan li jarah jew li jisimgħu jitkellem fuq Alla, arah jitlaq minn ħdejh malajr kemm jista’ jkun. Kemm kienet ħaġa tassew sabiħa tara b’liema karità, qima u umiltà l-imqaddes missier Franġisku kien jitratta u jitkellem ma’ fra Bernardo, l-ewwel iben tiegħu.

Għat-tifħir u l-glorja ta’ Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [1C 53; LM VI,1; ABF 2]

[1590] Kapitlu IV

*Dwar kif l-Anġlu ta’ Alla għamel mistoqsija lil fra Elia, gwardjan ta’ post fil-Val di Spoleto; u għaliex fra Elia wieġbu b’suppervja kbira hu telaq u erħielha bil-mixi lejn San Ġakbu, fejn sab lil fra Bernardo u irrakkontalu din il-ġrajja.*

Fil-bidunett tat-twaqqif ta’ l-Ordni, meta l-aħwa kienu għadhom ftit u kien għad ma kellhomx postijiet tagħhom, San Franġisk mar Compostella biex hemm iqim lil San Ġakbu[323]; ħa miegħu wkoll xi aħwa, fosthom lil fra Bernardo. Huma u mexjin flimkien fit-triq f’wieħed mill-irħula sab raġel fqir marid. Franġisku ħass ħafna għalih, dar fuq fra Bernardo u qallu: “Ibni, jien irridek li toqgħod hawn ma’ dan il-marid u ddur bih”. U fra Bernardo bl-umiltà kollha nxteħet għarkubbtejh, baxxa rasu, ħa l-ubbidjenza mingħand il-missier qaddis, u baqa’ f’dak il-post. San Franġisk u sħabu l-oħra komplew triqthom lejn San Ġakbu. Meta waslu hemm għaddew il-lejl jitolbu fil-knisja ta’ San Ġakbu. Waqt it-talb, Alla nebbah lil San Franġisk li kellu jieħu ħafna postijiet ‘l hawn u ‘l hinn fid-dinja, għax l-Ordni tiegħu kellu jinfirex u jikber bil-kotra ta’ l-aħwa li kellhom jidħlu fih. Wara dik ir-rivelazzjoni San Franġisk beda jieħu postijiet f’dawk l-inħawi. Hu u sejjer lura San Franġisk ħa l-istess triq ta’ qabel, u reġa’ sab lil fra Bernardo, u lill-fqir li kien afdalu fil-kura tiegħu, imfejjaq għal kollox. Is-sena ta’ wara, imbagħad, San Franġisk ta l-permess lil fra Bernardo li jmur hu għand San Ġakbu.

---

[323] Santiago de Compostella fil-Galizia (Spanja), kien wieħed mis-santwarji famużi fejn bosta pellegrini kienu jmorru fil-Medjuevu. S. Franġisk mar bl-intenzjoni li minn hemm jgħaddi fil-Marokk, x’aktarx fl-1214. Nafu li fi Spanja marad u kellu jerġa’ lura l-Italja.

Sadanittant San Franġisk mar lura fil-Wied ta' Spoleto. Qagħad f'dak il-post, maqtugħ u mwarrab, flimkien ma' fra Masseo u fra Elia[324] u xi wħud oħrajn. Kollha kienu joqgħodu b'seba' għajnejn biex lil San Franġisk, waqt li jkun jitlob, la jdejjquh u lanqas itellfuh. Kienu jġibu ruħhom hekk kemm minħabba l-qima kbira li kellhom lejh, kif ukoll għax huma kienu jafu li waqt li kien ikun jitlob, Alla kien jirrivelalu ħwejjeġ kbar. Ġara darba minnhom li, waqt li San Franġisk kien jitlob fil-foresta, żagħżugħ sabiħ, li mid-dehra tiegħu kien lest għall-mixi, ġie ħdejn il-bieb tal-post, u beda jħabbat hekk bil-għaġġla u bil-qawwi, u dan fit-tul, tant li l-aħwa stagħġbu mhux ftit bil-mod kif beda jħabbat. Fra Masseo qam jiftaħ il-bieb u lil dak iż-żagħżugħ qallu: "Ibni, mnejn ġej, għax ma jidhirx li inti minn dawn in-naħiet, u ħabbatt b'mod mhux tas-soltu?" Iż-żagħżugħ wieġbu: "U kif għandi nħabbat, mela?" Fra Masseo qallu: "Ħabbat tliet darbiet, taħbita wara l-oħra, imbagħad stenna sakemm ħuna li jiġi jiftaħlek jilħaq jgħid il-Missierna, u jekk tara li sadanittant ma laħaqx ġie, erġa' ħabbat darba oħra". Wieġbu ż-żagħżugħ: "Jiena mgħaġġel ħafna, u għalhekk ħabbatt hekk bil-qawwi: għandi triq twila x'nimxi, u ġejt hawn biex nitkellem ma' fra Franġisk, imam bħalissa hu qiegħed jitlob fil-bosk, mehdi fil-kontemplazzjoni, u għaldaqstant ma nixtieqx intellfu; imma int mur, ibgħatli 'l fra Elia, għax għandi xi ħaġa x'nistaqsih, u nismagħhom jgħidu li hu ta' dehen kbir". Fra Masseo telaq, u mar jgħid lil fra Elia biex imur ikellem lil dak iż-żagħżugħ. U fra Elia ħassu mħawwad, u ma riedx imur. Fra Masseo, imbagħad, ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel jew x'se jwieġeb lil dak iż-żagħżugħ. Għax jekk jgħidlu li fra Elia ma setax jiġi, kien ikun qed jigdeb; jekk jgħidlu kif tħawwad u ma riedx jiġi, kien jibża' li jagħtih eżempju ħażin. U billi fra Masseo dam ħafna ma ġie lura, iż-żagħżugħ reġa' ħabbat kif kien ħabbat l-ewwel darba. Ftit tal-ħin wara fra Masseo ġie fil-bieb u qal liż-żagħżugħ: "Int ma tajtx kas ta' dak li għallimtek dwar kif għandek tħabbat". U ż-żagħżugħ wieġbu: "Fra Elia ma jridx jiġi għandi; imma mur u għid lil fra Franġisk li ġejt biex inkellmu, u għidlu wkoll li jien ma rridx intellfu mit-talb, u għidlu jibgħat lil fra Elia għandi". Imbagħad fra Masseo mar għand fra Franġisk, li kien fil-bosk, jitlob b'wiċċu 'l fuq lejn is-sema, u qallu kollox dwar dak li bagħat jgħidlu ż-żagħżugħ, u t-tweġiba ta' fra Elia. U dak iż-żagħżugħ kien l-Anġlu ta' Alla, taħt is-sura ta' bniedem. Imbagħad fra Franġisk, bla ma tħarrek mnejn kien jew baxxa wiċċu, qal lil fra Masseo: "Mur u għid lil fra Elia biex, taħt ubbidjenza, jmur għand dak iż-żagħżugħ bla telf ta' żmien". Fra Elia, meta sema' l-ubbidjenza li għamillu San Franġisk, mar ħdejn il-bieb imberen għall-aħħar, hekk li fetaħ il-bieb b'saħħa u sabbtu, u qal liż-żagħżugħ: "Xi trid int bħalek?" Wieġbu ż-żagħżugħ: "Ħija, ara li ma tkun qatt irrabjat, kif tidher li int, għax il-korla ddallam il-moħħ u ma tħallihx jagħżel il-verità". Qallu fra Elia: "Għidli xi trid mingħandi". U ż-żagħżugħ wieġbu: "Irrid nistaqsik, jekk dawk li jħarsu l-Evanġelju mqaddes jistgħux jieklu minn dak li jqiegħdulhom quddiemhom, kif Kristu qal lid-dixxipli tiegħu. U rrid nistaqsik ukoll jekk jistax xi ħadd iqiegħed xi ħaġa qabel u kontra l-ħelsien ta' l-Evanġelju". Fra Elia wieġbu b'herra kbira: "Jien ir-risposti nafhom sewwa, imma ma rridx inwieġbek; itlaq mnejn ġejt". Qallu ż-żagħżugħ: "Jien naf it-tweġibiet għal dawk il-mistoqsijiet

---

324 Il-*Fjuretti* jpinġu lil fra Elia f'dawl ikraħ, minħabba l-polemika ta' żmien il-ġeneralat tiegħu u l-kundanna tiegħu. L-episodju li jgħid li fra Elia hu l-Vigarju ta' S. Franġisk irridu nqiegħduh wara li S. Franġisk ġie lura mill-Orjent, u ħatar bħala Vigarju tiegħu lil fra Pietro Cattanio (29 ta' Settembru 1220). Fra Pietro miet ħesrem fl-10 ta' Marzu 1221 u laħaq warajh bħala Vigarju fra Elia. Il-kwestjoni tas-sawm u tal-"libertà evanġelika" rigward l-ikel (cfr. Lq 10,8), kienet diġà qamet meta S. Franġisk kien fl-Orjent, għax il-Vigarji tiegħu fra Matteo da Narni u fra Gregorio da Napoli kienu ħarġu direttivi restrittivi ħafna li kienu jimponu fuq l-aħwa sawm kontra l-ispirtu tar-Regola. Fra Elia jidher bħala bniedem iebes u legalista. Din id-dehra tal-*Fjuretti*, naturalment irridu narawha fid-dawl ta' l-ambjent u ż-żmien li fih inkitbu, għax il-kurrenti Spiritwali ta' l-aħħar nofs tas-seklu XIV kienu deċiżament kontra fra Elia, u kienu jakkużawh li miet apostata u skumnikat. Fil-fatt Elia kien irrikonċilja ruħu ma' l-Ordni qabel miet fl-1253, liebes it-tonka Franġiskana fil-kunvent ta' S. Franġisk ta' Cortona, li kien bnieh hu stess u fejn hu midfun sallum. Cfr. Giulia Barone, "Brother Elias Revisited", *Greyfriars Review,* Vol. 13, Supplement (1999) 1-18.

aħjar milli tafhom int". Meta sema' dan fra Elia, kollu mħawwad u mimli għadab, għalaq il-bieb u telaq. Imbagħad beda jaħseb fuq dik il-kwestjoni, u bdew jiġuh id-dubji fuqha; u ma kienx jaf kif jaqbad iwieġeb. Għax meta hu kien Vigarju ta' l-Ordni, kien ikkmanda u ta ordni li ħadd mill-aħwa fl-Ordni ma seta' jiekol laħam, għad li la l-Evanġelju u lanqas ir-Regola ta' San Franġisk ma jikkmandaw dan. Dawk il-mistoqsijiet, għalhekk, kienu magħmula kontrih b'mod ċar. Billi hu ma sabx tarf kif iħoll il-problema waħdu, u waqt li qagħad jaħseb fuq l-imġieba umli ta' dak iż-żagħżugħ u kie wieġbu li hu kien jaf jagħti tweġiba aħjar minnu, fra Elia mar lura lejn il-bieb u fetħu, għax ried jistaqsi lil dak iż-żagħżugħ fuq dik il-kwestjoni, imma dan kien diġà telaq; għax is-suppervja ta' fra Elia ma għamlitux denn li jitkellem ma' l-Anġlu. Meta ġara dan kollu, San Franġisk, li kien mgħarraf b'kollox minn Alla waqt it-talb, ġie lura mill-bosk, u b'leħen għoli ħadha ma' fra Elia, u qallu: "Fra Elia, supperv, tagħmel ħażin li tħarrab 'il bogħod minna l-Anġli qaddisa, li jiġu biex jgħallmuna. Ngħidlek ukoll li wisq nibża' li s-suppervja tiegħek se twasslek biex tispiċċa barra minn dan l-Ordni". U hekk ġara tabilħaqq, kif kien qallu minn qabel San Franġisk, għax miet barra mill-Ordni.

F'dak l-istess jum[325], fil-ħin li telaq l-Anġlu, deher taħt l-istess sura lil fra Bernardo, li kien ġej lura minn San Ġakbu, u kien fuq ix-xatt ta' xmara kbira. Sellem lil fra Bernardo bl-ilsien tiegħu, u qallu: "Il-Mulej jagħtik is-sliem, o twajjeb ħija". It-twajjeb fra Bernardo stagħġeb mhux ftit meta ra kemm kien żagħżugħ sabiħ u semgħu jkellmu bl-ilsien tiegħu u jagħtih it-tislima tal-paċi b'wiċċ mimli ferħ, u staqsieh: "Mnejn int ġej, żagħżugħ twajjeb?" U l-anġlu wieġbu: "Ġej minn dak il-post fejn joqgħod San Franġisk. Mort biex inkellmu, imma ma stajtx, għax kien fil-foresta, jikkontempla l-ħwejjeġ ta' Alla, u jien ma ridtx intellfu. Hemm jgħixu wkoll, fl-istess post, fra Masseo o fra Egidio u fra Elia. Fra Masseo għallimni nħabbat il-bieb, kif jagħmlu l-aħwa. Imma fra Elia, li ma riedx iwieġeb għall-mistoqsijiet li għamiltlu, wara iddispjaċih; ried jismagħni u jarani, imma ma setax". Wara li qal dan il-kliem, staqsa lil fra Bernardo: "Għax qed tibża' taqsam?" Wieġbu fra Bernardo: "Qed nara li quddiemi hawn il-periklu, għax l-ilma hu fond ħafna". Qallu l-anġlu: "Ejja ngħaddu flimkien; toqgħodx tiddubita". U ħadlu idu, u f'teptipa ta' għajn qiegħdu n-naħa l-oħra tax-xmara. Imbagħad fra Bernardo intebaħ li dak kien l-Anġlu ta' Alla, u b'qima kbira qallu, kollu ferħan: "O Anġlu ta' Alla mbierek, għidli x'jismek". Wieġeb l-Anġlu: "Għaliex qed tistaqsini x'jisimni, jien li għandi isem ta' l-għaġeb?" Wara li qallu dan, l-Anġlu ma deherx iżjed, u ħalla lil fra Bernardo mfarraġ ħafna, hekk li kompla l-mixi tiegħu b'ferħ kbir. U qagħad jaħseb fuq il-jum u l-ħin li fihom dehirlu l-Anġlu, u meta wasal fil-post fejn kien San Franġisk ma' sħabu li semmejna qabel, qalilhom kollox ħaġa, ħaġa. U għarfu b'ċertezza li l-istess Anġlu, fl-istess jum u fl-istess siegħa, kien deher lilhom u lilu. U raddew ħajr lil Alla.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 3]

## [1591] Kapitlu V

*Dwar kif il-qaddis fra Bernardo minn Assisi kien mibgħut minn San Franġisk biex joqgħod f'Bologna.*

Lil San Franġisk u 'l sħabu Alla sejħilhom u għażilhom biex f'qalbhom u fl-għemejjel tagħhom iġorru s-salib ta' Kristu, u jxandruh bi kliemhom. Huma dehru bħala msallbin, u hekk

---

325 Ma għandniex infittxu fil-*Fjuretti* l-eżattezza kronoloġika, anke jekk aħna ċerti li fra Bernardo intbagħad fi Spanja fl-1216, u dam hemm xi ftit snin.

kienu tabilħaqq, kemm fl-ilbies tagħhom kif ukoll fil-ħajja iebsa li kienu jgħixu, u f'dak kollu li kienu jagħmlu u jgħidu. Kienu aktar jixtiequ li jsofru l-mistħija u l-insulti għall-imħabba ta' Kristu, milli l-unuri u l-ġieħ u t-tifħir fieragħ tad-dinja; anzi ngħidu li l-offiżi kienu jferrħuhom, waqt li l-unuri kien jsewdulhom qalbhom. Fid-dinja kienu jiġġerrew bħallikieku kienu pellegrini u barranin, u ma kienu jġorru xejn magħhom ħlief xi Kristu msallab. Iżda huma kienu friegħi tad-dielja vera, jiġifieri ta' Kristu, u għalhekk għamlu frott kbir u kotran fl-erwieħ li kienu jirbħu għal Alla.

Issa ġara li, fil-bidu ta' l-Ordni, San Franġisk bagħat lil fra Bernardo f'Bologna[326] biex hemm, skond il-grazzja li l-Mulej tah, jagħmel il-frott għal Alla. Fra Bernardo għamel is-sinjal tas-salib imqaddes u laqa' l-ubbidjenza, telaq u wasal Bologna. U t-tfal meta rawh liebes ilbies mhux tas-soltu u kollu mċerċer, bdew jgħadduh biż-żmien u jinsultawh, bħalma jagħmlu 'l xi ħadd iblaħ. Iżda fra Bernardo ġarrab kollox bis-sabar u bil-ferħ għall-imħabba ta' Kristu. Mhux hekk biss, imma biex ikun imżeblaħ aktar, mar intasab apposta fil-qalba tal-pjazza tal-belt. Waqt li kien bilqiegħda hemmhekk, inġabru madwaru ħafna tfal u rġiel, u erħilhom jinbxuħ, u min jiġbidlu l-kapoċċ minn wara, u min minn quddiem, min jitfagħlu t-trab u min il-ġebel, min jimbuttah minn hawn u min minn hemm. Minkejja dawn l-insulti kollha, fra Bernardo żamm ruħu kalm u kollu sabar, wiċċu kollu ferħan, u la iddispjaċih u lanqas qagħad igerger. U għal bosta jiem kien imur fl-istess post biex isofri l-istess disprezzi. U għax is-sabar hu għemil tal-perfezzjoni u prova tal-virtù, ċertu mgħallem tal-liġi, meta ra u qagħad jaħseb ħafna fuq il-virtù u l-imġieba soda u sħiħa ta' fra Bernardo, li ma tħawwad xejn għad li għal ħafna jiem ma rċeviex ħlief fastidju u insulti, qal bejnu u bejn ruħu: "Ma jistax ikun li dan mhux raġel qaddis". Resaq lejh u staqsieh: "Int min int, u għalfejn ġejt hawn?" Bħala tweġiba fra Bernardo daħħal idejh f'ħobbu u ħareġ ir-Regola ta' San Franġisk, u tahielu biex jaqraha. Wara li qraha, u qagħad jaħseb fuq l-istat ħafna għoli tal-perfezzjoni tiegħu, b'għaġeb u ammirazzjoni kbira dar fuq sħabu u qalilhom: "Ngħidilkom is-sewwa, dan hu l-ogħla stat ta' ħajja reliġjuża li qatt smajt fuqu. U għalhekk, dan ir-raġel u sħabu huma l-akbar nies qaddisa li hawn f'din id-dinja, u min jinsultahom ikun qed jagħmel dnub kbir ħafna; hu għandu jiġi meqjum bis-sħiħ, għax hu l-ħabib ta' Alla". U qal lil fra Bernardo: "Jekk int trid li jkollok post fejn tkun tista' taqdi 'l Alla kif jixraq, jien, biex insalva ruħi, nagħtihulek bil-qalb kollha". Wieġbu fra Bernardo: "Sinjur, jien naħseb li kien il-Mulej tagħna Ġesù Kristu li nebbħek dan u għalhekk jien, f'ġieħ Kristu, nilqa' bil-qalb l-offerta tiegħek". Imbagħad dak l-imħallef, b'ferħ kbir u mħabba, ħa lil fra Bernardo d-dar tiegħu. Wara ftit tah il-post li wiegħdu, u ħaseb biex jirranġa u jagħmel kollox bi spejjeż tiegħu. Minn dakinhar 'il quddiem sar il-missier u d-difensur speċjali ta' fra Bernardo u ta' sħabu.

Minħabba l-kliem qaddis tiegħu fra Bernardo beda jkun meqjum ħafna min-nies, u kien jgħodd ruħu hieni kull min kien ikollu x-xorti li jmissu jew jarah. Iżda hu, ta' veru dixxiplu ta' Kristu u ta' l-umli San Franġisk li kien, billi beża' li l-unuri tad-dinja jistgħu jtellfulu l-paċi u s-salvazzjoni ta' ruħu, darba minnhom telaq minn hemm u mar lura għand San Franġisk, u qallu hekk: "Missier, issa fil-belt ta' Bologna għandna post. Ibgħat xi aħwa biex jieħdu ħsiebu, u joqogħdu hemm, għax jien ma qed nagħmel l-ebda ġid hemm. Anzi, minħabba l-ġieħ li lkoll qed

[326] Din kienet l-ewwel missjoni organizzata, barra mill-inħawi ta' Assisi, li saret fl-1211. Fra Bernardo ħa miegħu r-Regola, jiġifieri l-*Protoregola* jew Forma ta' Ħajja li Franġisku ta lill-ewwel aħwa u li kien approva bil-fomm il-Papa Innoċenz III fl-1209-1210. Il-profondità evanġelika tal-Forma ta' ħajja Franġiskana tiġi ippreżentata u milqugħa b'ammirazzjoni proprju fil-belt universitarja ta' Bologna, magħrufa bħala ċ-ċentru tax-xjenzi tal-ġurisprudenza. Hekk il-ħajja fis-sempliċità, faqar u umiltà ssir stedina evanġelika għall-bnedmin tal-kultura.

jagħtuni, nibża' li se nitlef ħafna aktar milli se naqla". Meta San Franġisk qagħad jisma' ħaġa, ħaġa kull ma l-Mulej wettaq permezz ta' fra Bernardo, radd ħajr lil Alla, u beda jferrex id-dixxipli fqajrin tas-salib. Bagħat, għalhekk, xi wħud minn sħabu Bologna u fil-Lombardia[327], u dawn kisbu ħafna postijiet f'diversi nħawi.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 4]

[1592] Kapitlu VI
*Dwar kif San Franġisk bierek lill-qaddis fra Bernardo u ħallieh Vigarju tiegħu, meta ġie biex iħalli din il-ħajja.*

Fra Bernardo kien ta' qdusija hekk kbira li San Franġisk kellu qima kbira lejh, u kien ħafna drabi jfaħħru wkoll. Jum wieħed, waqt li San Franġisk kien mehdi fit-talb b'devozzjoni kbira, Alla nnifsu għoġbu jgħarrfu li bil-permess divin tiegħu fra Bernardo kellu jġarrab ħafna battalji qliel u ħorox mid-demonji. Meta sar jaf b'dan, San Franġisk ġietu ħniena kbira minn fra Bernardo, u kien iħobbu bħal ibnu, u għal jiem sħaħ talab 'l Alla bid-dmugħ, u irrikmandah ħafna lil Ġesù Kristu, biex joħorġu rebbieħ fuq id-demonju. U waqt li San Franġisk kien jitlob bil-ġabra kollha, darba minnhom Alla wieġbu hekk: "Franġisku, la tibżax, għax it-tiġrib kollu li minnu se jgħaddi fra Bernardo hu kollu bil-permess ta' Alla, biex hu jipprattika l-virtù, u jikseb il-kuruna tal-mertu. Fl-aħħar hu joħroġ rebbieħ fuq l-għedewwa kollha, għax hu wieħed mill-mistednin fis-saltna tas-sema". Din it-tweġiba lil San Franġisk ferrħitu ħafna, u radd ħajr lil Alla. U minn dak il-ħin 'il quddiem kien juri lejh imħabba u qima akbar.

U urieh dan, mhux biss matul ħajtu, imma wkoll fil-mewt. Għax meta San Franġisk kien qed joqrob lejn il-mewt, kif kien għamel l-imqaddes Patrijarka Ġakobb[328], waqt li wliedu kienu, kollhom qima, weqfin madwaru qalbhom maqsuma u bid-dmugħ f'għajnejhom minħabba t-tluq ta' missier hekk maħbub, staqsiehom: "Fejn hu l-ewwel iben tiegħi? Ersaq lejja, għażiż ibni, biex ruħi tbierkek qabel ma mmut". Għalhekk fra Bernardo dar fuq fra Elia (li kien il-Vigarju ta' l-Ordni), u minn taħt l-ilsien qallu: "Missier, mur in-naħa tal-lemin tal-qaddis, biex ibierek lilek". U waqt li fra Elia ntasab in-naħa tal-lemin, San Franġisk, li kien tilef id-dawl minħabba l-ħafna biki tiegħu, qiegħed idu l-leminija fuq ras fra Elia, u qal: "Din mhix ir-ras ta' l-ewwel iben tiegħi, fra Bernardo". Imbagħad fra Bernardo qagħad in-naħa tax-xellug tiegħu, u san Franġisk sallab idejh, u qiegħed idu l-leminija fuq ras fra Bernardo u x-xellugija fuq ras fra Elia, u qal: "Fra Bernardo, ibierkek il-Missier tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu b'kull barka spiritwali u tas-sema fi Kristu, għax int kont magħżul l-ewwel wieħed fi ħdan l-Ordni qaddis biex tagħti eżempju ta' ħajja mfassla fuq l-Evanġelju, u timxi wara Kristu fil-faqar evanġeliku. U int mhux biss tajt dak li kellek u qassamt b'idejk miftuħa kull ma kellek lill-fqar għall-imħabba ta' Kristu, imma wasalt ukoll li toffri lilek innifsek 'l Alla fi ħdan dan l-Ordni bħala sagrifiċċju li jfuħ. Kun imbierek, għalhekk, mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu u minni qaddej tiegħu b'barkiet għal dejjem, kemm meta tkun

[327] L-isem Lombardia ma jindikax hawnhekk ir-reġjun tal-Lombardia kif nafuh illum, imma pjuttost iż-żona kollha tat-tramuntana ta' l-Italja, mill-Piemonte sal Veneto, li tiġi msejjħa mill-*Fontes* ġenerikament Lombardia.

[328] Cfr. Ġen 47. Il-mewt ta' S. Franġisk hi mqabbla ma' dik tal-Patrijarka Ġakobb. Dan hu l-kapitlu konklużiv li jitkellem minn fra Bernardo da Quintavalle, l-ewwel wieħed fost sħab S. Franġisk. Il-*Fjuretti* juru biċ-ċar l-intenzjoni li jipproponu lil Bernardo bħala l-veru iben maħbub ta' Franġisku, kontra l-Vigarju ta' l-Ordni fra Elia. Il-ġest ta' S. Franġisk li jsallab idejh biex ibierek lil Bernardo b'idu l-leminija, hu prova ta' dan.

miexi, kemm meta tkun wieqaf, kemm meta tishar u kemm meta torqod, kemm fil-ħajja u kemm fil-mewt. U kull min ibierkek ikun, hu wkoll, mimli bil-barka, min jisħtek ma jibqax mingħajr ma jieħu l-kastig li jkun ħaqqu. Kun int l-ewwel wieħed fost ħutek, u ħa jobdu l-kmand tiegħek l-aħwa kollha. Int tista' tilqa' fi ħdan l-Ordni 'l kull min trid. Ħadd mill-aħwa ma għandu jkollu setgħa fuqek, u int tista' tmur u toqgħod fejn jogħġob lilek".

U wara l-mewt ta' San Franġisk, l-aħwa kienu jħobbu u jqimu lil fra Bernardo bħala missier ta' ġieħ kbir. U meta wasal biex imut, ġew għandu ħafna aħwa minn kull parti tad-dinja. Fost l-aħwa ġie wkoll fra Egidio, raġel qrib ħafna ta' Alla, u malli ra lil fra Bernardo, b'ferħ kbir qal: "*Sursum corda*, fra Bernardo, *sursum corda*". U fra Bernardo, bil-kwiet kollu, qal lil wieħed mill-aħwa biex lil fra Egidio jlestilu post li jkun tajjeb għall-kontemplazzjoni, u għamel kif ordnalu. Meta fra Bernardo kien wasal fl-aħħar siegħa tal-mewt, talabhom iqajmuh, u kellem hekk lill-aħwa li kellu weqfin madwaru: "Ħuti l-aktar għeżież, jien ma rridx ngħidilkom ħafna kliem. Imma rridkom toqgħodu taħsbu ftit u tkunu tafu li intom għandkom l-istat ta' l-ordni tagħna li jiena kelli, u dak li għandi issa, intom għad ikollkom iżjed ukoll. U fir-ruħ tiegħi nsib dan: ma rridx għal elf dinja, bħal din li qed ngħixu fiha, li ma nkunx qdejt sewwa lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu. U kull offiża li stajt għamilt nakkuża ruħi tagħha u nistqarr li jiena ħati quddiem is-Salvatur tiegħi Ġesù Kristu, u quddiemkom. Nitlobkom, ħuti l-aktar għeżież, li tinħabbu bejnietkom". U wara li qal dan il-kliem, u ta xi tagħlim tajjeb ieħor, reġa' mtedd fis-sodda, u wiċċu sar tant leqqien u mimli ferħ li ma jitfissirx, li l-aħwa kollha stagħġbu għall-aħħar. U f'dak l-istess ferħ ir-ruħ l-aktar qaddisa tiegħu, inkurunata bil-glorja, għaddiet minn din il-ħajja hienja ta' l-anġli.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 5]

[1593] Kapitlu VII
*Dwar kif San Franġisk għadda r-Randan fuq gżira fl-għadira ta' Perugia, sam erbgħin jum u erbgħin lejl u ma kielx għajr nofs ħobża.*

San Franġisk kien veru qaddej ta' Kristu, u f'xi affarijiet kien qisu Kristu ieħor[329], mogħti lid-dinja għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Alla l-Missier riedu li b'ħafna għemejjel ikun jaqbel u jixbaħ lil Ibnu Ġesù Kristu: kellu hu wkoll kulleġġ venerabbli ta' tnax l-aħwa, kien mogħni bil-misteru ta' l-għaġeb ta' l-istmmati mqaddsa, u kien isum b'mod li ma jaqtax ir-Randan imqaddes, bil-mod kif sejrin ngħidu.

Darba minnhom, f'jum il-karnival, San Franġisk kien ħdejn l-għadira ta' Perugia[330], fid-dar ta' ħabib tiegħu li kien iġibu ħafna, fejn għadda wkoll il-lejl. Alla nebbħu biex imur jgħaddi

---

[329] *Quasi un altro Cristo*, espressjoni tipika li biha hu magħruf S. Franġisk, *quasi alter Christus*. Tesprimi l-motiv inizjali tal-*Fjuretti* u tal-letteratura kollha Franġiskana ta' tmiem is-seklu XIV, iċċentrata fuq il-konformità perfetta bejn il-ħajja ta' Franġisku u dik ta' Kristu. Wara li l-*Fjuretti* ippreżentaw il-figura ta' fra Bernardo, issa jerġgħu jieqfu fuq il-persuna ta' Franġisku nnifsu.

[330] L-għadira ta' Perugia llum hi magħrufa bħala *Lago di Trasimeno*. Hi għadira ta' karattru ġeoloġiku alluvjonali, jew ukoll tektoniku, b'estensjoni ta' 126 kilometri kwadri, fir-reġjun ta' l-Umbria. L-għadira hi r-raba' waħda fl-estensjoni fost l-għadajjar ta' l-Italja u hi fonda mhux aktar minn 6 metri. Illum il-ġurnata hi ċentru turistiku sabiħ ħafna. Fost il-gżejjer li fiha l-għadira, li huma Isola Polvese, Isola Maggiore u Isola Minore, l-Isola Maggiore, qrib Passignano sul Trasimeno, hi indikata bħala l-post li fih fl-1211 S. Franġisk għadda irtir spiritwali fir-Randan. Il-post sar tant devot li fl-1328 inbena kunvent tal-Patrijiet Minuri, u raħal ċkejken ta' sajjieda, xi 260 metri fuq il-livell ta'

r-Randan fi gżira żgħira li kien hemm fl-għadira. San Franġisk għalhekk talab lil dan il-ħabib devot tiegħu biex jieħdu bid-dgħajsa fuq xi gżira f'dik l-għadira, li fiha ma jgħixux nies. Talbu jieħdu nhar l-Erbgħa tar-Rmied bil-lejl, biex ħadd ma jinduna bit-tluq tiegħu. U dak, għall-imħabba u l-qima li kellu lejn San Franġisk, għamel dak li talbu b'ħerqa kbira, u ħadu fuq il-gżira li semmejna; u San Franġisk ma ħax miegħu għajr żewġ ħbejżiet. Meta waslu fuq il-gżira, u l-ħabib kien sejjer lura lejn daru, San Franġisk talbu bil-ħniena biex ma jgħid lil ħadd li hu kien hemm, u li ma jmurx għalih qabel Ħamis ix-Xirka. U hekk il-ħabib telaq, u San Franġisk baqa' waħdu. Billi hemm ma kienx jinsab l-ebda mkien fejn wieħed seta' jsib ftit tal-kenn, sab roqgħa fejn kien hemm ħafna friegħi u zkuk u siġar żgħar li kienu jiffurmaw qisha bejta. Hemm hu kien jitlob u jehda fil-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema. Għadda hemm ir-Randan kollu, bla ma kiel jew xorob, għajr nofs waħda mill-ħbejżiet li ħa miegħu, kif sar jaf ħabibu meta mar lura għalih f'Ħamis ix-Xirka. Miż-żewġ ħbejżiet, waħda sabha sħiħa, u l-oħra nofsha. In-nofs l-ieħor wieħed jemmen li kielu San Franġisk bħala att ta' qima għas-sawm ta' Kristu l-imbierek, li sam għal erbgħin jum u erbgħin lejl bla ma ħa ebda ikel materjali. U hekk, b'dik in-nofs ħbejża keċċa 'l bogħod minnu l-velenu tal-ftaħir fieragħ, u fuq l-eżempju ta' Kristu sam erbgħin jum u erbgħin lejl. F'dak il-post, imbagħad, fejn San Franġisk ipprattika dik l-astinenza hekk ta' l-għaġeb, Alla għamel ħafna mirakli għall-merti tiegħu. Kien għalhekk li ħafna nies bdew jibnu djar hemmhekk u jgħixu fihom. F'qasir żmien inbena raħal sabiħ u kbir, u inbena wkoll post għall-aħwa, li jissejjaħ il-post tal-Gżira. L-irġiel u n-nisa ta' dak ir-raħal għadhom sallum juru qima lejn dak il-post fejn San Franġisk għadda r-Randan li tkellimna fuqu.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 6]

[1594] Kapitlu VIII

*Dwar kif huma u mexjin flimkien, San Franġisk kellem lil fra Leone dwar il-ferħ perfett*[331].

Kienet ix-xitwa, u San Franġisk flimkien ma' fra Leone kienu mexjin minn Perugia lejn Santa Marija ta' l-Anġli. Il-ksieħ kien ixoqq il-għadam, u t-tnejn kienu maħqura bih. San Franġisk sejjaħ lil fra Leone, li kien miexi ftit 'il quddiem, u qallu hekk: "Fra Leone, ukoll kieku l-patrijiet Minuri tad-dinja kollha kellhom jagħtu eżempju kbir ta' qdusija, u jkunu ta' edifikazzjoni: b'danakollu, ikteb u innota tajjeb li l-ferħ perfett ma jinstabx f'dan". Komplew mexjin ftit 'il quddiem, u San Franġisk sejjaħlu għat-tieni darba: "O fra Leone, li kieku xi ħadd mill-patrijiet Minuri kellu jagħti d-dawl lit-torox u l-mixi liz-zopop, il-kelma lill-muti u, ħaġa aktar ta' l-għaġeb, iqajjem għall-ħajja l-mejtin li jkunu ilhom erbat ijiem fil-qabar: ikteb li l-ferħ perfett ma jinstabx f'dan". Wara ftit passi oħra, San Franġisk għajjat aktar bil-qawwi: "O fra Leone, li kieku xi ħadd mill-patrijiet Minuri kellu jkun jaf l-ilsna kollha, u jkun jaf ix-xjenzi kollha u l-Kotba Mqaddsa, hekk li jkun kapaċi jagħmilha ta' profeta u jagħti tagħrif ċar mhux biss dwar dak li għandu jiġri fil-ġejjieni, imma wkoll jaqra fil-kuxjenza u l-imħuħ tal-bnedmin: ikteb li lanqas f'dan ma jinstab il-ferħ perfett". Imxew ftit ieħor, u San Franġisk sejjaħ mill-ġdid b'leħen aktar qawwi: "O fra

l-għadira. Għad fadal il-knisja romanika ta' S. Salvatore, li fiha biċċiet minn polittiku li kien fil-knisja tal-kunvent Franġiskan.

[331] Hu l-aktar wieħed magħruf mill-*Fjuretti*, u ċertament hu dak li spiritwalment u artistikament l-aktar li jgħolli 'l fuq l-esperjenza evanġelika ta' Franġisku, iċċentrata fuq wieħed mill-aspetti l-aktar karatteristiċi tal-ħajja tiegħu: il-ferħ li jitnissel fil-qalb minkejja l-inkomprensjoni u t-tiġrib li wieħed jilqagħhom għall-imħabba u l-imitazzjoni ta' Kristu. Wieħed jinnota kif l-awtur jibni bil-mod l-entużjażmu reliġjuż ta' S. Franġisk. Tnejn huma l-protagonisti ta' dan il-*Fjurett*: Franġisku u fra Leone, li kien is-segretarju u l-konfessur tal-Qaddis.

Leone, ħarufa ċkejkna ta' Alla, imqar li xi ħadd mill-patrijiet Minuri kellu jitkellem b'leħen ta' Anġlu, u jkun jaf il-mixja tal-kwiekeb u l-qawwa mediċinali tal-ħxejjex, u jikseb tagħrifdwar it-teżori kollha ta' l-art, u jkun jaf il-kwalitajiet ta' l-għasafar u tal-ħut u ta' l-annimali kollha u tal-ġebel u ta' l-ilmijiet: ikteb li mhux f'dan kollu jinsab il-ferħ perfett". Terġa', wara ftit, San Franġisk sejjaħ b'għajta qawwija: "O fra Leone, li xi ħadd mill-patrijiet Minuri kellu jkun jaf jippriedka tant tajjeb, hekk li jdawwar għall-fidi ta' Kristu lil dawk kollha li m'għandhomx fidi fih: ikteb li, lanqas f'dan ma hemm il-ferħ perfett". Sadanittant laħqu mxew żewġ mili, jitkellmu l-ħin kollu b'dan il-mod, u fra Leone, mgħaġġeb għall-aħħar, staqsieh u qallu: "Missier, nitolbok f'ġieħ Alla, li tgħidli fejn jinsab il-ferħ perfett". U San Franġisk tah din it-tweġiba: "Meta naslu Santa Marija ta' l-Anġli, imxarrbin għasra bix-xita u nġazzati bil-kesħa u kollna tajn, u mejtin bil-ġuħ, immorru u nħabbtu fuq il-bieb tal-post, u l-purtinar kollu rabja jiġi u jgħidilna: 'Min intom?' U aħna ngħidulu: 'Aħna tnejn minn ħutkom'. U hu jgħidilna: 'M'intomx tgħidu l-verità; intom żewġ brikkuni li dduru u tingannaw id-dinja, u tisirqu l-karità li jaqilgħu l-foqra; itilqu minn hawn'. U jibqa' ma jiftħilniex, u jħallina barra għall-borra u l-ilma, u jkollna ngħaddu l-lejl fil-kesħa u bil-ġuħ. Imbagħad, kemm il-darba aħna jirnexxielna nsofru bis-sabar dawn l-offiżi u dik il-moħqrija u l-imġieba ħażina magħna, mingħajr ma nitħawdu u mingħajr ma noqogħdu nilmintaw kontrih, u naħsbu bl-umiltà kollha li dak il-purtinar lilna għarafna sewwa min aħna, u li kien Alla li ġiegħlu jitkellem kontra tagħna: o fra Leone, ikteb li hawn jinsab il-ferħ perfett. U li kellna nibqgħu inħabbtu, u hu joħroġ barra kollu mħawwad, u jkeċċina bi kliem iebes u daqqiet ta' ħarta bħallikieku konna xi nies li ma aħna tajbin għal xejn ħlief biex indejjqu 'l ħaddieħor, u jgħidilna: 'Itilquli minn hawn, ħallelin mill-agħar, morru sibu kenn fil-lazzarett, għax hawn la se tieklu, u lanqas se torqdu'. Li kellna nsofru dan kollu bis-sabar u bil-ferħ u nibqgħu bit-tbissima: o fra Leone, ikteb li hawn jinsab il-ferħ perfett. U li kieku aħna, għax mifnijin mill-ġuħ u mill-kesħa u mill-biża' tal-lejl li dieħel ġmielu, kellna nerġgħu nħabbtu mill-ġdid u ngħajtulu, u nitolbuh għall-imħabba ta' Alla, bid-dmugħ iġelben minn għajnejna, biex jiftħilna u ta' l-inqas idaħħalna ġewwa, u dak aktar imgħaddab u mfixkel minn qabel jgħid: 'Dawn huma nies li dejjquni u m'huma tajbin għal xejn, u jien se nħallashom kif ħaqqhom'. U joħroġ barra b'bastun bil-ponot, u jaqbadna mill-kapoċċ u jitfagħna ma' l-art, u jkebbibna qalb il-borra u jibda jsawwatna bil-ponot ta' dak il-bastun: li kellna nsofru dan kollu bis-sabar u bil-ferħ, u noqogħdu naħsbu fuq it-tbatijiet li għadda minnhom Kristu l-imbierek, u fuq li aħna għandna nsofru għall-imħabba tiegħu: o fra Leone, ikteb li hawn u f'dan jinsab il-ferħ perfett. Iżda isma' l-konklużjoni ta' kollox, fra Leone. Fuq il-grazzji u d-doni kollha ta' l-Ispirtu s-Santu li Kristu jagħti lill-ħbieb tiegħu hemm ir-rebħa fuqna nfusna u li għall-imħabba ta' Kristu nġarrbu t-tbatijiet, l-inġurji, l-umiljazzjonijiet u d-dwejjaq. Għax fid-doni l-oħra ta' Alla kollha kemm huma, aħna ma nistgħux niftaħru, għax mhumiex tagħna, imma ta' Alla, u għalhekk l-appostlu jgħid: *X'għandek li ma ngħatalekx? U jekk ingħatalek, il-għala tiftaħar bħallikieku ma ngħatalek xejn?* (1Kor 4,7). Imma fis-salib tat-tiġrib u tan-niket nistgħu niftaħru, għax l-appostlu jgħid: *Ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu* (Gal 6,14).

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 7]

[1595] Kapitlu IX

*Dwar kif San Franġisk għallem lil fra Leone x'għandu jwieġeb, u kif dan ma setax jgħid għajr il-kuntrarju ta' dak li ried Franġisku.*

Darba minnhom, fil-bidunett ta' l-Ordni, San Franġisk u fra Leone sabu ruħhom f'post fejn ma kellhomx kotba biex jgħidu l-Uffiċċju divin. Meta sar il-ħin biex jgħidu l-matutin[332], San Franġisk qal lil fra Leone: "Għażiż ħija, m'għandniex brevjar biex ngħidu l-matutin, imma ejja ngħaddu dan il-ħin infaħħru 'l Alla. Nibda billi ngħid xi ħaġa jien u int tweġibni kif sejjer ngħallmek, imma ara li ma tbiddilx il-kliem li ngħidlek. Jien ngħid hekk: O fra Franġisk, int meta kont għadek fid-dinja, għamilt tant ħażen u tant dnubiet li ħaqqek l-infern; u int, fra Leone, twieġeb: Tabilħaqq, int jistħoqqlok tkun fil-qiegħnett ta' l-infern". U fra Leone, bis-sempliċità ta' ħamiema, wieġeb: "Bil-qalb kollha, missier; ibda f'isem Alla". Imbagħad San Franġisk beda jgħid: "O fra Franġisk, int meta kont għadek fid-dinja, għamilt tant ħażen u tant dnubiet li ħaqqek l-infern". U fra Leone wieġeb: "Alla għad jagħmel ħafna ġid permezz tiegħek, hekk li żgur tmur il-ġenna". Qallu San Franġisk: "Tweġibx hekk, fra Leone, imma meta jien ngħid: Fra Franġisk, int li għamilt tant ħwejjeġ ħżiena kontra Alla, li jistħoqqlok tkun misħut minn Alla; int weġibni hekk: Tabilħaqq jistħoqqlok li tkun mixħut mal-misħutin". U fra Leone wieġeb: "Bil-qalb kollha, missier". Imbagħad San Franġisk, b'ħafna dmugħ u tnehid, beda jħabbat fuq sidru u jgħid b'leħen għoli: "O Sinjur tiegħi tas-sema u ta' l-art, jien għamilt ħafna ħażen u dnubiet, u bir-raġun kollu ħaqqni nkun misħut minnek". U fra Leone wiegħbu: "O fra Franġisku, Alla lilek se jqiegħdek ma' l-imberkin, u fosthom int tkun imbierek b'barka speċjali". San Franġisk stagħġeb mhux ftit meta sema' 'l fra Leone, kull darba, iwieġeb bil-maqlub ta' dak li kien ġiegħlu jgħid; ċanfru u qallu: "Għaliex m'intix tweġibni kif għallimtek? Nikkmandak b'ubbidjenza li tweġibni kif nordnalek jien. Jien ngħid: O fra Franġisk, int raġel ħażin, u taħseb int li Alla se juri ħniena miegħek? Ladarba int għamilt ħafna dnubiet kontra Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ, int m'intix denn li ssib il-ħniena. U int, fra Leone, ħarufa ċkejkna, twieġeb: B'ebda mod ma jistħoqqlok issib il-ħniena". Imma mbagħad, meta San Franġisk qal: "O fra Franġisku, int raġel ħażin", fra Leone wieġeb hekk: "Alla l-Missier, li l-ħniena tiegħu hija bla tarf u bil-wisq akbar mid-dnubiet tiegħek, juri lejk ħniena kbira, u mal-ħniena jżidlek ħafna grazzji". Meta sema' din it-tweġiba San Franġisk irrabja bil-ħlewwa u tħawwad b'sabar kbir, u qal lil fra Leone: "Għaliex azzardajt tmur kontra l-ubbidjenza, u għal ħafna drabi weġibt il-maqlub ta' dak li ġiegħltek jien?" U fra Leone, b'umiltà kbira u bil-qima kollha wieġeb: "Missier tiegħi, Alla jaf li, kull darba jien iddeċidejt f'qalbi li nwieġeb kif ikkmandatjni int. Imma Alla lili ġiegħelni nwieġeb kif jogħġob lilu, u mhux kif jogħġob lili". Meta sema' dan San Franġisk stagħġeb, hekk li lil fra Leone qallu: "Nitolbok bl-ikbar għożża biex din id-darba tweġibni kif għidtlek". Wieġeb fra Leone: "F'isem Alla għid, u din id-darba żgur li nwieġbek kif trid int". U San Franġisk, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh, qal: "O fra Franġisku, raġel ħażin, taħseb int li Alla se jkollu ħniena minnek?" Wieġeb fra Leone: "Anzi int għad tirċievi mingħand Alla grazzja kbira, u Hu jgħollik u jsebbħek għal dejjem, għax kull min jiċċekken jitgħolla. U jien ma nistax inlissen għajr dan il-kliem, għax hu Alla li qed jitkellem b'fommi". U hekk għaddew is-sahra tal-lejl sa ma sebaħ il-jum, bl-umiltà kollha jiddiskutu bejniethom, b'biki kbir u b'ħafna faraġ spiritwali.

---

[332] Matutin, jew waħda mis-Sigħat ta' l-Uffiċċju divin. F'dan il-każ Franġisku jitlob Matutin partikulari, billi ma għandux brevjar. Bħal fis-salmi, flimkien ma' l-istqarrija umli tal-midneb, Alla jwieġeb billi jirrivela t-tjubija bla tarf tal-ħniena tiegħu. Wieħed jinnota l-finezza letterarja ta' l-awtur, jew traduttur ta' din il-paġna, meta jgħid li "San Franġisk irrabja bil-ħlewwa u tħawwad b'sabar kbir".

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 8]

[1596] Kapitlu X
*Dwar kif fra Masseo, b'mod proverbjali, qal lil San Franġisk li d-dinja kollha kienet sejra warajh; u hu wieġbu li Alla ippermetta dan bi grazzja tiegħu u biex iħawwad lid-dinja; għaliex kien l-aktar bniedem li ma jiswa għal xejn fid-dinja.*

Darba San Franġisk kien qed jgħix fil-post tal-Porziuncola flimkien ma' fra Masseo minn Marignano[333], raġel qaddis ħafna, ta' dehen kbir u li kellu grazzja meta kien jitkellem fuq Alla; minħabba f'hekk San Franġisk kien iħobbu ħafna. Jum wieħed meta San Franġisk kien ġej lura mill-bosk fejn kien qed jitlob, x'ħin kien għoddu wasal biex joħroġ, fra Masseo, li ried iġarrab lil San Franġisk biex jagħraf l-umiltà tiegħu, mar jiltaqa' miegħu, u bħallikieku biċ-ċajt, qallu: "Għaliex warajk, għaliex warajk, għaliex warajk?" Wieġbu San Franġisk: "Xi trid tgħidli b'dan il-kliem?" Fra Masseo qallu: "Li rrid ngħid hu dan: għaliex id-dinja kollha ġejja warajk u kulħadd donnu jixtieq jarak u jisimgħek u jobdik? Int m'intix xi raġel ta' bixra sabiħa, u lanqas ta' xi għerf kbir, u lanqas int xi nobbli. Kif inhi din li d-dinja kollha tiġi warajk?" Meta sema' dan il-kliem San Franġisk ħass ferħ kbir f'ruħu, dawwar wiċċu lejn is-sema, u qagħad għal ħin twil jaħseb f'Alla. Meta mbagħad ġie f'tiegħu, niżel għarkubbtejh, u beda jfaħħar u jiżżi ħajr 'l Alla. Wara dan, b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu, dar fuq fra Masseo u qallu: "Trid tkun taf għaliex warajja, trid tkun taf għaliex warajja, trid tkun taf għaliex id-dinja kollha tiġi warajja? Jien dan nafu lill-għajnejn ta' Alla l-aktar għoli, l-għajnejn li ma jehdewx iħarsu fuq it-tajbin u fuq il-ħatjin kullimkien. Issa, ngħidlek, li dawk l-għajnejn l-aktar qaddisa ma rawx, fost il-midinbin kollha, wieħed aktar ħażin minni, li proprju ma jiswa għal xejn; midneb li m'hawnx ieħor akbar minnu. U, għaldaqstant, biex iwassal għat-tmiem il-biċċa xogħol ta' l-għaġeb li hu għandu f'moħħu li jagħmel, ma sabx ħlejqa ta' bla siwi aktar minni fuq wiċċ l-art. Kien għalhekk li hu għażel lili, biex iħawwad in-nobbiltà u l-kburija u l-qawwa u s-sbuħija u l-għerf tad-dinja, biex hekk kulħadd jagħraf li kull qawwa u kull ġid huma ġejjin minnu, u minn ebda ħlejqa, u hekk ħadd ma jista' joqgħod jiftaħar quddiemu; min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej, li lilu jistħoqqlu kull ġieħ u glorja għal dejjem". Meta fra Masseo ħa din it-tweġiba kollha umiltà, u ħass li kienet mogħtija b'ħeġġa kbira, bħal donnu ħassu mbeżża', u għaraf b'ċertezza li San Franġisk kien bena ħajtu fis-sod fuq l-umiltà.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 10]

---

[333] Fra Masseo hu persunaġġ ieħor magħruf fost l-ewwel aħwa ta' S. Franġisk. Kien minn Marignano, wieħed mill-irħula żgħar qrib Assisi, li llum ma għadux jeżisti. Fid-dokumenti antiki tas-Sacro Convento jingħad li kien wieħed mil-*laici de* Assisio, kif jgħid ukoll fra Ludovico da Pietralunga, li jsemmi li Masseo kien minn Assisi u li kellu neputih jismu Marino, li kien daħal ukoll fl-Ordni u li wkoll kien minn Assisi. Masseo x'aktarx daħal fl-Ordni wara l-1209, meta Franġisku ġie lura minn Ruma ma' l-ewwel tnax l-aħwa. F'dan il-*Fjurett* Franġisku jispjegalu l-għażla evanġelika li l-Mulej għamillu, biex hu jwettaq ir-rieda tiegħu. Il-faqar ta' l-istrument li jinqeda bih Alla jqiegħed f'dawl aktar ċar il-kobor tal-ħniena divina, li għażlet il-ħwejjeġ li ma huma xejn biex iġġib fix-xejn dawk li huma xi ħaġa (cfr. 1Kor 1,27-31).

[1597] Kapitlu XI

*Dwar kif San Franġisk ġiegħel lil fra Masseo idur dawra durella, u mbagħad erħielha lejn Siena.*

Darba minnhom San Franġisk kien miexi ma' fra Masseo, u dan kien xi ftit 'il quddiem. Waslu f'salib it-toroq, fejn jiltaqgħu t-triq li tieħu għal Firenze, dik li tagħti għal Siena u l-oħra li tasal Arezzo, u fra Masseo qal: "Missier, minn liema triq se ngħaddu?" U San Franġisk wieġbu: "Minn dik li jrid Alla". Qallu fra Masseo: "U kif nistgħu nkunu nafu r-rieda ta' Alla?" Wieġeb San Franġisk: "Bis-sinjal li se nurik. Għalhekk nikkmandak bil-mertu ta' l-ubbidjenza, li f'salib it-toroq, proprju fejn qed tirfes b'riġlejk bħalissa, tibda ddur dawra durella, kif jagħmlu t-tfal, u ma tieqafx qabel ma ngħidlek jien". Imbagħad fra Masseo beda jdur, idur, u tant dar li ħassu jistordi – ħaġa li soltu tiġri 'l min joqgħod jagħmel hekk – u waqa' ma' l-art aktar minn darba. Imma billi San Franġisk ma qallux biex jieqaf, u hu min-naħa tiegħu ried jobdih bl-akbar fedeltà, kull darba reġa' qam ikompli. Fl-aħħar, meta kien ilu jdur b'saħħa, San Franġisk qallu: "Ieqaf, u la tiċċaqlaqx". U hu waqaf, u San Franġisk staqsieh: "Lejn fejn qed tħares?" Wieġbu fra Masseo: "Lejn Siena". San Franġisk qallu: "Dik hi t-triq li l-Mulej iridna ngħaddu minnha".

Huma u mexjin minn dik it-triq, fra Masseo stagħġeb mhux ftit b'dak li San Franġisk kien ġiegħlu jagħmel, bħat-tfal iż-żgħar, quddiem in-nies li kienu għaddejjin mit-triq. B'danakollu minħabba l-qima li kellu lejn il-missier qaddis, ma kellu kuraġġ jgħidlu xejn.

X'ħin qorbu lejn Siena, in-nies semgħet li San Franġisk kien ġej, u marru jilqgħuh. Biex juruh il-qima tagħhom refgħu lilu u lil sieħbu, u wassluhom sal-palazz ta' l-isqof bla ma biss ħallewhom imissu riġlejhom ma' l-art. Issa, f'dak il-ħin, xi rġiel ta' Siena kienu qegħdin jiġġieldu bejniethom, u diġà kienu sfaw maqtula tnejn minnhom. Meta wasal ħdejhom San Franġisk għamlilhom priedka b'devozzjoni u qdusija kbira, hekk li rnexxielu jwassalhom ilkoll għall-paċi, u għall-umiltà u għaqda kbira bejniethom. Meta din l-aħbar waslet f'widnejn l-isqof ta' Siena u sar jaf bil-biċċa xogħol qaddisa li kien għamel San Franġisk, stiednu d-dar, u tah merħba tassew kbira, u żammu miegħu l-jum kollu, u raqqdu għandu wkoll. Il-għada filgħodu San Franġisk, ta' raġel umli li tabilħaqq kien, għax f'kull ma kien jagħmel ma kienx ifittex għajr il-glorja ta' Alla, qam kmieni ma' sieħbu, u telaq bla ma ħalla 'l-isqof jinduna.

Huma u sejrin fra Masseo qagħad igerger bejnu u bejn ruħu, u staqsa lilu nnifsu: "X'inhu jagħmel dan l-imbierek? Il-bieraħ ġiegħelni noqgħod indur bħal tifel żgħir, u llum, wara li laqgħu b'tant unuri, lill-isqof la qallu kelma tajba u lanqas raddlu ħajr". Fra Masseo dehirlu li San Franġisk xejn ma ġab ruħu sewwa. Imma, imbagħad, imnebbaħ minn Alla, ġie f'tiegħu u ċanfar bis-sħiħ lilu nnifsu, u qal f'qalbu: "Fra Masseo, int kburi żżejjed, u tiġġudika l-għemejjel li ġejjin minn Alla, u minħabba s-suppervja bla għaqal tiegħek ħaqqek l-infern: il-bieraħ ħuk Franġisku għamel ħwejjeġ tant qaddisa li, kieku għamilhom l-Anġlu ta' Alla, ma kienux ikunu aktar ta' l-għaġeb. Għaldaqstant li kellu jikkmandak titfa' l-ġebel, int għandek tagħmel li jgħidlek u tobdih. Kull ma għamel matul dan il-vjaġġ, għamlu għax kien imnebbaħ minn Alla, u dan ġie mwettaq mir-riżultati tajbin li nkisbu. Għax li kieku hu ma ġabx il-paċi bejn dawk li kienu qegħdin jiġġieldu, mhux biss ħafna iġsma kienu jisfaw vittmi tas-sikkina, kif kienu bdew isiru diġà, imma wkoll ix-xitan kien jirnexxilu jkaxkar bosta erwieħ miegħu fl-infern. U għalhekk int tabilħaqq bniedem iblah ħafna u supperv, li tgerger u tilminta dwar dak li jidher b'mod ċar li ġej mir-rieda ta' Alla".

Issa dak kollu li fra Masseo kien qed jaħseb f'qalbu, hu u miexi 'l quddiem, Alla għarraf bih lil San Franġisk. San Franġisk, għalhekk, resaq lejh u qallu hekk: "Il-ħsibijiet li għaddejjin minn moħħok bħalissa żommhom, għax huma tajbin u jiswewlek, u huma mnebbħin minn Alla. Imma dak it-tgergir li kont qed tgerger fil-bidu kien għama u fieragħ u kollu kburija, u kien id-demonju li żeragħulek f'qalbek". Imbagħad fra Masseo għaraf b'mod ċar li San Franġisk kien jaf is-sigrieti ta' qalbu. Dan ġiegħlu jifhem sewwa li l-ispirtu ta' l-Għerf divin kien imexxi lill-missier qaddis f'dak kollu li kien jagħmel.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 11]

[1598] Kapitlu XII
*Dwar kif San Franġisk qiegħed lil fra Masseo biex jieħu ħsieb il-bieb, il-karità u l-kċina; mitlub, imbagħad, mill-aħwa, neħħielu dan il-piż.*

San Franġisk ried li lil fra Masseo jżommu umli, biex il-ħafna kariżmi u grazzji li Alla għanieh bihom ma jġiegħluhx jitkabbar, imma bil-virtù ta' l-umiltà jikseb aktar virtujiet. Darba minnhom, meta kien jgħix f'post maqtugħ għalih waħdu[334], flimkien ma' l-ewwel sħab tiegħu li kienu tabilħaqq irġiel qaddisa, fosthom dan fra Masseo li qed insemmu, jum wieħed qal lil fra Masseo quddiem l-aħwa kollha: "O fra Masseo, dawn sħabek kollha għandhom il-grazzja tal-kontemplazzjoni u t-talb; imma int għandek il-grazzja li xxandar il-kelma ta' Alla biex taqdi u tikkuntenta lin-nies. Issa jien irrid li, biex sħabek l-oħra jkunu jistgħu jehdew fil-kontemplazzjoni, int toqgħod tieħu ħsieb il-bieb, tagħti l-karità u ssajjar ukoll. Meta l-aħwa l-oħra jkunu jieklu, int oqgħod kul barra l-bieb tal-post ta' l-aħwa, biex lil dawk li jiġu hawn, qabel ma jħabbtu, int tgħidilhom xi kelma għall-ġid u thennihom. Hekk ħadd mill-oħrajn ma jkollu għalfejn joħroġ barra, ħliefek. U dan agħmlu bil-mertu ta' l-ubbidjenza qaddisa". Imbagħad fra Masseo tella' l-kapoċċ u baxxa rasu, u bl-umiltà kollha aċċetta u qeda l-inkarigu ta' ubbidjenza għal ħafna ġranet; kien joqgħod jieħu ħsieb il-bieb, jagħti l-karità u jsajjar fil-kċina.

L-aħwa l-oħra, iżda, li kienu rġiel imdawlin minn Alla, bdew iħossu qalbhom tingħafas, għax raw li fra Masseo kien bniedem ta' perfezzjoni kbira daqshom, jekk mhux iżjed ukoll, u l-piż kollu tal-post waqa' fuqu u mhux fuqhom. Għalhekk qablu lkoll bejniethom, u marru jitolbu lill-missier qaddis biex jogħġbu jqassam dawk l-inkarigi bejniethom, għax il-kuxjenzi tagħhom ma setgħux joqgħodu bi kwiethom meta jaraw lil fra Masseo ibati tant tbatija waħdu. Meta sema' dan, San Franġisk emmen il-pariri tagħhom u qabel ma' dak li ssuġġerewlu. Sejjaħ lil fra Masseo u qallu: "Fra Masseo, sħabek iridu li jagħmlu huma xi wħud mill-inkarigi li tajtek, u għalhekk irrid li dawn ix-xogħlijiet jinqasmu". Fra Masseo wieġeb b'umiltà kbira u b'sabar: "Missier, dak kollu li tgħabbini bih – sħiħ jew biċċa – jien ngħoddu bħallikieku ġej minn Alla". Meta, mbagħad, San Franġisk ra l-karità ta' l-aħwa u l-umiltà ta' fra Masseo, għamlilhom priedka kbira u sabiħa ħafna fuq l-umiltà l-aktar qaddisa. Fiha għallimhom li aktar ma jkunu kbar il-kariżmi u l-grazzji li jagħtina Alla, aktar għandna għax inkunu umli; għax ebda virtù ma togħġob lil Alla jekk ma tkunx imsieħba mill-umiltà. Meta temm il-priedka, qassmilhom ix-xogħlijiet bl-akbar karità.

---

[334] Dan il-Fjurett, li juri lil S. Franġisk li jgħallem l-umiltà lil fra Masseo, hu ritratt ċar ta' l-istil ta' ħajja li l-aħwa kienu jgħixu fl-eremitaġġi. Fra Masseo jingħata x-xogħol kollu ta' l-omm (Marta), filwaqt li l-aħwa l-oħrajn kollha jkollhom il-privileġġ li jgħixu l-ħajja kontemplattiva ta' l-ulied (Marija). Din hi l-ħajja skond ir-*Regola pro eremitoriis data*, li titkellem dwar il-*loci* (postijiet), jew *romitaggi* (eremitaġġi).

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 12]

[1599] Kapitlu XIII

*Dwar kif San Franġisk u fra Masseo qiegħdu fuq ġebla, ħdejn għajn ta' l-ilma, il-ħobż li kienu ittallbu, u San Franġisk faħħar ħafna l-faqar. Imbagħad talab 'l Alla u 'l San Pietru u San Pawl biex inisslu fih imħabba lejn il-faqar, u kif dehrulu San Pietru u San Pawl.*

L-imqaddes San Franġisk kien qaddej u dixxiplu ta' l-għaġeb ta' Kristu, u kien jagħmel ħiltu kollha biex isir jixbħu f'kollox[335]. Issa, bħalma l-Evanġelju jgħid li Kristu bagħat lid-dixxipli tiegħu tnejn, tnejn f'dawk il-bliet kollha fejn kellu jmur hu, hekk meta ġabar tnax l-aħwa bagħathom fid-dinja jippriedkaw tnejn, tnejn. U biex hu stess jagħtihom eżempju ta' ubbidjenza vera, beda l-ewwel jagħmel, imbagħad jgħallem. Wara li qassam lil sħabu fil-partijiet l-oħra tad-dinja, ħa miegħu lil fra Masseo bħala sieħbu, u erħielha bil-mixi lejn il-provinċja ta' Franza. Darba minnhom waslu ħdejn raħal, imġewħin għall-aħħar, u kif tgħid ir-Regola, marru jittallbu l-ħobż għall-imħabba ta' Alla; San Franġisk mar fi triq u fra Masseo mar f'oħra. Issa ġara li, billi San Franġisk xejn ma kellu bixra sabiħa, u kien raġel qsajjar, u kien magħdud bħala tallâb u bla siwi minn min ma kienx jafu, ma qalax għajr ftit gidmiet u biċċiet ta' ħobż niexef. Imma lil fra Masseo, li kien raġel daqsiex u sabiħ fis-sura tiegħu, tawh biċċiet sbieħ ta' ħobż, biċċiet kbar ħafna, u wkoll ħobżiet sħaħ.

Meta spiċċaw jittallbu, t-tnejn li huma ħarġu flimkien barra r-raħal biex isibu post fejn jieklu; hemm kien hemm għajn sabiħa ta' ilma. Ħdejha kien hemm ukoll ġebla wiesgħa u sabiħa, u qiegħdu fuqha dak kollu li kienu qalgħu. U meta San Franġisk ra li l-biċċiet tal-ħobż li kien qala' fra Masseo kienu ħafna, u aktar sbieħ u aktar kbar milli kienu taw lilu, feraħ ħafna, u qal: "O fra Masseo, aħna lanqas jistħoqqilna li jkollna teżor hekk kbir". U wara li tenna l-istess kliem ħafna drabi, fra Masseo wieġeb: "Missier, kif tista' tgħid li għandna teżor, meta qegħdin f'tant faqar, u fejn ma għandna lanqas il-ħwejjeġ meħtieġa? Hawn la għandna tvalja, la sikkina, la skutelli, la dar, la mejda u lanqas qaddejja". San Franġisk wieġeb: "Hu proprju dan li jien ngħodd bħala teżor kbir, fejn ma hemm xejn imhejji bil-ħidma tal-bnedmin, imma dak li hemm hu mħejji mill-providenza ta' Alla, kif jidher ċar mill-ħobż li iddubbajna, minn din il-ġebla sabiħa bħala mejda, u din il-għajn ta' ilma safi. U għalhekk irrid li t-teżor hekk nobbli tal-faqar imqaddes, imhejji minn Alla nnifsu, jagħmilna nħobbuh b'qalbna kollha". Wara li qal dan il-kliem u talbu u kielu minn dak il-ħobż u xorbu mill-ilma ta' l-għajn, qamu biex ikomplu mexjin lejn Franza.

---

[335] Mill-ġdid niltaqgħu mat-tema ta' l-imitazzjoni ta' Kristu. Bħal Ġesù li jibgħat l-appostli tiegħu biex jippriedkaw, S. Franġisk ukoll jibgħat lill-aħwa tnejn, tnejn mad-dinja kollha: hu nnifsu għandu l-intenzjoni li jmur Franza ma' fra Masseo. Matul dan il-vjaġġ il-Fjurett jiddeskrivi kwadru tal-ħajja tal-fqajrin ta' l-Evanġelju, fil-ħin li fih jittallbu l-karità. Għandna hawnhekk ritratt ta' poeżija u umoriżmu, li fih joħorġu quddiemna ż-żewġ protagonisti: Franġisku, ċkejken u ta' min jistmerru, u Masseo, "raġel daqsiex u sabiħ fis-sura tiegħu". Imbagħad hemm l-episodju ta' l-ikla li l-aħwa jagħmlu maġenb għajn friska u safja ta' ilma, li hi deskrizzjoni mill-aktar għolja tal-ħajja fl-ogħla faqar, li mbagħad insibu żvilupp tagħha fid-deskrizzjoni tal-vjaġġ lejn Ruma, li fih il-Qaddis imur ħalli jaqla' mingħand il-Papa l-approvazzjoni tal-forma tal-ħajja skond l-Evanġelju. Il-Fjurett hu donnu ritratt tad-deskrizzjoni dwar *Madonna Povertà* li nsibu fl-allegorija *Sacrum Commercium*. Ir-riferiment donnu mħawwad għal vjaġġ lejn Franza u ieħor lejn Ruma, f'direzzjonijiet assolutament kuntradittorji, ma nistgħux nispjegawh kronoloġikament. Imma fil-*Fjuretti* nafu li ma hemm l-ebda preokkupazzjoni storiko-kronoloġika li rridu nfittxu, imma biss verità li titlaq, iżda, minn fatti storiċi li seħħew tabilħaqq.

Meta waslu ħdejn knisja, San Franġisk qal lil sieħbu: "Ejja nidħlu f'din il-knisja biex nitolbu". U San Franġisk mar wara l-altar, u ntasab jitlob. Waqt li kien jitlob, miż-żjara ta' Alla rċieva ħeġġa hekk kbira li qalbu tkebbset bl-imħabba għall-faqar imqaddes, u mill-kulur ta' wiċċu u mit-titwib ta' ħalqu deher bħal donnu qed itajjar fjammi ta' mħabba. Kif kien hekk kollu mħeġġeġ ġie ħdejn sieħbu u qallu: "A, A, A, fra Masseo, agħti lilek innifsek". Tenna l-istess kliem għal tliet darbiet, u mat-tielet darba San Franġisk, bin-nifs tiegħu, għolla 'l Masseo fl-arja, u tefgħu 'l quddiem daqs it-tul ta' lasta twila; fra Masseo mgħaġġeb għall-aħħar b'dan. Meta mbagħad irrakkonta dan lil sħabu qalilhom li, waqt li San Franġisk kien qed jgħollih u jimbuttah fl-arja bin-nifs tiegħu, hu ħass f'qalbu ħlewwa u faraġ ta' l-Ispirtu s-Santu, li qatt ma kien ħass daqstant f'ħajtu kollha. Wara dan San Franġisk qallu: "Sieħbi l-aktar għażiż, ejja mmorru għand San Pietru u San Pawl, u nitolbuhom li huma jgħallmuna u jgħinuna biex niksbu t-teżor bla qjies tal-faqar l-aktar qaddis; għax il-faqar hu teżor hekk għażiż u hekk divin, li m'aħniex denji li nippossjeduh fl-iġsma tagħna li ma jiswew għal xejn. Għax il-faqar hu dik il-virtù tas-sema li biha ngħaffġu fuq il-ħwejjeġ kollha ta' din l-art u li malajr jgħaddu, u li biha nneħħu kull xkiel minn quddiem ir-ruħ, biex b'libertà sħiħa tkun tista' tingħaqad ma' Alla għal dejjem. Il-faqar hu dik il-virtù li, sa minn din id-dinja stess, tgħin lir-ruħ biex titkellem ma' l-anġli tas-sema. Hi l-virtù li sieħbet lil Kristu fuq is-salib; ma' Kristu kienet midfuna, qamet ukoll ma' Kristu, u miegħu telgħet is-sema. Hi wkoll tagħti lill-erwieħ f'din il-ħajja, kemm il-darba jkunu jħobbuha tassew, li jtiru ħfief lejn is-sema. Għalhekk jixraq li tkun hi li tħares tajjeb l-armi ta' l-umiltà vera u tal-karità. Għalhekk, ejja nitolbu lill-appostli l-aktar qaddisa ta' Kristu, li kienu jħobbu b'imħabba perfetta din il-ġawhra evanġelika, li jaqilgħulna din il-grazzja mingħand il-Mulej tagħna Ġesù Kristu: għall-ħniena l-aktar qaddisa tiegħu jalla jagħtina li nimmeritaw li nkunu ħbieb veri tal-faqar evanġeliku, inħarsuh u nkunu dixxipli umli tiegħu, għax hu wisq għażiż u ta' min iħobbu ħafna".

Baqgħu jitħaddtu hekk bejniethom huma u mexjin, sa ma waslu Ruma, u daħlu fil-knisja ta' San Pietru. San Franġisk twarrab jitlob f'rokna tal-knisja, u fra Masseo f'oħra. Damu ħafna jitolbu b'qima kbira u bid-dmugħ, u 'l San Franġisk dehrulu l-appostli l-aktar qaddisa Pietru u Pawlu f'dija ta' l-għaġeb, u qalulu: "Billi int qed titlob u tixtieq li tħares dak li ħarsu Kristu u l-appostli qaddisa tiegħu, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu bagħatna nħabbrulek li t-talba tiegħek ġiet mismugħa, u lilek u lil dawk li jimxu warajk ġie mogħti minn Alla b'mod mill-aktar perfett it-teżor tal-faqar l-aktar imqaddes. U ngħidulek ukoll, f'ismu, li kull min jimxi fuq l-eżempju tiegħek b'mod perfett u jkollu din ix-xewqa, hu żgurat mill-hena ta' dejjem. Int u sħabek ukoll, ilkoll kemm intom, tkunu imberkin minn Alla". Wara li temmew jgħidu dan il-kliem ma dehrux aktar, u ħallew lil San Franġisk mimli faraġ fir-ruħ. Qam mit-talb u mar ħdejn sieħbu, u staqsieh jekk lilu Alla kienx għarrfu b'xi ħaġa; fra Masseo wieġbu li le. Għalhekk San Franġisk qallu dwar id-dehra ta' l-appostli qaddisa, u tarraflu dak li kienu irrivelawlu. Wara dan qatgħuha li ma jmorru xejn lejn Franza, imma jmorru lura fil-wied ta' Spoleto.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 13]

[1600] Kapitlu XIV
*Dwar kif waqt li San Franġisk kien jitkellem fuq Alla flimkien ma' l-aħwa, Alla deher f'nofshom.*

Darba fost l-oħrajn fil-bidu ta' l-Ordni, San Franġisk kien f'post, flimkien ma' sħabu, u kienu jitkellmu flimkien fuq Kristu. Imqanqal minn ħeġġa ta' l-ispirtu ikkmanda 'l wieħed minnhom biex, f'isem Alla, jiftaħ fommu u jitkellem fuq Alla dak li jnebbħu biex jgħid l-Ispirtu s-Santu. Meta dak qam u għamel dak li ikkmandah u tkellem fuq Alla b'mod li jsaħħrek, San Franġisk ġiegħlu jżomm is-silenzju, u ta l-istess kmand lil wieħed ieħor mill-aħwa. Hu wkoll obda l-kmand mogħti lilu, u tkellem fuq Alla b'mod fin u profond ħafna; lilu wkoll San Franġisk imponielu li jżomm is-silenzju, u qabbad lit-tielet wieħed biex jitkellem fuq Alla. Dan ukoll beda jitkellem fuq Alla, u l-ħwejjeġ sigrieti tiegħu b'mod profond u intelliġenti ħafna. San Franġisk għaraf b'ċertezza li kien l-Ispirtu s-Santu li kien qed inebbaħ kemm lilu u kemm lit-tnejn l-oħra biex jitkellmu hekk. U li dan kien hekk tabilħaqq ġie ippruvat b'eżempju u b'sinjali, għax waqt li kienu qed jitkellmu hekk deher l-imbierek Kristu f'nofshom taħt sura u għamla ta' żagħżugħ sabiħ ħafna. Hu berikhom u, huwa u jberikhom, imlihom b'tant grazzja u ħlewwa, hekk li lkoll ħassewhom qishom barra minnhom infushom, u intelqu qishom mejtin, u ma ħassew xejn ta' din id-dinja. Meta ġew f'tagħhom, San Franġisk qalilhom: "Ħuti l-aktar għeżież, roddu ħajr lil Alla li bil-fomm ta' nies sempliċi ried jgħarraf it-teżori ta' l-għerf divin. Għax Alla hu dak li jiftaħ fomm l-imbikkmin, u jagħmel li l-ilsien tas-sempliċi jitkellem b'għerf ta' l-għaġeb".

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 14]

[1601] Kapitlu XV
*Kif Santa Klara kielet ma' San Franġisk u ma' sħabu f'Santa Marija ta' l-Anġli.*

Meta San Franġisk kien ikun Assisi ta' spiss kien iżur lil Santa Klara, u jagħtiha tagħlim qaddis[336]. Hi kienet tixtieq ħafna li tiekol darba miegħu, u talbitu dan ħafna drabi, imma hu qatt ma ried jagħtiha dan il-faraġ. Sħabu li kienu jafu b'din ix-xewqa ta' Santa Klara, qalu lil San Franġisk: "Missier, ma jidhrilniex li din l-ebusija tiegħek taqbel ma' l-imħabba divina; oħtna Klara, xebba hekk qaddisa, hi tant għażiża għal Alla, u int ma tridx tismagħha u taqtagħlha xewqitha f'ħaġa hekk żgħira, li tiekol magħha. Imissek ukoll iġġib quddiem għajnejk li hi, minħabba l-priedki tiegħek, ħalliet il-għana u t-tlellix tad-dinja. U wkoll li talbitek pjaċir akbar minn dan, int kien ikollok tagħmilulha lix-xitla ċkejkna tiegħek". Imbagħad San Franġisk wieġeb: "Jidhrilkom li jien għandi nisma' minnha?" Wieġbu sħabu: "Iva, missier, jixraq li tagħmlilha dan il-pjaċir u tatiha dan il-faraġ". Qal imbagħad San Franġisk: "La lilkom jidhrilkom hekk, jidher hekk lili wkoll. Imma biex hija jkollha aktar faraġ, irrid li l-ikla nagħmilha Santa Marija ta' l-Anġli, għax hi ilha żmien twil magħluqa f'San Damiano. Jagħmlilha tajjeb li tara 'l Santa Marija ta' l-Anġli, fejn inqatagħlha xagħrha u tgħarrset ma' Ġesù Kristu. Nieklu hemm flimkien f'isem Alla".

---

[336] L-ikla ta' S. Franġisk ma' S. Klara f'Santa Marija ta' l-Anġli, aktar milli fatt storiku li seħħ verament, tista' tkun rakkont ta' tagħlima profonda u poetika dwar ir-relazzjoni mimlija mħabba *cortese* li kienet teżisti bejn il-Patrijiet Minuri u l-*Povere Dame di San Damiano*, li twassal għal esperjenza mistika ta' "nar divin u mhux materjali" li n-nies ta' Assisi jaraw jaqbad fil-bosk tal-wita fejn kien hemm il-kappella ċkejkna tal-Porziuncola. Wieħed jinnota d-delikatezza ta' l-imħabba tas-Sorijiet li jistennew bil-biża' r-ritorn ta' Klara f'San Damiano, fil-kuntest tat-trasferiment li beżgħu li tieħu, kif kienet ħaditu oħtha Agnese li intbagħtet minn Franġisku biex twaqqaf il-monasteru ta' Monticelli ta' Firenze.

Meta wasal il-jum miftiehem Santa Klara ħarġet mill-monasteru flimkien ma' soru seħbitha, u wkoll xi sħab ta' San Franġisk, u ġiet Santa Marija ta' l-Anġli. Sellmet bil-qima kollha lill-Verġni Marija quddiem l-altar tagħha, fejn qatgħulha xagħrha u rċeviet il-velu, u mbagħad qagħdu jdawruha mal-post sakemm sar il-ħin ta' l-ikel. Sadanittant San Franġisk ta l-ordni biex ihejju għall-ikel fuq il-qiegħa ta' l-art, kif kien soltu jagħmel. Meta sar il-ħin għall-ikel San Franġisk u Santa Klara qagħdu bilqiegħda flimkien, u wieħed mis-sħab ta' San Franġisk qagħad ħdejn sieħbet Santa Klara, u l-aħwa l-oħra ntasbu għall-ikel bl-umiltà kollha. Waqt li kielu l-ewwel platt San Franġisk beda jitkellem fuq Alla, u tkellem b'tant ħlewwa, b'tant għerf, u qal ħwejjeġ hekk ta' l-għaġeb li niżlet fuqhom ilkoll bil-kotra l-grazzja divina, u lkoll intilfu f'Alla.

Waqt li kienu mehdijin hekk f'Alla, iħarsu 'l fuq u jdejhom merfugħin lejn is-sema, in-nies ta' Assisi u ta' Bettona, u ta' l-inħawi ta' madwar, raw li Santa Marija ta' l-Anġli u l-post kollu u l-masġar li dak iż-żmien kien hemm miegħu, kienu ħuġġieġa waħda, u dehrilhom li xi nar kbir ħakem il-knisja, il-post u l-masġar flimkien. Għalhekk in-nies ta' Assisi ġew hemm isfel biex jitfu n-nar, għax ħasbu li tabilħaqq kien hemm xi ħaġa qiegħda taqbad. Meta waslu fuq il-post u raw li ma kien hemm xejn jaqbad, daħlu fil-knisja u sabu lil San Franġisk ma' Santa Klara u l-isħab l-oħra tagħhom, ilkoll mehdijin fil-kontemplazzjoni ta' Alla, u mdawwrin madwar mejda umli. Dan ġiegħelhom jifhmu li n-nar li raw kien nar divin, u mhux materjali. Kien Alla li għamel li dan in-nar jidher b'mod mirakoluż, biex juri u jfisser in-nar ta' l-imħabba divina li bih kienu mħeġġin l-erwieħ qaddisa ta' dawk l-aħwa, irġiel u nisa. Telqu lura b'qalbhom mimlija faraġ u edifikati ħafna b'li raw.

Wara li għadda ħafna ħin, u San Franġisk u Santa Klara u sħabhom l-oħra ġew f'tagħhom, ħassewhom imxebbgħin bl-ikel spiritwali, u ftit taw każ ta' l-ikel tal-ġisem. U meta dik l-ikla mbierka spiċċat, Santa Klara flimkien ma' seħbitha marret lura lejn San Damiano. Meta rawha s-Sorijiet ferħu ħafna għax kellhom il-biża' li San Franġisk jibgħatha tieħu ħsieb tmexxi xi monasteru ieħor, kif kien bagħat lil swor Agnese, oħt il-qaddisa, biex bħala abbadessa tmexxi l-monasteru ta' Monticelli ta' Firenze. Darba minnhom lil Santa Klara San Franġisk kien qalilha: "Kun lesta, għax jista' jkolli bżonn nibgħatek xi mkien ieħor". U hi, bħala bint l-ubbidjenza, kienet weġbitu: "Missier, jien dejjem lesta biex immur kull fejn tibgħatni int". Imma s-sorijiet ferħu ħafna meta reġgħu rawha magħhom, u minn dak iż-żmien 'il quddiem Santa Klara baqgħet dejjem tħossha mfarrġa.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 15]

[1602] Kapitlu XVI

*Dwar kif San Franġisk ħa l-parir ta' Santa Klara u tal-qaddis fra Silvestro, li hu kellu jingħata għall-predikazzjoni biex jikkonverti n-nies, u waqqaf it-tielet Ordni, ippriedka lill-għasafar u sikket il-ħuttaf.*

Il-qaddej umli ta' Kristu San Franġisk, ftit żmien wara l-konverżjoni tiegħu, wara li kien ġabar madwaru ħafna sħab u laqagħhom fl-Ordni, beda jitħasseb ħafna, u kien iħossu fid-dubju dwar dak li kellu jagħmel: jew jingħata biss għat-talb, jew xi drabi jippriedka; kellu xewqa kbira

li jkun jaf ir-rieda ta' Alla dwar dan[337]. Iżda l-umiltà qaddisa li kellu fih ma ħallietux jistrieħ la fuqu nnifsu u lanqas fuq it-talb tiegħu biss, u għalhekk ħaseb u ra li jfittex ir-rieda ta' Alla bit-talb ta' ħaddieħor. Għalhekk sejjaħ lil fra Masseo u qallu hekk: "Mur għand oħtna Klara, u għidilha għalija biex hi u xi wħud mis-sorijiet jitolbu 'l Alla bil-qima kollha biex jogħġbu jurini x'inhu l-aħjar li nagħmel: li jien ningħata għax-xandir tal-Kelma ta' Alla, jew li nkun mehdi biss fit-talb. Imbagħad mur għand fra Silvestro u għidlu l-istess kliem". Dan kien *messere* Silvestro, li meta kien għadu fid-dinja ra salib tad-deheb ħiereġ minn fomm San Franġisk, li kien ilaħħaq sas-sema u jħaddan it-trufijiet tad-dinja. Dan fra Silvestro kien raġel ta' tjubija u ta' qdusija hekk kbira, li kull ma kien jitlob mingħand Alla kien jaqilgħu u kien ikun mismugħ, u ta' spiss kien jitkellem ma' Alla. Kien għalhekk li San Franġisk kien iqimu ħafna.

Mela, fra Masseo mar u, kif ordnalu San Franġisk, wassal il-messaġġ l-ewwel lil Santa Klara, u mbagħad lil fra Silvestro. Meta dan irċieva l-messaġġ, dak il-ħin stess inxteħet jitlob, u waqt it-talb kellu tweġiba mingħand Alla, u mar lura jsib lil fra Masseo u qallu hekk: "Dan jgħid Alla biex int tmur tgħidu lil fra Franġisk: li Alla ma sejjaħlux għal dan l-istat ta' ħajja għall-vantaġġ tiegħu biss, imma biex jagħmel ħafna ġid lill-erwieħ u ħafna jsalvaw permezz tiegħu". Meta ħa din it-tweġiba fra Masseo mar mill-ġdid għand Santa Klara biex jara x'kienet qalgħet hi mingħand Alla. U hi weġbitu li hi u sħabha kienu ħadu mingħand Alla l-istess tweġiba li kellu fra Silvestro.

Meta kellu t-tweġiba fra Masseo mar lura għand San Franġisk, u San Franġisk laqgħu b'imħabba kbira, ħasillu riġlejh u lestielu għall-ikel. Wara li spiċċaw mill-ikel, San Franġisk sejjaħ lil fra Masseo fil-bosk, niżel għarkubbtejh quddiemu, neħħa l-kapoċċ minn rasu u fetaħ idejh forma ta' salib, imbagħad staqsieh: "X'jikkmandani nagħmel il-Mulej tiegħi Ġesù Kristu?" Wieġeb fra Masseo: "Kemm lil fra Silvestro kif ukoll lil oħtna Klara u s-sorijiet tagħha Kristu wieġeb u għarraf li r-rieda tiegħu għalik hi li tmur fid-dinja tippriedka, għax hu ma għażlekx biss għalik innifsek, imma wkoll għas-salvazzjoni ta' l-oħrajn". Meta San Franġisk sema' din it-tweġiba u permezz tagħha għaraf ir-rieda ta' Kristu, qam mimli ħeġġa kbira u qal: "Immorru f'isem Alla". U ħa miegħu bħala sħab lil fra Masseo u lil fra Angelo.

Misjuq minn qawwa kbira ta' l-ispirtu telaq għal għonq it-triq, bla qagħad jagħti każ hux għaddej mit-triq jew minn mogħdija, u wasal ma' l-aħwa ħdejn raħal jismu Savuriano[338]. U San Franġisk beda jippriedka, imma qabel xejn ġiegħel lill-ħuttaf biex iżommu s-skiet sakemm hu jkun spiċċa l-priedka. U l-ħuttaf semgħu minnu. U wera tant ħeġġa hu u jippriedka, hekk li l-irġiel u

---

[337] Waħda mill-għażliet fundamentali għal S. Franġisk fil-ħajja tiegħu u f'dik ta' l-Ordni kellha x'taqsam mal-primat tal-kontemplazzjoni, jew inkella ma' dak ta' l-apostolat ta' evanġelizzazzjoni. Id-dubju baqa' f'moħħ S. Franġisk minkejja l-inkarigu li tah il-Papa, permezz ta' l-approvazzjoni bil-fomm tal-*Forma Vitae* fl-1209, biex jippriedka l-penitenza. Franġisku jafda fit-talb ta' tnejn min-nies li kienu għal kollox kontemplattivi, fra Silvesto u swor Klara, filwaqt li jibgħat lil fra Masseo bħala ambaxxatur tiegħu għandhom. Klara kienet tinsab magħluqa ġewwa fil-monasteru ta' San Damiano, filwaqt li fra Silvestro kien jitlob fl-eremitaġġ ta' Le Carceri, fuq Assisi. It-tweġiba tagħhom it-tnejn hi l-istess: Alla ma kienx sejjaħ lil S. Franġisk għas-salvazzjoni tiegħu nnifsu, imma għal dik tal-bnedmin kollha.

[338] L-isem Savuriano ma jidhrix f'xi kodiċi, li pjuttost iġibu l-isem Cannario. Il-post illum jismu Cannara, u jinab bejn Assisi u Montefalco, fuq it-triq li tgħaddi wkoll minn Bevagna. Hu f'dan il-post li l-*Fontes* iqiegħdu l-episodju tal-priedka ta' l-għasafar. F'1C 58-59 l-ordni taż-żewġ priedki hu bil-maqlub u ma jidhirx li hemm kollegament mat-tweġiba dwar il-vokazzjoni li hu kellu jħaddan. Bejn il-priedka li Franġisku jagħmel wara li jsikket il-ħuttaf, u dik, aktar famuża, li hu jagħmel lill-għasafar, il-*Fjuretti* jinserixxu bħala frott immedjat tal-ħeġġa apostolika tiegħu t-twelid tat-Terz Ordni Franġiskan. Minkejja kollox, iżda, hu diffiċli li wieħed jagħmel preċiżazzjoni storika dwar il-post u ż-żmien eżatt li fih beda t-Tielet Ordni.

n-nisa kollha tar-raħal b'qima kbira lejh riedu jmorru warajh u jabbandunaw ir-raħal. Imma San Franġisk ma ħallihomx, u qalilhom: "Tgħaġġlux, u titilqux minn dawn, u jien nieħu ħsieb ngħidilkom x'għandkom tagħmlu għas-salvazzjoni ta' rwieħkom". U għalhekk ħaseb biex iwaqqaf it-tielet Ordni għas-salvazzjoni ta' kulħadd. U hekk ħallihom imfarrġin ħafna, u mhejjija biex jagħmlu l-penitenza, telaq minn hemm u ġie f'post bejn Cannara u Bevagna.

U kif kien miexi hekk imħeġġeġ, ħares 'il fuq u ra qtajjiet kbar ħafna ta' għasafar jistrieħu fuq is-siġar ta' matul it-triq. San Franġisk stagħġeb b'dawk il-qtajja u qal lil sħabu: "Intom oqgħodu stennewni fit-triq, u jien immur nippriedka lil ħuti l-għasafar". U daħal fil-għalqa u beda jippriedka lill-għasafar li kienu fl-art. Dawk li kienu fuq is-siġar malajr niżlu fl-art u ġew ilkoll flimkien u qagħdu kwieti waqt li San Franġisk kien qed jippriedka. U meta spiċċa lanqas riedu jitilqu qabel ma San Franġisk tahom il-barka tiegħu. U kif imbagħad fra Masseo irrakkonta lil fra Giacomo minn Massa, meta San Franġisk mar f'nofshom ħadd minnhom ma ċċaqlaq, għad li messhom bil-mantell. Fil-qosor, San Franġisk, hu u jippriedka lill-għasafar, qalilhom: "Ħuti għasafar, intom midjunin ħafna lejn Alla, il-ħallieq tagħkom, u jmisskom tfaħħruh dejjem u kullimkien, għax hu takom il-libertà biex ittiru ma' kullimkien. Takom ukoll ilbies doppju u triplu. Barra dan, imbagħad, hu żamm in-nisel tagħkom fl-arka ta' Noè, biex ir-razza tagħkom ma tiġi qatt nieqsa fid-dinja. Intom ukoll midjunin lejh għall-beraħ ta' l-ajru li hu ħejjielkom. Barra dan, intom la tiżirgħu u lanqas taħsdu, u Alla jitmagħkom tajjeb, u jagħtikom ix-xmajjar u n-nixxigħat biex tixorbu minnhom, u l-għoljiet u l-widien biex fihom tistkennu, u s-siġar għoljin biex fihom tagħmlu l-bejtiet tagħkom. U għad li intom la tafu tinsġu u lanqas tħitu, Alla jlibbiskom, lilkom u 'l uliedkom. Il-Ħallieq tagħkom lilkom iħobbkom ħafna ladarba għamel magħkom tant ġid. Ħuti għasafar, ħarsu rwieħkom mid-dnub ta' l-ingratitudni, u ħudu ħsieb li dejjem taraw kif tfaħħru 'l Alla".

Meta San Franġisk kellimhom hekk, dawk l-għasafar kollha bdew jiftħu ħalqhom u jtawwlu għonqhom u jiftħu l-ġwienaħ u b'qima kbira jbaxxu rashom sa l-art, u bil-kant u ġesti oħra bdew juru li l-missier qaddis tahom ħafna pjaċir. U San Franġisk feraħ u thenna magħhom, u stagħġeb mhux ftit b'dik il-kotra immensa ta' għasafar, u bil-varjetà mill-isbaħ li ra quddiemu, u bl-attenzjoni u d-dħulija li urew miegħu; għal dan kollu hu fihom faħħar b'qima lill-Ħallieq. Fl-aħħar, meta temm il-priedka, San Franġisk berikhom bis-sinjal tas-salib u tahom il-permess li jitilqu. Imbagħad dawk l-għasafar kollha ntrefgħu fl-arja jkantaw għana tassew sabiħ, u nqasmu f'erbgħa skond is-sinjal tas-salib li għamel fuqhom San Franġisk. Xi wħud minnhom taru lejn il-lvant u oħrajn lejn il-punent; terġa' oħrajn erħewlha lejn in-nofsinhar u l-bqija lejn it-tramuntana; kull qatgħa li ittajjret bdiet tgħanni għana li jsaħħar. It-tifsira ta' dan hija din: bħalma San Franġisk, li kien iġorr fih is-salib ta' Kristu kien ippriedkalhom u għamel fuqhom is-sinjal tas-salib, u skond kif firidhom hu, huma ittajjru ma' l-erba' naħat tad-dinja; hekk ukoll il-predikazzjoni tas-salib ta' Kristu mġedda permezz ta' San Franġisk, kellha tilħaq id-dinja kollha kif iddur permezz tiegħu u ta' ħutu. Dawn ħutu, bla ma jkollhom xejn tagħhom f'din id-dinja, l-istess bħal dawk l-għasafar, jintelqu b'mod sħiħ fi ħdan il-providenza ta' Alla biex jaħsbilhom Hu għall-ħajja.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [1C 58; 3C 20; LM XII,1-3; ABF 16]

[1603] Kapitlu XVII

*Dwar kif żagħżugħ li kien milqugħ fl-Ordni ra lil Kristu u lill-Verġni Marija u bosta qaddisin oħrajn jitkellmu ma' San Franġisk waqt li dan kien jitlob bil-lejl.*

Wieħed żagħżugħ, safi ħafna u innoċenti, kien milqugħ fl-Ordni fiż-żmien meta kien għadu ħaj San Franġisk. Kien qiegħed f'post żgħir fejn l-aħwa kienu jorqdu ma' l-art[339]. Darba minnhom mar f'dan il-post San Franġisk, u filgħaxija, wara l-Kumpieta, mar jorqod biex imbagħad iqum jitlob bil-lejl, kif kien soltu jagħmel, waqt li l-aħwa l-oħra kienu reqdin. Dan iż-żagħżugħ qatagħha li b'ħerqa kbira jkun jaf kif kien iġib ruħu San Franġisk, u qagħad jgħassislu biex jagħraf il-qdusija tiegħu, u l-aktar biex ikun jaf x'jagħmel meta jqum bil-lejl. U biex in-ngħas ma jagħmilx bih dak iż-żagħżugħ imtedd jorqod ħdejn San Franġisk, u rabat il-kurdun tiegħu ma' dak ta' San Franġisk, biex hekk, malli dan iqum, iħossu; sadanittant San Franġisk ma nduna b'xejn. Imma bil-lejl, wara l-ewwel raqda, meta l-aħwa l-oħra kollha kienu fl-aħjar raqda, qam u ra li l-kurdun tiegħu kien marbut ma' taż-żagħżugħ. Ħallu bil-mod biex ma jqajmux, u mar waħdu fil-masġar li kien qrib il-post ta' l-aħwa. Hemm San Franġisk daħal f'ċella żgħira u nxteħet jitlob.

Wara ftit tal-ħin iż-żagħżugħ stenbaħ u sab li l-kurdun kien maħlul u San Franġisk kien qam; qam hu wkoll u mar ifittxu. Billi sab miftuħa x-xatba li tagħti għall-masġar, ħaseb li San Franġisk kien mar hemm, u daħal ifittxu. Meta wasal qrib il-post fejn San Franġisk kien jitlob, beda jisma' ħafna diskors. U meta resaq aktar qrib biex ikun jista' jara u jifhem aħjar dak li kien qed jisma', ra dawl ta' l-għaġeb madwar San Franġisk. U f'dik id-dija lemaħ lil Kristu u lill-Verġni Marija, u l-qaddisin Ġwanni l-Battista u l-Evanġelista, u għadd kbir ta' anġli, li kollha kienu qegħdin jitkellmu ma' San Franġisk. Meta ż-żagħżugħ ra u sema' dan kollu, waqa' ma' l-art qisu mejjet. Meta intemm il-misteru ta' dik id-dehra, u San Franġisk kien reġa' lura lejn il-post ta' l-aħwa, tfixkel fiż-żagħżugħ li kien mixħut fit-triq qisu mejjet. Imqanqal mill-ħniena refgħu, u tefgħu fuq dirgħajh u ġarru bħalma r-ragħaj it-tajjeb iġorr in-ngħaġ tiegħu.

Meta mbagħad San Franġisk sar jaf mingħand iż-żagħżugħ li hu kien ra dik id-dehra, ikkmandah li, sakemm idum ħaj hu, ma jgħid biha lil ħadd. Iż-żagħżugħ kompla jikber fil-grazzja ta' Alla u fil-qima lejn San Franġisk, u kien iben denn ta' l-Ordni. Wara li miet San Franġisk, imbagħad, lill-aħwa tahom tagħrif sħiħ dwar dik id-dehra.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 19]

[1604] Kapitlu XVIII

*Dwar il-Kapitlu ta' l-għaġeb li San Franġisk laqqa' f'Santa Marija ta' l-Anġli, u li fih ħadu sehem aktar minn ħamest elef aħwa.*

Il-qaddej fidil ta' Kristu San Franġisk darba minnhom laqqa' Kapitlu ġenerali f'Santa Marija ta' l-Anġli, li fih l-aħwa li ħadu sehem kienu aktar minn ħamest elef[340]. Ġie hemm ukoll

---

[339] Il-kelma li tintuża hi *campoletti*, li tindika l-qiegħa ta' l-art li tintuża bħala sodda biex fuqha jorqdu l-aħwa. Dan hu *fjurett* mill-aktar delikat li juri t-toni sempliċi ta' deskrizzjoni mill-aktar safja dwar il-ħajja ta' S. Franġisk.

[340] Dan hu l-famuż Kapitlu tal-Ħsajjar, li kien sar nhar Għid il-Ħamsin, 30 ta' Mejju 1221, u dam għaddej għal 9 ijiem. Ir-rakkont fil-*Fjuretti* hu magħmul bi stil grandjuż, u x'aktarx li jgħaqqad flimkien diversi fatti li ġraw f'Kapitli

San Duminku, il-mexxej u l-fundatur ta' l-Ordni tal-Predikaturi, li dik il-ħabta kien sejjer lejn Bologna għal Ruma. Meta sema' bil-laqgħa tal-Kapitlu li San Franġisk kien sejjaħ fil-pjanura ta' Santa Marija ta' l-Anġli, mar hemm biex jara, u ħa miegħu seba' aħwa mill-Ordni tiegħu. Kien hemm preżenti wkoll għall-Kapitlu wieħed Kardinal li kellu qima kbira lejn San Franġisk; għax hu kien għamillu profezija li kellu jsir Papa, u hekk ġara tabilħaqq. Dan il-Kardinal kien ġie apposta minn Perugia, fejn kienet il-kurja papali, għal Assisi. Kuljum kien imur biex jara lil San Franġisk u lill-aħwa tiegħu, u xi drabi kien ikanta l-quddiesa, u drabi oħra jippriedka lill-aħwa miġburin fil-Kapitlu. Dak il-Kardinal kien jieħu pjaċir ħafna u jħossu mħeġġeġ kull darba li kien iżur lil dik il-ġemgħa qaddisa. Kien jilmaħ quddiem għajnejh f'dik il-wita li hemm madwar Santa Marija, qtajjiet ta' aħwa mferrxin 'l hawn u 'l hemm: gruppi ta' erbgħin, gruppi ta' mija jew ta' tmenin, miġburin ilkoll flimkien, mehdijin filli jitkellmu fuq Alla, fit-talb, fid-dmugħ u fl-għemejjel ta' ħniena. U kienu tant imrażżnin, u jżommu s-skiet, li ma kontx tisma' ħoss jew ċaqliqa. U mistagħġeb b'kotra hekk kbira ta' aħwa, kulħadd miġbur f'postu, bid-dmugħ f'għajnejh, qal b'qima kbira: "Dan hu tabilħaqq il-kamp u l-eżerċtu tal-kavallieri ta' Alla". F'dawk il-ġgajtiet kollha ma kienx jinstema' kliem fieragħ jew jingħad kliem ieħor, imma kull fejn kienu miġbura fi gruppi l-aħwa kienu jitolbu, jew jgħidu l-Uffiċċju divin, jew jibku d-dnubiet tagħhom jew tal-benefatturi tagħhom, jew kien jitkellmu dwar dak li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni tar-ruħ. F'dak il-kamp kien hemm għarajjex magħmulin miz-zkuk u mgħottijin bil-ħsajjar, u mqassmin fi gruppi, skond il-provinċji mnejn kienu ġejjin l-aħwa. Hu għalhekk li dak il-Kapitlu ġie msejjaħ il-Kapitlu taz-zkuk jew tal-ħsajjar. Is-sodda tagħhom kienet il-qiegħa ta' l-art, bi ftit tiben imxerred 'l hawn u 'l hemm, u l-imħaded kienu ġebla jew xi biċċa għuda. Kull min rahom jew sema' bihom inġibed lejhom bil-qima, u tant ġriet il-fama ta' qdusithom li, mill-kurja tal-Papa, li dik il-ħabta kienet Perugia, u mill-inħawi tal-Wied ta' Spoleto, ġew biex jarawhom kontijiet, barunijiet u kavallieri, u nies kbar oħra, kif ukoll nies komuni, kardinali u isqfijiet u abati u ħafna membri tal-kleru. Dawn kollha kienu ħerqana li jaraw dik il-ġemgħa ta' nies hekk qaddisa u kbira u fl-istess ħin hekk umli; id-dinja qatt ma rat ġemgħa ta' nies qaddisa miġburin ilkoll flimkien. U l-aktar dawn in-nies kollha ġew biex jaraw il-mexxej u l-missier l-aktar qaddis ta' tant aħwa, li kien irnexxielu jaħtaf lid-dinja priża hekk sabiħa, u jiġbor madwaru merħla tant sabiħa u devota biex timxi fuq il-passi tar-ragħaj il-veru, Ġesù Kristu.

Miġbur kif kien il-Kapitlu ġenerali kollu, il-Missier ta' kulħadd u l-ministru ġeneral San Franġisk, kollu ħeġġa ta' l-ispirtu fisser il-kelma ta' Alla, u b'leħen għoli qalilhom dak li l-Ispirtu s-Santu kien nebbħu jgħidlhom. Is-suġġett li fuqu tkellem fil-priedka kienu dawn il-kelmiet: "Uliedi, ħwejjeġ kbar wegħidna 'l Alla, ħwejjeġ bil-wisq akbar huma mwiegħda minn Alla lilna kemm il-darba aħna nħarsu dak li wegħidnieh, u nistennew li niksbu b'ċertezza dawk li ġew imwiegħdin lilna. Qasir hu l-pjaċir tad-dinja, imma l-kastig li jiġi warajh idum għal dejjem. Żgħira hi t-tbatija f'din id-dinja, imma l-glorja tal-ħajja l-oħra hi bla tmiem". Tkellem b'ħeġġa tassew kbira dwar dawn il-kelmiet, u farraġ lill-aħwa u ħeġġiġhom biex jobdu u juru qima lejn il-Knisja, l-omm qaddisa tagħna, u biex jinħabbu bejniethom bħall-aħwa. Riedhom ukoll jitolbu għall-poplu kollu ta' Alla, ikollhom is-sabar meta d-dinja ġġarrabhom, u jżommu l-qjies fir-riżq it-tajjeb. Ħeġġiġhom ukoll għall-indafa u s-safa ta' l-anġli, biex iżommu l-għaqda u s-sliem ma' Alla u mal-bnedmin u mal-kuxjenza tagħhom, u jħobbu u jħarsu l-faqar l-aktar imqaddes. U hawn qalilhom: "Jien nikkmandakom għall-merti ta' l-ubbidjenza qaddisa, li ħadd minnkom li tinsabu hawn miġbura ma jkollu xi ħerqa żejda dwar x'se jiekol jew x'se jixrob, jew dwar xi ħtieġa oħra tal-

---

differenti ta' l-Ordni. Hemm diskussjonijiet dwar l-istoriċità ta' xi elementi rakkontati (preżenza ta' San Duminku, tal-kardinal Ugolino u tal-membri tal-familja pontifiċja).

ġisem, imma jehda biss filli jitlob u jfaħħar ‘l Alla. Ħallu lilu jaħsbilkom għall-ħtiġijiet ta’ ġisimkom, għax Hu jieħu ħsiebkom b’imħabba speċjali”. U lkoll kemm huma laqgħu dan il-kmand b’qalb ferħana u wiċċ hieni. U meta San Franġisk temm id-diskors tiegħu, kollha nxteħtu jitolbu.

San Duminku sema’ u ra b’għajnejh dan kollu, għax kien hemm, u stagħġeb mhux ftit b’dan il-kmand li ta San Franġisk. Dehirlu wkoll li ma kellux kmand għaqli, għax ma setax jifhem kif kotra hekk kbira setgħet tkampa bla ma tagħti l-iċken ħsieb jew turi ħerqa għal dawk l-affarijiet li l-ġisem jeħtieġ. Imma r-ragħaj ewlieni, Kristu l-imbierek, ried juri li Hu jieħu ħsieb in-ngħaġ tiegħu, u jħobb b’imħabba speċjali lill-foqra tiegħu; għalhekk Hu qanqal lin-nies ta’ Perugia, ta’ Spoleto u ta’ Foligno u ta’ Assisi u ta’ l-inħawi tal-qrib, biex iġibu ikel u xorb lil dik il-ġemgħa qaddisa. U ara, malajr dehru ġejjin minn dawn il-postijiet li semmejna irġiel bil-ħmir u ż-żwiemel jiġbdu karrijiet mgħobbijin ħobż u nbid, ful u ġobon, u ħwejjeġ oħra tajbin għall-ikel, kollha affarijiet li l-qaddejja foqra ta’ Kristu kellhom bżonnhom. Barra dan ġabu magħhom tvalji, ġarar, skutelli, tazzi u reċipjenti oħrajn li kienu ta’ ħtieġa għal dik il-ġemgħa hekk kotrana. U kull min seta’ jġib ħafna affarijiet, jew seta’ jagħti b’ħerqa l-għajnuna tiegħu, kien iħossu ferħan se jtir. U saħansitra l-kavallieri u l-barunijiet u nies għolja oħra li ġew biex jaraw, bdew iservuhom b’umiltà u qima kbira. Meta San Duminku ra dawn l-affarijiet kollha, u għaraf sewwa li l-providenza divina kienet qed taħdem fosthom tabilħaqq, bl-umiltà kollha induna li kien tqarraq meta iġġudika li San Franġisk kien ta kmand imprudenti, u nxteħet għarkubbtejh quddiemu, u bl-umiltà kollha stqarr ħtijietu, u żied jgħidlu: “Hu tassew veru li Alla jieħu kura speċjali ta’ dawn il-foqra qaddisa, u jien dan ma kontx nafu. Mil-lum ‘il quddiem jien ukoll inwiegħed li nħares il-faqar evanġeliku u qaddis. U min-naħa ta’ Alla nisħet lil dawk l-aħwa ta’ l-Ordni tiegħi li jazzardaw ikollhom xi proprjetà bħala tagħhom fl-imsemmi Ordni”. Għalhekk San Duminku ħassu edifikat ħafna bil-fidi tal-wisq imqaddes Franġisku, u bl-ubbidjenza u l-faqar ta’ ġemgħa hekk ordnata ta’ aħwa, u bil-providenza divina u l-abbundanza tassew kbira ta’ kull ġid.

Matul dak l-istess Kapitlu lil San Franġisk qalulu li ħafna mill-aħwa kienu jilbsu fuq il-laħam ħżimijiet u ċrieki tal-ħadid; kien għalhekk li ħafna kienu qed jimirdu, u jmutu, u ħafna oħrajn ma kienux jistgħu jingħataw għat-talb. Għaldaqstant San Franġisk, ta’ missier verament għaqli u prudenti li kien, ikkmanda b’ubbidjenza li, kull min kellu fuqu xi ħżiem jew ċrieki tal-ħadid ineħħihom u jitfagħhom fl-art quddiemu. U hekk għamlu. Ingħaddu aktar minn ħames mitt ħżiem tal-ħadid, u ħafna iżjed kien il-għadd taċ-ċrieki ta’ l-idejn u tal-qadd, hekk li għamlu munzell kbir mhux ħażin, u San Franġisk ġiegħelhom iħalluhom hemm.

Meta mbagħad intemm il-Kapitlu, San Franġisk farraġhom ilkoll fit-twettieq tat-tajjeb u għallimhom kif għandhom jeħilsu mid-dnub f’din id-dinja ħażina, u bagħathom lura bil-barka ta’ Alla u tiegħu, lejn il-provinċji tagħhom, ilkoll imfarrġin b’ferħ spiritwali.

Għat-tifħir ta’ Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [CA 18; LM IV,10; SP 68; ABF 20]

[1605] Kapitlu XIX

*Dwar kif mill-għalqa tad-dwieli tal-qassis ta' Rieti, li San Franġisk talab fid-dar tiegħu, in-nies li ġew għandu bil-kotra ħadu l-għeneb, u mbagħad b'mod mirakoluż mid-dielja għamel ħafna nbid, kif kien wiegħdu San Franġisk. U kif Alla wiegħed lil San Franġisk li se jkollu l-ġenna bħala ħlas.*

Darba, meta San Franġisk kien marid sew f'għajnejh, is-sinjur Ugolino, il-kardinal protettur ta' l-Ordni, li kien iġibu jħobbu ħafna, kitiblu biex jgħidlu jmur għandu Rieti, għax hemm kien hemm tobba ta' l-għajnejn mill-aħjar. Meta San Franġisk ħa l-ittra tal-kardinal mar l-ewwel San Damiano, fejn kien hemm Klara, l-għarusa l-aktar qaddisa ta' Kristu; qabel imur għand il-kardinal ried l-ewwel ifarraġ lilha. Waqt li San Franġisk kien hemm, il-lejl ta' wara l-qagħda ta' għajnejh marret tant għall-agħar, hekk li lanqas seta' jara d-dawl. Billi ma setax jitlaq minn hemm, Santa Klara għamlitlu bħal kamra żgħira bil-qasab, biex fiha jkun jista' jistrieħ aħjar. Imma San Franġisk, bejn minħabba l-uġigħ tal-mard u bejn minħabba l-qtajja kbar ta' ġrieden li bdew idejjquh ħafna, b'ebda mod ma seta' jsib il-mistrieħ, la binhar u lanqas bil-lejl. Dam isofri ħafna dak l-uġigħ u t-tiġrib, hekk li beda jaħseb u jikkonvinċi ruħu li kien kastig għal dnubietu mibgħut minn Alla; beda għalhekk irodd ħajr lil Alla bil-qalb kollha u bil-fomm ukoll. Imbagħad għajjat b'leħen għoli u qal: "Mulej Alla tiegħi: jien jistħoqqli dan kollu u ħafna agħar minn hekk ukoll. Mulej tiegħi Ġesù Kristu ragħaj tajjeb, li wrejt il-ħniena tiegħek magħna midinbin f'ħafna uġigħ u tbatijiet tal-ġisem: agħti lili, ħarufa ċkejkna tiegħek, il-grazzja u l-qawwa biex ebda mard jew uġigħ jew sofferenza ma jifirduni qatt minnek". Meta temm jgħid din it-talba, sema' leħen mis-sema jgħidlu: "Franġisku, weġibni. Li kieku l-art kollha kienet tad-deheb, u l-ibħra kollha, u l-għejun u x-xmajjar kienu balzmu, u l-muntanji u l-għoljiet u l-ġebel kienu kollha ħaġar prezzjuż, u sadanittant int kellek issib teżor aqwa minn dawn il-ħwejjeġ kollha, bħalma d-deheb hu aqwa mit-trab ta' l-art, u l-balzmu aqwa mill-ilma, u l-ħaġar prezzjuż aqwa mill-muntanji u l-ġebel, u kellu jkun mogħti lilek bħala ħlas għal din il-marda tiegħek dak it-teżor aqwa, ma kienx imissek tkun aktar ħieni u tassew ferħan?" Wieġeb San Franġisk: "Sinjur, jiena ma jistħoqqlix teżor bħal dan". U l-leħen ta' Alla qallu: "Ifraħ, Franġisku, għax dak it-teżor hu l-ħajja ta' dejjem, li jien qed inżomm għalik, u sa minn issa stess nagħnik biha; u din il-marda u dan l-uġigħ huma rahan ta' dak it-teżor hieni"[341]. Imbagħad San Franġisk, mimli bil-ferħ għal din it-tweġiba hekk ta' l-għaġeb, sejjaħ lil sieħbu u qallu: "Ejja mmorru għand il-Kardinal". U wara li farraġ lil Santa Klara bi kliem qaddis, u bl-umiltà kollha sellmilha, qabad miexi lejn Rieti.

U meta qorob lejn il-post tant ġew nies biex jilaqgħu miegħu, li hu ma riedx jidħol fil-belt, imma mar fi knisja li kienet qrib il-belt, forsi xi żewġ mili bogħod minnha. Meta n-nies tal-belt sar jafu li hu kien f'dik il-knisja marru hemm biex jarawh, u għamlu ħafna ħsara lid-dielja li kien hemm madwar il-knisja, u qatgħu l-għeneb kollu. Meta ra dan il-qassis iddispjaċih ħafna, u sogħob bih li kien laqa' 'l San Franġisk fil-knisja tiegħu. Billi, imnebbaħ minn Alla, San Franġisk għaraf il-ħsibijiet li kellu f'qalbu l-qassis, sejjaħlu u qallu: "Missier l-aktar għażiż, xi kemm il-bettija għeneb fis-sena kont tieħu minn din id-dielja meta tkun l-aħjar annata?" Wieġbu li kien jieħu tnax. Qallu San Franġisk: "Nitolbok, missier, li tistabar ftit bija u tħallini noqgħod hawn għal ftit jiem oħra, għax hawn insibni mistrieħ ħafna, u ħalli lil kulħadd jieħu mill-għeneb tad-dielja tiegħek għall-imħabba ta' Alla, u tiegħi, raġel fqajjar. U min-naħa tal-Mulej tiegħi Ġesù Kristu nwiegħdek li din is-sena d-dwieli jagħtuk għoxrin bettija nbid". U San Franġisk baqa' hemm għax ra li kien qed isir ħafna ġid fl-erwieħ ta' dawk in-nies li kienu jmorru hemm, hekk li ħafna minnhom kienu

---

[341] Fir-rakkont ta' CA 83 u SP 100, li jġibu dan l-episodju, in-narratur idaħħal hawnhekk il-kompożizzjoni ta' l-*Għanja tal-Ħlejjaq*, filwaqt li r-rakkont tad-dielja tal-qassis ta' San Fabiano jinsab f'postijiet oħrajn.

jitilqu imsakkrin bl-imħabba ta' Alla, u kienu jħallu d-dinja. Il-qassis wera fiduċja fil-wegħda ta' San Franġisk, u ħalla 'l kull min kien jiġi jżuru jieħu kemm irid għeneb mill-għalqa tad-dwieli. Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! Il-għalqa tad-dwieli sfat meqruda kważi għal kollox, u l-għeneb ittieħed, hekk li ma kienx baqa' għajr xi ftit għenieqed żgħar ta'l-għeneb. Meta wasal iż-żmien biex jaqta' l-għeneb, il-qassis ġabar dawk l-għenieqed u tefagħhom fil-magħsar u għasarhom. Tabilħaqq, il-wegħda ta' San Franġisk seħħet, u mela għoxrin bettija nbid. Dan il-miraklu wera biċ-ċar li, kif għall-merti ta' San Franġisk il-għalqa tad-dwieli li kienet imneżża' mill-għeneb tat kwantità kbira ta'nbid, hekk ukoll il-poplu nisrani, li minħabba d-dnubiet ma kienx jagħti frott ta' għemejjel tajba, għall-merti u t-tagħlim ta' San Franġisk ħafna drabi kien jagħti frott kotran ta' penitenza.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [CA 67.83; SP 100.104; ABF 21]

[1606] Kapitlu XX
*Dwar viżjoni sabiħa ħafna li kellu wieħed mill-aħwa żgħażagħ, li kellu tant stmerrija għall-ilbies reliġjuż, li kien lest li jinża' t-tonka u jħalli l-Ordni.*

Daħal fl-Ordni ta' San Franġisk żagħżugħ li kien ġej min-nobbli, u kien delikat ħafna. Imma dan, imxewwex mid-demonju, wara ftit jiem li daħal beda jħoss tant stmerrija għall-ilbies li kien iġib fuqu, hekk li dehirlu li kien qed jilbes xkora rozza; il-kmiem kienu jdejjquh u l-kapoċċ ma kienx jista' għalih; it-tul u l-ħxuna kien jarahom bħala tagħbija li ma kienx jiflaħ iġorrha. U billi kiber fih ukoll id-dispjaċir li daħal fl-Ordni, fl-aħħar qatagħha li jħalli t-tonka u jmur lura fid-dinja.

Dan iż-żagħżugħ kien ħa d-drawwa, kif kien għallmu jagħmel is-surmast tiegħu, li kull meta jgħaddi minn quddiem l-altar tal-kunvent, fejn hemm miżmum il-Ġisem ta' Kristu, jinżel għarkubbtejh b'qima kbira, u jneħħi l-kapoċċ minn rasu, u jagħmel l-inkin b'idejn imsallbin fuq sidru. Issa ġara li dik il-lejla li kellu jitlaq u joħroġ mill-Ordni, inzerta għadda minn quddiem l-altar tal-kunvent; kif għadda minn quddiemu għamel dak li kien imdorri jagħmel: niżel għarkubbtejh u ta qima b'rasu baxxuta. Dak il-ħin stess ħassu maħtuf fl-ispirtu, u Alla wrieh dehra tassew ta' l-għaġeb. Ra quddiemu qtajja li ma tgħoddhomx ta' qaddisin, mexjin purċissjoni tnejn tnejn, lebsin b'ilbies mill-isbaħ, ta' drapp mill-ifjen; wiċċhom u idejhom kienu jleqqu bħax-xemx, u huma u mexjin kienu jinstema' l-għana u l-kant ta' l-anġli. Fost dawk il-qaddisin kien hemm tnejn li kienu lebsin ilbies wisq aktar nobbli u prezzjuż mill-oħrajn kollha, u kienu mdawwrin minn dija tant kbira u leqqiena, hekk li kull min iħares lejhom kien iħossu jitgħammex. Lejn l-aħħar tal-purċissjoni ra wieħed li kien imdawwar b'tant glorja, u li kien miqjum ħafna aktar mill-oħrajn. Meta dan iż-żagħżugħ ra dik id-dehra, stagħġeb bil-bosta, u ma setax jifhem it-tifsira ta' dik il-purċissjoni, u ma kellux kuraġġ jistaqsi dwarha, u baqa' mgħaġġeb bil-ħlewwa li ġabitlu f'qalbu. Meta kienet għoddha għaddiet dik il-purċissjoni kollha, dak iż-żagħżugħ għamel il-kuraġġ u mar fuq ta' l-aħħar, u b'biża' kbir fuqu staqsiehom u qalilhom: "O l-aktar għeżież, nitlobkom biex jogħġobkom tgħiduli min huma dawn in-nies ta' l-għaġeb li qed jieħdu sehem f'din il-purċissjoni qaddisa". U huma weġbuh: "Iben, kun af li aħna lkoll mill-patrijiet Minuri li għadna kemm ġejna mill-glorja tal-ġenna". U dak staqsiehom: "Min huma dawk it-tnejn li għandhom dija akbar minn

ta' l-oħrajn?" U huma weġbuh: "Dawn huma San Franġisk u Sant'Antnin, u dak l-aħħar wieħed li int rajt meqjum ħafna, hu wieħed mill-aħwa, qaddis, li għadu kemm miet. Dan iġġieled b'kuraġġ kbir kontra t-tentazzjonijiet u baqa' sħiħ sa l-aħħar, u hu għalhekk li aħna ġejna nakkumpanjawh biex inwassluh rebbieħ fil-glorja tas-sema. U dan l-ilbiesi hekk sbieħ li qed tarana lebsin bihom tahomlna Alla li bidilhomlna ma' l-ilbies aħrax li aħna, meta konna fl-Ordni, ġarrejna fuqna bl-akbar sabar. Id-dija leqqiena li tara fina, mbagħad, Alla tahielna minħabba l-umiltà u s-sabar u l-faqar imqaddes u l-ubbidjenza u s-safa li aħna ħarisna sa l-aħħar. Iben, jalla ma jkunx għalik piż tqil li ġġorr fuqek l-ixkora ta' l-Ordni li permezz tiegħu tant isir ġid. Għax jekk int bl-ixkora ta' San Franġisk, għall-imħabba ta' Kristu tmaqdar id-dinja u tgħakkes lil ġismek, u bil-kuraġġ u l-qawwa kollha teħodha kontra d-demonju, int ukoll għad ikollok, flimkien magħna, libsa bħal din u d-dija tal-glorja". Wara li ntqalu dawn l-aħħar kelmiet, iż-żagħżugħ ġie f'tiegħu, u ħassu mfarraġ ħafna minn dik id-dehra, hekk li keċċa kull tentazzjoni. Mar jistqarr il-ħtija tiegħu quddiem il-gwardjan u quddiem l-aħwa. Minn dak in-nhar 'il quddiem kien jixxennaq għall-ħruxija tal-penitenza, u ta' l-ilbies, u temm ħajtu fl-Ordni fi qdusija kbira.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 22]

[1607] Kapitlu XXI

*Dwar il-miraklu l-aktar qaddis li għamel San Franġisk meta ikkonverta l-lupu ta' Gubbio li kien feroċi ħafna.*

Fiż-żmien li San Franġisk kien jgħix fil-belt ta' Gubbio, f'dawk l-inħawi deher lupu kbir ħafna, tal-biża' u feroċi, li kien jibla' mhux biss l-annimali, imma saħansitra lill-bnedmin. Dawk kollha li kienu jgħixu fil-belt kienu maħkuma minn biża' kbir, għax ta' spiss kien jersaq lejn il-belt. Kull darba li kienu joħorġu barra l-belt, kienu joħorġu armati, qishom sejrin għall-gwerra, u b'danakollu, kull min kien jiltaqa' miegħu waħdu, ma kienx jista' jiddefendi ruħu minnu. U waslu li, imbeżżgħin minn dan il-lupu, iċ-ċittadini ma kienux jażżardaw joħorġu barra l-belt.

Minħabba qagħda bħal din San Franġisk ġietu ħniena min-nies ta' dik il-belt, u qatagħha li jmur jiltaqa' ma' dan il-lupu, għad li ħadd min-nies tal-belt ma tah il-parir li jagħmel biċċa bħal din. Radd is-salib imqaddes u, flimkien ma' sħabu, ħareġ barra l-belt, mimli tama f'Alla. L-oħrajn kienu fid-dubju jkomplux imorru miegħu aktar 'il hemm, imma San Franġisk erħielha lejn il-post fejn kien jgħix il-lupu. U ara, kif ra dawk in-nies kollha tal-belt li ħarġu biex jaraw dak il-miraklu, il-lupu mar jiltaqa' ma' San Franġisk b'ħalqu miftuħ. San Franġisk resaq lejh u għamillu s-sinjal tas-salib imqaddes, sejjaħlu biex jiġi ħdejh u qallu: "Ejja hawn, ħija lupu, u f'isem Kristu nikkmandak li la tagħmel ħsara lili, u lanqas lil xi ħadd ieħor". Ħaġa ta' l-għaġeb tirrakkontaha! Hekk kif San Franġisk għamillu s-sinjal tas-salib dak il-lupu tal-biża' għalaq ħalqu, u baqax jiġri. U malli sema' 'l San Franġisk jagħtih dak il-kmand, ġie ħdejh ġwejjed qisu ħaruf, u nxteħet f'riġlejn San Franġisk. U San Franġisk kellmu hekk: "Ħija lupu, int qed tagħmel ħafna ħsara f'dawn l-inħawi, u int ħati ta' ħafna delitti, għax qed teqred u toqtol il-ħlejjaq ta' Alla mingħajr il-permess tiegħu. U mhux annimali biss qtilt u blajt, imma kellek ukoll il-wiċċ tost li toqtol il-bnedmin maħluqin għax-xbieha ta' Alla. Għalhekk ħaqqek min jagħtik il-forka bħala ħalliel u

qattiel mill-agħar. U kulħadd jilminta minnek u jeħodha kontrik, u n-nies kollha ta' din il-belt huma għedewwa tiegħek. Imma, ħija lupu, jien irrid li nġib il-paċi bejnek u bejnhom, hekk li int qatt aktar ma tagħmlilhom il-ħsara, u huma jaħfrulek l-offiżi, li rċevew mingħandek fl-imgħoddi, u li la n-nies u lanqas il-klieb ma jeħduha qatt aktar kontrik". Wara li San Franġisk qal dan il-kliem il-lupu beda jagħmel ġesti b'ġismu u denbu u widnejh, u jbaxxi rasu, biex juri li hu kien jilqa' kull ma qallu San Franġisk, u li ried joqgħod għalih. Imbagħad San Franġisk qal: "Ħija lupu, ladarba jogħġbok li tagħmel int ukoll din il-paċi, u żżommha, jien inwiegħdek li se jkollok l-ikel kollu meħtieġ għal dejjem, sakemm iddum ħaj, għax in-nies ta' din il-belt se jaħsbulek biex int qatt aktar ma tbati l-ġuħ. Imma ladarba jien qlajtlek din il-grazzja, irrid, ħija lupu, li twiegħedni li qatt aktar ma tagħmel il-ħsara, u la lin-nies u lanqas lill-annimali; twiegħduli dan?" U l-lupu baxxa rasu, u wrieh biċ-ċar li kien se jwiegħdulu. U San Franġisk qal: "Ħija lupu, irridek li tagħtini rahan ta' din il-wegħda, biex jien inkun nista' nafda fik sewwa". U San Franġisk medd idu biex jieħu r-rahan u l-lupu refa' siequ ta' quddiem dritta, u bil-ħlewwa kollha qiegħedha f'idejn San Franġisk, u hekk tah is-sinjal li seta' jagħtih biex jemmnu.

Imbagħad San Franġisk qal: "Ħija lupu, f'isem Ġesù Kristu nikkmandak li issa tiġi miegħi bla ma tiddubita xejn, u mmorru biex inwettqu din il-paċi f'isem Alla". U l-lupu ubbidjenti mar miegħu bħallikieku kien ħaruf ġwejjed, hekk li meta n-nies tal-belt raw din il-ħaġa stagħġbu mhux ftit. U din l-aħbar malajr xterdet mal-belt kollha, u kull xorta ta' nies, irġiel u nisa, kbar u żgħar, żgħażagħ u xjuħ, ħarġu bi ħġarhom fil-pjazza biex jaraw il-lupu ma' San Franġisk. Kif ra l-poplu kollu miġbur hemm, San Franġisk qam u beda jippriedka u, fost ħwejjeġ oħra, qalilhom kif minħabba d-dnubiet Alla jippermetti li jiġru dawn l-affarijiet u li jkun hawn il-mard. Qalilhom ukoll li n-nar ta' l-infern, li fih jinħarqu d-dannati għal dejjem, hu bil-wisq agħar mir-rabja tal-lupu li ma jistax joqtol għajr il-ġisem. "Kemm hu ta' min jibża' aktar minn ħalq l-infern, meta folla hekk kbira tibża' u titkexkex minn ħalq ta' bhima ċkejkna. Għeżież, erġgħu mela duru lejn Alla, u agħmlu penitenza xierqa ta' dnubietkom, u Alla jeħliskom mil-lupu issa u min-nar ta' l-infern fil-ġejjieni". Meta spiċċa l-priedka San Franġisk qal: "Ħuti, isimgħuni: ħija l-lupu, li qiegħed hawn quddiemkom, wiegħedni u saħħaħli b'raħan il-wegħda tiegħu, li jagħmel paċi magħkom u li qatt aktar ma hu se jagħmlilkom ebda ħsara, u intom wiegħduh li kuljum tagħtuh dak li jkollu bżonn. U jien nidħol responsabbli għalih li hu jħares bil-qawwa kollha l-patt tal-paċi". Imbagħad in-nies kollha, b'leħen wieħed, wiegħdu li jibqgħu jitimgħuh[342]. U San Franġisk, quddiem kulħadd, qal lil-lupu: "U int, ħija lupu, twiegħed li tħares il-patt tal-paċi ma' dawn, u li ma tagħmel ħsara lil ħadd, la bnedmin u lanqas annimali, jew xi ħlejqa oħra?" U l-lupu niżel għarkobbtejh u baxxa rasu, u b'ċaqliq umli ta' ġismu u denbu u widnejh wera, kemm seta', li ried iħares il-patt magħhom. U San Franġisk qallu: "Ħija lupu, irridek li kif tajtni rahan ta' din il-wegħda barra l-

---

342 Il-mument kulminanti tal-*Fjurett* tal-lupu ta' Gubbio. Franġisku jġiegħel lin-nies u lil-lupu biex jagħmlu patt ta' ħbiberija u paċi: il-lupu jwarrab il-krudeltà tiegħu, filwaqt li n-nies tal-belt iwiegħdu li jitimgħuh kull jum. Dan il-patt idum għaddej għal sentejn, li matulhom *frate lupo* jieħu l-bixra umli ta' wieħed mill-aħwa li joħorġu jittallbu l-karità għall-għajxien tagħhom u jagħtu eżempju tajjeb bl-imġieba tagħhom. Il-preżenza tal-lupu u t-tifkira tiegħu baqgħet sinjal tal-preżenza ta' Franġisku fil-qalb tan-nies ta' Gubbio. F'diversi Fonti oħrajn naraw stejjer dwar ilpup (AC 74; 2C 35-36, u l-*Passione di S. Verecondo*). Instab manuskritt tas-seklu 13 f'Sarnano li fih hemm inkluża din l-istorja u dik tal-ħamiem selvaġġ ta' Siena, li tiġi warajha. Għal din ir-raġuni Marino Bigaroni u Giovanni Boccali jqisuhom awtentiċi.

bieb tal-belt, hekk ukoll tagħtini mill-ġdid rahan tagħha quddiem il-poplu kollu, li int m'intix se tqarraq bija għall-wegħda li għamilt u għall-garanzija li jien għamilt għalik". Imbagħad il-lupu għolla siequ dritta, u qiegħda f'id San Franġisk. Kemm minħabba dan l-għemil, kif ukoll minħabba l-oħrajn li semmejna qabel, in-nies imtlew bil-ferħ u stagħġbu, b'qima lejn il-qaddis u wkoll minħabba din il-ġrajja hekk qaddisa, u wkoll minħabba l-paċi tal-lupu, ilkoll bdew jgħajjtu lejn is-sema, jfaħħru u jbierku 'l Alla, li bagħtilhom lil San Franġisk, u li għall-merti tiegħu ħelishom minn ħalq dik il-bhima feroċi.

Wara dan il-lupu dam jgħix għal sentejn f'Gubbio, u kien jidħol ħiemed fid-djar, minn bieb għall-ieħor, mingħajr ma jagħmel ħsara lil ħadd u bla ma ħadd kien idejqu. U n-nies kienu jmantnuh bil-ħlewwa kollha, u hu u miexi fit-toroq u jidħol fid-djar, lanqas kelb wieħed qatt ma nebaħ warajh. Fl-aħħar, wara sentejn, fra lupu miet bix-xjuħija, u n-nies tal-belt tnikktu ħafna, għax meta kienu jarawh miexi kwiet fil-belt huma kienu jiftakru aħjar fil-virtujiet u l-qdusija ta' San Franġisk.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 23]

[1608] Kapitlu XXII

*Dwar kif San Franġisk immansa l-ħamiem selvaġġ.*

Darba waħda kien hemm żagħżugħ li kien qabad ħafna ħamiem selvaġġ, u kien sejjer biex ibiegħhom[343]. Iltaqa' miegħu fit-triq San Franġisk, li dejjem kellu mħabba speċjali lejn l-annimali ġwejdin, ħares lejhom b'ħarsa ta' ħniena, u qal liż-żagħżugħ: "O żagħżugħ twajjeb, nitolbok li tagħtihomli, u li għasafar hekk innoċenti, li fl-Iskrittura huma mxebbħa ma' l-erwieħ safja, umli u fidili, ma jiġu qatt f'idejn in-nies krudili li jaħqruhom". Imnebbaħ minn Alla, bla telf ta' żmien, tahom kollha lil San Franġisk, u dan laqagħhom fi ħdanu, u beda jkellimhom bil-ħlewwa u jgħidilhom: "O aħwa tiegħi, ħamiem sempliċi, innoċenti u safjin, għaliex tħallu li jaqbdukom? Araw, issa jien irrid neħliskom mill-mewt u nagħmlilkom il-bejtiet, biex intom ikollkom il-frott u toktru skond il-kmandamenti tal-Ħallieq tagħkom".

U San Franġisk mar, u kollha għamlilhom il-bejta. U huma, kif inhi d-drawwa tagħhom, bdew ibidu u jkollhom iż-żgħar quddiem l-aħwa, u ma' San Franġisk u l-aħwa l-oħra kienu jġibu

---

343 Bl-episodju tal-lupu ta' Gubbio, dan l-episodju l-ieħor tal-ħamiem selvaġġ li Franġisku jeħlishom u jħallihom jgħammru fil-post ta' l-aħwa, jisħaq dwar element importanti fil-ħajja ta' Franġisku, jiġifieri l-imħabba tiegħu lejn il-ħlejjaq. Hi mħabba tassew universali dik ta' Franġisku, li jidħol fi ħbiberija mal-ħlejjaq kollha li għandhom ir-ruħ u ta' dawk bla ruħ, u jistedinhom jgħarrfu u jfaħħru lill-Mulej li jimliehom bid-doni tiegħu.

ruħhom bi dħulija kbira, bħallikieku kienu tiġieġ imrobbijin minnhom. U qatt ma ħallew il-post, sakemm San Franġisk ma tahomx il-permess li jmorru bil-barka tiegħu.

U liż-żagħżugħ li tahomlu San Franġisk qallu: "Ibni, int għad tkun wieħed mill-aħwa fi ħdan l-Ordni tagħna, u taqdi lil Ġesù Kristu bil-qalb it-tajba". U hekk ġara tabilħaqq, għax dak iż-żagħżugħ daħal patri u għex fl-Ordni bi qdusija kbira.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 24]

[1609] Kapitlu XXIII

*Dwar kif San Franġisk ħeles lil wieħed mill-aħwa li kien fid-dnub max-xitan.*

Darba minnhom, huwa u jitlob fil-post tal-Porziuncola, San Franġisk kellu rivelazzjoni divina u ra li dan l-imkien kien imdawwar u assedjat mid-demonji bħallikieku minn eżerċtu kbir. Imma ħadd minnhom ma seta' jidħol fil-post, għax l-aħwa li kienu jgħixu fih kienu kollha ta' qdusija kbira, hekk li d-demonji ma kienux jistgħu jidħlu ġewwa. Komplew hekk, iżda jum minnhom, wieħed minn dawk l-aħwa kellu xi jgħid sewwa ma' ieħor, u qagħad jaħseb f'qalbu dwar kif seta' jakkużah u jivvendika ruħu minnu. Minħabba f'hekk, billi dak baqa' l-ħin kollu mehdi b'dan il-ħsieb ħażin, id-demonju, issa li sab il-bieb miftuħ, daħal fil-post, u ntefa' fuq għonq dak il-patri. Meta r-ragħaj, kollu ħniena u ħerqa għan-ngħaġ tiegħu li fuqhom kien jishar bla heda, ra li daħal il-lupu biex jibla' n-nagħġa ċkejkna tiegħu, bagħat isejjaħ lil dak il-patri biex imur għandu, u ikkmandah biex dak il-ħin stess ineħħi minnu l-velenu tal-mibegħda li kien nissel fih kontra l-proxxmu, u li minħabba fih hu kien f'idejn il-għadu tiegħu. Dak beża' ħafna, għax ra li l-missier qaddis kien fehem kollox, u talab bl-umiltà kollha l-penitenza flimkien mal-ħniena. Wara li għamel dan, u rċieva l-maħfra ta' dnubu u l-penitenza, dak il-ħin stess, fil-preżenza ta' San Franġisk, id-demonju telaq minn hemm. U dak il-patri, meħlus b'dan il-mod mill-bhima qalila, għat-tjubija tar-ragħaj it-tajjeb, iżża ħajr lil Alla. Hu għaraf jidħol lura fil-merħla tar-ragħaj qaddis, imwiddeb u mgħallem sewwa, u mbagħad kompla jgħix fi qdusija kbira.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [2C 34; LM XI,11; ABF 26]

[1610] Kapitlu XXIV

*Dwar kif San Franġisk dawwar għall-fidi lis-Sultan ta' Babilonja u lill-mara prostituta li talbitu jidneb magħha.*

San Franġisk, imqanqal miż-żelu tal-fidi ta' Kristu u mix-xewqa li jieħu l-martirju, darba minnhom erħielha u mar 'l hemm mill-baħar flimkien ma' tnax mill-aħwa tiegħu, kollha rġiel ta' qdusija kbira, ilkoll ħerqanin li jmorru għand is-Sultan ta' Babilonja[344]. Waslu mela fl-inħawi tas-Saraċini, f'postijiet fejn wieħed kellu jara sewwa fejn imidd riġlejh minħabba ċerti nies krudili, għax ħadd mill-insara li kien jirfes hemm ma kien jeħlisha mill-mewt. Imma għoġob lil Alla li huma ma jiġux maqtula, imma maqbudin, imsawwtin u marbutin, u meħudin quddiem is-Sultan. Kif kienu hemm quddiemu, San Franġisk, mgħallem kif kien mill-Ispirtu s-Santu, xandar il-fidi ta' Ġesù Kristu b'mod tassew divin, hekk li ried saħansitra jidħol fin-nar biex jagħti prova tal-fidi tiegħu. Minħabba f'hekk is-Sultan beda jkollu qima u rispett kbir lejh, kemm minħabba l-qawwa li biha baqa' juri l-fidi tiegħu, u kemm ukoll għax rah li hu jaf imaqdar id-dinja, għax ebda rigal ma ried jieħu mingħandu, għad li kien fqir għall-aħħar. Terġa', ra li kellu ħeġġa kbira fih biex jieħu l-martirju. Minn dak il-ħin 'il quddiem is-Sultan kien jisimgħu bil-qalb, u kien jitolbu biex imur iżuru spiss; tah ukoll il-permess biex hu u sħabu jippriedkaw kull fejn jogħġobhom huma. Tahom ukoll sinjal biex jintagħrfu, ħalli ħadd ma jkun jista' jagħmlilhom ebda ħsara.

Wara li kiseb permess hekk kbir u wiesgħa, San Franġisk bagħat lil dawk l-aħwa li kien għażel biex, tnejn tnejn, imorru jxandru l-fidi ta' Kristu f'ħafna nħawi fejn kienu jgħixu s-Saraċini. Hu wkoll, flimkien ma' wieħed minn sħabu, għażel post, u meta wasal hemm daħal f'lukanda għal ftit mistrieħ. U hemm kien hemm mara, sabiħa ħafna f'ġisimha, imma maħmuġa f'ruħha. Din il-mara misħuta lil San Franġisk talbitu biex jagħmel id-dnub magħha. U qalilha San Franġisk: "Tajjeb, naċċetta; ejja mmorru flimkien fis-sodda"; u hi ħaditu f'kamritha. U qal San Franġisk: "Ejja miegħi, u jien nieħdok ħdejn sodda tassew sabiħa". U ħadha ħdejn nar kbir li kien hemm jaqbad f'dik id-dar. Imqanqal minn ħeġġa fl-ispirtu tiegħu, neża' għarwien, u nxteħet fin-nar iħeġġeġ, u beda jistedinha tinża' u tmur timtedd miegħu fuq dik is-sodda hekk komda u sabiħa. U San Franġisk dam wieqaf hemm għal ħafna ħin, b'wiċċu hieni, bla ma nħaraq imkien jew ixxawwat bin-nar. Meta rat dan il-miraklu dik il-mara beżgħet ħafna u ħasset l-indiema f'qalbha. U mhux biss nidmet mid-dnub u mill-fehmiet ħżiena ta' qalbha, imma wkoll ikkonvertiet b'mod perfett għall-fidi ta' Kristu, u saret mara ta' qdusija hekk kbira li, minħabba fiha, kienu ħafna l-erwieħ li salvaw f'dawk l-inħawi.

---

[344] Is-Sultan ta' Babilonja kien Malik-al-Kamil, Sultan ta' l-Eġittu (1180-1238). Dan l-episodju magħruf ta' Damiata, li jinsab f'diversi Fonti oħrajn, hawnhekk hu mlibbes b'elementi leġġendarji, li bihom l-awtur tal-*Fjuretti* jasal biex jara saħansitra lis-Sultan Musulman jikkonverti għall-fidi nisranija u jitgħammed fl-aħħar nifs ta' ħajtu. Malik-al-Kamil miet fit-8 ta' Marzu 1238, u ħalla fama ta' Sultan li kien tolleranti lejn l-insara.

Fl-aħħar, imbagħad, meta San Franġisk ra li ma setax jagħmel aktar frott f'dawk l-inħawi, imnebbaħ minn rivelazzjoni divina, qatagħha li, flimkien ma' sħabu kollha, jmur lura fost dawk li kienu jemmnu. Inġabru lkoll flimkien, u marru lura jsellmu lis-Sultan għall-aħħar darba, qabel jitilqu. U s-Sultan qallu: "Ħija Franġisku, jien, li kien għalija, kont nikkonverti bil-qalb kollha għall-fidi ta' Kristu, imma nibża' nagħmel dan issa. Għax li kellhom jisimgħu b'din il-ħaġa, kieku żgur joqtlu kemm lilek u kemm lili u 'l sħabek kollha. Int għadek tista' tagħmel ħafna ġid, u jien għad għandi x'nagħmel ħafna affarijiet li huma ta' importanza kbira, u ma nixtieqx li ngħaġġel inġib il-mewt fuqek u fuqi. Imma għallimni, nitolbok, kif nagħmel biex inkun nista' nsalva; jiena lest li nagħmel dak kollu li tikkmandani". Meta sema' dan, San Franġisk qallu: "Sinjur, jien issa se nħallik, imma wara li nkun mort lura lejn pajjiżi, u nkun tlajt il-ġenna, għall-grazzja ta' Alla, wara mewti, kif u meta jogħġob lil Alla, nibgħatlek tnejn minn ħuti u tirċievi mingħandhom il-magħmudija ta' Kristu, u int tkun salvat, għax hekk għarrafni l-Mulej tiegħi Ġesù Kristu. U int ħu ħsieb li f'dan iż-żmien teħles minn kull xkiel, biex meta tiġi għandek il-grazzja ta' Alla ssibek imħejji biex tilqa' l-fidi u tqim lil Alla". U hekk wiegħed li jagħmel u għamel tabilħaqq.

Wara li ġara dan kollu, San Franġisk flimkien mal-kulleġġ wisq miqjum ta' sħabu l-qaddisa, mar lura; meta għaddew xi snin San Franġisk radd ruħu 'l Alla bil-mewt tal-ġisem. U s-Sultan, li kien marid, baqa' jistenna li titwettaq il-wegħda li kien għamillu San Franġisk. Għalhekk ordna li f'ċertu postijiet jitqiegħdu għassiesa, u ried li jekk jidhru xi rġiel lebsin il-libsa ta' San Franġisk, jeħduhomlu malajr. F'dak iż-żmien San Franġisk deher lil żewġ aħwa u ikkmandahom biex bla telf ta' żmien imorru għand is-Sultan u jieħdu ħsieb is-salvazzjoni tiegħu, kif kien wiegħdu li se jiġri. Dawn l-aħwa telqu minnufih u, wara li qasmu l-baħar, twasslu malajr għand is-Sultan mill-għassiesa li semmejna qabel. U meta rahom, is-Sultan ħass fih hena kbir u ried itir bil-ferħ, u qal: "Issa naf tabilħaqq li Alla bagħat għandi l-qaddejja tiegħu għas-salvazzjoni tiegħi, kif kien wiegħed San Franġisk imnebbaħ minn rivelazzjoni divina". L-aħwa li marru għandu tawh it-tagħlim meħtieġ dwar il-fidi ta' Kristu u rċieva wkoll mingħandhom il-magħmudija. U hekk, wara li tnissel mill-ġdid fi Kristu, miet bil-marda li kellu, u ruħu ġiet salvata, għall-merti u t-talb ta' San Franġisk.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [1C 57; LM IX,7-8; ABF 27]

## [1611] Kapitlu XXV

*Dwar kif San Franġisk fejjaq b'miraklu raġel li kellu l-ġdiem f'ruħu u f'ġismu, u dwar dak li qaltlu ruħu hija u tielgħa s-sema.*

Bħala veru dixxiplu ta' Kristu, San Franġisk, huwa u jgħix f'din il-ħajja kollha miżerja, dejjem ra kif għamel biex jimxi mill-qrib wara Kristu, l-għalliem perfett. Spiss kien jiġri,

għalhekk, li bil-qawwa tal-ħidma divina, waqt li hu kien ifejjaq lil xi ħadd fil-ġisem, Alla kien ukoll, fl-istess ħin, ifejjaq ir-ruħ, kif naqraw li kien jagħmel ukoll Kristu[345]. Hu mhux biss kien jaqdi lill-imġiddmin bil-qalb kollha, imma barra dan ordna lill-aħwa ta' l-Ordni tiegħu li, kull fejn u meta jiltaqgħu magħhom, jagħtu s-servizz lill-imġiddmin għall-imħabba ta' Kristu, li għalina ried jitqies bħallikieku kien imġiddem. Ġara, darba minnhom, li f'wieħed mill-postijiet qrib fejn kien jgħix San Franġisk, l-aħwa kienu jservu fi sptar fejn kien hemm l-imġiddmin morda. Fosthom kien hemm wieħed li kien hekk bla paċenzja, u li kien tant jiddejjaq malajr u jitlef sabru, li kulħadd kien iħossu ċert li kien maħkum mix-xitan, kif tabilħaqq kien. Hu mhux biss kien jinsulta bi kliem offensiv u jkellem ħażin lil min jaqdih, imma wkoll, dak li hu agħar, kien jidgħi u jisħet lil Kristu l-imbierek u lill-Omm l-aktar qaddisa tiegħu l-Verġni Marija. Ma seta' jinstab ħadd li kellu l-ħila jew ried jieħu ħsiebu u jaqdih. L-inġurji u l-insulti kontra tagħhom kienu jissapportuhom bis-sabar biex hekk ikabbru l-merti tal-paċenzja tagħhom, imma l-kuxjenza tagħhom ma kienetx tħallihom jissaportu bil-kwiet l-insulti kontra Kristu u l-Omm tiegħu. Qatgħuha, għalhekk, li jabbandunawh lil dan l-imġiddem, imma riedu qabel xejn jgħarrfu b'dan lil San Franġisk li kien qed jgħix f'post fil-qrib.

Meta qalulu b'kollox, San Franġisk mar isib lil dan l-imġiddem mill-agħar, u x'ħin wasal ħdejh sellimlu u qallu: "Alla jagħtik is-sliem, ħija l-aktar għażiż". L-imġiddem wieġbu: "Xi sliem jista' jkolli jien mingħand Alla, li ħadli l-paċi u kull ġid, u għamel li ġismi jaqa' biċċiet u jrejjaħ?" U San Franġisk qallu: "Ibni l-għażiż, fittex li tistabar, għax il-mard tal-ġisem f'din id-dinja Alla jagħtihulna biex niksbu s-salvazzjoni tar-ruħ. Għalhekk, kemm il-darba inġarrbuh bis-sabar, niksbu mertu kbir". U l-marid wieġbu: "U kif nista' jien inġarrab bis-sabar dan l-uġiegħ kontinwu li jifnini lejl u nhar? U mhux biss ninsab imnikket minħabba l-marda tiegħi, imma l-aħwa li int tajtni biex jaqduni jżiduli l-piena, u ma jaqdunix kif imisshom". Imbagħad San Franġisk, imnebbaħ minn rivelazzjoni divina, għaraf li dan l-imġiddem kien maħkum minn spirtu ħżiena, mar u nxteħet jitlob u b'devozzjoni kbira talab 'l Alla għalih.

Meta temm it-talba, mar lura għandu u qallu hekk: "Ibni l-għażiż, irrid jibda naqdik jien, ladarba int m'intix kuntent bl-oħrajn". "Hu pjaċir tiegħi," qallu l-marid, "imma int x'tista' tagħmilli aktar mill-oħrajn?" Wieġbu San Franġisk: "Dak li trid, nagħmilulek". Qallu l-imġiddem: "Irridek li taħsilni minn fuq s'isfel, għax l-intiena li ħierġa minni lanqas jien stess ma nista' nissapportiha". Meta sema' dan San Franġisk mill-ewwel saħħan l-ilma u xeħet fih ħafna ħxejjex ifuħu; imbagħad l-imġiddem neża', u beda jaħslu b'idejh stess, waqt li wieħed mill-aħwa beda jitfagħlu l-ilma. U ġara li, b'miraklu, kull fejn San Franġisk kien imiss b'idejh qaddisa, il-ġdiem kien jindaf u l-ġisem reġa' ħa saħħtu lura perfettament. U kif il-ġisem beda jitfejjaq, hekk

345 Il-*Fjuretti* jissuġġerixxu motiv ġdid għall-qadi lejn il-lebbrużi, li Franġisku kien jgħożż sa mill-bidu tal-konverżjoni tiegħu. Dan hu l-motiv ta' l-imitazzjoni ta' Kristu, li mhux biss ried li jidher qisu lebbruż fuq is-salib, imma li fl-Evanġelji, ta' spiss jiġi ppreżentat fl-att li jnaddaf il-lebbrużi mill-ġdiem. Din il-missjoni ta' mħabba Franġisku kien jitlobha bħala waħda mid-dmirijiet ta' l-aħwa kull fejn ikunu. L-episodju juri biċ-ċar l-imħabba li biha Franġisku kien irid iwettaq dan is-servizz: hi l-istess imħabba li tirbaħ ir-ruħ ta' dan ir-raġel lebbruż li Franġisku jaħsillu l-ġrieħi u jfejjaqhomlu bil-kuntatt ta' l-idejn qaddisa tiegħu.

ukoll ir-ruħ bdiet tikseb il-fejqan. Meta mbagħad l-imġiddem ra li beda jitfejjaq, beda jħoss fih sogħba kbira u ndiema għal dnubietu, u beda jibki bl-imrar li ħass f'qalbu minħabba fihom. Hekk, waqt li l-ġisem kien qed jissaffa minn barra mill-ġdiem bil-ħasil ta' l-ilma, ir-ruħ kienet qed tindaf minn ġewwa mid-dnubiet bl-indiema u d-dmugħ.

U meta ħassu mfejjaq għal kollox kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ, bl-umiltà kollha stqarr ħtijietu, u hu u jibki qal b'leħen għoli: "Imsejken jien, għax jien jistħoqqli l-infern minħabba l-insulti u l-inġurji li għidt u għamilt lill-aħwa, u minħabba n-nuqqas ta' sabar u d-dagħa li dgħajt kontra Alla". Dam jibki dnubietu għal ħmistax il-ġurnata sħaħ, il-ħin kollu jitlob 'l Alla li jkollu ħniena minnu, u qerr kollox għand is-saċerdot. U San Franġisk, meta ra miraklu bħal dan, li Alla kien għamel permezz tiegħu, iżża ħajr lil Alla u telaq minn dawk l-inħawi; telaq lejn pajjiż 'il bogħod ħafna. Għax, għall-umiltà tiegħu, ried jaħrab kull tifħir, u f'kull ma kien jagħmel kien ifittex biss l-unur u l-glorja ta' Alla, u mhux tiegħu stess.

Imbagħad għoġob lil Alla li dak l-imġiddem, li kiseb il-fejqan fir-ruħ u fil-ġisem, meta għaddew il-ħmistax il-ġurnata ta' penitenza tiegħu, marad b'marda oħra, u mogħni bil-qawwa tas-sagramenti tal-Knisja, miet mewta qaddisa. U ruħu, hija u tielgħa lejn is-sema, dehret fl-arja lil San Franġisk li kien qiegħed jitlob fil-bosk, u qaltlu: "Qed tagħrafni int?" "Min int?" staqsa San Franġisk. "Jien dak l-imġiddem li Kristu l-imbierek fejjaq għall-merti tiegħek, u llum sejjer fil-ħajja ta' dejjem. Għal dan jien nirringrazzja 'l Alla u lilek ukoll. Ħa jkunu mberkin ir-ruħ u l-ġisem tiegħek, u mberkin ikunu wkoll il-kliem u l-għemejjel tiegħek, għax bik ħafna erwieħ fid-dinja għad jiksbu s-salvazzjoni. U kun af li m'hemmx jum fid-dinja li fih l-anġli u l-qaddisin l-oħra ma jirringrazzjawx 'l Alla għall-frott qaddis li int u l-Ordni tiegħek tagħmlu f'kull parti tad-dinja. Għalhekk, tfarraġ u iżżi ħajr 'l Alla, u ħa jkollok dejjem fuqek il-barka tiegħu". Wara li qalet dan il-kliem, ir-ruħ telgħet is-sema, u San Franġisk baqa' jħossu mimli faraġ u ħieni.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 28]

## [1612] Kapitlu XXVI

*Dwar kif San Franġisk ikkonverta tliet ħallelin qattiela, li wara mbagħad saru patrijiet; u dwar kif wieħed minnhom kellu dehra tassew sabiħa u qaddisa, għax kien irnexxielu jikseb qdusija kbira.*

Darba minnhom San Franġisk mar fl-inħawi ta' Borgo San Sepolcro, u huwa u għaddej mir-raħal li jissejjaħ Monte Casale, mar fuqu żagħżugħ nobbli u delikat ħafna, u qallu: "Missier, għandi xewqa kbira li nkun wieħed mill-aħwa tiegħek". U San Franġisk wieġbu: "Ibni l-għażiż, inti żagħżugħ delikat u nobbli; forsi ma tkunx tiflaħ tgħix il-faqar u l-ħajja iebsa tagħna". U qallu

l-ieħor: "Missier, forsi intom m'intomx bnedmin bħali? Għalhekk, bħalma intom jirnexxielkom tgħixu din il-ħajja, hekk jirnexxili jien bil-għajnuna tal-grazzja ta' Kristu". Din it-tweġiba 'l San Franġisk għoġbitu ħafna, u għaldaqstant tah il-barka tiegħu, u dak il-ħin stess laqgħu fl-Ordni, u tah l-isem ta' Angelo[346]. U l-imġieba tiegħu kienet hekk tajba li wara ftit taż-żmien San Franġisk għamlu gwardjan fil-post ta' Monte Casale.

F'dak iż-żmien kien hemm fl-inħawi tliet ħallelin magħrufin, u kienu jagħmlu ħafna ħsara. Darba ġew fil-post fejn kienu jgħixu l-aħwa u lill-gwardjan, fra Angelo, talbuh jagħtihom x'jieklu. U l-gwardjan weġibhom b'dan il-kliem iebes u aħrax: "Intom, ħallelin u kattivi u qattiela u xejn ma tistħu li tisirqu dak li l-oħrajn jaqilgħu b'tant tbatija; u barra dan, bil-wiċċ tost kollu, tridu tibilgħu l-karità li tiġi mogħtija lill-qaddejja ta' Alla, intom li lanqas jixirqilkom li żżommkom l-art li timxu fuqha. Imma la għandkom rispett lejn il-bnedmin u lanqas lejn Alla li ħalaqkom. Ibqgħu sejrin għall-affari tagħkom, u qisu li ma tidhru qatt aktar 'l hawn". Tħawwdu meta semgħu dan il-kliem, u telqu minn hemm b'dagħdigħa fuqhom.

U ara, San Franġisk ġie lura bix-xkora tal-ħobż u flixkun inbid li hu u sieħbu kienu iddubbaw. Il-gwardjan qagħad jirrakkontalu kif kien ħeles mill-ħallelin u keċċihom, imma San Franġisk ċanfru waħda sewwa, u qallu li kien ġab ruħu magħhom ħażin ħafna. "Għax dawk aktar jirnexxilek tiġbidhom lejn Alla bil-ħlewwa milli biċ-ċanfir aħrax. Hu għalhekk li l-Mulej Ġesù Kristu, li aħna ipprofessajna li ngħixu l-Evanġelju tiegħu, jgħid li mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, imma l-morda. Jgħid ukoll li hu ġie jsejjaħ mhux lill-ġusti, imma lill-midinbin għall-indiema; u hu kien ta' spiss jiekol magħhom. Issa, dak li għamilt int imur kontra l-karità, u hu kontra l-Evanġelju ta' Kristu. Għalhekk nikkmandak b'ubbidjenza qaddisa li bla telf ta' żmien taqbad din l-ixkora ħobż li ddubbajt u dan il-flixkun inbid, u mur fittixhom bil-ħerqa fil-għoljiet u l-widien, u tistrieħx qabel issibhom. Meta ssibhom offrilhom dan il-ħobż u dan l-inbid bħallikieku mingħandi. Imbagħad inżel għarkobbtejk quddiemhom u bl-umiltà kollha stqarr il-ħtija tiegħek talli ġibt ruħek ħażin magħhom. Itlobhom ukoll, f'ismi, biex ma jagħmlu qatt aktar ħsara, imma jibżgħu minn Alla u ma jkomplux joffendu l-proxxmu tagħhom. U kemm il-darba jagħmlu dan, jien inwiegħedhom li nipprovdilhom dak li jkollhom bżonn, u li jkollhom dejjem x'jieklu u x'jixorbu. U meta tkun għidtilhom dal-kliem, ejja lura 'l hawn bl-umiltà kollha". Waqt li l-imsemmi gwardjan mar biex jagħmel kif kien ordnalu San Franġisk, hu nxteħet jitlob u talab 'l Alla biex irattab il-qlub ta' dawk il-ħallelin u jdawwarhom biex jagħmlu l-penitenza.

Mela l-gwardjan ubbidjenti wasal għandhom u tahom il-ħobż u l-inbid, u għamel u qal kollox kif kien ġiegħlu jagħmel San Franġisk. U, kif għoġob lil Alla, waqt li dawk il-ħallelin kienu

---

346 Fra Angelo minn Borgo Santo Sepolcro hu l-protagonista f'dan l-episodju tal-ħallelin ta' Monte Casale. Ftit nafu dwaru. Giacomo Oddi, *La Franceschina: Testo volgare umbro del secolo XV, scritto dal Padre Giacomo Oddi di Perugia, edito per la prima volta nella sua integrità*, Tom. I, ed. Nicola Cavanna, Firenze 1931, 117, jgħid li dan fra Angelo miet fl-1228. Ir-rakkont jidher b'mod aktar sempliċi fil-CA 115 u SP 66. Hu eżempju ta' ħlewwa evanġelika li tikkonverti l-midinbin.

qed jieklu l-karità li kien qala' San Franġisk, bdew jitkellmu bejniethom u jgħidu: "Ħażin għalina, nies sventurati u mill-agħar! U x'pieni ta' l-infern ħorox hemm jistennewna, għax mhux biss niġġerrew 'l hawn u 'l hinn nisirqu, insawwtu u nweġġgħu lill-proxxmu, imma naslu li saħansitra wkoll noqtlu. U għad li nagħmlu dan kollu, u nwettqu għemejjel ħżiena u faħxin, fil-kuxjenza tagħna ma nħossu ebda rimors, u lanqas ma nibżgħu minn Alla. U, ara, dan il-patri qaddis, li ġie għandna, għal ftit kliem iebes li bil-ħaqq kollu qalilna minħabba l-ħażen kbir tagħna, bl-umiltà kollha stqarr ħtijietuquddiemna, u barra dan ġabilna wkoll il-ħobż u l-inbid, u wiegħda hekk kbira min-naħa tal-missier qaddis. Tabilħaqq dawn huma aħwa qaddisa ta' Alla li jixirqilhom tassew li jidħlu fil-ġenna ta' Alla, waqt li aħna wlied it-telfien ta' dejjem, u jistħoqqulna l-pwieni ta' l-infern. Kull jum li jgħaddi nżidu t-telfien tagħna, u ma nafux jekk minħabba d-dnubiet li għamilna sallum nistgħux immorru lura lejn il-ħniena ta' Alla". Kien hemm wieħed minnhom li qal dan il-kliem u diskors ieħor jixbħu, u t-tnejn l-oħra qalu: "Tabilħaqq, int qed tgħid is-sewwa; imma, ara, x'inhu u xi jmissna nagħmlu aħna?" "Ejjew immorru għand San Franġisk", qalilhom dak, "u kemm il-darba hu jnissel fina t-tama li aħna wkoll nistgħu naqilgħu l-ħniena mingħand Alla u l-maħfra ta' dnubietna, nagħmlu dak li hu jikkmandana, u hekk inkunu nistgħu neħilsu rwieħna mill-pwieni ta' l-infern".

Dan il-parir għoġobhom lill-oħrajn, u ftiehmu t-tlieta bejniethom, u ġew jgħaġġlu għand San Franġisk u qalulu: "Missier, aħna għamilna ħafna dnubiet ħoxnin, u ma nħossux li jistħoqqilna naqilgħu l-maħfra mingħand Alla. Imma jekk int għandek xi tama li lilna wkoll Alla lest jagħtina l-maħfra tiegħu, ara, aħna lesti li nagħmlu dak kollu li tgħidilna int, u flimkien miegħek nagħmlu l-penitenza". San Franġisk, meta sema' dan, laqagħhom b'imħabba kbira, u wera ħafna ħlewwa magħhom. Beda jġibilhom ħafna eżempji biex ifarraġhom, u jaċċertahom mill-maħfra ta' Alla. Wegħedhom b'ċertezza li hu kien se jaqilgħalhom il-maħfra mingħand Alla, u wriehom kif il-ħniena ta' Alla hi tassew bla tarf. "Ukoll kieku dnubietna jkunu f'għadd bla tarf, il-ħniena ta' Alla hija dejjem akbar minnhom kollha f'daqqa, kif jgħid l-Evanġelju. U l-appostlu San Pawl qal ukoll: *Kristu l-imbierek ġie f'din id-dinja biex jifdi l-midinbin*" (1Tim 1,15). Meta semgħu dan il-kliem u tagħlim ieħor bħal dan, it-tliet ħallelin qatgħuha li jiċħdu lid-demonju u l-għemejjel kollha tiegħu. U San Franġisk laqagħhom fl-Ordni, u huma bdew jagħmlu penitenza kbira. Tnejn minnhom ftit damu ħajjin wara l-konverżjoni tagħhom, u marru lejn is-sema. It-tielet wieħed baqa' jgħix, u kien dejjem ħsiebu fid-dnubiet li kien għamel, u għalhekk beda jagħmel penitenza kbira. Dam sejjer hekk għal ħmistax il-sena wara xulxin, isum mhux biss ir-randanijiet komuni, li hu kien jagħmel flimkien ma' l-aħwa l-oħra, imma wkoll tlitt ijiem fil-ġimgħa kien isum ħobż u ilma, kien dejjem ħafi u jilbes biss tonka waħda, u wara l-Matutin qatt ma kien jerġa' jmur jorqod.

Matul dan iż-żmien San Franġisk ħalla din il-ħajja msejkna[347]. U billi dak kien baqa' jagħmel għal bosta snin il-penitenza li semmejna, ara, darba minnhom, wara l-Matutin, ġietu t-

[347] Minn dan il-waqt l-awtur ta' l-*Actus Beati Francisci et Sociorum eius* 29, li hawnhekk isewgih l-awtur tal-*Fjuretti*, jinfired mill-CA u SP biex jirrakkonta fit-tul ħafna viżjoni li kellu dan it-tielet ħalliel li ikkonverta, sebat ijiem qabel miet. Insibu f'din id-deskrizzjoni stampa terribbli imma rejalistika ħafna tal-viżjoni tal-ħajja l-oħra li kienet komuni fost l-insara fil-medjuevu, u li tidher fl-opra monumentali ta' Dante Alighieri, *La Divina Commedia*.

tentazzjoni li jorqod, u b’ebda mod ma seta’ jegħleb in-ngħas u jibqa’ jishar kif kien jagħmel is-soltu. Fl-aħħar, billi la seta’ jegħleb in-ngħas u lanqas jitlob, mar fuq is-sodda biex jorqod. U minnufih, kif midd rasu, kien maħtuf f’estasi, u meħud fl-ispirtu fuq muntanja għolja ħafna, li fuq naħa minnhom kellha irdum fond għall-aħħar. Mill-muntanja kien hemm ħiereġ ħafna ġebel imkisser u jaqta’, u ħafna ponot ħerġin mill-ġebel; kienet dehra tal-biża’ tħares lejn dan l-irdum. U l-anġlu li kien qed imexxih imbuttah u tefgħu ‘l isfel fl-irdum, u dan issa jaħbat m’hawn u issa jolqot ma’ hemm, minn fuq ġebla għal fuq oħra, fl-aħħar wasal f’qiegħ l-irdum; wasal, kif deherlu hu, ġismu mtertaq u għadmu kollu mfarrak. U kif kien mitfugħ hekk fl-art f’dik il-qagħda tal-biki, dak li kien qed imexxih qallu: “Fittex qum, għax għad fadallek ħafna triq x’tagħmel”. U hu wieġbu: “Jidhirli li int xejn ma int prudenti, u raġel kiefer, biex waqt li qed tarani se mmut wara waqgħa bħal dik, għadmi kollu mkisser, tiġi tgħidli fittex qum!” U l-anġlu resaq qaribu, u waqt li messu saħħaħlu l-membri kollha ta’ ġismu, u fejqu. U mbagħad urieh pjanura, kollha ġebel bil-ponot u jaqtgħu, u xewk u għollieq, u qallu li jeħtieġlu jiġri mal-pjanura kollha u jgħaddi ħafi sa ma jasal fit-tmiem tagħha; hemm kien hemm ħuġġieġa kbira taqbad, u kellu bilfors jgħaddi minnha.

Meta dak għadda l-pjanura kollha, miġugħ u mnikket għall-aħħar, l-anġlu qallu: “Idħol f’din il-ħuġġieġa, għax hekk jaqbillek tagħmel”. U dak wieġbu: “Ajma kemm int mexxej bla qalb! Qed tarani qrib il-mewt wara t-tbatija li ġarrabt biex qsamt il-pjanura, u issa biex nistrieħ tgħidli biex nidħol f’din il-ħuġġieġa taqbad”. Hu u jħares madwaru, dak ra li l-ħuġġieġa kienet imdawwra b’ħafna demonji, kollha bil-frieket tal-ħadid f’idejhom, u billi hu ma riedx jidħol, kienu qed jimbuttawh bihom b’saħħa. Meta daħal fil-ħuġġieġa, ta ħarsa madwaru, u ra hemm wieħed li kien parrinuh, li kien qed jaqbad kollu, minn fuq s’isfel. U dak staqsieh: “O parrinu sventurat, kif spiċċajt hawn?” U l-ieħor wieġbu: “Mur ftit ‘il quddiem, u hemm issib ‘il marti, il-parrina tiegħek, u tgħidlek hi x’kien il-kaġun tad-dannazzjoni tagħna”. U dak mexa ‘l quddiem u, ara, ra quddiemu l-parrina tiegħu ħuġġieġa waħda, magħluqa f’kejl tal-qamħ kollu nar, u staqsiha: “O parrina sventurata u msejkna, għaliex ġejt hawn f’dan it-turment hekk krudil?” U weġbitu: “Għax fi żmien il-għaks, li kien ġie mħabbar minn qabel minn San Franġisk, jien u żewġi qarraqna fil-kejl meta konna nbiegħu l-qamħ, u hu għalhekk li jien qed naqbad, mgħaffġa kif jien f’dan il-kejl”.

Wara dan il-kliem, l-anġlu li kien imexxih ħarġu barra mill-ħuġġieġa, u mbagħad qallu: “Lesti ruħek għal vjaġġ tal-biża’, li għad baqagħlek x’tagħmel”. U dak, kollu dispjaċut, qallu: “O mexxej ta’ qalb mill-aktar iebsa, veru li int ma tiġik ebda ħniena minni. Qed tarani qisni naqbad kollni kemm jien f’dan in-nar iħeġġeġ, u tiġi tgħidli li se teħodni nagħmel vjaġġ perikoluż u tal-biża’?” L-anġlu, mbagħad, messu u fejqu, u reġa’ għamlu b’saħħtu. Wara dan ħadu qrib pont li ma setax jgħaddi minn fuqu, jekk mhux b’periklu kbir, għax kien irqiq ħafna, dejjaq u jiżloq, u ma kienx fih poġġaman. Minn taħt il-pont kienet għaddejja xmara tal-biża’, mimlija sriep u draguni u skorpjuni, u kienet ħierġa minnha intiena mill-agħar. U qallu l-anġlu: “Għaddi minn fuq dan il-pont, għax trid jew ma tridx tgħaddi jkollok”. U dak wieġbu: “U kif nista’ ngħaddi minn fuqu bla ma naqa’ f’dik ix-xmara hekk perikoluża?” U qallu l-anġlu: “Ejja warajja, u ixħet riġlejk fejn tarani nqiegħed tiegħi, u hekk tgħaddi b’wiċċ il-ġid”. U dak għadda wara l-anġlu, kif għallmu

jagħmel hu stess, u wasal sa nofs il-pont. Meta wasal f'nofs il-pont, l-anġlu tar u telaq, u minn fejn ħallieh erħielha lejn muntanja għolja ħafna, 'il bogħod wisq mill-pont. U dak qagħad jara sewwa fejn mar l-anġlu, imma billi sab ruħu mingħajr gwida, u beda jħares 'l isfel, ra li kien hemm qtajja ta' bhejjem li jbeżżgħuk, rashom barra mill-ilma u b'ħalqhom miftuħ beraħ, lesti biex jibilgħuh kemm il-darba jaqa'. U beda jirtogħod kollu kemm hu, u la kien jaf x'se jaqbad jagħmel u lanqas x'se jgħid, u la seta' jmur lura u lanqas 'il quddiem.

Meta ra li kien qed jgħum f'dak il-baħar ta'nkwiet, u fehem li ma kellux kenn ieħor għajr f'Alla, tbaxxa u ħaddan miegħu il-pont, u bil-qalb kollha u bid-dmugħ beda jirrikmanda ruħu 'l Alla, biex, għall-ħniena l-aktar qaddisa tiegħu, ikun Hu li jgħinu. U meta temm it-talb tiegħu, dehirlu li kienu qed jitilgħulu l-ġwienaħ, u feraħ ħafna. Beda jistenna li jikbrulu biex ikun jista' jtir lejn fejn kien tar l-anġlu, 'l hemm mill-pont. Imma wara ftit taż-żmien, ħerqan kif kien li jfittex jgħaddi dan il-pont, beda jipprova jtir. Iżda billi l-ġwienaħ ma kienux għadhom kibrulu ħafna, reġa' waqa' fuq il-pont, u r-rix li kien tella' waqgħulu kollha. Dak mill-ġdid reġa' ħaddan il-pont, u beda jirrikmanda ruħu 'l Alla kif kien għamel qabel. Meta temm it-talb, reġa' ħass li se jtella' l-ġwienaħ, imma din id-darba wkoll, ma qagħadx jistenna li jikbrulu sewwa, u beda jtir qabel il-waqt; għal darba oħra reġa' waqa' fuq il-pont, u r-rix waqgħulu kollha. Għaldaqstant, billi ra li bil-għaġġla li kellu li jtir qabel il-waqt, kien kull darba jaqa', beda jgħid hekk bejnu u bejn ruħu: "Kemm il-darba nibda ntella' l-ġwienaħ għat-tielet darba, nistenna żgur li jikbru sewwa, hekk li ma nerġax naqa' mill-ġdid". Waqt li kien mehdi b'dawn il-ħsibijiet, ra li għat-tielet darba kienu qed jitilgħulu l-ġwienaħ. Dam jistenna ħafna żmien, hekk li kibrulu sewwa. U deherlu li bejn l-ewwel, it-tieni u t-tielet darba li tella' l-ġwienaħ kien stenna madwar mija u ħamsin sena, u iżjed ukoll. Fl-aħħar, it-tielet darba, ta salt qawwi biex itir, u tar sal-post fejn qabel kien ittajjar l-anġlu.

Huwa u jħabbat fuq il-bieb tal-palazz fejn kien qiegħed, il-purtinar staqsieh: "Int min int, li ġejt s'hawn fuq?" Wieġbu: "Jien wieħed mill-Patrijiet Minuri". Qallu l-purtinar: "Stenna ftit, ħa nsejjaħ lil San Franġisk biex nara jekk jagħrfekx". Waqt li dak mar isejjaħ lil San Franġisk, il-patri qagħad iħares lejn il-ħitan ta' l-għaġeb ta' dan il-palazz. U ara, dawn il-ħitan dehru tant leqqiena u tant imdawwla, li seta' jara sewwa l-kori tal-qaddisin u dak kollu li kien qed isir ġewwa l-ħitan. U waqt li kien mgħaġġeb jara dan kollu, ara, ġie San Franġisk flimkien ma' fra Bernardo u fra Egidio, u wara San Franġisk kien hemm qtajjiet kbar ta' qaddisin irġiel u nisa, li kienu imitaw il-ħajja tiegħu, li bħal donnu ma kontx tista' tgħoddhom. Meta San Franġisk wasal, qal lill-purtinar: "Ħallieh jidħol, għax dak hu wieħed mill-aħwa tiegħi".

U kif daħal, ħass tant faraġ u tant ħlewwa, li malajr nesa' t-tiġrib kollu li kien għadda minnu, qisu qatt ma kien xejn. Imbagħad San Franġisk ħadu ġewwa, u wrieh ħwejjeġ tassew ta' l-għaġeb, u wara dan qallu: "Ibni l-għażiż, issa int jeħtieġlek tmur lura fid-dinja u toqgħod hemm għal sebat ijiem, u matulhom int tħejji ruħek bil-għaqal kollu u b'qima kbira, għax wara li jgħaddu s-sebat ijiem, jien niġi għandek, u mbagħad tiġi miegħi hawn f'dan il-post ta' ħniena". U San Franġisk kien imlibbes b'mant tassew ta' l-għaġeb, imżejjen bi kwiekeb mill-isbaħ u kollha jleqqu,

hekk li l-palazz kien imdawwal bid-dija li kienet ħierġa mir-raġġi tagħhom. U fra Bernardo kellu f'rasu kuruna ta' kwiekeb tabilħaqq sbieħ, u fra Eġidio kien kollu mdawwar b'dawl ta' l-għaġeb. U għaraf fosthom ħafna aħwa qaddisin li ma kien rahom qatt fid-dinja. Ħalla għalhekk lil San Franġisk u, għad li kontra qalbu, mar lura fid-dinja.

Meta qam u ġie f'sensieh u beda jirraġuna, l-aħwa kienu qed idoqqu l-qanpiena biex jgħidu l-Prima, għax dik il-viżjoni kien dam fiha tul iż-żmien bejn il-Matutin u l-Prima, għad li dehirlu li kienu għaddew ħafna snin. U meta lill-gwardjan irrakkontalu ħaġa, ħaġa din il-viżjoni, matul is-sebat ijiem beda jitlaqgħlu d-deni, u fit-tmien jum ġie għalih San Franġisk, kif kien wiegħdu, akkumpanjat minn qtajjiet kbar ħafna ta' qaddisin glorjużi, u ħa 'l ruħu fis-saltna tal-henjin, fil-ħajja ta' dejjem.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [CA 115; SP 66; ABF 29]

[1613] Kapitlu XXVII

*Dwar kif f'Bologna San Franġisk ikkonverta żewġ sekulari, li wara li daħlu patrijiet, u kif lil wieħed minnhom għenu jegħleb tentazzjoni kbira.*

Darba minnhom, meta San Franġisk qorob lejn il-belt ta' Bologna, in-nies kollha tal-belt ħarġet tiġri biex tarah, u l-folla kienet hekk kbira li bil-ħniena seta' jimxi u jasal sal-pjazza. Il-pjazza kienet mimlija rġiel u nisa, u nies ta' skola, u San Franġisk qagħad f'post għoli, fin-nofs, u beda jippriedka u jgħid dak li l-Ispirtu s-Santu nebbħu dak il-ħin[348]. U għamel priedka sabiħa ta' l-għaġeb, hekk li aktar taħseb li kien qed jippriedka anġlu milli bniedem. Kliemu kienu kliem tas-sema, qishom sajjetti qawwija li jinfdu l-qalb ta' dawk li kienu jisimgħuh; kienu ħafna dawk l-irġiel u nisa li, wara li semgħuh, ikkonvertew għall-penitenza.

Fosthom kien hemm żewġ studjużi nobbli, mill-Marche ta' Ancona, wieħed jismu Pellegrino u l-ieħor Rinieri[349]. It-tnejn li huma wara dik il-priedka ħassew li l-ispirazzjoni divina

---

[348] Fi żmien S. Franġisk, Bologna kienet saret magħrufa bħala belt universitarja. L-iskola tal-liġi ċivili u ekkleżjastika kienet ġiet imwaqqfa fis-seklu 11, u fis-seklu 13 kienet distinta f'żewġ kulleġġi, il-*Ius Canonicum* u l-*Ius Civile sive Caesareum*. Fl-istess seklu kien twaqqaf il-*Collegium artistarum et medicorum* għall-istudju tal-matematika, u l-arti liberali u mekkaniċi. Nafu li l-priedka li kien għamel S. Franġisk fi Piazza Maggiore, Bologna, fil-15 ta' Awissu 1222, ħalliet impressjoni fuq il-Franġiskan Kroat Tommaso da Spalato (+1268), li ħallielna tifkira miktuba tagħha.
[349] Pellegrino da Fallerone hu meqjum bħala Beatu ta' l-Ordni Franġiskan. Rinieri hu aktar magħruf bħala Riccieri jew Rizzerio da Muccia. Barra mill-episodju tat-tentazzjoni, li jsemmiha 1C 49, hawnhekk jidħol ukoll fl-episodju ta' xi sigrieti li Franġisku irrivelalu, fuq l-istil ta' l-*Intentio regulae* tal-CA u SP.

messitilhom qalbhom, u ġew għand San Franġisk u qalulu li xtaqu jħallu d-dinja u jissieħbu ma' l-aħwa tiegħu. Billi, mnebbaħ minn rivelazzjoni divina, San Franġisk għaraf li kienu mibgħutin minn Alla u li fl-Ordni kienu sejrin jgħixu ħajja qaddisa, u billi qies ukoll il-ħeġġa kbira li kellhom, bil-ferħ kollu laqagħhom u qalilhom: "Int, Pellegrino, fi ħdan l-Ordni żomm fit-triq ta' l-umiltà, u int, fra Rinieri, aqdi lill-aħwa". U hekk sar fil-fatt, għax fra Pellegrino qatt ma ried ikompli biex isir saċerdot, imma baqa' lajk, għad li kien raġel ta' l-iskola u mgħallem fil-liġi. Kien minħabba l-umiltà tiegħu li wasal għall-perfezzjoni kbira tal-virtù, hekk li fra Bernardo, l-ewwel iben ta' San Franġisk, qal għalih li hu kien wieħed mill-aktar aħwa perfetti li kien hawn fid-dinja. U fl-aħħar, l-imsemmi fra Pellegrino, kollu qdusija, għadda minn din il-ħajja għall-ħajja l-hienja, u għamel ħafna mirakli qabel u wara mewtu. U fra Rinieri li tkellimna fuqu, hu wkoll għex jaqdi lill-aħwa b'qima u fedeltà kbira; kien raġel li għex ħajja ta' qdusija u umiltà kbira. Sar ħafna ta' ġewwa ma' San Franġisk, u lilu San Franġisk kien jgħidlu b'ħafna ħwejjeġ moħbija. Maż-żmien intagħżel ministru tal-Marche ta' Ancona, u mexxa l-provinċja għal żmien twil f'paċi mill-akbar u b'għaqal mhux komuni.

Wara xi żmien Alla ippermetta li jkun imġarrab f'ruħu b'tentazzjoni kbira. Meta ħassu hekk imnikket u inkwetat, beda jgħakkes bis-sħiħ lilu nnifsu bis-sawm, bis-swat, bid-dmugħ u t-talb, lejl u nhar, imma dik it-tentazzjoni b'xejn ma seta' jneħħiha. Ħafna drabi, iżda, kien iħossu f'disperazzjoni kbira, għax kien jgħodd lilu nnifsu bħallikieku kien abbandunat minn Alla. Meta sab ruħu f'dan l-istat ta' disperazzjoni, bħala l-aħħar rimedju qatagħha li jmur għand San Franġisk. Bejnu u bejn ruħu ħaseb hekk: "Jekk San Franġisk jurini wiċċ ferħan, u jkun dħuli miegħi, kif dejjem kien, jien nemmen li Alla għad ikollu ħniena minni, imma jekk le, dan ikun sinjal li lili Alla jkun telaqni". Qam, mela, u telaq għand San Franġisk.

F'dawk il-jiem San Franġisk kien fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, marid ħafna, u Alla kien għarrfu bit-tentazzjoni qawwija u bil-qtigħ il-qalb kiefer li kienu ħakmu 'l dan fra Rinieri, u bid-deċiżjoni li ħa li jiġi sa għandu. Fil-ħin, minnufih, San Franġisk sejjaħ lil fra Leone u 'l fra Masseo, u qalilhom: "Morru issa stess, u iltaqgħu ma' ibni l-aktar għażiż fra Rinieri, u għannquh waħda għalija; sellmulu u għidlulu li jien, minn fost l-aħwa kollha li hawn fid-dinja, lilu nħobbu b'imħabba waħdanija". Telqu u fit-triq iltaqgħu ma' fra Rinieri u għannquh magħhom, u qalulu kull ma kien ordnalhom jgħidulu San Franġisk. Dak il-kliem nissel f'qalbu tant faraġ u ħlewwa, hekk li ħassu qisu barra minnu nnifsu. Iżża ħajr lil Alla f'qalbu u erħielha lejn il-post fejn San Franġisk kien mixħut marid. U għad li San Franġisk kien marid serjament, b'danakollu meta sema' li fra Rinieri kien ġej għandu, qam u mar jiltaqa' miegħu, u għannqu bi ħlewwa kbira, u qallu: "Ibni l-aktar għażiż, fra Rinieri, minn fost l-aħwa kollha li hawn fid-dinja jien lilek inħobbok b'imħabba waħdanija". Wara li qallu dan il-kliem għamillu fuq ġbinu s-sinjal tas-salib, biesu hemm ukoll, u qallu: "Ibni l-aktar għażiż, din it-tentazzjoni Alla ippermettihielek biex tikseb mertu akbar; imma jekk dan il-qligħ ma tridux aktar, ma jingħatalekx". Ħaġa tassew ta' l-għaġeb! Kif San Franġisk temm jgħid dan il-kliem, dak il-ħin stess ħarbet minnu kull tentazzjoni, bħallikieku qatt f'ħajtu ma kien ġarrabha, u baqa' mimli faraġ.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [1C 49-50; 2C 44; LM XI,9; ABF 30-31]

[1614] Kapitlu XXVIII

*Dwar estasi li kellu fra Bernardo, u kif hu ma ħass xejn minn filgħodu sal-ħin tan-Nona.*

Lill-foqra evanġeliċi li, għall-imħabba ta' Kristu, ħallew id-dinja, Alla spiss kien jagħtihom ħafna grazzji. Dan intwera biċ-ċar fil-ħajja ta' fra Bernardo minn Quintavalle[350] li, wara li libes il-libsa ta' San Franġisk, kien ta' spiss ikun maħtuf f'Alla huwa u jikkontempla l-ħwejjeġ tas-sema. Darba fost l-oħrajn ġara li, waqt li kien fil-knisja jisma' l-quddiesa u moħħu u qalbu l-ħin kollu mehdijin f'Alla, ħassu hekk maħtuf u miġbur fil-kontemplazzjoni li, waqt li ġie merfugħ il-Ġisem ta' Kristu, lanqas biss induna b'xejn, u la niżel għarkubbtejh u lanqas kixef rasu mill-kapoċċ, kif għamlu l-oħrajn li kienu hemm; qagħad hekk bla ma jitħarrek, mingħajr lanqas biss iċaqlaq għajnejh, iħares ċass 'il quddiem, u baqa' hekk, ma jħoss xejn, minn filgħodu sa filgħaxija. Wara n-Nona ġie f'tiegħu, u beda jdur mal-post u b'leħen ta' wieħed imgħaġġeb beda jgħajjat: "O ħuti! O ħuti! O ħuti! F'dawn l-inħawi ma hawn ħadd li hu hekk kbir u hekk nobbli li, li kieku kien imwiegħed palazz mill-isbaħ mimli deheb, ma kienx bil-qalb kollha jġorr fuq spallejh xkora mimlija demel biex jirnexxilu jikseb teżor bħal dak".

Dan fra Bernardo, li dwaru qed nitkellmu, kellu dejjem moħħu merfugħ lejn dan it-teżor tas-sema, imwiegħed lil dawk li jħobbu 'l Alla. Għal ħmistax il-sena sħaħ kien dejjem mehdi f'Alla, u wiċċu dejjem merfugħ lejn is-sema. U matul dak iż-żmien kollu, meta kien ikun fuq il-mejda, qatt ma qata' l-ġuħ, għad li kien jiekol xi ħaġa żgħira minn dak kollu li kienu jqiegħdulu quddiemu. Kien iħobb jgħid li wieħed ma jistax jagħmel astinenza perfetta minn dak li hu ma jduq qatt, għax il-veru astinenza qiegħda filli wieħed jiċċaħħad minn dawk l-affarijiet li jtogħmu tajjeb fil-ħalq. U b'dan irnexxielu jasal għal tant ċertezza u dawl ta' l-intelliġenza li, saħansitra l-kjeriċi, li kienu nies li studjaw, kienu jiġu għandu għas-soluzzjoni ta' kwestjonijiet diffiċli ħafna, u biex ifissrilhom xi passi tqal mill-Bibbja, u hu kien idawwalhom dwar kull diffikultà li kienu jippreżentawlu.

---

[350] Hawnhekk l-awtur tal-Fjuretti jerġa' jitkellem dwar Bernardo da Quintavalle u l-ispirtu ta' kontemplazzjoni tiegħu. Ta' min jinnota l-partikular tad-diskors li jagħmel Franġisku ma' Bernardo matul il-lejl kollu, li jispiċċa biex it-tnejn li huma jidħlu f'estasi. Minn hawn sal-kapitlu 40, b'eċċezzjoni tal-kapitli 35 u 39-40, l-awtur tal-*Fioretti* jitkellem dwar id-dixxipli ta' Franġisku fl-Umbria.

U billi moħħu kien għal kollox maħlul u maqtugħ mill-ħwejjeġ ta' l-art, hu kien itir qisu ħuttafa bil-qawwa tal-kontemplazzjoni. Xi drabi kien jgħaddi għoxrin ġurnata, drabi oħra anke tletin ġurnata, fuq il-muntanji mill-aktar għoljin, jikkontempla l-ħwejjeġ tas-sema. Minħabba f'hekk fra Egidio kien jgħid li d-don li kien mogħti lil fra Bernardo minn Quintavalle, jiġifieri li, waqt li jkun itir jiġi wkoll mitmugħ, bħall-ħuttaf, ma kienx mogħti lill-bnedmin l-oħra. U minħabba din il-grazzja hekk ta' l-għaġeb li kien irċieva mingħand Alla, San Franġisk bil-qalb kollha u ta' spiss kien joqgħod jitkellem miegħu bin-nhar u bil-lejl: ġara, għalhekk, li xi drabi nstabu t-tnejn flimkien, għal matul il-lejl kollu, fil-bosk maħtufin f'Alla, waqt li kienu t-tnejn miġburin jitkellmu fuq Alla.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 32]

[1615] Kapitlu XXIX

*Dwar kif id-demonju, taħt xbieha ta' Kurċifiss, deher lil fra Ruffino, u qallu li hu tilef il-ġid kollu li kien għamel, u li hu ma kienx fost il-magħżulin għall-ħajja ta' dejjem. San Franġisk kien mgħarraf minn Alla, u ġiegħel lil fra Ruffino jagħraf l-iżball tiegħu għax kien emmen dak li qallu d-demonju.*

Fra Ruffino[351], wieħed mill-aktar nies nobbli ta' Assisi, sieħeb ta' San Franġisk, raġel ta' qdusija kbira, kien għal xi żmien attakkat u mġarrab f'ruħu mid-demonju dwar il-predestinazzjoni tiegħu, u għalhekk kien il-ħin kollu qalbu sewda u mnikket. Għax ix-xitan daħħallu wkoll f'qalbu l-ħsieb li hu indannat, u ma kienx fost dawk imsejħin għall-ħajja ta' dejjem, u li kull ma għamel kemm kien ilu fl-Ordni, tilfu kollu. U din it-tentazzjoni baqgħet sejra minn jum għall-ieħor, u hu staħa jmur jgħid biha lil San Franġisk; b'danakollu ma hediex milli jgħid it-talb jew milli jipprattika ċ-ċaħdiet li kien soltu jagħmel. Minħabba f'hekk il-għadu beda jżidlu dwejjaq fuq dwejjaq, u bħallikieku l-battalja minn ġewwa ma kienetx biżżejjed, beda jikkumbattih ukoll b'dehriet foloz minn barra.

Darba dehirlu taħt xbieha ta' Kurċifiss, u qallu: "O fra Ruffino, għaliex qed titgħakkes bil-penitenzi u t-talb ladarba int m'intix fost dawk li huma ippredestinati għall-ħajja ta' dejjem?

---

[351] Hawnhekk jerġa' jidħol fix-xena fra Rufino, li kien kuġin ta' Santa Klara u wieħed mill-ewlenin sħab ta' S. Franġisk. Flimkien ma' Angelo u Leone, *nos qui cum eo fuimus* (aħna li għexna miegħu), Rufino hu identifikat mal-L3C u l-CA. Filwaqt li Angelo miet fl-1258, Rufino u Leone damu jgħixu sa l-1278. It-tlieta li huma jinsabu midfunin madwar il-qabar ta' S. Franġisk fil-Bażilika ta' S. Franġisk f'Assisi. L-episodju li jiġi irrakkontat hawnhekk x'aktarx li seħħ fl-eremitaġġ ta' Le Carceri fuq il-Monte Subasio. Sallum wieħed għadu jista' jara l-għar imsejjaħ ta' fra Rufino, filwaqt li Arnaldo Fortini, fin-*Nova Vita di San Francesco,* III, 150, jikteb dwar il-*buco del diavolo,* jew it-toqba tax-xitan, fuq is-Subasio.

Emmen lili, għax jien naf lil min għażilt u ippredestinajt, toqgħodx temmen lill-iben ta' Pietro Bernardone kemm il-darba hu jgħidlek bil-kontra ta' li qed ngħidlek jien. U tmurx toqgħod tistaqsih dwar din il-ħaġa, għax la hu ma jaf u lanqas l-oħrajn, imma jien biss, għax jien l-Iben ta' Alla. Emminni, għalhekk, u oqgħod ċert fuq kliemi li int magħdud ma' l-għadd ta' l-indannati. U l-iben ta' Pietro Bernardone, missierek, u wkoll missieru huma indannati, u kull min jimxi warajh hu mqarraq ukoll". Għal dan il-kliem li sema' fra Ruffino beda jħossu jiddallam mill-prinċep tad-dlamijiet, hekk li beda jitlef kull fidi u mħabba li kellu lejn San Franġisk, u ma ħabbel rasu li jgħidlu xejn b'dan kollu.

Imma dak li lil San Franġisk ma qalulux fra Ruffino, għoġbu jirrivelahulu l-Ispirtu s-Santu. Meta ra fl-ispirtu l-periklu kbir li dan ħuh kien jinsab fih, San Franġisk bagħat għandu lil fra Masseo, u 'l dan fra Ruffino wieġbu bi kliem li jaqta' u qallu: "X'għandi x'naqsam jien ma' San Franġisk?" Imbagħad fra Masseo, mimli b'għerf divin, għaraf il-qerq tad-demonju, u qallu: "O fra Ruffino, forsi int ma tafx li fra Franġisk hu bħall-anġlu ta' Alla, li dawwal tant erwieħ fid-dinja u li mingħandu aħna rċevejna tant grazzja ta' Alla? Għalhekk irridek li, akkwalunkwe kost, tiġi miegħi u mmorru għandu, għax qed nara biċ-ċar li int tinsab imqarraq mid-demonju". Meta qal dan, fra Ruffino iċċaqlaq u mar għand San Franġisk.

Meta San Franġisk lemħu ġej mill-bogħod, beda jgħajjat: "O fra Ruffino l-imqareb, lil min emmint?" Meta wasal ħdejh fra Ruffino, San Franġisk irrakkontalu, ħaġa b'ħaġa, it-tentazzjoni kollha li ġarrab mid-demonju, ġewwa u barra, u urieh biċ-ċar li dak li dehirlu kien id-demonju, u mhux Kristu, u fiehmu li b'ebda mod ma kellu jemmen dak li kien issuġġerielu. "Kemm il-darba d-demonju jerġa' jgħidlek: int indannat, wieġbu hekk: 'Iftaħ ħalqek, u jien inħammeġ fih'. U s-sinjal li dak hu d-demonju u mhux Kristu jkun dan: li meta int twieġbu kif għidtlek, dak il-ħin stess jaħrab. Kien messek indunajt ukoll li dak kien id-demonju għax webbislek qalbek għal kull għemil tajjeb. U din hija ħaġa li hi proprja tiegħu, għax Kristu l-imbierek qatt ma jwebbes il-qalb tal-bniedem li jemmen, anzi jrattabha, kif jgħid bil-fomm tal-profeta*: Inneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam* (Eżek 35,26)". Meta mbagħad fra Ruffino ra kif San Franġisk qallu kollox ħaġa ħaġa, dwar kif kien imġarrab, ħass sogħba kbira f'qalbu għal dak il-kliem, u beda jibki bil-qawwa kollha, u nxteħet iqim lil San Franġisk u bl-umiltà kollha jistqarr il-ħtija tiegħu li kien ħbielu t-tentazzjoni li ġarrab. Ħassu mfarraġ ħafna, u nbidel għall-aħjar. Fl-aħħar qallu mbagħad San Franġisk: "Mur, ibni l-għażiż, agħmel qrara, u tieqafx milli tkompli tgħid bil-qima kollha t-talb li kont imdorri tgħid. U kun af li din it-tentazzjoni għad tkunlek ta' siwi kbir u ta' faraġ, kif f'qasir żmien għad tagħmel esperjenza".

Fra Ruffino mar lura lejn iċ-ċella li kellu fil-bosk, u waqt li kien jitlob b'ħafna dmugħ, ara, ġie l-għadu tiegħu f'dehra ta' Kristu, kif kien dehirlu minn barra, u qallu: "O fra Ruffino, m'għidtlekx biex ma temminx lill-iben ta' Pietro Bernardone, u biex ma toqgħodx titħabat tibki u titlob, għax hekk jew b'hekk int indannat? X'jiswielek li tinħaqar dment li int ħaj, u mbagħad, wara li tkun mitt, tkun indannat?" U minnufih fra Ruffino wieġbu: "Iftaħ ħalqek, ħa nħammeġ

fih". Għal dan, id-demonju, kollu mriegħex, telaq b'qilla u beda jwaqqa' tant ġebel mill-muntanja tas-Subasio li kienet fil-għoli, u dan it-tfigħ tal-ġebel dam sejjer għal ħafna ħin sewwa sakemm wasal sa isfel. U l-ħsejjes tal-ġebel jitgerbeb kienu kbar ħafna, u l-ħbit tal-ġebel ma' xulxin ikkawża nar tal-biża' mal-wied kollu. U l-ħsejjes li għamlu l-ġebel kienu hekk tal-biża' li San Franġisk u sħabu ħarġu barra mill-post, kollhom mistagħġbin, biex jaraw din il-ħaġa ġdida li qatt ma kienu raw qabel. Dawk il-gzuz ta' ġebel u r-rovina li għamlu wieħed għadu jista' jarahom hemm sallum. Dan ġiegħel lil fra Ruffino jifhem sewwa li dak kien id-demonju, li kien irnexxielu jqarraq bih. U mill-ġdid reġa' mar lura għand San Franġisk, inxteħet fl-art u stqarr il-ħtija tiegħu. San Franġisk reġa' farrġu mill-ġdid bi kliem kollu ħlewwa, u bagħtu lura imfarraġ lejn iċ-ċella tiegħu.

Waqt li kien miġbur fiċ-ċella jitlob b'devozzjoni kbira, Kristu l-imbierek dehirlu, u ħass ruħu kollha mħeġġa bin-nar ta' l-imħabba divina, waqt li qallu: "Ibni l-għażiż, għamilt tajjeb li emmint lil fra Franġisk, għax dak li sewwidlek qalbek kien id-demonju. Iżda jien Kristu, l-imgħallem tiegħek, u biex int tkun żgur minn dan se nagħtik dan is-sinjal: li kemm iddum ħaj ma tħoss qatt aktar swied il-qalb jew xi għamla oħra ta' dwejjaq". Wara li qallu dan il-kliem, Kristu telaq minn ħdejh u ħallieh mimli hekk bil-ferħ u l-ħlewwa ta' l-ispirtu, u moħħu dejjem merfugħ 'il fuq, li lejl u nhar kien iħossu l-ħin kollu mehdi f'Alla.

Minn dak in-nhar 'il quddiem kien hekk ikkonfermat fil-grazzja, u ċert mis-salvazzjoni ta' ruħu, li nbidel għal kollox fi bniedem ieħor. Li kien għalih kien jgħaddi l-jum u l-lejl jitlob u jikkontempla l-ħwejjeġ ta' Alla, kieku l-oħrajn kienu jħalluh. Għaldaqstant San Franġisk kien jgħid għalih, li fra Ruffino kien ikkanonizzat f'din il-ħajja minn Kristu, u basta mhux fil-preżenza tiegħu, ma kienx jaraha bi kbira li jsejjaħlu san Ruffino, għad li kien jgħix fuq din l-art.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 33]

[1616] Kapitlu XXX

*Dwar il-priedka sabiħa li San Franġisk u fra Ruffino għamlu f'Assisi, meta ippriedkaw għarwenin.*

L-imsemmi fra Ruffino, billi kien il-ħin kollu mehdi fil-kontemplazzjoni, u dejjem moħħu merfugħ f'Alla, sar qisu raġel li ma jħoss xejn u kważi mutu, kien jitkellem biss ftit u, barra minn dan, la kellu l-grazzja u lanqas il-ħeġġa u l-ħila li jippriedka. U b'danakollu, darba minnhom, San Franġisk ikkmandah li jmur Assisi, u jippriedka lill-poplu kull ma jnebbħu Alla. Imma fra Ruffino wieġbu: "Missier wisq meqjum, nitolbok taħfirli u ma tibgħatnix; kif taf int, jien m'għandix id-don li nippriedka, u jien raġel sempliċi u bla skola". Qallu għalhekk San Franġisk: "Billi ma

obdejtnix fil-pront, nikkmandak b'ubbidjenza qaddisa li tmur tippriedka għeri kif twelidt, liebes biss il-ħwejjeġ ta' taħt. Mur Assisi, u idħol fil-knisja għeri, u ippriedka lill-poplu"[352]. Meta rċieva dan il-kmand fra Ruffino neża', u mar Assisi, u daħal fil-knisja, għamel riverenza lejn l-altar, tela' fuq il-pulptu u beda jippriedka. Meta rawh hekk it-tfal u l-irġiel bdew jidħku bih u jgħidu: "Araw, dawk qed jagħmlu ħafna penitenza, u qed jiġġennu, qishom barra minn sensiehom".

Sadanittant San Franġisk qagħad jaħseb fuq l-ubbidjenza pronta ta' fra Ruffino, li kien wieħed mill-aktar irġiel ġentili ta' Assisi, u ħaseb ukoll dwar il-kmand iebes li tah, u beda jċanfar lilu nnifsu u jgħid: "Kif kellek il-wiċċ tost, iben ta' Pietro Bernardone, raġel baxx u msejken, li tikkmanda lil fra Ruffino, wieħed mill-aktar irġiel ġentili ta' Assisi, li jmur jippriedka lill-poplu għeri, qisu kien xi iblah? F'ġieħ Alla, int stess tagħmel l-esperjenza ta' dak li ikkmandajt lill-oħrajn". Bla telf ta' żmien, kollu mħeġġeġ fl-ispirtu, neża' għeri huwa wkoll, kif kien ikkmanda lil fra Ruffino, u tela' Assisi. Ħa miegħu lil fra Leone, li ġarr miegħu t-tonka tiegħu u ta' fra Ruffino. Meta raw lilu wkoll hekk, in-nies ta' Assisi għaddewh biż-żufjett, għax ħasbu li hu u fra Ruffino kien tilfu moħħhom minħabba l-ħafna penitenza. Mela San Franġisk daħal fil-knisja fejn kien qed jippriedka fra Rufino, u semgħu jgħid dan il-kliem: "L-aktar għeżież, aħarbu d-dinja u ħallu d-dnub. Agħtu lil kulħadd dak li hu tiegħu, jekk intom ma tridux tmorru l-infern. Ħarsu l-kmandamenti ta' Alla, ħobbu 'l Alla u l-proxxmu, kemm il-darba tridu tmorru l-ġenna". Dlonk San Franġisk tela' fuq il-pulptu, għeri kif kien, u beda jippriedka b'mod hekk ta' l-għaġeb dwar id-disprezz tad-dinja, il-penitenza qaddisa, il-faqar volontarju, ix-xewqa li wieħed jikseb is-saltna tas-sema, u l-għera u l-ħruxija tal-passjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li dawk kollha li kienu jisimgħu l-priedka, irġiel u nisa, u kienu f'għadd kbir ħafna, infexxew jibku biki qawwi, u urew qima u sogħba tal-qalb. U dan ġara mhux biss hemmhekk, imma f'Assisi kollha dakinhar kien hemm il-biki fuq il-passjoni ta' Kristu li qatt qabel ma kien instema' bħalu.

Il-poplu ħassu edifikat u mfarraġ b'dak l-għemil ta' San Franġisk u ta' fra Ruffino. Imbagħad San Franġisk libbes lil fra Ruffino u libes hu wkoll, u bit-tonka fuqhom, marru lura lejn il-post tal-Porziuncola, ifaħħru u jigglorifikaw 'l Alla li tahom il-grazzja li jirbħu lilhom infushom billi maqdru lilhom infushom u kienu ta' edifikazzjoni għan-ngħaġ ta' Kristu bl-eżempju t-tajjeb, u urew kemm id-dinja hi ta'min ikażbarha. U dak in-nhar il-qima li l-poplu kellu lejhom tant kibret li, kull min kien ikollu x-xorti jmiss il-keffa tat-tonka tagħhom, kien jgħodd ruħu hieni.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 34]

---

[352] Fra Rufino jiġi ikkmandat minn Franġisku biex imur jippriedka għeri fi knisja ta' Assisi. Meta l-kelma sempliċi tiegħu tiġi msaħħa bil-kliem ta' S. Franġisk, li wkoll jissieħeb miegħu biex jippriedka għeri, dak l-att ta' umiljazzjoni tagħhom iqajjem l-istima ta' dawk kollha li semgħuhom u jqanqalhom għall-indiema. Hi x-xena tal-predikazzjoni ta' Kristu, fqir, u għeri fuq is-salib, u tfakkarna fit-tejoloġija ta' S. Pawl fl-I Ittra lill-Korintin dwar il-bluha tal-predikazzjoni tas-salib, li għandha l-qawwa tbiddel qlub il-bnedmin.

[1617] Kapitlu XXXI

*Dwar kif San Franġisk kien jagħraf is-sigrieti tal-kuxjenza ta' l-aħwa kollha, wieħed wieħed.*

Bħalma l-Mulej tagħna Ġesù Kristu fl-Evanġelju jgħid: *Jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi, u n-ngħaġ tiegħi jagħrfu lili* (Ġw 10,14); hekk l-imqaddes missier San Franġisk, bħala ragħaj tajjeb, bil-għajnuna tar-rivelazzjoni divina, kien jagħraf il-merti kollha u l-virtujiet ta' sħabu, u kien jaf ukoll id-difetti tagħhom[353]. Għaldaqstant hu kien jaf kif isib dejjem l-aħjar rimedju, jiġifieri, jumilja lill-kburin, jgħolli lill-umli, imaqdar il-vizzji u jfaħħar il-virtujiet. Fil-fatt naqraw li kellu rivelazzjonijiet ta' l-għaġeb dwar l-ewwel familja tiegħu.

Insemmu waħda minn dawn ir-rivelazzjonijiet. Darba minnhom, San Franġisk kien qed jitkellem dwar Alla flimkien mal-familja tiegħu f'ċertu post, imma fra Ruffino ma kienx magħhom, jieħu sehem f'dik il-konversazzjoni. Kien fil-bosk, kollu mehdi fil-kontemplazzjoni. Issa, waqt li d-diskursata fuq Alla kienet għadha sejra, ara, fra Ruffino ħareġ mill-bosk, u għadda ftit 'il bogħod minnhom. Meta rah, San Franġisk dar fuq sħabu, u għamlilhom din il-mistoqsija: "Għiduli intom, liema taħsbu li hi l-aktar ruħ qaddisa li Alla għandu fid-dinja?" Dawk wieġbuh u qalulu li huma tal-fehma li hi ruħu. U San Franġisk qalilhom: "Ħuti l-aktar għeżież, jien l-aktar raġel li ma jistħoqqlix u l-aktar bniedem imsejken li Alla għandu f'din id-dinja bħalissa. Imma qegħdin tarawh lil fra Ruffino li issa għadu kemm ħareġ mill-bosk? Alla lili irrivelali li r-ruħ tiegħu hija waħda mill-aktar tliet erwieħ qaddisa li hawn fid-dinja. U jien ngħidilkom bla ma noqgħod naħsibha darbtejn li, għad li għadu ħaj, jien lest li nsejjaħlu qaddis, għax ruħu hija ikkonfermata fil-grazzja, u ġiet imqaddsa u ikkonanonizzata fis-sema mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu". Imma dan il-kliem San Franġisk qatt ma tennieh meta kien ikun preżenti fra Ruffino.

Bl-istess mod San Franġisk kien jagħraf id-difetti ta' ħutu, kif naraw b'mod ċar mill-eżempju ta' fra Elia, li kien iċanfru ta' spiss minħabba s-suppervja tiegħu; lil fra Giovanni della Cappella ħabbarlu minn qabel li hu kellu jmut mgħallaq. Kien hemm ukoll il-fatt ta' wieħed ieħor mill-aħwa li x-xitan ħakmu minn għonqu meta kien imwissi dwar id-diżubbidjenza tiegħu. Hemm ukoll ħafna fatti oħrajn li juru kif, imnebbaħ minn Kristu, hu kien jagħraf sewwa d-difetti sigrieti u l-virtujiet tagħhom.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 37]

---

[353] Tema oħra dwar il-konformità bejn Kristu u S. Franġisk, hi dik tal-figura tar-ragħaj it-tajjeb. Franġisku jagħraf l-intimu moħbi tal-kuxjenzi ta' uliedu u hu lest li jagħtihom ir-rimedji kollha u l-faraġ neċessarju.

[1618] Kapitlu XXXII

*Dwar kif fra Masseo qala' mingħand Kristu l-virtù ta' l-umiltà qaddisa.*

L-ewlenin sħab ta' San Franġisk kienu jagħmlu ħilithom kollha biex ikunu fqar fil-ħwejjeġ ta' din l-art li jgħaddu u għonja fil-virtujiet, li bihom wieħed jasal għall-għana tas-sema li jibqa' għal dejjem.

Ġara li huma u jitkellmu flimkien fuq Alla, wieħed mill-aħwa ġab dan l-eżempju: "Kien hemm wieħed li kien ħabib kbir ta' Alla, u kien irċieva mingħandu l-grazzja ta' ħajja attiva u ta' ħajja kontemplattiva, u b'danakollu kellu umiltà hekk kbira li kien jgħodd lilu nnifsu bħala midneb tassew kbir. Din l-umiltà li kellu qaddsitu u ikkonfermatu fil-grazzja, u kienet tkabbru l-ħin kollu fil-virtujiet u d-doni ta' Alla, u qatt ma ħallietu jaqa' fid-dnub". Meta fra Masseo sema' dawn il-ħwejjeġ hekk ta' l-għaġeb dwar l-umiltà, u għaraf li kienet teżor tal-ħajja ta' dejjem, beda jħossu mħeġġeġ ħafna bl-imħabba u x-xewqa ta' din il-virtù ta' l-umiltà[354]. Misjuq minn ħeġġa kbira refa' ħarstu lejn is-sema, u għamel wegħda u iddeċieda b'mod sħiħ li f'din id-dinja ma jifraħ qatt sakemm ma jħossux li f'ruħu għandu din il-virtù b'mod perfett. U minn dakinhar 'il quddiem bħal ingħalaq għal kollox fiċ-ċella tiegħu, jaħqar lilu nnifsu bis-sawm, sahriet, talb u biki kbir quddiem Alla, biex jitlob mingħandu din il-virtù, li mingħajrha kien iħoss li jistħoqqlu l-infern; kien sema' wkoll li dak l-ieħor kien imżejjen biha, u b'hekk kien sar ħabib ta' Alla.

Wara li fra Masseo għadda ħafna jiem imxennaq li jkollu din il-virtù, ġara li darba minnhom daħal fil-bosk u, kollu mħeġġeġ fl-ispirtu tiegħu, kien idur 'l hawn u 'l hinn ixerred id-dmugħ, jitniegħed u jgħajjat, jitlob 'l Alla b'fervur kbir biex jaqtagħlu xewqtu u jagħtih din il-virtù divina. U billi Alla jisma' dejjem bil-qalb it-talb ta' l-umli u ta' dawk li huma niedma f'qalbhom, waqt li fra Masseo kien wieqaf hemm, ġie leħen mis-sema li sejjaħlu darbtejn: "Fra Masseo, fra Masseo!" Hu għaraf fl-ispirtu li dak kien leħen Kristu, u għalhekk wieġeb: "Mulej tiegħi!" U Kristu qallu: "U int x'lest li tagħti biex taqla' din il-grazzja li qiegħed titlob?" Wieġeb fra Masseo: "Mulej, nixtieq li nagħti l-għajnejn li għandi f'wiċċi". U Kristu qallu: "U jien irrid li int ikollok kemm il-grazzja li qed titlob kif ukoll għajnejk". U meta ntqal dan il-kliem, il-leħen ma baqax jinstema' aktar. Fra Masseo, iżda, ħassu mimli bil-grazzja tal-virtù ta' l-umiltà li tant xtaq b'qalbu kollha, u bid-dawl li ġej minn Alla, li minn dakinhar 'il quddiem kien dejjem iħossu ferħan. U ta' spiss, waqt li kien ikun jitlob, kien jagħmel ħoss ta' ferħ mhux tas-soltu, ħoss jixbaħ lil dak ta' ħamiema: U, U, U. Kien joqgħod mehdi fil-kontemplazzjoni b'wiċċ ferħan u qalb imfawwra bil-

---

[354] Mill-ġdid jissemma fra Masseo, biex tintwera l-umiltà tiegħu. Il-bidu ta' dan il-*Fjurett* ifakkarna fir-*RegB* VI,4: l-aħwa huma foqra fil-ħwejjeġ tad-dinja imma għonja fil-virtù. Dan il-faqar u din l-umiltà huma mimlijin ferħ, għaliex huma esperjenza ta' Alla.

hena. U b'danakollu, billi sar raġel ta' umiltà tassew kbira, kien jgħodd lilu nnifsu bħala l-inqas wieħed mill-bnedmin kollha tad-dinja.

Meta fra Iacopo minn Fallerone staqsieh għaliex fil-ferħ tiegħu, qatt ma kien ibiddel it-ton, kollu ferħan wieġbu li, meta wieħed ikun sab il-ġid kollu f'ħaġa waħda, ma jkollux għalfejn ibiddel it-ton.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 40]

[1619] Kapitlu XXXIII

*Dwar kif Santa Klara, bi kmand tal-Papa, bierket il-ħobż li kien fuq il-mejda, u kif fuq kull ħobża deher is-sinjal tas-salib imqaddes.*

Santa Klara[355], dixxiplu devota ħafna tas-salib ta' Kristu, u pjanta nobbli ta' San Franġisk, kienet ta' qdusija hekk kbira li, mhux biss isqfijiet u kardinali, imma saħansitra l-Papa kien jixtieq ħafna li jaraha u jismagħha, u ta' spiss kien jiġi jżurha hu personalment.

Darba minnhom il-Papa mar il-monasteru biex jismagħha titkellem dwar il-ħwejjeġ tas-sema u divini. Waqt li kienu jitkellmu flimkien fuq ħafna affarijiet, Santa Klara tat ordni biex titħejja l-mejda u fuqha jitqiegħed il-ħobż biex ibierku l-Missier qaddis. Meta temmew id-diskorsi spiritwali li kienu qed jagħmlu, Santa Klara niżlet għarkobbtejha b'qima kbira u talbitu biex jogħġbu jbierek il-ħobż li kien hemm fuq il-mejda. Weġibha l-Papa: "Oħti Klara, mara ta' fidi kbira, irrid li int tbierek dak il-ħobż u tagħmel fuqu s-sinjal tas-salib l-aktar qaddis ta' Kristu, int li offrejt lilek innifsek kollok kemm int lilu". U Santa Klara qalet: "Missier l-aktar qaddis, aħfirli, ima kien ikun ħaqqni ċanfira kbira ħafna li kieku jien, mara ċkejkna li ma niswa għal xejn, kelli nazzarda nagħti barka bħal dik". U l-Papa wieġeb: "Biex dan ma jkunx għemil ġej mill-preżunzjoni, imma jkun għemil bil-mertu ta' l-ubbidjenza, nikkmandak b'ubbidjenza qaddisa li tagħmel fuq dan il-ħobż is-sinjal tas-salib l-aktar imqaddes, u tbierek dawn il-ħbejżiet fl-isem ta'

---

[355] S. Klara wkoll tissemma' mill-ġdid. L-aħwa kienu jaraw lil Klara f'dija ta' qdusija kbira. X'aktarx li dan l-episodju seħħ fi żmien il-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. Il-Papa Girgor IX, li qabel kien il-Kardinal Protettur tal-Patrijiet Minuri u tal-*Povere Dame*, imur fil-monasteru ta' San Damiano biex iżur lil Klara. Studjużi oħrajn huma tal-fehma li dan l-episodju seta' ġara waqt żjara tal-Papa Innoċenz IV, li wkoll kien Kardinal Protettur ta' l-Ordni. Innoċenz IV żar lil Klara darbtejn qabel mietet. Hu kien Assisi f'April-Mejju 1253 u mill-ġdid f'Ġunju-Ottubru 1253, meta ikkonferma r-*Regola ta' S. Klara* u iċċelebra l-funerali tagħha. Wieħed jinnota t-ton ta' umiltà li bih il-Papa jdur lejn Klara, ukoll meta jikkmandaha bl-ubbidjenza biex tbierek il-ħobż. Dan l-episodju ma jissemmiex fl-*Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' S. Klara*. Imma l-istess *Proċess* isemmi lil swor Ortolana, omm S. Klara.

Alla". Minnufih Santa Klara, bħal bint vera ta' l-ubbidjenza, bierek b'qima kbira bis-sinjal tas-salib imqaddes ta' Kristu dawk il-ħobżiet. Ħaġa ta' l-għaġeb! Fuq dawk il-ħobżiet kollha minnufih deher is-sinjal tas-salib, immarkat b'mod preċiż u mill-aktar sabiħ. Biċċa minn dawk il-ħobżiet ittieklu, waqt li oħrajn inżammu bħala prova tal-miraklu. U l-Missier qaddis, li ra b'għajnejh il-miraklu, iżża ħajr lil Alla, bierek lil Santa Klara, ħa minn dak il-ħobż, u telaq.

F'dak iż-żmien f'dak il-monasteru kienu jgħixu swor Ortolana, omm Santa Klara, u swor Agnese, oħtha, it-tnejn li huma, flimkien ma' Santa Klara, mimlijin bil-virtujiet u bl-Ispirtu s-Santu, u kien hemm ukoll ħafna sorijiet oħra qaddisa. San Franġisk kien jibgħatilhom għandhom ħafna morda, u kienu jagħtuhom lura saħħithom bil-qawwa tat-talb tagħhom u s-sinjal tas-salib l-aktar imqaddes li kienu jagħmlu fuqhom.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 42]

[1620] Kapitlu XXXIV

*Dwar kif San Ludovik, sultan ta' Franza, mar personalment, taħt forma ta' pellegrin, iżur lill-qaddis fra Egidio, li kien f'Perugia.*

San Ludovik, sultan ta' Franza[356], qatagħha li jmur pellegrinaġġ u jżur is-santwarji tad-dinja. Meta sema' bil-fama tal-qdusija tassew kbira ta' fra Egidio, li kien wieħed minn sħab ewlenin ta' San Franġisk, iddeċieda li jmur iżuru personalment. Ġie għalhekk f'Perugia fejn kien qed jgħix fra Egidio.

Meta wasal ħdejn il-bieb tal-post fejn kienu jgħixu l-aħwa, bħallikieku kien pellegrin fqir u mhux magħruf, flimkien ma' ftit minn sħabu, talab b'ħerqa biex ikellem lil fra Egidio, imma lill-purtinar ma qagħadx jgħidlu hu min kien. Il-purtinar għalhekk mar jgħid lil fra Egidio li fil-bieb kien hemm pellegrin li kien qed jistaqsi għalih. Iżda Alla kien għarrfu u kien imnebbaħ fl-ispirtu tiegħu li dak kien is-sultan ta' Franza. Minnufih b'ħeġġa kbira ħareġ miċ-ċella tiegħu u mar jiġri lejn il-bieb, u bla ma qagħadu jagħmlu l-mistoqsijiet lil xulxin, għad li qabel qatt ma kienu raw wieħed lill-ieħor, it-tnejn flimkien niżlu b'qima għarkobbtejhom, bdew jgħannqu u jbusu lil xulxin bħallikieku kienu ilhom ħafna ħbieb kbar ta' xulxin. Sadanittant ħadd minnhom ma tkellem ma'

---

[356] Dan il-*Fjurett* hu għal kollox leġġendarju. Ma jirriżultax storikament li r-re ta' Franza S. Ludoviku IX (1226-1270) qatt mar l-Italja. Ma nafux kif qamet din il-leġġenda. Fl-aħħar snin ta' ħajtu fra Egidio kien jgħix fil-kunvent ta' Monteripido, barra Perugia. Dan il-*Fjurett* ibiddel f'rejaltà mistika nota li kienet diġà murija lil S. Franġisk u lill-aħwa: il-kapaċità tiegħu li jaqra l-qlub. Cfr. L-episodju ta' S. Franġisk li jidher lill-aħwa f'karru tan-nar meta kienu Rivo Torto, f'1C 47.

l-ieħor, imma baqgħu mgħannqin b'dawk is-sinjali ta' ħbiberija kollha mħabba, u fis-skiet. Damu hekk għal ħafna ħin, bla ma jitkellmu bejniethom imqar kelma waħda, u mbagħad ħallew lil xulxin: San Ludovik kompla l-vjaġġ tiegħu, waqt li fra Egidio mar lura lejn iċ-ċella tiegħu.

Meta telaq is-sultan, wieħed mill-aħwa staqsa lil wieħed minn sħabu min kien dak li għannaq b'tant imħabba lil fra Egidio, u dak wieġbu li kien Ludovik, is-sultan ta' Franza, li kien ġie apposta biex iżur lil fra Egidio. Dak imbagħad qal b'dan lill-aħwa l-oħra, u tnikktu għall-aħħar li fra Egidio mank kelma waħda biss ma kellmu. Marru jilmintaw miegħu u qalulu: "O fra Egidio, għaliex ġibt ruħek b'mod hekk baxx ma' sultan bħal dak li ġie minn Franza biex jarak u jisma' minn għandek xi kelma ta' ġid, u int lanqas biss kellimtu?" U fra Egidio wieġeb: "O ħuti l-aktar għeżież, tistagħġbux b'dan, li la jien ma kellimtu u lanqas hu ma qalli kelma. Imma waqt li aħna konna mgħannqin flimkien, id-dawl ta' l-għerf divin irrivela u wera lili l-qalb tiegħu, u lilu tiegħi. Hekk, bil-ħidma ta' Alla nnifsu, waqt li konna qed naraw x'hemm fi qlub xulxin, għarafna ħafna aħjar dak li ridna ngħidu lil xulxin, milli kieku tkellimna b'fommna, u ġarrabna wkoll faraġ kbir. U li kieku ridna nispjegaw bil-kliem dak li ħassejna f'qalbna, minħabba d-dgħufija ta' kliem il-bniedem, li qatt ma jasal biex jispjega b'mod ċar il-misteri moħbija ta' Alla, konna nħossuna aktar imdejjqin milli mfarrġin. Imma kunu afu b'ċertezza li s-sultan telaq minn hawn imfarraġ b'mod ta' l-għaġeb.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 43]

[1621] Kapitlu XXXV

*Dwar kif meta Santa Klara kienet marida, b'miraklu fil-festa tal-Milied bil-lejl kienet meħuda fil-knisja ta' San Franġisk, u hemm semgħet l-Uffiċċju Divin.*

Darba minnhom Santa Klara kienet marida sewwa u ma setgħetx tmur il-knisja biex tgħid l-Uffiċċju mas-sorijiet l-oħra[357]. Ħabtet il-festa solenni tat-twelid ta' Kristu u, waqt li l-oħrajn kollha marru jgħidu l-matutin, hi baqgħet fis-sodda, u ħassitha mdejjqa li ma setgħetx tmur ma' l-oħrajn u ġġarrab dak il-faraġ spiritwali. Imma l-għarus tagħha Ġesù Kristu, billi ma riedx iħalliha hekk imdejjqa, għamel li tittieħed mirakolożament fil-knisja ta' San Franġisk u tkun preżenti għall-Uffiċċju tal-matutin u l-quddiesa ta' bil-lejl, u barra dan tirċievi wkoll it-tqarbin; wara, imbagħad, reġa' ħadha lura f'soddtha.

[357] Dan l-episodju jiġi irrakkontat minn Swor Balvina da Cocorano fl-*Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' S. Klara* VII,9. Il-*Fjuretti* jgħidu li l-qaddisa ittieħdet mirakolożament fil-Bażilika ta' S. Franġisk u li wkoll tqarbnet hemmhekk fil-lejl tal-Milied, filwaqt li x-xhieda l-oħrajn jitkellmu minn viżjoni li kellha l-qaddisa dwar iċ-ċelebrazzjoni li kienet qiegħda ssir fil-Bażilika fil-lejl tal-Milied.

Meta s-sorijiet ġew lura mill-knisja ta’ San Damiano wara li spiċċa l-Uffiċċju, lil Santa Klara qalulha: “O ommna u oħtna Klara, x’faraġ ġarrabna f’din il-festa tal-Milied! Li kieku għoġob lil Alla li tkun magħna int ukoll!” U Santa Klara weġbithom: “Jien niżżi ħajr u nfaħħar lill-imbierek Mulej tagħna Ġesù Kristu, ħuti u wlied tiegħi l-aktar għeżież, għax ruħi ġarrbet il-faraġ kollu billi ħadet sehem fiċ-ċerimonji kollha ta’ dan il-lejl qaddis, faraġ akbar minn dak li ħassejtu intom. Għax għall-grazzja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u l-interċessjoni tal-missier tiegħi San Franġisk, jien kont hemm preżenti fil-knisja tal-missier tiegħi San Franġisk, u bil-widnejn ta’ ġismi u ta’ ruħi smajt l-Uffiċċju kollu u d-daqq ta’ l-orgni li kien hemm, u hemm ukoll irċevejt it-tqarbin imqaddes. Ifirħu, għalhekk, għal din il-grazzja li ġiet mogħtija lili, u iżżu ħajr lil Alla”.

Għat-tifħir ta’ Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 41]

[1622] Kapitlu XXXVI

*Dwar kif San Franġisk fisser lil fra Leone viżjoni sabiħa li kien ra.*

Darba meta San Franġisk kien marid ħafna u fra Leone kien jaqdih, waqt li dan fra Leone kien qed jitlob ħdejn San Franġisk, ġie mtella’ f’estasi u meħud fl-ispirtu fejn xmara kbira ħafna, wiesgħa u mqallba[358]. U waqt li kien iħares biex jara min kien għaddej, ra għadd kbir ta’ aħwa mgħobbijin deħlin f’din ix-xmara, u mall-ewwel ġew maħkumin mill-kurrent tax-xmara u għerqu. Xi oħrajn waslu sa terz tax-xmara, oħrajn sa nofsha, u terġa’ oħrajn waslu kważi sa qrib it-tarf tan-naħa l-oħra. Imma kollha kemm huma, minħabba l-qawwa tal-kurrent tax-xmara u t-toqol li bih kienu mgħobbijin, fl-aħħar waqgħu u għerqu. Meta ra dan, fra Leone tħassarhom ħafna u ħass għalihom. U fid-daqqa u l-ħin, waqt li kien wieqaf hemm, ara, ġiet qatgħa kbira ta’ aħwa li ħadd minnhom ma kien mgħobbi jew iġorr xi piż fuqu, u fihom kien jilma l-faqar imqaddes. Dawn daħlu fix-xmara u għaddew għan-naħa l-oħra bla ma ġralhom xejn. Meta ra dan, fra Leone ġie f’tiegħu mill-ġdid.

Imbagħad San Franġisk ħass fl-ispirtu tiegħu li fra Leone kien ra xi viżjoni, sejjaħlu u staqsieh dwar dak li kien ra. U meta fra Leone qal dak kollu li kien ra fil-viżjoni ħaġa wara l-oħra, San Franġisk qal: “Dak li rajt hu kollu veru. Ix-xmara l-kbira hija din id-dinja. L-aħwa li għerqu fix-xmara huma dawk li ma jimxux fuq il-professjoni evanġelika, u dan l-aktar f’dak li għandu

[358] Ninsabu x’aktarx fl-aħħar snin tal-ħajja ta’ S. Franġisk, u r-reżistenza lejn il-faqar li hu kien ħaddan bħala karatteristika fundamentali ta’ ħajtu, kienet bdiet tikber u tiħrax. Permezz ta’ din il-viżjoni allegorika, li tiġi attribwita lil fra Leone, il-*Fjuretti* jiddefendu s-sbuħija tal-ħajja fl-ogħla faqar.

x'jaqsam mal-faqar l-aktar għoli. Dawk imbagħad li għaddew bla ma ġralhom xejn, huma dawk l-aħwa li xejn ma jfittxu dak li hu ta' din l-art jew li jogħġob il-ġisem, u ma għandhom xejn tagħhom. Huma għandhom biss dak li hu meħtieġ biex jgħixu u jilbsu, u huma hienja li jimxu wara Kristu għeri fuq is-salib, u bil-ferħ u l-qalb it-tajba jġorru t-toqol u l-madmad ħelu ta' Kristu u ta' l-ubbidjenza l-aktar qaddisa. Hu għalhekk li huma jgħaddu b'ħeffa mill-ħajja ta' issa għal dik ta' dejjem".

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 60]

[1623] Kapitlu XXXVII

*Dwar kif Ġesù Kristu l-imbierek, għat-talb ta' San Franġisk, għamel li jikkonverti kavallier għani u ġentili, li daħal ukoll patri, waqt li ta ġieħ kbir lil San Franġisk u laqgħu għandu.*

Il-qaddej ta' Kristu San Franġisk wasal tard bil-lejl fid-dar ta' raġel kbir u setgħani, dħuli ħafna, li laqa' għandu lilu u lil sieħbu u tahom fejn joqgħodu; stmahom bħallikieku kien anġli ta' Alla, bl-ikbar edukazzjoni u rispett[359]. Għalhekk San Franġisk ħabbu ħafna, billi ra li x'ħin daħlu d-dar għannqu u biesu b'imħabba kbira, ħasillu riġlejh u xxottahomlu u bieshomlu bl-umiltà kollha. Qabbad ukoll nar kbir u ħejja mejda b'ħafna ikel bnin u tajjeb. U waqt li huma kienu qegħdin jieklu, hu kien il-ħin kollu jdur magħhom u jaqdihom b'wiċċ ferħan. Issa, meta San Franġisk u sieħbu spiċċaw mill-ikel, dan ir-raġel hekk dħuli qal: "Ara, missier tiegħi, jien noffrilek lili nnifsi u dak kollu li għandi tiegħi. Kull darba li jkollkom bżonn ta' tonka jew mantell jew ta' xi ħaġa oħra, ixtruha u nħallasha jien. U kunu afu li jien lest li nagħmel tajjeb għal dak kollu li jkollkom bżonn, għax għall-grazzja ta' Alla jien nista', għax għal dak li hu ġid ta' l-art jien għandi bil-bosta, u għalhekk, għall-imħabba ta' Alla li tani dan il-ġid, jien bil-qalb kollha nagħti mill-ġid tiegħi lill-foqra tiegħu".

Meta San Franġisk ra f'dan ir-raġel dik il-ġentilezza u dik l-imħabba kollha, u rah lest li jagħmel offerti hekk kbar, ħass imħabba kbira għalih, u x'ħin telqu lil sieħbu beda jgħidlu hekk: "Tabilħaqq dan ir-raġel ġentili jkun tajjeb għall-fraternità u l-kumpanija tagħna, għax hu tant grat u rikonoxxenti lejn Alla, u kollu mħabba u kortesija lejn il-proxxmu u lejn il-foqra. Kun af, ħija l-għażiż, li l-kortesija hi waħda mill-kwalitajiet ta' Alla nnifsu li jtella' x-xemx tiegħu u jibgħat ix-xita tiegħu fuq dawk li huma ġusti u fuq dawk li huma inġusti, għax hu ġentili. U l-ġentilezza hi oħt il-karità, li titfi l-mibegħda, u żżomm ħajja l-imħabba. U billi jien għaraft li f'dan ir-raġel

---

[359] X'aktarx li dan il-kavallier għani u ġentili kien Guido Vagnotelli da Cortona. L-episodju hu turija tal-virtù tal-kortesija. Franġisku jħallas l-ospitalità ta' dan il-kavallier twajjeb, billi bil-mod *cortese* tipiku tal-kultura medjevali, jitlob mingħand il-Mulej il-grazzja tal-ħajja ta' dejjem għal dan ħabibu, li kien se jmut. Dan il-*Fjurett* mhux preżenti fl-*Actus Beati Francisci et sociorum eius*, u jidher li l-awtur tal-*Fjuretti* kien ħadu minn xi Fonti oħra aktar qrib tiegħu.

tajjeb hemm virtù divina, bil-qalb kollha nixtiequ li jkun imsieħeb magħna. Irrid għalhekk li xi darba oħra mmorru lura għandu, għax forsi Alla jkun messlu qalbu u jkun jixtieq jissieħeb magħna fis-servizz ta' Alla. Sadanittant aħna nitolbu 'l Alla biex iqiegħdlu f'qalbu din ix-xewqa u jagħtih il-grazzja li jagħmilha bil-fatti". Ħaġa ta' l-għaġeb! Ftit jiem wara li San Franġisk talab għalih, Alla nissel fil-qalb ta' dan ir-raġel ġentili din ix-xewqa, u San Franġisk qal lil sieħbu: "Ħija, ejja mmorru għand dak ir-raġel ġentili, għax jien għandi tama f'Alla li hu bil-ġentilezza fil-ħwejjeġ ta' din l-art jagħti lilu nnifsu u jkun wieħed minn sħabna". U marru.

Meta qorbu lejn id-dar tiegħu, San Franġisk qal lil sieħbu: "Stennieni ftit, għax qabel xejn irrid li nitlob biex Alla jagħtina r-risq fil-mixi tagħna, biex il-priża nobbli li għandna l-ħsieb naħtfu lid-dinja, togħġob lil Kristu li jagħtiha lilna fqar u dgħajfin, u din bil-qawwa tal-passjoni l-aktar qaddisa tiegħu". Kif qal dan, inxteħet jitlob f'post hekk li dak ir-raġel ġentili seta' jarah. Għoġob lil Alla li dak, huwa u jħares 'l hawn u 'l hinn, ra lil San Franġisk qiegħed jitlob b'devozzjoni tassew kbira quddiem Kristu, li deherlu f'dawl kbir f'dik it-talba u kien qiegħed quddiemu, u ra lil San Franġisk maqtugħ fil-ġisem mill-art għal ħin twil. Minħabba f'hekk hu ħass li Alla messlu qalbu u nebbħu jħalli d-dinja, ħareġ mill-palazz dak il-ħin stess u kollu ħeġġa spiritwali ġera lejn San Franġisk. Meta wasal ħdejh u sabu għadu jitlob, niżel għarkobbtejh f'riġlejh, u b'insistenza kbira u b'qima talbu biex jogħġbu jilqgħu miegħu u jagħmel penitenza flimkien miegħu. Imbagħad San Franġisk, meta ra li t-talba tiegħu kienet mismugħa minn Alla, u li dak li hu kien jixtieq dak ir-raġel ġentili kien qed jitlobhulu b'ħerqa kbira, qam fuq riġlejh kollu ħeġġa u ferħ spiritwali, u għannaq miegħu u bies lil dak ir-raġel, kollu ħeġġa u ferħ spiritwali, u għannaq miegħu u bies lil dak ir-raġel, u b'devozzjoni l-aktar kbira iżża ħajr 'l Alla li żiedlu ma' sħabu 'l dak il-kavallier. U dak ir-raġel ġentili qal lil San Franġisk: "Missier tiegħi, x'tikkmandani int li għandi nagħmel? Ara, jiena lest li nagħmel dak kollu li tikkmandani, nagħti lill-foqra dak kollu li għandi, u miegħek nimxi wara Kristu, ħieles minn kull tagħbija tal-ġid ta' l-art".

U hekk għamel, fuq il-parir li tah San Franġisk, qassam ġidu lill-foqra u daħal fl-Ordni, u għex ħajja ta' penitenza kbira. Kien raġel ta' ħajja qaddisa, u ta' drawwiet tajba.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 61]

[1624] Kapitlu XXXVIII

*Dwar kif San Franġisk għaraf fl-ispirtu tiegħu li fra Elia kien indannat u li kellu jmut barra l-Ordni; għalhekk, mitlub minn fra Elia, hu talab għalih lil Kristu u ġie mismugħ.*

Meta darba San Franġisk kien jgħix f'post ma' fra Elia[360] bħala membru ta' familja waħda, Alla għarraf lil San Franġisk li fra Elia kien indannat u li kellu jħalli l-Ordni u fl-aħħar jispiċċa biex imut barra mill-Ordni. Minħabba f'hekk San Franġisk ħass stmerrija lejh hekk li la kien jitkellem miegħu u lanqas jagħmilha miegħu; xi drabi meta kien jara lil fra Elia ġej lejh, hu kien ibiddel triqtu u jieħu triq oħra biex ma jiltaqax miegħu. Dan ġiegħel lil fra Elia jinnota u jifhem li San Franġisk kien iddispjaċut ħafna minħabba fih. Billi ried ikun jaf għaliex kien qed iġib ruħu hekk miegħu, darba minnhom resaq fuq San Franġisk biex ikellmu. U meta San Franġisk ipprova jiskartah, fra Elia żammu b'qawwa, imma wkoll bl-edukazzjoni kollha, u beda jitolbu b'ħerqa kbira biex jogħġbu jfissirlu għaliex kien qiegħed jaħarbu, u la jagħmilha miegħu u lanqas biss ikellmu. U San Franġisk wieġbu: "Ir-raġuni hija din: għax lili Alla għarrafni li int, minħabba dnubietek, se tħalli l-Ordni u se tmut ukoll barra mill-Ordni, u Alla wrieni wkoll li inti indannat". Meta semgħu jgħid hekk, fra Elia qal: "Missier tiegħi meqjum, għall-imħabba ta' Kristu nitolbok li, minħabba f'hekk, lili la tistmerrni u lanqas tkeċċini minnek, imma bħala ragħaj tajjeb, fuq l-eżempju ta' Kristu, fittex mill-ġdid u ilqa' għandek in-nagħġa li, jekk int ma tgħinhiex, tintilef. U itlob 'l Alla għalija biex, jekk jista' jkun, ineħħi s-sentenza dwar id-dannazzjoni tiegħi. Għax hemm miktub li Alla jaf ibiddel is-sentenza kemm il-darba l-midneb jindem mid-dnub tiegħu. U jien għandi tant fiduċja fit-talb tiegħek hekk, li kelli nsib ruħi f'nofs l-infern u int titlob 'l Alla għalija, jien kont inħossni mserraħ mill-ħruq tan-nar. Għaldaqstant mill-ġdid nitolbok biex lili, midneb, tirrikmandani 'l Alla, li ġie biex isalva l-midinbin, biex fil-ħniena tiegħu jilqagħni għandu". U dan il-kliem fra Elia qalu b'tant devozzjoni u bid-dmugħ f'għajnejh, li san Franġisk, bħal missier kollu mħabba lejn ibnu, wiegħdu li jitlob 'l Alla għalih, u hekk għamel tabilħaqq.

U talab għalih b'devozzjoni tassew kbira u ġie mgħarraf b'rivelazzjoni li Alla sema' t-talba tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam mat-tneħħija tas-sentenza tad-dannazzjoni ta' fra Elia: li, wara kollox, ruħu ma kienetx se tkun indannata, imma żgur li kellu joħroġ mill-Ordni u jmut ukoll barra mill-Ordni. U hekk ġara. Għax Federiku, sultan ta' Sqallija, ħadha kontra l-Knisja u l-Papa skumnikah, lilu u 'l min għenu jew tah parir. U fra Elia, li kien meqjus wieħed min-nies l-aktar għorrief tad-dinja, ġie mitlub l-għajnuna minn Federiku u ingħaqad miegħu u ħadha hu wkoll

---

[360] Dan hu l-aħħar wieħed fost il-*Fjuretti* li hu iddedikat prinċipalment lil S. Franġisk. Jirrakkonta l-istorja ta' fra Elia, li Franġisku sar jafha permezz ta' rivelazzjoni. Hu diffiċli li wieħed jaċċetta dan il-kwadru bħala wieħed storiku, imma jidher li hu frott tal-valutazzjoni mhux tant pożittiva li l-aħwa *zelanti* kellhom lejn fra Elia. Nafu minn Fonti oħrajn li Franġisku kellu stima u venerazzjoni kbira lejn Elia. Jibqa' veru iżda, li fra Elia, wara li ġie depost minn Ministru Ġeneral fl-1239, għadda għand l-imperatur Federiku II, li kien skomunikat mill-Papa Girgor IX, u għalhekk spiċċa skomunikat hu wkoll. Imma ftit qabel miet, x'aktarx fit-2-6 ta' Mejju 1253, hu talab maħfra u reġa' libes it-tonka Franġiskana fil-belt ta' Cortona, fejn għadu midfun sallum fil-knisja konventwali ta' S. Francesco. Il-*Fjuretti* huma l-Fonti li jirrakkontaw l-assoluzzjoni ta' fra Elia, li hemm aċċenn għaliha wkoll f'Thomas of Eccleston VI,33.

kontra l-Knisja u apostata mill-Ordni. Għalhekk lilu wkoll il-Papa skumnikah u ġie mċaħħad milli jilbes it-tonka ta' San Franġisk.

Waqt li kien taħt il-piena ta' l-iskomunika, waqa' marid gravi. Meta ħuh, li kien fra lajk li baqa' fi ħdan l-Ordni u kien raġel ta' ħajja tajba u onesta, sema' li kien marid mar iżuru, u fost ħwejjeġ oħra qallu: "Ħija l-aktar għażiż, inħossni iddispjaċut ħafna li int tinsab skumnikat u maqtugħ barra mill-Ordni tiegħek, u se tmut f'dan l-istat. Imma jekk int tara li hemm xi triq jew xi mod li bih nista' neħilsek minn din il-qagħda mwiegħra, minħabba fik ma nara bi kbir xejn u nagħmel li nista' bil-qalb kollha". Wieġbu fra Elia: "Ħija, ma nara li hemm ebda mod ieħor ħlief li tmur għand il-Papa, u titolbu biex għall-imħabba ta' Alla u tal-qaddej tiegħu San Franġisk, li minħabba f'tagħlimu jien kont tlaqt lid-dinja, jaħfirli l-piena ta' l-iskomunika u jerġa' mill-ġdid jagħtini l-ilbies ta' l-Ordni". U ħuh qallu li bil-qalb kollha kien sejjer jitħabat għas-salvazzjoni tiegħu. Telaq minn ħdejh u mar f'riġlejn il-Papa, jitolbu bl-umiltà kollha li, għall-imħabba ta' Kristu u tal-qaddej tiegħu San Franġisk, jagħti 'l ħuh il-grazzja mixtieqa. U kif għoġob lil Alla, il-Papa tahielu din il-grazzja: li jmur lura, u jekk isib lil fra Elia ħaj, jagħtih f'ismu l-maħfra mill-iskomunika u jlibbsu mill-ġdid it-tonka. Dak telaq jiġri kollu ferħan u mar bil-għaġġla jsib lil fra Elia. Sabu għadu ħaj, imma kien qrib bieb il-mewt, u ħafirlu l-iskomunika. U wara li mill-ġdid libbsu l-libsa ta' l-Ordni, fra Elia għadda minn din il-ħajja, u ruħu ġiet salvata għall-merti ta' San Franġisk u t-talb tiegħu li fih fra Elia kellu fidi qawwija.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 62]

[1625] Kapitlu XXXIX

*Dwar il-priedka tassew sabiħa li Sant'Antnin ta' Padova għamel fil-konċistorju.*

*Messer* Sant'Antnin ta' Padova[361], li fih kien jgħammar b'mod ta' l-għaġeb l-Ispirtu s-Santu, u li kien wieħed mid-dixxipli magħżulin u sħab ta' San Franġisk, li kien iħobb isejjaħlu l-

[361] Antnin ta' Padova, oriġinarju ta' Lisbona (1195), kanonku regolari Agostinjan fil-*canonia* rjali ta' Coimbra, fil-Portugal, għadda mal-Patrijiet Minuri fl-1220, wara li ra r-relikwi tal-Protomartri Berardu u sħabu, li inġabu mill-Marokk. Mar lejn l-Afrika bix-xewqa li jmut martri, imma tempesta ġarret il-ġifen tiegħu fuq Sqallija. Minn hemm mar Assisi għall-Kapitlu ta' l-1221, u wara perjodu qasir fl-eremitaġġ ta' Monte Paolo fir-Romagna, S. Franġisk inkarigah biex jgħallem it-tejoloġija lill-aħwa f'Bologna. Ministru Provinċjal tar-Romagna, sar predikatur magħruf fl-Italja ta' fuq u Franza tan-nofsinhar. Miet f'Padova fit-13 ta' Ġunju 1231 u baqa' magħruf bħala qaddis kbir ta'mirakli. F'dan l-episodju Antnin jiġi ppreżentat bħala predikatur għaref u l-ġrajja tfakkarna f'dik ta' Pentekoste. Skond Luke Wadding dan il-konċistorju kien sar fl-Għid tas-sena 1227, ftit wara li sar Papa Girgor IX (1227-1241). L-espressjoni magħrufa tal-Papa: "dan ir-raġel hu l-arka tat-Testment u t-teżor ta' l-Iskrittura divina" tidher fil-Bulla ta' Kanonizzazzjoni ta' S. Antnin, *Cum dicat Dominus,* li l-Papa Girgor IX ipproklama nhar Pentekoste, 30 ta' Mejju 1232. Cfr. L. Wadding, *Annales Minorum,* II ad 1232, 320-322.

isqof tiegħu, darba minnhom kellu jippriedka fil-konċistorju fil-preżenza tal-Papa u l-Kardinali. F'dan il-konċistorju kien hemm irġiel minn nazzjonijiet differenti, jiġifieri griegi, latini, franċiżi, ġermaniżi, slavi u ingliżi, u oħrajn ta' diversi ilsna oħra li hawn fid-dinja. Kien hekk imħeġġeġ mill-Ispirtu s-Santu, u xandar il-kelma ta' Alla hekk b'mod li jħalli l-frott, b'tant devozzjoni, b'mod tant fin u mimli ħlewwa, ċar u li jinftiehem, li dawk kollha li kienu fil-konċistorju, minkejja li kienu ta' ilsna differenti, fehmu sewwa l-kliem kollu li qal, bħallikieku kien qed jitkellem bl-ilsien tagħhom stess. Ilkoll baqgħu mistagħġba, u dehrilhom li qed jiġi mtenni l-miraklu qadim ta' l-Appostli fiż-żmien ta' Għid il-Ħamsin meta, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, tkellmu b'kull ilsien.

Ilkoll stagħġbu, u wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Dak li qed jippriedka mhux minn Spanja? U kif inhi li aħna lkoll qed nisimgħuh ikellimna b'ilsien art twelidna?" Il-Papa wkoll, meta qagħad jaħseb fit-tul fuq il-kliem hekk profond tiegħu, stagħġeb ħafna, u qal: "Tabilħaqq li dan ir-raġel hu l-arka tat-Testment u t-teżor ta' l-Iskrittura divina".

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 44]

[1626] Kapitlu XL

*Dwar il-miraklu li wettaq Alla meta Sant'Antnin, waqt li kien Rimini, ippriedka lill-ħut tal-baħar.*

Ġesù l-imbierek ried juri l-qdusija kbira tal-qaddej l-aktar fidil tiegħu, *messer* Sant'Antnin, u kif il-predikazzjoni u t-tagħlim qaddis tiegħu kellhom jiġu mismugħa b'qima kbira. Darba minnhom permezz ta' l-annimali li ma għandhomx raġuni, jiġifieri l-ħut, ċanfar il-bluha ta' l-eretiċi bla fidi, bħalma fil-qedem, fit-Testment il-qadim, ċanfar l-injuranza ta' Bagħlam bil-fomm ta' ħmara (cfr. Num 22,21ss). F'Rimini[362] kien hemm bosta eretiċi, u Sant'Antnin, li nzerta sab ruħu hemm, ried ireġġagħhom lura għad-dawl tal-fidi vera u għat-triq tal-verità. Għal ġranet sħaħ ippriedkalhom u kien jitkellem magħhom dwar il-fidi ta' Kristu u ta' l-Iskrittura mqaddsa. Iżda huma, mhux biss ma qablux ma' kliemu, imma kienu hekk imwebbsin u ta' ras iebsa li lanqas biss riedu joqogħdu jisimgħuh jitkellem. Jum minnhom, imnebbaħ minn Alla b'rivelazzjoni, Sant'Antnin telaq għax-xatt ix-xmara li kien hemm qrib il-baħar, u waqt li kien wieqaf fuq ix-xatt, bejn il-baħar u x-xmara, beda jkellem lill-ħut, f'isem Alla, bħallikieku kien qed jippriedkalhom: "Isimgħu l-kelma ta' Alla, intom ħut tal-baħar u tax-xmara, ladarba l-eretiċi bla fidi qed jiddejqu jisimgħuha". U dak il-ħin stess, kif temm jgħid dan il-kliem, resqu lejn ix-xatt għadd kbir ta' ħut, kbar, żgħar u mdaqqsin, li qatt ma dehru qabel f'dak il-baħar jew f'dik ix-xmara qtajjiet hekk kbar

[362] Episodju magħruf ħafna fil-ħajja ta' S. Antnin, il-priedka mirakoluża lill-ħut, li ġrat fil-belt ta' Rimini, fuq ix-xtajta ta' l-Adrijatiku. Turi xebħ ma' l-episodju daqstant magħruf ta' S. Franġisk li jippriedka lill-għasafar.

ta' ħut. U kollha żammew rashom barra mill-ilma, iħarsu b'wiċċhom lejn Sant'Antnin, kwieti, ġwejdin, u kulħadd f'postu. Fuq quddiem, qrib ix-xatt, qagħad il-ħut iż-żgħirnett, warajhom dawk imdaqqsin u fuq wara mbagħad, fejn l-ilma kien fond aktar, qagħad il-ħut il-kbir.

Meta l-ħut qagħad fl-ordni msemmi, Sant'Antnin beda jippriedka b'mod solenni u jgħid: "L-aħwa tiegħi ħut, intom fid-dmir li, mill-aħjar li tistgħu, troddu ħajr lill-Ħallieq, li takom dan l-element hekk nobbli biex tgħammru fih, ilma ħelu u ilma mielaħ, u għandkom kemm il-post tal-kenn biex taħarbu fih fil-waqt li tqum xi tempesta; takom ukoll element ċar u trasparenti, u ikel biex tkunu tistgħu tgħixu. Alla l-ħallieq tagħkom, kollu ħlewwa u tjubija, meta ħalaqkom, takom il-kmand li tikbru u toktru, u takom ukoll il-barka tiegħu. Meta mbagħad ġie d-dilluvju ma' kullimkien, waqt li l-annimali l-oħra mietu kollha kemm huma, lilkom biss il-Mulej ħeles minn kull ħsara. Qiesu takom il-ġwienaħ biex tkunu tistgħu tiġru kull fejn tridu. Mess lilkom, bi kmand ta' Alla, li ssalvaw lil Ġona l-profeta, u wara t-tielet jum titfgħuh fuq l-art qawwi u sħiħ. Kontu intom ukoll li offrejtu l-ħaraġ lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu li, ta' fqir li kien, ma kellux mnejn iħallas. Intom kontu wkoll ikel għas-sultan etern Ġesù Kristu qabel u wara l-qawmien tiegħu mill-mewt, b'misteru waħdieni. Għal dan kollu intom fid-dmir li tfaħħru ħafna u tiżżu ħajr lil Alla, li takom kotra ta' benefiċċji aktar milli ta lill-ħlejjaq l-oħra". Għal dan il-kliem, u ieħor bħalu li Sant'Antnin beda jgħidilhom, il-ħut bdew jiftħu ħalqhom u jbaxxu rashom, u b'dawn il-ġesti u sinjali oħrajn ta' qima, mill-aħjar li setgħu, bdew ifaħħru 'l Alla. Imbagħad, meta Sant'Antnin ra l-qima hekk kbira li l-ħut kellhom lejn Alla, imtela bil-ferħ fl-ispirtu tiegħu u b'leħen għoli qal: "Imbierek ikun dejjem Alla etern, li l-ħut tal-baħar iqimu ħafna aktar milli jqimuh l-eretiċi, u l-annimali bla raġuni jisimgħu l-kelma tiegħu aktar bil-qalb mill-bnedmin infidili". U aktar ma Sant'Antnin dam jippriedka, aktar beda jikber il-għadd ta' ħut, u ħadd ma telaq mill-post li ħa.

Għal dan il-miraklu kbir in-nies tal-belt ġriet biex tmur tara, u fost dawk li marru kien hemm ukoll l-eretiċi li semmejna. Meta raw dan il-miraklu ta' l-għaġeb, hekk ċar quddiem għajnejhom, ħassew l-indiema f'qalbhom, u nxteħtu f'riġlejn Sant'Antnin biex jisimgħu l-priedka tiegħu. Meta ra hekk Sant'Antnin beda jippriedka dwar il-fidi kattolika, u tkellem b'mod hekk konvinċenti li dawk l-eretiċi ikkonvertew, kollha kemm huma, u reġgħu lura biex iħaddnu l-fidi ta' Kristu. Dawk li kienu jemmnu, imbagħad, imtlew b'ferħ kbir ħafna, u ħassewhom imfarrġin u fl-istess ħin imwettqin fil-fidi tagħhom. Meta ra hekk, Sant'Antnin bierek il-ħut f'isem Alla, u ħalliehom jitilqu. U kollha telqu u bdew juru sinjali ta' ferħ kbir, u hekk ukoll għamlu n-nies li nġabru. Imbagħad Sant'Antnin qagħad f'Rimini għal ħafna jiem, jippriedka u jagħmel ħafna frott spiritwali fl-erwieħ.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 45]

[1627] Kapitlu XLI

*Kif il-venerabbli fra Simone ħeles minn tentazzjoni kbira lil wieħed mill-aħwa li minħabba fiha ried iħalli l-Ordni.*

Fl-ewwel żminijiet ta' l-Ordni, meta San Franġisk kien għadu ħaj, wieħed żagħżugħ minn Assisi, li ġie msejjaħ fra Simone[363], ġie biex jidħol fl-Ordni. Lilu Alla żejnu b'tant grazzja u kontemplazzjoni, u ħeġġa li jżomm moħħu dejjem merfugħ lejn is-sema, li ħajtu kollha kienet mera ta' qdusija, skond dak li smajt jien stess mingħand dawk li għexu miegħu fit-tul. Ftit li xejn kont tarah barra minn kamartu, u meta xi drabi kien ikun ma' l-aħwa, kien dejjem jitkellem fuq Alla. Hu qatt ma kien tgħallem skola, u b'danakollu kien jitkellem hekk profondament u jgħid ħwejjeġ hekk għoljin meta kien jitkellem dwar Alla u l-imħabba ta' Ġesù Kristu, li kliemu kien jidher kliem soprannaturali, ġej mis-sema. Darba minnhom filgħaxija mar fil-bosk flimkien ma' fra Iacopo da Massa biex joqogħdu jitkellmu fuq Alla. U tkellmu bi ħlewwa hekk kbira dwar l-imħabba ta' Alla, li għaddew il-lejl kollu f'diskorsi bħal dawn, u meta sebaħ filgħodu dehrilhom li l-ħin li qattgħu jitkellmu flimkien fuq hekk kien biss ta' ftit minuti; dan qaluli l-istess fra Iacopo. Fra Simone li qed nitkellmu dwaru, meta Alla kien jagħtih id-dawl divin u jġiegħlu jħoss f'qalbu l-imħabba tiegħu, kien jimtela b'ferħ u bi ħlewwa hekk kbira ta' l-ispirtu li spiss, meta kien iħosshom ġejjin fuqu, kien ikollu jimtedd fuq soddtu, għax il-ħlewwa kwieta ta' l-Ispirtu s-Santu kienet titlob minnu li jkun mistrieħ mhux biss f'ruħu, imma wkoll f'ġismu. U meta kien ikollu dawk iż-żjajjar divini, kien ikun maħtuf f'Alla, u kien ikun insensibbli għal kull ma kien ikun qed jiġri madwaru.

Darba minnhom, kif kien hekk maħtuf f'Alla u ma jħoss xejn mill-ħwejjeġ tad-dinja, f'qalbu kien jaqbad ħuġġieġa waħda bl-imħabba ta' Alla, waqt li bis-sensi tal-ġisem ma kien iħoss proprju xejn. Wieħed mill-aħwa, iżda, ried jagħmel hu stess l-esperjenza ta' dan, biex jara jekk kienx tabilħaqq kif kien jidher minn barra. Mar, għalhekk, u ġab ġamra tan-nar u qiegħedha fuq siequ għerja. U fra Simone ma ħass xejn, u lanqas ħallietlu marka tal-ħruq fuq sieqn, għad li l-ġamra damet fuqha għal ħafna ħin, hekk li ntfiet waħedha. Dan l-imsemmi fra Simone, meta kien imur fuq il-mejda, qabel ma kien jieħu l-ikel tal-ġisem, kien jieħu, hu u jagħti lill-oħrajn, l-ikel spiritwali billi joqgħod jitkellem fuq Alla.

B'dawn id-diskorsi devoti rnexxielu jikkonverti żagħżugħ minn San Severino, li kien ġuvni mogħti ħafna għall-frugħa u għall-ħajja tad-dinja; kien ukoll ta' demm nobbli, u delikat ħafna f'ġismu. U fra Simone, li aċċettah fl-Ordni, żammlu għandu l-ilbies ta' sekular, u ż-żagħżugħ kien joqgħod ma' fra Simone biex jitgħallem u jiġi iffurmat minnu dwar l-osservanza regolari. Imma

[363] Fra Simone daħal fl-Ordni fl-1226 u dam jgħix sa l-1250. Kien raġel kontemplattiv, u għalkemm ma kienx jaf skola, kien għaref fil-ħwejjeġ ta' Alla. Flimkien miegħu jiġi ippreżentat fra Iacopo da Massa, wieħed mill-protagonisti ta' l-*Actus-Fjuretti*. Minn dan il-kapitlu 'l quddiem il-*Fjuretti* jitkellmu dwar viżjonijiet u mirakli li huma marbutin ma' l-aħwa qaddisin tal-Provinċja tal-Marche, li kienu deċiżament ġejjin mill-familja ta' l-Ispiritwali.

d-demonju, li dejjem jara kif ifixkel u jħarbat kull ma hu tajjeb, ħeġġiġlu fih tentazzjoni tal-ġisem li kienet hekk qawwija li b'xejn ma seta' jirreżistiha. Minħabba f'hekk mar għand fra Simone u qallu: "Agħtini lura ħwejġi ta' sekular li jien ġibt miegħi, għax jien ma nistax inżomm aktar b'din it-tentazzjoni tal-ġisem". U fra Simone, li ġietu ħniena kbira minnu, qallu: "Ibni, oqgħod bilqiegħda hawn miegħi għal ftit". U beda jitkellem miegħu dwar Alla, u kull tentazzjoni li kellu fih għabet. U kull darba li t-tentazzjoni kienet terġa' tiġi lura, u ż-żagħżugħ kien jitolbu jagħtih ħwejġu, fra Simone kien ibiegħda minnu billi joqgħod ikellmu fuq Alla.

Dan ġara kemm il-darba, imma fl-aħħar, lejl minnhom, it-tentazzjoni kienet ħafna aktar qalila mis-soltu, u b'xejn ma seta' jegħlibha. Mar din id-darba wkoll għand fra Simone u talbu lura l-ħwejjeġ ta' sekular, għax bl-ebda mod ma seta' jibqa' aktar. Imbagħad, kif kien soltu jagħmel, fra Simone ġiegħlu joqgħod bilqiegħda ħdejh, u waqt li kien qed ikellmu fuq Alla, iż-żagħżugħ baxxa rasu f'ħoġor fra Simone għax kellu fuqu dwejjaq u swied ta' qalb kbir. Meta ra dan, fra Simone ħass ħafna għalih, refa' għajnejh lejn is-sema u talab 'l Alla b'ħerqa kbira, u kien maħtuf f'Alla u ġie mismugħ. Meta ġie lura f'tiegħu, iż-żagħżugħ ħassu li kien meħlus għal kollox minn dik it-tentazzjoni, u qisu qatt ma kien ħass xejn.

U mhux hekk biss, imma ħass li l-ħeġġa tat-tentazzjoni inbidlitlu f'ħeġġa ta' l-Ispirtu s-Santu, għax hu kien resaq qrib il-ġamra taqbad, jiġifieri fra Simone, u għalhekk tkebbes hu wkoll bl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Darba minnhom ġie maqbud raġel li ma kienx jagħmel ħlief ħsara, u qatgħuha li jaqlgħulu barra għajnejh it-tnejn. Dan iż-żagħżugħ ġietu ħniena minnu, u bil-kuraġġ kollu mar dritt għand ir-Rettur waqt li kien hemm miġbur madwaru l-Kunsill kollu, u b'ħafna talb devot u biki talbu li lilu jaqilgħulu għajn waħda, u lil dak ir-raġel li żbalja jaqilgħulu l-oħra, biex hekk ma jkunx imċaħħad mid-dawl ta'għajnejh it-tnejn. Imma meta r-Rettur u l-membri tal-Kunsill raw il-ħeġġa tal-karità li kellu dak il-patri, ħafru lil wieħed u lill-ieħor.

Meta darba minnhom fra Simone kien qiegħed jitlob fil-bosk, u beda jħoss fih innifsu faraġ kbir, qatgħa ċawl bdew idejjquh għall-aħħar bl-għajjat tagħhom. Għalhekk ikkmandahom f'isem Ġesù Kristu li jitilqu u ma jiġu qatt iżjed lura. U dawk l-għasafar telqu minn hemm, u qatt iżjed ma dehru jew instemgħu, la hemm u lanqas f'dawk l-inħawi. U dan il-miraklu sar magħruf minn kulħadd fil-kustodja ta' Fermo, fejn kien jgħix dak il-patri.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 55]

[1628] Kapitlu XLII

*Dwar il-mirakli sbieħ li Alla għamel permezz ta' l-aħwa, fra Bentivoglia, fra Pietro da Monticello u fra Corrado da Offida, u dwar kif fra Bentivoglia ġarr lebbruż tul ħmistax il-mil fi żmien qasir ħafna, kif lill-ieħor kellmu San Mikiel, u lill-ieħor dehritlu l-Verġni Marija u qiegħditlu f'dirgħajh lil Binha ċkejken.*

Fl-ewwel żminijiet il-Provinċja tal-Marche ta' Ancona[364] kienet tixbaħ is-sema mżejjen bil-kwiekeb, għax kienet imżejna b'għadd sabiħ ta' aħwa qaddisin u ta' ħajja eżemplari. Dawn, bħallikieku kienu mnajjar fis-sema, dawwlu u sebbħu l-Ordni ta' San Franġisk u d-dinja wkoll bl-eżempju u t-tagħlim tagħhom. Minn ta' quddiemnett insemmu lil fra Lucido Antico[365], li kien jiddi bil-qdusija tiegħu, u mħeġġeġ bl-imħabba ta' Alla. Ilsienu glorjuż kien jitkellem bil-qawwa li kien jagħtih l-Ispirtu s-Santu, u kiseb frott kbir u ta' l-għaġeb bil-predikazzjoni tiegħu.

Wieħed ieħor mill-aħwa kien fra Bentivoglia da San Severino. Lil dan, fra Masseo, minn San Severino hu wkoll, rah merfugħ fl-arja, u dam hekk għal ħin twil,waqt li kien jitlob fil-bosk. Kien minħabba li ra b'għajnejh dan il-miraklu li fra Masseo, li kien għadu qassis sekular, ħalla dan l-istat u daħal mal-Patrijiet Minuri. Kien ta' qdusija kbira, u għamel ħafna mirakli kemm matul ħajtu, kif ukoll wara mewtu, u ġismu qed jistrieħ f'Murro. Dan fra Bentivoglia li ġa semmejna, darba minnhom kien joqgħod waħdu Trave Bonanti, u kien jieħu ħsieb jaqdi lil wieħed lebbruż. Is-superjur tiegħu ordnalu li jitlaq mnejn kien, u jmur f'post ieħor, li kien xi ħmistax il-mil bogħod. Billi ma riedx iħallih hemm, waħdu, kollu mħeġġeġ bl-imħabba, qabdu u refgħu fuq spallejh, u ġarru mit-tbexbix sa tlugħ ix-xemx, dik it-triq kollha, ħmistax il-mil, sa ma wasal fil-post li kien iddestinat għalih; il-post fejn kien mibgħut kien jismu Monte Sancino. Li kieku kien ajkla, dak il-vjaġġ ma kienx jagħmlu f'ħin hekk qasir. U n-nies kollha ta' dak il-pajjiż ammiraw ħafna dan il-miraklu, u lkoll stagħġbu bih.

Wieħed ieħor mill-aħwa kien fra Pietro da Monticello. Lil dan ukoll, fra Servodio da Urbino (li dak iż-żmien kien il-gwardjan tal-post il-qadim ta' Ancona), rah maqtugħ mill-art f'għoli ta' ħames jew sitt driegħ sa ħdejn ir-riġlejn tal-Kurċifiss tal-knisja li quddiemu kien qiegħed jitlob. Dan fra Pietro kien qed isum ir-randan ta' San Mikiel b'qima kbira lejh. Fl-aħħar jum ta'

---

[364] Eloġju lill-Provinċja tal-Marche, li juri li ħafna minn dawn il-ġrajjiet tal-*Fjuretti* twieldu f'dan ir-reġjun li, fl-istorja bikrija ta' l-Ordni, kien dejjem ferment ta' riforma u osservanza letterali tar-Regola Franġiskana.

[365] L-eloġju ta' fra Lucido hu spjegazzjoni ta' ismu. Il-*Fjuretti* jagħtuna biss ftit aċċenni dwaru. Fi SP 85 hu jiġi mfakkar bħala wieħed mill-aħwa li magħhom S. Franġisk kien ikkompona l-fiżjonomija tal-patri idejali: "Il-ħerqa ta' fra Lucido, li kien dejjem mill-aktar ħerqan li ma jmurx joqgħod aktar minn xahar f'post wieħed, imma meta kien jibda' jogħoġbu li joqgħod f'xi post, mall-ewwel kien jitlaq minn hemm u jgħid: *Hawn isfel ma għandniex dar fejn noqgħodu* (cfr. Lhud 13,14), imma biss fis-sema". Dan fra Lucido, skond l-*Historia Septem Tribulationum* ta' Angelo Clareno, III,75, kien sieħeb Bernardo da Quintavalle, Giacomo da Massa, Ginepro u Egidio. Fra Bentivoglia De Bonis da San Severino hu dak il-patri żagħżugħ li fil-kapitlu ta' qabel dan isofri tentazzjoni. Hu miet fl-1288. Fra Masseo, wkoll minn San Severino, li qabel kien rettur ta' knisja parrokkjali (rettur ta' *pieve*), ma għandniex inħalltuh mal-famuż fra Masseo da Marignano, sieħeb S. Franġisk, li dwaru jitkellmu ħafna l-*Fjuretti* u Fonti oħrajn. Fra Pietro da Monticello miet qrib l-1304. Il-*Fjuretti* jerġgħu jitkellmu dwaru fil-kapitlu 44. Fra Corrado da Offida (c.1237-1306) daħal żagħżugħ fl-Ordni, fl-1251. Kien jgħix fl-eremitaġġi tal-Marche ta' Ancona, Fermo, u La Verna, u kien jaf personalment lil fra Leone, sieħeb San Franġisk, kif ukoll lil Ubertino da Casale u Pier Jean Olivi. Kien wieħed mill-aħwa Spiritwali li kien wera simpatija ma' Angelo Clareno u mal-*Poveri Eremiti di Papa Celestino V,* li kienu grupp ta' Spiritwali li inqatgħu mill-Ordni. Hu baqa' dejjem fl-Ordni, u hu awtur ta' *Dicta fratri Conradi*, li waslu għandna f'manuskritt misjub fil-bibljoteka tal-kulleġġ Irlandiż ta' Saint Isidore f'Ruma. Fra Corrado hu importantissimu bħala ħolqa indispensabbli bejn sħab S. Franġisk (fra Leone u r-*rotoli* tiegħu) u t-tradizzjoni orali tas-seklu 14, li wasslitilna l-*Actus-Fjuretti*. Wieħed jinnota l-insistenza li tingħata lil viżjonijiet u estasi li kellhom dawn l-aħwa qaddisin.

dan ir-randan, waqt li kien jitlob fil-knisja, wieħed mill-aħwa li kien żagħżugħ semgħu jitkellem ma' San Mikiel Arkanġlu. Dan kien qagħad mistoħbi taħt l-altar maġġur tal-knisja, għax xtaq jara xi sinjal ta' qdusija fi fra Pietro. Sema' dan il-kliem: San Mikiel qal: "Fra Pietro, int batejt ħafna, u b'fedeltà kbira, minħabba fija, u għakkist 'il ġismek b'ħafna modi. Ara, issa jien ġejt biex infarrġek biex int titlob kull grazzja li tixtieq, u jien irrid naqlagħhielek mingħand Alla". U fra Pietro wieġbu: "Prinċep l-aktar qaddis ta' l-eżerċtu tas-sema, u qaddej mill-aktar fidil u mħeġġeġ ta' l-imħabba divina u ħarries kollok tjieba ta' l-erwieħ: jien nitolbok din il-grazzja, jiġifieri li taqlagħli mingħand Alla l-maħfra ta' dnubieti". U San Mikiel wieġbu: "Itlob xi grazzja oħra, għax din li tlabt se naqlaqgħhielek żgur u bla tbatija ta' xejn". Meta fra Pietro ma talbu ebda grazzja oħra, l-Arkanġlu għalaq b'dawn il-kelmiet: "Jien, għall-qima li għandek lejja u l-fidi fija, se naqlagħlek din il-grazzja li tlabtni, u ħafna oħrajn ukoll". Meta ntemmu d-diskorsi li kienu qed jagħmlu bejniethom, u li dam u sejrin ħin twil, l-Arkanġlu San Mikiel telaq, u ħalla 'l fra Pietro mimli b'ferraġ kbir.

Fl-istess żmien ta' dan il-qaddis fra Pietro kien hemm ukoll fra Corrado da Offida, li kien huwa wkoll membru tal-familja tal-post ta' Forano tal-kustodja ta' Ancona. Darba minnhom, dan fra Corrado mar fil-bosk biex hemm jehda jikkontempla 'l Alla, u fra Pietro mar warajh bil-moħbi biex jara dak li kien se jgħaddi minn għalih. U fra Corrado waqt li kien bilwieqfa beda jitlob lill-Verġni Marija b'devozzjoni kbira u b'imħabba biex taqlagħlu mingħand Binha l-imbierek din il-grazzja: li hu jduq ftit minn dik il-ħlewwa li daq il-qaddis Xmun fil-jum tal-Purifikazzjoni meta hu refa' f'dirgħajh lil Ġesù, is-Salvatur l-imbierek. U meta temm din it-talba, il-Verġni Marija, kollha ħniena, semgħet it-talba tiegħu. U ara, dehret is-Sultana tas-sema bl-imbierek Binha ċkejken f'dirgħajha, imdawwar b'dija ta' dawl ta' l-għaġeb. Resqet qrib fra Corrado, u qiegħditlu f'dirgħajh lill-imbierek Binha ċkejken. Hu laqgħu b'qima tassew kbira, u beda jħaddnu miegħu u jbusu u jgħannqu ma' sidru; ħassu jinħall u jimtela kollu kemm hu bl-imħabba divina u b'faraġ li ma jitfissirx bil-kliem. U fra Pietro wkoll, li minn fejn kien moħbi seta' jara kollox, ħass f'ruħu ħlewwa u faraġ tassew kbar. Meta l-Verġni Marija telqet minn ħdejn fra Corrado, fra Pietro mar lura f'postu bil-għaġġla biex l-ieħor ma jarahx. Imma meta fra Corrado kien ġej lura kollu ħieni u ferħan, u fra Pietro qallu: "O raġel tas-sema, illum kellek faraġ kbir", fra Corrado qallu: "X'inti tgħid fra Pietro, u kif taf int x'kelli jien?" "Iva, naf tajjeb, naf tajjeb", qallu fra Pietro, "li l-Verġni Marija ġiet iżżurek flimkien ma' l-imbierek Binha ċkejken". Imbagħad fra Corrado, li għax kien tassew umli xtaq li jżomm mistura fis-skiet il-grazzji li kien jagħtih Alla, talbu ħafna biex ma jgħid xejn lil ħadd. U minn dak in-nhar 'il quddiem l-imħabba ta' bejniethom saret hekk kbira, li donnu bejniethom kien hemm qalb waħda u ruħ waħda f'kollox.

Dan l-imsemmi fra Corrado darba minnhom, fil-post imsejjaħ Siruolo, bil-qawwa tat-talb tiegħu, ħeles mara maħkuma mix-xitan, wara li qagħad jitlob għaliha l-lejl kollu u deher lil ommha. U mas-sebħ ħarab minn hemm biex in-nies ma jsibuhx u joqogħdu jonorawh.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 48]

[1629] Kapitlu XLIII

*Dwar kif fra Corrado da Offida irnexxielu jikkonverti patri żagħżugħ li kien idejjaq lill-aħwa l-oħrajn. U kif dan iż-żagħżugħ, meta kien qed imut, deher lil fra Corrado, u talbu biex jitlob għalih, u dwar kif ħelsu mill-pwieni ħorox ħafna tal-purgatorju bil-qawwa tat-talb tiegħu.*

Dan fra Corrado[366] li semmejna, kien raġel mimli b'żelu qaddis li jgħix il-faqar evanġeliku u r-Regola ta' San Franġisk, u quddiem Alla kien bniedem ta' ħajja reliġjuża tajba u ta' mertu kbir, hekk li Kristu l-imbierek taħ ġieħ b'ħafna mirakli, kemm matul ħajtu, kif ukoll wara mewtu.

Insemmu wieħed minnhom, dak ta' meta mar iżur il-post ta' Offida, u l-aħwa talbuh għall-imħabba ta' Alla, u tal-karità, biex iwissi lil wieħed mill-aħwa li kien żagħżugħ u li kien jgħix f'dak il-post. Dan kien iġib ruħu bħat-tfal, ma kienx jgħix ħajja regolari, imma kien laxk fl-imġieba tiegħu, u kien iħawwad kemm lix-xjuħ kif ukoll liż-żgħażagħ li kienu jgħixu f'dik il-familja. Ftit li xejn kien iħabbel rasu dwar l-Uffiċċju Divin u l-osservanza regolari. Fra Corrado ġietu ħniena minnu, u billi l-aħwa talbuh ħafna, darba minnhom sejjaħlu għalih waħdu lil dan iż-żagħżugħ. Kollu mħeġġeġ b'karità kbira lejh qagħad ikellmu bir-rispett kollu u jgħidlu kliem ta' tagħlim. Bil-ħidma tal-grazzja ta' Alla dak inbidel mil-lejl għan-nhar, u minn tifel sar anzjan fl-imġieba tiegħu, u sar ukoll ubbidjenti u twajjeb u ħerqan u kollu ħeġġa. F'qasir żmien sar raġel ta' paċi u li jaqdi 'l kulħadd u hekk mehdi f'kull ħaġa tajba u qaddisa, li fejn qabel il-familja kollha kienet tħossha mħawwda minħabba fih, hekk issa lkoll kienu kuntenti bih u mfarrġin, u bdew iħobbuh b'qalbhom kollha.

Issa ġara, kif għoġob lil Alla, li ftit jiem wara din il-konverżjoni tiegħu, dan iż-żagħżugħ miet, u l-aħwa iddispjaċihom ħafna għalih. Ftit jiem wara mewtu, ir-ruħ tiegħu dehret lil fra Corrado, waqt li dan kien qed jitlob quddiem l-altar tal-knisja tal-kunvent li semmejna, u sellimlu bir-rispett kollu bħala missier. U fra Corrado staqsieh: "Int min int?" Wieġbu: "Jien ir-ruħ ta' dak ħuk iż-żagħżugħ li miet f'dawn il-ġranet". U fra Corrado: "O iben l-aktar għażiż tiegħi, x'sar minnek?" Wieġeb: "Missier l-aktar għażiż, għall-grazzja ta' Alla u t-talb tiegħek, jien ninsab tajjeb. M'inix indannat, imma qed insofri pwieni mill-aktar ħorox fil-purgatorju minħabba ċerti dnubiet tiegħi li ma kellix żmien biex inpatti għalihom biżżejjed. Imma nitolbok, missier, li bħalma int b'tjieba kbira għintni meta kont għadni ħaj, hekk jogħġbok tgħinni issa li ninsab f'dawn il-pwieni. Għid xi *Missierna* għalija, għax it-talb tiegħek hu milqugħ ħafna quddiem Alla". Fra Corrado ried li jagħmel bil-qalb kollha dak li talbu, u qal darba *Missierna*, li magħha żied ukoll, *requiem aeternam*, u dik ir-ruħ qaltlu: "O Missier l-aktar għażiż, kemm qed inħossni aħjar u x'mistrieħ għandi! Nitolbok ittenni l-istess talba". U fra Corrado reġa' qal it-talb għal darba oħra, u meta temm jgħidu, ir-ruħ qaltlu: "Missier qaddis, meta int titlob għalija, inħossni nimtela bil-faraġ; nitolbok għalhekk biex ma tieqafx titlob għalija". Imbagħad, meta fra Corrado ra li dik ir-ruħ kienet hekk megħjuna bit-talb tiegħu, qal mitt *Missierna* għalih, u meta temm jgħidhom, dik ir-ruħ qaltlu: "Missier l-aktar għażiż, inroddlok ħajr min-naħa ta' Alla għall-karità li għamilt miegħi, għax għat-talb tiegħek jien ninsab meħlus mill-pwieni kollha, u se nitlaq minn hawn għas-saltna tas-sema". U meta temmet tgħid hekk, dik ir-ruħ ma dehritx aktar. Imbagħad fra Corrado, biex iferraħ u jfarraġ lill-aħwa l-oħra, qalilhom ħaġa b'ħaġa dak kollu li ra f'dik il-viżjoni.

---

[366] Dwar fra Corrado d'Offida hawnhekk jingħad li hu kien wieħed mill-aktar aħwa imħeġġin għall-faqar u għall-idejal primittiv tal-ħajja Franġiskana. Wieħed jinnota wkoll l-insistenza tal-*Fjuretti* biex juru l-imħabba, il-korrezzjoni fraterna tal-patri żagħżugħ li mar għand fra Corrado, u l-għaqda fl-istess idejali li dan kellu ma' fra Pietro da Monticelli.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 46]

[1630] Kapitlu XLIV
*Dwar kif lil fra Pietro dehrulu l-omm ta' Ġesù u San Ġwann l-Evanġelista u San Franġisk u qalulu min minnhom ħass l-akbar dulur fil-Passjoni ta' Kristu.*

Fiż-żmien ta' meta fra Corrado u fra Pietro, li diġà semmejna qabel, kienu jgħixu flimkien fil-kustodja ta' Ancona, fil-post ta' Forano – it-tnejn kienu żewġ kwiekeb leqqiena fil-provinċja tal-Marche u żewġ bnedmin tas-sema – kien hemm tant imħabba u karità bejniethom li bħal donnu kellhom qalb waħda u ruħ waħda bejniethom, u waslu li jintrabtu flimkien b'dan il-patt li, kull faraġ li Alla, fil-ħniena tiegħu, jogħġbu jagħmel lil xi ħadd minnhom, dan kellu jkun marbut bil-karità kollha li jgħarraf lill-ieħor dwaru.

Darba minnhom, wara li kienu laħqu dan il-ftehim bejniethom, ġara li fra Pietro kien qed jitlob u jaħseb b'devozzjoni l-aktar kbira fuq il-passjoni ta' Kristu. U ra impinġija lill-imqaddsa Omm Kristu u 'l Ġwanni l-Evanġelista, id-dixxiplu l-aktar maħbub, u lil San Franġisk weqfin ħdejn is-salib, li bit-tbatija mentali li kienu qed iġarrbu, kienu msallbin ma' Kristu. Fra Pietro ġietu x-xewqa jkun jaf min minnhom it-tlieta sofra l-eħrex dulur minħabba l-passjoni ta' Kristu: jekk kienetx l-omm li nisslitu, jew id-dixxiplu li kien strieħ fuq sider Ġesù, jew San Franġisk li kien imsallab ma' Kristu.

U waqt li kien mehdi f'dawn il-ħsibijiet qaddisa, dehritlu l-Verġni Marija ma' San Ġwann l-Evanġelista u ma' San Franġisk, u t-tlieta kienu liebsin l-ilbies mill-aktar nobbli tal-glorja tas-sema. Imma San Franġisk deher liebes wisq isbaħ minn dak li kien liebes San Ġwann. U meta fra Pietro ħassu mbeżża' għal dik id-dehra, San Ġwann beda jfarrġu u jgħidlu: "Tibża' xejn, ħija l-aktar għażiż, għax aħna ġejna biex infarrġuk u niċċarawlek id-dubju li għandek. Kun af għalhekk li Omm Ġesù u jien sofrejna aktar minn kull ħlejqa oħra minħabba l-passjoni ta' Kristu. Imma warajna, San Franġisk, sofra bil-wisq iżjed minn kulħadd, u hu għalhekk li tarah igawdi glorja hekk kbira".

U fra Pietro staqsieh: "Appostlu l-aktar qaddis ta' Kristu, għaliex il-libsa li liebes San Franġisk tidher aktar sabiħa minn tiegħek?" Wieġbu San Ġwann: "Ir-raġuni hija din: għax meta hu kien fid-dinja, hu kien iġib fuqu ilbies aktar rozz u komuni milli kont nilbes jien".

Meta temm jgħid dan il-kliem, San Ġwann newwel lil fra Pietro l-ilbies tassew glorjuż li kellu f'idejh u qallu: "Ħu dan l-ilbies li jiena ġibt biex nagħtihulek". U meta San Ġwann ried ilibbsu dak l-ilbies, fra Pietro waqa' fl-art bil-għaġeb u beda jgħajjat: "Fra Corrado, fra Corrado, ejja malajr biex tgħinni, ejja ħa tara ħwejjeġ ta' l-għaġeb!" U b'dawn il-kelmiet il-viżjoni li kellu intemmet. Meta mbagħad ġie fra Corrado, qallu kollox ħaġa ħaġa, u t-tnejn raddew ħajr lil Alla.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 43]

[1631] Kapitlu XLV
*Dwar il-konverżjoni, il-ħajja u l-mirakli, u l-mewt tal-qaddis fra Giovanni della Penna.*

Meta fra Giovanni della Penna[367] kien għadu żagħżugħ u student tal-provinċja tal-Marche, bil-lejl deherlu tifel tassew sabiħ, sejjaħlu u qallu: "Giovanni, mur Santo Stefano fejn qed jippriedka wieħed mill-aħwa tiegħi, u qis li temmen dak li qed jgħallem u tagħti kas ta' dak li qed jgħid, għax kont jien stess li bgħattulek. Wara li tkun għamilt dan, jeħtieġlek tagħmel vjaġġ twil u mbagħad tiġi għandi".

Dak il-ħin stess qam u ħass f'ruħu bidla kbira. U hu u sejjer lejn Santo Stefano, sab hemmhekk kotra kbira ta' rġiel u nisa li kienu nġabru biex jisimgħu l-priedka. U dak li kellu jagħmel il-priedka kien wieħed mill-aħwa jismu Filippo[368], li kien wieħed mill-ewwel aħwa li kienu ġew fil-Marche ta' Ancona; kien għad hemm ftit postijiet imwaqqfin fil-Marche.

Mela dan fra Filippo tela' jippriedka, u ippriedka b'devozzjoni mill-aktar kbira, mhux bi kliem il-għerf tal-bnedmin, iżda bis-saħħa ta' l-Ispirtu qaddis ta' Kristu, xandar is-saltna ta' Alla u l-ħajja ta' dejjem. U meta spiċċat il-priedka, iż-żagħżugħ mar fuq fra Filippo u qallu: "Missier, jekk jogħġbok tilqagħni fl-Ordni, jien lest li bil-qalb kollha nagħmel penitenza u naqdi lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu".

Fra Filippo ħares lejh fit-tul u għaraf li dan iż-żagħżugħ kellu fih innoċenza ta' l-għaġeb u rieda sħiħa, lesta li taqdi 'l Alla, u għalhekk qallu: "Fit-tali jum ejja sibni f'Ricanati, u jien nagħmel mod li tiġi milqugħ". F'dak il-post kellu jsir il-kapitlu provinċjali.

Dan ġiegħel lil dak iż-żagħżugħ, tassew safi, jaħseb li dan kien il-vjaġġ twil li kellu jagħmel, skond ir-rivelazzjoni li kellu qabel, u mbagħad jibqa' sejjer il-ġenna; kien ħaseb li hekk kien se jiġrilu malli jidħol fl-Ordni. Telaq, għalhekk, u ġie aċċettat.

Intebaħ, iżda, li l-ħsibijiet li kellu ma kienux se jseħħu hekk malajr. Sema' lill-Ministru jgħid fil-kapitlu li kull min kien jixtieq imur fil-provinċja ta' Provenza, bil-mertu ta' l-ubbidjenza, hu kien lest jagħtih il-permess. Ġietu x-xewqa kbira li jmur hemm, għax f'qalbu ħaseb li dak kien il-vjaġġ twil li kellu jagħmel qabel ma jmur il-ġenna. Iżda hu kien jistħi jgħid dan, imma fl-aħħar mar għand fra Filippo li ġa semmejna, u li kien għenu jidħol fl-Ordni, u fetaħ qalbu miegħu; talbu li jaqlagħlu l-grazzja li jmur fil-provinċja ta' Provenza.

Meta fra Filippo għaraf is-safa tiegħu u l-intenzjoni qaddisa li kellu, kisiblu dak il-permess u fra Giovanni qam b'ferħ kbir u telaq, għax kien daħħalha f'moħħu b'ċertezza li, wara li jkun wasal fi tmiem dak il-vjaġġ, imur il-ġenna. Imma kif għoġob lil Alla, dam f'dik il-provinċja ħamsa u għoxrin sena sħaħ jistenna li xewqtu tiġi mitmuma. Għex ħajja ta' onestà tassew kbira, u kien

---

[367] F'dan il-kapitlu tiġi ikkonċentrata l-istorja kollha ta' fra Giovanni della Penna, jew aħjar, da Penna San Giovanni, raħal bejn Macerata u Ascoli Piceno fil-Marche. Din l-istorja tinbena fuq il-motiv poetiku u mistiku tal-vjaġġ kbir li hu kellu jagħmel, u li fil-fatt ma jispiċċaħ qatt: minn Recanati sa Provençe (25 sena) u mill-ġdid lura lejn il-Marche (30 sena), sakemm imut imfarraġ bl-aħħar viżjoni li jkollu ta' Kristu, fis-sena 1274. Giordano da Giano, fil-*Kronaka* tiegħu, ifakkar lil ċertu fra Giovanni da Penna bħala wieħed mis-sittin aħwa li intbagħtu fil-Ġermanja fl-1219 (jew fl-1217?) matul l-ewwel missjoni li kienet falliet. L-*Actus Beati Francisci et Sociorum eius* jagħtu importanza kbira lil dan fra Giovanni della Penna, u jiddedikawlu l-kapitlu 58.

[368] Dan hu fra Filippo Longo, wieħed mill-ewlenin sħab ta' S. Franġisk.

ta' eżempju tajjeb u ta' ħajja qaddisa. Kien jikber dejjem fil-virtù u fil-grazzja ta' Alla, u kien maħbub minn kulħadd, u kemm l-aħwa kif ukoll is-sekulari kienu jħobbuh ħafna.

Jum wieħed, waqt li fra Giovanni kien jitlob b'devozzjoni kbira u jibki u jilminta, għax ma rax li x-xewqa tiegħu se tkun xi darba mitmuma, u li l-pellegrinaġġ tiegħu f'dik it-triq kien kull ma jmur jitwal, deherlu Kristu l-imbierek li, malli raħ ħass ruħu tinħall, u semgħu jgħidlu: "Ibni ċ-ċkejken fra Giovanni, itlobni dak li trid". U hu wieġeb: "Mulej tiegħi, jien ma nafx x'nitolbok jekk mhux lilek innifsek, għax jien ma nixtieq xejn aktar, imma dan biss nitolbok, li taħfirli dnubieti kollha, u tagħtini l-grazzja li nerġa' narak darba oħra meta jkolli aktar bżonnok". U Kristu qallu: "It-talba tiegħek hi mismugħa". Meta qallu hekk, ma deherx aktar, u fra Giovanni ħassu mfarraġ ħafna.

Fl-aħħar l-aħwa tal-Marche semgħu bil-fama tal-qdusija tiegħu, u ftiehmu mal-Ġeneral biex jibgħatlu l-ubbidjenza ħalli jiġi lura fil-Marche. Meta rċieva l-ubbidjenza laqagħha bil-ferħ, hekk li mill-ewwel telaq għal għonq it-triq, il-ħin kollu jaħseb li, meta jasal fi tmiemha, żgur li kellu jmur il-ġenna, kif kien wiegħdu Kristu. Imma meta sab ruħu mill-ġdid fil-provinċja tal-Marche, qatta' hemm tletin sena, u ħadd minn dawk li kienu jiġu minnu ma għarfu. Kuljum kien jistenna l-ħniena ta' Alla, u jittama li jara l-wegħda li saritlu titwettaq. Matul dan iż-żmien kien kemm il-darba magħżul gwardjan, u qeda l-uffiċċju tiegħu b'għaqal kbir, u Alla permezz tiegħu għamel bosta mirakli.

Fost il-ħafna doni li rċieva mingħand Alla, kellu d-don tal-profezija. Darba minnhom, meta hu kien telaq ftit minn dak il-post, wieħed min-novizzi tiegħu kien attakkat bl-aħrax mix-xitan u mġarrab hekk b'qilla li ċeda għat-tentazzjoni, u qatagħha bejnu u bejn ruħu li joħroġ mill-Ordni hekk kif fra Giovanni jiġi lura fil-post. Bil-qawwa ta' l-ispirtu tal-profezija li kien igawdi, fra Giovanni sar jaf bit-tentazzjoni li kien qed iġarrab u d-deċiżjoni li ħa, u telaq minnufih lura lejn il-post u sejjaħ għandu n-novizz, u qallu li xtaqu jqerr. Imma qabel ma qerr, qallu ħaġa wara l-oħra t-tentazzjoni li kellu kollha kemm hi, hekk kif Alla nnifsu għarrafhielu, u temm billi qallu: "Ibni, billi int qagħadt tistennieni, u ma ridtx titlaq mingħajr il-barka tiegħi, Alla tak din il-grazzja li qatt ma tħalli dan l-Ordni, imma tmut fi ħdan l-Ordni, bil-għajnuna tal-grazzja divina". Hekk dak in-novizz ħass ir-rieda tajba tiegħu tissaħħaħlu, u baqa' fl-Ordni u sar patri qaddis. U dawn l-affarijiet kollha lili irrakkontahomli fra Ugolino[369].

Fra Giovanni li diġà semmejna kien raġel ta' spirtu ferrieħi u ħiemed u ma kienx ta' ħafna kliem; kien ukoll raġel li jitlob ħafna u ta' devozzjoni kbira. Wara l-matutin qatt ma kien imur lura lejn iċ-ċella, imma kien jibqa' mehdi fit-talb sas-sebħ. Lejla minnhom waqt li kien jitlob wara li spiċċa l-matutin, dehirlu l-Anġlu tal-Mulej u qallu: "Fra Giovanni, il-mixja tiegħek issa intemmet, u kien ilek ħafna tistenna dan. Għalhekk jien se nħabbarlek min-naħa ta' Alla biex titlob il-grazzja li tixtieq. Inħabbarlek ukoll li inti tista' tagħżel li jogħġbok: jew jum fil-purgatorju jew sebat ijiem ta' sofferenza f'din id-dinja".

---

[369] Hawnhekk jidher l-isem ta' fra Ugolino Boniscambi da Monte Santa Maria, jew Montegiorgio, qrib Fermo, awtur ta' l-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. Hu l-awtur ta' din is-sezzjoni kollha tal-*Fjuretti* li titkellem dwar l-aħwa Spiritwali tal-Marche. Ftit nafu dwar il-ħajja tiegħu. Nafu li daħal fl-Ordni qrib l-1274, għaliex isemmi li kien jaf lil fra Giovanni della Verna, li miet f'dik is-sena. Dokument fl-arkivji ta' Amandola jgħid li Ugolino kien jinsab Gabbiano fl-1319 bħala xhud uffiċjali għat-trattat bejn il-bliet ta' Amandola u Massa Fermana. Dokument ieħor ta' l-1331 jitkellem dwar il-preżenza tiegħu f'Napli, quddiem il-Ministru Ġeneral Gerard Eudes, jew Oddone. Fl-1342 Ugolino ġie magħżul bħala xhud fit-testment ta' qassis, Corrado da Falerone. Ma nafux meta miet.

Malli fra Giovanni għażel li jgħaddi sebat ijiem ta' tbatija f'din id-dinja, minnufih marad b'ħafna mardiet differenti: qabdu deni qawwi u ġietu l-gotta f'idejh u f'riġlejh, u beda juġgħu ġenbu, u ħafna mard ieħor. Imma l-agħar kien li kellu demonju l-ħin kollu quddiemu, u f'idejh karta kbira li fuqha kien hemm miktubin id-dnubiet kollha li kien għamel bil-għemil jew bil-ħsieb, u qallu: "Għal dawn id-dnubiet li int għamilt bil-ħsieb u bl-ilsien u bl-għemil, int se tkun indannat fil-qiegħnett ta' l-infern". U hu ma seta' jiftakar f'xejn tajjeb li qatt għamel, jew li kien fl-Ordni jew li xi darba kien fih, imma ħaseb li hu tabilħaqq kien indannat kif kien qallu x-xitan. Għalhekk meta staqsewh kif kien, wieġeb: "Ħażin, għax jien indannat!"

Meta l-aħwa raw dan, bagħatu għal ċertu patri anzjan li kien jismu fra Matteo da Monte Robbiano, raġel qaddis u ħabib tal-qalb ta' dan fra Giovanni. U x'ħin wasal l-imsemmi fra Matteo fis-seba' jum tat-tiġrib li kien għaddej minnu fra Giovanni, sellimlu u staqsieh kif kien qed iħossu U dak wieġbu li kien ħażin, għax kien indannat. Għaldaqstant, fra Matteo qallu: "Int ma tiftakarx li qerrejt għandi kemm il-darba, u li jien ħfirtlek b'mod assolut dnubietek kollha? Ma tiftakarx li int dejjem qdejt 'l Alla f'dan l-Ordni mqaddes għal ħafna snin? Barra dan, ma tiftakarx int li l-ħniena ta' Alla tegħleb bil-bosta d-dnubiet tad-dinja, u li Kristu l-imbierek is-Salvatur tagħna, biex jerġa' jixtrina, ħallas għalina prezz infinit? Ħa jkollok, għalhekk tama qawwija, li int żgur salvat". U b'dan il-kliem, billi ż-żmien tal-purifikazzjoni tiegħu kien intemm, it-tentazzjoni għabet u flokha daħal il-faraġ.

U b'ferħ kbir fra Giovanni qal lil fra Matteo: "Billi int tħabatt ħafna, u issa sar ħafna ħin, nitolbok li tmur tistrieħ". U fra Matteo ma riedx jitilqu, imma fl-aħħar, wara li dam jinsisti ħafna, telaq minn ħdejh u mar jistrieħ. U fra Giovanni baqa' waħdu mal-fra li kien jaqdih. U ara, jiġi Kristu l-imbierek imdawwar b'dawl tassew kbir u bi fwieħa li tgħaxxqek ħafna, skond il-wegħda li kien għamillu li jidhirlu darba oħra, proprju meta jkollu l-aktar bżonn, u fejqu kompletament mill-mard kollu. Imbagħad fra Giovanni, b'idejh marbuta, radd ħajr lil Alla, li wassal għat-tmiem mill-aħjar il-vjaġġ twil tiegħu ta' din il-ħajja miżera ta' hawn, u intelaq f'idejn Kristu u radd ruħu lil Alla. Hekk hu għadda minn din il-ħajja li tispiċċa bil-mewt għall-ħajja eterna ma' Kristu l-imbierek, li hu tant xtaq b'ħerqa għal tant żmien twil u stenna li jasal il-waqt li jarah. U dan fra Giovanni qed jistrieħ fil-post imsejjaħ Penna di Santo Giovanni.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 58]

## [1632] Kapitlu XLVI
*Dwar kif fra Pacifico, huwa u jitlob, ra r-ruħ ta' fra Umile, ħuh, tielgħa lejn is-sema.*

Fil-provinċja tal-Marche li ġa semmejna, wara l-mewt ta' San Franġisk, kien hemm żewġ aħwa fl-Ordni, wieħed jismu fra Umile u l-ieħor fra Pacifico[370]. It-tnejn kienu ta' qdusija u perfezzjoni kbira. Fra Umile kien jgħix fil-post ta' Soffiano u hemm ukoll miet, waqt li l-ieħor kien membru ta' fraternità f'post ieħor 'il bogħod ħafna minnu. Għoġob lil Alla li, jum minnhom,

[370] Frate Umile miet fl-eremitaġġ ta' Soffiano fl-1234, u frate Pacifico ra lil ruħu tielgħa s-sema, u għalhekk ġabar bil-qima r-relikwi ta' ħuh meta l-aħwa telqu minn Soffiano lejn post ieħor, qrib il-kastell ta' Brunoforte, li sar il-kunvent tal-Beatu fra Liberato da Loro, il-patri anonimu tal-*Fjurett* li jmiss.

waqt li fra Pacifico kien jitlob f'xi mkien fil-ħemda, ġie merfugħ f'estasi u ra ruħ ħuh fra Umile tielgħa dritt lejn is-sema bla dewmien ta' xejn, u bla ebda tfixkil, hekk kif ħarġet minn ġismu.

Ġara mbagħad, wara ħafna snin, li dan fra Pacifico ġie mibgħut bħala membru tal-fraternità ta' Soffiano, fejn qabel kien miet ħuh. Issa ġara li, matul dan iż-żmien, fuq talba tas-sinjuri ta' Bruforte, l-aħwa bidlu dak il-post ma' ieħor, u fost ħwejjeġ oħra, huma ġarrew il-fdalijiet ta' l-aħwa qaddisa li kienu mietu f'dak il-post. Meta ġew fuq il-qabar ta' fra Umile, ħuh fra Pacifico ħa l-għadam u ħaslu sewwa f'inbid tajjeb u geżwru f'liżar abjad u beda jbusu b'qima u devozzjoni kbira, u jibki fl-istess ħin. Meta raw dan l-aħwa l-oħra stagħġbu mhux ftit, u xejn ma ħadu eżempju tajjeb. Huma kien jżommuh b'raġel ta' qdusija kbira, imma deherilhom li hu kien qed jibki lil ħuh b'imħabba naturali u tad-dinja, u li hu wera aktar qima lill-fdalijiet ta' ħuh milli 'l dawk ta' l-aħwa l-oħra li xejn ma kienu inqas fil-qdusija minn fra Umile, u kien jixirqilhom rispett daqs tiegħu.

Fra Pacifico għaraf x'kienu qed jaħsbu ħażin fuqu l-aħwa, u għalhekk bl-umiltà kollha tahom spjegazzjoni, u qalilhom: "Ħuti l-aktar għeżież, m'għandkomx għax tistagħġbu li jien urejt qima lejn il-fdalijiet ta' ħija li ma wrejtx għal dawk ta' l-aħwa l-oħra. Għax – ħa jkun imbierek Alla – ma kienetx l-imħabba naturali li ġibditni, kif qed taħsbu intom, imma għamilt li għamilt għax meta ħija għadda minn din il-ħajja, waqt li jien kont qed nitlob f'post waħdi u ħafna 'l bogħod minnu, jien rajt 'il ruħu sejra dritt lejn is-sema. U għalhekk jien konvint li l-għadam tiegħu hu qaddis u għandu jitqiegħed fil-ġenna. U li kieku Alla tani l-istess ċertezza dwar l-aħwa l-oħra, jien kont nuri lejn għadamhom l-istess qima". Meta l-aħwa semgħu dan u raw il-qdusija tiegħu u l-fehma devota li kellu, ħassewhom ħafna edifikati bl-imġieba tiegħu u faħħru lil Alla, li jagħmel ħwejjeġ hekk ta' l-għaġeb lill-aħwa qaddisa tiegħu.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 54]

[1633] Kapitlu XLVII
*Dwar dak il-patri li dehritlu Omm Kristu meta kien marid, u tatu tliet vażetti ta' duwa.*

Fil-post ta' Soffiano li diġà tkellimna dwaru, żmien ilu kien jgħix patri Minuri ta' qdusija u ta' grazzja kbira, hekk li kont taħsbu divin, u spiss kien ikun maħtuf u merfugħ fil-Mulej. Darba minnhom dan il-patri kien kollu mehdi f'Alla u merfugħ 'il fuq, għax kellu bis-sħiħ il-grazzja tal-kontemplazzjoni, u waqt li kien f'dan l-istat ġew lejh għasafar ta' kull xorta; bil-ħlewwa kollha qagħdu xi wħud fuq spallejh, oħrajn fuq rasu u fuq dirgħajh u fuq idejh, u lkoll bdew jgħannu b'melodiji tassew ħelwin. Kien raġel li jħobb joqgħod għalih waħdu, u qajla kont tisimgħu jitkellem, iżda meta xi ħadd kien jistaqsih xi ħaġa, kien iwieġeb b'tant ħlewwa u b'tant għaqal li aktar kont taħsbu anġlu milli bniedem; kien raġel ta' ħafna talb u ta' kontemplazzjoni kbira, u l-aħwa kellhom qima kbira lejh.

Baqa' jgħix din il-ħajja tajba sa l-aħħar, meta mbagħad, skond il-pjan ta' Alla, marad għall-mewt, għax xejn ma seta' jieħu, u ma ried jieħu ebda mediċina għall-fejqan ta' ġismu; il-fiduċja kollha tiegħu kienet fit-tabib tas-sema, l-imbierek Ġesù Kristu, u fl-Omm imbierka tiegħu. Qala' l-grazzja li Marija tiġi żżuru u ddewwih.

Darba minnhom, waqt li kien fuq is-sodda jħejji ruħu għall-mewt bil-qalb it-tajba u b'devozzjoni kbira, dehritlu l-glorjuża Verġni Marija, Omm Kristu, flimkien ma' qtajja kbar ta' anġli u verġni qaddisa, b'dija tassew ta' l-għaġeb, u resqet lejn is-sodda fejn kien mixħut. Meta raha, ħassu jitfarraġ ħafna u ferħan se jtir, kemm f'ruħu u kemm f'ġismu. U beda jitlobha bl-umiltà kollha biex titlob għalih lil Binha l-maħbub li għall-merti tagħha teħilsu mill-ħabs tal-ġisem. Dam ħafna jitlob hekk u jibki, u l-verġni Marija wieġbet billi sejħitlu b'ismu u qaltlu: "Ibni, la tiddubitax, għax it-talba tiegħek instemgħet, u jiena ġejt biex infarrġek xi ftit, qabel ma int titlaq minn din il-ħajja".

Flimkien mal-Verġni Marija kien hemm tliet verġni qaddisa li f'idejhom kellhom tliet važetti ta' duwa tfuħ[371] ħafna u r-riħa tagħha tgħaxxqek. Imbagħad il-Verġni glorjuża ħadet wieħed minn dawk il-važetti, u d-dar kollha mtliet bir-riħa ħelwa. Ħadet b'kuċċarina minn dik id-duwa, u tat minnha lill-marid, li malli daqha, mill-ewwel beda jħoss faraġ kbir u tant ħlewwa li ruħu bil-kemm donnha setgħet tibqa' fil-ġisem. Għalhekk beda jgħid: "Tagħtinix aktar, o Omm Verġni l-aktar qaddisa u mbierka, u tabiba mbierka li ssalva lill-bnedmin kollha. Tagħtinix aktar, għax ma niflaħx għal aktar ħlewwa bħal din". Imma l-Omm twajba u kollha ħniena baqgħet tagħtih minn dik id-duwa l-ħin kollu u ġagħlitu jieħu minnha sakemm battlet il-važett kollu. Meta battlet l-ewwel važett, il-Verġni mbierka qabdet it-tieni, u daħħlet fih il-kuċċarina biex tagħtih minnu, iżda hu bħal beda jilminta magħha bil-ħlewwa kollha, u jgħidilha: "O l-aktar qaddisa Omm Alla, ladarba r-ruħ tiegħi hi diġà kważi maħlula bir-riħa u l-ħlewwa ta' l-ewwel važett duwa, kif se jirnexxili nżomm jien u nieħu t-tieni? Nitolbok, għalhekk, o mbierka aktar mill-qaddisin u l-anġli kollha, li ma tissuktax tagħtini iżjed". Il-mara glorjuża weġbitu: "Ibni, duq ftit ukoll minn dan it-tieni važett". U hija u tagħtih ftit minnu, qaltlu: "Għal-lum biżżejjed, ibni. Tfarraġ, ja ibni, għax ma ndumx ma niġi għalik, u nqiegħdek fis-saltna ta' Ibni, li int dejjem xtaqt u fittixt bil-ħerqa".

Meta temmet tgħid dan il-kliem, sellmitlu u telqet minn ħdejh. Hu, iżda, ħassu hekk imfarraġ u mimli bil-ħlewwa ta' dik id-duwa, li għal ħafna jiem ħassu xebgħan u b'saħħtu bla ma mess ma ħalqu l-ebda ikel. Wara xi ftit jiem, hu u jitkellem kollu ferħan ma' ħutu l-patrijiet, telaq minn din id-dinja kollha miżerja, mimli bil-ferħ u l-hena.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 59]

[1634] Kapitlu XLVIII

*Dwar kif fra Iacopo da Massa ra f'viżjoni l-Patrijiet Minuri kollha tad-dinja, f'dehra ta' siġra, u għaraf il-virtujiet u l-vizzji ta' kull wieħed minnhom.*

Fra Iacopo da Massa kien raġel li Alla għoġbu jiftaħlu l-bieb tas-sigrieti tiegħu, u jagħtih tagħrif perfett u mod li jifhem sewwa l-Iskrittura mqaddsa u jkun jaf il-ġejjieni. Kien ta' qdusija hekk kbira li fra Eigidio minn Assisi u fra Marco minn Montino u fra Ginepro u fra Lucido lkoll kienu jaqbdu u jgħidu li, wara Alla, ma kienx jafu bi bniedem ikbar minn dan fra Iacopo[372].

---

[371] L-espressjoni bid-djalett Toskan hi: *bossoli di lattovaro*. Kienu važetti ta' duwa, li kienet issir minn diversi ingredjenti u kienet titħallat ma' l-għasel, li aktar 'l isfel jissejjaħ *confetto*, jiġifieri taħlita.

[372] Fiċ-ċentru ta' dan il-kapitlu nsibu lil fra Iacopo da Massa, li skond dak li qalu l-aħjar fost l-aħwa (Egidio, Lucido, Ginepro) kien imdaħħal fl-aktar sigrieti profondi tas-sema u fil-viżjonijiet ta' Alla. Dan il-kapitlu juri wkoll l-istorja

Jien kelli xewqa kbira li narah, u għalhekk tlabt lil fra Giovanni, sieħeb fra Egidio, li diġà semmejt, biex jgħidli sewwa ċerti affarijiet spiritwali, u hu qalli: "Jekk inti trid tassew tkun mgħallem tajjeb fil-ħajja spiritwali, fittex li titkellem ma' fra Iacopo da Massa, għax fra Egidio kien jixtieq ħafna li jkun imdawwal minnu, u la tista' żżid u lanqas tnaqqas minn kliemu. Għax moħħu daħal sewwa fis-sigrieti tas-sema, u kliemu hu kliem l-Ispirtu s-Santu, u ngħidlek li m'hawnx bniedem ieħor fuq l-art li jien tant għandi ħerqa li nara".

Dan fra Iacopo, fil-bidu tal-ministeru ta' fra Giovanni minn Parma[373], darba minnhom, hu u jitlob, kien maħtuf f'Alla, u dam għal tlitt ijiem maqtugħ f'estasi, bla ma jduq ebda ikel jew xorb tal-ġisem. Baqa' hekk mitluf minn sensih li l-aħwa bdew bħal jiddubitaw jekk kienx mejjet. U waqt li kien f'dan l-istat Alla għoġbu jirrivelalu dak li kellu jkun u jiġri dwar ir-Reliġjon tagħna. U minħabba f'hekk, meta smajt dan, kibret fija x-xewqa li nisimgħu u nitkellem miegħu.

U meta għoġob lil Alla li jkolli l-okkażjoni li nkellmu[374], tlabtu u għidtlu: "Jekk dak li smajt jingħad dwarek hu minnu, nitolbok li ma żżommulix moħbi. Jien smajt jingħad li, meta int domt qisek mejjet għal tlitt ijiem, fost ħwejjeġ oħra li Alla irrivelalek, għarrfek ukoll dwar dak li kellu jiġri fir-Reliġjon tagħna. U dan qalu fra Matteo, il-ministru tal-Marche, li lilu għidtlu kollox b'ubbidjenza". Imbagħad fra Iacopo b'umiltà kbira ammetta li dak li qal fra Matteo kien kollu veru[375].

Dak li kien qal l-imsemmi fra Matteo, ministru tal-Marche, kien dan: "Jien naf b'ċertu fra Iacopo li lilu Alla irrivelalu dak li għandu jiġri fir-Reliġjon tagħna. Dan fra Iacopo da Massa urieni u qalli li, wara li Alla irrivelalu ħafna ħwejjeġ dwar l-istat tal-Knisja militanti, hu ra f'viżjoni siġra

---

tat-tribulazzjonijiet ta' l-Ordni skond kif kienu jarawhom l-aħwa Spiritwali, u dan mill-ġeneralat ta' Giovanni da Parma (1247-1257) sa dak ta' San Bonaventura (1257-1273). Fl-*Historia Septem Tribulationum*, Angelo Clareno jiktellem dwar Iacopo da Massa u jgħid: *Frater Jacobus de Massa, cui Deus aperuit ostium secretorum suorum* (Fra Iacopo da Massa, li lilu Alla fetaħlu l-bieb tal-misteri tiegħu). Ir-rakkont hu wieħed allegoriku, li juri viżjoni tas-siġra ta' l-Ordni. Giovanni da Parma kien għażiż għall-Ispiritwali, għaliex bħala Ministru Ġeneral kien deċiżament simpatiku lejn iż-*Żelanti*.

373 Il-Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi (1244-1247) kien segwit minn fra Giovanni da Parma (1247-1257), u dan minn Bonaventura da Bagnoregio (1257-1273). Bonaventura kien sar ġeneral għax Giovanni da Parma kellu jirreżenja billi ġie akkużata li kien simpatizzanti tad-duttrini tal-mistiku Ċisterċensi l-Abbati Gioacchino da Fiore (+1202), li kien ħareġ b'tejorija apokalittika ta' l-istorja u ta' *Ecclesia spiritualis* (Knisja spiritwali). Bonaventura kellu jagħmel proċess lil Giovanni da Parma u bagħatu fl-eremitaġġ ta' Greccio. Minħabba f'hekk l-aħwa Spiritwali kienu ħraxu kontra Bonaventura. Hawnhekk, f'din il-viżjoni ta' fra Iacopo, dan il-fatt storiku jiġi rakkontat b'mod allegoriku. Fra Giovanni da Parma jaħrab mill-attakk ta' Bonaventura bl-għajnuna ta' Kristu nnifsu. Hu biss Giovanni da Parma li jimtela bid-dawl sħiħ, flimkien mad-dixxipli tiegħu l-aħwa Spiritwali, għaliex huma xorbu sal-qiegħ il-kalċi li offrielhom Kristu.

374 Min hu n-narratur li qiegħed jitkellem u jiddikjara li kien ġabar dan ir-rakkont direttament minn fra Iacopo da Massa? Għal xi wħud jista' jkun Ugolino (da Sarnano) li qiegħed jirrakkonta l-kliem ta' Ugolino da Montegiorgio. Jekk hu hekk, allura Ugolino da Montegiorgio kien ħa dan ir-rakkont direttament minn Iacopo da Massa, filwaqt li Angelo Clareno ħa r-rakkont minn Ugolino da Sarnano. Għal oħrajn dan jista' jkun Angelo Clareno, li minnu l-awtur tal-*Fjuretti* (imma mhux dak ta' l-*Actus* li ma jsemmux dan il-fatt), ċertament ħa l-informazzjoni tiegħu. Imma jekk hu hekk, allura l-*Fjuretti* inkitbu ħafna qabel, għaliex il-kitba ta' Clareno tmur lura għall-1325-1330 (Cfr. Angelus a Clarino, *Chronicon seu Historia septem tribulationum Ordinis minorum*, a cura di A. Ghinato, Roma 1959: IV trib. n. V, pp. 118-122).

375 It-traduttur tal-*Fjuretti* jibdel il-pronom, u ma jkomplix fl-ewwel persuna. Jidher li r-rakkont hu meħud mhux direttament minn fomm fra Iacopo, imma minn fomm il-ministru provinċjal tiegħu, fra Matteo (da Montone). Dan il-fatt hu konfermat minn fra Iacopo.

sabiħa u kbira ħafna, li l-għeruq tagħha kienu tad-deheb, u l-frott tagħha kienu bnedmin u kollha kienu Patrijiet Minuri. Il-friegħi ewlenin tagħha kienu distinti skond in-numru tal-provinċji ta' l-Ordni, u kull fergħa kien fiha tant aħwa daqs kemm kien hemm f'dik il-provinċja li l-fergħa kienet imsemmija għaliha. U hekk huwa għaraf il-għadd ta' aħwa fl-Ordni kollu u f'kull waħda mill-provinċji. Sar jafu ukoll x'jisimhom u x'età kellhom, u x'qagħda kienu fiha u x'uffiċċji kbar kellhom u x'dinjità u grazzji u ħtijiet kellhom. U fra lil fra Giovanni minn Parma fil-quċċata ta' fuqnett tal-fergħa tan-nofs ta' din is-siġra, u fil-quċċata tal-friegħi l-oħra, li kienu madwar il-fergħa tan-nofs kien hemm il-ministri tal-provinċji kollha. U wara dan ra lil Kristu bilqiegħda fuq tron kbir ħafna u kollu bjuda. Dan Kristu kien qed isejjaħ lil San Franġisk u tah kalċi mimli bl-ispirtu tal-ħajja u bagħatu filwaqt li qallu: "Mur, u żur lill-aħwa tiegħek, u agħtihom jixorbu minn dan il-kalċi ta' l-ispirtu tal-ħajja, għaliex l-ispirtu ta' Satana għad iqum kontrihom, u jħebb għalihom, u jaqgħu ħafna minnhom u ma jqumux". U Kristu ta lil San Franġisk żewġ anġli biex jakkumpanjawh.

Ġie għalhekk San Franġisk u beda jnewwel il-kalċi tal-ħajja lill-aħwa tiegħu, u resaq l-ewwel fuq fra Giovanni li, malli ħadu f'idejh, xorbu kollu f'daqqa bil-għaġġla u b'devozzjoni, u minnufih deher leqqien bħax-xemx. Warajh San Franġisk newwlu lill-oħrajn kollha, iżda ftit kien hemm minnhom li ħaduh bil-qima u xorbuh kollu. Dawk li ħaduh bil-qima u xorbuh kollu, minnufih saru leqqiena bħax-xemx; u dawk kollha li xerrduh kollu u li ma xorbux minnu bid-devozzjoni, saru suwed u skuri u deformati u jbeżżgħuk tħares lejhom. Dawk, imbagħad, li biċċa xorbuh u biċċa xerrduh, saru biċċa mdawwlin u biċċa suwed dlam, u dan bejn wieħed u ieħor skond kemm xorbu u kemm kienu xerrdu minnu.

Imma l-aktar minnhom ilkoll deher leqqien fra Giovanni li semmejna, għax hu xorob il-kalċi tal-ħajja kollu kemm hu, u għalhekk hu ikkontempla profondament il-kobor bla qiegħ tad-dawl infinit ta' Alla, u fih fehem l-inkwiet u t-tempesti li kellhom iqumu kontra dik is-siġra, u li kienu se jheżżu u jkissru l-friegħi tagħha. Għalhekk l-imsemmi fra Giovanni telaq mnejn kien fil-quċċata tal-fergħa, u niżel taħt il-friegħi kollha, u nħeba fil-parti soda tas-siġra, u qagħad hemm kollu ħosbien.

U fra Bonaventura, li kien xorob parti mill-kalċi, u xerred ukoll parti oħra, tela' fuq dik il-fergħa u qagħad fil-post mnejn kien niżel fra Giovanni. U waqt li kien f'dak il-post, id-dwiefer ta' idejh sarulu dwiefer tal-ħadid bil-ponot u jaqtgħu bħallikieku kienu xfafar. Telaq għalhekk mill-post li fih kien tela', u b'rabja u qilla fuqu ried jinxteħet fuq fra Giovanni biex jagħmillu l-ħsara. Imma meta ra dan, fra Giovanni għajjat għajta kbira u irrikmanda ruħu lil Kristu, u li kien bilqiegħda fuq it-tron. U meta Kristu sema' l-għajta tiegħu sejjaħ lil San Franġisk u tah ġebla taż-żnied taqta' ħafna, u qallu: "Ħu din il-ġebla u mur aqta' difrejn fra Bonaventura li bihom jixtieq jiggranfa lil fra Giovanni, biex hekk ma jkunx jista' jagħmillu ħsara". Ġie għalhekk San Franġisk u għamel kif kien ordnalu Kristu. U meta għamel dan, ġiet tempesta ta' riħ u ċaqalqet is-siġra b'tant saħħa li l-aħwa waqgħu ma' l-art, u l-ewwel li waqgħu kienu dawk li l-kalċi ta' l-ispirtu tal-ħajja kienu xerrduh kollu, u x-xjaten kaxkruhom f'imkejjen mudlama u ta' piena. Imma fra Giovanni, flimkien ma' dawk kollha li l-kalċi kienu xorbuh kollu, ġew imtellgħin mill-anġli fil-post tal-ħajja u tad-dawl ta' dejjem u tad-dinja hienja.

U fra Iacopo, li ra l-viżjoni, fehem u għaraf sewwa b'kull partikular u b'mod distint, dak kollu li ra dwar l-ismijiet u l-qagħda u l-istat ta' kull wieħed. U tant damet dik it-tempesta kontra

dik is-siġra, hekk li waqgħet u r-riħ tajjarha miegħu. U mbagħad, kif waqfet it-tempesta, mill-għeruq ta' dik is-siġra, li kienu tad-deheb, ħarġet siġra oħra kollha kemm hi tad-deheb, u kienet tagħmel weraq u fjuri u frott tad-deheb. Dwar dik is-siġra u kif kibret u niżżlet l-għeruq fil-fond, u dwar is-sbuħija u l-fwieħa tagħha, għalissa aħjar niskot milli nitkellem.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 64]

[1635] Kapitlu XLIX
*Dwar kif Kristu deher lil fra Giovanni della Verna.*

Fost l-aħwa u l-ulied għaqlin u qaddisa ta' San Franġisk li, kif jgħid Salamun (cfr. Prov 10,1) huma l-glorja tal-missier, fi żminijietna kien hemm fil-provinċja tal-Marche l-venerabbli u qaddis fra Giovanni minn Fermo[376] li, minħabba ż-żmien twil li għadda fil-post imqaddes ta' La Verna, u kien hemm ukoll li ħalla din il-ħajja, kienu jsejħulu wkoll Giovanni della Verna. Dan kien tassew raġel ta' ħajja waħdanija u ta' qdusija kbira.

Dan fra Giovanni, meta kien għadu tfajjel fid-dinja, kien jixtieq b'qalbu kollha li jgħix ħajja ta' penitenza, ħajja li żżomm nodfa kemm il-ġisem u kemm ir-ruħ. Għalhekk, sa minn ċkunitu, beda jilbes fuq sidru kurazza bil-malji tal-ħadid u ċilizzju madwar ġismu, u jagħmel astinenza kbira. L-iktar imbagħad, meta hu kien jgħix mal-kanoniċi ta' San Pietro di Fermo, li kienu jgħixu ħajja komda għall-aħħar, huwa kien jaħrab mit-tgawdija tal-ġisem u kien jaħqar lil ġismu b'astinenza tassew kbira. Iżda sħabu kienu kontra tiegħu, u neħħewlu l-kurazza u kienu jfixkluh b'ħafna modi u ma jħalluhx jagħmel l-astinenza kif kien jixtieq. Għalhekk, imnebbaħ minn Alla, ħaseb li jħalli d-dinja u 'l dawk li kienu jħobbuha, u jingħata kollu kemm hu fi ħdan il-Kurċifiss, bl-abitu ta' l-imsallab San Franġisk. U hekk għamel.

Issa, billi kien ġie milqugħ fl-Ordni f'età hekk żagħżugħa u mħolli fil-ħsieb tal-mastru tan-novizzi, hu sar hekk spiritwali u devot li, kull darba li kien jisma' lill-mastru jitkellem fuq Alla, qalbu kienet tinħall bħal xemgħa mressqa ħdejn in-nar. U kien tant jitħeġġeġ fl-imħabba ta' Alla, bis-saħħa kbira tal-grazzja kollha ħlewwa, li ma kienx jirnexxilu joqgħod kwiet f'postu hu u jġarrab tant faraġ; kien iqum u bħal wieħed xurban bl-ispirtu kien jiġri 'l hawn u 'l hemm issa fil-ġnien u issa fil-bosk, jew fil-knisja, skond kif il-ħuġġieġa u l-ħeġġa ta' l-ispirtu kienu jġiegħluh jagħmel.

Aktar ma għadda ż-żmien, aktar il-grazzja ta' Alla kienet tagħmel li dan ir-raġel anġeliku jikber il-ħin kollu minn virtù għal oħra, u jkun mogħni b'doni tas-sema u jiġi merfugħ 'il fuq u maħruġ barra minnu nnifsu, hekk li moħħu daqqa kien ikun mehdi bil-glorja tal-Kerubini, daqqa bil-ħeġġa tas-Serafini, xi drabi bil-hena tal-Beati, drabi oħra b'tgħanniq u bews kollu mħabba minn Kristu, u dan mhux biss b'hena spiritwali minn ġewwa, imma wkoll bl-espressjoni ta' sinjali minn barra, li kien iġarrab ukoll f'ġismu.

---

[376] Fra Giovanni da Fermo, jew della Verna (1269-1322) qatta' ħafna snin minn ħajtu fl-eremitaġġi tal-Marche ta' Ancona u Fermo. Imbagħad għadda fuq La Verna, fejn wara erbgħin sena, miet. Jingħad li daħal fl-Ordni fl-1282, jiġifieri meta kellu biss 13 il-sena. L-aħħar ħames kapitli tal-*Fjuretti* jitkellmu dwar dan fra Giovanni da Fermo. Il-konċentrazzjoni tad-diskorsi fuq La Verna, fejn kien jgħix, jippreparaw lill-qarrej għall-*Kunsiderazzjonijiet ta' l-Istimmati* li huma l-appendiċi tal-*Fjuretti*.

Darba minnhom ġara li l-fjamma ta' l-imħabba divina li kellu f'qalbu tħeġġet b'mod eċċezzjonali u kważi żżejjed, u dik il-fjamma damet għal tliet snin sħaħ. Matul dak iż-żmien kollu huwa rċieva faraġ tassew ta' l-għaġeb u żjarat divini, u spiss kien iħossu mitluf f'Alla. Fi ftit kliem, matul dak iż-żmien kien jidher imħeġġeġ u mqabbad bl-imħabba ta' Kristu. U dan ġara fuq il-muntanja mqaddsa ta' La Verna[377].

Iżda billi Alla jieħu ħsieb sewwa ta' uliedu, u jagħtihom, skond iż-żminijiet, issa l-faraġ u issa t-tiġrib, issa l-prosperità u issa l-kuntrarju, kif hu jara li l-aktar jaqbel biex iżommhom fl-umiltà, jew inkella biex ikebbes fihom ix-xewqa għall-ħwejjeġ tas-sema, għoġob lit-tjieba divina, wara tliet snin, li jirtira minn dan fra Giovanni dan ir-raġġ u din il-fjamma ta' l-imħabba divina, u jċaħħdu minn kull faraġ spiritwali; hekk fra Giovanni sab ruħu bla dawl u bla mħabba ta' Alla u mnikket għall-aħħar u mġarrab u jsofri ħafna. Għalhekk, kollu dwejjaq, kien jiġġerra fil-bosk 'l hawn u 'l hemm, isejjaħ bl-għajjat u bil-biki u bit-tnehid lill-għarus maħbub ta' ruħu li kien inħbielu u telaq minn ħdejh; mingħajr il-preżenza tiegħu ruħu la kienet issib kwiet u lanqas mistrieħ. Iżda f'ebda post u bl-ebda mod ma seta' jsib il-ħelu Ġesù u jduq bħal qabel dawk il-ħlewwiet spiritwali ta' l-imħabba ta' Kristu, kif kien jagħmel qabel. U dan it-tiġrib dam sejjer għal ħafna jiem, u matulhom kien il-ħin kollu jibki u jitniehed u jitlob 'l Alla li, għall-ħniena tiegħu, jerġa' jagħtih lura l-għarus ħelu ta' ruħu.

Fl-aħħar, meta Alla deherlu li kien ġarrab biżżejjed il-paċenzja tiegħu u ħeġġiġlu x-xewqa tiegħu, jum minnhom waqt li fra Giovanni kien jinsab f'dak il-bosk imnikket u mġarrab ħafna, billi ħassu għajjien, inxteħet jistrieħ bilqiegħda, iserraħ ma' siġra tal-fagu. Wiċċu kien miksi bid-dmugħ, il-ħin kollu jħares lejn is-sema. U ara, minnufih, deher Ġesù Kristu ħdejh fit-trejqa li minnha kien ġie fra Giovanni, imma ma tkellem xejn. Meta rah fra Giovanni, u għaraf tajjeb li kien tabilħaqq Ġesù Kristu, malajr inxteħet f'riġlejh u, jibki u jolfoq il-ħin kollu, talbu bl-umiltà kollha, u qallu: "Għinni, Sinjur tiegħi, għax mingħajrek, is-salvatur tiegħi l-aktar ħelu, jiena nkun fid-dlam u fil-biki; u mingħajrek, il-Ħaruf l-aktar ġwejjed, jiena nkun fl-inkwiet u fil-pwieni u fil-biża'; mingħajrek, Iben Alla l-aktar għoli, jiena nkun imħawwad u fil-mistħija, mingħajrek jiena nkun imneżża' minn kull ġid u fil-għama, għax inti Ġesù Kristu, dawl veru ta' l-erwieħ; mingħajrek jiena indannat u mitluf, għax int il-ħajja ta' l-erwieħ u l-ħajja tal-ħajjiet; mingħajrek jien bla ħajja u niexef, għax int il-fawwara ta' kull ġid u ta' kull grazzja; mingħajrek jien insib ruħi bla faraġ għall-aħħar, għax int Ġesù l-fidwa tagħna, imħabba u xewqa, ħobż li jagħti s-saħħa u nbid li jferraħ il-qlub ta' l-Anġli u tal-Qaddisin kollha. Dawwalni int, mgħallem ta' ħlewwa tassew kbira, u ragħaj ta' tjieba mill-akbar, għax jien ħarufa tiegħek, ukoll jekk ma jistħoqqlix".

Issa, billi x-xewqa tal-bnedmin qaddisa aktar tikber bl-imħabba u l-mertu meta Alla jdum ma jismagħhom, l-imbierek Kristu telaq bla ma sema' talbu u bla ma biss kellmu, u telaq minn ħdejh mill-mogħdija li semmejna. Meta ra dan, fra Giovanni qam malajr mnejn kien u telaq jiġri għal warajh, u mill-ġdid inxteħet f'riġlejh, u beda jżommu b'insistenza qaddisa u akkost li jdejjqu, u jitolbu b'devozzjoni kbira u bid-dmugħ, u jgħidlu: "O Ġesù Kristu l-aktar ħelu, ikollok ħniena minni għax ninsab mifni għall-aħħar. Ismagħni f'ġieħ il-kobor tal-ħniena tiegħek u s-sewwa tas-salvazzjoni tiegħek. Ferraħni billi turini wiċċek u l-ħarsa kollha ħniena tiegħek, għax l-art kollha

[377] Din ix-xena tad-dehriet ta' Kristu fuq La Verna hi żjieda tal-*Fjuretti*, għax l-*Actus* jitkellmu biss mill-fatt li fra Giovanni kien jgħix *f'ċertu post*. It-tradizzjoni ta' din l-esperjenza mistika fuq La Verna ssib il-prova tagħha fil-fatt li għad hemm kappella ċkejkna fil-bosk ta' La Verna, li tfakkar lil fra Giovanni della Verna.

hi mimlija bil-ħniena tiegħek". U għal darba oħra Kristu telaq u ma qallux kelma, u ma tah l-ebda faraġ. Ġab ruħu bħal dik l-omm li, meta t-tifel ikun irid is-sider, ma tagħtihulux, biex iġġiegħlu jsus warajha u jibki, biex imbagħad jieħu l-ħalib aktar bil-qalb.

Għalhekk fra Giovanni, b'ħeġġa akbar u b'xewqa qaddisa, kompla miexi wara Ġesù. U meta wasal ħdejh, Kristu l-imbierek dar lejh u tah ħarsa ħelwa u ferħana, fetaħ id-dirgħajn l-aktar qaddisa u kollhom ħniena tiegħu, u ħaddnu miegħu bi ħlewwa ta' l-għaġeb. U x'ħin kien qed jiftaħ dirgħajh, fra Giovanni ra ħerġin mis-sider l-aktar qaddis tas-Salvatur raġġi leqqiena ta' dawl li dawwlu l-bosk kollu, u dawwlu lilu wkoll f'ruħu u ġismu.

Imbagħad fra Giovanni nxteħet għarkubbtejh f'riġlejn Kristu, u l-imbierek Ġesù, kif kien għamel qabel mal-Maddalena, ħariġlu riġlu bil-qalb biex ikun jista' jbusulu. U fra Giovanni qabad riġel Ġesù b'qima kbira, u beda jaħsilulu bid-dmugħ hekk li tabilħaqq deher li kien qisu l-Maddalena, u b'devozzjoni kbira qal: "Nitolbok, Mulej tiegħi, li ma tagħtix kas ta' dnubieti, iżda f'ġieħ il-passjoni l-aktar qaddisa tiegħek u d-demm l-aktar għażiż li xerridt għalina, qajjem mill-ġdid lil ruħi fil-grazzja ta' l-imħabba tiegħek, għax dan hu l-kmandament tiegħek: li nħobbuk b'qalbna kollha u bil-ħeġġa kollha; u dan il-kmandament ħadd ma jista' jħarsu kemm il-darba ma jkunx megħjun minnek. Għinni, mela, o Iben Alla l-aktar maħbub, biex inkun nista' nħobbok b'qalbi kollha u bil-qawwa tiegħi kollha".

U kif fra Giovanni kien f'din il-qagħda, mixħut f'riġlejn Ġesù u jgħid dan il-kliem, Kristu semgħu u kiseb mill-ġdid il-grazzja li kellu qabel, jiġifieri l-ħuġġieġa ta' l-imħabba divina, u ħassu mġedded b'mod sħiħ u mfarraġ ħafna. U meta għaraf id-don tal-grazzja divina reġa' lura f'qalbu, beda jrodd ħajr lil Kristu l-imbierek u b'qima kbira jbuslu riġlejh. U meta mbagħad qam bilwieqfa biex iħares f'wiċċ Kristu, Ġesù firex idejh u tahomlu biex ibushom. Meta bieshom, fra Giovanni resaq aktar qrib lejn sider Ġesù u beda jħaddnu miegħu u jbusu, u hekk għamel ukoll Kristu, għannqu miegħu u biesu.

U waqt dan it-tgħanniq u l-bews fra Giovanni xamm fwieħa divina li kienet hekk ħelwa li, kieku l-ħwejjeġ kollha li jfuħu li hawn fid-dinja kellhom jinġabru flimkien, kienu jkunu qishom riħa tinten meta tqabbilhom ma' dik il-fwieħa. Fra Giovanni ħassu barra minnu nnifsu u mfarraġ u mdawwal, u dik ir-riħa ħelwa damet f'ruħu għal xhur sħaħ.

U minn dakinhar 'il quddiem minn fommu, li issa kien xorob mill-għajn ta' l-għerf divin li kien ħareġ mis-sider qaddis tas-Salvatur, kien joħroġ kliem ta' l-għaġeb, u kliem ġej mis-sema, hekk li l-qlub kienu jinbidlu, għax kliemu kien iħalli ħafna frott fir-ruħ ta' kull min kien jisimgħu. U f'dik it-trejqa fil-bosk, li fiha rifsu r-riġlejn imbierka ta' Kristu, u f'medda sewwa madwar, fra Giovanni kien ixomm dik ir-riħa ħelwa u jara dejjem dak id-dawl leqqien kull meta kien imur 'l hemmhekk għal ħafna żmien wara dik il-ġrajja.

Meta fra Giovanni ġie lura f'tiegħu wara l-estasi li kien fih, u għabet għal kollox il-preżenza tal-ġisem ta' Ġesù, hu baqa' jħossu imdawwal f'ruħu u bħal donnu midfun fil-fond tad-divinità tiegħu. Hekk, għad li ma kienx raġel li studja, b'danakollu huwa kken iħoll b'mod ta' l-għaġeb u jitkellem ċar dwar kwestjonijiet fini u għolja dwar it-Trinità divina u misteri moħbija ta' l-Iskrittura mqaddsa. U kemm il-darba, imbagħad, meta kien ikollu jitkellem quddiem il-Papa u l-kardinali u

s-slaten u l-barunijiet u l-għalliema u t-tejoloġi, kien igħaġġibhom ilkoll għall-kliem għoli li kien jgħid u t-tagħlim tassew profond li kien jagħti.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 49]

[1636] Kapitlu L
*Dwar kif waqt li kien iqaddes fra Giovanni della Verna ra ħafna erwieħ jiġu meħlusa mill-purgatorju.*

Waqt li dan fra Giovanni kien qed iqaddes il-għada tal-festa tal-Qaddisin kollha b'suffraġju għall-erwieħ tal-mejtin[378], kif ordnat li jsir il-Knisja, offra b'tant karità u b'tant ħniena dak is-Sagrament hekk għoli (hu lilu li l-erwieħ tal-mejtin l-aktar li jixtiequ, minħabba l-effetti kbar tiegħu, u jixtiequh fuq kull għemil ieħor tajjeb li nistgħu nagħmlu għalihom) li bħal donnu deher li qed jinħall bil-ħlewwa tad-devozzjoni u l-imħabba lejn l-aħwa.

Għalhekk, mela, huwa u jgħolli b'qima kbira l-ġisem ta' Ġesù waqt il-quddiesa u joffrih lil Alla l-Missier, beda jitolbu li għall-imħabba ta' Ibnu l-imbierek Ġesù Kristu, li biex jifdi l-erwieħ kien imdendel mas-salib, jogħġbu jeħles mill-pwieni tal-purgatorju l-erwieħ tal-mejtin maħluqa minnu u mifdija. U minnufih huwa ra kotra kważi bla tarf ta' erwieħ joħorġu mill-purgatorju, bħal meta qtajjiet ta' xrar ta' nar joħorġu minn forn imkebbes, u rahom telgħin is-sema għall-merti tal-passjoni ta' Kristu, li kuljum jiġi offrut għall-ħajjin u għall-mejtin f'dik l-ostja l-aktar qaddisa, li jistħoqqilha tkun meqjuma għal dejjem ta' dejjem.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 51]

[1637] Kapitlu LI
*Dwar il-qaddis fra Iacopo da Fallerone, u dwar kif, wara mewtu, deher lil fra Giovanni della Verna.*

Fiż-żmien meta fra Iacopo da Fallerone[379], raġel ta' qdusija kbira, kien serjament marid fil-post ta' Molliano fil-kustodja ta' Fermo, fra Giovanni della Verna, li dik il-ħabta kien qed jgħix fil-post ta' Massa, kif sema' li kien marid, billi hu kien iħobbu bħallikieku kien missieru l-għażiż, inxteħet jitlob għalih lil Alla b'qima kbira waqt il-meditazzjoni, biex lill-imsemmi fra Iacopo jroddlu lura s-saħħa tal-ġisem, kemm il-darba dan jisfalu ta' ġid għal ruħu. U waqt li kien hekk mehdi f'din it-talba devota, intilef f'estasi u ra fl-arja kotra bla tarf ta' Anġli u Qaddisin fiċ-ċella tiegħu, li kienet fil-bosk, u magħhom kien hemm dawl kbir hekk li dawk l-inħawi tal-qrib iddawwlu kollha. U fost dawk l-Anġli ra lil dan fra Iacopo li kien marid, u li kien qed jitlob għalih, liebes ilbies abjad u jleqq kollu kemm hu. Ra fosthom ukoll lill-imqaddes missier, San Franġisk

---

[378] Id-drawwa taċ-ċelebrazzjoni liturġika tat-Tifkira tal-Mejtin, fit-2 ta' Novembru, hi attribwita lil San Odilo (+1048), il-ħames Abbati ta' Cluny, li kien ħareġ digriet biex il-monasteri kollha tal-Cluniacensi jimitaw din id-drawwa tal-monasteru ta' Cluny u joffru talb speċjali għall-mejtin l-għada tal-festa tal-Qaddisin kollha.

[379] Fra Iacopo da Fallerone hu dak il-patri li fra Giovanni della Verna jmur iżuru meta kien qiegħed imut fil-kunvent ta' Molliano, minn fejn ġie wara li kien fil-kunvent ta' Massa. Ma għandniex inħalltuh ma' fra Iacopo da Massa, li lilu hu jidher, waqt li kien qiegħed jgħin il-Quddiesa.

imżejjen bil-pjagi mqaddsa ta' Kristu u mdawwar bil-glorja. Ra wkoll u għaraf sewwa lil fra Lucido l-qaddis, u 'l fra Matteo l-kbir ta' Monte Robbiano u ħafna aħwa oħra li f'din il-ħajja la qatt kien rahom u lanqas qatt kien jafhom. U waqt li fra Giovanni kien qed jieħu gost, jitgħaxxaq iħares lejn dik il-kotra hekk kbira ta' Qaddisin, ġie lilu irrivelat b'ċertezza li r-ruħ ta' ħuh li kien marid kienet salva żgur. Hu kellu jmut b'dik il-marda, imma mhux malajr. U wara l-mewt imur il-ġenna, imma qabel xejn ikollu jiġi mnaddaf ftit fil-purgatorju. Issa din ir-rivelazzjoni dwar fra Giovanni tant imtlietlu qalbu bil-ferħ għax ir-ruħ tiegħu kienet salva, li xejn ma iddispjaċih li kellu jmut fil-ġisem, imma bi ħlewwa kbira ta' l-ispirtu kien isejjaħlu, u jgħid f'qalbu: "Fra Iacopo, missieri l-aktar ħelu; fra Iacopo, ħija l-aktar ħelu; fra Iacopo, sieħeb ta' l-Anġli, u familjari tal-Beati". U hekk, imsaħħaħ b'din iċ-ċertezza u kollu ferħan, reġa' ġie f'tiegħu, u minnufih telaq mill-post fejn kien u mar iżur lil fra Iacopo f'Molliano.

Sabu marid sewwa, hekk li bil-kemm seta' jitkellem. Iżda hu ħabbarlu l-mewt tal-ġisem u s-salvazzjoni u l-glorja tar-ruħ, skond kif hu kien aċċertat li kellu jiġri mir-rivelazzjoni divina li kellu. Meta sema' dan, fra Iacopo, kollu ferħan fl-ispirtu u mimli bil-hena f'wiċċu, laqgħu b'ferħ kbir u bi tbissima sabiħa, irringrazzjah għall-aħbarijiet tajba li ġablu, u irrikmanda ruħu lilu b'devozzjoni kbira. Imbagħad fra Giovanni talbu bil-qalb biex wara l-mewt jerġa' lura għandu u joqgħod ikellmu dwar l-istat li fih ikun jinsab. U fra Iacopo għamillu wegħda li, jekk dan jogħġob lil Alla, hu lest li jagħmlu. U meta temm jgħid dan, billi s-siegħa tat-tluq tiegħu minn din id-dinja kienet fil-qrib, fra Iacopo beda jitlob bil-qima l-vers tas-salm: *in pace in idipsum dormiam et requiescam* (S 4,9), jiġifieri: "fis-sliem immur nimtedd u norqod". Meta tenna dan il-vers, b'wiċċ bi tbissima u mimli ferħ, ħalla din id-dinja.

Wara li ndifen, fra Giovanni mar lura fil-post ta' Massa u qagħad jistenna lil fra Iacopo iwettaq il-wegħda li għamillu, li jidhirlu fil-jum li kien ftiehem miegħu. Imma dakinhar, waqt li kien qed jitlob, deherlu Kristu msieħeb ma' qtajja kbar ta' Anġli u Qaddisin, imma fra Iacopo ma kienx fosthom. Meta ra hekk, fra Giovanni stagħġeb ħafna u b'devozzjoni kbira irrikmandah lil Kristu. Imbagħad, il-jum ta' wara, waqt li fra Giovanni kien jitlob fil-bosk, deherlu fra Iacopo msieħeb ma' l-Anġli, kollu glorja u mimli bil-ferħ, u qallu fra Giovanni: "O missier l-aktar għażiż, għaliex ma ġejtx għandi fil-jum li fih wegħidtni li kellek tiġi?" Wieġbu fra Iacopo: "Jien kelli bżonn niġi mnaddaf f'ruħi xi ftit, imma f'dak l-istess ħin li deherlek Kristu u li int irrikmandajtni lilu, Kristu semgħek u jien ġejt meħlus minn kull piena. Imbagħad dehert lil fra Iacopo da Massa, lajk qaddis, li kien qed jgħin il-quddiesa u ra l-ostja ikkonsagrata tinbidel f'sura ta' tfajjel ħaj ta' sbuħija li tgħaxxaq, x'ħin is-saċerdot għollieha, u għidtlu: Illum immur flimkien ma' dak it-tfajjel fis-saltna tal-ħajja ta' dejjem, fejn ħadd ma jista' jmur mingħajru". U meta qal dan il-kliem, fra Iacopo ma deherx aktar u mar is-sema flimkien ma' dik il-kumpanija hienja ta' l-Anġli. U fra Giovanni ħassu mfarraġ għall-aħħar.

Fra Iacopo da Fallerone miet lejlet il-festa ta' San Ġakbu appostlu fix-xahar ta' Lulju, fil-post li semmejna ta' Molliano. Hemmhekk, għall-merti tiegħu, it-tjieba divina għamlet ħafna mirakli wara mewtu.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 52]

[1638] Kapitlu LII
*Dwar il-viżjoni li kellu fra Giovanni della Verna, li fiha hu għaraf l-ordni kollu tat-Trinità qaddisa.*

Fra Giovanni della Verna, li diġà semmejna, billi kien ċaħad b'mod sħiħ għal kull pjaċir u faraġ ta' din id-dinja li malajr jgħaddu, u kien qiegħed f'Alla l-hena ta' qalbu u t-tama tiegħu, it-tjubija divina tatu faraġ u rivelazzjonijiet ta' l-għaġeb; dan kien jiġri l-aktar fis-solennitajiet ta' Kristu.

Mela, darba minnhom, qrib is-solennità tat-Twelid ta' Kristu, hu kien qed jistenna b'ċertezza li jkollu xi faraġ minn Alla dwar l-umanità ħelwa ta' Ġesù. L-Ispirtu s-Santu nissel f'ruħu imħabba kbira u ta' l-għaġeb, u ħeġġa unika lejn il-karità li kellu Kristu għalina, li ġagħlitu jitbaxxa u jieħu l-umanità tagħna, hekk li ħassu tabilħaqq li ruħu kienet ħierġa minn ġismu, u li qalbu kienet taqbad qisha forn. Hu ma setax iżomm dik il-ħerqa li kien qed iħoss ġewwa fih, u għalhekk beda jinkwieta u jinfena kollu kemm hu, u jgħajjat b'leħen għoli, għax bejn bil-ħeġġa ta' l-Ispirtu s-Santu u l-fervur qawwi ta' l-imħabba li kellu fih, ma setax ma jgħajjatx. U f'dak il-ħin ta' ħeġġa mhix tas-soltu, ġietu fih tama hekk qawwija u ċerta tas-salvazzjoni ta' ruħu, li kien jemmen li, kieku kellu jmut f'dak il-waqt, lanqas biss kien imiss mal-purgatorju. U din l-imħabba damet tħeġġeġ fih aktar minn sitt xhur, għad li dak il-fervur ma kienx iħossu hekk qawwi l-ħin kollu, imma waqt ċerti sigħat tal-jum.

Matul dan iż-żmien, imbagħad, huwa rċieva żjajjar ta' l-għaġeb u faraġ mingħand Alla, u kemm il-darba kien ikun mitluf f'estasi, bħalma ra b'għajnejh dak il-patri li kiteb dawn il-ħwejjeġ l-ewwel darba[380]. Fost l-oħrajn ta' min isemmi li darba minnhom, bil-lejl, waqt li kien merfugħ u mitluf f'Alla ra fih, il-ħallieq ta' kollox, il-ħlejjaq kollha kemm dawk tas-sema kif ukoll dawk ta' l-art, u ra wkoll il-perfezzjonijiet u l-gradi u l-ordnijiet distinti tagħhom. Hekk għaraf imbagħad b'mod ċar kif ukoll ħaġa maħluqa hi preżenti għall-ħallieq tagħha, u kif Alla hu fuq il-ħlejjaq kollha, u fihom u barra u madwarhom. Imbagħad għaraf ukoll 'l Alla wieħed fi tliet persuni u tliet persuni f'Alla wieħed, u l-imħabba bla tarf li ġagħlet lill-Iben ta' Alla jsir bniedem b'ubbidjenza lejn il-Missier. U fl-aħħarnett f'dik id-dehra għaraf li ma hemmx triq oħra li minnha tista' tgħaddi r-ruħ biex tmur għand Alla u tikseb il-ħajja ta' dejjem, għajr permezz ta' Ġesù l-imbierek, li hu t-triq, il-verità u l-ħajja tar-ruħ.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 56]

[1639] Kapitlu LIII
*Dwar kif, waqt li fra Giovanni della Verna kien qiegħed iqaddes, waqa' fl-art qisu mejjet.*

Ħaġa ta' l-għaġeb ġrat lil fra Giovanni li semmejna meta kien fil-post ta' Molliano, skond kif irrakkontaw l-aħwa li kienu preżenti. Kien l-ewwel lejl wara l-ottava ta' San Lawrenz u waqt l-ottava tal-festa tat-tlugħ fis-sema tas-Sinjura. Wara li kien qal il-matutin fil-kor ma' l-aħwa l-oħra, fra Giovanni ħass ġo fih id-dilka tal-grazzja ta' Alla, u ħareġ fil-ġnien biex jikkontempla l-passjoni ta' Kristu u biex iħejji ruħu b'devozzjoni biex jiċċelebra l-quddiesa li l-għada filgħodu kien imiss lilu li jkanta. U waqt li kien jikkontempla l-kliem tal-konsagrazzjoni tal-ġisem ta'

---

[380] It-traduttur tal-*Fjuretti* hawnhekk jiddistingwi ruħu mill-awtur, li hu fra Ugolino da Montegiorgio. Fl-*Actus*, iżda, ir-riferiment hu fl-ewwel persuna: "kif jiena nnifsi rajt bosta drabi bl-għajnejn tal-fidi".

Kristu, jiġifieri: *Hoc est corpus meum*, u jaħseb fuq l-imħabba bla tarf li Kristu kellu lejna, hekk li mhux biss ried jifdina bid-demm għażiż tiegħu, imma ried ukoll li jħalli bħala ikel lill-erwieħ il-ġisem u d-demm l-aktar qaddisa tiegħu; dan fra Giovanni beda jħoss tikber fih il-ħeġġa u l-ħlewwa ta' l-imħabba tal-ħelu Ġesù, hekk li ruħu ma setgħetx iżżomm fiha dik il-ħlewwa kollha. Għaldaqstant beda jgħajjat u bħallikieku kien xurban bl-ispirtu ma setax ma jtennix fih innifsu: *Hoc est corpus meum*. Għax waqt li kien itenni dawn il-kelmiet, deherlu li qed jara lil Kristu imbierek flimkien mal-Verġni Marija u ma' qtajja kbar ta' Anġli. U waqt li kien qed jgħid dak il-kliem, l-Ispirtu s-Santu dawwlu dwar il-misteri għolja u profondi kollha ta' dan is-Sagrament ta' l-għaġeb.

Meta sebaħ, huwa daħal fil-knisja kollu mħeġġeġ b'dak il-fervur ta' l-ispirtu, u b'dik il-biża' fuqu u dak il-kliem li kien il-ħin kollu jtenni, u mingħalih ma kien qed jisimgħu u jarah ħadd; iżda fil-kor kien hemm wieħed mill-aħwa jitlob li ra u sema' kollox. U billi f'dak il-fervur ta' l-ispirtu ma setax jitrażżan, hekk kienet kotrana l-grazzja divina li kien irċieva, li beda jgħajjat b'leħen għoli; u dam hekk sakemm sarlu l-ħin għall-quddiesa. U aktar ma mexa 'l quddiem fiċ-ċelebrazzjoni, aktar tħeġġet fih l-imħabba lejn Kristu u kiber il-fervur tad-devozzjoni. Dak il-ħin huwa ġie mogħti s-sens ta' l-għaġeb li jħoss il-preżenza ta' Alla, imma li hu stess ma kienx kapaċi li jfisser bil-kliem aktar 'il quddiem. Hu beża' li jekk dak il-fervur u dak is-sens tal-preżenza ta' Alla jkomplu jikbru, hu jkollu jħalli l-quddiesa, u ħassu mħawwad ħafna u ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel: jekk għandux ikompli bil-quddiesa jew jieqaf u jistenna jara x'se jiġri. Imma billi diġà kellu esperjenza bħal din qabel, fehem li ma jaqbilx li jħalli l-quddiesa għax il-Mulej kien għenu biex jikkontrolla dak il-fervur. Kollu fiduċja li se jiġri hekk ukoll din id-darba, b'biża' kbir qatagħha li jkompli l-quddiesa. Iżda meta wasal għall-prefazju tal-Madonna, id-dawl divin u l-ħlewwa tal-faraġ li kiseb mill-imħabba ta' Alla ħasshom jikbru ħafna ġo fih, hekk li meta wasal għall-kelmiet *Qui pridie quam*, bilkemm seta' jżomm b'dak il-faraġ u l-ħlewwa li kien qed iġarrab. Fl-aħħarnett, x'ħin wasal għall-konsagrazzjoni, u qal nofs il-kliem fuq l-ostja, jiġifieri, *Hoc est enim*, b'ebda mod ma seta' jgħid il-bqija tal-kliem. Baqa' jtenni l-ħin kollu l-istess kliem: *Hoc est enim*. U r-raġuni għala ma setax ikompli kienet li beda jħoss u jara l-preżenza ta' Ġesù Kristu flimkien ma' kotra ta' Anġli. U ma felaħx iħoss il-kobor tagħhom. Ra wkoll li Kristu ma kienx se jidħol fl-ostja, u l-ostja ma kienetx se tinbidel sostanzjalment fil-ġisem ta' Kristu kemm il-darba ma jgħidx in-nofs l-ieħor tal-kliem: jiġifieri, *corpus meum*.

Waqt li kien f'dak l-istat ta' ansjetà u b'ebda mod ma seta' jkompli, il-gwardjan u l-aħwa l-oħra u wkoll xi sekulari li kienu fil-knisja jisimgħu l-quddiesa, resqu qrib l-altar u tbeżżgħu meta qagħdu jaraw u jikkunsidraw dak li kien qed jagħmel fra Giovanni: ħafna minnhom infexxew jibku bid-devozzjoni. Fl-aħħar, imbagħad, wara ħafna ħin, jiġifieri meta għoġob lil Alla, fra Giovanni qal il-kelmiet *corpus meum* b'leħen għoli. U minnufih ix-xbiha tal-ħobż ma dehritx aktar, u fl-ostja deher Ġesù Kristu l-imbierek inkarnat u igglorifikat. U urieh l-umiltà u l-imħabba li ġiegħluh isir bniedem fi ħdan il-Verġni Marija u kuljum iġiegħluh jinżel f'idejn is-saċerdot meta jikkonsagra l-ostja. Meta refa' 'l fuq l-ostja u l-kalċi ikkonsagrati, ħassu maħruġ barra minnu nnifsu. U billi r-ruħ kienet merfugħa mis-sentimenti tal-ġisem, il-ġisem tiegħu waqa' lura, u li ma kienx għall-gwardjan, li kien warajh, kien jaqa' għal tulu fl-art. Wara li ġara dan, l-aħwa u s-sekulari li kienu fil-knisja, irġiel u nisa, telgħu jiġru u ħaduh qisu mejjet fis-sagristija; ġismu kesaħ bħalma jkun kiesaħ ġisem mejjet, u subgħajh ta' idejh kienu hekk iggrunċjati li bil-kemm setgħu jiftħuhomlu jew iċaqilquhom. Dam mixħut qisu mejjet sal-ħin tat-Terza, u dan ġara fis-sajf.

Issa billi jien kont preżenti hu u jiġri dan kollu[381], xtaqt ħafna li nkun naf dak li Alla wettaq fih, u għalhekk kif appena ġie f'sensieh, mort fuqu u tlabtu biex, għall-imħabba ta' Alla, jgħidli kollox kull ma għadda mingħalih. Għaldaqstant hu, billi kien jafdani ħafna lili, irrakkontali kollox ħaġa, ħaġa kif ġara. Fost ħwejjeġ oħra qalli li, waqt li kien qed jaħseb fuq il-ġisem u d-demm ta' Ġesù Kristu, anke qabel, kien beda jħoss qalbu tinħall bħax-xemgħa li tissaħħan, u ġismu sar qisu bla għadam, b'tali mod li ma kellux forzi jgħolli dirgħajh u lanqas iċaqlaq idejh biex jagħmel is-sinjal tas-salib fuq l-ostja u fuq il-kalċi. Qalli wkoll li, qabel ma sar saċerdot, Alla kien urieh li waqt il-quddiesa kellu jħossu ħażin, imma billi kien diġà qaddes ħafna quddies u qatt ma ġralu xejn, kien beda jaħseb li dik ir-rivelazzjoni ma kienetx, għalhekk, ġejja minn Alla. B'danakollu, ħames snin qabel, fil-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna, meta ġara dan il-każ li dwaru tkellimna aktar 'il fuq, Alla kien irrivelalu li dan kellu jiġrilu qrib il-festa ta' l-Assunzjoni, imma mbagħad ma baqax jiftakar iżjed fiha dik ir-rivelazzjoni.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen. [ABF 57]

[381] F'dan il-mument jidher l-awtur tax-xena, li hu fra Ugolino da Montegiorgio, li jitkellem fl-ewwel persuna. Billi hu kellu familjarità kbira ma' fra Giovanni, jitolbu spjegazzjoni partikulari dwar dik l-estasi li kellu. Hu hekk jikkonkludu l-*Fjuretti*, permezz ta' storja vera u awtobijografija li turina l-fonti li minnha t-traduttur ta' din l-opra ħa l-informazzjoni tiegħu.

# DWAR L-ISTIMMATI MQADDSA TA' SAN FRANĠISK U L-KUNSIDERAZZJONIJIET TAGĦHOM

[1640] F'din l-aħħar taqsima nikkunsidraw b'devozzjoni l-Istimmati glorjużi, sagri u qaddisa li l-imqaddes missier tagħna San Franġisk irċieva mingħand Kristu fuq l-għolja mqaddsa ta' La Verna[382]. U billi l-Istimmati kienu ħamsa, l-istess bħalma ħamsa kienu l-Pjagi tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, dan it-trattat se jkun imqassam f'ħames kunsiderazzjonijiet.

L-ewwel kunsiderazzjoni tkun dwar kif San Franġisk ġie fuq il-għolja mqaddsa ta' La Verna.

It-tieni kunsiderazzjoni tkun dwar il-ħajja u l-konversazzjonijiet li kellu ma' sħabu fuq il-għolja mqaddsa.

It-tielet kunsiderazzjoni tkun dwar id-dehra tas-serafin li stampa l-Istimmati l-aktar qaddisa fuq ġismu.

Ir-raba' kunsiderazzjoni tkun dwar kif San Franġisk niżel minn fuq l-għolja ta' La Verna, wara li rċieva l-Istimmati, u mar lura lejn Santa Marija ta' l-Anġli.

Il-ħames kunsiderazzjoni tkun dwar xi dehriet u rivelazzjonijiet divini li saru wara l-mewt ta' San Franġisk lil xi aħwa qaddisa u persuni devoti oħra dwar dawn l-Istimmati qaddisa u glorjużi.

*Dwar l-ewwel kunsiderazzjoni fuq l-Istimmati mqaddsa.*

[1641] Dwar l-ewwel kunsiderazzjoni, ta' min isemmi li San Franġisk, fl-età ta' tlieta u erbgħin sena, fis-sena 1224[383], imnebbah minn Alla, darba minnhom erħielha lejn ir-Romagna flimkien

---

[382] Il-ħames *Kunsiderazzjonijiet ta' l-Istimmati*, miktubin ukoll minn awtur anonimu bejn l-1370 u l-1385, għalkemm partijiet minnhom jinsabu fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum Eius* (c. 9; c. 18; c. 36), juru sens ta' libertà kbira fit-traduttur Toskan, kemm fl-istess traduzzjoni kif ukoll fil-mod kif hu ikkopja minn għejun oħrajn. Fl-istat attwali tar-riċerka, iżda, għadu ma nstab l-ebda trattat jew opra dwar l-istimmati li jista' jissejjaħ tassew l-oriġinali. Għalhekk ikollna nikkuntentaw ruħna billi ngħidu li l-*Kunsiderazzjonijiet* inkitbu minn dan l-awtur Toskan, li jintroduċihom fil-qosor fil-bidu. Ċertament hu kellu quddiemu l-kapitli ta' l-*Actus Beati Francisci*, imma wkoll il-*Legenda Maior* ta' S. Bonaventura. Il-*Kunsiderazzjonijiet ta' l-Istimmati* għandhom il-preġju li jagħtuna storja kompluta u mimlija dettalji tal-fatti mirakolużi li seħħew fuq La Verna fl-1224, b'mod li juru kif S. Franġisk stimmatizzat hu xbieha ħajja ta' l-istess Kristu msallab. It-tradizzjonijiet ħajjin tal-*Kunsiderazzjonijiet* għadhom sallum il-bażi tal-qima popolari li tingħata lil S. Franġisk stimmatizzat fid-diversi rkejjen tal-muntanja qaddisa ta' La Verna.

[383] Il-ġrajjiet li jiġu rakkontati fl-*I Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati*, u li jingħad li seħħew fl-1224, fil-fatt seħħew 10 snin qabel, fl-1213-1214. L-awtur hawnhekk irid jiġbor flimkien ir-relazzjonijiet ta' Franġisku ma' La Verna fl-istess episodju tar-randan ta' S. Mikiel li hu għamel fl-1224, meta rċieva l-istimmati. Nafu, iżda, li Franġisku mar fuq La Verna fl-1214, wara l-akkwist tal-muntanja mill-Conte Orlando di Chiusi, u x'aktarx drabi oħrajn, sa ma mar l-aħħar darba fl-1224. L-istorja, li hi rakkontata wkoll fl-*Actus*, c. 9, hi ambjentata fil-kastell medjevali ta' San Leo, fil-Montefeltro tar-Romagna, qrib ir-Repubblika ta' San Marino. L-ambjent hu dak ta' tornew ta' kavallieri. Id-data tal-

ma' sieħbu fra Leone. Hu u sejjer għadda minn taħt il-kastell ta' Montefeltro, fejn kienet qed issir ikla kbira u korteo għall-għoti tat-titlu ta' kavallier lil wieħed mill-konti ta' Montefeltro. Meta San Franġisk sema' b'din il-festa li kien hemm, u sar jaf li kien hemm miġbura ħafna irġiel nobbli minn diversi inħawi, qal lil fra Leone: "Ejjew nitilgħu għall-festa, għax bil-għajnuna ta' Alla nkunu nistgħu nagħmlu xi ġid spiritwali".

Fost il-ħafna irġiel nobbli li kienu ġew minn dawk in-naħat biex jieħdu sehem fil-korteo, kien hemm wieħed li kien kbir u għani, mit-Toscana, li kien jismu *messere* Orlando da Chiusi di Casentino. Billi dan kien sema' jingħadu ħafna ħwejjeġ sbieħ dwar il-qdusija u l-mirakli ta' San Franġisk, kellu devozzjoni kbira lejh, u kellu xewqa kbira li jarah u jisimgħu jippriedka.

Mela x'ħin waslu ħdejn dan il-kastell, San Franġisk daħal u mar fil-pjazza, fejn kienu miġbura dawk il-ħafna nobbli. Kollu mħeġġeġ fl-ispirtu, tela' fuq ħajt ċkejken u beda jippriedka. Ħa bħala suġġett tal-priedka tiegħu dawn il-kelmiet bl-ilsien *volgare*: *Tanto è quel bene ch'io aspetto, che ogni pena m'è diletto*. U fuq dan is-suġġett, megħjun il-ħin kollu mill-Ispirtu s-Santu, ippriedka b'tant devozzjoni u b'mod tant profond – ġab bħala prova t-tbatijiet tal-martirji ta' l-appostli u tal-martri qaddisa, u l-penitenzi ħorox li għamlu l-konfessuri, it-tiġrib u t-tentazzjonijiet tal-verġni u tal-qaddisin l-oħrajn – li għajnejn kulħadd kienu msammrin fuqu, u kulħadd kien attent iħares lejh, u qagħdu jisimgħuh bħallikieku kien anġlu ta' Alla li kien qed ikellimhom. Fost dawk li qagħdu jisimgħuh, kien hemm *messere* Orlando, li ħass li Alla kien messlu qalbu bil-predikazzjoni ta' l-għaġeb ta' San Franġisk, hekk li qatagħha li, wara l-priedka, imur ikellmu dwar il-qagħda ta' ruħu.

Meta intemmet il-priedka, ġibed lil San Franġisk fil-ġenb u qallu: "O missier, jien nixtieq nitkellem miegħek dwar is-salvazzjoni ta' ruħi". Wieġbu San Franġisk: "Nieħu pjaċir ħafna. Imma issa, dalgħodu, mur u agħti ġieħ lil ħbiebek li stiednuk għall-festa u oqgħod kul magħhom; wara l-ikel, imbagħad, noqogħdu nitkellmu flimkien kemm jogħġbok". Għalhekk *messere* Orlando mar għall-ikel, u wara l-ikel mar lura għand San Franġisk u qagħad jitkellem fit-tul miegħu dwar dak kollu li kellu x'jaqsam ma' ruħu. Fl-aħħar dan *messere* Orlando qal lil San Franġisk: "Jien fit-Toscana għandi għolja li tgħinek ħafna għad-devozzjoni, li jsejħulha La Verna[384], post waħdu għall-kwiet u deżert u tassew adatt għal min irid jagħmel penitenza, f'xi mkien bogħod min-nies, jew għal min jixtieq jgħix ħajja solitarja. Jekk il-post jogħġbok, bil-qalb kollha nagħtih lilek u lil sħabek, u dan nittama li jiswieli għas-salvazzjoni ta' ruħi".

Meta San Franġisk sema' b'offerta hekk ġeneruża feraħ ħafna, għax kien ilu jixtieq li jkollu xi ħaġa hekk. Faħħar u radd ħajr l-ewwel lil Alla u mbagħad lil *messere* Orlando, u qallu hekk:

---

ġrajja hi t-8 ta' Mejju 1213. Franġisku jieħu l-opportunità biex jagħmel priedka bl-istil *cortese* tiegħu, li bih ġibed l-attenzjoni tan-nobbli li kienu hemmhekk preżenti, fosthom il-Conti Orlando di Chiusi. Il-fdalijiet tal-kastell tal-Conte Orlando għandhom jeżistu sallum, taħt La Verna, fir-raħal ta' Chiusi, flimkien mal-kappella medjevali ta' S. Mikiel. L-għotja legali ta' La Verna lil Franġisku u l-aħwa tiegħu seħħet b'dokument legali magħmul minn ulied il-Conte Orlando fid-9 ta' Ġunju 1274. Id-dokument, li hu mħares fl-arkivju ta' Borgo San Sepolcro, hu iffirmat minn Orlando dei Caetani, iben il-Conte Orlando, li kien miet u indifen fil-kappella ta' Santa Maria degli Angeli, fuq La Verna.

[384] La Verna, jew sempliċement Verna, (1128 metri fuq il-livell tal-baħar), hi muntanja kollha boskijiet, li tinsab xi 26 kilometri minn Bibbiena, fiż-żona msejħa Casentino, bejn it-Toscana u r-Romagna, fil-provinċja ta' Arezzo, qrib in-nixxiegħat tax-xmajjar Arno u Tevere. Il-muntanja togħla sal-quċċata ta' La Penna (1238 metri). Dante Alighieri, fil-*Canto XI*, 106-108, tad-*Divina Commedia*, hekk jiddeskrivi l-muntanja qaddisa: *nel crudo sasso intra Tevere e Arno / da Cristo prese l'ultimo sigillo, / che le sue membra due anni portarno*.

"*Messere*, meta tkun mort lura d-dar, nibgħatlek tnejn minn sħabi u jekk jogħġbok urihom dik il-għolja. Kemm il-darba jidhrilhom li l-post hu adatt għat-talb u għall-penitenza, jiena naċċetta minn issa stess l-offerta tiegħek". Meta qallu dan il-kliem, San Franġisk telaq, u meta temm il-vjaġġ tiegħu, mar lura lejn Santa Marija ta' l-Anġli. *Messere* Orlando ukoll, wara li ntemmet is-solennità ta' dak il-korteo, mar lura fil-kastell tiegħu li kien jismu Chiusi, li jinsab xi mil bogħod minn La Verna.

Meta reġa' lura f'Santa Marija ta' l-Anġli, San Franġisk bagħat tnejn minn sħabu għand *messere* Orlando. U meta marru għandu, laqagħhom b'ferħ kbir u bil-karità kollha. U billi xtaq jurihom il-għolja ta' La Verna, bagħat magħhom daqs ħamsin raġel armati biex jiddefenduhom mill-bhejjem selvaġġi. U flimkien ma' dik il-kumpanija, dawn l-aħwa telgħu fuq l-għolja u qagħdu jistħarrġuha sewwa. Fl-aħħar ġew f'parti ta' l-għolja devota ħafna u tajba għall-kontemplazzjoni, u hemm sabu ftit tal-wita, u għażlu dak il-post biex jgħixu fih huma u San Franġisk. U bil-għajnuna ta' dawk l-irġiel armati li kienu magħhom għamlu għerejjex żgħar biz-zkuk u l-friegħi tas-siġar. U hekk aċċettaw f'isem il-Mulej, u ħadu pussess ta' l-għolja ta' La Verna u tal-post li għamlu għall-aħwa, u telqu u marru lura għand San Franġisk.

U meta waslu ħdejh, qagħdu jirrakkontawlu kif huma kienu ħadu pussess tal-post fuq il-għolja ta' La Verna, post ferm adatt għat-talb u għall-kontemplazzjoni. Meta San Franġisk sema' b'din l-aħbar, feraħ ħafna u, waqt li faħħar u radd ħajr lil Alla, b'wiċċ ferħan kellem 'il dawk l-aħwa u qalilhom: "Uliedi, qed joqrob ir-randan tagħna li soltu nagħmlu għall-festa tal-qaddis Mikiel Arkanġlu. Jien nemmen b'qalbi kollha li dan ir-randan għandna nagħmluh fuq il-għolja ta' La Verna. Kienet il-providenza divina li ħejjitilna dan il-post għall-ġieħ u l-glorja ta' Alla u tal-glorjuża Verġni Marija, u ta' l-Anġli qaddisa biex, billi nagħmlu penitenza, nimmeritaw mingħand Kristu li nikkonsagraw dik il-għolja mbierka".

[1642] U meta temm jgħid dan il-kliem, San Franġisk ħa miegħu lil fra Masseo da Marignano d'Assisi, li kien raġel ta' għaqal kbir u jinqala' ħafna biex jitkellem, u lil fra Angelo Tancredi da Rieti, li kien raġel ġentili ħafna u li meta kien fid-dinja kien kavallier, u lil fra Leone, li kien raġel ta' sempliċità u safa kbira (kien minħabba f'hekk li San Franġisk kien iħobbu ħafna u kien jgħidlu kull sigriet tiegħu). Flimkien ma' dawn it-tliet aħwa San Franġisk inxteħet jitlob, u meta temm it-talb irrikmanda lilu nnifsu u lil sħabu għat-talb ta' l-aħwa li baqgħu hemm. U telaq flimkien ma' dawk it-tlieta f'isem Ġesù Kristu msallab, biex jitla' l-għolja ta' La Verna[385].

Huma u sejrin, San Franġisk sejjaħ lejh wieħed mit-tliet sħabu, jiġifieri lil fra Masseo, u qallu hekk: "Int, fra Masseo, tkun il-gwardjan u l-prelat tagħna matul dan il-vjaġġ, jiġifieri waqt li nkunu sejrin u kemm indumu flimkien, u sadanittant inħarsu sewwa d-drawwa tagħna: jew ngħidu l-Uffiċċju, jew nitkellmu fuq Alla, jew inżommu s-skiet. U ma noqogħdux inħabblu rasna dwar l-ikel jew ix-xorb jew l-irqad: meta jasal il-ħin tal-mistrieħ tal-lejl immorru nittallbu biċċa ħobż u nieqfu nistrieħu u mmorru nistrieħu fil-post li Alla jlestilna". Imbagħad dawn it-tliet sħab baxxew rashom, u raddew is-salib, u telqu.

---

[385] Ix-xeni li ġejjin jirrigwardaw xi mindaqqiet l-ewwel darba li Franġisku tela' fuq La Verna, u drabi oħrajn l-aħħar darba li tela' fuq il-muntanja. Dawn ix-xeni offrew materjali abbondanti lill-pitturi: Franġisku li jirkeb fuq il-ħmar; il-bidwi li akkumpanja lil Franġisku; l-għajn mirakoluża ta' l-ilma li nixxa għat-talb ta' Franġisku biex dak ir-raġel fqir jixrob biex ma jmutx bis-sħana u bil-għatx; il-ferħ li bih l-għasafar jilqgħu lil Franġisku fuq La Verna, imfakkar sallum f'kappella ċkejkna taħt il-kunvent ta' La Verna.

Fl-ewwel lejl waslu f'post ta' l-aħwa u hemm għaddew il-lejl. It-tieni lejl, bejn minħabba l-maltemp u bejn għax kienu għajjenin, ma rnexxielhomx jilħqu la post ta' l-aħwa u lanqas joqorbu lejn xi raħal. U meta daħal il-lejl, u l-maltemp kien qed jagħmel tiegħu, daħlu biex jorqdu fi knisja abbandunata u li fiha ma kien joqgħod ħadd, u mteddew biex jistrieħu. U meta sħabu raqdu, San Franġisk inxteħet jitlob. U ara, fl-ewwel sahra tal-lejl, ġew qtajjiet kbar ta' demonji mill-aktar ħorox u bdew jagħmlu storbju u ħsejjes li jbeżżgħu, u bdew jaħbtu għalih bis-saħħa kollha u jdejjquh; wieħed jiġbdu minn dawn u l-ieħor minn hemm; wieħed jitfgħu 'l isfel u l-ieħor jgħollih 'il fuq; wieħed jheddu b'ħaġa u l-ieħor iċanfru għal xi ħaġa oħra. B'dan il-mod, raw kif għamlu biex ifixkluh u jħawwduh waqt li kien mehdi fit-talb, imma xejn ma setgħu jagħmlu, għax Alla kien miegħu.

Meta San Franġisk ġarrab dawk l-attakki kollha tad-demonji, beda jgħajjat b'leħen għoli: "O spirti indannati, intom xejn ma tistgħu għajr dak li l-id ta' Alla tħallikom tagħmlu. Jien ngħidilkom, min-naħa ta' Alla li jista' kollox, biex lil ġismi tagħmlulu dak kollu li jippermettielkom Alla, u jien inġarrbu bil-qalb kollha, għax jien m'għandix għadu akbar minn ġismi. U għalhekk, jekk tagħmluli vendetta mill-għadu tiegħi, lili tkunu qed tagħmluli l-akbar pjaċir".

U mbagħad id-demonji qabdu fih b'saħħa u furja kbira, u bdew ikaxkruh mal-knisja, u weġġgħuh u dejjquh ħafna aktar minn qabel. U mbagħad San Franġisk beda jgħajjat u jgħid: "Sinjur tiegħi Ġesù Kristu, jien niżżik ħajr talli tħobbni daqshekk u ta' kemm turini karità; għax hu sinjal ta' mħabba kbira meta l-Mulej jikkastiga d-difetti tal-qaddej tiegħu f'din id-dinja, biex imbagħad ma jkunx ikkastigat fl-oħra. U jien lest li nġarrab bil-ferħ kull piena u kull kuntrarju li int, o Alla tiegħi, jogħġbok tibgħatli minħabba dnubieti".

Id-demonji mbagħad, imħawwdin u mirbuħin mill-imġieba soda u sħiħa, u s-sabar tiegħu, telqu. U San Franġisk, imħeġġeġ fl-ispirtu, ħareġ mill-knisja u daħal fil-bosk li kien qrib, u inxteħet jitlob u bit-talb u d-dmugħ u t-taħbit fuq sidru fittex li jsib lil Ġesù Kristu, il-għarus u l-maħbub ta' ruħu. U meta fl-aħħar sabu fil-moħba sigrieta ta' qalbu, beda jitkellem miegħu u jkellmu bil-qima bħala l-Mulej tiegħu, issa jwieġbu bħallikieku kien l-imħallef ġust, issa jitolbu bħala missier, u jirraġuna miegħu bħala ħabib. F'dik il-lejla, u f'dak il-bosk sħabu, li kienu mqajjmin u qagħdu jisimgħu u jaħsbu fuq dak li rawh jagħmel, rawh u semgħuh jolfoq u jitlob b'qima kbira l-ħniena ta' Alla għall-midinbin. Rawh u semgħuh jibki b'leħen għoli l-passjoni ta' Kristu, bħallikieku kien qed jaraha dak il-ħin bil-għajnejn tal-ġisem. F'dik l-istess lejla rawh jitlob, b'dirgħajh miftuħa f'għamla ta' salib, u għal ħin twil rawh imdendel u merfugħ 'il fuq mill-art u mdawwar minn sħaba kollha dawl. U hekk għadda dak il-lejl bla ma raqad, imma kien mehdi l-ħin kollu f'dawn l-għemejjel qaddisa.

[1643] Il-għada filgħodu, sħabu fehmu tajjeb li, billi l-lejl ta' qabel ma kien raqad xejn, u San Franġisk kien dgħajjef ħafna fil-ġisem u żgur li ma kienx jiflaħ jimxi dik it-triq, marru għand bidwi fqajjar ta' dawk l-inħawi, u talbuh biex, għall-imħabba ta' Alla, jislef il-ħmar tiegħu lil San Franġisk, missierhom, li kien dgħajjef wisq biex jimxi. Meta sema' l-isem ta' fra Franġisk, staqsihom: "Intom minn dawk l-aħwa ta' fra Franġisk minn Assisi, li kulħadd jitkellem tajjeb fuqu?" Huma weġbuh li hekk kienu tabilħaqq, u li għalih kienu qed jitolbuh il-ħmar. Imbagħad

dak ir-raġel twajjeb b'devozzjoni u ħerqa kbira lestielu l-ħmar u ħadu ħdejn San Franġisk, u b'qima kbira għenu jirkeb fuqu. U mxew aktar 'il quddiem; il-bidwi baqa' miexi wara l-ħmar tiegħu.

Meta kien mexa biċċa sew, il-bidwi qal lil San Franġisk: "Għidli ftit, inti fra Franġisk t'Assisi?" U San Franġisk wieġbu li hu kien. Il-bidwi qallu: "Qis, mela, li tagħmel ħiltek kollha biex tkun tant tajjeb daqskemm kulħadd iżommok li int, għax ħafna għandhom fiduċja kbira fik, u għalhekk jien inwissik biex ma tħalli li jkun hemm xejn fik għajr dak li n-nies tistenna minnek".

Meta San Franġisk sema' dan il-kliem, xejn ma ħadha bi kbira li jiġi mwissi minn bidwi, u ma qalx bejnu u bejn ruħu: Dan x'bhima hu li qed iwissini? Hekk kienu jgħidu llum ħafna kburin li huma lebsin it-tonka. Minnufih niżel minn fuq il-ħmar, u nxteħet għarkubbtejh quddiem dak ir-raġel u bieslu riġlejh, u bl-umiltà kollha irringrazzjah talli għoġbu jwissih b'karità hekk kbira. Malajr il-bidwi flimkien ma' sħab San Franġisk refgħuh mill-art b'devozzjoni kbira, u reġgħu rikkbuh fuq il-ħmar; u komplew mexjin 'il quddiem.

Kif kienu għoddhom f'nofs it-telgħa ta' l-għolja, billi kienet sħana kbira u t-telgħa tifilġek, dak il-bidwi ħassu qed imut bil-għatx, hekk li beda jgħajjat u jgħid lil San Franġisk: "Jaħasra għalija! Ara, qed immut bil-għatx, u kemm il-darba ma nixrobx se nifga minn mument għall-ieħor". Meta sema' dan San Franġisk niżel minn fuq il-ħmar, u beda jitlob fl-art għarkubbtejh. U dam hekk, b'idejh merfugħa lejn is-sema, sakemm għaraf b'rivelazzjoni li Alla sema' t-talba tiegħu. U mbagħad qal lill-bidwi: "Iġri, mur ħdejn dik il-ġebla, u hemm issib l-ilma ġieri li proprju dan il-ħin Kristu għall-ħniena tiegħu, ried li joħroġ minnha". Dak telaq jiġri lejn il-post li kien urieh San Franġisk, u sab nixxiegħa ta' l-ilma mill-isbaħ, ilma li ħareġ mill-blat samm bis-saħħa tat-talb ta' San Franġisk, u xorob kemm felaħ u ħassu ferm aħjar. U deher biċ-ċar li dik in-nixxiegħa għamilha Alla b'miraklu għat-talb ta' San Franġisk, għax f'dak il-post la qabel u lanqas wara qatt ma dehret nixxiegħa ta' l-ilma, jew f'dawk in-naħiet tal-qrib. Wara li raw jiġri dan, San Franġisk flimkien ma' sħabu u wkoll mal-bidwi, raddew ħajr lil Alla għal dak il-miraklu, u komplew mexjin 'il quddiem.

[1644] U waqt li kienu f'riġlejn il-għolja proprja ta' La Verna, San Franġisk għoġbu jistrieħ ftit taħt siġra tal-ballut li kien hemm fit-triq, u li għadha hemm sallum. Kif kien għad-dell tagħha San Franġisk qagħad jaħseb u josserva sewwa l-post. U ara, waqt li kien mehdi f'dawn il-ħsibijiet, qtajjiet kbar ta' għasafar minn kull kwalità ġew ħdejh, jgħannu u jħabbtu l-ġwienaħ, u jifirħu u jagħmlu festa tassew kbira. U daru dawra sewwa ma' San Franġisk, hekk li xi wħud qagħdu fuq rasu, oħrajn fuq spallejh, oħrajn fuq dirgħajh, xi wħud f'ħoġru, u l-bqija f'riġlejh, madwaru. Meta raw dan sħabu u l-bidwi li kien magħhom stagħġbu mhux ftit, u San Franġisk, kollu ferħ fl-ispirtu tiegħu, kellimhom hekk: "Jiena nemmen, ħuti l-aktar għeżież, li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu għandu ħafna pjaċir bina li niġu ngħammru fuq din il-għolja maqtugħa għaliha waħedha, għax għalhekk ħutna l-għasafar qed juru dan il-ferħ kollu għall-miġja tagħna". U wara li qal dan il-kliem qamu u komplew mexjin 'il quddiem. Fl-aħħar, imbagħad, waslu fil-post li sħabu kienu għażlu biex joqogħdu fih.

U dan dwar l-ewwel kunsiderazzjoni, jiġifieri, dwar kif San Franġisk ġie fuq il-għolja qaddisa ta' La Verna.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar it-tieni kunsiderazzjoni fuq l-Istimmati mqaddsa.*

[1645] It-tieni kunsiderazzjoni hi dwar il-konversazzjoni li San Franġisk kellu ma' sħabu fuq l-għolja li semmejna.

Dwar dan, ta' min isemmi li meta *messere* Orlando sar jaf li San Franġisk flimkien ma' tlieta minn sħabu tela' biex imur jgħix fuq il-għolja ta' La Verna, feraħ mhux ftit. Il-għada, flimkien ma' ħafna nies mill-kastell, erħielha lejn il-għolja, u ġew iżuru lil San Franġisk. Ġabu wkoll magħhom ħobż u nbid u l-meħtieġ kollu għall-ħajja, għalih u għal sħabu[386]. U meta waslu hemm fuq, sabuhom qegħdin jitolbu; resqu lejhom, u sellmulhom. Imbagħad San Franġisk qam bilwieqfa, u b'imħabba u b'ferħ kbir laqa' lil *messere* Orlando u lil dawk li telgħu miegħu. Meta temmew il-konversazzjoni tagħhom, u San Franġisk irringrazzjah li tah dik il-għolja fejn seta' jinġabar fit-talb, u raddlu ħajr taż-żjara li għamillu, talbu biex jagħmillu ċella żgħira u fqajra ħdejn siġra tal-fagu mill-isbaħ, li kienet daqs tefa' ta' ġebla 'l bogħod mill-aħwa l-oħrajn, għax deherlu li dik ir-rokna kienet adatta ħafna biex jinġabar jitlob fiha. U *messere* Orlando minnufih ordna li jagħmluhielu. Wara dan, imbagħad, billi l-lejl kien qed joqrob u kien sarilhom il-ħin biex imorru lura, qabel telqu San Franġisk għamlilhom priedka qasira. Imbagħad, x'ħin spiċċa l-priedka u tahom il-barka tiegħu, billi *messere* Orlando kellu bilfors jitlaq, sejjaħ fil-ġenb lil San Franġisk u 'l sħabu, u kellimhom hekk: "Ħuti l-aktar għeżież, ma nixtieqx li fuq din l-għolja deżerta intom ikun jonqoskom il-meħtieġ għall-ġisem, u hekk ma tkunux tistgħu l-attenzjoni kollha tagħkom lill-ħwejjeġ spiritwali. Għalhekk irrid, u dan se ngħidulkom darba għal dejjem, li kull ma jkollkom bżonn tiġu d-dar u tgħiduli bih. U jekk dan ma tagħmluhx, jien inħossni offiż minnkom". U meta qalilhom hekk, hu u l-kumpanija li kellu miegħu, marru lura lejn il-kastell.

Imbagħad San Franġisk ġiegħel lil sħabu joqogħdu bilqiegħda u għallimhom dwar kif kellhom jgħixu huma u kull min kien jixtieq li jgħix il-ħajja reliġjuża fl-eremitaġġ. U fost ħwejjeġ oħra, l-aktar li saħaq kien fuq il-ħarsien tal-faqar imqaddes, billi qalilhom: "La tagħtux ħafna importanza lill-offerta tassew kbira ta' karità li għamel *messere* Orlando li ma tmorrux tonqsu b'xi mod lis-Sinjura tagħna, l-imqaddsa *Madonna Povertà*. Oqogħdu ċerti u żguri li aktar ma nkażbru l-faqar, aktar id-dinja tkażbar lilna, u jkollna nsofru għax insibu ruħna aktar fil-bżonn. Iżda jekk inħaddnu tajjeb magħna l-faqar imqaddes, id-dinja tiġri warajna u tmantnina bl-abbundanza. Alla sejħilna f'dan l-Ordni mqaddes għas-salvazzjoni tad-dinja, u bejna u bejn id-dinja għamel dan il-patt: li aħna nagħtu lid-dinja l-eżempju t-tajjeb u d-dinja tiegħu ħsieb tipprovdielna l-bżonnijiet tagħna. Ejjew mela nibqgħu fidili għall-faqar imqaddes, għax hu t-triq li twassal għall-perfezzjoni, u rahan u garanzija ta' l-għana tagħna".

U wara li qalilhom dawn il-kelmiet sbieħ u ta' ħeġġa qaddisa, u tahom xi tagħlim ieħor dwar dawn l-affarijiet, temm billi qalilhom: "Din hi l-għamla ta' ħajja li jien nimponi fuqi u fuqkom. U billi qed nara li għalija qed joqrob jum il-mewt, nixtieq li noqgħod għalija waħdi u ninġabar ma' Alla u quddiemu noqgħod nibki dnubieti. U fra Leone, meta jidhirlu hu, iġibli ftit

---

386 It-*II Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati* tibda bl-ewwel miġja ta' Franġisku fuq La Verna. Wara li jitlaq il-Conte Orlando r-rakkont jgħaddi għall-aħħar darba li fiha Franġisku tela' fuq il-muntanja, fl-1224. Hu jirtira għalih waħdu fiċ-*cella del faggio*, li mbagħad ġiet mibdula fil-kappella tal-Maddalena, li tinsab eżatt barra mill-knisja ewlenija ta' La Verna, int u nieżel lejn is-*sasso spicco*.

ħobż u ftit ilma. U ma għandkom tħallu lill-ebda sekular jiġi ħdejja, kienet x'kienet ir-raġuni, imma wieġbuhom intom għalija". Meta qalilhom dan il-kliem, berikhom u mar fiċ-ċella tal-fagu. L-aħwa baqgħu fil-post, b'fehma u rieda sħiħa li jħarsu l-ordnijiet li tahom San Franġisk.

[1646] Ftit jiem wara, San Franġisk kien qiegħed qrib iċ-ċella u qagħad jaħseb dwar il-forma tal-muntanja u jistagħġeb mhux ftit bix-xquq kbar ħafna u l-fetħiet tal-ġebel kbir li kien hemm mad-dwar, u nxteħet jitlob u rċieva rivelazzjoni minn Alla li dawk ix-xquq hekk ta' l-għaġeb saru b'miraklu waqt il-passjoni ta' Kristu meta, kif jgħid l-Evanġelju, il-blat inqasam[387]. U Alla ried li dan ikun jidher ukoll fuq il-għolja ta' La Verna, għax hemmhekk kellha tiġġedded il-passjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, f'ruħu bl-imħabba u l-kompassjoni, u f'ġismu bis-siġill ta' l-Istimmati mqaddsa. Wara li rċieva din ir-rivelazzjoni San Franġisk minnufih mar jingħalaq fiċ-ċella tiegħu, u qagħad miġbur fih innifsu, u beda jhejji ruħu u jistenna li jseħħ fih il-misteru ta' dik ir-rivelazzjoni. U minn dakinhar 'il quddiem, billi kien il-ħin kollu mehdi fit-talb, San Franġisk beda jduq aktar ta' spiss il-ħlewwa tal-kontemplazzjoni divina; bħala riżultat ta' dan ħafna drabi kien ikun mitluf f'Alla, u sħabu rawh maqtugħ mill-art u mitluf f'estasi, qisu barra minnu nnifsu.

Wara dawn l-estasi Alla kien jurih mhux biss il-ħwejjeġ tal-preżent u tal-ġejjieni, imma saħansitra l-ħsibijiet sigrieti u x-xewqat ta' l-aħwa tiegħu, bħalma fra Leone għamel l-esperjenza ta' dan f'dawk il-jiem.

[1647] Dan fra Leone kien qed iġarrab tentazzjoni qawwija ħafna mid-demonju; mhux tentazzjoni tal-ġisem imma waħda spiritwali. Ġietu xewqa kbira ħafna li jkollu xi kliem li jispirah u li jkun miktub minn idejn San Franġisk, għax kien tal-fehma li, kieku kellu din il-kitba, dik it-tentazzjoni tħallih żgur; jekk mhux kollha, għallinqas parti minnha[388]. Imma, għad li kellu din ix-xewqa, bejn għall-mistħija u bejn b'rispett, ma kellux il-ħila li jgħidlu biha 'l San Franġisk. Iżda dak li fra Leone ma xtaqx li jgħidlu, irrivelahulu l-Ispirtu s-Santu. Għaldaqstant, San Franġisk sejjaħ lejh lil fra Leone u talab li jġibulu l-klamar u l-pinna u l-karta. U b'idejh stess kiteb tifħir lil Kristu, kif xtaqu jagħmel fra Leone, u x'ħin spiċċa jiktibha, għamel is-sinjal tat-*Tau* u tahielu filwaqt li qallu: "Hawn, ħija, l-aktar għażiż, ħu din il-karta, u sakemm tmut ibqa' żommha miegħek bil-għaqal kollu. Alla jbierkek u jħarsek minn kull tiġrib. U qis li ma titħawwadx għax ikollok tentazzjonijiet. Għax jien ngħoddok aktar bħala ħabib u qaddej ta' Alla u nħobbok aktar, aktar ma narak attakkat mit-tentazzjonijiet. Tabilħaqq ngħidlek li ħadd ma għandu jqis lilu nnifsu ħabib ta' Alla qabel ma jkun għadda mill-prova ta' ħafna tentazzjonijiet u tribulazzjonijiet". Fra Leone ħa b'qima kbira u b'fidi din il-kitba, u minnufih kull tentazzjoni għabet. Meta mbagħad mar lura lejn il-post ta' l-aħwa hu qagħad jirrakkonta lil sħabu, b'ferħ kbir, xi grazzja tah Alla meta rċieva dik il-kitba ta' San Franġisk. Hu refagħha għandu u ħa ħsiebha sewwa, u l-aħwa għamlu ħafna mirakli biha aktar 'il quddiem.

---

[387] L-awtur ihejji lill-qarrejja għad-dramm kbir li se jseħħ fuq La Verna. Il-muntanja bil-blat maqsum, kif fil-fatt għadha tidher sallum fis-*sasso spicco*, turi kif din il-muntanja kellha ssir tixbaħ lill-Kalvarju, u tfakkar lil Franġisku fil-passjoni ta' Ġesù Kristu, meta fit-terremot li għamel meta miet il-Mulej, "il-blat inqasam".

[388] Dan hu l-episodju ta' meta Franġisku ta lil fra Leone l-famuża *Chartula*, jew parċmina, li fuq naħa minnhom kiteb it-*Tifħir ta' Alla l-għoli* u fuq in-naħa l-oħra l-*Barka lil fra Leone*, bis-sinjal tat-TAU *cum capite* (cfr. 2C 49; LM XI,9). Illum din il-parċmina, miktuba minn Franġisku nnifsu fuq La Verna, u b'rubriki miżjudin b'imħabba u għozza minn fra Leone, tinsab imħarsa bħala relikwa prezzjuża fil-kappella tar-relikwi tal-Basilica inferiore ta' San Franġisk f'Assisi.

Minn dak il-ħin ‘il quddiem fra Leone, bis-safa’ ta’ qalbu u b’fehma qaddisa, beda jistudja bir-reqqa u jirrifletti b’ħerqa qaddisa fuq il-ħajja ta’ San Franġisk. U għas-safa tiegħu immerita li jara ħafna u ħafna drabi lil San Franġisk merfugħ f’Alla f’estasi, maqtugħ mill-art. Xi drabi raħ merfugħ ‘il fuq tliet idriegħ, xi drabi erbgħa, u laħaq rah anke m’ogħla s-siġra tal-fagu; darba minnhom, imbagħad, merfugħ ‘il fuq fl-arja fil-għoli ħafna, u kien imdawwar b’tant dawl leqqien, li bilkemm seta’ jħares lejh. U x’kien jagħmel dan il-patri sempliċi meta kien jara ‘l San Franġisk maqtugħ biss ftit mill-art jekk li kien jilħaq imissu? Kien imur fuq ponot subgħajh u jgħannaqlu riġlejh, ibushomlu u jgħid bid-dmugħ f’għajnejh: “Alla tiegħi, ikollok ħniena minni, il-midneb. U għall-merti ta’ dan ir-raġel qaddis, agħmel li nsib grazzja u maħfra quddiemek”. U darba minnhom, meta hu kien taħt riġlejn San Franġisk, waqt li kien merfugħ ftit aktar ‘il fuq milli seta’ jilħqu, ra ċedola ta’ parċmina miktuba b’ittri tad-deheb nieżla mis-sema u tieqaf fuq ras San Franġisk, u f’din iċ-ċedola kien hemm miktub il-kliem: “Il-grazzja ta’ Alla qiegħda hawn”. Meta qraha, imbagħad, ra din iċ-ċedola tiela’ lura lejn is-sema.

[1648] Bid-don ta’ din il-grazzja ta’ Alla li kienet fih, San Franġisk mhux biss kien merfugħ f’Alla f’estasi ta’ kontemplazzjoni, imma xi drabi kien ikun imfarraġ ukoll biż-żjajjar ta’ l-anġli. Għalhekk, darba waħda waqt li San Franġisk kien qiegħed jaħseb fuq il-mewt tiegħu u fuq x’kellu jiġri mill-Ordni tiegħu wara mewtu, u kien itenni: “Sinjur Alla, x’se jiġri, wara mewti, mill-familja fqajra tiegħek, li int, fit-tjieba tiegħek għoġbok tafdaha lili, midneb? Min se jfarraġhom? Min se jikkoreġihom? Min se jitolbok għalihom?” u kliem ieħor bħal dan. Deherlu Anġlu mibgħut minn Alla, u farrġu b’dan il-kliem: “Jien mibgħut biex ngħidlek min-naħa ta’ Alla li l-professjoni ta’ l-Ordni tiegħek ma tiġi qatt nieqsa sa jum il-ġudizzju. U ngħidlek li ma jkunx hawn midneb, kbir kemm ikun kbir, imma li jkun iħobb l-Ordni tiegħek bil-qalb, li ma jsibx ħniena quddiem Alla. U ħadd li jeħodha bil-ħażen kontra l-Ordni tiegħek ma jkun jista’ jgħix għomor twil. Barra dan, ħadd li jkun ħati fl-Ordni tiegħek u jibqa’ ma jibdilx ħajtu, ma jkun jista’ jibqa’ fit-tul fl-Ordni tiegħek. Iżda int la toqgħodx issewwed qalbek kemm il-darba xi aħwa mill-Ordni tiegħek tarahom li mhumiex tajbin, li ma jħarsux ir-Regola kif imisshom, u la taħsibx li din ir-Reliġjon se tisfa’ fix-xejn. Għax ngħidlek li dejjem għad ikun hemm ħafna u ħafna li jħarsu perfettament il-ħajja ta’ l-Evanġelju ta’ Kristu, u r-Regola fis-safa tagħha. Xi wħud iħarsuha, imma mhux perfettament, u dawk minflok ma jmorru l-ġenna, imorru l-purgatorju, imma Alla jħalli f’idejk kemm żmien għandha tieħu l-purifikazzjoni tagħhom. Imma dwar dawk li ma jħarsu xejn ir-Regola, Alla jgħidlek biex ma toqgħodx tħabbel rasek, għax Hu stess lanqas ma jieħu ħsiebhom”. U meta l-Anġlu qallu dan il-kliem, telaq u San Franġisk baqa’ imfarraġ u ikkunslat ħafna.

[1649] Kienet qed toqrob il-festa tat-tlugħ fis-sema tas-Sinjura tagħna, u San Franġisk kien qiegħed ifittex post adatt aktar solitarju u moħbi li fih seta’ jgħaddi aktar maqtugħ għalih waħdu r-randan ta’ San Mikiel Arkanġlu, li kien jibda nhar il-festa ta’ l-Assunta[389]. Sejjaħ, għalhekk, lil fra Leone, u qallu: “Mur u oqgħod fil-bieb ta’ l-oratorju ta’ l-aħwa, u meta nsejjaħlek, aqbad u ejja”. U hekk għamel fra Leone, mar u qagħad fil-bieb, u San Franġisk tbiegħed biċċa sew u

[389] Jingħata bidu għall-aħħar randan li Franġisku jqatta’ fuq La Verna, dak mill-festa ta’ l-Assunta (15 ta’ Awissu) sal-festa ta’ S. Mikiel Arkanġlu (29 ta’ Settembru) ta’ l-1224. Franġisku jmur f’ċella aktar maqtugħa għaliha, fix-xifer ta’ l-irdum li sallum għadu jħares lejn dagħbien, u li fuqu hi mibnija l-*Cappella delle Stimmate,* u jinsabu tifkiriet oħrajn, bħall-*grotta del diavolo*. Fra Leone biss seta’ jersaq lejn Franġisku, u dan biex iġiblu jiekol darba kull jum u f’nofs il-lejl biex jitlob il-Matutin. Is-sinjal biex bih ikun jista’ jaqsam il-foss tal-biża biex imur għan-naħa l-oħra fejn kien irtirat Franġisku, kienu l-kelmiet: *Domine, labia mea aperies* (Mulej, iftaħli xofftejja), tas-Salm 50 (*Miserere*), li għalihom Franġisku kellu jwieġeb bil-kliem ta’ l-istess salm: *Et os meum annuntiabit laudem tuam* (U fommi jxandar it-tifħir tiegħek).

mbagħad għajjatlu bil-qawwi. U meta fra Leone semgħu jgħajjatlu mar ħdejh, u San Franġisk qallu: "Ibni, ejja nfittxu post aktar 'il bogħod hekk li int ma tkunx tista' tismagħni meta nsejjaħlek".

U huma u qegħdin ifittxu, fuq in-naħa tan-nofsinhar ta' l-għolja, raw fil-ġenb tagħha post maqtugħ u adatt ferm, proprju kif xtaq hu. Imma ma setgħux jgħaddu għalih, għax quddiemu kien hemm dagħbien li jwaħħxek u tal-biża' għall-aħħar. Għalhekk, bi tbatija kbira, raw kif għamlu xi zkuk flimkien f'għamla ta' pont, u għaddew minn fuqu għan-naħa l-oħra.

Imbagħad San Franġisk bagħat għall-aħwa l-oħra u qalilhom dwar kif kellu ħsieb jgħaddi hemmhekk ir-randan ta' San Mikiel, għalih waħdu. Talabhom jagħmlu hemm daqsxejn ta' ċella, b'tali mod li huma ma jkunux jistgħu jisimgħuh kemm il-darba jsejħilhom. U meta lestewlu dik id-daqsxejn ta' ċella, San Franġisk qalilhom: "Morru fil-post tagħkom, u lili ħalluni hawn waħdi, għax bil-għajnuna ta' Alla għandi l-ħsieb li ngħaddi hawn dan ir-randan mingħajr tixrid ta' moħħ. U ara li ħadd minnkom ma jiġi għandi, u lanqas ma għandkom tħallu 'l xi ħadd mis-sekulari jiġi lejja. Iżda int biss, fra Leone, ejja darba waħda matul il-ġurnata u ġibli miegħek ftit ħobż u ilma, u mbagħad erġa' ejja bil-lejl qrib il-ħin tal-matutin. U meta tkun ġej dak il-ħin, qis li tiġi fis-skiet, u kif tkun wasalt f'tarf il-pont, għid: *Domine, labia mea aperies* (Mulej, iftaħli xufftejja). U jekk inwieġbek, għaddi u ejja ħdejja fiċ-ċella, u ngħidu flimkien il-matutin. Iżda jekk jien ma nwieġbekx, itlaq minnufih". U San Franġisk qallu hekk għax xi drabi kien tant ikun mitluf f'Alla, li la kien jisma' u lanqas iħoss bis-sensi tal-ġisem. Meta qalilhom dan il-kliem, San Franġisk berikhom, u huma marru lura lejn il-post tagħhom.

[1650] Meta qorbot il-festa ta' l-Assunta, u San Franġisk beda r-randan imqaddes, u erħilu jgħakkes 'il ġismu b'astinenza ħarxa ħafna u b'ebusija mill-akbar, imma jfarraġ l-ispirtu tiegħu b'talb imħeġġeġ, sahriet u swat. U waqt li kien mehdi hekk fit-talb u jikber minn virtù għall-oħra, kien qed ihejji ruħu biex hi tirċievi l-misteri divini u d-dawl tas-sema, u 'l ġismu biex ikun jiflaħ iżomm sħiħ fil-ġlidiet tad-demonji, li spiss kienu jħarbtulu 'l ġismu.

Darba minnhom, waqt li kien qed jagħmel dan ir-randan, San Franġisk ħareġ miċ-ċella kollu ħeġġa ta' l-ispirtu u mar jitlob f'ħofra maqtugħa fil-blat, li taħtha hemm irdum għoli ħafna u vera tal-biża', li titkexkex tħares 'l isfel lejn il-qiegħ tiegħu. F'daqqa waħda ġie d-demonju, b'ħafna storbju u b'dagħdigħa qalila fuqu, u f'sura li tbeżżgħek, u beda jsawwtu u jimbuttah biex jipprova jitgħu għal isfel. Meta sab ruħu f'dik il-qagħda San Franġisk la seta' jaħrab imkien u lanqas felaħ jara dik il-kruha ta' l-għaġeb tad-demonju, malajr dar lejn il-blata b'idejh u b'ħarstu u b'ġismu kollu, u beda jirrikmanda ruħu 'l Alla, u jfittex b'idejh u biex jara jsibx xi ħaġa ma' xiex iqabbad. Iżda għoġob lil Alla, li lill-qaddejja tiegħu ma jħallihom qatt ikunu imġarrbin aktar milli jkunu jifilħu, li b'miraklu, dik il-blata li magħha kien iggranfat, minnufih ħadet il-forma ta' ġismu u laqgħetu fiha, bħallikieku kien qiegħed idejh u wiċċu f'xemgħa maħlula. Hekk f'dik il-blata ġew stampati l-forma ta' l-idejn u ta' wiċċ San Franġisk, u bil-għajnuna ta' Alla ġie meħlus minn qillet id-demonju.

Issa, dak li dik id-darba x-xitan ma rnexxilux jagħmel lil San Franġisk, jiġifieri li jitfgħu minn hemm fuq għal isfel, għamlu ħafna żmien wara l-mewt ta' San Franġisk lil wieħed mill-aħwa għeżież u devoti tiegħu. Jum fost l-oħrajn, meta dan kien qed jara kif jagħmel u jirranġa l-injam biex in-nies setgħu jgħaddu bla periklu ħalli b'devozzjoni lejn San Franġisk iżuru l-post fejn sar il-miraklu, id-demonju mbuttah waqt li kien qed iġorr zokk kbir fuq rasu, u xeħtu għal isfel bih

b'kollox. Iżda Alla li kien ħeles lil San Franġisk, u ma ħalliehx jaqa', għall-merti tiegħu, ħeles ukoll minn waqgħa perikoluża lil dan il-patri devot tiegħu. Għax, malli waqa', b'devozzjoni kbira beda jgħajjat b'leħen għoli u jirrikmanda ruħu lil San Franġisk. U hu deherlu minnufih u ħatfu u qiegħdu bilqiegħda fl-art bla ebda weġġgħa jew ġerħa. Meta l-aħwa l-oħrajn semgħuh jgħajjat hu u nieżel, u ħasbu li kien mejjet u mfarrak b'dik il-waqgħa mill-għoli għal fuq ġebel kollu ponot jaqtgħu, b'sogħba kbira fuqhom u bil-biki ħadu l-katalett, u niżlu min-naħa l-oħra ta' l-għolja biex jiġbru l-biċċiet tal-ġisem u jidfnuhom. U meta ġa kienu neżlin mill-parti ta' fuq ta' l-għolja, il-patri li kien waqa' ġie jiltaqa' magħhom iġorr fuq rasu z-zokk li waqa' bih, u jkanta b'leħen għoli l-innu *Te Deum laudamus*. U l-aħwa ma stagħġbux bil-ftit, u hu irrakkontalhom kollox ħaġa, ħaġa, kif waqa' u kif San Franġisk kien ħelsu minn kull periklu. Imbagħad l-aħwa inġabru flimkien miegħu fil-post tagħhom, ikantaw b'devozzjoni kbira l-innu *Te Deum laudamus*, u faħħru u raddew ħajr lil Alla u 'l San Franġisk tal-miraklu li għamel ma' dak ħuh.

[1651] Sadanittant San Franġisk kompla r-randan li kien beda, u għad li kellu jġarrab ħafna attakki qalila mix-xitan, fl-istess ħin irċieva wkoll ħafna faraġ mingħand Alla, u ġew iżuruh mhux biss l-anġli, imma saħansitra l-għasafar selvaġġi. Għax waqt iż-żmien kollu ta' dak ir-randan, bies għamel il-bejta ħdejn iċ-ċella tiegħu, u mal-lejl, ftit qabel il-matutin, bil-għana tiegħu u t-taħbit ta' ġwenħajh fuq iċ-ċella, kien iqajjmu, u ma kienx jitlaq minn hemm qabel ma jarah li qam biex jgħid il-matutin. U xi drabi, meta San Franġisk xi darba jew oħra kien iħossu għajjien jew dgħajjef jew marid, dan il-bies, bħallikieku kien persuna għaqlija u kollha mogħdrija, kien jgħannilu aktar tard. U hekk San Franġisk kien jitgħaxxaq b'dan l-arloġġ imqaddes, għax il-ħerqa kbira ta' dan il-bies kienet tbiegħed minnu kull għażż u tħeġġu għat-talb; terġa', xi drabi matul il-jum kien joqgħod ħdejh, jagħmillu kumpanija.

[1652] Fl-aħħarnett, għal dak li għandu x'jaqsam ma' din it-tieni kunsiderazzjoni, insemmi li, billi San Franġisk kien dgħajjef ħafna f'ġismu, bejn minħabba l-astinenza kbira li kien qed jagħmel u bejn minħabba l-attakki ħorox tad-demonju, billi hu ried li bl-ikel spiritwali tar-ruħ imantni wkoll il-ġisem, beda jaħseb fuq il-glorja u l-hena bla tarf li jgawdu l-beati fil-ħajja ta' dejjem. U beda jitlob 'l Alla li jagħtih il-grazzja li jduq imqar ftit minn dak il-hena. U waqt li kien mehdi b'dawn il-ħsibijiet, minnufih deherlu Anġlu tal-Mulej kollu dawl sabiħ u leqqien, li f'idejh ix-xellugija kellu vjola u f'idejh il-leminija ark. U waqt li San Franġisk kien iħares imgħaġġeb lejn l-Anġlu, dan ta daqqa waħda bl-ark fuq il-vjola. U minnufih melodija ta' ħlewwa ta' l-għaġeb imlietlu 'l ruħu. U, kif qal aktar tard hu stess lil sħabu, bħal waqqfitlu s-sensi ta' ġismu, tant li kien jiddubita li, kieku l-anġlu reġa' ta daqqa oħra bl-ark, ruħu kienetx toħroġ minn ġismu minħabba dik il-ħlewwa ta' mużika li ma felaħx jismagħha aktar.

U dan hu kollox dwar it-tieni kunsiderazzjoni.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar it-tielet kunsiderazzjoni fuq l-Istimmati mqaddsa.*

[1653] Issa li wasalt fit-tielet kunsiderazzjoni, jiġifieri d-dehra tas-serafin li stampa l-Istimmati mqaddsa, ta' min isemmi li, meta kienet qed toqrob il-festa tas-Salib imqaddes tax-xahar ta'

Settembru[390], fra Leone darba minnhom bil-lejl mar fil-post u l-ħin tas-soltu biex jgħid il-matutin flimkien ma' San Franġisk. X'ħin wasal f'tarf il-post, qal kif kien soltu jgħid il-kliem: *Domine, labia mea aperies*. U meta San Franġisk ma wieġbu xejn, fra Leone ma marx lura, kif kien ikkmandah San Franġisk, iżda bi ħsieb tajjeb u fehma qaddisa qasam il-pont u daħal fuq ponot subgħajh fiċ-ċella tiegħu. Billi ma sabux hemm, ħaseb li kien qiegħed jitlob x'imkien fil-bosk. Ħareġ barra, u għad-dawl tal-qamar beda jfittex bil-mod il-mod fil-bosk 'l hawn u 'l hemm. Fl-aħħar sema' l-leħen ta' San Franġisk, u meta resaq qrib ra 'l San Franġisk għarkubbtejh jitlob b'wiċċu 'l fuq u b'idejh merfugħa lejn is-sema, u b'ħeġġa kbira ta' l-ispirtu kien qed jgħid: "Min inti int, o Alla tiegħi l-aktar ħelu? Min jiena jien, dudu ta' l-art mill-aktar vili, u qaddej tiegħek li ma jiswa għal xejn?" U dawn il-kelmiet tennihom kemm il-darba, u xejn iżjed minn hekk ma qal.

Meta ra dan fra Leone stagħġeb, u refa' għajnejh u ħares lejn is-sema. U hu u jħares ra nieżla mis-sema torċa tan-nar ta' sbuħija ta' l-għaġeb u ta' dija ferm leqqiena, li x'ħin niżlet, strieħet fuq ras San Franġisk. U minn dik il-fjamma sema' ħiereġ leħen, jitkellem ma' San Franġisk, iżda hu, fra Leone, ma fehemx il-kliem li kien jingħad. Meta ra hekk, ħaseb li hu ma kienx jistħoqqlu li joqgħod hekk qrib dak il-post qaddis fejn kien hemm dik id-dehra ta' l-għaġeb, u wkoll beża' li joffendi lil San Franġisk jew li jtellfu fil-kontemplazzjoni tiegħu, li kieku kellu jisimgħu. Għalhekk reġa' mar lura baxx baxx, qagħad iħares mill-bogħod, u jara kif se tispiċċa l-biċċa. Qagħad jgħasses sewwa x'kien qed jiġri, u ra 'l San Franġisk joħroġ idejh għal tliet darbiet lejn il-fjamma, u fl-aħħar, imbagħad, wara ħafna ħin, ra l-fjamma tiela' lura lejn is-sema. Wara dan telaq aktar żgur u kollu ferħan għax ra dik il-viżjoni, u erħielha lura lejn iċ-ċella tiegħu.

Iżda huwa u sejjer hekk żgur minnu nnifsu, San Franġisk semgħu jgħaffeġ il-weraq u z-zkuk taħt riġlejh huwa u miexi, u ikkmandah biex jistennieh u ma jiċċaqlaqx mnejn kien qiegħed. Fra Leone, kollu ubbidjenti, baqa' wieqaf fejn kien u qagħad jistennieh imbeżża'. U wara lil sħabu qalilhom li dak il-ħin kien aktar jieħu gost li l-art tibilgħu, milli joqgħod jistenna lil San Franġisk; għax ħaseb li kien inkurlat għalih. Għax hu kien joqgħod ferm attent biex ma joffendix lil missieru, li ma jmurx, bi ħtija tiegħu, San Franġisk iċaħħdu mill-ħbiberija tiegħu.

Meta San Franġisk qorob lejh, staqsieh: "Int min int?" U fra Leone, kollu mriegħed, wieġeb: "Jien fra Leone, missier". U San Franġisk: "Għaliex ġejt hawn, ħija ħarufa żgħira? Ma għidtlekx li m'għandekx toqgħod tiġi tosservani? Għidli, nikkmandak b'ubbidjenza, jekk rajtx jew smajtx xi ħaġa?" Fra Leone wieġeb: "Missier, smajtek titkellem u ttenni bosta drabi: Min inti Int, o Alla tiegħi l-aktar ħelu? U min jiena jien, dudu l-aktar vili u qaddej tiegħek li ma jiswa għal xejn?"

---

[390] It-*III Kunsiderazzjoni ta' l-Istimmati* hi dik ċentrali, li fiha jiġu irrakkontati bid-dettalji kollha d-dehra tas-Serafin imsallab u l-istampar tal-ġisem ta' S. Franġisk bil-marki tal-Passjoni. Ix-xena tibda' bit-talba ħerqana ta' S. Franġisk, li fra Leone jiddiskreviha għaliex kellu x-xorti li jidħol inkiss inkiss bil-lejl, waqt li Franġisku kien qiegħed f'estasi. It-tieni xena hi dik ta' meta Franġisku jiftaħ għal tliet darbiet il-Ktieb ta' l-Evanġelji biċ-ċertezza li hu jkollu li kellu jieħu sehem fil-misteru tal-Passjoni tal-Mulej. It-tielet xena hi dik ċentrali, ambjentata fl-14 ta' Settembru 1224, Festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib imqaddes. Lil Franġisku jidhirlu Serafin li kellu xbieha ta' raġel imsallab. L-awtur jinnota l-fenomeni li jseħħu mad-dehra, l-aktar dak tal-muntanja La Verna li tidher taqbad bin-nar u tiddi ma' kullimkien. Ir-raba' xena hi d-deskrizzjoni ta' l-istimmati. Il-ħames xena hi dik tar-rivelazzjoni tad-dehra lill-aħwa l-aktar intimi u t-tluq minn La Verna wara li għaddiet il-festa ta' San Mikiel. Bosta dettalji l-awtur jeħodhom direttament mil-*Legenda Maior* ta' S. Bonaventura.

Imbagħad fra Leone inxteħet għarkubbtejh quddiem San Franġisk, stqarr il-ħtija tad-diżubbidjenza tiegħu li wettaq kontra l-kmand li kien tah, u bid-dmugħ iġelben ma' wiċċu, talbu jaħfirlu.

Wara, imbagħad, talbu bl-umiltà kollha biex ifissirlu l-kliem li kien sema', u jgħidlu dak li ma kienx sema'. Għaldaqstant, meta San Franġisk ra li Alla lil fra Leone, għas-sempliċità u s-safa tiegħu, kien irrivelalu jew ippermettielu li jisma' u jara ċerti affarijiet, qabel li jgħidlu u jispjegalu dak li kien qed jitolbu, u qallu hekk:

"Kun af, ħija, ħarufa żgħira ta' Ġesù Kristu, li meta jien kont qed intenni l-kelmiet li smajt int, f'dak il-ħin ġew murija lil ruħi żewġt idwal; wieħed biex nagħraf u nifhem tajjeb lili nnifsi, l-ieħor biex nagħraf u nifhem aħjar lill-Ħallieq. Meta jien kont qed ngħid: "Min inti Int, o Alla tiegħi l-aktar ħelu?", dak il-ħin jien kont fid-dawl tal-kontemplazzjoni, li fih jien rajt l-abiss bla tarf tat-tjubija u ta' l-għerf u tal-qawwa ta' Alla. U meta jien kont qed ngħid: "Min jiena jien?", jien kont fid-dawl tal-kontemplazzjoni, li fih kont qed nara l-profondità li tbikkik tal-viltà u l-miżerja tiegħi, u kien għalhekk li jien għidt: "Min inti Int, Sinjur ta' tjubija bla tarf u ta' għerf u ta' qawwa, li tindenja ruħek li tiġi żżur lili, dudu ta' min ikażbru u jistmerru?" U f'dik il-fjamma li rajt kien hemm Alla, li kellimni taħt dik ix-xbieha, bħalma żmien ilu kien kellem lil Mosè. U fost ħwejjeġ oħra li qalli, talabni nagħtih tliet rigali, u jien weġibtu: "Sinjur tiegħi, jien kollni kemm jien tiegħek. Int taf biżżejjed li jien m'għandix għajr it-tonka u l-kurdun u l-ħwejjeġ ta' taħt, u anke dawn it-tliet affarijiet huma tiegħek. X'nista' għalhekk noffri jew nirregala lill-maestà tiegħek?" U mbagħad il-Mulej qalli: "Fittex f'ħobbok u offrili dak li ssib hemm". Jien fittixt u sibt ballun tad-deheb, u offrejtu lil Alla. U għamilt hekk għal tliet darbiet, kif kien ikkmandani Alla. Imbagħad inżilt għarkubbtejja għal tliet darbiet, u berikt u raddejt ħajr lil Alla, li tani hu stess x'noffrilu.

U minnufih ġie mogħti lili li nifhem li dawk it-tliet għotjiet kienu jfissru l-ubbidjenza, il-faqar l-aktar għoli u s-safa kollu bjuda leqqiena, li Alla, bil-grazzja tiegħu, għamel li jiena ngħixhom b'mod li l-kuxjenza ma ċċanfarnix dwarhom. U kif int rajtni indaħħal idi f'ħobbi u noffri lil Alla dawn it-tliet virtujiet, imfissrin minn dawk it-tliet blalen tad-deheb li Alla stess qegħidli f'ħobbi, hekk l-istess Alla tani l-ħila f'ruħi li, għall-ġid kollu u għall-grazzji kollha li għoġbu jagħtini għat-tjieba l-aktar qaddisa tiegħu, jien dejjem infaħħru u nkabbru b'qalbi u b'fommi. Dawn huma l-kliem li smajtni ngħid jien u nerfa' idejja għal tliet darbiet kif rajtni nagħmel.

U int, ħija ħarufa ċkejkna, ara li ma toqgħodx tiġri warajja u tosservani, iżda mur lejn iċ-ċella tiegħek bil-barka ta' Alla. U ħu ħsiebi sewwa, għax minn hawn u ftit jiem oħra Alla se jagħmel ħwejjeġ hekk kbar u ta' l-għaġeb fuq din il-għolja, li d-dinja kollha tibqa' miblugħa. Għax Hu se jagħmel ħwejjeġ ġodda li ma għamilhom qatt ma' ebda ħlejqa oħra f'din id-dinja".

[1654] Meta qal dan kollu, talab li jġibulu l-ktieb ta' l-Evanġelji, għax Alla kien daħħallu f'qalbu li hu u jiftaħ għal tliet darbiet il-ktieb ta' l-Evanġelji jkun muri lilu dak li Alla kien se jogħġbu jagħmel bih. U meta l-ktieb ġabuhulu, San Franġisk inxteħet jitlob. Meta temm it-talb, ordna lil fra Leone jiftaħ il-ktieb għal tliet darbiet f'isem it-Trinità l-aktar qaddisa. U għoġob lill-providenza divina li, f'dawk it-tliet darbiet dejjem ġiet quddiem għajnejh il-passjoni ta' Kristu. B'hekk hu

fehem li, bħalma fl-għemejjel ta' ħajtu kollha hu kien mexa wara Kristu, hekk ukoll kellu jimxi warajh u jsir jaqbel miegħu fin-niket u d-dulur tal-passjoni, qabel ma jgħaddi minn din id-dinja.

U minn dakinhar 'il quddiem San Franġisk beda jduq u jħoss b'mod aktar qawwi l-ħlewwa tal-kontemplazzjoni divina u taż-żjajjar divini. Fosthom kien hemm waħda li ġrat immedjatament qabel ma rċieva l-Istimmati mqaddsa, u ħejjietu għalihom. Ġrat b'dan il-mod.

Il-jum ta' qabel il-festa tas-Salib imqaddes li tiġi fix-xahar ta' Settembru, waqt li San Franġisk kien qiegħed jitlob maqtugħ għalih waħdu fiċ-ċella tiegħu, deherlu l-Anġlu ta' Alla, u kellmu hekk min-naħa tal-Mulej: "Inqawwilek qalbek u nwissik biex titħejja u bl-umiltà kollha tkun lest li tilqa' bis-sabar dak li Alla jrid jagħtik u jagħmel fik". Wieġbu San Franġisk: "Jiena mħejji biex bis-sabar kollu nġarrab kull ħaġa li l-Mulej tiegħi jrid jagħmilli". U meta qal hekk, l-Anġlu ma deherx aktar.

[1655] Wasal, mela, il-jum ta' wara, jiġifieri jum il-festa tas-Salib imqaddes. San Franġisk, kmieni qabel is-sebħ, inxteħet jitlob fil-bieb taċ-ċella tiegħu, b'wiċċu jħares lejn tlugħ ix-xemx, u talab b'dan il-kliem: "O Mulej tiegħi Ġesù Kristu, nitolbok tagħtini żewġ grazzji qabel ma mmut; l-ewwel, li matul ħajti nħoss f'ruħi u f'ġismi, kemm hu possibbli, dawk it-tbatijiet li int, o ħelu Ġesù, ġarrabt fis-siegħa tal-passjoni l-aktar ħarxa tiegħek. It-tieni, li jiena nħoss f'qalbi, kemm hu possibbli, dik l-imħabba ta' l-għaġeb li int, o Iben ta' Alla, kellek tkebbes f'qalbek biex minn rajk issofri passjoni hekk kbira għalina midinbin".

Dam ħafna jitlob hekk, u fehem li Alla kien sejjer jisma' t-talba tiegħu u li, kemm hu possibbli għal ħlejqa sempliċi, dalwaqt kien se jingħata lilu li jsofri dawk il-ħwejjeġ.

Fi ftit kliem: wara li San Franġisk irċieva dik il-wegħda, beda jikkontempla b'devozzjoni kbira l-passjoni ta' Kristu u l-imħabba tiegħu bla tarf. U tant kibret fih il-ħeġġa tad-devozzjoni, li nbidel kollu kemm hu f'Ġesù, kemm bil-qawwa ta' l-imħabba kif ukoll bil-kompassjoni tiegħu. U waqt li kien qed jitħeġġeġ f'din il-kontemplazzjoni, f'dik l-istess għodwa ra nieżel is-sema serafin b'sitt ġwienaħ ileqqu u kollhom nar. Dan is-serafin tar b'ħeffa u resaq lejn San Franġisk, hekk li hu seta' jara b'mod ċar li kien hemm fih ix-xbieha ta' raġel imsallab, u l-ġwienaħ kienu mqegħdin b'tali mod li tnejn kienu fuq ir-ras, tnejn miftuħa biex itir bihom, u t-tnejn l-oħra jgħattulu ġismu kollu.

Meta ra din id-dehra, San Franġisk beża' ħafna, u fl-istess ħin ħassu mimli bil-hena u tbatija u stagħġib kbir. Kien kollu hieni għad-dehra ħelwa ta' Kristu, li deherlu b'mod hekk familjari u kien iħares lejh bil-ħlewwa. Imma d-dehra tiegħu msallab mas-salib qanqlet fih tbatija bla qjies ta' kompassjoni. Imbagħad stagħġeb ħafna wkoll għal dik id-dehra stupenda u mhux tas-soltu, għax hu kien jaf tajjeb li l-uġiegħ tal-passjoni ma jaqbilx ma' l-immortalità ta' l-ispirtu serafiku. U waqt li kien f'din il-qagħda ta' stagħġib, dak li deherlu irrivelalu li, skond il-pjan tal-providenza divina, dik il-viżjoni ġiet murija lilu f'dik il-forma biex hu jifhem li, mhux bil-martirju tal-ġisem, imma bil-ħeġġa ta' ruħu kellu jkun kollu kemm hu mibdul fix-xebħ ma' Kristu msallab. F'din id-dehra ta' l-għaġeb il-għolja ta' La Verna kollha kemm hi kienet donnha ħuġġieġa waħda mkebbsa b'nar leqqien, li kienet tiddi u ddawwal il-għoljiet l-oħra u l-widien ta' dawk l-inħawi, bħallikieku x-xemx kienet niżlet fuq l-art.

Ir-ragħajja li kienu jgħassu f'dawk l-inħawi, meta raw il-għolja ħuġġieġa waħda u tant dawl ma' kullimkien, beżgħu mhux ftit, kif qalu huma stess lill-aħwa aktar 'il quddiem. Qalulhom li dik il-ħuġġieġa damet fuq il-għolja ta' La Verna għal siegħa u aktar. U d-dija ta' dak id-dawl daħlet ukoll mit-twieqi tal-lukandi ta' dawk l-inħawi, u ġara li s-sidien ta' l-ibgħula li kienu fi triqthom lejn ir-Romagna qamu, għax ħasbu li diġà kienet telgħet ix-xemx. U bdew jarmaw ix-xedd u jgħabbu l-bhejjem tagħhom, u huma u mexjin raw dak id-dawl jonqos bil-mod u titla' x-xemx li ddawwal il-jum.

Waqt dik id-dehra serafika, Kristu li deherlu kellmu dwar ċerti affarijiet moħbija u għolja, li San Franġisk dment li kien għadu ħaj ma ried jirrivelahom lil ħadd, imma qalhom wara mewtu, kif se jingħad aktar 'il quddiem. U l-kelmiet kienu dawn: "Taf int, qallu Kristu, dak li jien għamiltlek. Jiena tajtek l-Istimmati li huma s-sinjali tal-passjoni tiegħi, biex int tkun dak li ġġorr l-istendard tiegħi. U kif jien dakinhar tal-mewt tiegħi inżilt fil-qiegħ ta' l-art, u ħriġt minn hemm l-erwieħ kollha li sibt bis-saħħa ta' dawn il-Pjagi tiegħi, hekk ukoll nagħtik li kull sena, f'jum mewtek, int tmur fil-purgatorju, u bis-saħħa ta' l-Istimmati tiegħek teħles l-erwieħ kollha tat-tliet Ordnijiet tiegħek, jiġifieri l-Minuri, is-Sorijiet u l-*Continentes,* u wkoll l-erwieħ ta' dawk li kienu devoti tiegħek, u ttellagħhom fil-glorja tal-ġenna, biex int tkun taqbel miegħi fil-mewt, bħalma taqbel miegħi issa, fil-ħajja".

Meta din id-dehra ta' l-għaġeb intemmet, wara ħafna ħin u konversazzjoni sigrieta, fil-qalb ta' San Franġisk ħalliet ħeġġa straordinarja u kompliet tikber fih l-imħabba ta' Alla, u fuq ġismu ħalliet xebħ meraviljuż u l-marki tal-passjoni ta' Kristu. Minnufih fl-idejn u r-riġlejn ta' San Franġisk bdew jidhru s-sinjali ta' l-imsiemer, l-istess kif kien rahom hu fil-ġisem ta' Ġesù Kristu msallab, li deherlu taħt għamla ta' serafin. U idejh u riġlejh dehru bħallikieku kienu mtaqqbin min-nofs bl-imsiemer, li kellhom ir-ras fuq il-palma ta' l-idejn u fuq il-wiċċ tar-riġlejn barra mil-laħam, u l-ponta tagħhom kienet toħroġ fuq in-naħa ta' wara ta' l-idejn u l-qiegħ tar-riġlejn; kienu qishom imdawwrin lura u mbuttati b'tali mod li taħt il-liwja u l-irbattitura tagħhom, li kienet imqabbża 'il barra mil-laħam, wieħed seta' faċilment idaħħal subgħajh bħallikieku f'ħolqa; u l-irjus ta' l-imsiemer kienu suwed u tondi. Hekk ukoll fuq il-kustat tal-lemin dehret ix-xbieha ta' ferita magħmula b'lanza, li kienet miftuħa, ħamra u tnixxi d-demm, u li minnha spiss kien joħroġ id-demm minn sider San Franġisk u kien iċappaslu t-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt.

Għalkemm hu ma qal xejn lil sħabu, huma xorta waħda indunaw li ma kienx jikxef la idejh u lanqas riġlejh u li ma setax imiss saqajh ma' l-art. Spiss ukoll kienu jsibu mxarrbin bid-demm it-tonka u l-ilbies ta' taħt, meta kienu jaħsluhomlu, u għalhekk fehmu tajjeb li f'idejh u f'riġlejh, u l-istess ukoll fil-kustat tiegħu, kellu stampati s-sura u x-xebħ tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu msallab.

[1656] Għad li għamel minn kollox biex jgħatti u jaħbi dawk l-Istimmati mqaddsa u glorjużi, li dehru stampati b'mod hekk ċar fuq laħmu, u billi ra, mill-banda l-oħra, li qajla seta' jaħbihom minn sħabu li kienu daqshekk ta' ġewwa miegħu, b'danakollu, billi kien beżgħan li jxandar is-sigriet ta' Alla, sab ruħu fid-dubju x'jaqbad jagħmel: jekk jikxifx li kellu dik il-viżjoni serafika u li kellu stampati f'ġismu dawk l-Istimmati mqaddsa, inkella jibqax sieket.

Fl-aħħar, misjuq mill-kuxjenza tiegħu, sejjaħ lejn lil xi aħwa li kienu aktar intimament qrib tiegħu, u esponielhom id-dubju tiegħu bi kliem ġenerali, filwaqt li talabhom il-parir tagħhom mingħajr ma qalilhom dak li, fil-fatt, kien ġara.

Fost dawk l-aħwa, kien hemm wieħed li kien ta' qdusija kbira, li kien jismu fra Illuminato: dak tabilħaqq kien raġel imdawwal minn Alla, għax fehem mill-ewwel li San Franġisk kien ra xi ħwejjeġ ta' l-għaġeb, u għalhekk wieġbu: "Ħuna Franġisku, kun af li mhux għalik biss, imma għall-oħrajn ukoll, Alla xi drabi jurik il-misteri tiegħu. U għalhekk bir-raġun li jkollok għax tibża', kemm il-darba żżomm moħbi dak li Alla jkun uriek għall-ġid ta' l-oħrajn, u jkun ħaqqek ċanfira".

Imbagħad San Franġisk, imqanqal minn dan il-kliem, b'biża' kbir ħafna, qalilhom il-mod u d-dettalji kollha tal-viżjoni li semmejna, u żied jgħidilhom ukoll li Kristu, li kien deherlu, kien qallu xi kliem li hu qatt ma kellu jgħidu lil ħadd sakemm idum ħaj.

U minkejja li dawk l-Istimmati mqaddsa, billi kienu stampati f'ġismu minn Kristu, kienu jimlewlu qalbu bl-akbar hena, madankollu f'ġismu u fis-sensi tiegħu kienu jġiegħluh isofri uġiegħ li ma kienx jiflaħ jissaportih. Għaldaqstant, imġiegħel mill-ħtieġa, għażel lil fra Leone, billi kien l-aktar wieħed sempliċi u l-aktar safi minnhom kollha, u lilu irrivelalu kollox, u kien iħallih jara dawk l-Istimmati mqaddsa u jmisshom u jinfaxxahomlu, biex jittaffielu l-uġiegħ, u jilqa' d-demm li kien joħroġ mill-Istimmati u jnixxi minnhom. Meta kien ikun marid dawk il-faxex kien iħalli li jbiddilhomlu spiss, anke kuljum, ħlief bejn il-Ħamis filgħaxija sas-Sibt filgħodu, għax ma riedx li l-uġiegħ tal-passjoni ta' Kristu, li kien iġorr f'ġismu, jiġi b'xi mod imtaffi minn xi rimedju tal-bnedmin jew mill-mediċina, fiż-żmien li fih is-salvatur tagħna Ġesù Kristu kien arrestat u msallab għalina, u miet u difnuh.

Xi drabi kien jiġri li, waqt li fra Leone kien ikun qed ibiddillu l-faxxa tal-ġerħa ta' ġenbu, San Franġisk, minħabba l-uġiegħ kiefer li kien iħoss mit-tingiż ta' dik il-faxxa kollha demm, kien iserraħ fuq sider fra Leone, li meta kien iħoss dawk l-idejn qaddisa jmissuh, fra Leone kien iħoss f'qalbu ħlewwa kbira ta' devozzjoni, li għal ftit ma kienx jaqa' fl-art għal mejjet.

[1657] Fl-aħħarnett, dwar din it-tielet kunsiderazzjoni, insemmi li meta San Franġisk temm ir-randan ta' San Mikiel Arkanġlu, wara rivelazzjoni divina, beda jħejji biex imur lura f'Santa Marija ta' l-Anġli. Sejjaħ għalhekk lil fra Masseo u lil fra Angelo, u wara li kellimhom fit-tul u tahom ħafna twissijiet, irrikmandalhom bil-qawwa kollha, kif seta', li jieħdu ħsieb dik il-għolja mqaddsa, filwaqt li qalilhom li kien jaqbel li flimkien ma' fra Leone jmur lura lejn Santa Marija ta' l-Anġli. Meta qalilhom dan il-kliem, sellmilhom u tahom il-barka tiegħu f'isem Ġesù msallab. U biex jilqa' t-talb tagħhom, qiegħed fuqhom l-idejn qaddisa tiegħu, imżejna bl-Istimmati glorjużi u qaddisa, u ħallihom jarawhom u jmissuhom u jbusuhomlu. Hekk ħallihom ħienja u mfarrġa, telaq minn magħhom u niżel mill-għolja mqaddsa.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar ir-raba' kunsiderazzjoni fuq l-Istimmati mqaddsa.*

[1658] Dwar ir-raba' kunsiderazzjoni, ta' min jgħid dan: wara li l-imħabba vera ta' Kristu biddlet b'mod perfett lil San Franġisk f'Alla u fix-xbieha vera ta' Kristu msallab, u wara li temm ir-randan f'ġieħ San Mikiel Arkanġlu fuq il-għolja ta' La Verna, ir-raġel anġeliku San Franġisk, wara s-

solennità ta’ San Mikiel, niżel flimkien ma’ fra Leone u ċertu bidwi ieħor, li rikkbu fuq il-ħmar tiegħu, billi minħabba l-imsiemer li kellu f’riġlejh ma setax imur b’saqajh[391].

Meta niżel mill-muntanja, il-fama tal-qdusija tiegħu kienet diġà xterrdet mal-pajjiż, u r-ragħajja kienu xerrdu l-aħbar dwar kif kienu raw il-għolja ta’ La Verna kollha tħeġġeġ u li dak kien sinjal ta’ xi miraklu kbir li Alla kien għamel ma’ San Franġisk. Meta n-nies ta’ dawk l-inħawi semgħu li kellu jgħaddi minn hemm, ilkoll, nisa u rġiel, żgħar u kbar, ħarġu biex jarawh. Ilkoll kemm huma, imqanqlin minn devozzjoni lejh u x-xewqa li jarawh, għamlu ħilithom biex imissuh u jbusulu idejh. U billi hu ma setax iwarrab fil-ġenb id-devozzjoni tan-nies, għad li l-pali ta’ idejh kien infaxxahom tajjeb, b’danakollu, biex jaħbi aktar l-Istimmati mqaddsa, dawwarhom mill-ġdid b’faxex oħra u għattihom bil-kmiem; in-nies setgħu jbusu biss is-swaba li hu ħalla mikxufa.

Iżda, aktar ma għamel ħiltu biex bil-għaqal kollu jżomm moħbi u mistur il-misteru ta’ l-Istimmati glorjużi biex jaħrab kull okkażjoni li setgħet toffrilu glorja ta’ din id-dinja, Alla għoġbu juri ħafna mirakli għall-glorja tiegħu li saru bis-saħħa ta’ l-Istimmati qaddisa u glorjużi, l-aktar matul il-vjaġġ mill-għolja ta’ La Verna sa Santa Marija ta’ l-Anġli, u mbagħad ukoll kotra kbira f’ħafna partijiet tad-dinja, kemm dment li kien għadu ħaj hu, kif ukoll wara mewtu. Dan sar biex il-qawwa moħbija u ta’ l-għaġeb tagħhom, u l-imħabba tassew kbira u l-ħniena ta’ Kristu lejh, li Hu tahomlu b’mod tassew meraviljuż, tiġi murija quddiem id-dinja b’mirakli ċari u li jarahom kulħadd, u li hawn se nsemmu biss xi ftit minnhom.

[1659] Huwa u joqrob San Franġisk lejn raħal li kien imiss mal-*contea* ta’ Arezzo, ġiet quddiemu waħda mara tibki u tixgħer, iġġorr f’dirgħajha tifel ta’ tmien snin. Dan it-tifel kien ilu erba’ snin marid bl-idropsija, u kellu żaqqu tant minfuħa li, meta kien ikun bilwieqfa, lanqas kien jista’ jara l-pali ta’ riġlejh. U dik il-mara qiegħditulu quddiemu u talbitu biex jitlob ‘l Alla għalih. U San Franġisk l-ewwel talab u mbagħad, wara li temm jitlob, qiegħed l-idejn imqaddsa tiegħu fuq l-istonku tat-tifel, u malajr in-nefħa niżlitlu u kien imfejjaq għal kollox. Tah lura lil ommu, u hi ħaditu lura b’ferħ tassew kbir lejn id-dar, filwaqt li raddet ħajr lil Alla u lill-qaddis tiegħu. U bil-qalb kollha kienet turi ‘l binha mfejjaq lin-nies kollha ta’ dawk l-inħawi li kienu jiġu biex jarawh.

[1660] Dakinhar stess San Franġisk għadda minn Borgo Santo Sepolcro. Qabel ma ġie qrib il-belt, ħarġu l-folol mill-belt u mill-irħula u ġew jiltaqgħu miegħu, u ħafna minnhom marru quddiemu jxejjru l-friegħi taż-żebbuġ li kellhom f’idejhom, u jgħajjtu: “Hawn hu l-qaddis, hawn hu l-qaddis!” U billi kellhom devozzjoni lejh u xewqa kbira li jmissuh, bdew jiffullaw ħafna u jrossu fuqu. Iżda hu baqa’ sejjer b’moħħu merfugħ lejn Alla u mehdi l-ħin kollu fil-kontemplazzjoni, hekk li, minkejja li kien hemm min qed imissu jew iżommu jew jiġbdu, bħallikieku kien bniedem insensibbli, ma ħass xejn u lanqas ta’ kas ta’ dak li kien qed jiġri u jingħad madwaru, u lanqas kien jaf hux għaddej minn dik il-belt jew minn dak id-distrett.

Issa, meta kienu għaddew il-belt u l-folol kienu marru lura lejn djarhom, wasal qrib post fejn kienu jgħixu l-lebbrużi, xi ftit aktar minn mil ‘il barra mill-Borgo, u meta ġie f’tiegħu,

---

391 Ir-*IV Kunsiderazzjoni* tirrakkonta l-vjaġġ minn La Verna lura lejn Santa Marija ta’ l-Anġli. Franġisku issa jidher bħala ikona ta’ Kristu msallab. L-awtur jiddeskrivi vjaġġ trijonfali, li fih Franġisku jgħaddi u jagħmel mirakli bl-istess kuntatt fiżiku tal-ġisem tiegħu stigmatizzat, li wħud minnhom huma rakkontati fit-*Tractatus de miraculis* ta’ Tommaso da Celano. Il-vjaġġ lura lejn il-Porziuncola jgħaddi lil Franġisku minn Borgo San Sepolcro, Città di Castello u Monte Casale. Il-*Kunsiderazzjoni* tkompli bi ġrajjiet li seħħew ftit qabel il-mewt ta’ S. Franġisk.

bħallikieku ġie lura mid-dinja l-oħra, il-kontemplattiv tas-sema staqsa lil sieħbu: “Meta se noqorbu lejn il-Borgo?” Tabilħaqq, ruħu kienet fissa u mitlufa fil-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema, u hu ma kienx induna bil-ħwejjeġ ta’ din l-art jew bil-varjetà ta’ postijiet li kien għadda minnhom, u la biż-żminijiet u lanqas bin-nies li kien iltaqa’ magħhom. U dan ġralu ħafna drabi oħra, kif sħabu kienu ġarrbu bl-esperjenza proprja tagħhom.

[1661] Dik il-lejla, imbagħad, San Franġisk wasal fil-post ta’ Monte Casale, fejn kien hemm l-aħwa. U wieħed minnhom kellu fuqu marda qalila ħafna u kienet tant tkiddu li, dak li kellu kien jidher aktar bħala tiġrib u turment ikkawżat mid-demonju milli marda naturali. Għax xi drabi kien jinxteħet għal tulu fl-art b’rogħda fuqu ssemmix, u minn ħalqu kienet toħroġ ir-ragħwa. Drabi oħra l-muskoli kienu jew jinġibdulu ħafna jew jinħallu, u l-membri ta’ ġismu jintlewewlu. Xi drabi wkoll kien jitgħawweġ jew imiss il-qorriegħa ta’ rasu b’għarqubu, jew jogħla ‘l fuq u minnufih jaqa’ mill-ġdid għal dahru. U waqt li San Franġisk kien fil-mejda u sema’ lill-aħwa jitħaddtu dwar dan ħuhom marid b’marda li ġġiblek ħniena u li ma kienx hemm rimedju għaliha, ħass ħafna għalih. Qabad biċċa ħobż milli kien qed jiekol hu, u għamel fuqha s-sinjal tas-salib imqaddes bl-idejn qaddisa tiegħu immarkati mill-pjagi, u bagħatha lil dak li kien marid. Dan, kif kielha, sab ruħu mfejjaq għal kollox u qatt aktar ma ħass dik il-marda.

[1662] Il-għada filgħodu San Franġisk bagħat tnejn mill-aħwa ta’ dak il-post biex imorru u joqgħodu fuq La Verna. U bagħat lura magħhom il-bidwi li kien ġie jwasslu bil-ħmar tiegħu, li kien silfu, għax riedu li jmur lura magħhom lejn daru. Meta dawn l-aħwa marru flimkien mal-bidwi, u huma u deħlin fid-distrett ta’ Arezzo, rawhom mill-bogħod xi rġiel minn ta’ dawk l-inħawi, u ferħu ħafna għax ħasbu li kien San Franġisk li kien għadda minn hemm jumejn qabel. Għax waħda min-nisa tagħhom, li kien ilha fil-ħlas għal tlitt ijiem, u ma setgħetx teħles, kien għoddha f’ħalq il-mewt. Kellhom it-tama li San Franġisk kien sejjer ifejjaqha u jagħtiha s-saħħa billi jqiegħed fuqha l-idejn qaddisa tiegħu. U meta l-aħwa qorbu, u dawk indunaw li San Franġisk ma kienx magħhom, iddispjaċihom għall-mewt. Iżda għad li l-qaddis ma kienx preżenti bil-ġisem, billi l-fidi tagħhom ma ġiethomx nieqsa, hu kien preżenti l-istess. Ħaġa ta’ l-għaġeb! Il-mara waslet fl-aħħar u kienet diġà qed turi sinjali li l-mewt waslitilha. Dawk l-irġiel staqsew lill-aħwa kellhomx xi ħaġa mimsusa mill-idejn qaddisa ta’ San Franġisk. L-aħwa qagħdu jaħsbu u jfittxu sewwa u dak il-ħin ma sabu xejn li San Franġisk seta’ mess b’idejh, ħlief il-kappestru tal-ħmar li fuqu kien rikeb. Mela dawk ħadu dan il-kappestru bil-qima u d-devozzjoni, u qiegħduh fuq ġisem il-mara. U l-mara bdiet tgħajjat u ssejjaħ b’devozzjoni l-isem ta’ San Franġisk u tirrikmanda lilha nnifisha lilu b’fiduċja kbira. U x’aktar? Kif il-mara kellha fuqha dak il-kappestru, minnufih ħassitha ħielsa minn kull periklu, u welldet bla tbatija, u bir-risq it-tajjeb.

[1663] Wara li San Franġisk qatta’ xi jiem f’dak il-post, telaq u mar lejn Città di Castello. U ara, in-nies tal-belt ġabulu mara li kien ilha ħafna żmien indemonjata, u talbuh bil-ħerqa għall-ħelsien tagħha, għax bl-għajjat ta’ l-uġigħ u bit-twerżiq tagħha, xi drabi wkoll bl-inbiħ tagħha qisha kelb, ma kienet tħalli ‘l ħadd bi kwietu f’dawk in-naħat. Imbagħad San Franġisk, wara li talab u għamel fuqha s-sinjal tas-salib imqaddes, ikkmanda lid-demonju biex jitlaq minnha, u minnufih ħarab u ħallieha f’saħħitha f’ġisimha u b’moħħha kwiet.

L-aħbar ta’ dan il-miraklu ġriet malajr qalb in-nies, u waħda mara, li kellha fidi kbira, ġabitlu tifel żgħir li kien marid gravi b’ġerħa kerha ħafna. B’devozzjoni kbira talbitu biex jekk jogħġbu jroddlu s-salib fuqu b’idejh. Imbagħad, San Franġisk aċċetta li jagħmel dak li talbitu

b'tant devozzjoni, ħa t-tfajjel, neħħielu l-faxxa li biha kienet marbuta l-ġerħa u bierku, billi radd għal tliet darbiet is-sinjal tas-salib imqaddes fuqha. Imbagħad, b'idejh stess, reġa' mill-ġdid infaxxahielu, u tah lura lil ommu; billi kien sar filgħaxija marret tqajjem it-tifel mis-sodda u sabitu bla faxex xejn; ħarset sewwa u rat li kien imfejjaq għal kollox, bħallikieku qatt ma kellu ebda deni ta' xejn. Biss rat li fejn kellu l-ġerħa, kien tela' l-laħam u kiber qisu f'għamla ta' warda ħamranija. Dan sar aktar bħala xhieda tal-miraklu milli bħala sinjal tal-ġerħa. Dik il-warda baqgħet fuqu tul ħajtu kollha, u ta' spiss kienet tħeġġu biex ikollu devozzjoni lejn San Franġisk, li kien fejqu.

Imbagħad, mitlub bil-ħniena miċ-ċittadini devoti, San Franġisk qatta' xahar sħiħ f'dak il-post, u matul dak iż-żmien għamel ħafna mirakli. Wara telaq minn hemm biex imur Santa Marija ta' l-Anġli, flimkien ma' fra Leone u raġel ieħor twajjeb li silfu l-ħmar tiegħu, li fuqu rikeb San Franġisk.

[1664] Issa ġara li, bejn li t-toroq kienu ħżiena u wkoll minħabba l-ksieħ qieragħ, għad li baqgħu miexja l-jum kollu ma rnexxielhomx isibu post għall-kenn fejn setgħu jgħaddu l-lejl. Għalhekk, imġiegħlin mill-fatt li l-lejl kien magħhom u kien il-maltemp, daħlu jistkennu taħt ix-xifer ta' blata mħaffra, sakemm tieqaf il-borra u jgħaddi l-lejl.

Ir-raġel twajjeb li semmejna, sid il-ħmar, meta sab ruħu mdeffes hemm taħt u ma kienx mgħotti sewwa u allura lanqas seta' jorqod f'dik il-kesħa kollha (bl-ebda mod ma setgħu jqabbdu n-nar), beda jilminta fih innifsu u anke jibki, u bilkemm ma bediex igerger ukoll talli San Franġisk ġabu f'dak il-post. Imbagħad, meta sema' dan, San Franġisk ġietu ħniena minnu, u fil-ħeġġa ta' l-ispirtu ħareġ idu u qiegħedha fuqu, u messu. Ħaġa ta' l-għaġeb! Kif messu b'dik l-id imtaqqba u mkebbsa min-nar serafiku, ma baqax iħoss bard, u tant beda jħoss sħana, minn ġewwa u minn barra, li ħaseb li qiegħed f'ħalq forn imqabbad. Għalhekk, ħassu mfarraġ f'ruħu u msaħħan f'ġismu, u raqad raqda sħiħa sa filgħodu. U kif hu stess stqarr, aktar ġieh ħelu l-irqad hemm, qalb il-ġebel u l-borra, milli qatt ġieh meta kien jorqod f'soddtu.

[1665] Il-jum ta' wara komplew il-mixja tagħhom, u waslu Santa Marija ta' l-Anġli. U meta qorbu lejn il-post, fra Leone refa' għajnejh u ħares lejn in-naħa ta' Santa Marija ta' l-Anġli, u ra salib ta' sbuħija liema bħalha li fuqu kien hemm ix-xbieha tal-Kurċifiss, imur quddiem San Franġisk li kien miexi ftit 'l hemm minnu. U ra li dak is-salib kien imur quddiem wiċċ San Franġisk b'tali mod li, meta kien jieqaf, kien jieqaf anke s-salib, u meta kien jerġa' jaqbad jimxi, kien jiċċaqlaq is-salib ukoll. U kien joħroġ minn dak is-salib dawl hekk leqqien li kien idawwal mhux biss wiċċ San Franġisk, imma wkoll dawk l-inħawi li kien ikun għaddej minnhom. U dik id-dija leqqiena damet sakemm San Franġisk daħal fil-post ta' Santa Marija ta' l-Anġli.

X'ħin fl-aħħar San Franġisk wasal ma' fra Leone, l-aħwa laqgħuhom bl-ikbar ferħ u b'imħabba. U minn dakinhar 'il quddiem San Franġisk għex il-biċċa l-kbira taż-żmien, sakemm miet, fil-post ta' Santa Marija ta' l-Anġli. U l-fama tal-qdusija tiegħu u tal-mirakli li kien jagħmel, aktar ma għadda ż-żmien, aktar bdiet tixtered ma' l-Ordni u fid-dinja kollha, għad li hu, raġel ta' umiltà tassew profonda, min-naħa tiegħu kien jagħmel kull ma jista' biex jipprova jaħbi d-doni u l-grazzji li kien jagħtih Alla, u jsejjaħ lilu nnifsu midneb l-aktar kbir.

Fra Leone kien jistagħġeb mhux ftit b'dan kollu, u darba minnhom ħaseb ta' iblah bejnu u bejn ruħu: "Ara, dan fil-pubbliku jistqarr li hu midneb kbir, u daħal fl-Ordni meta kien raġel

magħmul, u Alla jqimu tant lilu, u b'danakollu fil-moħbi qatt ma jakkuża ruħuli għamel xi dnub tal-ġisem: tgħid dan hu raġel verġni?" U bdiet tiġih xewqa kbira li jkun jaf il-verità dwar dan, imma ma kellux il-ħila li jistaqsi lil San Franġisk fuq hekk. Għalhekk beda jitlob b'ħerqa kbira lil Alla biex jaċċertah dwar dak li tant xtaq li jkun jaf, u għax talab ħafna, immerita li t-talb tiegħu jkun mismugħ. U Alla aċċertah li San Franġisk kien tabilħaqq verġni f'ġismu wkoll, billi ippermetta li jkollu din il-viżjoni. Hu ra f'viżjoni lil San Franġisk qiegħed f'post fil-għoli u ferm sabiħ, li fih ħadd ma seta' jitla' jew jilħqu. U kien rivelat lilu, fl-ispirtu tiegħu, li dak il-post għoli u eċċellenti kien ifisser f'San Franġisk l-eċċellenza tal-kastità verġinali tiegħu, u dan kien sewwa u xieraq, għax hu kellu jkollu stampati f'ġismu l-Istimmati mqaddsa ta' Kristu.

[1666] Billi San Franġisk ra li l-forzi ta' ġismu, minħabba l-Istimmati, kienu qed jonqsulu bil-mod il-mod, u għalhekk ma ħassux jiflaħ li jibqa' jieħu ħsieb l-Ordni hu, laqqa' l-Kapitlu ġenerali qabel ma kien imiss. Meta ltaqa' l-Kapitlu, hu bl-umiltà kollha skuża ruħu ma' l-aħwa għax ma setax jieħu ħsieb l-Ordni sewwa fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu ta' Ġeneral. Iżda hu ma ċaħadx għall-uffiċċju ta' Ġeneral, għax fil-fatt dan lanqas seta' jagħmlu billi kien il-Papa stess li kien ħatru. Hu, għalhekk, la seta' jħalli l-uffiċċju tiegħu, u lanqas jaħtar suċċessur mingħajr il-permess mogħti lilu espressament mill-Papa. Ħatar, għalhekk, lil fra Pietro Cattani bħala Vigarju tiegħu, u lilu u lill-Ministri irrikmandalhom biex jieħdu ħsieb l-Ordni b'imħabba kbira[392]. U wara li għamel hekk, San Franġisk ħassu mfarraġ fl-ispirtu tiegħu, refa' għajnejh u idejh lejn is-sema, u qal hekk: "Lilek, Mulej Alla tiegħi, lilek nirrikmanda l-familja tiegħek, li sallum int afdajt lili, u li issa, kif taf tajjeb int, Mulej l-aktar ħelu tiegħi, jien ma nistax nibqa' nieħu ħsiebha sewwa minħabba l-mard tiegħi. Nirrikmandaha wkoll lill-Ministri provinċjali; ħa jkunu obbligati li, f'jum il-ħaqq, jagħtu kont lilek jekk allaħares qatt xi ħadd mill-aħwa jintilef minħabba t-traskuraġni tagħhom jew l-eżempju ħażin tagħhom jew l-ebusija żejda fil-korrezzjoni tagħhom".

Hu u jgħid dan il-kliem, kif għoġob lil Alla, l-aħwa miġbura fil-kapitlu fehmu li hu kien qed jgħid għall-Istimmati meta skuża ruħu minħabba l-mard. U tant kellhom qima u rispett lejh li ħadd minnhom ma seta' jżomm id-dmugħ.

U minn dakinhar 'il quddiem ħalla l-ħsieb u t-tmexxija ta' l-Ordni f'idejn il-vigarju tiegħu u l-Ministri Provinċjali, u kien iħobb jgħid: "Issa, ladarba jien ħallejt il-ħsieb ta' l-Ordni minħabba l-mard, mil-lum 'il quddiem ma jien obbligat għal xejn għajr li nitlob għall-Ordni tagħna lil Alla, u li nagħti l-eżempju t-tajjeb lill-aħwa. U naf ukoll tajjeb li, imqar li l-mard kellu jħallini, l-akbar ġid li jien nista' nagħmel lill-Ordni hu li nitlob il-ħin kollu lil Alla għalih, biex Hu jiddefendih, u jmexxih u jibqa'jżommu wieqaf".

[1667] Mela, kif għidna aktar 'il fuq, San Franġisk kien jagħmel kull ma jista' biex l-Istimmati mqaddsa jżommhom moħbija[393], u minn meta irċevihom dejjem kien iżomm idejh infaxxati u kien jilbes f'riġlejh il-kalzetti. B'danakollu, ma seta' jagħmel xejn biex ħafna aħwa ma jarawhomx

---

[392] Dan l-episodju, li fih S. Franġisk jiċħad għat-tmexxija ta' l-Ordni, u jafdah f'idejn fra Pietro Cattani, hu hawnhekk imqiegħed barra minn żmienu. Fil-fatt dan l-episodju kien seħħ fid-29 ta' Settembru 1220, fil-Kapitlu Ġenerali li fih ġie magħżul Pietro Cattani bħala vigarju tal-Qaddis, sa ma miet fl-10 ta' Marzu 1221, u intagħżel warajh fra Elia.

[393] Il-provi dwar il-verità ta' l-istimmati jikkonċentaw l-aktar fuq l-eżistenza tal-gerħa li Franġisku kellu fil-kustat. Din il-ġerħa, li Franġisku kien iżommha moħbija minn kulħadd, setgħu jarawha biss ftit nies, fosthom fra Elia, il-vigarju tiegħu, fra Rufino, fra Leone, xi kardinali, fosthom dak li kellu jkun il-Papa Alessandru IV, u Donna Jacopa dei Settesoli.

b'ħafna modi u ma jmissuhomx, u l-aktar il-ġerħa tal-kustat, dik li hu kien jara kif jagħmel biex, bil-għaqal kollu, jaħbiha.

Hekk, darba minnhom, wieħed mill-aħwa li kien jieħu ħsiebu u jaqdih, b'tattika qaddisa ra kif għamel u ġagħlu jneħħi minn fuqu t-tonka ħalli jkun jista' jfarfarhielu mit-trab. U billi San Franġisk neżagħha quddiemu, hu seta' jara sewwa u mill-qrib il-ġerħa tal-kustat, u fil-pront tefa' idu fuqha, u messhielu bi tliet swaba, u hekk fehem kemm kienet fonda u kbira; f'dak l-istess żmien raha bl-istess mod il-Vigarju tiegħu. Imma l-aktar wieħed li raha ċara kien fra Rufino, li kien raġel ta' kontemplazzjoni kbira. Għalih San Franġisk darba qal li ma kienx hawn fid-dinja raġel aktar qaddis minnu. U minħabba l-qdusija tiegħu, hu kien iħobbu u kien dejjem jara kif jaqtagħlu xewqtu.

Dan fra Ruffino, għalih u għall-oħrajn, irnexxielu jikseb tagħrif dwar l-Istimmati mqaddsa, u l-aktar dwar dik tal-kustat, bi tliet modi. L-ewwel wieħed kien dan: billi hu kien jieħu ħsieb il-ħwejjeġ ta' taħt, li San Franġisk kien iħobbhom twal, hekk li, billi jiġbidhom ftit 'il fuq, seta' jgħatti l-pjaga tan-naħa tal-lemin, dan fra Rufino kien iħobb joqgħod jara u jeżamina sewwa l-ħwejjeġ, u dejjem kien isibhom imċappsin bid-demm fin-naħa tal-lemin. B'hekk huwa aċċerta ruħu li dak kien demm li kien joħroġ mill-ġerħa li semmejna. Imma meta San Franġisk intebaħ li kien qed jiftaħ il-ħwejjeġ biex jara proprju dik it-tebgħa, ċanfru. It-tieni mod kien meta dan fra Rufino, waqt li kien iserraħ il-kliewi ta' San Franġisk bil-messaġġi f'dahru, biex ikun żgur dwar il-fatti, daħħal subgħajh apposta fil-ġerħa tal-kustat u, billi ħass weġgħa kbira, San Franġisk għajjat bil-qawwa: "Alla jaħfirlek, o fra Rufino; għaliex għamilt hekk?" It-tielet mod kien meta b'insistenza kbira talab lil San Franġisk imqanqal minn devozzjoni kbira, biex għall-imħabba tal-karità, jagħtih it-tonka li kellu fuqu u flokha jieħu tiegħu. Meta għamillu din it-talba, għad li mhux minn qalbu, il-missier kollu mħabba neħħa minn fuqu l-libsa, u flokha ħa tiegħu, u waqt li kien qed ineħħiha u jilbes l-oħra, fra Rufino seta' jara sewwa u mill-qrib dik il-ġerħa.

[1668] Fra Leone wkoll, u ħafna aħwa oħrajn, raw dawn l-Istimmati mqaddsa ta' San Franġisk meta hu kien għadu ħaj. Dawn l-aħwa, għad li minħabba l-qdusija tagħhom kienu rġiel ta' min jemminhom u joqgħod sempliċement fuq il-kelma tagħhom, b'danakollu, biex żgur ineħħu minn qalb kulħadd kull dubju, ħalfu fuq il-Ktieb Imqaddes li huma kienu rawhom sew b'għajnejhom. Rawhom ukoll xi wħud mill-Kardinali, li kienu ħbieb intimi miegħu, u bħala sinjal ta' qima lejn l-Istimmati mqaddsa ta' San Franġisk, sawwru u kitbu innijiet sbieħ u devoti, u wkoll antifoni u kitbiet ta' proża. Il-qdusija tiegħu il-Papa Alessandru, meta kien qed jippriedka lin-nies, u kien hemm miġbura wkoll il-Kardinali kollha (fosthom il-qaddis fra Bonaventura, li kien ukoll Kardinal), qal u wettaq li hu kien ra b'għajnejh l-Istimmati mqaddsa ta' San Franġisk meta hu kien għadu ħaj.

[1669] U s-Sinjura Jacopa dei Settesoli minn Ruma, li kienet l-aktar mara magħrufa u prominenti ta' Ruma, u li kienet wisq devota ta' San Franġisk, rathom qabel ma miet, u wara li miet rathom u bisithom kemm il-darba bl-ikbar qima; għax hi kienet ġiet minn Ruma għal Assisi għall-mewt ta' San Franġisk, imqanqla minn rivelazzjoni divina. Ħa ngħidu kif ġara dan.

Xi ftit jiem qabel il-mewt tiegħu, San Franġisk flimkien ma' xi wħud minn sħabu, kien qiegħed fil-palazz ta' l-Isqof[394] u, minkejja l-mard li kellu, ta' spiss kien ikanta kant ta' tifħir lil Kristu. Jum minnhom wieħed minn sħabu qallu: "Missier, inti taf tajjeb li dawn iċ-ċittadini għandhom fidi kbira fik u jżommuk bħala raġel qaddis. Għalhekk huma jistgħu jaħsbu li, jekk inti tabilħaqq dak li jemmnu li int, f'dan il-mard tiegħek imissek toqgħod taħseb fil-mewt, u aktar tibki, milli tkanta, għax int marid gravament. Għax għandek tkun taf li l-kant tiegħek, u l-kant li qed tħeġġiġna nagħmlu, qed jinstema' kemm fil-palazz kif ukoll barra. Għax dan il-palazz hu mdawwar b'ħafna nies armati, li forsi jistgħu jieħdu eżempju ħażin. Għalhekk jien jidhirli li jkun aħjar li titlaq minn hawn, u mmorru lura lejn Santa Marija ta' l-Anġli, għax hawn, qalb is-sekulari, m'aħniex qegħdin tajjeb".

San Franġisk wieġeb hekk: "Ħija l-aktar għażiż, int taf li sentejn ilu meta konna Foligno, il-Mulej lilek għarrfek dwar it-tmiem ta' ħajti, u hekk ukoll għoġbu jirrivela lili, li minn hawn u ftit jiem oħra, matul din il-marda tiegħi, it-tmiem tiegħi jasal ma jdumx. U f'dik ir-rivelazzjoni lili Alla aċċertani kemm mill-maħfra ta' dnubieti kollha kif ukoll mill-hena tal-ġenna. Sa qabel ma kelli dik ir-rivelazzjoni, jien kont nibki minħabba l-mewt u nxerred id-dmugħ minħabba dnubieti. Iżda mbagħad, wara li kelli dik ir-rivelazzjoni, imtlejt b'tant hena u ferħ li ma nistax nibki aktar. Hu għalhekk li jien inkanta u nibqa' nkanta lil Alla li tanti l-ġid tal-grazzja tiegħu, u aċċertani mill-ġid tal-glorja tal-ġenna. Naqbel miegħek u jogħġobni li nitilqu minn hawn, imma araw kif tagħmlu biex iġġorruni, għax jien minħabba l-mard ma nistax nimxi". Imbagħad l-aħwa ħaduh f'dirgħajhom u ġarrewh, u marret magħhom qatgħa kbira ta' nies mill-belt.

[1670] X'ħin qorbu lejn sptar li kien fit-triq li qabdu, San Franġisk qal lil dawk li kienu qed iġorruh: "Qiegħduni fl-art, u agħmluni nħares lejn il-belt". U x'ħin qiegħduh iħares lejn il-belt ta' Assisi, bierek il-belt b'ħafna barkiet, u qal: "Tkun imbierka int minn Alla, belt qaddisa, għax bik ħafna erwieħ għad isalvaw u ħafna qaddejja ta' Alla għad jgħammru fik u ħafna jiġu magħżula għas-saltna tas-sema"[395]. Meta qal dan il-kliem, riedhom li jibqgħu jġorruh u jeħduh Santa Marija ta' l-Anġli.

[1671] Meta waslu Santa Marija ta' l-Anġli, ħaduh fl-infermerija, u qiegħduh hemm biex jistrieħ. Imbagħad San Franġisk sejjaħ 'il wieħed minn sħabu, u qallu: "Ħija l-aktar għażiż, Alla urieni li jien b'din il-marda se ngħix sat-tali jum u mbagħad nitlaq minn din il-ħajja. Inti taf li s-Sinjura Jacopa dei Settesoli[396], mara li ġġib ħafna rispett lill-Ordni tagħna, li kellha tkun taf bil-mewt tiegħi u ma tkunx preżenti hawn, żgur li jisgħobbiha ħafna. Għarrafha, għalhekk, u għidilha li, jekk trid tarani ħaj, tiġi hawn minnufih". Dak wieġbu: "Sewwa qiegħed tgħid, missier; għax tabilħaqq, billi hija għandha rispett hekk kbir u qima lejk, żgur li ma jixraqx li hi ma tkunx hawn waqt il-mewt tiegħek". "Mur mela", qallu San Franġisk, "u ġib il-klamar u l-pinna u l-karti, u ikteb dak li ngħidlek jien". U meta ġabhom, San Franġisk iddettalu din l-ittra:

---

394 Franġisku ittieħed fil-palazz ta' l-isqof Guido ta' Assisi lejn tmiem is-sajf ta' l-1226. Elia jiġi skandalizzat mill-ferħ li kienu juri Franġisku, minkejja t-tbatijiet tiegħu. Kien għalhekk li Franġisku jinsisti li jeħduh f'Santa Marija ta' l-Anġli: ried imut fl-istess post li fih hu kien beda jaqdi lill-Mulej.

395 Din il-barka li Franġisku jagħti minn quddiem l-isptar tal-lebbrużi ta' San Salvatore delle Pareti, illum Casa Gualdi, tinsab minquxa fuq il-faċċata ta' Porta Nuova ta' Assisi.

396 L-episodju magħruf ta' Jacopa dei Settesoli jinsab f'test parallel fl-*Actus Beati Francisci et Sociorum eius*, 18.

*Lis-Sinjura Jacopa qaddejja ta' Alla, fra Franġisku, il-fqajjar ta' Kristu jibgħat it-tislijiet tiegħu u jixtieqlek il-ħbiberija ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Kun af, ja l-aktar għażiża, li Kristu l-imbierek, għall-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali t-tmiem ta' ħajti, li se jseħħ f'qasir żmien. Issa, jekk trid issibni għadni ħaj, kif taqra din l-ittra, itlaq u ejja Santa Marija ta' l-Anġli, għax jekk ma tiġix sat-tali jum, ma tkunx tista' ssibni ħaj. U ġib miegħek drapp tax-xagħar biex fih tkeffen lil ġismi, u ġib ukoll ix-xemgħa li jkun hemm bżonn għad-difna. Nitolbok li ġġib miegħek minn dak l-ikel li int kont is-soltu tagħtini meta kont mard Ruma.*

Waqt li kienet qed tinkiteb din l-ittra, Alla irrivela lil San Franġisk li s-Sinjura Jacopa kienet ġejja tarah u kienet għoddha waslet qrib il-post, u li kienet ġabet magħha kull ma kien talabha fl-ittra. Meta rċieva dik ir-rivelazzjoni, San Franġisk talab lil dak ħuh li kien qed jikteb l-ittra, li ma jkomplix jikteb iżjed, għax ma kienx hemm għalfejn, u l-ittra jwarrabha.

L-aħwa stagħġbu mhux ftit li ma riedx li l-ittra titkompla u lanqas ried li tintbagħtilha. U waqt li damu ftit hekk mhux ħażin semgħu taħbita qawwija fuq il-bieb, u, ara, kienet is-Sinjura Jacopa, sinjura mill-aktar nobbli ta' Ruma, flimkien ma' żewġ uliedha senaturi u b'kotra ta' rġiel rekbin fuq iż-żwiemel, u daħlu ġewwa.

Is-Sinjura Jacopa daħlet dritt fl-infermerija, u waslet ħdejn San Franġisk. Il-wasla tagħha 'l San Franġisk imlietu bil-ferħ u ħassu mfarraġ ħafna, u hi l-istess, għax laħqitu ħaj u setgħet titkellem miegħu. Imbagħad irrakkontatlu kif, waqt li hija kienet qiegħda titlob, meta kienet għadha Ruma, Alla għarrafha li t-tmiem ta' ħajtu kien fil-qrib, u kif hu kien se jibgħat jitlobha dawk l-affarijiet, u hi qaltlu li kollha kienet ġabithom magħha. Talbithom iġibuhomlha, u lil San Franġisk tatu jiekol. U meta kiel u ħassu mfarraġ ħafna, dik is-sinjura Jacopa nxteħtet għarkobbtejha f'riġlejn San Franġisk, u ħaddnet dawk ir-riġlejn l-aktar qaddisa, immarkati u mżejnin bl-Istimmati ta' Kristu, u b'qima u devozzjoni kbira bdiet tbushom u xxarrabhom bid-dmugħ, tant li l-aħwa li kienu mdawwrin magħha ħasbu li qed jaraw lill-Maddalena f'riġlejn Ġesù Kristu, u b'ebda mod ma setgħu jaqilgħuha minn hemm.

Fl-aħħar, wara ħafna ħin, refgħuha minn hemm u ħaduha fil-ġenb, u staqsewha kif kienet ġiet fil-ħin u kif ġabet magħha kull ma kellu bżonn San Franġisk waqt li kien għadu ħaj, u l-meħtieġ għad-difna. Is-Sinjura Jacopa weġbithom li, waqt li kienet qiegħda titlob Ruma, lejl minnhom, semgħet leħen mis-sema jgħidilha: "Jekk trid issib ħaj lil San Franġisk, bla dewmien xejn itlaq lejn Assisi, u ħu miegħek dawk l-affarijiet li kont soltu tagħtih minnhom meta kien ikun marid, u l-meħtieġ għad-difna tiegħu". "U jien", qalet hi, "hekk għamilt".

Din is-Sinjura Jacopa baqgħet hemm sa ma San Franġisk għadda minn din il-ħajja u kien midfun. Hi, flimkien mal-kumpanija li kellha magħha, għamlet ġieħ kbir lid-difna tiegħu, u ħallset hi l-ispejjeż kollha ta' kull ma kien hemm bżonn li jsir. Wara marret lura Ruma, u ma għaddiex ħafna żmien li dik il-mara ġentili ma mietitx mewta qaddisa. U għall-qima li kellha lejn San Franġisk, iddeċidiet u riedet li jeħduha u jidfnuha Santa Marija ta' l-Anġli, u hekk sar.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar kif messere Ieronimo, li qabel ma kienx jemmen, mess u ra l-Istimmati mqaddsa ta' San Franġisk.*

[1672] Dakinhar li miet San Franġisk, mhux biss is-Sinjura Jacopa, uliedha u l-irġiel li kienu ġew magħha raw u biesu l-Istimmati glorjużi tiegħu, imma wkoll ħafna ċittadini ta' Assisi. Fosthom insemmu kavallier, *messere* Ieronimo, magħruf ħafna u raġel kbir, imma li kien jiddubita ħafna, u ma kienx jemmen fihom, bħal Tumas l-appostlu li ma riedx jemmen f'dawk ta' Kristu. U biex jaċċerta ruħu u jagħti wkoll prova ċara lill-oħrajn, bil-kuraġġ kollu quddiem l-aħwa u s-sekulari li kien hemm miġbura, mess l-imsiemer ta' l-idejn u tar-riġlejn u fetaħ b'mod li seta' jaraha kulħadd il-ġerħa tal-kustat. U minħabba f'hekk hu sar imbagħad xhud qalbieni ta' dik il-verità, u ħalef fuq il-Ktieb li hekk kien tabilħaqq, u hekk ra u mess.

Rawhom ukoll l-Istimmati glorjużi ta' San Franġisk, u biesuhom, Santa Klara u s-sorijiet tagħha, li kienu preżenti għad-difna tiegħu.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar il-jum u s-sena tal-mewt ta' San Franġisk.*

[1673] Il-konfessur glorjuż ta' Kristu, *messere* San Franġisk, għadda minn din il-ħajja fis-sena tal-Mulej tagħna elf, mitejn u sitta u għoxrin, fil-jum tas-Sibt, erbgħa ta' Ottubru, u ġie midfun il-Ħadd. Dik kienet taħbat l-għoxrin sena mill-konverżjoni tiegħu, jiġifieri minn meta beda jagħmel penitenza, u t-tieni sena minn meta rċieva f'ġismu l-Istimmati mqaddsa; kellu ħamsa u erbgħin sena.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar il-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk.*

[1674] San Franġisk, imbagħad, kien ikkanonizzat fis-sena elf, mitejn u tmienja u għoxrin, mill-Papa Girgor IX, li ġie Assisi apposta biex jiddikjarah qaddis.

U dan biżżejjed dwar ir-raba' kunsiderazzjoni.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar il-ħames u l-aħħar kunsiderazzjoni fuq l-Istimmati mqaddsa ta' San Franġisk.*

[1675] Fil-ħames u l-aħħar kunsiderazzjoni nitkellmu dwar ċerti dehriet u rivelazzjonijiet u mirakli li Alla għamel wara l-mewt ta' San Franġisk, u li bihom wera u wettaq il-ġrajja ta' l-Istimmati mqaddsa tiegħu, u jsiru magħrufa l-jum u s-siegħa meta Kristu tahomlu[397].

U wara dan ta' min ikun jaf li fis-sena tal-Mulej elf, mitejn u tnejn u tmenin, fil-jum ... tax-xahar ta' Ottubru, fra Filippo, Ministru tat-Toscana, b'ordni ta' fra Bonagrazia, Ministru Ġeneral, ikkmanda bl-ubbidjenza qaddisa lil fra Matteo da Castiglione Aretino, raġel tassew devot u ta' qdusija kbira, biex jgħidlu kull ma jaf dwar il-jum u s-siegħa li fihom Kristu stampa l-Istimmati mqaddsa fil-ġisem ta' San Franġisk, għax kien sema' li hu kien irċieva xi rivelazzjoni dwar dan. Għalhekk, dan fra Matteo, biex jagħmel dak li talbet minnu l-ubbidjenza, wieġbu hekk:

"Meta kont nagħmel parti mill-familja ta' La Verna s-sena li għaddiet, fix-xahar ta' Mejju, kont qiegħed nitlob fiċ-ċella li jżommu li kienet dik li fiha ġrat id-dehra tas-Serafin. U fit-talb tiegħi għidt lil Alla bl-ikbar qima biex jogħġbu jirrivela lil xi ħadd il-jum u s-siegħa u l-post fejn l-Istimmati mqaddsa kienu stampati fil-ġisem ta' San Franġisk. U waqt li jien kont mehdi f'dan it-talb u f'din is-supplika sa wara l-ewwel sahra, deherli San Franġisk imdawwar b'dawl kbir u qalli hekk: 'Ibni, x'qed titolbu lil Alla?' U jien għidtlu: 'Missier, qed nitlob it-tali ħaġa'. U hu qalli: 'Jien il-Missier tiegħek Franġisku: tafni tajjeb int?' 'Missier', għidtlu jiena, 'iva'. Imbagħad hu wrieni l-Istimmati mqaddsa ta' idejh u ta' riġlejh u dik tal-kustat, u qal: 'Wasal iż-żmien li Alla jrid li, għall-glorja tiegħu, isir magħruf dak li l-aħwa ta' l-imgħoddi ftit taw kas li jkunu jafu. Għalhekk tkun taf li dak li deherli ma kienx anġlu, imma kien Ġesù Kristu taħt xbieha ta' Serafin. Kien hu li stampa f'ġismi dawn il-ħames ġerħat kif hu rċevihom f'ġismu meta kien fuq is-salib. U dan sar hekk: il-jum ta' qabel il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib imqaddes ġie għandi anġlu u qalli biex inhejji ruħi għas-sabar u biex nilqa' dak kollu li l-Mulej ried jibgħatli. U jien weġibtu li ninsab lest għal kull ħaġa li togħġob lil Alla. Il-għada filgħodu, jiġifieri nhar is-Salib imqaddes, li dakinhar kien il-Ġimgħa, kmieni mas-sebħ ħriġt miċ-ċella tiegħi, kollni mimli bil-ħeġġa ta' l-ispirtu, u mort nitlob f'dan il-post fejn qiegħed int bħalissa; jien kont ta' spiss niġi nitlob hawn. U waqt li kont qed nitlob, ara, niżel mis-sema żagħżugħ imsallab fix-xebħ ta' Serafin b'sitt ġwienaħ, u niżel b'ħeffa kbira. Kif rajtu bqajt mistagħġeb bis-sbuħija ta' wiċċu, u nżilt għarkobbtejja bl-umiltà kollha, u bdejt nikkontempla b'devozzjoni kbira l-imħabba bla tarf ta' Ġesù Kristu msallab,

---

397 Il-*V Kunsiderazzjoni* tikkonċentra fuq il-provi ta' l-Istimmati mqaddsa.

u t-tbatija ta' l-għaġeb li hu sofra fil-passjoni tiegħu. U d-dehra tiegħu qanqlet fija tant kompassjoni, li deherli li kont qed inħoss f'ġismi l-istess passjoni tiegħu; u waqt li kien preżenti hawn Hu, din il-għolja bdiet tiddi bħax-xemx. U kompla jinżel u joqrob lejja, u x'ħin kien quddiemi, qalli kliem sigriet li sallum għadni ma għidtu lil ħadd. Imma issa wasal iż-żmien li jkun magħruf. Imbagħad, wara xi ftit tal-ħin, Kristu telaq, u mar lura lejn is-sema, u jien sibt ruħi immarkat b'dawn l-Istimmati. Mur, mela', qal San Franġisk, 'u għid dawn il-ħwejjeġ bil-kunfidenza kollha lill-Ministru tiegħek, għax dan hu għemil ta' Alla, u mhux ta' bniedem'. U meta temm jgħidli dan il-kliem, San Franġisk berikni, u mar lura s-sema mdawwar minn kotra kbira ta' żgħażagħ kollhom dija ta' l-għaġeb".

Dawn il-ħwejjeġ kollha l-imsemmi fra Matteo qal li rahom waqt li kien imqajjem u mhux fl-irqad. U ħalef li hekk ġara quddiem il-Ministru meta kienu Firenze, fil-kamra tiegħu, meta dan talbu b'ubbidjenza biex jgħidlu dak li kien sar jaf.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar li wieħed patri qaddis, hu u jaqra l-leġġenda ta' San Franġisk fuq l-Istimmati mqaddsa u l-kliem sigriet li s-Serafin kien qal lil San Franġisk meta deherlu, talab bil-ħerqa 'l Alla biex San Franġisk jirrivelahomlu.*

[1676] Darba oħra wieħed patri devot u qaddis, huwa u jaqra l-kapitlu fuq l-Istimmati mqaddsa fil-leġġenda ta' San Franġisk, beda jaħseb b'ansjetà kbira ta' l-ispirtu liema seta' kien dak il-kliem hekk sigriet li San Franġisk qal u li, sakemm dam ħaj hu, ma irrivelah lil ħadd, u li kienu qalulu s-Serafin meta deherlu. U bejnu u bejn ruħu dan il-patri qal: "San Franġisk, dment li kien għadu ħaj, dak il-kliem ma ried jgħid bih lil ħadd, imma forsi issa li miet fil-ġisem, ikun lest li jgħidu kemm il-darba jkun mitlub bil-ħerqa u l-qima". U minn dakinhar 'il quddiem dan il-patri devot beda jitlob 'l Alla u lil San Franġisk biex jogħġobhom jirrivelawlu dak il-kliem. Dam tmien snin sħaħ jagħmel din it-talba, u fit-tmien sena ġie mismugħ kif sejrin ngħidu.

Jum minnhom, wara li kienu kielu, mar fil-knisja biex jagħmel ir-ringrazzjament ma' sħabu, u hu baqa' f'xi parti tal-knisja jitlob 'l Alla u 'l San Franġisk b'aktar devozzjoni mis-soltu, u bid-dmugħ nieżel minn għajnejh. Waqt li kien qed jitlob, wieħed ieħor mill-aħwa sejjaħlu u qallu li l-gwardjan riedu jmur miegħu fir-raħal tal-qrib biex jixtru dak li kien meħtieġ għall-post. Għalhekk, bla ma iddubita xejn li l-ubbidjenza kienet aktar ta' mertu mit-talb, kif sema' l-kmand tal-prelat tiegħu, minnufih ħalla t-talb u bl-umiltà kollha mar jakkumpanja lil dak li kien sejjaħlu. U għoġob lil Alla li, b'dak l-att ta' ubbidjenza pronta, immerita li jaqla' dak li ma qalax bi żmien twil ta' talb. Mela, kif ħarġu barra mill-bieb iltaqgħu ma' żewġ aħwa barranin li, mid-dehra tagħhom kienu ġejjin minn pajjiż 'il bogħod. Wieħed minnhom kien jidher żagħżugħ, iżda l-ieħor

imdaħħal fiż-żmien u magħlub, u billi kien il-maltemp, it-tnejn kienu mxarrbin u kollhom tajn. Meta dak il-patri ubbidjenti rahom hekk, ġietu ħniena kbira minnhom, u qal lil sieħbu li kien sejjer miegħu: "O ħija l-aktar għażiż, jekk il-qadja li sejrin nagħmlu tista' tistenna ftit, ejja nieħdu ħsieb dawn iż-żewġ aħwa barranin, għax it-tnejn li huma għandhom bżonn li jiġu milqugħa b'karità kbira. Ħalli, nitolbok, li l-ewwel immur naħslilhom riġlejhom, u jien naħsel ir-riġlejn tal-patri anzjan, għax hu għandu bżonn aktar, u int tista' taħsel dawk taż-żagħżugħ. Wara, imbagħad, immorru nagħmlu l-qadi meħtieġ għall-bżonnijiet tal-kunvent".

Imbagħad il-patri l-ieħor qagħad għal dak li qallu biex flimkien jagħmlu dak l-att ta' karità, reġgħu daħlu ġewwa, u taw merħba kollha mħabba lil dawk iż-żewġ aħwa barranin. Ħaduhom fil-kċina ħdejn in-nar biex ikunu fis-sħana u jixxuttaw. Kien hemm ukoll tmien aħwa tal-post għas-sħana.

Wara ftit tal-ħin għas-sħana, ħaduhom biex jaħslulhom riġlejhom, kif kien ftiehmu li jagħmlu. U waqt li dak il-patri ubbidjenti u devot kien qed jaħsel ir-riġlejn tal-patri l-aktar anzjan, u jneħħilu t-tajn, għax kienu miksijin bit-tajn, ħares u ra riġlejh immarkati bl-Istimmati. U minnufih, b'ferħ kbir fuqu u stagħġib, beda jħaddanhom miegħu, u beda jgħajjat: "Jew int Kristu, jew int San Franġisk". Meta semgħu dan il-leħen u dawn il-kliem, l-aħwa l-oħrajn li kienu ħdejn in-nar għas-sħana, resqu biex jaraw b'biża' u qima kbira dawk l-Istimmati glorjużi. U mbagħad dak il-patri anzjan sema' t-talb ta' dawk l-aħwa ħutu u ħallihom jarawhom u jmissuhom u jbusuhom. U kollhom mistagħġba bil-ferħ li kellhom fuqhom, semgħuh jgħidilhom: "La tiddubitawx u la tibżgħux, ħuti u uliedi l-aktar għeżież, għax jien il-Missier tagħkom fra Franġisk li, kif għoġob lir-rieda ta' Alla, waqqaft tliet Ordnijiet. U billi dan ħuna li qed jaħsilli riġlejja ilu tmien snin sħaħ jitlobni, u llum talabni b'ħerqa akbar mis-soltu, biex nirrivelalu l-kliem sigrieti li kien qalli s-Serafin meta tani l-Istimmati, kliem li matul ħajti qatt ma għidtu lil ħadd: illum, bi kmand ta' Alla u minħabba l-perseveranza tiegħu u l-ubbidjenza pronta tiegħu, li biex jagħmilha ħalla l-ħlewwa tal-kontemplazzjoni, jien mibgħut minn Alla biex quddiemkom ilkoll nirrivelalu dak li qed jitlobni". Imbagħad San Franġisk dar lejn dak il-patri u qallu hekk:

"Għandek tkun taf, ħija l-aktar għażiż, li meta jien kont fuq il-għolja ta' La Verna, kollni mehdi fit-tifkira glorjuża tal-passjoni ta' Kristu, f'dik id-dehra serafika Kristu stess tani f'ġismi l-Istimmati, u qalli: 'Taf int x'għamiltlek jien? Jien tajtek is-sinjali tal-passjoni tiegħi, biex tkun int li terfa' l-istendard tiegħi. U kif jien f'jum mewti inżilt f'qiegħ l-art u, bis-saħħa tal-pjagi tiegħi, ħriġt minn hemm l-erwieħ kollha li sibt u daħħalthom fil-ġenna: hekk minn issa stess nagħti lilek is-setgħa, biex f'mewtek ukoll tkun tixbaħ lili bħalma xbaħtni fil-ħajja, li meta tkun għaddejt minn din il-ħajja, kull sena, fl-anniversarju tal-mewt tiegħek, tmur fil-purgatorju, u teħles l-erwieħ tal-membri tat-tliet Ordnijiet, jiġifieri l-Minuri, is-Sorijiet u l-*Continentes,* u wkoll tad-devoti tiegħek li ssib hemmhekk, u bis-saħħa ta' l-Istimmati li tajtek jien, iddaħħalhom fil-ġenna'. U jien, dment li kien għadi fid-dinja, dan il-kliem qatt ma għidtu lil ħadd".

U wara dan il-kliem San Franġisk u sieħbu ma dehrux aktar. Ħafna aħwa imbagħad semgħu dan mingħand dawk it-tmien aħwa li kienu preżenti u raw il-viżjoni, u semgħu dak il-kliem minn fomm San Franġisk.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar kif San Franġisk, wara mewtu, deher lil fra Giovanni della Verna waqt li kien jitlob.*

[1677] San Franġisk deher fuq l-għolja ta' La Verna lil fra Giovanni della Verna, raġel ta' qdusija kbira, waqt li kien qiegħed jitlob. Qagħad ħdejh u dam jitkellem miegħu għal ħin twil. Fl-aħħar, x'ħin ried jitlaq, qallu: "Itlobni dak li trid". U fra Giovanni qallu: "Missier, nitolbok li tgħidli dak li jien ilni ħafna żmien nixtieq li nkun naf, jiġifieri, x'kont qed tagħmel u fejn kont qiegħed meta deherlek is-Serafin". U San Franġisk wieġbu hekk:

"Jien kont qed nitlob fil-post fejn issa hemm il-kappella tal-konti Simone da Battifolle, u tlabt żewġ grazzji lill-Mulej tiegħi Ġesù Kristu. L-ewwel waħda, li matul ħajti jagħtini li, kemm hu possibbli, inħoss f'ruħi u f'ġismi dak id-dulur li ħadd hu stess fih innifsu waqt il-passjoni l-aktar ħarxa tiegħu. It-tieni grazzja li tlabtu kienet li, l-istess, jien inħoss f'qalbi dik l-imħabba ta' l-għaġeb li kellu tħeġġeġ f'qalbu hekk li seta' jsofri passjoni hekk kiefra għalina midinbin. U mbagħad Alla daħħalli f'qalbi l-konvinzjoni li jien kont se nħoss kemm il-wieħed u kemm l-oħra, kemm kien possibbli għal ħlejqa li tħosshom. U dan fil-fatt ġara meta jien irċevejt l-Istimmati".

Imbagħad fra Giovanni staqsieh jekk il-kliem sigriet li kien qallu s-Serafin kienx eżatt kif kien qalu dak il-patri qaddis li semmejna aktar 'il fuq, u li hu kien qal li semagħhom minn fomm San Franġisk fil-preżenza ta' tmien aħwa oħra. U San Franġisk wieġeb li tabilħaqq kien hekk, kif kien qal dak il-patri.

Issa fra Giovanni għamel il-qalb biex jitolbu xi ħaġa oħra, billi rah hekk ġeneruż u lest li jagħtih aktar tagħrif. Qallu hekk: "O missier, nitolbok bil-ħerqa kollha li tħallini nara u nbus l-Istimmati glorjużi tiegħek, mhux għax jien għandi l-iċken dubju, imma biss għall-faraġ tiegħi. Jien dil-ħaġa ilni nixxennaq għaliha".

U San Franġisk bil-qalb kollha ħallieh jarahom u jbushom, hekk li fra Giovanni rahom sewwa u mill-qrib, u messhom u bieshom. U staqsieh fl-aħħarnett: "Missier, x'faraġ kbir imtliet

bih ir-ruħ tiegħek meta rajt lil Kristu l-imbierek ġej lejk biex jagħtik is-sinjali tal-passjoni l-aktar qaddisa tiegħu! Mhux li kien Alla jdewwaqni mqar ftit minn dik il-ħlewwa!" Imbagħad San Franġisk wieġbu: "Qed tarahom dawn l-imsiemer?" U fra Giovanni: "Missier, iva". "Miss għal darba oħra dan il-musmar li qiegħed f'idi", qal San Franġisk. Imbagħad fra Giovanni, b'qima kbira, imma wkoll bil-biża', mess dak il-musmar. U minnufih kif messu, ħarġet minnu riħa qawwija li tfuħ, u bdiet tielgħa 'l fuq, bħalma jitla' d-duħħan ta' l-inċens. U r-riħa li daħlet minn imnifsejn fra Giovanni mlietlu 'l ruħu u 'l ġismu b'tant ħlewwa, li malajr ħassu jintilef f'Alla f'estasi, u lanqas baqa' jħoss aktar. U dam f'dik l-estasi mill-ħin tat-Terza sa l-Għasar.

Dwar din il-viżjoni u din it-taħdita familjari li kellu ma' San Franġisk, fra Giovanni lil ħadd ma qal xejn għajr lill-konfessur tiegħu, sa ma wasal biex imut. Imma meta ħass il-mewt fil-qrib irrivela kollox lil ħafna aħwa.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar wieħed mill-aħwa li ra viżjoni ta' l-għaġeb dwar sieħbu li kien mejjet.*

[1678] Fil-provinċja ta' Ruma kien hemm wieħed ieħor mill-aħwa devot ħafna u qaddis li kellu din il-viżjoni. Kien miet bil-lejl u ġie midfun filgħodu quddiem id-daħla tas-sala kapitulari wieħed mill-aħwa li kien sieħbu l-għażiż, u f'dak l-istess jum, wara l-ikel, dan il-patri devot li semmejna mar jitlob f'rokna tas-sala kapitulari biex Alla u San Franġisk ikollhom ħniena mir-ruħ ta' sieħbu li kien miet. U waqt li hu kien mehdi fit-talb, jitniehed u jibki, wara nofsinhar, meta l-aħwa l-oħrajn kienu qegħdin jistrieħu, ara, f'daqqa waħda sema' ħoss kbir fil-kjostru, bħal ta' xi ħaġa qed titkaxkar. Qam u ħares fil-pront, imbeżża' kif kien, lejn il-qabar ta' sieħbu. U fid-daħla tas-sala ra lil San Franġisk, u warajh kotra ta' aħwa madwar il-qabar. Ħares aktar 'il hemm, u ra f'nofs il-kjostru n-nar ta' fjamma kbira u f'nofs il-fjamma ra r-ruħ ta' sieħbu li kien miet. Ħares madwar il-kjostru, u ra lil Ġesù Kristu miexi 'l hawn u 'l hemm fil-kjostru flimkien ma' kumpanija sħiħa ta' anġli u qaddisin.

U qagħad jara sewwa kull ma kien qed jiġri u b'għaġeb kbir tiegħu osserva li, meta Kristu kien jgħaddi minn quddiem il-kamra tal-laqgħat, San Franġisk u l-aħwa l-oħrajn kienu jinżlu għarkubbtejhom, u kien jgħid: "Jien nitolbok, Missier u Mulej tiegħi l-aktar għażiż, f'ġieħ dik l-imħabba ta' l-għaġeb li inti wrejt lill-ġens tal-bnedmin fl-Inkarnazzjoni tiegħek, biex ikollok ħniena mir-ruħ ta' dan ħija li qed tinħaraq f'dak in-nar".

U Kristu ma wieġeb xejn, u baqa' għaddej 'il quddiem. U meta reġa' ġie t-tieni darba u għadda minn quddiem is-sala tal-kapitlu, San Franġisk din id-darba wkoll, bħal qabel, niżel

għarkubbtejh flimkien ma' l-aħwa tiegħu, u talbu b'dan il-kliem: "Nitolbok, Missier u Mulej kollok tjubija, f'ġieħ l-imħabba bla tarf li inti wrejt lejn il-bnedmin meta int mitt għalihom fuq is-salib, biex ikollok ħniena mir-ruħ ta' dan ħija". U din id-darba wkoll Kristu baqa' għaddej u ma semax talbu.

U dar it-tielet darba mal-kjostru, u għadda mill-ġdid minn quddiem is-sala. U San Franġisk, imbagħad, bħal qabel inxteħet għarkubbtejh, u wrieh l-Istimmati ta' idejh u ta' riġlejh u dik ta' sidru, u qallu: "Nitolbok, Missier u Mulej tiegħi kollok tjubija, f'ġieħ dak l-uġigħ kbir li ġarrabt u dak il-faraġ kbir li ħassejt fija meta inti stess naqqaxtli f'ġismi dawn l-Istimmati, biex ikollok ħniena mir-ruħ ta' dak ħija li qiegħed fin-nar tal-purgatorju". Ħaġa ta' l-għaġeb! Meta Kristu ġie mitlub għat-tielet darba minn San Franġisk u semmielu l-Istimmati tiegħu, Kristu minnufih waqaf u ħares lejn l-Istimmati, sema' t-talb u qal: "Lilek, fra Franġisk, nagħtik ir-ruħ ta' ħuk".

B'hekk huwa ried iqim u fl-istess ħin iwettaq l-Istimmati glorjużi ta' San Franġisk, u juri bil-miftuħ li l-erwieħ ta' l-aħwa tiegħu li jmorru fil-purgatorju m'għandhomx mezz aktar ħafif biex jiġu meħlusa mill-pwieni tan-nar u mdaħħlin fil-ġenna mill-Istimmati mqaddsa tiegħu, u dan skond ma kien qallu Kristu nnifsu lil San Franġisk meta stampahomlu fuq ġismu. U ara, kif qal dak il-kliem, minnufih in-nar li kien hemm fil-kjostru ma deherx aktar, u l-patri li kien mejjet ġie għand San Franġisk, u miegħu u flimkien ma' Kristu dik il-kotra glorjuża marret fis-sema.

Meta ra dan il-patri sieħbu li kien talab għalih, issa li raħ meħlus mill-pwieni u mdaħħal fil-ġenna, feraħ mhux ftit. U mbagħad lill-aħwa l-oħra irrakkontalhom kollox, ħaġa ħaġa x'kien ra fil-viżjoni, u flimkien magħhom faħħar u radd ħajr lil Alla.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar ċertu kavallier nobbli, devot ħafna ta' San Franġisk, li ġie mgħarraf b'ċertezza dwar il-mewt u l-Istimmati ta' San Franġisk.*

[1679] Il-kavallier nobbli, minn Massa di San Pietro, li kien jismu *messere* Landolfo, raġel tabilħaqq devot ta' San Franġisk u li fl-aħħar irċieva minn idejh l-ilbies tat-tielet Ordni, ġie aċċertat bil-mod kif sejrin insemmu dwar il-mewt u l-Istimmati glorjużi tiegħu.

Ġara li, meta San Franġisk kien wasal biex imut, f'dak l-istess żmien ix-xitan daħal f'mara li kienet tgħix f'dak ir-raħal u kien jitturmentaha b'mod krudili. U kien iġiegħelha titkellem b'mod hekk mirqum li l-irġiel għorrief u letterati kollha li kien hemm kienu jiġu jiddiskutu magħha, imma dejjem hi kienet tirbaħ.

Issa d-demonju telaq minnha, u ħalliha ħielsa għal jumejn, u fit-tielet jum reġa' mill-ġdid daħal fiha, u kien jaħqarha b'mod aktar krudil minn qabel. Meta sema' b'dan *messere* Landolfo mar għand din il-mara u staqsa lid-demonju li kien fiha, għaliex kien telaq għal jumejn minnha, u meta mbagħad ġie lura beda jaħqarha b'qilla aktar ħarxa minn qabel.

U x-xitan wieġbu: "Meta jien ħallejtha, flimkien ma' sħabi kollha li jinsabu f'dawn l-inħawi, ingħaqadna flimkien u morna b'saħħa kbira għall-mewt tat-tallâb Franġisku biex noħduha miegħu u nirbħulu ruħu. Iżda ġara li ruħu kienet imdawwra u mħarsa minn qtajjiet ħafna akbar minna ta' Anġli, u ħaduh mall-ewwel fis-sema. U aħna tlaqna mħawwdin, hekk li rrid inpattiha lil din il-mara għal dak li m'għamiltilhiex f'dawk il-jumejn".

Imbagħad *messere* Landolfo ikkmandah f'isem Alla li jgħidlu l-verità dwar il-qdusija ta' San Franġisk, li hu kien qal li miet, u ta' Santa Klara li kienet għadha ħajja. U d-demonju wieġeb: "Irrid jew ma rridx, ikolli ngħidlek il-verità. Alla l-Missier kien hekk inkurlat għad-dnubiet tad-dinja, li għal ftit ma tax is-sentenza ta' l-aħħar kontra l-irġiel u n-nisa u jeqridhom mid-dinja kemm il-darba ma jikkonvertux. Imma Kristu, Ibnu, huwa u jitlob għall-midinbin, wiegħed li jġedded il-ħajja tiegħu u l-passjoni tiegħu f'ċertu wieħed raġel, jiġifieri fi Franġisku, it-tallâb fqajjar, li bil-ħajja u t-tagħlim tiegħu kellu jreġġa' d-dinja kollha għat-triq tas-sewwa u wkoll tal-penitenza. U issa, biex juri d-dinja li dan Hu għamlu f'San Franġisk, ried li l-Istimmati tal-passjoni tiegħu li kienu stampati f'ġismu waqt li kien għadu ħaj, ikunu jistgħu jarawhom ħafna u jmissuhom f'mewtu. L-istess ukoll, l-Omm ta' Kristu wiegħdet li ġġedded is-safa verġinali tagħha, u l-umiltà tagħha f'waħda mara, jiġifieri Klara, b'tali mod li bl-eżempju tagħha hija kellha taħtaf eluf ta' nisa minn idejna. U hekk b'dawn il-wegħdiet Alla l-Missier berred il-korla tiegħu u qagħad jitnikker biex jagħti s-sentenza definittiva".

Imbagħad *messere* Landolfo, billi ried jaċċerta ruħu dwar jekk ix-xitan – missier il-gideb – f'dawn l-affarijiet kienx qed jgħid il-verità, u l-aktar dwar il-mewt ta' San Franġisk, bagħat wieħed mill-qaddejja tiegħu, li kien ta' min jafdah, biex imur Assisi, f'Santa Marija ta' l-Anġli, biex isir jaf jekk San Franġisk kienx ħaj jew mejjet. Dan il-qaddej, meta wasal hemm, sab li dak kollu li kien qal id-demonju kien veru. Meta mar lura qal kollox lis-sinjur tiegħu dwar il-jum u s-siegħa li fihom, kif kien qal id-demonju, San Franġisk kien għadda minn din il-ħajja.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

*Dwar kif tneħħew id-dubji li l-Papa Girgor IX kellu dwar l-Istimmati ta' San Franġisk.*

[1680] Waqt li nħallu barra l-mirakli ta' l-Istimmati mqaddsa ta' San Franġisk, li dawn jistgħu jinqraw fil-leġġenda tiegħu, bħala konklużjoni ta' din il-ħames kunsiderazzjoni, hu ta' min isemmi li l-Papa Girgor IX, kif stqarr hu stess, kellu xi dubji dwar il-ġerħa tal-kustat ta' San Franġisk[398]. Darba bil-lejl deherlu San Franġisk, u waqt li refa' ftit 'il fuq idu l-leminija, kixef il-ferita tal-kustat u talbu jġiblu vażett tal-ħġieġ, u nġablu wieħed. U San Franġisk ġiegħelu jqiegħdu taħt il-ferita tal-kustat, u l-Papa ra tabilħaqq il-vażett jimtela sax-xifer bid-demm imħallat ma' l-ilma li ħareġ mill-ferita. U minn dak il-ħin 'il quddiem, kull dubju għeb minn moħħu. U mbagħad hu, wara li ħa l-parir tal-Kardinali, approva l-ġerħa mqaddsa ta' San Franġisk. Dwar dan il-Papa ta lill-aħwa privileġġ speċjali billi dendel is-siġill tal-Bulla. U dan għamlu f'Viterbo, fil-ħdax il-sena tal-pontifikat tiegħu: fit-tnax il-sena, imbagħad, tahom ieħor akbar.

Il-Papa Niccolò III[399] u l-Papa Alessandru IV taw għadd ġmielu ta' privileġġi, hekk li min kien jiċħad l-Istimmati ta' San Franġisk kienu jistgħu jittieħdu proċeduri kontrih bħala eretiku.

U dan hu biżżejjed għall-ħames kunsiderazzjoni dwar l-Istimmati glorjużi tal-missier tagħna San Franġisk. Jagħtina Alla l-grazzja li nimxu warajh f'din id-dinja, hekk li bis-saħħa ta' l-Istimmati glorjużi nimmeritaw li nkunu salvati miegħu fil-ġenna.

Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu u tal-fqajjar Franġisku. Amen.

---

[398] Dawn il-mirakli l-awtur jeħodhom mil-*Legenda Maior* ta' S. Bonaventura, li minnha partikolarment jieħu l-episodju tal-viżjoni li kellu l-Papa Girgor IX (cfr. Mirakli I,2), li jneħħi d-dubji tiegħu dwar il-ferita tal-kustat. Girgor IX, fil-fatt, iddikjara l-verità ta' l-istimmati ta' S. Franġisk permezz ta' Bulli pontifiċji (*Bullarium Franciscanum* I, 211-213, Bulli nn. 220-221 tal-31 ta' Marzu 1237).

[399] Hawnhekk irridu naqraw Nicolò IV, għaliex Nicolò III ma ħareġ l-ebda Bulla jew digriet dwar l-istimmati, filwaqt li dan għamlu l-Papa Franġiskan Nicolò IV.

# JACQUES DE VITRY

## ITTRA MIKTUBA MINN GENOVA (1216)

[1681] 1 Lill-ħbieb tiegħu l-aktar għeżież, Jacques[400], qaddej umli tal-knisja ta' Akri, bl-għajnuna tal-ħniena divina, jawguralhom is-salvazzjoni ta' dejjem fil-Mulej.

2.....

[1682] 3 Wara dawn il-ġrajjiet, u wara li ġejt meħlus mill-qawwa tax-xmara li kienet faret, wasalt fil-belt ta' Milan, li tassew hi bejta ta' eretiċi. Waqaft hemmhekk għal ftit ġranet u ippriedkajt il-kelma ta' Alla f'postijiet differenti. Fil-belt kollha bil-ħniena ssib bniedem wieħed li għandu l-kuraġġ li jieqaf lill-eretiċi, ħlief għal xi ftit irġiel u nisa reliġjużi, li s-sekulari jsejħulhom, mhux mingħajr ħażen, *Patarini*. Imma mill-Papa, li tahom il-permess li jippriedkaw u li jeħduha l-kontra l-eretiċi, u li wkoll approva l-kongregazzjoni tagħhom, huma msejħin *Umiliati*[401]. Dawn, wara li ċaħdu l-ġid kollu tagħhom, jinġabru flimkien f'postijiet diversi, jgħixu

---

[400] Jacques de Vitry, jew *Iacobus de Vitry seu de Vitriaco*, twieled Vitry-sur-Seine bejn l-1160-1170. Sar qassis u kappillan ta' Argenteuil u mbagħad kanonku ta' Oignies, fid-djoċesi ta' Namur, fil-Belġju. Hemmhekk kien direttur spiritwali ta' Marie d'Oignies u l-moviment tal-*Beguins*. Fl-1216 ġie magħżul isqof tal-belt ta' Akri (Akko, Tolemaide, jew Saint Jean d'Acre) fuq il-kosta tal-Palestina, li kienet waħda mill-aħħar bliet fortifikati li kienu għadhom f'idejn il-Kruċjati u l-Ordnijiet Kavallereski wara l-waqgħa ta' Ġerusalem fl-1187, hekk li sa l-1291 kienet il-kapitali tar-Renju Latin ta' Ġersualem. Kien fl-1216 li Jacques mar Perugia biex jiġi ikkonsagrat isqof. Imma meta wasal, fis-16 ta' Lulju, sab lill-Papa Innoċenz III mejjet, u ġie ikkonsagrat isqof minn Onorju III. F'Ottubru 1216 telaq lejn l-Art Imqaddsa biex jieħu pussess tas-sede episkopali tiegħu. Kien f'Genova, qabel salpa lejn l-Orjent, li kiteb din l-ewwel ittra tiegħu, li fiha hemm informazzjoni prezzjuża dwar San Franġisk u l-Ordni tiegħu. Jacques ingħaqad mal-ħames Kruċjata, li kienet marret l-Eġittu biex tirbaħ il-belt ta' Damiata. Kien f'Damiata li Jacques mill-ġdid reġa' ġie f'kuntatt ma' San Franġisk (cfr. Ittra miktuba minn Damietta fl-1220). L-Ittra miktuba f'Genova fl-1216 hi l-ewwel document dwar San Franġisk u l-Ordni tiegħu li ġej minn id ta' bniedem li ma kienx membru ta' l-Ordni. Jacques juri interess kbir fil-movimenti ta' riforma li kienu nibtu fil-Knisja fis-seklu 13. Għalkemm ma nafux jekk Jacques kienx iltaqa' ma' Franġisku f'Perugia, nafu li fil-fatt Franġisku kien Perugia meta miet Innoċenz III. Fl-1228 Jacques reġa' lura l-Italja u sar kardinal u isqof ta' Frascati. Miet fl-1240. Għal edizzjonijiet kritiċi ta' l-Ittra miktuba minn Genova, cfr. H. Boehmer, *Analekten zur Geschichte des Franziskus von Assisi*, Tübingen und Leipzig 1904, 94-101; L. Lemmens, *Testimonia minora*, 79-80; G. Golubovich, *Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente francescano*, Vol. I, Quaracchi 1906, 5-6; *Lettres de Jacques de Vitry (1160/1170-1240), évêque de Saint-Jean-d'Acre*. Edition critique par R.B.C. Huygens, Leiden 1960, 71-78.

[401] L-*Umiliati* kienu wieħed mill-movimenti penitenzjali l-aktar magħrufin fil-medjuevu, u kienu preżenti l-aktar fil-Lombardia, u fil-belt ta' Milan. Kienu l-aktar nissieġa tas-suf. Kellhom *propositum*, jew għamla ta' ħajja penitenzjali, approvat mill-Papa Innoċenz III fl-1202, u huma moviment ta' l-akbar importanza biex nifhmu l-ambjent reliġjuż li fih San Franġisk waqqaf l-Ordni tiegħu. Ma ninsewx li anke Franġisku, fl-1209-1210, mar quddiem il-Papa Innoċenz III biex japprovalu l-*propositum vitae*, jew forma ta' ħajja evanġelika. Mid-deskrizzjoni li jagħti Jacques de Vitry nistgħu nikkonkludu li l-*Umiliati* kellhom struttura ta' ħajja komunitarja għall-irġiel u għan-nisa, kif ukoll kienu jilqgħu fi ħdanhom nies lajċi li jibqgħu jgħixu fid-dinja. Interessanti x-xebħ mat-tliet Ordnijiet ta' San Franġisk, wieħed għall-irġiel, l-ieħor għan-nisa li jgħixu fil-klawsura, u l-ieħor għal-lajċi li jgħixu fid-dinja. L-*Umiliati* kienu jibnu ħajjithom fuq il-mudell ta' l-ewwel komunità nisranija ta' Ġersualem fl-Atti ta' l-Appostli. Franġisku, iżda, kien mexa aktar fuq il-mudell tal-ħajja ta' Kristu u l-appostli, (*apostolica vivendi forma*). Jacques de Vitry, li jara lill-Ordni minn barra, ma jagħmilx din id-distinzjoni, meta jitkellem dwar San Franġisk u l-Ordni tiegħu.

bix-xogħol ta’ idejhom, ta’ spiss jippriedkaw il-kelma divina u jisimgħuha bil-qalb, u huma perfett u qawwijin fil-fidi, u ħabrieka fl-għemil it-tajjeb. Din ir-reliġjon tant infirxet fid-djoċesi ta’ Milan, li wieħed jista’ jgħodd mal-mija u ħamsin kongregazzjonijiet konventwali ta’ irġiel u ta’ nisa, mingħajr ma wieħed iqis lil dawk li jibqgħu jgħixu fi djarhom.

[1683] 4 Wara li tlaqt minn hemm, wasalt Perugia. Hemmhekk sibt lill-Papa Innoċenz mejjet, imma ma kienux għadhom difnuh. Matul il-lejl il-ħallelin kienu neżżgħu l-ġisem mejjet tiegħu mill-paramenti prezzjużi, u ħallewlu ġismu fil-knisja kważi għeri għal kollox u diġà fi stat ta’ dekompożizzjoni hekk li beda jrejjaħ. Jiena mbagħad dħalt fil-knisja u għaraft b’fidi sħiħa kemm hi qasira l-glorja qarrieqa ta’ din id-dinja. L-għada tal-funeral, il-kardinali għażlu lil Onorju, raġel anzjan imma ta’ ħajja qaddisa, sempliċi u umli ħafna, li kien qassam lill-foqra kważi l-patrimonju tiegħu kollu. Il-Ħadd fuq l-elezzjoni ġie ikkonsagrat Papa[402].

5 Il-Ħadd ta’ wara, imbagħad, jiena irċevejt il-konsagrazzjoni episkopali...[403].

6.....

7 Billi għal xi żmien kont qiegħed fil-kurja papali, hemmhekk sibt bosta ħwejjeġ li kienu kuntrarji għall-ispirtu tiegħi. Kulħadd hemmhekk kien mehdi fi ħwejjeġ tad-dinja, dwar kwestjonijiet ma’ rejiet u rġejjen, dwar tilwim u proċessi, li bil-ħniena kienu jħallulhom il-ħin biex jitkellem dwar xi argument ta’ natura spiritwali.

[1684] 8 F’dawk l-inħawi, iżda, sibt ukoll ħaġa li kienet ta’ faraġ kbir għalija: xi persuni, irġiel u nisa, għonja u lajċi, li, wara li kienu jinżgħu minn kull proprjetà minħabba Kristu, kienu jħallu d-dinja. Jissejħu *patrijiet minuri* u *sorijiet minuri*[404] u huma miżmumin f’ġieħ kbir mill-Papa u l-kardinali. Dawn ma jiddefsux bl-ebda mod fi ħwejjeġ ta’ din id-dinja, imma, b’xewqa mħeġġa u impenn qawwi, jitħabtu ta’ kuljum biex jaħftu mill-frugħat tad-dinja l-erwieħ li jkunu se jegħerqu spiritwalment u jiġbduhom lejhom biex jingħaqdu magħhom. U, bil-grazzja divina, huma diġà għamlu frott kbir u kisbu bosta għal magħhom, hekk li min jismagħhom jistieden oħrajn biex jiġu u jgħidilhom: ejja u tara b’għajnejk.

9 Dawn jgħixu skond il-forma ta’ ħajja tal-Knisja tal-bidu, li dwarha hemm miktub: *Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ruħ waħda u qalb waħda* (cfr. Atti 4,32). Matul il-jum huma jidħlu fil-bliet u l-irħula, u jaħdmu biex jirbħu nies oħrajn għall-Mulej. Matul il-lejl imorru lura fl-eremitaġġi tagħhom jew f’xi post ieħor imwarrab biex jingħataw għall-kontemplazzjoni[405].

---

[402] Innoċenz III miet f’Perugia fis-16 ta’ Lulju 1216, u ġismu tqiegħed fil-knisja kattidrali ta’ San Lorenzo. Il-kardinal Cencio Savelli ġie elett Papa fit-18 ta’ Lulju 1216, u ħa l-isem ta’ Onorju III.

[403] Jacques de Vitry ġie ikkonsagrat isqof fil-31 ta’ Lulju 1216. F’din is-silta ta’ l-Ittra tiegħu hu jkompli jitkellem dwar il-ħbiberija tiegħu mal-Papa, u dwar il-fakultà li rċieva mingħandu li jippriedka kullimkien. Jitkellem ukoll dwar it-thejjijiet għall-vjaġġ bil-baħar li kellu jieħdu Akri, is-sede episkopali tiegħu.

[404] Jacques de Vitry jitkellem minn *fratres minores* u *sorores minores*. Dan jidher li hu l-ewwel riferiment storiku għall-eżistenza tal-Patrijiet Minuri u l-*Povere Dame* ta’ San Damiano, li ġej minn pinna ta’ kittieb li ma kienx membru ta’ l-Ordni ta’ San Franġisk.

[405] Hawn għandna l-ewwel deskrizzjoni ta’ l-insedjamenti Franġiskani tal-bidu, li kienu jkunu maqtugħin mill-ibliet, imma mhux tant bogħod, biex hekk l-aħwa setgħu jmorru jippriedkaw qalb in-nies matul il-jum.

10 In-nisa, imbagħad, jgħixu flimkien f'xi ospizi mhux bogħod mill-ibliet, u ma jaċċettaw l-ebda proprjetà, imma jgħixu bil-ħidma ta' idejhom. Jitnikktu u jitħawwdu ħafna meta jaraw kif il-kjeriċi u l-lajċi iżommuhom fil-ġieħ aktar milli jkunu jridu huma[406].

11 L-irġiel ta' din ir-reliġjon jiltaqgħu darba fis-sena fil-post miftiehem, biex jifirħu fil-Mulej u jieklu flimkien, u minn dawn il-laqgħat jiksbu ġid kbir. Dawn jitolbu l-pariri ta' nies esperti, biex hekk jifformulaw u joħorġu liġijiet qaddisa, li mbagħad jippreżentawhom lill-Papa għall-approvazzjoni[407]. Wara dan, huma jinfirdu u matul is-sena jmorru fil-Lombardia, fit-Toscana, fil-Puglie u fi Sqallija. Dan l-aħħar, anke fra Nicola, li ġej mill-istess inħawi tas-sinjur Papa, bniedem qaddis u devot, telaq mill-kurja papali u irtira fost dawn l-aħwa; imma billi kien meħtieġ ħafna għall-Papa, dan reġa' sejjaħlu lura għandu. Nemmen bil-qawwa li l-Mulej, qabel it-tmiem ta' din id-dinja, jrid isalva bosta erwieħ permezz ta' dawn l-irġiel sempliċi u fqajrin, biex iġiegħel lill-prelati jistħu, għax dawn saru *klieb imbikkmin, li mhumiex kapaċi jinbħu* (cfr. Is 56,10).

[1685] 12 Fl-aħħarnett tlaqt mill-belt ta' Perugia u mort Genova, belt nobbli, bejn it-Toscana u l-Lombardia, u port fuq il-baħar...

## ITTRA MIKTUBA MINN DAMIATA (1220)[408]

[1686] 1 Rainerio, il-prijur tal-knisja ta' San Mikiel f'Akri, daħal biex jagħmel parti mir-reliġjon tal-Patrijiet Minuri. Din ir-reliġjon qiegħda toktor fil-għadd ta' l-aħwa fid-dinja kollha.

---

[406] Dan hu r-riferiment għall-*Povere Dame* ta' San Damiano (Klarissi), li skond Vitry jgħixu f'*hospitia*, jiġifieri kunventini ċkejknin, kif kien proprju l-kunventin ta' San Damiano, għalkemm ta' spiss jissejjaħ monasteru minħabba li Klara u s-sorijiet kienu jgħixu fil-klawsura.

[407] Jacques de Vitry jirreferi għall-Kapitli Ġenerali tal-Patrijiet Minuri, li kienu jsiru fil-Porziuncola fis-solennità ta' Għid il-Ħamsin.

[408] Il-kuntest storiku ta' din l-Ittra hu dak tal-ħames Kruċjata, li kienet ġiet imnedija mill-Konċilju Lateran IV fl-1215, u li marret l-Eġittu fl-1217 biex tirbaħ il-belt ta' Damiata. Din kienet il-Kruċjata li fiha issieħeb ukoll San Franġisk meta mar fl-Orjent. Franġisku salpa x'aktarx minn Bari jew Brindisi fl-24 ta' Ġunju 1219, flimkien ma' fra Illuminato. Wara waqfa qasira f'Akri hu kompla fi triqtu lejn Damiata. Il-kronisti tal-ħames Kruċjata jgħidulna li kien f'dan il-kuntest li Franġisku mar għand is-Sultan ta' l-Eġittu Malik-al-Kamil. Jacques de Vitry wkoll kien jinsab fil-kamp tal-Kruċjati, u għalhekk kellu okkażjoni biex isir jaf lil San Franġisk personalment. Din l-Ittra tibda bir-rakkont tar-rebħa ta' Damiata mill-eżerċtu tal-Kruċjati, li seħħet fil-5 ta' Novembru 1219, wara li Damiata kienet diġà ġiet meqruda mill-pesta. Imma din ir-rebħa l-Kruċjati rnexxielhom jagħmluha biss wara xhur twal ta' assedju, li fih tilfu ħafna nies u inxtered ħafna demm. Il-Kruċjata kienet immexxija minn Jean de Brienne, Re ta' Ġersualem, u mill-Kardinal Legat Pelagius Galvan, isqof ta' Albano. Il-kuntest storiku li fih twieldet il-ħames Kruċjata, qabel, matul u wara l-Konċilju Lateran IV, hu importanti biex nifhmu l-urġenza li ħass Franġisku biex imur fl-artijiet ta' l-"infidili". Innoċenz III kien bagħat l-ittra *Vineam Domini* f'April 1213, li fiha ħabbar il-Konċilju Lateran IV. Fl-istess xahar ippubblika l-Ittra enċiklika *Quia maior*, biex jagħti bidu għall-ħames Kruċjata, li kienet programmata għas-snin 1217-1221. Innoċenz III kien talab għal waqfien mill-ġlied bejn il-prinċpijiet insara ta' l-Ewropa, biex jiġbru l-forzi u l-mezzi meħtieġa ħalli jerġgħu jieħdu f'idejhom il-Qabar ta' Kristu, li kien intilef għall-insara wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġersualem, li seħħet fit-2 ta' Ottubru 1187, meta Ġersualem waqgħet f'idejn Saladin. Bl-Ittra *Pium et sanctum propositum*, Innoċenz III organizza l-predikazzjoni tal-Kruċjata, li wara l-mewt tiegħu f'Perugia fis-16 ta'Lulju 1216, tkompliet mill-Kardinal Ugolino u minn bnedmin magħrufin bħal Jacques de Vitry. Mill-Ittra ta' Damiata ta' l-1220 nġibu biss dik is-sezzjoni li titkellem dwar Franġisk u l-patrijiet tiegħu. Din l-Ittra Jacques kitibha lil diversi persuni, billi bagħat kopji tagħha u biddel biss l-ismijiet tad-destinatarji. Fosthom insibu lill-Papa Onorju III, l-imgħallem Giovanni da Nivella, u l-abbaddessa tal-monasteru ta' Aywières. L-edizzjoni kritika ta' l-Ittra hi dik ta' *Lettres de Jacques de Vitry (1160/1170-1240), évêque de Saint-Jean-d'Acre*. Edition critique par R.B.C. Huygens, Leiden 1960, 123-133.

Ir-raġuni hi din: għax huma jimxu f'kollox u b'mod li jidher fuq il-għamla ta' ħajja tal-Knisja tal-bidu u fuq il-ħajja ta' l-appostli. Imma aħna jidhrilna li din ir-reliġjon fiha wkoll periklu mill-aktar serju, għaliex l-aħwa jintbagħtu tnejn tnejn fid-dinja kollha, mhux biss jekk ikunu perfetti, imma wkoll dawk fosthom li huma żgħażagħ u mhumiex maturi, u li kien ikun aħjar li wieħed iżommhom taħt kontroll u għal xi żmien ikollhom jgħixu taħt id-dixxiplina konventwali[409].

[1687] 2 L-imgħallem ta' dawn l-aħwa, jiġifieri l-fundatur ta' dan l-Ordni [jismu fra Franġisk: raġel li hu daqshekk maħbub li kulħadd iqimu[410]], ġie fil-kamp ta' l-eżerċtu tagħna, mimli bil-ħeġġa tal-fidi, u ma kellux biża' li jmur f'nofs l-eżerċtu ta' l-għedewwa tagħna u għal bosta ġranet ippriedka lis-Saraċini l-kelma ta' Alla, imma mingħajr ħafna frott. Is-Sultan ta' l-Eġittu, madankollu, talbu, ras imb'ras, biex jitlob lill-Mulej għalih sabiex, bl-ispirazzjoni divina, hu jkun jista' jħaddan dik ir-reliġjon li l-aktar togħġob lil Alla[411].

[1688] 3 Marru wkoll biex jidħlu f'dan l-Ordni reliġjuż, Colin, l-ingliż, kjeriku tagħna, flimkien ma' żewġ kollaboraturi oħrajn tagħna, jiġifieri l-imgħallem Michele u Don Matteo, li jiena kont ħallejtlu f'idejh il-knisja tas-Salib Imqaddes. U bil-ħniena qed jirnexxili nżomm milli jitilqu minn miegħi lill-kantur Jean de Cambrai, lil Enrico u xi oħrajn magħhom...

## DWAR L-ORDNI U L-PREDIKAZZJONI TAL-PATRIJIET MINURI (*Historia Occidentalis*, 1.II, c. 32)[412]

[1689] 1 Minn żmien il-qedem kienu jeżistu tliet Ordnijiet reliġjużi: dawk ta' l-eremiti, ta' l-irħieb u tal-kanoniċi regolari[413]. Imma l-Mulej ried li l-pedament ta' dawk li jgħixu skond Regola

---

409 Għalkemm Lemmens iħalli barra dan id-dettall u Golubovich iġibu f'nota, ta' min jgħid li dawn il-kelmiet huma tassew frott il-kitba ta' Jacques de Vitry, anke jekk jixħtu dell fuq l-isem tajjeb tal-Patrijiet Minuri f'dawn is-snin li fihom jikteb l-awtur, kif ukoll fuq il-kapaċità organizzattiva ta' San Franġisk. L-istess Vitry jerġa' juri l-istess tħassib tiegħu fli *Historia Occidentalis* (cfr. Infra). Nafu li, fit-22 ta' Settembru 1220, il-Papa Onorju III kiteb l-Ittra *Cum secundum consilium*, li fiha obbliga lill-Patrijiet Minuri li jdaħħlu s-sena tal-prova, jiġifieri, in-novizzjat.

410 Din il-frażi hi meqjusa bħala interpolazzjoni, li ittieħdet mill-*Historia Occidentalis* biex tispeċifika dwar min qiegħed jitkellem Jacques de Vitry.

411 Il-ġrajja tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan Malik-al-Kamil nafuha l-aktar minn dokumenti li ġejjin barra mill-Ordni Franġiskan, fosthom Jacques de Vitry, il-*Chronica* ta' Ernoul (kapitlu 37); *Liber de Acquisitione Terrae Sanctae*, ta' Bernardo il Tesoriere; u l-*Histoire de Eracles empereur et la conqueste de la terre d'outremer*. Minn studji li saru dwar il-mawra ta' San Franġisk fl-Orjent, illum il-ġurnata ħafna jaqblu li Franġisku seta' iltaqa' mas-Sultan ta' l-Eġittu waqt perjodu qasir ta' waqfien mill-ġlied bejn l-eżerċtu tal-Kruċjati u dak tas-Saraċini. Dan ġara qabel il-waqgħa ta' Damiata fil-5 ta' Novembru 1219, u eżattament bejn id-29 ta' Awissu u s-26 ta' Settembru 1219.

412 *"De Ordine et predicatione fratrum minorum"*, in, H. Boehmer, *Analekten zur Geschichte des Franziskus von Assisi*, Tübingen und Leipzig 1904, 102-106; G. Golubovich, *Biblioteca bio-bibliografica di Terra Santa*, I, 8-10; L. Lemmens, *Testimonia minora*, 81-84; J.F. Hinnebusch, *The Historia Occidentalis of Jacques de Vitry*, Fribourg 1972, 158-163. Dan il-kapitlu 32 tal-*Historia Occidentalis* inkiteb minn Jacques de Vitry qabel ma l-Kruċjati tilfu l-belt ta' Damiata fit-8 ta' Settembru 1221, u kellhom jerġgħu lura fl-Ewropa wara li falliet il-ħames Kruċjata. Dan jidher mill-Prologu. Jacques de Vitry juri li kien jaf bir-*Regula non bullata* ta' l-1221, għax insibu bosta elementi tal-ħajja ta' l-aħwa li jidhru fiha. Huma mill-aktar importanti d-dettalji li jagħti dwar il-preżenza ta' San Franġisk fost l-eżerċtu Kruċjat u quddiem is-Sultan ta' l-Eġittu, kif ukoll meta jitkellem dwar il-ħajja evanġelika u apostolika tal-Patrijiet Minuri.

413 Jacques de Vitry jagħti dehra panoramika ta' l-istorja tal-ħajja ikkonsagrata fl-ewwel millennju tal-kristjaneżimu, bit-twaqqif tal-ħajja eremitika, fid-deżert ta' Ġuda u fl-Eġittu (San Pakomju, Sant'Anton Abbati); tal-ħajja monastika

jiġi stabilit b'mod sħiħ u qawwi, u għalhekk f'dawn il-jiem żied ir-raba' istituzzjoni reliġjuża, fis-sbuħija ta' Ordni ġdid, u fil-qdusija ta' Regola ġdida.

[1690] 2 Imma, jekk inqisu bir-reqqa l-għamla ta' ħajja tal-Knisja tal-bidu, ikollna nikkonkludu li mhux biss żdiedet Regola ġdida, daqskemm ġiet imġedda dik antika, ġiet imqajjma dik li kienet spiċċat mixħuta ma' l-art, ir-reliġjon li kienet għoddha mietet, f'din il-lejla tad-dinja li waslet fit-tmiem tagħha, u filwaqt li qed jagħfas fuqna ż-żmien ta' bin it-telfien. Hekk thejjew atleti ġodda għall-battalja għaż-żminijiet ta' l-antikrist, mimlijin perikli, filwaqt li hekk jinbnew u jissaħħu s-swar tal-Knisja.

[1691] 3 Din hi r-reliġjon tal-veri foqra tal-Kurċifiss, dan l-Ordni tal-predikaturi li jissejħu Patrijiet Minuri[414]. Għax tassew huma minuri u l-aktar umli fost ir-reliġjużi l-oħrajn kollha ta' żmienna, kemm fl-ilbies li jxiddu, kif ukoll fiċ-ċaħda tagħhom u l-istmerrija tal-ġid tad-dinja.

4 Huma jagħrfu bħala mexxej tagħhom prijur ġenerali[415]. Jobdu għall-ordnijiet u r-regolamenti tiegħu bil-qima kollha kemm is-superjuri l-oħrajn kif ukoll l-aħwa ta' l-istess Ordni, li hu jibgħat fid-diversi provinċji tad-dinja ħalli jippriedkaw u jsalvaw l-erwieħ.

5 Huma jitħabtu b'reqqa kbira biex iġeddu fihom infushom ir-reliġjon, il-faqar u l-umiltà tal-Knisja tal-bidu, billi jixorbu b'għatx u ħerqa ta' l-ispirtu mill-ilmijiet safja li jnixxu mill-għajn ta' l-Evanġelju. Huma jimpenjaw ruħhom bil-qawwa kollha biex iwettqu, mhux biss il-kmandamenti, imma wkoll il-kunsilli ta' l-Evanġelju, u hekk jimitaw, pass wara pass, il-ħajja apostolika. *Huma jiċħdu għall-ġid kollu, għalihom infushom, u jieħdu fuqhom is-salib*, ħalli hekk imneżżgħin minn kollox, *jimxu wara Kristu* (cfr. Mt 16,24; 19,21) għeri. Bħal Ġużeppi jħallu warajhom il-mantell tagħhom (cfr. Ġen 39,12); bħas-Samaritana jħallu warajhom il-buqar tal-fuħħar (cfr. Ġw 4,28), u *jiġru ħielsa u ħfief, quddiem il-wiċċ tal-Mulej, mingħajr qatt ma jħarsu lura* (cfr. Eżek 1,12-17). Jinsew il-ħwejjeġ ta' l-imgħoddi, u dejjem aktar iħarsu 'l quddiem, qatt ma jegħjew fil-mixja tagħhom, u *jtiru qishom is-sħab jew qishom il-ħamiem lejn il-bejtiet tagħhom* (cfr. Is 60,8), filwaqt li jarmaw lilhom infushom b'kull ħerqa u rażan li ma tmur tidħol fihom il-mewt.

6 Is-sinjur Papa ikkonferma r-regola tagħhom u tahom il-permess li jippriedkaw f'kull knisja li jaslu fiha, wara li jkunu talbu, bil-qima kollha, il-permess tal-prelat ta' dak il-post. L-aħwa jintbagħtu tnejn tnejn biex jippriedkaw bħala ħabbara quddiem il-wiċċ tal-Mulej, donnhom iridu jħejju t-tieni miġja tiegħu.

[1692] 7 Dawn il-foqra ta' Kristu *ma jġorrux magħhom la ħorġa, la ħobż għal mat-triq, u lanqas flus fil-bwiet; ma għandhomx deheb jew fidda, u lanqas qrieq f'riġlejhom* (cfr. Lq 10,4).

---

fl-orjent (San Bażilju) u fil-punent (San Benedittu); u tal-kanoniċi regolari (Premonstratensi), biex inkunu semmejna ftit biss eżempji. Hu jara r-raba' familja kbira reliġjuża fit-twaqqif ta' l-Ordnijiet apostoliċi tas-seklu 13, li fosthom l-aktar importanti kienu l-*Predicatores* (Dumnikani) u l-*Minores* (Franġiskani).

[414] Jacques de Vitry donnu jgħaqqad f'waħda l-vokazzjoni tal-Predikaturi u dik tal-Minuri. Anke lill-Patrijiet Minuri jsejħilhom *predicators*, fis-sens li l-vokazzjoni tagħhom hi waħda apostolika.

[415] Jacques de Vitry jidher li hu barrani għall-Ordni u mhux tant midħla tal-bixra karatteristika tiegħu. Juża l-kelma *prior* (prijur, jew pirjol), li San Franġisk espressament qatt ma ried jużaha, biex biddilha fil-kelma *minister et servus* (ministru u qaddej). Dan jidher ċar fir-*Regola non bullata* VI,3: *Et nullos vocetur prior, sed generaliter omnes vocentur fratres minores*. Fl-istess ħin, iżda, Vitry juri li kien midħla tal-karattru ċentralizzat tat-tmexxija ta' l-Ordni, permezz tal-Ministru Ġeneral megħjun mill-Ministri Provinċjali.

Għax tassew, l-ebda wieħed mill-aħwa ta' dan l-Ordni ma jista' jkollu xejn tiegħu. Ma għandhomx monasteri, knejjes, għelieqi jew dwieli jew bhejjem, m'għandhomx djar jew xi għamla oħra ta' proprjetà, *u lanqas ma għandhom fejn imiddu rashom* (cfr. Lq 9,58). Ma jużawx ħwejjeġ tal-ġild jew ta' l-għażel, imma biss tonok tas-suf bil-kapoċċ, u lanqas ma jżidu fuqhom xi kapep jew *pallii* jew *cocolle* jew xi għamla oħra ta' lbies[416].

8 Jekk huma jiġu mistednin għall-ikel għand xi ħadd, *jieklu u jixorbu dak kollu li jqiegħdulhom quddiemhom* (cfr. Lq 10,7); u jekk xi ħadd, imqanqal mill-ħniena, jagħtihom xi ħaġa, ma jaħżnux iż-żejjed għall-għada.

[1693] 9 Darba jew darbtejn fis-sena, fi żminijiet miftiehmin, huma jiltaqgħu flimkien f'post li jkunu qablu dwaru qabel, biex jiċċelebraw il-kapitlu ġenerali, ħlief dawk li fosthom ikunu jgħixu wisq 'il bogħod jew li jkunu mifrudin minħabba l-baħar. Wara l-kapitlu mill-ġdid jintbagħtu mis-superjur tagħhom, tnejn tnejn jew f'numru akbar flimkien, fid-diversi reġjuni, provinċji u bliet.

[1694] 10 Mhux biss bil-predikazzjoni tagħhom, imma wkoll permezz ta' l-eżempju tal-qdusija tagħhom u ta' ħajja reliġjuża perfetta, huma jistiednu lill-bnedmin biex jistmerru d-dinja, u mhux biss ma' l-umli jagħmlu dan, imma wkoll ma' l-għonja u man-nobbli. Huma ħafna fosthom li telqu mill-ibliet, mill-kastelli u mill-proprjetajiet kbar tagħhom, u biddlu l-għana materjali ma' dik spiritwali (dan tassew hu negozju hieni!), xeddew il-libsa tal-Patrijiet Minuri, jiġifieri t-tonka fqira li huma jilbsu, u l-ħabel li bih jitħażżmu. Għax tassew li fi ftit żmien huma kibru fil-għadd, u ma hemmx provinċja fid-dinja nisranija, li fiha ma hemmx imqar ftit minnhom. Lil kull min iħares lejhom, huma joffrulu fihom infushom, ix-xbieha, qisha f'mera mill-aktar ċara, taċ-ċaħda tal-frugħat tad-dinja; l-aktar għaliex ma jagħlqu għal ħadd il-bieb tad-dħul fir-reliġjon tagħhom, ħlief fil-każ ta' dawk li huma marbutin biż-żwieġ jew b'xi professjoni reliġjuża oħra. Dawn ma jistgħux u ma għandhomx idaħħluhom magħhom, mingħajr ma jkunu qabel irċevew il-permess tan-nisa tagħhom jew tas-superjuri tagħhom.

11 L-oħrajn kollha, iżda, jilqgħuhom fi ħdan wiesgħa tar-reliġjon tagħhom, b'fiduċja kbira u mingħajr l-ebda diffikultà jew xkiel, sakemm huma ma jkunux maħkumin minn xi biża' materjali, biex hekk huma jintelqu għal kollox f'idejn il-providenza u t-tjieba divina, għax jafu li Alla jieħu ħsieb li jitmagħhom. Wara li jkunu ħadu ħsieb li jagħtu tonka u kurdun lil dawk li jiġu biex jingħaqdu magħhom, huma jafdawhom fil-ħsieb ta' Alla f'kull ma jkun meħtieġ għalihom.

12 Tassew il-Mulej b'mod li jidher diġà tahom il-mija fil-wieħed f'din id-dinja lil dawn il-qaddejja tiegħu li jimxu f'din it-triq, billi waqqaf fuqhom il-ħarsa tiegħu, hekk li nagħrfu li fihom seħħ tassew dak li tgħid l-Iskrittura: *Il-Mulej iħobb il-pellegrin u jipprovdilu l-ikel u l-ilbies* (cfr. Dt 10,8). Għax tassew iqisu ruħhom ixxurtjati dawk li minnhom dawn il-qaddejja ta' Alla jilqgħu id-don ta' l-ospitalità u tal-karità.

13 Mhux biss l-Insara, imma saħansitra s-Saraċini u l-bnedmin l-oħrajn li għadhom imkebbin fid-dlam tan-nuqqas ta' fidi, meta jarawhom kif iħabbru bla biża' l-Evanġelju, iħossuhom mimlijin

---

[416] L-ilbies li jirreferi għalihom Jacques de Vitry kienu l-ilbies tal-prelati ekkleżjastiċi jew tal-monaċi. Il-*pallium* kien forma ta' mantell, jew kappa, filwaqt li l-*cuculla* kien il-kapoċċ tal-monaċi, li kien jintlibes waqt l-uffiċċju divin biex jostor ir-ras u l-kumplament tal-ġisem.

ammirazzjoni għall-umiltà u l-perfezzjoni tagħhom, u jilqgħuhom bil-qalb u bil-ferħ u jipprovdulhom dak li hu meħtieġ.

[1695] 14 Aħna stajna naraw lil dak li hu l-ewwel fundatur u l-imgħallem ta' dan l-Ordni[417], u li lilu jobdu l-oħrajn kollha bħala s-superjur ġenerali tagħhom. Hu raġel sempliċi u bla skola, imma għażiż għal Alla u għall-bnedmin, u jismu fra Francino[418]. Hu kien hekk mimli b'imħabba qawwija u ħeġġa ta' l-ispirtu li, meta ġie fl-eżerċtu kristjan, li kien akkampat quddiem Damiata, fl-art ta' l-Eġittu, ried imur, bla biża' u armat biss bit-tarka tal-fidi, fil-kamp tas-Sultan ta' l-Eġittu. Lis-Saraċini li kienu qabduh priġunier tul it-triq, hu beda jtennilhom: "Jiena nisrani, ħuduni quddiem is-sinjur tagħkom". Meta ħaduh quddiemu, u s-Sultan qies il-bixra tal-bniedem ta' Alla, il-bhima kiefra ħassu mibdul fi bniedem umli, u għal bosta ġranet kien jisimgħu bir-reqqa, waqt li hu kien jippriedka lil Kristu quddiemu u quddiem il-kbarat tiegħu. Imbagħad, billi beda jibża' li xi ħadd minn dawk ta' madwaru jħalli lilu nnifsu jikkonverti lejn il-Mulej minħabba l-qawwa tal-kliem tiegħu, u hekk jgħaddi fl-eżerċtu ta' l-insara, reġa' bagħtu lura fil-kamp tagħna, bil-ġieħ u bil-ħarsien mill-periklu. Hu u jinfired minnu, talbu hekk: "Itlob għalija, sabiex Alla jogħġbu jurini liema liġi u fidi hi l-aktar li togħġbu"[419].

15 Ta' min iżid jgħid li s-Saraċini kollha joqogħdu jisimgħu lill-Patrijiet Minuri sakemm dawn iħabbru bil-libertà l-fidi ta' Kristu u t-tagħlim ta' l-Evanġelju, imma biss sakemm, fil-predikazzjoni tagħhom, jibdew jitkellmu bil-miftuħ kontra Mawmettu bħala bniedem qarrieq u mill-agħar. Għaldaqstant dawk il-qarrieqa jqumu kontrihom, isawwtuhom u jkeċċuhom 'il barra mill-belt tagħhom, u jaslu wkoll biex joqtluhom kieku Alla ma jħarishomx b'mod mirakoluż[420].

[1696] 16 Dan hu l-Ordni qaddis tal-Patrijiet Minuri, din hi r-reliġjon ta' l-għaġeb ta' dawn l-irġiel apostoliċi[421], li jistħoqqilha li tkun imitata. Dawn aħna nemmnu li Alla qajjimhom f'dawn l-aħħar żminijiet kontra ulied it-telfien, kontra l-antikrist u kontra d-dixxipli tiegħu bla fidi. Dawk, bħala atleti qawwija ta' Kristu, huma *l-ħarriesa ta' Salamun* (cfr. Għan 3,7) u, billi huma inħatru bħala *għassiesa tal-ħitan ta' Ġerusalem* (cfr. Is 62,6)[422], jgħaddu *minn bieb għal ieħor* (cfr. Eż

---

[417] Jacques de Vitry juża l-espressjoni *primum huius ordinis fundatorem et magistrum*. Il-kelma *primum* ma tfissirx neċessarjament li Franġisku kien l-ewwel fundatur ta' l-Ordni u li kien hemm miegħu xi fundatur ieħor, imma tista' sempliċement tkun avverbju li jindika li dik kienet l-ewwel darba li Jacques de Vitry iltaqa' ma' San Franġisk: "Aħna stajna naraw għall-ewwel darba lil dawk li hu l-fundatur u l-imgħallem ta' dan l-Ordni".
[418] Fl-edizzjoni kritika ta' Hinnebusch, p. 161, hemm nota li turi li dan l-isem jista' jkun żball paleografiku: *Francinum* flok *Francicum* jew *Francigenum*.
[419] Cfr. Noti 9 u 12.
[420] Qrib l-istess żmien li fih kien qiegħed jikteb Jacques de Vitry u li fih Franġisku kien jinsab fl-Eġittu, kien seħħ il-każ tal-martirju ta' San Berardu u sħabu, l-ewwel Franġiskani maqtulin mill-Misilmin, fil-belt ta' Marrakesh, fil-Marokk. Huma mietu fis-16 ta' Jannar 1220, wara li ippruvaw jippriedkaw l-Evanġelju fi Spanja u fil-Marokk.
[421] Jekk fl-ewwel żewġ Ittri, Jacques de Vitry ma jinsistix li jikkaratterizza r-*religio* tal-Patrijiet Minuri bħala Ordni reliġjuż bħal dawk li kienu jeżistu qabel, hawnhekk juri li jagħraf il-moviment Franġiskan bħala Ordni veru u ġdid, mhux biss spiritwalment imma wkoll ġuridikament.
[422] Ir-riferiment hawnhekk hu wieħed bibliku, minn Isaija 62,6: *super muros tuos, Jerusalem, constitui custodes*. Bħala riferiment bibliku ma jidhirx fl-edizzjoni tal-*Fonti Francescane*, imma aħna żidnieh hawnhekk għax, barra milli hu ovvju mill-kliem li hu meħud minn dan il-versett ta' Isaija, hu wkoll sinjal tal-preżenza ta' Franġisku u tal-patrijiet tiegħu fl-Orjent, li l-belt ta' Ġerusalem issir simbolu tiegħu. Għalkemm ma nistgħux nidħlu hawn fil-kwestjoni tal-mawra ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa, u ċertament ma hemm l-ebda riferiment għal dan f'Jacques de Vitry, f'dan il-versett ta' Isaija naraw diġà sinjal tar-rabta intima li kellha torbot lill-Patrijiet Minuri ma' l-artijiet ta' l-Orjent, u b'mod partikulari mal-belt qaddisa ta' Ġerusalem. Mhux ta' b'xejn li, sallum, l-emblema tal-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, iġġib proprju dawn il-kelmiet ta' Isaija: "Fuq ħitanek, Ġersualem, jiena qiegħedt l-għassiesa".

32,37), armati bix-xabla, għaliex qatt ma jieqfu mit-tifħir divin u mit-talb qaddis bin-nhar u bil-lejl. *Huma jgħollu 'l fuq leħinhom, qawwi daqs tromba, biex jagħmlu ġudizzju mill-ġnus u jwissu lill-popli* (cfr. Is 58,1); u huma *qatt ma jżommu x-xwabel tagħhom lura mid-demm* (cfr. Ġer 48,10), joqtlu u jieklu; jiġru mal-belt kollha, *lesti li jsofru l-ġuħ bħal klieb jiġġerrew barra* (cfr. S 58,7-15). Dawn huma *l-melħ* veru *ta' l-art* (cfr. Mt 5,13), u jsawwru u jħarsu l-ikel ta' ħlewwa u salvazzjoni, filwaqt li jxejjnu l-intiena tad-dud u tal-vizzji. Bħala *dawl tad-dinja* (cfr. Mt 5,14), huma jdawwlu lil ħafna bil-għarfien tal-verità u jixegħluhom u jqabbduhom bil-ħeġġa ta' l-imħabba.

17 Dan l-Ordni ta' perfezzjoni u l-wesgħa ta' dan il-kjostru (li hu d-dinja kollha)[423], iżda, ma jidhrux li jaqblu għal dawk li huma dgħajfin u imperfetti. Dawk, *billi jinnegozjaw fuq l-ibħra u jbaħħru fuq ibħra bla tarf* (cfr. Għerf 106,23), jistgħu jinbelgħu mill-mewġ qawwi, jekk qabel ma jkunux waqfu *fil-belt, jistennew li jiġu mlibbsin bil-qawwa mill-għoli* (cfr. Lq 24,49).

[423] Din hi l-istess xbieha li nsibu fis-*Sacrum commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate*, c. 30: *Adducentes eam in quodam colle ostenderunt ei totum orbem quem respicere poterant, dicentes: "Hoc est claustrum nostrum, domina".*

# DOKUMENTI PAPALI

## BULLA «CUM DILECTI» TAL-PAPA ONORJU III[424]

[1697] Onorju, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-miqjumin ħutna, arċisqfijiet u isqfijiet, u lil uliedna maħbubin abbati, dekani, arċidjakni u l-prelati l-oħrajn tal-knejjes, saħħa u barka apostolika.

Billi l-maħbubin uliedna fra Franġisk u sħabu, li jagħmlu parti mill-ħajja u r-reliġjon tal-Patrijiet Minuri, wara li abbandunaw il-frugħa tad-dinja, għażlu t-triq tal-ħajja li ġie approvata b'mod xieraq mill-Knisja Rumana[425], u jixterdu fid-diversi nħawi tad-dinja, fuq l-eżempju ta' l-appostli, jiżirgħu ż-żerriegħa tal-kelma divina; permezz ta' din l-ittra apostolika aħna rridu nurukom x'inhi t-talba u t-tħeġġiġa tagħna.

U jiġifieri li, meta dawk li jkunu jġorru fuqhom din l-ittra, u li jagħmlu parti mill-komunità ta' l-aħwa li semmejna, jidhrilhom li għandhom jiġu sa għandkom, intom għandkom tilqgħuhom bħala irġiel kattoliċi u mimlijin fidi, u f'kull każ għandkom turu rwieħkom magħhom bit-tjubija u bil-ħlewwa, minħabba l-qima lejn il-Mulej u lejn il-persuna tagħna.

Mogħtija mil-Lateran, fil-11 ta' Ġunju 1219, it-tielet sena tal-pontifikat tagħna.

---

[424] Bulla *Cum dilecti*, in *Bullarium Franciscanum* I,2; Luke Wadding, *Annales Minorum* I, n.301, p.334. F. Delorme, "La bonne date de la bulle *Cum dilecti* d'Honorius III", *Archivum Franciscanum Historicum* 12 (1919), 591-593. Din il-Bulla tal-Papa Onorju III, li ġġib id-data 11 ta' Ġunju 1219, hi l-ewwel dokument uffiċjali tal-Kurja Rumana rigward l-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Hi nota lill-isqfijiet u l-prelati kollha rigward il-kattoliċità tal-Patrijiet Minuri, u li huma jagħmlu parti minn Ordni approvat mill-Knisja. Mill-*Chronica* ta' Giordano da Giano (4-8) nafu ċ-ċirkustanzi li fihom l-aħwa talbu lill-Kardinal Ugolino biex jirrikorri għand il-Papa ħalli jagħti lill-Ordni dokument ta' rikonoxximent uffiċjali lill-aħwa li jmorru jevanġelizzaw, l-aktar fil-każ tal-pajjiżi 'l fuq mill-Alpi. Fil-Ġermanja, fejn l-aħwa kienu marru fl-1217, in-nies kienu ħasbuhom eretiċi, u kienu ġew ippersegwitati u mkeċċijin. B'dan id-dokument l-aħwa kellhom mezz ta' rikonoxximent uffiċjali mill-Knisja li kien jeħlishom minn kull suspett ta' ereżija.

[425] Onorju III juri li hu jagħraf l-approvazzjoni bil-fomm li Innoċenz III kien ta lil Franġisku u lill-aħwa rigward il-*propositum vitae* li kien ippreżentalu fl-1209, u li ġiet imsaħħa waqt il-Konċilju Lateran IV.

# BULLA «PRO DILECTIS» TAL-PAPA ONORJU III[426]

[1698] Onorju, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-miqjumin ħutna, arċisqfijiet u isqfijiet, u lil uliedna maħbubin abbati, prijuri, u l-prelati l-oħrajn tal-knejjes, li huma maħturin għas-Saltna ta' Franza, saħħa u barka apostolika.

Aħna nfakkrukom li bgħatnielkom l-ittri tagħna favur uliedna l-maħbubin, l-aħwa ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, sabiex intom tqisuhom irrikmandati minna, fid-dawl ta' l-Imħabba divina.

Imma billi, kif sirna nafu, xi wħud fostkom, donnhom kellhom xi għarfien dubjuż rigward dan l-Ordni, għalkemm ma sabu fih l-ebda raġuni ta'suspett, kif smajna minn oħrajn li nistgħu nemmnuhom b'fidi sħiħa, ma jippermettulhomx li jgħixu fid-djoċesi tagħhom, għall-istess fatt li aħna bgħatna magħhom l-ittri tagħna, wieħed ma għandux jaħseb xejn ħażin dwarhom.

Għaldaqstant irridu li intom kollha tkunu tafu li aħna nqisu l-Ordni tagħhom bħala wieħed minn dawk li ġew approvati u nagħrfu lill-aħwa ta' dan l-Ordni bħala kattoliċi u devoti lejn il-Knisja Rumana[427].

Għalhekk deherilna li nwissukom u nħeġġukom billi nagħarfukom permezz ta' din l-ittra tagħna apostolika dak li nikkmandaw: jiġifieri li intom tħalluhom jidħlu fid-djoċesi tagħkom bħala irġiel tassew mimlijin bil-fidi u reliġjużi, u li għandkom tirrikmandawhom b'mod speċjali, minħabba l-qima tagħkom lejn il-Mulej u lejn il-persuna tagħna.

Mogħtija minn Viterbo, fid-29 ta' Mejju 1220, ir-raba' sena tal-pontifikat tagħna.

---

[426] Bulla *Pro dilectis,* in *Bullarium Franciscanum* I,5. Din hi ittra li ġie mibgħuta minn Onorju III lill-isqfijiet ta' Pariġi u ta' Sens, flimkien mal-Bulla *Cum dilecti.* Fiha l-Papa jsemmi l-isem uffiċjali tal-fraternità: Ordni tal-Patrijiet Minuri. L-ittra ġġib id-data 29 ta' Mejju 1220.

[427] It-terminoloġija li tintuża biex tiċċara l-identità tal-Patrijiet Minuri, hi l-istess waħda tal-Bulla *Cum dilecti*: *de approbatis* (Ordni minn dawk approvati); *catholicos et devotos (fideles)* (kattoliċi u ubbidjenti lejn is-Sede Apostolika); *religiosos* (membri ta' Ordni reliġjuż approvat mill-Knisja).

# BULLA «CUM SECUNDUM CONSILIUM» TAL-PAPA ONORJU III[428]

[1699] Onorju, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin Prijuri u kustodji[429] tal-Patrijiet Minuri, saħħa u barka apostolika.

Skond il-parir ta' l-Għaref, wieħed ma għandu jagħmel xejn mingħajr ma *jirrifletti* (cfr. Prov 13,16), li ma jmurx imbagħad jiġri li jkollu jiddispjaċih. Hu għaldaqstant xieraq li kull min għandu l-intenzjoni li jwettaq għamla ta' ħajja aktar perfetta, għandu qabel xejn iħares fejn imidd riġlejh, jiġifieri jqis il-forzi tiegħu bil-kriterju tal-prudenza, li ma jmurx jiġrilu, Alla ħares qatt, li jkun jixtieq ħwejjeġ aktar għoljin minnu, u hekk *jogħtor fil-passi tiegħu* (cfr. S 65,9) u jerġa' lura, u hekk jiġrilu li jinbidel fi *plier tal-melħ* (cfr. Ġen 19,26) bla togħma, għaliex ma kienx stenna ħalli jmellaħ is-sagrifiċċju tiegħu nnifsu, li hu ried joffri lil Alla, bil-melħ ta' l-għerf. Għax kif l-għaref isir bla togħma jekk ma jkollux ħeġġa, hekk min ikun imħeġġeġ jimtela' bit-taħwid jekk ma jkollux togħma.

Għal din ir-raġuni kważi fil-għamliet kollha tal-ħajja reliġjuża, tingħata r-regola għaqlija li kull min għandu l-intenzjoni li jħaddan l-osservanza regolari, għandu qabel xejn jagħmel prova tagħha għal ftit taż-żmien, u hekk jipprova lilu nnifsu fiha, li ma jmurx jiġrilu li mbagħad jiddispjaċih, u ma jkunx jista' jiġi skużat aktar minħabba li jkun għamel kollox bla ħsieb.

Għaldaqstant, bl-awtorità ta' din l-ittra aħna nipprojbixxu li intom iddaħħlu lil xi ħadd għall-professjoni ta' l-Ordni tagħkom, jekk qabel ma jkunx għamel is-sena tal-prova[430]. U ladarba wieħed ikun għamel il-professjoni, l-ebda wieħed mill-aħwa ma jista' jħalli l-Ordni tagħkom u ħadd ma jkollu permess li jilqa' lil xi ħadd li jkun telaq mill-Ordni.

Nipprojbixxu wkoll li xi ħadd minnkom ikun jista' jiġġerra barra mill-ubbidjenza liebes it-tonka tar-reliġjon tagħkom u hekk iniġġes is-safa tal-faqar tagħkom. Jekk xi ħadd jażżarda jagħmel dan, għandkom il-permess li intom tapplikaw kontra dawn l-aħwa ċ-ċensuri ekkleżjastiċi sakemm jerġgħu lura għall-ubbidjenza[431].

---

[428] Bulla *Cum secundum consilium*, in *Bullarium Franciscanum* I,6. Din il-Bulla ta' Onorju III ġġib id-data 22 ta' Settembru 1220, u għandha l-iskop li ddaħħal is-sena tan-novizzjat bħala obbligu fl-Ordni. B'din il-Bulla l-Papa jħares lill-Ordni minn xi perikli li setgħu jitnisslu mill-qagħda tiegħu fl-ewwel snin, u li juruna kemm kienet għadha mhix ċara nies prominenti bħall-isqof Jacques de Vitry. Il-Bulla, billi tobbliga li ssir is-sena tan-novizzjat, tipprovdi għal formazzjoni aktar soda ta' l-aħwa ġodda: tipprojbixxi li l-aħwa jiġġerrew barra mill-ubbidjenza, tqiegħed kontroll fuq l-abbuż li faċilment seta' kien hemm fil-libertà ta' l-ewwel snin, li fiha l-aħwa ma kienux marbutin ma' postijiet stabbli. Franġisku mall-ewwel jieħu nota ta' dan il-provediment tal-Papa u jinkludi xi normi fir-*Regola mhux bullata* ta' l-1221 li fihom jidwi dak li jgħid il-Papa f'din il-Bulla.

[429] Il-Bulla turi ċerta nuqqas ta' familjarità ma' l-ismijiet tas-superjuri fl-Ordni. *Prijuri*, tirreferi għall-ministri provinċjali; *kustodji* huma dawk li huma responsabbli mill-postijiet li fihom jgħixu l-aħwa fi ħdan provinċja.

[430] L-istess normi jiġu ripetuti mill-Papa Girgor IX bil-Bulla *Cum secundum* tat-13 ta' Marzu 1227 (*Bullarium Franciscanum* I,27), u mill-ġdid mill-Papa Innoċenz IV fit-12 ta' April 1246 (*Bullarium Franciscanum* I,41) bl-indirizz espliċitu: "Lill-ġeneral u lill-ministri provinċjali l-oħrajn u l-kustodji tal-Patrijiet Minuri".

[431] Onorju III indirizza l-Bulla *Fratrum minorum* tat-18 ta' Diċembru 1223 (*Bullarium Franciscanum* I,19), lill-isqfijiet u l-prelati kollha, li fiha hu ikkmandahom biex iġibu ruħhom ma' l-aħwa li jkunu ċensurati mis-superjuri

Ħadd, għalhekk, ma għandu l-permess li jikser bl-ebda mod din il-paġna tal-projbizzjoni tagħna u tal-permessi li tajnikom, jew li jażżarda jmur kontriha. Jekk xi ħadd ikollu l-ardir li jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħtija minn Viterbo, fit-22 ta' Settembru 1220, il-ħames sena tal-pontifikat tagħna.

---

tagħhom bħallikieku huma skomunikati, u li ma jilqgħuhomx fid-djoċesi tagħhom qabel ma jerġgħu lura għall-ubbidjenza.

# BULLA «QUIA POPULARES TUMULTUS» TAL-PAPA ONORJU III[432]

[1700] Onorju, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna, l-aħwa ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, saħħa u barka apostolika.

Billi intom ħrabtu mill-ħsejjes tal-folol fil-pjazez għax dan jista' jfixkel il-għamla ta' ħajja li wegħedtu, intom bil-qalb tfittxu postijiet maqtugħin biex tkunu tistgħu tingħataw b'libertà akbar għas-skiet qaddis u għat-talb. Aħna nafdaw ħafna fuq l-interċessjoni meħtieġa ħafna tat-talb tagħkom, għaliex intom tistgħu tidħlu għalina quddiem Alla aktar ma tkunu tgħixu fil-perfezzjoni, u hekk ikun jistħoqqilkom grazzja akbar mingħandu.

Għaldaqstant, billi aħna qisna li ma nistgħux niċħdulkom xi ħaġa li għaliha aħna ma nżommux id-dritt ta' ħadd, u filwaqt li r-reliġjon vera titlob li aħna jeħtieġ nagħtukom ukoll dak li hu favur speċjali, ġaladarba intom m'intomx qegħdin titolbu kumdità materjali imma spiritwali, għad-devozzjoni tagħkom, u ladarba intom ipprofessajtu u wkoll ħaddantu l-faqar; aħna irridu nilqgħu bil-qalb it-talbiet tagħkom, u bl-awtorità ta' din il-kitba nagħtukom il-privileġġ li fil-postijiet fejn tgħixu u fl-oratorji tagħkom, tkunu tistgħu tiċċelebraw is-sagrifiċċju tal-quddiesa u l-uffiċċji divini l-oħrajn, fuq altar mobbli[433], filwaqt li jibqgħu dejjem imħarsin id-drittijiet parrokkjali li huma riservati għall-knejjes parrokkjali.

Ħadd, mela, ma għandu permess li jmur kontra din il-paġna ta' l-għotja tagħna u ta' l-indult li nagħtu, jew jażżarda jeħodha kontrih b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ikollu l-ardir li jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħtija f'Rieti, fit-3 ta' Diċembru 1224, id-disa' sena tal-pontifikat tagħna.

---

[432] Bulla *Quia populares tumultus*, in *Bullarium Franciscanum* I,20 (3 ta' Diċembru 1224). F'żewġ Bulli suċċessivi ta' Girgor IX terġa' tingħata din il-konċessjoni lill-Patrijiet Minuri, filwaqt li jingħad ukoll liema huma d-drittijiet parrokkjali li huma jridu jirrispettaw. Cfr. Bulla *Quia populares tumultus* ta' Girgor IX (4 ta' Mejju 1227), in *Bullarium Franciscanum* I,27, u Bulla *Nos attendentes* ta' Girgor IX (26 ta' Mejju 1228), in *Bullarium Franciscanum* I,41-42. San Franġisk kien jippreferi li l-aħwa jmorru jippriedkaw fil-knejjes tal-kleru sekulari, u li għalihom infushom ikollhom biss "oratorji", jiġifieri kappelli li fihom ikunu jistgħu jitolbu fl-eremitaġġi li fihom kienu jgħixu. Permezz ta' din il-Bulla jingħata l-privileġġ li l-aħwa setgħu jiċċelebraw l-Ewkaristija u jgħidu l-Uffiċċju divin f'dawn l-oratorji tagħhom. Fil-fatt, il-Papa Onorju kien diġà ta l-permess lill-aħwa li jiċċelebraw l-Uffiċċju divin fil-"knejjes tagħhom jekk jinzerta li jkollhom", għalkemm dan setgħu jagħmluh bil-bibien magħluqa, ma jdaħħlux persuni skomunikati u taħt forma mhux solenni, jekk jiġri li jkollhom bżonn waqt żmien ta' interdett ġenerali fir-reġjun li fih ikunu jinsabu (cfr. Bulla *Devotionis vestrae* tad-29 ta' Marzu 1222, imġedda minn Girgor IX fl-10 ta' Marzu 1233). Dan il-privileġġ kien diġà ingħata lil diversi Ordnijiet oħrajn. Privileġġ ieħor kien dak li l-aħwa setgħu jidfnu fil-"postijiet" fejn jgħixu (cfr. Bulla *Ita vobis* ta' Girgor IX, tas-26 ta' Lulju 1227).

[433] Fit-22 ta' Awissu 1225 Onorju III kellu jibgħat il-Bulla *In his quae ad cultum* lill-isqof ta' Pariġi, sabiex dan ma jippermettix li isqfijiet u abbati jnaqqsu dan il-privileġġ apostoliku skond kif jidhrilhom huma; l-istess għamel ma' l-isqof ta' Reims u mill-ġdid ma' l-isqof ta' Pariġi fit-18 ta' Settembru 1225.

# BULLA «VINEAE DOMINI CUSTODES» TAL-PAPA ONORJU III[434]

[1701] Onorju isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-Patrijiet Predikaturi u Minuri li jintbagħtu mis-Sede Apostolika għas-saltna tal-Miramolino, saħħa u barka apostolika.

Billi intom tqiegħdtu bħala ħarriesa tad-dielja tal-Mulej, aħna, għalkemm mingħajr mertu tagħna, għandna d-dmir li nibgħatu fiha l-ħaddiema, filwaqt li nikkonfermaw fil-każ ta' kull wieħed minnhom il-ministeru skond il-kapaċità ta' kull wieħed, sabiex hekk huma jkunu jistgħu jaqdu aħjar il-ħidma tagħhom.

Filwaqt, għalhekk, li żammejna f'moħħna li intom ċħadtu għalikom infuskom u tixxennqu li toffru ruħkom ħalli tirbħu għall-Mulej l-erwieħ ta' l-oħrajn, u billi kulħadd jaf li l-ebda sagrifiċċju ma jogħġob aktar lil Alla minn dak li jsir għall-ġid ta' l-erwieħ, is-Sede Apostolika tibgħatkom fis-saltna tal-Miramolino, sabiex tħabbru l-Evanġelju tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li bih hu jagħtikom li tikkonvertu lill-infidili, li terġgħu tqajjmju lil dawk li waqgħu u li ċaħdu l-fidi, u li twieżnu lid-dgħajfin, tfarrġu lill-imbeżżgħin u tagħtu kuraġġ lill-qawwijin.

Sabiex imbagħad tkunu tistgħu taqdu l-ministeru tagħkom b'sigurtà akbar, aħna nagħtukom li tkunu tistgħu, imma biss f'dawk ir-reġjuni, li tippriedkaw, tgħammdu lis-Saraċini li jgħaddu għar-reliġjon tagħna, tirrikonċiljaw lill-apostati, tagħtu penitenzi u tassolvu lil dawk kollha li, billi huma skomunikati, ma jistgħux jersqu bil-kumdità lejn is-Sede Apostolika. Għandkom ukoll il-permess li tgħaddu sentenzi ta' skomunika kontra dawk li, f'dawk il-postijiet, jgħaddu għall-ereżija. Nipprojbixxu wkoll lil kull nisrani li jkeċċikom bil-qawwa minn dawk l-artijiet.

Lilkom imbagħad nikkmandawkom, bil-qawwa ta' l-ubbidjenza mqaddsa, li ma tmorrux tabbużaw kontra dawn il-fakultajiet, imma li, bħala ħaddiema sinċiera ta' Ġesù Kristu, iġġibu ruħkom b'mod daqshekk bla ħtija, li tkunu tistħoqqu il-ħlas tal-Missier ħanin tal-familja tiegħu, u aħna nkunu nistgħu bil-fiduċja nagħtukom dmirijiet akbar.

Mogħtija f'Rieti, fis-7 ta' Ottubru 1225, id-disa' sena tal-pontifikat tagħna.

---

[434] Bulla *Vineae Domini custodes*, in *Bullarium Franciscanum* I,24 (7 ta' Ottubru 1225). B'din il-Bulla l-Papa Onorju III jibgħat lill-Patrijiet Predikaturi u lill-Patrijiet Minuri fost is-Saraċini, u hekk jiżviluppa l-inizjattiva missjunarja ta' Franġisku fil-Marokk u fis-Sirja. Wara l-Bulla intbagħtet ittra lill-arċisqof ta' Toulouse, li mix-xeħta kellu l-inkarigu li jwettaq din l-ispedizzjoni ta' Patrijiet Dumnikani u Franġiskani magħżulin għal dan il-għan. Fiha jiġi awtorizzat ukoll li jibgħat gruppi oħrajn ta' aħwa, billi huma kienu jiġu milqugħin bit-tjieba, u li jikkonsagra lil xi wħud minnhom bħala isqfijiet ta' dawk l-inħawi (cfr. Bulla *Urgente officii* ta' l-20 ta' Frar 1226, in *Bullarium Franciscanum* I,24-25). Bulla oħra mibgħuta lill-istess aħwa, tiddispensahom minn xi preċetti tar-Regola minħabba l-ġid ta' l-erwieħ: tawtorizzahom li jilbsu l-ilbies tal-postijiet fejn ikunu, li jneħħu t-tonsura u li jħallu l-leħja tikber (Bulla *Ex parte vestra* tas-17 ta' Marzu 1226). Dawn l-ispedizzjonijiet missjunarji kienu possibbli minħabba perjodu ta' paċi u tolleranza mill-musulmani wara l-martirju tal-protomartri Franġiskani San Bernardu u Sħabu fl-1220 (cfr. Luke Wadding, *Annales Minorum* I, ann. 1220, XLVIII,393). Drabi oħrajn is-Sede Apostolika kienet titlob lill-Patrijiet Minuri biex iżommu kuntatti ta' paċi mal-prinċpijiet musulmani, bl-iskop li jikkonvertuhom. Is-Sede Apostolika kienet ukoll tinqeda bil-Patrijiet Minuri għal missjonijiet mill-aktar delikati; bħal meta bagħtet żewġ aħwa biex jieħdu ittra iebsa u ta' theddid lill-imperatur Federiku II ta' Svevia, li kien ħataf id-drittijiet tal-kleru fi Sqallija u fil-Puglie (Bulla *Ascendit ad nos* ta' Girgor IX, tas-7 ta' Mejju 1228).

# BULLA «RECOLENTES QUALITER» TAL-PAPA GIRGOR IX[435]

[1702] Girgor isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-insara kollha li jaqraw din l-ittra, saħħa u barka apostolika.

Filwaqt li niftakru kif il-mixtla ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri bdiet u kibret b'mod ta' l-għaġeb, taħt l-imqaddes Franġisku, ta' tifkira hienja, u bil-grazzja ta' Ġesù Kristu bdiet ixxerred ma' kullimkien il-ward u l-fwieħa ta' ħajja qaddisa, hekk li d-dinjità tar-Reliġjon qaddisa tidher li ġejja minn dan l-Ordni li semmejna; aħna deherlina li tkun ħaġa xierqa u mill-aktar taqbel li, minħabba l-qima lejn l-istess Missier, tinbena knisja speċjali li fiha jitqiegħed il-ġisem tiegħu[436].

Għaldaqstant, billi għal ħidma kbira bħal din hu meħtieġ il-konkors ta' l-insara, aħna jidhrilna li tkun ħaġa xierqa għas-salvazzjoni tagħkom li f'dan kollu turu ruħkom bħala ulied devoti u tagħtuna daqqa ta' id. Għalhekk nitolbu lilkom ilkoll, inwissukom u nħeġġukom fil-Mulej, u nikkmandawkom għall-maħfra ta' dnubietkom, li għal din l-opra intom toffru bil-qalb mill-ġid li Alla jipprovdilkom u dan imqanqlin mill-gratitudni tal-karità tagħkom, u hekk intom, minħabba din l-opra tajba u opri oħrajn li twettqu, taħt l-ispirazzjoni divina, tistgħu tilħqu l-ferħ ta' l-hena ta' dejjem.

Aħna wkoll, filwaqt li nafdaw fil-ħniena ta' Alla li jista' kollox u fuq l-awtorità tal-qaddisin appostli Pietru u Pawlu, llil dawk kollha li jieħdu sehem bl-għajnuna tagħhom għal din l-opra, nagħtuhom bil-ħniena il-maħfra ta' erbgħin jum fuq il-penitenza li ġiet mogħtija lilhom[437]. Mogħtija f'Rieti, fid-29 ta' April 1228, it-tieni sena tal-pontifikat tagħna.

---

435 Bulla *Recolentes qualiter*, in *Bullarium Franciscanum* I,40-41 u 794 (29 ta' April 1228). Il-Papa Girgor IX kellu jaħrab minn Ruma, minħabba rewwixta li qamet kontrih nhar it-Tnejn ta' l-Ottava ta' l-Għid tas-sena 1228. Hu sab kenn fi Rieti. Hemmhekk il-Papa ta bidu għall-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. Waqt li kien jinsab fi Rieti ħaseb li jibni bażilika ad unur tal-qaddis li kien se jiddikjara. Fil-fatt hu diġà kien beda jġemma' l-flus għal dan l-iskop u permezz ta' din il-Bulla jiddikjara li jrid jibni *specialis ecclesia* (knisja speċjali) lil San Franġisk, u jistieden l-għajnuna u l-kollaborazzjoni tal-kristjanità kollha għal dan il-proġett tiegħu. Fil-Bulla li għandha l-istess *incipit* (daħla), u li l-Papa bagħat minn Rieti l-għada, 30 ta' April 1228, lill-ministru ġeneral tal-Patrijiet Minuri, fra Giovanni Parenti, il-Papa jgħid li jrid iqiegħed dik il-knisja taħt il-protezzjoni speċjali tas-Sede Apostolika u jispeċifika: "Għaldaqstant il-fond li, għal skopijiet ta' devozzjoni, ġie mogħti lilna biex nibnu l-knisja u l-binjiet l-oħrajn fejn se jitqiegħdu l-fdalijiet tal-ġisem ta' dan il-Missier li semmejna, aħna nirċevuhom bħala dritt u proprjetà tas-Sede Apostolika" (cfr. *Bullarium Franciscanum* I,46 u 794). Mill-Bulla *Is, qui Ecclesiam* tat-22 ta' April 1230, insiru nafu li dak il-post fejn kellha tinbena l-bażilika kien jismu "Colle del Paradiso". Il-post kien jinsab ftit 'il barra mill-ħitan tal-belt ta' Assisi, fuq livell kemmxejn aktar 'l isfel mill-belt. L-art ġiet mogħtija minn ċertu Simone Puzarelli u d-data tad-donazzjoni kienet dik tat-30 ta' Marzu 1228.

436 L-għada li miet, nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru 1226, San Franġisk indifen fil-knisja ta' San Giorgio. Minħabba l-mirakli kbar li seħħew fuq qabru l-Papa iddeċieda li jibnilu knisja kbira fejn il-fdalijiet tiegħu setgħu jittieħdu.

437 Kienet drawwa tas-soltu tas-Sede Apostolika li tagħti benefiċċji spiritwali, jew indulġenzi, lil dawk il-persuni insara li jagħmlu opri ta' karità jew billi jmorru għall-Kruċjata, jew billi jgħinu fil-bini ta' knejjes u monasteri. Lil dawk li ħadu sehem fit-translazzjoni tar-relikwi ta' San Franġisk għall-bażilika l-ġdida (25 ta' Mejju 1230), Girgor IX tahom tliet snin indulġenza jekk ġew minn fuq l-Alpi u sena jekk ġew mill-Italja (Bulla *Mirificans*, tas-16 ta' Mejju 1230, *Bullarium Franciscanum* I,64-65). Cfr. Wolfgang Schenkluhn, *La Basilica di San Francesco in Assisi: Ecclesia*

# BULLA «MIRA CIRCA NOS» TAL-PAPA GIRGOR IX[438]

[1703] Girgor isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla.

O kemm hi ta' l-għaġeb għalina l-ħniena divina u l-imħabba tal-karità mill-aktar prezzjuża ta' Alla li biha Hu offra lil Ibnu għall-mewt biex jifdi lill-qaddej! Mingħajr ma ċaħad għad-doni tal-ħniena tiegħu u billi żamm qawwija bil-ħarsien tiegħu d-dielja li hu ħawwel fil-leminija tiegħu, fiha, ukoll fil-ħdax-il siegħa hu għadu jibgħat il-ħaddiema biex jikkultivawha f'dak li teħtieġ, billi jaħsdu bil-minġel u bil-ħatar tal-barrin – li bih *Samgar qatel sitt mija mill-Filistin* (cfr. Imħ 3,31) – ix-xewk u l-ħaxix ħażin, sabiex, wara li jiżbor il-friegħi żejda u z-zkuk imferrxin li ma jistgħux ikollhom għeruq, u wara li jkun qered l-għollieq, hi tkun tista' tagħmel frott ħelu u mimli togħma tajba. Dak il-frott, imnaddaf fil-magħsar tas-sabar, jista' jittieħed fil-kantina ta' l-inbid ta' l-eternità, wara li tkun maħruqa bin-nar il-ħajja qarrieqa flimkien ma' l-imħabba bierda ta' ħafna, li tispiċċa biex tiġi meqruda fl-istess ħerba, kif inqerdu l-Filistin meta waqgħu mejtin ħtija tal-velenu tax-xewqat bla rażan tad-dinja tagħhom[439].

Għax ara, il-Mulej, li meta kien qiegħed jeqred id-dinja bl-ilma tad-dilluvju, *mexxa lill-bniedem ġust permezz ta' arka fqajra, u ma ħalliex li l-ħatar tal-midinbin jagħfas fuq ix-xorti tal-ġusti* (S 124,3), fil-ħdax-il siegħa qajjem il-qaddej tiegħu l-imqaddes Franġisku, bniedem tassew *skond qalbu* (cfr. 1Sam 13,14), musbieħ li ġie mistmerr fil-ħsibijiet ta' l-għonja, imma imhejji għaż-żmien it-tajjeb, u bagħatu fid-dielja tiegħu sabiex jeqred minnha x-xewk u l-għollieq, wara li jkun qatel lill-Filistin li kienu jhedduha, billi jdawwal lil art twelidu, u jħabbibha ma' Alla billi jwissiha bla heda u jħeġġiġha.

[1704] Hu, wara li sema l-leħen tal-ħabib li kien jistiednu mill-qiegħ ta' qalbu, qam mingħajr dewmien, kisser ir-rabtiet mad-dinja mimlija żegħil qarrieq, u bħal *Sansun* ieħor *misjuq mill-grazzja divina* u mimli bl-Ispirtu tal-ħeġġa, *ħa f'idejh xedaq ta' ħmar* (cfr. Imħ 15,15), bil-predikazzjoni mimlija sempliċità, u mhix imżejna *bl-ilwien ta' l-għerf tal-bnedmin,* imma bil-qawwa ta' Alla, *li jagħżel il-ħwejjeġ dgħajfa tad-dinja biex iħawwad lill-qawwija* (cfr. 1Kor 1,17.27), u ħakem mhux elf biss, imma bosta eluf ta' Filistin, bil-grazzja ta' Dak li *jmiss il-għoljiet u huma jdaħħnu* (S 103,32), u reġġa' lura għall-qadi ta' l-ispitu lil dawk li qabel kienu jaqdu l-ħmieġ tal-ġisem. U huma mietu għall-vizzji u bdew jgħixu għal Alla u mhux aktar għalihom

---

*Specialis. La visione di papa Gregorio IX di un rinnovamento della Chiesa*, Edizioni Biblioteca Francescana (Fonti e Ricerche 5), Milano 1994.

[438] Bulla *Mira circa nos*, in *Bullarium Franciscanum* I,42-44; Luke Wadding, *Annales Minorum*, Ed. Quaracchi, II, LXXVI, 225-227. Hi l-Bulla ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, li l-Papa Girgor IX ippubbika f'Perugia fid-19 ta' Lulju 1228. Fis-16 ta' Lulju 1228, il-Papa Girgor IX, li dak iż-żmien kien jinsab Assisi, ippresjieda ċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk (1C 119-126). Iż-żjara tal-Papa f'Assisi kienet seħħet wara li l-imperatur Federiku II ta' Svevia kien invada l-Istati Papali u n-nies ta' Ruma kienu qamu kontra l-Papa nhar it-Tnejn ta' l-Ottava ta' l-Għid il-Kbir tas-sena 1228. Il-Papa kellu jaħrab lejn Rieti, Spoleto u Perugia. Kien waqt li kien jinsab Perugia li Girgor IX laqqa' l-konċistorju tal-Kardinali biex jiddeċiedi dwar il-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' Franġisku t'Assisi. Għal studju dettaljat għal din il-Bulla papali, cfr. Regis J. Armstrong, "*Mira circa nos.* Gregory IX's View of the Saint, Francis of Assisi", *Greyfriars Review,* IV,1 (1990) 75-100.

[439] Ir-riferiment hu meħud mill-Ktieb ta' l-Imħallfin, u għandu x'jaqsam ma' l-istraġi tal-Filistin li wettaq Sansun, meta ġarraf għal fuqhom it-tempju ta' Dagon, u qeridhom ilkoll (cfr. Imħ 16,22-31).

infushom, billi ħafna kienu dawk li kienu intilfu, u ħareġ *mill-istess blata mħaffra* (cfr. Imħ 15,19) ilma bl-abbundanza, li kien isaqqi, jaħsel u jagħti l-ħajja lil dawk li kienu waqgħu, tħammġu, u nixfu. Dak l-ilma, li jfur għall-ħajja ta' dejjem, wieħed jista' *jixtrieħ bla fidda u bla flus* (cfr. Is 55,1); in-nixxiegħat tiegħu jinfirxu ma' kullimkien u jsaqqu d-dielja, *u meddet sal-baħar il-friegħi tagħha u sax-xmara ż-żraġen tagħha* (S 79,12).

Dan kien li, fl-aħħarnett, mexa fuq l-eżempju ta' missierna Abraham, billi ħareġ spiritwalment *minn artu u minn niesu u minn dar missieru,* biex imur *fl-art li l-Mulej kien urieh* (Ġen 12,1) bl-ispirazzjoni divina tiegħu. Biex *jiġri* aktar bil-ħeffa *lejn il-premju tas-sejħa li ġejja mis-sema* (cfr. Fil 3,14), u biex ikun jista' aktar bil-ħeffa *jgħaddi mill-bieb id-dejjaq* (cfr. Mt 7,13), hu ħalla warajh it-toqol ta' l-għana tad-dinja, u sar jixbah lil Dak li, *għad li kien għani ftaqar għalina* (cfr. 2Kor 8,9), *qassamhom, u tahom lill-foqra* biex hekk *il-ġustizzja tiegħu tibqa' għal dejjem* (cfr. S 111,9).

U meta hu resaq lejn l-art tal-viżjoni, *fuq il-muntanja li ġiet murija lilu* (cfr. Ġen 22,2), jiġifieri fil-quċċata tal-fidi, offra ġismu bħala sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej, li darba kien qarraq bih. Offrieh bħala l-bint il-waħdanija, bħal *Ġefte* (cfr. Imħ 11), billi qiegħed taħtu n-nar ta' l-imħabba, billi għakkes lil ġismu bil-ġuħ, bil-għatx, bil-bard, bil-għera, u b'ħafna sahriet u sawm (cfr. Gal 5,25). U wara li *sallabha bil-vizzji u d-dnubiet u x-xewqat*, seta' jgħid flimkien ma' l-Appostlu: *Jiena ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix ġewwa fija* (Gal 2,20).

[1705] Għax tassew li ma kienx jgħix aktar għalih innifsu, imma aktarx għal Kristu, *li miet għal dnubietna u ġie mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna* (cfr. Rum 4,25), sabiex *aħna ma nkunux aktar qaddejja tad-dnub* (cfr. Rum 6,6) bl-ebda mod.

Wara li qered il-vizzji, hu daħal fi ġlieda ta' raġel ħili kontra d-dinja, kontra l-ġisem u kontra l-qawwiet ta' l-arja; u wara li ċaħad għall-*martu*, għad-*dar, l-għelieqi u l-barrin*, li jżommu 'l bogħod lill-*mistednin mill-ikla kbira* (cfr. Lq 14,15-20), ma' *Ġakobb qam* biex jobdi l-kmand tal-Mulej, u wara li rċieva l-grazzja ta' l-Ispirtu u s-seba' doni tiegħu, megħjun mit-tmien bejatitudnijiet ta' l-Evanġelju, *tela' 'l fuq* permezz tal-ħmistax-il gradi tal-virtujiet, li jiġu murija b'mod mistiku fis-Salmi, lejn *Betel* (cfr. Ġen 35,1-11), id-dar ta' Alla, li Hu stess kien ħejjielu.

U hemmhekk, wara li bena l-altar tal-qalb tiegħu għall-Mulej, offra fuqu l-fwejjaħ tat-talb devot tiegħu, li l-anġli setgħu jeħduh quddiem il-wiċċ tal-Mulej b'idejhom stess, issa li hu kien lest li jissieħeb ma' l-anġli fis-sema.

[1706] Imma sabiex ma jkunx meħtieġ biss għalih innifsu hemmhekk fuq il-muntanja, magħqud u mħaddan ma' *Rakel* waħedha, jiġifieri mal-kontemplazzjoni, sabiħa imma ħawlija, niżel fid-dar ta' *Lija* (cfr. Ġen 29), biex imexxi l-merħla ta' ulied tewmin lejn id-deżert u hemmhekk ifittxilhom il-mergħat tal-ħajja, sabiex hemmhekk, fejn hemm l-ikel tal-manna għal dawk li huma mifrudin mill-istorbju tad-dinja, u li jaħbu *ż-żerriegħa tagħhom bil-kotra tal-biki*, hu seta' jiġbor *bil-ferħ il-qatgħet* (cfr. S 125,5-6) għall-imħażen tal-ħajja ta' dejjem, hu li kien imsejjaħ biex jitqiegħed fost il-prinċpijiet tal-poplu tiegħu, u li ġie mżejjen bil-kuruna tal-ġustizzja.

[1707] Għax tassew, *hu ma fittix dak li jaqbel lilu* imma pjuttost *dak li hu ta' Kristu* (Fil 3,21), u qdieh bħal naħla mill-aktar bieżla. Bħall-*kewkba ta' filgħodu, li bejn is-sħab tiddi u bħall-qamar*

*mimli fil-jum tiegħu* (Sir 50,6) u bħal xemx tiddi fil-Knisja ta' Alla[440], hu ħa f'idejh il-musbieħ u t-tromba biex jiġbed lejn il-grazzja lill-umli bil-provi tal-ħidmiet tiegħu ileqqu, u jiġbed lil dawk li webbsu rashom fil-ħażen lura mill-ħtijiet kbar tagħhom biċ-ċanfir iebes tiegħu.

[1708] B'dan il-mod, ispirat mill-virtù ta' l-imħabba, daħal f'daqqa u bla biża' fil-kamp tal-Madjaniti, jiġifieri ta' dawk li jridu jevitaw il-ħaqq tal-Knisja u jiddisprezzawha, bl-għajnuna ta' Dak li, meta kien għadu magħluq fil-ġuf tal-Verġni, ħaddan id-dinja kollha bil-ħakma tiegħu. Hu ħataf *l-armi li fihom kien qiegħed il-fiduċja tiegħu dak ir-raġel qawwi u armat li kien ħares daru* (cfr. Lq 11,21-22), u *qassam id-doni li hu kien ħa* u *kaxkar il-bnedmin fil-jasar* (cfr. Ef 4,8) tiegħu b'qima lejn Ġesù Kristu.

[1709] Għaldaqstant, wara li, meta kien għadu fid-dinja hu rebaħ it-tliet għedewwa, hu *daħal bil-qawwa fis-Saltna tas-smewwiet u ħatafha* (cfr. Mt 11,12); u wara bosta battalji ta' din il-ħajja, hu rebaħ fuq id-dinja, reġa' lura għand il-Mulej, u wasal qabel ħafna oħrajn li kienu mimlijin bl-għarfien, hu li minn jeddu ried jibqa' bla tagħrif ħalli fil-għerf tiegħu ma jkun jaf xejn.

[1710] Tassew, il-ħajja tiegħu, li kienet daqshekk qaddisa, mimlija ħidma u tiddi, kienet biżżejjed għalih biex isieħeb miegħu l-Knisja rebbieħa. Imma billi l-Knisja militanti, li tara biss il-bixra ta' barra, ma tippretendix li tiġġudika bl-awtorità tagħha lil dawk li m'humiex fil-kompetenza[441] tagħha, biex imbagħad tippreżentahom għall-qima billi toqgħod biss fuq il-ħajja tagħhom, l-aktar għaliex xi drabi *l-anġlu ta' Satana jista' wkoll jinbidel f'anġlu tad-dawl* (cfr. 2Kor 11,14). Għalhekk Alla li jista' kollox u ħanin, li bil-grazzja tiegħu l-imsemmi qaddej ta' Kristu kien qdieh b'mod xieraq u bit-tifħir, ma riedx li *musbieħ* hekk ta' l-għaġeb *jinħeba taħt il-modd*, imma ried *iqiegħdu fuq l-imnara, biex hekk idawwal lil kull min ikun jinsab fid-dar* (cfr. Lq 11,33), iddikjara b'ħafna mirakli ta' kull xorta li l-ħajja tiegħu kienet togħġobu u li t-tifkira tiegħu kellha tkun meqjuma fil-Knisja militanti.

[1711] Għaldaqstant, billi aħna konna diġà nafu b'mod sħiħ bil-ħajja glorjuża tiegħu, minħabba l-ħbiberija li hu kellu magħna, meta aħna konna għadna ninsabu f'uffiċċju inqas milli għandna llum[442], u billi d-dija ta' ħafna lwien tal-mirakli tiegħu setgħu jixhdu għalija bosta xhieda ta' min joqgħod fuqhom, billi aħna għandna l-fiduċja li aħna u l-merħla li ġiet fdata f'idejna nistgħu niġu megħjunin mill-interċessjoni tiegħu u li jkollna patrun fis-sema lil dak li kien il-ħabib tagħna fuq din l-art; wara li laqqajna l-konċistorju ta' ħutna [l-kardinali], u irċevejna l-qbil tagħhom magħna, iddikjarajna li għandna niktbu ismu fil-katalogu tal-qaddisin minħabba l-qima kbira li għandna lejh.

[1712] Nikkmandaw li l-Knisja universali tiċċelebra bil-qima u bis-solennità t-twelid tiegħu fis-sema, fil-jum 4 ta' Ottubru, il-jum li fih, maħlul mill-ħabs tal-ġisem, tela' fis-saltna tas-sema.

---

440 Dan il-versett ta' Bin Sirak 50,6 kien ukoll it-tema tal-priedka li għamel Girgor IX fiċ-ċelebrazzjoni solenni tal-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk. Hi silta li għadha tiġi użata fil-liturġija tas-solennità ta' San Franġisk sallum, bħala l-I Qari tal-quddiesa.

441 Il-kelma Latina hi *foro*, kelma ġuridika li tindika l-kompetenza speċifika ta' min jiġġudika.

442 Il-Papa Girgor IX jitkellem dwar il-ħbiberija kbira li kellu ma' San Franġisk meta hu kien Kardinal Protettur ta' l-Ordni, Ugolino dei Conti di Segni.

Għaldaqstant nitolbu lilkom ilkoll, u nwissukom u nħeġġukom fil-Mulej, billi ngħarrfukom permezz ta' din il-kitba apostolika, li fil-jum imsemmi intom għandkom tingħataw bil-qawwa u bil-ferħ għat-tifħir divin fit-tifkira tiegħu u għandkom titolbu bl-umiltà li bl-interċessjoni u l-merti tiegħu nkunu nistgħu naslu biex nissieħbu miegħu. Jagħtina dan kollu Dak li hu mbierek għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Mogħti f'Perugia, fid-19 ta' Lulju 1228, it-tieni sena tal-pontifikat tagħna[443].

---

[443] Fil-Bulla *Sicut phialae aureae* tal-21 ta' Frar 1229, il-Papa Girgor IX jiġbor fil-qosor din il-Bulla u javża lill-prelati kollha biex jiċċelebraw it-tifkira ta' San Franġisk fl-4 ta' Ottubru (*Bullarium Fracniscanum* I,49).

# BULLA «QUO ELONGATI» TAL-PAPA GIRGOR IX[444]

[1713] Girgor isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lil uliedna maħbubin, il-ministru ġeneral, il-ministri provinċjali u l-kustodji, u l-aħwa l-oħrajn ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, saħħa u barka apostolika.

Aktar ma intom tridu titbiegħdu mid-dinja, aktar għolejtu 'l fuq minnkom infuskom, donnkom lebsin bil-ġwienaħ tal-ħamiema fil-ħarba tal-kontemplazzjoni, hekk iktar mill-qrib bdejtu taraw quddiemkom in-nasba tad-dnub u l-għajnejn ta' qalbkom qed ifittxu bir-reqqa kollha l-bosta ħwejjeġ li intom taraw li qegħdin ifixklukom filli timxu 'l quddiem lejn is-salvazzjoni. Jiġri għalhekk li bosta ħwejjeġ li għall-oħrajn jibqgħu moħbija, xi drabi l-ispirtu juriħom fil-kuxjenza tagħkom. Imma meta d-dija ta' l-intelliġenza spiritwali titgħatta bid-dalma tad-dgħufija umana, allura xi mindaqqiet joħroġ l-iskruplu tad-dubju li jixħet diffikultajiet li ma tirbħuhomx fil-mixja tagħkom.

[1714] Għax tassew, ftit taż-żmien ilu, ġew fil-preżenza tagħna d-delegati li intom, l-aħwa ministri provinċjali, li kontu fil-Kapitlu ġenerali, bagħattu quddiemna, u magħhom ġejt personalment int ukoll, ibni ministru ġeneral. Intom urejtuna li fir-Regola tagħkom hemm xi affarijiet li jqajjmu dubju jew li mhumiex ċari jew lihuma diffiċli biex tifhmuhom. Tant hu hekk li l-imqaddes konfessur ta' Kristu, Franġisku, ta' tifkira hienja, billi ma riedx li r-Regola tiegħu taqa' għal xi spjegazzjoni ta' l-ebda wieħed mill-aħwa, meta kien wasal qrib it-tmiem tal-ħajja tiegħu ikkmanda – u dan il-kmand[445] jissejjaħ Testment – li ma kellhomx isiru kummenti[446] għall-kliem ta' l-istess Regola, u li ma kellux jingħad, biex nużaw l-istess kliem tiegħu, li *hekk għandha tinftiehem dil-ħaġa*, u żied li l-aħwa ma għandhomx jitolbu ittri mis-Sede Apostolika, u żied ukoll bosta ħwejjeġ oħrajn li wieħed ma jistax josservahom mingħajr diffikultà kbira.

[1715] Għal dawn ir-raġunijiet, billi intom m'intomx żguri jekk intomx marbutin għall-osservanza ta' l-imsemmi *Testment,* tlabtuna biex bl-awtorità tagħna inneħħu dan id-dubju mill-kuxjenza tagħkom u minn dik ta' l-aħwa l-oħrajn.

---

[444] Bulla *Quo elongati*, in H. Grundmann, "Die Bulle *Quo elongati* Papst Gregors IX", *Archivum Franciscanum Historicum* 54 (1961) 1-25; *Bullarium Franciscanum* I,68-70. Il-Kapitlu Ġenerali ta' Pentekoste li sar f'Assisi fit-30 ta' Mejju 1230 kien qajjem il-kwestjoni dwar l-interpretazzjoni tar-*Regola Bullata* tal-Patrijiet Minuri, u dwar jekk it-*Testment* ta' San Franġisk kellux valur legali li jorbot lill-aħwa fil-kuxjenza għall-osservanza tiegħu bħar-Regola. Grupp ta' aħwa, fosthom Giovanni Parenti, li kien il-Ministru Ġeneral, fra Antnin, Ministru tar-Romagna (Sant'Antnin ta' Padova), fra Gerard Rusinoll, penitenzjarju tal-Papa, fra Haymo of Faversham, fra Leone (mhux is-sieħeb ta' San Franġisk imma Leone ieħor, li mbagħad sar arċisqof ta' Milan), fra Gerardo da Modena u fra Pietro da Brescia, marru għand il-Papa Girgor IX b'dawn id-diffikultajiet. Il-Papa weġibhom bil-Bulla *Quo elongati* tat-28 ta' Settembru 1230. Il-Bulla hi l-ewwel waħda f'sensiela ta' interpretazzjonijiet uffiċjali papali tar-Regola tal-Patrijiet Minuri. Cfr. M. Lambert, *Franciscan Poverty. The Doctrine of the Absolute Poverty of Christ and the Apostles in the Franciscan Order 1210-1323*, The Franciscan Institute, St. Bonaventure University, NY 1988, 73-107.

[445] Il-kelma Latina li juża l-Papa hi *mandatum,* fis-sena evanġeliku ta' Ġw 13,34: *Mandatum novum dabo vobis, ut diligatis invicem sicut dilexi vos* ("Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobb lil xulxin kif ħabbejtkom jien"). Din il-kelma tispjega n-natura speċifika tat-*Testment* bħala document spiritwali, aktar milli wieħed ġuridiku.

[446] *Glossae,* kummenti biex jispjegaw aħjar kunċett jew kmand. San Franġisk ried li l-aħwa jħarsu r-Regola *sine glossa*, mingħajr kummenti.

[1716] U billi, minħabba l-ħbiberija twila li l-istess qaddis kellu magħna, aħna konna nafu b'mod aktar sħiħ l-intenzjoni tiegħu, u fuq kollox konna qrib tiegħu meta hu kien qiegħed jikteb l-imsemmija Regola u jippreżentaha lis-Sede Apostolika biex jaqla' l-konferma tagħha, meta aħna konna f'uffiċċju inqas minn dak li fih aħna llum, intom staqsejtuna b'insistenza li nagħtu dikjarazzjoni dwar il-punti dubjużi u mhux ċari ta' l-istess Regola, u nagħtu tweġiba dwar xi punti diffiċli.

[1717] Mela, għalkemm aħna nafu li l-imsemmi konfessur ta' Kristu, meta kien jiddetta t-Testment kellu intenzjoni li jistħoqqilha tifħir u li intom ukoll tgħożżu u tixtiequ tibqgħu fidili mal-kmand xieraq u x-xewqat qaddisa tiegħu, aħna, iżda, billi aħna mħassbin dwar il-periklu li hemm għall-erwieħ u dwar id-diffikultajiet li magħhom tistgħu tiltaqgħu minħabba dawn il-ħwejjeġ, billi rridu nneħħu d-dubju mill-qalb tagħkom, naffermaw li intom m'intomx marbutin għall-osservanza tat-Testment, għal żewġ raġunijiet: għaliex hu ma setax, mingħajr il-kunsens ta' l-aħwa u l-aktar tal-ministri, billi dan kellu x'jaqsam ma' kulħadd, jobbligakom; u li żgur ma setax jobbliga bl-ebda mod lis-suċċessur tiegħu, billi ma hemmx awtorità ta' wieħed fuq l-ieħor fost dawk li għandhom l-istess awtorità.

[1718] Fit-tieni post, xi wħud mill-aħwa tagħkom, kif smajna mid-delegati imsemmija, jiddubitaw jekk humiex marbutin mal-kunsilli bl-istess mod li huma marbutin mal-preċetti ta' l-Evanġelju. Dan għaliex fil-bidu tar-Regola tagħkom jingħad: *Ir-regola u l-ħajja tal-patrijiet minuri hi din: li jħarsu l-Evanġelju mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu billi jgħixu fl-ubbidjenza, bla xejn tagħhom, u fil-kastità*; imma wkoll għaliex fit-tmiem ta' l-istess Regola jingħad: *Sabiex inħarsu l-faqar u l-umiltà u l-Evanġelju mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu, li aħna bil-qawwa kollha wegħedna*.

Intom, għalhekk, tridu tkunu tafu jekk intomx obbligati li tħarsu wkoll il-kunsilli l-oħrajn ta' l-Evanġelju, barra minn dawk li jissemmew b'mod ċar u bi kliem ta' kmand jew ta' projbizzjoni fl-istess Regola, l-aktar għaliex intom ma għandkomx intenzjoni li tħossukom obbligati lejn il-kunsilli l-oħrajn u lanqas tistgħu bl-ebda mod tħarsuhom kelma b'kelma, jekk mhux bi tbatija kbira.

Aħna għalhekk inwieġbu fil-qosor billi ngħidulkom li bil-qawwa tar-Regola intom m'intomx marbutin għall-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi l-oħrajn, jekk mhux biss għal dawk li intom obbligati li tħarsu fir-Regola. Intom obbligati tħarsu l-kunsilli l-oħrajn bl-istess mod ta' l-insara l-oħrajn kollha, u aktar minnhom, billi dawn huma ħwejjeġ tajbin u ġusti, għaliex intom offrejtu lilkom infuskom bħala offerta ta' ħruq li hi prezzjuża għall-Mulej, billi ċħadtu għall-ħwejjeġ ta' din id-dinja.

[1719] Fit-tielet post, billi fl-istess Regola hemm il-projbizzjoni: *l-aħwa ma għandhomx jirċievu bl-ebda mod flus jew għana la għalihom infushom u lanqas permezz ta' oħrajn*, u dan intom tridu tosservawh dejjem, tridu tkunu tafu b'mod aktar żgur, jekk mingħajr ksur għall-preċett tar-Regola, tistgħux tippreżentaw persuni li jibżgħu minn Alla, jiġifieri xi wħud mill-insara li jgħinukom fil-ħtiġijiet tagħkom, u jekk tistgħux tirrikorru għand dawn il-persuni insara b'kuxjenza żgura fil-ħtiġijiet li semmejtu, meta tkunu tafu li huma irċevew flus jew għana, u meta tkunu fhimtu sewwa li intom ma għandkomx intenzjoni li tħarsu bl-awtorità tagħkom dawk il-flus jew għana, u lanqas li titolbu li huma jiddepożitawhom f'idejkom.

Fuq dan il-punt jidhrilna li għandna nwieġbu b'dan il-mod. Jekk l-aħwa jridu jixtru xi ħaġa meħtieġa, jew inkella jħallsu xi ħaġa li diġà akkwistaw, jistgħu jippreżentaw jew lill-persuna li tkun ġiet imqabbda minn dak li minn għandu tkun inxtrat dik il-ħaġa, jew xi ħadd ieħor lil dawk li jkunu jridu jagħmlu karità magħkom (ħlief jekk l-istess persuni jippreferu li dan jagħmluh huma stess jew permezz ta' delegati tagħhom). Din il-persuna li jippreżentaw l-aħwa, mhijiex inkarigata minnhom, għalkemm hi ippreżentata minnhom, imma pjuttost hi inkarigata minn dak li bil-permess tiegħu għamlet il-ħlas jew minn dak li jirċievi l-ħlas. L-istess persuna inkarigata trid mall-ewwel twettaq dak il-ħlas hekk li xejn aktar ma jibqa' għandha. Jekk imbagħad dik il-persuna titqabbad għal xi ħtiġijiet oħrajn li jkunu urġenti, tista' tiddepożita l-karità li tingħatalha, bħallikieku hi s-sid tagħha, f'idejn ħabib spiritwali ta' l-aħwa, sabiex permezz tiegħu din tkun użata meta tkun meħtieġa. Lil dan ta' l-aħħar l-aħwa jridu dejjem jirrikorru għandu għal kull ħtieġa urġenti, l-aktar jekk hu jkun traskurat u ma jkunx jagħraf il-ħtiġijiet veri tagħhom.

[1720] Fir-raba' post, billi fl-istess Regola jingħad espressament: *L-aħwa ma għandu jkollhom xejn tagħhom, u la dar, u la mkien u l-ebda ħaġa oħra*, u huma qegħdin jibżgħu li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, jista' jitħammeġ il-faqar ta' l-Ordni, l-aktar għaliex xi wħud diġà stqarrew li l-proprjetà komuni tal-ġid mobbli hi proprjetà ta' l-Ordni kollu, intom qegħdin titolbuna bl-umiltà sabiex rigward dan il-punt aħna nipprovdu soluzzjoni għall-perikli ta' l-erwieħ u għas-safa ta' l-Ordni kollu.

Ngħidulkom mela li intom ma għandkomx ikollkom proprjetà la komuni u lanqas individwali, imma li l-Ordni jista' jagħmel użu ta' dawk l-affarijiet meħtieġa, bħalma huma l-kotba u l-ħwejjeġ mobbli kollha li intom jista' jkollkom. L-aħwa mbagħad jistgħu jużawhom skond kif jiġi stabilit mill-ministru ġeneral jew mill-ministri provinċjali, filwaqt li l-proprjetà tal-postijiet u tad-djar fejn jgħixu l-aħwa tibqa' dejjem f'idejn dawk li tagħhom tkun tappartjeni. Lanqas ma tistgħu tbiegħu il-ġid mobbli, u lanqas tpartuh barra mill-Ordni jew taljenawh b'kull mod, ħlief meta tkun ġiet mogħtija l-awtorità jew il-kunsens lill-ġeneral u lill-ministri provinċjali mill-Kardinal tal-Knisja Rumana li jkun il-gvernatur ta' l-Ordni.

[1721] Fil-ħames post, billi f'wieħed mill-kapitli ta' l-istess Regola hemm miktub: *Jekk xi ħadd mill-aħwa, imxewwex mill-għadu ta' l-infern, ikun waqa' fid-dnub il-mejjet, għal dawk il-ħtijiet li hu miktub li l-aħwa jridu jirrikorru għand il-ministri provinċjali biss, l-istess aħwa huma marbuta li jmorru għandhom mill-aktar fis u mingħajr dewmien*; intom qegħdin tiddubitaw b'mod sinċier jekk dan għandkomx tifhmuh biss rigward id-dnubiet pubbliċi jew ukoll rigward id-dnubiet privati. Inwieġbu, għalhekk, li l-kapitlu msemmi għandu x'jaqsam biss mad-dnubiet pubbliċi u li jidhru minn barra. Hi rieda tagħna li l-ministru ġeneral jaħtar għal kull provinċja numru ta' saċerdoti minn fost dawk li huma l-aktar maturi u prudenti, skond kif ikun jidher lill-ministri, biex jisimgħu lill-aħwa rigward id-dnubiet privati, ħlief jekk l-aħwa jippreferu li jirrikorru għand il-ministri jew għand il-kustodji ta' dawk il-postijiet li fihom jinsabu sabiex iqerru għandhom.

[1722] Fis-sitt post, billi r-Regola tikkmanda li *ħadd mill-aħwa ma jiftillu jippriedka lill-poplu jekk mhux dawk li jiġu eżaminati u approvati mill-ministru ġeneral u li lilhom jingħata l-uffiċċju tal-predikazzjoni*, intom staqsejtuna biex niċċaraw jekk, biex l-aħwa jevitaw taħbit u vjaġġi perikolużi, il-ministru ġeneral jistax jafda dan id-dmir li jeżaminaw, japprovaw u jagħtu l-uffiċċju tal-predikazzjoni, lil xi persuni prudenti li jeżaminaw b'mod ġenerali lil dawk kollha li huma fil-provinċji jew lil xi ħadd partikulari.

Għal din il-mistoqsija nwieġbu dan li ġej: din il-fakultà l-ministru ġeneral ma jistax jgħaddiha lil persuni li jinsabu ‘l bogħod, imma dawk li jkollhom bżonn li jiġu eżaminati, għandhom jintbagħtu għandu, inkella jiġu flimkien mal-ministri provinċjali għall-Kapitlu ġenerali għall-istess raġuni. Għal dawk fosthom, imbagħad, li ma għandhomx bżonn jiġu eżaminati, għaliex ikunu tħarrġu f’xi fakultà tat-tejoloġija u fl-uffiċċju tal-predikazzjoni, jekk huma għandom età matura u l-ħtiġijiet l-oħrajn skond il-każ, jistgħu bil-mod li semmejna jippriedkaw lill-poplu, ħlief dawk li lilhom il-ministru ġeneral ma jagħtihomx permess.

[1723] Fis-seba’ post, l-aħwa għandhom dubju dwar jekk *il-vigarji tal-ministri provinċjali,* li jidħlu flokhom meta huma jmorru għall-Kapitlu ġenerali, jistgħux jilqgħu lil xi ħadd fl-Ordni jew jibgħatu lil min diġà jkun milqugħ fih. Inwieġbu li ma jistgħux jagħmlu dan, għar-raġuni li din il-fakultà lanqas il-ministri provinċjali ma għandhom, jekk ma jingħatalhomx għal dan il-għan permess speċjali. Il-ministru ġeneral, kif jista’ jagħtihielhom, jista’ wkoll jiċħadielhom. U billi skond ir-Regola l-fakultà li jiddaħħlu aħwa fl-Ordni tista’ titħaddem biss mill-ministri provinċjali, dawn mela ma għandhomx awtorità li jgħadduha lill-oħrajn, għaliex ġiet mogħtija lilhom biss.

[1724] Fit-tmien post, minħabba l-fatt li fir-Regola jingħad: *Meta jmut il-ministru ġeneral, l-għażla ta’ dak li jiġi warajh issir mill-ministri provinċjali u mill-kustodji fil-Kapitlu ta’ Għid il-Ħamsin*; xi wħud jiddubitaw jekk jistgħux jissejħu għall-Kapitlu ġenerali l-kotra tal-kustodji kollha, inkella jkunx biżżejjed, biex l-affarijiet isiru b’aktar ordni, li jieħdu sehem biss xi kustodji minn kull provinċja, li jesprimu l-fehma ta’ l-oħrajn. Inwieġbu li l-kustodji ta’ kull provinċja għandhom jagħżlu wieħed minn fosthom biex jibgħatuh fil-Kapitlu flimkien mal-ministru provinċjal, u li lilu jafdawlu l-awtorità tagħhom, u dan li intom diġà iddeċidejtu dwaru waħedkom, inħossu li għandna napprovawh bħala liġi.

[1725] Fl-aħħarnett, billi fir-Regola hemm miktub: *L-aħwa ma għandhomx jidħlu fil-monasteri tas-sorijiet, ħlief dawk li lilhom tkun ingħata permess speċjali mis-Sede Apostolika*; għalkemm sa issa l-aħwa kienu fehmu li għandhom japplikaw din il-liġi għall-monasteri tal-*Pauperes Dominae reclusae*[447], billi għalihom is-Sede Apostolika għandha kura partikulari, u jqisu li din l-interpretazzjoni kienet ġiet iddikjarata mill-ministri provinċjali waqt Kapitlu ġenerali permezz ta’ Kostituzzjoni partikulari ta’ l-istess żmien tar-Regola, meta kien għadu ħaj l-imqaddes Franġisku, minkejja dan kollu tlabtu li tkunu tafu b’mod aktar ċar jekk dan għandkomx tifhmuh b’mod ġenerali għall-monasteri kollha, billi r-Regola ma teskludi lil ħadd, inkella jekk għandkomx tifhmuh biss għall-monasteri tas-sorijiet li semmejna. Aħna nwieġbu li l-projbizzjoni tridu tifhmuha bħallikieku għandha x’taqsam mal-monasteri kollha tas-sorijiet. U bl-isem *-monasteru* nifhmu wkoll il-kjostru, id-dar u l-kmamar tax-xogħol li jinsabu fuq ġewwa, għaliex fil-partijiet l-oħrajn jistgħu jidħlu wkoll is-sekulari, u għalhekk l-aħwa wkoll jistgħu jidħlu, minħabba raġunijiet ta’ predikazzjoni jew ta’ għoti ta’ karità, u dan dejjem fil-każ ta’ dawk li lilhom jingħata l-permess mis-superjuri tagħhom, wara li jkunu qiesu l-maturità tagħhom u kemm jixirqilhom jagħmlu din il-ħidma. Jibqgħu dejjem barra minn dan il-permess, iżda, l-monasteri ta’ l-imsemmijin *reclusae*. Lil ħadd ma hi mogħtija fakultà li jidħol fihom jekk mhux bil-permess speċjali tas-Sede Apostolika.

Mogħtija minn Anagni, fit-28 ta’ Settembru 1230, ir-raba’ sena tal-pontifikat tagħna.

---

[447] L-isem *Pauperes Dominae reclusae* irridu nifhmuh b’mod naturali għall-*Povere Dame di San Damiano*, jiġifieri l-Klarissi. L-aġġettiv *reclusae* jindika li dawn is-sorijiet jgħixu “magħluqin ġewwa”, fil-klawsura.

# LEGENDA CHORALIS UMBRA

## INTRODUZZJONI

Il-*Legenda Choralis Umbra* hi waħda mill-Leġġendi qosra u kurjużi dwar San Franġisk t'Assisi. L-edizzjoni kritika tagħha tinsab fl-*Analecta Franciscana* X, 543-554, u tagħmel parti minn sensiela ta' Leġġendi li l-edituri ta' Quaracchi jsejħulhom *Legendae quaedam Minores S. Francisci Assisiensis in Vitis Fr. Thomae Celanensus fundatae*. Dawn jinkludu Leġġenda Liturġika ta' San Franġisk minn brevjar "Minoritiku" fil-Vatikan; Leġġenda Liturġika antika li kienet tintuża fl-Ordni tal-Predikaturi; verżjoni iqsar ta' din l-istess Leġġenda; Leġġenda Liturġika oħra meħuda minn din; Leġġenda Korali ta' Chartres; Ħajja miktuba mid-Dumnikan Bartolomeo da Trento; u din il-Leġġenda Korali Umbra.

Din hi Leġġenda Liturġika, u titratta episodji mill-aħħar sentejn tal-ħajja ta' San Franġisk, kif ukoll iżżid lista ta' 23 mirakli li seħħu wara mewtu. L-awtur tal-Leġġenda mhux magħruf. L-uniku manuskritt li fih il-Leġġenda kollha kemm hi jinsab fil-Biblioteca Comunale ta' Terni. Ir-rabta tal-manuskritt mal-Provinċja ta' l-Umbria ta lil din il-Leġġenda l-isem ta' *Legenda Choralis Umbra*.

Id-datazzjoni tal-Leġġenda tmur minn wara l-approvazzjoni tat-*Tractatus Miraculorum* ta' Tommaso da Celano fil-Kapitlu ta' Metz (31 ta' Mejju 1254) sa qabel il-Kapitlu ta' Narbonne (1260) meta Bonaventura beda jikteb il-*Legenda Maior*.

Il-Leġġenda turi elementi marbutin ħafna mal-kitbiet ta' Celano u ta' Julian minn Speyer, kif ukoll tagħti importanza lill-istimmati ta' San Franġisk u li dawn jarawhom fra Elia u fra Rufino. L-importanza tal-verità ta' l-istimmati kienet ċentrali fi żmien meta kien hemm bosta li iddubitaw, u sa l-1259 kienu ħarġu diversi dokumenti papali favur il-verità ta' l-istimmati ta' San Franġisk. Girgor IX kien kiteb tliet stqarrijiet: *Confessor Domini* (5 ta' April 1237) lill-insara tal-Ġermanja; *Usque ad terminos* (2 ta' April 1237) liċ-Ċisterċensi Robert of England; u *Non minus dolentes* (2 ta' April 1237) lid-Dumnikan Everhardus. Alessandru IV kiteb tliet dokumenti papali fuq l-istess tema: *Benigna operatio* (29 ta' Ottubru 1255) lill-isqfijiet kollha; *Grande et singulare* (10 ta' Lulju 1256), lill-isqfijiet kollha; u *Quia longum* (28 ta' Lulju 1259) lill-isqfijiet ta' Castille u Leon.

Element ieħor interessanti fil-*Legenda Choralis Umbra* hu l-mod pożittiv kif dan id-dokument iħares lejn fra Elia. Elia kien ġie skomunikat minn Girgor IX fl-1239, wara li ġie dimess minn Ministru Ġeneral u għadda għan-naħa ta' l-Imperatur Federiku II, imma ftit qabel mewtu f'Cortona, fit-23 ta' April 1253, kien ġie rikonċiljat mal-Knisja u ma' l-Ordni. X'aktarx li din il-Leġġenda tipprova tirrijabilita l-figura kontroversa ta' fra Elia (Giulia Barone, «Brother Elias Revisited», *Greyfriars Review* 13 (1999) 1-18).

Għan-noti ta' spjega tat-test tal-*Legenda Choralis Umbra* nirrferu l-qarrejja għall-aħħar kapitli tal-*Vita Sancti Francisci* ta' Fra Tommaso da Celano u ta' Fra Julian minn Speyer, li huma l-għejjun ewlenin ta' din il-Leġġenda.

# LEGENDA CHORALIS UMBRA

[1726] 1 Tabilħaqq, il-ħabib ta' Alla, Franġisku, sentejn qabel ma reġġa' ruħu lejn is-sema, meta kien jinsab f'eremitaġġ jismu La Verna, ra waqt dehra Serafin wieqaf fl-arja, li kellu sitt ġwienaħ miftuħin fuqu, b'idejh u riġlejh imsammrin ma' salib. Żewġ ġwienaħ kienu merfugħin 'il fuq minn rasu, tnejn kienu mifruxin biex itir, u tnejn kienu jgħattulu ġismu kollu. Ir-raġel qaddis kien mistagħġeb mhux ftit għal din id-dehra, imma ma kienx jaf kif se jaqbad jispjega dik il-viżjoni. Fil-qalb tiegħu beda jħoss ifuru l-hena u n-niket fl-istess ħin. Hu kien jimtela bil-hena quddiem il-ħarsa mimlija ħlewwa li biha kien iħares lejh is-Serafin; il-ġmiel tiegħu ma kontx tista' tqabblu ma' xejn. Imma kien jitkexkex meta jarah imwaħħal ma' salib. Hu baqa' mħasseb, u kompla jistaqsi lilu nnifsu x'kienet tfisser dik il-viżjoni, u l-ispirtu tiegħu kien ħerqan biex jagħti tifsira xierqa lid-dehra. Minkejja kollox hu ma setax jifhem xejn minnha b'mod ċar, sakemm aktar tard hu lemaħ fih innifsu dak il-miraklu l-aktar glorjuż ta' Kristu li qatt ma nstema' ieħor bħalu fiż-żminijiet ta' qabel. Minn dak il-waqt bdew jidhru s-sinjali ta' l-imsiemer f'idejh u f'riġlejh, bħalma hu kien rahom ftit tal-ħin qabel fir-raġel imsallab li deher jittajjar fuqu. Idejh u riġlejh dehru imtaqqbin fin-nofs bl-imsiemer, li l-irjus tagħhom kienu jidhru fin-naħa ta' ġewwa ta' idejh u fil-wiċċ ta' riġlejh, filwaqt li l-ponot tagħhom kienu joħorġu min-naħa l-oħra. Il-marki fuq il-ġewwieni ta' idejh kienu tondi, imma kienu tawwalin fuq barra, u kienu jidhru biċċiet żgħar ta' laħam imqabbeż, qisu l-ponot ta' l-imsiemer, li kien milwi u rbuttat, u li kien jaqbeż 'il barra mil-laħam ta' madwarhom. Fuq riġlejh, il-marki ta' l-imsiemer kienu stampati bl-istess mod u kienu jidhru mqabbżin 'il barra mill-kumplament tal-laħam. Ġenbu tal-lemin ukoll kien immarkat minn ġerħa tawwalija, bħallikieku kien minfud b'lanza, u din ta' spiss kienet tnixxi d-demm, hekk li t-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt tiegħu kienu spiss ikunu mtebbgħin bid-demm imqaddes.

[1727] 2 Għaldaqstant, b'ġawhar bħal dawn ileqqu fuq ġismu, ir-raġel ta' Alla kien jitħabat biex iżomm dan it-teżor l-aktar prezzjuż moħbi mill-għajnejn ta' kull maħluq, sabiex hu ma jagħmilx ħsara lil dik il-grazzja hekk kbira li ingħatatlu minħabba l-familjarità tiegħu ma' xi ħadd. Hu dejjem kien iġorr f'qalbu u fuq xofftejh dak li jgħid il-profeta: *Żammejt kelmtek f'qalbi biex ma nidneb qatt kontrik* (S. 118,11). Għalkemm kienu bosta dawk li raw is-sinjali f'idejh u f'riġlejh, sakemm il-ħabib ta' l-Imsallab kien jgħix fil-ġisem, ħadd ma kien kapaċi jara l-ġerħa tal-kustat, ħlief fra Elia li, minħabba li l-qaddis kien iħobbu b'mod speċjali, darba minnhom kien libes it-tonka tal-qaddis u lil dan kien tah it-tonka tiegħu biex jilbisha. Fra Rufino, meta kien jogħroklu sidru, seta' jħossha b'idejh stess, imma dan bis-serqa. Malli hu mess il-ġerħa, ir-raġel qaddis ta' Alla ħass uġiegħ kbir u warrablu idu, filwaqt li beda jgħajjat biex il-Mulej iħenn għalih.

[1728] 3 Sitt xhur qabel il-jum tal-mewt tiegħu, meta hu kien jinsab fi Siena, il-marda fl-istonku tiegħu ħraxet aktar mill-marda ta' għajnejh, u ġismu kollu beda jnin ħafna aktar minn qatt qabel, u hu deher li kien qorob lejn il-mewt. Fra Elia malajr wasal sa ħdejh. Malli dan wasal Franġisku reġa' ħa saħħtu bil-ferħ u telaq miegħu lejn Le Celle di Cortona. Meta l-marda tiegħu reġgħet ħraxet f'dan il-post, hu talab li jeħduh Assisi. Il-belt kollha ferħet mal-wasla tiegħu, u kulħadd imtela bil-hena filwaqt li ittamaw li dan it-teżor prezzjuż issa kien reġa' lura biex joqgħod magħhom. Meta kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi, billi l-marda tiegħu kompliet tmur għall-agħar, hu tilef is-saħħa kollha ta' ġismu u, imneżża' mill-qawwiet kollha tiegħu, beda jħoss uġiegħ qawwi fil-partijiet kollha ta' ġismu. Meta staqsewh dwar dak li kien jaħseb dwar it-tbatija

li kien għaddej minnha, hu wieġeb li kien ikun eħfef għalih li jgħaddi minn kull xorta ta' martirju. Imma qal: "Ir-rieda tal-Mulej tagħmel ħafifa kull ħaġa iebsa".

[1729] 4 Tassew, meta ra li kien qorob l-aħħar jum tiegħu, kif diġà kien tgħallem sentejn qabel minn fra Elia li lilu l-Mulej kien għoġbu jirrivela l-mewt tal-missier, hu sejjaħ lejh lill-aħwa u lill-ulied li hu kien għażel. Hu berikhom wieħed wieħed kif ingħatalu d-don li jagħmel hekk mill-għoli, kif kien għamel Ġakobb fil-qedem. Meta fra Elia qagħad fuq in-naħa tax-xellug tiegħu flimkien ma' uliedu l-oħrajn miġburin madwaru, hu sallab idejh u qiegħed idu l-leminija fuq rasu. Imma billi hu kien tilef id-dawl u l-użu ta' l-għajnejn tal-ġisem, staqsa: "Fuq min qiegħed inpoġġi idi l-leminija?" Huma weġbuh: "Fuq fra Elia". U hu wieġeb: "Dan hu li nixtieq nagħmel. Ibni, jiena inbierkek f'kollox u għal kollox. Inti ħadt fuq spallejk it-toqol tiegħi u bil-kuraġġ kollu weġibt għall-ħtiġijiet ta' l-aħwa. U kif l-Aktar Għoli kattarhom u ħarishom f'idejk, hekk ukoll fuqek u fik, jiena inberikhom ilkoll. Alla, li hu s-sultan ta' kulħadd, ibierkek fis-smewwiet u fuq l-art. Jiena nbierkek kemm nista' u aktar milli nista', u dak li ma nistax nagħmel jien jalla jagħmlu fik Dak li jista' kollox. Alla jiftakar fil-ħidmiet u t-taħbit tiegħek u jalla jerfagħlek post fost il-premji li jagħti lit-tajbin. Jalla inti tirċievi kull barka li tixtieq u jalla jseħħu x-xewqat xierqa tiegħek. Saħħa, uliedi kollha kemm intom. Għixu fil-biża' tal-Mulej u ibqgħu fih dejjem. U billi fil-ġejjieni se joqorbu lejkom il-provi u t-tiġrib, jalla jkunu ferħanin dawk li jipperseveraw f'dak li bdew jagħmlu. Għalissa jiena qiegħed ngħaġġel lejn il-Mulej li fil-grazzja tiegħu nirrikmandakom ilkoll".

[1730] 5 Wara dan, ikkmanda li jeħduh f'Santa Marija tal-Porziuncola, sabiex hu jreġġa' lura ruħu lil Alla fil-post li fih għall-ewwel darba għaraf b'mod perfett it-triq tal-verità. Dan il-post, kif hu kien tgħallem mill-esperjenza tiegħu, kien mimli bil-grazzja u kienu jżuruh l-ispirti tas-sema. Dan il-post hu dejjem ried li l-aħwa jħarsuh bil-ġieħ kollu, għaliex iż-żerriegħa ġdida tar-reliġjon, li nibtet hemmhekk, kienet imliet id-dinja kollha. Wara li strieħ għal ftit jiem fil-post li fih xtaq imut, billi kien jaf li l-ħin tal-mewt kien issa resaq qrib, hu sejjaħ lil fra Angelo u lil fra Leone, li kienu l-aktar għeżież għalih, u ordnalhom biex ikantaw b'leħen għoli t-Tifħir tal-Mulej għall-mewt tiegħu li kienet qed toqrob.

[1731] 6 Hu nnifsu, kif seta', infexx ikanta dan is-salm: *B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob* (S. 141). Imbagħad mall-ewwel talab li jġibu l-Ktieb ta' l-Evanġelji u li jaqrawlu l-Evanġelju skond San Ġwann mill-post fejn hemm il-kelmiet: *Qabel il-festa ta' l-Għid* (Ġw 13,1). U filwaqt li dar lejn wieħed mill-aħwa li kien iħobb, hu qallu: "Inti bierek lill-aħwa tiegħi għalija, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk li mhumiex hawn. Jiena naħfer il-ħtijiet u l-offiżi kollha tagħhom, u jiena nassolvihom minnhom sakemm nista'". Fl-aħħarnett, meta hu talabhom jgħattuh bl-ixkejjer u jroxxulu fuqu l-irmied, b'uliedu u ħutu jibku, weqfin u mdawwrin miegħu, dik ir-ruħ l-aktar qaddisa inħallet minn mal-ġisem, u intilfet fl-abbiss tad-dawl, u ġismu raqad fil-Mulej. Wieħed mid-dixxipli tiegħu, ta' fama ta' qdusija mhux żgħira, ra r-ruħ tal-missier l-aktar qaddis tiela' lejn is-sema bħal kewkba. Hi kienet kbira daqs il-qamar u kienet tiddi bħax-xemx, u kienet tittajjar fuq ħafna ilmijiet imġorrija minn sħaba bajda.

[1732] 7 Minħabba f'hekk, inġabret folla kbira ta' nies, ilkoll ifaħħru u jagħtu glorja lill-isem tal-Mulej. Il-belt kollha ta' Assisi niżlet tiġri bi ħġarha u n-nies ġew minn dawk l-inħawi kollha biex jaraw l-għeġubijiet ta' Alla, li l-Mulej kien wera b'mod tant glorjuż fil-qaddej tiegħu. L-ulied bdew jitbekkew għat-telfa ta' dan il-missier u bdew juru s-sentimenti ta' qlubhom b'ħafna

dmugħ u tnehid. Imma miraklu ġdid bidel il-biki tagħhom fil-ferħ u n-niket tagħhom f'għajjat ta' hena. Huma raw il-ġisem tal-missier qaddis tagħhom imżejjen bl-istimmati ta' Kristu. Ma rawx biss il-ħofor ta' l-imsiemer, imma l-imsiemer infushom f'nofs idejh u riġlejh, li kienu ġew iffurmati minn laħmu stess, u li kienu jikbru mil-laħam u kellhom il-lewn sewdieni tal-ħadid. Raw ukoll il-ġenb tiegħu tal-lemin li kien iħammar bid-demm. Il-ġilda tiegħu, li qabel kienet tidher x'aktarx skura b'mod naturali, issa bdiet tiddi fil-bjuda tagħha, u kienet twiegħed il-premju tal-qawmien ħieni mill-imwiet. Fl-aħħarnett, il-membri ta' ġismu kienu saru rotob u jiltwew; ma kienux iebsin, kif jiġri s-soltu fil-mejtin, imma kienu donnhom inbidlu fil-membri ta' tfajjel żgħir. Uliedu għaldaqstant bdew jibku bil-ferħ tal-qalb u bdew ibusu l-marki tas-Sultan l-aktar għoli li kienu jidhru fil-missier. Imbagħad l-aħwa u l-ulied inġabru flimkien mal-ġemgħa kollha tan-nies li kienu ġew mill-ibliet fil-qrib. Huma għaddew il-lejl kollu tat-tluq tal-missier qaddis fil-kant divin. Il-ħsejjes ħelwin tal-ferħ u d-dija tad-dwal kienu juru li kienu donnhom l-anġli li qegħdin jishru f'dak il-lejl.

[1733] 8 Meta sebaħ filgħodu, il-ġmiegħi ta' nies li kienu inġabru, ħadu f'idejhom il-friegħi taż-żebbuġ u ta' siġar oħrajn, u ġarrew il-ġisem imqaddes lejn il-belt ta' Assisi b'ħafna dwal, bid-daqq tat-trombi, u b'innijiet u tifħir. Meta l-ulied ġarrew il-missier twajjeb u waslu fil-post li fih hu kien ħawwel għall-ewwel darba r-reliġjon tal-*Povere Dame*, huma waqfu għal ftit tal-ħin fil-knisja ta' San Damiano. It-tieqa ċkejkna infetħet, dik li l-qaddejja ta' Kristu kienu jużaw fil-ħin li fih kienu jirċievu s-sagrament tal-ġisem tal-Mulej. U hemm hi, s-Sinjura Klara, li kienet tassew tiddi fil-qdusija tal-merti tagħha, u li kienet l-omm ta' l-oħrajn, għaliex kienet l-ewwel pjanta ta' dak l-Ordni mqaddes, li ġiet flimkien ma' wliedha biex tara l-ġisem ta' dak il-missier l-aktar twajjeb. Huma bdew iħarsu lejh, u bdew jitniehdu u jibku b'qalbhom maqsuma. Huma bdew jgħidulu fost l-ilfiq: "Missier! Missier, x'sejrin nagħmlu? Għaliex inti sejjer tħalli lilna fqajrin waħedna? F'idejn min se tħallina? Il-faraġ tagħna kollu sejjer jgħib flimkien miegħek, hekk li ma jifdlilna l-ebda faraġ f'din id-dinja". Imbagħad bdew ibusu idejh li kienu jiddu bil-ħaġar prezzjuż u bl-isbaħ ġawhar, u damu għal żmien twil jitniehdu u jibku. Imbagħad dak il-ġisem ittieħed minn hemm, u l-bieb ingħalaq għalihom, u qatt aktar ma kellu jinfetaħ għal ġerħa hekk kbira. Fl-aħħarnett kulħadd wasal fil-belt u, b'ferħ u hena kbir, huma qegħdu lil dak il-ġisem imqaddes f'post qaddis. F'dak il-post hu kien tgħallem jaqra u jikteb meta kien għadu tifel ċkejken, hemmhekk hu kien ippriedka għall-ewwel darba. Hekk kien jidher ċar li l-bidu ferrieħi għall-glorja għolja li akkwista kellu jiġi warajh tmiem ħieni ta' glorja ħafna akbar.

[1734] 9 Hekk, fis-sena elf mitejn u sitta u għoxrin ta' l-Inkarnazzjoni, fir-raba' jum qabel in-*nonae* ta' Ottubru, li kien il-Ħadd, wara li kienu għaddew għoxrin sena minn meta kien ingħaqad perfettament ma' Kristu, billi mexa fuq il-passi ta' l-Appostli, ir-raġel apostoliku Franġisku, meħlus mix-xkiel ta' din il-ħajja li tintemm, telaq mimli ferħ lejn Kristu u indifen f'dak il-post. Hu beda jiddi b'tant għeġubijiet u b'ħafna mirakli f'kull reġjun, hekk li fi żmien qasir hu kien wassal lid-dinja biex tistagħġeb b'seklu ġdid. Billi, fid-dawl ta' mirakli ġodda, hu kien diġà jiddi f'diversi nħawi tad-dinja, dawk li kienu mimlijin ferħ għax kienu ġew meħlusin minn diżastri bil-grazzja tiegħu, kienu ġejjin iħaffu minn kullimkien. Hekk is-Sinjur Papa Girgor, li dik il-ħabta kien jinsab Perugia, beda jiddiskuti l-kanonizzazzjoni tiegħu flimkien mal-kardinali kollha u l-prelati l-oħrajn tal-Knisja. Ilkoll qablu flimkien u tawh l-istess fehma. Huma qraw u approvaw il-mirakli li l-Mulej kien wettaq permezz tal-qaddej tiegħu, u kienu jfaħħru ħajtu u l-imġieba tal-missier imqaddes bl-ogħla tifħir. Imbagħad il-prinċpijiet tad-dinja ġew mistiedna qabel kulħadd għal din is-solennità kbira, u fil-jum miftiehem numru kbir ta' prelati flimkien ma' ġemgħa bla

tarf ta' nies daħlu flimkien mal-Papa qaddis fil-belt ta' Assisi. Meta huma waslu fil-post imħejji għal din il-laqgħa solenni, il-Papa Girgor ippriedka qabel xejn lin-nies kollha u ħabbar bi kliem ħelu daqs l-għasel it-tifħir ta' Alla. Hu wkoll faħħar lill-missier imqaddes Franġisku bi priedka mill-aktar nobbli u, waqt li kien jitkellem dwar is-safa tal-forma ta' ħajja tiegħu, wiċċu inħasel bid-dmugħ.

[1735] 10 Imbagħad, meta temm il-priedka tiegħu, il-Papa Girgor, refa' idejh lejn is-sema, u għajjat b'leħen qawwi: "Għat-tifħir u l-glorja ta' Alla li jista' kollox, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, tal-glorjuża Verġni Marija, tal-qaddisin Appostli Pietru u Pawlu, għall-ġieħ tal-Knisja glorjuża Rumana! Wara li tajna widen għall-parir ta' ħutna u tal-prelati l-oħrajn, aħna niddikjaraw li l-missier l-aktar qaddis Frangisku, li l-Mulej igglorifikah fis-sema u li aħna nqimuh hawn fuq l-art, għandu jitniżżel fil-katalogu tal-qaddisin, u li l-festa tiegħu għandha tiġi iċċelebrata solennement fil-jum tal-mewt tiegħu". Ma' din l-aħbar, il-kardinali bdew ikantaw it-*Te Deum* b'leħen qawwi flimkien mal-Papa. U hekk hu li beda tielgħa l-għajjat ta' ferħ tal-poplu kollu u, flimkien mad-daqq tal-qniepen u d-diwi tat-trombi, l-art bdiet titriegħed. L-arja imtliet bil-ferħ u l-art ixxarrbet bid-dmugħ. Il-jum beda jisbaħ, imlewwen bir-raġġi jiddu tax-xemx. Kienu jidhru l-friegħi iħaddru u friski taż-żebbuġ u tas-siġar l-oħrajn. Hemmhekk kulħadd kien liebes bl-ilbies tal-festa, li kienu jiddu, u l-barka tas-sliem kienet tferraħ il-qlub. Il-Papa Girgor niżel mit-tron tiegħu, u bix-xofftejn qaddisa tiegħu beda jbus il-qabar li fih kienet hemm il-ġisem qaddis iddedikat lil Alla. Hu offra ħafna talb u hemm iċċelebra l-misteri qaddisa. Il-poplu kollu beda jsemma t-tifħir ta' Alla, li beda jidwi ma' kullimkien, u beda jrodd ħajr lill-qaddis tiegħu. Dan kollu ġara fis-sena elf, mitejn u tmienja u għoxrin ta' l-Inkarnazzjoni, fit-tieni sena tal-pontifikat tas-Sinjur Papa Girgor, fis-sbatax il-jum tal-*kalendae* ta' Awissu.

[1736] 11 Sentejn wara dawn il-ġrajjiet il-ġisem tal-missier l-aktar qaddis ittieħed mill-post li fih indifen għall-ewwel darba lejn il-knisja ġdida li kienet inbniet għall-ġieħ tiegħu barra mill-ħitan tal-belt. Għaliex hemmhekk kien qiegħed jiġi iċċelebrat kapitlu ġenerali għal dik is-solennità kbira, u hemmhekk inġabret l-akbar ġemgħa ta' aħwa min-naħat kollha tad-dinja. Tant inġabru folol kbar ta' nies hemmhekk minn diversi inħawi tad-dinja li l-belt ma setgħetx tesagħhom, u huma kienu jimlew l-għelieqi u t-toroq ta' madwar. Imma s-Sinjur Papa Girgor ma setax jattendi din is-solennità kbira minħabba ħtiġijiet urġenti tal-Knisja, u hu bagħat nunzji tiegħu flimkien ma' ittra li fiha spjega r-raġuni għaliex ma setax ikun preżenti. Hu wkoll bagħat lill-Bażilika ta' San Franġisk salib tad-deheb imżejjen b'ħaġar prezzjuż, li fih kien hemm imħarsa biċċa għuda mis-salib tal-Mulej. Hu wkoll bagħat tiżjin u bosta vażi sagri għall-ministeru ta' l-altar, flimkien ma' xi ilbies liturġiku għaċ-ċerimonja li kien jiswa ħafna. Hu ried li l-knisja innifisha, li hu kien qiegħed l-ewwel ġebla tagħha b'idejh, tkun eżenti minn kull ġurisdizzjoni inferjuri għall-ġurisdizzjoni apostolika tiegħu. Inroddu ħajr lil Alla. Amen.

## Il-Mirakli ta' San Franġisk

[1737] 1 L-Imqaddes Franġisku, li kien iġorr l-istendard tas-Sultan ta' dejjem, wettaq l-ewwel miraklu tiegħu fl-istess jum li fih ġie midfun. Ġabu fuq il-qabar tiegħu waħda tifla ċkejkna li, għal aktar minn sena, kienet tbati minn diżabilità f'għonqha li kienet tant tal-biża' li rasha kienet tistrieħ fuq spallitha, u setgħet tħares biss la ġenba. Hi qiegħdet rasha għal ftit tal-ħin taħt l-arka li fiha kien jistrieħ il-ġisem imqaddes tal-qaddej ta' Kristu, u dak il-ħin stess kienet tista' tidritta

għonqha u rasha reġgħet għall-pożizzjoni normali tagħha. Malli ġralha hekk din it-tifla ħadet qatgħa hekk kbira li bdiet taħrab tiġri minn hemmhekk u tibki. Fuq spallitha kien hemm ħofra li fiha qabel kien hemm rasha, meta din kienet tgħawwġet barra minn postha minħabba l-marda twila tagħha.

[1738] 2 Fil-*contado* ta' Narni kien hemm tifel li riġlu kienet milwija lura tant li ma setax jimxi bl-ebda mmod mingħajr l-għajnuna ta' żewġ bsaten. Hu kien jgħix billi jittallab, u kien ilu jsofri minn dik it-tbatija għal bosta snin, u lanqas kien jaf min kienu missieru jew ommu. It-tifel ġie meħlus għal kollox mit-tbatijiet tiegħu għall-merti ta' l-imqaddes Franġisku hekk li seta' jimxi mingħajr xkiel u bla ma juża l-bsaten.

[1739] 3 Kien hemm tifel ieħor minn Montenero li kien ilu għal bosta jiem quddiem il-bibien tal-knisja li fiha kien jistrieħ il-ġisem ta' San Franġisk. Hu ma setax jimxi u lanqas iqum, għaliex kien paralizzat għal kollox minn qaddu 'l isfel. Jum minnhom daħal fil-knisja u mess il-qabar tal-wisq qaddis missier Franġisku. Meta reġa' ħareġ barra, hu kien fieq għal kollox. Mhux biss, imma l-istess tifel irrakkonta li meta kien jinsab mixħut quddiem il-qabar tal-qaddis glorjuż, kien hemm raġel żagħżugħ liebes bit-tonka ta' l-aħwa li kien qiegħed fuq il-qabar. Dak ir-raġel żagħżugħ kellu f'idejh xi lanġas, u hu sejjaħ lit-tifel. Hu offrielu lanġasa, u stiednu biex iqum. It-tifel ħa l-lanġasa minn idejn dak ir-raġel żagħżugħ, u qallu: "Ara, jiena paralizzat u ma nistax inqum bl-ebda mod!" Imbagħad kiel dik il-lanġasa li tah, u reġa' newwel idu mill-ġdid biex jieħu lanġasa oħra li dak iż-żagħżugħ kien qed joffrilu. Dak ir-raġel mill-ġdid talbu biex iqum, imma t-tifel, billi ħassu mtaqqal mill-marda tiegħu, ma qamx. Imma filwaqt li t-tifel firex idu, dak iż-żagħżugħ li kellu l-lanġasa qabdu minn idu u ħarġu barra. Imbagħad hu għab minn quddiemu. Meta t-tifel ra li hu kien imfejjaq, beda jgħajjat kemm jiflaħ, u jgħid lil kulħadd dak li kien ġralu.

[1740] 4 Fil-belt ta' Capua waħda mara għamlet wegħda li żżur il-qabar ta' l-imqaddes Franġisku. Minħabba l-ħafna ħsibijiet tal-familja tagħha, hi insiet il-wegħda li kienet għamlet u f'daqqa waħda tilfet l-użu tal-ġenb tal-lemin tagħha. Minħabba li kellha n-nervituri maqrusin hi ma setgħetx iddawwar rasha jew driegħha lejn ċerti bnadi. Tant kienet maħkuma mill-uġiegħ li kienet tgħajji lill-ġirien bl-għajjat bla jaqta' tagħha. Tnejn mill-aħwa inzertaw li kienu għaddejjin ma' ġenb id-dar tagħha, u fuq talba ta' wieħed qassis huma waqfu biex iżuru lil dik il-mara mnikkta. Hi stqarritilhom li ma kienetx għamlet il-wegħda tagħha, u meta irċeviet il-barka tagħhom, hi qamet mall-ewwel minn fejn kienet b'saħħitha. U mimlija bil-għaqal, bħala penitenza, hi wettqet il-wegħda tagħha mingħajr dewmien.

[1741] 5 Bartolomeo minn Narni kien rieqed għad-dell ta' siġra meta ħakmu x-xitan li ħallieh mingħajr l-użu ta' sieq u riġel. Billi hu kien raġel fqir ħafna, ma kienx jaf fejn se jaqbad imur. Imma dak il-maħbub tal-foqra, Franġisku, li jġorr l-istendard ta' Alla, deherlu waqt ħolma u ordnalu jmur lejn ċertu post. Hu telaq ikaxkar lilu nnifsu hemmhekk, imma kien għoddu ħareġ mit-triq li kienet tieħu dritt f'dak il-post meta sema' leħen jgħidlu: "Il-paċi miegħek! Jiena dak li f'idejh int irrikmandajt lilek innifsek". Imbagħad wasslu f'dak il-post, sabiex ikun jista' jarah, qiegħed idu fuq siequ u oħra fuq riġlu, u hekk fejjaqlu l-ġogi paralizzati tiegħu. Dak ir-raġel kien imdaħħal fiż-żmien u kien ilu paralizzat għal sitt snin.

[1742] 6 Fil-belt ta' Capua wieħed żagħżugħ kien qiegħed jilgħab bla ħsieb mal-ħbieb tiegħu fuq ix-xatt tax-xmara Volturno. Minn hemm hu waqa' fl-ilma fond. Il-qawwa tax-xmara malajr

belgħetu u difnitu taħt ir-ramel. It-tfal li kienu jilgħabu miegħu bdew jgħajjtu, u bosta irġiel u nisa malajr marru jiġri f'dak il-post. Meta huma semgħu l-istorja li qalulhom it-tfal huma bdew jibku bin-niket, u bdew jgħidu: "San Franġisk, wassal lura lit-tifel lejn missieru u lejn nannuh, għaliex huma qaddejja beżlin!" Għax tassew, il-missier u n-nannu ta' dak iż-żagħżugħ kienu taw kull ma setgħu biex jibnu knisja għall-ġieħ ta' San Franġisk. Kulħadd kien qiegħed jitlob lil San Franġisk biex jidħol għalih. Xi ftit 'il bogħod minnhom kien hemm għawwiem li sema' l-għajjat tagħhom u resaq lejhom. Hu sar jaf li kienet għaddiet siegħa sħiħa minn meta ż-żagħżugħ kien waqa' fix-xmara. Hu sejjaħ l-isem ta' Kristu u l-merti ta' San Franġisk, imbagħad neża' ħwejjġu u qabeż għarwien fix-xmara. Billi ma kienx jaf fejn dak iż-żagħżugħ kien waqa', u beda jfittex 'l hawn u 'l hinn max-xatt u fil-qiegħ. Fl-aħħarnett, bil-grazzja ta' Alla hu sab il-post fejn it-tajn kien qiegħed jgħatti l-ġisem mejjet bħal qabar. Hu ħaffer u ġarru 'l barra mill-ilma, imma tnikket meta ntebaħ li kien mejjet. Għalkemm il-folla tan-nies raw li kien mejjet, huma bdew jibku u jgħajjtu: "San Franġisk, agħti lil dan iż-żagħżugħ lura lil missieru!" Xi Lhud li kienu inġabru hemm, imqanqlin minn ħniena naturali, ukoll bdew jgħidu l-istess ħaġa: "San Franġisk, agħti lil dan iż-żagħżugħ lura lil missieru!" Kien donnu li l-imqaddes Franġisku deher biex iwieġeb għal dawk it-talbiet u d-devozzjoni tan-nies, u ġie hemmhekk biex iqajjem liż-żagħżugħ. Il-folla baqgħet mistagħġba u ferħet. Meta ż-żagħżugħ qam, hu talab bil-ħlewwa biex jeħduh fil-knisja ta' l-imqaddes Franġisku. Għal dak li ġara lkoll faħħru lil Alla li għoġbu jaħdem dawk l-għeġubijiet permezz tal-qaddej tiegħu.

[1743] 7 Fil-belt ta' Sessa, fl-inħawi magħrufin bħala «Ad Columnas», ix-xitan, li hu qerried u qattiel tal-bnedmin, qered u ġarraf dar ... Meta n-nies u l-kleru rawh [liż-żagħżugħ] qawwi u f'saħħtu u li ma kien sofra l-ebda ħsara, huma wkoll raddew ħajr lill-imqaddes Franġisku[448].

[1744] 22 Wieħed mill-aħwa kellu ulċera kerha fil-qasba ta' wirku, li kienet tant serja li hu kien qata' qalbu għal kollox minn kull kura. Meta l-aħwa talbu permess lill-ministru tiegħu biex hu jmur iżur il-qabar ta' San Franġisk, il-ministru ma riedx jagħtihulhom, għax beża' li l-vjaġġ kien ikompli jtaqqal il-periklu li kien jinsab fih. Dak il-patri tnikket ħafna għal dan. San Franġisk deherlu lejl minnhom u qallu: "La tinkwetax iżjed, ibni, imma neħħi l-ġilda li inti liebes u l-faxex minn fuq il-ferita tiegħek. Obdi lir-Regola tiegħek, u inti titfejjaq". Meta qam l-għada filgħodu, hu għamel dak kollu li ġie ikkmandat lilu, u malajr irċieva l-fejqan.

[1745] 23 Meta Girgor IX kien fuq it-tron ta' Pietru, qamet persekuzzjoni ħarxa ta' l-eretiċi. Wieħed raġel jismu Pietro minn Alife kien fost dawk akkużati b'ereżija, u ġie arrestat f'Ruma ... Aktar tard il-ktajjen tiegħu ġabuhom għand is-Sinjur Papa u l-kardinali. Meta semgħu dak li kien ġara, b'għaġeb kbir huma bierku lil Alla[449].

[1746] 24 Bartolomeo, li kien joqgħod Gaeta, kien qed jaħdem bla heda biex jibni knisja iddedikata lil San Franġisk. Hu kellu f'moħħu li jqiegħed travu f'postu, imma dak it-travu ma tqiegħedx sewwa; waqa' u għaffiġlu għonqu ... Ir-raġel qam l-għada filgħodu kmieni, u l-ħaddiema

---

[448] Dan l-episodju, ta' żagħżugħ li ġġarrfet fuqu dar, u reġa' ħa l-ħajja, jinsab fi 3C 45. Is-sezzjonijiet 8-21 iġibu mirakli li jinsabu f'*Analecta Franciscana* X, 543-554 fit-*Tractatus Miraculorum* ta' Tommaso da Celano, u l-edituri ta' Quaracchi ma jirrepetuhomx imma jagħtu biss l-indikazzjoni tagħhom: 8 = 3C 47; 9 = 3C 48; 10 = 3C 62; 11 = 3C 63; 12 = 3C 64; 13 = 3C 66; 14 = 1C 139 u 3C 67; 15 = 1C 140 u 3C 68; 16 = 1C 140 u 3C 69; 17 = 3C 148; 18 = 3C 149; 19 = 3C 107; 20 = 3C 187; 21 = 1C 143 u 3C 197.

[449] Ir-rakkont sħiħ tal-ġrajja jinsab f'3C 93.

li kienu ħallewh nofsu mejjet baqgħu mistagħġba u mħawwdin meta rawh qawwi u sħiħ. Għax billi ma kellhom l-ebda tama li seta' jfiq, huma ħasbu li kienu qed jaraw fantażma[450].

[1747] 25 Waħda mara twajba ħafna, li minn mindu kienet għadha tifla ċkejkna, kienet twarrbet għaliha waħedha għall-imħabba ta' l-Għarus ta' dejjem tagħha, kienet stħaqqilha li tikseb il-faraġ tal-ħbiberija ta' l-imqaddes Franġisku meta kien għadu ħaj. Jum minnhom waqt li kienet qed taqdi dmirijietha hi telgħet fuq il-bejt taċ-ċella tagħha, imma b'xi qawwa misterjuża, waqgħet għal isfel ... Hi ma ħasset l-ebda uġiegħ u kienet tirrakkonta dak kollu li ġralha ħaġa b'ħaġa[451].

[1748] 26 Hawnhekk aħna ntemmu dan ir-rakkont, u nitolbu skiet fuq in-numru ta' mirakli li għandhom jinkitbu. Inroddu ħajr lil Alla. Amen.

[450] Ir-rakkont sħiħ tal-ġrajja jinsab f'3C 59.
[451] Ir-rakkont sħiħ tal-ġrajja jinsab f'3C 181.

# FRATE ELIA «ITTRA ENĊIKLIKA DWAR IT-TRANSITU TA' SAN FRANĠISK»

[1749] Lill-maħbub fi Kristu fra Gregorio[452], ħuh l-aktar għażiż fi Kristu, ministru tal-provinċja ta' Franza[453], u lill-aħwa l-oħrajn kollha tiegħu u tagħna, jibgħat it-tislijiet tiegħu fra Elia, midneb.

Qabel ma nibda nitkellem, nolfoq mill-qiegħ ta' qalbi, u tassew għandi għaliex. *Jiena ngħajjat bħall-gliegel ta' ħafna ilmijiet, għaliex dak li nibża' minnu ġie fuqna*, fuqi u fuqkom; *u dak li kien ibeżżagħni issa laqatni* (cfr. Ġob 3,24-25), lili u lilkom: Dak *li kien il-faraġ tagħna mar 'il bogħod minna* (cfr. Lam 1,16); dak *li kien iġorrna f'dirgħajh bħal ħrief, telaq lejn pajjiż imbiegħed* (cfr. Ħos 11,3; Mt 21,33; Lq 19,12). Hu, li *kien jgħallimna t-triq tal-ħajja u ta' l-ubbidjenza lejn Ġakobb,* u li għadda *testament ta' sliem għal Israel* (cfr. Sir 45,6.30), għaliex *hu kien il-maħbub ta' Alla u tal-bnedmin* (cfr. Sir 45,1), issa iddaħħal fl-għamajjar l-aktar imdawwlin tas-sema. Jekk għalih jeħtieġ li nifirħu bil-ferħ kollu, għalina issa hu biss żmien ta' niket, għaliex aħna sfajna mingħajru filwaqt *li ħakmuna d-dlamijiet* (cfr. Sir 23,26) u *għattewna dellijiet il-mewt* (cfr. S 43,20).

---

[452] L-*Epistola encyclica de transitu sancti Francisci*, hi ittra minsuġa minn ħafna kwotazzjonijiet u riferimenti bibliċi (Ġakobb, Mosè, Aaron, Ġwanni l-Battista), u miktuba skond in-normi tal-*cursus* medjevali. Attribwita lil fra Elia, li kien il-vigarju ta' l-Ordni meta miet San Franġisk fl-1226, din l-ittra trid tkun l-ewwel dokument storiku li jitkellem dwar l-istimmati ta' San Franġisk, u timmarka dak il-kult li żviluppa aktar tard madwar il-figura ta' Franġisku bħala *alter Christus*. L-ittra tidher miktuba immedjatament wara l-mewt tal-Qaddis, u mibgħuta *ad omnes provincias Ordinis* (lill-provinċji kollha ta' l-Ordni). Fil-forma li waslet għandna tidher indirizzata lil fra Gregorio da Napoli, ministru provinċjal ta' Franza. L-ewwel wieħed li għamel studju fuq din l-ittra kien G. Spoerlbech, li ippubblikaha fli *Speculum vitae beati Francisci et sociorium eius*, Antwerp, 1620, 103-106. Hu jgħid li kien ra l-ittra mibgħuta lil fra Gregorio fil-kunvent tal-Franġiskani Rekolletti ta' Valenciennes (Franza ta' fuq), imma fil-fatt, l-ittra oriġinali qatt ma nstabet u hi meqjusa mitlufa. M. Bihl kien dak li tana l-edizzjoni kritika, *Epistola encyclica de transitu s. Francisci ad omnes provincias Ordinis missa*, in *Analecta Franciscana* X,523-528. Illum il-ġurnata l-istudjużi jqisu l-ittra bħala apokrifa, minħabba bosta diffikultajiet interni. Wieħed ta' min jistaqsi, per eżempju, kif ittra enċiklika, li suppost saru minnha kopji daqs kemm kien hemm provinċji fl-Ordni, instabet biss f'eżemplar wieħed, li mbagħad intilef. Ittra bħal din, li wieħed jistenna li tagħti dettalji dwar il-mewt u l-funerali ta' San Franġisk lill-aħwa li kienu jgħixu l-bogħod minn Assisi, minn dan kollu ma tagħmel xejn. Wieħed jista' jgħid li l-aħwa li qrawha saru jafu li San Franġisk miet, u daqshekk! Giordano da Giano, fil-*Chronica*, 50, isemmi ittra li kiteb fra Elia, imma l-kontenuti li jagħti huma differenti. Fost l-oħrajn Elia sejjaħ kapitlu ġenerali għall-1227 biex jeleġġi l-ministru ġeneral, ħaġa li f'din il-kopja ma tidhirx, u li tħallina mħassbin. L-insistenza dwar il-verità ta' l-istimmati ta' San Franġisk lanqas ma nifhumha eżatt fil-ħin li fih miet il-Qaddis, meta x-xhieda kienet għadha friska fl-imħuh u l-qlub. Insomma, kollox jindika ittra apokrifa li, jekk eżistiet, ma kienetx din li għandna llum. Rigward din l-ittra x'aktarx li kienet tweġiba tardiva għal dawk li kienu qegħdin jiċħdu r-rejaltà ta' l-istimmati, fi żmien meta kien hemm oppożizzjoni għall-figura ta' Franġisku, *alter Christus*, fost ċirkoli mill-knejjes riformati, u fl-ambjent ta' Valenciennes, appuntu fejn Spoerlbech "sab" il-famuża ittra ta' fra Elia. Cfr. Felice Accrocca., "Un apocrifo, la «Lettera enciclica di frate Elia sul transito di s. Francesco»?", *Collectanea Franciscana* 63 (1995) 473-509. English Translation: "Is the Encyclical Letter of Brother Elias on the Transitus of St. Francis Apocryphal?", *Greyfriars Review* Vol. 13, Supplement (1999) 19-64.

[453] Id-destinatarju hu fra Gregorio da Napoli, li kien iħatar vigarju flimkien ma' fra Matteo da Narni, meta Franġisku mar fil-vjaġġ missjunarju tiegħu fl-Eġittu u l-Art Imqaddsa fl-1219-1220. Kien ministru ta' Franza bejn l-1223 u l-1233, u kien provinċjal immedjatament wara fra Pacifico "re dei versi".

Jekk din hi telfa li ma timtela' b'xejn għal kulħadd, imma għalija hi ta' periklu speċjali, għaliex issa hu lili ħallieni *f'nofs id-dlamijiet* (cfr. Dt 5,23), imdawwar minn bosta tħassib u mgħaffeġ minn tiġrib bla għadd. U għalhekk nitlobkom bil-ħniena: ibku bħali, l-aħwa, għaliex *il-biki għafas fuqi* (cfr. Żak 9,5) u jiena nibki għalikom ilkoll: *Aħna sfajna orfni, bla missier* (cfr. Lam 5,2), ġejna mċaħħdin minn dak li kien *id-dawl li jdawwal lil għajnejna* (cfr. S 37,11).

Għax tassew li l-preżenza ta' ħuna u missier tagħna Franġisku kienet *dawl veru* (cfr. Ġw 12,35), mhux biss għalina *li konna qrib tiegħu* fl-istess professjoni tal-ħajja tiegħu, imma wkoll għal dawk *li kienu jinsabu 'l bogħod* (cfr. Ef 2,17). Għax hu *kien dawl li tnissel mid-dawl veru* (cfr. Ġw 1,8-9), dak id-dawl li *jdawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, biex imexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem* (cfr. Lq 1,78.79). Dan hu wettqu, bħallikieku kien tassew id-dawl ta' nofs il-jum. *Id-dawl li ġie mill-għoli* (cfr. Lq 1,78) dawwal il-qalb tiegħu u saħħan ir-rieda tiegħu bin-nar ta' l-imħabba tiegħu. Hekk imħeġġeġ, hu *kien jippriedka s-Saltna ta' Alla* (cfr. Lq 8,1) u *kien jikkonverti l-qalb tal-missirijiet lejn l-ulied* u lill-boloh *ireġġagħhom lura lejn il-prudenza tal-ġusti, biex hekk ihejji fid-dinja kollha poplu ġdid għall-Mulej* (cfr. Lq 1,17; Mk 4,6). *Ismu jiġi msebbaħ sa l-ibgħad artijiet* (cfr. Sir 47,17), *u l-univers kollu jibqa' mimli stagħġib għall-għeġubijiet li wettaq* (cfr. S 138,14; Ġen 13,9).

Għaldaqstant, uliedi u ħuti, la tħallux li tintelqu għal niket bla lġiem, għaliex Alla *li hu missier l-iltiema* (cfr. S 67,6) *ifarraġkom bil-faraġ qaddis tiegħu* (cfr. 2Kor 7,6-7). U jekk tibku, ħuti, *ibku fuqkom infuskom u mhux fuqu* (cfr. Lq 23,28). Għaliex aħna, filwaqt li ninsabu fil-milja tal-ħajja tagħna, *ninsabu fil-mewt* (cfr. S 6,6), filwaqt li hu *għadda mill-mewt għall-ħajja* (cfr. Ġw 5,24). U kunu mimlijin bil-ferħ għaliex, *qabel ma hu telaq minn magħna* (cfr. 2Slat 2,9), bħal *Ġakobb ieħor bierek lil uliedu kollha* (cfr. Ġen 49,1-32) u ħafer lil kulħadd il-ħtijiet kollha li wieħed seta' wettaq jew ħaseb kontrih. [1C 109]

[1750] U issa *jiena se nħabbrilkom ferħ kbir* (cfr. Lq 2,10), miraklu ta' l-għaġeb. *Qatt ma nstema' fid-dinja miraklu ieħor* (cfr. Ġw 9,32) bħal dan, ħlief fl-*Iben ta' Alla* (cfr. Apk 7,2), *li hu Kristu l-Mulej* (cfr. Lq 2,11). Ftit taż-żmien qabel il-mewt tiegħu, dan ħuna u missierna deher imsallab, *u kien iġorr f'ġismu l-marki* (cfr. Gal 6,17) tal-ħames stimmati, li huma tassew l-istimmati ta' Kristu. Idejh u riġlejh kienu mtaqqbin bħal minn imsiemer li kienu jinfdu minn naħa għal oħra, u li kellhom feriti ta' lewn sewdieni bħall-ħadid. Ġenbu deher imċarrat minn lanza, u ta' spiss kienu jnixxu minnu qtar tad-demm. [1C 113]

Waqt li hu kien għadu jgħix kellu bixra umli u *ma kien hemm l-ebda sbuħija fuq wiċċu*: dan għax ma kienx fadal membru wieħed ta' ġismu li ma kienx *maħqur mit-tbatija* (cfr. Is 53,2-5). Il-membri tiegħu kienu ibbiesu, minħabba li n-nervituri kienu iġġebbdu, kif jiġri fil-każ ta' bniedem mejjet. Imma, wara l-mewt wiċċu *sar ta' sbuħija kbira* (cfr. 1Sam 16,12; 17,42), beda jiddi bi bjuda ta' l-għaġeb u li timlik bil-faraġ meta tħares lejha. Il-membri tiegħu, li fil-bidu kienu iebsin, saru rotob u li wieħed jista' jilwihom 'l hawn u 'l hemm kif jogħoġbu, proprju bħal dawk ta' tfajjel fil-fjur ta' ħajtu.

Għaldaqstant, ħuti, *bierku lil Alla tas-smewwiet u xandru l-kobor tiegħu quddiem kulħadd, għaliex niżżel fuqna l-ħniena tiegħu* (cfr. Tob 12,6). *Ħarsu t-tifkira* (cfr. Għerf 2,4) tal-missier tagħna u ħuna Franġisku, *għat-tifħir u l-glorja* (cfr. Fil 1,11) ta' Dak li għamlu kbir fost il-bnedmin

u li *igglorifikah fost l-anġli* (cfr. Lq 12,8). Itolbu għalih, kif hu nnifsu talabna qabel ma miet, u sejħulu sabiex Alla jagħmel li aħna nieħdu sehem miegħu mill-grazzja qaddisa tiegħu. Amen.

[1751] Nhar l-4 ta' Ottubru, jum il-Ħadd, fl-ewwel siegħa tal-lejl, il-missier tagħna u ħuna Franġisku reġa' lura għand Kristu. Intom, mela, ħuti l-aktar għeżież, li lilkom tasal din l-ittra, *imxu fuq il-passi* (cfr. Ġen 33,14) tal-poplu ta' Israel li beka fuq Mosè u Aaron, il-mexxejja qalbiena tiegħu, ħallu l-dmugħ joħroġ ħieles minn għajnejkom, għaliex aħna ġejna mċaħħdin mill-faraġ ta' missier hekk kbir.

Tassew, hi ħaġa qaddisa li naqsmu flimkien il-ferħ ta' Franġisku, imma hi ħaġa qaddisa wkoll nibku lil Franġisku. Hu sentiment ta' ulied li wieħed jieħu sehem fil-hena tiegħu, għaliex fil-fatt hu mhux mejjet, imma telaq lejn is-suq ta' dejjem tas-sema*, u f'idu qiegħed iġorr il-ħorġa bi flusu, u jerġa' lura d-dar fil-qamar mimli* (cfr. Prov 7,19-20). Imma hu wkoll sentiment ta' ulied li nibku t-telfa ta' Franġisku. Hu, *li kien jgħaddi minn ġo nofsna bħal Aaron* (cfr. 1Sam 18,16; Lhud 5,4), u li mit-teżor tiegħu kien jagħtina *ħwejjeġ ġodda u ħwejjeġ qodma* (cfr. Mt 13,52), u *kien ifarraġna fid-dwejjaq tagħna* (cfr. 2Kor 1,4), issa *ġie maħtuf minn magħna* (cfr. Lhud 11,5), u issa aħna *tassew iltima, bla missier* (cfr. Lam 5,3). Imma hu miktub: *F'idejk jintelaq l-imsejken, ta' l-iltim int sirt l-għajnuna* (cfr. S 9,35 [10,14]). Għaldaqstant, ħuti l-aktar għeżież, *itolbu lkoll mingħajr ma tgħejjew* (cfr. Tob 8,6) sabiex, jekk *il-ġarra ċkejkna tal-fuħħar tkissret fil-wied ta' ulied Adam* (cfr. Is 10,33; Ġer 19,1-2), il-Mulej, li hu l-fuħħari l-kbir, *jogħoġbu jsawwar oħra* (cfr. Ġer 19,11), li jkun jistħoqqilha l-ġieħ u li toqgħod fuq *il-kotra* tal-familja tagħna, u li tgħaddi quddiemna *fil-battalja, bħal Makkabew* (cfr. 1Mak 2,66) veru.

Imma, *billi mhijiex ħaġa bla siwi li wieħed jitlob għall-mejtin* (cfr. 2Mak 12,44), *itolbu lill-Mulej* (cfr. Is 37,15; 38,2) għal ruħu. Kull saċerdot jiċċelebra tliet quddisiet, kull kjerku jgħid is-salterju, kull wieħed mill-aħwa li mhuwiex saċerdot jgħid ħames *Missierna*[454]. Il-kjeriċi jiċċelebraw flimkien vġili solenni. Amen.

Fra Elia midneb.

[454] Kif josservaw l-edituri ta' l-*Aanalecta Franciscana* X,528, n. 8, il-paralleliżmu bejn l-obbligu tal-kjeriċi li jgħidu s-salterju kollu u li jagħmlu vġili solenni u dak tal-lajċi li jgħidu 5 *Missierna* ma tantx joqgħod. Forsi l-kopista żbalja n-numru ta' *Missierna*, li flok V (5) trid tkun CL (150) b'korrispondenza mas-salterju?

# JACOBUS DE VORAGINE «VITA SANCTI FRANCISCI IN LEGENDA AUREA»

## INTRODUZZJONI

Il-*Legenda Aurea* kienet l-aktar ġabra popolari ta' ħajjiet tal-qaddisin fil-Medjuevu. L-awtur tagħha hu patri Dumnikan, Jacopo da Varazze, magħruf popolarment bl-isem Latin tiegħu, Jacobus de Voragine. Hu twieled fil-belt ta' Varazze, fuq il-kosta tal-Liguria, madwar l-1228. Daħal fl-Ordni tal-Predikaturi fl-1244. Għal ħamsin sena hu kien mgħallem magħruf, u kien Prijur Provinċjali tal-Lombardia għal għoxrin sena. Fl-1292 ġie magħżul bħala Arċisqof ta' Genova, fejn għamel fama ta' bniedem qaddis u ħabib tal-foqra. Miet fl-1298 u hu meqjum bħala Beatu fl-Ordni Dumnikan.

Jacopo sejjaħ din il-ħidma voluminuża tiegħu bl-isem *Legenda sanctorum*, u organizza l-materjal tiegħu skond it-tqassim tas-sena liturġika. L-iskop ewlieni ta' din il-ħidma aġjografika jidher li kien dak ta' għajnuna għall-predikazzjoni paniġeristika dwar il-ħajjiet tal-qaddisin. Imma fl-istess ħin din l-opra, magħrufa wkoll bħala *Legenda aurea*, ipprovdiet materjal għall-qari spiritwali ta' bosta persuni letterati, u għalhekk ġiet tradotta f'bosta lingwi Ewropej matul is-sekli ta' wara. Jacopo ma kienx tant jinteressah mill-oriġinalità, għaliex hu sawwar il-ħajjiet tiegħu billi ikkopja Leġġendi aktar qodma. Fost il-ħafna qaddisin li jitkellem fuqhom Jacopo, insibu lil San Franġisk, li hawnhekk sejrin inġibu t-traduzzjoni tal-ħajja tiegħu, bħala silta mil-*Legenda aurea*. Għalkemm ma hemmx elementi ta' oriġinalità kbira, din il-ħajja għandha l-importanza tagħha meta niftakru li, fil-medjuevu, kienet fost l-aktar ħajjiet magħrufin ta' San Franġisk fiċ-ċirkoli barra mill-Ordni tal-patrijiet Minuri. Id-datazzjoni ta' din is-sezzjoni tal-*Legenda aurea* tmur minn, bejn wieħed u ieħor, l-1255 sa l-1267.

L-edizzjoni kritika Latina tal-*Vita Sancti Francisci in Legenda aurea* tinsab fl-*Analecta Franciscana,* Vol. X, 681-693.

# JACOBUS DE VORAGINE «VITA SANCTI FRANCISCI IN LEGENDA AUREA»

[1752] 1 Franġisku għall-ewwel kien jismu Giovanni, imma mbagħad ismu bidluhulu f'dak ta' Francesco. Jidher li kien hemm bosta raġunijiet għal dan il-bdil. Qabel xejn, dan sar biex jitfakkar miraklu, għaliex hu magħruf li hu irċieva b'mod mirakoluż mingħand Alla li jitkellem bl-ilsien Franċiż. Għaliex fil-Leġġenda tiegħu jiġi rakkuntat li kull meta hu kien jimtela bil-ħeġġa ta' l-Ispirtu s-Santu, hu kien jinfexx jitkellem bil-Franċiż. It-tieni raġuni kienet biex hu juri lil kulħadd l-iskop li kellu Franġisku matul ħajtu. Għaliex il-Leġġenda tiegħu tgħid li l-Providenza divina riedet li jingħatalu dan l-isem, sabiex permezz ta' dan l-isem distintiv u mhux tas-soltu l-aħbar tal-ministeru tiegħu ssir magħrufa aktar malajr mad-dinja kollha. It-tielet raġuni kienet biex jiġu murija l-effetti li kellhom jiġu wara, għaliex bl-isem tiegħu kulħadd kellu jifhem li permezz tal-ministeru tiegħu u ta' dak ta' uliedu hu kellu jeħles u jirrendi franki[455] bosta lsira mid-dnub u mix-xitan. Ir-raba' raġuni kienet dik li tindika l-ġenerożità ta' qalbu. Għaliex il-Franki jieħdu isimhom mill-kelma Latina *ferocitas*, għaliex fil-Franċiżi hemm ċertu sens ta' verità naturali u ġenerożità tar-ruħ. Il-ħames raġuni kienet minħabba l-kapaċità tiegħu li jitkellem, għaliex il-predikazzjoni tiegħu, bħal mannara tal-battalja, kellha taqta' fil-laħam il-ħaj tal-vizzji. Is-sitt raġuni kienet għaliex, minħabba l-biża' tagħhom minnu, hu kellu jħarrab lix-xjaten. Is-seba' raġuni kienet minħabba s-sigurtà tiegħu fil-virtù, il-perfezzjoni tal-ħidmiet tiegħu, u l-mod mimli ġieħ kif kien jitratta ma' l-oħrajn. Għaliex jingħad li l-kelma *franciscae* tindika arma għamla ta' mannara li f'Ruma kienu jġorruha quddiem il-konsli, u li kienet tnissel biża' u sens ta' sigurtà u ġieħ.

[1753] 2 Franġisku, il-qaddej u l-ħabib ta' l-Aktar Għoli, twieled fil-belt ta' Assisi. Hu sar negozjant u, sakemm kellu għoxrin sena, għadda ħajja fil-frugħat tad-dinja. Imbagħad il-Mulej ippruvah bin-niggieża tal-mard, u hekk hu inbidel f'daqqa waħda f'persuna oħra, sakemm hu beda jispikka fl-ispirtu ta' profezija. Darba hu u bosta oħrajn inqabdu mill-Perugini u waddbuhom f'ħabs tal-biża', fejn l-oħrajn kienu jitbekkew fuq xortihom, filwaqt li Franġisku waħdu baqa' ferrieħi. Meta staqsewh dwar dan sħabu l-ħabsin l-oħra, hu wieġeb: "Kunu afu li jiena qiegħed nifraħ issa għaliex jiena għad iqimuni fiż-żminijiet kollha".

[1754] 3 Darba oħra hu mar Ruma għal raġunijiet ta' devozzjoni, u hemmhekk hu neża' l-ħwejjeġ għonja tiegħu u xidd l-ilbies imċerċer ta' wieħed raġel fqir. Imbagħad qagħad bilqiegħda mat-tallaba quddiem il-knisja ta' San Pietru, u beda jiekol bil-qalb magħhom bħallikieku kien wieħed minnhom. Kien jagħmel dan aktar ta' spiss, li kieku ma kienx jibqa' lura minħabba l-mistħija quddiem dawk li kienu jafuh.

[1755] 4 L-għadu tal-qedem ipprova jdawwar lil Franġisku 'l bogħod mill-iskop ta' salvazzjoni tiegħu, u daħħallu f'moħħu x-xbieha ta' waħda mara minn Assisi li kienet ħotbija b'mod li jbeżżgħek, u kien jhedded lil Franġisku li jagħmlu bħalha jekk hu ma jerġax lura għas-

[455] Hemm logħob tal-kliem bejn l-isem *Franciscus*, u *francus* (frank, ħieles).

sensi tiegħu minn dak li kien beda jagħmel. Imma hu irċieva qawwa mill-Mulej meta sema' dawn il-kelmiet: "Franġisku, għażel il-morr fuq il-ħelu u stmerr lilek innifsek, jekk inti tixtieq tagħrafni". Imbagħad hu inzerta li kien għaddej qrib wieħed lebbruż, u għalkemm kellu sens naturali ta' stmerrija għal dawn il-persuni, hu ftakar f'dak li kien qallu l-Mulej, u għalhekk hu telaq jiġri u mar ibus lil dak ir-raġel. Il-lebbruż għab minn quddiemu dak il-ħin stess. Imbagħad Franġisku ħaffef lejn il-lebbrożarju, u wara li beda jbusilhom idejhom bil-qima, tahom il-karità.

[1756] 5 Imbagħad hu daħal fil-knisja ta' San Damiano biex jitlob, u x-xbieha ta' Kristu bdiet tkellmu b'mod mirakoluż. Hu qallu: "Franġisku, mur u sewwi d-dar tiegħi, għaliex kif qiegħed tara, sejra tiġġarraf". Minn dik is-siegħa ruħu inħallet, u l-kompassjoni lejn l-Imsallab baqgħet imwaħħla fis-sod fil-fond ta' qalbu. Hu biegħ dak kollu li kien jippossjiedi, u meta offra flus lil wieħed qassis, dan ma riedx jaċċettah minħabba li kien jibża' mill-ġenituri ta' Franġisku. Franġisku għaldaqstant xeħet il-flus quddiemu, bħallikieku ma kienx iqishom jiswew aktar mit-trab.

[1757] 6 Għal din ir-raġuni missieru ħakmu u rabtu, sakemm Franġisku reġa' ta lura l-flus lil missieru u bl-istess mod tah lura ilbiesu wkoll. B'dan il-mod hu ħareġ għeri bil-ħeffa quddiem il-Mulej u libbes lilu nnifsu biċ-ċilizzju. Mhux biss, imma l-qaddej ta' Alla sejjaħ għal miegħu wieħed raġel sempliċi li ħa l-post ta' missieru, u hu kien jitlob lil dan ir-raġel biex ibierku kull meta missieru kien jisħtu bil-kliem. Matul ix-xitwa wkoll, ħu Franġisku, meta rah jitlob liebes imċerċer u jitriegħed bil-bard, qal lil xi ħadd: "Itlob lil Franġisku biex ibiegħlek b'kemm jiswa sold mill-għaraq tiegħu". Meta Franġisku sema' dan, hu malajr wieġeb: "Jiena fil-fatt sejjer inbiegħu lill-Mulej tiegħi".

[1758] 7 Jum ieħor, meta sema dak li l-Mulej kien qal lid-dixxipli tiegħu meta bagħathom jippriedkaw, hu qam mall-ewwel biex iwettaq dawn il-ħwejjeġ kollha bil-qawwa kollha tiegħu. Hu neħħa ż-żarbun minn riġlejh, xidd fuqu tonka waħda bla ebda valur, u biddel iċ-ċinturin tiegħu ma' ħabel. Imbagħad, filwaqt li beda miexi fl-imsaġar matul ix-xitwa, hu ġie maqbud mill-ħallelin. Meta huma staqsewh min kien, hu iddikjara li kien il-ħabbâr ta' Alla. Għalhekk huma ħatfuh u waddbuh fis-silġ, filwaqt li qalulu: "Oqgħod hemm, ja ħabbâr rozz ta' Alla!"

[1759] 8 Bosta nies, kemm nobbli kif ukoll umli, kjeriċi kif ukoll lajċi, bdew iħallu warajhom il-glorji tad-dinja u bdew mexjin wara l-passi ta' Franġisku. Il-missier qaddis tagħhom għallimhom kif għandhom jitħabtu għall-milja tal-perfezzjoni evanġelika, biex hekk iħaddnu l-faqar, u jimxu fit-triq tas-sempliċità qaddisa. Għalih innifsu u għal dawk li mxew warajh, hu kiteb Regola ta' l-Evanġelju li l-Papa Innoċenz ikkonfermalu.

[1760] 9 Minn dak il-ħin 'il quddiem, hu beda b'ħeġġa dejjem akbar jiżra' ż-żerriegħa tal-kelma ta' Alla, billi jdur il-bliet u l-kastelli. Kien hemm wieħed mill-aħwa li minn barra kien jidher li kellu qdusija ta' l-għaġeb, imma li fl-istess ħin ried ikun speċjali. Hu kien josserva s-silenzju b'mod hekk riġidu li meta kien iqerr hu kien juża s-sinjali, u mhux il-kliem. Filwaqt li kulħadd kien beda jfaħħru bħala qaddis, il-bniedem ta' Alla wasal u qal: "Biżżejjed minn dan il-kliem, l-aħwa. Toqogħdux tgħiduli u tfaħħru l-illużjonijiet tax-xitan li jaħdem fih. Issa wissuh biex iqerr dnubietu darba jew darbtejn fil-ġimgħa. Jekk ma jagħmilx hekk, taraw li din hi kollha tentazzjoni li ġejja mix-xitan u hi qerq ta' ingann". Għalhekk l-aħwa wissew lil dan ħuhom, imma hu qiegħed subgħajh fuq xofftejh, u beda jċaqlaq rasu, filwaqt li uriehom li hu ma kienx sejjer iqerr

dnubietu. Mhux ħafna ġranet wara dan, hu reġa' lura għat-tqalligħ tiegħu, u temm ħajtu f'għemejjel ħżiena.

[1761] 10 Darba minnhom, il-qaddej ta' Alla kien għajjien minn vjaġġ, u kien riekeb fuq ħmar, filwaqt li sieħbu, fra Leonardo minn Assisi, li kien ukoll għajjien, beda jaħseb u jgħid bejnu u bejn ruħu: "Il-ġenituri ta' dan ir-raġel u l-ġenituri tiegħi ma twieldux fl-istess klassi ta' familja". F'dak il-ħin stess ir-raġel ta' Alla niżel mill-ħmar u qal lil dak ħuh: "Mhix ħaġa tajba għalija li nirkeb u inti timxi b'saqajk, għaliex inti ġej minn familja aktar nobbli minn tiegħi". Dak baqa' miblugħ għal dawn il-kelmiet, u nxteħet għal tulu fl-art f'riġlejn il-missier u talbu jaħfirlu.

[1762] 11 Darba oħra Franġisku kien miexi matul triq meta waħda mara nobbli ġiet tiġri warajh u laħqitu. Meta hu ra kif hi kienet għajjiena u b'nifisha maqtugħ, hu ġietu ħniena minnha u staqsieha jekk riedetx xi ħaġa. Hi weġbitu: "Missier, itlob għalija. Jiena ma nistax inħares il-wegħda li kont għamilt, għaliex żewġi ma jħallinix. Hu ma jridx li aħna naqdu lil Kristu". Imbagħad Franġisku qalilha: "Mur id-dar, binti, għaliex inti dalwaqt se titfarraġ rigward żewġek. Għidlu f'isem Alla li jista' kollox u f'ismi, li issa hu ż-żmien tas-salvazzjoni; aktar tard ikun iż-żmien tal-ġudizzju!" Wara li hi wasslitlu dan il-messaġġ, żewġha biddel l-attitudni tiegħu u wiegħed li jgħix fis-safa.

[1763] 12 Bit-talb tiegħu Franġisku ħareġ nixxiegħa ta' ilma għal wieħed raġel bidwi meta kien miegħu fix-xagħri u li kien qiegħed iħossu ħażin bil-għatx. Taħt l-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, Franġisku qal dan is-sigriet lil wieħed mill-aħwa li kien qrib ħafna tiegħu: "Illum f'din id-dinja hemm wieħed qaddej ta' Alla, li minħabba fih, il-Mulej mhux sejjer jippermetti li jkun hemm il-ġuħ sakemm idum ħaj hu". U jingħad li tabilħaqq hekk ġara sakemm il-qaddis kien għadu ħaj. Imma wara li hu miet, inbidlet il-qagħda bil-maqlub. Għaliex wara l-mewt ħienja tiegħu, hu deher lil dak ħuh u qallu: "Ara, issa ġej fuqkom il-ġuħ li, sakemm jien kont għadni ħaj, il-Mulej ma ippermettiex li jiġi fuq din l-art".

[1764] 13 Fil-festa ta' l-Għid l-aħwa li kienu jinsabu fl-eremitaġġ ta' Greccio kienu ħejjew il-mejda b'mod aktar għani mis-soltu, billi ġabu tvalji bojod u tazzi tal-ħġieġ. Meta l-bniedem ta' Alla ra dan kollu, hu reġa' ħareġ 'il barra, libes f'rasu l-kappell ta' wieħed tallab li kien jinsab hemmhekk, ħa f'idejh ħatar, u mar joqgħod fil-bieb. Filwaqt li l-aħwa kienu qegħdin jieklu, hu ħabbat mal-bieb, u talabhom biex għall-imħabba ta' Alla huma jagħtu karità lil wieħed pellegrin fqir u marid. Meta stednuh ġewwa, dak ir-raġel fqajjar daħal, u qagħad bilqiegħda waħdu fl-art, filwaqt li qiegħed il-bieqja ta' l-ikel tiegħu fuq l-irmied. Meta l-aħwa raw dan kollu, huma imtlew bi stagħġib kbir. Franġisku mbagħad qalilhom: "Jiena rajt mejda lesta u armata, u jiena naf li din mhijiex il-mejda ta' irġiel foqra li jmorru jittallbu bieb bieb".

[1765] 14 Hu tant kien iħobb il-faqar fih innifsu u fl-oħrajn, li kien dejjem isejjaħlu bl-isem ta' *Madonna Povertà*. Jekk kien jara lil xi ħadd li jkun ifqar minnu, mall-ewwel kien iħossu jgħir għalih, u kien jibża' li dan kien sejjer jirbaħlu fl-impenn tiegħu. Għax meta jum minnhom iltaqa' ma' raġel fqajjar, hu qal lil sieħbu: "Il-ħtieġa tiegħu iġġiegħelna nistħu, u hu ta' ċanfira kbira għall-faqar tagħna. Għaliex għall-għana tiegħi jiena għażilt lil *Madonna Povertà,* imma ara, li hi tidher aktar tiddi fih".

[1766] 15 Santu Wistin hekk jagħti xhieda: "Tant hi kbira s-sbuħija tal-ġustizzja divina, tant hu kbir il-ferħ tad-dawl ta' dejjem li, kieku wieħed ma jingħatax permess li jgħix aktar minn jum

wieħed fih, għal dan biss anke bosta snin ta' din il-ħajja jiġu meqjusin ġustament li jkollhom ftit siwi. U għalhekk jingħad b'sentiment mhux mingħajr qawwa: *Aħjar jum wieħed fl-għamajjar tiegħek milli elf jum f'post ieħor*" (S 83,11). Irridu nqisu wkoll li Alla jagħti attenzjoni speċjali lil dik il-persuna li hu jippermetti li tkun imġarrba. Hekk jikteb Santu Wistin lil Vinċenz id-Donatist: "Mhux kull min jagħlaq għajnejh hu ħabib, kif lanqas kull min juża l-frosta hu għadu; għaliex huma aħjar il-ġerħat ta' ħabib milli l-bews volontarju ta' għadu. Aħjar tħobb b'ebusija milli tqarraq billi tagħlaq għajnejk. Hu aktar ta' ġid li tieħu l-ħobż minn raġel bil-ġuħ jekk mingħajr l-ebda inkwiet dwar l-ikel hu jittraskura l-ġustizzja, milli li taqsam il-ħobż ma' raġel bil-ġuħ u hekk imqarraq iċedi għall-inġustizzja. Min jorbot bniedem li tilef ir-raġuni u jqajjem bniedem nofsu rieqed, hu kawża ta' inkwiet għat-tnejn li huma, imma jħobbhom it-tnejn li huma. Min jista' jħobbna aktar minn Alla? U minkejja dan hu mhux biss ma jieqafx li jgħallimna bl-imħabba, imma hu ma jieqafx li jnissel il-biża' fina għall-ġid tagħna. Ukoll l-aktar mediċina qarsa tat-tiġrib ta' spiss tingħaqad mad-duwa sħuna li biha aħna nsibu mistrieħ". Ambroġ ukoll jgħid: "Missier mhux dejjem ibus lil ibnu; xi mindaqqiet hu jċanfru. Għalhekk, meta hu jċanfar lil dak li jħobb, hu qiegħed jaqdi dmiru lejh. Għaliex l-imħabba għandha l-ġerħat tagħha li huma aktar ħelwin meta jiġu mġarrba bl-akbar ħruxija. Hi aktar twajba l-korrezzjoni magħmula bi dmir milli meta wieħed jagħlaq għajnejh għal kollox u jieqaf biss fit-tifħir li jonfoħ".

[1767] 16 Darba minnhom għadda minn quddiemu wieħed raġel fqir, u l-bniedem ta' Alla tqanqal b'kompassjoni ħierġa mill-qalb, imma sieħbu qallu: "Ukoll jekk dan ir-raġel hu fqir, imma forsi fil-provinċja kollha ma hemmx ieħor li hu aktar għani minn kemm hu jixtieq li jkun". Il-bniedem ta' Alla wieġbu: "Isa, malajr, neħħi minn fuqek it-tonka u agħtiha lil dak ir-raġel fqir, u filwaqt li tinxteħet għal tulek fl-art quddiemu, stqarrlu l-ħtija tiegħek". Dak ħuh mall-ewwel obdieh f'dak li qallu jagħmel.

[1768] 17 Jum minnhom tliet nisa, li kienu kollha l-istess fid-dehra u l-ilbies tagħhom, iltaqgħu ma' Franġisku u sellmulu b'dawn il-kelmiet: "Merħba lil *Madonna Povertà*". Dak il-ħin stess huma għabu minn quddiemu, u qatt ma dehru aktar.

[1769] 18 Darba waħda, meta hu wasal fil-belt ta' Arezzo, hu sab li din kienet imqanqla minn ġlied bejn iċ-ċittadini, u l-bniedem ta' Alla mill-għolja fuq il-belt ra li din kienet mimlija xjaten li kienu jifirħu fuqha. Hu sejjaħ lejħ lil sieħbu fra Silvestro, u qallu: "Mur lejn il-bieb tal-belt, u min-naħa ta' Alla l-aktar għoli ikkmanda lix-xjaten biex joħorġu mill-belt". Dak mar jiġri lejn il-bieb u beda jgħajjat b'kemm kellu saħħa: "Min-naħa ta' Alla u bil-kmand ta' missierna Franġisku, intom xjaten kollha oħorġu minn hawn!" Dak il-ħin stess in-nies kollha ta' dik il-belt reġgħu bdew jgħixu fil-paċi flimkien. Issa dan fra Silvestro, meta kien għadu qassis sekular, darba fil-ħolm ra salib tad-deheb ħiereġ minn fomm Franġisku, li l-quċċata tiegħu kienet tmiss is-sema, filwaqt li d-dirgħajn tiegħu kienu jinfirxu biex iħaddnu l-ibgħat naħat tad-dinja. Dan il-qassis għamel indiema, u wara li ħalla d-dinja warajh sar imitatur perfett tal-bniedem ta' Alla.

[1770] 19 Waqt li l-bniedem ta' Alla kien qiegħed jitlob, ix-xitan sejjaħlu għal tliet darbiet b'ismu. Meta l-qaddis wieġeb, ix-xitan qallu: "Ma hemm ħadd fid-dinja kollha li hu midneb hekk kbir li l-Mulej ma jaħfirlux jekk hu jindem. Imma min joqtol lilu nnifsu b'penitenzi ħorox, qatt ma jista' jsib il-ħniena". Il-qaddej ta' Alla, permezz ta' rivelazzjoni, mall-ewwel għaraf il-qerq ta' l-għadu, jiġifieri li x-xitan kien qiegħed jipprova jqarraq bih ħalli jberrdu fil-ħeġġa tiegħu. Hekk l-għadu tal-qedem, meta ra li ma setax jirbaħlu, qajjem fi Franġisku tentazzjoni serja tal-ġisem.

Meta l-bniedem ta' Alla intebaħ b'dan, hu neħħa ħwejjġu u beda jsawwat lilu nnifsu bi frosta ħoxna, u jgħid lilu nnifsu: "Ejja, issa, *frate asino*, għaliex hu ġust li inti toqgħod taħt is-swat tal-frosta". Imma meta din it-tentazzjoni ma setax jeħles minnha, hu ħareġ barra u inxteħet għeri kif kien fil-borra. Għamel b'idejh seba' gzuz bil-borra u, filwaqt li qiegħdhom quddiemu, beda jkellem lil ġismu b'dan il-mod: "Ara, din l-akbar waħda hi martek, dawn l-erbgħa l-oħrajn huma żewġ uliedek subien u żewġ bniet, u dawn ta' l-aħħar huma qaddej u qaddejja. Isa għaġġel issa, u mur biex tlibbishom, għaliex huma kollha qed imutu bil-bard. Imma, jekk hu iebes għalik li tieħu ħsiebhom kollha kemm huma, mela allura tħeġġeġ biex taqdi lill-uniku Mulej". Ix-xitan mall-ewwel tħawwad u telaq 'l hemm, u l-bniedem ta' Alla reġa' lura fiċ-ċella tiegħu, jigglorifika lil Alla.

[1771] 20 Darba minnhom Franġisku kien mistieden għand is-sinjur Leone, Kardinal ta' Santa Croce, biex joqgħod għandu għal ftit jiem. Lejl minnhom ix-xjaten ġew u tawh xebgħa sewwa. Hu sejjaħ lejh lil sieħbu u irrakkontalu x'kien ġralu, filwaqt li qallu: "Ix-xjaten huma l-*castaldi* tal-Mulej, li hu jaħtar biex jikkastigaw lil min jabbuża. Jiena verament ma nistax niftakar xi offiża li jiena, bil-providenza ta' Alla, ma tnaddaftx minnha billi għamilt għemejjel ta' indiema. Imma forsi hu ippermetta lil dawn il-*castaldi* tiegħu li jattakkawni għaliex jiena ninsab noqgħod fil-palazzi ta' min għandu s-setgħa, u dan ma jagħtix impressjoni tajba lill-aħwa fqajrin tiegħi, li jistgħu jibdew jaħsbu li jiena qiegħed nitpaxxa fil-lussu". Għalhekk hu qam kmieni ħafna filgħodu u telaq minn dik id-dar.

[1772] 21 Darba minnhom, meta Franġisku kien qiegħed jitlob, hu sema' qtajjiet ta' xjaten li kienu qegħdin jiġru u jagħmlu ħafna storbju fuq il-bejt tad-dar fejn kien. Imqanqal minn dan l-istorbju, hu ħareġ barra, għamel is-sinjal tas-salib fuqu nnifsu u qal: "Min-naħa ta' Alla li jista' kollox, ngħid lilkom xjaten, biex tagħmlu lil ġismi dak kollu li hu permess lilkom li tagħmlu. Bil-ferħ kollu jiena nissapporti kollox, għaliex jiena ma għandix għadu akbar minn ġismi. Hekk intom tkunu qegħdin teħilsuni mill-għadu tiegħi meta tkunu qegħdin tagħmlu vendetta fuqu, imma mhux fuqi". Għal dan ix-xjaten tħawwdu, u għabu minn hemm.

[1773] 22 Darba oħra, wieħed mill-aħwa, li kien sieħeb il-bniedem ta' Alla, intilef f'estasi. Fost it-tronijiet fis-sema hu ra wieħed li kien jinqata' għalih u kien jiddi bi glorja ta' l-għaġeb. Filwaqt li hu kien qiegħed jaħsbu dwar għal min kien merfugħ dak it-tron jiddi, sema' leħen jgħidlu: "Dan it-tron kien ta' wieħed mill-prinċpijiet li waqgħu, u issa qiegħed jinżamm imħejji biex jilqa' lill-umli Franġisku". Hu ħalla t-talb tiegħu, u mar jistaqsi lill-bniedem ta' Alla: "Missier, x'taħseb inti fuqek innifsek?" Franġisku wieġbu: "Jidhirli li jiena l-akbar wieħed fost il-midinbin". U dak il-ħin stess l-Ispirtu s-Santu kellem lil qalb dak li ra d-dehra u qallu: "Kun af minn dan li dik id-dehra li rajt kienet vera, għaliex l-umiltà għolliet lil dan li hu l-aktar umli fost il-bnedmin lejn it-tron li min kien fuqu tilfu minħabba s-suppervja".

[1774] 23 F'dehra l-qaddej ta' Alla ra Serafin imsallab jittajjar fuqu, li stampalu fuq ġismu s-sinjali tal-kurċifissjoni hekk li hu nnifsu deher li kien imsallab. Idejh, riġlejh u ġenbu kienu immarkati bis-sinjal tas-salib. Imma b'ħeġġa kbira hu kien jaħbi dawn l-istimmati minn għajnejn kulħadd. Xi persuni, iżda, irnexxielhom jarawhom matul ħajtu, u bosta oħrajn rawhom meta hu miet.

[1775] 24 Il-fatt li dawn l-istimmati kienu veri ġie muri permezz ta' ħafna mirakli. Ikun biżżejjed li hawnhekk indaħħlu żewġ mirakli li ġraw wara mewtu. Fil-Puglie wieħed raġel jismu Ruggero, meta kien jinsab quddiem ix-xbieha ta' San Franġisk, beda jistaqsi lilu nnifsu: "Tgħid veru li hu kien famuż għal miraklu bħal dan? Jew dan kien xi frott ta' illużjoni qaddisa li ġie ivvintat mill-aħwa?" Waqt li hu kien qiegħed jaħseb dwar dan b'moħħu, f'daqqa waħda hu sema ħoss bħal ta' vleġġa li donnu xi ħadd kien spara minn qaws, u ħassu li kien ferut b'mod gravi f'idu x-xellugija. Imma meta ħares ra li l-ingwanta li kien liebes ma kienetx imċarrta, u meta din neħħieha minn idejh, ra li fuq il-palma ta' idu kellu ġerħa serja li vleġġa biss setgħet tagħmel. Minn din il-ġerħa hu kien qiegħed iħoss ħierġa sħana hekk taħraq li kien għoddu qiegħed iħossu ħażin b'dak il-ħruq u l-uġiegħ. Imbagħad Ruggero nidem mid-dubju li kellu u beda jistqarr bil-qawwa li hu kien jemmen fl-istimmati ta' l-imqaddes Franġisku. U wara li dam jitlob lill-bniedem qaddis ta' Alla għal jumejn, għall-merti ta' l-istimmati tiegħu, f'daqqa waħda hu ġie mfejjaq minn dak il-ħruq u l-uġiegħ.

[1776] 25 Din il-ġrajja li tmiss seħħet fis-saltna ta' Castiglia. Kien hemm raġel li kien devot ta' San Franġisk li kien sejjer il-knisja għall-kumpieta. F'daqqa waħda hu ġie assalit bi żball f'nasba li kienet tqiegħdet għal raġel ieħor, u tħalla hemmhekk nofsu mejjet u b'ġerħa fatali. Il-qattiel krudil daħħal xabla fil-gerżuma ta' dak ir-raġel, imma ma setax jerġa' joħroġha, u telaq 'l hemm. Minn kullimkien bdiet tiġi tiġri folla nies li lkoll bdew jibku għax qiesu li dak ir-raġel kien miet. Imbagħad, meta f'nofs il-lejl il-qanpiena tal-post ta' l-aħwa daqqet għall-matutin, il-mara ta' dak ir-raġel bdiet tgħajjat: "Sidi, qum u mur għall-matutin. Il-qniepen qed isejħulek!" Hu mall-ewwel refa' idejh bħallikieku jsejjaħ lil xi ħadd biex jaqla' dik ix-xabla. Waqt li kulħadd kien iħares, dik ix-xabla, bħallikieku miġbuda minn id ġellied ta' ħila, qabżet 'il barra u waqgħet 'il bogħod minn dak ir-raġel. Dak il-ħin stess dak ir-raġel tfejjaq għal kollox, u filwaqt li qam bilqiegħda, qal: "L-imqaddes Franġisku ġie u mess il-ġrieħi tiegħi bl-istimmati tiegħu u fejjaqni b'mod mirakoluż kull meta kien imiss il-ġrieħi tiegħi u jgħaddi minn fuqhom l-idejn stimmatizzati tiegħu. U meta hu kien se jmur, jiena tlabtu biex jaqla' dik ix-xabla minn gerżumti, għaliex inkella ma kontx inkun kapaċi nitkellem. Hu mall-ewwel ħakimha u qalagħha b'saħħtu kollha, u dak il-ħin stess, billi messli l-gerżuma li kellha dik il-ġerħa, bil-qawwa ta' l-istimmati tiegħu, fejjaqni għal kollox".

[1777] 26 Fil-belt ta' Ruma dawk iż-żewġ kwiekeb jiddu, l-imqaddes Duminku u l-imqaddes Franġisku, kienu jinsabu fil-preżenza tas-Sinjur ta' Ostia, li aktar tard sar Papa. Dan l-isqof staqsihom: "Għaliex ma għandniex naħtru isqfijiet u prelati minn fost l-aħwa tagħkom, billi huma spikkaw fuq l-oħrajn kollha bit-tagħlim u l-eżempju tagħhom?" Hekk saret diskussjoni twila bejn iż-żewġ qaddisin dwar min minnhom kellu jwieġeb. Fl-aħħarnett rebħet l-umiltà ta' Franġisku, li ma jmurx iqiegħed lilu nnifsu qabel Duminku, kif ukoll rebħet l-umiltà ta' Duminku sabiex hu jobdi bl-umiltà billi jwieġeb l-ewwel wieħed. L-imqaddes Duminku għaldaqstant qal: "Sinjur, l-aħwa tiegħi diġà tgħollew għal grad għoli, mingħajr lanqas huma stess ma jafu dan. Ukoll kieku jiddependi minni, jiena ma nippermettilhomx li jilħqu xi modi oħra kif jiksbu ġieħ". Imbagħad Franġisku wieġeb billi qal: "L-aħwa tiegħi jissejħu Minuri sabiex huma ma jkollhomx il-preżunzjoni li jsiru kbar".

[1778] 27 Franġisku kien mimli b'sempliċità tal-ħamiem, u kien iħeġġeġ il-ħlejjaq kollha biex ifaħħru l-Ħallieq tagħhom. Hu kien jippriedka lill-għasafar u dawn kienu jifhmuh. Huma kienu jħossuhom jitqanqlu bi kliemu, u lanqas ma kienu jiċċaqilqu minn ħdejh qabel ma jħallihom hu.

Meta darba kien hemm il-ħuttaf li beda jagħmel ħafna ħsejjes waqt li Franġisku kien qiegħed jippriedka, malli hu ikkmandahom ilkoll siktu. Werżieq li kien jgħix f'siġra tat-tin ħdejn iċ-ċella tal-qaddis fil-Porziuncola, kien ta' spiss ikanta. Darba minnhom ir-raġel ta' Alla medd idu lejh u għajjatlu: "Ħija werżieq, ejja għandi". Il-werżieq mall-ewwel tar għal fuq idu. Imbagħad qallu: "Kanta, ħija werżieq, u faħħar lill-Mulej tiegħek". Imbagħad il-werżieq mall-ewwel beda jkanta, u ma waqafx sakemm ma qallux Franġisku biex jiskot.

[1779] 28 Franġisku kien iħares id-dwal, l-imsiebaħ u x-xemgħat, u ma kienx irid inaqqas mid-dija tagħhom b'idejh. Hu kien jimxi fuq il-blat bil-qima b'sens ta' rispett lejn Dak li jissejjaħ *il-Blata*. Kien jiġbor id-dud mit-triq li ma jmorrux jitgħaffġu taħt ir-riġlejn ta' dawk li jkunu għaddejjin, u matul il-bard tax-xitwa kien jikkmanda li jqiegħdu l-aħjar inbid u għasel għan-naħal li ma jmorrux imutu minħabba n-nuqqas ta' ikel. Hu kien isejjaħ lill-annimali kollha bl-isem ta' "ħija" u "oħti". Għall-imħabba tal-Ħallieq hu kien jimtela b'imħabba hekk ta' l-għaġeb u li ma tistax tesprimiha, li kull meta kien iħares lejn ix-xemx, il-qamar u l-kwiekeb, kien jistedinhom iħobbu lill-Ħallieq tagħhom. Hu ma kienx irid li jagħmlulu tonsura kbira u kien jgħid: "Irrid li l-aħwa sempliċi tiegħi jkollhom sehem ukoll f'rasi".

[1780] 29 Wieħed raġel sekular sema' lill-qaddej ta' Alla, Franġisku, jippriedka f'San Severino, u b'rivelazzjoni divina ra li San Franġisk kien minfud minn żewġ xwabel ileqqu li kellhom forma ta' salib, li waħda minnhom kienet tgħaddi minn rasu sa riġlejh, u l-oħra kienet taqsam quddiem sidru minn driegħ għall-ieħor. Billi hu qatt ma kien ra lil Franġisku, dan ir-raġel għarfu xorta waħda permezz ta' dan is-sinjal. Hu għamel indiema u daħal fl-Ordni, u hekk temm ħajtu bil-ferħ.

[1781] 30 Meta Franġisku kien marid f'għajnejh minħabba li kien dejjem ixerred id-dmugħ, hu ta din it-tweġiba lil dawk li kienu qed jipperswaduh biex jieqaf mill-biki: "Meta jżurna d-dawl ta' dejjem aħna ma nistgħux niċħduh biex insalvaw l-imħabba lejn id-dawl ta' għajnejna li aħna għandna l-istess bħalma għandhom id-dubbien". Meta l-aħwa ħeġġewh biex jippermetti li jiġu ikkurati l-għajnejn morda tiegħu, u l-kirurgu kellu f'idejh strument tal-ħadid jikwi bin-nar, u qal: "Ħija nar, f'din is-siegħa kun twajjeb miegħi u għinni! Jiena nitlob lill-Mulej li ħalqek biex inti tnaqqas il-qawwa tiegħek fuqi". Wara li qal dan, hu għamel is-sinjal tas-salib fuq dik il-ħadida tħaxwex. Jingħad li meta dik il-ħadida tikwi daħlet tħaxwex fil-laħam artab tiegħu, minn widnejh sa fuq il-kpiepel ta' għajnejh, hu ma ħass l-ebda uġiegħ.

[1782] 31 Meta l-qaddej ta' Alla kien qiegħed ibati minn marda gravi ħafna fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano u beda jħoss il-forzi ta' ġismu jonqsulu, hu talab li jagħtuh tazza inbid, imma hemmhekk ma kienx hemm. Imma hu għamel is-sinjal tas-salib fuq l-ilma li ġabulu, u dan mall-ewwel inbidel f'inbid mill-itjeb. Hekk dak li l-faqar f'dak il-post maqtugħ ma setax jipprovdi, is-safa ta' dan ir-raġel qaddis irnexxielha twettaq, hekk li malli hu daq dak l-inbid, mall-ewwel ħass il-forzi ta' ġismu jiġu lura.

[1783] 32 Franġisku kien jippreferi li jisma' min imaqdru milli min ifaħħru. Hekk meta n-nies kienu jfaħħru l-merti tal-qdusija tiegħu, hu kien jordna lil wieħed mill-aħwa biex jimlilu widnejh b'ħafna kliem ta' stmerrija. U meta dak, għalkemm kontra qalbu, kien isejjaħlu persuna rozza u merċenarju bla kont u li ma jiswa għal xejn, hu kien jifraħ u jwieġbu: "Alla jbierkek, għaliex inti qiegħed tgħid dak li hu veru tabilħaqq, u jiena jistħoqqli li nisma' ħwejjeġ bħal dawn".

[1784] 33 Il-qaddej ta' Alla ma kienx jixtieq li jikkmanda lill-oħrajn, imma li joqgħod taħt riġlejn kulħadd. Ma kienx irid li jikkmanda, imma li jobdi. Hekk, hu irriżenja mill-uffiċċju tiegħu ta' ġeneral, u talab li jkollu gwardjan tiegħu, u ried li joqgħod għal kollox għar-rieda tiegħu f'kollox. Lil ħuh li kien soltu jivvjaġġa miegħu hu kien dejjem iwiegħed ubbidjenza u baqa' jżomm din il-wegħda tiegħu.

[1785] 34 Darba minnhom, wieħed mill-aħwa kien għamel xi ħaġa kontra l-liġi ta' l-ubbidjenza imma mbagħad beda juri sinjali ta' indiema. Imma xorta waħda, l-bniedem ta' Alla, quddiem il-biża' ta' kulħadd, ordna li jixħtulu l-kapoċċ tiegħu fin-nar. U meta dak il-kapoċċ kien ilu f'nofs in-nar għal xi ħin, hu ordnalhom biex joħorġuh min-nar u reġa' tah lura lil dak ħuh. Il-kapoċċ inħareġ minn nofs ta' dawk in-nirien, imma ma wera l-ebda sinjali ta' ħruq.

[1786] 35 Darba fost l-oħrajn, meta kien miexi qalb il-*palude* ta' Venezia, hu iltaqa' ma' kotra kbira ta' għasafar jgħannu, u qal lil sieħbu: "Ħutna l-għasafar qiegħdin ifaħħru l-Ħallieq tagħhom; ejja mmorru fosthom u nitolbu hemm is-sigħat kanoniċi lill-Mulej". Meta huma daħlu f'dawk l-inħawi, l-għasafar ma ċċaqilqux minn posthom, imma billi l-aħwa ma setgħux jisimgħu wieħed lill-ieħor minħabba dawk l-għasafar kollha jgħannu, Franġisku dar lejhom u qalilhom: "Ħuti għasafar, ieqfu mill-għana tagħkom, sakemm aħna nkunu temmejna t-tifħir tagħna lill-Mulej!" L-għasafar dak il-ħin stess siktu u, wara li l-aħwa temmew it-tifħir tagħhom, hu tahom permess biex ikantaw, u huma mall-ewwel reġgħu qabdu l-għana tagħhom bħas-soltu.

[1787] 36 Darba ġie mistieden bil-qima kollha minn wieħed kavallier, u qallu: "Ħija kavallier li stedintni għandek, isma' dan il-parir tiegħi u stqarr ħtijietek, għaliex inti dalwaqt se tmur tiekol x'imkien ieħor". Dak il-kavallier mall-ewwel sema' minn kliemu: hu qiegħed daru f'postha u laqa' penitenza li ssalvah. Imbagħad, meta daħlu biex jieklu, dak il-kavallier miet f'daqqa waħda.

[1788] 37 Franġisku iltaqa' ma' qtajjiet ta' għasafar, u sellmilhom bħallikieku kellhom l-użu tar-raġuni, filwaqt li qalilhom: "Ħuti għasafar, intom għandkom tfaħħru ħafna lill-Ħallieq tagħkom, li jlibbiskom bir-rix, jagħtikom il-ġwienaħ biex ittiru, u l-arja safja biex timirħu fiha, li jmexxikom u jipprovdilkom hekk li ma taħsbux għall-għada". L-għasafar bdew itawwlu għonqhom lejh, jiftħu ġwenħajhom u l-munqar, filwaqt li bdew iħarsu lejh. U hu kien miexi f'nofshom, u kien ukoll qiegħed imisshom bit-tonka tiegħu, imma l-ebda wieħed minnhom ma ċċaqlaq sakemm hu ħalliehom, u hekk huma lkoll taru f'daqqa flimkien.

[1789] 38 Billi aħna ma nafux jekk il-ġustizzja li nuru fl-għemejjel tagħna tkunx ġenwina, għandna rimedju wieħed: aħna nistgħu nistkennu fi qrara umli, u nistgħu nittallbu ħniena mill-għamajjar divini. Kif jgħid San Bernard: "Aħna ma aħniex kapaċi li nuru qawwa biżżejjed mal-Mulej billi f'ħafna ħwejjeġ aħna lkoll noffenduh, u lanqas ma jiswielna li nippruvaw inqarrqu bih, għaliex Hu jaf is-sigrieti tal-qlub tagħna, billi l-għemejjel tagħna jikxfuhom. Lanqas ma nistgħu nieqfulu bil-qawwa, għaliex Hu jista' kollox. X'jifdlilna, għaldaqstant, lilna ħlief li bil-moħħ tagħna kollu aħna nsibu kenn fir-rimedji ta' l-umiltà, sabiex dak li aħna ma ninstabux neqsin minn ħwejjeġ oħrajn u nistgħu nipprovduh minn dan ir-rimedju?" Għalhekk hu jgħid ukoll: "L-umiltà, kbira kemm hi kbira, ma għandniex nibżgħu minnha; imma wieħed għandu jitriegħed u jitbeżża' ħafna mill-iċken ħjiel ta' suppervja, u ma għandux iħalliha għaddejja qisha ma hi xejn. Għaldaqstant, o bniedem, tqabbilx lilek innifsek ma' dawk li huma ikbar minnek; u lanqas ma

għandek tqabbel lilek innifsek ma' dawk li huma inqas minnek; anzi, tqabbel lilek innifsek ma' ħadd, u ma' l-ebda bniedem". Santu Wistin ukoll hekk jgħid fil-kapitlu erbatax tal-*De Civitate Dei*: "L-umiltà hi l-aktar irrikmandata issa fil-belt ta' Alla f'dan iż-żmien li aħna ngħixu hawn u hi tiġi murija bid-dieher l-aktar fis-sultan tagħha li hu Kristu. L-oppost għal din il-virtù hu l-vizzju tas-suppervja. Din tinsab l-aktar fl-avversarju ta' Kristu, li hu x-xitan u li biha l-aktar li jaħkem, kif jgħallmuna l-Kotba mqaddsa". Kristu għallimna l-umiltà bl-eżempju tiegħu fi twelidu, f'mewtu, fil-predikazzjoni tiegħu u meta kien iwettaq il-mirakli. Għandna ninnutaw li l-umiltà hi irrikmandata f'kull xorta ta' persuna. Meta s-sultan Xerxes ra l-armata tiegħu quddiemu, li kienet tikkonsisti fi kwantità li ma tgħoddhiex ta' suldati, hu beda jaħseb li dik l-armata kollha setgħet tispiċċa trab u rmied fi żmien mitt sena, u jingħad li hu kien qal: "In-nies jgħidu li jiena l-kmandant ta' armata hekk kbira u kuraġġuża. Imma jiena nistqarr li jiena aktarx se nsir is-sultan tat-trab". Ambroġ jgħid: "L-umiltà hi l-ħarriesa tal-virtujiet". Girgor ukoll jgħid xi ħaġa simili: "Dak kollu li inti tagħmel jintemm fix-xejn jekk ma jiġix imħares bir-reqqa mill-umiltà". Ix-xitan kien qal lil Macharius: "L-umiltà tiegħek biss jirnexxilha tirbaħni". F'sezzjoni ta' *De Moralibus,* Girgor jistqarr: "Sabiex l-għemejjel ta' xi ħadd jitqiesu li huma aktar ta' siwi, hu meħtieġ li għalih huma dejjem jidhru li huma bla siwi". U Ġlormu jgħid: "Kif jista' jkun li wieħed jiftaħar meta dejjem iġorr miegħu l-umiltà?"

[1790] 39 Meta Franġisku kien qiegħed jippriedka f'Alviano, in-nies ma setgħux jisimgħuh minħabba l-ħsejjes li bdew jagħmlu l-ħuttaf li kellhom il-bejtiet tagħhom hemmhekk. Għalhekk hu qalilhom: "Ħuti ħuttaf, issa jmiss lili nitkellem. Intom tkellimtu biżżejjed. Żommu s-skiet, sakemm jiena nkun temmejt inxandar il-kelma ta' Alla!" Il-ħuttaf obdieh dak il-ħin stess, u żamm is-skiet.

[1791] 40 Darba waħda l-bniedem ta' Alla kien għaddej mill-Puglie u iltaqa' ma' borża kbira mimlija flus, li kienet imħollija fit-triq. Meta sieħbu raha, hu ried jeħodha miegħu u jqassam dawk il-flus lill-foqra. Imma Franġisku ma riedx iħallih jagħmel hekk. Hu qal lil sieħbu: "Ibni, mhijiex ħaġa tajba li nieħdu dak li hu ta' ħaddieħor". Imma meta sieħbu baqa' jinsisti bil-qawwa, Franġisku waqaf jitlob għal ftit ħin u ikkmanda lil sieħbu biex imur jiġbor dik il-borża, li issa kien fiha mhux il-flus imma serp. Meta dak ra s-serp, beda jħossu jibża', imma billi ried iwettaq il-kmand ta' l-ubbidjenza, hu ħa l-borża f'idu, u minnha ħareġ serp kbir. Ir-raġel qaddis qallu: "Għall-qaddej ta' Alla l-flus ma huma xejn aktar għajr ix-xitan u serp velenuż".

[1792] 41 Dara minnhom kien hemm wieħed mill-aħwa li kellu tentazzjoni serja. Hu beda jaħseb li jekk ikollu xi ħaġa miktuba minn idejn il-missier, dik it-tentazzjoni setgħet mall-ewwel titbiegħed minnu, imma hu ma riedx jazzarda juri bl-ebda mod dik it-tentazzjoni lill-qaddis. Imma mbagħad darba minnhom ir-raġel ta' Alla sejjaħlu u qallu: "Ibni, ġibli l-karta u l-pinna biex nikteb, għaliex jiena rrid nikteb xi Tifħir lill-Mulej!" Wara li kiteb it-Tifħir, hu qallu: "Ħu din il-karta u ħarisha bir-reqqa sa jum mewtek". Dak il-ħin stess dak ħassu ħieles minn kull tentazzjoni. Meta l-bniedem ta' Alla kien marid, dan l-istess sieħbu beda jaħseb: "Mulej, il-missier tagħna qiegħed joqrob lejn il-mewt, u kemm inkun mimli faraġ kieku, wara li hu jmut, jiena jkolli t-tonka ta' missieri". Xi ftit tal-ħin wara l-bniedem qaddis sejjaħlu u qallu: "Jiena se nagħtik din it-tonka u wara l-mewt tiegħi inti jkollok id-dritt sħiħ għaliha".

[1793] 42 Meta Franġisku kien mistieden għand raġel twajjeb minn Alessandria fil-Lombardia, dan talbu biex iħares l-Evanġelju billi jiekol dak kollu li kien se jqiegħdlu quddiemu.

Meta Franġisku aċċetta għal dan l-att ta' devozzjoni tiegħu, dak li stiednu ħejjielu kappun ta' seba' snin biex jieklu. Meta huma kienu qiegħdin jieklu, wieħed infidil[456] ġie u talab il-karità għall-imħabba ta' Alla. Dak ir-raġel ta' Alla, meta sema' dak l-isem imbierek, bagħat lil dak ir-raġel biċċa mill-kappun. Dak ir-raġel mimli ħażen u miżerja żamm dak li kien laqa' b'karità, u l-għada, meta l-bniedem il-qaddis kien qiegħed jippriedka, beda jgħolli dik il-laħam u jgħid: "Araw liema kwalità ta' laħam dan ir-raġel Franġisku jiekol, dan li intom tqimuh bħala qaddis. Hu tani din il-biċċa laħam il-bieraħ filgħaxija". Imma dik il-biċċa kappun dehret li kienet biċċa ħuta, hekk li n-nies kollha bdew jiddieħqu bih u jgħidu li kien barra minn sensieh. Dak ir-raġel triegħex u beda jfittex il-maħfra, u meta mbagħad reġa' lura għal sensieh, dik il-biċċa laħam reġgħet ħadet il-forma oriġinali tagħha.

[1794] 43 Jum minnhom meta Franġisku kien qiegħed fuq il-mejda u kienu jitkellmu dwar il-faqar tal-Verġni Mbierka u ta' Binha, il-bniedem ta' Alla mall-ewwel qam minn fuq il-mejda, u fost ħafna ilfiq u dmugħ, kompla jiekol il-kumplament tal-ħobż bilqiegħda fuq l-art għerja.

[1795] 44 Fl-Ittra dwar is-Sagramenti tal-Knisja, Anselmu jgħid kemm kien kbir il-faqar ta' Kristu u kemm hu ġie mistmerr, u mbagħad jgħid: "*Kristu bata għalina u ħallielna eżempju, biex nimxu fuq il-passi tiegħu* (1Pt 2,21). F'dawn il-ħwejjeġ kollha hu tana eżempju ta' stmerrija liema bħala u li ma tintemmx, kif ukoll ta' faqar minħabba l-ġustizzja. Għaliex hu kien miżmum b'tant stmerrija u kien iġġudikat hekk ta' min jistmerru li hu lanqas ma ġie meqjus li jistħoqqlu jmut f'xi post fejn jgħixu l-bnedmin, u lanqas fost il-bnedmin ħlief fost dawk li huma misħutin, u lanqas taħt l-ebda kenn ħlief is-sema, li minn taħtha ħadd ma seta' jkeċċih. Hekk, skond il-profeta, hu kien meqjus bħala wieħed *ta' min jistmerru u li dawk li jarawh barra jaħarbu minnu* (S 21,7). Mhux biss, imma hu kien hekk fqir li meta ġie fid-dinja, hu twieled mhux f'daru imma f'dar ħaddieħor. U meta hu twieled, minħabba li ma kienx hemm post fejn, hu tqiegħed fil-maxtura tal-bhejjem. U meta kien jgħix fid-dinja, hu *ma kellux fejn imidd rasu* (Mt 8,20). U meta miet, hu ma kellu xejn li bih seta' jostor il-għera tiegħu. Meta miet, hu ma kellu xejn biex jitkeffen bih, u lanqas ma kellu qabar jew xi post fejn il-ġisem mejjet tiegħu seta' jindifen". U Ġlormu, fl-Ittra tiegħu lil Ewstokja jgħid: "L-Iben ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna sar bin il-bniedem. Hu dam disa' xhur fil-ġuf jistenna t-twelid tiegħu, kellu jgħaddi minn kull tbatija, jitwieled miksi bid-demm, *jitgeżwer fil-ħrieqi* (cfr. Lq 2,7), u jiġi umiljat biż-żegħil. Dak li jagħlaq id-dinja fil-ponn ta' idejh, kellu jingħalaq f'maxtura. Jiena niskot dwar it-tletin sena li matulhom hu għex moħbi, kuntent biss bil-faqar tal-ġenituri tiegħu. Meta sawwtuh hu żamm is-sliem u s-skiet; meta sallbuh, hu talab għal dawk li kienu qegħdin isallbuh. *X'inrodd għalhekk lill-Mulej, għall-ġid kollu li għamel miegħi*? (S 115,12).

[1796] 45 Franġisku kien jixtieq juri l-akbar qima lejn l-ordni saċerdotali, għaliex lilha ingħatat is-setgħa li tamministra s-sagrament tal-Ġisem ta' Kristu. Kien ta' spiss jgħid: "Jekk jiena niltaqa' ma' qaddis ġej mis-sema fit-triq u ma' xi qassis fqajjar, jiena mall-ewwel immur niġri biex inbus l-idejn tal-qassis u mbagħad ngħid lill-qaddis: 'Stennieni San Lawrenz, għaliex l-idejn tal-qassis jamministraw il-Kelma tal-ħajja, u għalhekk hu għandu xi ħaġa li tmur 'il hemm minn dak li għandhom il-bnedmin'".

[456] Mhux Saraċin, imma eretiku Kataru.

[1797] 46 Matul ħajtu Franġisku kien magħruf għal ħafna mirakli. Bierek il-ħobż li ġabhulu u b'dan il-ħobż ingħatat is-saħħa lil bosta morda. Hu biddel l-ilma fi nbid. Persuna marida li daqet dan l-inbid ġiet mall-ewwel imfejjqa. U hu kien iwettaq bosta mirakli oħrajn.

[1798] 47 Meta kien mifni minħabba l-marda twila tiegħu u kienu qed joqorbu l-aħħar jiem ta' ħajtu, hu talab lill-aħwa jmidduh fuq l-art għerja, u ried li jiġu madwaru l-aħwa kollha li kienu jinsabu f'dak il-post. Hu qiegħed idejh fuq kull wieħed minnhom u bierek lil dawk kollha li kienu preżenti. Imbagħad, bħalma kien ġara fl-aħħar ikla tal-Mulej, hu qasam biċċiet żgħar tal-ħobż bejniethom. Kif kienet id-drawwa tiegħu hu stieden lill-ħlejjaq kollha biex ifaħħru lil Alla. Saħansitra stieden lill-mewt innifisha, li kulħadd jobogħdha u jistmerrha, biex tingħaqad miegħu fit-tifħir. Hu mar iħaffef bil-ferħ biex jiltaqa' magħha, u stedinha biex tiġi għandu billi qalilha: "Merħba bik, oħti l-mewt!" Hekk wasal fl-aħħar siegħa tiegħu u raqad fil-Mulej.

[1799] 48 Wieħed mill-aħwa ra lir-ruħ ta' Franġisku taħt forma ta' kewkba, kbira daqs il-qamar u tiddi bħax-xemx. Il-ministru ta' l-aħwa ta' Terra di Lavoro, li kien jismu fra Agostino, kien ukoll jinsab fl-aħħar siegħa ta' ħajtu, u għalkemm kien ilu li tilef il-kapaċità li jitkellem, f'daqqa waħda beda jgħajjat: "Stenna, missier, stennieni! Ara, jiena ġej miegħek". Meta l-aħwa staqsewh x'ried ifisser b'dak il-kliem, hu qal: "M'intomx qegħdin tarawh lil missierna Franġisku li sejjer lejn is-sema?" Imbagħad hu miet fis-sliem dak il-ħin stess, u mar jiġri għal wara missieru.

[1800] 49 Waħda sinjura li kienet devota lejn l-imqaddes Franġisku kienet intemmet kif jagħmel kull maħluq, u l-qassisin u l-kjeriċi kienu preżenti f'għadd kbir madwar it-tebut tagħha biex jiċċelebraw il-funeral. F'daqqa waħda, dik il-mara qamet dritta fuq it-tebut tagħha u sejjħet lil wieħed mill-qassisin li kienu jassistu, u qaltlu: "Missier, jiena rrid inqerr. Jiena kont mitt, u kont sejra niġi magħluqa ġo ħabs tal-biża', għaliex kont għadni ma qerrejtx id-dnub li issa sejra nistqarr miegħek. Imma San Franġisk talab għalija u ippermettieli li nidħol lura fil-ġisem tiegħi, sabiex inqerr dan id-dnub u naqla' l-maħfra. Malli jiena nistqarr dnubi, jiena nistrieħ fis-sliem kif ilkoll sejrin taraw". Malli hi kienet qerret id-dnub tagħha u irċeviet l-assoluzzjoni, hi raqdet fil-Mulej.

[1801] 50 Meta l-aħwa ta' Nocera talbu lil wieħed raġel biex jislifhom karrettun, hu weġibhom bil-herra: "Jiena aktar lest li nqaxxar tnejn minnkom ħajjin, u San Franġisk magħkom, milli nħallikom tużaw il-karrettun tiegħi". Imma meta hu ikkalma, hu intebaħ kemm kien tbellaħ u iddispjaċih għal dak il-kliem ta' dagħa li kien qal, għaliex hu beda jibża' mill-qilla ta' Alla. Ibnu malajr marad u mbagħad miet. Meta dan ir-raġel ra lil ibnu mejjet, hu beda jitgerbeb ma' l-art mifni bil-għali, u b'ħafna għajjat u biki, beda jitlob lil San Franġisk, u jgħidlu: "Jiena kont li dnibt! Inti għandek tikkastiga lili! O qaddis, agħti lura lil dak li qed jitolbok bil-qima dak li inti ħadtlu talli beda jidgħi b'mod inġust kontrik!" Ibnu qam mill-mewt u hu waqqaf il-biki tiegħu. U ibnu qallu: "Meta jiena kont mejjet, San Franġisk mexxieni minn triq twila u mudlama sakemm wassalni ġo ġnien sabiħ ħafna. Imbagħad qalli: 'Erġa' mura lura għand missierek! Jiena ma rridx inżommok hawn iżjed'".

[1802] 51 Wieħed raġel fqir kellu d-dejn ta' somma ta' flus ma' raġel għani u hu staqsa lil dan l-għani biex itawwallu ż-żmien li fih kellu jħallsu għall-imħabba ta' San Franġisk. Imma dak ir-raġel għani wieġbu bil-herra: "Jiena nagħlqek f'post li fih la San Franġisk u ħadd aktar ma jkun jista' jgħinek". Imbagħad hu rabat lir-raġel fqajjar fil-ktajjen u sakkru f'ħabs mudlam. Ftit taż-

żmien wara, San Franġisk ġie hemmhekk, daħal fil-ħabs, kisser il-ktajjen, u reġa' ġabu lura d-dar qawwi u sħiħ.

[1803] 52 Kien hemm wieħed kavallier li kien iwaqqa' għaż-żufjett il-ħidmiet u l-mirakli ta' San Franġisk. Jum minnhom kien qiegħed jilgħab id-dadi, u mimli nuqqas ta' fidi u bluha beda jgħid lil dawk li kienu jħarsu lejh: "Jekk Franġisku hu tassew qaddis, mela jalla d-dadi juruni n-numru tmintax!" Malli xeħet l-ewwel waħda, ġew quddiemu tliet sittiet. Imma wkoll dak il-ħin, hu kompla jżid mal-bluha tiegħu u jgħid: "Jekk hu veru li dan Franġisku hu qaddis, mela ħalli ġismi illum imut b'daqqa ta' xabla! Imma jekk mhux qaddis, mela ħalli jiena ma jiġrili xejn". Sabiex it-talba tiegħu ma tkunx ta' xejn, meta hu temm il-logħba tad-dadi u kien qiegħed isawwat lil neputih, dan qabad xabla, u nifidilu biha lil żaqqu, u qatlu tal-kolp.

[1804] 53 Wieħed raġel li siequ kienet hekk mikula bil-mard li ma setax jiċċaqlaq, beda jgħajjat lil San Franġisk b'dawn il-kelmiet: "Għinni San Franġisk! Ftakar fid-devozzjoni u fil-qadi li jiena dejjem tajtek! Għaliex jiena ġarrejtek fuq il-ħmar tiegħi, jiena bist l-idejn u r-riġlejn qaddisa tiegħek! Issa, ara, jiena qiegħed immut b'dan l-uġiegħ li ma niflaħx għalih iżjed!" Malajr San Franġisk deherlu jġorr ħatar żgħir li fuqu kien hemm ix-xbieha tat-*Tau*, u b'dak il-ħatar hu mess il-post fejn kellu l-uġiegħ. Il-ferita infetħet u hu ġie mfejjaq dak il-ħin stess, imma s-sinjal tat-*Tau* dejjem baqa' immarkat f'dak il-post. San Franġisk kien juża dan is-sinjal biex jiffirma l-ittri tiegħu.

[1805] 54 Fil-belt ta' Pomereto fl-inħawi muntanjużi tal-Puglie, kien hemm tifla żgħira, li kienet l-unika bint ta' ommha u missierha, u din mietet. Ommha, li kellha devozzjoni kbira lejn San Franġisk, inħakmet minn niket tassew kbir. Imma l-qaddis deherilha u qalilha: "La tibkix. Id-dawl tal-musbieħ tiegħek, li int qed tibkiha għax intfietlek, sejra terġa' tingħatalek lura bl-interċessjoni tiegħi". L-omm, għaldaqstant, bil-fiduċja li reġgħet kisbet, ma ħalliethomx jieħdu l-ġisem mejjet ta' bintha għad-difna, imma bdiet issejjaħ l-isem ta' San Franġisk, u qabdet lil bintha mejta, li reġgħet qamet qawwija u b'saħħitha.

[1806] 55 Fil-belt ta' Ruma, tifel żgħir waqa' mit-tieqa ta' palazz u miet, imma meta sejjħu l-isem ta' San Franġisk, dan it-tifel reġa' lura għall-ħajja.

[1807] 56 U fil-belt ta' Suessa kien hemm dar li iġġarrfet u għaffġet lil wieħed żagħżugħ u dan miet. Il-ġisem mejjet tiegħu kien diġà tqiegħed fit-tebut għad-difna, imma ommu bdiet titlob lill-imqaddes Franġisku bid-devozzjoni kollha li kellha. Imbagħad għall-ħabta ta' nofs il-lejl dak iż-żagħżugħ beda jittewweb, u qam qawwi u sħiħ f'ġismu, u hi infexxet fi kliem ta' tifħir.

[1808] 57 Fra Giacomo minn Rieti kien qasam xmara flimkien ma' xi aħwa fuq dgħajsa żgħira, u kien diġà ħalla lil sħabu warajh fuq xatt ix-xmara. Meta kien lest biex jirfes l-art hu wkoll dik id-dgħajsa inqallbet u hu waqa' fil-fond tax-xmara. L-aħwa bdew jgħajjtu lill-imqaddes Franġisku biex isalva lil dak ir-raġel mill-għarqa, u hu nnifsu, kif seta', beda jitlob l-għajnuna tal-qaddis. U x'ġara? Dak seta' jibda miexi fuq il-qiegħ tax-xmara daqslikieku kien fuq l-art xotta! Hu qabad id-dgħajsa mgħarrqa, u ġabha miegħu fuq ix-xatt. L-ilbies tiegħu lanqas biss kien ixxarrab, hekk li lanqas qatra waħda ta' ilma ma kienet xarrbet it-tonka tiegħu.

# LEGENDA MONACENSIS

## INTRODUZZJONI

Il-*Legenda Monacensis* hi Leġġenda miktuba madwar is-sena 1275 minn raħeb Benedittin anonimu tal-monasteru ta' Oberaltaich fil-Ġermanja. Dan ikkompona ġabra qasira ta' fatti, jew kompilazzjoni, dwar il-ħajja ta' San Franġisk. Ir-ritratt li jagħti mhuwiex orġinali, u jiddependi għal kollox mill-kitbiet ta' Tommaso da Celano, kif ukoll mit-testi liturġiċi ta' Julian minn Speyer u l-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura. L-awtur juri li għandu rispett kbir lejn San Franġisk. Għalkemm hu membru ta' Ordni monastiku magħruf, hu joħloq ritratt ta' San Franġisk li hu sempliċi u li jmur għall-essenzjal, bl-għajnuna tal-bijografi Franġiskani li semmejna.

L-eqdem manuskritt tal-*Legenda Monacensis* hu dak tal-Manuskritt 9533 tal-Bibljoteka Statali ta' München, fil-Ġermanja. Hu datata madwar it-tieni nofs tas-seklu 13. Barra mill-ħajja ta' San Franġisk, dan il-manuskritt fih ukoll il-ħajjiet tal-*Patres* tad-Deżert, kitbiet ta' Giovanni Cassiano u ħajjiet ta' xi qaddisin li kienu monaċi. Dak li jista' jkun interessanti fil-qari ta' din il-Leġġenda hu li naraw ir-rabta bejn San Franġisk u l-ħajja monastika, li fil-fatt insibuh preżenti f'diversi episodji tal-qaddis, bħalma kienet ir-rabta li hu kellu ma' l-abbazija Benedittina tal-Monte Subasio.

L-ammirazzjoni tal-kompilatur Benedittin tal-*Legenda Monacensis* lejn in-*novitas* ta' Franġisku tidher fil-paragrafi 54 u 55, fl-insistenza li hu jagħti lill-fatt li Franġisku ried li l-aħwa tiegħu jkunu minuri u li jingħaqdu fi fraternità waħda kemm dawk li kienu letterati kif ukoll dawk li ma jafux skola (kontra l-Ordni Benedittin fejn kien hemm distinzjoni netta bejn il-monaċi u l-konversi). Nota oħra interessanti hi meta jinsisti li Franġisku ma riedx li l-aħwa jissejħu abbati, prijuri jew prepositi, imma ministri u qaddejja.

L-edizzjoni kritika bil-Latin tal-*Legenda Monacensis* hi dik tal-Franġiskani ta' Quaracchi fl-*Analecta Franciscana* X, 694-719.

# LEGENDA MONACENSIS

## Prologu

[1809] L-għarfien tal-qaddisin, li bih aħna nsiru nafu l-mod ta' kif huma għexu u l-ħwejjeġ ta' l-għaġeb li l-Mulej ħadem permezz tagħhom, hu meħtieġ għal bosta raġunijiet, u l-aktar biex jiġu mgħallmin il-virtujiet, għall-qima akbar tagħhom, u sabiex inkunu nistgħu nitolbuhom jitolbu għalina b'mod aktar devot. Għal din ir-raġuni jiena tħabatt biex ninseġ fil-qosor il-ħajja tal-missier l-aktar qaddis Franġisku, għaliex din hi tqila ħafna biex nies imħabbtin bil-ħidma jaqrawha jew jerġgħu jikkupjawha sħiħa. Jiena sejjer nagħmel dan sabiex dawk li, minħabba r-raġunijiet li semmejna, jixtiequ li jkollhom xi għarfien, jistgħu fil-qosor isibu dak li jeħtieġu f'din il-kompilazzjoni, għalkemm bosta mill-kliem u l-għemejjel tiegħu, li huma l-aktar meħtieġa għall-edifikazzjoni, hawnhekk ħallejniehom barra sabiex ma ntawwlux iż-żejjed. Dawk li jixtiequ jistgħu jsibu dawn il-kelmiet u l-għemejjel b'mod aktar sħiħ f'leġġenda kompluta.

[1810] Hekk jibdew il-kapitli, li huma dawn li ġejjin. I. It-twelid ta' San Franġisk u l-karattru tiegħu meta kien għadu jgħix fid-dinja; kif id-dinja saret bla togħma għalih u kif wieħed lebbruż li hu laqgħu b'bewsa għab minn quddiemu. II. Dwar kif Kristu jkellmu mix-xbieha tal-Kurċifiss, u dwar kif hu iddeċieda li jbiegħ dak kollu li kellu u jimxi wara Kristu; dwar kif ta kollox lura lil missieru, billi ma żamm xejn mid-dinja għalih innifsu. III. Dwar kif sewwa tliet knejjes u dwar kif hu waqqaf il-għamla u l-libsa ta' l-Ordni, dwar kif ġab flimkien l-ewwel sitt aħwa, u dwar rivelazzjoni li saritlu dwar kif l-Ordni kellu jinfirex. IV. Dwar kif hu talab lis-Sinjur Papa ħalli jikkonferma Regola miktuba; dwar il-viżjoni li s-Sinjur Papa ra; u dwar kif Alla qallu biex jgħix fost in-nies għall-edifikazzjoni tagħhom. V. Dwar kif ippriedka kullimkien u waqqaf tliet Ordnijiet. VI. Dwar kif ruħu dehret f'karru tan-nar mill-aħwa; dwar kif ġie mqanqal mill-imħabba ta' Alla, u dwar kif il-laħam deher li kien ħut quddiem in-nies. Dwar kif hu ta'spiss kien jinħataf barra minnu nnifsu fil-kontemplazzjoni. VII. Dwar il-ħafna biżgħat tax-xjaten li hu rebaħ fuqhom u dwar dehra ta' tron li kien riservat għalih fis-sema. VIII. Dwar l-umiltà tiegħu u dwar kif ried jobdi lill-vigarju tiegħu. IX. Dwar ix-xewqa li kellu biex jakkwista l-faqar u jgħix bil-karità; dwar dak li l-aħwa u d-dinja jridu jagħtu lil xulxin b'dejn, u dwar kif l-Ordni tiegħu kellu jibqa' sħiħ sa tmiem id-dinja. X. Dwar il-kompassjoni lejn in-nies foqra l-oħrajn u lejn il-morda, kif ukoll lejn il-bhejjem selvaġġi. XI. Dwar il-ħanżira selvaġġa li hu seħetha; u dwar kif l-ebda għasfur jew bhima ma riedet tmiss il-ġisem mejjet tagħha. XII. Dwar kif hu kien jgħakkes bil-qawwa l-ġisem tiegħu; dwar kif l-ispirtu tiegħu kien dejjem lest, u dwar kif kien jgħaddi l-ħin kollu b'mod xieraq. XIII. Dwar kif kien irażżan it-tqanqil kollu tal-ġisem; dwar il-battalja li l-qaddis kellu kontra t-tentazzjoni; dwar kif ix-xitan ħeġġu biex ma jinfeniex bil-penitenza; dwar il-qbil bejn il-ġisem u l-ispirtu tiegħu; u dwar meta hu kien jew ma kienx qaddej ta' Alla. XIV. Dwar il-ħidma iebsa tiegħu fil-predikazzjoni u d-devozzjoni li n-nies kellhom lejh. XV. Dwar il-mod kif kien jippriedka u l-mod kif kien jifhem l-Iskrittura Mqaddsa. XVI. Dwar id-devozzjoni tiegħu lejn l-Inkarnazzjoni u l-Passjoni ta' Kristu u dwar kif kien jgħaddi l-ħin tiegħu; dwar ix-xewqa tiegħu għall-martirju, u dwar il-vjaġġ li hu għamel fl-artjiet ta' l-infidili u għand is-Sultan. XVII. Dwar kif kien iħares il-fidi u l-qima lejn is-saċerdoti u dwar kif kien iżomm il-paċi mal-kjeriċi, u dwar kif kien ferraħ lill-isqof ta' Imola bl-umiltà tiegħu. XVIII. Dwar kif kien jixtieq li l-Ordni jkun ħaġa waħda u għaliex il-mexxejja ta' l-Ordni jissejħu hekk. XIX. Dwar kif kien qiegħed l-Ordni

taħt il-Knisja ta' Ruma, dwar il-Kardinal li kellu jħares lill-Ordni. XX. Hawnhekk jiġu ppreżentati xi wħud mill-għemejjel tiegħu; l-ubbidjenza tal-ħlejjaq; jippriedka lill-għasafar u jordna lill-ħuttaf biex jiskot. XXI. Dwar kif joħroġ l-ilma mill-blata u ma jħossx il-ħruq tal-ħadida tikwi. XXII. Dwar kif fejjaq lill-kjeriku Gedeone; dwar kif bosta ġew imfejjqa permezz tal-ħobż li hu bierek u permezz ta' l-affarijiet li hu mess b'idejh; dwar kif biddel l-ilma fi nbid, u dwar kif ikkmanda lix-xjaten. XXIII. Dwar kif bl-ispirtu ta' profezija hu kien jagħraf il-ħwejjeġ tal-ġejjieni, ħwejjeġ fil-bogħod u s-sigrieti tal-qlub. Hu ħabbar minn qabel il-ġejjieni dwar fra Bernardo. Hu fehem l-ispirtu u l-ħsibijiet ta' fra Leonardo u fra Riccerio. XXIV. Dwar kif ħabbar kif kellha tintemm il-battalja ta' Damiata. Dwar kif ra minn qabel li s-Sinjur ta' Ostia kellu jsir Papa. XXV. Deskrizzjoni ta' dan ir-raġel, u dwar kif hu kien jaqbel ma' kulħadd biex ikun ta' għajnuna għal kulħadd. XXVI. Dwar kif fetaħ il-ktieb ta' l-Evanġelji, li fih iltaqa' għall-ewwel darba mal-Passjoni tal-Mulej. XXVII. Dwar il-viżjoni tas-Serafin u d-dehra tal-ġrieħi ta' Kristu fil-ġisem tiegħu, u dwar kif kien jaħbi dan is-sigriet b'reqqa kbira. XXVIII. Dwar kif beda jsir dejjem aktar marid, u dwar kif xtaq jaqdi lil Alla mill-ġdid. Dwar kif irċieva l-wegħda tal-ħajja ta' dejjem minn Alla. Dwar kif stieden lill-ħlejjaq kollha, kif ukoll lill-mewt, biex ifaħħru lil Alla. XXIX. Dwar kif meta qorob lejn il-mewt, hu bierek lill-aħwa, dwar kif meddewh fuq l-ixkejjer, dwar kif sellem lill-aħwa għall-aħħar darba, dwar kif għadda lejn is-sema, u dwar kif raw lil ruħu tielgħa lejn is-sema. Il-Ministru ta' Terra di Lavoro miet flimkien miegħu. Hi jsellem lill-isqof ta' Assisi waqt ħolma. XXX. Dwar kif wara mewtu l-istimmati ta' Kristu dehru fil-ġisem tiegħu. Dwar kif il-ġisem tiegħu deher aktar bajdani u l-ġogi tiegħu saru aktar rotob. Dwar kif intwera lil Santa Klara u lis-sorijiet ħutha, u dwar kif indifen fil-knisja. XXXI. Dwar kif hu jiddi b'ħafna mirakli. Dwar kif qajjem ħdax li kienu mietu. Dwar kif is-Sinjur Papa żar il-qabar tiegħu. Dwar kif ġie kanonizzat. Dwar kif il-festa tiegħu bdiet tiġi iċċelebrata fil-jum tal-mewt tiegħu.

# IL-ĦAJJA TAL-KONFESSUR SAN FRANĠISK

I – It-twelid u ż-żgħożija tiegħu

[1811] 1 L-imqaddes Franġisku, l-ewwel fundatur u missier ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, twieled fil-belt ta' Assisi fil-provinċja tat-Toscana. Għalkemm il-ġenituri tiegħu kienu rabbewh fil-frugħa u l-kburija ta' żmienu, minkejja dan, bħala ġuvni żagħżugħ, hu kien juri kortesija u manjieri tajbin, kien twajjeb, ħieles, mimli ħniena u kulħadd kien iħobbu, u kien jitbiegħed minn dak kollu li għalih seta' jidher li jkun offensiv; u kien ġeneruż ħafna lejn il-foqra, u dejjem kien devot lejn il-ministri ta' Alla u l-ministeri tagħhom.

Ilibbes raġel fqajjar

[1812] 2 Jum minnhom iltaqa' ma' kavallier nofsu għeri. Hu ġietu ħniena mhux biss mill-ħtieġa tiegħu imma wkoll mill-mistħija li kien fiha. Neħħa minn fuqu l-ħwejjeġ għonja li kien liebes, u bil-ġenerożità tahom lilu minħabba fi Kristu, u hekk kien kuntent li jimita l-eżempju ta' l-imqaddes Martin li libbes raġel fqajjar billi tah nofs il-mantell tiegħu. Kien magħruf li għamel ġest bħal dan mhux biss dak in-nhar, imma bosta drabi oħrajn, ma' nies foqra li kien jiltaqa' magħhom.

Iħabbar profezija dwaru nnifsu

[1813] 3 Flimkien ma' għadd ġmielu ta' nies minn beltu, hu darba waħda inqabad priġunier f'battalja kontra n-nies ta' Perugia. Filwaqt li l-ħabsin sħabu kienu kollu mnikktin, hu kien mimli bil-ferħ, u meta kienu jitħassbu dwar ir-raġuni tal-ferħ tiegħu, u weġibhom b'mod profetiku b'dan il-mod: "Jiena għad inkun miqjum bħala qaddis mid-dinja kollha". Il-grazzja divina, billi xtaqet li tiġbdu lejha b'mod aktar sħiħ, l-ewwel permezz tal-mard tal-ġisem, imbagħad permezz ta' rivelazzjonijiet li intwerewlu mis-sema u permezz ta' esperjenzi ta' ħlewwa ġewwenija li tnisslu fih b'mod divin, rat kif trendi d-dinja għal kollox bla togħma għalih u ġiegħelitu jaspira fil-ġewwieninett tiegħu għall-ħwejjeġ li jibqgħu għal dejjem.

Dwar kif iltaqa' ma' lebbruż u biesu

[1814] 4 Meta kien se jibda' jirbaħ fuqu nnifsu u sabiex ikun jista' jingħata b'mod aktar sħiħ lejn il-qadi divin, jum minnhom hu iltaqa' ma' lebbruż maħmuġ fit-triq. Hu qabeż miż-żiemel li kien riekeb fuqu, u offra l-flus lil-lebbruż u bieslu idu, għalkemm aktar qabel ma kien hemm xejn fid-dinja li kien jistmerr aktar mil-lebbrużi. Hu mbagħad mall-ewwel reġa' rikeb iż-żiemel u ħares madwaru, imma ma seta' jilmaħ lil-lebbruż imkien f'dik il-għalqa wiesgħa. Dan hu l-istess bħalma l-imqaddes Girgor kiteb li ġara lil wieħed raħeb, jismu Martirio, li kien ġarr lil Kristu fuq spallejh, meta dan deherlu taħt għamla ta' lebbruż, u meta hu xtaq iżomm lil dan il-lebbruż, f'daqqa waħda għab minn quddiemu[457]. Kien għalhekk li Franġisku, il-qaddej ta' Alla, meta beda jistagħġeb dwar dak li għamel, ftit wara beda jħossu hekk miġbud lejn il-lebbrużi li, fl-aħħar, hu ħalla warajh id-dinja, u beda jfittixhom biex jaħsel il-ħmieġ mill-ġrieħi tagħhom.

II - Dwar kif il-Kurċifiss kellmu

[1815] 5 Hu kien ta' spiss imur iżur postijiet maqtugħin biex jitlob. Jum minnhom kien mixħut bid-devozzjoni kollha quddiem kurċifiss fil-knisja ta' San Damiano, meta sema' l-leħen ta' Kristu jkellmu bil-qawwa mill-istess xbieha tal-Kurċifiss: "Franġisku, mur, sewwi d-dar tiegħi li, kif qiegħed tara, għoddha sejra tiġġarraf". Franġisku baqa' miblugħ mill-awtorità ta' dak il-leħen, u inbidel għal kollox fi bniedem ieħor. Hu ħejja lilu nnifsu biex jobdi, sabiex isewwi dik il-knisja li kienet sejra tiġġarraf, għalkemm dik it-talba x'aktarx ta' min jifhimha li kienet tirreferi għall-Knisja mqaddsa tal-fidili li hi l-għamara ta' Alla l-ħaj, u li kienet donnha sejra tiġġarraf minn kull naħa, kemm fil-fidi kif ukoll fil-morali. Hu ġie msejjaħ biex isewwiha bl-eżempju u bit-tagħlim tad-duttrina mqaddsa tiegħu. Aktar tard, permezz tal-qaddej tiegħu Franġisku, l-Ordni tal-*Povere Dame* kellu l-bidu tiegħu fl-istess post, fejn l-imqaddsa Klara, dik il-verġni l-aktar qaddisa, bl-ordni ta' Alla, kienet l-ewwel pedament.

Ibiegħ dak kollu li kellu

[1816] 6 Franġisku, il-qaddej ta' Alla, billi kien jixtieq li jsir l-imitatur perfett tal-perfezzjoni evanġelika sabiex ikun jista' jixtri dak it-teżor prezzjuż u l-ġawhra tas-sema, biegħ dak kollu li kellu, għaliex hu kellu l-professjoni ta' negozjant, u offra biċċa mill-flus biex isewwi dik il-knisja, filwaqt li l-kumplament hu warrbu għall-użu tal-foqra. Meta l-missier naturali tiegħu, li kien

---

[457] S. Girgor il-Kbir, *Homiliae in Evangelia,* II, hom. 39,10 (PL 76, 1300). Barra minn din l-istorja, ma nafu xejn dwar dan ir-raħeb li kellu din id-dehra. Manuskritt wieħed isemmih Martin.

iħobbu imma skond il-ġisem, u mhux skond l-ispirtu, beda jifhem l-intenzjoni ta' ibnu, hu ipprova jreġġa' lura lil ibnu mit-tajjeb li hu kien beda jagħmel, l-ewwel billi jgħidlu ħafna kliem iebes, u mbagħad billi jsawwtu u jaqflu fil-ktajjen. Imma Franġisku, ir-raġel ta' Alla li kien lest li jsofri dawn il-ħwejjeġ u oħrajn magħhom għal Kristu, feraħ talli ġie meqjus jistħoqqlu jbati persekuzzjoni għall-isem tiegħu ta' Ġesù. Meta missieru ra li ma kien qed jagħmel l-ebda ġid, hu tqanqal mir-regħba u beda jipprova biex jeħodlu lura l-flus.

Hu jrodd kollox lura lil missieru

[1817] 7 Imma dak li ma kienx iħobb il-flus, għalkemm kien iddeċieda li jużahom għal skopijiet qaddisa, beda jtella' u jniżżel biex jara kif sejjer jinħeles minnhom. Quddiem l-isqof tal-belt mhux biss hu bil-ferħ reġa' radd lura l-flus, imma wkoll l-ilbies li hu kien liebes, u baqa' biss bil-qalziet ta' taħt. U wieqaf hemm għeri, hu wera li ma kellu xejn aktar x'jaqsam mad-dinja. Hu ħaddan lil Kristu għeri fuq is-salib, u kien imħejji biex jidħol għeri fil-ġlieda kontra x-xitan għeri. Dak il-ħin intwera li hu kien liebes ċilizzju fuq il-ġilda, u dan kien juri b'mod perfett kif hu kien rebaħ fuq il-ġisem, id-dinja, u x-xitan, billi ċaħad id-dinja, rażżan il-ġisem bl-ispirtu tal-penitenza, u billi ma ċediex għat-tentazzjonijiet tax-xitan, għax ma semax mit-tqanqil tax-xjaten, imma ta lil kull wieħed dak li kien jistħoqqlu.

III – Dwar kif sewwa tliet knejjes

[1818] 8 Għaldaqstant, Franġisku bir-reqqa kollha beda jiżen il-ħidma b'kull mod ħalli jsewwi l-knisja ta' San Damiano. Bl-istess mod, hu reġa' bena knisja oħra, kif ukoll, bl-għajnuna ta' Alla, sewwa t-tielet waħda imsejħa Santa Marija tal-Porziuncola, fejn hu wkoll beda ta' spiss joqgħod, għaliex kien imħeġġeġ b'devozzjoni ta' l-għaġeb lejn l-Omm ta' kull tjieba. Kien hawnhekk li jum minnhom hu sema' l-Evanġelju jinqara matul il-quddiesa dwar kif il-Mulej kien bagħat lid-dixxipli tiegħu biex jippriedkaw mingħajr ma jkollhom ħorġa, mingħajr ma jġorru flus, mingħajr qrieq u ħatar, u mingħajr żewġ ilbiesi, u dwar kif kellhom ixandru l-paċi lil kulħadd, u jippriedkaw il-penitenza. U qal: "Dan hu dak li jien nixtieq". Dawk il-kliem tal-Mulej bħal donnhom kienu intqalu apposta għalih, u hekk hu tħabat biex iwettaqhom fedelment kelma b'kelma.

Dwar kif ta forma ta' ħajja lill-Ordni tiegħu

[1819] 9 F'dak iż-żmien hu sawwar għalih innifsu l-libsa ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri u ta bidu għall-Ordni. Minn dan il-ħin hu beda jxandar lil kulħadd is-saltna ta' Alla u jippriedka l-penitenza, u l-fama tal-virtujiet tiegħu bdiet issejjaħ lil bosta biex jiċħdu d-dinja u jixxenqu għal ħajja aħjar. Fost dawn kien hemm l-ewwel sitt irġiel mimlija virtù li, mgħallmin mill-Ispirtu s-Santu, iddeċidew li jgħixu taħt it-tagħlim tiegħu u bdew jimxu warajh. Meta hu ifforma lil dawn l-irġiel b'tagħlim ġdid, hu għallimhom biex jimxu b'passi żguri fit-triq tal-faqar imbierek, tas-sempliċità qaddisa, u ta' l-għamliet kollha ta' dixxiplina spiritwali.

Dwar kif Alla urieħ il-ġejjieni

[1820] 10 Jum minnhom meta l-imqaddes missier Franġisku kien qiegħed jitlob, hu ftakar quddiem il-Mulej fl-imrar ta' qalbu s-snin li hu kien għadda fid-dinja. Hu kien mimli b'mod divin bil-ferħ li ma jitfissirx u bil-garanzija li dnubietu kellhom ikunu maħfura, u inħataf barra minnu nnifsu u intrefa' fl-ispirtu. Ġie rivelat lilu mill-Mulej li l-fraternità ġdida tiegħu kellha tikber sa ma ssir kotra kbira u b'don divin kellha tinfirex sa truf l-art kollha. Meta reġa' ġie f'tiegħu hu xandar dak li kien ra u wissiehom biex ikollhom fiduċja fit-tjieba ta' Alla, u biex ikunu ċerti li l-Mulej kellu jwettaq il-wegħda tiegħu. Imbagħad, wara li xi oħrajn ingħaqdu magħhom, huma saru tnax fil-għadd.

IV – Dwar kif l-Ordni kien ikkonfermat

[1821] 11 Franġisku, il-bniedem ta' Alla, meta ra li skond il-wegħda tiegħu l-Mulej kien lest li jkabbar il-għadd ta' l-aħwa ta' kuljum, kiteb Regola għalih innifsu u għall-aħwa, billi inqeda qabel xejn mill-prinċipji ta' l-Evanġelju mqaddes, u xtaq b'qalb kollha biss li jħarsu fil-perfezzjoni, għalkemm hu żied xi ħwejjeġ oħrajn li deherulu meħtieġa. Hu mar Ruma għand is-Sinjur Papa Innoċenz III, bniedem glorjuż f'kollox u mogħni b'mod straordinarju bil-għerf kemm uman kif ukoll divin, u staqsieh bl-umiltà kollha kemm biex jikkonferma l-Ordni kif ukoll biex japprova r-Regola. Ftit taż-żmien qabel is-Sinjur Papa kellu dehra ta' min ifakkarha. Fiha hu ra l-knisja tal-Lateran, l-omm li tmantni l-knejjes kollha tad-dinja, li kienet sejra tiġġarraf, meta wieħed raġel reliġjuż, qsajjar, mistmerr u fqir, kien qiegħed iweżinha b'dirgħajh sabiex ma tiġġarrafx. Kien qiegħed jistagħġeb dwar dak li setgħet tfisser din il-viżjoni, meta ra quddiemu lil Franġisku, il-bniedem ta' Alla, u wara li staqsieh, hu intebaħ bl-iskop tiegħu. Imbagħad qal: "Dan hu tabilħaqq il-bniedem li bil-ħidma tiegħu u bit-tagħlim tiegħu jista' jwieżen il-Knisja li għoddha sejra tiġġarraf". Għal din ir-raġuni is-Sinjur Papa ċeda mall-ewwel għat-talbiet tiegħu; kien ukoll għal din ir-raġuni li, mimli b'qima lejn Alla, hu dejjem kien iħobb lill-qaddej ta' Kristu b'imħabba speċjali. Hu laqa' t-talbiet tiegħu u wiegħdu li jagħtih aktar, wara li l-Mulej kattar il-għadd ta' l-aħwa għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu.

Dwar kif għażel li jkun ta' ħtieġa għall-oħrajn

[1822] 12 Hu radd ħajr lill-Mulej għall-grazzja hekk kbira talli kien għalih Missier, filwaqt li l-aħwa bdew jiddiskutu bejniethom dwar jekk kellhomx jgħixu qalb in-nies jew inkella jmorru jgħammru f'postijiet imwarrbin. Imma San Franġisk ma riedx jafda fil-ħila tiegħu, u din il-ħaġa ħallieha f'idejn Alla waqt li hu talab bil-qima kollha flimkien ma' l-aħwa sabiex fil-ħniena tiegħu l-Mulej jogħoġbu jikkomunika r-rieda tiegħu għalihom. Għaldaqstant, mgħallem mir-rivelazzjoni divina, hu għażel li jmur jgħix fost il-bnedmin għall-edifikazzjoni ta' oħrajn, billi lkoll kienu mibgħutin b'mod speċjali minn Alla biex jikkonvertu bosta nies. Għal din l-istess raġuni l-Iben ta' Alla kien ħalla l-kenn ta' sider il-Missier tiegħu, sar bniedem, niżel fostna, u ried li jkun ħaġa waħda mal-bnedmin fid-dinja. Għaliex il-ħajja moħbija tgħallem lill-bniedem biex idawwar l-attenzjoni tiegħu lejn Alla u lejh innifsu. Imma min jixtieq jibni lill-oħrajn, irid neċessarjament ikun preżenti wkoll quddiem dawk li jrid jagħmlilhom il-ġid.

V – Dwar kif ippriedka kullimkien

[1823] 13 Franġisku, il-qaddej ta' Alla, mar idur jippriedka, u jwettaq kollox mimli fiduċja f'dak li jagħmel minħabba l-awtorità apostolika li tħalliet f'idejh. Hu ma kien jibża' miċ-ċanfir ta' ħadd, imma kien ixandar il-verità bl-akbar fedeltà hekk li bosta irġiel ta' skola, li kienu jiddistingwu ruħhom bid-dinjità u l-fama tagħhom, baqgħu mistagħġbin bil-kliem tiegħu u kienu jimtlew b'biża' ta' salvazzjoni quddiem il-preżenza tiegħu. Il-Knisja hekk ġiet imġedda fil-membri kollha tagħha irġiel u nisa quddiem dan it-tip ta' tagħlim, u hu kien juri t-triq tas-salvazzjoni lil kull kwalità ta' insara.

Dwar kif waqqaf tliet Ordnijiet

[1824] 14 Hu waqqaf tliet Ordnijiet fil-Knisja; semma' l-ewwel wieħed bħala l-Ordni tal-patrijiet Minuri, billi tnebbaħ mill-kelma li Kristu għad jgħid fil-ġudizzju lil dawk li jiġġudika: *Dak li intom għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi* (Mt 25,40). Lil dawn hu jżommhom magħqudin flimkien minħabba li jagħtihom l-istess tonka, l-istess professjoni u l-istess imħabba. It-tieni Ordni jissejjaħ tal-*Povere Dame* li fih Santa Klara hi l-ewwel ġebla li fuqha dan l-Ordni ġie mwaqqaf b'mod divin permezz tal-ministeru ta' l-imqaddes Franġisku. Jingħad li minħabba li kellu l-bidu tiegħu fil-knisja ta' San Damiano, xi kultant kien jissejjaħ ukoll bħala l-Ordni ta' San Damiano. It-tielet Ordni hu dak tal-Penitenti, li fih hemm irġiel u nisa, u dan twaqqaf biex iħaddan fih kemm nies miżżewġa u kemm ċelibi, kemm kjeriċi u kemm lajċi, li ma jkunux jistgħu jiċħdu għall-proprjetà tagħhom. Taħt ix-xbieha ta' dawn it-tliet Ordnijiet, skond kif kien ried Alla, hu kien sewwa t-tliet knejjes.

VI – Il-karru tan-nar

[1825] 15 Lejl minnhom, bl-iskop li jmur jitlob maqtugħ minn kulħadd, l-imqaddes Franġisku kien twarrab fil-ġisem mill-aħwa, għalkemm qatt ma kien jitwarrab minnhom spiritwalment minħabba l-kura ta' missier li kellu lejhom. Xi nofs il-lejl xi wħud mill-aħwa kienu reqdin filwaqt li oħrajn kienu qed jitolbu bil-qima kollha fis-skiet, meta *karru tan-nar* (2Slat 2,11-14) jiddi b'dija ta' l-għaġeb daħal mill-bieb u beda jiġġerra 'l hawn u 'l hemm għal xi darbtejn jew tliet darbiet. Kien hemm bħal ballun kbir fil-karru, li kellu d-dehra ta-xemx, u kien jiddi hekk li dawwal id-dlam tal-lejl. Dawk li kienu mqajjmin baqgħu miblugħin; dawk li kienu reqdin qamu b'qatgħa fuqhom u lkoll bdew jistaqsu lilhom infushom dan x'kien. Imma bil-qawwa ta' dak id-dawl, li bih mhux biss il-ġisem imma wkoll il-qlub tagħhom ġew imdawwlin, huma fehemu li din kienet ir-ruħ tal-missier imqaddes tagħhom, li minħabba l-grazzja tas-safa ta' l-għaġeb tiegħu u tal-ħsieb mimli tjieba li dejjem kellu lejn uliedu, deher quddiemhom f'dik il-glorja ta' l-għaġeb ta' dawl waqt li hu kien għadu jgħix fuq l-art. Għaliex il-fjamma ta' mħabba, taqbad bħan-nar, kienet qed taqbad ġewwa fih minħabba d-devozzjoni tiegħu, u kienet tiddi minn barra bil-kliem u bl-għemil, biex turi *l-karru u r-rikkieb* (2Slat 2,12) ta' l-armata spiritwali.

Dwar kif ġie mimsus mill-imħabba ta' Alla

[1826] 16 Nistgħu nifhmu kemm ġie mimsus minn ġewwa bin-nar ta' l-imħabba divina mill-fatt li hu bilkemm kien jilħaq jisma' xi ħadd ilissen il-kelmiet "imħabba ta' Alla" li ma kienx

jinbidel fih innifsu. Għaliex malli kien jisma' l-kelmiet "imħabba ta' Alla", kien mall-ewwel jitħeġġeġ u qisu jaqbad, bħallikieku l-kordi ta' qalbu kienu jindaqqu minn ġewwa bil-qawwa ta' dawk il-kelmiet. Kien jgħid: "Irridu nħobbu ħafna l-imħabba ta' Dak li tant ħabbna, jiġifieri Ġesù Kristu". Hu baqa' jżomm sal-mewt dak li kien irċieva meta kien għadu fid-dinja, hekk li qatt ma kien jiċħad it-talba ta' dawk li kienu jitolbuh "għall-imħabba ta' Alla".

Dwar kif il-laħam inbidel f'ħuta

[1827] 17 Ġara darba minnhom li, filwaqt li Franġisku kien f'Alessandria fil-Lombardia, wieħed raġel devot stiednu għall-ikel u talbu biex skond l-Evanġelju hu jiekol dak kollu li jqiegħdulu quddiemu. F'dak il-ħin kien hemm wieħed raġel fqir imma mimli ħażen li kien qiegħed fil-bieb, u dan talbu biex jagħtih il-karità għall-imħabba ta' Alla. Franġisku, il-ħabib ta' Alla, malli sema' lil dak ir-raġel juża l-kliem "għall-imħabba ta' Alla" waqt li kien jittallab, mimli ferħ qabad sieq tal-kappun li kienu tawh quddiemu, u bagħatha karità lil dak ir-raġel flimkien mal-ħobż. Imma dak ir-raġel ħażin żamm il-laħam li kien tah, bl-iskop li jwaqqa' għaż-żufjett il-qdusija tiegħu. Il-għada meta n-nies kienu miġburin flimkien, San Franġisk beda jippriedka bil-folla kollha mħeġġa biex tisimgħu. F'ċertu ħin dak il-bniedem ħażin qam, beda jħares lejn Franġisku bil-qerq u, filwaqt li beda juri lil kulħadd il-laħam li hu kien tah karità, beda jgħajjat: "Araw x'tip ta' bniedem hu dak Franġisku li intom tqimuh bħala qaddis! Araw il-laħam li hu tani meta kien qiegħed jiekol ftit tal-ħin ilu". Huma lkoll daru lejn dan ir-raġel ta' intenzjoni ħażina, u bdew jakkużawh li kien maħkum mix-xitan. Għaliex dak li hu beda juri b'insistenza bħala laħam tal-kappun, quddiem kulħadd, b'miraklu ta' Alla, deher li kien ħuta. Dak ir-raġel mimli ħażen, baqa' miblugħ u mħawwad b'dak il-miraklu, u talab il-maħfra tal-bniedem qaddis quddiem kulħadd, filwaqt li wera minn barra r-rieda ħażina li hu kellu. Wara li dan ir-ribell reġa' lura f'sensieh, dik il-laħam reġgħet ħadet il-forma oriġinali li kellha.

Dwar l-estasi fil-kontemplazzjoni tiegħu

[1828] 18 Kien jitqanqal b'mod ta' l-għaġeb għall-isem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u hekk ta' spiss, meta kien ikun bilqiegħda fuq il-mejda jew jagħmel xi ħaġa oħra, jew kien jisma', jgħid, jew jaħseb dwar Ġesù, kien jinsa' dak li jkun qed jagħmel, u kien bħal kieku jinqata' mill-art u jittieħed 'il bogħod fil-kontemplazzjoni. Darba minnhom, waqt li kien riekeb fuq ħmar, kien għaddej minn Borgo San Sepolcro, għax kien jixtieq li jasal f'post tal-lebbrużi. L-irġiel u n-nisa minn kullimkien ġew jiġru biex jarawh u jmissuh, u bdew iġebbdu fih bid-devozzjoni tas-soltu u billi bdew jaqtgħu bċejjeċ mit-tonka tiegħu. Imma hu deher li kien insensibbli għal dan kollu u ma intebaħ b'xejn minn dak li kien qed jiġri madwaru bħallikieku kien ġisem mejjet u mitluq. Fl-aħħar, wara li kien ilu li ħalla Borgo warajh, bħal donnu ġie lura minn x'imkien ieħor, dan li kien jikkontempla s-sema beda jistaqsi jekk kienux waslu ħdejn Borgo. Għaliex dan ir-raġel qaddis kien jgħix fih innifsu, u għalhekk il-ħsejjes ta' barra ma kienux jaħkmulu widnejh, u lanqas għajnejh ma kienu joqgħodu jduru fuq dak li kien hemm madwaru. Hu kien mehdi biss f'Alla u fih innifsu. Kemm jekk jimxi, joqgħod bilqiegħda, jiekol, hu kien dejjem mehdi fuq it-talb u l-meditazzjoni tal-ħwejjeġ divini. Minkejja dan, hu ma kienx joqgħod jitlajja meta kien jagħraf li wasal il-ħin li jieħu ħsieb tal-ħwejjeġ spiritwali u jaħdem għas-salvazzjoni tal-proxxmu.

## VII – Dwar kif kien jirbaħ lix-xjaten

[1829] 19 Ta' spiss kien jgħaddi l-lejl waħdu fit-talb fi knejjes maqtugħin fejn, bil-ħarsien tal-grazzja divina, kien jirbaħ ħafna biżgħat u insulti tax-xjaten. Imma dan is-suldat kuraġġuż ta' Kristu, billi kien jaf li l-Mulej tiegħu hu preżenti fil-postijiet kollha għal dawk li jafdaw fih, kien jgħid f'qalbu: "Ja ħażin, inti ma tistax tagħmilli ħsara aktar milli kieku aħna konna quddiem folla f'post pubbliku".

20 Hekk, darba minnhom hu għadda lejl sħiħ fi knisja maqtugħa waħedha, u ħass li kien hemm folla tax-xjaten jiġru fuq il-bejt. Hu malajr qam, qawwa lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, u qalilhom: "F'isem Alla li jista' kollox, jiena nordnalkom, xjaten, biex tagħmlu lil ġismi dak kollu li jippermettielkom hu. Jiena nissapportih bil-qalb, għaliex jiena ma għandix għadu agħar minn ġismi, hekk li intom tkunu qegħdin tivvendikaw ruħkom mill-għadu tiegħi meta tużaw vjolenza fuqu floki". Ix-xjaten tħawwdu bil-mistħija, u mall-ewwel ħarbu, filwaqt li skantaw li f'ġisem hekk dgħajjef kien hemm spirtu hekk qawwi.

### Dwar kif it-tron tiegħu ġie muri fis-sema

[1830] 21 Meta sebaħ l-għada filgħodu, sieħbu li kien miegħu ġie u sabu mixħut għal tulu fl-art quddiem l-altar fit-talb. U meta sieħbu, li kien ukoll bniedem ta' qdusija kbira, beda jingħata għat-talb hu wkoll, hu inħataf f'estasi u ra fost ħafna tronijiet li kien hemm fis-sema wieħed li kien aktar sabiħ mill-oħrajn kollha, li kien imżejjen b'ħaġar prezzjuż, u li kien ileqq bil-glorja. Hu baqa' mistagħġeb dwar ta' min seta' jkun dan it-tron, u sema' leħen jgħidlu: "Dan it-tron kien ta' wieħed mill-anġli l-kbar li waqgħu, u issa hu miżmum għall-umli Franġisku". Wara li talbu u kienu mexjin flimkien, sieħbu qal lil San Franġisk: "Inti x'taħseb dwarek innifsek?" Il-qaddis wieġbu: "Jiena nara lili nnifsi bħala l-akbar midneb. Għaliex kieku Alla kien ta dawn il-benefiċċji kollha li ta lili lil xi ħadd ieħor, dan kien isir aħjar u aktar jogħġob lil Alla milli nogħoġbu jien". F'dan il-waqt l-Ispirtu kellem lil dak sieħbu fil-qalb tiegħu: "Issa inti taf li din il-viżjoni hi vera, billi l-umiltà ippreservat għal dan li hu fost l-aktar umli t-tron li kien intilef minħabba s-suppervja".

## VIII – Dwar l-umiltà tiegħu

[1831] 22 Fil-fehma tiegħu Franġisku ma kien xejn għajr midneb, għalkemm hu kellu tassew ikun mudell ta' kull tip ta' qdusija. Hu kien jinsa dak li kien akkwista, u kien iżomm quddiem għajnejh id-difetti tiegħu biss. L-unika ambizzjoni tiegħu kienet li jkun aħjar, u ma kienx soddisfatt b'dak li kellu, u baqa' jitħabat kontinwament biex jikber f'virtujiet ġodda u fl-għana tal-merti tiegħu. Kien umli fil-fehma tiegħu, aktar umli fl-għemil tiegħu, u mill-aktar umli fil-mod kif iqis lilu nnifsu. Ħadd ma kien jista' jagħraf li hu kien il-prelat ta' l-Ordni u l-Ministru Ġeneral tiegħu, ħlief għal din il-ġawhra l-aktar leqqiena li kellu, jiġifieri l-virtù ta' l-umiltà li biha kien iqis lilu nnifsu inqas mill-aħħar wieħed. Hu kien jippreferi li jiġi mistmerr u mormi bħallikieku ma kien jiswa xejn, milli li jkun imfaħħar u mogħti ġieħ. Ta' spiss, meta l-oħrajn kienu jagħtuh ġieħ, hu kien isofri minn niket kbir u kontra t-tifħir tagħhom kien jiftakar fil-bidu umli tiegħu. Hu kien iħobb jgħid: "Ħadd ma għandu jiġi mfaħħar, sakemm it-tmiem tiegħu għadu mhux fiż-żgur".

[1832] 23 Sabiex iħares il-virtù ta' l-umiltà, ukoll jekk hu kien l-aktar prelat għoli fl-Ordni, Franġisku ried li jkun hemm vigarju biex imexxi lill-aħwa, li hu dejjem ried ikun suġġett lejh bħala superjur, biex iħossu wieħed mill-oħrajn. Kien jgħid: "Jiena naf il-frott ta' l-ubbidjenza, u li ma jgħaddi l-ebda ħin mingħajr frott għal dak li bl-ubbidjenza jmejjel għonqu għall-madmad ta' l-ieħor". Għaldaqstant hu wkoll kien jgħid: "Fost il-ħafna beneficċji li l-Mulej tani għandi din il-grazzja, li jiena bil-qalb kollha lest li nobdi novizz li jkun ilu fl-Ordni ġurnata, jekk dan jiġi mqiegħed fuqi bħala mgħallem, bl-istess mod li jiena nobdi lill-aktar wieħed anzjan u għaqli fost l-aħwa. Għaliex min jobdi ma għandux iqis il-prelat tiegħu bħala bniedem, imma bħala dak li qiegħed flok Alla, u li għall-imħabba tiegħu hu jrid joqgħod għalih. Aktar ma jkun mistmerr dak li jippresjiedi, aktar togħġob lil Alla l-umiltà ta' dak li jobdi".

## IX – Dwar il-faqar tiegħu

[1833] 24 Hu kien iħares bil-ħeġġa kollha l-faqar imqaddes u evanġeliku li l-Iben ta' Alla, meta niżel mis-sema, għallem u ħares. Hu kien jgħallem li l-faqar hu t-triq tal-perfezzjoni u r-rahan tal-ferħ ta' dejjem. Ħadd ma kien jiġri wara d-deheb daqskemm hu kien jiġri wara din il-ġawhra evanġelika. Mill-bidunett sat-tmiem tal-ħajja reliġjuża tiegħu hu kien kuntent biss b'tonka waħda, bil-kurdun u l-qalziet ta' taħt, u kien juri minn barra fejn kienu maħżunin ir-rikkezzi tiegħu. U meta kien warrab l-għira kollha minnu nnifsu, hu ma riedx iwarrab l-għira għall-faqar, u ma kienx irid jara lil xi ħadd li kien ifqar minnu, mhux minħabba xi xewqa ta' glorja fiergħa imma biss għax kien iħoss sens ta' kompassjoni fix-xewqa tiegħu li josserva faqar aktar għoli. U għalkemm hu kien jixtieq li l-bnedmin kollha jsalvaw, minkejja dan kollu hu kien jibża' li l-faqar jonqos minħabba din ir-raġuni: jekk ħafna kienu jidħlu fir-reliġjon, dan kien ifisser li l-ħafna jkollhom bżonn ta' bosta affarijiet aktar milli jkollhom bżonn ftit, u għalhekk kien sa ċertu punt jibża' minn għadd kbir ta' aħwa fl-Ordni.

### Dwar kif kien jittallab il-karità

[1834] 25 Hu kien iħarreġ lilu nnifsu xi mindaqqiet biex jevita li l-aħwa jistħu, hekk li fil-bidunett kien joħroġ jittallab il-karità waħdu fit-toroq. Hekk, bl-eżempju tiegħu, hu kien iħeġġeġ lill-oħrajn għall-umiltà ta' meta wieħed jittallab il-karità.

### Dwar dak li d-dinja u l-aħwa huma midjunin bih lejh

[1835] 26 Hu kien jgħid: "F'din l-aħħar siegħa ta' żminijietna l-patrijiet Minuri ġew mogħtijin lid-dinja bħala okkażjoni ta' mertu, sabiex permezz tagħhom dawk li huma magħżulin jiġu irrikmandati lil Kristu fil-ġudizzju, meta hu jgħid: *Dak li intom għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi* (Mt 25,45). Mela hemm negozju bejn id-dinja u l-aħwa; huma midjunin mad-dinja billi jgħallmu s-salvazzjoni u jagħtu eżempju tajjeb; id-dinja hi midjuna magħhom blli tipprovdilhom dak li hu meħtieġ skond dak li jikteb l-Appostlu lir-Rumani: *Huma midjunin magħhom* (cfr. Rum 8,12). Għaliex jekk huma qegħdin jieħdu sehem fil-ħwejjeġ spiritwali tagħhom, huma għandhom jamministrawlhom il-ħtiġijiet tal-ġisem. Mill-ġdid, lill-Korintin l-Appostlu jgħid: *Il-Mulej ordna li dawk li jxandru l-Evanġelju jgħixu mill-Evanġelju* (1Kor 9,14).

Dwar li l-Ordni għandu jdum għal dejjem

[1836] 27 Il-missier imqaddes Franġisku ġie mfarraġ minn rivelazzjoni divina, li biha hu kien żgurat li l-pedament tar-reliġjon tiegħu kellu jibqa' dejjem sħiħ u ma jiċċaqlaqx. Hu ġie wkoll imwiegħed li jkun hemm għadd ta' aħwa li jieħdu l-post ta' dawk li kellhom jinqatgħu mill-Ordni. Għaliex it-twaqqif ta' l-Ordni kienet ħidma ta' Alla, u għalhekk ma tistax tinġieb fix-xejn mill-bniedem. Jidher ċar minn bosta sinjali eċċellenti kemm f'San Franġisk kif ukoll fi provi oħrajn li dan l-Ordni hu ċertament ħidma ta' Alla.

X – Dwar il-kompassjoni li kien juri lejn il-foqra

[1837] 28 L-imqaddes missier Franġisku kien iħobb it-tbatija li kien iġiblu l-faqar fih innifsu, u bl-istess mod kien iħossu jbati bil-kompassjoni meta kien jara nies foqra oħrajn. Il-pjetà, li l-grazzja divina ħawwlet fih, kienet tkattar il-pjetà tiegħu lejn il-fqar, li ċertament kienet kwalità li twieled biha. Għaliex ruħu kienet tinħall meta kien jara l-foqra, u lil dawk li ma kienx jista' jagħtihom xejn bħala frott tal-ħidma tiegħu, kien jagħtihom l-imħabba tal-qalb kollha ħniena tiegħu, u l-ħtieġa materjali ta' l-oħrajn kienet iġġiegħelu jbati għalkemm hu kien ikun fi ħtieġa akbar. Għax għalkemm hu kien kuntent li jkollu tonka fqira, u ta' spiss kien ikun irid jagħtiha lil xi persuna aktar fqira minnu. Xi mindaqqiet, matul l-istaġun l-aktar kiesaħ, u kien jersaq lejn pesuni għonja biex jitlobhom jisilfuh l-imnatar li bihom kienu jissaħħnu. Billi huma kienu jagħtuhomlu bil-ferħ kollu, hu kien jgħidilhom: "Jiena sejjer nilqa' dan il-mantell minn għandek bil-kundizzjoni li inti ma tistenniex li jiena nerġa' nroddulek lura". U meta kien jiltaqa' ma' xi ħadd li, skond hu, kien ifqar minnu, kien jgħid lil sieħbu: "Aħna lqajna dan il-mantell bħala self sakemm niltaqgħu ma' xi ħadd ifqar minna li lilu rridu nagħtuhulu". Ta' spiss, fil-bard, hu kien jiċċaħħad biex jgħin lill-oħrajn li kienu fil-ħtieġa. Kull meta kien jiltaqa' ma' nies foqra li kienu jkunu mgħobbijin bl-injam jew b'toqol ieħor, hu kien joffri spallejh biex jgħinhom, għalkemm hu kien dgħajjef ħafna.

Dwar il-kompassjoni tiegħu lejn il-morda

[1838] 29 Kienet ukoll kbira ħafna l-kompassjoni li kellu lejn il-morda. Kien iħossu jitqanqal bil-ħniena għal dawk kollha li kienu jkunu morda, u kien joffrilhom kliem ta' kompassjoni, kull meta ma kienx ikun jista' joffrilhom l-għajnuna tiegħu. Xi mindaqqiet kien jiekol fil-jiem ta' sawm, sabiex l-oħrajn li kienu morda ma kienux jibżgħu jieklu huma wkoll; u ma kienx jistħi li jmur fil-pjazez tal-belt jittallab il-laħam għal ħuh marid. B'tjieba akbar u sabar hu kien jieħu paċenzja b'dawk li kien jaf li kienu morda fl-ispirtu, dawk li kienu jixxenglu fil-mixi bħat-tfal, dawk li kienu mħabbtin minn tentazzjonijiet, u dawk li kienu dgħajfin fl-ispirtu. Hu kien jevita li jikkoreġi bi kliem iebes, u meta kien jara l-periklu, ma kienx juża l-bastun biex hekk isalva lir-ruħ.

Dwar kif kien jitqanqal bil-ħniena għall-ħlejjaq ta' Alla

[1839] 30 Il-kompassjoni li kellu l-qaddis lejn il-bnedmin ma nistagħġbux biha, billi hu kien juri l-istess sentiment ta' ħniena wkoll lejn il-bhejjem. Hu kien jiġbor id-dud żgħir mit-triq sabiex dan ma jiġix mgħaffeġ taħt ir-riġlejn; hu kien isejjaħ lill-ħlejjaq kollha bl-isem ta' ħutu, għaliex kollox ġej mill-uniku missier. Minħabba li kien jistma l-umiltà, hu ma kienx iqiegħed lilu nnifsu

qabel il-ħlejjaq l-aktar baxxi. Imma fost l-annimali kollha hu l-aktar li kien iħobb kienu dawk li huma umli, għaliex fihom hu kien jara xi xebħ mistiku ma' l-Iben ta' Alla. Hu kien iħobb b'mod partikulari l-ħrief ċkejknin, minħabba l-ħlewwa u l-umiltà tal-Mulej Ġesù Kristu li, ta' spiss fl-Iskrittura jiġi mqabbel b'mod xieraq ma' ħaruf. Xi mindaqqiet, meta kien jiltaqa' ma' ħrief ċkejknin li jkunu se jeħduhom għall-qatla, hu kien jitnikket u kien iħallas għalihom biex jixtrihom, jew billi jagħti l-mantell li jkun liebes, jew b'kull mod li seta'.

## XI – Dwar kif seħet ħanżira selvaġġa

[1840] 31 Lejl minnhom meta l-bniedem ta' Alla kien mistieden fil-monasteru ta' San Verecondo fid-djoċesi ta' Gubbio, nagħġa żgħira welldet ħaruf, li ħanżira selvaġġa qatlitlu b'gidma qerrieda. Meta sema' b'dak li ġara, il-qaddis ta' Alla imtela' b'kompassjoni ta' l-għaġeb u kien imnikket ħafna, għaliex hu ftakar f'dak il-Ħaruf bla tebgħa li l-Lhud kienu qatlu b'kefrija kbira[458]. Imbagħad hu qal quddiem kulħadd: "Tkun misħuta dik il-ħanżira. L-ebda bniedem jew bhima ma tiekol laħamha!" Ħaġa tassew ta' l-għaġeb li ngħiduha, imma minn dak il-ħin stess dik il-ħanżira selvaġġa mardet u mietet wara tlitt ijiem. Xeħtuha ġo foss li kien hemm fil-qrib, u ħadd ma mess laħamha, la għasafar u lanqas bhejjem. U damet hemm għal żmien twil, niexfa daqs għuda.

## XII – Dwar kif Franġisku kien aħrax miegħu nnifsu

[1841] 32 Għalkemm l-imqaddes missier Franġisku kien mimli tjieba lejn l-oħrajn, imma hu kien mill-aktar iebes u aħrax miegħu nnifsu. Għalih innifsu hu kien sar qisu *ġarra mkissra* (S 30,13), u ma kien jinħakem minn ebda biża' jew ħsieb żejjed għal ġismu. Hu rari jew kważi qatt ma kien jiekol ikel imsajjar, u meta kien jagħmel dan, kien iroxxu bl-irmied jew kien iħassarlu t-togħma bl-ilma kiesaħ. Meta kien jiġi mistieden minn persuni importanti tad-dinja, li kienu jqimuh b'imħabba kbira, hu kien iduq ftit mil-laħam biex iħares l-Evanġelju. Il-kumplament, li hu kien donnu qed jieklu, kien iwaqqgħu fuq ħoġru, billi jerfa' idu lejn ħalqu ħalli ħadd ma kien jintebaħ b'dak li kien qed jagħmel. U xi ngħidu dwar ix-xorb ta' l-inbid, meta hu lanqas kien jippermetti lilu nnifsu li jixrob ilma biżżejjed, ukoll meta jkun mejjet bil-għatx? Kien jgħid li ma kienx possibbli li wieħed jissoddisfa l-ħtieġa mingħajr ma jċedi għall-pjaċir. Kif soltu jiġri, xi mindaqqiet ix-xewqa ħerqana li jiekol xi ħaġa kien iħossha, imma wara bil-ħniena kien jippermetti lilu nnifsu li jiekolha, għax kien jibża' li l-pjaċir jitħallat b'mod makakk mal-ħtieġa sinċiera.

33 Kull meta kien ikun milqgħuħ għand xi ħadd, kien jiċħad li juża mħaded jew gvieret għall-friex tiegħu, imma kien jippreferi l-art għerja, bit-tonka tiegħu biss tifirdu minnha u tħarislu lil ġismu għeri. Xi mindaqqiet, meta hu kien iserraħ lill-ġisem ċkejken tiegħu bl-irqad, kien ta' spiss jorqod bilqiegħda, u mhux mimdud, u kien juża ġebla jew biċċa injama bħala mħadda. Għax sa minn żmien il-konverżjoni tiegħu hu qatt ma ried jimtedd fuq ir-rix, u lanqas ikollu mħadda għal taħt rasu, kemm jekk kien ikun marid, jew meta kien jilqgħu għandu xi ħadd barrani.

---

[458] Dan ir-riferiment għall-kefrija tal-Lhud ma jinstabx fil-fonti ta' dan l-episodju f'2C 111, u hu ċertament żjieda personali li jagħmel dan ir-raħeb anonimu li kiteb il-*Legenda Monacensis*. Jidher li hu l-uniku riferiment kontra l-Lhud li nsibu fil-Fonti Franġiskani, u rridu naqrawh fid-dawl tal-kultura medjevali li fiha kien hemm antagoniżmu bejn Kristjani, Lhud u Musulmani.

34 Hu qatt ma kien iħalliha lixxa għal ġismu, bħallikieku kien barrani għalih, u kien jikxfu għal kull xorta ta' ħruxija u għat-tbatija tat-taħriġ spiritwali. Kien bniedem li kellu l-ispirtu ta' Alla, u kien lest li jbati kull xorta ta' sofferenza tal-moħħ u uġiegħ tal-ġisem sabiex ir-rieda ta' Alla titwettaq fih bil-ħniena kollha tagħha.

## Dwar kif mexa dejjem 'il quddiem

[1842] 35 Hu kien jaħdem b'idejh, u ma kienx jippermetti li jaħli l-ħin. Kien dejjem ikun lest għal kull għamla ta' taħriġ spiritwali. Hu kien iqisha telfa kbira li ma jagħmilx xi ħaġa tajba, u fil-ġudizzju tiegħu, hu kien iqis li kull darba li ma jimxix 'il quddiem ikun miexi lura. Kien iqisha telfa li ma timteliex li jqatta' mqar ftit tal-ħin mingħajr ma jagħmel frott, għaliex ukoll għal ftit tal-ħin il-qaddej fidil ta' Alla kien jitħarreġ f'xi virtù u jimmerita glorja bla tmiem mingħajr waqfien sakemm kien itul il-ħin. Hekk, kif tgħaddi siegħa mill-ħajja tal-bniedem, bl-istess mod wieħed għandu fl-istess ħin jakkwista mertu.

## XIII – Dwar il-ġlieda kontra t-tentazzjoni

[1843] 36 Jekk, kif jiġri xi mindaqqiet, kien jinħakem minn xi tentazzjoni tal-ġisem, kien matul ix-xitwa jogħdos f'xi foss mimli ilma inġazzat, jew isawwat lilu nnifsu bla ħniena, jew inkella kien jitgerbeb għal żmien twil fix-xewk u l-għollieq sakemm bil-kastig ta' ġismu hu kien jeqred minnu nnifsu dan it-tiġrib tal-ġisem[459].

37 Għax kif, darba minnhom, l-imqaddes Ġob kellu jitqabad ma' tentazzjonijiet kbar, hekk l-irġiel qaddisa kellhom jgħaddu mill-istess tiġrib. Permezz ta' dawn il-ġlidiet dawn in-nies kienu imnaddfin u immeritaw glorja kbira. Huma wkoll urew il-prova tal-virtujiet tagħhom bil-ġlidiet kuraġġużi tagħhom u bil-perseveranza bla ma titħarrek li kellhom. Dan ukoll seħħ f'dak li għandu x'jaqsam ma' San Franġisk, li ċertament kien jieqaf ħafna mill-attakki tax-xitan. Għaliex il-ġlidiet ta' din ix-xorta jitqiegħdu quddiem dawk li jibdew il-mixja tal-ħajja qaddisa skond il-qjies tal-virtujiet tagħhom. Il-ġlidiet qalila kontra t-tentazzjoni ma jitqiegħdux quddiemhom, ħlief quddiem dawk li jkunu l-aktar b'saħħithom.

38 Lejl minnhom meta l-bniedem ta' Alla kien jitlob, ix-xitan sejjaħlu għal tliet darbiet: "Franġisku, Franġisku, Franġisku!" U meta l-bniedem ta' Alla wieġbu: "Xi trid?", ix-xitan qallu: "Għalkemm Alla jaħfer lill-midinbin kollha jekk jikkonvertu, imma Hu qatt ma hu sejjer jaħfer lil dawk li joqtlu lilhom infushom billi jaħqru lilhom infushom bla kont". Ir-raġel qaddis, għaldaqstant, għaraf li x-xitan ried ireġġgħu lura mill-ħeġġa tad-devozzjoni li kellu biex jerġa' jberred il-ħerqa tiegħu.

---

459 Jingħad fil-ħajja ta' San Benedittu minn Norcia, miktuba mill-Papa San Girgor il-Kbir, fid-*Dialoghi* II (PL 66,132) li Benedittu "meta ntebaħ li fil-qrib kien hemm ħafna xewk u għollieq folt, neża' ħwejjġu u nxteħet għeri fost ix-xewk inniggeż u l-għollieq jaħraq".

## Dwar il-qbil perfett bejn ġism u ruħu

[1844] 39 F'dan ir-raġel qaddis ta' Alla kien hemm armonija jekk kbira ma' l-ispirtu, kien hemm ubbidjenza hekk qawwija tal-ġisem, li meta kien jitħabat biex jilħaq il-qdusija, ma kien ikollu l-ebda reżistenza mir-rieda, u kien jiġri 'l quddiem, skond dak li jingħad: *Ruħi bil-għatx għalik, ġismi qiegħed inin għalik* (S 62,2). Ġewwa fih is-sottomissjoni kontinwa saret xi ħaġa spontanja, hekk kif il-ġisem għaraf dejjem iċedi, u hekk hu wasal għal grad għoli ta' virtù, għaliex, kif jingħad, l-abitudni ta' spiss maż-żmien issir parti min-natura tal-bniedem.

## Dwar meta wieħed hu qaddej ta' Alla

[1845] 40 Lejl minnhom Franġisku sejjaħ lejh lill-aħwa kollha li kienu fil-post u qalilhom: "Jiena tlabt lill-Mulej biex jogħoġbu jgħarrafni meta jiena nkun qaddej tiegħu, billi jiena qatt ma nixtieq xejn aktar milli nkun qaddej tiegħu. Dak li hu l-aktar ħelu weġibni: 'Inti tkun taf li inti qaddej tiegħi meta taħseb, titkellem u twettaq dawk il-ħwejjeġ li huma qaddisa'. Għaldaqstant, jekk intom xi darba tarawni li minix inwettaq xi waħda minn dawn il-ħwejjeġ, mela qisuni li jiena minix qaddej ta' Kristu".

## XIV – Dwar it-taħbit tiegħu fil-predikazzjoni

[1846] 41 Fuq kollox, hu kien iħossu mġarrab minn ħafna xorta ta' mard, għaliex għal bosta snin hu kien *jgħakkes bl-aħrax lil ġismu u jaħkmu* (1Kor 9,27). Għaliex il-ġisem tiegħu ftit kellu mistrieħ f'kull ħin waqt li hu kien jimxi ma' diversi inħawi 'l bogħod minn xulxin biex jiżra' ma' kullimkien il-kelma ta' Alla, hekk li matul ġurnata wahda, hu ta' spiss kien jgħaddi minn xi erba' jew ħames irħula jew bliet u kien jippriedka f'kull wieħed minnhom. Kien hekk iħobb is-salvazzjoni ta' l-erwieħ, li meeta ma kienx ikun jista' jimxi b'saqajh, kien jivvjaġġa billi jirkeb fuq ħmar żgħir.

## Dwar il-qima li n-nies kellhom lejh

[1847] 42 Mill-banda l-oħra kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa kellhom devozzjoni hekk kbira lejn il-bniedem qaddis ta' Alla li huma kienu jgħafsu fuq xulxin biex jarawh u jisimgħuh, u kienu jqisu lilhom infushom ixxurtjati jekk ikunu jistgħu jmissu mqar l-ilbies tiegħu. Fid-devozzjoni tagħhom huma spiss kienu jqattgħu bċejjeċ mit-tonka tiegħu, sakemm kien jitħalla nofsu għeri. Meta kien jidħol ġo belt, in-nies kienu jifirħu, il-kleru kien jifraħ magħhom, il-qniepen kienu jdoqqu. Ta' spiss kienu joħorġu jilqgħuh bil-friegħi tal-palm, u jkantaw is-salmi, u filwaqt li dawk li jemmnu kienu jifirħu, l-eretiċi kienu jmorru jinħbew. Is-sinjali tal-qdusija tiegħu kienu jidhru tant ċari fih, li ħadd ma kien jażżarda li jitkellem kontrih, għaliex il-kotra tal-poplu kienet tisma' minnu biss.

## XV – Dwar kif kien jippriedka

[1848] 43 Għalkemm kien jitkellem dwar ħwejjeġ sempliċi meta kien fost nies sempliċi, imma fost nies spiritwali u għorrief hu kien ilissen il-veritajiet profondi tal-fidi. Għalkemm hu ta'

spiss kien jippriedka l-Kelma ta' Alla fost eluf ta' nies, kien iħossu hekk mimli fiduċja daqslikieku kien jitkellem ma' ħabib intimu tiegħu. Hu kien iħares lejn l-akbar folla tan-nies daqslikieku kienet persuna waħda, u kien jippriedka bil-ħeġġa lil persuna waħda jew lil ftit nies jew lil folla. Kien ta' spiss ilissen l-aktar ħwejjeġ ta' l-għaġeb li dwarhom ma kienx ikun ħaseb qabel. Xi mindaqqiet ma kienx ikun jista' jiftakar dak li kien immedita dwaru u ma kienx ikun jaf x'kien sejjer jgħid, u kien jistqarr quddiem in-nies bla mistħija li kien nesa dak li kellu f'moħħu li jgħid, imbagħad kien ibierek lin-nies u jibgħathom. Il-kapaċità tal-kelma li kellu kien imħeġġeġ biż-żelu, u kien iqanqal il-qlub ta' dawk li kienu jisimgħuh mill-qiegħnett u kien iqabbad il-fjamma ta' l-indiema fihom. Fih kienet tgħammar l-awtorità apostolika, u għaldaqstant hu kien jiċħad li joqgħod juża kliem sabiħ mas-setgħana tad-dinja.

Dwar l-għarfien tiegħu ta' l-Iskrittura

[1849] 44 Għalkemm mill-bidunett hu ma kienx mogħti għall-istudju ta' l-iskejjel, imma xorta waħda kien imdawwal mill-*għerf li ġej minn fuq* (Ġak 1,17) biex jifhem l-Iskrittura b'mod profond. Il-moħħ tiegħu kien jippenetra l-misteri moħbija, u fejn l-għarfien ta' persuna mgħallma ma kienx jasal għalih, kienet tidħol floku l-ħeġġa ta' bniedem li jħobb. Hu ta' spiss kien iħoll kwestjonijiet diffiċli, u fi kliem sempliċi kien joħroġ għad-dawl il-qawwa moħbija ta' l-intelliġenza. Bħala riżultat, wieħed mill-kardinali tal-Knisja Mqaddsa Rumana darba qallu: "Jiena nilqa' bil-qalb l-għerf tiegħek ta' l-Iskrittura, għaliex jiena naf li dan ġej minn Alla waħdu, u mhux mir-raġunamenti fini tal-bnedmin".

XVI – Dwar kif kien dejjem iġorr lil Kristu f'qalbu

[1850] 45 L-ogħla skop tiegħu, l-akbar xewqa li kellu, u l-aktar intenzjoni eċċellenti tiegħu kienet li jagħti widen għall-Evanġelju mqaddes, li jimxi wara t-tagħlim, u l-passi tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Waħda wara l-oħra, l-umiltà ta' l-Inkarnazzjoni tiegħu u l-ogħla karità tal-Passjoni tiegħu kienu jokkupaw il-moħħ tiegħu l-ħin kollu, hekk li qajla kien jaħseb fuq ħwjjeġ oħra. Kienet id-drawwa tiegħu li jaqsam il-ħin mogħti lilu filli jakkwista l-grazzja, filli jagħmel il-ġid mal-proxxmu, u filli jiddedika ruħu għall-kontemplazzjoni fis-skiet.

Dwar il-ħeġġa tiegħu għall-martirju

[1851] 46 Hu kien jixtieq fuq kollox li *jintemm u jkun ta' Kristu* (Fil 1,23); għaliex kien hawn biss li kienet tistrieħ ix-xewqa tiegħu. Sabiex hu jilħaq dan b'ħeffa akbar kien jaqbad bix-xewqa tal-martirju mqaddes u għat-tielet darba hu ittanta jaqsam il-baħar lejn l-artijiet tas-Saraċini biex jippriedkalhom il-fidi kattolika. Darba minnhom, meta minħabba n-nuqqas ta' ikel il-baħrin ma riedux jilqgħuh fuq il-ġifen, hu afda fil-ħniena ta' l-Aktar Għoli, u tela' fuq il-ġifen bil-moħbi. Dak il-ħin stess, imqanqal mill-Mulej li jipprovdi, ġie wieħed raġel iġib l-ikel u tah baxx baxx lil wieħed mill-baħrin u qallu: "Meta jasal il-waqt, agħti dan l-ikel lill-irġiel foqra li hemm jistaħbew fuq il-ġifen tagħkom".

Dwar kif bit-talb ta’ Franġisku inħelsu mill-periklu tal-baħar

[1852] 47 Qamet maltempata għal bosta jiem, u meta l-ikel tagħhom kollu kien spiċċa, kien fadal biss il-ħniena divina, jiġifieri l-ikel tal-fqajjar Franġisku, li tkattar b’mod tali li kien biżżejjed għal bosta jiem għal dawk kollha li kienu fuq il-ġifen sakemm waslu fil-port. Il-baħrin, meta għarfu li huma kienu ħelsu mill-perikli tal-baħar bil-merti ta’ l-imqaddes Franġisku, raddew ħajr lil Alla, li jirrivela lilu nnifsu lill-qaddejja tiegħu bħala dak li hu ta’ l-għaġeb u li jistħoqqlu l-imħabba tagħna.

48 Fl-aħħarnett, hu ippreżenta ruħu quddiem is-Sultan, ukoll jekk f’dak il-mument kien hemm battalji ħarxa ta’ kuljum bejn l-Insara u s-Saraċini. B’liema tbatijiet kellu jiddgħajjef f’ġismu, b’liema swat u ġerħat ġie maħqur, b’liema theddid ippruvaw jaqtgħulu qalbu qabel ma wasal quddiem is-Sultan, b’liema fiduċja tkellem quddiemu, b’liema kuraġġ iddefenda l-fidi tiegħu u wieġeb lil dawk li kienu jinsulentaw il-liġi Kristjana! Dan kollu jeħdilna wisq ħin biex insemmuh kollu. Imma f’dan kollu l-Mulej ma riedx itemm ix-xewqa tiegħu li jirċievi l-kuruna tal-martri imma irriserva għalih id-don ta’ glorja waħdanija li biha hu ried jikkonforma lil Franġisku bid-dieher mat-tbatijiet u l-mewt tiegħu aktar mill-martri kollha, kif urew l-istimmati mqaddsa, li kienu jidhru b’mod ċar fuq il-ġisem ta’ Franġisku.

XVII – Id-devozzjoni tiegħu lejn il-fidi u l-qima lejn is-saċerdoti

[1853] 49 Billi *l-bniedem ġust jgħix bil-fidi* (Ħab 10,38), fil-ħajja tal-grazzja, il-missier imqaddes fuq kollox kien jgħallem li l-fidi tal-Knisja Mqaddsa Rumana trid tintwera qima u tiġi mħarsa. Is-salvazzjoni ta’ dawk kollha li għandhom ikunu salvati tinsab fiha biss. Hu kien iqim lis-saċerdoti u lil kull ordni ekkleżjastiku b’imħabba kbira. Għaliex hu kien jgħid: “Jekk jiena ninzerta li niltaqa’ fl-istess ħin ma’ qaddis li jinżel mis-sema u ma’ xi qassis fqajjar, jiena rrid l-ewwel inbus idejn dak il-qassis qabel dawk tal-qaddis. Għax jiena ngħid: ‘San Lawrenz, stennieni sakemm jiena nuri qabel xejn il-qima lejn il-qassis, għaliex idejh jamministraw il-Kelma tal-ħajja’”.

Dwar il-paċi mal-kjeriċi

[1854] 50 Għalkemm hu ried li uliedu jżommu l-paċi ma’ kulħadd, u li juru ruħhom umli quddiem kulħadd, madankollu hu kien jgħallimhom biex ikunu partikolarment umli u devoti lejn il-kjeriċi, jew minħabba d-dinjità ta’ l-Ordni kerlikali tagħhom jew bħala eżempju għal-lajċi sabiex dawn jitgħallmu permezz ta’ uliedu kif ikunu suġġetti lejn il-mexxejja tagħhom, jew għall-iskop li jieqaf lill-ħażen ta’ l-eretiċi, li jdawwru lill-fidili biex ma jurux qima lejn il-kleru, sabiex malli l-kjeriċi jiġu mistmerra, dawn l-eretiċi jkunu jistgħu jikkonvinċu lin-nies għal warajhom.

51 Hu kien imdorri jgħid: “Aħna ġejna mibgħutin biex ngħinu lill-kjeriċi biex iġibu ‘l quddiem is-salvazzjoni ta’ l-erwieħ, sabiex aħna nissupplixxu għal dak kollu li hu nieqes fihom. Kull wieħed minna jirċievi l-premju, mhux minħabba l-awtorità tiegħu, imma minħabba l-ħidma li jkun wettaq. Mela kunu afu, ħuti, li l-ġid ta’ l-erwieħ hu dak li jogħġob l-aktar lil Alla, u li dan jinkiseb

aktar faċilment meta nżommu l-paċi mal-kleru milli meta noqogħdu niġġieldu miegħu. Imma jekk xi kjeriċi jostakolaw it-triq tas-salvazzjoni tan-nies, hemm il-ħaqq ta' Alla li jagħraf dan kollu. Għalhekk, kunu umilment soġġetti għalihom, sabiex ma jkun hemm l-ebda għira fikom. Jekk intom ulied is-sliem, intom tkunu kapaċi tirbħu fuq il-kleru u n-nies għall-Mulej, u dan jogħġob u hu milqugħ minn Alla aktar milli meta tirbħu għalikom lin-nies imma billi tiskandalizzaw lill-kleru. Għattulhom il-waqgħat tagħhom, pattu għad-difetti tagħhom, u meta tkunu għamiltu dan kollu, kunu aktar umli!"

52 Għaliex il-Knisja mqaddsa ġiet fdata f'idejhom u t-telfien ta' dawk li jaqgħu taħt il-kura tagħhom jintalab lilkom kont tiegħu. Mela ejjew nieħdu sehem magħhom fil-ħsad ta' l-erwieħ, u mhux fit-telfien tagħhom. Għaliex kif mhux sewwa li wieħed jagħmel il-ħażen biex joħroġ it-tajjeb, dan il-frott ma jogħġobx lil Alla jekk wieħed ikun kisbu bi skandlu. Ikun jibni lilu nnifsu u lill-Knisja aktar dak li jbati fis-skiet, milli dak li jqajjem plejtu sħiħ u b'ras iebsa biex jiddefendi l-awtorità tiegħu, sakemm ma jiġix stabilit bil-miftuħ li l-verità tal-fidi tinsab fil-periklu. Jekk għaldaqstant aħna tassew qiegħdin infittxu l-qliegħ għal Alla, aħna għandna nfittxuh fejn nistgħu insibuh b'mod aktar żgur, jiġifieri fil-ġentilezza.

### Dwar kif ikkalma lil wieħed isqof bl-umiltà tiegħu

[1855] 53 Darba minnhom l-imqaddes Franġisku ġie fil-belt ta' Imola u talab permess lill-isqof biex ikun jista' jippriedka, imma dan qallu: "Hu biżżejjed li nippriedka jien lin-nies tiegħi". Il-qaddis baxxa rasu u ħareġ bl-umiltà kollha, imma wara ftit tal-ħin reġa' daħal għandu mill-ġdid. L-isqof telgħalu u qallu: "Issa xi trid aktar?" San Franġisk wieġbu: "*Messere,* jekk missier ikeċċi lil ibnu minn bieb, dan għandu jidħollu minn ieħor". L-isqof ikkalma meta ra dik l-umiltà kollha. Hu ħaddan miegħu lill-bniedem ta' Alla u qallu bi tbissima: "Minn issa 'l quddiem inti u l-aħwa tiegħek għandkom il-permess ġenerali tiegħi biex tippriedkaw fid-djoċesi. Dan intom qlajtuh bl-umiltà qaddisa".

## XVIII – Dwar li l-aħwa fl-Ordni jkunu kollha l-istess

[1856] 54 Sabiex issaltan il-fraternità u l-imħabba tkun akbar fost l-aħwa, hu kien irid li l-Ordni kollu tiegħu jingħaqad ħaġa waħda biex fih kulħadd ikun indaqs, sabiex hekk bl-istess tonka u bl-istess osservanza ta' ħajja, dawk li huma kbar jingħaqdu ma' dawk li huma żgħar, dawk li jafu l-iskola ma' dawk ta' bla skola, u dawk li jkunu 'l bogħod minn xulxin jibqgħu magħqudin flimkien bl-għaqda ta' ħbiberija mill-qiegħnett tal-qalb. Kien jgħid: "Kull fejn jinsabu u jgħixu l-aħwa, għandu iġibu ruħhom ma' xulxin bħallikieku kienu nies ta' familja waħda", sabiex hekk huma jgħixu flimkien bħala familja fid-dar, jifirħu flimkien bl-istess drittijiet skond l-istituzzjonijiet ta' l-Ordni.

### Dwar kif jissejħu l-Ministri

[1857] 55 Minħabba l-virtù ta' l-umiltà fir-Regola kiteb li ma riedx li l-mexxejja ta' l-Ordni jissejħu b'ismijiet li jfissru dinjità, bħal, ngħidu aħna, abbati, presidenti, jew prijuri, imma riedhom jissejħu ministri u kustodji, sabiex b'dan kollu l-aħwa jifhmu li huma qaddejja ta' ħuthom aktar milli sinjuri mexxejja, u li huma dawk li jħarsu l-erwieħ u mhux li jġiegħeluhom jintilfu, skond

dak li jgħid San Mattew: *Dak li hu l-akbar wieħed fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom* (Mt 23,11), u skond dak li jgħid l-awtur ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet: *Salamun kellu għalqa tad-dwieli; din l-għalqa ħallieha f'idejn l-għassiesa* (Għan 8,11). Il-kelma "gwardjan" għandha l-istess tifsira ta' "kustodju", mhijiex meħuda mir-Regola, imma mill-użu tagħha fl-ilsna romanzi tindika diversi dmirijiet.

## XIX – Dwar kif feda l-kura ta' l-Ordni f'idejn il-Knisja ta' Ruma

[1858] 56 Meta ra li, bil-providenza ta' Alla u skond dak li kien wiegħed, l-Ordni taħt it-tmexxija tiegħu kien joktor fil-Knisja mqaddsa, u meta ra minn qabel ukoll fl-ispirtu li xi wħud li kienu mixgħulin bi spirtu ħażin kellhom iqumu kontra l-Ordni, kif fit-tielet kapitlu ta' Ester, Ħaman qam kontra l-poplu ta' Alla biex ixerrdu u jeqirdu, l-imqaddes Franġisku resaq lejn is-Sede Apostilika u, skond dak li ġie mnebbaħ minnu mis-sema, u mingħajr ma ippretenda li joqgħod jiddefendi lil uliedu bil-qawwa tiegħu mill-bluha tal-ħżiena, hu feda l-ħarsien ta' l-Ordni f'idejn il-Knisja mqaddsa Rumana, sabiex l-Ordni jirċievi kura speċjali u jkun imħares taħt il-ġwienaħ tal-grazzja tagħha.

57 Meta l-bniedem ta' Alla wasal Ruma, is-Sinjur Papa Onorju III u l-kardinali laqgħuh b'rispett kbir, għaliex il-fama tal-qdusija tiegħu kienet wasslet lil kulħadd biex iqimu. Hu ippriedka quddiem is-Sinjur Papa u l-kardinali, li *baqgħu mistagħġbin bil-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu* (Lq 4,22), u li ħassewhom edifikati ħafna. Imbagħad hu talab lis-Sinjur Papa biex is-Sinjur Ugolino, li dik il-ħabta kien isqof ta' Ostia, u li aktar tard il-providenza divina sejħitlu biex ikun is-Sinjur Papa Girgor IX, jiġi maħtur biex jippresjiedi fuq l-Ordni f'isem il-Papa, sabiex hekk titħares id-dinjità u l-ewwel post tas-Sede Apostolika u l-aħwa fi żmien ta' ħtieġa jkunu jistgħu jittallbu minn għandu l-benefiċċji tal-ħarsien u d-direzzjoni. Is-Sinjur Papa ħares bit-tjieba u l-ferħ lejn din it-talba qaddisa, u malajr, wara li talbu l-missier, hu ħatar lil dan il-kardinal fuq l-Ordni.

### Dwar il-Kardinal

[1859] 58 Skond ma jingħad fir-Regola u bil-permess tas-Sede Apostolika, l-Ordni dejjem għandu d-drawwa li jkollu fuqu wieħed mill-kardinali tal-Knisja Mqaddsa Rumana li l-Ministri Provinċjali jitolbu mingħand is-Sinjur Papa. L-Ordni hu suġġett għal dan l-Isqof bħallikieku kien tiegħu stess, u bħala Ordni hu eżenti mill-ġurisdizzjoni ta' isqfijiet oħrajn, biex hekk ma tiġix imfixkla l-osservanza regolari ta' kulħadd bl-istess mod. Jekk l-aħwa wiegħdu ubbidjenza f'kollox lil xi isqof ieħor li fid-djoċesi tiegħu jkunu jgħammru, bħallikieku kien l-isqof tagħhom, kieku l-isqfijiet differenti jibdew jitolbuhom ħwejjeġ differenti u min ikollu kuxjenza mbeżża' ma jkunx jista' joħroġ malajr minn dan it-taħwid tal-moħħ. Minkejja dan, din il-ħaġa ma tmur bi preġudizzju kontra dik il-qima li, minħabba l-għoli tad-dinjità tiegħu, l-aħwa għandhom juru lil kull wieħed mill-isqfijiet mingħajr eċċezzjoni. Hi ħaġa tajba li dawk li lilhom il-Mulej tahom ġieħ hekk għoli għandhom ikunu meqjumin dejjem mill-familja universali, għaliex il-Knisja Mqaddsa hi mħollija f'idejhom, bħala għarusa f'idejn l-għarus tagħha, biex tiġi mħarsa, immexxija, imżejna, u mwassla fil-kamra ta' l-għarus tas-sema.

## XX – Dwar kif il-ħlejjaq kienu jobduh

[1860] 59 Nieħdu wisq ħin biex nirrakkontaw ħaġa wara l-oħra dak kollu li l-missier imqaddes Franġisku għamel u għallem. Jekk xi ħadd ikun jixtieq jaf dawn l-affarijiet, għandu jfittixhom fil-Leġġenda sħiħa li tagħha qegħdin niktbu din tagħna f'għamla mqassra, u hekk b'xi mod ikun jista' jaqta' xewqtu. Għaliex ma ssib kważi xejn ta' min ifakkru fil-mod li bih il-qaddisin għolew għad-dinja tal-qdusija, li ma ssibux ukoll jiddi fil-ħajja ta' dan il-qaddis.

60 Billi hu kien intelaq għal kollox taħt ir-rieda tal-Ħallieq tiegħu, hu kien iħobb l-għemejjel kollha ta' idejh b'imħabba mill-aktar safja minħabba fih innifsu. Hekk dawk il-ħlejjaq kien jitħabtu, bil-mod tagħhom kif jistgħu, biex iħallsuh lura, bħallikieku kienu qegħdin jiftakru fil-liġi tal-qagħda tagħhom meta inħalqu għall-ewwel darba, jiġifieri li, filwaqt li l-bniedem għandu jobdi lil Alla, hekk huma wkoll għandhom joqogħdu taħt ir-rieda tal-bniedem. Meta hu kien imellishom, huma kienu jitbissmulu, kienu jroddulu dak li jitlobhom, kienu jobdu l-kmandi tiegħu, kif se juru xi ftit minn ħafna eżempji.

### Dwar kif ippriedka lill-għasafar

[1861] 61 Darba minnhom meta San Franġisk kien għaddej mill-Valle di Spoleto qrib Bevagna iltaqa' ma' kotra kbira ta' ħafna kwalitajiet ta' għasafar f'għalqa. U billi hu kien iħobb il-ħlejjaq għall-imħabba tal-Ħallieq tagħhom, hu resaq lejhom u sellmilhom bil-mod tiegħu tas-soltu. Meta ra li huma ma kienux ħarbu, hu feraħ, u beda jitkellem magħhom bħallikieku kienu ħlejjaq imżejnin bir-raġuni. "Ħuti għasafar, intom għandkom tħobbu ħafna u tfaħħru lill-Ħallieq li takom ir-rix biex tilbsu, il-ġwienaħ biex ittiru, u dar fl-arja safja. U intom *la tiżirgħu u lanqas taħsdu* (Lq 12,24) u lanqas għandhom imħażen għall-ikel. Imma Hu jitmagħkom". Il-bniedem ta' Alla beda jippriedka dawn il-kelmiet u oħrajn bħalhom lill-għasafar, kif taw xhieda dawk li kienu preżenti miegħu dak il-ħin. L-għasafar bdew itawwlu għonqhom, jiftħu l-munqar tagħhom, jifirxu ġwenħajhom u jħarsu lejh b'attenzjoni, u hekk bdew juruh b'ċertu mod l-affett li huma kellhom għal dan il-bniedem qaddis ta' Alla u għal dak li ried jgħidilhom. Filwaqt li Franġisku beda miexi f'nofshom, kien imisshom bit-tonka tiegħu, imma l-ebda wieħed minnhom ma ħalla postu sakemm, wara li temm il-priedka, hu tahom il-barka tiegħu u l-permess li jitilqu. Meta temm dan kollu, huma mall-ewwel intrefgħu u taru fil-għoli tas-sema b'ħafna storbju, bħallikieku kienu qed jirringrazzjawh tal-favur li għamel magħhom. Imbagħad il-bniedem ta' Alla, li kien sempliċi minħabba s-safa tiegħu, u mhux minħabba n-nuqqas ta' ħeġġa, beda jċanfar lilu nnifsu għat-traskuraġni tiegħu, għaliex, kif hu kien ra, l-għasafar kienu rċevew il-kelma ta' Alla b'ħafna attenzjoni billi sa dak il-ħin hu kien għadu ma ippriedkalhomx.

### Dwar kif sikket il-ħuttaf

[1862] 62 Jum minnhom meta hu ried jippriedka l-kelma ta' Alla lin-nies miġburin f'Alviano, kien hemm kotra kbira ta' ħuttaf, li kellhom il-bejtiet tagħhom f'dawk l-inħawi, u li kienu qed jagħmlu storbju hekk qawwi bit-tgedwid u t-tisfir tagħhom li l-bniedem ta' Alla ma setax jinstema b'mod ċar min-nies. Ir-raġel qaddis qalilhom: "Ħuti ħuttaf, intom issa tkellimtu biżżejjed; issa oqgħodu kwieti u agħtu widen għall-kelma ta' Alla fis-sliem!" Bħallikieku kellhom il-qawwa tar-raġuni dak il-ħuttaf baqa' sieket, u lanqas ma iċċaqilqu minn dak il-post, sakemm hu kien temm

il-predikazzjoni tiegħu. Dawk li kienu preżenti taw glorja lill-Mulej meta raw dan il-miraklu, u baqgħu miblugħin għall-qdusija ta' dan ir-raġel qaddis, hekk li riedu jiġu jmissulu t-tonka tiegħu.

## XXI – Dwar kif ħareġ l-ilma mill-blata

[1863] 63 Darba minnhom San Franġisk ried ikun f'ċertu eremitaġġ ta' l-aħwa sabiex hu jkun jista' jqatta' l-ħin tiegħu bil-libertà fil-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema. Billi hu kien dgħajjef ħafna, hu rikeb ħmar li kien sellifulu wieħed bidwi. Kien is-sajf, u waqt li dak il-bidwi kien miexi jsuq il-ħmar u tiela' l-muntanja wara r-raġel ta' Alla, kien iħossu mifni mill-vjaġġ, u kien għoddu qed iħossu ħażin minħabba l-għatx. Dak il-bidwi beda jgħajjat lil San Franġisk u ħaliflu li kien se jaqa' hemm mejjet jekk ma jsibx xi ħaġa x'jixrob biex jistejqer. San Franġisk ġietu ħniena mill-hemm tiegħu, niżel għarkubbtejh ma' l-art, u ingħata kollu kemm hu bid-devozzjoni għat-talb sakemm hu ħas li l-Mulej kien sejjer jisimgħu. Imbagħad qam mit-talb u qal lil dak ir-raġel: "Mur iġri, u hemmhekk se ssib ilma li issa stess, f'din is-siegħa, il-Mulej ħareġ mill-blata għax ġietu ħniena minnek". Dak il-bidwi xorob l-ilma li beda ħiereġ hemmhekk bil-qawwa tat-talb tal-missier imqaddes, għalkemm f'dak il-post qatt ma kien instab ilma jnixxi qabel dak in-nhar.

### Dwar kif in-nar ma għamillux ħsara

[1864] 64 F'dak iż-żmien il-missier imqaddes Franġisku kien marad f'għajnejh billi ta' spiss kien ixerred id-dmugħ, u baqa' jbati ħafna minn dik il-marda sal-jum tal-mewt tiegħu. Għalhekk ġie mħeġġeġ mis-Sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia, biex ifittex il-kura. Meta l-kirurgu kien kewa l-ħadida li biha ried jaħraqlu l-laħam ħdejn għajnejh, u l-ġisem tal-missier imqaddes beda jitriegħed bil-paniku tal-biża', hu beda jkellem lin-nar b'dan il-mod: "Ħija nar, l-aktar wieħed nobbli fost l-elementi l-oħrajn, jiena dejjem ħabbejtek fil-Mulej! Kun twajjeb miegħi ssa, sabiex inkun b'saħħti biżżejjed biex inkun nifilħek meta inti tkun qed taħraqni bil-ħlewwa!" Imbagħad, wara li għamel is-sinjal tas-salib fuq in-nar, offra ruħu biex jinħarqulu l-ġnub ta' għajnejh. L-aħwa li ma felħux jarawh ibati, ħarbu 'l barra. Il-ħadida bdiet nieżla fil-laħam artab tiegħu u l-ħruq beda jestendi ruħu minn widnejh sa fuq il-kpiepel ta' għajnejh. Meta l-aħwa ġew lura, il-qaddis qalilhom bi tbissima: "Ejjew 'l hawn, intom dgħajfin u ta' qalb imbeżża', għaliex ħrabtu 'l hemm? Tassew ngħidilkom, jiena ma ħassejtx is-sħana tal-ħadida, u lanqas ma ħassejt l-ebda uġigħ f'ġismi". U lit-tabib qallu: "Jekk il-laħam għadu ma sarx biżżejjed, erġa' ipprova!" It-tabib intebaħ li dan kollu kien ġej minn Alla, u qal li kien miraklu: "L-aħwa, illum jiena rajt ħwejjeġ ta' l-għaġeb!".

## XXII – Dwar kif fejjaq lil wieħed kjeriku

[1865] 65 Fost il-kariżmi ta' qawwiet oħrajn, il-missier imqaddes kellu d-don waħdieni tal-fejqan. Darba waħda kien jinsab fil-palazz ta' l-isqof ta' Rieti, u hemmhekk kien jgħix kanonku jismu Gedeone, li kien bniedem tad-dinja u mimli regħba għall-pjaċiri, u li inħakem minn marda gravi. Dan talabhom iġorruh għand il-bniedem ta' Alla, u bid-dmugħ beda jitolbu biex jagħmillu fuqu s-sinjal tas-salib. Hu wieġbu: "Billi inti imxejt wara x-xewqat tal-ġisem u dejjem kont għadu tas-salib ta' Kristu, kif nista' jien nimmarkak bis-sinjal tas-salib?" Imbagħad żied jgħidlu: "Jiena sejjer nimmarkak f'isem il-Mulej; imma għandek tkun taf li inti ssofri ħwejjeġ agħar minn dawn

jekk, wara li tkun fiqt, inti terġa' lura għall-ħajja tad-dnub". Meta għamel is-sinjal tas-salib fuqu, dak mall-ewwel reġa' kiseb saħħtu u qam jgħid: "Niżżi ħajr lil Alla! Jiena ħieles!" Xi ftit tażżmien wara reġa' lura għall-istess dnubiet ta' qabel. Lejl minnhom meta kien rieqed fid-dar ta' wieħed kanonku sieħbu, is-saqaf ta' dik id-dar iġġarraf fuqhom ilkoll, u filwaqt li l-oħrajn kollha ħarbu, dak ir-raġel biss baqa' hemm mejjet skond dak li kien ħabbar il-bniedem ta' Alla.

66 Jiena qiegħed naqbeż apposta fuq bosta ġrajjiet simili biex ma noqgħodx nirrepeti lili nnifsi fit-tul. Għaliex dan ir-raġel qaddis kellu tant qawwa mill-Aktar Għoli li l-benefiċċji tal-fejqan tiegħu kienu ġew imsawwba mhux biss fuq bosta fil-preżenza tiegħu imma wkoll meta hu ma kienx ikun preżenti permezz ta' oġġetti li hu jkun mess b'idejh. Kienu jġibu lill-bniedem ta' Alla l-ħobż biex ibierku, u meta dawk li kienu jkunu morda kienu jduquh, kienu jitfejjqu mill-ħafna mard tagħhom.

Dwar kif biddel l-ilma fi nbid

[1866] 67 Minħabba l-merti tiegħu l-elementi kienu xi mindaqqiet jinbidlu f'natura oħra. Darba minnhom meta l-qaddis innifsu kien marid fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano, hu biddel l-ilma b'mod mirakoluż fl-inbid. Meta hu daqu, f'daqqa waħda reġa' akkwista saħħtu, u bħala riżultat hawnhekk jidher li seħħ miraklu doppju. Wieħed jista' jaqra l-Leġġenda sħiħa ta' San Franġisk biex jara b'liema qawwa hu kien jikkmanda lix-xjaten u bit-talb u l-awtorità tiegħu kien ikeċċihom u jħarrabhom minn persuni ossessi jew ittentati.

## XXIII – Dwar kif kien ikun jaf ħwejjeġ moħbija

[1867] 68 Għalkemm minħabba l-uġiegħ f'għajnejh Franġisku kien iħossu dgħajjef lejn it-tmiem ta' ħajtu, imma permezz ta' illuminazzjoni profetika hu kien jista' jara b'mod ċar fl-ispirtu tiegħu, hekk li kien ikun jaf bid-dieher, permezz ta' rivelazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, mhux biss il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-għarfien ta' Alla, imma wkoll il-ħwejjeġ moħbija fil-qlub ta' l-oħrajn u n-natura ta' ġrajjiet futuri.

Dwar l-għarfien tiegħu ta' ħwejjeġ mistura

[1868] 69 Kemm il-darba kien ikun jaf b'rivelazzjoni mill-Ispirtu l-għemejjel ta' nies li ma jkunux preżenti quddiemu u kien jiftaħ għad-dawl dak li kien moħbi! Kemm persuni hu kien iwissi fil-ħolm tagħhom, billi jordnalhom dak li għandhom jagħmlu, jew jipprojbielhom ħwejjeġ li kellhom iħarsu ruħhom minnhom! Kien iħabbar minn qabel l-għemejjel ħżiena ta' bosta nies, li quddiemu kienu jidhru minn barra li kienu nies tajbin! U hekk kien jara minn qabel it-tmiem ta' nies ħżiena, u jħabbar il-grazzja futura tas-salvazzjoni lilhom ilkoll.

Dwar il-profezija

[1869] 70 Darba minnhom hu tkellem profetikament ma' l-aħwa dwar fra Bernardo li, warajh, kien it-tieni wieħed fost l-aħwa ta' l-Ordni. "Jiena ngħidilkom li fra Bernardo ġie mogħti l-aktar xjaten qarrieqa biex iġarrbuh, li huma l-agħar fost l-ispirti ħżiena l-oħrajn. Hu se jkun imħabbat u mfixkel ħafna, imma fl-aħħarnett sejjer jirbaħ fuqhom ilkoll. Fl-aħħarnett, meta jkun rebaħ kull

tentazzjoni, hu sejjer igawdi l-hedu u s-sliem b'mod ta' l-għaġeb. Meta jtemm il-ġirja, hu jgħaddi bil-ferħ biex jingħaqad ma' Kristu". Dak kollu li San Franġisk kien ħabbar minn qabel twettaq. Saħansitra mewtu ġiet imdawwla b'ħafna mirakli.

Dwar kif kien jaqra l-ħsibijiet ta' l-oħrajn

[1870] 71 Darba oħra l-imqaddes missier Franġisku kien għajjien waqt vjaġġ, u billi kien dgħajjef ħafna, kien riekeb fuq ħmar. Bħala sieħeb miegħu fil-vjaġġ kellu lil fra Leonardo, raġel nobbli minn Assisi. Billi dan sieħbu kien qiegħed jakkumpanja bil-mixi lill-missier imqaddes, hu beda jħossu għajjien ħafna. U beda jaħseb ta' bniedem li kien u tqanqal biex jitlef is-sabar fil-hemm tiegħu, u beda jgorr miegħu nnifsu: "Il-ġenituri tiegħu u tiegħi ma kienux ta' l-istess grad fis-soċjetà, u hawn hu riekeb, filwaqt li jiena miexi u mmexxi l-ħmar tiegħu". Meta Leonardo kien qiegħed jaħseb dwar dan, San Franġisk mall-ewwel niżel mill-ħmar u qal lil dak sieħbu li kien qiegħed jaħseb dawn il-ħwejjeġ: "Mhux sewwa li jiena nirkeb filwaqt li inti takkumpanjani bil-mixi, għaliex fid-dinja inti kont aktar nobbli u magħruf minni". Dak sieħbu baqa' miblugħ u inħakem mill-mistħija, għaliex intebaħ li l-missier imqaddes kien qabdu. Hu inxteħet għal tulu fl-art, u bid-dmugħ f'għajnejh, kixiflu dak li kien qiegħed jaħseb u talbu jaħfirlu.

72 Wieħed ieħor mill-aħwa jismu Riccerio, li kien ukoll ta' wild nobbli, tant kellu fiduċja fil-bniedem qaddis Franġisku li kien jaħseb li kull persuna li dan kien iħobb kienet maħbuba b'mod speċjali minn Alla, u li jekk xi ħadd kien iqisu bħala barrani, dan ukoll kien jitqies bħala barrani minn Alla. U billi hu kien imbeżża' ħafna, hu beda jaħseb li r-raġel qaddis Franġisku ma setax iħobbu, u minħabba dan hu kien iħossu jibża' għal żmien twil. Hu ma kienx jazzarda jikxef għal kollox quddiem xi ħadd dak li kien qiegħed isofri ġewwa fih. Jum minnhom, għaldaqstant, filwaqt li kien imħabbat b'dan il-ħsieb li kien dejjem jiġih, b'kumbinazzjoni għadda qrib iċ-ċella tal-missier imqaddes, u dan sejjaħlu u qallu: "Ibni, tħalli l-ebda ħsieb jifnik u jtellfek il-paċi, għaliex inti għażiż ħafna għalija, u jiena nħobbok b'imħabba speċjali. Meta inti trid li tkun ħieles minn kull ħsieb li jifnik, ejja għandi, u stqarr miegħi dak kollu li inti tixtieq". Dak sieħbu baqa' mistagħġeb u beda jaħseb minn fejn seta l-missier imqaddes jirċievi dak l-għarfien, u minn dak il-ħin 'il quddiem, hu għamel progress twil fil-ħbiberija ma' Franġisku u fil-grazzja ta' Alla.

XXIV – Dwar id-don tal-profezija

[1871] 73 Fiż-żmien meta l-armata Kristjana kienet qiegħda tassedja Damiata, San Franġisk kien jinsab hemmhekk flimkien ma' sħabu: għax b'xewqa kbira għall-martirju hu kien qasam il-baħar. Fil-jum meta l-Insara kienu qed iħejju ruħhom għall-battalja u hu sema' b'dan li riedu jagħmlu, il-bniedem ta' Alla tnikket mill-qiegħnett ta' qalbu u qal lil sieħbu: "Jekk jiġġieldu issa, l-Mulej urieni li ma tiġix tajba lill-Insara. Imma jekk jiena ngħid hekk, huma jaħsbu li jiena tlift sensija. U jekk niskot, il-kuxjenza tiegħi tniggiżni". Sieħbu wieġbu: "Mela eħles lill-kuxjenza tiegħek u toqgħodx taħseb dwar kif l-oħrajn ser jiġġudikawk". Għaldaqstant San Franġisk ma ħalliex lill-Insara jiġġieldu u bit-twissijiet tiegħu beda jipprova jsalvahom milli jmorru għall-gwerra billi jħabbrilhom dak li kellu jseħħ fil-ġejjieni. Il-verità ta' dawn iż-żewġ ħwejjeġ li ħabbar il-qaddis bdiet tidher meta huma ma tawx kas tat-twissijiet tiegħu u l-Insara intrebħu fil-battalja, hekk li sitt elef minnhom inqabdu u ġew maqtulin. Il-bniedem qaddis tqanqal bil-ħniena lejhom, kif ukoll tnikket sew talli huma kienu stmerrew it-twissijiet tiegħu.

74 Meta s-Sinjur Ugolino kien għadu isqof ta' Ostia, il-missier imqaddes kien jagħraf b'rivelazzjoni divina li l-isqof kellu jsir Papa tal-Knisja militanti fil-ġejjieni. Hekk, kull meta kien jibgħatlu ittri privati, kien dejjem jikteb: "Lill-Wisq Reverendu Missier u Sinjur Ugolino, Isqof tad-dinja kollha". Hekk kien jagħti x'wieħed jifhem li skond il-pjan divin hu kien magħżul li jkun Papa tal-Knisja kollha. Dan kollu jurina kif Franġisku, il-bniedem ta' Alla, kien imtela bil-karizmi divini! Biżżejjed li semmejna dawn il-ftit ħwejjeġ bħala eżempji, sabiex jekk xi ħadd jixtieq, u jiġbor fi tagħrif minn dawn il-ħwejjeġ li aħna semmejna hawnhekk.

## XXV – Deskrizzjoni ta' San Franġisk

[1872] 75 Hu kien dħuli fl-imġieba tiegħu, kien ħelu fil-kliem tiegħu, kien fidil fl-impenji tiegħu, kien prudenti fit-twissijiet tiegħu, kien imrażżan fl-ispirtu, ma kienx jehda mit-talb, kien jogħla fil-kontemplazzjoni, u kien imħeġġeġ f'kollox. Kien ikun lest li malajr jaħfer, kien isibha diffiċli li jitlagħlu, kien ħieles min-natura tiegħu, kien fin fil-mod kif jiddiskuti, kien għaqli fl-għażliet tiegħu, u kien dejjem jibqa' l-istess f'kollox. Kien iebes miegħu nnifsu u mimli tjieba ma' l-oħrajn.

76 Kien ilissen kliem il-għerf bil-ħeffa, kien mimli ferħ fil-mod kif jidher quddiem l-oħrajn, kien matur fil-karattru tiegħu, kien ta' tul medju, x'aktarx qasir. Xagħaru kien iswed, il-leħja tiegħu kienet sewda imma mhix folta; kellu saqajn irqaq, ftit kien imġissem. Ilbiesu kien aħrax; l-irqad tiegħu kien qasir, idejh kienet dejjem miftuħa. U billi hu kien umli ħafna, hu kien juri tjubija lejn kulħadd, u dejjem kien jadatta lilu nnifsu għall-imġieba ta' kulħadd. Kien qaddis fost il-qaddisin! Fost il-midinbin kien bħallikieku wieħed minnhom, hekk li l-preżenza tiegħu kienet dejjem twajba u meħtieġa f'kollox.

## XXVI – Dwar kif fetaħ il-Ktieb ta' l-Evanġelji

[1873] 77 Bil-qalb tiegħu kollha hu dejjem kien jitħabat bl-aktar mod imħeġġeġ biex jikkonforma ruħu f'kollox biex jogħġob lir-rieda divina, u jum minnhom hu xtaq li l-Mulej jurih kif seta' jaqdih b'mod aktar perfett, u dak li hu seta' jagħmel b'mod speċjali f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, hu mar lejn l-altar imqaddes, qiegħed il-ktieb ta' l-Evanġelji fuqu, u bl-umiltà kollha inxteħet għal tulu fl-art, u talab lill-Mulej li mall-ewwel darba li jiftaħ il-ktieb, Hu jogħġbu jurih dak li kien jixtieq minnu, kif naqraw li għamel wieħed mill-qaddisin tal-qedem. Imbagħad qam mit-talb u qawwa lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, u fetaħ il-ktieb, u l-ewwel silta li iltaqa' magħha kienet dwar il-Passjoni tal-Mulej Ġesù Kristu. Billi hu beża' li dan seta' ġara b'kumbinazzjoni, hu reġa' fetaħ il-ktieb bl-istess mod għat-tieni u għat-tielet darba, u l-istess silta jew waħda tixbaħha kienet dejjem tiġi quddiemu. Imbagħad dan il-bniedem, mimli b'Alla, fehem li hu kellu jimxi wara Kristu mit-triq tal-Passjoni lejn il-glorja, kif inkiteb li Kristu kien bata biex jekk jidħol fil-glorja tiegħu, għalkemm din ir-rivelazzjoni tidher x'aktarx li għandha x'taqsam ma' misteru ieħor li twettaq fih xi ftit taż-żmien wara.

## XXVII – Dwar il-viżjoni tas-Serafin

[1874] 78 Sentejn qabel ma reġġa' lura lil ruħu fis-sema, il-bniedem qaddis kien jinsab f'eremitaġġ imsejjaħ La Verna. Waqt li kien qiegħed jingħata għall-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema, ra waqt viżjoni d-dehra ta' bniedem ta' Alla fuqu, li kien ileqq bi sbuħija ta' l-għaġeb, u li idejh kienu miftuħin u riġlejh magħqudin flimkien, imwaħħal ma' salib. Hu kellu wkoll sitt ġwienaħ bil-mod kif Isaija jiddeskrivi s-Serafini; tnejn minnhom kienu jitilgħu 'l fuq minn rasu, tnejn kienu jgħattulu riġlejh u ġismu, u tnejn kienu mifruxin bħallikieku biex itir (cfr. Is 6,2). Meta l-qaddej u l-ħabib ta' l-Aktar Għoli ra dawn il-ħwejjeġ, hu imtela' bi stagħġib u ferħ kbir, kemm minħabba s-sbuħija ta' din il-viżjoni kif ukoll minħabba l-ħarsa twajba u ħelwa li biha kien iħares lejh is-Serafin. Imma l-imrar tat-tbatija tas-Serafin kienet timlieh b'niket sa fil-ġewwieni tiegħu.

### Dwar kif dehru fih l-istimmati

[1875] 79 Hekk filwaqt li San Franġisk kien qiegħed jaħseb u jitħasseb dwar x'setgħet tfisser din il-viżjoni, is-sinjali tal-Passjoni ta' Kristu bdew bil-mod il-mod jidhru f'idejh u f'riġlejh u f'ġenbu, bl-istess mod li bih ftit qabel kien rahom f'dik il-viżjoni. L-imsiemer li kienu iffurmati mill-istess laħam tiegħu dehru mqabbżin 'il barra fuq in-naħa ta' ġewwa ta' idejh u fil-wiċċ ta' riġlejh, filwaqt li l-ponot tagħhom ħarġu min-naħa l-oħra. Huma dehru bħallikieku kienu ħadid, sewdinija, u kienu iebsin, u jekk kont tagħfas fuqhom minn naħa waħda l-uġiegħ kien iwieġeb min-naħa l-oħra. Minkejja dan kollu huma kienu mqabbdin ħaġa waħda mal-ġilda u ma setgħux jinqalgħu. Il-ġenb tal-lemin tiegħu kien jidher milqut qisu minn lanza, u kien immarkat minn ġerħa irqiqa li kienet ta' spiss tinfetaħ u kienet tnixxi d-demm, hekk li t-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt tiegħu kienu jiċċappsu b'dak id-demm qaddis.

80 U dan lanqas ma kien xi laħam ħażin li kibirlu, kif xi persuni ta' rieda ħażina kienu jgħidu. Imma dawn il-marki ta' l-imsiemer u l-ġerħa tal-ġenb kienu ħaġa waħda mal-kumplament tal-laħam u tal-ġilda li kienet f'qagħda b'saħħitha, u kienu jidhru b'mod ta' l-għaġeb u ċar ħafna. U dawn hu ġarrhom f'ġismu sal-jum tal-mewt tiegħu. U għalkemm dan il-qaddej u ħabib ta' Alla kien jidher imżejjen bil-glorja ta' dawn il-ġawhar aktar mill-oħrajn kollha, imma hu ma fittixx li jagħmel lilu nnifsu jingħoġob quddiem xi ħadd bix-xewqa ta' xi glorja fiergħa. Għaldaqstant, hu bil-ħeġġa kollha żamm dan id-don moħbi minn kulħadd, hekk li lanqas l-eqreb aħwa u sħab tiegħu ma kienu jafu dwaru għal żmien twil. Għaliex hu kien jaħbi bi prudenza kbira riġlejh b'kalzetti tas-suf u idejh bil-kmiem.

### Il-misteru ta' l-istimmati f'San Franġisk

[1876] 81 Dak li Alla xtaq jurih b'dan id-don ta' l-għaġeb, li bih l-ebda wieħed mill-qaddisin qablu ma deher immarkat, u li bih hu jixxiebaħ b'mod mill-aktar evidenti ma' l-Iben ta' Alla imsallab, għadu mhux muri b'mod ċar, imma irrivelat xi ħaġa minnu lil persuna partikulari minn San Franġisk innifsu li dan il-misteru kellu jsib it-tifsira tiegħu fil-ġejjieni. Għaliex aħna nemmnu li Kristu xtaq li juri kemm kien iħobb lil Franġisku b'mod speċjali, jew kemm Franġisku kien jimxi b'mod perfett fit-triq ta' Kristu lejn il-qdusija jew kemm kienet profonda x-xbieha tal-Passjoni ta' Kristu stampata fuq qalbu bil-pinna ta' l-imħabba ta' Kristu, u x'aktarx ukoll kemm tirrappreżenta bil-mod proprju lil Kristu li għandu mill-ġdid jiġi msallab b'mod mistiku fil-membri tiegħu minn dawk li huma bla fidi f'dawn l-aħħar żminijiet skond dak li jgħid l-Appostlu lill-Galatin: *Intom li*

*Ġesù Kristu tpinġa msallab quddiem għajnejkom*? (Gal 3,1). Għaliex dak li issa jingħad dwar il-membri ta' Kristu, jitqies bħala li qiegħed jingħad għal Kristu nnifsu skond dak li jgħid San Mattew: *Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi* (Mt 25,40). Hekk, ukoll f'dawn hu mpinġi u hu msallab minn dawk li huma bla Alla għalkemm, għax filwaqt li huma jobgħoduhom f'qalbhom, imma jimxu fuq il-kliem u l-għemejjel tagħhom.

Dwar kif kien jostor id-doni tiegħu

[1877] 82 Kienet drawwa ta' dan il-missier imqaddes li ma jirrivelax il-ħwejjeġ moħbija tiegħu lil ħadd, għaliex hu kien jibża' li permezz ta' rivelazzjoni bħal din kienet titnissel xi ħsara lill-grazzja mogħtija lilu. Għaliex mhuwiex perfett dak li ma għandux fih innifsu d-doni tal-virtù u l-grazzja li huma aktar perfetti minn dak li fl-apparenza jista' jiġi iġġudikat minn kulħadd. Għaldaqstant, hu bl-akbar reqqa kien jaħbi bosta rivelazzjonijiet u viżjonijiet li għamillu Alla barra milli ta' spiss kien juża kliem li bih kien jitfarraġ mill-qaddisin u mill-anġli, billi dawn il-kliem bil-ħniena kien jasal għall-għarfien ta' ftit nies. Hu kien imdorri dejjem li jagħmel dan kollu b'doni waħdanija ta' virtù.

XXVIII – Dwar li kellu jgħaddi minn bosta mard

[1878] 83 Matul dan l-istess żmien ġismu beda jiġi maħqur minn mard ta' kull xorta, bħallikieku *kien għadu ma temmx f'ġismu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu* (Kol 1,24), għalkemm hu *kien iġorr f'ġismu l-ġrieħi* (Gal 6,17) jew l-istimmati qaddisa. Għal kważi sentejn hu ġarr bis-sabar dan il-mard kollu b'sabar sħiħ, filwaqt li kien irodd ħajr lil Alla.

Dwar il-ħeġġa ġdida tiegħu

[1879] 84 Għalkemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-bniedem ta' barra kien jidher li qiegħed jiġi fix-xejn minħabba n-natura tiegħu li tmut, imma f'dak li għandu x'jaqsam mal-bniedem ta' ġewwa, jiġifieri ma' l-ispirtu tiegħu, hu kien *jiġġedded minn jum għall-ieħor* (2Kor 4,16) u kien dejjem jimtela bil-ħeġġa fl-imħabba ta' Alla. Għalih innifsu hu deher li kien għamel ftit wisq u kien dejjem mixtieq li jibda mill-ġdid biex jimxi dejjem aktar bil-ħeġġa wara l-virtù. Imma meta kien jinħakem mit-tfixkil tad-dgħufija minn jum għall-ieħor, hu ta' kuljum kien jersaq lejn it-tmiem tiegħu bil-mod il-mod. Hu kien isejjaħ dan it-tiġrib bl-isem ta' "aħwa" u kien jintrema bit-tarka tas-sabar kontrihom, billi ingħata kollu kemm hu għat-talb lil Kristu, li minnu hu sar żgur, għalkemm kien iħossu jaqa' fit-taqbida, li kellu l-wegħda tal-ħajja ta' dejjem.

Dwar il-wegħda tal-glorja

[1880] 85 Il-Mulej kien jgħidlu: "Ifirħu, għaliex dan il-mard tiegħek hu rahan tas-saltna tiegħi". Kien f'dak il-mument li hu sawwar it-Tifħir ta' Alla li fih iqanqal lill-ħlejjaq kollha biex ifaħħru lill-Mulej. Saħansitra l-mewt innifisha, li hi tal-biża' u li kulħadd jobogħdha, kien iħeġġiġha biex tfaħħar lil Alla; u bil-ħerqa kien jistedinha tiġi għandu, u qalilha: "Merħba bik, oħti l-Mewt!" Lit-tabib hu qallu: "Ħija, ħabbarli bil-kuraġġ li l-mewt hi fil-qrib, għaliex jiena nemmen li għalija se tkun il-bieb tal-ħajja".

## XXIX – Dwar kif Franġisku bierek lill-aħwa

[1881] 86 Meta San Franġisk ra li l-aħħar jum tiegħu kien qorob, kif kien ġie rivelat lilu sentejn qabel, hu sejjaħ lejh lill-aħwa li kien xtaq miegħu, u qiegħed idejh fuq ir-ras ta' kull wieħed minnhom, skond kif ingħatalu minn fuq, bl-istess mod li bih il-patrijarka Ġakobb kien bierek lil uliedu, u f'dawk li kienu preżenti hu bierek lill-aħwa kollha, kemm dawk li ma kienux hemm kif ukoll dawk tal-ġejjieni li kellhom jaqdu lill-Mulej fl-Ordni sa tmiem id-dinja.

87 Meta qorbot għalih l-aħħar siegħa tiegħu hu ordna li jmidduh fuq l-art għerja mgħotti bl-ixkejjer u li jroxxu fuqu l-irmied. Imbagħad dawwar ħarsu lejn is-sema, u kif kien mehdi iħares f'dik il-glorja, li lejha issa kien lest biex jitlaq, hu qal lill-aħwa: "Jiena għamilt dak li kelli nagħmel; jalla Kristu iġib fit-tmiem l-opra tiegħu fikom!" Imbagħad refa' idejh, igglorifika lil Kristu, għaliex issa kien ħieles minn kollox, u kien sejjer għandu bħala bniedem ħieles.

### Dwar kif sellem lill-aħwa għall-aħħar darba

[1882] 88 Hu ħeġġeġ bi kliem ta' faraġ lill-aħwa għall-imħabba ta' Alla b'affett ta' missier; hu kellimhom ukoll fit-tul dwar is-sabar, il-faqar, u l-karità fraterna, u ħeġġiġhom iqiegħdu l-Evanġelju fuq kull osservanza oħra. Imbagħad qal: "Saħħa, uliedi kollha kemm intom: għixu fil-biża' ta' Alla u ibqgħu dejjem fiha, filwaqt li tħejju ruħkom għall-provi u t-tiġrib li tiltaqgħu magħhom kuljum. Imberkin dawk li jipperseveraw f'dak kollu li huma bdew hekk tajjeb, għaliex l-iskandli tal-ġejjieni għad ibiegħdu lil xi wħud minn dawn il-ħwejjeġ".

### Dwar kif għadda għal għand il-Mulej

[1883] 89 U hekk, b'ħafna aħwa miġburin, li għalihom hu kien missier u mexxej, u bid-dmugħ u ħafna tnehid tagħhom, filwaqt li huma stennew it-tluq tal-missier imqaddes, u meta intemmu fih il-misteri kollha tas-sagramenti ta' Kristu, dik ir-ruħ l-aktar qaddisa, inħallet minn mal-ġisem, u baqgħet tielgħa ferħana dritt lejn is-sema. U, hekk kif ruħu intilfet f'dak l-abbiss ta' dawl, ġismu raqad fil-Mulej.

### Dwar kif ruħu dehret tielgħa lejn is-sema

[1884] 90 Wieħed mill-aħwa u d-dixxipli, raġel ta' fama kbira, imma li kien aktar imfaħħar quddiem Alla minħabba qdusitu, li ismu ma nixtiequx li nniżżluh hawnhekk għaliex hu ma jixtieqx li jkollu glorja min-nies minħabba din il-fama tiegħu, ra lir-ruħ tal-missier l-aktar qaddis Franġisku tielgħa dritt lejn is-sema, tiddi b'dija ta' l-għaġeb, u kienet qed tinġarr fuq sħaba bajda lejn is-saltna t'hemm fuq, immexxija mill-għanjiet tal-kori ta' qaddisin u anġli.

### Dwar kif fra Agostino mar is-sema ma' Franġisku

[1885] 91 F'dik il-ħabta l-ministru ta' l-aħwa ta' Terra di Lavoro, li kien jismu fra Agostino, kien ukoll jinsab fl-aħħar siegħa ta' ħajtu. Għalkemm hu kien diġà tilef l-użu tal-kelma, f'daqqa waħda u beda jgħajjat u semgħuh dawk li kienu maġenbu, u kien jgħid: "Stennieni, missier, stennieni! Ara, jiena ġej miegħek!" Dawk l-aħwa imbellħin bdew jistaqsuh dwar min kien qiegħed

jitkellem, u hu weġibhom bil-qawwa kollha: "M'intomx tarawh lill-missier Franġisku tiela' lejn is-sema?" U f'daqqa waħda r-ruħ qaddisa tiegħu, maħlula mill-ġisem, marret wara l-missier l-aktar qaddis lejn is-sema. Meta innutaw is-siegħa u l-jum li fih seħħ dan kollu, l-aħwa saru jafu li San Franġisk kien għadda minn din id-dinja fl-istess żmien u siegħa.

Dwar kif sellem lill-isqof ta' Assisi

[1886] 92 Fl-istess żmien l-isqof ta' Assisi kien mar fil-knisja ta' San Mikiel fil-Puglie minħabba pellegrinaġġ. Hu kien rieġa' lura u kien jinsab Benevento fejn kien qed joqgħod, meta l-imqaddes Franġisku deherlu waqt viżjoni bil-lejl u qallu: "Ara, missier, *jiena se nħalli d-dinja u mmur għand* Kristu" (Ġw 12,44). Meta qam l-għada filgħodu, hu kien il-ħin kollu jibki għaliex hu kien tilef missier hekk waħdieni. Imbagħad l-isqof qal lil sħabu dak li kien ra, u talabhom jinnutaw iż-żmien u s-siegħa. Meta hu reġa' lura d-dar, hu sab li l-missier imqaddes kien miet eżatt fil-ħin li kien deherlu.

XXX – Dwar il-folol tan-nies li ġew jaraw lil Franġisku

[1887] 93 Imbagħad folla sħiħa ta' nies inġabret flimkien tfaħħar lil Alla li kien ħalla fil-kura tagħhom il-fdalijiet hekk prezzjużi tal-ġisem tal-missier imqaddes. Uliedu, issa li kienu infatmu minn missier hekk kbir, bdew jibku u, mill-qiegħnett ta' qalbhom, bdew inisslu xmajjar ta' dmugħ. Imma l-ferħ ta' miraklu hekk ġdid li qatt ma nstema' ieħor qablu dawwal l-uġiegħ tan-niket tagħhom. Għaliex huma qatt ma kienu qraw u lanqas immaġinaw dak li kien qiegħed jiġi ippreżentat quddiem għajnejhom, u ma setgħux jipperswadu ruħhom li jemmnuh kieku ma kienx muri minn evidenza daqshekk ċara. Għaliex il-forma tal-passjoni ta' Kristu ħarġet ċara fih, filwaqt li kien jidher bħallikieku kien għadu kemm tniżżel minn fuq salib.

Ġismu jidher bajdani u jleqq

[1888] 94 Huma raw lil wiċċu li kien qisu wiċċ ta' anġlu, u mhux ta' bniedem mejjet. Huma raw il-ġilda tiegħu, li kienet infniet b'tant xogħol iebes u li qabel kienet sewdinija u bla lewn, li issa bdiet tiddi bajdanija u li fil-ġmiel tagħha kienet twiegħed il-glorja tad-dija li għad trid tiġi. Il-muskoli tiegħu ma kienux iebsin bħal dawk ta' raġel mejjet; il-ġilda tiegħu ma kienetx iebsa; il-ġogi tiegħu ma kienux iebsin, imma, billi huma kienu rotob u delikati bħal dawk ta' tifel innoċenti, huma setgħu jiġu mċaqilqin u milwijin faċilment.

Dwar kif l-istimmati rahom kulħadd

[1889] 95 Fil-ġilda tiegħu tleqq, kien aktar ta' ferħ li wieħed jara f'nofs idejh u riġlejh mhux it-toqob ta' l-imsiemer, imma l-imsiemer infushom iffurmati minn laħmu, u jinfdu f'nofs idejh u riġlejh, kif ukoll il-ġenb tal-lemin tiegħu minfud minn lanza u li minnu jnixxi d-demm. Kulħadd seta' jifraħ meta kien jaf li kienet ingħatatlu l-akbar grazzja għax seta' jersaq biex jara u jbus il-marki qaddisa ta' Kristu, li San Franġisk kien qiegħed juri f'ġismu. Għaliex min jibqa' daqshekk moħħu magħluq u ma jridx jifhem meta b'din il-verità li dehret hu ma jifhimx li kif dan ir-raġel qaddis kien mogħti ġieħ b'miraklu uniku fuq l-art, hekk issa ġie mgħolli fil-għoli tas-sema lejn glorja li ma hemmx bħalha?

## Dwar kif ġie midfun

[1890] 96 Fost innijiet u l-ħsejjes tat-trombi u bin-nies u l-kleru li kienu jġorru friegħi taż-żebbuġ u għadd kbir ta' msiebaħ il-ġisem inġarr lejn il-post fejn kienet tgħix magħluqa ġewwa Santa Klara. Hemmhekk ġie muri lilha u lis-sorijiet tagħha, li setgħu jarawh u jbusuh. Imbagħad, ħaduh lejn il-knisja, u difnuh hemmhekk bl-akbar qima. Il-missier l-aktar qaddis Franġisku miet il-Ħadd, fir-raba' *nonae* ta' Ottubru, fis-sena elf mitejn u sitta u għoxrin. Hu kien għalaq għoxrin sena mill-konverżjoni tiegħu.

## XXXI – Dwar kif baqa' magħruf għall-mirakli tiegħu

[1891] 97 Fuq il-qabar tiegħu bdew iseħħu u jitkattru mirakli ġodda ta' kuljum, u bil-merti tiegħu bosta nies bdew jinħelsu minn ħafna għawġ. L-imqaddes Franġisku, kemm jekk kien għadu jgħix fil-ġisem kif ukoll wara mewtu, kien famuż għal dawn is-sinjali hekk kbar ta' mirakli, hekk li biex nippreżentawhom kollha jitlob minna biċċa xogħol ħafna itwal. Għaliex minbarra l-mirakli bla għadd l-oħrajn, hu wkoll qajjem bosta nies li kienu mejtin. Ukoll jekk jiena minix ċert minn ħafna minn dawn il-mirakli, imma jiena minix hawnhekk qiegħed nindika l-għadd tagħhom, ħlief li aħna lqajna ħdax mingħand irġiel ta' min jafdahom, li dwarhom, minbarra l-mirakli l-oħrajn, ingħatalna tagħrif. Għax x'ma jirnexxilux jakkwista mingħand il-Mulej, dak li juri f'idejh, f'riġlejh u f'ġenbu l-ġrieħi qaddisa, u li *sar jixbaħ lil Kristu fil-mewt billi ħa sehem fit-tbatijiet tiegħu*! (Fil 3,10).

## Is-Sinjur Papa jżur il-qabar ta' San Franġisk

[1892] 98 Meta l-Papa Girgor IX, li kien ġie magħżul wara Onorju, u li kien jaf lil San Franġisk bl-aktar mod familjari, u li lejh kellu stima ta' l-għaġeb, hekk li kien jgħożżu daqslikieku kien iħaddnu ma' sidru, sema' b'dawn il-ġrajjiet kollha, hu feraħ bil-kbir u ħaffef lejn Assisi biex jagħti l-qima tiegħu lill-qabar tal-missier imqaddes. Wara li ltaqa' b'mod solenni mal-kardinali u l-prelati l-oħrajn tal-Knisja, hu approva l-mirakli tiegħu, u żied l-isem ta' l-imqaddes Franġisku fil-katalogu tal-qaddisin u bl-akbar solennità u bl-akbar hena ta' kulħadd. Fuq kollox hu ordna li l-jum tal-festa tiegħu kellu jiġi iċċelebrat b'mod solenni fil-Knisja kollha kemm hi fil-jum li fih hu għadda lejn is-sema, jiġifieri, nhar l-erbgħa ta' Ottubru. Għat-tifħir ta' Ġesù Kristu.

Hawn tintemm il-ħajja tal-konfessur San Franġisk.

# DIPLOMA TA’ TEOBALDO DWAR L-INDULĠENZA TAL-PORZIUNCOLA

## INTRODUZZJONI

Fit-13 ta’ Frar 1252, il-Papa Innoċenz IV indirizza lill-Ordni tal-Minuri l-Bulla *Licet is* (*Bullarium Franciscanum*, Vol. I, 594 [n. 391]), li fiha ikkonċeda Indulġenza ta’ sena u erbgħin jum lil dawk kollha li żaru l-Bażilika ta’ San Franġisk f’Assisi, f’jum il-festa ta’ San Franġisk u sa ġimgħatejn wara l-festa. Kien żmien li fih l-Indulġenzi kbar kienu jinqalgħu biss jekk il-pellegrini u l-Kruċjati jżuru l-oqbra ta’ l-Appostli Pietru u Pawlu f’Ruma, jew dak ta’ San Ġakbu ta’ Compostella, jew il-Qabar ta’ Kristu f’Ġerusalem. Kien lejn is-sena 1260 li bdiet issir popolari l-Indulġenza ta’ jum il-maħfra ta’ Assisi, assoċjat mal-konsagrazzjoni tal-kappella tal-Porziuncola fit-2 ta’ Awissu. Imma dwar dan ma nsibu l-ebda xhieda fost il-Fonti Franġiskani, u lanqas f’San Bonaventura li kiteb il-*Legenda Maior* fl-istess żmien. Kellu jkun is-seklu 14 li jagħtina l-ewwel xhieda dwar l-Indulġenza, miktubin biex jiddefendu dan il-privileġġ mill-attakki li kienu sarulu dwar il-validità tiegħu. L-ewwel wieħed fost dawn id-dokumenti hu l-hekk imsejjaħ *Diploma ta’ Teobaldo*.

Id-*Diploma ta’ Teobaldo*, patri Minuri u isqof ta’ Assisi, promulgata mill-kurja episkopali ta’ Assisi fl-10 ta’ Awissu 1310, tirrappreżenta l-punt ta’ l-ogħla perfezzjonament formali tad-dokumentazzjoni li għandha x’taqsam mal-ġrajja kumplessa tal-bidu ta’ l-Indulġenza tal-Porziuncola. Minħabba l-karatteristika ta’ uffiċjalità li għandha d-*Diploma* tissejjaħ ukoll il-*Kanone ta’ Teobaldo*. Id-dokument, barra milli hu motivat mill-preokkupazzjoni estrema ta’ natura polemika kontra dawk li kienu jiċħdu l-Indulġenza, hu wkoll miktub bi kriterji eżatti f’dik li hi narrazzjoni u element ġuridiku, u jqiegħed l-għeruq tiegħu fir-rejaltà tal-mument biex jevita b’mod drammatiku t-tensjoni bejn il-veru u l-falz, u jisħaq biss dwar il-verità ta’ l-Indulġenza. L-awtur hu Teobaldo de Ponte, jew Pontano, minn Todi, li daħal patri Minuri, u sar isqof ta’ Terracina, u mbagħad ta’ Assisi, fejn dam isqof bejn l-1296 u l-1329. Għex fi żmien il-Papa Bonifazju VIII, li kien nieda l-ewwel ġublew fil-belt ta’ Ruma fl-1300.

Id-dokument jirrakkonta fatti li seħħew fis-sajf tas-sena 1216, meta Innoċenz III kien miet fis-16 ta’ Lulju f’Perugia, u fid-19 ta’ Lulju kien ġie elett Papa Onorju III. Il-ħolma ta’ Franġisku fil-Porziuncola twasslu biex imur ma’ sieħbu fra Masseo lejn Perugia għand il-Papa Onorju III, u jitolbu l-approvazzjoni ta’ din l-Indulġenza b’mod tassew oriġinali: bla ebda offerta ta’ flus u bla ebda kundizzjoni, ħlief l-indiema sinċiera u ż-żjara lill-kappella ċkejkna ta’ Santa Marija ta’ l-Anġli. Wara r-reżistenza tal-kardinali l-Papa jikkonċedi l-Indulġenza għal jum wieħed biss kull sena, nhar it-2 ta’ Awissu, li fih kellha tiġi ikkonsagrata l-knisja tal-Porziuncola. Ir-rakkont ikompli jagħti x-xhieda ta’ jum il-konsagrazzjoni, tal-priedka li għamel San Franġisk, u tar-riżultat mimli suċċess ta’ l-inizjattiva ta’ Franġisku. Rappreżentazzjoni pittorika ta’ dawn il-fatti kollha

hi dik ta' Tiberio d'Assisi, fil-Cappella delle Rose (1516), maġenb il-Bażilika ta' Santa Marija ta' l-Anġli.

Biex juri l-verità oġġettiva u storika ta' l-għotja ta' l-Indulġenza lil San Franġisk, l-awtur iqiegħed flimkien l-aspetti kollha oġġettivi; hekk jiġi mibni l-isfond storiku, bħal nisġa li tgħinna naqraw il-ġrajja. Ir-riżultat hu dak ta' kwadru perfett, ġrajja mimlija ħajja fix-xenarju ta' l-Umbria medjevali, li hi fl-istess ħin art ta' ħlewwa u ġlied, li minnha jgħaddu papiet, kardinali u nies sempliċi. Jispikkaw fir-rakkont ix-xbihat tal-Verġni Marija (il-"karta"), ta' Ġesù Kristu (in-"nutar"), ta' l-anġli (ix-"xhieda"). Mid-*Diploma* żviluppat letteratura abbondanti, li l-akbar esponent tagħha hu t-*Tractatus de Indulgentia Sanctae Mariae de Portiuncula* ta' frate Francesco Bartholi della Rossa minn Assisi (opra miktuba qabel l-1334), li juri l-elementi tipiċi ta' l-aġjografija ta' tmiem il-medjuevu, li hi rikka b'mod straordinarju b'dettalji ta' natura leġġendarja. Xhieda oħra dwar l-istess Indulġenza nsibuha fil-*Chronica XXIV Ministrorum Generalium Ordinis Fratrum Minorum* (*Analecta Franciscana*, Vol. III, 632-633). Studjużi moderni ta' l-istorja Franġiskana, inkluż Paul Sabatier, iqisu l-fatt ta' l-Indulġenza tal-Porziuncola bħala fatt storiku, għalkemm imlibbes b'ħafna elementi leġġendarji. Għal studju profond dwar l-Indulġenza tal-Porziuncola, cfr. Mario Sensi, *Il Perdono di Assisi*, Edizioni Porziuncola, Santa Maria degli Angeli 2002, b'bibljografija dettaljata u dokumenti oriġinali fl-appendiċi.

Hawnhekk għażilna li nġibu biss it-test tad-*Diploma ta' Teobaldo*, li hu l-eqdem wieħed fil-kronoloġija ta' xhieda favur l-Indulġenza tal-Porziuncola. Wara din id-*Diploma* nsibu dokumenti oħrajn ta' importanza kbira fl-iżvilupp ta' l-istorja ta' l-Indulġenza tal-Porziuncola. Fosthom insemmu n-*Narratio Michaelis Bernardi*, jew ir-rakkont ta' l-Indulġenza tal-Porziuncola mogħti minn Michele Barducci da Spello(1310-1335), li jipprovdi l-bażi dokumentarja għad-*Diploma ta' Corrado*, isqof ta' Assisi (1329-1337), u t-*Tractatus de Indulgentia Sanctae Mariae de Portiuncula* tal-minorita Francesco Bartoli.

Fil-kamp artistiku u ikonogafiku l-Indulġenza tal-Porziuncola hi rappreżentata prinċipalment fil-*pala* tal-qassis Ilario da Viterbo (1393), li hi venerata fil-kappella tal-Porziuncola f'Assisi, kif ukoll fl-affreski tal-*Cappella delle Rose* maġenb il-Porziuncola, opra ta' Tiberio d'Assisi.

Fi żminijiet reċenti l-Knisja iddefendiet l-Indulġenza tal-Porziuncola f'dokumenti uffiċjali tagħha, l-aktar permezz ta' l-Ittra *Sacrosancta Portiuncolae ecclesia* ta' Pawlu VI (*Acta Apostolicae Sedis* 58 [1966] 631-634), u d-dikjarazzjoni tas-Sacra Penitenzieria Apostolica tal-15 ta' Lulju 1988 (*Enchiridion Indulgentiarum*).

# DIPLOMA TA' TEOBALDO DWAR L-INDULĠENZA TAL-PORZIUNCOLA

[1893] Fra Teobaldo, għall-grazzja ta' Alla isqof ta' Assisi, jixtieq lill-insara kollha ta' Kristu li jaqraw din l-ittra s-salvazzjoni fil-Feddej ta' kulħadd.

Minħabba x-xnigħat ħżiena ta' xi wħud li, imqanqalin mill-ħeġġa għall-għira u x'aktarx mill-injuranza, jridu jiċħdu u b'wiċċ sfiq jitkellmu kontra l-Indulġenza ta' Santa Marija ta' l-Anġli, ħdejn Assisi, aħna ġejna mġiegħlin biex ngħarrfu lill-insara kollha permezz ta' din l-ittra dwar x'fiha u x'inhuma l-karatteristiċi ta' l-Indulġenza, u f'liema ċirkustanzi l-imqaddes Franġisku, meta kien għadu ħaj, kisibha mingħand il-Papa Onorju.

[1894] L-imqaddes Franġisku kien jgħix ħdejn Santa Marija tal-Porziuncola, u lejl minnhom kellu rivelazzjoni mill-Mulej biex imur għand il-Papa Onorju, li dak iż-żmien kien jinsab f'Perugia, biex jitlob Indulġenza favur l-istess knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, li kien sewwa hu b'idejh stess. Malli qam filgħodu, sejjaħ lil Fra Masseo da Marignano, sieħeb tiegħu, li miegħu kien jinsab dak iż-żmien, u marru quddiem il-Papa Onorju. Franġisku qallu: "Missier imqaddes, ftit żmien ilu jiena sewwejt għalik knisja f'ġieħ il-Verġni Omm ta' Kristu. Nitlob bl-umiltà l-qdusija tiegħek li tagħti lil din il-knisja Indulġenza li wieħed jista' jakkwistaha mingħajr ma jħallas offerti". Il-Papa wieġeb: "Skond id-drawwiet, dan li qed titlob ma nistax nagħmlu, għaliex jixraq li min jitlob Indulġenza jkun jimmeritaha billi jifrex idu biex jgħin; minkejja dan, urini għal kemm snin trid li jien nagħti din l-Indulġenza". San Franġisk wieġbu: "Missier imqaddes, jalla l-qdusija tiegħek jogħġobha tagħtini, mhux snin, imma erwieħ". U l-Papa kompla: "B'liema mod trid l-erwieħ?" L-imqaddes Franġisku wieġbu: "Missier imqaddes, irrid, jekk dan jogħġob lill-qdusija tiegħek, li dawk kollha li jiġu f'din il-knisja u jkunu qerru, nidmu u, kif jixraq, ġew maħfurin minn saċerdot, jiġu meħlusin mill-ħtija u mill-piena fis-sema u fl-art, mill-jum tal-magħmudija tagħhom sal-jum u l-ħin li fih ikunu daħlu f'din il-knisja". Il-Papa wieġbu: "Qiegħed titlob wisq, Franġisku; fil-fatt mhijiex drawwa tal-Kurja rumana li tagħti Indulġenza bħal din". L-imqaddes Franġisku wieġeb: "Sinjur, dak li qiegħed nitolbok mhux ġej minni, imma qiegħed nitolbu fl-isem ta' dak li bagħatni, il-Mulej Ġesù Kristu". Allura s-sinjur Papa, mingħajr dewmien, qal għal tliet darbiet: "Nordna li inti tingħata dak li qiegħed titlob".

[1895] Il-kardinali oġġezzjonaw: "Sinjur, oqgħod attent li, jekk lil dan se tagħtih Indulġenza bħal din, se ġġib fix-xejn l-Indulġenza ta' l-Art Imqaddsa, kif ukoll dik ta' l-appostli Pietru u Pawlu, li ħadd aktar ma jkompli jitħabat biex jakkwistahom". Il-Papa wieġeb: "Aħna tajnihielu, u ma nistgħux, u lanqas jixraq, li nġibu fix-xejn dak li għamilna, imma ejjew nirregolawha b'mod tali li tkun valida biss għal jum wieħed".

Allura sejjaħ lil San Franġisk u qallu: "Ara, minn issa nagħtu l-fakultà lil kull min jiġi u jidħol f'dik il-knisja, u jkun qerr u nidem b'mod xieraq, għandu jiġi maħfur mill-piena u mill-ħtija;

u rridu li dan ikun jiswa kull sena għal dejjem, imma biss għal jum wieħed, mill-ewwel għasar, inkluż il-lejl, sa l-għasar tal-jum ta' wara".

[1896] Filwaqt li l-imqaddes Franġisku għamel l-inkin u kien ħiereġ 'il barra mill-palazz, il-Papa, meta rah sejjer 'il barra, sejjaħlu u qallu: "O bniedem sempliċi, fejn sejjer? Xi prova għandek biex turi li ksibt din l-Indulġenza?" U l-imqaddes Franġisku wieġeb: "Għalija hi biżżejjed il-kelma tiegħek. Jekk din hi opra ta' Alla, imiss lilu li juriha lil kulħadd. Ma rrid l-ebda prova ta' din l-Indulġenza, imma biss li l-Verġni Marija tkun il-karta, Kristu n-nutar, u l-anġli x-xhieda".

[1897] Franġisku, imbagħad, telaq minn Perugia u mar lura Assisi. F'nofs it-triq, f'post jismu Colle, fejn kien hemm lazzarett tal-lebbrużi, hu waqaf ma' sieħbu biex jistrieħ għal ftit, u hemm raqad. Malli reġa' qam, wara t-talb, sejjaħ lejh lil sieħbu u qallu: "Frate Masseo, ngħidlek li min-naħa ta' Alla, l-Indulġenza li tani l-Papa ġiet ikkonfermata mis-sema". Dawn il-kelmiet għaddiehom fra Mariano, neputi ta' l-imsemmi fra Masseo, li ta' spiss kien jismagħhom fuq il-fomm taz-ziju tiegħu. Dan l-istess fra Mariano, ftit taż-żmien ilu, qrib l-1307, mimli bis-snin u bil-merti, raqad fil-Mulej.

[1898] Wara l-mewt ta' l-imqaddes Franġisku imbagħad, fra Leone, wieħed minn sħabu, raġel ta' ħajja eżemplari, kif kien sema' mill-fomm ta' San Franġisk, u fra Benedetto d'Arezzo, ukoll sieħeb ta' San Franġisk, u fra Rainerio d'Arezzo, li lkoll kienu semgħuhom minn fomm fra Masseo, qalu ħafna affarijiet dwar din l-Indulġenza, kemm lill-aħwa kif ukoll lil-lajċi, li ħafna minnhom għadhom ħajjin sallum u jagħtu xhieda ta' dawn il-ħwejjeġ kollha.

[1899] B'liema solennità imbagħad, ġiet murija b'mod pubbliku l-Indulġenza, fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni ta' l-istess knisja minn seba' isqfijiet, ma għandniex intenzjoni niktbu jekk mhux dak li Pietro Zalfani, preżenti għal din il-konsagrazzjoni, stqarr quddiem fra Angelo, Ministru Provinċjal, u fra Bonifazio, fra Guido, fra Bartolo da Perugia u aħwa oħrajn tal-kunvent tal-Porziuncola: jiġifieri, li hu kien preżenti għall-konsagrazzjoni ta' dik il-knisja, li ġiet iċċelebrata fit-2 ta' Awissu, u kien sema' lill-imqaddes Franġisku meta ippriedka quddiem dawk l-isqfijiet; f'idejh kellu *cedola* u kien jgħid: "Jiena rrid nibgħatkom kollha l-ġenna, u nħabbrilkom Indulġenza li jien akkwistajt mill-fomm tal-Papa. Intom ilkoll li ġejtu hawn illum, u dawk kollha li jiġu kull sena f'dan il-jum, b'dispożizzjoni tajba tal-qalb u niedma, jakkwistaw l-Indulġenza ta' dnubiethom kollha".

[1900] Għaldaqstant aħna ktibna dawn il-ħwejjeġ rigward l-Indulġenza, għal dawk li ma kienux jafuhom, sabiex ma jkunux skużati aktar fit-tul għall-injuranza tagħhom, u l-aktar għal dawk li mimlijin għira u jiċħdu l-verità, u li f'xi postijiet jaħdmu biex jeqirdu, joħonqu u jikkundannaw dak kollu li tant persuni fl-Italja, Franza, Spanja u provinċji oħrajn, kemm 'l isfel kif ukoll 'il fuq mill-muntanji, anzi dak li Alla nnifsu, ad unur ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, li għaliha issemmiet l-Indulġenza, b'mirakli li jiġru ta' spiss u li huma evidenti, ta' kuljum ifaħħru, jigglorifikaw u jxerrdu. B'liema mod jistgħu huma, bir-raġunamenti mgħawwġin tagħhom, idgħajjfu dak li, għal tant żmien, ilu b'saħħtu u bil-qawwa u l-ħeġġa tiegħu kollha, quddiem il-Kurja rumana kollha? Fil-fatt, l-istess sinjur Papa Bonfazju VIII, fi żminijietna wkoll, bagħat lil xi rappreżentanti uffiċjali, biex jippriedkaw din l-Indulġenza b'mod solenni f'ismu, fil-jum tal-maħfra. Mhux biss, imma wkoll xi kardinali, meta ġew personalment għal din l-Indulġenza, bit-tama li jaqilgħu l-maħfra, bil-preżenza tagħhom approvawha bħala vera u ċerta.

B’xhieda u fidi ta’ dan kollu, aħna qed nibgħatu din l-ittra li nsaħħuha wkoll bis-siġill tagħna.

Mogħtija f’Assisi, fil-festa ta’ San Lawrenz, tas-sena tal-Mulej 1310.

# INDIĊI TA’ RIFERIMENTI BIBLIĊI

## KITBIET TA’ SAN FRANĠISK

F’din is-sezzjoni nagħtu biss l-Indiċi tar-riferimenti Bibliċi fil-Kitbiet ta’ S. Franġisk. L-indikazzjonijiet jingħataw skond l-isem tal-kitbiet rispettivi kif jinstabu abbrevjati fil-bidu tal-volum.


**Ġenesi**
1,26 Adm V,1; RegNB XXIII,1.
2,15 RegNB XXIII,1.
2,16-17 Adm II,1.
47,29 EpRect 2.

**Eżodu**
15,6-7 OffPass XIV,4.

**Levitiku**
19,2 EpOrd 23.

**Numri**
6,24-26 BenLeo; EpMin 1.

**Dewteronomju**
4,2 RegNB XXIV,4.
12,32 RegNB XXIV,4.

**1 Slaten**
2,4 EpOrd 36.

**2 Kronaki**
1,12 EpFid I,35.

**Neħemija**
8,6 EpOrd 4.

**Tobija**
1,3 Test 16.
4,11 EpFid II,30.
12,9 EpFid II,30.
13,4 EpOrd 9.
13,5 RegNB XXIII,8.
13,6 EpOrd 8.

**Salmi**
3,6 OffPass VI,11.
4,3 Adm I,14.
9,9-11 OffPass XI,6-7.
11,7 RegB IX,3.
12,1-6 OffPass XIII,1-6.
17,7 OffPass X,6.
17,18 OffPass III,5.

| | |
|---|---|
| 17,31 | RegB IX,3. |
| 19,2-7 | OffPass XI,1-6. |
| 21,7 | EpFid II,46; OffPass IV,7. |
| 21,8 | OffPass IV,6. |
| 21,10 | OffPass II,4. |
| 21,11 | OffPass II,5. |
| 21,12 | OffPass I,5. |
| 21,14-19 | OffPass VI,2-8.10. |
| 21,20 | OffPass I,9; OffPass IV,9. |
| 21,24 | ExhLD 3. |
| 30,5 | LaudDei 5. |
| 30,12 | OffPass IV,8. |
| 31,4 | EpFid II,21. |
| 33,9 | EpFid II,16. |
| 33,23 | OffPass VI,15. |
| 34,11 | OffPass V,13. |
| 34,15 | OffPass V,10. |
| 37,12 | OffPass I,7. |
| 37,21 | OffPass V,14. |
| 37,23 | OffPass I,10; OffPass II,12; OffPass IV,10; OffPass V,16. |
| 40,7-8 | OffPass IV,5. |
| 40,8 | OffPass I,2. |
| 40,8-9 | OffPass IV,3. |
| 41,9 | OffPass IX,4; OffPass XV,5. |
| 43,5 | OffPass II,11; OffPass V,15. |
| 45,11 | OffPass VI,14. |
| 46,2-3 | OffPass VII,1-2; OffPass XV,1-2. |
| 50,1 | RegNB III,5. |
| 50,10 | Adm XX,2. |
| 55,2 | OffPass IV,1. |
| 55,3 | OffPass IV,2. |
| 55,8-9 | OffPass I,1. |
| 55,10 | OffPass I,6. |
| 56,1-12 | OffPass III,1-12. |
| 56,12 | OffPass VII,10. |
| 58,17-18 | OffPass XI,8-9. |
| 58,18 | OffPass XII,10. |
| 61,9 | EpOrd 28. |
| 65,1-4 | OffPass X,1-3. |
| 65,8 | OffPass X,7. |
| 65,16 | OffPass X,4. |
| 65,17 | OffPass X,5. |
| 67,33-36 | OffPass IX,9-12. |
| 68,5 | OffPass 11-12. |
| 68,8 | OffPass V,7. |
| 68,9 | OffPass V,8. |
| 68,10 | OffPass V,9. |
| 68,17-18 | OffPass XII,7-8. |
| 68,19 | OffPass II,3. |
| 68,20 | OffPass II,6. |
| 68,21 | OffPass II,7-8. |
| 68,22 | OffPass VI,9. |
| 68,27 | OffPass VI,10. |
| 68,33 | OffPass XIV,5. |
| 68,35 | ExhLD 5; LaudHor 7. |
| 68,35-37 | OffPass XIV,6-9. |

69,2-6 OffPass VIII,1-7.
70,1-8 OffPass XII,1-6.
70,5 LaudDei 4.
70,10 OffPass I,2; OffPass IV,4.
70,12 OffPass I,9.
71,18-19 OffPass X,8-10.
72,24 OffPass VI,11-12.
72,25 OffPass VI,13.
73,12 OffPass VII,3; OffPass XV,3.
76,15 LaudDei 1.
80,2 OffPass XV,1.
85,10 LaudDei 2.
85,14 OffPass II,9.
87,2 OffPass II,1.
87,3 OffPass II,2.
87,5-6 OffPass II,10.
87,9 OffPass I,8.
88,27-28 OffPass XV,4.
95,1 OffPass VII,5; OffPass XV,10.
95,4 OffPass VII,6; OffPass XV,11.
95,7-8 OffPass VII,7; OffPass IX,8; OffPass XV,12.
95,9-10 OffPass VII,9.
95,11-12 OffPass VII,4; OffPass IX,7; OffPass XV,9.
95,13 OffPass VI,16.
97,1-2 OffPass IX,1-3.
102,21 ExhLD 10.
102,22 ExhLD 11.
106,27 EpFid I,28; EpFid II,67.
108,4 OffPass I,4.
108,5 OffPass I,3.
112,1 ExhLD 13.
113,13 EpOrd 49.
117,24 ExhLD 8; OffPass IX,5; OffPass XV,6.
117,26-27 OffPass IX,6.
118,21 EpFid I,28; EpFid II,17; EpRect 3; RegNB V,16.
127,2 RegNB VII,4.
129,1 RegNB III,6.
135,1 EpOrd 8.
135,2 LaudDei 3.
141,2-5 OffPass V,1-6.
141,6 RegB VI,5.
143,1 OffPass XI,8.
146,1 ExhLD 10.
148,7-10 ExhLD 12.
148,12 ExhLD 14.
150,6 ExhLD 9.

**Proverbji**
26,11 Adm III,10.
29,30 Adm XXI,1.

**Qoħelet**
1,2 RegNB VIII,6.

**Għerf**
6,7 EpRect 5.

18,15 Adm I,16.

**Bin Sirak**

3,32 EpFid II,32.

**Isaija**

9,6 OffPass XV,7.
11,2 EpFid I,6; EpFid II,48.
12,1-2 OffPass XIV,1-3.
38,15 RegNB XI,12.
50,7 Fragm(Wo) 76; Fragm(Digne) 19; RegNB IX,4.
55,3 EpOrd 6.

**Ġeremija**

17,5 EpFid II,76.
48,10 EpOrd 19.

**Lamentazzjonijiet**

1,12 OffPass VI,1.

**Eżekjel**

33,13 EpRect 3.

**Danjel**

3,52 RegNB XXIII,11.
3,57 LaudHor 5.
3,78 ExhLD 6.
3,80 ExhLD 12.
3,82 ExhLD 7.

**Malakija**

2,2 EpOrd 20.

**San Mattew**

3,2 Fragm(Wo) 60; RegNB XXI,3.
4,2 RegB III,6.
5,3 Adm XIV,1.
5,8 Adm XVI,1.
5,9 Adm XIII,1; XV,1.
5,10 RegB X,11; RegNB XVI,12.
5,11 RegNB XVI,15.
5,12 RegNB XVI,16.
5,16 EpFid I,10; EpFid II,53.
5,22 RegNB XI,4.
5,28 Fragm(Wo) 32; RegNB XII,5.
5,39 Adm XIV,4; Fragm(Wo) 34; RegNB XIV,4.
5,44 Adm IX,1; Fragm(Wo) 1; RegB X,10.
5,45 EpFid II,49.
5,54 RegNB XXII,2.
6,2 Fragm(Wo) 50; RegNB XVII,13.
6,2.16 Adm XXI,3.
6,9 EpFid II,21; Fragm(Wo) 16; RegNB XXII,28.
6,14 Fragm(Wo) 63; RegNB XXI,6.
6,16 RegNB III,2.
6,20 Adm XXVIII,1.
6,33 RegEr 3.

| | |
|---|---|
| 7,3 | RegNB XI,11. |
| 7,12 | RegB VI,9; RegNB IV,4. |
| 7,14 | RegNB XI,13. |
| 7,21.23 | EpFid II,69. |
| 8,22 | RegNB XXII,18. |
| 9,12 | EpMin 15; RegNB V,8. |
| 10,10 | Fragm(Wo) 33; RegNB XIV,1. |
| 10,16 | RegNB XVI,1. |
| 10,22 | RegB X,12; RegNB XVI,21. |
| 10,23 | Fragm(Digne) 26; RegNB XVI,14. |
| 10,32 | RegNB XVI,8. |
| 11,8 | RegNB II,14. |
| 11,25 | LaudDei 2; Fragm(Wo) 16; Fragm(Wo) 63. |
| 11,30 | EpFid II,15. |
| 12,4 | RegNB IX,13. |
| 12,30 | RegNB XXIII,8. |
| 12,36 | EpCler I,14; EpCler II,14; EpFid I,40; EpRect 8; RegNB IV,6. |
| 12,43 | Fragm(Wo) 12; RegNB XXII,21. |
| 12,44 | RegNB XXII,23. |
| 12,45 | Fragm(Wo) 13. |
| 12,50 | EpFid I,9; EpFid II,50.52. |
| 13,19 | RegNB XXII,7; RegNB XXII,12-13. |
| 13,20 | RegNB XXII,14. |
| 13,21 | RegNB XXII,15. |
| 13,22 | RegB X,7; RegNB XXII,16. |
| 13,23 | RegNB XXII,17. |
| 15,20 | RegNB XXII,8. |
| 16,24 | RegNB I,3. |
| 17,5 | RegNB XXIII,5. |
| 18,18 | RegNB XXI,8. |
| 18,19 | RegNB XVII,18. |
| 18,20 | Fragm(Wo) 23; RegNB XXII,37. |
| 19,21 | RegB I,4; RegNB I,2. |
| 19,27 | RegNB VIII,5. |
| 19,29 | RegNB I,5. |
| 20,21 | EpFid I,19; EpFid II,60. |
| 20,25-26 | Fragm(Digne) 6; RegNB V,10-11. |
| 20,28 | Adm IV,1; RegNB IV,6. |
| 22,21 | Adm XI,4. |
| 22,37.39 | EpFid I,1; EpFid II,18; EpFid II,26. |
| 23,8-9 | Fragm(Wo) 20. |
| 23,10 | Fragm(Wo) 21. |
| 23,8-10 | RegNB XXII,34-35. |
| 24,6 | RegNB XVI,19. |
| 24,13 | EpFid II,88; RegNB XVI,21. |
| 24,26 | Adm XVII,1. |
| 24,45 | Adm XXIII,2. |
| 24,46 | Adm X,3; XIX,4. |
| 25,18 | Adm XVIII,2. |
| 25,34 | RegNB XXIII,4. |
| 25,41 | RegNB XXI,8. |
| 25,46 | RegNB XVI,11. |
| 26,26-27 | EpFid II,7. |
| 26,39.42 | EpFid II,10. |
| 26,50 | RegNB XXII,2. |
| 28,20 | Adm I,22; Fragm(Wo) 24; RegNB XXII,38. |

**San Mark**

| | |
|---|---|
| 2,17 | Fragm(Digne) 5; RegNB V,8. |
| 2,26 | RegNB IX,13. |
| 4,15 | RegNB XXII,13. |
| 4,16 | RegNB XXII,14. |
| 4,17 | RegNB XXII,15. |
| 4,18 | RegNB XXII,16. |
| 4,19 | RegNB XXII,16. |
| 4,25 | EpFid I,35; EpFid II,83. |
| 7,21 | EpFid I,31; Fragm(Wo) 5; 7,21; RegNB XXII,7. |
| 7,73 | RegNB XXII,8. |
| 8,36 | Fragm(Digne) 10; RegNB VII,1. |
| 9,28 | RegNB III,1. |
| 10,29 | RegNB I,5. |
| 11,25 | RegNB XXI,6; RegNB XXII,28. |
| 12,30 | EpFid I,1; RegNB XXIII,8. |
| 12,33 | RegNB XXIII,8. |
| 14,22.24 | Adm I,10. |

**San Luqa**

| | |
|---|---|
| 1,28 | ExhLD 4. |
| 1,32 | EpOrd 4. |
| 1,68 | OffPass VI,15. |
| 2,7 | OffPass XV,7. |
| 2,14 | OffPass XV,8. |
| 2,19.51 | Adm XXI,2; XXVIII,3. |
| 3,8 | EpFid II,25; Fragm(Wo) 60; RegNB XXI,3. |
| 6,22 | RegNB XVI,15. |
| 6,23 | RegNB XVI,16. |
| 6,29 | Fragm(Wo) 35; RegNB XIV,4-5. |
| 6,30 | Fragm(Wo) 35; RegNB XIV,6. |
| 6,37 | Fragm(Wo) 62; RegNB XXI,5. |
| 6,38 | Fragm(Wo) 61; RegNB XXI,4. |
| 6,41 | RegNB XI,11. |
| 7,10 | RegNB XXIII,7. |
| 7,25 | RegNB II,14. |
| 8,5 | Fragm(Wo) 7; RegNB XXII,12. |
| 8,11 | Fragm(Wo) 7; RegNB XXII,11. |
| 8,12 | RegNB XXII,12-13. |
| 8,13 | RegNB XXII,14-15. |
| 8,14 | RegNB XXII,16. |
| 8,15 | Fragm(Wo) 8; RegNB XXII,17. |
| 8,18 | Adm XVIII,2; EpFid I,35; EpFid II,83; EpRect 4. |
| 8,22 | Fragm(Wo) 9. |
| 9,3 | Fragm(Wo) 33; RegNB XIV,1. |
| 9,24 | Adm III,1; Fragm(Digne) 26. |
| 9,26 | RegNB II,10; RegNB XVI,9. |
| 9,62 | Adm III,10; RegB II,13. |
| 10,4 | Fragm(Wo) 33; RegNB XIV,1. |
| 10,5 | RegB III,13; RegNB XIV,2. |
| 10,7 | RegNB XIV,3. |
| 10,8 | RegNB III,13. |
| 10,20 | Fragm(Wo) 44; RegNB XVII,6. |
| 10,27 | ExpPat 5; RegNB XXIII,8. |
| 10,38-42 | RegEr 2. |

| | |
|---|---|
| 11,2 | Fragm(Wo) 16; RegNB XXII,28. |
| 11,24 | RegNB XXII,22. |
| 11,26 | RegNB XXII,24. |
| 11,42 | EpFid II,36. |
| 12,4 | Fragm(Digne) 26; RegNB XVI,17. |
| 12,15 | RegB X,7; RegNB VIII,2. |
| 13,24 | RegNB XI,13. |
| 14,26 | RegNB I,4. |
| 14,27 | Adm V,8; OffPass VII,8; OffPass XV,13. |
| 14,33 | Adm III,1. |
| 16,2 | RegNB XVI,4. |
| 17,10 | RegNB XI,3. |
| 18,1 | EpFid II,21; Fragm(Wo) 17; RegNB XXII,29. |
| 18,19 | Fragm(Wo) 55; LaudHor 11; RegNB XXIII,9. |
| 18,22 | RegNB I,2. |
| 18,29 | RegNB I,5. |
| 21,19 | RegNB XVI,20. |
| 21,34 | RegNB VIII,2. |
| 21,34-35 | RegNB IX,14-15. |
| 21,36 | Fragm(Wo) 16; RegNB XXII,27. |
| 22,19 | EpOrd 16; RegNB XX,6. |
| 22,26 | RegNB V,12. |
| 22,44 | EpFid II,8-9. |

**San Ġwann**

| | |
|---|---|
| 1,3 | EpFid II,12. |
| 1,18 | Adm I,5. |
| 3,5 | EpFid II,23; Fragm(Digne) 25; RegNB XVI,7. |
| 3,19 | EpFid II,16. |
| 4,23 | EpFid II,19; Fragm(Wo) 17. |
| 4,24 | Adm I,5; EpFid II,20; Fragm(Wo) 18. |
| 4,23-24 | RegNB XXII,31. |
| 6,54 | EpCust I,6; RegNB XX,5. |
| 6,55 | Adm I,11; EpFid II,23. |
| 6,64 | Adm I,6; EpFid I,39; EpFid II,3; Fragm(Wo) 25; Test 13. |
| 8,11 | EpMin 20. |
| 8,41 | EpFid I,25; EpFid II,66; Fragm(Wo) 65; RegNB XXI,8. |
| 8,47 | EpOrd 34. |
| 9,35 | Adm I,15. |
| 10,11 | Fragm(Wo) 19. |
| 10,14 | RegNB XXII,33. |
| 10,15 | EpFid I,13; EpFid II,56; Fragm(Wo) 19. |
| 11,27 | EpOrd 26; Fragm(Wo) 76; Fragm(Digne) 19; RegNB IX,4. |
| 12,6 | Adm IV,3; RegNB VIII,7. |
| 12,13 | ExhLD 8. |
| 12,28 | RegNB XXII,42. |
| 13,14 | RegNB VI,4. |
| 14,6 | RegNB XXII,40. |
| 14,6-9 | Adm I,1-4; Fragm(Wo) 26. |
| 14,23 | EpFid I,6; EpFid II,48; Fragm(Wo) 16; RegNB XXII,27. |
| 15,7 | Fragm(Wo) 22; RegNB XXII,36. |
| 15,12 | RegNB XI,5. |
| 15,13 | Adm III,9. |
| 15,20 | RegNB XVI,13. |
| 17,1 | RegNB XXII,42. |
| 17,6 | EpFid I,14; EpFid II,57; Fragm(Wo) 27; RegNB XXII,43. |

| | |
|---|---|
| 17,8 | EpFid I,15; EpFid II,58; RegNB XXII,44. |
| 17,9 | EpFid I,16; EpFid II,58. |
| 17,11 | LaudDei 2; EpFid I,14; EpFid II,56; EpFid II,59; OffPass I,5.9; OffPass IV,9; OffPass V,9; OffPass VI,12; RegNB XXII,45; RegNB XXIII,1. |
| 17,13-15 | RegNB XXII,46-48. |
| 17,17 | EpFid I,17; EpFid II,58. |
| 17,17-20 | RegNB XXII,49-53. |
| 17,19 | EpFid I,17; EpFid II,59. |
| 17,20 | EpFid I,18. |
| 17,23 | EpFid I,18; RegNB XXII,53. |
| 17,24 | EpFid I,19; EpFid II,60; Fragm(Wo) 28; RegNB XXII,55. |
| 17,26 | RegNB XXII,54; RegNB XXIII,3. |
| 19,11 | SalVirt 18. |

**Atti ta' l-Appostli**

| | |
|---|---|
| 2,14 | EpOrd 5. |
| 13,48 | Fragm(Wo) 71; Fragm(2C) 4; RegNB X,3. |

**Rumani**

| | |
|---|---|
| 1,25 | EpOrd 4; Fragm(Wo) 56; RegNB XVII,19. |
| 1,29 | RegNB XI,8. |
| 3,12 | Adm VIII,2. |
| 8,6 | RegNB XVII,10. |
| 9,28 | RegB IX,4. |
| 11,33 | RegNB XXIII,11. |
| 11,36 | RegNB XXIII,9. |
| 12,21 | RegNB XVII,19. |
| 14,3 | RegNB IX,12. |
| 14,10 | EpFid I,40. |

**1 Korintin**

| | |
|---|---|
| 1,26 | EpOrd 23. |
| 2,6 | SalVirt 10. |
| 2,14 | EpCler I,7; EpCler II,7. |
| 3,17 | RegNB XII,6. |
| 5,4-5 | RegNB XIII,2. |
| 6,19 | RegNB XII,6. |
| 6,20 | EpFid I,10; EpFid II,53. |
| 7,24 | Fragm(Digne) 12; RegNB VII,6. |
| 11,24 | EpOrd 16. |
| 11,27 | EpOrd 16. |
| 11,29 | Adm I,13; EpFid II,24; EpOrd 19. |
| 12,3 | Adm VIII,1. |
| 12,28 | Adm V,5. |
| 13,2 | Adm V,5. |

**2 Korintin**

| | |
|---|---|
| 3,6 | Adm VII,1. |
| 6,3 | ExpPat 5. |
| 8,9 | EpFid II,5; RegB VI,3. |
| 12,5 | Adm V,8. |

**Galatin**

| | |
|---|---|
| 5,13 | Fragm(Digne) 7; RegNB V,14. |

**Efesin**

| | |
|---|---|
| 3,18 | ExpPat 3. |
| 6,6 | EpOrd 14. |

**Filippin**

| | |
|---|---|
| 2,8 | Adm I,16; EpOrd 46. |
| 4,4 | Fragm(Wo) 70; RegNB VII,16. |

**Kolossin**

| | |
|---|---|
| 1,20 | EpOrd 13. |
| 1,23 | RegB XII,4. |
| 3,22 | EpOrd 14. |

**1 Tessalonkin**

| | |
|---|---|
| 2,7 | RegB VI,8; RegNB IX,11. |
| 5,15 | ExpPat 8. |
| 5,18 | Fragm(Wo) 59; RegNB XXI,1. |

**2 Tessalonkin**

| | |
|---|---|
| 3,10 | RegNB VII,5. |

**1 Timotju**

| | |
|---|---|
| 4,5 | EpOrd 37. |
| 6,8 | Fragm(Wo) 73; RegNB IX,1. |
| 6,16 | Adm I,5. |

**2 Timotju**

| | |
|---|---|
| 2,14 | RegB III,10; RegNB XI,1. |

**Titu**

| | |
|---|---|
| 3,2 | RegNB XI,7; RegNB XI,9. |

**Lhud**

| | |
|---|---|
| 10,28 | EpOrd 17. |
| 10,29 | EpOrd 18. |
| 10,31 | RegNB V,1. |
| 12,7 | EpOrd 10-11. |

**Ġakbu**

| | |
|---|---|
| 1,2 | Fragm(Wo) 46; RegNB XVII,8. |
| 2,5 | RegB VI,4. |
| 2,13 | EpFid II,29. |
| 2,18 | RegNB XI,6. |
| 4,10 | EpOrd 28. |
| 5,16 | RegNB XX,3; RegNB XXI,6. |

**1 Pietru**

| | |
|---|---|
| 1,12 | EpOrd 22. |
| 1,22 | Adm III,6. |
| 2,11 | RegB VI,2; Test 24. |
| 2,13 | EpFid II,47; Fragm(Wo) 37; Fragm(Digne) 25; RegNB XVI,6. |
| 2,21 | EpFid II,13; Fragm(Wo) 1; OffPass VII,8; OffPass XV,13; RegNB XXII,2. |
| 2,25 | Fragm(Wo) 19; RegNB XXII,32. |
| 4,9 | Fragm(Wo) 69; Fragm(Digne) 15; RegNB VII,15. |
| 5,6 | EpOrd 28. |

**2 Pietru**
2,22 Adm III,10.

**1 Ġwann**
3,10 RegNB XXI,8.
3,14 EpCler I,3; EpCler II,3.
3,18 Fragm(Wo) 30; RegNB XI,6.
4,16 EpFid I,38; EpFid II,87; Fragm(Wo) 15; Fragm(Wo) 43; RegNB XVII,5; RegNB XXII,25.

**Apokalissi**
1,5 EpOrd 3.
3,19 Fragm(Wo) 71; Fragm(2C) 4; RegNB X,3.
4,8 LaudHor 1.
4,11 ExhLD 2; LaudHor 2.
5,12 ExhLD 15; LaudHor 3.
5,13 EpFid II,61; LaudHor 8.
7,9 RegNB XXIII,7.
14,7 ExhLD 1.
19,3-4 RegNB XXIII,6.
19,5 LaudHor 6.

# INDIĊI TAL-PERSUNI

L-ismijiet huma dawk ewlenin fit-testi u n-noti relattivi, mhux fl-introduzzjonijiet. In-numri ma jirreferux għall-paġni, imma għan-numru marġinali tal-paragrafi, li jindika l-post eżatt ta' l-indikazzjoni u l-mod kif wieħed jikkwota l-Fonti. Meta tiġi indikata l-ittra «n», din tirreferi għall-isem fin-nota marbuta man-numru tal-paragrafu li jkun.


AARON: 1751.
ABRAHAM: 467, 1704.
ADAM: 2, 467.
ADELASIA, mirakolata: 1037.
AGNESE, swor, oħt Santa Klara: 1601, 1619.
AGOSTINO fra: 929, 1047, 1275, 1326, 1414, 1424, 1799, 1885.
ALBERTINO DA NARNI, mirakolat: 1070.
AGOSTINO DA STRONCONE, fra: 1503n.
ALBERTO, tallâb: 498.
ALBERTO DA AREZZO, mirakolat: 1022, 1318.
ALESSANDRO, imħallef: 1059, 1344.
ALESSANDRO, mirakolat: 994.
ALESSANDRU IV, Papa: 1267, 1302, 1668, 1680.
ALEXANDER OF HALES, fra: 1437.
AMBROĠ, San: 1169, 1766, 1789.
AMBROGIO, fra: 1421, 1423.
ANGELO, ħu San Franġisk: 734n.
ANGELO, fra, Ministru provinċjal: 1899.
ANGELO DA BORGO SAN SEPOLCRO, fra: 1612.
ANGELO DA RIETI, fra: 691n, 925n, 1421, 1478n, 1491, 1570, 1602, 1642, 1657, 1730.
ANGELO DA TODI, fra mirakolat: 1335.
ANGELO TANCREDI, fra: 293n, 537, 614, 720, 927n, 1421, 1513, 1532, 1642, 1657.
ANSELMU, San: 1795.
ANTNIN, fra (S. ANTNIN ta' Padova): 33, 242, 412, 877, 939, 1047, 1169, 1269, 1326, 1385, 1421, 1423, 1606, 1625, 1626.
ANTON ABATI, San: 1131n.
ANTONIO, fra: 1435, 1436.
ATTO DA SAN SEVERINO, mirakolat: 1077, 1338.
BAGĦLAM: 474, 1626.
BARBARO, fra: 1496n.
BARTOLO DA PERUGIA, fra: 1899.
BARTOLOMEO, mirakolat: 985, 1303.
BARTOLOMEO DA ARPINO, mirakolat: 1074.
BARTOLOMEO DA GAETA, mirakolat: 990, 1306, 1746.
BARTOLOMEO DA GUBBIO, fra mirakolat: 1335.
BARTOLOMEO DA NARNI, mirakolat: 1104, 1741.
BEATRICE, mirakolata: 1027, 1322.
BELJAL: 474, 744, 1525.
BENEDETTO, fra: 341.
BENEDETTO D'AREZZO, fra: 1898.
BENEDETTO DA PIRATRO, fra: 659, 1534.

BENEDITTU, San (ORDNI TA'): 625, 1424, 1433, 1514, 1843n.
BENTIVOGLIA DA SAN SEVERINO, fra: 1628.
BENVEGNATE, tabib: 1569.
BENVENUT, fra: 1424.
BERNARD, San: 625, 1514, 1789.
BERNARDINO DE OPORTULO, Podestà ta' Assisi: 686n, 1548n.
BERNARDO DA QUINTAVALLE, fra: 193, 223, 227, 293n, 499, 500, 501, 503, 509, 518, 537, 563, 564, 565, 566, 574, 581, 619, 737, 768, 827, 926n, 966, 1151, 1420, 1421, 1481n, 1532, 1554, 1587, 1588, 1589, 1590, 1591, 1592, 1612, 1613, 1614, 1810, 1869.
BONAGRAZIA, Ministru Ġeneral: 1675.
BON GIOVANNI, tabib ta' Arezzo: 1569.
BONAVENTURA, messer, minn Siena: 1455.
BONAVENTURA, mirakolat: 1017, 1314.
BONAVENTURA, San: 1416, 1418, 1427n, 1634, 1668.
BONGIOVANNI, tabib: 703, 927n.
BONIFAZIO, fra: 1899.
BONIFAZJU VIII, Papa: 1900.
BONIZIO DA BOLOGNA, fra: 624, 1446.
BONTADOSO, mirakolat: 1008.
BUONUOMO DA FANO, mirakolat: 1078, 1338.
CAESER MINN SPEYER, fra: 1170n.
CHARLEMAGNE, Imperatur: 706, 1449.
ĊISTERĊENSI, irħieb: 615, 1434, 1435.
COLIN, kjeriku: 1688.
CONTINENTES (PENITENTI): 1655, 1676.
CORRADO DA OFFIDA, fra: 1518, 1628, 1629, 1630.
CRESCENZIO DA IESI, Ministru Ġeneral: 537, 725.
CRISTOFORO, fra: 1424.
CROCIFERI: 200, 1167, 1370.
DANJEL, Profeta: 800.
DANTE ALIGHIERI: 462n, 468n.
DAVID: 205, 300, 1218.
DIONISJU AREOPAĠITA: 1130n.
DON MATTEO, kollaboratur ta' Jacques de Vitry: 1688.
DUMINKU, San: 649, 863, 864, 1121, 1488, 1604, 1777.
EGIDIO TA' ASSISI, fra: 224, 227, 503, 504, 537, 568, 569, 619, 624, 694n, 1152, 1420, 1421, 1481, 1532, 1554, 1584, 1585, 1586, 1587, 1592, 1612, 1614, 1620, 1634.
ELETTO, fra: 646n, 919n, 1524n.
ELIA, fra: 262, 286, 289, 296, 299, 300, 445, 447, 449, 450, 458n, 688, 702, 918n, 926n, 1170, 1369, 1446, 1453n, 1554n, 1590, 1592, 1624, 1727, 1728, 1729, 1749, 1751.
ELIJA, Profeta: 182, 1130, 1163, 1239, 1283, 1365, 1562, 1568, 1825.
ELIŻABETTA, Santa: 726, 1419.
ELIŻEW, Profeta: 1163, 1206, 1239.
ENOK: 182, 1283.
ENRICO, kollaboratur ta' Jacques de Vitry: 1688.
ERODI: 481.
ESTER: 1858.
EUDES RIGAUD, fra: 1439.
EVA: 360.
EWFEMJA, Santa, Verġni u Martri: 1427.
EŻEKJEL, Profeta: 637, 1131n, 1168, 1498.

FEDERICO II, Imperatur:  1624.
FEDERICO SPADALUNGA:  216n.
FILIPPO LONGO, fra:  224, 537, 1420, 1587, 1631.
FILIPPU, Appostlu:  1.
FILIPPO, fra, Ministru provinċjal tat-Toscana:  1675.
FILISTIN:  1703, 1704.
FRANCESCA DA TOLENTINO, mirakolata:  1035.
FRANĠISK T'ASSISI, San: ara indiċi analitiku-tematiku.
GABRIJEL, Arkanġlu:  41, 182.
GAFARO DA NOCERA:  974.
ĠAKOBB, patrijarka:  299, 352, 450, 467, 478, 1260, 1592, 1705, 1729, 1749, 1881.
ĠAKBU, Appostlu:  179, 1590, 1637.
GEDEONE, Kanonku:  697, 760, 1238, 1389, 1810, 1865.
ĠEFTE, imħallef:  1704.
GENTILE, konti:  494, 541.
GERARDO, fra:  671.
GERARDO, fra, provinċjal ta' Rieti:  1558.
GERARDO DA ZANCATO, mirakolat:  1048, 1332.
GERLANDINO DA RAGUSA, mirakolat:  978, 1297.
GEROLAMO, xhud ta' l-istimmati:  1279.
ĠESÙ KRISTU: ara indiċi analitiku-tematiku.
GIOACCHINO DA FIORE:  1130n, 1163n.
GIACOMO, Abati ta' San Clemente:  1333.
GIACOMO, Isqof ta' Tivoli:  1333.
GIACOMO (IACOPO) DA FALLERONE, fra:  1580, 1618, 1637.
GIACOMO DA ISEO, fra:  1040, 1335, 1421.
GIACOMO DA ORTE, mirakolat:  1109.
GIACOMO DA POGGIBONSI, mirakolat:  1101.
GIACOMO (IACOPO) DA MASSA, fra:  1586, 1602, 1627, 1634.
GIACOMO DA RIETI, fra:  1014, 1313, 1808.
GIACOMO DI ASSISI, fra:  928n, 1047, 1326.
GIACOMO IL SEMPLICE, fra:  664, 1504.
GINELDO DA BORGO SAN SEPOLCRO, kavallier:  1060.
GINEPRO, fra:  1421, 1422, 1532, 1634.
GIOVANNI, isem Franġisku fil-magħmudija:  538, 726, 1355, 1419, 1752.
GIOVANNI (DE CAPELLA), fra: 506, 537, 571, 1587, 1617.
GIOVANNI DA CEPRANO (CELANO):  1130n, 1418.
GIOVANNI DA FERMO (DELLA VERNA), fra:  1635, 1636, 1637, 1638, 1639, 1677.
GIOVANNI DA FIRENZE, fra:  242, 412.
GIOVANNI DA LERIDA, mirakolat:  1289, 1406.
GIOVANNI DA SORA, mirakolat:  1335.
GIOVANNI DA GRECCIO:  275, 435, 722, 1233.
GIOVANNI DA PARMA, fra:  1634.
GIOVANNI DA SORA, mirakolat:  1045.
GIOVANNI DELLA PENNA, fra:  1631.
GIOVANNI DELLA VERNA, fra:  1580, 1581.
GIOVANNI DELLE LODI, fra:  293n, 896, 1421, 1423, 1532.
GIOVANNI DI PERUGIA, fra:  1634.
GIOVANNI DI SAN PAOLO, Kardinal:  229, 519, 520, 521, 523, 529, 582, 596, 1157.
GIOVANNI FRIGIA PENNATE, prokonslu:  970.
GIOVANNI IL SEMPLICE, fra:  661, 902, 1421, 1503.

